2026/1509

31.7.2026

Ftehim ta' sħubija strateġika politika, ekonomika u ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra

PREAMBOLU

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħin l-"Istati Membri tal-Unjoni Ewropea",

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa wkoll "l-Unjoni" jew "l-UE",

minn naħa waħda, u

L-ISTATI UNITI TAL-MESSIKU, minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Messiku",

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħin flimkien "il-Partijiet",

FILWAQT LI JQISU r-rabtiet kulturali, politiċi u ekonomiċi b'saħħithom li jgħaqqduhom,

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom favur il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u favur il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva, li jikkostitwixxu l-bażi għas-sħubija u għall-kooperazzjoni tagħhom,

FILWAQT LI HUMA KONXJI tal-kontribut sinifikanti għat-tisħiħ ta' dawk ir-rabtiet magħmul mill-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 1997,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-impenn konġunt tagħhom espress fid-Dikjarazzjoni ta' Santiago tas-27 ta' Jannar 2013 sabiex jiġi mmodernizzat u ssostitwit il-Ftehim eżistenti dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni sabiex jiġu riflessi r-realtajiet politiċi u ekonomiċi l-ġodda u l-avvanzi li saru fis-sħubija strateġika tagħhom,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-iffirmar tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Messiku (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Messiku"), li jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Messiku,

FILWAQT LI JENFASIZZAW in-natura komprensiva tar-relazzjoni tagħhom u l-importanza li jiġi pprovdut qafas koerenti għall-promozzjoni ulterjuri tagħha,

FILWAQT LI JAFFERMAW l-istatus tagħhom bħala sħab strateġiċi u d-determinazzjoni tagħhom li jkomplu jtejbu u japprofondixxu s-sħubija tagħhom u l-kooperazzjoni u d-djalogu internazzjonali tagħhom sabiex javvanzaw l-interessi u l-valuri kondiviżi tagħhom,

FILWAQT LI JAFFERMAW l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet bilaterali, reġjonali, bireġjonali u internazzjonali ta' tħassib komuni,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza ta' sistema multilaterali b'saħħitha u effettiva, ibbażata fuq id-dritt internazzjonali, fil-preservazzjoni tal-paċi, fil-prevenzjoni tal-kunflitti u fit-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali u fl-indirizzar ta' sfidi komuni,

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jespandu u li jiddiversifikaw ir-relazzjoni kummerċjali tagħhom f'konformità mal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim tad-WTO") u l-objettivi u d-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-Parti III ta' dan il-Ftehim,

FILWAQT LI HUMA KONVINTI li dan il-Ftehim se joħloq klima li twassal għal relazzjonijiet ekonomiċi sostenibbli bejniethom li qed jikbru, b'mod partikolari f'termini ta' kummerċ u ta' investiment, li huma essenzjali għall-milja tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali u tal-innovazzjoni u tal-modernizzazzjoni teknoloġiċi,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jipproteġu l-investimenti u lill-investituri, u huma maħsubin sabiex jistimolaw attività ta' negozju ta' benefiċċju reċiproku mingħajr ma jimminaw id-dritt tal-Partijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku fit-territorji tagħhom,

FILWAQT LI JILQGĦU r-Riżoluzzjoni 70/1, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015, li fiha d-dokument ta' eżitu "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenda 2030"), il-Ftehim ta' Pariġi, adottat fil-21 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li sar f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Pariġi"), kif ukoll tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, adottat matul it-Tielet Konferenza Dinjija tan-NU f'Sendai fit-18 ta' Marzu 2015, tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa matul it-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, adottata f'Addis Ababa fit-13-16 ta' Lulju 2015, tal-Impenji tas-Summit Umanitarju Dinji, adottati fis-Summit Umanitarju Dinji f'Istanbul fit-23-24 ta' Mejju 2016, u tal-Aġenda Urbana l-Ġdida, adottata matul il-Konferenza tan-NU dwar l-Akkomodazzjoni u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli (Ħabitat III) f'Quito fl-20 ta' Ottubru 2016 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenda Urbana l-Ġdida"), u filwaqt li jappellaw għall-implimentazzjoni rapida tagħhom,

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jegħlbu l-isfidi globali billi jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu, billi jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (minn hawn 'il quddiem imsejħin l-"SDGs") u tal-miri tal-Aġenda 2030,

FILWAQT LI JAFFERMAW l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertà u tas-sigurtà,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-benefiċċji reċiproċi ta' kooperazzjoni msaħħa fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-kultura, tar-riċerka u tal-innovazzjoni u f'oqsma oħrajn ta' interess komuni,

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jippromwovu l-kummerċ internazzjonali b'tali mod li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu, permezz ta' sħubijiet li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi s-soċjetà ċivili u s-settur privat, u li jimplimentaw dan il-Ftehim b'mod konsistenti mal-liġijiet rispettivi tagħhom u mal-impenji internazzjonali dwar ix-xogħol u l-ambjent,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali u ta' investiment tagħhom, u tal-promozzjoni tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investiment bejniethom, sabiex iġibu t-tkabbir ekonomiku, joħolqu opportunitajiet ġodda għall-ħaddiema u għall-komunitajiet kummerċjali ta' kull Parti, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li dan il-Ftehim jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-benessri tal-konsumatur u għall-iżgurar ta' livell għoli ta' standards tal-għajxien u ta' protezzjoni tal-konsumatur,

FILWAQT LI JĦEĠĠU lill-intrapriżi li joperaw fit-territorju tagħhom jew li huma soġġetti għall-ġuriżdizzjoni tagħhom sabiex jirrispettaw il-linji gwida u l-prinċipji ta' responsabbiltà soċjali korporattiva rikonoxxuti internazzjonalment, inklużi l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali dwar Mġiba Responsabbli fin-Negozju, u sabiex isegwu l-aħjar prattiki ta' mġiba responsabbli fin-negozju,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jippreservaw id-dritt tal-Partijiet li jirregolaw fit-territorji tagħhom f'konformità mal-leġiżlazzjoni interna tagħhom u l-flessibbiltà tal-Partijiet li jilħqu objettivi ta' politika leġittimi, bħas-saħħa pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-morali pubblika u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali,,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tat-trasparenza, tal-governanza tajba u tal-istat tad-dritt fil-kummerċ u fl-investiment internazzjonali għall-benefiċċju tal-partijiet ikkonċernati kollha,

FILWAQT LI HUMA DEĊIŻI li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u għall-espansjoni armonjuża tal-kummerċ u tal-investiment internazzjonali billi jneħħu l-ostakli għalihom permezz ta' dan il-Ftehim u li jevitaw li joħolqu ostakli ġodda għall-kummerċ jew għall-investiment bejn il-Partijiet li jistgħu jnaqqsu l-benefiċċji ta' dan il-Ftehim,

FILWAQT LI JINNOTAW li fil-każ li l-Partijiet jiddeċiedu, fil-qafas ta' dan il-Ftehim, li jidħlu fi ftehimiet speċifiċi fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li jistgħu jiġu konklużi mill-Unjoni skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehimiet speċifiċi futuri ma jkunux jorbtu lill-Irlanda sakemm l-Unjoni, simultanjament mal-Irlanda fir-rigward tar-relazzjonijiet bilaterali preċedenti tagħha, ma tinnotifikax lill-Messiku li l-Irlanda ntrabtet b'tali ftehimiet speċifiċi futuri bħala parti mill-Unjoni f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u mat-TFUE. Bl-istess mod, kwalunkwe miżura interna sussegwenti tal-Unjoni li huma adottati skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ma torbotx lill-Irlanda, sakemm l-Irlanda ma tkunx innotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem f'tali miżuri jew li taċċettahom f'konformità mal-Protokoll Nru 21; filwaqt li jinnotaw ukoll li, tali ftehimiet speċifiċi futuri jew miżuri interni sussegwenti tal-Unjoni jkunu jaqgħu taħt il-kamp tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-TUE u mat-TFUE,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

PARTI I [1]

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Objettivi ta' dan il-Ftehim

L-objettivi ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu li:

(a) jistabbilixxi sħubija strateġika msaħħa, isaħħaħ id-djalogu politiku, u japprofondixxi u jtejjeb il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku;

(b) irawwem aktar kummerċ u investiment bejn il-Partijiet billi jespandi u jiddiversifika r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali tagħhom, li għandu jikkontribwixxu għal tkabbir ekonomiku ogħla u aktar sostenibbli u għal kwalità tal-ħajja mtejba.

[1] Meta dispożizzjoni ta' din il-Parti jkun fiha referenza għal dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, dik ir-referenza tkun għal dispożizzjoni oħra ta' din il-Parti, sakemm ma jkunx indikat espliċitament mod ieħor.

Artikolu 2

Prinċipji Ġenerali

1. Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem li l-Partijiet huma parti għalihom, u għall-prinċipju tal-istat tad-dritt, huwa l-bażi tal-politiki interni u internazzjonali taż-żewġ Partijiet u jikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jikkonfermaw l-appoġġ b'saħħtu tagħhom għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem imsejħa n-"NU").

3. Il-Partijiet jikkondividu l-fehma li l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u tal-mezzi tat-twassil tagħhom kemm lil atturi statali kif ukoll lil atturi mhux statali tippreżenta theddida kbira għall-istabbiltà u għas-sigurtà internazzjonali.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-moviment mhux ikkontrollat tal-armi konvenzjonali huwa theddida għall-paċi, għas-sigurtà u għall-istabbiltà internazzjonali u reġjonali u jirrikonoxxu wkoll il-ħtieġa ta' kooperazzjoni sabiex jiġi żgurat it-trasferiment responsabbli tal-armi konvenzjonali.

5. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, għall-kontribut għall-ilħuq tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli maqbulin fuq livell internazzjonali, u għall-kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali globali.

6. Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-għoti tas-setgħa lin-nisa u lill-bniet.

7. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jiġġieldu d-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, inkluż il-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

8. Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jimplimentaw dan il-Ftehim fuq il-bażi ta' valuri kondiviżi, inklużi l-prinċipji ta' djalogu, ta' rispett reċiproku, ta' sħubija ugwali, ta' multilateraliżmu, ta' kooperazzjoni u ta' rispett għad-dritt internazzjonali.

PARTI II [2]

DJALOGU POLITIKU U KOOPERAZZJONI

KAPITOLU 1

DJALOGU POLITIKU, PAĊI INTERNAZZJONALI U SIGURTÀ

Artikolu 1.1

Djalogu Politiku

1. Il-Partijiet għandhom isaħħu d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni tagħhom fil-livelli kollha, permezz ta' skambji u konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet bilaterali, reġjonali, bireġjonali, internazzjonali u multilaterali.

[2] Meta dispożizzjoni ta' din il-Parti jkun fiha referenza għal dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, dik ir-referenza tkun għal dispożizzjoni oħra ta' din il-Parti, sakemm ma jkunx indikat espliċitament mod ieħor.

2. Id-djalogu politiku għandu jkollu l-għan li:

(a) jippromwovi l-iżvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali u jsaħħaħ is-sħubija strateġika;

(b) isaħħaħ il-kooperazzjoni dwar sfidi u kwistjonijiet reġjonali, subreġjonali u internazzjonali.

3. Id-djalogu politiku bejn il-Partijiet jista' jsir fil-forom li ġejjin, kif miftiehem reċiprokament:

(a) konsultazzjonijiet, laqgħat u żjarat fil-livell ta' summits;

(b) konsultazzjonijiet, laqgħat u żjarat fil-livell ministerjali;

(c) laqgħat regolari ta' uffiċjali għoljin, inkluż djalogu politiku ta' livell għoli;

(d) djalogi settorjali dwar kwistjonijiet ta' interess komuni;

(e) skambji ta' delegazzjonijiet u kuntatti oħrajn bejn il-Kungress tal-Messiku u l-Parlament Ewropew;

(f) kwalunkwe formola oħra miftiehma mill-Partijiet.

Artikolu 1.2

Prinċipji Demokratiċi, Drittijiet tal-Bniedem u Stat tad-Dritt

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fuq il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fir-rigward tar-ratifika u tal-implimentazzjoni ta' strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u fuq it-tisħiħ tal-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha.

2. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) it-trawwim ta' djalogu sinifikattiv u mifrux dwar id-drittijiet tal-bniedem;

(b) l-appoġġ għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem;

(c) il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-edukazzjoni u l-kooperazzjoni;

(d) it-tisħiħ ta' istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem;

(e) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Korpi tat-Trattat dwar id-drittijiet tal-bniedem tan-NU u mal-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tagħhom;

(f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tan-NU relatati mad-drittijiet tal-bniedem u mal-fora reġjonali u multilaterali rilevanti;

(g) it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Partijiet li japplikaw prinċipji u prattiki demokratiċi;

(h) it-tisħiħ ta' governanza tajba, indipendenti u trasparenti fil-livelli lokali, nazzjonali, reġjonali u globali, il-promozzjoni tar-responsabbiltà u tat-trasparenza tal-istituzzjonijiet u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u għall-involviment tas-soċjetà ċivili;

(i) il-kollaborazzjoni u l-koordinazzjoni, meta xierqa, inkluż f'pajjiżi terzi, sabiex jissaħħu l-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

(j) it-trawwim tal-universalità tat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-tħeġġiġ ta' Stati oħrajn sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom f'dan il-qasam;

(k) il-ħidma sabiex tiġi evitata l-impunità għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

Artikolu 1.3

Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa, Paċi, Sigurtà u Żvilupp Sostenibbli

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Huma jirrikonoxxu n-neċessità tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet bħala prekundizzjoni sabiex jinkisbu bis-sħiħ l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv, id-demokrazija u s-sigurtà. Il-Partijiet għandhom jesploraw ulterjorment skemi ta' kooperazzjoni u sinerġiji potenzjali bejn il-politiki u l-inizjattivi rispettivi, f'konformità mal-istandards u mal-impenji internazzjonali bħall-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1979, mar-rakkomandazzjonijiet ġenerali magħmulin mill-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, mal-Aġenda 2030 u mar-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u mar-Riżoluzzjonijiet sussegwenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà.

2. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) it-trawwim tal-integrazzjoni effettiva tal-perspettiva tal-ġeneri;

(b) l-appoġġ għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar ir-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

(c) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni u tat-tmexxija politika tan-nisa, kif ukoll l-aċċess tagħhom għal edukazzjoni ta' kwalità, l-emanċipazzjoni u t-tmexxija ekonomika tagħhom, u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tagħhom fil-forza tax-xogħol;

(d) it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali permezz ta' miżuri speċifiċi sabiex jindirizzaw u jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inklużi l-prevenzjoni u l-protezzjoni minn vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru, mekkaniżmi ta' investigazzjoni u ta' akkontabilità, l-appoġġ lill-vittmi u l-promozzjoni tal-kundizzjonijiet tas-sikurezza u tas-sigurtà għan-nisa u għall-bniet;

(e) it-tisħiħ attiv tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, inkluż minn kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni u ta' vjolenza kontrihom u l-iżgurar tal-aċċess tagħhom għall-ġustizzja;

(f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-korpi rilevanti tan-NU u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn;

(g) il-promozzjoni attiva tal-analiżi tal-ġeneru u l-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ġeneru fil-kwistjonijiet kollha relatati mal-paċi u mas-sigurtà, filwaqt li jiġu żgurati t-tmexxija u l-parteċipazzjoni sinifikattiva tan-nisa fil-proċessi tal-paċi, fl-isforzi ta' medjazzjoni, fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u fil-konsolidament tal-paċi, kif ukoll fil-missjonijiet u fl-operazzjonijiet ċivili u militari.

Artikolu 1.4

Ġlieda kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva

1. Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva (minn hawn 'il quddiem imsejħa "AQM") u tal-mezzi tat-twassil tagħhom, kemm lil atturi statali kif ukoll lil oħrajn li ma humiex, hija waħda mill-aktar theddidiet serji għall-istabbiltà u għas-sigurtà internazzjonali. Għalhekk, il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM u tal-mezzi tat-twassil tagħhom permezz ta' konformità sħiħa mal-obbligi eżistenti tagħhom skont it-trattati u l-ftehimiet dwar id-diżarm internazzjonali u n-nonproliferazzjoni u obbligi internazzjonali oħrajn li huma rilevanti u permezz tal-implimentazzjoni nazzjonali ta' dawn. Il-Partijiet jaqblu li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal- AQM u tal-mezzi tat-twassil tagħhom billi:

(a) jieħdu passi sabiex jiffirmaw, jirratifikaw jew jaderixxu mal-istrumenti internazzjonali rilevanti, kif xieraq, u jimplimentawhom bis-sħiħ;

(b) jistabbilixxu u jżommu sistema effettiva ta' kontrolli nazzjonali tal-esportazzjoni, filwaqt li jikkontrollaw l-esportazzjoni kif ukoll it-tranżitu ta' oġġetti li huma relatati mal-AQM, inklużi l-kontroll tal-użu aħħari tal-AQM fuq it-teknoloġiji b'użu doppju u sanzjonijiet effettivi għall-ksur tal-kontrolli tal-esportazzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu djalogu politiku regolari sabiex jakkumpanja u jikkonsolida l-elementi msemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 1.5

Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir u Armi Konvenzjonali Oħrajn

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-manifattura, it-trasferiment u ċ-ċirkolazzjoni illeċiti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW), inklużi l-munizzjon, il-partijiet u l-komponenti tagħhom, u l-akkumulazzjoni eċċessiva, il-ġestjoni ħażina, il-ħażniet mhux assigurati sewwa u t-tixrid mhux ikkontrollat tagħhom, ikomplu joħolqu theddida serja għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali.

2. Il-Partijiet għandhom josservaw u jimplimentaw kompletament l-obbligi rispettivi tagħhom sabiex jindirizzaw il-kummerċ illeċitu ta' SALW, inklużi l-munizzjon, il-partijiet u l-komponenti tagħhom, skont ftehimiet internazzjonali u riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU eżistenti, kif ukoll l-impenji tagħhom fil-qafas ta' strumenti internazzjonali oħrajn applikabbli f'dan il-qasam, bħall-Programm ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' sistemi ta' kontroll domestiku għat-trasferiment ta' armi konvenzjonali f'konformità ma' standards internazzjonali eżistenti. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li japplikaw dawn il-kontrolli b'mod responsabbli, bħala kontribut għall-paċi, għas-sigurtà u għall-istabbiltà internazzjonali u reġjonali, u għat-tnaqqis tat-tbatija tal-bnedmin, kif ukoll għall-prevenzjoni tad-diverżjoni ta' armi konvenzjonali.

4. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw bis-sħiħ it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, adottat fi New York fit-2 ta' April 2013 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"ATT"), u għandhom jikkooperaw ma' xulxin fil-qafas tal-ATT, inkluż fil-promozzjoni tal-universalizzazzjoni tagħha u l-implimentazzjoni sħiħa tagħha mill-Istati Partijiet kollha għal dak it-Trattat.

5. Għalhekk, il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiżguraw il-koordinazzjoni, il-kumplimentarjetà u s-sinerġija fl-isforzi tagħhom sabiex jirregolaw jew itejbu r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali f'armi konvenzjonali u sabiex jiġi pprevenut, miġġieled u jinqered il-kummerċ illeċitu f'armi konvenzjonali, inklużi l-munizzjon, il-partijiet u l-komponenti tagħhom.

6. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu djalogu politiku regolari sabiex jakkumpanja u jikkonsolida l-kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 1.6

Qorti Kriminali Internazzjonali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-aktar reati serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali ma jistgħux ma jiġux ikkastigati, u għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiżguraw li dawk ir-reati jiġu investigati u mħarrka b'mod effettiv billi jieħdu miżuri fil-livell nazzjonali u billi jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż mal-Qorti Kriminali Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"QKI").

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu r-ratifika universalizzazzjoni tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Istatut ta' Ruma"), u għandhom jaħdmu lejn l-implimentazzjoni domestika effettiva tiegħu mill-Istati Partijiet għall-għall-Istatut ta' Ruma. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw, kif xieraq, l-aħjar prattiki dwar l-adozzjoni tal-liġijiet domestiċi u għandhom jieħdu miżuri sabiex jissalvagwardjaw l-integrità tal-Istatut ta' Ruma.

Artikolu 1.7

Ġlieda Kontra t-Terroriżmu

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u, f'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali, mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU u mal-liġijiet u mar-regolamenti rispettivi tagħhom, għandhom jikkooperaw, kif miftiehem b'mod reċiproku, fil-prevenzjoni u fis-soppressjoni ta' atti ta' terroriżmu. Għandhom jagħmlu dan b'mod partikolari:

(a) fil-qafas tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tar-Riżoluzzjoni 1373 (2001) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u ta' riżoluzzjonijiet tan-NU u ta' strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn;

(b) billi jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri tan-NU sabiex jimplimentaw b'mod effettiv l-Istrateġija Globali Kontra t-Terroriżmu tan-NU adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-8 ta' Settembru 2006;

(c) billi jiskambjaw informazzjoni dwar gruppi terroristiċi u n-networks ta' appoġġ tagħhom f'konformità mad-dritt internazzjonali u domestiku; u

(d) billi jiskambjaw esperjenzi dwar il-mezzi u l-metodi użati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż l-għarfien u t-taħriġ tekniċi u billi jiskambjaw l-aħjar prattiki fil-prevenzjoni tat-terroriżmu.

Artikolu 1.8

Żamma tal-Paċi u Ġestjoni tal-Kriżijiet

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-promozzjoni tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali. Għandhom jesploraw possibbiltajiet sabiex jikkoordinaw attivitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet, inkluża l-kooperazzjoni f'operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet.

Artikolu 1.9

Sigurtà taċ-Ċittadini

Il-Partijiet għandhom jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà taċ-ċittadini. Huma jirrikonoxxu li s-sigurtà taċ-ċittadini għandha dimensjoni nazzjonali, tranżnazzjonali, reġjonali u subreġjonali li teħtieġ djalogu u kooperazzjoni usa'.

KAPITOLU 2

KOOPERAZZJONI F'ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U REĠJONALI

Artikolu 2.1

Organizzazzjonijiet Internazzjonali

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-multilateraliżmu u għandhom jikkooperaw billi jiskambjaw fehmiet u, fejn xieraq, jikkoordinaw pożizzjonijiet f'organizzazzjonijiet u f'fora internazzjonali, inklużi n-NU u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"WTO"), il-Grupp tal-Għoxrin (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "G20"), u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"OECD").

2. Il-Partijiet għandhom iżommu mekkaniżmi effettivi ta' konsultazzjoni fil-marġini tal-fora multilaterali. Il-Partijiet għandhom iżommu djalogu miftuħ u kontinwu fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, fl-Assemblea Ġenerali tan-NU u, kif xieraq u miftiehem mill-Partijiet, f'organi u f'aġenziji speċjalizzati oħrajn tan-NU.

Artikolu 2.2

Organizzazzjonijiet Reġjonali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw billi jiskambjaw fehmiet dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, u, meta xieraq, billi jaqsmu informazzjoni dwar pożizzjonijiet f'organizzazzjonijiet u f'fora reġjonali u subreġjonali.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni bireġjonali, inkluż fil-qafas tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (minn hawn "il quddiem imsejħin 'CELAC'). Il-kooperazzjoni tista", kif ikun xieraq, tinkludi appoġġ għall-integrazzjoni u għall-bini komunitarju tas-CELAC.

3. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni fl-Alleanza tal-Paċifiku, permezz tal-qafas tagħha għall-Istati osservaturi.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni reġjonali u triangolari ma' pajjiżi terzi, prinċipalment fl-Amerka Ċentrali u fil-Karibew.

KAPITOLU 3

LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

Artikolu 3.1

Kooperazzjoni Legali u Ġudizzjarja

1. Il-Partijiet għandhom itejbu l-kooperazzjoni eżistenti dwar l-assistenza legali reċiproka u l-estradizzjoni fuq il-bażi tal-ftehimiet internazzjonali rilevanti. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-mekkaniżmi eżistenti u, kif xieraq, jikkunsidraw l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ġodda sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam. Tali kooperazzjoni għandha tinkludi t-teħid ta' passi sabiex jiffirmaw, jirratifikaw, jew jaderixxu mal-istrumenti internazzjonali rilevanti, kif xieraq, u jimplimentawhom bis-sħiħ, kif ukoll il-kooperazzjoni msaħħa mal-Eurojust.

2. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, b'mod partikolari fir-rigward tan-negozjar, tar-ratifika u tal-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet multilaterali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili, inklużi l-Konvenzjonijiet tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-litigazzjoni internazzjonali kif ukoll tal-protezzjoni tat-tfal.

Artikolu 3.2

Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw fehmiet dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali, it-traffikar ta' bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, it-traffikar ta' armi tan-nar, inklużi l-munizzjon, il-partijiet u l-komponenti tagħhom, ir-reati ekonomiċi u finanzjarji, il-problema dinjija tad-droga, il-korruzzjoni, u l-falsifikazzjoni tal-mezzi ta' pagament, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-obbligi internazzjonali rispettivi tagħhom, inkluż fir-rigward tal-assistenza legali reċiproka, tal-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u tat-taħriġ, u tal-irkupru ta' assi jew ta' fondi derivati minn attivitajiet kriminali.

2. Il-Partijiet għandhom ikomplu d-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-infurzar tal-liġi, inkluż permezz ta' kooperazzjoni strateġika mal-Europol, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja strateġika tagħhom, inkluż permezz tal-Eurojust u, meta rilevanti, ma' istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali oħrajn.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkollaboraw f'fora internazzjonali sabiex jippromwovu, kif xieraq, l-aderenza mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali, adottata fil-15 ta' Novembru 2000 bir-Riżoluzzjoni 55/25 tan-NU (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni ta' Palermo"), u mal-Protokolli tagħha, u l-implimentazzjoni tagħhom.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, adottata fil-31 ta' Ottubru 2003 bir-Riżoluzzjoni tan-NU 58/4, u jappoġġaw il-Mekkaniżmu għar-Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, stabbilit mill-Konferenza tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni f'Doha, id-9-13 ta' Novembru 2009 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Mekkaniżmu għar-Rieżami tal-Implimentazzjoni"), inkluż billi jaderixxu mal-prinċipju tat-trasparenza u tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-Mekkaniżmu għar-Rieżami tal-Implimentazzjoni.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-kummerċ u fl-investiment internazzjonali u, għal dak l-għan, jieħdu impenn favur il-Protokoll ta' dan il-Ftehim dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni.

Artikolu 3.3

Ġestjoni tal-Migrazzjoni, tal-Ażil u tal-Fruntieri

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw esperjenzi u informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni, fil-qafas tal-liġijiet, tar-regolamenti u tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, inklużi l-migrazzjoni regolari u irregolari, il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, il-migrazzjoni u l-iżvilupp, l-ażil, ir-riammissjoni, l-integrazzjoni, il-viżi, jiffaċilitaw il-migrazzjoni regolari, il-kontroll migratorju, u l-ġestjoni tal-fruntieri. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar il-protezzjoni tan-nisa u tat-tfal migranti, b'mod partikolari dawk mhux akkumpanjati, kif ukoll ta' gruppi vulnerabbli oħrajn.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari, sabiex jiġġieldu l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, u sabiex irawmu migrazzjoni sikura, regolari u legali. Għal dak l-għan, fil-qafas tal-liġijiet u tar-regolamenti rispettivi tagħhom:

(a) il-Messiku għandu jaċċetta lura lil kwalunkwe wieħed miċ-ċittadini tiegħu obbligati jirritornaw mit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, fuq talba ta' dan tal-aħħar u mingħajr formalitajiet ulterjuri, sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn ftehim speċifiku;

(b) kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandu jdaħħal lura kwalunkwe wieħed miċ-ċittadini tiegħu obbligati li jirritornaw mit-territorju tal-Messiku, fuq talba ta' dan tal-aħħar u mingħajr formalitajiet ulterjuri, sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn ftehim speċifiku;

(c) l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Messiku għandhom jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'dokumenti tal-ivvjaġġar xierqa għall-finijiet imsemmijin fis-subparagrafi (a) u (b), jew jaċċettaw l-użu tad-dokumenti tal-ivvjaġġar tal-Unjoni għall-finijiet ta' ritorn;

(d) il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jinnegozjaw ftehim speċifiku li jiddefinixxi l-obbligi dwar ir-riammissjoni taċ-ċittadini, inklużi l-mezzi ta' evidenza dwar in-nazzjonalità. Il-kundizzjonijiet għar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu stabbiliti b'dak il-ftehim.

Artikolu 3.4

Problema Dinjija tad-Droga

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw approċċ ibbilanċjat u integrat dwar kwistjonijiet ta' droga bl-għan li:

(a) jgħaqqdu l-isforzi sabiex jiksbu l-implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet operazzjonali tas-Sessjoni Speċjali tal-2016 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-Problema Dinjija tad-Droga (UNGASS 2016);

(b) jindirizzaw il-konsegwenzi soċjali u fuq is-saħħa tal-problema dinjija tad-droga, b'politiki mmirati lejn il-kisba ta' żvilupp sostenibbli, permezz ta' inizjattivi komprensivi u bbażati fuq l-evidenza għat-tnaqqis tad-domanda fil-livelli kollha li jkopru b'mod partikolari l-programmi ta' prevenzjoni, ta' trattament, ta' riabilitazzjoni u ta' riintegrazzjoni soċjali;

(c) jinvestu fit-trattament u fiż-żieda tas-sensibilizzazzjoni dwar ir-risponsi tas-saħħa pubblika għall-użu tad-droga fost is-sistemi nazzjonali tas-saħħa;

(d) isaħħu r-riċerka epidemjoloġika u jtejbu ulterjorment id-disponibbiltà u l-kwalità sistematiċi tal-informazzjoni statistika fl-oqsma kollha tad-droga;

(e) jiżguraw approċċ tas-saħħa pubblika li jippromwovi l-aċċess għal sustanzi kkontrollati għal skopijiet mediċi u xjentifiċi u d-disponibbiltà tagħhom, filwaqt li jipprevjeni d-diverżjoni tagħhom lejn is-suq illeċitu;

(f) inaqqsu l-provvista, it-traffikar u d-domanda għal drogi illeċiti u għal sustanzi psikoattivi ġodda, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u attivitajiet oħrajn ta' kooperazzjoni kif xieraq;

(g) jintegraw perspettiva tal-ġeneri u tad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki u fil-programmi kollha dwar id-droga;

(h) iħeġġu l-applikazzjoni ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal persuni li jkunu wettqu reati relatati mal-liġi dwar id-droga u mad-droga;

(i) jindirizzaw id-devjazzjoni tal-prekursuri kimiċi, tas-sustanzi kimiċi u tal-prodotti essenzjali jew tal-preparati tagħhom li jinkluduhom u użati għall-produzzjoni illeċita ta' drogi narkotiċi, ta' sustanzi psikotropiċi u ta' sustanzi psikoattivi ġodda.

2. Il-Partijiet għandhom jikkollaboraw sabiex jilħqu l-objettivi msemmija fil-paragrafu 1, inkluż, meta jkun possibbli, billi jħeġġu lil pajjiżi terzi li għadhom ma għamlux dan sabiex jirratifikaw u jimplimentaw konvenzjonijiet u protokolli internazzjonali eżistenti dwar il-kontroll tad-droga li għalihom huma parti. Il-Partijiet għandhom jibbażaw l-azzjonijiet tagħhom fuq il-liġijiet u fuq ir-regolamenti applikabbli tagħhom, fuq prinċipji aċċettati b'mod komuni f'konformità mal-konvenzjonijiet rilevanti tan-NU dwar il-kontroll tad-droga u fuq ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fid-dokument ta' eżitu tal-UNGASS 2016, intitolat "Our joint commitment to effectively addressing and countering the world drug problem", bħala l-aktar kunsens internazzjonali riċenti dwar il-politika dinjija dwar id-droga, sabiex jieħdu rendikont tal-implimentazzjoni tal-impenji meħudin sabiex tiġi indirizzata u miġġielda b'mod konġunt il-problema dinjija tad-droga.

Artikolu 3.5

Ħasil tal-Flus u Finanzjament tat-Terroriżmu

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bl-għan li jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv l-użu tal-istituzzjonijiet finanzjarji tagħhom u ta' negozji u ta' professjonijiet dežinjati mhux finanzjarji għall-ħasil tar-rikavat minn attivitajiet kriminali u għall-finanzjament tat-terroriżmu. Għal dak l-għan, huma għandhom jiskambjaw informazzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom u għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"FATF") u ta' standards oħrajn adottati minn korpi internazzjonali rilevanti attivi f'dak il-qasam. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi, fost l-oħrajn, l-irkupru, is-sekwestru, il-konfiska, it-traċċar, l-identifikazzjoni u r-ritorn ta' assi jew ta' fondi relatati ma' rikavati minn attività kriminali jew ma' finanzjament tat-terroriżmu.

Artikolu 3.6

Ċiberkriminalità

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li ċ-ċiberkriminalità hija problema globali li teħtieġ rispons globali. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki u tax-xejriet, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, u l-istrumenti legali internazzjonali rilevanti dwar iċ-ċiberkriminalità. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien, kif xieraq, sabiex jipprovdu assistenza u appoġġ lil Stati oħrajn fl-iżvilupp ta' liġijiet, ta' politiki u ta' prattiki effettivi għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità.

2. Il-Partijiet għandhom, kif xieraq, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, jiskambjaw informazzjoni, esperjenzi u l-aħjar prattiki f'oqsma bħall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-investigaturi taċ-ċiberkriminalità, it-twettiq ta' investigazzjonijiet dwar iċ-ċiberkriminalità u tal-forensika diġitali b'enfasi fuq il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-protezzjoni ta' infrastruttura kritika bħas-setturi finanzjarji, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni, fost l-oħrajn.

Artikolu 3.7

Protezzjoni ta' Data Personali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni ta' data personali. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw ir-rispett ta' dawk id-drittijiet fundamentali, inkluż fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u meta jipprevjenu u jiġġieldu t-terroriżmu u reati tranżnazzjonali serji oħrajn.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu livell għoli ta' protezzjoni għad-data personali. Il-kooperazzjoni fil-livelli bilaterali u multilaterali tista' tinkludi l-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika, l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien espert, u l-kooperazzjoni permezz ta' kontropartijiet regolatorji f'korpi internazzjonali kif miftiehem reċiprokament mill-Partijiet.

Artikolu 3.8

Politika dwar il-Konsumatur

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u għandhom, għal dak l-għan, jagħmlu ħilithom sabiex jikkooperaw fil-qasam tal-politika tal-konsumatur. Tali kooperazzjoni tista' tinvolvi, sa fejn ikun possibbli:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-oqfsa rispettivi tagħhom għall-protezzjoni tal-konsumatur, inkluż dwar il-liġijiet tal-konsumatur, is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur, ir-rimedju għall-konsumatur u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar il-konsumatur;

(b) it-tħeġġiġ tal-iżvilupp ta' assoċjazzjonijiet tal-konsumatur indipendenti u ta' kuntatti bejn rappreżentanti tal-konsumatur.

Artikolu 3.9

Protezzjoni Konsulari

Il-Messiku jaqbel li l-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea rappreżentat għandhom jipprovdu protezzjoni lil kwalunkwe ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li ma jkollux rappreżentanza permanenti fil-Messiku li tkun effettivament f'pożizzjoni li tipprovdi protezzjoni konsulari f'każ partikolari, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk taċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru rappreżentat.

Artikolu 3.10

Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri u Protezzjoni Ċivili

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu ġestiti r-riskji ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem kemm domestiċi kif ukoll globali. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn komuni tagħhom għat-titjib tal-miżuri ta' prevenzjoni, ta' mitigazzjoni, ta' tħejjija, ta' twissija bikrija, ta' rispons u ta' rkupru sabiex tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetajiet u tal-infrastruttura tagħhom, u li jikkooperaw, kif xieraq, f'livell bilaterali u multilaterali sabiex jittejbu l-eżiti globali tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri allinjati mal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, f'koerenza mal-SDGs, mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-Aġenda Urbana l-Ġdida.

KAPITOLU 4

ŻVILUPP SOSTENIBBLI

Artikolu 4.1

Żvilupp Sostenibbli

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jiksbu żvilupp sostenibbli, kif espress fl-Aġenda 2030. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-iżvilupp sostenibbli fit-tul jeħtieġ tkabbir ekonomiku inklużiv, benessri soċjali u użu sostenibbli tar-riżorsi naturali. Dawk it-tliet dimensjonijiet huma rikonoxxuti bħala interkonnessi ħafna u jsaħħu lil xulxin.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet tiegħu, dik ekonomika, dik soċjali u dik ambjentali, b'mod ibbilanċjat, inkluż l-użu responsabbli, effiċjenti u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, f'konformità mal-prijoritajiet u maċ-ċirkostanzi rispettivi tagħhom, kif ukoll iqajmu kuxjenza dwar il-kostijiet ekonomiċi u soċjali tad-danni ambjentali, ix-xejriet mhux sostenibbli tal-produzzjoni u tal-konsum, u l-impatt assoċjat tagħhom fuq il-benessri tal-bniedem.

3. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli inklużiv tal-bniedem permezz ta' djalogu, azzjoni konġunta, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, governanza tajba fil-livelli kollha, u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, filwaqt li jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-istrumenti finanzjarji eżistenti u jesploraw il-vijabbiltà tal-istabbiliment ta' oħrajn ġodda.

Artikolu 4.2

Kooperazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli

1. L-objettiv ewlieni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp huwa li tiġi implimentata l-Aġenda 2030, fil-perspettiva multidimensjonali u ċċentrata fuq il-bniedem tagħha, u li jintlaħqu l-SDGs. Il-prinċipji ta' kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp kif deskritti mis-Sħubija Globali għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp, il-bini fuq id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effettività tal-Għajnuna, adottata fil-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effettività tal-Għajnuna f'Pariġi fit-2 ta' Marzu 2005 u l-Aġenda ta' Akkra għall-Azzjoni, approvata fil-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effettività tal-Għajnuna f'Akkra fl-4 ta' Settembru 2008, huma għodod importanti sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-iżvilupp tagħha.

2. Il-Partijiet għandhom jindirizzaw l-isfidi relatati mal-ilħuq tal-SDGs billi jagħtu prijorità lill-ħtiġijiet ta' kull Parti u lis-sjieda nazzjonali, filwaqt li jqisu l-kuntest reġjonali, u l-bini ta' sinerġiji u ta' sħubijiet għall-iżvilupp ma' firxa ta' partijiet ikkonċernati fil-qasam, inklużi s-soċjetà ċivili, il-gvernijiet lokali, is-settur privat jew l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol ċentrali tal-Gvernijiet fil-promozzjoni tal-iżvilupp, il-Partijiet għandhom jikkooperaw ukoll sabiex jippromwovu l-adozzjoni mis-settur privat, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (minn hawn 'il quddiem imsejħa "SMEs"), ta' politiki dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-prattiki tiegħu.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex itejbu b'mod progressiv l-effiċjenza tar-riżorsi globali u s-sostenibbiltà fix-xejriet tal-konsum u tal-produzzjoni, f'konformità mal-oqfsa internazzjonali miftehmin, u għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jieħdu azzjonijiet immirati lejn id-diżakkoppjar tat-tkabbir ekonomiku mid-degradazzjoni ambjentali.

4. Il-Partijiet għandu jkollhom djalogu ta' politika regolari dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-ilħuq tal-SDGs, ibbażat fuq prijoritajiet komuni sabiex itejbu l-kwalità u l-effettività tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom, f'konformità mal-prinċipji aċċettati fuq livell internazzjonali tal-effettività tal-għajnuna u tal-iżvilupp.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-integrazzjoni tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika fil-pjanijiet, fil-programmi u fil-politiki settorjali u transsettorjali fis-setturi rilevanti kollha, u t-tisħiħ tal-oqfsa domestiċi legali, istituzzjonali u regolatorji jistgħu jikkontribwixxu għall-ġenerazzjoni ta' impatti pożittivi fuq id-diversità bijoloġika u fuq is-servizzi tal-ekosistema tagħha kif ukoll għall-ilħuq tal-iżvilupp sostenibbli. Bħala tali, il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jintegraw il-perspettiva tal-bijodiversità fis-setturi rilevanti, kif applikabbli, sabiex itejbu l-isforzi għat-trażżin tat-telfien tal-bijodiversità u jtejbu l-benessri tal-bniedem.

6. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jwettqu attivitajiet konġunti, inkluż permezz ta' koordinazzjoni bilaterali f'fora multilaterali rilevanti, kif ukoll kooperazzjoni reġjonali u triangolari preferibbilment ibbażata fuq mekkaniżmi u fuq inizjattivi eżistenti, fid-dawl tad-djalogu tagħhom dwar l-iżvilupp sostenibbli u tal-impenn tagħhom għall-Aġenda 2030. L-oqsma ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu:

(a) l-implimentazzjoni tal-għanijiet u tal-miri tal-SDGs;

(b) il-ħarsien tal-ambjent, fil-livelli kollha, inklużi l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;

(c) it-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza, il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u l-enerġija sostenibbli;

(d) ir-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp, inkluż il-bini tal-istabbiltà u tas-sigurtà, l-appoġġ għall-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-problema dinjija tad-droga u l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali;

(e) it-tkabbir inklużiv u l-ħolqien tax-xogħol;

(f) il-governanza, inkluż it-tisħiħ tal-governanza fiskali, ekonomika, ambjentali u soċjali;

(g) l-edukazzjoni, inklużi l-edukazzjoni għolja, it-taħriġ tekniku u vokazzjonali, il-bini tal-kapaċitajiet, l-innovazzjoni, u l-iskambji f'dawn l-oqsma; u

(h) l-istrateġiji ta' parteċipazzjoni tas-settur privat.

7. Il-Partijiet għandhom ikomplu jiżviluppaw attivitajiet ta' kooperazzjoni triangolari sabiex jappoġġaw lil pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni tagħhom tal-SDGs, inklużi l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u pajjiżi oħrajn fil-fażi tal-iżvilupp f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, bħall-Istati Gżejjer Żgħar li Qed Jiżviluppaw (SIDS). F'dak ir-rigward, il-Partijiet għandhom jesploraw modalitajiet innovattivi ta' involviment, inkluż għal pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati, kif xieraq. Il-kooperazzjoni triangolari għandha tikkonsisti fl-appoġġ ta' strateġiji mfasslin apposta u f'azzjonijiet maqbulin b'mod komuni bbażati fuq il-ħtiġijiet ta' pajjiżi terzi. Għal dak l-għan, il-Partijiet għandhom jiżviluppaw attivitajiet ta' kooperazzjoni koordinati bħall-assistenza teknika, it-taħriġ, il-bini tal-kapaċitajiet, il-kondiviżjoni tal-għarfien, u forom oħrajn ta' kooperazzjoni ddefiniti b'mod konġunt bejn il-Partijiet, u bejn il-Partijiet u l-pajjiż terz riċevitur.

8. Kooperazzjoni bħal din tista' ssir permezz ta', fost l-oħrajn:

(a) il-bini tal-kapaċitajiet u l-kondiviżjoni tal-għarfien permezz ta' korsijiet ta' taħriġ, workshops u seminars, l-iskambju ta' esperti, studji, u riċerka konġunta;

(b) il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji permezz ta' operazzjonijiet ta' taħlit fi sħubija mal-Bank Ewropew tal-Investiment u ma' istituzzjonijiet eliġibbli Ewropej oħrajn ta' finanzjament għall-iżvilupp;

(c) il-kunsiderazzjoni ta' forom oħrajn ta' finanzjament għall-iżvilupp kif xieraq, b'enfasi fuq mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, bħall-kooperazzjoni triangolari; u

(d) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiċi ta' effettività tal-iżvilupp.

9. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu r-responsabbiltà u t-trasparenza b'enfasi fuq it-titjib tar-riżultati tal-iżvilupp u jikkooperaw sabiex isaħħu s-sistemi nazzjonali sabiex jipprovdu servizzi sostenibbli u jintegraw kunsiderazzjonijiet dwar il-ġeneru fil-programmi u fl-istrumenti.

10. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha titwettaq f'konformità mal-prinċipji u mal-politiki rilevanti li jkun sar qbil fuqhom fuq livell internazzjonali u li ż-żewġ Partijiet ikunu aderew magħhom.

Artikolu 4.3

Aġenda Urbana Sostenibbli

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu insedjamenti urbani sostenibbli, inklużi dawk derivati mill-Aġenda Urbana Ġdida, bl-għan li jiksbu bliet u insedjamenti umani fejn il-persuni kollha jkunu jistgħu jgawdu drittijiet u opportunitajiet indaqs, kif ukoll il-libertajiet fundamentali tagħhom, f'konformità mal-SDGs u mal-miri, b'mod partikolari l-Għan 11: "L-ibliet u l-insedjamenti umani jsiru inklużivi, sikuri, reżiljenti u sostenibbli".

Artikolu 4.4

Żvilupp tal-Politika Reġjonali u Urbana

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-politiki li jippromwovu żvilupp territorjali u urban bilanċjat u sostenibbli bħala mezz sabiex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Aġenda 2030 u tal-Aġenda Urbana Ġdida.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni u s-sħubija li jinvolvu l-atturi ewlenin kollha fl-oqsma tal-iżvilupp reġjonali u territorjali u tal-iżvilupp urban sostenibbli, b'mod partikolari, dwar modi kif jiġu indirizzati l-isfidi territorjali u urbani b'mod integrat u komprensiv.

3. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw, kull fejn ikun possibbli, opportunitajiet konkreti għall-kooperazzjoni bejn reġjun u ieħor u bejn belt u oħra dwar soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi reġjonali u urbani bl-għan li jtejbu l-bini tal-kapaċitajiet permezz ta' skambji ta' esperjenza u ta' prattika, u apprendiment reċiproku.

KAPITOLU 5

AMBJENT, TIBDIL FIL-KLIMA U ENERĠIJA

Artikolu 5.1

Ambjent

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jipproteġu, jikkonservaw, jirrestawraw u jimmaniġġaw b'mod sostenibbli r-riżorsi naturali u d-diversità bijoloġika, inklużi l-ħamrija, l-art, il-foresti, l-ilma, l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar, bħala bażi għall-iżvilupp sostenibbli li jappoġġa l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet kurrenti u futuri.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-governanza ambjentali globali u tar-regoli internazzjonali, inklużi l-ftehimiet ambjentali multilaterali, sabiex jindirizzaw l-isfidi ambjentali ta' tħassib komuni. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li timplimenta l-ftehimiet ambjentali multilaterali li għalihom hija parti.

3. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'oqsma prijoritarji miftehmin b'mod reċiproku dwar il-ħarsien tal-ambjent, il-konservazzjoni, l-użu responsabbli u effiċjenti u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, u dwar l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali fis-setturi kollha ta' kooperazzjoni, inkluż f'kuntest internazzjonali u reġjonali. Dawk l-oqsma ta' prijorità jistgħu jinkludu:

(a) il-promozzjoni ta' governanza ambjentali tajba, inklużi d-djalogu politiku u l-oqsma ta' kooperazzjoni bħall-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ambjentali tan-NU u ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, kif ukoll il-promozzjoni tal-konformità mal-liġi ambjentali;

(b) l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet bilaterali u t-trawwim tal-iskambju ta' informazzjoni, ta' għarfien espert tekniku u teknoloġija, it-trasferiment ta' għarfien, u l-iskambju tal-aħjar prattiki f'oqsma bħal:

(i) l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni ambjentali;

(ii) it-tkabbir ekoloġiku, inklużi l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-ekonomija ċirkolari, u l-finanzjament ekoloġiku;

(iii) l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-bijodiversità fis-setturi ekonomiċi u produttivi;

(iv) il-protezzjoni, il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

(v) il-protezzjoni, il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità inklużi l-immappjar u l-valutazzjoni tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom, il-valutazzjoni tagħhom, u strumenti ekonomiċi oħrajn għall-protezzjoni tal-bijodiversità, kif ukoll l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tagħhom;

(vi) id-degradazzjoni u d-deżertifikazzjoni tal-art;

(vii) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħsad u l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, ta' riżorsi tal-foresti, ta' riżorsi ġenetiċi, u l-appoġġ għall-kummerċ legali sostenibbli u traċċabbli tagħhom;

(viii) l-immaniġġar tajjeb tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart;

(ix) il-Ġestjoni Integrata tar-Riżorsi tal-Ilma (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"IWRM"), u l-politika dwar l-arja u l-ħamrija;

(x) il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-ambjent kostali u tal-baħar u l-ekonomija blu sostenibbli;

(xi) id-dežinjazzjoni, ir-rappreżentattività, il-ġestjoni effettiva u l-konnettività ta' żoni protetti, kif ukoll miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażata fuq iż-żona (OECMs), inklużi żoni marini protetti; u

(xii) il-kollaborazzjoni mas-settur privat fl-oqsma msemmija f'dan is-subparagafu, meta tkun possibbli.

Artikolu 5.2

Tibdil fil-Klima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-theddida urġenti tat-tibdil fil-klima teħtieġ azzjoni kollettiva għal żvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet u reżiljenti għall-klima, kif ukoll miżuri ta' adattament.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tar-regoli u tal-ftehimiet internazzjonali fil-qasam tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li saret fi New York fid-9 ta' Mejju 1992 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"UNFCCC") u l-Ftehim ta' Pariġi, u jenfasizzaw li l-implimentazzjoni tagħhom hija irriversibbli u jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont dawn il-ftehimiet.

3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom skont il-UNFCCC, sabiex jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi u l-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħin l-"NDCs"), kif ukoll sabiex jistiednu lil pajjiżi oħrajn sabiex jagħmlu dan u jiżviluppaw l-istrateġiji fit-tul tagħhom ta' żvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra.

4. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) l-iffaċilitar ta' aktar azzjoni, bħala kontribut għad-dibattiti nazzjonali u għall-ħidma politika;

(b) l-appoġġ għal żvilupp ekonomiku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

(c) l-estensjoni tal-NDCs f'politiki u f'miżuri nazzjonali tas-setturi li jkopru l-istrateġiji tas-setturi tat-trasport, tal-enerġija, tal-infrastruttura, tal-ippjanar urban, tal-użu tal-art u tal-investiment, inkluża l-integrazzjoni tal-proċessi ta' adattament fl-istrateġiji tal-iżvilupp settorjali;

(d) l-appoġġ għad-djalogu faċilitattiv u għad-definizzjoni bikrija ta' miżuri għar-rieżami tal-azzjoni klimatika fil-pajjiżi kollha;

(e) l-iżvilupp tal-aġenda ta' trasparenza skont il-Ftehim ta' Pariġi, inkluż id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni f'oqsma prijoritarji miftehmin b'mod reċiproku;

(f) it-tisħiħ ta' proċessi oħrajn, bħall-istabbilizzazzjoni mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"ICAO") tal-emissjonijiet internazzjonali tal-avjazzjoni fil-livelli tal-2020, l-adozzjoni u l-formulazzjoni tal-"Istrateġija komprensiva dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bastimenti" mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"IMO"), jew l-eliminazzjoni gradwali ambizzjuża tal-idrofluworokarburi (minn hawn 'il quddiem imsejħin "HFCs") skont l-Emenda għall-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu, adottata f'Kigali fil-15 ta' Ottubru 2016, inkluża r-ratifika tagħha u l-iżgurar tal-implimentazzjoni rapida tagħha sabiex tinkiseb eliminazzjoni gradwali globali ambizzjuża tal-konsum u tal-produzzjoni ta' HFCs;

(g) il-promozzjoni ta' politiki u ta' programmi domestiċi dwar il-klima fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi, inklużi l-promozzjoni tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-mekkaniżmi tas-suq u mhux tas-suq, l-iżvilupp ta' infrastruttura sostenibbli u reżiljenti għall-klima, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, it-trasport sostenibbli kif ukoll dawk li jindirizzaw l-effetti negattivi tad-deforestazzjoni, tad-degradazzjoni tal-foresti, tal-ħamrija u tal-ekosistemi kollha fuq il-klima;

(h) it-tisħiħ tas-sinerġiji mal-imprendituri, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-awtoritajiet lokali, li jikkomplementaw l-isforzi mwettqin mill-Istati;

(i) il-parteċipazzjoni tas-settur privat lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

(j) il-promozzjoni ta' miżuri bbażati fuq is-suq sabiex jiġu introdotti l-ipprezzar tal-karbonju u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas;

(k) it-tisħiħ tal-iżvilupp u tal-varar ta' teknoloġiji kummerċjalment vijabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet u ta' teknoloġiji oħrajn li ma jagħmlux ħsara lill-klima;

(l) l-eliminazzjoni progressiva tas-sussidji għall-fjuwils fossili, u l-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bħall-investiment f'enerġiji rinnovabbli u f'soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

(m) it-tisħiħ tad-djalogu bilaterali u tal-miżuri dwar l-adattament, il-mitigazzjoni u l-mezzi ta' implimentazzjoni, inklużi t-trasferiment tat-teknoloġija, il-bini tal-kapaċitajiet u l-finanzjament;

(n) it-trawwim tal-kunsiderazzjoni tal-approċċi trażversali tal-ġeneru u taż-żgħażagħ fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u tal-Ftehim ta' Pariġi;

(o) il-promozzjoni ta' politiki dwar l-impatti klimatiċi fuq ir-riżorsi tal-ilma;

(p) l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Pariġi dwar l-Ilma u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima fil-Baċiri tax-Xmajjar, tal-Lagi u tal-Akwiferi, ippreżentat fil-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima f'Pariġi fit-2 ta' Diċembru 2015, kif ukoll fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Lima-Pariġi, mnedija fis-Summit dwar il-Klima fi New York fit-23 ta' Settembru 2014;

(q) it-tisħiħ ta' skemi ta' kooperazzjoni sabiex jiġu żgurati NDCs futuri aktar ambizzjużi filwaqt li jitqies il-proċess ta' rendikont globali.

Artikolu 5.3

Enerġija

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tas-settur tal-enerġija għall-prosperità ekonomika u għall-paċi u għall-istabbiltà internazzjonali u jenfasizzaw li t-trasformazzjoni tas-settur tal-enerġija hija kruċjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Aġenda 2030 u fil-Ftehim ta' Pariġi. Huma jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu u li jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija (inkluża l-promozzjoni tal-enerġiji rinnovabbli), li jippromwovu l-innovazzjoni, ir-riċerka, l-iżvilupp u t-taħriġ tar-riżorsi umani, kif ukoll li jżidu l-effiċjenza enerġetika sabiex isaħħu l-produttività tal-enerġija, is-sigurtà tal-enerġija, u enerġija sikura, sostenibbli u affordabbli. Il-Partijiet għandhom jaħdmu favur dawk l-objettivi.

2. Il-Partijiet għandhom iżommu skambji ta' informazzjoni dwar l-enerġija u jikkollaboraw b'mod bilaterali, reġjonali u multilaterali sabiex irawmu swieq miftuħin u kompetittivi, jikkondividu l-aħjar prattiki, jippromwovu regolamentazzjoni trasparenti u bbażata fuq ix-xjenza, u jiddiskutu oqsma ta' kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-enerġija, bħal fil-qafas ta' fora, ta' mekkaniżmi u ta' inizjattivi internazzjonali.

KAPITOLU 6

AGRIKOLTURA, AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

Artikolu 6.1

Kooperazzjoni fl-Agrikoltura u Żvilupp Rurali

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, fost l-oħrajn, f'dawn:

(a) il-politika dwar l-agrikoltura u ta' żvilupp rurali;

(b) il-prospetti tas-suq agrikolu;

(c) il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika;

(d) l-agrikoltura sostenibbli u reżiljenti billi jippromwovu sensibilizzazzjoni għall-"Prinċipji għal Investiment Responsabbli fl-Agrikoltura u fis-Sistemi tal-Ikel" u għal-"Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, tas-Sajd u tal-Foresti fil-Kuntest tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Ikel" tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija;

(e) it-trawwim tal-iżvilupp rurali permezz tal-bini tal-kapaċitajiet dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ, inklużi indikazzjonijiet ġeografiċi bħala dritt ta' proprjetà intellettwali;

(f) il-biedja organika;

(g) ir-riċerka u l-innovazzjoni;

(h) l-organizzazzjoni u l-iżvilupp ta' proċessi ta' produzzjoni sostenibbli fis-settur agroalimentari (l-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem);

(i) l-organizzazzjoni u l-iżvilupp produttiv tal-komunitajiet rurali;

(j) is-sigurtà alimentari;

(k) il-prevenzjoni tat-telf ta' wara l-ħsad u tal-ħela tal-ikel;

(l) ir-riċerka applikata għall-produzzjoni u għall-ġestjoni ta' prodotti agrikoli u tal-annimali; u

(m) l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u tal-ikel.

Artikolu 6.2

Affarijiet Marittimi u Sajd

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli u responsabbli tas-sajd, tal-akkwakultura u ta' attivitajiet marittimi oħrajn u l-kontribut tagħhom għall-provvista ta' opportunitajiet ekonomiċi soċjali u ambjentali għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

2. Il-Partijiet għandhom isaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku fl-oqsma tas-sajd u tal-affarijiet marittimi.

3. Il-Partijiet għandhom, b'mod konsistenti mal-obbligi internazzjonali tagħhom:

(a) jikkontribwixxu għat-titjib tas-sistema globali ta' governanza tal-oċeani, inkluż billi jneħħu l-lakuni regolatorji u ta' implimentazzjoni u jippromwovu r-ratifika u l-implimentazzjoni ta' strumenti rilevanti fis-setturi marittimi u tas-sajd ma' pajjiżi terzi;

(b) jadottaw miżuri effettivi ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza, bħal skemi ta' osservazzjoni, skemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti, kontroll tat-trażbord, spezzjonijiet fuq il-baħar u miżuri tal-istat tal-port u sanzjonijiet assoċjati, immirati lejn il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u l-prevenzjoni tas-sajd eċċessiv;

(c) iżommu jew jadottaw azzjonijiet u jikkooperaw fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "IUU"), inkluż, fejn xieraq, l-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet IUU fl-ilmijiet tagħhom u l-implimentazzjoni ta' politiki u ta' miżuri li jeskludu prodotti IUU mill-flussi kummerċjali u mill-operazzjonijiet tat-trobbija tal-ħut;

(d) jikkooperaw ma' u fi ħdan organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li għalihom iż-żewġ Partijiet ikunu membri, osservaturi, jew partijiet mhux kontraenti li jikkooperaw, bl-għan li jiksbu governanza tajba, inkluż billi jippromwovu deċiżjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza u l-konformità ma' tali deċiżjonijiet f'dawk l-organizzazzjonijiet;

(e) jippromwovu l-iżvilupp ta' proċessi ta' produzzjoni sostenibbli, li huma ambjentalment responsabbli u ekonomikament kompetittivi, fl-industrija tal-akkwakultura tal-ilma ħelu u tal-marikultura;

(f) isaħħu s-sikurezza u s-sigurtà tal-oċeani;

(g) inaqqsu l-pressjonijiet fuq l-oċeani inkluż permezz tal-ġlieda kontra l-iskart tal-baħar;

(h) jippromwovu l-ippjanar tal-ispazju marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali;

(i) jappoġġaw ir-riċerka u l-bijoteknoloġija tal-baħar; u

(j) jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-attivitajiet ekonomiċi marittimi ta' interess reċiproku għall-Partijiet bħall-enerġija mill-oċeani, it-turiżmu kostali u marittimu.

KAPITOLU 7

POLITIKA EKONOMIKA

Artikolu 7.1

Politiki Makroekonomiċi

Il-Partijiet għandhom isaħħu d-djalogu bejn l-awtoritajiet tagħhom dwar il-politiki u x-xejriet makroekonomiċi u jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u ta' fehmiet dwarhom.

Artikolu 7.2

Intrapriża u Industrija, inkluži Intrapriżi Żgħar u Medji

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu ambjent favorevoli għall-iżvilupp u għall-kompetittività mtejba tal-SMEs u jippromwovu l-kooperazzjoni orizzontali fil-politika industrijali kif xieraq. Tali kooperazzjoni għandha tikkonsisti fi:

(a) il-promozzjoni ta' kuntatti bejn l-operaturi ekonomiċi, it-tħeġġiġ ta' investimenti konġunti u l-istabbiliment ta' impriżi konġunti u ta' networks ta' informazzjoni permezz ta' programmi orizzontali eżistenti;

(b) l-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenzi dwar il-ħolqien ta' kundizzjonijiet qafas għall-SMEs sabiex itejbu l-kompetittività tagħhom u dwar proċeduri relatati mal-ħolqien tal-SMEs;

(c) l-iffaċilitar tal-attivitajiet stabbiliti mill-SMEs taż-żewġ naħat;

(d) l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar Industrija 4.0; u

(e) il-promozzjoni tar-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont soċjali korporattivi u t-tħeġġiġ ta' prattiċi kummerċjali responsabbli, inkluži l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli.

2. Il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw u jappoġġaw l-attivitajiet ta' kooperazzjoni rilevanti stabbiliti mis-settur privat.

Artikolu 7.3

Negozju u Drittijiet tal-Bniedem

Il-Partijiet għandhom jippromwovu r-responsabbiltà soċjali korporattiva, f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti, bħall-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju u l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju, fil-livell nazzjonali, kif ukoll sabiex jippromowvu l-bini tal-kapaċitajiet u l-iskambju ta' esperjenzi fil-livell internazzjonali.

Artikolu 7.4

Materja Prima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li approċċ trasparenti bbażat fuq is-suq huwa l-aħjar mod kif jinħoloq ambjent favorevoli għall-investiment fil-produzzjoni u fil-kummerċ tal-materja prima.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-materja prima f'ambjenti reġjonali jew multilaterali rilevanti jew permezz ta' djalogu bilaterali fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, fuq il-bażi ta' interessi reċiproċi. Din il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li tneħħi l-ostakli għall-kummerċ fil-materja prima f'dawn il-kuntesti, issaħħaħ qafas globali bbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ fil-materja prima, tippromwovi t-trasparenza fis-swieq globali għall-materja prima u tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli.

3. Kooperazzjoni bħal din tista' tinkludi skambji ta' informazzjoni fir-rigward ta' dawn:

(a) il-provvista u d-domanda, kwistjonijiet bilaterali dwar il-kummerċ u l-investiment kif ukoll kwistjonijiet dwar il-kummerċ internazzjonali;

(b) ostakli tariffarji u mhux tariffarji għal prodotti tal-materja prima, għas-servizzi u għall-investimenti relatati;

(c) l-oqfsa regolatorji rispettivi tal-Partijiet;

(d) it-teknoloġiji applikati għall-proċessi tal-produzzjoni u għall-użu tal-materja prima; u

(e) l-aħjar prattiki fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli tal-industrija tal-estrazzjoni, inklużi l-politika dwar il-minerali, l-ippjanar tal-użu tal-art, il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, it-trasparenza u l-governanza.

Artikolu 7.5

Statistika

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tal-istatistika, b'mod partikolari billi jippromwovu b'mod attiv il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) iż-żieda tal-attendenza f'laqgħat internazzjonali ta' livell għoli f'suġġetti ta' interess reċiproku;

(b) l-armonizzazzjoni tal-metodoloġiji tal-istatistika sabiex tittejjeb il-komparabbiltà tad-data; u

(c) il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika uffiċjali u l-iżvilupp ta' indikaturi.

Artikolu 7.6

Trasport

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jsaħħu d-djalogu fl-oqsma rilevanti kollha tal-politika tat-trasport, inkluża l-politika integrata tat-trasport, bl-għan li jtejbu l-moviment tal-merkanzija u tal-passiġġieri, jippromwovu s-sikurezza u s-sigurtà marittimi u tal-avjazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent u jżidu l-effiċjenza tas-sistemi tat-trasport tagħhom.

2. Tali kooperazzjoni u djalogu jistgħu jinkludu:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-politiki tat-trasport rispettivi tagħhom;

(b) it-tisħiħ tar-relazzjonijiet tal-avjazzjoni bejn il-Messiku u l-Unjoni, inkluża l-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi konkluż ftehim dedikat dwar l-avjazzjoni;

(c) il-promozzjoni tal-għanijiet ta' aċċess mhux ristrett għas-swieq u għall-kummerċ marittimi internazzjonali, fuq il-bażi ta' kompetizzjoni ġusta u fuq bażi kummerċjali;

(d) l-iffaċilitar tat-trasport marittimu, tal-ktajjen tal-loġistika u tat-trasport multimodali sabiex jittejbu l-kompetittività u r-relazzjonijiet ekonomiċi;

(e) il-promozzjoni ta' kwistjonijiet tat-trasport relatati mal-ambjent;

(f) l-iffaċilitar tad-djalogu u tal-kooperazzjoni bejn l-esperti fi ħdan fora internazzjonali tat-trasport; u

(g) l-appoġġ għall-fluss elettroniku transfruntier ta' informazzjoni għall-promozzjoni ta' ambjent dinamiku għal servizzi tat-trasport effiċjenti u kosteffettivi.

KAPITOLU 8

EDUKAZZJONI, KULTURA U KWISTJONIJIET SOĊJALI

Artikolu 8.1

Edukazzjoni

Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni u d-djalogu fl-oqsma rilevanti tal-edukazzjoni, inklużi:

(a) it-tisħiħ tal-edukazzjoni terzjarja u l-edukazzjoni u t-taħriġ tekniċi u vokazzjonali;

(b) iż-żieda fil-mobilità tal-istudenti, tar-riċerkaturi, tal-persunal akkademiku u amministrattiv minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja; u

(c) it-trawwim tal-bini tal-kapaċitajiet fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja, inkluż it-titjib tal-mekkaniżmi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u tal-perjodi ta' studju barra mill-pajjiż.

Artikolu 8.2

Kultura

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw f'fora internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-NU (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"UNESCO"), sabiex isegwu objettivi komuni u jrawmu d-diversità kulturali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, adottata mill-Konferenza Ġenerali tal-UNESCO f'Pariġi fl-20 ta' Ottubru 2005.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu kooperazzjoni msaħħa fis-setturi u fl-industriji kulturali u kreattivi, inklużi teknoloġiji emerġenti u ġodda u l-media awdjoviżiva, sabiex itejbu, fost l-oħrajn, il-fehim reċiproku u l-għarfien tal-kulturi rispettivi tagħhom.

3. Il-Partijiet għandhom jippromwovu skambji kulturali u għandhom iwettqu inizjattivi konġunti f'diversi oqsma kulturali fil-kuntest tal-oqfsa ta' kooperazzjoni disponibbli.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni u l-inizjattivi konġunti relatati mal-ħolqien, mal-promozzjoni u mat-tixrid tal-kontenut diġitali fil-qasam artistiku u kulturali fi ħdan qafas legali li jirrikonoxxi u jistma l-ħidma tal-kreaturi, bħala mod kif jittejjeb l-aċċess universali għall-kultura u għall-komponenti tagħha.

5. Il-Partijiet għandhom iħeġġu d-djalogu interkulturali bejn l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-individwi.

6. Il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol tal-kultura kemm bħala faċilitatur kif ukoll bħala xprunatur tad-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali għall-prevenzjoni tal-kunflitti u għall-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li għandhom iżommu f'moħħhom li l-industriji kulturali u kreattivi huma xprunaturi importanti tal-ekonomiji tal-pajjiżi żviluppati u pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Artikolu 8.3

Impjiegi u Kwistjonijiet Soċjali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-titjib tal-istandards tal-għajxien, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-promozzjoni ta' xogħol deċenti għandhom ikunu fil-qalba tal-politiki soċjali u tal-impjiegi.

2. Il-Partijiet għandhom jirrispettaw u jippromwovu l-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ILO") dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol, adottata mill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol f'Ġinevra fit-18 ta' Ġunju 1998, u fil-Konvenzjonijiet korrispondenti tal-ILO li għalihom huma parti.

3. Il-Partijiet għandhom itejbu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi, tad-djalogu soċjali u tal-affarijiet soċjali u jippromwovu skambji ta' informazzjoni dwar l-impjiegi, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, kwistjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali.

Artikolu 8.4

Bidla Teknoloġika Esponenzjali

Il-Partijiet għandhom jikkondividu t-tagħlimiet meħudin u l-aħjar prattiki sabiex jindirizzaw, b'mod effettiv u komprensiv, l-impatti tat-tibdil teknoloġiku esponenzjali, l-awtomatizzazzjoni, u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-implimentazzjoni sħiħa tal-SDGs.

Artikolu 8.5

Koeżjoni Soċjali u Inklużjoni

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex itejbu l-koeżjoni soċjali permezz tat-tnaqqis tal-faqar fil-forom kollha tiegħu, tal-inugwaljanza u tal-esklużjoni soċjali kollha tiegħu bil-ħsieb li jintlaħqu l-SDGs globalment u jiġu promossi l-globalizzazzjoni ġusta, l-okkupazzjoni sħiħa, u x-xogħol deċenti għall-irġiel u għan-nisa kollha, inkluż permezz ta' dawn:

(a) it-tisħiħ tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

(b) it-tħeġġiġ ta' aċċess ugwali u tan-nondiskriminazzjoni fil-politiki soċjali;

(c) it-trawwim tal-innovazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali permezz tal-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki, u l-promozzjoni tad-djalogu u tar-riċerka f'dan is-settur; u

(d) il-promozzjoni tas-solidarjetà tal-ekonomija soċjali għall-inklużjoni u għall-ġlieda kontra l-faqar.

Artikolu 8.6

Saħħa

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tas-saħħa pubblika, inklużi l-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, sabiex jgħollu l-livell tas-sikurezza tas-saħħa pubblika u jippromwovu kopertura universali tas-saħħa.

2. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni u l-kollaborazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku;

(b) il-promozzjoni tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali dwar is-saħħa; u

(c) l-iffaċilitar ta' skambji, ta' fellowships u ta' programmi ta' taħriġ fl-oqsma msemmijin fil-paragrafu 1.

Artikolu 8.7

Turiżmu

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tat-turiżmu. Tali kooperazzjoni għandha primarjament ikollha l-għan li ttejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki sabiex tiżgura l-iżvilupp ibbilanċjat u sostenibbli tat-turiżmu u tappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku.

2. Kooperazzjoni bħal din għandha tiffoka fuq:

(a) is-salvagwardja u l-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-wirt naturali u kulturali;

(b) prattiki li jħeġġu t-turiżmu responsabbli u r-rispett għall-komunitajiet lokali;

(c) l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar azzjonijiet sabiex jittejbu l-ħiliet u l-kompetenzi fis-settur tat-turiżmu;

(d) il-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-kooperazzjoni għall-industriji kreattivi u tal-innovazzjoni fis-settur tat-turiżmu; u

(e) l-iskambju tal-aħjar prattiki bl-għan li jiġu integrati l-prinċipji tas-sostenibbiltà, b'mod partikolari l-bijodiversità, fit-turiżmu.

KAPITOLU 9

RIĊERKA, INNOVAZZJONI U EKONOMIJA DIĠITALI

Artikolu 9.1

Riċerka u Innovazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tar-riċerka xjentifika, tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-innovazzjoni fuq il-bażi ta' interess u ta' benefiċċju reċiproku u f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom. Tali kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, tindirizza l-isfidi globali tas-soċjetà, tikseb eċċellenza xjentifika, ittejjeb il-kompetittività reġjonali, kif ukoll issaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet, li jwasslu għal sħubijiet dejjiema. Il-Partijiet għandhom irawmu d-djalogu politiku fil-livelli bilaterali u reġjonali u jużaw l-istrumenti differenti tagħhom, inklużi l-ftehimiet għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, b'modi komplementari.

2. Il-Partijiet għandhom ifittxu li:

(a) itejbu l-kundizzjonijiet għall-mobilità tar-riċerkaturi, tax-xjenzati, tal-esperti, tal-istudenti u tal-imprendituri u għall-moviment ta' materjal u ta' tagħmir bejn il-fruntieri;

(b) jiffaċilitaw l-aċċess reċiproku għall-programmi tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni, għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tar-riċerka, għall-pubblikazzjonijiet u għad-data xjentifika ta' xulxin;

(c) iżidu l-kooperazzjoni fir-riċerka u fl-istandardizzazzjoni prenormattivi; u

(d) jippromwovu prinċipji komuni sabiex jiksbu livell adegwat u effettiv ta' protezzjoni u ta' infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fi proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-attivitajiet li ġejjin li għandhom jitwettqu mill-organizzazzjonijiet tal-gvern, miċ-ċentri tar-riċerka pubbliċi u privati, mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja, mill-aġenziji u min-networks tal-innovazzjoni, u minn partijiet ikkonċernati oħrajn, inklużi l-SMEs:

(a) inizjattivi konġunti sabiex titqajjem kuxjenza fuq programmi dwar ix-xjenza, it-teknoloġija, l-innovazzjoni u opportunitajiet għall-bini tal-kapaċitajiet għall-parteċipazzjoni fil-programmi ta' xulxin;

(b) laqgħat u workshops konġunti mmirati lejn l-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u l-identifikazzjoni ta' oqsma għar-riċerka konġunta;

(c) azzjonijiet ta' riċerka konġunta f'oqsma ta' interess reċiproku;

(d) valutazzjoni u evalwazzjoni rikonoxxuti reċiprokament tal-kooperazzjoni xjentifika u d-disseminazzjoni tar-riżultati korrispondenti.

Artikolu 9.2

Ekonomija Diġitali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħin "ICT") huma elementi importanti tal-ħajja moderna u huma ta' importanza vitali sabiex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-informazzjoni u tal-għarfien f'soċjetà sabiex jissaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku, edukattiv u soċjali. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw fehmiet dwar il-politiki rispettivi tagħhom f'dak il-qasam.

2. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) l-iskambju ta' fehmiet dwar l-aspetti differenti tal-politika tas-suq uniku diġitali, b'mod partikolari l-politiki u r-regolamentazzjoni tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluż l-aċċess għas-servizzi tal-broadband, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali, il-gvern elettroniku, il-gvern miftuħ, id-data miftuħa, is-sigurtà tal-internet, is-saħħa elettronika, u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji;

(b) il-promozzjoni tal-ICT bħala mezz għall-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali, tal-inklużjoni soċjali u diġitali u tad-diversità kulturali, filwaqt li jiġi enfasizzat l-ispirtu intraprenditorjali u x-xogħol kollaborattiv parteċipattiv kif ukoll tiġi stimolata l-konnettività fl-iskejjel u jiġu żviluppati networks ta' riċerka u akkademiċi;

(c) l-iżvilupp tal-interkonnessjoni u tal-interoperabbiltà tan-networks ta' riċerka, tal-infrastrutturi u tas-servizzi tal-computing u tad-data xjentifika, inklużi dawk f'kuntest reġjonali;

(d) il-kooperazzjoni fil-qasam tal-gvern elettroniku u tas-servizzi fiduċjarji bħall-firma elettronika u l-identifikazzjoni elettronika (eID), b'enfasi fuq l-iskambju ta' prinċipji ta' politika, ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar l-użu tal-ICTs għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika, għall-promozzjoni ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, għat-titjib tal-effiċjenza organizzazzjonali u għall-ġestjoni trasparenti tar-riżorsi pubbliċi;

(e) l-iskambju ta' informazzjoni dwar standards, valutazzjoni tal-konformità u approvazzjoni tat-tip; u

(f) il-promozzjoni tal-iskambju u tat-taħriġ ta' speċjalisti, b'mod partikolari professjonisti żgħażagħ.

PARTI III ([3])

KUMMERĊ U INVESTIMENT

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U ISTITUZZJONALI

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1.1

Stabbiliment ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles

Il-Partijiet jistabbilixxu, bis-saħħa ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, żona ta' kummerċ ħieles, konsistenti mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 u mal-Artikolu V tal-GATS.

Artikolu 1.2

Objettivi

L-objettivi ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim huma:

(a) l-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-kummerċ fil-merkanzija, f'konformità mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994, bejn il-Partijiet permezz tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali u tal-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ;

(b) il-faċilitazzjoni tal-kummerċ fil-merkanzija, b'mod partikolari permezz tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardjaw il-faċilitazzjoni doganali u kummerċjali, l-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, kif ukoll il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, filwaqt li jiġi ppreservat id-dritt ta' kull Parti li tirregola fit-territorju tagħha sabiex tilħaq l-objettivi tal-ordni pubbliku;

(c) il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi, f'konformità mal-Artikolu V tal-GATS;

(d) l-iżvilupp ta' qafas li jwassal għal żieda fil-flussi ta' investiment billi jipprovdi regoli trasparenti, stabbli u prevedibbli li jirregolaw il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' intrapriżi u l-moviment relatat tal-kapital, u li jiggarantixxi bilanċ xieraq bejn il-liberalizzazzjoni u l-protezzjoni tal-investimenti u d-dritt ta' kull Parti li tirregola sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' politika leġittimi;

(e) l-istabbiliment ta' sistema ta' qorti tal-investiment biex issolvi t-tilwim bejn l-investituri u l-Istat b'mod effettiv, imparzjali u prevedibbli;

(f) il-ftuħ effettiv u reċiproku tas-swieq tal-akkwist pubbliku tal-Partijiet;

(g) il-promozzjoni tal-innovazzjoni u tal-kreattività billi tiġi żgurata protezzjoni adegwata u effettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, f'konformità mal-obbligi internazzjonali fis-seħħ bejn il-Partijiet, u l-bilanċ bejn dik il-protezzjoni u l-interess pubbliku;

([3]) Meta dispożizzjoni ta' din il-Parti jkun fiha referenza għal dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, dik ir-referenza tkun għal dispożizzjoni oħra ta' din il-Parti, sakemm ma jkunx indikat espliċitament mod ieħor.

(h) it-tmexxija tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment bejn il-Partijiet f'konformità mal-prinċipju ta' kompetizzjoni ħielsa u mingħajr distorsjoni;

(i) il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u tal-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli, li jinkludi l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien tal-ambjent;

(j) l-istabbiliment ta' mekkaniżmu effettiv, ġust u prevedibbli għas-soluzzjoni tat-tilwim sabiex isolvi tilwim bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 1.3

Definizzjonijiet ta' Applikazzjoni Ġenerali

Għall-finijiet ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor:

(a) "deċiżjoni amministrattiva ta' applikazzjoni ġenerali" tfisser deċiżjoni amministrattiva jew interpretazzjoni li tapplika għall-persuni kollha u għas-sitwazzjonijiet fattwali li ġeneralment jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-deċiżjoni amministrattiva jew l-interpretazzjoni u li tistabbilixxi norma ta' kondotta, iżda ma tinkludix:

(i) determinazzjoni jew deċiżjoni li tkun saret fil-proċedimenti amministrattivi jew semiġudizzjarji li tapplika għal persuna, prodott jew servizz partikolari tal-Parti l-oħra f'każ speċifiku; jew

(ii) kwalunkwe deċiżjoni oħra li taġġudika fir-rigward ta' att jew prattika partikolari;

(b) "Ftehim dwar l-Agrikoltura" tfisser il-Ftehim dwar l-Agrikoltura fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(c) "prodott agrikolu" tfisser prodott elenkat fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(d) "servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz" tfisser attivitajiet ta' tiswija u manutenzjoni mwettqa fuq inġenju tal-ajru jew parti minnu waqt li jiġi rtirat mis-servizz, u ma tinkludix l-hekk imsejħa manutenzjoni bil-linja;

(e) "Ftehim Antidumping" tfisser il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(f) "servizzi tas-sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni" tfisser servizzi pprovduti minn sistemi kompjuterizzati li fihom informazzjoni dwar l-iskedi, id-disponibbiltà, in-nollijiet u r-regoli dwar in-nollijiet tat-trasportaturi tal-ajru, u li permezz tagħhom jistgħu jsiru l-prenotazzjonijiet jew jinħarġu l-biljetti;

(g) "dazju doganali" tfisser kwalunkwe dazju jew ħlas ta' kwalunkwe tip impost fuq jew b'konnessjoni mal-importazzjoni ta' xi merkanzija; li jinkludi kwalunkwe soprataxxa jew ħlas addizzjonali imposti b'konnessjoni ma' tali importazzjoni, iżda li ma jinkludi ebda:

(i) imposta ekwivalenti għal taxxa interna imposta f'konformità mal-Artikolu 2.3 ta' dan il-Ftehim;

(ii) dazju anti-dumping jew kumpensatorju [4] applikat f'konformità mal-GATT 1994, mal-Ftehim dwar l-Anti-dumping jew mal-Ftehim dwar l-SCM, kif xieraq;

[4] Għal aktar ċertezza, id-definizzjoni ta' dazju doganali ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitolu 5 (Rimedji Kummerċjali).

(iii) tariffa jew imposta oħra imposta fuq jew b'konnessjoni mal-importazzjoni ta' xi merkanzija, li hija limitata fl-ammont għall-kost approssimattiv tas-servizzi pprovduti; u

(iv) primjum offrut jew miġbur fuq merkanzija importata li jirriżulta minn sistema ta' offerti awtorizzata għall-amministrazzjoni ta' kwoti tar-rati tariffarji skont l-Appendiċi 2-A-4 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku);

(h) "Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali" tfisser il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(i) "jiem" tfisser jiem kalendarji, inklużi tmiem il-ġimgħa u btajjel;

(j) "DSU" tfisser il-Qbil dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjoni tat-Tilwim, li jinsab fl-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO;

(k) "intrapriża" tfisser kwalunkwe entità ġuridika debitament kostitwita jew organizzata b'xi mod ieħor skont id-dritt applikabbli, kemm jekk tkun għal skopijiet ta' profitt kif ukoll jekk għal skopijiet oħrajn, u kemm jekk tkun proprjetà privata jew tal-gvern, inklużi kwalunkwe korporazzjoni, trust, sħubija, impriża konġunta, impriża individwali jew assoċjazzjoni;

(l) "eżistenti" tfisser b'effett fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(m) "munita liberament konvertibbli" tfisser munita li hija nnegozjata b'mod wiesa' fis-swieq tal-muniti barranin internazzjonali u li tintuża b'mod wiesa' fi tranżazzjonijiet internazzjonali;

(n) "GATS" tfisser il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi fl-Anness 1B għall-Ftehim tad-WTO;

(o) "GATT tal-1994" tfisser il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(p) "merkanzija" tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;

(q) "merkanzija ta' Parti" tfisser merkanzija domestika kif tinftiehem fil-GATT 1994 u tinkludi merkanzija oriġinarja ta' dik il-Parti;

(r) "servizzi ta' groundhandling" tfisser il-provvista f'ajruport, fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt, ta' rappreżentanza tal-linji tal-ajru, servizzi ta' amministrazzjoni u superviżjoni, immaniġġar tal-passiġġieri, immaniġġar tal-bagalji, servizzi fir-rampa, catering, ([5]) immaniġġar tal-merkanzija u tal-posta bl-ajru, riforniment ta' inġenju tal-ajru, manutenzjoni u tindif tal-inġenji tal-ajru, trasport bis-superfiċje, u servizzi ta' operat tat-titjiriet, amministrazzjoni tal-ekwipaġġ u ppjanar tat-titjiriet; iżda ma tinkludix l-awtoforniment ta' servizz, is-sigurtà, il-manutenzjoni bil-linja, it-tiswija u l-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru; u l-ġestjoni jew l-operat tal-infrastruttura ċentralizzata essenzjali tal-ajruport, bħal faċilitajiet ta' tneħħija tas-silġ, sistemi ta' distribuzzjoni tal-fjuwil, sistemi ta' mmaniġġar tal-bagalji u sistemi fissi ta' trasport ġewwa l-ajruport;

(s) "Sistema Armonizzata" jew "SA" tfisser is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, inklużi r-Regoli Ġenerali ta' Interpretazzjoni, in-Noti tat-Taqsimiet, in-Noti tal-Kapitoli u n-Noti tas-Subintestaturi tagħha;

(t) "miżura" tinkludi kwalunkwe liġi, regolament, regola, proċedura, deċiżjoni, azzjoni amministrattiva, rekwiżit jew prattika; ([6])

([5]) Ħlief il-preparazzjoni tal-ikel.
([6]) Għal aktar ċertezza, "miżura" tinkludi n-nuqqasijiet ta' teħid ta' azzjoni.

(u) "ċittadin" tfisser persuna fiżika li għandha n-nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku skont il-liġi rispettiva tagħhom jew li hija residenti permanenti ta' Parti;

(v) "persuna fiżika" tfisser [7]:

(i) għall-Unjoni Ewropea, persuna li jkollha n-nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea skont il-leġiżlazzjoni tiegħu; [8] u

(ii) għall-Messiku, persuna li għandha n-nazzjonalità tal-Messiku skont il-leġiżlazzjoni tiegħu;

persuna fiżika li hija ċittadin tal-Messiku u li għandha n-nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea titqies li hija esklussivament persuna fiżika tal-Parti tan-nazzjonalità dominanti u effettiva tiegħu jew tagħha;

(w) "OECD" tfisser l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi;

(x) "merkanzija oriġinarja" tfisser merkanzija li tikkwalifika bħala oriġinarja skont ir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-Oriġini);

(y) "persuna" tfisser persuna fiżika jew intrapriża;

(z) "persuna ta' Parti" tfisser ċittadin jew intrapriża ta' Parti;

(aa) "trattament tariffarju preferenzjali" tfisser ir-rata tad-dazju doganali applikabbli għal merkanzija oriġinarja skont l-Artikolu 2.4 (Eliminazzjoni jew Tnaqqis tad-Dazji Doganali);

(bb) "Ftehim dwar is-Salvagwardji" tfisser il-Ftehim dwar is-Salvagwardji fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(cc) "Ftehim SCM" tfisser il-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO;

(dd) "bejgħ u kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru" tfisser l-opportunitajiet għat-trasportatur tal-ajru biex ibigħ u jikkummerċjalizza liberament is-servizzi tat-trasport bl-ajru tiegħu, inklużi l-aspetti kollha tal-kummerċjalizzazzjoni bħar-riċerka dwar is-suq, ir-reklamar u d-distribuzzjoni, iżda ma tinkludix l-ipprezzar tas-servizzi tat-trasport bl-ajru jew il-kundizzjonijiet applikabbli;

(ee) "fornitur tas-servizzi" tfisser persuna li tforni jew tfittex li tforni servizz;

(ff) "Ftehim SPS" tfisser il-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO;

(gg) "intrapriża tal-Istat" tfisser intrapriża li hija proprjetà ta' Parti jew ikkontrollata minn Parti;

(hh) "Ftehim dwar l-OTK" tfisser il-Ftehim dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

[7] Din id-definizzjoni tapplika għall-finijiet tal-Kapitoli minn 10 sa 19.

[8] Id-definizzjoni ta' persuni fiżiċi tal-Unjoni Ewropea tinkludi wkoll persuni fiżiċi li jirrisjedu b'mod permanenti fir-Repubblika tal-Latvja li ma humiex ċittadini tar-Repubblika tal-Latvja jew ta' kwalunkwe Stat ieħor, iżda li huma intitolati, skont il-liġijiet u r-regolamenti tar-Repubblika tal-Latvja, li jirċievu passaport ta' nonċittadin.

(ii) "territorju" tfisser it-territorju fejn dan il-Ftehim japplika skont l-Artikolu 2.2 (Applikazzjoni Territorjali) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim;

(jj) "pajjiż terz" tfisser pajjiż jew territorju barra mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' dan il-Ftehim;

(kk) "Ftehim TRIPS" tfisser il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ fl-Anness 1C għall-Ftehim tad-WTO;

(ll) "Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati" tfisser il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati, magħmula fi Vjenna fit-23 ta' Mejju 1969;

(mm) "WTO" tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; u

(nn) "il-Ftehim WTO" tfisser il-Ftehim ta' Marrakexx li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ magħmul f'Marrakexx fil-15 ta' April 1994.

Artikolu 1.4

Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward ta' xulxin skont il-Ftehim tad-WTO.

Artikolu 1.5

Referenzi għal-Liġijiet u għal Ftehimiet oħrajn

1. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, kwalunkwe referenza f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim għal-liġijiet, b'mod ġenerali jew b'referenza għal statut jew regolament speċifiku jew direttiva speċifika, għandha tinftiehem bħala referenza għal-liġijiet, kif jistgħu jiġu emendati.

2. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, kwalunkwe referenza, jew inkorporazzjoni permezz ta' referenza, f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim, għal ftehimiet jew strumenti legali oħrajn b'mod sħiħ jew parzjali, għandha tiġi interpretata bħala li tinkludi:

(a) annessi, protokolli, noti ta' qiegħ il-paġna, noti interpretattivi u noti ta' spjegazzjoni relatati; u

(b) ftehimiet sussegwenti li għalihom il-Partijiet ikunu parti jew emendi li jkunu vinkolanti fuq il-Partijiet, ħlief meta r-referenza tafferma drittijiet u obbligi eżistenti.

Artikolu 1.6

Twettiq tal-Obbligi

1. Kull Parti għandha tadotta kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa sabiex tissodisfa l-obbligi skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim, inklużi l-miżuri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn l-obbligi mill-gvernijiet u l-awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali, kif ukoll mill-korpi mhux governattivi fl-eżerċitar tas-setgħat delegati lilhom.

2. Għal aktar ċertezza, Parti tista' tissospendi d-drittijiet u l-obbligi skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim, ħlief kif previst fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 2.3 (Twettiq tal-Obbligi) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim, biss għal ksur ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim mill-Parti l-oħra u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti hemmhekk, inkluż il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim).

TAQSIMA B

Dispożizzjonijiet Istituzzjonali

Artikolu 1.7

Funzjonijiet Speċifiċi tal-Kunsill Konġunt

1. Meta l-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Artikolu 1.2 (Kunsill Konġunt) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim iwettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet mogħtija lilu f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim, dan għandu jkun magħmul, fil-livell ministerjali, minn rappreżentanti tal-Parti tal-UE b'responsabbiltà għal kwistjonijiet kummerċjali u ta' investiment, minn naħa waħda, u mir-rappreżentanti tal-Ministeru tal-Ekonomija tal-Messiku, min-naħa l-oħra, jew mill-persuni nnominati minnhom.

2. Il-Kunsill Konġunt jista' jimmodifika, sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim:

(a) L-Anness 2-A (Skeda għat-Tneħħija tat-Tariffi) u l-Anness 2-E (Miżuri rilevanti dwar il-Prodotti tal-Inbejjed u l-Ispirti);

(b) il-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-Oriġini), inklużi l-Annessi minn 3-A sa 3-D;

(c) l-Anness 10-D (Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tat-Tribunal, għall-Membri tat-Tribunal tal-Appell u għall-Medjaturi);

(d) il-listi u l-iskedi rilevanti tal-Messiku skont il-paragrafu 6 tal-Artikolu 10.12 (Miżuri u Eċċezzjonijiet Mhux Konformi) u l-paragrafu 4 tal-Artikolu 11.8 (Miżuri u Eċċezzjonijiet Mhux Konformi);

(e) l-Anness 21-A (Akkwist Kopert tal-Unjoni Ewropea) u l-Anness 21-B (Akkwist Kopert tal-Messiku);

(f) l-Anness 25-B (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi);

(g) l-Anness 31-A (Regoli ta' Proċedura) u l-Anness 31-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Bord u l-Medjaturi);

3. Bil-għan li jintlaħqu l-objettivi ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill Konġunt jista' wkoll:

(a) jadotta interpretazzjonijiet vinkolanti tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim;

(b) jieħu deċiżjonijiet oħra kif previst f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim; u

(c) jieħu kwalunkwe azzjoni oħra fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu skont kif jaqblu l-Partijiet.

4. Kull Parti għandha timplimenta, f'konformità mal-proċeduri legali applikabbli tagħha, kwalunkwe modifika msemmija fis-subparagrafu 2(a) f'tali perjodu skont kif jaqblu l-Partijiet.

Artikolu 1.8

Funzjonijiet Speċifiċi tal-Kumitat Konġunt

1. Meta l-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Artikolu 1.3 (Kunsill Konġunt) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim iwettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet mogħtija lilu f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim, huwa għandu jkun magħmul minn rappreżentanti f'livell għoli tal-Parti tal-UE b'responsabbiltà għal kwistjonijiet kummerċjali u ta' investiment, minn naħa waħda, u mir-rappreżentanti tal-Ministeru tal-Ekonomija tal-Messiku, min-naħa l-oħra, f'konformità mar-rekwiżiti rispettivi ta' kull Parti jew mill-persuni nnominati minnhom.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu:

(a) jassisti lill-Kunsill Konġunt fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu rigward kwistjonijiet relatati mal-kummerċ;

(b) ikun responsabbli mill-implimentazzjoni u l-applikazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim u mill-evalwazzjoni tar-riżultati miksuba mill-applikazzjoni tagħha;

(c) mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim), ifittex li jipprevjeni u jsolvi kwalunkwe differenzi jew tilwim li jistgħu jinqalgħu fir-rigward tal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim;

(d) jissorvelja l-ħidma tas-sottokumitati u ta' korpi oħrajn stabbiliti skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim; u

(e) jiddiskuti modi kif jissaħħu aktar il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet.

3. Fit-twettiq ta' dmirijietu skont il-paragrafu 2, il-Kumitat Konġunt jista':

(a) jistabbilixxi Sottokumitati addizzjonali u korpi oħrajn għajr dawk stabbiliti f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim, magħmula minn rappreżentanti tal-Partijiet, u jassenjalhom ir-responsabbiltajiet fil-kompetenza tiegħu u jiddeċiedi li jimmodifika l-funzjonijiet li huma assenjati lis-Sottokumitati u lil korpi oħrajn li jistabbilixxi, kif ukoll li jxoljihom;

(b) jirrakkomanda l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet f'konformità mal-objettivi speċifiċi ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim lill-Kunsill Konġunt, inklużi l-modifiki msemmija fl-Artikolu 1.7.2(a), jew jadotta tali deċiżjonijiet fl-intervalli bejn il-laqgħat tal-Kunsill Konġunt, jew meta l-Kunsill Konġunt ma jkunx jista' jiltaqa'; u

(c) jieħu kwalunkwe azzjoni oħra fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu skont kif jaqblu bejnietom il-Partijiet jew skont l-istruzzjonijiet tal-Kunsill Konġunt.

Artikolu 1.9

Koordinaturi għall-Parti III ta' dan il-Ftehim

1. Kull Parti għandha taħtar Koordinatur għal din il-Parti ta' dan il-Ftehim u tinnotifika lill-Parti l-oħra b'dan fi żmien 60 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Il-koordinaturi għandhom:

(a) jiffaċilitaw il-komunikazzjonijiet bejn il-Partijiet dwar kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim, kif ukoll punti ta' kuntatt oħrajn stabbiliti taħtha;

(b) iħejju l-aġendi b'mod konġunt u jagħmlu t-tħejjijiet l-oħrajn kollha meħtieġa għal-laqgħat tal-Kunsill Konġunt u tal-Kumitat Konġunt f'konformità ma' dan l-Artikolu; u

(c) isegwu d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt u tal-Kumitat Konġunt, kif xieraq.

Artikolu 1.10

Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu s-sottokumitati u l-korpi l-oħrajn li ġejjin, li għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-Parti tal-UE, minn naħa waħda, u minn rappreżentanti tal-Messiku, min-naħa l-oħra:

(a) il-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija;

(b) is-Sottokumitat għall-Agrikoltura;

(c) is-Sottokumitat għall-Kummerċ fl-Inbid u l-Ispirti;

(d) is-Sottokumitat għad-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini;

(e) is-Sottokumitat għall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji;

(f) il-Grupp ta' Ħidma Konġunt dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi;

(g) is-Sottokumitat għall-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ;

(h) is-Sottokumitat għas-Servizzi u l-Investiment;

(i) is-Sottokumitat għas-Servizzi Finanzjarji;

(j) is-Sottokumitat għall-Akkwist Pubbliku;

(k) is-Sottokumitat għall-Proprjetà Intellettwali;

(l) is-Sottokumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

2. Ħlief kif previst mod ieħor f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim, l-Artikolu 1.4 (Sottokumitati u Korpi l-Oħrajn) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim japplika għas-sottokumitati u korpi oħrajn imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Is-sottokumitati u l-korpi oħrajn imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet xierqa fil-każijiet previsti f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

4. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom isiru b'kunsens reċiproku.

Artikolu 1.11

Relazzjoni mas-Soċjetà Ċivili

1. Kull Parti għandha tiltaqa' mill-inqas darba fis-sena mal-grupp konsultattiv domestiku rispettiv tagħha msemmi fl-Artikolu 1.7 (Gruppi Konsultattivi Domestiċi) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim biex tiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

2. Meta l-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt jiltaqa' fil-konfigurazzjoni kummerċjali tiegħu, huwa għandu jsejjaħ laqgħa tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili msemmi fl-Artikolu 1.8 (Forum tas-Soċjetà Ċivili) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim sabiex isir djalogu dwar l-applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 2

KUMMERĊ FIL-MERKANZIJA

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 2.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "tranżazzjoni konsulari" tfisser il-proċedura sabiex tinkiseb, mingħand konslu tal-Parti li timporta fit-territorju tal-Parti li tesporta, jew fit-territorju ta' parti terza, fattura konsulari jew viża konsulari għal fattura kummerċjali, ċertifikat tal-oriġini, manifest, dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tal-konsenjatur jew kwalunkwe dokumentazzjoni doganali oħra fuq jew b'konnessjoni mal-importazzjoni tal-merkanzija;

(b) "proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni" tfisser proċedura amministrattiva li tirrikjedi s-sottomissjoni ta' applikazzjoni jew ta' dokumentazzjoni oħra, għajr dik ġeneralment meħtieġa għall-finijiet ta' approvazzjoni doganali, lill-korp jew korpi amministrattivi rilevanti tal-Parti li tesporta bħala kundizzjoni minn qabel għall-esportazzjoni mit-territorju tal-Parti li tesporta;

(c) "Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni" tfisser il-Ftehim dwar il-Proċeduri ta' Liċenzjar għall-Importazzjoni, fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO;

(d) "proċedura ta' liċenzjar għall-importazzjoni" tfisser proċedura amministrattiva li tirrikjedi s-sottomissjoni ta' applikazzjoni jew ta' dokumentazzjoni oħra, għajr dik ġeneralment meħtieġa għall-finijiet ta' approvazzjoni doganali, lill-korp jew korpi amministrattivi rilevanti tal-Parti li timporta bħala kundizzjoni minn qabel għall-importazzjoni fit-territorju tal-Parti li timporta.

Artikolu 2.2

Kamp ta' Applikazzjoni

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, dan il-Kapitolu japplika għall-kummerċ fil-merkanzija ta' Parti.

Artikolu 2.3

Trattament Nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti trattament nazzjonali lill-merkanzija tal-Parti l-oħra f'konformità mal-Artikolu III tal-GATT 1994 inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu. Għal dak il-għan, l-Artikolu III tal-GATT 1994 u n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Għal aktar ċertezza, trattament nazzjonali jfisser, fir-rigward ta' livell ta' gvern fil-Messiku għajr il-livell federali, jew livell ta' gvern ta' jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti minn dak il-livell ta' gvern lil merkanzija simili, direttament kompetittiva jew sostitwibbli tal-Messiku jew tal-Istat Membru, rispettivament.

Artikolu 2.4

Tneħħija jew Tnaqqis tad-Dazji Doganali

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tneħħi jew tnaqqas id-dazji doganali tagħha fuq merkanzija oriġinarja f'konformità mal-Anness 2-A u ma għandha tapplika l-ebda dazju doganali mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għall-merkanzija oriġinarja kklassifikata fil-linji tariffarji tal-Kapitoli minn 1 sa 97 tas-Sistema Armonizzata minbarra dawk inklużi fl-Appendiċi 2-A-1 jew 2-A-2, rispettivament, tal-Anness 2-A.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, Parti ma għandha żżid l-ebda dazju doganali eżistenti, jew tadotta xi dazju doganali ġdid, fuq merkanzija oriġinarja tal-Parti l-oħra. ([9])

3. Jekk Parti tnaqqas ir-rata tad-dazju doganali tal-aktar nazzjon iffavorit tagħha, dik ir-rata tad-dazju għandha tapplika għall-merkanzija oriġinarja tal-Parti l-oħra sakemm tkun aktar baxxa mir-rata tad-dazju doganali ddeterminata skont l-Anness 2-A .

4. Fuq talba ta' Parti, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw biex jikkunsidraw il-possibbiltà li jtejbu t-trattament tariffarju għall-aċċess għas-suq ta' merkanzija oriġinarja kif stabbilit fl-Anness 2-A . Il-Kunsill Konġunt jista' jieħu deċiżjoni li jimmodifika dak l-Anness. ([10])

5. Għal aktar ċertezza, Parti tista' żżomm jew iżżid dazju doganali fuq il-merkanzija oriġinarja kif awtorizzat mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO.

Artikolu 2.5

Dazji fuq l-Esportazzjoni, Taxxi jew Imposti Oħrajn

1. Parti ma għandha tadotta jew iżżomm l-ebda taxxa jew imposta fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija lejn it-territorju tal-Parti l-oħra li tkun aktar minn dik imposta fuq dik il-merkanzija meta tkun maħsuba għall-konsum domestiku.

2. Parti ma għandha tadotta jew iżżomm l-ebda dazju jew imposta tal-ebda tip imposti fuq, jew b'konnessjoni ma', l-esportazzjoni ta' merkanzija lejn it-territorju tal-Parti l-oħra li jkunu aktar minn dawk imposti fuq dik il-merkanzija meta tkun maħsuba għall-konsum domestiku.

3. F'dan l-Artikolu ma hemm xejn li għandu jipprevjeni lil Parti milli timponi tariffa jew imposta li hija permessa skont l-Artikolu 2.6 fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija.

Artikolu 2.6

Tariffi u Formalitajiet

1. It-tariffi u l-imposti l-oħrajn li jiġu imposti minn Party fuq, jew b'konnessjoni ma', l-importazzjoni ta' merkanzija tal-Parti l-oħra jew l-esportazzjoni ta' merkanzija lill-Parti l-oħra, għandhom ikunu limitati fl-ammont għall-kost approssimattiv tas-servizzi mogħtija, u ma għandhomx jirrappreżentaw protezzjoni indiretta għal merkanzija domestika jew tassazzjoni tal-importazzjonijiet jew tal-esportazzjonijiet għal skopijiet fiskali.

2. Parti ma għandhiex tapplika tariffa għall-ipproċessar doganali fuq merkanzija oriġinarja. ([11])

([9]) Għal aktar ċertezza, wara tnaqqis unilaterali ta' dazju doganali, Parti tista' żżid dak id-dazju doganali għal-livell iddeterminat għas-sena rispettiva tal-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi f'konformità mal-Anness 2-A.

([10]) Għal aktar ċertezza; dik il-modifika għandha tieħu post kwalunkwe rata tad-dazju doganali jew kategorija ta' stadji stabbilita fl-Anness 2-A..

([11]) Għall-Messiku, it-tariffa għall-ipproċessar doganali tirreferi għal "*Derecho de Trámite Aduanero*".

3. Kull Parti għandha tippubblika t-tariffi u l-imposti kollha li timponi b'konnessjoni mal-importazzjoni jew l-esportazzjoni b'tali mod li l-gvernijiet, in-negozjanti u partijiet interessati oħrajn ikunu jistgħu jsiru familjari magħhom.

4. Parti ma għandhiex tirrikjedi tranżazzjonijiet konsulari, inklużi tariffi u imposti relatati, b'konnessjoni mal-importazzjoni ta' merkanzija tal-Parti l-oħra. ([12])

Artikolu 2.7

Prodotti li Jerġgħu Jidħlu wara Tiswija jew Alterazzjoni

1. "tiswija jew alterazzjoni" tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar li ssir fuq prodott sabiex jissewwew difetti operattivi jew ħsara materjali u li tinvolvi l-proċess sabiex prodott jinġieb lura għall-funzjoni oriġinali tiegħu, jew sabiex tiġi żgurata l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti tekniċi għall-użu tiegħu, li mingħajrha l-prodott ma jkunx jista' jkompli jintuża bil-mod normali għall-iskopijiet li għalihom kien maħsub. It-tiswija ta' prodott tinkludi r-restawr u l-manutenzjoni, iżda ma tinkludix operazzjoni jew proċess li:

(a) jeqirdu l-karatteristiċi essenzjali ta' prodott, jew li joħolqu prodott ġdid jew kummerċjalment differenti;

(b) jittrasformaw prodott mhux lest f'wieħed lest; jew

(c) jintużaw biex ibiddlu sostanzjalment il-funzjoni ta' prodott.

2. Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali fuq prodott, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, li jidħol mill-ġdid fit-territorju tagħha wara li jkun ġie temporanjament esportat mit-territorju tagħha lejn it-territorju tal-Parti l-oħra għal tiswija jew alterazzjoni, irrispettivament minn jekk tali tiswija jew alterazzjoni tkunx tista' ssir fit-territorju tal-Parti minn fejn il-prodott ikun ġie esportat għat-tiswija jew għall-alterazzjoni.

3. Il-paragrafu 2 ma japplikax għal prodott importat f'bond, f'żoni ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili, li mbagħad jiġi esportat għat-tiswija u ma jiġix importat mill-ġdid f'bond, f'żoni ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili.

4. Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali għal prodott, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, temporanjament importat mit-territorju tal-Parti l-oħra għat-tiswija jew għall-alterazzjoni.

Artikolu 2.8

Prodotti Manifatturati mill-Ġdid

1. "prodott manifatturat mill-ġdid" tfisser prodott ikklassifikat fil-Kapitoli minn 84 sa 90, jew fl-intestatura 9402, tas-Sistema Armonizzata, ħlief il-prodotti inklużi fl-Anness 2-B ta' dan il-Ftehim, li:

(a) ikun prodott kompletament jew parzjalment minn materjali rkuprati minn prodotti li jkunu ntużaw;

(b) ikollu prestazzjoni u kundizzjonijiet tax-xogħol simili, kif ukoll stennija tal-għomor bħall-prodott simili f'kundizzjoni ġdida; u

([12]) Għal aktar ċertezza, il-Parti li timporta tista' tirrikjedi, l-konsularizzazzjoni tad-dokumenti mill-konslu tagħha mal-ġuriżdizzjoni fit-territorju tal-Parti li tesporta:
(a) għal skopijiet ta' investigazzjoni jew ta' awditjar, jew
(b) għall-importazzjoni ta' oġġetti domestiċi.

(c) jingħata l-istess garanzija bħall-prodott simili f'kundizzjoni ġdida.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, Parti ma għandhiex tagħti lill-prodotti manifatturati mill-ġdid tal-Parti l-oħra trattament li jkun inqas favorevoli minn dak li tagħti lill-prodotti simili f'kundizzjoni ġdida.

3. Soġġetta għall-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim u l-Ftehim tal-WTO, Parti tista' titlob li l-prodotti manifatturati mill-ġdid:

(a) jiġu identifikati bħala tali għad-distribuzzjoni jew għall-bejgħ fit-territorju tagħha, inkluż permezz ta' tikketta speċifika, sabiex jiġi evitat il-qerq tal-konsumaturi; u

(b) jissodisfaw ir-rekwiżiti u r-regolamenti tekniċi applikabbli kollha li japplikaw għal prodotti simili f'kundizzjoni ġdida.

4. Għal aktar ċertezza, l-Artikolu 2.9 japplika għall-prodotti manifatturati mill-ġdid. Jekk Parti tadotta jew iżżomm projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti użati, hija ma għandhiex tapplika dawk il-miżuri għal prodotti manifatturati mill-ġdid.

Artikolu 2.9

Restrizzjonijiet fuq l-Importazzjoni u l-Esportazzjoni

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Anness 2-C ta' dan il-Ftehim, Parti ma għandha tadotta jew iżżomm l-ebda projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-importazzjoni ta' xi prodott tal-Parti l-oħra jew fuq l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni ta' kwalunkwe prodott destinat għat-territorju tal-Parti l-oħra, ħlief f'konformità mal-Artikolu XI tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu. Għal dak il-għan, l-Artikolu XI tal-GATT 1994 u n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

Artikolu 2.10

Liċenzjar għall-Importazzjoni

1. Kull Parti għandha tadotta u tamministra kwalunkwe proċedura ta' liċenzjar għall-importazzjoni f'konformità mal-Artikoli 1 sa 3 tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni.

2. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe proċedura ġdida ta' liċenzjar għall-importazzjoni u kwalunkwe modifika tal-proċeduri eżistenti ta' liċenzjar għall-importazzjoni fi żmien 60 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħha u, jekk possibbli, mhux aktar tard minn 60 jum qabel ma tidħol fis-seħħ il-proċedura l-ġdida jew il-modifika. In-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni, kif ukoll l-indirizzi elettroniċi tas-siti web uffiċjali, imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Parti għandha titqies li tikkonforma ma' din id-dispożizzjoni jekk hija tinnotifika l-proċedura ġdida rilevanti tal-liċenzjar għall-importazzjoni, jew kwalunkwe modifika tagħha, lill-Kumitat dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni previst fl-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni f'konformità mal-paragrafi minn 1 sa 3 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni.

3. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi minnufih kwalunkwe informazzjoni rilevanti, inkluża l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni, fir-rigward ta' kwalunkwe proċedura ta' liċenzjar għall-importazzjoni li jkollha l-ħsieb li tadotta, tkun adottat jew iżżomm, jew fir-rigward ta' kwalunkwe modifika tal-proċeduri ta' liċenzjar eżistenti.

4. Kull Parti għandha tippubblika fuq is-siti web uffiċjali rilevanti l-informazzjoni li hija meħtieġa tippubblika skont is-subparagrafu 4(a) tal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni u għandha tiżgura li l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni tkun disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 2.11

Liċenzjar għall-Esportazzjoni

1. Kull Parti għandha tippubblika kwalunkwe proċedura ġdida ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, jew kwalunkwe modifika ta' proċedura eżistenti ta' liċenzjar għall-esportazzjoni inkluż, jekk xieraq, fuq is-siti web uffiċjali rilevanti. Tali pubblikazzjoni għandha ssir, jekk ikun prattikabbli, mhux aktar tard minn 45 jum qabel ma tidħol fis-seħħ il-proċedura jew il-modifika, u fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mid-data meta tidħol fis-seħħ il-proċedura jew il-modifika.

2. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-proċeduri eżistenti tagħha ta' liċenzjar għall-esportazzjoni fi żmien 60 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe proċedura ġdida ta' liċenzjar għall-esportazzjoni u bi kwalunkwe modifika tal-proċeduri eżistenti ta' liċenzjar għall-esportazzjoni fi żmien 60 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħha. Tali notifiki għandhom jinkludu r-referenza għas-sors fejn tiġi ppubblikata l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 3 u, jekk ikun xieraq, l-indirizz tas-sit web uffiċjali rilevanti.

3. Il-pubblikazzjoni tal-proċeduri ta' liċenzjar għall-esportazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-testi tal-proċeduri ta' liċenzjar għall-esportazzjoni u kwalunkwe modifika tagħhom;

(b) il-prodotti soġġetti għal kull proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni;

(c) għal kull proċedura, deskrizzjoni tal-proċess għall-applikazzjoni għal liċenzja għall-esportazzjoni u kwalunkwe kriterju li applikant irid jissodisfa sabiex ikun eliġibbli biex japplika għal liċenzja għall-esportazzjoni, bħall-pussess ta' liċenzja ta' attività, l-istabbiliment jew iż-żamma ta' investiment, jew l-operat permezz ta' forma partikolari ta' stabbiliment fit-territorju ta' Parti;

(d) punt ta' kuntatt wieħed jew aktar li minnhom il-persuni interessati jistgħu jiksbu aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet sabiex jiksbu liċenzja għall-esportazzjoni;

(e) il-korp jew korpi amministrattivi li lilhom għandha tiġi sottomessa applikazzjoni jew dokumentazzjoni rilevanti oħra;

(f) deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura li tkun qed tiġi implimentata permezz tal-proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni;

(g) il-perjodu li matulu se tkun fis-seħħ kull proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, sakemm il-proċedura ma tibqax fis-seħħ sakemm tiġi rtirata jew riveduta f'pubblikazzjoni ġdida;

(h) jekk il-Parti jkollha l-ħsieb li tuża proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni biex tamministra kwota tal-esportazzjoni, il-kwantità ġenerali, id-dati tal-ftuħ u tal-għeluq tal-kwota u, jekk applikabbli, il-valur tal-kwota; u

(i) kwalunkwe eżenzjoni mir-rekwiżit li tinkiseb liċenzja għall-esportazzjoni jew kwalunkwe eċċezzjoni għalih, kif jistgħu jintalbu jew jintużaw dawk l-eżenzjonijiet jew l-eċċezzjonijiet, u l-kriterji għall-għoti tagħhom.

4. Għal aktar ċertezza, f'dan l-Artikolu ma hemm xejn li jirrikjedi li Parti tagħti liċenzja għall-esportazzjoni, jew li jipprevjeni lil Parti milli timplimenta l-obbligi jew l-impenji tagħha skont ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll skont reġimi multilaterali ta' nonproliferazzjoni u arranġamenti għall-kontroll tal-esportazzjoni.

Artikolu 2.12

Valutazzjoni Doganali

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali.

Artikolu 2.13

Dħul Temporanju tal-Prodotti

1. Kull Parti għandha tagħti dħul temporanju b'eżenzjoni kundizzjonali totali mid-dazji tal-importazzjoni, kif previst fil-liġijiet u r-regolamenti tagħha, għall-prodotti li ġejjin, irrispettivament mill-oriġini tagħhom:

(a) prodotti maħsuba għall-wiri jew għall-użu f'wirjiet, fieri, laqgħat, dimostrazzjonijiet jew avvenimenti simili;

(b) tagħmir professjonali, inkluż tagħmir għall-istampa jew għax-xandir bil-ħoss jew televiżiv, software, tagħmir ċinematografiku, u kwalunkwe apparat jew aċċessorju anċillari għal tali tagħmir, li huwa meħtieġ għat-twettiq tal-attività kummerċjali, tal-kummerċ jew tal-professjoni ta' persuna li tkun qed iżżur it-territorju tal-Parti biex twettaq kompitu speċifikat;

(c) kontenituri, kampjuni kummerċjali, filmati u reġistrazzjonijiet ta' reklamar u prodotti oħrajn importati b'konnessjoni ma' operazzjoni kummerċjali;

(d) prodotti importati għal skopijiet sportivi;

(e) prodotti importati għal skopijiet umanitarji; u

(f) annimali importati għal skopijiet speċifiċi.

2. Kull Parti tista' titlob li l-oġġetti li jibbenefikaw minn dħul temporanju f'konformità mal-paragrafu 1:

(a) ikunu maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid mingħajr ma jkunu għaddew minn xi bidla, ħlief deprezzament normali minħabba l-użu li jkun sar minnhom;

(b) jintużaw biss minn jew taħt is-superviżjoni personali ta' ċittadin tal-Parti l-oħra fl-eżerċitar tal-attività kummerċjali, tal-kummerċ, tal-professjoni jew tal-isport ta' dik il-persuna tal-Parti l-oħra;

(c) ma jinbigħux jew ma jingħatawx b'lokazzjoni fit-territorju tagħha;

(d) ikunu akkumpanjati minn garanzija, jekk tintalab mill-Parti li timporta, f'ammont mhux akbar mill-imposti li kieku kienu jkunu dovuti mad-dħul jew mal-importazzjoni finali, li jistgħu jiġu rilaxxati mal-esportazzjoni tal-prodotti;

(e) ikunu jistgħu jiġu identifikati meta jiġu importati u esportati;

(f) jiġu esportati mill-ġdid f'perjodu speċifikat b'mod raġonevoli relatat mal-iskop tad-dħul temporanju; u

(g) jiddaħħlu fi kwantità mhux akbar milli jkun raġonevoli għall-użu maħsub tagħhom.

3. Kull Parti għandha tippermetti li l-prodotti li jiddaħħlu temporanjament skont dan l-Artikolu jiġu esportati mill-ġdid permezz ta' kwalunkwe port jew uffiċċju doganali minbarra dak li minnu jkunu ddaħħlu.

4. Kull Parti għandha tistabbilixxi li l-importatur jew kwalunkwe persuna oħra responsabbli għall-prodotti li jiddaħħlu f'konformità ma' dan l-Artikolu ma għandhomx jinżammu responsabbli għan-nuqqas tagħhom li jesportaw tali prodotti, fil-perjodu stabbilit għad-dħul temporanju, inkluża kwalunkwe estensjoni legali, mal-preżentazzjoni ta' prova sodisfaċenti lill-Parti li timporta, f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali tagħha, li l-prodotti nqerdu totalment jew intilfu b'mod li ma setgħux jiġu rkuprati.

Artikolu 2.14

Kooperazzjoni

1. Dispożizzjonijiet speċjali dwar il-kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Partijiet b'rabta mat-trattament tariffarju preferenzjali huma stabbiliti fl-Anness 2-D.

2. Kull sena, il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-istatistika tal-importazzjoni minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm il-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija jiddeċiedi mod ieħor. L-iskambju tal-istatistika tal-importazzjoni għandu jkopri d-*data* li tappartjeni għall-aktar sena reċenti disponibbli, inklużi l-valur u l-volum, fil-livell tal-linja tariffarja għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-Parti l-oħra li jibbenefikaw minn trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim u ta' dawk li jirċievu trattament mhux preferenzjali.

Artikolu 2.15

Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija

Il-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija stabbilit bis-subparagrafu 1(a) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) għandu:

(a) jissorvelja l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu u l-Annessi 2-A sa 2-G;

(b) jippromwovi l-kummerċ fil-merkanzija bejn il-Partijiet, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet dwar it-titjib tat-trattament tariffarju tal-aċċess għas-suq skont dan il-Ftehim u kwistjonijiet oħrajn, kif xieraq;

(c) jipprovdi forum biex tiġi diskussa u solvuta kwalunkwe kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu;

(d) jindirizza minnufih l-ostakli għall-kummerċ fil-merkanzija bejn il-Partijiet, speċjalment dawk relatati mal-applikazzjoni ta' miżuri mhux tariffarji u, jekk xieraq, jirreferi tali kwistjonijiet lill-Kumitat Konġunt għall-kunsiderazzjoni tiegħu;

(e) jirrakkomanda lill-Kumitat Konġunt kwalunkwe modifika ta' dan il-Kapitolu jew żieda miegħu;

(f) jikkoordina l-iskambju tad-*data* għall-użu preferenzjali jew kwalunkwe skambju ieħor ta' informazzjoni dwar il-kummerċ fil-merkanzija bejn il-Partijiet li jista' jiddeċiedi;

(g) jirrevedi kwalunkwe emenda futura tas-Sistema Armonizzata biex jiżgura li l-obbligi ta' kull Parti skont dan il-Ftehim ma jinbidlux, u jikkonsulta biex isolvi kwalunkwe kunflitt relatat;

(h) iwettaq kwalunkwe funzjoni oħra li l-Kumitat Konġunt jista' jassenjalu.

TAQSIMA B

Kummerċ ta' Prodotti Agrikoli

Artikolu 2.16

Kamp ta' Applikazzjoni

Din it-Taqsima tapplika għall-miżuri adottati jew miżmuma minn Parti relatati mal-kummerċ ta' prodotti agrikoli.

Artikolu 2.17

Kooperazzjoni f'Fora Multilaterali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw taħt id-WTO biex jippromwovu sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, mhux diskriminatorja u ekwitabbli, sabiex imexxu n-negozjati agrikoli 'l quddiem, u sabiex jippromwovu l-istabbiliment ta' kwalunkwe dixxiplina ġdida li tiffaċilita l-kummerċ ta' prodotti agrikoli.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li xi miżuri ta' esportazzjoni, bħal projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni jew taxxi fuq l-esportazzjoni jista' jkollhom effett detrimentali fuq provvisti kritiċi ta' prodotti agrikoli. F'dan ir-rigward, il-Partijiet għandhom jappoġġaw l-istabbiliment ta' dixxiplini permezz ta' parteċipazzjoni attiva fil-fora internazzjonali rilevanti.

Artikolu 2.18

Kompetizzjoni fl-Esportazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) "sussidji għall-esportazzjoni" tfisser sussidji skont it-tifsira tal-paragrafu (e) tal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura; u

(b) "miżuri b'effett ekwivalenti" tfisser krediti għall-esportazzjoni, garanziji ta' kreditu għall-esportazzjoni jew programmi ta' assigurazzjoni, kif ukoll miżuri oħrajn li għandhom effett ekwivalenti għal sussidju għall-esportazzjoni ([13]).

2. Il-Partijiet jaffermaw l-impenji tagħhom fid-Deċiżjoni dwar il-Kompetizzjoni fl-Esportazzjoni, adottata fid-19 ta' Diċembru 2015 mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Nairobi, biex jeżerċitaw l-akbar restrizzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe rikors għall-forom kollha ta' sussidji għall-esportazzjoni u l-miżuri kollha għall-esportazzjoni b'effett ekwivalenti u biex isaħħu t-trasparenza u jtejbu l-monitoraġġ b'rabta mal-forom kollha ta' sussidji għall-esportazzjoni u l-miżuri kollha għall-esportazzjoni b'effett ekwivalenti.

3. Parti ma għandha tadotta jew iżżomm l-ebda sussidju għall-esportazzjoni fuq kwalunkwe prodott agrikolu li jiġi esportat jew inkorporat fi prodott li jiġi esportat lejn it-territorju tal-Parti l-oħra.

4. Parti ma għandha żżomm, tintroduċi jew tintroduċi mill-ġdid l-ebda miżura oħra b'effett ekwivalenti fuq prodott agrikolu li jiġi esportat jew inkorporat fi prodott li jiġi esportat lejn it-territorju tal-Parti l-oħra, sakemm dik il-miżura b'effett ekwivalenti ma tikkonformax mat-termini u l-kundizzjonijiet iddeterminati fil-Ftehim, id-deċiżjoni jew l-impenn rilevanti tad-WTO.

([13]) Fl-interpretazzjoni tat-terminu "miżuri b'effett ekwivalenti", għal każ speċifiku, il-Partijiet jistgħu jfittxu gwida fir-regoli rilevanti tad-WTO, kif ukoll fil-prattika tas-sħubija fid-WTO.

5. Bil-għan li tissaħħaħ it-trasparenza u jittejjeb il-monitoraġġ b'rabta mas-sussidji għall-esportazzjoni u ma' miżuri oħrajn b'effett ekwivalenti, Parti li jkollha dubju raġonevoli dwar sussidju għall-esportazzjoni jew miżura oħra b'effett ekwivalenti applikata mill-Parti l-oħra fuq prodott agrikolu destinat għall-esportazzjoni lejn il-Parti preċedenti, tista' titlob l-informazzjoni meħtieġa dwar il-miżuri applikati mill-Parti l-oħra. L-informazzjoni meħtieġa għandha tingħata mingħajr dewmien.

Artikolu 2.19

Amministrazzjoni tal-Kwoti tar-Rati Tariffarji

1. Parti li tapplika kwoti tar-rati tariffarji f'konformità mal-Anness 2-A għandha:

(a) tamministra dawk il-kwoti tar-rati tariffarji fil-ħin u b'mod trasparenti, oġġettiv u mhux diskriminatorju f'konformità mal-liġi tagħha; u

(b) tagħmel disponibbli għall-pubbliku b'mod f'waqtu u kontinwu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti, inklużi l-volum disponibbli, ir-rati ta' utilizzazzjoni u l-kriterji ta' eliġibbiltà.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-amministrazzjoni tal-kwoti tar-rati tariffarji. Għal dak l-iskop, kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt maħsub biex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-Partijiet u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tagħha. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw minnufih lil xulxin dwar kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

Artikolu 2.20

Sottokumitat għall-Agrikoltura

1. Is-Sottokumitat għall-Agrikoltura stabbilit bis-subparagrafu 1(b) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) għandu:

(a) jissorvelja l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' din it-Taqsima, u jippromwovi l-kooperazzjoni sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ fil-prodotti agrikoli bejn il-Partijiet;

(b) jipprovdi forum għall-Partijiet biex jiddiskutu l-iżviluppi fil-programmi agrikoli tagħhom u l-kummerċ fi prodotti agrikoli bejn il-Partijiet;

(c) jindirizza l-ostakli, inklużi l-ostakli mhux tariffarji, għall-kummerċ fi prodotti agrikoli bejn il-Partijiet;

(d) jevalwa l-impatt ta' dan il-Kapitolu fuq is-settur agrikolu ta' kull Parti, kif ukoll l-operat tal-istrumenti ta' dan il-Kapitolu, u jirrakkomanda kwalunkwe azzjoni xierqa lill-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija;

(e) jipprovdi forum biex jikkonsulta dwar kwistjonijiet relatati ma' din it-Taqsima b'koordinazzjoni ma' kumitati rilevanti oħrajn, gruppi ta' ħidma jew kwalunkwe korp speċjalizzat ieħor skont dan il-Ftehim;

(f) iwettaq kwalunkwe funzjoni oħra li l-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija jista' jassenjalu; u

(g) jirrapporta r-riżultati tal-ħidma tiegħu skont dan il-paragrafu lill-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

2. Is-Sottokumitat għall-Agrikoltura għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor.

3. Meta jinqalgħu ċirkostanzi speċjali, fuq talba ta' Parti, is-Sottokumitat għall-Agrikoltura għandu jiltaqa', bi qbil tal-Partijiet, mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data ta' tali talba.

TAQSIMA C

Kummerċ fl-Inbid u fl-Ispirti

Artikolu 2.21

Kamp ta'

Applikazzjoni Din it-Taqsima tapplika għall-prodotti tal-inbid ([14]) u għall-ispirti kklassifikati taħt l-intestaturi 2204, 2205 u 2208 tas-Sistema Armonizzata.

Artikolu 2.22

Prattiki Enoloġiċi

1. L-Unjoni Ewropea għandha tawtorizza l-importazzjoni u t-tqegħid fis-suq fit-territorju tagħha għall-konsum mill-bniedem ta' nbid li joriġina fil-Messiku u li jiġi prodott f'konformità ma':

(a) id-definizzjonijiet tal-prodotti awtorizzati fil-Messiku mil-liġijiet u r-regolamenti msemmija fil-Parti A tal-Anness 2-E; u

(b) il-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikati fil-Messiku skont il-liġijiet u r-regolamenti msemmija fil-Parti A tal-Anness 2-E jew inkella approvati għall-użu fl-inbejjed għall-esportazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Messiku, sa fejn ikunu rrakkomandati u ppubblikati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (minn hawn 'il quddiem imsejħa "OIV").

L-awtorizzazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu hija soġġetta għar-rekwiżit li ma jiżdied l-ebda alkoħol jew spirtu mal-inbejjed, bl-eċċezzjoni ta' nbejjed likuri li magħhom jista' jiżdied alkoħol ta' oriġini mid-dwieli jew spirtu tal-għeneb. Dan is-subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiżdied alkoħol differenti mill-alkoħol ta' oriġini mid-dwieli fil-produzzjoni ta' "vino generoso", diment li tali żieda tintwera b'mod ċar fuq it-tikketta.

2. Il-Messiku għandu jawtorizza l-importazzjoni u t-tqegħid fis-suq fit-territorju tiegħu għall-konsum mill-bniedem ta' nbid li joriġina fl-Unjoni Ewropea u li jiġi prodott f'konformità ma':

(a) id-definizzjonijiet tal-prodotti awtorizzati fl-Unjoni Ewropea mil-liġijiet u r-regolamenti msemmija fil-Parti B tal-Anness 2-E;

(b) il-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikati fl-Unjoni Ewropea skont il-liġijiet u r-regolamenti msemmija fil-Parti B tal-Anness 2-E; u

(c) il-fatt li ż-żieda ta' alkoħol jew spirti hija eskluża għall-inbejjed kollha għajr għall-inbejjed likuri li magħhom jista' jiżdied biss alkoħol ta' oriġini mid-dwieli jew spirtu tal-għeneb.

3. Il-varjetajiet tad-dwieli li jistgħu jintużaw f'inbejjed importati minn Parti u mqiegħda fis-suq fit-territorju tal-Parti l-oħra huma varjetajiet ta' pjanti tal-"vitis vinifera" u ibridi tagħhom, mingħajr preġudizzju għal liġijiet u regolamenti aktar restrittivi li Parti jista' jkollha fir-rigward tal-inbid prodott fit-territorju tagħha.

4. Il-Kunsill Konġunt jista' jimmodifika l-Partijiet A u B tal-Anness 2-E sabiex iżid, iħassar jew jaġġorna r-referenzi għad-definizzjonijiet tal-prodotti, u l-prattiki u r-restrizzjonijiet enoloġiċi.

([14]) Għal aktar ċertezza, "prodotti tal-inbid" tfisser inbid u prodotti tal-inbid oħrajn ikklassifikati taħt l-intestaturi 2204 u 2205 tas-Sistema Armonizzata.

Artikolu 2.23

Tikkettar ta' Prodotti tal-Inbid u Spirti

1. Parti ma għandhiex titlob li kwalunkwe waħda mid-dati li ġejjin jew l-ekwivalenti tagħhom tintwera fuq il-kontenitur, it-tikketta, jew l-imballaġġ tal-prodotti tal-inbid jew tal-ispirti:

(a) id-data tal-imballaġġ;

(b) id-data tal-ibbottiljar;

(c) id-data tal-produzzjoni jew tal-manifattura;

(d) id-data ta' skadenza, id-data "uża sa", id-data "uża jew ikkonsma sa", id-data "jiskadi sa";

(e) id-data ta' durabbiltà minima, id-data "l-aħjar kwalità sa", id-data "l-aħjar kwalità qabel"; jew

(f) id-data "sa meta għandu jinbiegħ".

Parti tista' titlob li tintwera data ta' durabbiltà minima fil-każ taż-żieda ta' ingredjenti li jitħassru malajr jew fil-każ ta' durabbiltà li l-produttur iqis li hija ta' 12-il xahar jew inqas.

2. Parti ma għandhiex titlob li t-traduzzjonijiet tat-trademarks, tal-ismijiet tad-ditti jew tal-indikazzjonijiet ġeografiċi jintwerew fuq il-konteniturі, it-tikketti jew l-imballaġġ ta' prodotti tal-inbid jew spirti.

3. Parti għandha tippermetti li l-informazzjoni obbligatorja, inklużi t-traduzzjonijiet, tintwera fuq tikketta supplimentari mwaħħla ma' kontenitur ta' prodotti tal-inbid jew spirti. Jistgħu jitwaħħlu tikketti supplimentari ma' konteniturі importati tal-inbid jew tal-ispirtu wara l-importazzjoni, iżda qabel ma jiġi offrut il-prodott għall-bejgħ fit-territorju tal-Parti, diment li l-informazzjoni obbligatorja tat-tikketta oriġinali tkun riflessa b'mod sħiħ u preċiż.

4. Parti għandha tippermetti l-użu tal-kodiċijiet tal-lott ta' identifikazzjoni, diment li dawk il-kodiċijiet jiġu ppreservati mit-tħassir.

5. Parti ma għandhiex tapplika miżura ta' tikkettar għall-prodotti tal-inbid u l-ispirti li tqiegħdu fis-suq fit-territorju ta' dik il-Parti qabel id-data li fiha daħlet fis-seħħ il-miżura, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

6. Parti għandha tippermetti l-użu ta' tpinġijiet, ċifri, illustrazzjonijiet u dikjarazzjonijiet jew skrizzjonijiet fuq fliexken, diment li dawn ma jissostitwixxux l-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar u ma jqarrqux bil-konsumatur dwar il-karatteristiċi reali u l-kompożizzjoni tal-prodotti tal-inbid u tal-ispirti.

7. Parti ma għandhiex titlob li t-tikketti tal-prodotti tal-inbid jew tal-ispirti juru t-tikkettar tal-allerġeni fir-rigward tal-allerġeni li jkunu ntużaw fil-produzzjoni u fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-inbid jew tal-ispirti u li ma jkunux preżenti fil-prodott finali.

8. Għall-kummerċ tal-inbid bejn il-Partijiet, l-inbid li joriġina mill-Unjoni Ewropea jista' jiġi ttikkettat fil-Messiku b'indikazzjoni tat-tip ta' prodott kif speċifikat fil-Parti C tal-Anness 2-E.

9. Kull Parti għandha tipproteġi l-ismijiet li ġejjin fir-rigward tal-prodotti tal-inbid u l-ispirti, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, li saret f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1883 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni ta' Pariġi"):

(a) l-isem ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; u

(b) l-isem tal-Istati Uniti tal-Messiku jew tal-Messiku u tal-Istati tiegħu.

10. Parti għandha tippermetti li t-tikketti tal-prodotti tal-inbid jew tal-ispirti jesprimu l-kontenut alkoħoliku skont il-volum fl-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

(a) "% volum ta' alkoħol";

(b) "% volum ta' alkoħol";

(c) "% volum ta' alkoħol";

(d) "% volum ta' alkoħol";

(e) "% ta' alkoħol";

(f) "% ta' alkoħol/volum";

(g) "() % volum ta' alkoħol";

(h) "% ta' alkoħol/volum";

(i) "() % volum ta' alkoħol".

Artikolu 2.24

Ċertifikazzjoni tal-Prodotti tal-Inbid u tal-Ispirti

1. Parti tista' titlob biss, għall-prodotti tal-inbid importati mill-Parti l-oħra u mqiegħda fis-suq tagħha, id-dokumentazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fil-Parti D tal-Anness 2-E.

2. Parti ma għandhiex tissottometti l-importazzjoni ta' prodotti tal-inbid prodotti fit-territorju tal-Parti l-oħra għal rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tal-importazzjoni aktar restrittivi minn dawk stipulati f'dan il-Ftehim.

3. Kull Parti tista' tapplika l-liġijiet u r-regolamenti tagħha sabiex tidentifika prodotti adulterati jew ikkontaminati wara l-importazzjoni finali tagħhom.

4. F'każ ta' tilwima, kull Parti għandha tirrikonoxxi bħala metodi ta' referenza, il-metodi ta' analiżi li jikkonformaw mal-istandards irrakkomandati minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) jew, f'każ li tali metodi ma jeżistux, il-metodi tal-OIV.

5. Kull Parti għandha tawtorizza l-importazzjoni fit-territorju tagħha ta' spirti f'konformità mar-regoli li jirregolaw id-dokumentazzjoni tal-importazzjoni jew ir-rapporti ta' ċertifikazzjoni u analiżi kif previst fil-liġijiet u r-regolamenti tagħha.

6. L-Unjoni Ewropea għandha titlob, għall-importazzjoni ta' Tequila u Mezcal fl-Unjoni Ewropea, il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tagħha ta' ċertifikat tal-awtenticità tal-esportazzjoni ta' dawk il-prodotti maħruġ mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditati u approvati mill-awtoritajiet Messikani. ([15]) Il-Messiku għandu jipprovdi mudelli taċ-ċertifikat tal-awtenticità tal-esportazzjoni ta' Tequila u Mezcal u jinnotifika kwalunkwe bidla relatata ma' dawk iċ-ċertifikati lis-Sottokumitat għall-Kummerċ tal-Inbejjed u l-Ispirti.

7. Parti tista' tintroduċi rekwiżiti temporanji addizzjonali ta' ċertifikazzjoni tal-importazzjoni għal prodotti tal-inbejjed u spirti importati mill-Parti l-oħra b'rispons għat-tħassib leġittimu dwar l-ordni pubbliku, bħall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-konsumatur, jew sabiex taġixxi kontra l-frodi. F'każ bħal dan, il-Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra informazzjoni adegwata u biżżejjed żmien biex tippermetti l-issodisfar tar-rekwiżiti addizzjonali.

Tali rekwiżiti ma għandhomx jestendu lil hinn mill-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jirrispondu għat-tħassib partikolari dwar l-ordni pubbliku jew ir-riskju ta' frodi li b'rispons għalih ġew introdotti.

8. Il-Kunsill Konġunt jista' jimmodifika l-Parti D tal-Anness 2-E fir-rigward tad-dokumentazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 2.25

Regoli Applikabbli

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-importazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti koperti minn din it-Taqsima, innegozjati bejn il-Partijiet, għandhom isiru f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fit-territorju tal-Parti tal-importazzjoni.

Artikolu 2.26

Miżuri Tranżizzjonali

Prodotti li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ikunu ġew prodotti u ttikkettati f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti u l-ftehimiet eżistenti bejn il-Partijiet, iżda li ma jikkonformawx ma' din it-Taqsima jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fil-Parti li timporta taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) minn bejjiegħa bl-ingrossa jew produtturi, għal perjodu ta' sentejn; jew

(b) minn bejjiegħa bl-imnut, sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

Artikolu 2.27

Notifiki

Kull Parti għandha tiżgura n-notifika f'waqtha lill-Parti l-oħra ta' kwalunkwe emenda għal-liġijiet u r-regolamenti dwar kwistjonijiet koperti minn din it-Taqsima li għandhom impatt fuq il-prodotti nnegozjati bejniethom.

([15]) Għal aktar ċertezza, dan huwa mingħajr preġudizzju għal-liġijiet u r-regolamenti ta' kull Parti għat-tqegħid fis-suq u l-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-prodotti.

Artikolu 2.28

Kooperazzjoni dwar il-Kummerċ tal-Inbejjed u l-Ispirti

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-kummerċ tal-inbejjed u l-ispirti, b'mod partikolari:

(a) id-definizzjonijiet, iċ-ċertifikazzjoni u t-tikkettar tal-prodotti; u

(b) l-użu ta' varjetajiet ta' għeneb fil-produzzjoni tal-inbid u t-tikkettar tagħhom.

2. Sabiex tiffaċilita l-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-Partijiet, kull Parti għandha taħtar l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' kwistjonijiet koperti minn din it-Taqsima. Jekk Parti taħtar aktar minn awtorità kompetenti waħda jew korp kompetenti wieħed, hija għandha tiżgura l-koordinazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet u l-korpi. F'dak il-każ, Parti għandha taħtar ukoll awtorità ta' kollegament waħda biex isservi bħala l-punt ta' kuntatt uniku għall-awtorità jew għall-korp tal-Parti l-oħra.

3. Il-Partijiet għandhom jinformaw lil xulxin bl-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet u l-korpi kompetenti msemmija fil-paragrafu 2, u kwalunkwe bidla għalihom, mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

4. L-awtoritajiet u l-korpi msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jikkooperaw mill-qrib u jfittxu modi kif itejbu aktar l-assistenza reċiproka fl-applikazzjoni ta' din it-Taqsima, b'mod partikolari sabiex jiġġieldu prattiki frodulenti.

Artikolu 2.29

Sottokumitat għall-Kummerċ tal-Inbejjed u l-Ispirti

1. Is-Sottokumitat għall-Kummerċ tal-Inbejjed u l-Ispirti stabbilit fis-subparagrafu 1(c) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) għandu:

(a) jimmonitorja l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' din it-Taqsima;

(b) jipprovdi forum għall-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet relatati ma' din it-Taqsima u l-iskambju ta' informazzjoni; u

(c) jiżgura l-funzjonament tajjeb ta' din it-Taqsima.

2. Is-Sottokumitat għall-Kummerċ tal-Inbejjed u l-Ispirti jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet u jħejji deċiżjonijiet għall-Kunsill Konġunt li jistgħu jiġu adottati kif previst f'din it-Taqsima.

TAQSIMA D

Impenji ta' Aċċess għas-Suq Mhux Tariffarju għal Setturi Oħrajn

Artikolu 2.30

Prodotti farmaċewtiċi

L-impenji speċifiċi ta' aċċess għas-suq mhux tariffarju ta' kull Parti relatati ma' prodotti farmaċewtiċi u apparat mediku huma stabbiliti fl-Anness 2-F.

Artikolu 2.31

Vetturi bil-Mutur

L-impenji speċifiċi ta' aċċess għas-suq mhux tariffarju ta' kull Parti relatati ma' vetturi bil-mutur u tagħmir, u partijiet minnhom, huma stabbiliti fl-Anness 2-G.

KAPITOLU 3

REGOLI TAL-ORIĠINI U PROĊEDURI TAL-ORIĠINI

TAQSIMA A

Regoli tal-Oriġini

Artikolu 3.1

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "Kapitoli", "intestaturi" u "subintestaturi" tfisser il-kapitoli (kodiċijiet b'żewġ ċifri), l-intestaturi (kodiċijiet b'erba' ċifri) u s-subintestaturi (kodiċijiet b'sitt ċifri) użati fin-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata;

(b) "awtorità governattiva kompetenti" tfisser, fil-każ tal-Messiku, l-awtorità maħtura fi ħdan il-Ministeru tal-Ekonomija (*Secretaría de Economía*), jew is-suċċessur tagħha;

(c) "kunsinna" tfisser prodotti li jew jintbagħtu simultanjament minn esportatur wieħed lil destinatarju wieħed jew inkella jkunu koperti minn dokument tat-trasport wieħed li jkopri l-vjeġġ tagħhom mill-esportatur lid-destinatarju jew, fin-nuqqas ta' tali dokument, minn fattura waħda;

(d) "awtoritajiet doganali" tfisser l-awtorità governattiva li hija responsabbli skont il-liġi ta' Parti għall-amministrazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet u r-regolamenti doganali;

(e) "esportatur" tfisser persuna li tinsab fit-territorju ta' Parti li tesporta mit-territorju ta' dik il-Parti u tagħmel dikjarazzjoni dwar l-oriġini;

(f) "importatur" tfisser persuna li tinsab fit-territorju ta' Parti li timporta prodott u titlob trattament tariffarju preferenzjali;

(g) "materjal" tfisser kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent, parti, jew simili, użati fil-produzzjoni tal-prodott;

(h) "materjali mhux oriġinarji" tfisser materjali li ma jikkwalifikawx bħala oriġinarji skont dan il-Kapitolu;

(i) "materjali oriġinarji" jew "prodotti oriġinarji" tfisser materjali jew prodotti, rispettivament, li jikkwalifikaw bħala oriġinarji skont dan il-Kapitolu;

(j) "prodott" tfisser il-prodott li jkun qed jiġi manifatturat, anki jekk ikun maħsub bħala materjal għal użu aktar tard fil-produzzjoni ta' prodott ieħor; u

(k) "produzzjoni" tfisser kwalunkwe tip ta' tħaddim, ipproċessar jew operazzjonijiet speċifiċi, inkluż l-assemblaġġ.

Artikolu 3.2

Rekwiżiti Ġenerali

1. Għall-fini tal-applikazzjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali minn Parti għall-prodott oriġinarju tal-Parti l-oħra f'konformità ma' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fil-Parti fejn tkun seħħet l-aħħar produzzjoni:

(a) prodotti miksuba għal kollox f'dik il-Parti skont it-tifsira tal-Artikolu 3.4;

(b) prodotti manifatturati f'dik il-Parti esklussivament minn materjali oriġinarji; jew

(c) prodotti manifatturati f'dik il-Parti li jinkorporaw materjali mhux oriġinarji, diment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 3-A.

2. Prodott meqjus bħala li joriġina f'Parti f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli l-oħrajn kollha ta' dan il-Kapitolu għall-għoti ta' trattament tariffarju preferenzjali bbażat fuq talba skont l-Artikolu 3.16.

3. Jekk prodott ikun kiseb status oriġinarju, il-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' dak il-prodott ma għandhomx jitqiesu bħala mhux oriġinarji meta dak il-prodott ikun inkorporat bħala materjal fi prodott ieħor.

4. Għall-akkwist tal-istatus oriġinarju, il-prodott għandu jiġi manifatturat kif imsemmi fis-subparagrafi minn 1(a) sa 1 (c) mingħajr interruzzjoni f'Parti.

Artikolu 3.3

Akkumulazzjoni tal-Oriġini

1. Prodott li joriġina f'Parti għandu jitqies bħala prodott oriġinarju tal-Parti l-oħra jekk jintuża bħala materjal fil-produzzjoni ta' prodott ieħor f'dik il-Parti l-oħra ([16]).

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax jekk:

(a) il-produzzjoni ta' prodott ma tmurx lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3.6; u

(b) l-għan tal-produzzjoni, kif muri abbażi ta' preponderanza tal-evidenza, huwa li tiġi evitata l-liġi finanzjarja jew fiskali ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet.

([16]) Meta r-regoli tal-oriġini għal materjal ikunu differenti bejn il-Partijiet, l-oriġini ta' dak il-materjal għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli tal-oriġini applikabbli għall-Parti li tesporta.

Artikolu 3.4

Prodotti Miksuba Għal Kollox

1. Il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksuba għal kollox f'Parti:

(a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar tagħha;

(b) pjanti u prodotti veġetali mkabbra jew maħsuda hemmhekk;

(c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;

(d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;

(e) prodotti miksuba minn annimali maqtula li jkunu twieldu u trabbew hemmhekk;

(f) prodotti miksuba minn kaċċa jew sajd li jsiru hemmhekk;

(g) prodotti miksuba mill-akkwakultura hemmhekk, jekk l-organiżmi akkwatiċi, inklużi ħut, molluski, krustaċji, invertebrati akkwatiċi oħrajn u pjanti akkwatiċi, jitwieldu jew jitrabbew minn stokk ta' żrieragħ bħal bajd, għenieqed ta' bajd, ħut żgħir, ħut immatur jew larva, permezz ta' intervent fil-proċessi tat-trobbija jew tat-tkabbir biex tissaħħaħ il-produzzjoni, bħall-istokkjar regolari, l-għalf jew il-protezzjoni mill-predaturi;

(h) prodotti tas-sajd fuq il-baħar u prodotti oħrajn meħuda mill-baħar barra kwalunkwe baħar territorjali minn bastiment ta' Parti;

(i) prodotti manifatturati abbord bastiment fabbrika ta' Parti esklussivament minn prodotti msemmija fis-subparagrafu (h);

(j) oġġetti użati miġbura hemmhekk tajbin biss għall-irkupru ta' materja prima, inkluża dik il-materja prima;

(k) skart u ruttam li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' produzzjoni mwettqa hemmhekk;

(l) prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew mis-saff ta' taħt il-ħamrija barra mill-baħar territorjali ta' Parti, diment li jkollhom drittijiet li jisfruttaw jew jaħdmu tali qiegħ il-baħar jew saff ta' taħt il-ħamrija; jew

(m) prodotti manifatturati hemmhekk esklussivament mill-prodotti speċifikati fis-subparagrafi minn (a) sa (l).

2. It-termini "bastiment ta' Parti" u "bastiment fabbrika ta' Parti" fis-subparagrafi 1(h) u 1(i) ifissru bastiment jew bastiment fabbrika li:

(a) ikun irreġistrat fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fil-Messiku;

(b) qlugħ taħt il-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku; u

(c) jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikun mill-inqas 50 % proprjetà ta' ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku; jew

(ii) ikun proprjetà ta' intrapriżi li:

(A) ikollhom l-uffiċċju prinċipali u l-post ewlieni tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea jew fil-Messiku; u

(B) ikunu mill-inqas 50 % proprjetà ta' entitajiet pubbliċi, ċittadini jew intrapriżi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku.

Artikolu 3.5

Tolleranzi

1. Jekk prodott ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 3-A minħabba l-użu ta' materjal mhux oriġinarju fil-produzzjoni, dak il-prodott għandu madankollu jitqies bħala li joriġina f'Parti, diment li:

(a) il-valur totali ta' dak il-materjal mhux oriġinarju ma jaqbiżx 10 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika; u

(b) l-ebda wieħed mill-perċentwali stabbiliti fl-Anness 3-A għall-valur jew il-piż massimu ta' materjali mhux oriġinarji ma jinqabiżx permezz tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal prodotti kklassifikati taħt il-Kapitoli minn 50 sa 63, li għalihom japplikaw it-tolleranzi stabbiliti fin-Noti 5 u 6 tat-Taqsima A tal-Anness 3-A.

3. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma japplikax għall-prodotti miksuba kompletament f'Parti skont it-tifsira tal-Artikolu 3.4. Jekk l-Anness 3-A jirrikjedi li l-materjali użati fil-produzzjoni ta' prodott jinkisbu għal kollox, it-tolleranza prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tapplika għas-somma ta' dawk il-materjali.

Artikolu 3.6

Operazzjonijiet ta' Tħaddim jew Ipproċessar Insuffiċjenti

1. Minkejja l-Artikolu 3.2.1(c), prodott ma għandux jitqies bħala li joriġina f'Parti jekk il-produzzjoni tal-prodott f'Parti tkun tikkonsisti biss mill-operazzjonijiet li ġejjin imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji:

(a) operazzjonijiet biex tiġi żgurata l-preservazzjoni tal-prodotti f'kundizzjoni tajba waqt it-trasport u l-ħażna, bħall-ventilazzjoni, it-tifrix, it-tnixxif, l-iffriżar, it-tkessiħ, it-tqegħid fil-melħ, fid-dijossidu tas-sulfur jew f'soluzzjonijiet milwiema oħrajn, it-tneħħija ta' partijiet bil-ħsara u operazzjonijiet simili;

(b) żieda sempliċi ta' ilma jew dilwizzjoni li ma tbiddilx materjalment il-karatteristiċi tal-prodott jew id-deidratazzjoni jew id-denaturazzjoni ([17]) tal-prodotti;

(c) tgħarbil, skrinjar, issortjar, klassifikazzjoni, gradazzjoni jew tqabbil, inkluża l-kompożizzjoni ta' settijiet ta' oġġetti;

(d) tisnin, tħin sempliċi jew tqattigħ sempliċi;

(e) tqaxxir, tneħħija tal-għadma jew tfesdiq ta' frott, ġewż jew ħxejjex;

(f) tneħħija tal-ħliefa;

(g) tneħħija tal-ħbub;

(h) illostrar jew igglejżjar taċ-ċereali u tar-ross, tħin parzjali jew totali tar-ross;

([17]) Id-denaturazzjoni tkopri li l-alkoħol isir mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem biż-żieda ta' sustanzi tossiċi jew b'togħma ħażina.

(i) operazzjonijiet biex jingħata kulur jew togħma liz-zokkor jew biex jiġu fformati biċċiet taz-zokkor; tħin parzjali jew totali taz-zokkor kristallizzat;

(j) bidliet fl-imballaġġ, separazzjoni u assemblaġġ ta' pakketti;

(k) operazzjonijiet sempliċi ta' imballaġġ;

(l) twaħħil jew stampar ta' marki, tikketti, logos u sinjali distintivi simili oħrajn fuq il-prodotti jew l-imballaġġ tagħhom;

(m) ħasil, tindif, it-tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebgħa jew kisi ieħor;

(n) operazzjonijiet sempliċi ta' żebgħa jew illostrar;

(o) taħlit sempliċi ta' prodotti ([18]), kemm ta' tipi differenti u anki le; ([19])

(p) l-assemblaġġ ta' partijiet ikklassifikati bħala oġġett komplut jew lest f'konformità mar-Regola Interpretattiva Ġenerali 2 (a) tar-Regoli Ġenerali għall-Interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata jew assemblaġġ sempliċi ieħor ta' partijiet;

(q) iż-żarmar ta' prodott f'partijiet jew komponenti;

(r) il-mogħdija jew l-ippressar tat-tessuti u ta' oġġetti tessili;

(s) l-iskarnar tal-annimali; jew

(t) kombinazzjoni ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar speċifikati fis-subparagrafi minn (a) sa (s).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-operazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala sempliċi jekk ma jkunux meħtieġa la ħiliet speċjali u lanqas magni, apparat jew għodod manifatturati jew installati b'mod speċjali għal dawk l-operazzjonijiet għat-twettiq tagħhom u l-operazzjonijiet li jirriżultaw minn dawk il-ħiliet, il-magni, l-apparat jew l-għodod ma jagħtux il-karattru jew il-proprjetajiet essenzjali tal-prodott.

Artikolu 3.7

Unità ta' Kwalifika

1. Għallfinijiet ta' dan il-Kapitolu, l-unità ta' kwalifika għandha tkun il-prodott partikolari, li jitqies bħala l-unità bażika meta l-prodott jiġi kklassifikat taħt is-Sistema Armonizzata.

2. Għal prodott magħmul minn grupp jew assemblaġġ ta' oġġetti, li huwa kklassifikat taħt it-termini tas-Sistema Armonizzata f'intestatura waħda, il-prodott kollu jikkostitwixxi l-unità tal-kwalifika;

3. Għal kunsinna li tikkonsisti f'għadd ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura, kull prodott għandu jitqies individwalment meta jiġi applikat dan il-Kapitolu.

([18]) It-taħlit sempliċi tal-prodotti jkopri t-taħlit taz-zokkor.
([19]) Dawn l-operazzjonijiet ma japplikawx għat-taħlit u t-tħawwid kif imsemmi fil-Kapitoli minn 27 sa 30, 32 sa 35 u 38.

Artikolu 3.8

Segregazzjoni tal-Kontabilità

1. Jekk jintużaw materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji fil-produzzjoni ta' prodott, il-ġestjoni tal-materjali tista' ssir bl-użu ta' metodu ta' segregazzjoni kontabilistika mingħajr ma l-materjali jinżammu f'ħażniet separati.

2. Jekk il-prodotti funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji msemmija fil-Kapitoli 10, 15, 27, 28, 29, l-intestaturi minn 32.01 sa 32.07, jew l-intestaturi minn 39.01 sa 39.14, ikunu fiżikament ikkombinati jew imħalltin f'ħażniet f'Parti qabel l-esportazzjoni tagħhom lejn il-Parti l-oħra, il-ġestjoni ta' dawk il-prodotti tista' ssir bl-użu ta' metodu ta' segregazzjoni kontabilistika mingħajr ma dawk il-prodotti jinżammu f'ħażniet separati.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, materjali funġibbli jew prodotti funġibbli huma materjali jew prodotti li huma tal-istess tip u kwalità kummerċjali, bl-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ma tistax issir distinzjoni bejniethom, fil-każ ta' materjali, ladarba jiġu inkorporati fil-prodott lest.

4. Il-metodu ta' segregazzjoni kontabilistika użat għall-ġestjoni tal-ħażniet għandu jiġi applikat skont sistema ta' ġestjoni tal-ħażniet li tkun konformi mal-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati fil-Parti.

5. Is-sistema ta' ġestjoni tal-ħażniet trid tiżgura fi kwalunkwe ħin li l-għadd ta' prodotti miksuba, li jistgħu jitqiesu bħala prodotti oriġinarji f'Parti, ma jkunx aktar mill-għadd li kien jinkiseb bl-użu ta' metodu ta' segregazzjoni fiżika tal-ħażniet.

6. Manifattur li juża sistema ta' ġestjoni tal-ħażniet irid iżomm rekords tat-tħaddim tas-sistema li huma meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Parti kkonċernata jivverifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

7. Parti tista' titlob li l-użu tas-segregazzjoni kontabilistika skont dan l-Artikolu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet doganali ta' dik il-Parti.

8. L-awtoritajiet doganali ta' Parti jistgħu jagħmlu l-għoti tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni li jqisu xierqa u jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni jekk il-manifattur jagħmel użu mhux xieraq minnha jew jonqos milli jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti f'dan Kapitolu.

Artikolu 3.9

Aċċessorji, Spare Parts u Għodod

1. L-aċċessorji, l-ispare parts u l-għodod mibgħuta ma' biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura, li jkunu parti mit-tagħmir normali u jiġu inklużi fil-prezz tagħhom jew li ma tinħarġilhomx fattura separata, għandhom jitqiesu bħala wieħed mal-biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura inkwistjoni.

2. L-aċċessorji, l-ispare parts u l-għodod imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu injorati fid-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodott, ħlief għall-fini tal-kalkolu tal-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji jekk prodott ikun soġġett għal valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji stabbiliti fl-Anness 3-A .

Artikolu 3.10

Settijiet

Is-settijiet, kif definiti fir-Regola Ġenerali 3 għall-Interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw f'Parti jekk il-komponenti kollha tagħhom ikunu prodotti oriġinarji. Jekk sett ikun magħmul minn prodotti oriġinarji u mhux oriġinarji, is-sett kollu kemm hu għandu jitqies bħala li joriġina f'Parti, diment li dak il-valur tal-prodotti mhux oriġinarji ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz tas-sett kif joħroġ mill-fabbrika.

Artikolu 3.11

Elementi Newtrali

Sabiex jiġi ddeterminat jekk prodott joriġinax f'Parti, ma għandux ikun hemm bżonn li tiġi ddeterminata l-oriġini tal-elementi li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni tiegħu:

(a) fjuwil, enerġija, katalizzaturi u solventi;

(b) tagħmir, apparati u provvisti użati biex jiġi ttestjat jew spezzjonat il-prodott;

(c) ingwanti, nuċċalijiet, xedd tas-saqajn, ħwejjeġ, tagħmir u provvisti tas-sikurezza;

(d) magni, għodod, forom imnaqqxa għall-istampar ta' disinji u forom;

(e) impjant, tagħmir, spare parts u materjali użati fil-manutenzjoni ta' tagħmir u bini;

(f) lubrikanti, grassijiet, materjali komposti u materjali oħrajn użati fil-produzzjoni jew użati biex joperaw tagħmir u bini; u

(g) materjali oħrajn li la huma inkorporati u lanqas maħsuba biex jiġu inkorporati fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

Artikolu 3.12

Materjali tal-Ippakkjar, Materjali tal-Imballaġġ u Kontenituri

1. Il-materjali tal-imballaġġ u l-kontenituri li fihom isir l-imballaġġ tal-prodott għall-bejgħ bl-imnut, jekk ikklassifikati mal-prodott skont ir-Regola Ġenerali 5 għall-Interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata, għandhom jiġu injorati fid-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodott, ħlief għall-fini tal-kalkolu tal-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji jekk prodott ikun soġġett għal valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji f'konformità mal-Anness 3-A.

2. Il-materjali tal-ippakkjar u l-kontenituri li fihom jiġi ppakkjat prodott għall-vjeġġ għandhom jiġu injorati fid-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodott.

Artikolu 3.13

Prodotti Ritornati

Jekk il-prodotti oriġinarji ta' Parti li tesporta minn dik il-Parti lejn pajjiż terz jiġu rritornati, dawn għandhom jitqiesu bħala mhux oriġinarji, sakemm ma jkunx jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li l-prodotti rritornati:

(a) huma l-istess prodotti bħal dawk esportati; u

(b) ma jkunux għaddew minn xi operazzjoni minbarra dik meħtieġa sabiex jiġu ppreservati f'kundizzjoni tajba waqt li jkunu f'dak il-pajjiż terz jew waqt li jkunu qed jiġu esportati.

Artikolu 3.14

Nonalterazzjoni

1. Il-prodotti ddikjarati għall-importazzjoni f'Parti għandhom ikunu l-istess prodotti kif esportati mill-Parti l-oħra li fiha jitqiesu li joriġinaw. Dawk il-prodotti ma għandhomx ikunu ġew mibdula, ittrasformati b'xi mod jew magħmula soġġetti għal operazzjonijiet minbarra operazzjonijiet sabiex jiġu ppreservati f'kundizzjoni tajba, jew minbarra li jiżdiedu jew jitwaħħlu marki, tikketti, siġilli jew sinjali distintivi oħrajn sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti domestiċi speċifiċi tal-Parti li timporta, qabel ma jiġu ddikjarati għall-importazzjoni.

2. Il-ħżin tal-prodotti jew tal-kunsinni jista' jsir f'pajjiż terz, diment li dawn jibqgħu taħt is-superviżjoni doganali f'dak il-pajjiż terz.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima B, il-qsim tal-kunsinni jista' jsir f'pajjiż terz jekk il-qsim jitwettaq mill-esportatur jew taħt ir-responsabbiltà tal-esportatur u diment li l-prodotti jibqgħu taħt is-superviżjoni doganali f'dak il-pajjiż terz.

4. Il-konformità mal-paragrafi minn 1 sa 3 għandha titqies bħala li ġiet issodisfata, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkollhomx raġunijiet biex jemmnu l-kuntrarju. F'każ bħal dan, l-importatur għandu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' kull Parti, jipprovdi evidenza ta' konformità b'mezzi xierqa, inkluż permezz ta' dokumenti tat-trasport kuntrattwali bħal poloz ta' kargu, evidenza fattwali jew konkreta bbażata fuq l-immarkar, in-numerazzjoni tal-pakketti, jew kwalunkwe evidenza relatata mal-prodotti nfushom.

Artikolu 3.15

Wirjiet

1. Il-prodotti oriġinarji mibgħuta għall-wiri f'pajjiż terz u mibjugħa wara l-wirja għall-importazzjoni f'Parti, għandhom jibbenefikaw mal-importazzjoni mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, diment li jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:

(a) esportatur ikun ikkonsenja l-prodotti minn Parti lejn il-pajjiż terz fejn saret il-wirja u jkun esebihom hemmhekk;

(b) il-prodotti jkunu ġew mibjugħa jew imneħħija b'xi mod ieħor minn dak l-esportatur lil persuna f'Parti;

(c) il-prodotti jkunu ġew ikkonsenjati, waqt il-wirja jew immedjatament wara, fl-istess stat li fih ikunu ntbagħtu għall-wirja; u

(d) minn meta jkunu ġew ikkonsenjati għall-wirja, il-prodotti ma jkunux intużaw għal xi skop ieħor għajr għal dimostrazzjoni fil-wirja.

2. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini trid issir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima B u trid tiġi sottomessa lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta bil-mod normali. L-isem u l-indirizz tal-wirja jridu jiġu indikati fuqha.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kwalunkwe wirja kummerċjali, industrijali, agrikola jew tas-snajja', fiera jew wirja pubblika simili, li ma tkunx organizzata għal skopijiet privati fi ħwienet jew bini tan-negozju bil-ħsieb tal-bejgħ ta' dawk il-prodotti, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt kontroll doganali.

4. L-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jistgħu jitolbu evidenza li l-prodotti baqgħu taħt kontroll doganali fil-pajjiż terz fejn saret il-wirja, kif ukoll evidenza dokumentarja addizzjonali tal-kundizzjonijiet li taħthom ġew esebiti.

TAQSIMA B

Proċeduri tal-Oriġini

Artikolu 3.16

Talba għal Trattament Tariffarju Preferenzjali u Dikjarazzjoni dwar l-Oriġini

1. Mal-importazzjoni, il-Parti li timporta għandha tagħti trattament tariffarju preferenzjali lil prodott li joriġina fil-Parti l-oħra skont it-tifsira tal-Artikolu 3.2 abbażi ta' talba mill-importatur għal trattament tariffarju preferenzjali, diment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti applikabbli l-oħrajn kollha ta' dan il-Kapitolu.

2. It-talba għal trattament tariffarju preferenzjali għandha tkun ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini maħruġa f'konformità mal-Artikolu 3.18 ipprovduta mill-esportatur fuq fattura jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor.

3. It-talba għal trattament tariffarju preferenzjali u d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu inklużi fid-dikjarazzjoni doganali tal-importazzjoni f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti li timporta.

4. L-importatur li jagħmel talba bbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini msemmija fil-paragrafu 2 għandu jkun fil-pussess tagħha u, meta jkun meħtieġ, jipprovdi kopja tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini lill-awtorità doganali tal-Parti li timporta.

5. Il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu ma japplikawx fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 3.23.

Artikolu 3.17

Talbiet għal Trattament Tariffarju Preferenzjali wara l-Importazzjoni

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi li importatur jista' jitlob trattament tariffarju preferenzjali wara l-importazzjoni u jikseb rifużjoni ta' kwalunkwe dazju żejjed imħallas għall-prodott importat jekk l-importatur ma jkunx għamel talba għal trattament tariffarju preferenzjali fiż-żmien tal-importazzjoni u l-prodott ikkonċernat kien ikollu jikkwalifika fil-ħin tal-importazzjoni għal tali talba bħala oriġinarju f'konformità mal-Artikolu 3.2.

2. L-importatur għandu jagħmel talba għal trattament tariffarju preferenzjali mhux aktar tard minn sena wara d-data tal-importazzjoni. Bħala kundizzjoni għall-għoti ta' trattament tariffarju preferenzjali skont il-paragrafu 1, Parti tista' tirrikjedi li l-importatur:

(a) jipprovdi kopja tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini għall-prodott ikkonċernat;

(b) jissottometti d-dokumenti l-oħrajn kollha meħtieġa għall-importazzjoni tal-prodott; u

(c) jiddikjara li l-prodott kien oriġinarju fiż-żmien tal-importazzjoni.

Artikolu 3.18

Kundizzjonijiet biex issir Dikjarazzjoni dwar l-Oriġini

1. Kif imsemmi fl-Artikolu 3.16.2, dikjarazzjoni dwar l-oriġini tista' ssir minn esportatur irreġistrat:

(a) fil-Messiku, bħala esportatur awtorizzat mill-awtorità governattiva kompetenti soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni li titqies xierqa biex jiġi vverifikat l-istatus oriġinarju tal-prodotti, kif ukoll biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Kapitolu; u

(b) fl-Unjoni Ewropea, bħala esportatur f'konformità mad-dritt rilevanti tal-Unjoni Ewropea (Sistema tal-Esportaturi Rreġistrati).

2. L-awtoritajiet doganali jew l-awtorità governattiva kompetenti għandhom jagħtu lill-esportatur irreġistrat numru li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini. L-awtoritajiet doganali jew l-awtorità governattiva kompetenti għandhom jimmaniġġaw il-proċess ta' reġistrazzjoni u jistgħu jirtiraw ir-reġistrazzjoni f'każ ta' użu mhux xieraq mill-esportatur.

3. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini kif imsemmi fl-Artikolu 3.16.2 tista' ssir minn kwalunkwe esportatur għal kwalunkwe kunsinna li tikkonsisti f'pakkett wieħed jew aktar li jkun fihom prodotti oriġinarji li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx EUR 6 000.

4. L-esportatur għandu jagħmel dikjarazzjoni dwar l-oriġini bl-użu ta' waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi inklużi fl-Anness 3-B fuq fattura jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodott oriġinarju f'dettall suffiċjenti biex jippermetti l-identifikazzjoni tiegħu.

5. Id-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini għandu jkollhom il-firma oriġinali tal-esportatur bl-idejn. Esportatur irreġistrat f'konformità mal-paragrafu 1 ma għandux ikun meħtieġ jiffirma tali dikjarazzjonijiet, diment li l-esportatur jaċċetta r-responsabbiltà sħiħa lejn l-awtoritajiet doganali jew l-awtorità governattiva kompetenti tal-Parti li tesporta għal kwalunkwe dikjarazzjoni dwar l-oriġini li tidentifika lill-esportatur bħallikieku d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini ġiet iffirmata bl-idejn minn dak l-esportatur.

6. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandu jkun lest li jissottometti fi kwalunkwe ħin, fuq talba tal-awtoritajiet doganali jew tal-awtorità governattiva kompetenti tal-Parti li tesporta, id-dokumenti xierqa kollha li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati, kif ukoll it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Kapitolu.

7. L-esportatur jista' jagħmel dikjarazzjoni dwar l-oriġini meta l-merkanzija li magħha tkun tirrelata tiġi esportata jew wara l-esportazzjoni.

Artikolu 3.19

Validità tad-Dikjarazzjoni dwar l-Oriġini

1. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha tkun valida għal sena wara d-data li fiha tkun saret.

2. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini tista' tapplika għal:

(a) vjeġġ uniku ta' prodott; jew

(b) vjeġġi multipli ta' prodotti identiċi fi kwalunkwe perjodu speċifikat fid-dikjarazzjoni dwar l-oriġini li ma jaqbiżx it-12-il xahar.

Artikolu 3.20

Importazzjoni b'Pagamenti bin-Nifs

Jekk, fuq talba ta' importatur u f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta, merkanzija żarmata jew mhux immuntata skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) għall-Interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata li taqa' taħt it-Taqsimiet minn XV sa XXI tas-Sistema Armonizzata tiġi importata b'pagamenti bin-nifs, għandha tiġi sottomessa dikjarazzjoni waħda dwar l-oriġini għal dik il-merkanzija, kif meħtieġ mill-awtoritajiet doganali, mal-importazzjoni tal-ewwel pagament bin-nifs.

Artikolu 3.21

Diskrepanzi Żgħar u Żbalji Żgħar

1. Diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini u d-dokumenti sottomessi lill-uffiċċju doganali għat-twettiq tal-formalitajiet għall-importazzjoni tal-merkanzija ma għandhomx, minħabba dak il-fatt, jagħmlu d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini nulla u bla effett, jekk jiġi stabbilit kif xieraq li dan id-dokument jikkorrespondi għall-prodotti kkonċernati.

2. L-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta ma għandhomx jirrifjutaw talba għal trattament tariffarju preferenzjali minħabba żbalji żgħar fid-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, bħal żbalji ta' ttajpjar.

Artikolu 3.22

Rekwiżiti ta' Żamma tar-Rekords

1. Importatur li jitlob trattament tariffarju preferenzjali għal prodott importat f'Parti għandu jkollu u jżomm id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini magħmula mill-esportatur għal 3 snin wara d-data tal-importazzjoni tal-prodott jew għal perjodu itwal skont kif speċifikat mill-Parti li timporta.

2. Esportatur li jkun għamel dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandu jkollu u jżomm kopja tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, u tar-rekords l-oħrajn kollha li juru li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti biex jinkiseb status oriġinarju, għal 3 snin wara li ssir dik id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, jew għal perjodu ta' żmien itwal kif speċifikat mill-Parti li tesporta.

3. Ir-rekords li għandhom jinżammu f'konformità ma' dan l-Artikolu jistgħu jinżammu f'format elettroniku.

Artikolu 3.23

Eżenzjonijiet mid-Dikjarazzjoni dwar l-Oriġini

1. Prodotti li jintbagħtu bħala pakketti ta' valur baxx minn persuni privati lil persuni privati, jew li jifformaw parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi, għandhom jiddaħħlu bħala prodotti oriġinarji mingħajr ma tkun meħtieġa dikjarazzjoni dwar l-oriġini, diment li dawk il-prodotti ma jiġux importati permezz ta' kummerċ u jkunu ġew iddikjarati bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu, u li ma hemm l-ebda dubju dwar il-veraċità ta' dik id-dikjarazzjoni.

2. L-importazzjonijiet, li huma okkażjonali u jikkonsistu biss fi prodotti għall-użu personali tar-riċevituri jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom ma għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet permezz ta' kummerċ jekk, min-natura u l-kwantità tal-prodotti, ikun evidenti li ma huwa maħsub l-ebda skop kummerċjali, diment li l-importazzjoni ma tifformax parti minn serje ta' importazzjonijiet li jistgħu b'mod raġonevoli jitqiesu li saru separatament bl-iskop li jiġi evitat ir-rekwiżit għal dikjarazzjoni dwar l-oriġini.

3. Il-valur totali tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż il-EUR 500 jew l-ammont ekwivalenti tiegħu fil-munita tal-Parti fil-każ ta' pakketti ta' valur baxx, jew l-EUR 1 200 jew l-ammont ekwivalenti tiegħu fil-munita tal-Parti fil-każ ta' prodotti li huma parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi.

4. F'dan l-Artikolu ma hemm xejn li għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli tadotta kontrolli doganali xierqa biex tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi minn 1 sa 3.

Artikolu 3.24

Verifika tal-Oriġini u Kooperazzjoni Amministrattiva

1. Il-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin bl-indirizzi u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-awtoritajiet doganali jew tal-awtorità governattiva kompetenti responsabbli mill-verifika tad-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini.

2. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali tagħhom jew l-awtorità governattiva kompetenti, sabiex jivverifikaw jekk il-prodotti humiex oriġinarji, kif ukoll l-awtentiċità tad-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta f'dawk id-dikjarazzjonijiet.

3. Il-verifiki tad-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini għandhom jitwettqu b'mod aleatorju jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jkollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dikjarazzjonijiet, l-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati jew it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Kapitolu.

4. Għall-fini tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta għandhom jitolbu bil-miktub verifika tal-oriġini lill-awtorità doganali jew lill-awtorità governattiva kompetenti tal-Parti li tesporta, billi jipprovdu:

(a) l-identità tal-awtorità doganali li toħroġ it-talba;

(b) l-isem tal-esportatur li għandu jiġi vverifikat;

(c) is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika; u

(d) kopja tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini u, jekk applikabbli, kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra.

5. L-awtorità doganali jew l-awtorità governattiva kompetenti tal-Parti li tesporta għandha twettaq il-verifika. Għal dak il-għan, huma għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza u li jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kwalunkwe kontroll ieħor li jqisu xieraq.

6. L-awtorità doganali jew l-awtorità governattiva kompetenti tal-Parti li tesporta għandha tinforma lill-awtorità doganali li titlob il-verifika bir-riżultati ta' dik il-verifika mill-aktar fis possibbli. Ir-riżultati għandhom jiġu ppreżentati f'rapport bil-miktub li jindika b'mod ċar jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jitqiesu bħala oriġinarji, jekk id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini hijiex awtentika u jekk ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Kapitolu humiex issodisfati. Dak ir-rapport bil-miktub għandu jinkludi:

(a) ir-riżultati tal-verifika;

(b) id-deskrizzjoni tal-prodotti soġġetti għal verifika u l-klassifikazzjoni tariffarja rilevanti għall-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini;

(c) deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-motiv dwar l-istatus oriġinarju tal-prodott; u

(d) jekk disponibbli, dokumentazzjoni ta' sostenn.

7. Jekk, f'każ ta' dubju raġonevoli ma jkun hemm l-ebda tweġiba fi żmien 10 xhur wara d-data tat-talba għal verifika, jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha biżżejjed informazzjoni biex tiġi ddeterminata l-awtentiċità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini tal-prodott, l-awtorità doganali rikjedenti hija intitolata, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li tirrifjuta li tagħti trattament tariffarju preferenzjali.

8. Il-Parti li timporta għandha tinnotifika lill-Parti li tesporta fi żmien 60 jum wara li tirċievi r-rapport bil-miktub jekk ikun hemm differenzi b'rabta mal-proċeduri ta' verifika ta' dan l-Artikolu, jew b'rabta mal-interpretazzjoni tar-regoli tal-oriġini, sabiex tiddetermina jekk prodott jikkwalifikax bħala oriġinarju, u dawk id-differenzi ma jistgħux jissolvew permezz ta' konsultazzjonijiet bejn l-awtorità doganali li titlob il-verifika u l-awtorità doganali jew l-awtorità governattiva kompetenti responsabbli mit-twettiq tal-verifika.

9. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-Partijiet għandhom jagħmlu u jikkonkludu konsultazzjonijiet fi żmien 90 jum mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 8 biex isolvu dawk id-differenzi. Il-perjodu għall-konklużjoni tal-konsultazzjonijiet jista' jiġi estiż, fuq bażi ta' każ b'każ, permezz ta' kunsens reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jsolvu dawk id-differenzi fis-Sottokumitat għad-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini stabbilit fis-subparagrafu 1(d) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim).

10. Dan il-Kapitolu ma jwaqqafx lil awtorità doganali ta' Parti milli tieħu kwalunkwe azzjoni oħra li hija tqis meħtieġa sakemm jiġu riżolti taħt dan il-Ftehim id-differenzi msemmija fil-paragrafu 8.

Artikolu 3.25

Kunfidenzjalità

1. Kull Parti għandha żżomm, f'konformità mal-liġi tagħha, il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta lilha mill-Parti l-oħra skont dan il-Kapitolu u għandha tipproteġi dik l-informazzjoni mid-divulgazzjoni.

2. L-awtoritajiet doganali jew l-awtorità governattiva kompetenti tal-Parti li timporta jistgħu jużaw l-informazzjoni miksuba mill-Parti l-oħra biss għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.

3. L-awtoritajiet doganali jew l-awtorità governattiva kompetenti tal-Parti li tesporta ma għandhomx jiddivulgaw informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali miksuba mill-esportatur, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu.

4. Il-Parti li timporta ma għandhiex tuża l-informazzjoni miksuba mill-awtorità doganali tagħha skont dan il-Kapitolu fi kwalunkwe proċediment kriminali mwettaq minn qorti jew imħallef, sakemm il-Parti li tesporta ma tkunx informata formalment bil-miktub mill-Parti li timporta dwar l-informazzjoni li jkollha l-ħsieb li tuża u l-ġustifikazzjoni għal dak l-użu, u diment li ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni mill-Parti li tesporta.

5. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi lil Parti milli tuża informazzjoni kunfidenzjali għall-finijiet tal-amministrazzjoni jew l-infurzar tal-liġi doganali relatata ma' dan il-Kapitolu, jew kif meħtieġ mod ieħor mil-liġi tal-Parti, inkluż fi proċedimenti amministrattivi, semiġudizzjarji jew ġudizzjarji.

Artikolu 3.26

Miżuri u Sanzjonijiet Amministrattivi

Parti għandha timponi miżuri u sanzjonijiet amministrattivi fuq kwalunkwe persuna li tkun għamlet dokument, jew tikkawża li jsir dokument, li jkun fih informazzjoni mhux korretta għall-fini tal-kisba ta' trattament tariffarju preferenzjali għall-prodotti.

TAQSIMA C

Dispożizzjonijiet Oħrajn

Artikolu 3.27

Applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu għal Ceuta u Melilla

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, it-terminu "Parti" ma jinkludix lil Ceuta u Melilla.

2. Il-prodotti oriġinarji tal-Messiku, meta jiġu importati f'Ceuta u Melilla, għandhom f'kull aspett ikunu soġġetti għall-istess trattament doganali skont dan il-Ftehim bħal dak li japplika għall-prodotti li joriġinaw fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll 2 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża mal-Unjoni Ewropea. Il-Messiku għandu jagħti lill-importazzjonijiet tal-prodotti kopert minn dan il-Ftehim u li joriġinaw f'Ceuta u Melilla l-istess trattament doganali bħal dak li jingħata lill-prodotti importati mill-Unjoni Ewropea u li joriġinaw fiha.

3. Ir-regoli tal-oriġini u l-proċeduri tal-oriġini msemmija f'dan il-Kapitolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-prodotti esportati mill-Messiku lejn Ceuta u Melilla u għall-prodotti esportati minn Ceuta u Melilla lejn il-Messiku.

4. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

5. L-esportatur għandu jdaħħal "il-Messiku" jew "Ceuta u Melilla" fil-kamp 3 tat-test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, skont l-oriġini tal-prodott.

6. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli mill-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu f'Ceuta u Melilla.

Artikolu 3.28

Il-Prinċipat ta' Andorra u r-Repubblika ta' San Marino

It-trattament tariffarju preferenzjali ta' prodotti oriġinarji ta' Andorra u ta' San Marino, u d-determinazzjoni tal-oriġini ta' dawk il-prodotti, huma stabbiliti fl-Anness 3-C .

Artikolu 3.29

Noti ta' Spjegazzjoni

In-noti ta' spjegazzjoni rigward l-interpretazzjoni, l-applikazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu huma stabbiliti fl-Anness 3-D.

Artikolu 3.30

Dispożizzjonijiet Tranżitorji

1. Għall-prodotti li għalihom saret talba għal trattament tariffarju preferenzjali u importazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ir-regoli u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku ([20]) u l-Appendiċijiet minn I sa V tagħha għandhom ikunu applikabbli għal perjodu massimu ta' 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

([20]) Id-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku tat-23 ta' Marzu 2000 (ĠU UE L 157, 30.6.2000, p. 10).

2. Prova tal-oriġini maħruġa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 2/2000 u l-Appendiċijiet minn I sa V tagħha, għall-prodotti li għalihom ma tkunx saret talba għal trattament tariffarju preferenzjali sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ma għandhiex tkun valida.

3. Għall-prodotti li, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ikunu fi tranżitu mill-Parti li tesporta lejn il-Parti li timporta jew ikunu taħt kontroll doganali fil-Parti li timporta mingħajr ħlas ta' dazji u taxxi fuq l-importazzjoni, għandha ssir talba għal trattament tariffarju preferenzjali f'konformità mal-Artikolu 3.16, diment li dawk il-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 3.31

Modifiki ta' dan il-Kapitolu

Il-Kunsill Konġunt jista' jimmodifika b'deċiżjoni d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Annessi minn 3-A sa 3-D.

Artikolu 3.32

Sottokumitat għad-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni u l-operat effettivi ta' dan il-Kapitolu, il-funzjonijiet tas-Sottokumitat għad-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini huma dawk elenkati fl-Artikolu 4.17 (Sottokumitat għad-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini).

KAPITOLU 4

ID-DWANA U L-FAĊILITAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Artikolu 4.1

Objettivi Ġenerali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tad-dwana u tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ fl-ambjent tal-kummerċ globali li qed jevolvi.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li, għar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tagħhom, huma għandhom iqisu l-istrumenti u l-istandards tad-dwana u tal-kummerċ internazzjonali applikabbli fil-qasam tad-dwana u tal-kummerċ, bħall-elementi sostantivi tal-Konvenzjoni ta' Kjoto Riveduta dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali li saret fi Kjoto fit-18 ta' Mejju 1973 u adottata mill-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali f'Ġunju 1999, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija li saret fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983, kif ukoll il-Qafas ta' Standards li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, adottati f'Ġunju 2005 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Qafas SAFE ta' Standards"), u l-Mudell tad-Data tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-liġijiet u r-regolamenti tagħhom għandhom ikunu mhux diskriminatorji, u li l-proċeduri doganali għandhom ikunu bbażati fuq l-użu ta' metodi moderni u kontrolli effettivi biex jinkisbu l-protezzjoni u l-faċilitazzjoni ta' kummerċ leġittimu.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll li l-proċeduri doganali tagħhom ma għandhomx ikunu ta' piż amministrattiv jew restrittivi għall-kummerċ aktar milli meħtieġ biex jintlaħqu objettivi leġittimi, u li dawn għandhom jiġu applikati b'mod li jkun prevedibbli, konsistenti u trasparenti.

5. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, l-effiċjenza, l-integrità u r-responsabbiltà tal-operazzjonijiet, kull Parti għandha:

(a) tissimplifika u tirrieżamina r-rekwiżiti u l-formalitajiet, kull fejn ikun possibbli, bil-ħsieb li jiġu żgurati r-rilaxx rapidu u l-iżdoganar tal-merkanzija;

(b) taħdem lejn aktar simplifikazzjoni u standardizzazzjoni tad-data u d-dokumentazzjoni meħtieġa mid-dwana u minn aġenziji oħrajn, sabiex tnaqqas iż-żmien u l-kostijiet tagħhom għan-negozjanti jew għall-operaturi, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; u

(c) tiżgura li jinżammu l-ogħla standards ta' integrità, permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri li jirriflettu l-prinċipji tal-konvenzjonijiet u l-istrumenti internazzjonali rilevanti fil-qasam tad-dwana u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ.

6. Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom bil-ħsieb li jiżguraw li l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri rilevanti, kif ukoll il-kapaċità amministrattiva tal-amministrazzjonijiet rilevanti, jissodisfaw l-objettivi tal-promozzjoni tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ, filwaqt li jiżguraw kontroll doganali effettiv.

Artikolu 4.2

Trasparenza u Pubblikazzjoni

1. Kull Parti għandha tipprevedi, kif xieraq, konsultazzjonijiet regolari bejn l-aġenziji tal-fruntieri u n-negozjanti jew partijiet ikkonċernati oħrajn fit-territorju tagħha.

2. Kull Parti għandha tippubblika minnufih, b'mod mhux diskriminatorju u faċilment aċċessibbli, inkluż online u sa fejn ikun possibbli bil-lingwa Ingliża, il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri u l-linji gwida amministrattivi ġenerali tagħha, relatati ma' kwistjonijiet tad-dwana u tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ. Dawk il-kwistjonijiet jinkludu:

(a) il-proċeduri tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni u tat-tranżitu, inklużi l-proċeduri fil-portijiet, fl-ajruporti u f'punti ta' dħul oħrajn, u l-formoli u d-dokumenti meħtieġa;

(b) ir-rati tad-dazji u tat-taxxi applikati ta' kull tip imposti fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, jew b'konnessjoni magħhom;

(c) it-tariffi u l-imposti li jiġu imposti minn jew għal aġenziji tal-gvern fuq l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-tranżitu, jew b'konnessjoni magħhom;

(d) ir-regoli għall-klassifikazzjoni jew il-valutazzjoni tal-prodotti għal skopijiet doganali;

(e) il-liġijiet, ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali relatati mar-regoli tal-oriġini;

(f) ir-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni jew tat-tranżitu;

(g) id-dispożizzjonijiet ta' penali kontra l-ksur ta' formalitajiet tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni jew tat-tranżitu;

(h) il-proċeduri ta' appell;

(i) il-ftehimiet, jew partijiet tagħhom, ma' kwalunkwe pajjiż jew pajjiżi relatati mal-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-tranżitu;

(j) il-proċeduri relatati mal-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji;

(k) is-sigħat tat-tħaddim u l-proċeduri operattivi għall-uffiċċji doganali fil-portijiet u fil-punti ta' qsim tal-fruntieri; u

(l) punti ta' informazzjoni għal mistoqsijiet dwar l-informazzjoni.

3. Kull Parti għandha tipprovdi, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, għall- opportunitajiet u perjodu ta' żmien xieraq lill-kummerċjanti u lil partijiet interessati oħrajn biex jikkummentaw dwar l-introduzzjoni jew l-emenda proposta tal-liġijiet u tar-regolamenti ta' applikazzjoni ġenerali relatati ma' kwistjonijiet tad-dwana u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ.

4. Kull Parti għandha tiżgura, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, li l-liġijiet u r-regolamenti ġodda jew emendati ta' applikazzjoni ġenerali relatati mad-dwana u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ jew kwalunkwe informazzjoni dwarhom isiru disponibbli għall-pubbliku, mill-aktar fis possibbli qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, sabiex il-kummerċjanti u persuni interessati oħrajn ikunu jistgħu jsiru familjari magħhom.

5. Kull Parti tista' tistabbilixxi li l-paragrafi 3 u 4 ma japplikawx għal bidliet fir-rati tad-dazju jew fir-rati tat-tariffi, miżuri li għandhom effett ta' tnaqqis, miżuri li l-effettività tagħhom tiddgħajjef bħala riżultat tal-konformità mal-paragrafi 3 u 4, miżuri applikati f'ċirkostanzi urġenti jew bidliet żgħar fil-liġi domestika u s-sistema legali tagħha.

6. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm punt ta' informazzjoni wieħed jew aktar biex tindirizza l-mistoqsijiet tal-kummerċjanti u ta' persuni interessati oħrajn dwar id-dwana u kwistjonijiet oħrajn relatati mal-faċilitazzjoni tal-kummerċ u għandha tagħmel l-informazzjoni dwar il-proċeduri biex isiru tali mistoqsijiet disponibbli għall-pubbliku online.

7. Parti ma għandhiex titlob il-ħlas ta' tariffa biex twieġeb il-mistoqsijiet jew biex tipprovdi l-formoli u d-dokumenti meħtieġa.

8. Il-punti ta' informazzjoni għandhom jipprovdu tweġiba għall-mistoqsijiet u jipprovdu l-formoli u d-dokumenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn kull Parti, li jista' jvarja skont in-natura jew il-kumplessità tal-mistoqsija.

Artikolu 4.3

Rekwiżiti tad-*Data* u tad-Dokumentazzjoni

1. Bil-ħsieb li jiġu ssimplifikati u minimizzati l-inċidenza u l-kumplessità tal-formalitajiet tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni u tat-tranżitu u tar-rekwiżiti tad-*data* u tad-dokumentazzjoni, kull Parti għandha tiżgura, kif xieraq, li dawk il-formalitajiet u r-rekwiżiti tad-*data* u tad-dokumentazzjoni:

(a) jiġu adottati u applikati bil-ħsieb ta' rilaxx rapidu tal-merkanzija, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għar-rilaxx;

(b) jiġu adottati u applikati b'mod li jimmira li jnaqqas iż-żmien u l-kost tal-konformità għall-kummerċjanti u l-operaturi;

(c) ikunu l-inqas alternattiva restrittiva għall-kummerċ, jekk żewġ alternattivi jew aktar kienu raġonevolment disponibbli biex jintlaħqu l-objettiv jew l-objettivi ta' politika inkwistjoni; u

(d) ma jinżammux, inklużi partijiet minnhom, jekk ma jibqgħux meħtieġa.

2. Kull Parti għandha tapplika proċeduri doganali komuni u rekwiżiti uniformi tad-*data* u d-dokumentazzjoni doganali għar-rilaxx tal-merkanzija fit-territorju kollu tagħha. F'dan il-paragrafu ma hemm xejn li jipprekludi lil Parti milli tiddifferenzja l-proċeduri doganali u r-rekwiżiti tad-*data* u d-dokumentazzjoni tagħha abbażi ta' elementi bħall-ġestjoni tar-riskju, in-natura u t-tip ta' merkanzija, jew il-mezzi tat-trasport.

Artikolu 4.4

Awtomatizzazzjoni u Użu tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni

1. Kull Parti għandha:

(a) tuża teknoloġiji tal-informazzjoni li jħaffu l-proċeduri għar-rilaxx tal-merkanzija sabiex jiffaċilitaw il-kummerċ bejn il-Partijiet;

(b) tagħmel is-sistemi elettroniċi aċċessibbli għall-utenti doganali;

(c) tippermetti li dikjarazzjoni doganali tiġi sottomessa f'format elettroniku; u

(d) tuża sistemi elettroniċi jew awtomatizzati ta' ġestjoni tar-riskju.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri li jippermettu l-ħlas elettroniku tad-dazji, tat-taxxi, tat-tariffi u tal-imposti miġbura mill-awtoritajiet doganali mġarrba mal-importazzjoni u mal-esportazzjoni.

Artikolu 4.5

Rilaxx tal-Merkanzija

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri li:

(a) jipprevedu r-rilaxx fil-pront tal-merkanzija f'perjodu mhux itwal minn dak meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi doganali tagħha u ma' liġijiet u regolamenti oħrajn relatati mal-kummerċ;

(b) jipprevedu s-sottomissjoni u l-ipproċessar elettroniċi bil-quddiem tad-*data* u d-dokumentazzjoni doganali u kwalunkwe informazzjoni oħra qabel il-wasla tal-merkanzija sabiex jippermettu r-rilaxx tal-merkanzija mill-kontroll doganali mal-wasla;

(c) jippermettu li l-merkanzija tiġi rilaxxata fil-punt tal-wasla mingħajr trasferiment temporanju lejn imħażen jew faċilitajiet oħrajn; u

(d) jippermettu r-rilaxx tal-merkanzija qabel id-determinazzjoni finali tad-dazji doganali, tat-taxxi, tat-tariffi u tal-imposti, jekk dik id-determinazzjoni ma ssirx qabel jew fil-pront mal-wasla, diment li jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti regolatorji l-oħrajn kollha; qabel ma tirrilaxxa l-merkanzija, Parti tista' titlob li importatur jipprovdi garanzija suffiċjenti fil-forma ta' avall, depożitu, jew strument xieraq ieħor, li ma għandux ikun ogħla mill-ammont meħtieġ biex jiġi żgurat il-ħlas tad-dazji doganali, tat-taxxi, tat-tariffi u tal-imposti dovuti għall-merkanzija koperta mill-garanzija u li għandha tiġi rilaxxata meta dik il-garanzija ma tibqax meħtieġa.

2. Kull Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri li jippermettu lill-kummerċjanti jew lill-operaturi jibbenefikaw minn aktar simplifikazzjoni tal-proċeduri doganali, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha.

Artikolu 4.6

Ġestjoni tar-Riskju

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm sistema ta' ġestjoni tar-riskju għall-kontroll doganali li tippermetti lill-awtoritajiet doganali tagħha jiffokaw l-attivitajiet ta' spezzjoni tagħhom fuq kunsinni b'riskju għoli u jħaffu r-rilaxx ta' kunsinni b'riskju baxx.

2. Kull Parti għandha tfassal u tapplika l-ġestjoni tar-riskju b'mod li jiġu evitati d-diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli, jew ir-restrizzjonijiet moħbija għall-kummerċ internazzjonali.

3. Kull Parti għandha tibbaża l-ġestjoni tar-riskju fuq il-valutazzjoni tar-riskju permezz ta' kriterji ta' selettività xierqa.

4. Kull Parti tista' wkoll tagħżel, fuq bażi aleatorja, kunsinni għall-kontrolli doganali bħala parti mill-ġestjoni tar-riskju tagħha.

5. Sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ, kull Parti għandha tirrevedi u taġġorna perjodikament, kif xieraq, is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 4.7

Deċiżjonijiet bil-Quddiem

1. Deċiżjoni bil-quddiem hija deċiżjoni bil-miktub ipprovduta minn Parti permezz tal-awtoritajiet doganali tagħha lil applikant qabel l-importazzjoni fit-territorju tagħha ta' prodott kopert mill-applikazzjoni li tistabbilixxi t-trattament li l-Parti għandha tipprovdi lill-merkanzija fil-ħin tal-importazzjoni fir-rigward ta':

(a) il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija;

(b) l-oriġini tal-merkanzija ([21]); u

(c) kwalunkwe kwistjoni oħra skont kif jaqblu l-Partijiet.

2. Parti għandha toħroġ id-deċiżjoni bil-quddiem b'mod raġonevoli u marbut fiż-żmien lill-applikant li jkun issottometta applikazzjoni, inkluż f'format elettroniku, diment li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti ta' dik il-Parti. Parti tista' titlob kampjun tal-prodott li għalih l-applikant ikun qed ifittex deċiżjoni bil-quddiem.

3. Id-deċiżjoni bil-quddiem għandha tkun valida għal mill-inqas 3 snin wara l-ħruġ tagħha, sakemm ma jkunux inbidlu l-liġi, il-fatti jew iċ-ċirkostanzi li jappoġġaw dik id-deċiżjoni.

4. Parti tista' tirrifjuta li toħroġ deċiżjoni bil-quddiem jekk il-fatti u ċ-ċirkostanzi li jifformaw il-bażi tad-deċiżjoni bil-quddiem ikunu s-suġġett għal rieżami amministrattiv jew ġudizzjarju, jew jekk l-applikazzjoni ma tkunx ibbażata fuq fatti reali u konkreti, jew ma tkunx relatata ma' kwalunkwe użu maħsub tad-deċiżjoni bil-quddiem. Parti li tirrifjuta li toħroġ deċiżjoni bil-quddiem għandha tinnotifika minnufih lill-applikant bil-miktub, filwaqt li tistabbilixxi l-fatti rilevanti u l-bażi għad-deċiżjoni tagħha.

5. Kull Parti għandha tippubblika, mill-inqas:

(a) ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal deċiżjoni bil-quddiem, inklużi l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta u l-format;

(b) il-limitu ta' żmien sa meta se toħroġ deċiżjoni bil-quddiem; u

(c) il-perjodu ta' żmien li għalih se tkun valida d-deċiżjoni bil-quddiem.

([21]) Skont il-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO jew il-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-Oriġini) ta' dan il-Ftehim.

6. Jekk Parti tirrevoka, timmodifika jew tannulla deċiżjoni bil-quddiem, hija għandha tinnotifika lill-applikant bil-miktub, fejn tistabbilixxi l-fatti rilevanti u l-bażi għad-deċiżjoni tagħha. Parti tista' tirrevoka, timmodifika jew tannulla deċiżjoni bil-quddiem biss b'effett retroattiv jekk id-deċiżjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni mhux kompluta, mhux korretta, mhux preċiża, falza jew qarrieqa pprovduta mill-applikant.

7. Deċiżjoni bil-quddiem maħruġa minn Parti għandha tkun vinkolanti fuq l-applikant u fuq dik il-Parti fir-rigward tal-applikant.

8. Parti għandha tipprovdi, fuq talba bil-miktub ta' applikant, rieżami tad-deċiżjoni bil-quddiem jew tad-deċiżjoni li tirrevokaha, timmodifikaha jew tannullaha.

9. Soġġetta għal kwalunkwe rekwiżit ta' kunfidenzjalità fil-liġijiet u r-regolamenti tagħha, Parti għandha tagħmel ħilitha biex tagħmel l-elementi sostantivi tad-deċiżjonijiet bil-quddiem tagħha disponibbli għall-pubbliku, inkluż online.

Artikolu 4.8

Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati

1. Kull Parti għandha, għall-operaturi li jissodisfaw kriterji speċifikati (operaturi ekonomiċi awtorizzati, minn hawn 'il quddiem imsejħa "AEO"), tistabbilixxi jew iżżomm programm ta' sħubija għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "programm tal-AEO") f'konformità mal-Qafas SAFE ta' Standards.

2. Il-kriterji speċifikati ([22]) biex l-operaturi jikkwalifikaw bħala AEO għandhom jiġu ppubblikati u jkunu jirrigwardjaw il-konformità, jew ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità, mar-rekwiżiti speċifikati fil-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri ta' kull Parti.

3. Il-kriterji speċifikati biex l-operaturi jikkwalifikaw bħala AEO ma għandhomx jitfasslu jew jiġu applikati b'tali mod li jagħtu jew joħolqu diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata bejn l-operaturi fejn jipprevalu l-istess kundizzjonijiet u għandhom jippermettu l-parteċipazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

4. Il-programm tal-AEO għandu jinkludi benefiċċji speċifiċi għall-AEOs, filwaqt li jitqiesu l-impenji tal-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 7.7.3 tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO.

5. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw meta jiġu biex jistabbilixxu, jekk ikun rilevanti u xieraq, ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi tal-AEO tagħhom, diment li l-programmi jkunu kompatibbli u bbażati fuq kriterji u benefiċċji ekwivalenti.

Artikolu 4.9

Rieżami jew Appell

1. Kull Parti għandha tipprovdi proċeduri effettivi, fil-pront, mhux diskriminatorji u faċilment aċċessibbli biex tiggarantixxi d-dritt ta' appell kontra deċiżjoni dwar kwistjoni doganali.

2. Kull Parti għandha tiżgura li persuna li lilha toħroġ deċiżjoni dwar kwistjoni doganali jkollha aċċess fit-territorju tagħha għal:

(a) rieżami amministrattiv minn jew appell lil awtorità amministrattiva ogħla jew indipendenti mill-uffiċjal jew mill-uffiċċju li jkun ħareġ id-deċiżjoni; jew

(b) rieżami ġudizzjarju jew appell tad-deċiżjoni.

([22]) Parti tista' tuża l-kriterji previsti fl-Artikolu 7.7.2 tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO.

3. Kull Parti għandha tistabbilixxi li persuna li tkun applikat mal-awtoritajiet doganali għal deċiżjoni u ma tkunx kisbet deċiżjoni dwar dik l-applikazzjoni fil-limiti ta' żmien rilevanti jkollha d-dritt ta' appell.

4. Kull Parti għandha tistabbilixxi li l-persuna msemmija fil-paragrafu 2 tirċievi deċiżjoni amministrattiva bir-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni, sabiex dik il-persuna tkun tista' tirrikorri għal proċeduri ta' rieżami jew ta' appell, jekk ikun meħtieġ.

Artikolu 4.10

Penali

1. Kull Parti għandha tipprevedi penali għan-nuqqas ta' konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti jew ir-rekwiżiti proċedurali tagħha relatati mad-dwana jew ma' leġiżlazzjoni oħra dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-merkanzija.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġijiet u r-regolamenti doganali tagħha jistabbilixxu li kwalunkwe penali imposta għall-ksur tal-liġijiet, ir-regolamenti jew ir-rekwiżiti proċedurali doganali tagħha tkun proporzjonata u mhux diskriminatorja.

3. Kull Parti għandha tiżgura li penali imposta mill-awtoritajiet doganali tagħha għal ksur tal-liġijiet, ir-regolamenti jew ir-rekwiżiti proċedurali doganali tagħha tiġi imposta biss fuq il-persuna legalment responsabbli għall-ksur.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-penali imposta tkun tiddependi fuq il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ u tkun proporzjonata mal-grad u s-severità tal-ksur.

5. Kull Parti għandha tevita inċentivi jew kunflitti ta' interess fil-valutazzjoni u l-ġbir tal-penali u tad-dazji.

6. Kull Parti hija mħeġġa tikkunsidra d-divulgazzjoni volontarja qabel ma l-awtoritajiet doganali jiskopru ksur tal-liġijiet, ir-regolamenti jew ir-rekwiżiti proċedurali doganali tagħha, bħala fattur mitiganti potenzjali meta tistabbilixxi penali.

7. Kull Parti għandha tiżgura li jekk tiġi imposta penali għal ksur tal-liġijiet, ir-regolamenti jew ir-rekwiżiti proċedurali doganali tagħha, tingħata spjegazzjoni bil-miktub lill-persuna li fuqha tiġi imposta l-penali, li tispeċifika n-natura tal-ksur u l-liġi, ir-regolament jew il-proċedura applikabbli li skonthom ikunu ġew imposti l-ammont jew il-firxa tal-penali għall-ksur.

8. Kull Parti għandha tipprovdi fil-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri tagħha perjodu fiss li fih l-awtoritajiet doganali tagħha jistgħu jibdew proċedimenti biex jimponu penali relatata ma' ksur tal-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri doganali tagħha.

Artikolu 4.11

Kooperazzjoni Doganali u Assistenza Amministrattiva Reċiproka

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rispettivi tagħhom jikkooperaw fuq kwistjonijiet doganali sabiex jiżguraw li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4.1.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, fost l-oħrajn, billi:

(a) jiskambjaw informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti doganali tagħhom u l-implimentazzjoni tagħhom, u l-proċeduri doganali, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

(i) is-simplifikazzjoni u l-immodernizzar tal-proċeduri doganali;

(ii) il-miżuri ta' infurzar fil-fruntieri applikati mill-awtoritajiet doganali tagħhom;

(iii) il-faċilitazzjoni tal-movimenti ta' tranżitu u trażbord;

(iv) id-djalogu mal-komunità kummerċjali; u

(v) is-sigurtà tal-katina tal-provvista u l-ġestjoni tar-riskji;

(b) jaħdmu flimkien fuq l-aspetti relatati mad-dwana tal-iżgurar u l-faċilitazzjoni tal-katina tal-provvista tal-kummerċ internazzjonali f'konformità mal-Qafas SAFE ta' Standards, inkluż fir-rigward tal-programmi tal-AEO tagħhom u r-rikonoxximent reċiproku tagħhom imsemmi fl-Artikolu 4.8;

(c) jikkunsidraw li jiżviluppaw inizjattivi konġunti relatati mal-importazzjoni, l-esportazzjoni, proċeduri doganali oħrajn u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, inkluża l-assistenza teknika;

(d) isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tad-dwana f'organizzazzjonijiet internazzjonali bħad-WTO u l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "WCO");

(e) jistabbilixxu standards minimi, sa fejn ikun prattikabbli, għal tekniki ta' ġestjoni tar-riskji u għal rekwiżiti u programmi relatati; jekk ikun rilevanti u xieraq, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw ukoll ir-rikonoxximent reċiproku tat-tekniki ta' ġestjoni tar-riskji, tal-istandards tar-riskju u tal-kontrolli tas-sigurtà;

(f) jagħmlu ħilithom biex jarmonizzaw ir-rekwiżiti tad-*data* tagħhom għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u proċeduri doganali oħrajn billi jimplimentaw standards u elementi tad-*data* komuni f'konformità mal-Mudell tad-*Data* tad-WCO; u

(g) iżommu djalogu bejn l-esperti tal-politika rispettivi tagħhom biex jippromwovu l-utilità, l-effiċjenza u l-applikabbiltà ta' deċiżjonijiet bil-quddiem.

3. Il-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin b'assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku ([23]), adottati bid-Deċiżjoni Nru 5/2004 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku ([24]) , li hija b'dan inkorporata u magħmula parti minn dan il-Ftehim. Kwalunkwe skambju ta' informazzjoni bejn il-Partijiet f'konformità ma' dan il-Kapitolu għandu jkun soġġett għall-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* personali previsti fl-Artikolu 10 ta' dak l-Anness, *mutatis mutandis*, u għal kwalunkwe rekwiżit ta' kunfidenzjalità u privatezza previst fil-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet.

([23]) Id-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku tat-23 ta' Marzu 2000 (ĠU UE L 157, 30.6.2000, p. 10).

([24]) Id-Deċiżjoni Nru 5/2004 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku tal-15 ta' Diċembru 2004 li tadotta, skont l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni Nru 2/2000, Anness għad-Deċiżjoni msemmija dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali (ĠU UE L 66, 12.3.2005, p. 15).

Artikolu 4.12

Punt Uniku ta' Kuntatt

1. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tiżviluppa jew iżżomm sistemi ta' punt uniku ta' kuntatt biex tiffaċilita sottomissjoni elettronika unika tal-informazzjoni kollha meħtieġa mid-dwana u leġiżlazzjoni oħra dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-merkanzija.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaħdmu flimkien lejn l-interoperabbiltà u r-razzjonalizzazzjoni tas-sistemi tagħhom ta' punt uniku ta' kuntatt, inkluż billi jaqsmu l-esperjenzi rispettivi tagħhom fl-iżvilupp u l-iskjerament tas-sistemi tagħhom ta' punt uniku ta' kuntatt.

Artikolu 4.13

Tranżitu u Trażbord

1. Kull Parti għandha tiżgura l-faċilitazzjoni u l-kontroll effettiv tal-movimenti ta' tranżitu u tal-operazzjonijiet ta' trażbord mit-territorju tagħha.

2. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tippromwovi u timplimenta arranġamenti ta' tranżitu reġjonali bil-għan li tiffaċilita l-kummerċ bejn il-Partijiet.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet u l-aġenziji kollha kkonċernati fit-territorju tagħha jikkooperaw u jikkoordinaw biex jiffaċilitaw it-traffiku fi tranżitu.

4. Kull Parti għandha tippermetti li l-merkanzija maħsuba għall-importazzjoni tiġi mċaqilqa taħt kontroll doganali minn uffiċċju doganali tad-dħul għal uffiċċju doganali ieħor fit-territorju tagħha, minn fejn il-merkanzija tiġi rilaxxata jew żdoganata.

Artikolu 4.14

Verifika ta' Wara l-Iżdoganar

1. Bil-ħsieb li tħaffef ir-rilaxx tal-merkanzija, kull Parti għandha tadotta jew iżżomm verifika ta' wara l-iżdoganar biex tiżgura l-konformità mal-liġijiet u r-regolamenti doganali tagħha.

2. Kull Parti għandha twettaq verifiki ta' wara l-iżdoganar b'mod ibbażat fuq ir-riskju.

3. Kull Parti għandha twettaq awditi ta' wara l-iżdoganar b'mod trasparenti. Jekk isir awditu u jkunu nkisbu riżultati konklużivi, il-Parti għandha tinnotifika, mingħajr dewmien, lill-persuna li r-rekord tagħha jiġi awditjat bir-riżultati, ir-raġunijiet għar-riżultati u d-drittijiet u l-obbligi tal-persuna awditjata.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-informazzjoni miksuba f'awditu ta' wara l-iżdoganar tista' tintuża fi proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji ulterjuri.

5. Il-Partijiet għandhom, sa fejn ikun prattikabbli, jużaw ir-riżultat ta' awditu ta' wara l-iżdoganar fl-applikazzjoni tal-ġestjoni tar-riskji.

Artikolu 4.15

Aġenti Doganali

1. Parti ma għandhiex teħtieġ fil-liġijiet u r-regolamenti doganali tagħha l-użu obbligatorju ta' aġenti doganali.

2. Kull Parti għandha tippubblika l-miżuri tagħha dwar l-użu ta' aġenti doganali.

3. Kull Parti għandha tapplika regoli trasparenti u oġġettivi jekk u meta toħroġ liċenzji lill-aġenti doganali.

Artikolu 4.16

Spezzjonijiet ta' Qabel it-Tagħbija ta' Bastimenti

Parti ma għandhiex teħtieġ l-użu obbligatorju ta' spezzjonijiet ta' qabel it-tagħbija ta' bastimenti kif definit fil-Ftehim dwar l-Ispezzjoni ta' Qabel it-Tagħbija ta' Bastimenti fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO, b'rabta mal-klassifikazzjoni tat-tariffi u l-valutazzjoni doganali ([25]).

Artikolu 4.17

Sottokumitat għad-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini

1. Is-Sottokumitat għad-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini għandu jirrapporta lill-Kumitat Konġunt.

2. Is-Sottokumitat għad-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini stabbilit skont is-subparagrafu 1 (d) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) għandu jiżgura l-funzjonament xieraq ta' dan il-Kapitolu, il-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-Oriġini), tal-Anness dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali msemmi fl-Artikolu 4.11.3 u ta' kwalunkwe dispożizzjoni addizzjonali relatata mad-dwana miftiehma bejn il-Partijiet, u jeżamina l-kwistjonijiet kollha li jinħolqu mill-applikazzjoni tagħhom.

3. Is-Sottokumitat għandu:

(a) iħejji rakkomandazzjonijiet xierqa, kif meħtieġ, lill-Kumitat Konġunt dwar:

(i) l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tal-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-Oriġini); u

(ii) kwalunkwe modifika għall-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-Oriġini);

(b) jadotta noti ta' spjegazzjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-oriġini);

(c) jimmonitorja l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(d) jipprovdi forum għall-konsultazzjoni u d-diskussjoni tal-kwistjonijiet kollha dwar id-dwana, inklużi b'mod partikolari l-proċeduri doganali, il-valutazzjoni doganali, ir-reġimi tariffarji, in-nomenklatura doganali, il-kooperazzjoni doganali u l-assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali;

(e) jipprovdi forum għall-konsultazzjoni u d-diskussjoni ta' kwistjonijiet relatati mar-regoli tal-oriġini, il-proċeduri tal-oriġini u l-kooperazzjoni amministrattiva;

(f) isaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-proċeduri doganali, l-assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali, ir-regoli tal-oriġini, il-proċeduri tal-oriġini u l-kooperazzjoni amministrattiva; u

(g) jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni oħra relatata ma' dan il-Kapitolu jew mal-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-Oriġini) skont kif jaqblu l-Partijiet.

4. Is-Sottokumitat għad-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini jista' jeżamina l-ħtieġa għal, u jħejji għall-Kunsill Konġunt, deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li jinħolqu mill-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Il-Kunsill Konġunt għandu jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu kif xieraq, inkluż fir-rigward tal-programmi tal-AEO u r-rikonoxximent reċiproku tagħhom, inizjattivi konġunti relatati mal-proċeduri doganali u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, u l-assistenza teknika.

5. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jorganizzaw laqgħat ad hoc għal kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kooperazzjoni doganali, ir-regoli tal-oriġini jew l-assistenza amministrattiva reċiproka.

([25]) Għal aktar ċertezza, dan l-Artikolu ma jipprekludix l-ispezzjonijiet ta' qabel it-tagħbija ta' bastimenti għal finijiet sanitarji u fitosanitarji.

KAPITOLU 5

RIMEDJI KUMMERĊJALI

TAQSIMA A

Miżuri Anti-dumping u Kumpensatorji

Artikolu 5.1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu VI tal-GATT 1994, il-Ftehim Anti-Dumping u l-Ftehim SCM.

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi, l-oriġini tal-merkanzija kkonċernata għandha tiġi ddeterminata f'konformità mar-regoli tal-oriġini mhux preferenzjali ta' kull Parti.

Artikolu 5.2

Trasparenza u Proċess Dovut

1. Kull Parti għandha twettaq il-proċeduri tagħha u tapplika miżuri anti-dumping u kumpensatorji b'mod ġust u trasparenti, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim dwar l-Anti-Dumping u tal-Ftehim SCM.

2. Kull Parti għandha tinforma lill-partijiet interessati kollha, fi stadju preliminari tal-proċedimenti, u fi kwalunkwe każ qabel ma ssir determinazzjoni finali, dwar il-fatti essenzjali li jkunu qed jiġu kkunsidrati, li jifformaw il-bażi għad-deċiżjoni dwar jekk jiġux applikati l-miżuri finali. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.5 tal-Ftehim Antidumping u l-Artikolu 12.4 tal-Ftehim SCM.

3. Kull Parti għandha tagħti lil kull parti interessata f'investigazzjoni dwar id-dazju anti-dumping jew kumpensatorju opportunità sħiħa biex tiddefendi l-interessi tagħha, diment li ma ddewwimx bla bżonn it-twettiq tal-investigazzjoni.

4. Tapplika d-definizzjoni tal-partijiet interessati prevista fl-Artikolu 6.11 tal-Ftehim dwar l-Anti-Dumping u fl-Artikolu 12.9 tal-Ftehim SCM.

Artikolu 5.3

Impożizzjoni ta' Dazji Anti-Dumping u Kumpensatorji

Id-deċiżjoni dwar jekk l-ammont tad-dazju anti-dumping jew kumpensatorju li jrid jiġi impost għandux ikun il-marġni sħiħ ta' dumping jew l-ammont ta' sussidju, jew ammont inqas, għandha tittieħed mill-awtoritajiet tal-Parti li timporta f'konformità mal-liġi ta' dik il-Parti.

Artikolu 5.4

Determinazzjoni Finali

Meta tagħmel determinazzjoni finali, Parti għandha tqis l-informazzjoni pprovduta kif xieraq mill-partijiet interessati kollha meqjusa bħala tali f'konformità mal-liġi tagħha.

Artikolu 5.5

Nuqqas ta' Applikazzjoni tas-Soluzzjoni tat-Tilwim

Parti ma għandhiex tirrikorri għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

TAQSIMA B

Miżuri ta' Salvagwardja Globali

Artikolu 5.6

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Kull Parti żżomm id-drittijiet u l-obbligi tagħha skont l-Artikolu XIX tal-GATT 1994 u l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura, kif ukoll skont il-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

Artikolu 5.7

Trasparenza

1. Minkejja l-Artikolu 5.6, il-Parti li tibda investigazzjoni ta' salvagwardja globali jew li jkollha l-ħsieb li timponi miżuri ta' salvagwardja globali għandha tipprovdi minnufih, fuq talba tal-Parti l-oħra u diment li din tal-aħħar ikollha interess sostanzjali, notifika ad hoc bil-miktub tal-informazzjoni rilevanti kollha li twassal għall-bidu tal-investigazzjoni ta' salvagwardja globali jew għall-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja globali, inkluż fuq is-sejbiet provviżorji, fejn ikun rilevanti. Dan mingħajr ħsara għall-Artikolu 3.2 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

2. Parti li timponi miżuri ta' salvagwardja globali għandha tagħmel ħilitha biex timponihom b'mod li l-inqas jaffettwa l-kummerċ bilaterali.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, jekk Parti tqis li r-rekwiżiti legali għall-impożizzjoni ta' miżuri definittivi ta' salvagwardja huma ssodisfati u jkollha l-ħsieb li timponi tali miżuri, hija għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u tagħtiha l-possibbiltà li tagħmel konsultazzjonijiet bilaterali. Jekk ma tkun intlaħqet l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti fi żmien 30 jum wara n-notifika, il-Parti li timporta tista' tadotta l-miżura definittiva ta' salvagwardja xierqa biex tirrimedja l-problema.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, Parti titqies li jkollha interess sostanzjali jekk tkun fost l-akbar ħames fornituri tal-merkanzija importata matul l-aktar perjodu reċenti ta' 3 snin, imkejla f'termini ta' volum jew valur assolut.

Artikolu 5.8

Nuqqas ta' Applikazzjoni tas-Soluzzjoni tat-Tilwim

Parti ma għandhiex tirrikorri għal soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima li jirreferu għad-drittijiet u l-obbligi skont il-Ftehim tad-WTO.

TAQSIMA C

Miżuri ta' Salvagwardja Bilaterali

SUBTAQSIMA C.1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 5.9

Definizzjonijiet

Għall-finijiet tat-Taqsima C:

(a) "awtorità investigattiva kompetenti" tfisser:

(i) għall-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea; u

(ii) għall-Messiku, l-"Unidad de Prácticas Comerciales Internacionales de la Secretaría de Economía" (it-Taqsima tal-Prattiki Kummerċjali Internazzjonali tal-Ministeru tal-Ekonomija), jew is-suċċessur tagħha;

(b) "industrija domestika" tfisser, fir-rigward ta' prodott importat, il-produtturi kollha flimkien tal-prodotti simili jew ta' prodotti direttament kompetittivi li joperaw fit-territorju ta' Parti, jew dawk il-produtturi li l-produzzjoni kollettiva tagħhom tal-prodotti simili jew ta' prodotti direttament kompetittivi tikkostitwixxi proporzjon kbir tal-produzzjoni domestika totali ta' dawk il-prodotti;

(c) "prodott simili" tfisser prodott li jkun identiku, jiġifieri simili f'kull aspett għall-prodott taħt kunsiderazzjoni jew, fin-nuqqas ta' tali prodott, prodott ieħor li, għalkemm mhux simili fl-aspetti kollha, għandu karatteristiċi li jixbħu mill-qrib lil dawk tal-prodott taħt kunsiderazzjoni;

(d) "prodott direttament kompetittiv" tfisser prodott li jista' ma jkunx simili f'kull aspett, iżda li għandu grad għoli ta' sostitwibbiltà mal-prodott taħt kunsiderazzjoni, minħabba li jissodisfa l-istess funzjonijiet ([26]);

(e) "dannu serju" tfisser indeboliment ġenerali sinifikanti tal-pożizzjoni ta' industrija domestika;

(f) "theddida ta' dannu serju" tfisser dannu serju li, abbażi tal-fatti u mhux biss ta' allegazzjoni, konġettura jew possibbiltà remota, ikun imminenti biċ-ċar; u

(g) "perjodu ta' tranżizzjoni" tfisser:

(i) perjodu ta' 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; jew

(ii) il-perjodu ta' tneħħija tat-tariffi għall-merkanzija stabbilit fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi ta' Parti fl-Anness 2-A (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi), diment li l-perjodu ta' tneħħija tat-tariffi għall-merkanzija kkonċernata jkun ta' 10 snin jew aktar, flimkien ma' 3 snin oħra.

([26]) F'dak ir-rigward, l-awtoritajiet jistgħu janalizzaw aspetti bħall-karatteristiċi fiżiċi ta' dawk il-prodotti, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom, l-użi finali u l-mezzi ta' distribuzzjoni. Dik il-lista ta' aspetti ma hijiex eżawrjenti, u lanqas wieħed jew diversi minn dawk il-fatturi ma jistgħu neċessarjament jagħtu gwida deċiżiva.

Artikolu 5.10

Applikazzjoni ta' Miżura ta' Salvagwardja Bilaterali

1. Minkejja t-Taqsima B, jekk bħala riżultat tat-tnaqqis jew tat-tneħħija ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, prodott oriġinarju ta' Parti jkun qed jiġi importat fit-territorju tal-Parti l-oħra f'tali kwantitajiet miżjuda, f'termini assoluti jew b'mod relattiv għall-produzzjoni domestika, u taħt tali kundizzjonijiet li jikkawżaw jew li jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija domestika li tipproduċi prodotti simili jew direttament kompetittivi, il-Parti li timporta tista' timponi l-miżuri previsti fil-paragrafu 2 taħt il-kundizzjonijiet u f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'din it-Taqsima.

2. Jekk il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 jiġu ssodisfati, il-Parti li timporta tista' timponi biss miżuri ta' salvagwardja bilaterali li:

(a) jissospendu t-tnaqqis ulterjuri tar-rata tad-dazju doganali fuq il-prodott ikkonċernat kif previst taħt dan il-Ftehim; jew

(b) iżidu r-rata tad-dazju doganali fuq il-prodott ikkonċernat għal livell li ma jaqbiżx l-inqas minn:

(i) ir-rata tad-dazju doganali applikata tal-pajjiż l-aktar iffavorit fuq il-prodott fis-seħħ fiż-żmien meta tiġi imposta l-miżura; jew

(ii) ir-rata tad-dazju doganali applikata tal-pajjiż l-aktar iffavorit fuq il-prodott fis-seħħ fil-jum immedjatament qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet jaqblu li la l-kwoti tar-rati tariffarji u lanqas ir-restrizzjonijiet kwantitattivi ma jkunu forma permissibbli ta' miżura ta' salvagwardja bilaterali.

Artikolu 5.11

Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet

1. Parti ma għandhiex tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali:

(a) ħlief sal-punt, u għal dak iż-żmien, kif meħtieġ sabiex jiġu evitati jew irrimedjati s-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 5.10 jew 5.15;

(b) għal perjodu ta' aktar minn sentejn; jew

(c) wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Il-perjodu msemmi fis-subparagrafu (b) jista' jiġi estiż b'sena oħra jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li timporta jiddeterminaw, f'konformità mal-proċeduri speċifikati fit-Taqsima C, li l-miżura se tibqa' meħtieġa biex jiġu evitati jew irrimedjati s-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 5.10 jew 5.15 u biex jiġi ffaċilitat l-aġġustament, diment li l-perjodu totali tal-applikazzjoni ta' miżura ta' salvagwardja, inkluż il-perjodu ta' applikazzjoni inizjali u kwalunkwe estensjoni tiegħu, ma jaqbiżx it-3 snin.

2. Parti għandha tapplika biss miżura ta' salvagwardja bilaterali għall-merkanzija oriġinarja stabbilita fl-Anness 2-A (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi), li hija soġġetta għal trattament preferenzjali skont dan il-Ftehim.

3. Sabiex jiġi ffaċilitat kwalunkwe aġġustament f'sitwazzjoni fejn id-durata mistennija ta' miżura ta' salvagwardja bilaterali taqbeż sena, il-Parti li tapplika dik il-miżura għandha, matul il-perjodu ta' applikazzjoni, tilliberalizza b'mod progressiv il-miżura f'intervalli regolari.

4. Meta Parti ma tibqax tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali, ir-rata tad-dazju doganali għandha tkun ir-rata li kienet tkun fis-seħħ għall-prodott f'konformità mal-Artikolu 2.4 (Tneħħija jew Tnaqqis tad-Dazji Doganali).

Artikolu 5.12

Miżuri Provviżorji

1. F'ċirkostanzi kritiċi fejn id-dewmien jikkawża ħsara li tkun diffiċli li tissewwa, Parti tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali fuq bażi provviżorja, mingħajr ma tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 5.22.1, skont determinazzjoni preliminari li hemm evidenza ċara li l-importazzjonijiet ta' merkanzija oriġinarja tal-Parti l-oħra żdiedu bħala riżultat tat-tnaqqis jew tat-tneħħija ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, u li tali importazzjonijiet jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw is-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 5.10 jew 5.15.

2. Id-durata ta' kwalunkwe miżura provviżorja ma għandhiex taqbeż il-200 jum, żmien li matulu l-Parti għandha tikkonforma mar-regoli proċedurali rilevanti stabbiliti fis-Subtaqsima C.2. Il-Parti għandha tirrifondi minnufih kwalunkwe żieda fit-tariffi jekk l-investigazzjoni sussegwenti deskritta fis-Subtaqsima C.2 ma tirriżultax fl-impożizzjoni ta' miżura definittiva f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 5.10 jew 5.15. Id-durata ta' kwalunkwe miżura provviżorja għandha tingħadd bħala parti mill-perjodu msemmi fl-Artikolu 5.11.1(b). Il-Parti li timporta għandha tinforma lill-Parti l-oħra malli timponi tali miżuri provviżorji u għandha tirreferi l-kwistjoni minnufih lill-Kumitat Konġunt għal eżami jekk il-Parti l-oħra titlob hekk.

Artikolu 5.13

Kumpens u Sospensjoni tal-Konċessjonijiet

1. Parti li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali għandha tikkonsulta mal-Parti l-oħra sabiex jaqblu b'mod reċiproku dwar kumpens xieraq għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-forma ta' konċessjonijiet li jkollhom effetti kummerċjali sostanzjalment ekwivalenti. Il-Parti li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali għandha tipprovdi opportunità għal konsultazzjonijiet bħal dawn mhux aktar tard minn 30 jum wara l-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali.

2. Jekk il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma jirriżultawx fi qbil dwar il-kumpens għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi żmien 30 jum wara l-bidu ta' dawk il-konsultazzjonijiet, il-Parti affettwata mill-miżura ta' salvagwardja bilaterali tista' tissospendi l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet li għandhom effetti kummerċjali sostanzjalment ekwivalenti għall-miżura ta' salvagwardja bilaterali tal-Parti l-oħra mhux aktar tard minn 90 jum wara l-applikazzjoni ta' dik il-miżura.

3. Il-Parti affettwata mill-miżura ta' salvagwardja bilaterali għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub mill-inqas 30 jum qabel is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-konċessjonijiet f'konformità mal-paragrafu 2.

4. L-obbligu li jiġi pprovdut kumpens skont il-paragrafu 1 u d-dritt li tiġi sospiża l-applikazzjoni l-konċessjonijiet skont il-paragrafu 2 jiskadu fid-data tat-terminazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali.

Artikolu 5.14

L-Użu ta' Miżuri ta' Salvagwardja u l-Iskadenza taż-Żmien bejn il-Miżuri

1. Parti ma għandhiex tapplika miżura ta' salvagwardja msemmija f'din it-Taqsima għall-importazzjoni ta' prodott li qabel kien soġġett għal tali miżura, sakemm ma jkunx għadda perjodu ta' żmien li jkun ugwali għal nofs il-perjodu ta' żmien immedjatament preċedenti li matulu l-miżura ta' salvagwardja tkun ġiet applikata.

2. Parti ma għandhiex tapplika, fir-rigward tal-istess prodott u matul l-istess perjodu:

(a) miżura ta' salvagwardja bilaterali jew miżura ta' salvagwardja provviżorja skont dan il-Ftehim; u

(b) miżura ta' salvagwardja skont l-Artikolu XIX tal-GATT 1994 u skont il-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

Artikolu 5.15

Reġjuni Ultraperiferiċi

1. Jekk il-merkanzija oriġinarja tal-Messiku tkun qed tiġi importata direttament fit-territorju ta' reġjun ultraperiferiku wieħed jew aktar tal-Unjoni Ewropea f'tali kwantitajiet miżjuda u taħt tali kundizzjonijiet b'mod li tikkawża jew thedded li tikkawża deterjorament serju fis-sitwazzjoni ekonomika tar-reġjun ultraperiferiku kkonċernat, l-Unjoni Ewropea, wara li tkun eżaminat soluzzjonijiet alternattivi, tista' timponi b'mod eċċezzjonali miżuri ta' salvagwardja limitati għat-territorju tar-reġjun ultraperiferiku kkonċernat.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet kollha tat-Taqsima C applikabbli għal miżuri ta' salvagwardja bilaterali huma applikabbli wkoll għal kwalunkwe miżura ta' salvagwardja adottata b'rabta mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea.

3. Miżura ta' salvagwardja bilaterali limitata għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea għandha tapplika biss għal merkanzija soġġetta għal trattament preferenzjali skont dan il-Ftehim.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, "deterjorament serju" tfisser diffikultajiet kbar f'settur tal-ekonomija li jipproduċi prodotti simili jew prodotti direttament kompetittivi. Id-determinazzjoni ta' deterjorament serju għandha tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi, inklużi l-elementi li ġejjin:

(a) iż-żieda fil-volum ta' importazzjonijiet f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni domestika u għall-importazzjonijiet minn sorsi oħrajn; u

(b) l-effett ta' tali importazzjonijiet fuq il-qagħda tal-industrija rilevanti jew is-settur ekonomiku kkonċernat, inklużi l-livelli tal-bejgħ, il-produzzjoni, il-qagħda finanzjarja u l-impjiegi.

SUBTAQSIMA C.2

Regoli Proċedurali Applikabbli għal Miżuri ta' Salvagwardja Bilaterali

Artikolu 5.16

Liġi Applikabbli

Għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja bilaterali, l-awtorità investigattiva kompetenti għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima u, f'każijiet mhux koperti minn din is-Subtaqsima, tapplika r-regoli stabbiliti skont il-liġi tal-Parti kkonċernata, sakemm dawk ir-regoli jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima C.

Artikolu 5.17

Bidu ta' Proċedura ta' Salvagwardja

1. Awtorità investigattiva kompetenti tista' tibda proċedura rigward miżuri bilaterali ta' salvagwardja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "proċedura ta' salvagwardja") fuq applikazzjoni bil-miktub li ssir minn jew f'isem l-industrija domestika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fuq inizjattiva tagħha stess. Fil-każ tal-Unjoni Ewropea, dik l-applikazzjoni tista' tiġi ppreżentata minn Stat Membru wieħed jew aktar tal-Unjoni Ewropea f'isem l-industrija domestika. L-applikazzjoni għandha titqies li tkun saret minn jew f'isem l-industrija domestika jekk tkun appoġġata minn produtturi domestiċi li l-produzzjoni kollettiva tagħhom tikkostitwixxi aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-prodotti simili jew ta' prodotti direttament kompetittivi manifatturati mill-porzjon tal-industrija domestika li jesprimi appoġġ jew inkella oppożizzjoni għall-applikazzjoni. Madankollu, ma għandha tinbeda l-ebda investigazzjoni jekk il-produtturi domestiċi li jappoġġaw espresssament l-applikazzjoni jkunu jammontaw għal inqas minn 25 % tal-produzzjoni nazzjonali totali tal-prodotti simili jew ta' prodotti direttament kompetittivi manifatturati mill-industrija domestika.

2. Ladarba l-investigazzjoni tkun inbdiet, l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir disponibbli minnufih għal min tista' tikkonċerna, ħlief għall-informazzjoni kunfidenzjali li tinsab fiha.

3. Malli tinbeda proċedura ta' salvagwardja, l-awtorità investigattiva kompetenti għandha tippubblika avviż tal-bidu tal-proċedura fil-ġurnal uffiċjali tal-Parti. L-avviż għandu jidentifika l-entità li tkun ippreżentat l-applikazzjoni bil-miktub, jekk applikabbli, il-merkanzija importata kkonċernata, l-intestatura u s-subintestatura tagħha jew in-numru tal-entrata tariffarja li taħtu hija kklassifikata taħt is-Sistema Armonizzata, in-natura u ż-żmien tad-determinazzjoni li għandha ssir, il-perjodu li fih il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa bil-miktub u jissottomettu l-informazzjoni, il-post li fih l-applikazzjoni bil-miktub u kwalunkwe dokument mhux kunfidenzjali ieħor ippreżentat matul il-proċedura jistgħu jiġu spezzjonati u l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon tal-uffiċċju li għandu jiġi kkuntattjat għal aktar informazzjoni. F'każ li l-awtorità investigattiva kompetenti tiddeċiedi li torganizza smigħ pubbliku, il-ħin u l-post ta' dak is-smigħ pubbliku jistgħu jiġu inklużi fl-avviż tal-bidu jew jiġu nnotifikati fi kwalunkwe stadju sussegwenti tal-proċedura, diment li tali avviż jingħata minn qabel sew. F'każ li ma jkun skedat l-ebda smigħ pubbliku fil-bidu tal-investigazzjoni, l-avviż tal-bidu għandu jinkludi l-perjodu li fih il-partijiet interessati jistgħu japplikaw biex jinstemgħu oralment mill-awtorità investigattiva kompetenti.

4. Fir-rigward ta' proċedura ta' salvagwardja mibdija abbażi ta' applikazzjoni bil-miktub ippreżentata minn entità li tasserixxi li hija rappreżentattiva tal-industrija domestika, l-awtorità investigattiva kompetenti ma għandhiex tippubblika l-avviż tal-bidu skont il-paragrafu 3 mingħajr ma l-ewwel tivvaluta bir-reqqa li l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi tagħha u r-rekwiżiti tal-paragrafu 1, u tinkludi evidenza raġonevoli li l-importazzjonijiet ta' prodott oriġinarju tal-Parti l-oħra żdiedu bħala riżultat tat-tnaqqis jew tat-tneħħija ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, u li tali importazzjonijiet jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw l-allegat dannu serju jew l-allegat deterjorament serju fil-qagħda ekonomika.

Artikolu 5.18

Investigazzjoni

1. Parti tista' tapplika miżura ta' salvagwardja biss wara investigazzjoni mill-awtorità investigattiva kompetenti ta' dik il-Parti skont il-proċeduri stabbiliti f'din is-Subtaqsima. Dik l-investigazzjoni għandha tinkludi avviż pubbliku raġonevoli lill-partijiet interessati kollha, u s-smigħ pubbliku jew mezzi xierqa oħrajn li fihom l-importaturi, l-esportaturi u partijiet interessati oħrajn jkunu jistgħu jippreżentaw evidenza u l-fehmiet tagħhom, inkluża l-opportunità li jwieġbu għall-preżentazzjonijiet ta' partijiet oħrajn.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità investigattiva kompetenti tagħha tlesti l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien sena mid-data tal-bidu tagħha.

Artikolu 5.19

Id-Determinazzjoni ta' Dannu Serju jew ta' Theddida Tiegħu u r-Rabta Kawżali

1. Fl-investigazzjoni biex jiġi ddeterminat jekk iż-żieda fl-importazzjonijiet tikkawżax jew theddidx li tikkawża dannu serju lil industrija domestika, l-awtorità investigattiva kompetenti għandha tevalwa l-fatturi rilevanti kollha ta' natura oġġettiva u kwantifikabbli li għandhom effett fuq il-qagħda tal-industrija domestika, b'mod partikolari r-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi għall-produzzjoni domestika, is-sehem tas-suq domestiku meħud miż-żieda fl-importazzjonijiet u l-bidliet fil-livell ta' bejgħ, produzzjoni, produttività, użu tal-kapaċità, profitt u telf, u impjiegi.

2. Id-determinazzjoni li ż-żieda fl-importazzjonijiet tikkawża jew thedded li tikkawża s-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 5.10 jew 5.15 ma għandhiex issir, sakemm l-investigazzjoni ma turix, abbażi ta' evidenza oġġettiva, l-eżistenza ta' rabta kawżali ċara bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat u s-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 5.10 jew 5.15. Jekk fatturi għajr iż-żieda fl-importazzjonijiet ikunu, fl-istess ħin, qed jikkawżaw is-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 5.10 jew 5.15, id-dannu jew theddida tiegħu, jew id-deterjorament serju fil-qagħda ekonomika jew theddida tiegħu, ma għandhomx jiġu attribwiti għaż-żieda fl-importazzjonijiet.

Artikolu 5.20

Seduti ta' smigħ

Matul kull proċedura ta' salvagwardja, l-awtorità investigattiva kompetenti għandha:

(a) wara li tipprovdi avviż raġonevoli, torganizza smigħ pubbliku sabiex il-partijiet interessati kollha meqjusa bħala tali skont il-liġi tal-Parti kkonċernata jkunu jistgħu jidhru, personalment jew permezz ta' avukat, jippreżentaw evidenza u jinstemgħu dwar id-dannu serju jew it-theddida tiegħu, jew dwar id-deterjorament serju fil-qagħda ekonomika jew it-theddida tiegħu, u r-rimedju xieraq; jew

(b) inkella, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, tipprovdi opportunità lill-partijiet interessati kollha biex jinstemgħu, diment li jkunu għamlu applikazzjoni bil-miktub fil-perjodu stabbilit fl-avviż tal-bidu li turi li x'aktarx ikunu affettwati mill-eżitu tal-investigazzjoni u li jkun hemm raġunijiet speċjali sabiex jinstemgħu oralment.

Artikolu 5.21

Informazzjoni Kunfidenzjali

Kwalunkwe informazzjoni li min-natura tagħha hija kunfidenzjali jew li tiġi pprovduta fuq bażi kunfidenzjali għandha, meta tingħata raġuni tajba, tiġi ttrattata bħala tali mill-awtorità investigattiva kompetenti. Tali informazzjoni ma għandhiex tiġi divulgata mingħajr il-permess tal-parti li tissottomettiha. Il-Partijiet li jipprovdu informazzjoni kunfidenzjali jistgħu jintalbu jagħtu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha jew, jekk dawk il-partijiet jindikaw li tali informazzjoni ma tistax titqassar, ir-raġunijiet għaliex ma jistax jiġi pprovdut sommarju. Is-sommarji għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jippermettu fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni kunfidenzjali sottomessa. Madankollu, jekk l-awtorità investigattiva kompetenti ssib li talba għall-kunfidenzjalità ma hijiex ġustifikata u jekk il-parti kkonċernata ma tkunx trid tagħmel l-informazzjoni pubblika jew ma tkunx trid tawtorizza d-divulgazzjoni tagħha f'forma ġeneralizzata jew imqassra, hija tista' tinjora tali informazzjoni, sakemm ma jkunx jista' jintwera għas-sodisfazzjon tagħha minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

Artikolu 5.22

Adozzjoni, Notifika, Konsultazzjoni u Pubblikazzjoni

1. Jekk Parti tqis li teżisti waħda mis-sitwazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5.10 jew 5.15, hija għandha tirreferi l-kwistjoni minnufih lill-Kumitat Konġunt biex tiġi eżaminata. Il-Kumitat Konġunt jista' jagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni meħtieġa biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni li tkun inqalgħet. Jekk ma tkun saret ebda rakkomandazzjoni mill-Kumitat Konġunt bil-għan li tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni, jew ma tkun instabet ebda soluzzjoni sodisfaċenti fi żmien 30 jum minn meta l-kwistjoni tiġi riferuta lill-Kumitat Konġunt, il-Parti li timporta tista' tadotta l-miżuri ta' salvagwardja bilaterali xierqa biex tirrimedja s-sitwazzjoni f'konformità mat-Taqsima C.

2. L-awtorità investigattiva kompetenti għandha tipprovdi lill-Parti li tesporta bl-informazzjoni rilevanti kollha, li għandha tinkludi evidenza ta' dannu serju jew theddida tiegħu, jew ta' deterjorament serju, jew theddida tiegħu, fil-qagħda ekonomika kkawżata minn żieda fl-importazzjonijiet, deskrizzjoni preċiża tal-prodott involut u l-miżura ta' salvagwardja bilaterali proposta, id-data proposta tal-impożizzjoni u d-durata mistennija tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali proposta.

3. Parti għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra, bil-miktub, meta hija:

(a) tibda proċedura ta' salvagwardja bilaterali skont it-Taqsima C;

(b) tiddeċiedi li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja;

(c) tiddetermina l-eżistenza ta' dannu serju jew theddida tiegħu, jew tad-deterjorament serju fil-qagħda ekonomika jew theddida tiegħu, ikkawżata minn żieda fl-importazzjonijiet, skont l-Artikolu 5.19;

(d) tiddeċiedi li tapplika jew testendi miżura ta' salvagwardja bilaterali; u

(e) tiddeċiedi li timmodifika miżura ta' salvagwardja bilaterali adottata qabel.

4. Jekk Parti tagħmel notifika skont is-subparagrafu 3(a), tali notifika għandha tinkludi:

(a) kopja tal-verżjoni pubblika tal-applikazzjoni u tal-annessi tagħha jew, fil-każ ta' investigazzjonijiet mibdija fuq l-inizjattiva tal-awtorità investigattiva kompetenti, tad-dokumenti rilevanti li juru li r-rekwiżiti tal-Artikolu 5.17 huma ssodisfati, kif ukoll kwestjonarju li jagħti dettalji dwar il-punti li fuqhom il-partijiet interessati jridu jipprovdu informazzjoni; u

(b) deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija importata kkonċernata.

5. Jekk Parti tagħmel notifika skont is-subparagrafu 3(b) jew (c), hija għandha tinkludi kopja tal-verżjoni pubblika tad-determinazzjoni tagħha u, jekk applikabbli, tad-dokument li jipprovdi r-raġunament tekniku li fuqu hija bbażata d-determinazzjoni.

6. Jekk Parti tagħmel notifika skont is-subparagrafu 3(d) dwar l-applikazzjoni jew l-estensjoni ta' miżura ta' salvagwardja bilaterali, hija għandha tinkludi f'dik in-notifika:

(a) kopja tal-verżjoni pubblika tad-determinazzjoni tagħha u, jekk applikabbli, tad-dokument li jipprovdi r-raġunament tekniku li fuqu hija bbażata d-determinazzjoni;

(b) evidenza ta' dannu serju jew theddida tiegħu, jew ta' deterjorament serju fil-qagħda ekonomika jew theddida tiegħu, ikkawżati minn żieda fl-importazzjonijiet ta' merkanzija oriġinarja tal-Parti l-oħra, bħala riżultat tat-tnaqqis jew tat-tneħħija ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim;

(c) deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija oriġinarja soġġetta għall-miżura ta' salvagwardja bilaterali, inklużi l-intestatura, is-subintestatura jew il-linja tariffarja tagħha li taħthom hija kklassifikata taħt is-Sistema Armonizzata;

(d) deskrizzjoni preċiża tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali applikata jew estiża;

(e) id-data inizjali tal-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali, id-durata mistennija tagħha u, jekk applikabbli, skeda ta' żmien għal-liberalizzazzjoni progressiva tal-miżura; u

(f) f'każ ta' estensjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali, evidenza li l-industrija domestika kkonċernata qed taġġusta.

7. Fuq talba tal-Parti affettwata mill-proċedura ta' salvagwardja bilaterali taħt it-Taqsima C, il-Parti l-oħra għandha tagħmel konsultazzjonijiet mal-Parti rikjedenti biex tirrieżamina notifika magħmula skont is-subparagrafu 3(a) jew (b).

8. Il-Parti li biħsiebha tapplika jew testendi miżura ta' salvagwardja bilaterali għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u tagħti l-possibbiltà li jsiru konsultazzjonijiet minn qabel biex tiġi diskussa l-applikazzjoni jew l-estensjoni eventwali. Jekk ma tkun instabet ebda soluzzjoni sodisfaċenti fi żmien 30 jum wara d-data tan-notifika, l-ewwel Parti tista' tapplika jew testendi tali miżura.

9. L-awtorità investigattiva kompetenti għandha tippubblika s-sejbiet u l-konklużjonijiet motivati tagħha li jkunu ntlaħqu dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha tal-fatt u l-liġi fil-ġurnal uffiċjali tal-Parti kkonċernata, inkluża d-deskrizzjoni tal-merkanzija importata u s-sitwazzjoni li tkun wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 5.10 jew 5.15, ir-rabta kawżali bejn tali sitwazzjoni u ż-żieda fl-importazzjonijiet, u l-forma, il-livell u d-durata tal-miżuri.

10. L-awtoritajiet investigattivi kompetenti għandhom jittrattaw kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali f'konformità sħiħa mal-Artikolu 5.21.

KAPITOLU 6

MIŻURI SANITARJI U FITOSANITARJI

Artikolu 6.1

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti msemmija fl-Anness 6-A;

(b) "miżura ta' emerġenza" tfisser miżura sanitarja jew fitosanitarja li tiġi applikata mill-Parti li timporta għal merkanzija tal-Parti l-oħra biex tindirizza problema urġenti ta' protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti li tinqala' jew thedded li tinqala' fil-Parti li timporta; u

(c) "Kumitat SPS tad-WTO" tfisser il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji stabbilit skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim SPS.

2. Id-definizzjonijiet fl-Anness A tal-Ftehim SPS, kif ukoll dawk tal-Codex Alimentarius (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Codex"), l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "WOAH") u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, iffirmata f'Ruma fis-6 ta' Diċembru 1951 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "IPPC") japplikaw għal dan il-Kapitolu.

Artikolu 6.2

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma li:

(a) jipproteġi l-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti fit-territorji tal-Partijiet, filwaqt li jiffaċilita l-kummerċ bejniethom;

(b) isaħħaħ u jkompli l-implimentazzjoni tal-Ftehim SPS;

(c) isaħħaħ il-komunikazzjoni, il-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet, b'mod partikolari bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom;

(d) jiżgura li l-miżuri sanitarji u fitosanitarji implimentati mill-Partijiet ma joħolqux ostakli bla bżonn għall-kummerċ;

(e) itejjeb il-konsistenza, iċ-ċertezza u t-trasparenza tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji ta' kull Parti u l-implimentazzjoni tagħhom; u

(f) jinkoraġġixxi l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' standards, linji gwida u rakkomandazzjonijiet internazzjonali mill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u jtejjeb l-implimentazzjoni tagħhom mill-Partijiet.

Artikolu 6.3

Kamp ta' Applikazzjoni

Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri sanitarji u fitosanitarji kollha ta' Parti li jistgħu, direttament jew indirettament, jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet.

Artikolu 6.4

Relazzjoni mal-Ftehim tad-SPS

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward ta' xulxin skont il-Ftehim tad-SPS.

Artikolu 6.5

Riżorsi għall-Implimentazzjoni

Kull Parti għandha tuża r-riżorsi meħtieġa biex timplimenta dan il-Kapitolu b'mod effettiv.

Artikolu 6.6

Ekwivalenza

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li r-rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji tal-Parti l-oħra huwa mezz importanti biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ.

2. Il-Parti li timporta għandha tirrikonoxxi l-miżuri sanitarji u fitosanitarji tal-Parti li tesporta bħala ekwivalenti għall-miżuri tagħha stess jekk il-Parti li tesporta turi b'mod oġġettiv lill-Parti li timporta li l-miżuri tagħha jilħqu l-livell xieraq ta' protezzjoni sanitarja u fitosanitarja tal-Parti li timporta.

3. Il-Parti li timporta għandha d-dritt li tagħmel id-determinazzjoni finali dwar jekk miżura sanitarja jew fitosanitarja applikata mill-Parti li tesporta tilħaqx il-livell xieraq tagħha ta' protezzjoni sanitarja u fitosanitarja.

4. Parti għandha, meta tivvaluta jew tiddetermina l-ekwivalenza ta' miżura tal-Parti l-oħra, tqis fost l-oħrajn u jekk rilevanti:

(a) id-deċiżjonijiet tal-Kumitat SPS tad-WTO;

(b) il-ħidma tal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti;

(c) kwalunkwe għarfien u esperjenza tal-passat fil-kummerċ mal-Parti l-oħra; u

(d) l-informazzjoni pprovduta mill-Parti l-oħra.

5. Kull Parti għandha tibbaża l-valutazzjoni, id-determinazzjoni u ż-żamma tal-ekwivalenza tagħha fuq l-istandards, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-korpi tal-istandardizzazzjoni internazzjonali rilevanti jew, kif xieraq, fuq valutazzjoni tar-riskju.

6. Il-Parti li timporta għandha minnufih tibda l-valutazzjoni biex tiddetermina l-ekwivalenza jekk tirċievi talba għal valutazzjoni tal-ekwivalenza mill-Parti l-oħra li tkun appoġġata mill-informazzjoni meħtieġa.

7. Meta l-Parti li timporta tikkonkludi l-valutazzjoni tal-ekwivalenza, hija għandha tinnotifika minnufih id-determinazzjoni tagħha lill-Parti l-oħra.

8. Meta l-Parti li timporta tkun iddeterminat li hija tirrikonoxxi l-miżura tal-Parti li tesporta bħala ekwivalenti, il-Parti li timporta għandha minnufih tibda l-miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi meħtieġa biex timplimenta r-rikonoxximent.

9. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.16, jekk Parti jkollha l-ħsieb li tadotta, timmodifika jew tħassar miżura li tkun soġġetta għal determinazzjoni ta' ekwivalenza li taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet, dik il-Parti għandha:

(a) tinnotifika lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha fi stadju bikri xieraq fejn jista' jitqies kwalunkwe kumment sottomess mill-Parti l-oħra;

(b) tipprovdi, fuq talba tal-Parti l-oħra, informazzjoni u l-motiv dwar il-bidliet ippjanati tagħha.

10. Il-Parti li timporta għandha żżomm ir-rikonoxximent tagħha tal-ekwivalenza għaż-żmien li fih tibqa' fis-seħħ il-miżura, li hija soġġetta għall-bidla maħsuba.

11. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu l-modifiki maħsuba nnotifikati skont is-subparagrafu 9(a) fuq talba ta' waħda mill-Partijiet. Il-Parti li timporta għandha tirrieżamina kwalunkwe informazzjoni sottomessa skont is-subparagrafu 9 (b) mingħajr dewmien bla bżonn.

12. Jekk Parti tadotta, timmodifika jew tħassar miżura sanitarja jew fitosanitarja li tkun soġġetta għal determinazzjoni ta' ekwivalenza mill-Parti l-oħra, il-Parti li timporta għandha żżomm ir-rikonoxximent tagħha tal-ekwivalenza sakemm il-miżuri tal-Parti li tesporta fir-rigward tal-prodott ikkonċernat ikomplu jilħqu l-livell xieraq ta' protezzjoni sanitarja jew fitosanitarja tal-Parti li timporta. Fuq talba ta' Parti, il-Partijiet għandhom jiddiskutu minnufih id-determinazzjoni magħmula mill-Parti li timporta.

Artikolu 6.7

Valutazzjoni tar-Riskju

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiżguraw li l-miżuri sanitarji u fitosanitarji rispettivi tagħhom ikunu bbażati fuq prinċipji xjentifiċi u jikkonformaw mal-istandards, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

2. Jekk Parti tqis li miżura sanitarja jew fitosanitarja speċifika adottata jew miżmuma mill-Parti l-oħra tkun qed tillimita, jew ikollha l-potenzjal li tillimita, l-esportazzjonijiet tagħha u dik il-miżura ma tkunx ibbażata fuq standard, linja gwida jew rakkomandazzjoni internazzjonali rilevanti, jew inkella ma jkunux jeżistu standard, linja gwida jew rakkomandazzjoni rilevanti, dik il-Parti tista' titlob informazzjoni mill-Parti l-oħra. Il-Parti rikjesta għandha tipprovdi lill-Parti rikjedenti spjegazzjoni tar-raġunijiet u l-informazzjoni rilevanti rigward dik il-miżura.

3. Jekk l-evidenza xjentifika rilevanti ma tkunx biżżejjed, Parti tista' tadotta b'mod provviżorju miżura sanitarja jew fitosanitarja abbażi tal-informazzjoni pertinenti disponibbli, inkluż mill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti. F'ċirkostanzi bħal dawn, dik il-Parti għandha tfittex li tikseb l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa għal valutazzjoni aktar oġġettiva tar-riskji u tirrieżamina l-miżura sanitarja jew fitosanitarja kif xieraq f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

4. Filwaqt li jirrikonoxxu d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim SPS, f'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli:

(a) tistabbilixxi l-livell ta' protezzjoni sanitarja jew fitosanitarja li hija tiddetermina li huwa xieraq f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim SPS;

(b) tistabbilixxi jew iżżomm proċedura ta' approvazzjoni li tirrikjedi li titwettaq valutazzjoni tar-riskju qabel ma dik il-Parti tagħti lil prodott aċċess għas-suq tagħha; jew

(c) tadotta jew iżżomm miżuri sanitarji jew fitosanitarji ta' prekawzjoni f'konformità mal-paragrafu 7 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim SPS.

5. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri sanitarji u fitosanitarji tagħha ma jiddiskriminawx b'mod arbitrarju jew mhux ġustifikat bejn il-Partijiet fejn jipprevalu kundizzjonijiet identiċi jew simili. Parti ma għandhiex tapplika miżuri sanitarji u fitosanitarji b'mod li jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet.

6. Parti li twettaq valutazzjoni tar-riskju għandha:

(a) tqis il-gwida rilevanti tal-Kumitat SPS tad-WTO u l-istandards, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali;

(b) tikkunsidra l-għażliet ta' ġestjoni tar-riskji li ma jkunux aktar restrittivi għall-kummerċ milli meħtieġ biex jintlaħaq il-livell ta' protezzjoni sanitarja jew fitosanitarja li tkun iddeterminat li huwa xieraq f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim SPS, filwaqt li tqis il-fattibbiltà teknika u ekonomika; u

(c) tqis l-objettiv li jiġu minimizzati l-effetti negattivi fuq il-kummerċ meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' protezzjoni sanitarja jew fitosanitarja, f'konformità mal-paragrafu 4 tal-Artikolu 5 tal-Ftehim SPS, u tagħżel għażla ta' ġestjoni tar-riskji li ma tkunx aktar restrittiva għall-kummerċ milli meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv sanitarju jew fitosanitarju, filwaqt li tqis il-fattibbiltà teknika u ekonomika.

7. Fuq talba tal-Parti li tesporta, il-Parti li timporta għandha tinforma lill-Parti li tesporta bil-progress li jkun sar fir-rigward ta' valutazzjoni tar-riskju speċifika dwar talba għal aċċess għas-suq tal-Parti li tesporta, u bi kwalunkwe dewmien li jista' jkun hemm matul il-proċess.

8. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.16, Parti ma għandhiex twaqqaf l-importazzjoni ta' prodott tal-Parti l-oħra għar-raġuni biss li l-Parti tkun qed twettaq rieżami tal-miżuri sanitarji jew fitosanitarji tagħha, jekk il-Parti li timporta tkun ippermettiet l-importazzjoni ta' dak il-prodott tal-Parti l-oħra fiż-żmien meta nbeda r-rieżami.

Artikolu 6.8

Adattament għall-Kundizzjonijiet Reġjonali, inklużi Żoni Mingħajr Pesti jew Mard u Żoni bi Prevalenza Baxxa ta' Pesti jew Mard

Aspetti ġenerali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-adattament ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji għall-kundizzjonijiet reġjonali tal-pesti jew tal-mard huwa mezz importanti biex tiġi protetta l-ħajja jew is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, u biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ.

2. Il-Partijiet għandhom jirrikonoxxu l-kunċetti ta' żoni ħielsa mill-pesti jew mill-mard u ta' żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti jew mard. Id-determinazzjoni ta' tali żoni għandha tkun ibbażata fuq fatturi bħalma huma l-ġeografija, l-ekosistemi, is-sorveljanza epidemjoloġika u l-effettività tal-kontrolli sanitarji jew fitosanitarji.

3. Parti li tesporta li tafferma li ż-żoni fit-territorju tagħha huma żoni ħielsa mill-pesti jew mill-mard jew żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti jew mard għandha tipprovdi l-evidenza meħtieġa ta' dan sabiex turi b'mod oġġettiv lill-Parti li timporta li tali żoni huma, u x'aktarx li jibqgħu, żoni ħielsa mill-pesti jew mill-mard jew żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti jew mard, rispettivament. Għal dak l-iskop, il-Parti li tesporta għandha, fuq talba tal-Parti li timporta, tipprovdi aċċess raġonevoli għall-ispezzjoni, l-ittestjar u proċeduri rilevanti oħrajn.

4. Meta jiddeterminaw l-oqsma msemmija fil-paragrafu 2 permezz ta' deċiżjonijiet ta' reġjonalizzazzjoni, il-Partijiet għandhom iqisu l-gwida rilevanti tal-Kumitat SPS tad-WTO u jibbażaw il-miżuri tagħhom fuq standards, linji gwida u rakkomandazzjonijiet internazzjonali, jew, f'każ li dawk ma jilħqux il-livell xieraq ta' protezzjoni sanitarja jew fitosanitarja tal-Parti, fuq valutazzjoni tar-riskju xierqa għaċ-ċirkostanzi.

5. Għad-determinazzjoni taż-żoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Parti li timporta għandha tqis kwalunkwe informazzjoni rilevanti mill-awtoritajiet tal-Parti li tesporta u kwalunkwe esperjenza preċedenti magħhom.

6. Il-Parti li timporta tista' tiddetermina li jista' jintuża proċess imħaffef biex tiġi evalwata talba mill-Parti li tesporta għar-rikonoxximent ta' żoni ħielsa mill-pesti jew mill-mard jew ta' żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti jew mard.

7. Jekk il-Parti li tesporta ma taqbilx mad-determinazzjoni tal-Parti li timporta, il-Parti li timporta għandha tipprovdi ġustifikazzjoni lill-Parti li tesporta.

8. Fuq talba tal-Parti li timporta, il-Parti li tesporta għandha tipprovdi spjegazzjoni sħiħa u *data* ta' sostenn għad-determinazzjonijiet u d-deċiżjonijiet koperti minn dan l-Artikolu. Matul dawk il-proċessi, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jevitaw tfixkil bla bżonn għall-kummerċ.

Annimali, Prodotti mill-Annimali u Prodotti Sekondarji mill-Annimali

9. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-prinċipju ta' tqassim f'żoni li huma jaqblu li japplikaw fil-kummerċ tagħhom. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll l-istatus uffiċjali tas-saħħa tal-annimali kif iddeterminat mill-WOAH.

10. Il-Parti li timporta għandha, fil-prinċipju, tibbaża d-determinazzjoni tagħha stess tal-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Parti li tesporta fuq l-evidenza pprovduta mill-Parti li tesporta f'konformità mal-Ftehim SPS, mal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-WOAH u mal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Akkwatiċi tal-WOAH.

11. Il-Parti li timporta għandha tivvaluta kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tirċievi mingħand il-Parti li tesporta mingħajr dewmien bla bżonn u normalment fi żmien 90 jum wara li tirċievi l-informazzjoni. Il-Parti li timporta tista' tagħmel talba lill-Parti li tesporta għal spezzjoni fuq il-post, u għandha twettaq kwalunkwe spezzjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6.11 u fi żmien 90 jum wara li tirċievi mill-Parti li tesporta talba għal spezzjoni, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn il-Partijiet.

12. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kunċett ta' kompartimentalizzazzjoni u għandhom jikkooperaw fuq din il-kwistjoni.

Pjanti u Prodotti mill-Pjanti

13. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kunċetti ta' żoni ħielsa mill-pesti, postijiet tal-produzzjoni ħielsa mill-pesti u siti tal-produzzjoni ħielsa mill-pesti, kif ukoll ta' żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti bħala mezzi biex jipproteġu l-ħajja jew is-saħħa tal-pjanti, u biex jiffaċilitaw il-kummerċ kif speċifikat fl-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ISPM") rilevanti tal-IPPC, li huma jaqblu li japplikaw għall-prodotti nnegozjati bejniethom.

14. Fuq talba tal-Parti li tesporta, il-Parti li timporta għandha, meta tadotta jew iżżomm miżuri fitosanitarji, tqis iż-żoni ħielsa mill-pesti, il-postijiet tal-produzzjoni ħielsa mill-pesti, is-siti tal-produzzjoni ħielsa mill-pesti, kif ukoll iż-żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti stabbiliti mill-Parti li tesporta f'konformità mal-istandards, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

15. Il-Parti li tesporta għandha tidentifika żoni ħielsa mill-pesti, postijiet tal-produzzjoni ħielsa mill-pesti, siti tal-produzzjoni ħielsa mill-pesti jew żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti u tipprovdi dik l-informazzjoni lill-Parti l-oħra. Fuq talba, il-Parti li tesporta għandha tipprovdi spjegazzjoni sħiħa u *data* ta' sostenn f'konformità mal-ISPM rilevanti, jew inkella kif xieraq.

16. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.16, il-Parti li timporta għandha, fil-prinċipju, tibbaża d-determinazzjoni tagħha stess tal-istatus tas-saħħa tal-pjanti tal-Parti li tesporta jew ta' partijiet minnha fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Parti li tesporta f'konformità mal-Ftehim SPS u mal-ISPM rilevanti.

17. Il-Parti li timporta għandha tivvaluta kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tirċievi mingħand il-Parti li tesporta mingħajr dewmien bla bżonn u normalment fi żmien 90 jum wara li tirċievi l-informazzjoni. Il-Parti li timporta tista' tagħmel talba lill-Parti li tesporta għal spezzjoni fuq il-post u għandha twettaq kwalunkwe spezzjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6.11 u fi żmien 6 xhur wara li tirċievi mill-Parti li tesporta talba għal spezzjoni , sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn il-Partijiet. Meta jaqblu fuq perjodu differenti, il-Partijiet għandhom iqisu l-bijoloġija tal-pest u tal-wiċċ tar-raba' kkonċernati.

Artikolu 6.9

Trasparenza

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-miżuri sanitarji u fitosanitarji tagħhom fuq bażi kontinwa, u li jipprovdu lill-Parti l-oħra bl-opportunità li tikkummenta dwar il-miżuri sanitarji u fitosanitarji proposti tagħhom.

2. Fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, kull Parti għandha tqis il-gwida rilevanti tal-Kumitat SPS tad-WTO, kif ukoll l-istandards, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali.

3. Sakemm ma jinqalgħux problemi urġenti ta' protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, jew ma jkunx hemm theddida li jinqalgħu, jew sakemm il-miżura ma tkunx ta' natura li tiffaċilita l-kummerċ, Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe miżura sanitarja jew fitosanitarja proposta li tista' taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet u normalment tippermetti mill-inqas 60 jum wara n-notifika sabiex il-Parti l-oħra tipprovdi kummenti bil-miktub. Jekk ikun fattibbli u xieraq, il-Parti notifikanti għandha tippermetti aktar minn 60 jum għall-kummenti u għandha tikkunsidra kwalunkwe talba raġonevoli mill-Parti l-oħra biex testendi l-perjodu ta' żmien għall-kummenti. Fuq talba, il-Parti għandha twieġeb għall-kummenti bil-miktub tal-Parti l-oħra b'mod xieraq.

4. Il-Partijiet għandhom:

(a) ifittxu t-trasparenza fir-rigward tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji applikabbli għall-kummerċ;

(b) itejbu l-fehim reċiproku tal-miżuri sanitarji jew fitosanitarji ta' kull Parti u l-applikazzjoni tagħhom; u

(c) jiskambjaw informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji bil-ħsieb li jimminimizzaw l-effetti negattivi tagħhom fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet.

5. Kull Parti għandha, fuq talba tal-Parti l-oħra u normalment fi żmien 15-il jum wara li tirċievi t-talba, tipprovdi informazzjoni dwar:

(a) ir-rekwiżiti tal-importazzjoni li japplikaw għall-importazzjoni ta' prodotti speċifiċi; u

(b) il-progress fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' prodotti speċifiċi.

6. L-informazzjoni msemmija fis-subparagrafu 4(c) u fil-paragrafu 5 titqies li ġiet ipprovduta jekk tkun saret disponibbli permezz ta' notifika lid-WTO f'konformità mar-regoli u l-proċeduri rilevanti jew jekk l-informazzjoni tkun saret disponibbli mingħajr ħlas fuq sit web uffiċjali tal-Parti aċċessibbli għall-pubbliku.

7. Fuq talba, Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra l-informazzjoni rilevanti li l-Parti kkunsidrat fl-iżvilupp tal-miżura proposta, kif xieraq u sa fejn permess mir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u privatezza tal-Parti li tipprovdi l-informazzjoni.

8. Parti tista' titlob, jekk ikun xieraq u fattibbli, diskussjonijiet mal–Parti l-oħra dwar kwalunkwe ħassib kummerċjali b'rabta ma' miżura sanitarja jew fitosanitarja proposta, u dwar id-disponibbiltà ta' approċċi alternattivi u ferm inqas restrittivi għall-kummerċ li jistgħu jilħqu l-objettiv ta' dik il-miżura.

9. Kull Parti għandha tippubblika, preferibbilment b'mezzi elettroniċi, avviżi ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji f'ġurnal uffiċjali jew fuq sit web.

10. Kull Parti għandha tiżgura li t-test jew l-avviż ta' miżura sanitarja jew fitosanitarja jispeċifika d-data li fiha l-miżura tidħol fis-seħħ u l-bażi legali għall-miżura.

11. Il-Parti li tesporta għandha tinnotifika lill-Parti li timporta fil-ħin u b'mod xieraq:

(a) b'riskju sanitarju jew fitosanitarju sinifikanti relatat mal-kummerċ attwali;

(b) b'sitwazzjonijiet urġenti fejn bidla fl-istatus tas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti fit-territorju tal-Parti li tesporta tista' taffettwa l-kummerċ attwali;

(c) b'bidliet sinifikanti fl-istatus tal-pesti jew tal-mard, bħall-preżenza u l-evoluzzjoni ta' pesti jew mard, inkluża l-applikazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' reġjonalizzazzjoni; u

(d) b'bidliet sinifikanti fil-politiki jew il-prattiki ta' sikurezza tal-ikel u ta' ġestjoni, kontroll jew eradikazzjoni tal-pesti jew tal-mard li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ attwali.

12. Jekk ikun fattibbli u xieraq, Parti għandha tipprovdi perjodu ta' aktar minn 6 xhur bejn id-data tal-pubblikazzjoni ta' miżura sanitarja jew fitosanitarja li tista' taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet u d-data li fiha l-miżura tidħol fis-seħħ, sakemm il-miżura ma tkunx maħsuba biex tindirizza problema urġenti ta' protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti jew sakemm il-miżura ma tkunx ta' natura li tiffaċilita l-kummerċ.

13. Fuq talba ta' Parti, l-Parti l-oħra għandha tipprovdilha informazzjoni dwar il-miżuri sanitarji jew fitosanitarji kollha relatati mal-importazzjoni ta' prodott fit-territorju tagħha.

Artikolu 6.10

Faċilitazzjoni tal-Kummerċ

Il-Proċeduri tal-Approvazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li kull Parti għandha d-dritt li tiżviluppa u tapplika proċeduri ta' approvazzjoni biex tiżgura l-kisba tal-livell xieraq ta' protezzjoni sanitarja u fitosanitarja tal-Parti li timporta, filwaqt li timminimizza l-effetti negattivi fuq il-kummerċ.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri ta' approvazzjoni sanitarji u fitosanitarji kollha li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet:

(a) jitwettqu u jitlestew mingħajr dewmien bla bżonn; u

(b) ma jitwettqux b'mod li jikkostitwixxi diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli kontra l-Parti l-oħra.

3. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-prodotti esportati lejn il-Parti l-oħra jilħqu l-livell xieraq ta' protezzjoni sanitarja jew fitosanitarja tal-Parti li timporta. Għal dak il-għan, il-Parti li tesporta għandha tistabbilixxi u twettaq miżuri ta' kontroll xierqa, inklużi spezzjonijiet fuq il-post ibbażati fuq ir-riskju, fejn xieraq. Il-Parti li timporta tista' tirrikjedi li l-awtorità kompetenti relevanti tal-Parti li tesporta turi oġġettivament, għas-sodisfazzjon tal-Parti li timporta, li r-rekwiżiti tal-importazzjoni tagħha huma ssodisfati.

4. Jekk il-Parti li timporta tirrikjedi li prodott jiġi approvat qabel l-importazzjoni, dik il-Parti għandha, fuq talba tal-Parti li tesporta, tagħmel disponibbli minnufih informazzjoni dwar il-proċeduri sanitarji u fitosanitarji tal-importazzjoni. Il-Parti li timporta għandha, b'mod partikolari, tiżgura li:

(a) il-perjodu standard tal-ipproċessar ta' kull proċedura jiġi ppubblikat jew li l-perjodu antiċipat tal-ipproċessar jiġi kkomunikat, fuq talba, lill-Parti li tesporta;

(b) l-awtorità kompetenti tal-Parti li timporta, meta tirċievi applikazzjoni, teżamina minnufih il-kompletezza tad-dokumentazzjoni u tinforma lill-Parti li tesporta b'mod preċiż u komplut bl-elementi kollha neqsin;

(c) l-awtorità kompetenti tal-Parti li timporta tittrażmetti kemm jista' jkun malajr ir-riżultati tal-proċedura b'mod preċiż u komplut lill-Parti li tesporta sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni korrettiva, jekk tkun meħtieġa;

(d) l-awtorità kompetenti tal-Parti li timporta tipproċedi bil-proċedura, anki jekk l-applikazzjoni jkollha elementi neqsin, sa fejn ikun prattikabbli, jekk il-Parti li tesporta titlob hekk; u

(e) l-awtorità kompetenti tal-Parti li timporta tinforma lill-Parti li tesporta, fuq talba, bl-istadju tal-proċedura, inkluża spjegazzjoni ta' kwalunkwe dewmien.

5. Jekk Parti tirrikjedi valutazzjoni tar-riskju għall-proċess tal-approvazzjoni, dik il-Parti għandha, f'ċirkostanzi normali, minnufih u normalment fi żmien sena wara d-data li fiha tirċievi l-informazzjoni meħtieġa għall-esportazzjoni tal-prodott, tagħmel dik il-valutazzjoni tar-riskju disponibbli.

6. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tapplika skedi ta' żmien raġonevoli għall-passi kollha tal-proċessi tal-approvazzjoni tagħha u għandha tibda minnufih dawk il-proċessi malli tirċievi applikazzjoni mingħand il-Parti l-oħra.

7. Kull Parti għandha tevita d-duplikazzjoni u l-piżijiet amministrattivi bla bżonn fir-rigward ta':

(a) kwalunkwe dokumentazzjoni, informazzjoni jew azzjoni li tirrikjedi mill-applikant bħala parti mill-proċessi ta' approvazzjoni tagħha; u

(b) kwalunkwe informazzjoni li dik il-Parti tevalwa bħala parti mill-proċessi ta' approvazzjoni.

8. Kull Parti għandha tippubblika minnufih kwalunkwe bidla fil-proċessi ta' approvazzjoni meħtieġa tagħha jew fir-rekwiżiti relatati. Ħlief f'ċirkostanzi debitament ġustifikati relatati mal-livell ta' protezzjoni tagħha, kull Parti għandha tipprovdi perjodu ta' tranżizzjoni bejn il-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe bidla fil-proċessi ta' approvazzjoni tagħha jew fir-rekwiżiti relatati u d-dħul fis-seħħ tagħhom sabiex il-Parti l-oħra tkun tista' ssir familjari ma' tali bidliet u tadatta għalihom. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex takkomoda u tevita li testendi l-proċess tal-approvazzjoni għall-applikazzjonijiet sottomessi qabel il-pubblikazzjoni tal-bidliet. Jekk il-bidla fil-proċessi tal-approvazzjoni tnaqqas il-piżijiet, id-dħul fis-seħħ ma għandux jiġi ttardjat bla bżonn.

9. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha, b'mod f'waqtu, tipprovdilha informazzjoni dwar l-istadju tal-proċedura tal-approvazzjoni.

Kundizzjonijiet Speċifiċi Relatati mas-Saħħa tal-Pjanti

10. F'konformità mal-istandards applikabbli miftiehma taħt l-IPPC, kull Parti għandha żżomm informazzjoni adegwata dwar l-istatus tal-pesti tagħha, li tista' tinkludi programmi ta' sorveljanza, eradikazzjoni u trażżin u r-riżultati tagħhom, sabiex tappoġġa l-kategorizzazzjoni tal-pesti u tiġġustifika l-miżuri fitosanitarji tal-importazzjoni.

11. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi u taġġorna lista ta' pesti regolati għal prodotti li għalihom jeżisti tħassib fitosanitarju. Il-lista għandu jkun fiha:

(a) il-pesti ta' kwarantina li ma jkunu preżenti fl-ebda parti tat-territorju tagħha;

(b) il-pesti ta' kwarantina jkunu preżenti, iżda mhux distribwiti b'mod wiesa' u taħt kontroll uffiċjali; u

(c) il-pesti regolati mhux ta' kwarantina.

12. Kull Parti għandha tillimita r-rekwiżiti tal-importazzjoni tagħha għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti li għalihom jeżisti tħassib fitosanitarju għal miżuri li jiżguraw in-nuqqas ta' pesti regolati. Tali rekwiżiti tal-importazzjoni għandhom ikunu applikabbli għat-territorju kollu tal-Parti li tesporta, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet reġjonali.

13. Il-kunsinni ta' prodotti li għalihom jeżistu miżuri fitosanitarji għandhom jiġu aċċettati abbażi ta' garanziji adegwati pprovduti mill-Parti li tesporta mingħajr programmi ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Il-Parti li timporta tista', abbażi ta' approċċ ta' sistema, tagħti l-attivitajiet relatati għall-kummerċ ta' prodotti lill-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta.

14. Il-Partijiet għandhom jadottaw biss miżuri fitosanitarji li huma teknikament ġustifikati, konsistenti mar-riskju ta' pesti involut u jirrappreżentaw l-inqas miżuri restrittivi disponibbli.

15. Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-paragrafi minn 10 sa 14, il-Partijiet għandhom iqisu l-ISPM rilevanti.

Rekwiżiti Sanitarji u Fitosanitarji Speċifiċi tal-Importazzjoni

16. Jekk ikunu disponibbli diversi miżuri sanitarji jew fitosanitarji biex jintlaħaq il-livell xieraq ta' protezzjoni tal-Parti li timporta, il-Partijiet għandhom, fuq talba tal-Parti li tesporta, jistabbilixxu djalogu tekniku bil-ħsieb li jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ u tintgħażel l-aktar soluzzjoni prattikabbli.

Artikolu 6.11

Verifiki

1. Sabiex tiġi ddeterminata l-kapaċità tal-Parti li tesporta li tipprovdi l-assigurazzjonijiet meħtieġa u li tikkonforma mal-miżuri sanitarji u fitosanitarji tal-Parti li timporta, il-Parti li timporta għandu jkollha d-dritt li tivverifika, soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti u s-sistemi ta' spezzjoni assoċjati jew maħtura tal-Parti li tesporta.

2. Il-Parti li timporta tista' tiddetermina li huwa meħtieġ li titwettaq verifika bħala waħda mill-għodod biex jiġu vvalutati s-sistemi uffiċjali ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni tal-Parti li tesporta. Tali verifika għandha ssegwi approċċ ibbażat fuq is-sistemi li jiddependi fuq l-eżami ta' kampjun ta' proċeduri tas-sistema, dokumenti jew rekords u, fejn meħtieġ, spezzjonijiet fuq il-post tal-faċilitajiet fl-ambitu tal-verifika.

3. Il-verifiki għandhom jiffokaw primarjament fuq l-evalwazzjoni tal-effettività tas-sistemi uffiċjali ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni, kif ukoll il-kapaċità tal-Parti li tesporta li tikkonforma mar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji tal-importazzjoni u l-miżuri ta' kontroll relatati, aktar milli fuq l-evalwazzjoni ta' stabbilimenti jew faċilitajiet speċifiċi, sabiex tiġi ddeterminata l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li tesporta li jkollhom u jżommu kontroll u li jagħtu l-assigurazzjonijiet meħtieġa lill-Parti li timporta.

4. Fit-twettiq ta' verifika, il-Parti li timporta għandha tqis il-gwida rilevanti tal-Kumitat SPS tad-WTO u taġixxi f'konformità mal-istandards, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

5. Il-Parti li timporta għandha tiddetermina n-natura u l-frekwenza tal-verifiki, filwaqt li tqis ir-riskji inerenti tal-prodott, ir-rekord tal-kontrolli tal-importazzjoni fil-passat u informazzjoni disponibbli oħra, bħal verifiki u spezzjonijiet imwettqa mill-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta.

6. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tnaqqas il-frekwenza u l-għadd ta' verifiki. Jekk il-Parti li timporta tqis li huwa meħtieġ li twettaq verifika bħala waħda mill-għodod għall-valutazzjoni tas-sistemi uffiċjali ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni tal-Parti li tesporta, minbarra l-kapaċità tal-Parti li tesporta li tikkonforma mar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji tal-importazzjoni u mal-miżuri ta' kontroll relatati, għandu japplika dan li ġej:

(a) għall-ewwel talba għall-esportazzjoni għal prodott speċifiku, il-Parti li timporta għandha twettaq verifika fuq kampjun rappreżentattiv tal-Parti li tesporta; u

(b) għal kwalunkwe talba sussegwenti għall-esportazzjoni għall-istess prodott, bil-għan li jitqassar iż-żmien tal-proċedura tal-approvazzjoni, il-Parti li timporta għandha twettaq tali verifika biss f'ċirkostanzi debitament ġustifikati. Jekk il-Parti li timporta twettaq verifika, hija għandha tipprovdi spjegazzjoni lill-Parti li tesporta.

7. Qabel il-verifika, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li timporta u tal-Parti li tesporta għandhom jiddiskutu u jistabbilixxu fi pjan ta' verifika:

(a) il-motiv għall-verifika u l-objettivi u l-ambitu tagħha;

(b) il-kriterji jew ir-rekwiżiti li abbażi tagħhom se tiġi vverifikata l-Parti li tesporta; u

(c) l-itinerarju u l-proċeduri għat-twettiq tal-verifika.

Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, il-Parti li timporta għandha tipprovdi lill-Parti li tesporta bi pjan ta' verifika mill-inqas 30 jum qabel il-verifika.

8. Il-Parti li timporta għandha tipprovdi informazzjoni dwar ir-riżultati tal-verifika bil-miktub lill-Parti li tesporta permezz ta' rapport tal-verifika li jistabbilixxi s-sejbiet, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

9. Il-Parti li timporta għandha tipprovdi l-abbozz tar-rapport tal-awditu lill-Parti li tesporta, normalment fi żmien 30 jum mill-konklużjoni tal-awditu.

10. Il-Parti li timporta għandha tipprovdi lill-Parti li tesporta l-opportunità li tikkummenta dwar is-sejbiet tal-awditu. Il-Parti li timporta tista' tqis kwalunkwe kumment bħal dan qabel ma tislet konklużjonijiet u tieħu kwalunkwe azzjoni. Il-Parti li timporta għandha tipprovdi rapport finali bil-miktub lill-Parti li tesporta normalment fi żmien xahrejn wara d-data li fiha tirċievi dawk il-kummenti.

11. Il-Parti li tesporta għandha tinforma lill-Parti li timporta bi kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda abbażi tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-Parti li timporta.

12. Kull Parti għandha tiżgura li jkun hemm fis-seħħ proċeduri li jipprevjenu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali miksuba waqt verifika tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li tesporta, inklużi proċeduri biex titneħħa kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali minn rapport ta' verifika finali qabel ma dak ir-rapport isir disponibbli għall-pubbliku.

13. Kwalunkwe miżura meħuda bħala riżultat tal-verifiki għandha tkun proporzjonata għar-riskji identifikati u ma għandhiex tkun aktar restrittiva għall-kummerċ milli meħtieġ biex jintlaħaq il-livell xieraq ta' protezzjoni sanitarja jew fitosanitarja tal-Parti li timporta. Jekk Parti titlob dan, għandhom isiru konsultazzjonijiet rigward is-sitwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 6.19. Il-Partijiet għandhom jikkunsidraw kwalunkwe informazzjoni pprovduta permezz ta' tali konsultazzjonijiet.

14. Kull Parti għandha tħallas il-kostijiet tagħha stess assoċjati mal-verifika.

Artikolu 6.12

Kontrolli tal-Importazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-kontrolli tal-importazzjoni tagħha jkunu bbażati fuq ir-riskju, jitwettqu mingħajr dewmien żejjed u jiġu applikati b'mod proporzjonat u mhux diskriminatorju.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-prodotti esportati lejn il-Parti l-oħra jissodisfaw ir-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji tal-Parti li timporta.

3. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-Parti l-oħra, fuq talba, informazzjoni dwar il-proċeduri tal-importazzjoni tagħha, inkluża l-frekwenza tal-kontrolli tal-importazzjoni rigward il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, u l-fatturi li hija tqis bħala li jiddeterminaw fir-rigward tar-riskji assoċjati mal-importazzjonijiet.

4. Jekk kontroll tal-importazzjoni jiżvela li prodott ma jikkonformax mar-rekwiżiti rilevanti tal-importazzjoni, il-Parti li timporta għandha:

(a) tibbaża l-azzjoni tagħha fuq valutazzjoni tar-riskju involut u tiżgura li l-azzjoni ma tkunx aktar restrittiva għall-kummerċ milli meħtieġ biex jintlaħaq il-livell xieraq ta' protezzjoni sanitarja jew fitosanitarja tagħha;

(b) tinforma lill-importatur jew lir-rappreżentant tiegħu bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, il-bażi legali għall-azzjoni u, kif xieraq, dwar il-post tad-disponiment ta' dik il-kunsinna; u

(c) tipprovdi lill-importatur jew lir-rappreżentant tiegħu l-opportunità li jipprovdi informazzjoni addizzjonali biex jassisti lil dik il-Parti fit-teħid ta' deċiżjoni.

5. Jekk Parti tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-importazzjoni ta' prodott tal-Parti l-oħra abbażi ta' riżultat negattiv ta' kontroll tal-importazzjoni, il-Parti li timporta għandha, f'konformità mal-liġi tagħha, jekk tintalab mill-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta jew mill-operatur responsabbli għall-kunsinna, tipprovdi bil-miktub permezz ta' mezzi normali r-raġuni għall-projbizzjoni jew għar-restrizzjoni, il-bażi legali jew l-awtorizzazzjoni għall-azzjoni u, kif xieraq, informazzjoni dwar il-post tad-disponiment ta' dik il-kunsinna. ([27])

6. Jekk il-kunsinna miċħuda tkun akkumpanjata minn ċertifikat sanitarju jew fitosanitarju, il-Parti li timporta għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta u tipprovdi l-informazzjoni xierqa kollha, inklużi l-bażi legali għall-azzjoni, ir-riżultati u l-metodi dettaljati tal-laboratorju. Il-Parti li timporta għandha żżomm dokumentazzjoni fiżika u elettronika rigward l-identifikazzjoni, il-ġbir, il-kampjunar, it-trasport u l-ħżin tal-kampjun tat-test u l-metodi analitiċi użati fuq il-kampjun tat-test. Il-Parti li timporta għandha tinforma wkoll lill-importatur jew lir-rappreżentant tiegħu dwar id-disponiment ta' dik il-kunsinna. Fil-każ ta' interċettazzjonijiet ta' pesti, in-notifika għandha tindika l-pest fil-livell tal-ispeċi kull meta jkun fattibbli.

7. Jekk il-Parti li timporta tiddetermina li hemm mudell sinifikanti, sostnut jew rikorrenti ta' nuqqas ta' konformità ma' miżura sanitarja jew fitosanitarja, il-Parti li timporta għandha tinnotifika lill-Parti li tesporta bin-nuqqas ta' konformità.

8. Minkejja l-paragrafu 6, il-Parti li timporta għandha tipprovdi lill-Parti li tesporta, fuq talba, l-informazzjoni disponibbli dwar il-prodotti mill-Parti li tesporta li nstabu li ma kinux konformi ma' miżura sanitarja jew fitosanitarja tal-Parti li timporta.

9. Kwalunkwe tariffa imposta fir-rigward ta' kwalunkwe proċedura biex jiġi vverifikat u żgurat l-issodisfar ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji ma għandhiex tkun ogħla mill-kost attwali tas-servizz.

Artikolu 6.13

Ċertifikazzjoni

1. Jekk Parti tkun teħtieġ ċertifikat sanitarju jew fitosanitarju għall-importazzjoni ta' prodott, tali ċertifikat għandu jkun ibbażat fuq l-istandards internazzjonali tal-Codex, tal-IPPC u tal-WOAH.

2. Kull Parti għandha tiżgura li ċ-ċertifikati tagħha, inkluża kwalunkwe attestazzjoni, jitħejjew b'mod li jkun evitat li jiġu imposti piżijiet bla bżonn għall-kummerċ bejn il-Partijiet.

3. Il-Parti li timporta għandha tipprovdi minnufih lill-Parti l-oħra, fuq talba, informazzjoni dwar iċ-ċertifikati meħtieġa għal prodott speċifiku.

4. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fl-iżvilupp ta' ċertifikati mudell bil-ħsieb li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq rispettivi tagħhom.

5. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ċertifikazzjoni elettronika u ta' teknoloġiji oħrajn biex jiffaċilitaw il-kummerċ bejniethom.

6. Kull Parti għandha taċċetta l-iskambju ta' ċertifikati oriġinali permezz ta' sistema bbażata fuq il-karta jew permezz ta' metodu sigur ta' trażmissjoni ta' *data* elettronika li toffri garanzija ta' ċertifikazzjoni ekwivalenti. Il-Parti li tesporta tista' tipprovdi ċertifikazzjoni uffiċjali elettronika jekk il-Parti li timporta tkun iddeterminat li jingħataw garanziji ta' sigurtà ekwivalenti, inklużi l-użu ta' firma diġitali u l-garanzija tal-awtentiċità tad-dokument.

([27]) Għal aktar ċertezza, f'dan l-Artikolu ma hemm xejn li jipprevjeni lil Parti li timporta milli tiddisponi minn kunsinna li tinstab li għandha patoġenu jew pest infettiv li jista', jekk ma titteħidx azzjoni urġenti, jinfirex u jikkawża ħsara lill-ħajja jew lis-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti fit-territorju ta' dik il-Parti.

Artikolu 6.14

Applikazzjoni tal-Miżuri SPS

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.8, kull Parti għandha tapplika l-miżuri sanitarji jew fitosanitarji tagħha għat-territorju tal-Parti l-oħra.

2. Sabiex tiġi evitata diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata, l-istess rekwiżiti tal-importazzjoni għandhom japplikaw għat-territorju tal-Parti li tesporta fejn jeżistu kundizzjonijiet sanitarji jew fitosanitarji identiċi jew simili.

3. Għall-ewwel talba għall-esportazzjoni għal prodott speċifiku, il-Parti li timporta għandha tibda minnufih il-proċedura ta' approvazzjoni għal applikazzjoni tal-Parti l-oħra jew, skont il-każ, ta' Stat Membru wieħed jew ta' grupp ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea. Il-proċedura ta' approvazzjoni għandha ssegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6.10 u, fil-każ ta' applikazzjoni ta' grupp ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fejn jeżistu kundizzjonijiet sanitarji jew fitosanitarji identiċi jew simili, ma għandhiex tieħu aktar żmien minn applikazzjoni ta' Stat Membru wieħed tal-Unjoni Ewropea.

4. Għal talba sussegwenti għall-esportazzjoni relatata mal-istess prodott, il-Parti li timporta għandha tapprova l-applikazzjoni mhux aktar tard minn 6 xhur wara li tirċievi t-talba, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati. It-talbiet għal informazzjoni għandhom ikunu limitati għal dak li huwa meħtieġ u għandhom iqisu l-informazzjoni diġà disponibbli għall-Parti li timporta, bħal informazzjoni dwar il-qafas leġiżlattiv u r-rapporti ta' verifika preċedenti.

Artikolu 6.15

Eliminazzjoni tal-Miżuri ta' Kontroll Żejda

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-Parti li tesporta hija responsabbli biex tiżgura li l-istabbilimenti, il-faċilitajiet u l-prodotti eliġibbli għall-esportazzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti sanitarji applikabbli tal-Parti li timporta.

2. Jekk il-Parti li timporta żżomm lista ta' stabbilimenti jew faċilitajiet approvati għall-importazzjoni ta' prodott speċifiku, hija għandha, fuq talba tal-Parti li tesporta akkumpanjata mill-garanziji xierqa, tapprova stabbiliment jew faċilità li jinsabu fit-territorju tal-Parti li tesporta mingħajr spezzjoni minn qabel tagħhom, soġġett għall-kundizzjonijiet u l-proċeduri li ġejjin:

(a) il-Parti li timporta tkun awtorizzat l-importazzjoni tal-prodott abbażi ta' evalwazzjoni tas-sistema ta' kontroll dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-sikurezza tal-ikel applikati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li tesporta;

(b) l-istabbiliment jew il-faċilità kkonċernati jkunu ġew approvati mill-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta;

(c) l-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta ikollha l-awtorità li tissospendi jew tirtira l-approvazzjoni tal-istabbiliment jew tal-faċilità kkonċernati; u

(d) il-Parti li tesporta tkun ipprovdiet l-informazzjoni rilevanti mitluba mill-Parti li timporta.

3. Il-Parti li timporta għandha tinkludi l-istabbilimenti jew il-faċilitajiet fil-lista ta' stabbilimenti jew faċilitajiet approvati normalment fi żmien 45 jum wara d-data li fiha tirċievi t-talba tal-Parti li tesporta. Il-lista għandha ssir disponibbli għall-pubbliku.

4. Il-Parti li timporta għandu jkollha d-dritt li tivverifika s-sistema ta' kontroll tal-Parti li tesporta wara l-approvazzjoni tal-esportazzjoni. Dawk il-verifiki jistgħu jinkludu spezzjoni fuq il-post ta' għadd rappreżentattiv ta' stabbilimenti jew faċilitajiet inklużi fil-lista ta' stabbilimenti jew faċilitajiet approvati, jew ta' dawk mitluba għall-approvazzjoni mill-Parti li tesporta. Jekk il-Parti li timporta tidentifika, bħala riżultat tal-verifika, każijiet rikorrenti serji ta' nuqqas ta' konformità, il-Parti li timporta tista' tissospendi r-rikonoxximent tas-sistema ta' kontroll tal-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta.

5. F'ċirkostanzi debitament ġustifikati, il-Parti li timporta tista' tirrifjuta l-approvazzjoni ta' stabbilimenti jew faċilitajiet li jitqiesu bħala mhux konformi mar-rekwiżiti tagħha. F'każ bħal dan, il-Parti li timporta għandha tinnotifika lill-Parti li tesporta bir-rifjut li tapprova stabbilimenti jew faċilitajiet u tipprovdi ġustifikazzjoni għal dak ir-rifjut.

6. Il-Parti li timporta tista' twettaq awditi f'konformità mal-Artikolu 6.11 bħala parti mill-proċedura ta' approvazzjoni. Tali awditi għandhom ikunu limitati għall-istruttura, l-organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-approvazzjoni tal-istabbiliment jew tal-faċilità u l-garanziji sanitarji rigward il-konformità mar-rekwiżiti tal-Parti li timporta. Dawk il-verifiki jistgħu jinkludu spezzjoni fuq il-post ta' għadd rappreżentattiv ta' stabbilimenti jew faċilitajiet elenkati bħala stabbilimenti jew faċilitajiet approvati jew li għalihom tkun saret talba għall-approvazzjoni mill-Parti li tesporta.

7. Abbażi tar-riżultati ta' tali verifiki, il-Parti li timporta tista' timmodifika l-lista ta' stabbilimenti jew faċilitajiet.

8. Dan l-Artikolu ma japplikax għal miżuri relatati mal-pjanti u l-prodotti tal-pjanti.

Artikolu 6.16

Miżuri ta' Emerġenza

1. Il-Parti li timporta tista', għal raġunijiet serji, tadotta b'mod provviżorju l-miżuri ta' emerġenza meħtieġa għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti.

2. Parti li tadotta miżura ta' emerġenza għandha tinnotifika minnufih dik il-miżura bil-miktub lill-Parti l-oħra. Il-Parti li tkun adottat miżura ta' emerġenza għandha tqis kwalunkwe informazzjoni pprovduta mill-Parti l-oħra.

3. Wara li tadotta miżura ta' emerġenza, il-Parti għandha tirrieżamina l-motiv tagħha normalment fi żmien 6 xhur, diment li l-informazzjoni rilevanti tkun disponibbli, u tinforma lill-Parti l-oħra bir-riżultati tar-rieżami, fuq talba. Parti ma għandhiex iżżomm il-miżura ta' emerġenza, sakemm ma tippersistix il-problema urġenti jew it-theddida. Jekk il-Parti żżomm il-miżura ta' emerġenza, dik il-miżura għandha tiġi rieżaminata perjodikament.

4. Parti li tadotta miżura ta' emerġenza għandha, sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ, tipprovdi l-aktar soluzzjoni xierqa u proporzjonata għall-kunsinni fit-trasport bejn il-Partijiet, filwaqt li tqis ir-riskju identifikat.

Artikolu 6.17

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jesploraw, f'konformità ma' dan il-Kapitolu, għażliet għal aktar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji ta' interess reċiproku. Dawk l-għażliet jistgħu jinkludu inizjattivi ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u jistgħu jidentifikaw flimkien inizjattivi dwar kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji bil-għan li jeliminaw ostakli bla bżonn għall-kummerċ bejn il-Partijiet.

3. Il-Partijiet jistgħu jippromwovu l-kooperazzjoni fil-fora multilaterali kollha, b'mod partikolari mal-korpi ta' standardizzazzjoni internazzjonali rilevanti.

Artikolu 6.18

Skambju ta' Informazzjoni

Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn ta' dan il-Kapitolu, Parti tista' titlob informazzjoni mill-Parti l-oħra dwar kwistjonijiet li jinħolqu taħt dan il-Kapitolu. Il-Parti rikjesta għandha tagħmel ħilitha biex tipprovdi, f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u privatezza tagħha stess, l-informazzjoni disponibbli lill-Parti rikjedenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli u, jekk possibbli, b'mezzi elettroniċi.

Artikolu 6.19

Konsultazzjonijiet

1. Kull Parti tista' titlob konsultazzjonijiet dwar tħassib kummerċjali speċifiku relatat ma' miżuri sanitarji u fitosanitarji.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu dawk il-konsultazzjonijiet fi żmien 30 jum wara li jirċievu t-talba, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex tinstab soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku li tevita tfixkil bla bżonn fil-kummerċ.

Artikolu 6.20

Punti ta' Kuntatt

1. Kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt, inkluża l-indikazzjoni tal-uffiċjal inkarigat.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin minnufih dwar kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

Artikolu 6.21

Sottokumitat għall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji

1. Is-Sottokumitat għall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji stabbilit skont is-subparagrfu 1(e) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) għandu:

(a) jipprovdi forum biex jittejjeb il-fehim tal-Partijiet dwar kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji li jirrigwardjaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, inklużi l-proċessi regolatorji relatati mal-miżuri SPS;

(b) jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni li tirrigwarda dan il-Kapitolu, inklużi l-kwistjonijiet kollha li jistgħu jinqalgħu b'rabta mal-implimentazzjoni tiegħu;

(c) jipprovdi forum għad-diskussjoni ta' tħassib mill-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji bil-ħsieb li jinstabu soluzzjonijiet aċċettabbli b'mod reċiproku u tiġi indirizzata minnufih kwalunkwe kwistjoni li tista' toħloq ostakli bla bżonn għall-kummerċ bejn il-Partijiet;

(d) jiskambja informazzjoni, għarfien espert u esperjenzi dwar kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji;

2. Is-Sottokumitat għall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji jista':

(a) jidentifika oqsma għall-kooperazzjoni dwar miżuri sanitarji u fitosanitarji, li jistgħu jinkludu assistenza teknika;

(b) jippromwovi l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji li qed jiġu diskussi f'fora multilaterali, inklużi l-Kumitat SPS tad-WTO u korpi ta' standardizzazzjoni internazzjonali; u

(c) jistabbilixxi gruppi ta' ħidma li jikkonsistu minn rappreżentanti fil-livell ta' esperti tal-Partijiet, biex jindirizzaw kwistjonijiet sanitarji jew fitosanitarji speċifiċi, li jistgħu jistiednu, bil-proċeduri li għandhom jiġu deċiżi, esperti oħrajn biex jipparteċipaw, inkluż minn organizzazzjonijiet mhux governattivi.

KAPITOLU 7

KOOPERAZZJONI FUQ IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI U R-REŻISTENZA GĦALL-ANTIMIKROBIĊI

Artikolu 7.1

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma li jipprovdi qafas għal djalogu u kooperazzjoni bil-ħsieb li jittejbu l-protezzjoni u t-trattament xieraq tal-annimali u li jintlaħaq fehim komuni dwar l-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-iżvilupp ta' reżistenza għall-antimikrobiċi.

Artikolu 7.2

Trattament Xieraq tal-Annimali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-annimali huma ħlejqiet senzjenti.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur tal-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH), u għandhom jagħmlu ħilithom biex itejbu l-implimentazzjoni tagħhom, filwaqt li jirrispettaw id-dritt tagħhom li jiddeterminaw il-livell tal-miżuri tagħhom ibbażati fuq ix-xjenza abbażi tal-istandards tal-WOAH dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkooperaw f'fora internazzjonali bil-għan li jippromwovu l-iżvilupp ulterjuri ta' prattiki tajbin dwar it-trattament xieraq tal-annimali u l-implimentazzjoni tagħhom. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur ta' kollaborazzjoni akbar fir-riċerka fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali.

Artikolu 7.3

Reżistenza għall-Antimikrobiċi

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li r-reżistenza għall-antimikrobiċi hija theddida serja għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali. L-użu ħażin tal-antimikrobiċi fil-produzzjoni tal-annimali, inkluż l-użu mhux terapewtiku, jista' jikkontribwixxi għal reżistenza għall-antimikrobiċi li tista' tirrappreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali. Il-Partijiet jirrikonoxxu li n-natura tat-theddida teħtieġ approċċ tranżnazzjonali ta' "Saħħa Waħda" ([28]).

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex inaqqsu l-użu tal-antimikrobiċi fil-produzzjoni tal-annimali u biex jipprojbixxu l-użu tagħhom bħala promoturi tat-tkabbir bil-għan li tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antimikrobiċi f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda".

([28]) Approċċ "Saħħa Waħda" kif definit mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) huwa approċċ li jgħaqqad il-politiki f'diversi setturi biex jinkisbu eżiti aħjar tas-saħħa pubblika.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jsegwu l-linji gwida, l-istandards, ir-rakkomandazzjonijiet u l-azzjonijiet eżistenti u futuri żviluppati f'organizzazzjonijiet internazzjonali, inizjattivi u pjanijiet nazzjonali rilevanti li għandhom l-għan li jippromwovu l-użu prudenti u responsabbli tal-antimikrobiċi fit-trobbija tal-annimali u fil-prattiki veterinarji.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni fil-fora multilaterali kollha, b'mod partikolari fil-korpi internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards.

Artikolu 7.4

Grupp ta' Ħidma dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jiskambjaw informazzjoni, għarfien espert u esperjenzi fl-oqsma tat-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi bil-għan li jimplimentaw l-Artikoli 7.2 u 7.3.

2. Għal dak il-għan, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu grupp ta' ħidma dwar it-trattament xieraq tal-annimali u r-reżistenza għall-antimikrobiċi li għandu jikkondividi l-informazzjoni mas-Sottokumitat għall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, kif xieraq. Ir-rappreżentanti tal-Partijiet f'dak il-grupp ta' ħidma jistgħu jiddeċiedu b'mod konġunt li jistiednu esperti għal attivitajiet speċifiċi.

Artikolu 7.5

Nuqqas ta' Applikazzjoni tas-Soluzzjoni tat-Tilwim

Parti ma għandhiex tirrikorri għal soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 8

RIKONOXXIMENT TAD-DRITT TAL-PARTIJIET LI JIRREGOLAW IS-SETTUR TAL-ENERĠIJA

Artikolu 8.1

Rikonoxximent tad-Dritt tal-Partijiet li Jirregolaw is-Settur tal-Enerġija

1. Il-Partijiet jikkonfermaw ir-rispett sħiħ tagħhom għas-sovranità rispettiva tagħhom, li tinkludi s-sjieda u l-ġestjoni tal-idrokarburi kollha fis-sottoswol tat-territorji rispettivi tagħhom mill-Istat jew mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, u d-dritt sovran rispettiv tagħhom li jirregolaw fir-rigward ta' kwistjonijiet indirizzati f'dan il-Kapitolu f'konformità mal-liġi rispettiva tagħhom, fl-eżerċizzju sħiħ tal-proċessi demokratiċi tagħhom.

2. Fil-każ tal-Messiku, l-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u r-rimedji tagħha disponibbli skont dan il-Ftehim, ([29]) tirrikonoxxi li:

(a) Il-Messiku jirriżerva d-dritt sovran tiegħu li jirriforma l-Kostituzzjoni tiegħu (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos) u l-leġiżlazzjoni domestika tiegħu dwar is-settur tal-enerġija, inklużi l-idrokarburi u l-elettriku;

(b) Il-Messiku għandu s-sjieda diretta, inaljenabbli u impreskrivibbli fuq l-idrokarburi kollha fis-sottoswol tat-territorju nazzjonali, inkluża l-blata kontinentali u ż-żona ekonomika esklużiva li tinsab barra mill-baħar territorjali u biswitu, fi strati jew f'depożiti, irrispettivament mill-kundizzjonijiet fiżiċi tagħhom skont il-Kostituzzjoni tal-Messiku; u

(c) Il-Messiku jirriżerva d-dritt sovran tiegħu li jadotta jew iżomm miżuri dwar is-settur tal-enerġija, inklużi l-idrokarburi u l-elettriku.

([29]) Għal ċertezza akbar, dawk id-drittijiet u r-rimedji jinkludu dawk li jirriżultaw mill-obbligi tal-Messiku skont id-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu 10 (Investiment) u l-Annessi 10-A sa 10-E.

KAPITOLU 9

OSTAKLI TEKNIĊI GĦALL-KUMMERĊ

Artikolu 9.1

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jiffaċilita l-kummerċ fil-merkanzija bejn il-Partijiet billi jipprevjeni, jidentifika u jelimina l-ostakli tekniċi mhux meħtieġa għall-kummerċ, isaħħaħ it-trasparenza u jippromwovi kooperazzjoni regolatorja akbar.

Artikolu 9.2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għat-tħejjija, l-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' standards, regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, kif definiti fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-OTK, li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ fil-merkanzija bejn il-Partijiet.

2. Minkejja l-paragrafu 1, dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mħejjija mill-entitajiet tal-akkwist għar-rekwiżiti tal-produzzjoni jew tal-konsum tagħhom stess; jew

(b) il-miżuri sanitarji u fitosanitarji koperti mill-Kapitolu 6 (Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji).

3. Ir-referenzi kollha f'dan il-Kapitolu għal standards, regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jinkludu emendi għalihom u żidiet mar-regoli jew il-kopertura tal-prodott tagħhom, ħlief emendi u żidiet ta' natura insinifikanti.

Artikolu 9.3

Relazzjoni mal-Ftehim dwar l-OTK

L-Artikoli minn 2 sa 9 u l-Annessi 1 u 3 tal-Ftehim dwar l-OTK huma b'dan inkorporati f'dan il-Ftehim u magħmula parti minnu, *mutatis mutandis*.

Artikolu 9.4

Standards Internazzjonali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol importanti li jista' jkollhom l-istandards, il-gwidi u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali fl-appoġġ għal allinjament regolatorju akbar, prattika regolatorja tajba u t-tnaqqis ta' ostakli tekniċi mhux meħtieġa għall-kummerċ. Għal dak il-għan, il-Partijiet għandhom jużaw l-istandards internazzjonali rilevanti bħala bażi għar-regolamenti tekniċi tagħhom, ħlief meta l-Parti li tkun qed tiżviluppa r-regolament tekniku tkun tista' turi li tali standards internazzjonali jkunu ineffettivi jew mhux xierqa għall-ilħuq tal-objettivi leġittimi segwiti.

2. Minbarra l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 5 u fl-Anness 3 tal-Ftehim dwar l-OTK, kull Parti għandha tikkunsidra, fost l-oħrajn, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ mill-1 ta' Jannar 1995. ([30])

([30]) Id-Dokument tad-WTO G/TBT/1/Rev. 13, datat it-8 ta' Marzu 2017, inkluża kwalunkwe emenda sussegwenti għalih.

3. L-istandards żviluppati minn organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi dawk elenkati fl-Anness 9-A, għandhom jitqiesu bħala standards internazzjonali rilevanti, sakemm fl-iżvilupp tagħhom dawk l-organizzazzjonijiet ikunu ssodisfaw il-prinċipji u l-proċeduri stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kumitat tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ dwar il-Prinċipji għall-Iżvilupp ta' Standards, Gwidi u Rakkomandazzjonijiet Internazzjonali. ([31])

4. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-Kumitat Konġunt jista', permezz ta' deċiżjoni, jaġġorna l-lista fl-Anness 9-A.

5. Bil-ħsieb li l-istandards jiġu armonizzati fuq bażi wiesgħa kemm jista' jkun, kull Parti għandha tħeġġeġ lill-korpi ta' standardizzazzjoni fit-territorju tagħha, kif ukoll lill-korpi ta' standardizzazzjoni reġjonali, li tagħhom huma membri l-Parti jew il-korpi ta' standardizzazzjoni fit-territorju tagħha:

(a) jipparteċipaw, fil-limiti tar-riżorsi tagħhom, fit-tħejjija ta' standards internazzjonali minn korpi ta' standardizzazzjoni internazzjonali rilevanti;

(b) jużaw l-istandards internazzjonali rilevanti bħala bażi għall-istandards li jiżviluppaw, ħlief meta tali standards internazzjonali jkunu ineffettivi jew mhux xierqa, pereżempju minħabba livell insuffiċjenti ta' protezzjoni jew fatturi klimatiċi jew ġeografiċi fundamentali jew problemi teknoloġiċi fundamentali;

(c) jevitaw id-duplikazzjoni tax-xogħol ta' korpi ta' standardizzazzjoni internazzjonali jew il-koinċidenza miegħu;

(d) jirrieżaminaw l-istandards reġjonali u nazzjonali mhux ibbażati fuq l-istandards internazzjonali rilevanti f'intervalli regolari, bil-ħsieb li tiżdied il-konverġenza tagħhom mal-istandards internazzjonali rilevanti;

(e) jikkooperaw mal-korpi ta' standardizzazzjoni rilevanti tal-Parti l-oħra fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni internazzjonali biex jiġi żgurat li l-istandards, il-gwidi u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali li x'aktarx isiru bażi għar-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ma joħolqux ostakli bla bżonn għall-kummerċ internazzjonali; dik il-kooperazzjoni tista' ssir fil-korpi ta' standardizzazzjoni internazzjonali jew fil-livell reġjonali;

(f) irawmu kooperazzjoni bilaterali mal-korpi ta' standardizzazzjoni fit-territorju tal-Parti l-oħra, kif ukoll mal-korpi ta' standardizzazzjoni reġjonali li tagħhom huma membri l-Parti l-oħra jew il-korpi ta' standardizzazzjoni fit-territorju tagħha;

(g) jagħmlu disponibbli għall-pubbliku permezz ta' sit web il-programmi ta' ħidma tagħhom li jkun fihom lista tal-istandards li jkunu qed iħejju f'dak il-mument u tal-istandards li jkunu adottaw.

6. L-Artikolu 9.6 ta' dan il-Kapitolu u l-Artikolu 2 jew 5 tal-Ftehim dwar l-OTK japplikaw għal abbozz ta' regolament tekniku jew abbozz ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, li jagħmel standard obbligatorju permezz ta' inkorporazzjoni jew referenzjar.

Artikolu 9.5

Proċeduri ta' Valutazzjoni tal-Konformità

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li jeżistu mekkaniżmi differenti biex jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità, inklużi:

(a) ftehimiet volontarji bejn il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fit-territorji tal-Partijiet;

(b) ftehimiet dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' regolamenti tekniċi speċifiċi, imwettqa minn korpi li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

([31]) Li tinsab fid-Dokument tad-WTO G/TBT/1/Rev. 13, datat it-8 ta' Marzu 2017, inkluża kwalunkwe emenda sussegwenti għalihom .

(c) l-użu ta' proċeduri ta' akkreditazzjoni biex jiġu kkwalifikati l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità;

(d) in-nomina tal-gvern jew, jekk applikabbli, l-approvazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità;

(e) ir-rikonoxximent minn Parti tar-riżultati tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fit-territorju tal-Parti l-oħra; u

(f) l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-fornitur mill-Parti li timporta.

2. Filwaqt li jirrikonoxxu d-differenzi fil-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità fit-territorji rispettivi tagħhom:

(a) l-Unjoni Ewropea għandha, kif previst fil-liġijiet u r-regolamenti tagħha, tapplika r-reġim tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-fornitur; u

(b) il-Messiku għandu, kif previst fil-liġijiet u r-regolamenti tiegħu, jaċċetta bħala assigurazzjoni li prodott jikkonforma mar-rekwiżiti tar-regolamenti tekniċi tal-Messiku, inklużi r-regolamenti tekniċi ppromulgati wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u mingħajr rekwiżiti addizzjonali, iċ-ċertifikati maħruġa mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fit-territorju tal-Unjoni Ewropea li jkunu ġew akkreditati minn entità ta' akkreditazzjoni Messikana u approvati mill-awtorità kompetenti; f'dan ir-rigward, il-Messiku għandu jagħti lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fit-territorju tal-Unjoni Ewropea trattament mhux inqas favorevoli minn dak li jagħti lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fit-territorju tiegħu stess.

F'dan il-paragrafu ma hemm xejn li għandu jipprekludi lill-Messiku milli jivverifika r-riżultati tal-proċeduri individwali ta' valutazzjoni tal-konformità, sakemm ma jkunx meħtieġ li prodott ikun soġġett għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità fit-territorju tal-Messiku li jidduplikaw il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu diġà saru fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, ħlief fuq bażi aleatorja jew mhux frekwenti għall-fini ta' sorveljanza, verifika jew b'rispons għal informazzjoni li tindika nuqqas ta' konformità.

3. Minkejja l-paragrafu 2, Parti tista' tintroduċi rekwiżiti għal ittestjar jew ċertifikazzjoni obbligatorji ta' partijiet terzi għall-prodotti jekk ikun hemm raġunijiet konvinċenti relatati mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem li jiġġustifikaw l-introduzzjoni ta' tali rekwiżiti jew ċertifikazzjoni.

4. F'dan l-Artikolu ma hemm xejn li għandu jipprekludi lil Parti milli titlob li ssir valutazzjoni tal-konformità b'rabta ma' prodotti speċifiċi minn korpi governattivi speċifikati ta' dik il-Parti. F'każijiet bħal dawn, il-Parti għandha:

(a) tillimita t-tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità għall-kost approssimattiv tas-servizzi mogħtija u, fuq it-talba ta' applikant għal valutazzjoni tal-konformità, tispjega kif l-ammont tat-tariffi imposti huwa limitat għall-kost approssimattiv tas-servizzi mogħtija;

(b) tagħmel it-tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità disponibbli għall-pubbliku; u

(c) fuq talba tal-Parti l-oħra, u minbarra l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5.2.3, 5.2.4 u 5.2.8 tal-Ftehim dwar l-OTK, tispjega:

(i) kif l-informazzjoni meħtieġa skont il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità hija neċessarja sabiex tiġi vvalutata l-konformità u jiġu ddeterminati t-tariffi;

(ii) kif il-Parti tiżgura li l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni meħtieġa tiġi rrispettata b'mod li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi kummerċjali leġittimi; u

(iii) il-proċedura għar-rieżami tal-ilmenti li jikkonċernaw it-ħaddim tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità.

5. Kull Parti għandha tippubblika online, preferibbilment fuq sit web uniku:

(a) kwalunkwe proċedura, kriterju u kundizzjoni oħra li hija tista' tuża bħala bażi biex tiddetermina jekk il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità humiex kompetenti biex jirċievu akkreditazzjoni, approvazzjoni, nomina jew rikonoxximent ieħor, jekk applikabbli, inkluż rikonoxximent mogħti skont ftehim ta' rikonoxximent reċiproku; u

(b) lista tal-korpi li hija tkun approvat, innominat jew irrikonoxxiet b'xi mod ieħor biex iwettqu tali valutazzjoni tal-konformità u informazzjoni rilevanti dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-approvazzjoni, tan-nomina jew ta' rikonoxximent ieħor ta' kull korp.

6. Parti tista' tissottometti talba sostanzjata lill-Parti l-oħra biex tidħol f'negozjati biex tikkonkludi ftehim ta' rikonoxximent reċiproku dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għal settur partikolari. Jekk il-Parti l-oħra tirrifjuta li tidħol f'tali negozjati, hija għandha tispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

7. L-Artikolu 9.7 japplika, *mutatis mutandis*, għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

8. Jekk Parti tkun teħtieġ proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, hija għandha:

(a) tagħżel proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu proporzjonati għar-riskji involuti kif iddeterminati abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju; u

(b) fuq talba tal-Parti l-oħra, tipprovdi informazzjoni lil dik il-Parti l-oħra dwar il-kriterji użati għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għal prodotti speċifiċi.

9. Jekk Parti tkun teħtieġ proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza u ma tkunx irriżervat dak il-kompitu lil korp governattiv speċifikat kif imsemmi fil-paragrafu 4, hija għandha:

(a) preferibbilment tuża akkreditazzjoni biex tikkwalifika l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità;

(b) tagħmel l-aħjar użu mill-istandards internazzjonali għall-akkreditazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità, kif ukoll mill-ftehimiet internazzjonali li jinvolvu l-korpi ta' akkreditazzjoni tal-Partijiet, pereżempju, permezz tal-mekkaniżmi tal-Kooperazzjoni Internazzjonali ta' Akkreditazzjoni tal-Laboratorji (ILAC) u tal-Forum Internazzjonali ta' Akkreditazzjoni (IAF);

(c) tissieħeb jew, kif applikabbli, tħeġġeġ lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità tagħha biex jissieħbu fi kwalunkwe ftehim jew arranġament internazzjonali li jiffunzjona għall-armonizzazzjoni jew għall-faċilitazzjoni tal-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità;

(d) tiżgura li, jekk ikun inħatar aktar minn korp wieħed ta' valutazzjoni tal-konformità għal prodott partikolari jew għal sett ta' prodotti partikolari, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jagħżlu liema minn dawk il-korpi se jwettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità;

(e) tiżgura li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess bejn il-korpi ta' akkreditazzjoni u l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità; u

(f) tippermetti lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità tagħha jiddependu fuq l-ittestjar jew l-ispezzjonijiet fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità li jkunu twettqu minn korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra; xejn f'dan is-subparagrafu ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi lil Parti milli titlob li l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra jissodisfaw l-istess rekwiżiti li l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità tagħha stess ikunu meħtieġa jissodisfaw.

Artikolu 9.6

Trasparenza

1. F'konformità mar-regoli u l-proċeduri rispettivi tagħha u mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 28 (Prattiki Regolatorji Tajbin), meta jiġu żviluppati regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-kummerċ, kull Parti għandha, ħlief fejn jinqalgħu jew ikun hemm theddida li jinqalgħu problemi urġenti ta' sikurezza, saħħa, ħarsien tal-ambjent jew sigurtà nazzjonali:

(a) tippermetti lill-persuni tal-Parti l-oħra jipparteċipaw fil-proċess ta' konsultazzjoni pubblika tagħha b'termini mhux inqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-persuni tagħha stess; u

(b) tagħmel ir-riżultati tal-proċess ta' konsultazzjoni pubbliċi fuq sit web uffiċjali.

2. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tikkunsidra metodi biex tipprovdi trasparenza addizzjonali fl-iżvilupp ta' regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, inkluż l-użu ta' għodod elettroniċi u sensibilizzazzjoni pubblika jew konsultazzjonijiet pubbliċi.

3. Jekk ikun xieraq, kull Parti għandha tħeġġeġ lill-korpi mhux governattivi, inklużi l-korpi ta' standardizzazzjoni fit-territorju tagħha, jikkonformaw mal-paragrafi 1 u 2.

4. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe dokument li jistabbilixxi regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità jkun fih biżżejjed dettall biex il-persuni interessati u l-Parti l-oħra jiġu informati b'mod adegwat dwar jekk l-interessi kummerċjali tagħhom jistgħux jiġu affettwati u, jekk iva, kif.

5. Kull Parti għandha tippubblika online, preferibbilment fuq sit web wieħed jew fuq ġurnal uffiċjali wieħed, il-proposti kollha għal regolamenti tekniċi ġodda jew emendati u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità tal-livelli ċentrali u subċentrali tal-gvern, u l-verżjonijiet finali tagħhom, li Parti hija meħtieġa tinnotifika jew tippubblika f'konformità mal-Ftehim dwar l-OTK. ([32])

6. Kull Parti għandha tiżgura li r-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità adottati tagħha jiġu ppubblikati fuq sit web mingħajr ħlas.

7. Kull Parti għandha tippubblika proposti għal regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ġodda li jkunu konformi mal-kontenut tekniku tal-istandards, il-gwidi jew ir-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti, jekk ikun hemm, u li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-kummerċ, ħlief fil-każijiet previsti fl-Artikoli 2.10 u 5.7 tal-Ftehim dwar l-OTK.

8. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tippubblika proposti għal regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ġodda ta' gvernijiet subċentrali jew lokali, skont il-każ, li jkunu konformi mal-kontenut tekniku tal-istandards, il-gwidi u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti, jekk ikun hemm, u li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-kummerċ, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 2.9 jew 5.6 tal-Ftehim dwar l-OTK.

9. Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk regolament tekniku propost jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità jistax ikollhom effett sinifikanti fuq il-kummerċ u għalhekk għandu jiġu nnotifikati f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim dwar l-OTK li huma inkorporati f'dan il-Ftehim skont l-Artikolu 9.3 ta' dan il-Ftehim, Parti għandha tikkunsidra, fost l-oħrajn, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti adottati mill-Kumitat tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ mill-1 ta' Jannar 1995, kif imsemmi fl-Artikolu 9.4.2 ta' dan il-Ftehim.

([32]) Għal aktar ċertezza, Parti tista' tikkonforma ma' dan l-obbligu billi tiżgura li l-proposti għal tali regolamenti u proċeduri u l-verżjonijiet finali tagħhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web uffiċjali tad-WTO, jew inkella jkunu aċċessibbli permezz tiegħu.

10. Kull Parti għandha, fuq talba tal-Parti l-oħra, tipprovdi informazzjoni rigward l-objettivi ta', il-bażi legali u l-motiv għal, regolament tekniku jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li l-Parti tkun adottat jew qed tipproponi li tadotta.

11. Kull Parti għandha tippermetti perjodu ta' mill-inqas 60 jum wara t-trażmissjoni tagħha lir-Reġistru Ċentrali tan-Notifiki tad-WTO ta' regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità proposti sabiex il-Parti l-oħra tipprovdi kummenti bil-miktub, ħlief meta jinqalgħu jew ikun hemm theddida li jinqalgħu problemi urġenti ta' sikurezza, saħħa, ħarsien tal-ambjent jew sigurtà nazzjonali. Parti għandha tikkunsidra kwalunkwe talba raġonevoli mill-Parti l-oħra biex testendi l-perjodu ddedikat għall-kummenti. Parti li tista' testendi l-perjodu ddedikat għall-kummenti wara 60 jum, pereżempju għal 90 jum, hija mħeġġa tagħmel dan.

12. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tipprovdi biżżejjed żmien bejn it-tmiem tal-perjodu ddedikat għall-kummenti u l-adozzjoni tar-regolament tekniku jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità nnotifikati, għall-kunsiderazzjoni tagħha tal-kummenti riċevuti u t-tħejjija ta' tweġibiet għalihom.

13. Jekk Parti tirċievi kummenti bil-miktub dwar ir-regolament tekniku jew il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità proposti tagħha mingħand il-Parti l-oħra, hija għandha:

(a) fuq talba tal-Parti l-oħra, tiddiskuti l-kummenti bil-miktub bil-parteċipazzjoni tal-awtorità regolatorja kompetenti tagħha fi żmien meta jkunu jistgħu jitqiesu dawk il-kummenti; u

(b) twieġeb bil-miktub għall-kummenti mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni tar-regolament tekniku adottat jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità.

14. Kull Parti għandha tippubblika fuq sit web it-tweġibiet tagħha għall-kummenti li tirċievi, jekk possibbli mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni tar-regolament tekniku jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità adottati.

15. Kull Parti għandha tinnotifika t-test finali ta' regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità meta t-test jiġi adottat jew ippubblikat, bħala addendum għan-notifika oriġinali tal-miżura proposta nnotifikata skont l-Artikolu 2.9, 3.2, 5.6 jew 7.2 tal-Ftehim dwar l-OTK.

16. Mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni ta' regolament tekniku finali jew ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-kummerċ, kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku online:

(a) spjegazzjoni tal-objettivi u ta' kif ir-regolament tekniku finali jew il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità jilħquhom; u

(b) ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt prevista fl-Artikolu 9.7, jekk imwettqa.

17. Għall-finijiet tal-Artikoli 2.12 u 5.9 tal-Ftehim dwar l-OTK, "intervall raġonevoli" normalment ifisser perjodu ta' mhux inqas minn 6 xhur, ħlief meta dan ma jkunx effettiv biex jintlaħqu l-objettivi leġittimi segwiti.

18. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tipprovdi intervall ta' aktar minn 6 xhur bejn il-pubblikazzjoni tar-regolamenti tekniċi finali u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u d-dħul fis-seħħ tagħhom, ħlief meta dan ma jkunx effettiv biex jintlaħqu l-objettivi leġittimi segwiti.

Artikolu 9.7

Regolamenti Tekniċi

1. Kull Parti għandha twettaq, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri rispettivi tagħha, valutazzjoni tal-impatt regolatorju tar-regolamenti tekniċi ppjanati.

2. Kull Parti għandha tivvaluta l-alternattivi regolatorji u mhux regolatorji disponibbli għal regolament tekniku propost li jistgħu jilħqu l-objettivi leġittimi tal-Parti, f'konformità mal-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK.

3. Jekk Parti ma tkunx użat l-istandards internazzjonali bħala bażi għar-regolamenti tekniċi tagħha, dik il-Parti għandha, fuq talba tal-Parti l-oħra, tidentifika kwalunkwe devjazzjoni sostanzjali mill-istandards internazzjonali rilevanti u tispjega r-raġunijiet għaliex dawk l-istandards ġew iġġudikati bħala mhux xierqa jew mhux effettivi għall-objettiv segwit, u tipprovdi l-evidenza teknika jew xjentifika li fuqha hija bbażata dik il-valutazzjoni.

4. Minbarra l-Artikolu 2.3 tal-Ftehim dwar l-OTK, kull Parti għandha tirrieżamina r-regolamenti tekniċi tagħha bil-ħsieb li tiżdied il-konverġenza tagħhom mal-istandards internazzjonali rilevanti. Kull Parti għandha tqis, fost affarijiet oħrajn, kwalunkwe żvilupp ġdid fl-istandards internazzjonali rilevanti u jekk iċ-ċirkostanzi li wasslu għal diverġenzi minn kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti għadhomx jeżistu.

Artikolu 9.8

Kooperazzjoni Regolatorja

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li jeżistu firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni regolatorja li jistgħu jgħinu biex jiġi eliminat jew evitat il-ħolqien ta' ostakli tekniċi għall-kummerċ.

2. Parti tista' tipproponi lill-Parti l-oħra attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja speċifiċi għas-settur f'oqsma koperti minn dan il-Kapitolu. Dawk il-proposti għandhom jiġu trażmessi lill-punt ta' kuntatt maħtur skont l-Artikolu 9.11 u għandhom jikkonsistu fi:

(a) skambji ta' informazzjoni dwar approċċi u prattiki regolatorji;

(b) inizjattivi sabiex ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jiġu allinjati aktar mal-istandards internazzjonali rilevanti; jew

(c) pariri tekniċi u assistenza dwar termini u kundizzjonijiet miftiehma b'mod reċiproku biex jittejbu l-prattiki relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-rieżami tar-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u l-metroloġija.

Il-Parti l-oħra għandha tqis kif xieraq il-proposta u għandha twieġeb f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

3. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom responsabbli għall-istandardizzazzjoni, il-valutazzjoni tal-konformità, l-akkreditazzjoni u l-metroloġija, kemm jekk ikunu pubbliċi kif ukoll jekk privati, dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu.

4. F'dan l-Artikolu ma hemm xejn li għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li Parti:

(a) tiddevja mill-proċeduri domestiċi għat-tħejjija u l-adozzjoni ta' miżuri regolatorji;

(b) tieħu azzjonijiet li jdgħajfu jew jimpedixxu l-adozzjoni f'waqtha ta' miżuri regolatorji biex tilħaq l-objettivi tal-ordni pubbliku tagħha; jew

(c) tikseb kwalunkwe eżitu regolatorju partikolari.

Artikolu 9.9

Immarkar u Tikkettar

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-OTK, regolament tekniku jista' jinkludi jew jittratta esklussivament ir-rekwiżiti tal-immarkar u tat-tikkettar applikati għal prodott, proċess jew metodu ta' produzzjoni.

2. Il-Partijiet jaffermaw li r-regolamenti tekniċi tagħhom li jinkludu jew jittrattaw esklussivament l-immarkar jew it-tikkettar jikkonformaw mal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-OTK.

3. Jekk Parti tirrikjedi l-immarkar jew it-tikkettar obbligatorju tal-prodotti, dik il-Parti għandha:

(a) tagħmel ħilitha biex titlob biss informazzjoni li tkun rilevanti għall-konsumaturi jew għall-utenti tal-prodott jew biex tindika l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti tekniċi obbligatorji;

(b) ma titlob l-ebda approvazzjoni minn qabel, reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni tat-tikketti jew tal-marki tal-prodotti, jew il-ħlas ta' xi tariffa, bħala prekundizzjoni għat-tqegħid fis-suq tagħha ta' prodotti li jikkonformaw b'mod ieħor mar-rekwiżiti tekniċi obbligatorji tagħha, sakemm dan ma jkunx meħtieġ minħabba r-riskju tal-prodotti għall-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għall-ambjent jew għas-sigurtà nazzjonali;

(c) jekk il-Parti titlob l-użu ta' numru ta' identifikazzjoni uniku mill-operaturi ekonomiċi, toħroġ dak in-numru lill-operaturi ekonomiċi tal-Parti l-oħra mingħajr dewmien bla bżonn u fuq bażi mhux diskriminatorja;

(d) diment li ma jkunux qarrieqa, kontradittorji jew li joħolqu konfużjoni b'rabta mal-informazzjoni meħtieġa fil-Parti li timporta l-merkanzija, tippermetti dawn li ġejjin:

(i) informazzjoni b'lingwi oħrajn minbarra l-lingwa meħtieġa fil-Parti li timporta;

(ii) nomenklaturi, pittogrammi, simboli jew grafika aċċettati fuq livell internazzjonali; u

(iii) informazzjoni addizzjonali għal dik meħtieġa fil-Parti li timporta;

(e) taċċetta li t-tikkettar, inklużi t-tikkettar supplimentari u l-korrezzjonijiet għat-tikkettar, iseħħ wara l-importazzjoni iżda qabel ma jiġi offrut il-prodott għall-bejgħ, bħala alternattiva għat-tikkettar fil-post tal-oriġini, sakemm tali tikkettar ma jridx jitwettaq fil-post tal-oriġini għal raġunijiet ta' saħħa jew sikurezza pubblika jew minħabba rekwiżit relatat ma' indikazzjoni ġeografika tal-Parti li tesporta; u

(f) tagħmel ħilitha biex taċċetta tikketti mhux permanenti jew li jistgħu jinqalgħu, jew l-inklużjoni ta' informazzjoni rilevanti għall-immarkar jew għat-tikkettar fid-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament, aktar milli f'tikketti mwaħħla fiżikament mal-prodott, sakemm tali tikkettar ma jkunx meħtieġ għal raġunijiet ta' saħħa jew sikurezza pubblika.

Artikolu 9.10

Skambju ta' Informazzjoni u Diskussjonijiet

1. Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra tipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Kapitolu. Il-Parti l-oħra għandha tipprovdi dik l-informazzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

2. Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra tiddiskuti kwalunkwe tħassib li jinqala' taħt dan il-Kapitolu, inkluż kwalunkwe abbozz jew proposta ta' regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità tal-Parti l-oħra, jekk hija tqis li r-regolament tekniku jew il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità jista' jkollhom effett negattiv sinifikanti fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet. It-talba għandha tkun bil-miktub u tidentifika:

(a) it-tħassib;

(b) id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu li magħhom huwa relatat it-tħassib; u

(c) ir-raġunijiet għat-talba, inkluża deskrizzjoni tat-tħassib tal-Parti rikjedenti.

3. Għal aktar ċertezza, Parti tista' titlob ukoll lill-Parti l-oħra tiddiskuti kwalunkwe tħassib li jinħoloq taħt dan il-Kapitolu fir-rigward ta' regolamenti tekniċi jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ta' gvernijiet lokali jew reġjonali, skont il-każ, fil-livell direttament taħt dak tal-gvern ċentrali, u li jista' jkollu effett sinifikanti fuq il-kummerċ.

4. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu t-tħassib imqajjem fi żmien 60 jum wara d-data tat-talba personalment jew permezz ta' vidjo jew telekonferenza u għandhom jagħmlu ħilithom biex isolvu t-tħassib malajr kemm jista' jkun. Jekk il-Parti rikjedenti tqis li t-tħassib huwa urġenti, hija tista' titlob li kwalunkwe diskussjoni ssir fi perjodu ta' żmien iqsar. Il-Parti li twieġeb għandha tagħti kunsiderazzjoni pożittiva lil dik it-talba. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull tentattiv biex jaslu għal riżoluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti tal-kwistjoni.

5. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, id-diskussjonijiet u kwalunkwe informazzjoni skambjata matul id-diskussjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont dan il-Ftehim, il-Ftehim tad-WTO jew kwalunkwe ftehim ieħor li ż-żewġ Partijiet huma parti minnu.

6. It-talbiet għal informazzjoni jew diskussjonijiet għandhom jiġu sottomessi permezz tal-punt ta' kuntatt rispettiv maħtur skont l-Artikolu 9.11.

Artikolu 9.11

Punti ta' Kuntatt

1. Kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt biex jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni skont dan il-Kapitolu, u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tagħha. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw minnufih lil xulxin dwar kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

2. Il-punti ta' kuntatt għandhom jaħdmu b'mod konġunt biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fuq il-kwistjonijiet kollha tal-OTK. Il-punti ta' kuntatt għandhom b'mod partikolari jkunu responsabbli għal:

(a) l-organizzazzjoni ta' skambju ta' informazzjoni u diskussjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9.10.6;

(b) l-indirizzar minnufih ta' kwalunkwe kwistjoni li tqajjem il-Parti l-oħra b'rabta mal-iżvilupp, l-adozzjoni, l-applikazzjoni jew l-infurzar ta' standards, regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(c) fuq talba ta' Parti, l-organizzazzjoni ta' diskussjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni li tinħoloq taħt dan il-Kapitolu;

(d) l-iskambju ta' informazzjoni dwar żviluppi f'fora mhux governattivi, reġjonali u multilaterali relatati mal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità; u

(e) l-iffaċilitar tal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet possibbli għall-assistenza teknika.

Artikolu 9.12

Sottokumitat għall-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ

Il-Kumitat għall-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ stabbilit skont is-subparagrafu 1(g) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) għandu:

(a) jimmonitorja l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(b) isaħħaħ il-kooperazzjoni fl-iżvilupp u t-titjib ta' standards, regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(c) jistabbilixxi oqsma prijoritarji ta' interess reċiproku għal ħidma futura taħt dan il-Kapitolu u jikkunsidra l-proposti għal inizjattivi ġodda;

(d) jimmonitorja u jiddiskuti l-iżviluppi skont il-Ftehim dwar l-OTK; u

(e) jieħu kwalunkwe pass ieħor li l-Partijiet iqisu li se jgħinhom fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u tal-Ftehim dwar l-OTK.

KAPITOLU 10

INVESTIMENT

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 10.1

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "investiment kopert" tfisser investiment li huwa proprjetà ta', jew ikkontrollat, direttament jew indirettament, minn investitur ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra, magħmul f'konformità mal-liġi applikabbli, u li jkun jeżisti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew li jkun stabbilit wara;

(b) "attività ekonomika" tfisser attività ta' karattru industrijali, kummerċjali jew professjonali, u attività ta' nies tas-sengħa, inkluża l-provvista ta' servizzi, ħlief attività mwettqa fl-eżerċitar ta' awtorità governattiva;

(c) "intrapriża" tfisser intrapriża kif definita fl-Artikolu 1.3 (Definizzjonijiet ta' Applikazzjoni Ġenerali), jew fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv tagħha ([33]);

(d) "intrapriża tal-Unjoni Ewropea" jew "intrapriża tal-Messiku" tfisser intrapriża stabbilita f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istati Membri tagħha, jew tal-Messiku u involuta f'operazzjonijiet kummerċjali sostantivi ([34]) fit-territorju tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku, rispettivament; ([35])

il-kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra mill-Unjoni Ewropea jew mill-Messiku u kkontrollati minn ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku, rispettivament, għandhom ikunu wkoll benefiċjarji tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, bl-eċċezzjoni tat-Taqsimiet C (Protezzjoni tal-Investiment) u D (Soluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment), jekk il-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku, kif xieraq, u jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku;

(e) "stabbiliment" tfisser l-istabbiliment, inkluża l-akkwiżizzjoni ([36]), ta' intrapriża fl-Unjoni Ewropea jew fil-Messiku;

([33]) Għall-Messiku, uffiċċju rappreżentattiv ma għandux jitqies bħala intrapriża, sakemm ma jkunx stabbilit bħala fergħa.

([34]) F'konformità man-notifika tagħha tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea lid-WTO (WT/REG39/1), l-Unjoni Ewropea tifhem li l-kunċett ta' "rabta effettiva u kontinwa" mal-ekonomija ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea minqux fl-Artikolu 54 tat-TFUE huwa ekwivalenti għall-kunċett ta' "operazzjonijiet kummerċjali sostantivi".

([35]) Għal aktar ċertezza, fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv ta' intrapriża ta' pajjiż terz ma għandhomx jitqiesu bħala intrapriża tal-Unjoni Ewropea jew intrapriża tal-Messiku.

([36]) It-terminu "akkwiżizzjoni" jinkludi l-parteċipazzjoni kapitali f'intrapriża bil-ħsieb li jiġu stabbiliti jew jinżammu rabtiet ekonomiċi dejjiema.

(f) "investitur ta' Parti" tfisser Parti, jew persuna fiżika jew intrapriża ta' Parti, minbarra fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv, li tfittex li tagħmel, li tkun qed tagħmel jew li tkun għamlet investiment fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(g) "investitur ta' pajjiż terz" tfisser investitur li jfittex li jagħmel, li jkun qed jagħmel, jew li jkun diġà għamel investiment fit-territorju ta' Parti, u li ma jkunx investitur ta' Parti;

(h) "operazzjoni" tfisser it-twettiq, il-ġestjoni, il-manutenzjoni, l-użu, it-tgawdija, il-bejgħ jew disponiment ieħor ta' investiment;

(i) "redditi" tfisser l-ammonti ġġenerati minn investiment u jinkludu b'mod partikolari, għalkemm mhux esklussivament, profitti, imgħax, dividendi, qligħ kapitali, royalties, pagamenti b'konnessjoni mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, pagamenti *in natura*, tariffi tal-ġestjoni u tariffi oħrajn derivati minn dak l-investiment. ([37])

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "investiment" tfisser kull tip ta' assi li huwa proprjetà ta', jew ikkontrollat, direttament jew indirettament, minn investitur u akkwiżit fl-aspettattiva ta', jew użat għall-finijiet ta', benefiċċju ekonomiku jew skopijiet kummerċjali oħrajn u li għandu l-karatteristiċi ta' investiment, inkluża ċerta durata, l-impenn ta' kapital jew ta' riżorsi oħrajn, l-aspettattiva ta' qligħ jew profitt, jew is-suppożizzjoni ta' riskju. Il-forom li jista' jieħu investiment jinkludu:

(a) intrapriża;

(b) ishma, stokks u forom oħrajn ta' parteċipazzjoni fl-ekwità f'intrapriża;

(c) bonds, obbligazzjonijiet, self u strumenti oħrajn ta' dejn ta' intrapriża; ([38])

(d) imgħaxijiet li jinħolqu minn:

(i) konċessjonijiet, liċenzji, awtorizzazzjonijiet, permessi u drittijiet simili mogħtija skont il-liġi domestika;

(ii) kuntratti tat-turnkey, tal-kostruzzjoni, tal-ġestjoni, tal-produzzjoni, tal-konċessjoni, tal-kondiviżjoni tad-dħul u kuntratti simili oħrajn;

(e) drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(f) proprjetà tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli oħra, u drittijiet tal-proprjetà relatati, bħal lokazzjonijiet, rahan u wegħdiet; ([39]) jew

(g) pretensjonijiet għal flus li jinvolvu t-tip ta' imgħaxijiet stabbiliti fis-subparagrafi minn (a) sa (f), eskluż pretensjonijiet għal flus li jirriżultaw biss minn:

(i) kuntratti kummerċjali għall-bejgħ ta' prodotti jew servizzi minn persuna fiżika jew intrapriża fit-territorju ta' Parti lil persuna fiżika jew intrapriża fit-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(ii) l-estensjoni ta' kreditu b'konnessjoni ma' tranżazzjoni kummerċjali, bħal finanzjament tal-kummerċ, minbarra self skont is-subparagrafu (c).

([37]) Għal aktar ċertezza, ir-redditi li jiġu investiti mill-ġdid għandhom jiġu ttrattati bħala investimenti sakemm jikkonformaw mad-definizzjoni ta' investiment skont dan l-Artikolu.

([38]) Xi forom ta' dejn bħal bonds, self, obbligazzjonijiet u noti ta' terminu twil, huma aktar probabbli li jkollhom karatteristiċi ta' investiment, filwaqt li forom oħrajn ta' dejn huma inqas probabbli li jkollhom tali karatteristiċi.

([39]) Għal aktar ċertezza, is-sehem mis-suq, l-aċċess għas-suq, il-qligħ mistenni, u l-opportunitajiet biex isir profitt ma humiex, waħidhom, investimenti.

"Investiment" ma jinkludix ordni jew sentenza mdaħħla f'azzjoni ġudizzjarja jew amministrattiva.

Kwalunkwe alterazzjoni tal-forma li fiha l-assi jiġu investiti jew investiti mill-ġdid ma għandhiex taffettwa l-karattru tagħhom bħala investimenti, diment li l-forma meħuda minn kwalunkwe investiment jew investiment mill-ġdid iżżomm il-konformità tagħha mad-definizzjoni ta' investiment.

Artikolu 10.2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri adottati jew miżmuma minn: ([40])

(a) il-gvernijiet jew l-awtoritajiet ċentrali, reġjunali jew lokali ta' Parti; u

(b) kwalunkwe persuna ta' Parti, inkluża intraprizà tal-Istat jew kwalunkwe korp mhux governattiv ieħor fl-eżerċitar tas-setgħat delegati minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżuri ta' Parti, sa fejn ikunu koperti mill-Kapitolu 18 (Servizzi Finanzjarji).

Artikolu 10.3

Dritt għar-Regolamentazzjoni

Il-Partijiet jaffermaw id-dritt tagħhom li jirregolaw fit-territorji tagħhom sabiex jilħqu objettivi ta' politika leġittimi, bħas-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-morali pubbliċi, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumaturi, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali, jew il-kompetizzjoni.

Artikolu 10.4

Relazzjoni ma' Kapitoli Oħrajn

1. Jekk tinħoloq inkonsistenza bejn dan il-Kapitolu u l-Kapitolu 18 (Servizzi Finanzjarji), dan tal-aħħar għandu jipprevali sal-punt tal-inkonsistenza.

2. Rekwiżit minn Parti li fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jiddepożita bond jew forma oħra ta' garanzija finanzjarja bħala kundizzjoni għall-provvista transfruntiera ta' servizz fih innifsu ma jrendix dan il-Kapitolu applikabbli għall-miżuri adottati jew miżmuma mill-Parti preċedenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' dik il-provvista tas-servizz. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri adottati jew miżmuma minn dik il-Parti preċedenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-bond jew mal-garanzija finanzjarja ddepożitati, sal-punt li tali bond jew garanzija finanzjarja jkunu investiment kopert.

([40]) Għal aktar ċertezza, dan il-Kapitolu jkopri l-miżuri minn entitajiet elenkati taħt is-subparagrafi (a) u (b), li jiġu adottati jew miżmuma direttament jew indirettament, billi jagħtu struzzjonijiet, jiddirieġu jew jikkontrollaw entitajiet oħrajn fir-rigward ta' dawk il-miżuri.

TAQSIMA B

Liberalizzazzjoni tal-Investimenti

Artikolu 10.5

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Din it-Taqsima tapplika għall-miżuri adottati jew miżmuma minn Parti li jaffettwaw l-istabbiliment ta' intrapriża tal-Parti l-oħra jew l-operat ta' investiment ta' investitur tal-Parti l-oħra fit-territorju tagħha.

2. Din it-Taqsima ma tapplikax għal:

(a) attivitajiet imwettqa fl-eżerċitar ta' awtorità governattiva fit-territorju tal-Parti rispettiva;

(b) akkwist pubbliku tal-gvern ta' prodott jew servizz mixtri għal finijiet governattivi, u mhux bil-ħsieb ta' bejgħ mill-ġdid jew użu kummerċjali fil-produzzjoni ta' prodott jew provvista ta' servizz għal bejgħ kummerċjali, irrispettivament minn jekk dak l-akkwist jikkostitwixxix akkwist kopert skont it-tifsira tal-Artikolu 21.1 (Definizzjonijiet);

(c) servizzi awdjoviżivi;

(d) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali; ([41]) jew

(e) servizzi tal-ajru, jew servizzi relatati b'appoġġ għas-servizzi tal-ajru ([42]), minbarra dawn li ġejjin:

(i) is-servizzi ta' tiswija u manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz;

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi ta' trasport bl-ajru;

(iii) is-servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni; jew

(iv) is-servizzi fuq l-art.

3. L-Artikoli 10.6 sa 10.8 ma japplikawx għal sussidji ([43]) jew għotjiet ipprovduti minn Parti, inklużi self, garanziji u assigurazzjoni appoġġati mill-gvern.

4. L-Artikoli 10.6 sa 10.10 ma japplikawx għal servizzi ġodda, kif stabbilit fl-Anness VII.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10.54, dan il-Kapitolu ma jorbotx lil Parti fir-rigward ta' kwalunkwe att jew fatt li seħħ jew kwalunkwe sitwazzjoni li ma baqgħetx teżisti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

([41]) Għall-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont dan il-Kapitolu jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u port jew punt ieħor li jinsab f'dak l-istess Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, inkluż fuq il-blata kontinentali tiegħu, kif previst fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.
Għall-Messiku, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont dan il-Kapitolu jkopri n-navigazzjoni li kwalunkwe bastiment iwettaq bil-baħar, bejn portijiet jew postijiet li jinsabu fiż-żoni tal-baħar Messikani u x-xtut Messikani.

([42]) Għal aktar ċertezza, "servizzi tal-ajru, jew servizzi relatati b'appoġġ għas-servizzi tal-ajru" jinkludu wkoll is-servizzi li ġejjin: il-kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ, servizzi ta' operat tal-ajruport u servizzi pprovduti bl-użu ta' inġenju tal-ajru li l-iskop primarju tiegħu ma huwiex it-trasport ta' merkanzija jew passiġġieri, bħal taħriġ fit-tifi tan-nar mill-ajru, żjarat turistiċi, sprejjar, stħarriġ, immappjar, fotografija, qbiż bil-paraxut, irmonk bil-glider, irfigħ bil-ħelikopter għall-qtugħ tas-siġar għall-injam u l-kostruzzjoni, u servizzi agrikoli, industrijali u ta' spezzjoni oħrajn mill-ajru.

([43]) Għal aktar ċertezza, is-sussidji huma koperti taħt il-Kapitolu 24 (Sussidji).

Artikolu 10.6

Aċċess għas-Suq

Fis-setturi jew is-subsetturi fejn jitwettqu impenji ta' aċċess għas-suq, Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm, fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz ta' stabbiliment jew operazzjoni minn investituri tal-Parti l-oħra jew minn intrapriżi li jikkostitwixxu investimenti koperti, jew abbażi tat-territorju kollu tiegħu jew abbażi ta' suddiviżjoni territorjali, miżura ([44]) li:

(a) tillimita l-għadd ta' intrapriżi li jistgħu jwettqu attività ekonomika speċifika, kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, drittijiet esklussivi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(b) tillimita l-valur totali ta' tranżazzjonijiet jew assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(c) tillimita l-għadd totali ta' operazzjonijiet jew il-kwantità totali ta' produzzjoni espressa f'termini ta' unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(d) tirrestrinġi jew tirrikjedi tipi speċifiċi ta' entitajiet ġuridiċi jew impriżi konġunti li permezz tagħhom investitur tal-Parti l-oħra jista' jwettaq attività ekonomika; jew

(e) tillimita l-għadd totali ta' persuni fiżiċi li jistgħu jiġu impjegati f'settur partikolari jew li impriża tista' timpjega u li jkunu meħtieġa għat-twettiq ta' attività ekonomika, u direttament relatati magħha, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Artikolu 10.7

Trattament Nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi tagħhom li jikkostitwixxu investimenti koperti trattament xejn inqas favorevoli minn dak li hija tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-investituri tagħha stess u lill-intrapriżi tagħhom, rispettivament, fir-rigward tal-istabbiliment tagħhom fit-territorju tagħha.

2. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra u lill-investimenti koperti tagħhom trattament xejn inqas favorevoli minn dak li hija tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-investituri tagħha stess u lill-investimenti tagħhom, rispettivament, fir-rigward tal-operat tagħhom fit-territorju tagħha.

3. It-trattament li għandu jingħata minn Parti skont il-paragrafi 1 u 2 ifisser, fir-rigward ta' livell reġjonali tal-gvern tal-Messiku, trattament mhux inqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-livell reġjonali tal-gvern lill-investituri tal-Messiku, u lill-investimenti tagħhom fit-territorju ta' dak il-gvern reġjonali.

4. It-trattament li għandu jingħata minn Parti skont il-paragrafi 1 u 2 ifisser, fir-rigward ta' gvern ta' jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, trattament mhux inqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-gvern lill-investituri tagħha stess, u lill-investimenti tagħhom fit-territorju tagħha.

([44]) Is-subparagrafi (a), (b) u (c) ma jkoprux il-miżuri adottati jew miżmuma sabiex tiġi limitata l-produzzjoni ta' prodott agrikolu jew tas-sajd.

Artikolu 10.8

Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra, u lill-intrapriżi tagħhom li jikkostitwixxu investimenti koperti, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li hija tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-investituri u lill-intrapriżi, rispettivament, ta' kwalunkwe pajjiż terz fir-rigward tal-istabbiliment tagħhom fit-territorju tagħha.

2. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra, u lill-investimenti koperti tagħhom trattament mhux inqas favorevoli minn dak li hija tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-investituri u lill-investimenti, rispettivament, ta' kwalunkwe pajjiż terz fir-rigward tal-operat tal-investimenti fit-territorju tagħha.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jiġu interpretati bħala li jobbligaw lil Parti testendi għall-investituri tal-Parti l-oħra l-benefiċċju ta' kwalunkwe trattament li jirriżulta minn miżuri li jipprevedu r-rikonoxximent, inkluż tal-istandards jew tal-kriterji għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar jew iċ-ċertifikazzjoni ta' persuna fiżika jew intrapriża biex twettaq attività ekonomika, jew ta' miżuri prudenzjali.

4. Għal aktar ċertezza, it-trattament imsemmi f'dan l-Artikolu ma jinkludix it-trattament mogħti lill-investituri ta' pajjiż terz u l-investimenti tagħhom permezz ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment previst f'dan il-Ftehim jew fi ftehimiet internazzjonali oħrajn konklużi bejn Parti u pajjiż terz. Id-dispożizzjonijiet sostantivi fi ftehimiet internazzjonali oħrajn fihom infushom ma jikkostitwixxux trattament kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 u, b'hekk, ma jistgħux iwasslu għal ksur ta' dan l-Artikolu. Il-miżuri applikati skont tali dispożizzjonijiet jistgħu jikkostitwixxu trattament skont dan l-Artikolu.

Artikolu 10.9

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

1. Parti ma għandhiex, b'konnessjoni mal-istabbiliment ta' intrapriża ta' Parti jew mal-operat ta' investiment ta' investitur ta' Parti jew ta' pajjiż terz fit-territorju ta' dik il-Parti, timponi jew tinforza xi rekwiżit jew tinforza xi impenn jew garanzija sabiex: ([45])

(a) tesporta livell jew perċentwal partikolari ta' prodotti jew servizzi;

(b) tikseb livell jew perċentwal partikolari ta' kontenut domestiku;

(c) takkwista, tuża jew tagħti preferenza lil prodotti li jiġu manifatturati jew servizzi li jiġu pprovduti fit-territorju tagħha, jew takkwista prodotti jew servizzi mingħand persuni fiżiċi jew intrapriżi fit-territorju tagħha;

(d) tirrelata bi kwalunkwe mod il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont ta' dħul tal-munita barranija assoċjat ma' tali investiment;

(e) tirrestrinġi l-bejgħ ta' prodotti jew servizzi fit-territorju tagħha li tali investiment jipproduċi jew iforni billi tirrelata dak il-bejgħ bi kwalunkwe mod mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet tagħha jew tal-qligħ mill-kambju;

(f) tipprovdi aċċess għal jew tittrasferixxi teknoloġija partikolari, proċess ta' produzzjoni jew għarfien proprjetarju ieħor lil persuna fiżika jew intrapriża fit-territorju tagħha;

(g) tforni esklussivament mit-territorju ta' dik il-Parti lil suq reġjonali speċifiku jew lis-suq dinji, prodotti jew servizzi li tali investiment jipproduċi jew iforni;

([45]) Għal aktar ċertezza, kundizzjoni sabiex jiġi riċevut jew ikompli jiġi riċevut vantaġġ imsemmi fil-paragrafu 2 ma tikkostitwix "impenn jew garanzija" għall-finijiet tal-paragrafu 1.

(h) tillokalizza l-kwartieri ġenerali ta' dak l-investitur għal suq reġjonali speċifiku jew għas-suq dinji fit-territorju tagħha; jew

(i) tirrestrinġi l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni.

2. Parti ma għandhiex tikkundizzjona vantaġġ riċevut jew li jkompli jiġi riċevut, b'konnessjoni mal-istabbiliment ta' intrapriża ta' Parti jew mal-operat ta' investiment ta' investitur ta' Parti, jew ta' pajjiż terz, fit-territorju tagħha, f'konformità ma' kwalunkwe ħtieġa li:

(a) tikseb livell jew perċentwal partikolari ta' kontenut domestiku;

(b) takkwista, tuża jew tagħti preferenza lil prodotti li jiġu manifatturati jew servizzi li jiġu pprovduti fit-territorju tagħha, jew takkwista prodotti mingħand persuni fiżiċi jew intrapriżi fit-territorju tagħha;

(c) tirrelata bi kwalunkwe mod il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont ta' dħul tal-munita barranija assoċjat ma' tali investiment;

(d) tirrestrinġi l-bejgħ ta' prodotti jew servizzi fit-territorju tagħha li tali investiment jipproduċi jew iforni billi tirrelata dak il-bejgħ bi kwalunkwe mod mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet tagħha jew tal-qligħ mill-kambju; jew

(e) tirrestrinġi l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni.

3. Fil-paragrafu 2 ma hemm xejn li għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli tikkundizzjona vantaġġ riċevut jew li jkompli jiġi riċevut, b'konnessjoni ma' investiment ta' investitur ta' Parti jew ta' pajjiż terz, f'konformità ma' ħtieġa li tiġi lokalizzata l-produzzjoni, jiġi fornut servizz, jitħarrġu jew jiġu impjegati l-ħaddiema, jinbnew jew jiġu estiżi faċilitajiet partikolari, jew jitwettqu riċerka u żvilupp, fit-territorju tagħha.

4. Is-subparagrafu 1(f) ma japplikax jekk:

(a) ir-rekwiżit jiġi impost jew infurzat jew l-impenn jew il-garanzija jiġu infurzati minn qorti, tribunal amministrattiv jew awtorità tal-kompetizzjoni biex tiġi rrimedjata prattika ddeterminata wara proċess ġudizzjarju jew amministrattiv bħala ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Parti; jew

(b) Parti tawtorizza l-użu ta' dritt ta' proprjetà intellettwali f'konformità mal-Artikoli 31 u 31bis tal-Ftehim TRIPS, jew miżuri li jirrikjedu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni proprjetarja li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Ftehim TRIPS u li jkunu konsistenti miegħu.

5. Is-subparagrafi 1(a), (b) u (c) u 2(a) u (b) ma japplikawx għar-rekwiżiti ta' kwalifika għal prodotti jew servizzi fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-promozzjoni tal-esportazzjoni u l-programmi ta' għajnuna barranija.

6. Is-subparagrafi 2(a) u (b) ma japplikawx għar-rekwiżiti imposti minn Parti li timporta relatati mal-kontenut tal-prodotti li huma meħtieġa biex tikkwalifika għal tariffi preferenzjali jew kwoti preferenzjali.

7. Għal aktar ċertezza, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikaw għall-ebda rekwiżit, impenn jew garanzija minbarra dawk stabbiliti f'dawk il-paragrafi.

8. Dan l-Artikolu ma jipprekludix l-infurzar ta' xi rekwiżit, impenn jew garanzija bejn partijiet privati, minbarra Parti, fejn ir-rekwiżit, l-impenn jew il-garanzija ma jkunux ġew imposti jew meħtieġa minn Parti.

9. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-impenji ta' Parti magħmula skont il-Ftehim tad-WTO.

Artikolu 10.10

Maniġment Superjuri u l-Bord tad-Diretturi

1. Parti ma għandhiex titlob li intrapriża tal-Parti l-oħra li tkun investiment kopert taħtar persuni fiżiċi ta' kwalunkwe nazzjonalità partikolari f'pożizzjonijiet ta' maniġment superjuri.

2. Parti ma għandhiex titlob li l-bord tad-diretturi ta' intrapriża tal-Parti l-oħra li tkun investiment kopert ikun magħmul minn persuni fiżiċi li jkollhom ċittadinanza partikolari, jew li jkollhom ir-residenza fit-territorju tagħha, jew taħlita tagħhom.

Artikolu 10.11

Rekwiżiti Formali

Minkejja l-Artikoli 10.7 u 10.8, Parti tista' titlob lil investitur tal-Parti l-oħra jew lill-investiment kopert tagħha biex jipprovdi informazzjoni ta' rutina dwar dak l-investiment biss għal skopijiet ta' informazzjoni jew statistika. Jekk il-Parti tkun teħtieġ tali informazzjoni, hija għandha tipproteġi dik l-informazzjoni li hija kunfidenzjali minn kwalunkwe divulgazzjoni li tippreġudika l-pożizzjoni kompetittiva tal-investitur jew tal-investiment kopert. F'dan l-Artikolu ma hemm xejn li għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli tikseb jew tiddivulga l-informazzjoni b'mod ieħor b'konnessjoni mal-applikazzjoni ekwa u *in bona fide* tal-liġi tagħha.

Artikolu 10.12

Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet

1. L-Artikoli minn 10.7 sa 10.10 ma japplikawx għal:

(a) miżura mhux konformi eżistenti li tinżamm minn Parti fil-livell ta':

(i) l-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fil-lista tagħha fl-Appendiċi I-A tal-Anness I;

(ii) gvern ċentrali, kif stabbilit minn dik il-Parti fil-lista tagħha fl-Appendiċi I-A jew I-B-1 tal-Anness I;

(iii) gvern reġjonali, kif stabbilit minn dik il-Parti fil-lista tagħha fl-Appendiċi I-A jew I-B-2 tal-Anness I; jew

(iv) gvern lokali;

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a); jew

(c) kwalunkwe emenda għal miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a), sal-punt li l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda, mal-Artikoli minn 10.7 sa 10.10.

2. L-Artikoli minn 10.7 sa 10.10 ma japplikawx għal miżura li Parti tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' setturi, subsetturi jew attivitajiet kif stabbiliti fil-lista tagħha fl-Appendiċi I-A jew II-B tal-Anness II.

3. Parti ma għandhiex, taħt miżura adottata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u koperta mil-Lista tagħha fl-Appendiċi I-A jew II-B tal-Anness II, titlob, direttament jew indirettament, lil investitur tal-Parti l-oħra, minħabba n-nazzjonalità tiegħu, ibiegħ jew b'xi mod ieħor jiddisponi minn investiment li jeżisti fiż-żmien meta l-miżura ssir effettiva.

4. L-Artikolu 10.6 ma japplikax għal miżura li Parti tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' setturi jew subsetturi impenjati kif stabbilit fl-iskeda tagħha fl-Appendiċi III-A, III-B-1 jew III-B-2 tal-Anness III.

5. L-Artikoli 10.7 u 10.8 ma japplikaw għall-ebda miżura li tikkostitwixxi eċċezzjoni, eżenzjoni jew rinunzja mill-Artikolu 3 jew 4 tal-Ftehim TRIPS, kif previst fl-Artikoli minn 3 sa 5 ta' dak il-Ftehim.

6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi minn 1 sa 5, fi żmien 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Messiku jista' jinnotifika lill-Unjoni Ewropea abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt biex jiġu mmodifikati l-Annessi I, II u III kif ġej:

(a) fl-Appendiċijiet I-B-2 u III-B-2, kwalunkwe miżura mhux konformi eżistenti miżmuma fil-livell subfederali tal-gvern; u

(b) fl-Appendiċijiet I-B-1 u II-B tar-rekwiżiti ta' prestazzjoni tiegħu.

L-Unjoni Ewropea għandha tirrieżamina dak l-abbozz fi żmien 3 xhur u tikkonsulta mal-Messiku dwar kwalunkwe kwistjoni relatata. Wara dik il-konsultazzjoni, il-Kunsill Konġunt għandu jadotta l-modifiki għall-annessi msemmija f'dan il-paragrafu. L-annessi mmodifikati għandhom japplikaw mid-data tal-adozzjoni tal-modifiki.

TAQSIMA C

Protezzjoni tal-Investiment

Artikolu 10.13

Kamp ta' Applikazzjoni

Din it-Taqsima tapplika għal kwalunkwe miżura adottata jew miżmuma minn Parti li taffettwa:

(a) l-investimenti koperti; jew

(b) l-investituri ta' Parti fir-rigward ta' investiment kopert.

Artikolu 10.14

Objettivi u Miżuri ta' Investiment u Regolatorji

1. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ma għandhomx jiġu interpretati bħala impenn ta' Parti li ma tbiddilx il-qafas legali u regolatorju applikabbli fit-territorju tagħha, inkluż b'mod li jista' jaffettwa b'mod negattiv l-operat tal-investimenti koperti jew l-aspettattivi tal-profitti tal-investitur.

2. Għal aktar ċertezza, f'din it-Taqsima ma hemm xejn li għandu jiġi interpretat bħala li qed jimpedixxi lil Parti milli twaqqaf l-għoti ta' sussidju ([46]) jew milli titlob ir-rimborż tiegħu, meta tali azzjoni tkun ġiet ordnata minn qorti kompetenti, tribunal amministrattiv jew awtorità kompetenti oħra, jew bħala li titlob lil dik il-Parti tikkumpensa lill-investitur għal dan.

3. Għal aktar ċertezza, id-deċiżjoni ta' Parti li ma toħroġx, ma ġġeddidx jew ma żżommx sussidju jew għotja ma tikkostitwixxix ksur ta' din it-Taqsima jekk dik id-deċiżjoni tittieħed:

(a) fin-nuqqas ta' kwalunkwe impenn speċifiku skont il-liġi jew kuntratt biex jinħarġu, jiġġeddu jew jinżammu dak is-sussidju jew dik l-għotja;

(b) f'konformità ma' kwalunkwe termini jew kundizzjonijiet marbuta mal-ħruġ, it-tiġdid jew iż-żamma ta' dak is-sussidju jew tal-għotja; jew

(c) f'konformità mal-paragrafu 2.

([46]) Għall-Unjoni Ewropea, "sussidju" jinkludi kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew permezz ta' riżorsi tal-Istat ta' tali Stat Membru, li toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 10.15

Trattament tal-Investituri u tal-Investimenti Koperti

1. Kull Parti għandha tagħti fit-territorju tagħha lill-investimenti koperti tal-Parti l-oħra, u lill-investituri tal-Parti l-oħra fir-rigward tal-investimenti koperti tagħhom, trattament ġust u ekwu u protezzjoni u sigurtà sħaħ f'konformità mal-paragrafi li ġejjin.

2. Parti tikser l-obbligu ta' trattament ġust u ekwu msemmi fil-paragrafu 1 jekk miżura jew serje ta' miżuri jkunu jikkostitwixxu: ([47])

(a) ċaħda tal-ġustizzja fi proċedimenti kriminali, ċivili jew amministrattivi;

(b) ksur fundamentali tal-proċess dovut;

(c) arbitrarjetà manifesta, inkluża diskriminazzjoni mmirata abbażi ta' raġunijiet manifestament żbaljati, bħall-ġeneru, ir-razza jew it-twemmin reliġjuż;

(d) fastidju, koerċizzjoni jew abbuż tal-poter; jew

(e) ksur ta' kwalunkwe element addizzjonali tal-obbligu ta' trattament ġust u ekwu li jkun ġie adottat mill-Partijiet f'konformità mal-paragrafu 7.

3. Parti għandha titqies li tkun qed tikser l-obbligu ta' protezzjoni u sigurtà sħaħ imsemmi fil-paragrafu 1 jekk miżura jew serje ta' miżuri jikkostitwixxu nuqqas li tiġi pprovduta sigurtà fiżika lill-investituri u l-investimenti koperti tagħhom.

4. Meta jivvaluta allegat ksur skont dan l-Artikolu, it-Tribunal stabbilit bl-Artikolu 10.30 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"Tribunal") jista' jqis jekk Parti tkunx għamlet rappreżentazzjoni speċifika lil investitur biex tħajru jagħmel investiment kopert, li tkun ħolqot aspettattiva leġittima u li fuqha jkun ibbaża ruħu l-investitur meta ġie biex jiddeċiedi li jagħmel jew iżomm l-investiment kopert, iżda li dik il-Parti tkun sussegwentement sfrattat. Is-sempliċi fatt li Parti tieħu jew tonqos milli tieħu azzjoni li tista' tkun inkonsistenti mal-aspettattivi leġittimi ta' investitur ta' Parti ma jikkostitwixxix ksur ta' dan l-Artikolu, anki jekk ikun hemm telf jew ħsara għall-investiment kopert b'riżultat ta' dan.

([47]) Għal aktar ċertezza, fid-determinazzjoni ta' jekk miżura jew serje ta' miżuri jammontawx għal ksur tal-obbligu ta' trattament ġust u ekwu, it-Tribunal stabbilit bl-Artikolu 10.30 għandu jqis, fost affarijiet oħrajn, dan li ġej:
(a) fir-rigward tas-subparagrafi 2(a) u (b), jekk il-miżura jew is-serje ta' miżuri jinvolvux imġiba ħażina serja li toffendi l-proprjetà ġudizzjarja; is-sempliċi fatt li l-kontestazzjoni ta' investitur tal-miżura kkontestata fi proċediment domestiku ġiet irrifjutata jew miċħuda jew b'xi mod ieħor falliet fih innifsu ma jikkostitwixxi ebda ċaħda tal-ġustizzja kif imsemmi fis-subparagrafu 2(a);
(b) fir-rigward tas-subparagrafu 2(c), jekk il-miżura jew is-serje ta' miżuri kinux ibbażati b'mod ċar fuq raġuni jew fatt, jew kinux ibbażati b'mod ċar fuq raġunijiet illeġittimi bħal preġudizzju jew parzjalità; is-sempliċi illegalità, jew applikazzjoni sempliċiment inkonsistenti jew dubjuża ta' politika jew proċedura, fiha nnifisha ma tikkostitwixxi ebda arbitrarjetà manifesta kif imsemmi fis-subparagrafu 2(c), filwaqt li ċaħda totali u mhux ġustifikata ta' liġi jew regolament, jew miżura mingħajr raġuni, jew imġiba li tkun speċifikament immirata lejn l-investitur jew l-investiment kopert tiegħu bl-iskop li tikkawża dannu x'aktarx li tikkostitwixxi arbitrarjetà manifesta kif imsemmi fis-subparagrafu 2(c); u
(c) fir-rigward tas-subparagrafu 2(d), jekk Parti aġixxietx *ultra vires* u jekk l-episodji ta' allegati fastidju jew koerċizzjoni ġewx ripetuti u sostnuti.

5. Determinazzjoni li kien hemm ksur ta' dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, jew ta' ftehim internazzjonali separat, ma tistabbilixxix, fiha jew minnha nnifisha, li kien hemm ksur ta' dan l-Artikolu.

6. Il-fatt li miżura tikser il-liġi ta' Parti, fiha jew minnha nnifisha, ma jistabbilixxix ksur ta' dan l-Artikolu. Sabiex jiġi aċċertat jekk il-miżura tiksirx dan l-Artikolu, it-Tribunal għandu jikkunsidra jekk Parti tkunx aġixxiet b'mod inkonsistenti mal-paragrafi minn 1 sa 4.

7. Il-Partijiet għandhom, fuq talba ta' Parti, jirrieżaminaw il-kontenut tal-obbligu tat- trattament ġust u ekwu. Is-Sottokumitat għas-Servizzi u l-Investiment stabbilit skont is-subparagrafu 1(h) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) jista' jiżviluppa analiżijiet f'dan ir-rigward u jissottomettihom lill-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt għandu jikkunsidra jekk jirrakkomandax li dan il-Ftehim jiġi emendat, f'konformità mal-Artikolu 2.4 (Emenda) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 10.16

Trasferimenti

1. Kull Parti għandha tippermetti li t-trasferimenti kollha relatati ma' investiment kopert isiru b'mod ħieles mingħajr restrizzjoni jew dewmien fit-territorju tagħha u barra minnu. Dawk it-trasferimenti jinkludu:

(a) il-kontribuzzjonijiet għall-kapital, bħall-ammonti prinċipali u addizzjonali, sabiex isostnu, jiżviluppaw jew iżidu l-investiment kopert;

(b) il-profitti, id-dividendi, il-qligħ kapitali, l-imgħax, il-pagamenti ta' royalties, it-tariffi tal-ġestjoni u redditi oħrajn;

(c) ir-rikavati mill-bejgħ tal-investiment kopert kollu jew parti minnu jew mil-likwidazzjoni parzjali jew sħiħa tal-investiment kopert;

(d) il-ħlasijiet magħmula taħt kuntratt li ffirma l-investitur ta' Parti, jew investiment kopert, inklużi l-pagamenti magħmula skont ftehim ta' self;

(e) il-qligħ u remunerazzjoni oħra tal-persunal ingaġġat minn barra l-pajjiż u li jaħdem b'konnessjoni ma' investiment kopert;

(f) il-ħlasijiet magħmula skont l-Artikoli 10.17 u 10.18; u

(g) il-ħlasijiet tad-danni skont deċiżjoni ta' arbitraġġ maħruġa mit-Tribunal taħt it-Taqsima D.

2. Kull Parti għandha tippermetti li r-redditi *in natura* relatati ma' investiment kopert isiru kif awtorizzat jew speċifikat fi ftehim bil-miktub bejn il-Parti u investiment kopert jew investitur tal-Parti l-oħra.

3. Kull Parti għandha tippermetti li t-trasferimenti relatati ma' investiment kopert isiru f'munita liberament konvertibbli bir-rata tal-kambju tas-suq li tkun prevalenti għal dik il-munita fid-data tat-trasferiment.

4. Minkejja l-paragrafu 2, Parti tista' tirrestrinġi t-trasferimenti ta' redditi *in natura* relatati ma' investiment kopert f'ċirkostanzi fejn tista' b'mod ieħor tirrestrinġi tali trasferimenti skont dan il-Ftehim.

Artikolu 10.17

Kumpens għat-Telf

1. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra, li l-investimenti koperti tagħhom iġarrbu telf minħabba gwerra jew kunflitt armat ieħor, rivoluzzjoni, stat ta' emerġenza nazzjonali, insurrezzjoni, irvellijiet jew kwalunkwe avveniment simili ieħor, fir-rigward tar-restituzzjoni, l-indennizz, il-kumpens jew forma oħra ta' ftehimiet, trattament mhux inqas favorevoli mit-trattament li hija tagħti lill-investituri tagħha stess jew lill-investituri ta' kwalunkwe pajjiż terz, skont liema minnhom ikun l-aktar favorevoli.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-investituri ta' Parti għandhom jingħataw restituzzjoni jew kumpens adegwati u effettivi jekk, fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija f'dak il-paragrafu, huma jġarrbu telf fit-territorju tal-Parti l-oħra li jirriżulta minn:

(a) rekwiżizzjoni tal-investiment kopert tagħhom jew ta' parti minnu mill-forzi jew l-awtoritajiet tal-Parti l-oħra; jew

(b) qerda tal-investiment kopert tagħhom jew ta' parti minnu mill-forzi jew l-awtoritajiet tal-Parti l-oħra, li ma kinitx meħtieġa min-neċessità tas-sitwazzjoni.

3. Il-pagamenti li jirriżultaw minn kumpens f'konformità mal-paragrafu 2 għandhom ikunu liberament konvertibbli u trasferibbli.

Artikolu 10.18

Espropriazzjoni u Kumpens

1. Parti ma għandhiex tesproprja jew tinnazzjonalizza investiment kopert, direttament jew indirettament, permezz ta' miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għal espropriazzjoni jew nazzjonalizzazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "espropriazzjoni"), ħlief:

(a) għal skop pubbliku;

(b) b'mod mhux diskriminatorju;

(c) mal-ħlas ta' kumpens fil-pront, adegwat u effettiv f'konformità mal-paragrafi minn 2 sa 4; u

(d) f'konformità mal-proċess dovut tal-liġi.

2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi interpretat f'konformità mal-Anness 10-A.

3. Il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 1 għandu:

(a) jitħallas mingħajr dewmien;

(b) ikun ekwivalenti għall-valur ġust tas-suq tal-investiment espropriat f'dak iż-żmien immedjatament qabel ma tkun seħħet l-espropriazzjoni;

(c) ma jkun jirrifletti l-ebda bidla fil-valur li seħħet minħabba li l-espropriazzjoni maħsuba kienet saret magħrufa qabel;

(d) ikun kompletament realizzabbli u liberament trasferibbli mingħajr dewmien lejn il-pajjiż indikat mill-investitur; u

(e) jinkludi l-imgħax b'rata kummerċjalment raġonevoli mid-data tal-espropriazzjoni sad-data tal-ħlas.

4. Il-kriterji ta' valutazzjoni għandhom jinkludu l-valur tan-negozju avvjat, il-valur tal-assi, inkluż il-valur tat-taxxa ddikjarata tal-propjetà tanġibbli, u kriterji oħrajn, kif xieraq, sabiex jiġi ddeterminat il-valur ġust tas-suq.

5. Il-kumpens għandu jitħallas fil-munita tal-pajjiż li tiegħu l-investitur huwa ċittadin jew f'munita liberament konvertibbli.

6. Dan l-Artikolu ma japplikax għall-ħruġ ta' liċenzji obbligatorji mogħtija b'rabta mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'konformità mal-Ftehim TRIPS, jew għar-revoka, il-limitazzjoni, jew il-ħolqien ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali, sal-punt li tali ħruġ, revoka, limitazzjoni jew ħolqien ikunu konsistenti mal-Kapitolu 25 (Proprjetà Intellettwali) u mal-Ftehim TRIPS. ([48])

Artikolu 10.19

Surroga

1. Jekk Parti jew l-aġenzija nnominata tagħha tagħmel pagament taħt garanzija, kuntratt ta' assigurazzjoni jew forma oħra ta' indennizz li tkun daħlet għalih fir-rigward ta' investiment kopert, il-Parti l-oħra għandha tirrikonoxxi s-surroga jew it-trasferiment ta' kwalunkwe dritt jew pretensjoni tal-investitur skont dan il-Kapitolu fir-rigward ta' dak l-investiment kopert. Il-Parti jew l-aġenzija nnominata tagħha għandha tkun intitolata bis-saħħa ta' surroga li teżerċita d-drittijiet u tinforza l-pretensjonijiet ta' dak l-investitur. Id-dritt jew il-pretensjoni surrogati jew ittrasferiti ma għandhomx ikunu akbar mid-dritt jew mill-pretensjoni oriġinali ta' dak l-investitur.

2. Jekk Parti jew l-aġenzija nnominata tagħha tkun għamlet pagament lill-investitur tagħha u tkun ħadet f'idejha d-drittijiet u l-pretensjonijiet tal-investitur, dak l-investitur ma għandux, sakemm ma jkunx awtorizzat jaġixxi f'isem il-Parti, jew l-aġenzija nnominata mill-Parti, li tagħmel il-pagament, isegwi dawk id-drittijiet u l-pretensjonijiet kontra l-Parti l-oħra.

TAQSIMA D

Soluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment

Artikolu 10.20

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "rikorrent" tfisser persuna fiżika jew intrapriża ta' Parti, għajr fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv, li tkun għamlet investiment kopert, u li tfittex li tissottometti jew tkun issottomettiet pretensjoni skont din it-Taqsima, li taġixxi:

(i) f'isimha stess; jew

(ii) f'isem intrapriża stabbilita lokalment li tagħha hija s-sid jew li tikkontrolla. ([49])

(b) "partijiet litiganti" tfisser ir-rikorrent u l-konvenut;

(c) "parti litiganti" tfisser ir-rikorrent jew il-konvenut;

([48]) Għal aktar ċertezza, it-terminu "revoka" fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jinkludi l-kanċellazzjoni jew l-annullament ta' dawk id-drittijiet, u t-terminu "limitazzjoni" fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jinkludi eċċezzjonijiet għal dawk id-drittijiet.

([49]) Għal aktar ċertezza, pretensjoni mressqa skont is-subparagrafu (ii) għandha titqies li tirrigwardja tilwima bejn Stat Kontraenti u ċittadin ta' Stat Kontraenti ieħor għall-finijiet tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ICSID.

(d) "ICSID" tfisser iċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment stabbilit mill-Konvenzjoni ICSID;

(e) "Regoli tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID" tfisser ir-Regoli li Jirregolaw il-Faċilità Addizzjonali għall-Amministrazzjoni tal-Proċedimenti mis-Segretarjat taċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment;

(f) "Konvenzjoni ICSID" tfisser il-Konvenzjoni dwar is-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment bejn l-Istati u ċ-Ċittadini ta' Stati oħrajn, li saret f'Washington fit-18 ta' Marzu 1965;

(g) "intrapriża stabbilita lokalment" tfisser persuna ġuridika stabbilita fit-territorju ta' Parti, u li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollata minn investitur tal-Parti l-oħra;

(h) "Konvenzjoni ta' New York" tfisser il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin, li saret fi New York fl-10 ta' Ġunju 1958;

(i) "Parti mhux litiganti" tfisser il-Messiku, jekk il-konvenut ikun l-Unjoni Ewropea jew Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; jew l-Unjoni Ewropea, jekk il-Messiku jkun il-konvenut;

(j) "konvenut" tfisser il-Messiku, jew fil-każ tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea jew l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea kkonċernat kif iddeterminat skont l-Artikolu 10.24;

(k) "finanzjament minn parti terza" tfisser kwalunkwe finanzjament ipprovdut minn persuna fiżika jew ġuridika li ma hijiex parti litiganti u li tidħol fi ftehim ma' parti litiganti sabiex tiffinanzja parti mill-kost tal-proċedimenti, jew kollu kemm hu, għal remunerazzjoni li tkun tiddependi fuq l-eżitu tat-tilwima, jew fil-forma ta' donazzjoni jew għotja;

(l) "Regoli ta' Arbitraġġ tal-UNCITRAL" tfisser ir-Regoli ta' Arbitraġġ tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ, approvati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-15 ta' Diċembru 1976.

Artikolu 10.21

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Din it-Taqsima tapplika għal tilwim bejn Parti u rikorrent tal-Parti l-oħra li jinħoloq minn allegat ksur tal-Artikolu 10.7.2 jew 10.8.2 ([50]) jew tat-Taqsima C li allegatament jikkawża telf jew dannu lir-rikorrent jew lill-intrapriża stabbilita lokalment tiegħu.

2. L-Anness 10-B japplika għal pretensjonijiet fir-rigward tar-ristrutturar tad-dejn ta' Parti.

3. It-Tribunal u t-Tribunal tal-Appell stabbiliti taħt din it-Taqsima, ma għandhomx jiddeċiedu dwar pretensjonijiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-Taqsima.

Artikolu 10.22

Konsultazzjonijiet

1. Sa fejn ikun possibbli, tilwima għandha tissolva b'mod amikevoli. Tali soluzzjoni tista' tiġi miftiehma fi kwalunkwe ħin, inkluż wara li tkun tressqet pretensjoni skont l-Artikolu 10.26.

([50]) Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din it-Taqsima, il-Partijiet jifhmu li l-Artikoli 10.7.2 u 10.8.2 ma jkoprux l-akkwiżizzjoni ta' intrapriża fl-Unjoni Ewropea jew fil-Messiku magħmula bil-ħsieb li jistabbilixxu jew iżommu rabtiet ekonomiċi dejjiema, inkluż fejn tali akkwiżizzjoni ssir permezz ta' parteċipazzjoni kapitali jew żieda f'tali parteċipazzjoni kapitali f'intrapriża.

2. Sakemm il-partijiet litiganti ma jaqblux ma' perjodu itwal, il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fi żmien 60 jum wara s-sottomissjoni tat-talba għal konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 5.

3. Sakemm il-partijiet litiganti ma jaqblux mod ieħor, il-post tal-konsultazzjonijiet għandu jkun:

(a) il-Belt tal-Messiku, jekk il-miżuri kkontestati jkunu miżuri tal-Messiku;

(b) Brussell, jekk il-miżuri kkontestati jkunu jinkludu miżura tal-Unjoni Ewropea; jew

(c) jekk il-miżuri kkontestati jkunu esklussivament miżuri ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea il-belt kapitali ta' dak l-Istat Membru.

4. Jekk il-partijiet litiganti jaqblu, il-konsultazzjonijiet jistgħu jsiru permezz ta' vidjokonferenza jew mezzi oħrajn, jekk ikun xieraq.

5. Ir-rikorrent għandu jissottometti lill-Parti l-oħra talba għal konsultazzjonijiet li tistabbilixxi:

(a) l-isem u l-indirizz tar-rikorrent u, jekk tali talba tiġi sottomessa f'isem intrapriża stabbilita lokalment, l-isem, l-indirizz u l-post tal-istabbiliment jew l-inkorporazzjoni, jekk applikabbli, ta' dik l-intrapriża stabbilita lokalment;

(b) id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1 li allegatament ikunu nkisru;

(c) il-bażi ġuridika u fattwali għal kull pretensjoni, inklużi l-miżura jew il-miżuri li allegatament ikunu qed jiksru d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1;

(d) ir-rimedju mfittex u l-ammont stmat tad-danni mitluba; u

(e) l-evidenza li tistabbilixxi li r-rikorrent huwa investitur tal-Parti l-oħra u li huwa għandu jew jikkontrolla l-investiment kopert u, jekk jaġixxi f'isem intrapriża stabbilita lokalment, li huwa għandu jew jikkontrolla l-intrapriża stabbilita lokalment.

Jekk talba għal konsultazzjonijiet tiġi sottomessa minn aktar minn rikorrent wieħed, jew f'isem aktar minn kumpanija waħda stabbilita lokalment, l-informazzjoni fis-subparagrafi (a) u (e) għandha tiġi sottomessa għal kull rikorrent jew kull intrapriża stabbilita lokalment, skont il-każ.

6. Ir-rekwiżiti għat-talba għal konsultazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5 għandhom jiġu ssodisfati bi speċifiċità suffiċjenti sabiex il-konvenut ikun jista' effettivament jipparteċipa fil-konsultazzjonijiet u jħejji d-difiża tiegħu.

7. Talba għal konsultazzjonijiet għandha tiġi sottomessa fi żmien 3 snin wara d-data li fiha r-rikorrent jew, kif applikabbli, l-intrapriża stabbilita lokalment, l-ewwel ikunu akkwistaw jew suppost li kellhom l-ewwel jakkwistaw, għarfien tal-allegat ksur u għarfien li r-rikorrent jew, kif applikabbli, l-intrapriża stabbilita lokalment, ġarrbu telf jew dannu b'dan.

8. Minkejja l-paragrafu 7, fil-każ li t-talba għal konsultazzjonijiet tkun tikkonċerna miżura jew miżuri tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u l-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 7 ikun għadda waqt li r-rikorrent jew, kif applikabbli, l-intrapriża stabbilita lokalment ikunu segwew proċedimenti relatati mal-istess miżura jew miżuri quddiem tribunal jew qorti skont il-liġi ta' Parti, it-talba għal konsultazzjonijiet għandha tiġi sottomessa:

(a) fi żmien sentejn wara d-data li fiha r-rikorrent jew, kif applikabbli, l-intrapriża stabbilita lokalment ma jibqgħux isegwu tali proċedimenti quddiem tribunal jew qorti skont il-liġi ta' Parti; u

(b) fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 10 snin wara d-data li fiha r-rikorrent jew, kif applikabbli, l-intrapriża stabbilita lokalment tiegħu, l-ewwel ikunu akkwistaw jew suppost li kellhom jakkwistaw għarfien tal-miżura jew tal-miżuri li allegatament ikunu qed jiksru d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1 u tat-telf jew tad-dannu allegatament imġarrab b'dan.

9. Talba għal konsultazzjonijiet rigward ksur allegat mill-Unjoni Ewropea jew minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tintbagħat mill-Unjoni Ewropea. Jekk ir-rikorrent jidentifika fit-talba tiegħu għal konsultazzjonijiet miżura jew miżuri ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, dawn għandhom jintbagħtu wkoll lill-Istat Membru kkonċernat.

10. Jekk l-investitur ma jkunx ressaq pretensjoni skont l-Artikolu 10.26 fi żmien 18-il xahar wara li jkun issottometta t-talba għal konsultazzjonijiet, l-investitur jitqies li jkun irtira t-talba tiegħu għal konsultazzjonijiet u, jekk applikabbli, l-avviż tiegħu li jitlob determinazzjoni tal-konvenut skont l-Artikolu 10.24, u ma għandux iressaq pretensjoni skont din it-Taqsima fir-rigward tal-istess miżura jew miżuri. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż permezz ta' qbil tal-partijiet involuti fil-konsultazzjonijiet.

Artikolu 10.23

Medjazzjoni

1. Il-partijiet litiganti jistgħu fi kwalunkwe ħin jaqblu li jirrikorru għal medjazzjoni.

2. Ir-rikors għal medjazzjoni huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni legali jew għad-drittijiet ta' kwalunkwe parti litiganti skont dan il-Kapitolu u huwa regolat mir-regoli miftiehma mill-partijiet litiganti inkluża, jekk disponibbli, kwalunkwe regola għall-medjazzjoni li tista' tiġi adottata mill-Kunsill Konġunt.

3. Il-medjatur għandu jinħatar bil-qbil tal-partijiet litiganti. Il-partijiet litiganti jistgħu wkoll jitolbu b'mod konġunt li l-President tat-Tribunal jaħtar il-medjatur.

4. Il-partijiet litiganti għandhom jagħmlu ħilithom biex isibu soluzzjoni għat-tilwima fi żmien 60 jum wara l-ħatra tal-medjatur.

5. Jekk il-partijiet litiganti jaqblu li jirrikorru għal medjazzjoni, il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 10.22.7, 10.22.8, 10.48.7 u 10.49.3 għandhom jiġu sospiżi mid-data li fiha l-partijiet litiganti qablu li jirrikorru għal medjazzjoni sad-data li fiha kwalunkwe parti litiganti tiddeċiedi li tittermina il-medjazzjoni. Deċiżjoni minn parti litiganti li tittermina l-medjazzjoni għandha tiġi trażmessa permezz ta' ittra lill-medjatur u lill-parti litiganti l-oħra.

Artikolu 10.24

Determinazzjoni tal-Intimat għal Tilwim mal-Unjoni Ewropea jew Stat Membru tal-Unjoni Ewropea

1. Jekk ma tinstabx soluzzjoni għat-tilwima fi żmien 90 jum wara s-sottomissjoni ta' talba għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 10.22, it-talba tikkonċerna allegat ksur ta' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1 mill-Unjoni Ewropea jew minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u r-rikorrent ikollu l-ħsieb li jressaq pretensjoni skont l-Artikolu 10.26, ir-rikorrent għandu jagħti lill-Unjoni Ewropea avviż li jitlob determinazzjoni tal-konvenut.

2. L-avviż imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jidentifika l-miżura jew il-miżuri li fir-rigward tagħhom ir-rikorrent ikollu l-ħsieb li jressaq pretensjoni. Jekk tiġi identifikata miżura ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, l-avviż għandu jintbagħat ukoll lill-Istat Membru kkonċernat.

3. L-Unjoni Ewropea għandha, wara li tkun għamlet determinazzjoni, tinforma lir-rikorrent fi żmien 60 jum wara li tirċievi l-avviż imsemmi fil-paragrafu 1 dwar jekk l-Unjoni Ewropea jew Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhomx ikunu l-konvenut.

4. Jekk ir-rikorrent ma jkunx ġie infurmat bid-determinazzjoni fi żmien 60 jum wara li jkun ta l-avviż imsemmi fil-paragrafu 1, il-konvenut għandu jkun:

(a) jekk il-miżura jew il-miżuri identifikati fl-avviż ikunu esklussivament miżuri ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, dak l-Istat Membru; jew

(b) l-Unjoni Ewropea, jekk il-miżura jew il-miżuri identifikati fl-avviż jinkludu miżuri tal-Unjoni Ewropea.

5. Ir-rikorrent jista' jressaq pretensjoni skont l-Artikolu 10.26 abbażi tad-determinazzjoni magħmula skont il-paragrafu 3 u, jekk ma tkun ġiet ikkomunikata l-ebda determinazzjoni bħal din lir-rikorrent fi żmien 60 jum, f'konformità mal-paragrafu 4.

6. Jekk l-Unjoni Ewropea jew Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jkunu l-konvenut, skont il-paragrafu 3 jew 4, la l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea kkonċernat ma jistgħu jasserixxu l-inammissibilità tal-pretensjoni jew in-nuqqas ta' ġuriżdizzjoni tat-Tribunal, jew inkella joġġezzjonaw għall-pretensjoni jew għad-deċiżjoni għar-raġuni li l-konvenut ma kienx iddeterminat kif suppost skont il-paragrafu 3 jew identifikat f'konformità mal-paragrafu 4.

7. It-Tribunal u t-Tribunal tal-Appell għandhom ikunu marbuta bid-determinazzjoni magħmula skont il-paragrafu 3 jew, jekk ma tkun ġiet ikkomunikata l-ebda tali determinazzjoni lir-rikorrent fi żmien 60 jum, permezz tal-identifikazzjoni f'konformità mal-paragrafu 4, kif applikabbli.

8. F'dan il-Ftehim jew fir-regoli applikabbli għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmija fl-Artikolu 10.26.2 ma hemm xejn li għandu jipprevjeni l-iskambju tal-informazzjoni kollha relatata ma' tilwima bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 10.25

Rekwiżiti Proċedurali u Oħrajn għat-Tressiq ta' Pretensjoni quddiem it-Tribunal

1. Rikorrent jista' jressaq pretensjoni biss skont l-Artikolu 10.26 jekk ir-rikorrent:

(a) jagħti lill-konvenut, meta jressaq pretensjoni, il-kunsens bil-miktub tiegħu għas-soluzzjoni tat-tilwima mit-Tribunal f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'din it-Taqsima;

(b) jippermetti li jgħaddu mill-inqas 180 jum wara s-sottomissjoni tat-talba għal konsultazzjonijiet u, jekk applikabbli, mill-inqas 90 jum wara s-sottomissjoni tal-avviż li jitlob determinazzjoni tal-konvenut;

(c) ikun ta avviż li jitlob determinazzjoni tal-konvenut f'konformità mal-Artikolu 10.24, jekk applikabbli;

(d) ikun issodisfa r-rekwiżiti relatati mat-talba għal konsultazzjonijiet;

(e) jidentifika fil-pretensjoni tiegħu l-miżura jew il-miżuri li allegatament jikkostitwixxu ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1 li ġew identifikati fit-talba tiegħu għal konsultazzjonijiet;

(f) jirtira jew iwaqqaf kwalunkwe proċediment eżistenti quddiem tribunal jew qorti skont il-liġi domestika jew internazzjonali fir-rigward ta' miżura jew miżuri li allegatament jikkostitwixxu ksur kif imsemmi fil-pretensjoni tiegħu;

(g) jirrinunzja bil-miktub id-dritt tiegħu li jibda kwalunkwe proċediment quddiem tribunal jew qorti skont il-liġi domestika jew internazzjonali fir-rigward ta' miżura jew miżuri li allegatament jikkostitwixxu ksur kif imsemmi fil-pretensjoni tiegħu; u

(h) jiddikjara li ma huwa se jinforza l-ebda deċiżjoni ta' arbitraġġ maħruġa skont din it-Taqsima qabel ma tali deċiżjoni ta' arbitraġġ tkun saret finali skont l-Artikolu 10.48.8, 10.48.9 jew 10.49.2, u li mhux se jfittex li jappella, jirrieżamina, iwarrab, jannulla, jirrevedi jew jibda kwalunkwe proċediment simili ieħor quddiem qorti jew tribunal domestiku jew internazzjonali, fir-rigward ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ skont din it-Taqsima.

2. Jekk il-pretensjoni mressqa skont l-Artikolu 10.26 tkun għal telf jew dannu lil intrapriża stabbilita lokalment jew għal interess f'intrapriża stabbilita lokalment li r-rikorrent jippossjedi jew jikkontrolla direttament jew indirettament, ir-rekwiżiti fis-subparagrafi 1(f) u (g) ta' dan l-Artikolu japplikaw kemm għar-rikorrent kif ukoll għall-intrapriża stabbilita lokalment. Japplika wkoll ir-rekwiżit li jiġu rtirati jew imwaqqfa l-proċedimenti eżistenti skont is-subparagrafu 1(f) ta' dan l-Artikolu kif ġej:

(a) jekk il-pretensjoni titressaq minn rikorrent li jaġixxi f'ismu stess, lill-persuni kollha li, direttament jew indirettament, ikollhom interess ta' sjieda fir-rikorrent jew huma kkontrollati minnu u li jaffermaw li jkunu ġarrbu l-istess telf jew dannu ([51]) bħar-rikorrent; jew

(b) jekk il-pretensjoni titressaq minn rikorrent li jaġixxi f'isem intrapriża stabbilita lokalment lill-persuni kollha li, direttament jew indirettament, ikollhom interess ta' sjieda fl-intrapriża stabbilita lokalment jew huma kkontrollati minnha u jaffermaw li jkunu ġarrbu l-istess telf jew dannu bħall-intrapriża stabbilita lokalment.

3. Ir-rekwiżiti tas-subparagrafi 1(f) u (g) u tal-paragrafu 2 ma japplikawx fir-rigward ta' intrapriża stabbilita lokalment jekk il-konvenut jew l-istat ospitanti tar-rikorrent ikun ċaħħad lir-rikorrent mill-kontroll tal-intrapriża stabbilita lokalment, jew inkella jkun impedixxa lill-intrapriża stabbilita lokalment milli tissodisfa dawk ir-rekwiżiti.

4. Fuq talba tal-konvenut, it-Tribunal għandu jirrifjuta l-ġuriżdizzjoni jekk ir-rikorrent jew, kif applikabbli, l-intrapriża stabbilita lokalment jonqsu milli jissodisfaw kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2.

5. Ir-rinunzja pprovduta skont is-subparagrafu 1(g) għandha tieqaf tapplika jekk il-pretensjoni tiġi rrifjutata abbażi tan-nuqqas li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tan-nazzjonalità biex titressaq pretensjoni skont din it-Taqsima.

6. Jekk l-Unjoni Ewropea jew Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jkunu l-konvenut, is-subparagrafi 1(f) u (g) ma għandhomx jimpedixxu lir-rikorrent milli jfittex miżuri interim ta' protezzjoni quddiem il-qrati jew it-tribunali tal-konvenut. Jekk il-Messiku jkun il-konvenut, is-subparagrafi 1(f) u (g) ma għandhomx jimpedixxu lir-rikorrent milli jfittex miżuri interim ta' protezzjoni, jew milli jibda jew ikompli proċedimenti għal rimedju b'mandat ta' inibizzjoni, dikjaratorju jew rimedju straordinarju ieħor, li ma jinvolvix il-ħlas tad-danni, quddiem tribunal amministrattiv jew qorti skont il-liġi tal-konvenut.

7. Għal aktar ċertezza, investitur ma għandux iressaq pretensjoni skont din it-Taqsima jekk l-investiment ikun sar permezz ta' rappreżentazzjoni ħażina frawdolenti, ħabi, korruzzjoni jew aġir li jammonta għal abbuż tal-proċess.

8. Parti ma għandhiex tressaq pretensjoni skont din it-Taqsima.

Artikolu 10.26

Tressiq ta' Pretensjoni quddiem it-Tribunal

1. Jekk tilwima ma tkunx issolviet permezz ta' konsultazzjonijiet, tista' titressaq pretensjoni minn:

(a) rikorrent f'ismu stess; jew

(b) rikorrent, f'isem intrapriża stabbilita lokalment li huwa jippossjedi jew jikkontrolla direttament jew indirettament.

Għal aktar ċertezza, intrapriża stabbilita lokalment ma tistax tressaq pretensjoni kontra l-Parti li fiha tkun stabbilita.

2. Ir-rikorrent għandu jressaq il-pretensjoni skont kwalunkwe waħda mir-regoli li ġejjin dwar is-soluzzjoni tat-tilwim:

(a) il-Konvenzjoni ICSID u r-Regoli ta' Proċedura tal-ICSID għal Proċedimenti ta' Arbitraġġ;

([51]) Għal aktar ċertezza, "l-istess telf jew dannu" msemmi f'dan is-subparagrafu u fis-subparagrafu (b) ifisser telf jew dannu li jirriżulta mill-istess miżura jew miżuri li l-persuna tfittex li tirkupra fl-istess kapaċità bħar-rikorrent. Pereżempju, jekk ir-rikorrent iħarrek bħala azzjonist, din id-dispożizzjoni tkopri persuna li, direttament jew indirettament, għandha interess proprjetarju fi jew hija kkontrollata mir-rikorrent u li qed tfittex ukoll l-irkupru bħala azzjonist.

(b) ir-Regoli tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID jekk il-kundizzjonijiet għat-tressiq ta' talba skont is-subparagrafu (a) ma japplikawx;

(c) ir-Regoli tal-UNCITRAL dwar l-Arbitraġġ; jew

(d) kwalunkwe regola oħra bi qbil bejn il-partijiet litiganti.

3. Jekk ir-rikorrent jipproponi regoli skont is-subparagrafu 2(d), il-konvenut għandu jwieġeb għall-proposta tar-rikorrent fi żmien 20 jum wara li jirċeviha. Jekk il-partijiet litiganti ma jkunux qablu fuq tali regoli fi żmien 30 jum wara li jirċievu l-proposta, ir-rikorrent jista' jressaq pretensjoni skont ir-regoli previsti fis-subparagrafi 2(a), (b) jew (c).

4. Jekk pretensjoni titressaq skont is-subparagrafi 2(b), (c) jew (d), il-partijiet litiganti jistgħu jaqblu fuq il-post tal-proċedimenti. Jekk il-partijiet litiganti jonqsu milli jilħqu ftehim, id-diviżjoni tat-Tribunal li tkun qed tisma' l-pretensjoni għandha tiddetermina l-post f'konformità mar-regoli applikabbli għas-soluzzjoni tat-tilwim, diment li l-post ikun fit-territorju ta' Stat li jkun Stat kontraenti għall-Konvenzjoni ta' New York.

5. Ir-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli f'konformità mal-paragrafu 2 huma dawk li jkunu fis-seħħ fid-data li fiha l-pretensjoni titressaq quddiem it-Tribunal skont din it-Taqsima, soġġett għar-regoli speċifiċi stabbiliti f'din it-Taqsima. Il-Kunsill Konġunt jista' jadotta regoli li jissupplimentaw ir-regoli applikabbli għas-soluzzjoni tat-tilwim, u kwalunkwe regola bħal din għandha torbot lit-Tribunal u lit-Tribunal tal-Appell.

6. Pretensjoni għandha titqies li tressqet għas-soluzzjoni tat-tilwim skont din it-Taqsima meta t-talba jew l-avviż għall-bidu tal-proċedimenti jiġu riċevuti f'konformità mar-regoli applikabbli għas-soluzzjoni tat-tilwim.

7. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-post fejn l-avviżi u d-dokumenti l-oħrajn għandhom jiġu kkonsenjati minn rikorrent skont din it-Taqsima. Kull Parti għandha tiżgura li t-tali informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 10.27

Proċedimenti Konkorrenti

Jekk pretensjoni titressaq skont din it-Taqsima u skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) jew ftehim internazzjonali ieħor, u fejn ikun hemm potenzjal għal kumpens li jikkoinċidi jew fejn il-pretensjoni skont il-ftehim internazzjonali l-ieħor jista' jkollha impatt sinifikanti fuq ir-riżoluzzjoni tal-pretensjoni mressqa skont din it-Taqsima, it-Tribunal għandu, mill-aktar fis possibbli wara li jisma' lill-partijiet litiganti, jissospendi l-proċedimenti tiegħu jew inkella jiżgura li l-proċedimenti mressqa skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) jew ftehim internazzjonali ieħor jitqiesu fid-deċiżjoni, fid-digriet jew fis-sentenza tiegħu.

Artikolu 10.28

Kunsens għas-Soluzzjoni tat-Tilwim mit-Tribunal

1. Il-konvenut jagħti l-kunsens tiegħu għas-soluzzjoni tat-tilwim mit-Tribunal f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'din it-Taqsima.

2. Il-kunsens imsemmi fil-paragrafu 1 u t-tressiq ta' pretensjoni quddiem it-Tribunal skont din it-Taqsima għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta':

(a) l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ICSID u l-Kapitolu II tal-Iskeda C tar-Regoli tal-Faċilità Addizzjonali tal-ICSID rigward il-kunsens bil-miktub tal-partijiet litiganti; u

(b) l-Artikolu II tal-Konvenzjoni ta' New York għal ftehim bil-miktub.

Artikolu 10.29

Finanzjament minn Parti Terza

1. Parti litiganti li tibbenefika minn finanzjament minn parti terza għandha tinnotifika lill-parti litiganti l-oħra u lid-diviżjoni tat-Tribunal li tkun qed tisma' l-pretensjoni jew, jekk dik id-diviżjoni ma tkunx ġiet ikkostitwita, lill-President tat-Tribunal, l-isem u l-indirizz tal-parti terza li tkun qed tipprovdi l-finanzjament.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir fil-ħin meta titressaq pretensjoni, jew, jekk il-ftehim dwar il-finanzjament jiġi konkluż jew id-donazzjoni jew l-għotja tkun saret wara t-tressiq ta' pretensjoni, mingħajr dewmien hekk kif jiġi konkluż il-ftehim dwar il-finanzjament jew malli ssir id-donazzjoni jew l-għotja.

Artikolu 10.30

Tribunal

1. Tribunal huwa b'dan stabbilit biex jisma' l-pretensjonijiet imressqa skont l-Artikolu 10.26.

2. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jaħtar disa' Membri fit-Tribunal. Tlieta mill-Membri għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, tlieta għandhom ikunu ċittadini tal-Messiku u tlieta għandhom ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi. ([52])

3. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jżid jew inaqqas l-għadd ta' Membri b'multipli ta' tlieta. Ħatriet addizzjonali għandhom isiru fuq l-istess bażi kif previst fil-paragrafu 2.

4. Il-Membri għandu jkollhom il-kwalifiki meħtieġa sabiex jinħatru bħala mħallef fil-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, jew ikunu ġuristi ta' kompetenza rikonoxxuta. Huma għandhom ikunu wrew għarfien espert fid-dritt internazzjonali pubbliku. Huwa mixtieq li huma jkollhom għarfien espert, b'mod partikolari, fil-liġi internazzjonali dwar l-investiment, fil-liġi internazzjonali tal-kummerċ u fis-soluzzjoni tat-tilwim li jinħoloq minn ftehimiet internazzjonali dwar l-investiment jew il-kummerċ, jew minn negozjati kummerċjali.

5. Il-Membri tat-Tribunal għandhom jinħatru għal terminu ta' 5 snin. Madankollu, it-termini ta' erbgħa mid-disa' persuni maħtura immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, li għandhom jiġu ddeterminati bix-xorti, għandhom jiġu estiżi għal 7 snin. Il-postijiet vakanti għandhom jimtlew hekk kif jinħolqu. Persuna maħtura biex tieħu post persuna li l-mandat tagħha ma jkunx skada għandha tibqa' fil-kariga għall-bqija tal-mandat tal-predeċessur. Persuna li tkun qed isservi f'diviżjoni tat-Tribunal meta l-mandat tagħha jiskadi tista', bl-awtorizzazzjoni tal-President tat-Tribunal wara li tikkonsulta lill-Membri l-oħrajn tad-diviżjoni, tkompli sservi fid-diviżjoni sal-għeluq tal-proċedimenti ta' dik id-diviżjoni u għandha, għal dak l-iskop biss, titqies li għadha Membru tat-Tribunal.

6. It-Tribunal għandu jisma' l-kawżi f'diviżjonijiet li jikkonsistu fi tliet Membri, li minnhom wieħed għandu jkun ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, wieħed ċittadin tal-Messiku u wieħed ċittadin ta' pajjiż terz. Id-diviżjoni għandha tkun ippreseduta mill-Membru li huwa ċittadin ta' pajjiż terz.

7. Minkejja l-paragrafu 6 u jekk il-partijiet litiganti jaqblu hekk, kawża għandha tinstema' minn diviżjoni li tikkonsisti minn membru uniku li jkun ċittadin ta' pajjiż terz magħżul mill-President tat-Tribunal.

8. Fi żmien 90 jum wara t-tressiq ta' pretensjoni skont l-Artikolu 10.26, il-President tat-Tribunal għandu, f'konformità mal-proċeduri ta' ħidma adottati skont il-paragrafu 10, jaħtar il-Membri jew il-Membru li jagħmel parti mid-diviżjoni tat-Tribunal li tkun qed tisma' l-kawża fuq bażi ta' rotazzjoni, filwaqt li jiżgura li l-kompożizzjoni tad-diviżjoni tkun aleatorja u imprevedibbli u jagħti opportunità ugwali lill-Membri kollha li għandhom jintgħażlu.

([52]) Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaħtru Membri rappreżentattivi ta' kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u tradizzjonijiet legali differenti.

9. Il-President tat-Tribunal għandu jkun responsabbli għal kwistjonijiet organizzazzjonali, għandu jinħatar għal terminu ta' sentejn u għandu jittella' bix-xorti minn fost il-Membri li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-Presidenti għandhom iservu fuq bażi ta' rotazzjoni u jittellgħu bix-xorti mill-President tal-Kunsill Konġunt. Il-proċeduri ta' ħidma adottati skont il-paragrafu 10 għandhom jipprevedu r-regoli meħtieġa biex tiġi indirizzata indisponibbiltà temporanja tal-President.

10. It-Tribunal għandu jadotta l-proċeduri ta' ħidma tiegħu stess, wara li jikkonsulta mal-Partijiet.

11. Il-Membri għandhom ikunu disponibbli l-ħin kollu u fi żmien qasir, u għandhom jibqgħu aġġornati dwar l-attivitajiet ta' soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Ftehim.

12. Sabiex jiżguraw id-disponibbiltà tagħhom, il-Membri għandhom jitħallsu tariffa ta' ritenzjoni ta' kull xahar li għandha tiġi ddeterminata b'deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt. Għal kull jum maħdum fit-twettiq tal-funzjonijiet tal-President tat-Tribunal, il-President għandu jirċievi tariffa ekwivalenti għat-tariffa ddeterminata skont l-Artikolu 10.31.11 għall-President tat-Tribunal tal-Appell.

13. It-tariffa ta' ritenzjoni u t-tariffa ta' kuljum imsemmija fil-paragrafu 12 għandhom jitħallsu miż-żewġ Partijiet, filwaqt li jitqiesu l-livelli ta' żvilupp rispettivi tagħhom f'kont ġestit mis-Segretarjat tal-ICSID. F'każ li Parti waħda tonqos milli tħallas dawk it-tariffi, il-Parti l-oħra tista' tagħżel li tħallas dawk it-tariffi hija stess. Kwalunkwe arretrati bħal dawn għandhom jibqgħu pagabbli, bl-imgħax xieraq. Is-Sottokumitat għas-Servizzi u l-Investiment għandu jirrieżamina regolarment l-ammont u t-tqassim mill-ġdid tat-tariffi msemmija hawn fuq u jista' jirrakkomanda aġġustamenti rilevanti għal deċiżjoni mill-Kunsill Konġunt.

14. Sakemm il-Kunsill Konġunt ma jadottax deċiżjoni skont il-paragrafu 15 ta' dan l-Artikolu, l-ammont tat-tariffi u l-ispejjeż l-oħrajn tal-Membri ta' diviżjoni tat-Tribunal għandhom ikunu dawk iddeterminati skont ir-Regolament 14(1) tar-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-Konvenzjoni ICSID fis-seħħ fid-data tat-tressiq tal-pretensjoni u allokati mit-Tribunal fost il-partijiet litiganti f'konformità mal-Artikolu 10.48.5.

15. Il-Kunsill Konġunt jista' jiddeċiedi li t-tariffa ta' ritenzjoni u tariffi u spejjeż oħrajn jistgħu jiġu ttrasformati b'mod permanenti f'salarju regolari. F'dak il-każ, il-Membri għandhom iservu fuq bażi full-time u l-Kunsill Konġunt għandu jiddetermina s-salarju tagħhom u l-kwistjonijiet organizzazzjonali relatati. F'dak il-każ, il-Membri ma għandhomx jitħallew jagħmlu xogħol ieħor, kemm jekk bi qligħ u kif ukoll jekk le, sakemm ma tingħatax eżenzjoni b'mod eċċezzjonali mill-President tat-Tribunal.

16. Is-Segretarjat tal-ICSID għandu jaġixxi bħala Segretarjat għat-Tribunal u jipprovdilu appoġġ xieraq. L-ispejjeż għal tali appoġġ għandhom jiġu allokati mit-Tribunal fost il-partijiet litiganti f'konformità mal-Artikolu 10.48.5.

Artikolu 10.31

Tribunal tal-Appell

1. Tribunal tal-Appell permanenti huwa b'dan stabbilit biex jisma' appelli tad-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ maħruġa mit-Tribunal.

2. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jaħtar sitt Membri fit-Tribunal tal-Appell. Tnejn mill-Membri għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, tnejn għandhom ikunu ċittadini tal-Messiku u tnejn għandhom ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għal dak l-iskop, kull Parti għandha tipproponi tliet kandidati, li tnejn minnhom għandhom ikunu ċittadini ta' dik il-Parti u wieħed għandu jkun ċittadin ta' pajjiż terz.

3. Il-Kunsill Konġunt jista' jiddeċiedi li jżid l-għadd ta' Membri b'multipli ta' tlieta. Ħatriet addizzjonali għandhom isiru fuq l-istess bażi kif previst fil-paragrafu 2.

4. Il-Membri għandu jkollhom il-kwalifiki meħtieġa sabiex jinħatru bħala mħallef fil-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, jew ikunu ġuristi ta' kompetenza rikonoxxuta. Huma għandhom ikunu wrew għarfien espert fid-dritt internazzjonali pubbliku u fis-suġġett kopert minn dan il-Kapitolu. Huwa mixtieq li huma jkollhom għarfien espert fil-liġi internazzjonali tal-kummerċ u fis-soluzzjoni tat-tilwim li jinħoloq minn ftehimiet internazzjonali dwar l-investiment jew il-kummerċ.

5. Il-Membri għandhom jinħatru għal terminu ta' 5 snin. Madankollu, it-termini ta' tlieta mis-sitt persuni maħtura immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, li għandhom jiġu ddeterminati bix-xorti, għandhom jiġu estiżi għal 7 snin. Il-postijiet vakanti għandhom jimtlew hekk kif jinħolqu. Persuna maħtura biex tieħu post persuna li l-mandat tagħha ma jkunx skada għandha tibqa' fil-kariga għall-bqija tal-mandat tal-predeċessur. Persuna li tkun qed isservi f'diviżjoni tat-Tribunal tal-Appell meta l-mandat tagħha jiskadi tista', bl-awtorizzazzjoni tal-President tat-Tribunal tal-Appell wara li tikkonsulta mal-Membri l-oħrajn tad-diviżjoni, tkompli sservi fid-diviżjoni sal-għeluq tal-proċedimenti ta' dik id-diviżjoni u għandha, għal dak l-iskop biss, titqies li għadha Membru tat-Tribunal tal-Appell.

6. It-Tribunal tal-Appell għandu jisma' l-appelli f'diviżjonijiet li jikkonsistu fi tliet Membri, li minnhom wieħed għandu jkun ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, wieħed ċittadin tal-Messiku u wieħed ċittadin ta' pajjiż terz. Id-diviżjoni għandha tkun ippreseduta mill-Membru li huwa ċittadin ta' pajjiż terz.

7. Il-President tat-Tribunal tal-Appell għandu, f'konformità mal-proċeduri ta' ħidma adottati skont il-paragrafu 9, jaħtar il-Membri li jifformaw id-diviżjoni tat-Tribunal tal-Appell li jisimgħu kull kawża fuq bażi ta' rotazzjoni, filwaqt li jiżgura li l-kompożizzjoni ta' kull diviżjoni tkun aleatorja u imprevedibbli u jagħti opportunità ugwali lill-Membri kollha li għandhom jintgħażlu.

8. Il-President tat-Tribunal tal-Appell għandu jkun responsabbli għal kwistjonijiet organizzazzjonali, għandu jinħatar għal terminu ta' sentejn u għandu jittella' bix-xorti minn fost il-Membri li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-Presidenti għandhom iservu fuq bażi ta' rotazzjoni u jittellgħu bix-xorti mill-President tal-Kunsill Konġunt. Il-proċeduri ta' ħidma adottati skont il-paragrafu 9 għandhom jipprevedu r-regoli meħtieġa biex tiġi indirizzata indisponibbiltà temporanja tal-President.

9. It-Tribunal tal-Appell għandu jadotta l-proċeduri ta' ħidma tiegħu stess, wara li jikkonsulta mal-Partijiet.

10. Il-Membri għandhom ikunu disponibbli l-ħin kollu u fi żmien qasir, u għandhom jibqgħu aġġornati dwar l-attivitajiet l-oħrajn ta' soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Ftehim.

11. Il-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandhom jitħallsu tariffa ta' ritenzjoni ta' kull xahar, sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tagħhom, u jirċievu tariffa għal kull jum maħdum bħala Membru, li għandha tiġi ddeterminata b'deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt. Il-President tat-Tribunal tal-Appell għandu jirċievi tariffa għal kull jum maħdum fit-twettiq tal-funzjonijiet tal-President tat-Tribunal tal-Appell.

12. It-tariffa ta' ritenzjoni u t-tariffi ta' kuljum imsemmija fil-paragrafu 11 għandhom jitħallsu miż-żewġ Partijiet, filwaqt li jitqiesu l-livelli ta' żvilupp rispettivi tagħhom f'kont ġestit mis-Segretarjat tal-ICSID. F'każ li Parti waħda tonqos milli tħallas dawk it-tariffi, il-Parti l-oħra tista' tagħżel li tħallas dawk it-tariffi hija stess. Kwalunkwe arretrati bħal dawn għandhom jibqgħu pagabbli, bl-imgħax xieraq. Is-Sottokumitat għas-Servizzi u l-Investiment għandu jirrieżamina regolarment l-ammont u t-tqassim mill-ġdid tat-tariffi msemmija hawn fuq u jista' jirrakkomanda aġġustamenti rilevanti għal deċiżjoni mill-Kunsill Konġunt.

13. Il-Kunsill Konġunt jista' jiddeċiedi li t-tariffa ta' ritenzjoni u t-tariffi ta' kuljum jistgħu jiġu ttrasformati b'mod permanenti f'salarju regolari. F'dak il-każ, il-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandhom iservu fuq bażi full-time u l-Kunsill Konġunt għandu jiddetermina s-salarju tagħhom u l-kwistjonijiet organizzazzjonali relatati. F'dak il-każ, il-Membri ma għandhomx jitħallew jagħmlu xogħol ieħor, kemm jekk bi qligħ u kif ukoll jekk le, sakemm ma tingħatax eżenzjoni b'mod eċċezzjonali mill-President tat-Tribunal tal-Appell.

14. Is-Segretarjat tal-ICSID għandu jaġixxi bħala Segretarjat għat-Tribunal tal-Appell u jipprovdilu appoġġ xieraq. L-ispejjeż għal tali appoġġ għandhom jiġu allokati mit-Tribunal tal-Appell fost il-partijiet litiganti f'konformità mal-Artikolu 10.48.5.

Artikolu 10.32

Etika

1. Il-Membri tat-Tribunal u l-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandhom jintgħażlu minn fost persuni li ma hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tagħhom. Huma ma għandhom ikunu affiljati mal-ebda gvern. ([53]) Huma ma għandhom jieħdu struzzjonijiet mingħand l-ebda gvern jew organizzazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati ma' xi tilwima taħt din it-Taqsima. Huma ma għandhomx jipparteċipaw fil-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe tilwima li toħloq kunflitt ta' interess dirett jew indirett. Meta jagħmlu hekk, huma għandhom jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta stabbiliti fl-Anness 10-D. Barra minn hekk, malli jinħatru, huma għandhom joqogħdu lura milli jaġixxu bħala avukat jew bħala espert jew xhud maħtur minn parti fi kwalunkwe tilwima pendenti jew ġdida dwar il-protezzjoni ta' investiment skont dan il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim ieħor jew liġi domestika.

2. Jekk parti litiganti tqis li Membru maħtur f'diviżjoni ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1, hija għandha tibgħat avviż ta' kontestazzjoni tal-ħatra ta' dak il-membru lill-President tat-Tribunal jew lill-President tat-Tribunal tal-Appell, kif xieraq. L-avviż ta' kontestazzjoni għandu jintbagħat fi żmien 15-il jum wara d-data li fiha l-kompożizzjoni tad-diviżjoni tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell tkun ġiet ikkomunikata lill-parti litiganti, jew fi żmien 15-il jum wara d-data li fiha l-parti tkun saret taf bil-fatti rilevanti, jekk dawn ma setgħux ikunu raġonevolment magħrufa fil-ħin tal-kompożizzjoni tad-diviżjoni. L-avviż tal-kontestazzjoni għandu jiddikjara r-raġunijiet għall-kontestazzjoni.

3. Jekk, fi żmien 15-il jum wara d-data tal-avviż tal-kontestazzjoni, il-Membru kkontestat ikun għażel li ma jirriżenjax minn dik id-diviżjoni, il-President tat-Tribunal jew il-President tat-Tribunal tal-Appell, kif xieraq, għandu, wara li jisma' lill-partijiet litiganti u wara li jipprovdi lill-Membru bl-opportunità li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu, joħroġ deċiżjoni fi żmien 45 jum minn meta jirċievi l-avviż ta' kontestazzjoni u jinnotifika minnufih lill-partijiet litiganti u lil Membri oħrajn tad-diviżjoni.

4. Il-kontestazzjonijiet tal-ħatra tal-President tat-Tribunal f'diviżjoni għandhom jiġu deċiżi mill-President tat-Tribunal tal-Appell u viċi versa.

5. Fuq rakkomandazzjoni motivata mill-President tat-Tribunal tal-Appell jew, fuq l-inizjattiva konġunta tagħhom, il-Partijiet, permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt, jistgħu jiddeċiedu li jneħħu Membru mit-Tribunal jew mit-Tribunal tal-Appell jekk l-imġiba tiegħu tkun inkonsistenti mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1 u inkompatibbli mas-sħubija kontinwa tiegħu fit-Tribunal jew fit-Tribunal tal-Appell. Jekk l-imġiba inkwistjoni tkun allegatament dik tal-President tat-Tribunal tal-Appell, il-President tat-Tribunal għandu jissottometti r-rakkomandazzjoni motivata. L-Artikoli 10.30.2 u 10.31.2 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-mili tal-postijiet tax-xogħol vakanti li jistgħu jinħolqu skont dan il-paragrafu.

Artikolu 10.33

Mekkaniżmu Multilaterali għas-Soluzzjoni tat-Tilwim

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu multilaterali għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment.

2. Mad-dħul fis-seħħ bejn il-Partijiet ta' ftehim internazzjonali li jipprevedi tali mekkaniżmu multilaterali applikabbli għat-tilwim skont dan il-Ftehim, l-applikazzjoni tal-partijiet rilevanti ta' din it-Taqsima għandha tiġi sospiża u l-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjoni li tispeċifika kwalunkwe arranġament tranżizzjonali.

([53]) Għal aktar ċertezza, is-sempliċi fatt li persuna hija impjegata minn università pubblika, jew li eks impjegat tal-gvern qed jirċievi pensjoni mill-gvern, jew għandu relazzjoni familjari ma' uffiċjal tal-gvern fih innifsu ma huwiex raġuni biex tali persuna titqies bħala affiljata ma' gvern.

Artikolu 10.34

Liġi Applikabbli

1. It-Tribunal għandu jiddetermina jekk il-miżura jew il-miżuri soġġetti għall-pretensjoni humiex qed jiksru xi waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1 kif allegati mir-rikorrent.

2. Meta jagħmel id-determinazzjoni tiegħu, it-Tribunal għandu japplika d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u, fejn rilevanti, regoli u prinċipji oħrajn tad-dritt internazzjonali applikabbli bejn il-Partijiet. Huwa għandu jinterpreta dan il-Ftehim f'konformità mar-regoli konswetudinarji tal-interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali pubbliku, kif ikkodifikati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati.

3. Għal aktar ċertezza, meta jiġi biex jiddetermina l-konsistenza ta' miżura mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1, it-Tribunal għandu jikkunsidra, fejn rilevanti, il-liġi domestika ta' Parti bħala kwistjoni ta' fatt. Għal dan il-għan, it-Tribunal għandu jsegwi l-interpretazzjoni prevalenti mogħtija lil-liġi domestika mill-qrati jew mill-awtoritajiet ta' dik il-Parti u kwalunkwe tifsira mogħtija lil-liġi domestika mit-Tribunal ma għandhiex tkun vinkolanti fuq il-qrati jew l-awtoritajiet ta' dik il-Parti.

4. Għal aktar ċertezza, it-Tribunal ma għandux ikollu ġuriżdizzjoni biex jiddetermina l-legalità ta' miżura li allegatament tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1 skont il-liġi domestika tal-Parti litiganti.

5. Jekk Parti jkollha tħassib fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' interpretazzjoni relatati ma' dan il-Kapitolu, hija tista' titlob li l-Kunsill Konġunt jikkunsidra l-kwistjoni. Il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet li jinterpretaw kwalunkwe dispożizzjoni kkonċernata. Kwalunkwe interpretazzjoni bħal din għandha tkun vinkolanti fuq it-Tribunal u t-Tribunal tal-Appell. Il-Kunsill Konġunt jista' jiddeċiedi li interpretazzjoni għandu jkollha effett vinkolanti minn data speċifika.

6. Jekk konvenut jasserixxi bħala difiża li l-miżura allegata li hija ksur ta' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1 taqa' fl-ambitu ta' miżura mhux konformi stabbilita fl-Anness I jew fl-Anness II, it-Tribunal għandu, fuq talba tal-konvenut, jitlob l-interpretazzjoni tal-Kunsill Konġunt dwar il-kwistjoni. Il-Kunsill Konġunt għandu jissottometti kwalunkwe deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 1.7 (Funzjonijiet Speċifiċi tal-Kunsill Konġunt) lit-Tribunal fi żmien 90 jum minn meta jirċievi t-talba.

7. Deċiżjoni sottomessa mill-Kunsill Konġunt skont il-paragrafu 6 għandha tkun vinkolanti fuq it-Tribunal, u kwalunkwe deċiżjoni jew sentenza maħruġa mit-Tribunal għandha tkun konsistenti ma' dik id-deċiżjoni. Jekk il-Kunsill Konġunt jonqos milli joħroġ deċiżjoni fi żmien 90 jum, it-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kwistjoni.

Artikolu 10.35

Antiċirkomvenzjoni

Għal aktar ċertezza, it-Tribunal għandu jirrifjuta l-ġuriżdizzjoni meta tkun inqalgħet it-tilwima, jew meta kienet prevedibbli abbażi ta' grad għoli ta' probabbiltà, fiż-żmien meta r-rikorrent ikun akkwista s-sjieda jew il-kontroll tal-investiment soġġett għat-tilwima u t-Tribunal jiddetermina, abbażi tal-fatti tal-każ, li r-rikorrent ikun akkwista s-sjieda jew il-kontroll tal-investiment bl-iskop ewlieni li jressaq pretensjoni skont din it-Taqsima. Il-possibbiltà li tiġi rrifjutata l-ġuriżdizzjoni f'tali ċirkostanzi hija mingħajr preġudizzju għal oġġezzjonijiet ġuriżdizzjonali oħrajn li jistgħu jiġu kkunsidrati mit-Tribunal.

Artikolu 10.36

Pretensjonijiet Manifestament Mingħajr Mertu Ġuridiku

1. Konvenut jista', mhux aktar tard minn 30 jum wara l-kostituzzjoni tad-diviżjoni tat-Tribunal li jisma' t-talba, u fi kwalunkwe każ qabel l-ewwel sessjoni tiegħu, jew mhux iktar tard minn 30 jum wara li l-konvenut ikun sar jaf bil-fatti li fuqhom tkun ibbażata l-oġġezzjoni, jippreżenta oġġezzjoni li pretensjoni hija manifestament mingħajr mertu ġuridiku.

2. Oġġezzjoni ma għandhiex tiġi ppreżentata skont il-paragrafu 1 jekk il-konvenut ikun ippreżenta oġġezzjoni skont l-Artikolu 10.37.

3. Il-konvenut għandu jispeċifika b'mod kemm jista' jkun preċiż il-bażi għall-oġġezzjoni.

4. Meta jirċievi oġġezzjoni skont dan l-Artikolu, it-Tribunal għandu jissospendi l-proċedimenti fuq il-merti u jistabbilixxi skeda biex tiġi kkunsidrata tali oġġezzjoni, b'mod konsistenti mal-iskeda tiegħu għall-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni preliminari oħra.

5. Wara li jagħti lill-partijiet litiganti l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, it-Tribunal għandu, fl-ewwel sessjoni tiegħu jew mill-aktar fis possibbli wara din, joħroġ deċiżjoni jew sentenza li tiddikjara r-raġunijiet għal dan. Meta jagħmel dan, it-Tribunal għandu jassumi li l-fatti allegati huma veri.

6. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-awtorità tat-Tribunal biex jindirizza oġġezzjonijiet oħrajn bħala kwistjoni preliminari jew id-dritt tal-konvenut li joġġezzjona, matul il-proċedimenti, li pretensjoni ma għandhiex mertu ġuridiku.

Artikolu 10.37

Pretensjonijiet Infondati bħala Kwistjoni ta' Liġi

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtorità tat-Tribunal li jindirizza oġġezzjonijiet oħrajn bħala kwistjoni preliminari jew għad-dritt tal-konvenut li jqajjem kwalunkwe oġġezzjoni bħal din fi żmien xieraq, it-Tribunal għandu jindirizza u jiddeċiedi bħala kwistjoni preliminari kwalunkwe oġġezzjoni mill-konvenut li, bħala kwistjoni ta' liġi, pretensjoni, jew kwalunkwe parti minnha, imressqa skont l-Artikolu 10.26, ma tkunx pretensjoni li għaliha tista' tittieħed deċiżjoni ta' arbitraġġ favur ir-rikorrent taħt din it-Taqsima, anki jekk il-fatti allegati kienu preżunti li huma veri.

2. Oġġezzjoni skont il-paragrafu 1 għandha titressaq quddiem it-Tribunal mhux aktar tard mid-data li fiha t-Tribunal jiddetermina li l-konvenut għandu jissottometti l-kontrosottomissjoni jew id-dikjarazzjoni tad-difiża tiegħu.

3. Jekk oġġezzjoni tkun tressqet skont l-Artikolu 10.36, it-Tribunal jista', filwaqt li jqis iċ-ċirkostanzi ta' dik l-oġġezzjoni, joħroġ deċiżjoni dwar jekk jirrifjutax, skont il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu, oġġezzjoni mressqa skont il-paragrafu 1.

4. Malli jirċievi oġġezzjoni skont il-paragrafu 1 u, jekk ikun xieraq, wara li tinħareġ deċiżjoni li ma tiġix irrifjutata oġġezzjoni skont il-paragrafu 3, u sakemm ma jkunx iqis li l-oġġezzjoni hija manifestament infondata, it-Tribunal għandu jissospendi kwalunkwe proċediment fuq il-merti, jistabbilixxi skeda għall-kunsiderazzjoni tal-oġġezzjoni, konsistenti ma' kwalunkwe skeda li jkun stabbilixxa biex jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni preliminari oħra, u għandu joħroġ deċiżjoni jew sentenza dwar l-oġġezzjoni, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għaliha.

Artikolu 10.38

Trasparenza tal-Proċedimenti

1. It-Tribunal għandu minnufih jagħmel disponibbli għall-pubbliku s-sottomissjonijiet bil-miktub kollha sottomessi mill-partijiet litiganti lit-Tribunal, kif ukoll id-digrieti, id-deċiżjonijiet u s-sentenzi kollha maħruġa mit-Tribunal jew, fejn applikabbli, mill-President tat-Tribunal, bl-eċċezzjoni ta' informazzjoni protetta li tikkonsisti fi:

(a) informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali; ([54])

(b) informazzjoni privileġġata li hija protetta bil-liġi milli ssir disponibbli għall-pubbliku; u

(c) informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħha timpedixxi l-infurzar tal-liġi.

2. It-Tribunal għandu jmexxi seduti miftuħa għall-pubbliku u għandu jiddetermina, b'konsultazzjoni mal-partijiet litiganti, l-arranġamenti loġistiċi xierqa. Jekk parti litiganti jkollha l-ħsieb li tuża informazzjoni f'seduta li tikkostitwixxi informazzjoni protetta, hija għandha tavża lit-Tribunal b'dan. It-Tribunal għandu jagħmel arranġamenti xierqa biex jipproteġi tali informazzjoni mid-divulgazzjoni, li jistgħu jinkludu l-għeluq tas-seduta sakemm iddum għaddejja d-diskussjoni ta' dik l-informazzjoni.

3. Is-sottomissjonijiet bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu s-sottomissjoni, il-kontrosottomissjoni, ir-risposta, il-kontroreplika u kwalunkwe sottomissjoni oħra magħmula minn parti litiganti matul il-proċedimenti, bħal avviż ta' kontestazzjoni skont l-Artikolu 10.32.2 jew it-talba għal konsolidazzjoni skont l-Artikolu 10.47.

4. Il-minuti jew it-traskrizzjonijiet tas-seduti, jekk ikunu disponibbli, għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku soġġetti għar-redazzjoni tal-informazzjoni protetta msemmija fil-paragrafu 1.

5. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku fil-ħin u qabel il-kostituzzjoni ta' diviżjoni tat-Tribunal, it-talba għal konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.22, l-avviż li jitlob determinazzjoni tal-konvenut, u d-determinazzjoni tal-konvenut imsemmi fl-Artikolu 10.24, soġġetti għar-redazzjoni tal-informazzjoni protetta. Għal dak il-għan, ir-rikorrent għandu jissottometti verżjoni pubblika tat-talba tiegħu għal konsultazzjonijiet u avviż li jitlob determinazzjoni tal-konvenut li ma jkunx fih l-informazzjoni protetta, preferibbilment fl-istess ħin iżda mhux aktar tard minn 15-il jum wara s-sottomissjoni tal-verżjoni mhux pubblika. Jekk ir-rikorrent ma jipprovdix tali verżjoni pubblika, għandu jitqies li jkun ta l-kunsens tiegħu sabiex id-dokumenti sottomessi jsiru disponibbli għall-pubbliku.

6. It-Tribunal jista', fuq talba, jagħmel disponibbli għall-pubbliku d-dokumenti esebiti kollha, wara li jikkonsulta mal-parti litiganti rilevanti sabiex jipprevjeni li l-informazzjoni protetta titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u wara li dik il-parti tingħata perjodu ta' żmien raġonevoli biex tagħmel ir-redazzjoni, jekk tkun meħtieġa, tal-porzjonijiet pertinenti tad-dokumenti esebiti.

([54]) Għal aktar ċertezza, l-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali tinkludi informazzjoni li ma hijiex fid-dominju pubbliku u li tiddeskrivi, fiha jew b'xi mod ieħor tiżvela sigrieti kummerċjali jew informazzjoni finanzjarja, kummerċjali, xjentifika jew teknika li tkun ġiet ittrattata b'mod konsistenti bħala informazzjoni kunfidenzjali mill-parti litiganti li magħha tkun relatata, inkluża iżda mhux limitata għal informazzjoni dwar il-prezzijiet, il-kostijiet, il-pjanijiet strateġiċi u ta' kummerċjalizzazzjoni, id-data dwar is-sehem mis-suq, u r-rekords kontabilistiċi jew finanzjarji.

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kull parti litiganti għandha tkun responsabbli biex tipprovdi lit-Tribunal b'verżjonijiet redatti tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha fi żmien 30 jum wara s-sottomissjoni tagħhom jew fi kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor stabbilit mit-Tribunal. It-Tribunal jista' jirrieżamina l-verżjonijiet redatti tal-partijiet litiganti u jista' jivvaluta jekk l-informazzjoni redatta għandhiex tiġi protetta. It-Tribunal għandu, wara li jikkonsulta mal-partijiet litiganti, jiddeċiedi dwar kwalunkwe oġġezzjoni rigward il-kwalifika jew ir-redazzjoni tal-informazzjoni affermata li hija informazzjoni protetta. Jekk it-Tribunal jiddetermina li l-informazzjoni ma għandhiex tiġi redatta minn sottomissjoni, jew li sottomissjoni ma għandhiex tiġi impeduta milli ssir disponibbli għall-pubbliku, kwalunkwe parti litiganti li volontarjament tkun għamlet is-sottomissjoni għandha titħalla tirtira s-sottomissjoni kollha jew partijiet minnha mir-rekord tal-proċedimenti.

8. It-Tribunal għandu jikkonsulta mal-partijiet litiganti dwar jekk digriet, deċiżjoni jew sentenza maħruġa mit-Tribunal ikunx fihom informazzjoni protetta skont is-subparagrafi 1(a), (b) jew (c) qabel il-pubblikazzjoni tagħhom.

9. Jekk parti litiganti ma titlobx li t-Tribunal jippreserva l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni protetta f'sottomissjoni, digriet, deċiżjoni jew sentenza partikolari fi żmien 30 jum wara s-sottomissjoni jew wara l-konsultazzjoni tal-parti litiganti skont il-paragrafi 6 u 8, jew fi kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor stabbilit mit-Tribunal, dik il-parti għandha titqies li tkun tat il-kunsens tagħha sabiex tali sottomissjoni, digriet, deċiżjoni jew sentenza jsiru disponibbli għall-pubbliku.

10. It-Tribunal jista' jagħmel disponibbli għall-pubbliku s-sottomissjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu permezz ta' komunikazzjoni lir-repożitorju msemmi fir-Regoli tal-UNCITRAL dwar it-Trasparenza fl-Arbitraġġ bejn l-Investituri u l-Istat ibbażat fuq it-Trattat.

11. F'din it-Taqsima ma hemm xejn li jitlob lil konvenut iżomm mill-pubbliku kwalunkwe informazzjoni li jeħtieġ li tiġi divulgata bil-liġi tiegħu.

Artikolu 10.39

Miżuri *Interim* ta' Protezzjoni

1. It-Tribunal jista' jordna miżura interim ta' protezzjoni biex jiġu ppreservati d-drittijiet ta' parti litiganti, jew biex jiġi żgurat li l-ġuriżdizzjoni tat-Tribunal issir effettiva bis-sħiħ, inkluż digriet biex tiġi ppreservata l-evidenza fil-pussess jew fil-kontroll ta' parti litiganti.

2. It-Tribunal ma għandux jordna l-qbid tal-assi u lanqas jimpedixxi l-applikazzjoni ta' miżura li allegatament tikkostitwixxi ksur imsemmi fl-Artikolu 10.21. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, digriet jinkludi rakkomandazzjoni.

Artikolu 10.40

Rinunzja għall-Atti

Jekk, wara li titressaq pretensjoni taħt din it-Taqsima, ir-rikorrent jonqos milli jieħu passi fil-proċedimenti matul 180 jum konsekuttivi jew kwalunkwe perjodu ieħor kif miftiehem mill-partijiet litiganti, ir-rikorrent għandu jitqies li jkun irtira l-pretensjoni tiegħu u li jkun irrinunzja għall-atti. It-Tribunal għandu, fuq talba tal-konvenut u wara avviż lill-partijiet litiganti, jieħu nota tar-rinunzja għall-atti f'digriet u joħroġ sentenza dwar l-ispejjeż. Wara li jkun inħareġ tali digriet, l-awtorità tat-Tribunal għandha tiskadi. Ir-rikorrent ma jistax sussegwentement iressaq pretensjoni dwar l-istess kwistjoni li tinħoloq mill-istess miżura jew miżuri.

Artikolu 10.41

Garanzija għall-Ispejjeż

1. Għal aktar ċertezza, fuq talba, it-Tribunal jista' jordna lir-rikorrent jipprovdi garanzija għall-ispejjeż kollha, jew għal parti minnhom, jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li jista' jkun li r-rikorrent ma jkunx jista' jikkonforma ma' sentenza dwar l-ispejjeż maħruġa kontrih.

2. Jekk il-garanzija għall-ispejjeż ma tiġix ipprovduta bis-sħiħ fi żmien 30 jum wara l-ħruġ ta' digriet skont il-paragrafu 1 jew fi kwalunkwe perjodu ta' żmien ieħor stabbilit mit-Tribunal, it-Tribunal għandu jinforma b'dan lill-partijiet litiganti. It-Tribunal jista' jordna s-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-proċedimenti.

Artikolu 10.42

Parti Mhux Litiganti

1. Il-konvenut għandu, fi żmien 30 jum wara li jirċievi informazzjoni protetta jew minnufih wara li tkun issolviet kwalunkwe tilwima dwar tali informazzjoni, ([55]) jikkonsenja lill-Parti mhux litiganti:

(a) it-talba għal konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.22, l-avviż li jitlob determinazzjoni tal-konvenut imsemmi fl-Artikolu 10.24 u l-pretensjoni msemmija fl-Artikolu 10.26;

(b) fuq talba tal-Parti mhux litiganti:

(i) l-atti proċedurali, is-sottomissjonijiet, l-istruzzjonijiet, it-talbiet u preżentazzjonijiet oħrajn li jsiru lit-Tribunal minn parti litiganti;

(ii) is-sottomissjonijiet bil-miktub magħmula lit-Tribunal minn terzi persuni skont l-Artikolu 10.43;

(iii) il-minuti jew it-traskrizzjonijiet ta' seduti ta' smigħ tat-Tribunal, jekk ikunu disponibbli; u

(iv) id-digrieti, is-sentenzi u d-deċiżjonijiet tat-Tribunal; u

(c) fuq talba u għas-spejjeż tal-Parti mhux litiganti, l-evidenza kollha jew parti minnha li tkun ġiet offruta lit-Tribunal, inklużi d-dokumenti esebiti mehmuża mad-dokumenti msemmija fis-subparagrafi (a) u (b).

2. Il-Parti mhux litiganti għandha d-dritt li tattendi seduta ta' smigħ li ssir skont din it-Taqsima, u li tagħmel sottomissjonijiet orali u bil-miktub lit-Tribunal rigward l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim. It-Tribunal għandu jiżgura li l-partijiet litiganti jingħataw opportunità raġonevoli biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar kwalunkwe sottomissjoni mill-Parti mhux litiganti.

([55]) Għal aktar ċertezza, it-terminu informazzjoni protetta għandu jinftiehem kif iddeterminat skont l-Artikolu 10.38 u kif definit fih.

Artikolu 10.43

Interventi minn Terzi Persuni

1. Wara li jikkonsulta mal-partijiet litiganti, it-Tribunal jista' jaċċetta u jikkunsidra sottomissjonijiet *amicus curiae* bil-miktub rigward kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tilwima.

2. Kull sottomissjoni *amicus curiae* għandha tkun bil-miktub u bil-lingwa tal-proċedimenti, sakemm il-partijiet litiganti ma jaqblux mod ieħor. Kull sottomissjoni għandha tidentifika l-awtur, tiddivulga kwalunkwe affiljazzjoni, diretta jew indiretta, ma' kwalunkwe parti litiganti, u tidentifika kwalunkwe persuna, gvern jew entità oħra li tkun ipprovdiet, jew li se tipprovdi, kwalunkwe assistenza finanzjarja jew assistenza oħra fit-tħejjija tas-sottomissjoni. Barra minn hekk, l-awtur tas-sottomissjoni għandu jipprovdi evidenza ta' kwalunkwe affiljazzjoni, diretta jew indiretta, ma' kwalunkwe waħda mill-partijiet litiganti, u jispeċifika n-natura tal-interess fit-tilwima.

3. Jekk it-Tribunal jaċċetta sottomissjonijiet skont il-paragrafi 1 u 2, huwa għandu jipprovdi lill-partijiet litiganti b'opportunità li jwieġbu għal tali sottomissjonijiet.

Artikolu 10.44

Rapporti ta' Esperti

Mingħajr preġudizzju għall-ħatra ta' tipi oħrajn ta' esperti fejn awtorizzati mir-regoli applikabbli msemmija fl-Artikolu 10.26.2, it-Tribunal, fuq talba ta' parti litiganti, jew fuq inizjattiva tiegħu stess wara li jikkonsulta mal-partijiet litiganti, jista' jaħtar espert wieħed jew aktar biex jirrapportaw lura lilu bil-miktub dwar kwalunkwe kwistjoni xjentifika fattwali, bħal kwistjonijiet ambjentali, tas-saħħa jew tas-sikurezza, jew kwistjonijiet oħrajn imqajma minn parti litiganti fil-proċedimenti, soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet li l-partijiet litiganti jistgħu jaqblu magħhom.

Artikolu 10.45

Indennizz jew Kumpens Ieħor

Konvenut ma għandux jasserixxi, u t-Tribunal ma għandux jaċċetta bħala difiża, kontrotalba, dritt ta' tpaċija, jew għal kwalunkwe raġuni oħra, li r-rikorrent, jew l-intrapriża stabbilita lokalment li f'isimha titressaq il-pretensjoni, ikunu rċevew jew se jirċievu indennizz jew kumpens ieħor għall-allegati danni kollha, jew għal parti minnhom, skont kuntratt ta' assigurazzjoni jew garanzija.

Artikolu 10.46

Rwol tal-Partijiet

1. Parti ma għandhiex tressaq pretensjoni internazzjonali fir-rigward ta' pretensjoni mressqa skont l-Artikolu 10.26, sakemm il-Parti l-oħra ma tkunx naqset milli tosserva u tikkonforma mad-deċiżjoni ta' arbitraġġ maħruġa f'dik it-tilwima.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jeskludi l-possibbiltà ta' soluzzjoni tat-tilwim taħt il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) fir-rigward ta' miżura ta' applikazzjoni ġenerali, anki jekk dik il-miżura tkun allegatament kisret dan il-Ftehim fir-rigward ta' investiment speċifiku li fir-rigward tiegħu tkun tressqet pretensjoni skont l-Artikolu 10.26. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10.42.

3. Il-paragrafu 1 ma jipprekludix skambji informali għall-iskop uniku li tiġi ffaċilitata soluzzjoni tat-tilwima.

Artikolu 10.47

Konsolidazzjoni

1. Meta żewġ pretensjonijiet jew aktar li kienu tressqu separatament skont l-Artikolu 10.26 ikollhom kwistjoni ta' liġi jew ta' fatt komuni u jirriżultaw mill-istess avvenimenti jew ċirkostanzi, parti litiganti, jew il-partijiet litiganti flimkien, jistgħu jfittxu l-kostituzzjoni ta' diviżjoni separata tat-Tribunal skont dan l-Artikolu u jitolbu li tali diviżjoni toħroġ ordni biex jiġu kkonsolidati tali pretensjonijiet (minn hawn 'il quddiem imsejħa "talba għal konsolidazzjoni").

2. Il-parti litiganti li tfittex ordni biex tikkonsolida l-pretensjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ordni ta' konsolidazzjoni") għandha l-ewwel tibgħat avviż lill-partijiet litiganti dwar il-pretensjonijiet li hija tkun qed tfittex li jkun koperta b'dik l-ordni.

3. Jekk il-partijiet litiganti msemmija fil-paragrafu 2 ikunu laħqu ftehim dwar l-ordni ta' konsolidazzjoni li għandha tintalab, huma jistgħu jagħmlu talba konġunta għal konsolidazzjoni. Jekk dawk il-partijiet litiganti ma jkunux laħqu ftehim dwar it-talba għal konsolidazzjoni fi żmien 30 jum wara l-avviż imsemmi fil-paragrafu 2, parti litiganti tista' tagħmel hija stess talba għal konsolidazzjoni.

4. It-talba għal konsolidazzjoni għandha tintbagħat bil-miktub lill-President tat-Tribunal u lill-partijiet litiganti kollha tat-talbiet imfittxija li jkunu koperti bl-ordni ta' konsolidazzjoni, u għandha tispeċifika:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet litiganti tal-pretensjonijiet imfittxija li jkunu koperti bl-ordni ta' konsolidazzjoni;

(b) il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni mfittxija; u

(c) ir-raġunijiet għall-ordni ta' konsolidazzjoni mfittxija.

5. Talba għal konsolidazzjoni li tinvolvi aktar minn konvenut wieħed għandha tirrikjedi l-qbil ta' tali konvenuti kollha.

6. Ir-regoli applikabbli għall-proċedimenti skont dan l-Artikolu huma ddeterminati kif ġej:

(a) jekk il-pretensjonijiet kollha li għalihom tintalab konsolidazzjoni jkunu tressqu għal soluzzjoni tat-tilwim taħt l-istess regoli msemmija fl-Artikolu 10.26.2, għandhom japplikaw dawk ir-regoli;

(b) jekk il-pretensjonijiet li għalihom tintalab konsolidazzjoni ma jkunux tressqu għal soluzzjoni tat-tilwim taħt l-istess regoli msemmija fl-Artikolu 10.26.2:

(i) ir-rikorrenti jistgħu jaqblu fuq ir-regoli applikabbli msemmija fl-Artikolu 10.26.2; jew

(ii) jekk ir-rikorrenti ma jkunux jistgħu jaqblu fuq ir-regoli applikabbli fi żmien 30 jum wara l-wasla tat-talba għal konsolidazzjoni mill-President tat-Tribunal, ir-Regoli ta' Arbitraġġ tal-UNCITRAL għandhom japplikaw soġġetti għar-regoli speċifiċi stabbiliti f'din it-Taqsima.

7. Il-President tat-Tribunal għandu, wara li jirċievi talba għal konsolidazzjoni u f'konformità mal-Artikolu 10.30.8, iwaqqaf diviżjoni ġdida tat-Tribunal (minn hawn 'il quddiem imsejħa "diviżjoni ta' konsolidazzjoni") li għandu jkollha l-ġuriżdizzjoni fuq il-pretensjonijiet kollha jew uħud minnhom, kompletament jew parzjalment, li huma soġġetti għat-talba għal konsolidazzjoni.

8. Jekk, wara li jinstemgħu l-partijiet litiganti, diviżjoni ta' konsolidazzjoni tkun sodisfatta li l-pretensjonijiet imressqa skont l-Artikolu 10.26 għandhom kwistjoni ta' liġi jew ta' fatt komuni u jirriżultaw mill-istess avvenimenti jew ċirkostanzi, u li konsolidazzjoni tkun taqdi l-aħjar interessi ta' riżoluzzjoni ġusta u effiċjenti tal-pretensjonijiet, inkluż l-interess tal-konsistenza tad-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ, id-diviżjoni ta' konsolidazzjoni tista', permezz ta' ordni, tassumi ġuriżdizzjoni fuq il-pretensjonijiet kollha jew uħud minnhom, kompletament jew parzjalment.

9. Jekk diviżjoni ta' konsolidazzjoni tkun assumiet ġuriżdizzjoni skont il-paragrafu 8, rikorrent li jkun ressaq pretensjoni skont l-Artikolu 10.26 u li l-pretensjoni tiegħu ma tkunx ġiet ikkonsolidata jista' jagħmel talba bil-miktub lit-Tribunal biex il-pretensjoni kkonċernata tiġi inkluża fl-ordni ta' konsolidazzjoni, diment li t-talba tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4. Id-diviżjoni ta' konsolidazzjoni għandha tagħti dik l-ordni jekk tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 8 huma ssodisfati u li l-għoti ta' dik l-ordni ma jkunx ta' piż żejjed, ma jippreġudikax b'mod inġust lill-partijiet litiganti jew ma jfixkilx il-proċedimenti indebitament.

10. Wara applikazzjoni ta' parti litiganti, id-diviżjoni ta' konsolidazzjoni, sakemm tinħareġ id-deċiżjoni tagħha skont il-paragrafu 8, tista' tordna li l-proċedimenti tad-diviżjoni tat-Tribunal maħtura skont l-Artikolu 10.30 jiġu sospiżi, sakemm id-diviżjoni msemmija l-aħħar ma tkunx diġà aġġornat il-proċedimenti tagħha.

11. Diviżjoni tat-Tribunal maħtura skont l-Artikolu 10.30 għandha ċċedi l-ġuriżdizzjoni b'rabta ma' kwalunkwe pretensjoni, jew ma' partijiet minnha, li fuqhom diviżjoni ta' konsolidazzjoni tkun assumiet ġuriżdizzjoni.

12. Id-deċiżjoni ta' arbitraġġ ta' diviżjoni ta' konsolidazzjoni b'rabta mal-pretensjonijiet, jew ta' partijiet minnhom, li fuqhom hija assumiet ġuriżdizzjoni hija vinkolanti fuq id-diviżjoni tat-Tribunal maħtura skont l-Artikolu 10.30 fir-rigward ta' dawk il-pretensjonijiet, jew ta' partijiet minnhom.

13. Rikorrent jista' jirtira pretensjoni mressqa skont l-Artikolu 10.26 li hija soġġetta għal konsolidazzjoni. Tali pretensjoni ma għandhiex titressaq mill-ġdid skont dak l-Artikolu.

14. Fuq talba ta' rikorrent, diviżjoni ta' konsolidazzjoni tista' tieħu miżuri sabiex tippreserva l-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni protetta kif imsemmi fl-Artikolu 10.38.1 ta' dak ir-rikorrent b'rabta ma' rikorrenti oħrajn. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu s-sottomissjoni ta' verżjonijiet redatti ta' dokumenti li fihom informazzjoni protetta lir-rikorrenti l-oħrajn jew arranġamenti sabiex partijiet mis-seduti ta' smigħ isiru fil-privat.

Artikolu 10.48

Deċiżjoni ta' Arbitraġġ

1. Jekk it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenut kiser xi waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1 allegati mir-rikorrent, it-Tribunal jista', fuq talba tar-rikorrent u wara li jisma' lill-partijiet litiganti, jagġudika separatament jew flimkien biss:

(a) danni monetarji u kull imgħax applikabbli; jew

(b) restituzzjoni tal-proprjetà, f'liema każ id-deċiżjoni ta' arbitraġġ għandha tistabbilixxi li l-konvenut jista' jħallas danni monetarji u kull imgħax applikabbli, iddeterminati b'mod konsistenti mal-Artikolu 10.18, minflok restituzzjoni.

2. Soġġett għall-paragrafu 1, jekk pretensjoni titressaq f'isem intrapriża stabbilita lokalment, u tittieħed deċiżjoni ta' arbitraġġ favur l-intrapriża stabbilita lokalment, id-deċiżjoni ta' arbitraġġ għandha tistabbilixxi li:

(a) kwalunkwe restituzzjoni ta' proprjetà għandha ssir lill-intrapriża stabbilita lokalment;

(b) kwalunkwe dannu monetarju u mgħax applikabbli għandhom jitħallsu lill-intrapriża stabbilita lokalment; u

(c) id-deċiżjoni ta' arbitraġġ tittieħed mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt li kwalunkwe persuna jista' jkollha skont il-liġi ta' Parti fl-eżenzjoni pprovduta fid-deċiżjoni ta' arbitraġġ.

3. Għal aktar ċertezza, it-Tribunal ma għandux jagħti rimedji oħrajn għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1, u lanqas ma għandux jordna t-tħassir, il-waqfien jew il-modifika tal-miżura jew tal-miżuri kkonċernati.

4. Id-danni monetarji ma għandhomx ikunu akbar mit-telf imġarrab mir-rikorrent jew, kif applikabbli, mill-kumpanija stabbilita lokalment, bħala riżultat tal-ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1, bit-tnaqqis ta' kwalunkwe dannu jew kumpens preċedenti diġà pprovdut mill-Parti kkonċernata. It-Tribunal ma għandux jagħti danni punittivi. Għal aktar ċertezza, jekk investitur iressaq pretensjoni skont l-Artikolu 10.26.1(a), jistgħu jiġu rkuprati biss it-telf jew id-dannu li jkun ġarrab fil-kapaċità tiegħu bħala investitur ta' Parti.

5. It-Tribunal għandu jordna li l-ispejjeż tal-proċedimenti jitħallsu mill-parti litiganti li titlef. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, it-Tribunal jista' jqassam tali spejjeż bejn il-partijiet litiganti jekk jiddetermina li t-tqassim huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Spejjeż raġonevoli oħrajn, inklużi l-ispejjeż raġonevoli tar-rappreżentanza u l-assistenza legali, għandhom jitħallsu mill-parti litiganti li titlef, sakemm it-Tribunal ma jiddeterminax li tali tqassim ma huwiex raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Meta jikkunsidra r-raġonevolezza tal-ispejjeż jew tat-tqassim tagħhom, it-Tribunal jista' jqis ukoll jekk l-ispejjeż li għandhom jiġu rrimborżati lill-parti litiganti prevalenti jaqbżux b'mod eċċessiv l-ispejjeż imġarrba mill-parti litiganti li titlef. Jekk xi partijiet biss mill-pretensjonijiet ikunu rnexxew, l-ispejjeż tal-proċedimenti u spejjeż raġonevoli oħrajn għandhom jiġu aġġustati, b'mod proporzjonali, għan-numru jew il-firxa tal-partijiet mill-pretensjonijiet li rnexxew. It-Tribunal tal-Appell għandu jittratta l-ispejjeż f'konformità ma' dan l-Artikolu.

6. Mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jadotta regoli supplimentari dwar it-tariffi bl-iskop li jiġi ddeterminat l-ammont massimu ta' spejjeż ta' rappreżentanza u assistenza legali li jistgħu jitħallsu minn kategoriji speċifiċi ta' partijiet litiganti telliefa, filwaqt li jitqiesu r-riżorsi finanzjarji tagħhom.

7. It-Tribunal u l-partijiet litiganti għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-proċess ta' soluzzjoni tat-tilwim jitwettaq fil-ħin. It-Tribunal għandu joħroġ id-deċiżjoni ta' arbitraġġ tiegħu fi żmien 30 xahar wara d-data li fiha tressqet il-pretensjoni skont l-Artikolu 10.26. Jekk it-Tribunal ikun jeħtieġ żmien addizzjonali biex joħroġ id-deċiżjoni ta' arbitraġġ tiegħu, huwa għandu jipprovdi lill-partijiet litiganti bir-raġunijiet għad-dewmien.

8. Deċiżjoni ta' arbitraġġ għandha ssir finali jekk jgħaddu 90 jum wara li tkun inħarġet u l-ebda waħda mill-partijiet litiganti ma tkun appellat id-deċiżjoni ta' arbitraġġ quddiem it-Tribunal tal-Appell.

9. Kwalunkwe parti litiganti tista' tappella d-deċiżjoni ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 10.49. F'dak il-każ, jekk it-Tribunal tal-Appell jimmodifika jew ireġġa' lura d-deċiżjoni ta' arbitraġġ tat-Tribunal u jirreferi l-kwistjoni lura lit-Tribunal, it-Tribunal għandu jkun marbut bis-sejbiet tat-Tribunal tal-Appell u għandu, wara li jisma' lill-partijiet litiganti, jekk ikun xieraq, jirrevedi d-deċiżjoni ta' arbitraġġ tiegħu biex tkun tirrifletti s-sejbiet u l-konklużjonijiet tat-Tribunal tal-Appell. It-Tribunal għandu jfittex li joħroġ id-deċiżjoni ta' arbitraġġ riveduta tiegħu fi żmien 90 jum wara li jirċievi r-riferiment mit-Tribunal tal-Appell. Id-deċiżjoni ta' arbitraġġ riveduta għandha ssir finali 90 jum wara li tkun inħarġet.

Artikolu 10.49

Proċedura ta' Appell

1. Parti litiganti tista' tappella deċiżjoni ta' arbitraġġ quddiem it-Tribunal tal-Appell fi żmien 90 jum wara li tkun inħarġet. Ir-raġunijiet għall-appell huma:

(a) li t-Tribunal ikun żbalja fl-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-liġi applikabbli;

(b) li t-Tribunal ikun żbalja manifestament fl-apprezzament tal-fatti, inkluż l-apprezzament tal-liġi domestika rilevanti; jew

(c) ir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 52 tal-Konvenzjoni ICSID, sakemm ma jkunux koperti mis-subparagrafi (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

2. Jekk it-Tribunal tal-Appell jiċħad l-appell, id-deċiżjoni ta' arbitraġġ għandha ssir finali. It-Tribunal tal-Appell jista' wkoll jiċħad l-appell fuq bażi mħaffa fejn ikun ċar li l-appell huwa manifestament infondat, f'liema każ id-deċiżjoni ta' arbitraġġ għandha ssir finali. Jekk l-appell ikun fondat tajjeb, it-Tribunal tal-Appell għandu jimmodifika jew ireġġa' lura s-sejbiet u l-konklużjonijiet legali fid-deċiżjoni ta' arbitraġġ, kompletament jew parzjalment. Id-deċiżjoni tiegħu għandha tispeċifika b'mod preċiż kif huwa mmodifika jew reġġa' lura s-sejbiet u l-konklużjonijiet rilevanti tat-Tribunal.

3. Bħala regola ġenerali, il-proċedimenti ta' appell ma għandhomx jaqbżu l-180 jum mid-data li fiha parti litiganti tressaq l-appell tagħha sad-data li fiha t-Tribunal tal-Appell joħroġ id-deċiżjoni tiegħu. Jekk it-Tribunal tal-Appell iqis li huwa ma jistax joħroġ id-deċiżjoni tiegħu fi żmien 180 jum, huwa għandu jinforma lill-partijiet litiganti bil-miktub bir-raġunijiet għad-dewmien flimkien ma' stima tal-perjodu li matulu jkun se joħroġ id-deċiżjoni tiegħu. Il-proċedimenti fl-ebda każ ma għandhom jaqbżu l-270 jum.

4. It-Tribunal tal-Appell jista' jordna lill-parti litiganti tressaq appell biex jipprovdi garanzija għall-ispejjeż kollha tal-proċedimenti tal-appell jew għal parti minnhom.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 10.23, 10.27, 10.29, 10.34, 10.38, 10.39, 10.40, 10.42 u 10.43 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward tal-proċedura ta' appell.

6. Il-Kunsill Konġunt jista' jadotta regoli li jipprovdu gwida lit-Tribunal tal-Appell dwar kif għandhom jitmexxew il-proċedimenti tal-appell f'każ ta' qsim fi tnejn tal-proċedimenti quddiem it-Tribunal.

Artikolu 10.50

Infurzar tad-Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ

1. Deċiżjoni ta' arbitraġġ maħruġa skont din it-Taqsima ma għandhiex tkun infurzabbli sakemm tkun saret finali skont l-Artikolu 10.48.8, 10.48.9 jew 10.49. Deċiżjoni ta' arbitraġġ finali maħruġa skont din it-Taqsima mit-Tribunal jew mit-Tribunal tal-Appell għandha tkun vinkolanti fuq il-partijiet litiganti u ma għandhiex tkun soġġetta għal appell, rieżami, twarrib, annullament jew kwalunkwe rimedju ieħor. ([56])

2. Parti għandha tirrikonoxxi deċiżjoni ta' arbitraġġ maħruġa skont din it-Taqsima bħala vinkolanti u tinforza l-obbligu pekunjarju fit-territorju tagħha bħallikieku kienet sentenza finali ta' qorti f'dik il-Parti.

([56]) Għal aktar ċertezza, dan ma jwaqqafx lil parti litiganti milli titlob lit-Tribunal jirrevedi jew jinterpreta deċiżjoni ta' arbitraġġ f'konformità mar-regoli applikabbli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim, fejn dik il-possibbiltà tkun disponibbli skont dawk ir-regoli.

3. L-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ għandha tkun regolata mil-liġijiet u l-impenji internazzjonali dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenzi jew tad-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ fis-seħħ fejn tintalab tali eżekuzzjoni.

4. Għal aktar ċertezza, l-Artikolu 2.11 (Drittijiet Privati) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim ma għandux jipprevjeni r-rikonoxximent, l-eżekuzzjoni u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ maħruġa skont din it-Taqsima.

5. Għall-finijiet tal-Artikolu I tal-Konvenzjoni ta' New York, id-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ finali maħruġa skont din it-Taqsima huma deċiżjonijiet arbitrali relatati ma' pretensjonijiet li huma kkunsidrati li joħorġu minn relazzjoni jew tranżazzjoni kummerċjali.

6. Għal aktar ċertezza u soġġett għall-paragrafu 1, jekk pretensjoni tkun tressqet għal soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 10.26.2(a), deċiżjoni ta' arbitraġġ finali maħruġa skont din it-Taqsima għandha tikkwalifika bħala deċiżjoni ta' arbitraġġ skont it-Taqsima 6 tal-Kapitolu IV tal-Konvenzjoni ICSID.

Artikolu 10.51

Notifika tad-Dokumenti

It-talbiet għal konsultazzjonijiet, avviżi u dokumenti oħrajn lil Parti għandhom jintbagħtu lill-post imsemmi għal dik il-Parti fl-Anness 10-E jew lis-suċċessuri rispettivi tagħha. Parti għandha minnufih tagħmel disponibbli għall-pubbliku u tinnotifika lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe bidla fil-post imsemmi f'dak l-Anness.

TAQSIMA E

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 10.52

Ċaħda tal-Benefiċċji

Parti tista' ċċaħħad il-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu lil investitur tal-Parti l-oħra li jkun intrapriża ta' dik il-Parti u lill-investimenti ta' dak l-investitur, jekk:

(a) investitur ta' pajjiż terz ikun jippossjedi jew jikkontrolla l-intrapriża; u

(b) il-Parti li tiċħad tadotta jew iżżomm miżura fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz, jew fir-rigward ta' persuni fiżiċi jew intrapriżi ta' dak il-pajjiż terz, li tipprojbixxi tranżazzjonijiet mal-intrapriża jew li tiġi miksura jew evitata jekk il-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu jingħataw lil dak l-investitur jew lill-investimenti tiegħu.

Artikolu 10.53

Terminazzjoni

1. Jekk dan il-Ftehim jiġi tterminat skont l-Artikolu 2.13 (Tul ta' żmien u Terminazzjoni) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim, l-Artikoli 10.7.2, 10.8.2 u 10.12 u t-Taqsimiet C, D u E ta' dan il-Kapitolu, kif ukoll kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra ta' dan il-Ftehim, għandhom ikomplu japplikaw għal perjodu ulterjuri ta' 5 snin mid-data tat-terminazzjoni, fir-rigward tal-investimenti koperti li jkunu saru qabel id-data tat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi estiż għal perjodu addizzjonali wieħed ta' 5 snin, sakemm ma jkunx fis-seħħ xi ftehim ieħor dwar il-protezzjoni tal-investiment bejn il-Partijiet.

3. Dan l-Artikolu ma għandux japplika jekk l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim tiġi tterminata u dan il-Ftehim ma jidħolx fis-seħħ.

Artikolu 10.54

Relazzjoni ma' Ftehimiet Oħrajn

1. Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-ftehimiet bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Messiku elenkati fl-Anness 10-C, inklużi d-drittijiet u l-obbligi derivati minnhom, ([57]) ma għandux ikollhom effett aktar u għandhom jiġu mibdula u sostitwiti minn dan il-Ftehim.

2. F'każ li l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim f'konformità mal-paragrafu 4 tal-Artikolu 2.5 (Dħul fis-Seħħ u Applikazzjoni Provviżorja) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim tkun tkopri din it-Taqsima u t-Taqsimiet C u D ta' dan il-Kapitolu, l-applikazzjoni tal-ftehimiet elenkati fl-Anness 10-C, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi derivati minnhom, għandhom jiġu sospiżi mid-data tal-applikazzjoni provviżorja. Jekk l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim tiġi tterminata u dan il-Ftehim ma jidħolx fis-seħħ, is-sospensjoni għandha tieqaf u l-ftehimiet elenkati fl-Anness 10-C għandu jkollhom effett mid-data ta' terminazzjoni tal-applikazzjoni provviżorja.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, tista' tiġi ppreżentata pretensjoni skont ftehim elenkat fl-Anness 10-C, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'dak il-ftehim, sakemm:

(a) il-pretensjoni tirriżulta minn allegat ksur ta' dak il-ftehim li seħħ qabel id-data tas-sospensjoni ta' dak il-ftehim skont il-paragrafu 2 jew, jekk dak il-ftehim ma jibqax fis-seħħ skont il-paragrafu 1, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; u

(b) ma jkunux għaddew aktar minn 3 snin mid-data tas-sospensjoni ta' dak il-ftehim skont il-paragrafu 2 jew, jekk dak il-ftehim ma jibqax fis-seħħ skont il-paragrafu 1, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sad-data tat-tressiq tal-pretensjoni.

4. Minkejja l-paragrafu 2, jekk l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim, inklużi d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu kif speċifikati fil-paragrafu 2, tiġi tterminata u dan il-Ftehim ma jidħolx fis-seħħ, tista' titressaq pretensjoni skont dan il-Kapitolu, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'dan il-Kapitolu, diment li:

(a) il-pretensjoni tirriżulta minn allegat ksur ta' dan il-Kapitolu li seħħ matul il-perjodu ta' applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim; u

(b) ma jkunux għaddew aktar minn 3 snin mid-data tat-terminazzjoni tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim sad-data tat-tressiq tal-pretensjoni.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, id-definizzjoni ta' "data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim" prevista fil-paragrafu 7 tal-Artikolu 2.5 (Dħul fis-Seħħ u Applikazzjoni Provviżorja) tal-Parti IV ma tapplikax.

([57]) Għal aktar ċertezza, id-dispożizzjonijiet għat-terminazzjoni skont l-Artikolu 10.53 għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet korrispondenti dwar it-terminazzjoni tal-ftehimiet elenkati fl-Anness 10-C fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 10.55

Sottokumitat għas-Servizzi u l-Investiment

Is-Sottokumitat għas-Servizzi u l-Investiment stabbilit skont is-subparagrafu 1(h) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħra tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) għandu:

(a) jipprovdi forum għall-Partijiet biex jikkonsultaw dwar kwistjonijiet relatati ma' dan il-Kapitolu, inklużi:

(i) id-diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(ii) it-titjib possibbli ta' dan il-Kapitolu, b'mod partikolari fid-dawl tal-esperjenza u l-iżviluppi f'fora internazzjonali oħrajn u skont ftehimiet oħrajn tal-Partijiet; u

(iii) fuq talba ta' Parti, l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fir-rigward ta' tilwima skont it-Taqsima D; u

(b) iħejji deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati jew azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kunsill Konġunt skont dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 11

KUMMERĊ TRANSFRUNTIER FIS-SERVIZZI

Artikolu 11.1

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "kummerċ transfruntier fis-servizzi" jew "provvista transfruntiera tas-servizzi" tfisser il-provvista ta' servizz:

(i) mit-territorju ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(ii) fit-territorju ta' Parti lil konsumatur ta' servizz tal-Parti l-oħra;

(b) "intrapriża" tfisser intrapriża kif definita fl-Artikolu 1.3, (Definizzjonijiet ta' Applikazzjoni Ġenerali), jew fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv tagħha;

(c) "intrapriża tal-Unjoni Ewropea" jew "intrapriża tal-Messiku" tfisser intrapriża stabbilita f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istati Membri tagħha, jew tal-Messiku u involuta f'operazzjonijiet kummerċjali sostantivi ([58]) fit-territorju tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku, rispettivament; ([59])

([58]) F'konformità man-notifika tagħha tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea lid-WTO (WT/REG39/1), l-Unjoni Ewropea tifhem li l-kunċett ta' "rabta effettiva u kontinwa" mal-ekonomija ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea minqux fl-Artikolu 54 tat-TFUE huwa ekwivalenti għall-kunċett ta' "operazzjonijiet kummerċjali sostantivi".

([59]) Għal aktar ċertezza, fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv ta' intrapriża ta' pajjiż terz ma għandhomx jitqiesu bħala intrapriża tal-Unjoni Ewropea jew intrapriża tal-Messiku.

il-kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra mill-Unjoni Ewropea jew mill-Messiku u kkontrollati minn ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku, rispettivament, għandhom ikunu wkoll benefiċjarji tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu jekk il-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku, kif xieraq, u jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Messiku;

(d) "servizz ipprovdut fl-eżerċitar ta' awtorità governattiva" tfisser, għal kull Parti, kwalunkwe servizz li la jiġi pprovdut fuq bażi kummerċjali u lanqas f'kompetizzjoni ma' fornitur wieħed jew aktar ta' servizzi; u

(e) "fornitur ta' servizz ta' Parti" tfisser persuna fiżika jew intrapriża ta' Parti, għajr fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv, li tfittex li tforni jew tipprovdi servizz.

Artikolu 11.2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri minn Parti li jaffettwaw il-kummerċ transfruntier fis-servizzi minn fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra. Dawk il-miżuri jinkludu miżuri li jaffettwaw:

(a) il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, il-bejgħ jew il-kunsinna ta' servizz;

(b) l-akkwist jew l-użu ta' servizz jew il-ħlas għalih;

(c) l-aċċess għal u l-użu ta', b'konnessjoni mal-provvista ta' servizz, servizzi li huma meħtieġa minn Parti li jiġu offruti lill-pubbliku b'mod ġenerali, inklużi networks ta' distribuzzjoni, trasport jew telekomunikazzjoni; u

(d) il-forniment ta' kwalunkwe forma ta' garanzija finanzjarja, inkluż bond, bħala kundizzjoni għall-provvista ta' servizz.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) servizzi awdjoviżivi;

(b) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali; ([60])

(c) il-miżuri ta' Parti sa fejn ikunu koperti mill-Kapitolu 18;

(d) is-servizzi pprovduti fl-eżerċitar ta' awtorità governattiva;

(e) l-akkwist pubbliku ta' prodott jew servizz akkwistat għal skopijiet governattivi, u mhux bil-ħsieb ta' bejgħ mill-ġdid kummerċjali, jew użu fil-produzzjoni ta' prodott jew provvista ta' servizz għal bejgħ kummerċjali, irrispettivament minn jekk dak l-akkwist jikkostitwixxix akkwist kopert skont it-tifsira tal-Artikolu 21.1 (Definizzjonijiet);

([60]) Għall-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont dan il-Kapitolu jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u port jew punt ieħor li jinsab f'dak l-istess Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, inkluż fuq il-blata kontinentali tiegħu, kif previst fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar; u t-traffiku li joriġina u jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.
Għall-Messiku, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont dan il-Kapitolu jkopri n-navigazzjoni li kwalunkwe bastiment iwettaq bil-baħar, bejn portijiet jew postijiet li jinsabu fiż-żoni tal-baħar Messikani u x-xtut Messikani.

(f) sussidji ([61]) jew għotjiet ipprovduti minn Parti, inklużi self, garanziji u assigurazzjoni appoġġati mill-gvern; u

(g) servizzi tal-ajru jew servizzi relatati b'appoġġ għas-servizzi tal-ajru ([62]), minbarra:

(i) is-servizzi ta' tiswija u manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz;

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi ta' trasport bl-ajru;

(iii) is-servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni; u

(iv) is-servizzi fuq l-art.

3. L-Artikoli 11.4 sa 11.7 ma japplikawx għal servizzi ġodda kif stabbilit fl-Anness VII.

Artikolu 11.3

Dritt għar-Regolamentazzjoni

Il-Partijiet jaffermaw id-dritt tagħhom li jirregolaw fit-territorji tagħhom sabiex jilħqu objettivi ta' politika leġittimi, bħas-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-morali pubbliċi, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumaturi, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali, jew il-kompetizzjoni.

Artikolu 11.4

Aċċess għas-Suq

Fis-setturi jew is-subsetturi fejn jitwettqu impenji ta' aċċess għas-suq, Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm, abbażi tat-territorju kollu tagħha jew abbażi ta' suddiviżjoni territorjali, miżuri li jimponu limitazzjonijiet fuq:

(a) l-għadd ta' fornituri ta' servizzi, kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, fornituri ta' servizzi esklussivi, kif ukoll jekk fil-forma tar-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(b) il-valur totali ta' tranżazzjonijiet ta' servizzi jew assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(c) l-għadd totali ta' operazzjonijiet ta' servizz jew il-kwantità totali ta' output ta' servizz espressi f'termini ta' unitajiet numeriċi mfissra fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Artikolu 11.5

Preżenza Lokali

Parti ma għandhiex titlob lil fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jistabbilixxi jew iżomm uffiċċju rappreżentattiv jew kwalunkwe forma ta' intrapriża, jew li jkun residenti, fit-territorju tagħha bħala kundizzjoni għall-provvista transfruntiera ta' servizz.

([61]) Għal aktar ċertezza, is-sussidji huma koperti taħt il-Kapitolu 24 (Sussidji).

([62]) Għal aktar ċertezza, is-servizzi tal-ajru jew is-servizzi relatati b'appoġġ għas-servizzi tal-ajru jinkludu wkoll: il-kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ, servizzi ta' operat tal-ajruport u servizzi pprovduti bl-użu ta' inġenju tal-ajru li l-iskop primarju tiegħu ma huwiex it-trasport ta' merkanzija jew passiġġieri, bħal tifi tan-nar mill-ajru, taħriġ fit-titjir, żjarat turistiċi, sprejjar, stħarriġ, immappjar, fotografija, qbiż bil-paraxut, irmonk bil-glider, irfigħ bil-helikopter għall-qtugħ tas-siġar għall-injam u l-kostruzzjoni, u servizzi agrikoli, industrijali u ta' spezzjoni oħrajn mill-ajru.

Artikolu 11.6

Trattament Nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra trattament xejn inqas favorevoli minn dak li hija tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tagħha stess.

2. It-trattament li għandu jingħata mill-Messiku skont il-paragrafu 1 huwa, fir-rigward ta' livell reġjonali tal-gvern tal-Messiku, trattament mhux inqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-livell reġjonali tal-gvern lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tiegħu stess.

3. It-trattament li għandu jingħata mill-Unjoni Ewropea skont il-paragrafu 1 huwa, fir-rigward ta' gvern ta' jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, trattament mhux inqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-gvern lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tiegħu stess.

Artikolu 11.7

Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra trattament xejn inqas favorevoli minn dak li hija tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi ta' pajjiż terz.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jiġi interpretat bħala li jobbliga lil Parti testendi għas-servizzi u għall-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra l-benefiċċju ta' kwalunkwe trattament li jirriżulta minn miżuri li jipprevedu r-rikonoxximent, inkluż tal-istandards jew tal-kriterji għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar jew iċ-ċertifikazzjoni ta' persuna fiżika jew intrapriża biex twettaq attività ekonomika, jew ta' miżuri prudenzjali.

Artikolu 11.8

Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet

1. L-Artikoli minn 11.5 sa 11.7 ma japplikawx għal:

(a) kwalunkwe miżura mhux konformi eżistenti ta' Parti li tinżamm minn:

(i) l-Unjoni Ewropea, kif stipulat fil-lista tagħha fl-Appendiċi I-A tal-Anness I;

(ii) gvern nazzjonali, kif stabbilit minn dik il-Parti fil-lista tagħha fl-Appendiċi I-A jew I-B-1 tal-Anness I;

(iii) gvern reġjonali, kif stabbilit minn dik il-Parti fil-lista tagħha fl-Appendiċi I-A jew I-B-2 tal-Anness I; jew

(iv) gvern lokali;

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a); jew

(c) kwalunkwe emenda għal miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a), sal-punt li l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda, mal-Artikoli 11.5 sa 11.7.

2. L-Artikoli 11.5 sa 11.7 ma japplikawx għal miżura li Parti tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' setturi, subsetturi jew attivitajiet, kif stabbilit fil-lista tagħha fl-Appendiċi II-A jew II-B-1 tal-Anness II .

3. L-Artikolu 11.4 ma japplika għall-ebda miżura ta' Parti fir-rigward ta' setturi jew subsetturi kif stabbilit fl-iskeda tagħha fl-Appendiċi III-A, III-B-1 jew III-B-2 - tal-Anness III.

4. Fi żmien ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Messiku jista' jinnotifika lill-Unjoni Ewropea abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt biex jimmodifika l-Appendiċi I-B-2 tal-Anness I u l-Appendiċi III-B-2 tal-Anness III bi kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi miżmuma fil-livell subfederali tal-gvern.

L-Unjoni Ewropea għandha tirrieżamina dak l-abbozz fi żmien 3 xhur u tikkonsulta mal-Messiku dwar kwalunkwe kwistjoni relatata. Wara konsultazzjoni, il-Kunsill Konġunt għandu jadotta l-modifiki għall-annessi msemmija f'dan il-paragrafu. L-annessi mmodifikati għandhom japplikaw mid-data tal-adozzjoni tal-modifiki.

Artikolu 11.9

Ċaħda tal-Benefiċċji

Parti tista' ċċaħħad il-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu lil fornitur ta' servizzi tal-Parti l-oħra li jkun intrapriża ta' dik il-Parti, u lis-servizzi ta' dak il-fornitur ta' servizzi, jekk:

(a) persuna ta' pajjiż terz tippossjedi jew jikkontrolla l-intrapriża; u

(b) il-Parti li tiċħad tadotta jew iżżomm miżura fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz, jew fir-rigward ta' persuni fiżiċi jew intrapriżi ta' dak il-pajjiż terz, li tipprojbixxi tranżazzjonijiet mal-intrapriża jew li tiġi miksura jew evitata jekk il-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu jingħataw lil dik l-intrapriża.

KAPITOLU 12

PREŻENZA TEMPORANJA TA' PERSUNI FIŻIĊI GĦAL SKOPIJIET TA' NEGOZJU

Artikolu 12.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "persuna tan-negozju" tfisser, għall-Messiku, ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jidħol fit-territorju tal-Messiku, mingħajr l-iskop li jistabbilixxi residenza temporanja jew permanenti, sabiex:

(i) jinnegozja kummerċjalment prodotti jew jipprovdi servizzi;

(ii) jistabbilixxi, jiżviluppa jew jiġġestixxi investiment ta' kapital barrani;

(iii) iwettaq kuntatti kummerċjali u negozjati għall-bejgħ ta' prodotti u servizzi, jew attivitajiet simili;

(iv) jipprovdi servizzi speċjalizzati għall-installazzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni, is-superviżjoni jew it-taħriġ tal-ħaddiema, miftiehma qabel jew ikkunsidrati f'kuntratt ta' trasferiment ta' teknoloġija, privattivi u trademarks, għall-bejgħ ta' tagħmir jew makkinarju kummerċjali jew industrijali, jew kwalunkwe proċess ieħor ta' produzzjoni ta' intrapriża stabbilita fit-territorju ta' Parti, matul it-terminu tal-kuntratt ta' garanzija, tal-bejgħ jew tas-servizz;

(v) jattendi l-laqgħat jew is-sessjonijiet tal-bord tad-diretturi ta' intrapriża stabbilita legalment fil-Messiku; jew

(vi) jippromwovi prodotti jew servizzi, jagħti pariri lill-klijenti, jirċievi ordnijiet, jinnegozja kuntratti u jesebixxi, jipparteċipa jew jattendi kungressi, fieri, konvenzjonijiet jew avvenimenti simili;

(b) "viżitaturi professjonali għal finijiet ta' investiment" tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f'pożizzjoni għolja li jkunu responsabbli għat-twaqqif ta' intrapriża fil-Parti l-oħra, li ma joffrux jew ma jipprovdux servizzi jew li ma jinvolvu ruħhom f'ebda attività ekonomika minbarra dik meħtieġa għal finijiet ta' investiment u li ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jinsab f'dik il-Parti l-oħra;

(c) "fornituri ta' servizzi kuntrattwali" tfisser persuni fiżiċi impjegati minn intrapriża ta' Parti li hija stess ma hijiex aġenzija għal kollokament u provvista ta' servizzi ta' persunal u li mhux qed taġixxi permezz ta' tali aġenzija, li ma tkunx stabbilita fit-territorju tal-Parti l-oħra u li tkun ikkonkludiet kuntratt *in bona fide* sabiex tipprovdi servizzi ma' konsumatur finali fil-Parti l-oħra, li teħtieġ il-preżenza fuq bażi temporanja tal-impjegati tagħha f'dik il-Parti, sabiex jintlaħaq l-għan tal-kuntratt għall-provvista ta' servizzi; ([63])

(d) "professjonisti indipendenti" tfisser, għall-Unjoni Ewropea, persuni fiżiċi involuti fil-provvista ta' servizz u stabbiliti bħala persuni li jaħdmu għal rashom fit-territorju ta' Parti li ma jkunux stabbiliti fit-territorju tal-Parti l-oħra u li jkunu kkonkludew kuntratt *in bona fide*, minbarra permezz ta' aġenzija għal kollokament u provvista ta' servizzi ta' persunal, sabiex jipprovdu servizzi ma' konsumatur finali fil-Parti l-oħra, li jeħtieġu l-preżenza tagħhom fuq bażi temporanja f'dik il-Parti sabiex jintlaħaq l-għan tal-kuntratt għall-provvista ta' servizzi; ([64])

(e) "ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali" tfisser persuni fiżiċi li kienu impjegati minn intrapriża ta' Parti jew li kienu sħab f'intrapriża ta' Parti, li jiġu ttrasferiti temporanjament lil intrapriża ta' Parti, inkluża sussidjarja, fergħa jew kumpanija prinċipali ta' dik l-intrapriża, fit-territorju tal-Parti l-oħra, ([65]) u li huma:

(i) "maniġers" jew "diriġenti" tfisser persuni li jaħdmu f'pożizzjoni għolja fi ħdan intrapriża, li primarjament jidderieġu t-tmexxija tal-intrapriża ([66]) fil-Parti l-oħra u jirċievu superviżjoni jew direzzjoni ġenerali prinċipalment mill-bord tad-diretturi jew minn azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tagħhom, u li mill-inqas:

(A) jidderieġu l-intrapriża jew dipartiment jew suddiviżjoni tagħha;

(B) jissorveljaw u jikkontrollaw ix-xogħol ta' impjegati superviżorji, professjonali jew maniġerjali oħrajn; u

(C) ikollhom l-awtorità personali li jirreklutaw u jagħtu sensji jew li jirrakkomandaw ir-reklutaġġ, l-għoti tas-sensji jew azzjonijiet oħrajn relatati mal-persunal;

(ii) "speċjalisti" tfisser persuni li jaħdmu f'intrapriża li għandhom għarfien speċjalizzat essenzjali għall-oqsma ta' attività, it-tekniki jew it-tmexxija tal-intrapriża, ivvalutati b'kont meħud tal-għarfien speċifiku għall-intrapriża u jekk il-persuna għandhiex livell għoli ta' kwalifika; jew

(iii) "impjegati apprendisti" tfisser, għall-Unjoni Ewropea, persuni li jkunu ġew impjegati minn intrapriża li ma tkunx uffiċċju rappreżentattiv għal mill-inqas sena, li jkollhom lawrja universitarja u li jiġu ttrasferiti temporanjament għal finijiet ta' żvilupp tal-karriera jew biex jiksbu taħriġ f'tekniki jew metodi tan-negozju; ([67])

(f) "investituri" tfisser, għall-Messiku, persuni fiżiċi tal-Unjoni Ewropea li qed ifittxu li jidħlu fil-Messiku għal soġġorn temporanju jew li diġà jinsabu fil-Messiku, li għandhom l-intenzjoni li:

(i) jesploraw alternattivi ta' investiment differenti;

([63]) Il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi msemmi fis-subparagrafu (c) għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Parti fejn jiġi eżegwit il-kuntratt.

([64]) Il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi msemmi fis-subparagrafu (d) għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Parti fejn jiġi eżegwit il-kuntratt.

([65]) Għal aktar ċertezza, il-maniġers jew id-diriġenti u l-ispeċjalisti jistgħu jkunu meħtieġa juru li għandhom il-kwalifiki professjonali u l-esperjenza meħtieġa fl-intrapriża li lilha jiġu ttrasferiti.

([66]) Għal aktar ċertezza, filwaqt li l-maniġers jew id-diriġenti ma jwettqux direttament kompiti li jikkonċernaw il-provvista attwali tas-servizzi, huma jistgħu, matul l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom li primarjament jidderieġu t-tmexxija tal-intrapriża, iwettqu kompiti li jistgħu jkunu meħtieġa għall-forniment tas-servizzi.

([67]) L-intrapriża benefiċjarja tista' tkun meħtieġa tippreżenta programm ta' taħriġ li jkopri d-durata tas-soġġorn għal approvazzjoni minn qabel, li juri li l-iskop tas-soġġorn huwa għat-taħriġ. Għaċ-Ċekja, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Ungerija, il-Litwanja u l-Awstrija, it-taħriġ irid ikun marbut mal-lawrja universitarja li tkun inkisbet.

(ii) iwettqu jew jissorveljaw investiment dirett;

(iii) jirrappreżentaw intrapriża barranija jew iwettqu tranżazzjonijiet ta' negozju; jew

(iv) jiżviluppaw, jamministraw jew jipprovdu pariri jew servizzi tekniċi ewlenin għall-operat ta' investiment li għalih persuna tan-negozju jew intrapriża tal-persuna tan-negozju tkun ikkommettiet, jew tkun fil-proċess li tikkommetti, ammont sostanzjali ta' kapital, f'kapaċità li tkun superviżorja, eżekuttiva jew tinvolvi ħiliet essenzjali; u

(g) "viżitaturi professjonali għal żmien qasir" tfisser persuni fiżiċi li qed ifittxu dħul u soġġorn temporanju fit-territorju tal-Parti l-oħra, li ma humiex involuti fil-bejgħ dirett lill-pubbliku ġenerali, li ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jinsab f'dik il-Parti l-oħra u li huma:

(i) "bejjiegħa tan-negozju" tfisser viżitaturi professjonali għal żmien qasir li huma rappreżentanti ta' fornitur ta' servizzi jew prodotti ta' Parti għall-finijiet tan-negozjar tal-bejgħ ta' servizzi jew prodotti, jew li jidħlu fi ftehimiet għall-bejgħ ta' servizzi jew prodotti għal dak il-fornitur, ma humiex involuti fil-provvista ta' servizz fil-qafas ta' kuntratt konklużbejn intrapriża li ma għandha l-ebda preżenza kummerċjali fit-territorju tal-Parti l-oħra u konsumatur f'dak it-territorju, u li ma humiex aġenti bil-kummissjoni;

(ii) "installaturi u persuni responsabbli mill-manutenzjoni" tfisser, fir-rigward tad-dħul u s-soġġorn temporanju fl-Unjoni Ewropea, viżitaturi professjonali għal żmien qasir li jkollhom għarfien speċjalizzat essenzjali għall-obbligi kuntrattwali ta' bejjiegħ jew lokatur, li jwettqu servizzi jew iħarrġu membri tal-persunal biex iwettqu servizzi, skont garanzija jew kuntratt ieħor ta' servizz inċidentali għall-bejgħ jew il-lokazzjoni ta' tagħmir jew makkinarju kummerċjali jew industrijali, inklużi servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati, mixtrija jew mikrija minn intrapriża li tinsab barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea, matul id-durata kollha tal-kuntratt ta' garanzija jew servizz u, fir-rigward tad-dħul u s-soġġorn temporanju fil-Messiku, viżitaturi professjonali għal żmien qasir li jipprovdu servizzi speċjalizzati, inklużi servizzi ta' wara l-bejgħ jew ta' wara l-lokazzjoni, miftiehma qabel jew kif imsemmi f'kuntratt ta' trasferiment ta' teknoloġija, privattiva u trademark, għall-bejgħ ta' makkinarju u tagħmir, taħriġ tekniku tal-persunal jew kwalunkwe proċess ta' produzzjoni ieħor għal intrapriża stabbilita fil-Messiku; jew

(iii) "viżitaturi professjonali oħrajn għal żmien qasir" tfisser, għall-Messiku, viżitaturi għal żmien qasir li jattendu laqgħat ta' amministrazzjoni tan-negozju, konferenzi jew fieri kummerċjali u jwettqu dmirijiet maniġerjali jew eżekuttivi f'intrapriża jew is-sussidjarji jew l-affiljati tagħha li huma stabbiliti fil-Messiku.

Artikolu 12.2

Objettivi, Kamp ta' Applikazzjoni u Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Dan il-Kapitolu jirrifletti x-xewqa tal-Partijiet li jiffaċilitaw id-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra għal finijiet ta' negozju u l-ħtieġa li jiġu stabbiliti kriterji trasparenti għal dan l-iskop.

2. Dan il-Kapitolu japplika għal miżuri relatati direttament mad-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra għal finijiet ta' negozju li huma viżitaturi professjonali għal finijiet ta' investiment, ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali, investituri, bejjiegħa tan-negozju, fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżuri li jaffettwaw lil persuni fiżiċi li jfittxu aċċess għas-suq tax-xogħol ta' Parti, u lanqas għal miżuri li jirrigwardjaw iċ-ċittadinanza jew in-nazzjonalità, ir-residenza jew l-impjieg fuq bażi permanenti.

4. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jimpedixxi lil Parti milli tapplika miżuri sabiex tirregola d-dħul ta' persuni fiżiċi fit-territorju tagħha, jew is-soġġorn temporanju tagħhom fih, inklużi dawk il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi protetta l-integrità ta' persuni fiżiċi u sabiex jiġi żgurat il-moviment organizzat tagħhom bejn il-fruntieri tagħha, diment li tali miżuri ma jiġux applikati b'tali mod li jxejnu jew ixekklu l-benefiċċji li jakkumulaw għall-Parti l-oħra skont dan il-Kapitolu. Is-sempliċi fatt li tintalab viża għall-persuni fiżiċi ta' ċertu pajjiż u mhux għal dawk ta' oħrajn ma għandux jitqies bħala li jxejjen jew ixekkel il-benefiċċji skont dan il-Kapitolu.

5. Kull Parti għandha tapplika l-miżuri koperti minn dan il-Kapitolu malajr sabiex tevita dewmien jew danni mhux dovuti fil-kummerċ ta' prodotti jew servizzi, jew f'attivitajiet ta' investiment skont dan il-Ftehim.

6. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżviluppaw u jadottaw kriterji komuni u interpretazzjonijiet komuni għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

7. Kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju għal skopijiet ta' negozju ta' persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra li jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti tal-immigrazzjoni tal-ewwel Parti applikabbli għad-dħul u s-soġġorn temporanju, f'konformità ma' dan il-Kapitolu, inklużi d-dispożizzjonijiet tal-Annessi I sa VI.

8. Parti tista', f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha u fuq bażi mhux diskriminatorja, tidderoga mill-impenji tagħha dwar id-dħul u s-soġġorn temporanju stabbiliti fil-lista tagħha fl-Appendiċi IV-A jew IV-B tal-Annessi IV u l-Appendiċi V-A jew V-B tal-Anness V f'każijiet fejn id-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuna fiżika ta' Parti oħra jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv:

(a) is-soluzzjoni ta' tilwima industrijali kollettiva li tkun għaddejja fil-post jew fil-post maħsub tal-impjieg; jew

(b) l-impjieg ta' kwalunkwe persuna li tkun involuta f'dik it-tilwima.

Artikolu 12.3

Obbligi f'Kapitoli Oħrajn

1. Dan il-Kapitolu ma jimponi l-ebda obbligu fuq Parti fir-rigward tal-miżuri tal-immigrazzjoni tagħha, ħlief kif previst speċifikament hawnhekk.

2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni li tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju lil persuna fiżika tal-Parti l-oħra f'konformità ma' dan il-Kapitolu, inkluż it-tul tas-soġġorn permissibbli skont kwalunkwe deċiżjoni bħal din:

(a) l-obbligi tal-Artikoli 10.6 (Aċċess għas-Suq), 10.7 (Trattament Nazzjonali), 10.9 (Rekwiżiti tal-Prestazzjoni) u 10.10 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi), soġġetti għall-Artikoli 10.5 (Kamp ta' Applikazzjoni), 10.12 (Miżuri u Eċċezzjonijiet Mhux Konformi), 18.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) u 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi), sal-punt li l-miżura taffettwa t-trattament ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra, huma b'dan inkorporati u magħmula parti minn dan il-Kapitolu u japplikaw għal miżuri li jaffettwaw it-trattament ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra taħt il-kategoriji ta' viżitaturi professjonali għal finijiet ta' investiment, ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali u, għall-Messiku, investituri, kif definiti fl-Artikolu 12.1; u

(b) l-obbligi tal-Artikoli 11.4 (Aċċess għas-Suq), 11.5 (Preżenza Lokali) u 11.6 (Trattament Nazzjonali), soġġetti għall-paragrafu 2 tal-Artikolu 11.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) u l-Artikoli 11.8 (Miżuri u Eċċezzjonijiet Mhux Konformi), 18.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) u 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi), sal-punt li l-miżura taffettwa t-trattament ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra, huma b'dan inkorporati u magħmula parti minn dan il-Kapitolu u japplikaw għall-miżuri li jaffettwaw it-trattament ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra taħt il-kategoriji ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali u, għall-Unjoni Ewropea, professjonisti indipendenti, għas-setturi kollha elenkati fl-Anness V u viżitaturi professjonali għal żmien qasir, f'konformità mal-Anness IV.

3. Għal aktar ċertezza, il-paragrafu 2 japplika għall-miżuri li jaffettwaw it-trattament ta' persuni fiżiċi preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra għal finijiet ta' negozju u li jaqgħu fil-kategoriji rilevanti u li qed jipprovdu servizzi finanzjarji, kif definiti fl-Artikolu 18.1 (Definizzjonijiet). Il-paragrafu 2 ma japplikax għal miżuri relatati mal-permess ta' dħul u s-soġġorn temporanju lil persuni fiżiċi ta' Parti jew ta' pajjiż terz.

Artikolu 12.4

Viżitaturi Professjonali għal Finijiet ta' Investiment, Ħaddiema bi Trasferiment Intra-Azjendali u Investituri

1. Soġġett għall-Artikolu 10.5 (Kamp ta' Applikazzjoni), kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju fit-territorju tagħha ta' viżitaturi professjonali għal finijiet ta' investiment u ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali tal-Parti l-oħra f'konformità mal-Anness IV.

2. Soġġett għall-Artikolu 10.5 (Kamp ta' Applikazzjoni), il-Messiku għandu jippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju fit-territorju tiegħu tal-investituri f'konformità mal-Anness IV.

3. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet fuq l-għadd totali ta' persuni fiżiċi li huma permessi d-dħul u s-soġġorn temporanju f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, f'settur jew sub-settur speċifiku, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi fuq il-bażi ta' suddiviżjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju kollu tagħha.

4. It-tul tas-soġġorn permissibbli għandu jkun: ([68])

(a) għall-Unjoni Ewropea, sa 3 snin għal maniġers jew diriġenti u speċjalisti, sa sena għal impjegati apprendisti, u sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 6 xhur għall-viżitaturi professjonali għal finijiet ta' investiment; u

(b) għall-Messiku, sena li tista' tiġi estiża tliet darbiet, għal sena kull darba, għal ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali u investituri, u sa 180 jum għall-viżitaturi professjonali għal finijiet ta' investiment.

5. Il-Partijiet għandhom jagħtu lill-membri tal-familja ta' ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali trattament f'konformità mal-Anness 12-A.

Artikolu 12.5

Viżitaturi Professjonali għal Żmien Qasir

Soġġett għall-Artikolu 11.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) u l-Anness IV, Parti għandha:

(a) għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' viżitaturi professjonali għal żmien qasir;

([68]) It-tul tas-soġġorn għall-viżitaturi professjonali għal finijiet ta' investiment huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija minn Parti lil ċittadini tal-Parti l-oħra taħt eżenzjonijiet bilaterali mill-viża.

(b) ma għandhiex tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet fuq l-għadd totali ta' viżitaturi professjonali għal żmien qasir f'settur speċifiku fil-forma ta' kwoti numeriċi fuq il-bażi ta' suddiviżjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju kollu tagħha; u

(c) ma għandhiex tadotta jew iżżomm testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal viżitaturi professjonali għal żmien qasir.

Artikolu 12.6

Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali

1. Kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju fit-territorju tagħha ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali tal-Parti l-oħra f'konformità mal-Anness V.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness V, Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet fuq l-għadd totali ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali tal-Parti l-oħra li huma permessi d-dħul u s-soġġorn temporanju, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Artikolu 12.7

Professjonisti Indipendenti

1. L-Unjoni Ewropea għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju fit-territorju tagħha ta' professjonisti indipendenti tal-Messiku f'konformità mal-Anness V.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness V, l-Unjoni Ewropea ma għandhiex tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet fuq l-għadd totali ta' professjonisti indipendenti tal-Messiku li huma permessi d-dħul u s-soġġorn temporanju fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Artikolu 12.8

Trasparenza

1. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku informazzjoni dwar ir-rekwiżiti u l-proċeduri għad-dħul u s-soġġorn temporanju, inklużi l-formoli u d-dokumenti rilevanti, u l-materjali ta' spjegazzjoni li jippermettu lill-persuni interessati tal-Parti l-oħra jsiru familjari mar-rekwiżiti u l-proċeduri applikabbli.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi, jekk applikabbli, informazzjoni dwar dawn li ġejjin:

(a) il-kategoriji ta' viża, permessi jew kwalunkwe tip simili ta' awtorizzazzjoni rigward id-dħul u s-soġġorn temporanju;

(b) id-dokumentazzjoni meħtieġa u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati;

(c) il-metodu ta' kif tiġi ppreżentata applikazzjoni u l-għażliet dwar fejn għandha tiġi ppreżentata, bħal uffiċċji konsulari jew online;

(d) it-tariffi tal-applikazzjoni u l-ħin indikattiv tal-ipproċessar;

(e) il-perjodu massimu ta' soġġorn taħt kull tip ta' awtorizzazzjoni deskritt fis-subparagrafu (a);

(f) il-kundizzjonijiet għal kwalunkwe estensjoni jew tiġdid disponibbli;

(g) ir-regoli rigward id-dipendenti li jakkumpanjaw;

(h) il-proċeduri ta' rieżami jew appell disponibbli; u

(i) il-liġijiet rilevanti ta' applikazzjoni ġenerali li jappartjenu għad-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi.

Artikolu 12.9

Soluzzjoni tat-Tilwim

Parti ma għandhiex tirrikorri għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 31 rigward rifjut li jingħata dħul u soġġorn temporanju skont dan il-Kapitolu, sakemm il-kwistjoni ma tinvolvix mudell ta' prattika.

KAPITOLU 13

REGOLAMENTAZZJONI DOMESTIKA

Artikolu 13.1

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri adottati jew miżmuma minn Parti fir-rigward tar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar u l-kwalifika, kif ukoll għall-istandards tekniċi ([69]), li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi jew it-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra li fir-rigward tagħha Parti tkun ħadet impenn skont l-Artikolu 10.6 (Aċċess għas-Suq), 10.7 (Trattament Nazzjonali), 11.4 (Aċċess għas-Suq) jew 11.6 (Trattament Nazzjonali), soġġett għal kwalunkwe terminu, limitazzjoni, kundizzjoni jew kwalifika kif stabbiliti fl-iskeda tagħha skont l-Artikoli 10.12 (Miżuri u Eċċezzjonijiet Mhux Konformi) u 11.8 (Miżuri u Eċċezzjonijiet Mhux Konformi).

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 13.6 japplika għall-miżuri adottati jew miżmuma minn Parti relatata mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar u l-kwalifika, kif ukoll għall-istandards tekniċi, li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi jew it-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżuri adottati jew miżmuma minn Parti koperta taħt il-Kapitolu 18.

Artikolu 13.2

Żvilupp ta' Miżuri

Parti li tadotta jew iżżomm miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar u mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifika għandha:

(a) tiżgura li dawk il-miżuri jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u trasparenti; ([70])

(b) tiżgura li l-awtorità kompetenti tilħaq u tamministra d-deċiżjonijiet tagħha b'mod indipendenti;

(c) tiżgura li l-proċeduri fihom infushom ma jimpedux bla bżonn l-issodisfar ta' kwalunkwe rekwiżit;

(d) tiżgura li l-proċeduri jkunu imparzjali u adegwati għall-applikanti biex juru jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti, jekk ikun hemm; u

(e) ma tirrikjedix li applikant, sa fejn ikun prattikabbli, javviċina aktar minn awtorità kompetenti waħda għal kull applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni. ([71])

([69]) Għal aktar ċertezza, sa fejn huma kkonċernati l-miżuri relatati ma' standards tekniċi, dan il-Kapitolu japplika biss għal tali miżuri li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi.

([70]) Għal aktar ċertezza, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-piż li għandu jingħata lil dawk il-kriterji li jistgħu jinkludu l-kompetenza, il-kapaċità li jiġu pprovduti servizz jew kwalunkwe attività ekonomika oħra, u l-impatti potenzjali fuq is-saħħa jew l-ambjent ta' deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

([71]) Għal aktar ċertezza, Parti tista' tirrikjedi applikazzjonijiet multipli għal awtorizzazzjoni jekk servizz jew attività ekonomika oħra jkunu fil-ġuriżdizzjoni ta' awtoritajiet kompetenti multipli.

Artikolu 13.3

Amministrazzjoni tal-Miżuri

Jekk tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizz jew għat-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra, l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti għandhom:

(a) jippermettu lil applikant, sa fejn ikun prattikabbli, jissottometti applikazzjoni fi kwalunkwe ħin;

(b) jippermettu perjodu ta' żmien raġonevoli għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni jekk jeżistu perjodi ta' żmien speċifiċi għall-applikazzjonijiet;

(c) jiskedaw eżamijiet f'intervalli raġonevolment frekwenti, jekk ikunu meħtieġa eżamijiet, u jipprovdu perjodu ta' żmien raġonevoli sabiex applikant jitlob li jagħmel l-eżami;

(d) jagħmlu ħilithom biex jaċċettaw applikazzjonijiet f'format elettroniku, filwaqt li jqisu l-prijoritajiet li jikkompetu magħhom u l-limitazzjonijiet tar-riżorsi;

(e) jaċċettaw kopji ta' dokumenti li huma awtentikati f'konformità mal-liġi tal-Parti, minflok id-dokumenti oriġinali, sakemm il-preżentazzjoni ta' dokumenti oriġinali ma tkunx meħtieġa għall-protezzjoni tal-integrità tal-proċess ta' awtorizzazzjoni;

(f) jiżguraw li t-tariffi tal-awtorizzazzjoni ([72]) mitluba mill-awtoritajiet kompetenti jkunu raġonevoli u trasparenti u fihom infushom ma jirrestrinġux il-provvista tas-servizz rilevanti jew it-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra;

(g) jipprovdu, sa fejn ikun prattikabbli, perjodu ta' żmien indikattiv għall-ipproċessar ta' applikazzjoni;

(h) jaċċertaw mingħajr dewmien żejjed, sa fejn ikun prattikabbli, il-kompletezza ta' applikazzjoni għall-ipproċessar skont il-liġi tal-Parti;

(i) jekk applikazzjoni titqies kompluta għall-ipproċessar skont il-liġi tal-Parti, jiżguraw li l-ipproċessar tal-applikazzjoni jiġi ffinalizzat u li l-applikant jiġi informat bid-deċiżjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, sa fejn ikun possibbli bil-miktub; ([73])

(j) jipprovdu, fuq talba tal-applikant u mingħajr dewmien żejjed, informazzjoni dwar l-istatus tal-applikazzjoni;

(k) jekk applikazzjoni titqies mhux kompluta għall-ipproċessar skont il-liġi tal-Parti, f'perjodu ta' żmien raġonevoli u sa fejn ikun prattikabbli:

(i) jinformaw lill-applikant li l-applikazzjoni ma hijiex kompluta;

(ii) jipprovdu, fuq talba tal-applikant, gwida dwar għaliex l-applikazzjoni titqies mhux kompluta;

([72]) It-tariffi tal-awtorizzazzjoni jinkludu t-tariffi tal-liċenzjar u t-tariffi relatati mal-proċeduri ta' kwalifika; huma ma jinkludux tariffi għall-użu ta' riżorsi naturali, ħlasijiet għall-irkant, offerti jew mezzi mhux diskriminatorji oħrajn ta' għoti ta' konċessjonijiet jew kontribuzzjonijiet mandatorji għall-forniment ta' servizz universali.

([73]) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissodisfaw dan ir-rekwiżit billi jinformaw lil applikant minn qabel bil-miktub, inkluż permezz ta' miżura ppubblikata, li n-nuqqas ta' tweġiba wara perjodu ta' żmien speċifikat mid-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni jindika aċċettazzjoni jew rifjut tal-applikazzjoni. Għal aktar ċertezza, l-informazzjoni bil-miktub tista' tinkludi informazzjoni pprovduta f'forma elettronika.

(iii) jipprovdu lill-applikant bl-opportunità ([74]) li jissottometti l-informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa biex titlesta l-applikazzjoni; u

(iv) meta l-ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq ma tkun prattikabbli, u l-applikazzjoni tiġi rrifjutata minħabba nuqqas ta' kompletezza, jiżguraw li l-applikant jiġi informat f'perjodu ta' żmien raġonevoli;

(l) jekk applikazzjoni tiġi rrifjutata, jinformaw lill-applikant, sa fejn ikun prattikabbli, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-applikant, bir-raġunijiet għar-rifjut u, fejn applikabbli, il-proċeduri għas-sottomissjoni mill-ġdid ta' applikazzjoni; u

(m) jiżguraw li l-awtorizzazzjoni, ladarba tingħata, tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed soġġetta għat-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli.

Artikolu 13.4

Għadd Limitat ta' Liċenzji

1. Jekk l-għadd ta' liċenzji disponibbli għal attività partikolari jkun limitat minħabba l-iskarsezza ta' riżorsi naturali disponibbli jew ta' kapaċità teknika, Parti għandha tapplika proċedura tal-għażla għal kandidati potenzjali li tipprovdi garanziji sħaħ ta' imparzjalità u trasparenza, inkluża, b'mod partikolari, pubblikità adegwata dwar it-tnedija, it-twettiq u t-tlestija tal-proċedura.

2. Meta tiġi biex tistabbilixxi r-regoli għall-proċedura tal-għażla, Parti tista' tqis l-objettivi ta' politika leġittimi, inklużi kunsiderazzjonijiet ta' saħħa, sikurezza, protezzjoni tal-konsumaturi, kompetizzjoni, il-ħarsien tal-ambjent u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali.

Artikolu 13.5

Standards Tekniċi

Kull Parti għandha tħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti tagħha, meta jadottaw standards tekniċi, biex jadottaw standards tekniċi li jkunu ġew żviluppati permezz ta' proċessi miftuħa u trasparenti, u għandha tħeġġeġ lil kwalunkwe korp iddeżinjat biex jiżviluppa standards tekniċi biex jagħmel dan permezz ta' proċessi miftuħa u trasparenti.

Artikolu 13.6

Trasparenza

Parti li teħtieġ awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizz jew għat-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra għandha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-fornituri ta' servizzi jew għall-persuni li jkunu qed ifittxu li jipprovdu servizz u għall-persuni li jkunu qed iwettqu jew ifittxu li jwettqu kwalunkwe attività ekonomika oħra biex jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-proċeduri għall-kisba, iż-żamma, l-emendar u t-tiġdid ta' dik l-awtorizzazzjoni. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi, fejn tkun teżisti:

(a) tariffi tal-awtorizzazzjoni;

(b) informazzjoni ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti;

(c) proċeduri għall-appell jew għar-rieżami ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet;

(d) proċeduri għall-monitoraġġ jew l-infurzar tal-konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-liċenzji;

([74]) Għal aktar ċertezza, tali opportunità ma teħtieġx li awtorità kompetenti tipprovdi estensjonijiet tal-iskadenzi.

(e) opportunitajiet għall-involviment pubbliku, bħal permezz ta' seduti ta' smigħ jew kummenti;

(f) perjodi ta' żmien indikattivi għall-ipproċessar ta' applikazzjoni;

(g) ir-rekwiżiti u l-proċeduri; u

(h) l-istandards tekniċi applikabbli.

Artikolu 13.7

Rieżami

Wara d-dħul fis-seħħ ta' dixxiplini addizzjonali żviluppati f'konformità mal-paragrafu 4 tal-Artikolu VI tal-GATS, il-Partijiet għandhom jirrieżaminaw dawk id-dixxiplini. Jekk ir-rieżami jikkonkludi li dawk id-dixxiplini jtejbu dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiddeterminaw jekk għandhomx jiġu inkorporati f'dan il-Ftehim.

KAPITOLU 14

RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TAL-KWALIFIKI PROFESSJONALI

Artikolu 14.1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. F'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li għandu jimpedixxi lil Parti milli tirrikjedi li l-persuni fiżiċi jkollhom il-kwalifiki jew l-esperjenza professjonali meħtieġa speċifikati fit-territorju fejn jiġi pprovdut is-servizz, għas-settur tal-attività kkonċernat.

2. Kull Parti għandha tħeġġeġ lill-korpi jew lill-awtoritajiet professjonali rilevanti, kif xieraq, fit-territorji rispettivi tagħha biex jiżviluppaw u jipprovdu rakkomandazzjonijiet konġunti dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, lis-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment stabbilit skont is-subparagrafu 1(h) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħra tal-Parti III ta' dan il-Ftehim).

3. Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu appoġġati b'evidenza ta':

(a) il-valur ekonomiku ta' ftehim previst dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku"); u

(b) il-kompatibbiltà tar-reġimi rispettivi, jiġifieri, sa liema punt il-kriterji applikati minn kull Parti għall-awtorizzazzjoni u l-liċenzjar huma kompatibbli.

4. Is-Sottokumitat għandu jirrieżamina kwalunkwe rakkomandazzjoni konġunta f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li jirċeviha.

5. Jekk ir-rakkomandazzjoni konġunta tkun konsistenti ma' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jinnegozjaw Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku, jekk ikun xieraq permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom jew id-delegati awtorizzati minn Parti. Jekk ikun xieraq, il-Kunsill Konġunt jista' jadotta l-arranġamenti għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifika professjonali b'deċiżjoni.

6. Meta jinnegozjaw Ftehimiet ta' Rikonoxximent Reċiproku jew meta jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet konġunti, il-Partijiet jew il-korpi jew l-awtoritajiet professjonali rilevanti, rispettivament, huma mħeġġa jsegwu l-Linji Gwida għan-negozjar ta' Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku stabbiliti fl-Anness 14-A.

KAPITOLU 15

SERVIZZI TA' KUNSINNA

Artikolu 15.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "servizzi ta' kunsinna" tfisser servizzi postali u ta' kurrier jew express, li jinkludu l-ġbir, l-issortjar, it-trasport u l-kunsinna ta' oġġetti postali;

(b) "servizzi ta' kunsinna express" tfisser il-ġbir, l-issortjar, it-trasport u l-kunsinna ta' oġġetti postali b'veloċità mgħaġġla u affidabbiltà msaħħa li jistgħu jinkludu elementi ta' valur miżjud bħall-ġbir mill-punt tal-oriġini, il-kunsinna personali lid-destinatarju, it-traċċar, il-possibbiltà li tinbidel id-destinazzjoni u d-destinatarju fi tranżitu jew il-konferma tar-riċevuta;

(c) "servizzi tal-posta express" tfisser servizzi internazzjonali ta' kunsinna express ipprovduti permezz ta' assoċjazzjoni volontarja ta' operaturi postali ddeżinjati taħt l-Unjoni Postali Universali (UPU), bħall-Kooperattiva EMS;

(d) "liċenzja" tfisser awtorizzazzjoni mogħtija lil fornitur individwali minn awtorità regolatorja li tistabbilixxi l-proċeduri, l-obbligi u r-rekwiżiti speċifiċi għas-settur tas-servizzi ta' kunsinna;

(e) "oġġett postali" tfisser oġġett li jiżen sa 31,5 kg indirizzat fil-forma finali li fiha għandu jinġarr minn kwalunkwe tip ta' fornitur ta' servizz ta' kunsinna, kemm jekk pubbliku kif ukoll jekk privat, u li jista' jinkludi oġġetti bħal ittra, pakkett, gazzetta jew katalgu;

(f) "monopolju postali" tfisser id-dritt esklużiv li jiġu pprovduti servizzi ta' kunsinna speċifikati fit-territorju ta' Parti, skont il-liġi ta' dik il-Parti; u

(g) "servizz universali" tfisser il-forniment permanenti ta' servizz ta' kunsinna ta' kwalità speċifikata skont il-liġi ta' Parti fil-punti kollha fit-territorju ta' dik il-Parti bi prezzijiet affordabbli għall-utenti kollha.

Artikolu 15.2

Objettiv

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju speċifiku għas-servizzi kollha ta' kunsinna.

Artikolu 15.3

Servizz Universali

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligu ta' servizz universali li tixtieq tadotta jew iżżomm u għandha tamministra dak l-obbligu b'mod trasparenti, mhux diskriminatorju u newtrali fir-rigward tal-forniturи kollha li huma soġġetti għall-obbligu.

2. Jekk Parti tirrikjedi li s-servizzi tal-posta express 'il ġewwa jiġu fornuti fuq bażi ta' servizz universali, hija ma għandhiex tagħti trattament preferenzjali lil dak is-servizz fuq servizzi internazzjonali oħrajn ta' kunsinna express.

Artikolu 15.4

Finanzjament ta' Servizz Universali

1. Parti ma għandhiex timponi tariffi jew imposti oħrajn fuq il-provvista ta' servizz ta' kunsinna mhux universali għall-fini ta' finanzjament tal-provvista ta' servizz universali.

2. Il-Paragrafu 1 ma japplikax għal miżuri ta' tassazzjoni jew tariffi amministrattivi applikabbli b'mod ġenerali.

Artikolu 15.5

Prevenzjoni ta' Prattiki li Jikkawżaw Distorsjoni tas-Suq

Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ta' servizzi ta' kunsinna soġġett għal obbligu ta' servizz universali jew monopolju postali ma jidħolx fi prattiki li jikkawżaw distorsjoni għas-suq bħal:

(a) l-użu ta' dħul derivat mill-provvista ta' tali servizz għas-sussidjar reċiproku tal-provvista ta' servizz ta' kunsinna express jew ta' kwalunkwe servizz ta' kunsinna mhux universali; u

(b) id-differenzjar b'mod mhux ġustifikat fost il-klijenti, bħal negozji, dawk li jibagħtu volumi kbar ta' posta jew konsolidaturi fir-rigward ta' tariffi jew termini u kundizzjonijiet oħrajn għall-provvista ta' servizz ta' kunsinna li huwa soġġett għal obbligu ta' servizz universali jew monopolju postali.

Artikolu 15.6

Liċenzji

1. Parti li tirrikjedi liċenzja għall-forniment ta' servizzi ta' kunsinna għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku:

(a) ir-rekwiżiti kollha tal-liċenzjar u l-perjodu ta' żmien meħtieġ biex tintlaħaq deċiżjoni dwar applikazzjoni għal liċenzja; u

(b) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-liċenzji.

2. Il-proċeduri, l-obbligi u r-rekwiżiti ta' liċenzja għandhom ikunu trasparenti, mhux diskriminatorji u bbażati fuq kriterji oġġettivi.

3. Parti għandha tiżgura li l-applikant jiġi infurmat bir-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' liċenzja bil-miktub.

Artikolu 15.7

Indipendenza tal-Korp Regolatorju

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm korpi regolatorji li għandhom ikunu legalment distinti u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' kunsinna. Parti li żżomm is-sjieda jew il-kontroll tal-intrapriżi li jipprovdu servizzi ta' kunsinna għandha tiżgura s-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja mill-attivitajiet assoċjati ma' sjieda jew kontroll.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-korpi regolatorji msemmija fil-paragrafu 1 iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod trasparenti u f'waqtu, u li jkollhom riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom.

3. Id-deċiżjonijiet tal-korp regolatorju u l-proċeduri li jintużaw minnu għandhom ikunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha tas-suq.

KAPITOLU 16

SERVIZZI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI

Artikolu 16.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "faċilitajiet assoċjati" tfisser servizzi, infrastrutturi fiżiċi u faċilitajiet oħrajn assoċjati ma' network jew ma' servizz tat-telekomunikazzjoni li jippermettu jew jappoġġaw il-forniment ta' servizzi permezz ta' dak in-network jew is-servizz jew li għandhom il-potenzjal li jagħmlu dan;

(b) "utent finali" tfisser konsumatur finali ta' servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni, jew abbonat għalih, inkluż fornitur ta' servizz għajr fornitur ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni;

(c) "faċilitajiet essenzjali" tfisser faċilitajiet ta' network jew ta' servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni li:

(i) ikunu pprovduti esklużivament jew b'mod predominanti minn fornitur wieħed jew minn numru limitat ta' fornituri; u

(ii) ma jistgħux jiġu ssostitwiti ekonomikament jew teknikament b'mod fattibbli sabiex jiġi pprovdut servizz;

(d) "interkonnessjoni" tfisser l-ikkollegar tan-networks pubbliċi tat-telekomunikazzjoni tal-forniturili jipprovdu servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni sabiex l-utenti ta' fornitur wieħed ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-utenti ta' fornitur ieħor u jkollhom aċċess għas-servizzi pprovduti minn kwalunkwe fornitur li jkun involut jew li jkollu aċċess għan-network;

(e) "komunikazzjonijiet intraazjendali" tfisser telekomunikazzjoni li permezz tagħha intrapriża tikkomunika fi ħdan l-intrapriża jew mas-sussidjarji, mal-fergħat tagħha jew bejniethom u, soġġetta għal-liġi tal-Parti kkonċernata, mal-affiljati jew bejn l-affiljati tagħha, iżda ma tinkludix servizzi kummerċjali jew mhux kummerċjali li huma fornuti lil intrapriżi li ma humiex sussidjarji, fergħat jew affiljati relatati, jew li jiġu offruti lil klijenti jew lil klijenti potenzjali; ([75])

(f) "ċirkwiti lokati" tfisser servizzi jew faċilitajiet tat-telekomunikazzjoni, inklużi dawk ta' natura virtwali jew mhux fiżika, bejn żewġ punti ddeżinjati jew aktar li jitwarrbu għall-użu dedikat jew għad-disponibbiltà ta' utent;

(g) "liċenzja" tfisser kwalunkwe awtorizzazzjoni li Parti tista' teħtieġ minn persuna fiżika jew minn intrapriża, f'konformità mal-liġi tagħha, sabiex toffri servizz tat-telekomunikazzjoni, inklużi iżda mhux limitati għal konċessjonijiet, għal permessi, għal reġistrazzjonijiet jew għal notifiki;

(h) "fornitur ewlieni" tfisser fornitur ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni li għandu l-kapaċità li jaffettwa materjalment it-termini tal-parteċipazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-prezz u l-provvista, f'suq rilevanti għan-networks jew għas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni bħala riżultat ta' kontroll fuq il-faċilitajiet essenzjali jew tal-użu tal-pożizzjoni tiegħu f'dak is-suq;

(i) "element tan-network" tfisser faċilità jew tagħmir użat fil-forniment ta' servizz tat-telekomunikazzjoni, inklużi karatteristiċi, funzjonijiet u kapaċitajiet ipprovduti permezz ta' dik il-faċilità jew dak it-tagħmir;

([75]) Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, it-termini "sussidjarji", "fergħat" u, meta jkun applikabbli, "affiljati" għandhom it-tifsira għal Parti kif definita mil-liġi tagħha.

(j) “mhux diskriminatorju” tfisser il-konformità ma’ trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit kif definit fl-Artikoli 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) u 11.7 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) u trattament nazzjonali kif definit fl-Artikoli (Trattament Nazzjonali) u 11.6 (Trattament Nazzjonali), kif ukoll skont it-trattament mhux anqas favorevoli minn dak mogħti lil kwalunkwe utent ieħor ta’ servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni simili f’sitwazzjonijiet simili, inkluż fir-rigward tal-puntwalità;

(k) “portabbiltà tan-numru” tfisser il-kapaċità tal-utenti finali tas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni li jitolbu li jżommu l-istess numri tat-telefown, fl-istess post fil-każ ta’ linja fissa, meta jaqilbu bejn l-istess kategorija ta’ fornituri ta’ servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni.

(l) “network pubbliku tat-telekomunikazzjoni” tfisser network tat-telekomunikazzjoni użat għall-forniment ta’ servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni bejn il-punti ta’ terminazzjoni tan-network;

(m) “servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni” tfisser servizz tat-telekomunikazzjoni li jiġi offrut lill-pubbliku b’mod ġenerali;

(n) “offerta ta’ interkonnessjoni ta’ referenza” tfisser offerta ta’ interkonnessjoni minn fornitur ewlieni li ssir disponibbli għall-pubbliku, sabiex kwalunkwe fornitur ta’ servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni li jkun lest jaċċetta l-offerta jkun jista’ jikseb interkonnessjoni mal-fornitur ewlieni fuq dik il-bażi;

(o) “telekomunikazzjoni” tfisser it-trażmissjoni u r-riċevuta ta’ sinjali bil-fili, bir-radju, b’mezzi ottiċi jew b’mezzi elettromanjetiċi oħrajn;

(p) “network tat-telekomunikazzjoni” tfisser sistemi ta’ trażmissjoni u, meta applikabbli, tagħmir tal-iswiċċjar jew tar-routing u riżorsi oħrajn, inklużi elementi inattivi tan-network, li jippermettu t-telekomunikazzjoni;

(q) “awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni” tfisser il-korp jew il-korpi responsabbli għar-regolamentazzjoni tan-networks u tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni koperti minn dan il-Kapitolu;

(r) “servizz tat-telekomunikazzjoni” tfisser servizz li jikkonsisti kompletament jew prinċipalment fit-trażmissjoni u fir-riċevuta ta’ sinjali fuq networks tat-telekomunikazzjoni, inkluż fuq networks użati għax-xandir, iżda ma jinkludix servizzi li jipprovdu jew li jeżerċitaw kontroll editorjali fuq kontenut trażmess bl-użu ta’ networks u ta’ servizzi tat-telekomunikazzjoni;

(s) “servizz universali” tfisser is-sett minimu ta’ servizzi li jridu jsiru disponibbli għall-utenti kollha fit-territorju ta’ Parti, li l-ambitu tiegħu huwa definit minn dik il-Parti; u

(t) “utent” tfisser konsumatur jew fornitur ta’ servizz li juża network jew servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 16.2

Kamp ta’ Applikazzjoni u Prinċipji tal-Qafas Regolatorju

1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għall-forniment ta’ networks u ta’ servizzi tat-telekomunikazzjoni, liberalizzati skont il-Kapitoli 10 (Investiment) u 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi), u japplika għall-miżuri adottati jew miżmumin minn Parti li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni.

2. Għal ċertezza akbar, dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżuri adottati jew miżmumin minn Parti li jaffettwaw servizzi li jipprovdu kontenut trażmess bl-użu ta’ networks jew ta’ servizzi tat-telekomunikazzjoni jew li jeżerċitaw kontroll editorjali fuqu.

Artikolu 16.3

Awtorità Regolatorja tat-Telekomunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha tkun legalment distinta u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe fornitur ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, jew minn tagħmir tat-telekomunikazzjoni. Bil-għan li jiġu żgurati l-indipendenza u l-imparzjalità tal-awtoritajiet regolatorji tat-telekomunikazzjoni, kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha ma jkollhiex interess finanzjarju u li ma jkollhiex rwol ta' operat jew ta' ġestjoni fi kwalunkwe fornitur ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, jew f'tagħmir tat-telekomunikazzjoni. Parti li jkollha sjieda jew kontroll ta' forniturі ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni għandha tiżgura separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja minn attivitajiet assoċjati mas-sjieda jew mal-kontroll.

2. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet u l-proċeduri regolatorji tal-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha, relatati ma' dan il-Kapitolu, ikunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha fis-suq.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha taġixxi b'mod indipendenti u ma tfittixx u ma tiħux struzzjonijiet minn kwalunkwe korp ieħor fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompiti assenjati lilha skont il-liġi ta' Parti sabiex tinforza l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 16.5, 16.6, 16.7, 16.9 u 16.10.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha jkollha s-setgħa regolatorja, kif ukoll riżorsi finanzjarji u umani adegwati, sabiex twettaq il-kompiti assenjati lilha bil-għan li tinforza l-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu. Tali setgħa għandha tiġi eżerċitata b'mod trasparenti u puntwali. Il-kompiti tal-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni għandhom jiġu ppubblikati f'forma faċilment aċċessibbli u ċara, b'mod partikolari meta dawk il-kompiti jiġu assenjati lil aktar minn korp wieħed.

5. Kull Parti għandha tipprovdi lill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha bis-setgħa li tiżgura li l-forniturі ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni jipprovdulha, minnufih fuq talba, l-informazzjoni kollha, inkluża l-informazzjoni finanzjarja, li tkun neċessarja sabiex l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha f'konformità ma' dan il-Kapitolu. L-informazzjoni riċevuta għandha tiġi ttrattata f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli tal-Partijiet.

6. Kull Parti għandha tiżgura li utent jew fornitur ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni affettwat minn deċiżjoni tal-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni jkollu d-dritt li jikkontesta dik id-deċiżjoni quddiem korp li jkun indipendenti mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni u mill-partijiet affettwati mid-deċiżjoni ([76]). Sakemm joħroġ l-eżitu ta' dik il-proċedura, id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni għandha tibqa' valida, sakemm ma jingħatawx miżuri *interim* f'konformità mad-dritt tal-Parti kkonċernata.

([76]) Għall-Messiku, ir-regoli ġenerali, l-atti jew l-ommissjonijiet tal-Istitut Federali tat-Telekomunikazzjoni (Instituto Federal de Telecomunicaciones (CRT)) jistgħu jiġu kkontestati biss permezz ta' proċess *amparo* indirett quddiem il-qrati federali speċjalizzati fil-kompetizzjoni, fix-xandir u fit-telekomunikazzjoni u ma għandhomx ikunu soġġetti għal ordni ta' sospensjoni.

Artikolu 16.4

Proċeduri ta' Liċenzjar

1. Jekk Parti teħtieġ li fornitur ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni jkollu liċenzja, hija għandha tiżgura li l-informazzjoni li ġejja tkun disponibbli għall-pubbliku:

(a) it-tipi ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni li jeħtieġu liċenzji;

(b) il-kriterji u l-proċeduri kollha tal-liċenzjar li tapplika;

(c) il-perjodu ta' żmien li normalment tkun teħtieġ sabiex tasal għal deċiżjoni dwar applikazzjoni għal liċenzja jekk tkun meħtieġa deċiżjoni; u

(d) it-termini u l-kundizzjonijiet ġeneralment applikabbli għal liċenzja.

2. Parti li teħtieġ li fornitur ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni jkollu liċenzja għandha tiddeċiedi dwar l-għoti tal-liċenzja fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli sabiex il-fornitur ikun jista' jibda jipprovdi n-networks jew is-servizzi tat-telekomunikazzjoni tiegħu mingħajr dewmien żejjed.

3. Kwalunkwe kriterju ta' liċenzjar, proċedura applikabbli u, jekk impost, obbligu jew kundizzjoni, għandhom ikunu relatati mas-servizzi tat-telekomunikazzjoni pprovduti u għandhom ikunu oġġettivi, proporzjonati, trasparenti u mhux diskriminatorji.

4. Kull Parti għandha tiżgura li applikant jew liċenzjatarju jirċievi, bħala rekwiżit proċedurali jew fuq talba, ir-raġunijiet bil-miktub għal dawn:

(a) ċaħda ta' liċenzja;

(b) l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet jew ta' obbligi speċifiċi għall-fornitur fuq liċenzja;

(c) revoka tal-liċenzja; jew

(d) rifjut tat-tiġdid ta' liċenzja.

5. Kwalunkwe tariffa amministrattiva imposta fuq il-forniturі għandha tkun oġġettiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u proporzjonata għall-kostijiet amministrattivi mġarrbin b'mod raġonevoli fil-ġestjoni, fil-kontroll u fl-infurzar tal-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu. ([77])

Artikolu 16.5

Interkonnessjoni

Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni jkollu d-dritt u, meta mitlub minn fornitur ieħor ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, l-obbligu, li jinnegozja interkonnessjoni għall-finijiet tal-forniment ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni.

([77]) It-tariffi amministrattivi ma jinkludux pagamenti għad-drittijiet għall-użu ta' riżorsi skarsi u kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-forniment ta' servizzi universali.

Artikolu 16.6

Aċċess għal Networks u għal Servizzi Pubbliċi tat-Telekomunikazzjoni u Użu Tagħhom

1. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe fornitur ta' servizzi tal-Parti l-oħra jitħalla jaċċessa u juża networks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, inklużi ċirkwiti lokati, offruti fit-territorju tagħha jew bejn il-fruntieri tagħha b'termini u b'kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji, għall-provvista ta' servizz liberalizzat skont il-Kapitoli 10 (Investiment) u 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi). Dan l-obbligu għandu jiġi implimentat, fost l-oħrajn, billi jkun hemm konformità mal-paragrafi 2 sa 6.

2. Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jitħalla:

(a) jixtri jew jieħu b'lokazzjoni u jinstalla tagħmir terminali jew tagħmir ieħor b'interfaċċa ma' network pubbliku tat-telekomunikazzjoni;

(b) jipprovdi servizzi lil utenti finali individwali jew multipli fuq ċirkwiti lokati jew proprjetà tiegħu;

(c) jikkonnettja ċirkwiti privati lokati jew proprjetà tiegħu ma' networks u ma' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni jew ma' ċirkwiti lokati jew li huma proprjetà ta' fornitur ieħor ta' servizzi; u

(d) juża protokolli operatorji tal-għażla tal-fornitur ta' servizzi fil-provvista ta' kwalunkwe servizz, għajr kif ikun neċessarju sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni lill-pubbliku b'mod ġenerali.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra jkunu jistgħu jużaw networks u servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni għall-moviment ta' informazzjoni fit-territorju tagħha jew bejn il-fruntieri tagħha, inkluż għal komunikazzjonijiet intraazjendali ta' tali fornituri ta' servizzi, u għall-aċċess għall-informazzjoni li tinsab f'bażijiet tad-data jew li b'xi mod ieħor tinħażen f'forma li tinqara minn magna fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet.

4. Minkejja l-paragrafu 3, Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri li jkunu neċessarji sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, soġġetta għar-rekwiżit li dawk il-miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fis-servizzi.

5. Kull Parti għandha tiżgura li ma tiġi imposta l-ebda kundizzjoni fuq l-aċċess għal networks u għal servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni u fuq l-użu tagħhom, għajr dawk il-kundizzjonijiet neċessarji sabiex:

(a) jiġu ssalvagwardjati r-responsabbiltajiet tas-servizz pubbliku tal-fornituri ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, b'mod partikolari l-kapaċità tagħhom li jagħmlu s-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni tagħhom disponibbli għall-pubbliku b'mod ġenerali; jew

(b) tiġi protetta l-integrità teknika tan-networks jew tas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni.

6. Diment li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 5, il-kundizzjonijiet għall-aċċess għal networks u għal servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni u għall-użu tagħhom jistgħu jinkludu:

(a) restrizzjonijiet fuq il-bejgħ mill-ġdid jew fuq l-użu kondiviż ta' dawk is-servizzi;

(b) rekwiżit li jintużaw interfaċċi tekniċi speċifikati, inklużi protokolli tal-interfaċċa, għall-interkonnessjoni ma' dawk in-networks u s-servizzi;

(c) ir-rekwiżiti, jekk ikunu neċessarji, għall-interoperabbiltà ta' dawk is-servizzi u għat-tħeġġiġ tal-ilħuq tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 16.18;

(d) l-approvazzjoni tat-tip ta' tagħmir terminali jew ta' tagħmir ieħor li jinterfaċċa man-network u tar-rekwiżiti tekniċi relatati mat-twaħħil ta' dak it-tagħmir ma' dawk in-networks;

(e) ir-restrizzjonijiet fuq l-interkonnessjoni ta' ċirkwiti privati lokati jew proprjetà ma' dawk in-networks jew is-servizzi jew ma' ċirkwiti lokati jew li huma proprjetà ta' fornitur ieħor ta' servizzi; jew

(f) ir-rekwiżiti ta' notifika, ta' reġistrazzjoni u ta' liċenzjar.

Artikolu 16.7

Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Telekomunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li f'tilwima li tirriżulta bejn il-fornituri ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni b'rabta mad-drittijiet u mal-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu, l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha toħroġ fuq talba ta' waħda mill-partijiet involuti fit-tilwima, deċiżjoni vinkolanti sabiex it-tilwima tiġi solvuta fil-perjodu ta' żmien stipulat fil-liġi ta' dik il-Parti.

2. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjoni maħruġa mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità kummerċjali. Kull Parti għandha tiżgura li l-partijiet involuti fit-tilwima jirċievu dikjarazzjoni sħiħa tar-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni u jkollhom id-dritt li jikkontestaw dik id-deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 16.3.6.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jipprekludu lil parti involuta fit-tilwima milli tressaq azzjoni quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji. ([78])

Artikolu 16.8

Salvagwardji Kompetittivi fuq Fornituri Ewlenin

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri xierqa għall-fini tal-prevenzjoni ta' fornituri ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni li, waħedhom jew flimkien, ikunu fornitur ewlieni, milli jwettqu jew ikomplu prattiki antikompetittivi.

2. Il-prattiki antikompetittivi msemmijin fil-paragrafu 1 jinkludu b'mod partikolari:

(a) l-involviment f'sussidjar reċiproku antikompetittiv;

(b) l-użu ta' informazzjoni miksuba minn kompetituri b'riżultati antikompetittivi; u

(c) meta, għal fornituri oħrajn ta' servizzi, ma ssirx disponibbli b'mod puntwali informazzjoni teknika dwar faċilitajiet essenzjali u informazzjoni kummerċjalment rilevanti li tkun neċessarja għalihom sabiex jipprovdu servizzi.

([78]) Għall-Messiku, ir-regoli ġenerali, l-atti jew l-ommissjonijiet tal-Istitut Federali tat-Telekomunikazzjoni (Instituto Federal de Telecomunicaciones (CRT)) jistgħu jiġu kkontestati biss permezz ta' proċess *amparo* indirett quddiem il-qrati federali speċjalizzati fil-kompetizzjoni, fix-xandir u fit-telekomunikazzjoni u ma għandhomx ikunu soġġetti għal ordni ta' sospensjoni.

Artikolu 16.9

Interkonnessjoni ma' Fornituri Ewlenin

1. Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ewlieni ta' networks u ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha jipprovdi interkonnessjoni ma' fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra:

(a) fi kwalunkwe punt teknikament fattibbli fin-network ta' dak il-fornitur ewlieni;

(b) b'termini u b'kundizzjonijiet mhux diskriminatorji inkluż fir-rigward tar-rati, tal-istandards tekniċi, tal-ispeċifikazzjonijiet, tal-kwalità u tal-manutenzjoni;

(c) ta' kwalità mhux anqas favorevoli minn dik ipprovduta għas-servizzi simili tagħha stess, jew għal servizzi simili tas-sussidjarji tagħha jew ta' affiljati oħrajn tagħha;

(d) b'mod puntwali, u b'termini u b'kundizzjonijiet, inklużi rati [79], standards tekniċi u speċifikazzjonijiet, li jkunu trasparenti, raġonevoli, filwaqt li titqies il-fattibbiltà ekonomika, u diżaggregati biżżejjed sabiex il-fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni ma jkollhomx għalfejn iħallsu għal komponenti jew għal faċilitajiet tan-network li ma jeħtiġux sabiex jiġi pprovdut is-servizz; u

(e) fuq talba, f'punti minbarra l-punti ta' terminazzjoni tan-network offruti lill-maġġoranza tal-utenti, soġġetti għal imposti li jirriflettu l-kost tal-kostruzzjoni tal-faċilitajiet addizzjonali neċessarji.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ewlenin fit-territorju tagħha jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, kif xieraq, jew:

(a) offerta ta' interkonnessjoni ta' referenza jew offerta ta' interkonnessjoni standard oħra li jkun fiha t-termini u l-kundizzjonijiet, u rati li l-fornitur ewlieni joffri b'mod ġenerali lill-fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni; jew

(b) it-termini u l-kundizzjonijiet ta' ftehim ta' interkonnessjoni fis-seħħ.

3. Kull Parti għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-proċeduri applikabbli għan-negozjati dwar l-interkonnessjoni ma' fornitur ewlieni fit-territorju tagħha.

Artikolu 16.10

Aċċess għal Faċilitajiet Essenzjali

1. Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ewlieni fit-territorju tagħha jagħti aċċess għall-faċilitajiet essenzjali tiegħu lill-fornituri ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni b'termini u b'kundizzjonijiet raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji bbażati fuq offerta ġeneralment disponibbli għall-fini li jiġu pprovduti servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, ħlief fejn dan l-aċċess ma jkunx neċessarju sabiex tinkiseb kompetizzjoni effettiva fuq il-bażi tal-fatti miġburin u tal-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq imwettqa mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni. Il-faċilitajiet essenzjali ta' fornitur ewlieni jistgħu jinkludu elementi tan-network, servizzi ta' ċirkwiti lokati u faċilitajiet assoċjati.

2. Kull Parti għandha tipprovdi lill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha bis-setgħa li tiddetermina l-faċilitajiet essenzjali meħtieġa li jsiru disponibbli fit-territorju tagħha minn fornitur ewlieni, u sa liema punt dawk il-faċilitajiet essenzjali għandhom jiġu diżaggregati. Determinazzjoni bħal din għandha tkun ibbażata, fost affarijiet oħrajn, fuq l-objettiv li jinkisbu kompetizzjoni effettiva u l-benefiċċju tal-interess fit-tul tal-utenti finali.

[79] Xejn f'dan il-paragrafu ma għandu jipprekludi lil Parti milli tirrikjedi li fornitur ewlieni jipprovdi interkonnessjoni b'rati orjentati lejn il-kostijiet. "Rati orjentati lejn il-kostijiet" tfisser rati bbażati fuq il-kost, li jistgħu jinkludu profitt raġonevoli, u jistgħu jinvolvu metodoloġiji differenti tal-kostijiet għal faċilitajiet jew għal servizzi differenti.

3. Jekk Parti tkun teħtieġ li fornitur ewlieni joffri s-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni tagħha għall-bejgħ mill-ġdid, hija għandha tiżgura li l-fornitur ewlieni ma jimponix kundizzjonijiet mhux raġonevoli jew diskriminatorji fuq il-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni tagħha.

Artikolu 16.11

Riżorsi Skarsi

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-allokazzjoni u l-għoti tad-drittijiet għall-użu ta' riżorsi skarsi, inkluż l-ispettru tar-radju, in-numri u d-drittijiet ta' passaġġ, jitwettqu b'mod miftuħ, oġġettiv, f'waqtu, trasparenti, mhux diskriminatorju u proporzjonat u bil-għan li jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali, inkluża l-promozzjoni tal-kompetizzjoni. Il-proċeduri, u l-kundizzjonijiet u l-obbligi marbutin mad-drittijiet tal-użu, għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-użu kurrenti tal-baned ta' frekwenza allokati jsir disponibbli għall-pubbliku, iżda ma tkunx meħtieġa identifikazzjoni dettaljata tal-ispettru tar-radju allokat għal skopijiet governattivi speċifiċi.

3. Parti tista' tiddependi fuq approċċi bbażati fuq is-suq, bħal proċeduri ta' offerti, sabiex tassenja spettru tar-radju għal użu kummerċjali.

4. Il-miżuri ta' Parti li talloka u tassenja l-ispettru tar-radju u l-frekwenza tal-ġestjoni ma humiex minnhom infushom inkonsistenti mal-Artikoli 10.6 (Aċċess għas-Suq) u 11.4 (Aċċess għas-Suq). Kull Parti żżomm id-dritt li tadotta u żżomm miżuri ta' ġestjoni tal-ispettru u tal-frekwenzi li jista' jkollhom l-effett li jillimitaw in-numru ta' fornituri ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, diment li dawk il-miżuri jkunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dan il-Ftehim. Dak id-dritt jinkludi l-kapaċità li jiġu allokati baned ta' frekwenza filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet kurrenti u futuri u d-disponibbiltà tal-ispettru tar-radju.

Artikolu 16.12

Portabbiltà tan-Numru

Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha jipprovdu l-portabbiltà tan-numru fuq bażi puntwali, mingħajr indeboliment tal-kwalità, tal-affidabbiltà jew tal-konvenjenza, u b'termini u b'kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji.

Artikolu 16.13

Servizz Universali

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligi ta' servizz universali li tixtieq iżżomm.

2. Kull Parti għandha tamministra kwalunkwe obbligu ta' servizz universali b'mod li jkun trasparenti, mhux diskriminatorju u newtrali fir-rigward tal-kompetizzjoni. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe obbligu ta' servizz universali li timponi ma jkunx aktar ta' piż milli neċessarju għat-tip ta' servizz universali li tkun iddefiniet. L-obbligi ta' servizz universali definiti skont dawn il-prinċipji ma għandhomx minnhom infushom jitqiesu bħala antikompetittivi.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri għad-dożinjazzjoni ta' fornituri ta' servizzi universali jkunu miftuħin għall-fornituri kollha ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni. Id-dożinjazzjoni għandha ssir permezz ta' mekkaniżmu effiċjenti, trasparenti u mhux diskriminatorju.

4. Jekk Parti tiddeċiedi li tikkumpensa lill-fornituri ta' servizzi universali, hija għandha tiżgura li tali kumpens ma jaqbiżx il-ħtiġijiet direttament attribwibbli għall-obbligu ta' servizzi universali, kif iddeterminat permezz ta' proċess kompetittiv jew determinazzjoni tal-kostijiet netti.

Artikolu 16.14

Kunfidenzjalità tal-Informazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni li jiksbu informazzjoni mingħand fornitur ieħor ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, fil-proċess ta' arranġamenti ta' negozjar skont l-Artikolu 16.5, 16.9 jew 16.10, jużaw dik l-informazzjoni biss għall-iskop li għalih tkun ġiet ipprovduta u jirrispettaw f'kull ħin il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura l-kunfidenzjalità tad-data dwar it-telekomunikazzjoni u t-traffiku relatat trażmessa minn networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, soġġetta għar-rekwiżit li l-miżuri applikati għal dak l-għan ma jikkostitwixxux mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fis-servizzi.

Artikolu 16.15

Newtralità Teknoloġika

Il-Partijiet jagħrfu l-benefiċċji tan-newtralità teknoloġika, b'mod partikolari fir-rigward tal-abilitazzjoni tal-fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni sabiex jagħżlu t-teknoloġiji li jixtiequ jużaw għall-forniment tas-servizzi tagħhom. Parti tista' tillimita din l-għażla billi tadotta jew iżżomm rekwiżiti neċessarji sabiex jintlaħqu objettivi leġittimi tal-ordni pubbliku, diment li dawk ir-rekwiżiti ma joħolqux ostakli bla bżonn għall-kummerċ.

Artikolu 16.16

Trattament minn Fornituri Ewlenin

Kull Parti għandha tipprovdi lill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha bis-setgħa li tirrikjedi, fejn xieraq, li fornitur ewlieni fit-territorju tagħha jagħti lill-fornituri ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli minn dak li l-fornitur ewlieni jagħti f'sitwazzjonijiet simili lis-sussidjarji tiegħu jew lill-affiljati tiegħu, rigward:

(a) id-disponibbiltà, il-proviżjonament, ir-rati jew il-kwalità ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni simili; u

(b) id-disponibbiltà tal-interfaċċi tekniċi neċessarji għall-interkonnessjoni.

Artikolu 16.17

Roaming Mobbli Internazzjonali

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkooperaw dwar il-promozzjoni ta' rati trasparenti u raġonevoli għas-servizzi tar-roaming mobbli internazzjonali bil-ħsieb li jippromwovu t-tkabbir tal-kummerċ bejn il-Partijiet u jtejbu l-benessri tal-konsumatur.

2. Parti tista' ttejjeb it-trasparenza u l-kompetizzjoni fir-rigward tar-rati tar-roaming mobbli internazzjonali u l-alternattivi teknoloġiċi għas-servizzi tar-roaming b'mod partikolari billi:

(a) tiżgura li l-informazzjoni dwar ir-rati tal-bejgħ bl-imnut tkun faċilment aċċessibbli għall-konsumaturi; u

(b) timminimizza l-impedimenti għall-użu ta' alternattivi teknoloġiċi għar-roaming, b'tali mod li l-konsumaturi li jżuru t-territorju tagħha jkunu jistgħu jaċċessaw servizzi tat-telekomunikazzjoni bl-użu tal-apparat tal-għażla tagħhom.

Artikolu 16.18

Standards u Organizzazzjonijiet Internazzjonali

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza ta' standards internazzjonali għall-kompatibbiltà u għall-interoperabbiltà globali tan-networks jew tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni u għandhom jippromwovu dawk l-istandards permezz tal-ħidma tal-korpi internazzjonali rilevanti, inkluża l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni.

KAPITOLU 17

SERVIZZI INTERNAZZJONALI TAT-TRASPORT MARITTIMU

Artikolu 17.1

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, it-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investimenti) tal-Kapitolu 10 (Investiment), kif ukoll il-Kapitoli 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi), 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Negozju) u 18 (Servizzi Finanzjarji):

(a) "servizzi ta' stazzjon u ta' depot tal-kontejners" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħżin ta' kontejners, kemm jekk f'żoni tal-port kif ukoll f'ilmijiet interni, bil-għan ta' tagħbija jew ta' ħatt tal-merkanzija, ta' tiswija u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tagħhom għall-vjeġġi;

(b) "servizzi ta' żdoganar tal-merkanzija" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-twettiq f'isem parti oħra ta' formalitajiet doganali li jikkonċernaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport ta' merkanzija, f'isem parti oħra, jekk dawk is-servizzi jkunu l-attività ewlenija tal-fornitur ta' servizz jew komplement abitwali għall-attività ewlenija tiegħu;

(c) "operazzjonijiet ta' trasport minn bieb sa bieb jew multimodali" tfisser it-trasport ta' merkanzija bl-użu ta' aktar minn mod wieħed tat-trasport, li jinvolvi sea-leg internazzjonali, taħt dokument uniku tat-trasport;

(d) "servizzi ta' spedizzjoni" tfisser l-attività li tikkonsisti fl-organizzazzjoni u fil-monitoraġġ tal-operazzjonijiet tat-trasport bil-baħar f'isem konsenjaturi, permezz tal-akkwist ta' servizzi tat-trasport u ta' servizzi relatati, it-tħejjija ta' dokumentazzjoni u l-provvista ta' informazzjoni kummerċjali;

(e) "merkanzija internazzjonali" tfisser merkanzija ttrasportata bejn port ta' Parti u port tal-Parti l-oħra jew ta' pajjiż terz, jew bejn port ta' Stat Membru wieħed tal-Unjoni Ewropea u port ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea;

(f) "servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali" tfisser it-trasport ta' passiġġieri jew ta' merkanzija minn bastimenti tat-tbaħħir bejn port ta' Parti u port tal-Parti l-oħra jew ta' pajjiż terz jew bejn port ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u port ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, inkluż l-ikkuntrattar direct ma' fornituri ta' servizzi oħrajn tat-trasport, bil-ħsieb li jiġu koperti operazzjonijiet ta' trasport minn bieb sa bieb jew multimodali taħt dokument uniku tat-trasport, iżda mhux jinkludu d-dritt li jiġu pprovduti tali servizzi oħrajn tat-trasport;

(g) "servizzi awżiljarji marittimi" tfisser servizzi marittimi ta' maniġġ ta' merkanzija, servizzi ta' żdoganar tal-merkanzija, servizzi ta' stazzjon u ta' depot tal-kontejners, servizzi ta' aġenzija marittima u servizzi marittimi ta' spedizzjoni;

(h) "servizzi ta' aġenzija marittima" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fir-rappreżentanza, f'żona ġeografika partikolari, bħala aġent, tal-interessi kummerċjali ta' linja tat-tbaħħir waħda jew aktar jew ta' kumpaniji tat-tbaħħir, għall-finijiet li ġejjin:

(i) il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ tat-trasport marittimu u tas-servizzi relatati, mill-kwotazzjoni sal-fatturazzjoni, u l-ħruġ ta' poloz ta' kargu f'isem dawk il-kumpaniji, l-akkwist u l-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi relatati neċessarji, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni, u l-għoti ta' informazzjoni dwar in-negozju; jew

(ii) l-aġir f'isem dawk il-kumpaniji bl-organizzazzjoni tal-waqfa tal-bastiment jew it-teħid tar-responsabbiltà għall-merkanzija meta jkun meħtieġ; u

(i) "servizzi marittimi ta' maniġġ ta' merkanzija" tfisser attivitajiet eżerċitati minn kumpaniji tal-burdnara, inklużi operaturi tat-terminali iżda mhux inklużi l-attivitajiet diretti tal-ħaddiema tal-baċiri, fejn il-ħaddiema tal-baċiri huma organizzati indipendentement mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi tat-terminali; inklużi l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta' dawn:

(i) it-tagħbija jew il-ħatt tal-merkanzija fuq jew minn bastiment;

(ii) l-irbit jew il-ħall tal-merkanzija; jew

(iii) ir-riċevuta jew il-konsenja u s-salvagwardja tal-merkanzija qabel il-vjeġġ jew wara r-rilaxx.

Artikolu 17.2

Objettiv

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-prinċipji rigward il-liberalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali skont it-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investimenti) tal-Kapitolu 10 (Investiment), kif ukoll il-Kapitoli 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi), 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Negozju) u 18 (Servizzi Finanzjarji).

Artikolu 17.3

Prinċipji

1. Soġġett għal kwalunkwe miżura li Parti tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' setturi, subsetturi jew attivitajiet, f'konformità mal-Annessi I, II, III u VI, kull Parti għandha:

(a) tapplika b'mod effettiv il-prinċipju ta' aċċess mingħajr restrizzjoni għas-swieq u għar-rotot marittimi internazzjonali fuq bażi kummerċjali u mhux diskriminatorja; u

(b) tagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Parti l-oħra jew operati minn fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli minn dak mogħti lill-bastimenti tagħha stess fir-rigward, fost affarijiet oħrajn, tal-aċċess għall-portijiet, tal-użu tal-infrastruttura u tas-servizzi tal-portijiet, u tal-użu ta' servizzi awżiljarji marittimi, kif ukoll fir-rigward tat-tariffi u tal-imposti relatati, tal-faċilitajiet doganali u tal-assenjazzjoni ta' rmiġġi u ta' faċilitajiet għat-tagħbija u għall-ħatt.

2. Meta japplikaw il-prinċipji msemmijin fis-subparagrafi 1(a) u (b), il-Partijiet:

(a) ma għandhomx jintroduċu arranġamenti ta' qsim tal-merkanzija fi ftehimiet futuri ma' pajjiżi terzi li jikkonċernaw servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali, inklużi kummerċ ta' merkanzija xotta bl-ingrossa u ta' merkanzija likwida sfuża u kummerċ marittimu, u jtemmu, fi ħdan perjodu raġonevoli ta' żmien, arranġamenti ta' qsim tal-merkanzija bħal dawn f'każ li jkunu jeżistu fi ftehimiet preċedenti; u

(b) mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għandhom jabolixxu u jastjenu milli jintroduċu kwalunkwe miżura unilaterali jew ostaklu amministrattiv, tekniku u ta' xorta oħra li jistgħu jikkostitwixxu restrizzjoni moħbija jew ikollhom effetti diskriminatorji fuq il-provvista ħielsa ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali.

3. Kull Parti għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi marittimi internazzjonali tal-Parti l-oħra li jkollhom intrapriża stabbilita u li topera fit-territorju tagħha skont l-Annessi I, II , III u VI .

4. Il-Partijiet għandhom jagħmlu disponibbli għall-fornituri ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra, b'termini u b'kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji, is-servizzi li ġejjin fil-port: il-pilotaġġ, l-assistenza għall-irmonk, il-proviżjonament, ir-riforniment tal-fjuwil u tal-ilma, il-ġbir tal-iskart u r-rimi tal-iskart tas-saborra, is-servizzi ta' kaptan tal-port, l-għajnuniet għan-navigazzjoni, il-faċilitajiet ta' tiswija ta' emerġenza, l-ankraġġ, l-irmiġġ u s-servizzi ta' rmiġġ, kif ukoll servizzi operazzjonali bbażati fuq l-art li huma essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastimenti, inklużi l-komunikazzjonijiet, il-provvisti tal-ilma u tal-elettriku.

KAPITOLU 18

SERVIZZI FINANZJARJI

Artikolu 18.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntiera ta' Parti" tfisser persuna ta' Parti li tkun involuta fil-provvista ta' servizzi finanzjarji fit-territorju ta' dik il-Parti u li tforni jew li tfittex li tforni servizz finanzjarju permezz tal-provvista transfruntiera ta' dawk is-servizzi;

(b) "kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji" jew "provvista transfruntiera ta' servizzi finanzjarji" tfisser il-provvista ta' servizz finanzjarju:

(i) mit-territorju ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(ii) fit-territorju ta' Parti lil konsumatur ta' servizz tal-Parti l-oħra; tali provvista ta' servizz finanzjarju ma tinkludix il-provvista ta' servizz finanzjarju fit-territorju ta' Parti b'investiment f'dak it-territorju;

(c) "istituzzjoni finanzjarja" tfisser kwalunkwe fornitur ta' servizzi finanzjarji li jwettaq servizz finanzjarju jekk dak il-fornitur ikun awtorizzat jagħmel negozju, regolat jew sorveljat bħala istituzzjoni finanzjarja skont id-dritt tal-Parti li fit-territorju tagħha jkun jinsab il-fornitur, inkluża fergħa fit-territorju tal-Parti ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji li l-uffiċċju reġistrat tagħha jkun jinsab fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(d) "istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra" tfisser istituzzjoni finanzjarja li tinsab fit-territorju ta' Parti li tkun ikkontrollata minn persuna tal-Parti l-oħra;

(e) "servizz finanzjarju" tfisser kwalunkwe servizz ta' natura finanzjarja li jinkludi s-servizzi kollha tal-assigurazzjoni u dawk kollha relatati mal-assigurazzjoni, u s-servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħrajn kollha (eskluża l-assigurazzjoni); li jkopru l-attivitajiet li ġejjin:

(i) servizzi tal-assigurazzjoni u dawk relatati mal-assigurazzjoni:

(A) l-assigurazzjoni diretta inkluża l-koassigurazzjoni:

(1) tal-ħajja;

(2) mhux tal-ħajja;

(B) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni;

(C) l-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħas-senserija u l-aġenzija; u

(D) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni, bħal servizzi ta' konsulenza, attwarjali, ta' valutazzjoni tar-riskju, u ta' saldu tal-pretensjonijiet; u

(ii) servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħrajn (minbarra l-assigurazzjoni):

(A) l-aċċettazzjoni ta' depożiti u ta' fondi ripagabbli oħrajn mingħand il-pubbliku;

(B) self ta' kull tip, inklużi l-kreditu għall-konsumatur, il-kreditu ipotekarju, il-fatturament u l-finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali;

(C) il-lokazzjoni finanzjarja;

(D) is-servizzi kollha ta' pagament u ta' trażmissjoni tal-flus, inklużi karti ta' kreditu, ta' imposti u ta' debitu, ċekkijiet tal-vjaġġaturi, u ċekkijiet bankarji;

(E) garanziji u impenji;

(F) negozjar akkont proprju jew għan-nom ta' klijenti, kemm jekk f'borża jew f'suq finanzjarju barra l-borża, jew inkella dawn li ġejjin:

(1) strumenti tas-suq monetarju, inklużi ċekkijiet, kontijiet, ċertifikati ta' depożiti;

(2) muniti barranin;

(3) prodotti derivattivi inklużi futuri u opzjonijiet;

(4) strumenti tar-rata tal-kambju u tar-rata tal-imgħax, inklużi prodotti bħal swaps, ftehimiet forward tar-rata tal-kambju;

(5) titoli trasferibbli; u

(6) strumenti negozjabbli u assi finanzjarji oħrajn, inkluż bullion;

(G) il-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inklużi s-sottoskrizzjoni u l-pjazzament bħala aġent (kemm jekk pubbliku kif ukoll jekk privat) u l-forniment ta' servizzi relatati mat-tali ħruġ;

(H) is-senserija tal-flus;

(I) l-immaniġġar ta' assi, bħall-ġestjoni tal-flus jew tal-portafoll, il-forom kollha ta' mmaniġġar kollettiv ta' portafolji, l-immaniġġar ta' fondi providenti, servizzi ta' kustodja, ta' depożitu , u ta' trust;

(J) servizzi ta' saldu u ta' kklerjar għal assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi, u strumenti negozjabbli oħrajn;

(K) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u tal-ipproċessar ta' data finanzjarja u tas-software relatat mill-forniturі ta' servizzi finanzjarji oħrajn; u

(L) il-konsulenza, l-intermedjazzjoni, u servizzi finanzjarji awżiljarji oħrajn dwar l-attivitajiet kollha elenkati fis-subparagrafi (A) sa (K), inklużi r-referenza u l-analiżi tal-kreditu, riċerka u pariri dwar l-investimenti u l-portafolji, pariri dwar akkwiżizzjonijiet u dwar ir-ristrutturar u l-istrateġija korporattivi;

(f) "fornitur ta' servizzi finanzjarji" tfisser persuna ta' Parti li tfittex li tipprovdi jew tforni servizz finanzjarju fit-territorju ta' dik il-Parti iżda ma tinkludix entità pubblika;

(g) "investiment" tfisser investiment kif definit fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.1 (Definizzjonijiet) ħlief dak fir-rigward ta' self u ta' strumenti ta' dejn oħrajn imsemmijin f'dik id-definizzjoni:

(i) self lil, jew strument ta' dejn maħruġ minn, istituzzjoni finanzjarja huwa kopert mill-investiment ta' terminu jekk jiġi ttrattat bħala kapital regolatorju mill-Parti li fit-territorju tagħha tkun tinsab l-istituzzjoni finanzjarja, irrispettivament mill-maturità tiegħu; u

(ii) self mogħti, jew strument ta' dejn li jkun proprjetà ta' istituzzjoni finanzjarja, għajr self lil istituzzjoni finanzjarja msemmija fis-subparagrafu (i) jew strument ta' dejn tagħha ma jkunx kopert mill-investiment fit-terminu;

għal ċertezza akbar, self mogħti minn, jew strument ta' dejn li huwa proprjetà ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntier għajr self lil istituzzjoni finanzjarja jew strument ta' dejn maħruġ minnha, huwa investiment għall-finijiet tal-Kapitolu 10 (Investiment), diment li l-istrument ta' self jew ta' dejn jissodisfa l-kriterji għall-investimenti stabbiliti fl-Artikolu 10.1 (Definizzjonijiet);

(h) "investitur ta' Parti" tfisser investitur ta' Parti kif definit fl-Artikolu 10.1 (Definizzjonijiet).

(i) "servizz finanzjarju ġdid" tfisser servizz ta' natura finanzjarja, inklużi servizzi relatati ma' prodotti eżistenti u ġodda jew il-mod li bih jiġi kkonsenjat prodott, li ma jiġi fornut minn xi fornitur ta' servizzi finanzjarji fit-territorju ta' Parti iżda li jiġi fornut fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(j) "entità pubblika" tfisser:

(i) gvern, bank ċentrali jew awtorità monetarja, ta' Parti, jew entità li tkun proprjetà ta' Parti jew ikkontrollata minnha, li tkun prinċipalment involuta fit-twettiq ta' funzjonijiet jew ta' attivitajiet governattivi għal finijiet governattivi, li ma tinkludix entità prinċipalment involuta fil-forniment ta' servizzi finanzjarji skont termini kummerċjali; jew

(ii) entità privata, li twettaq funzjonijiet normalment imwettqin minn bank ċentrali jew minn awtorità monetarja, meta teżerċita dawk il-funzjonijiet; u

(k) "organizzazzjoni awtoregolatorja" tfisser kwalunkwe korp mhux governattiv, inkluż kwalunkwe borża jew suq tat-titoli jew tal-futuri, aġenzija tal-ikklerjar, jew organizzazzjoni jew assoċjazzjoni oħra, li teżerċita awtorità regolatorja jew superviżorja fuq il-forniturituri ta' servizzi finanzjarji jew istituzzjonijiet finanzjarji skont statut jew delega minn Parti.

Artikolu 18.2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri adottati jew miżmumin minn Parti relatati ma':

(a) istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra;

(b) investituri tal-Parti l-oħra, u investimenti ta' dawk l-investituri, f'istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorju tal-Parti; u

(c) kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji.

2. Għal ċertezza akbar, il-Kapitolu 10 (Investiment) japplika għal miżuri adottati jew miżmumin minn Parti:

(a) relatati ma' investituri ta' Parti u ma' investimenti ta' dawk l-investituri f'forniture ta' servizzi finanzjarji li ma humiex istituzzjonijiet finanzjarji; u

(b) għajr miżuri relatati mal-provvista ta' servizzi finanzjarji, relatati ma' investituri ta' Parti jew ma' investimenti ta' dawk l-investituri f'istituzzjonijiet finanzjarji.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżuri adottati jew miżmumin minn Parti relatati mal-attivitajiet jew is-servizzi li ġejjin, ħlief sal-punt li dik il-Parti tippermetti li kwalunkwe waħda minn dawk l-attivitajiet jew is-servizzi titwettaq mill-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha f'kompetizzjoni ma' entità pubblika jew istituzzjoni finanzjarja::

(a) attivitajiet jew servizzi li jifformaw parti minn pjan pubbliku tal-irtirar jew minn sistema statutorja tas-sigurtà soċjali; jew

(b) attivitajiet jew servizzi mwettqin għall-kont jew bil-garanzija jew bl-użu tar-riżorsi finanzjarji tal-Parti, inklużi l-entitajiet pubbliċi tagħha.

4. Dan il-Kapitolu ma japplikax għall-akkwist pubbliku ta' servizzi finanzjarji.

5. Xejn f'dan il-Ftehim ma japplika għal attivitajiet imwettqin minn bank ċentrali jew minn awtorità monetarja jew minn kwalunkwe entità pubblika oħra fis-segwitu ta' politiki monetarji jew tar-rati tal-kambju.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli 10 (Investiment) u 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi) japplikaw għal miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu biss sa fejn dawk id-dispożizzjonijiet jiġu inkorporati u jsiru parti minn dan il-Kapitolu.

7. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma b'dan inkorporati fi u magħmulin parti minn dan il-Kapitolu u japplikaw *mutatis mutandis* għall-miżuri adottati jew miżmumin minn Parti relatata mal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra, mal-investituri tal-Parti l-oħra, u mal-investimenti ta' dawk l-investituri, fl-istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorju tal-Parti:

(a) l-Artikoli 10.11 (Rekwiżiti Formali), 10.14 (Objettivi u Miżuri ta' Investiment u Regolatorji), 10.15 (Trattament tal-Investituri u tal-Investimenti Koperti), 10.16 (Trasferimenti), 10.17 (Kumpens għal Telf), 10.18 (Esproprjazzjoni u Kumpens), 10.19 (Surroga), 10.52 (Ċaħda ta' Benefiċċji) u 11.9 (Ċaħda ta' Benefiċċji); u

b) it-Taqsima D (Riżoluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment) tal-Kapitolu 10 (Investiment) biss għal pretensjonijiet li Parti tkun kisret l-Artikolu 18.3 jew 18.4 fir-rigward tal-operat ta' istituzzjoni finanzjarja jew ta' investiment f'istituzzjoni finanzjarja, jew tkun kisret l-Artikolu 10.11 (Rekwiżiti Formali), 10.15 (Trattament tal-Investituri u tal-Investimenti Koperti), 10.16 (Trasferimenti), 10.17 (Kumpens għal Telf), 10.18 (Esproprjazzjoni u Kumpens), 10.52 (Ċaħda ta' Benefiċċji) jew 11.9 (Ċaħda ta' Benefiċċji).

8. Jekk tinħoloq inkonsistenza bejn dan il-Kapitolu u kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, dan il-Kapitolu għandu jipprevali sal-punt tal-inkonsistenza.

Artikolu 18.3

Trattament Nazzjonali

1. L-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali) huwa b'dan inkorporat f'dan il-Kapitolu u magħmul parti minnu u japplika għall-miżuri adottati jew miżmumin minn Parti b'rabta mat-trattament tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-investituri tal-Parti l-oħra u l-investimenti tagħhom fl-istituzzjonijiet finanzjarji.

2. It-trattament mogħti minn Parti lill-investituri tagħha stess u lill-investimenti tagħhom skont l-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali) ifisser trattament mogħti lill-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha stess u lill-investimenti tal-investituri tagħha stess f'istituzzjonijiet finanzjarji.

Artikolu 18.4

Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit

1. L-Artikolu 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) huwa b'dan inkorporat f'dan il-Kapitolu u magħmul parti minnu u japplika għall-miżuri adottati jew miżmumin minn Parti b'rabta mat-trattament tal–istituzzjonijiet finanzjarji u tal-investituri tal-Parti l-oħra u l-investimenti tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji.

2. It-trattament mogħti minn Parti lill-investituri ta' pajjiż terz u lill-investimenti tagħhom skont l-Artikolu 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) ifisser trattament mogħti lill-istituzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiż terz u l-investimenti ta' pajjiż terz f'istituzzjonijiet finanzjarji.

Artikolu 18.5

Aċċess għas-Suq

1. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra jew fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz tal-istabbiliment ta' istituzzjoni finanzjarja minn investitur tal-Parti l-oħra, jew fuq il-bażi tat-territorju kollu tagħha jew abbażi ta' subdiviżjoni territorjali, miżura li:

(a) timponi limitazzjonijiet fuq:

(i) in-numru ta' istituzzjonijiet finanzjarji, kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, ta' monopolji, ta' fornituri ta' servizzi esklużivi jew tar-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(ii) il-valur totali tat-tranżazzjonijiet jew tal-assi tas-servizzi finanzjarji fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(iii) in-numru totali ta' operazzjonijiet ta' servizzi finanzjarji jew il-kwantità totali ta' output ta' servizzi finanzjarji espressi f'termini ta' unitajiet numeriċi magħżulin fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(iv) in-numru totali ta' persuni fiżiċi li jistgħu jiġu impjegati f'settur partikolari tas-servizzi finanzjarji jew li istituzzjoni finanzjarja tista' timpjega u li jkunu neċessarji għat-twettiq ta' servizz finanzjarju speċifiku, u direttament relatati miegħu, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(b) tirrestrinġi jew teħtieġ tipi speċifiċi ta' entità ġuridika jew ta' impriża konġunta li permezz tagħhom istituzzjoni finanzjarja tkun tista' twettaq attività ekonomika.

2. Għal ċertezza akbar, dan l-Artikolu ma għandux jinftiehem bħala li jipprevjeni lil Parti milli titlob lil istituzzjoni finanzjarja tforni ċerti servizzi finanzjarji permezz ta' entitajiet ġuridiċi separati jekk, skont il-liġi ta' dik il-Parti, il-medda ta' servizzi finanzjarji pprovduti mill-istituzzjoni finanzjarja ma tistax tiġi pprovduta permezz ta' entità waħda.

Artikolu 18.6

Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi

L-Artikolu 10.10 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi) huwa b'dan inkorporat f'dan il-Kapitolu u magħmul parti minnu u japplika għall-miżuri adottati jew miżmumin mill-Parti b'rabta mal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra.

Artikolu 18.7

Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji

1. L-Artikoli 11.4 (Aċċess għas-Suq) u 11.6 (Trattament Nazzjonali), huma b'dan inkorporati f'dan il-Kapitolu u magħmulin parti minnu u japplikaw għal miżuri adottati jew miżmumin minn Parti b'rabta ma' fornituri ta' servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra li jfornu s-servizzi finanzjarji speċifikati fl-Anness 18-A.

2. It-trattament mogħti minn Parti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tagħha stess skont l-Artikolu 11.6 (Trattament Nazzjonali) ifisser, għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, trattament mogħti lis-servizzi finanzjarji u lill-fornituri ta' servizzi finanzjarji tagħha stess.

3. Il-miżuri li Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' servizzi u ta' fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra skont l-Artikolu 11.4 (Aċċess għas-Suq) tfisser, għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, miżuri relatati ma' fornituri ta' servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra li jfornu servizzi finanzjarji.

4. L-Artikolu 11.7 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) huwa b'dan inkorporat f'dan il-Kapitolu u magħmul parti minnu u japplika għall-miżuri adottati jew miżmumin minn Parti fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra.

5. It-trattament mogħti minn Parti lil servizzi u lil fornituri ta' servizzi ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 11.7 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) ifisser, għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, it-trattament mogħti lil servizzi finanzjarji ta' pajjiż terz u lil fornituri ta' servizzi finanzjarji ta' pajjiż terz.

6. L-Artikolu 11.5 (Preżenza Lokali) huwa b'dan inkorporat f'dan il-Kapitolu u magħmul parti minnu u japplika għall-fornituri ta' servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra li jipprovdu s-servizzi finanzjarji speċifikati fl-Anness 18-A.

7. Kull Parti għandha tippermetti lill-persuni li jinsabu fit-territorju tagħha, u liċ-ċittadini tagħha irrispettivament minn fejn jinsabu, jixtru servizzi finanzjarji minn fornituri ta' servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra li jinsabu fit-territorju tagħha. Dak l-obbligu ma jirrikjedix li Parti tippermetti lil tali fornituri jagħmlu negozju jew jissolleċitaw fit-territorju tagħha. Parti tista' tiddefinixxi "jagħmlu n-negozju" u "jissolleċitaw" għall-finijiet ta' dak l-obbligu diment li dawk id-definizzjonijiet ma jkunux inkonsistenti mal-paragrafu 1.

8. Dan l-Artikolu ma għandux jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli tadotta jew iżżomm miżura li tippreskrivi rekwiżiti formali b'rabta mal-provvista ta' servizz finanzjarju transfruntier, bħar-reġistrazzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' fornituri ta' servizzi finanzjarji transfruntiera u ta' strumenti finanzjarji diment li dawk ir-rekwiżiti ma jiġux applikati b'mod diskriminatorju.

Artikolu 18.8

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jiddeterminaw b'mod konġunt id-dixxiplini dwar ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 10.9 (Rekwiżiti tal-Prestazzjoni) li għandhom japplikaw għall-investimenti fl-istituzzjonijiet finanzjarji.

2. Fi żmien 180 jum wara d-determinazzjoni konġunta tad-dixxiplini dwar ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni skont il-paragrafu 1, il-Kunsill Konġunt għandu jimmodifika, b'deċiżjoni, il-paragrafu 1 sabiex jintegra dawk id-dixxiplini f'dan l-Artikolu u jista' jimmodifika, kif xieraq, ir-riżervi u l-miżuri mhux konformi ta' kull Parti fl-Anness VI.

3. L-Artikolu 18.12 japplika għall-miżuri elenkati fir-rigward tad-dixxiplini dwar ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni msemmijin fil-paragrafu 1.

Artikolu 18.9

Servizzi Finanzjarji Ġodda għat-Territorju ta' Parti

1. Parti għandha tippermetti lil istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra tipprovdi kwalunkwe servizz finanzjarju ġdid li l-ewwel Parti tippermetti lill-istituzzjonijiet finanzjarji proprji tagħha jfornu f'konformità mad-dritt domestiku tagħha f'sitwazzjonijiet simili mingħajr ma tadotta liġijiet jew regolamenti li jimmodifikaw liġi eżistenti.

2. Minkejja l-Artikolu 18.8(1) flimkien mal-Artikolu 11.4 (Aċċess għas-Suq), Parti tista' tiddetermina l-forma istituzzjonali u ġuridika li permezz tagħha s-servizz finanzjarju l-ġdid jista' jiġi pprovdut u tista' teħtieġ awtorizzazzjoni għall-forniment tas-servizz. Jekk tali awtorizzazzjoni tkun meħtieġa, deċiżjoni dwar kwalunkwe applikazzjoni għal tali awtorizzazzjoni għandha tittieħed fi żmien raġonevoli u l-awtorizzazzjoni tista' tiġi rrifjutata biss għal raġunijiet prudenzjali.

Artikolu 18.10

Klawżola ta' Rieżami dwar il-Flussi tad-Data

Il-Partijiet għandhom jivvalutaw mill-ġdid fi żmien 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim il-ħtieġa li jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar il-fluss liberu tad-data għat-twettiq tal-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 18.11

Trattament tal-Informazzjoni

Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat b'mod li Parti tkun meħtieġa tiddivulga informazzjoni relatata mal-affarijiet u mal-kontijiet ta' klijenti individwali jew kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali jew rigward proprjetà fil-pussess ta' entitajiet pubbliċi.

Artikolu 18.12

Riżervi u Miżuri Mhux Konformi

1. L-Artikoli 18.3 sa 18.7 ma japplikawx għal:

(a) kwalunkwe miżura mhux konformi eżistenti miżmuma minn Parti fil-livell ta':

(i) l-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Appendiċi VI-A tal-Anness VI;

(ii) gvern ċentrali, kif stabbilit minn dik il-Parti fit-Taqsima A tal-lista tagħha fl-Appendiċi VI-A jew VI-B tal-Anness VI;

(iii) gvern reġjonali, kif stabbilit minn dik il-Parti fit-Taqsima A tal-lista tagħha fl-Appendiċi VI-A jew VI-B tal-Anness VI; jew

(iv) gvern lokali;

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a); jew

(c) emenda għal kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a) sal-punt li l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif kienet teżisti:

(i) immedjatament qabel l-emenda, mal-Artikoli 18.3, 18.4, 18.5 jew 18.6; jew

(ii) fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, mal-Artikolu 18.7.

2. L-Artikoli 18.3 sa 18.7 ma japplikaw għall-ebda miżura li Parti tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi jew ta' attivitajiet, kif stabbiliti minn dik il-Parti fit-Taqsima B tal-lista tagħha fl-Appendiċi VI-A jew VI-B tal-Anness VI.

3. Riżerva ta' Parti għall-Artikolu 10.6 (Aċċess għas-Suq), 10.7 (Trattament Nazzjonali), 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), 10.10 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi), 11.4 (Aċċess għas-Suq), 11.5 (Preżenza Lokali), 11.6 (Trattament Nazzjonali) jew 11.7 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) stabbilita fil-lista tagħha fl-Appendiċi I-A, I-B-1 jew I-B-2 tal-Annessi I jew fl-Appendiċi II-A jew II-B tal-Anness II tikkostitwixxi wkoll riżerva għall-Artikolu 18.3, 18.4, 18.5, 18.6 jew 18.7, skont il-każ, sal-punt li l-miżura, is-settur, is-subsettur jew l-attività stabbilita fir-riżerva tkun taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

4. Parti ma għandha tadotta l-ebda miżura koperta minn riżerva stabbilita fil-lista tagħha fl-Appendiċi II-A jew II-B tal-Anness II li teħtieġ direttament jew indirettament li investitur tal-Parti l-oħra, minħabba n-nazzjonalità tiegħu, ibigħ jew jiddisponi b'xi mod ieħor minn investiment eżistenti fiż-żmien meta l-miżura tidħol fis-seħħ.

Artikolu 18.13

Konċessjoni Prudenzjali

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri għal raġunijiet prudenzjali, ([80]) inkluż sabiex:

(a) tipproteġi lill-investituri, lid-depożitanti, lid-detenturi ta' poloz jew lill-persuni li lilhom ikun dovut dmir fiduċjarju minn fornitur ta' servizzi finanzjarji; jew

(b) tiżgura l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' dik il-Parti.

2. Meta l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dan il-Ftehim, ma għandhomx jintużaw bħala mezz sabiex jiġu evitati l-impenji jew l-obbligi ta' Parti skont dan il-Ftehim.

([80]) Il-Partijiet jagħrfu li t-terminu "raġunijiet prudenzjali" jinkludi ż-żamma tas-sikurezza, tas-soliditá, tal-integrità jew tar-responsabbiltà finanzjarja tal-forniturі individwali ta' servizzi finanzjarji.

Artikolu 18.14

Rikonoxximent

1. Parti tista' tirrikonoxxi miżuri prudenzjali tal-Parti l-oħra jew ta' pajjiż terz billi tiddetermina kif għandhom jiġu applikati l-miżuri ta' dik il-Parti l-oħra jew ta' dak il-pajjiż terz b'rabta mas-servizzi finanzjarji. Rikonoxximent bħal dan jista' jinkiseb b'mod awtonomu, permezz ta' armonizzazzjoni, jew inkella fuq il-bażi ta' ftehim jew ta' arranġament ieħor.

2. Jekk Parti tirrikonoxxi miżura prudenzjali ta' pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1, dik il-Parti għandha tagħti opportunità adegwata lill-Parti l-oħra sabiex turi li ċ-ċirkostanzi li fihom il-Parti rrikonoxxiet il-miżura prudenzjali tal-pajjiż terz jeżistu fil-Parti l-oħra u li, f'dawk iċ-ċirkostanzi, hemm jew ikun hemm regolament, sorveljanza u implimentazzjoni ekwivalenti fil-Parti l-oħra kif ukoll, jekk ikun xieraq, proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Partijiet.

3. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li Parti tirrikonoxxi miżura prudenzjali tal-Parti l-oħra.

Artikolu 18.15

Standards Internazzjonali

Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-istandards miftehmin internazzjonalment għar-regolamentazzjoni u għas-superviżjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji u għall-ġlieda kontra l-evitar u l-evażjoni tat-taxxi jiġu implimentati u applikati fit-territorju tagħha. Dawk l-istandards miftehmin internazzjonalment jinkludu, fost l-oħrajn, dawk adottati mill-G20, mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB), il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS), l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni (IAIS), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO), it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) u l-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għal Skopijiet ta' Taxxa tal-OECD.

Artikolu 18.16

Organizzazzjonijiet Awtoregolatorji

Jekk Parti teħtieġ li istituzzjoni finanzjarja jew fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra jkunu membru ta', jipparteċipaw fi, jew ikollhom aċċess għal organizzazzjoni awtoregolatorja sabiex jipprovdu servizz finanzjarju fit-territorju tagħha jew lejn it-territorju tagħha, , l-ewwel Parti għandha tiżgura li l-organizzazzjoni awtoregolatorja tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 18.3, 18.4 u 18.7.

Artikolu 18.17

Sistemi ta' Pagament u tal-Ikklerjar

Kull Parti għandha tagħti lill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha aċċess għal sistemi ta' pagament u tal-ikklerjar operati minn entitajiet pubbliċi, u għal faċilitajiet uffiċjali ta' finanzjament u ta' rifinanzjament disponibbli fil-perkors normali ordinarju tan-negozju skont termini u kundizzjonijiet li jagħtu trattament nazzjonali. Dan l-Artikolu ma jagħtix aċċess lill-mutwanti tal-faċilitajiet tal-aħħar istanza tal-Parti.

Artikolu 18.18

Regolamentazzjoni u Trasparenza Domestiċi

1. Il-Kapitoli 13 (Regolamentazzjoni Domestika) u 28 (Prattiki Regolatorji Tajbin) ma japplikawx għal miżuri adottati jew miżmumin minn Parti relatati mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri kollha ta' applikazzjoni ġenerali li għalihom japplika dan il-Kapitolu jiġu amministrati b'mod raġonevoli, oġġettiv u imparzjali.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, kull Parti għandha, sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mad-dritt tagħha:

(a) tippubblika bil-quddiem il-liġijiet u r-regolamenti proposti tagħha dwar kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, jew tippubblika minn qabel dokumenti li jipprovdu biżżejjed dettalji dwar tali liġijiet u regolamenti ġodda potenzjali sabiex tippermetti lill-persuni interessati u lill-Parti l-oħra jivvalutaw jekk u kif l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti;

(b) tipprovdi lill-persuni interessati u lill-Parti l-oħra b'opportunità raġonevoli sabiex jikkummentaw dwar il-miżuri jew id-dokumenti proposti msemmijin fis-subparagrafu (a); u

(c) tikkunsidra l-kummenti riċevuti f'konformità mas-subparagrafu (b).

4. Jekk Parti tkun teħtieġ awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizz finanzjarju, l-awtoritajiet kompetenti ta' dik il-Parti għandhom:

(a) jippermettu lil applikant, sa fejn ikun prattikabbli, jissottometti applikazzjoni fi kwalunkwe ħin;

(b) jippermettu perjodu ta' żmien raġonevoli għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni jekk jeżistu perjodi ta' żmien speċifiċi għall-applikazzjonijiet;

(c) jipprovdu lill-fornituri ta' servizzi u lill-persuni li jfittxu li jipprovdu servizz l-informazzjoni neċessarja sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-proċeduri għall-kisba, għaż-żamma, għall-emendar u għat-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni;

(d) jipprovdu, sa fejn ikun prattikabbli, perjodu ta' żmien indikattiva għall-ipproċessar ta' applikazzjoni;

(e) jieħdu impenn li jaċċettaw applikazzjonijiet f'format elettroniku;

(f) jaċċettaw kopji tad-dokumenti li jkunu awtentikati f'konformità mad-dritt tal-Parti, minflok dokumenti oriġinali, sakemm il-preżentazzjoni tad-dokumenti oriġinali ma tkunx meħtieġa għall-protezzjoni tal-integrità tal-proċess ta' awtorizzazzjoni;

(g) jipprovdu, fuq talba tal-applikant u mingħajr dewmien żejjed, informazzjoni dwar l-istatus tal-applikazzjoni;

(h) jekk applikazzjoni titqies kompluta għall-ipproċessar skont id-dritt tal-Parti, jiżguraw li l-ipproċessar ta' applikazzjoni jiġi ffinalizzat u li l-applikant jiġi informat bid-deċiżjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, sa fejn ikun possibbli bil-miktub; ([81])

(i) jekk applikazzjoni titqiesx mhux kompluta għall-ipproċessar skont id-dritt tal-Parti, f'perjodu ta' żmien raġonevoli u sa fejn ikun prattikabbli:

(i) jinformaw lill-applikant li l-applikazzjoni ma tkunx kompluta;

(ii) jipprovdu, fuq talba tal-applikant, gwida dwar għaliex l-applikazzjoni titqies mhux kompluta;

([81]) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissodisfaw dan ir-rekwiżit billi jinformaw lil applikant bil-quddiem bil-miktub, inkluż permezz ta' miżura ppubblikata, li n-nuqqas ta' tweġiba wara perjodu ta' żmien speċifikat mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni jindika jew l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tal-applikazzjoni. Għal ċertezza akbar, l-informazzjoni bil-miktub tista' tinkludi dik f'forma elettronika.

(iii) jipprovdu lill-applikant bl-opportunità ([82]) li jissottometti l-informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa sabiex tiġi kkompletata l-applikazzjoni; u

(iv) fejn l-ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq ma tkun prattikabbli, u l-applikazzjoni tiġi rrifjutata minħabba inkompletezza, jiżguraw li l-applikant jiġi informat f'perjodu ta' żmien raġonevoli;

(j) jekk applikazzjoni tiġi rrifjutata, jinformaw lill-applikant, sa fejn ikun prattikabbli, jew fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-applikant, bir-raġunijiet għar-rifjut u, fejn applikabbli, bil-proċeduri għas-sottomissjoni mill-ġdid ta' applikazzjoni;

(k) jiżguraw li t-tariffi tal-awtorizzazzjoni ([83]) mitlubin mill-awtorità kompetenti jkunu raġonevoli u trasparenti u ma jillimitawx fihom infushom il-provvista tas-servizz rilevanti jew it-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra; u

(l) jiżguraw li l-awtorizzazzjoni, ladarba tingħata, tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed soġġetta għat-termini u għall-kundizzjonijiet applikabbli.

Artikolu 18.19

Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji

1. Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji mwaqqaf bis-subparagrafu 1(i) tal-Artikolu 1.10. (Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) għandu jiltaqa' kull sena, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, sabiex:

(a) jimmonitorja l-implimentazzjoni u l-operat ta' dan il-Kapitolu;

(b) jikkunsidra kwistjonijiet dwar is-servizzi finanzjarji li jiġu msemmija minn Parti;

(c) jipprovdi forum għad-djalogu bejn il-Partijiet dwar ir-regolamentazzjoni tas-settur tas-servizzi finanzjarji bil-għan li jittejjeb l-għarfien reċiproku dwar is-sistemi regolatorji rispettivi ta' xulxin u jkun hemm kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali;

(d) jipparteċipa fi proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim f'konformità mal-Artikolu 18.22 (Tilwim dwar l-Investiment fis-Servizzi Finanzjarji); u

(e) jivvaluta l-funzjonament ta' dan il-Ftehim hekk kif japplika għas-servizzi finanzjarji.

2. Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji għandha tinkludi esperti tas-servizzi finanzjarji u rappreżentanti tal-awtoritajiet responsabbli mill-politika dwar is-servizzi finanzjarji. Għall-Messiku, l-awtorità responsabbli għall-politika dwar is-servizzi finanzjarji hija l-Ministeru għall-Finanzi u l-Kreditu Pubbliku (*Secretaría de Hacienda y Crédito Público*) jew is-suċċessur tiegħu.

3. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, is-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji għandu jiddiskuti l-iżvilupp ta' linji gwida xierqa għall-interpretazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Il-Kunsill Konġunt jista' jadotta dawn il-linji gwida permezz ta' rakkomandazzjoni.

([82]) Għal ċertezza akbar, dik l-opportunità ma teħtieġx li awtorità kompetenti taġħti estensjoni tal-iskadenzi.

([83]) It-tariffi tal-awtorizzazzjoni jinkludu t-tariffi tal-liċenzjar u t-tariffi relatati mal-proċeduri ta' kwalifika. Ma jinkludux tariffi għall-użu ta' riżorsi naturali, pagamenti għall-irkant, offerti jew mezzi oħrajn mhux diskriminatorji għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-forniment ta' servizzi universali.

Artikolu 18.20

Konsultazzjonijiet

1. Parti tista' titlob, bil-miktub, konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra rigward kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta skont dan il-Ftehim li taffettwa s-servizzi finanzjarji. Il-Parti l-oħra għandha tagħti kunsiderazzjoni favorevoli lil dik it-talba. Il-Partijiet li jikkonsultaw għandhom jirrapportaw ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet tagħhom lis-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji.

2. Kull Parti għandha tiżgura li d-delegazzjoni tagħha fil-konsultazzjonijiet tinkludi uffiċjali bl-għarfien espert rilevanti fis-servizzi finanzjarji jew fl-istituzzjonijiet finanzjarji koperti minn dan il-Kapitolu. Għall-Messiku, l-uffiċjali tal-Ministeru għall-Finanzi u l-Kreditu Pubbliku (*Secretaría de Hacienda y Crédito Público*) jew is-suċċessur tiegħu jissodisfaw dan ir-rekwiżit.

3. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li Parti tidderoga mal-liġi tagħha rigward il-kondiviżjoni ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet finanzjarji jew mir-rekwiżiti ta' ftehim jew ta' arranġament bejn l-awtoritajiet finanzjarji tal-Partijiet, jew jirrikjedi li l-awtoritajiet finanzjarji jieħdu kwalunkwe azzjoni li tinterferixxi ma' kwistjonijiet regolatorji, superviżorji, amministrattivi jew ta' infurzar speċifiċi.

4. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli titlob informazzjoni għal finijiet superviżorji dwar istituzzjoni finanzjarja, jew fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntiera, li jinsabu fit-territorju tal-Parti oħra. Il-Parti tista' tidħol f'kuntatt mal-awtorità finanzjarja tal-Parti l-oħra sabiex tfittex tali informazzjoni.

Artikolu 18.21

Soluzzjoni tat-Tilwim

1. Il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim), inklużi l-Annessi 31-A (Regoli ta' Proċedura) u 31-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u l-Medjaturi), japplika *mutatis mutandis,* soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 31.9 (Rekwiżiti għall-Membri tal-Panel), il-membri tal-panel għandu jkollhom għarfien espert jew esperjenza fil-liġi jew fil-prattika dwar is-servizzi finanzjarji, li jistgħu jinkludu r-regolamentazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

3. Sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta lista ta' mill-anqas 15-il individwu, li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2, li jkunu lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-panel. Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sottolisti:

(a) sottolista ta' individwi tal-Unjoni Ewropea;

(b) sottolista ta' individwi tal-Messiku; u

(c) sottolista ta' individwi li għandhom iservu bħala president tal-panel.

4. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, is-sottolisti msemmijin fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom, wara l-adozzjoni, jissostitwixxu s-sottolisti stabbiliti fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 31.8 (Listi ta' Membri tal-Panel).

5. Fi kwalunkwe tilwima li fiha panel isib li miżura tkun inkonsistenti mal-obbligi ta' dan il-Ftehim u dik il-miżura taffettwa:

(a) is-settur tas-servizzi finanzjarji u kwalunkwe settur ieħor, il-Parti li tressaq l-ilment tista' tissospendi l-benefiċċji fis-settur tas-servizzi finanzjarji li jkollhom effett ekwivalenti għall-effett tal-miżura fis-settur tas-servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra; jew

(b) settur ieħor biss li ma jkunx is-settur tas-servizzi finanzjarji, il-Parti li tressaq l-ilment ma għandhiex tissospendi l-benefiċċji fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

Artikolu 18.22

Tilwim dwar l-Investiment fis-Servizzi Finanzjarji

1. It-Taqsima D (Riżoluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment) tal-Kapitolu 10 (Investiment) kif inkorporata f'dan il-Kapitolu u magħmula parti minnu mill-Artikolu 18.2.7 tapplika *mutatis mutandis*, soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, għal:

(a) tilwim dwar l-investiment li jappartjeni għal miżuri li għalihom japplika dan il-Kapitolu u li fihom investitur jiddikjara li Parti tkun kisret il-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali), il-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), l-Artikolu 10.15 (Trattament tal-Investituri u tal-Investimenti Koperti), 10.16 (Trasferimenti), 10.17 (Kumpens għal Telf), 10.18 (Esproprjazzjoni u Kumpens) jew 10.52 (Ċaħda ta' Benefiċċji); jew

(b) tilwim dwar l-investiment mibdi skont it-Taqsima D (Riżoluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment) tal-Kapitolu 10 (Investiment) li fih jiġi invokat l-Artikolu 18.13 (Konċessjoni Prudenzjali).

2. Fil-każ ta' tilwima dwar l-investiment skont is-subparagrafu 1(a), jew jekk il-parti avversarja tinvoka l-Artikolu 18.13 (Konċessjoni Prudenzjali) skont is-subparagrafu 1(b) fi żmien 60 jum mis-sottomissjoni ta' talba lit-Tribunal f'konformità mal-Artikolu 10.26 (Sottomissjoni ta' Talba lit-Tribunal), id-diviżjoni tat-Tribunal li tisma' l-każ għandha taħtar, wara li tikkonsulta lill-partijiet litiganti u skont l-Artikolu 10.44 (Rapporti ta' Esperti), espert wieħed jew aktar mil-lista ta' membri tal-bord imsemmija fl-Artikolu 18.21.3 sabiex jirrapportawlha dwar kwalunkwe kwistjoni fattwali li tikkonċerna kwistjonijiet tas-servizzi finanzjarji mqajma minn parti litiganti fil-proċedimenti. Il-lista ta' esperti għandha tiġi adottata mill-Kunsill Konġunt mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u għandha tkun magħmula minn sitt esperti li wrew għarfien espert jew esperjenza fil-liġi jew fil-prattika tas-servizzi finanzjarji, li jistgħu jinkludu r-regolamentazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Jekk il-lista ta' membri tal-bord imsemmija fl-Artikolu 18.21.3 ma tkunx ġiet adottata fil-jum li fih it-talba tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 10.26 (Sottomissjoni ta' Talba lit-Tribunal), l-esperti għandhom jinħatru mill-individwi li jkunu ġew iddeżinjati u nnotifikati lill-Parti l-oħra minn Parti jew miż-żewġ Partijiet għall-finijiet tal-adozzjoni ta' dik il-lista.

3. Il-parti avversarja tista' tirreferi l-kwistjoni bil-miktub lis-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji għal deċiżjoni dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt l-eċċezzjoni skont l-Artikolu 18.13 (Konċessjoni Prudenzjali) tkun difiża valida għat-talba. Dan ir-riferiment ma għandux isir aktar tard mid-data li jiffissa t-Tribunal sabiex il-parti avversarja tippreżenta s-sottomissjoni tagħha. Jekk il-parti avversarja tirreferi l-kwistjoni lis-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji skont dan il-paragrafu, il-perjodi ta' żmien jew il-proċedimenti msemmijin fit-Taqsima D t (Riżoluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment) tal-Kapitolu 10 (Investiment) jiġu sospiżi.

4. F'riferiment skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, is-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji jista' jagħmel determinazzjoni konġunta dwar jekk u sa liema punt konċessjoni prudenzjali f'konformità mal-Artikolu 18.13 tkunx difiża valida għat-talba u jibgħat kopja tagħha lill-investitur u lit-Tribunal. Jekk id-determinazzjoni konġunta tikkonkludi li l-Artikolu 18.13 ikun difiża valida għall-partijiet kollha tat-talba fl-intier tagħha, l-investitur jitqies li jkun irtira t-talba tiegħu u l-proċedimenti ma jitkomplewx f'konformità mal-Artikolu 10.40 (Rinunzja għall-Atti). Jekk id-determinazzjoni konġunta tikkonkludi li l-Artikolu 18.13 huwa difiża valida għal partijiet biss tat-talba, id-determinazzjoni konġunta tkun vinkolanti fuq it-Tribunal fir-rigward ta' dawk il-partijiet tat-talba. F'dak il-każ, is-sospensjoni tal-perjodi ta' żmien jew tal-proċedimenti deskritti fil-paragrafu 3 ma tapplikax u l-investitur jista' jipproċedi bil-partijiet li jifdal tat-talba.

5. Jekk is-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji ma jkunx għamel determinazzjoni konġunta fi żmien 3 xhur wara r-riferiment tal-kwistjoni mill-parti avversarja, is-sospensjoni tal-perjodi ta' żmien jew tal-proċedimenti msemmijin fil-paragrafu 3 ma tapplikax u l-investitur jista' jipproċedi bit-talba tiegħu.

6. Fuq talba tal-parti avversarja u fil-każ li s-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji jkun naqas milli jagħmel determinazzjoni konġunta fil-perjodu ta' 3 xhur imsemmi fil-paragrafu 5, it-Tribunal għandu jiddeċiedi bħala kwistjoni preliminari jekk u sa liema punt l-Artikolu 18.13 ikun difiża valida. In-nuqqas tal-parti avversarja li tagħmel dik it-talba huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-parti avversarja li tasserixxi l-Artikolu 18.13 bħala difiża f'fażi aktar tard tal-proċedimenti. It-Tribunal ma għandu jieħu l-ebda inferenza negattiva mill-fatt li s-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji ma jkunx qabel dwar determinazzjoni konġunta.

7. Il-proċedimenti skont il-paragrafu 6 għandhom isiru mid-diviżjoni tat-Tribunal li qed tisma' t-talba u għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-partijiet litiganti jkollhom opportunità li jippreżentaw tal-anqas sottomissjoni bil-miktub waħda. It-Tribunal għandu joħroġ id-deċiżjoni preliminari tiegħu fi żmien 120 jum wara li tasal l-aħħar sottomissjoni. Jekk it-Tribunal ikun jeħtieġ żmien addizzjonali sabiex joħroġ id-deċiżjoni preliminari tiegħu, huwa għandu jipprovdi r-raġunijiet għad-dewmien. Jekk it-Tribunal jikkonkludi li l-Artikolu 18.13 ikun difiża valida għall-partijiet kollha tal-pretensjoni fl-intier tagħha, l-investitur jitqies li jkun irtira t-talba tiegħu u l-proċedimenti ma jitkomplewx f'konformità mal-Artikolu 10.40 (Rinunzja għall-Atti). Jekk it-Tribunal jikkonkludi li l-Artikolu 18.13 ikun difiża valida għal partijiet biss tat-talba, il-proċedimenti għandhom ikomplu bil-partijiet li jifdal tat-talba.

KAPITOLU 19

KUMMERĊ DIĠITALI

Artikolu 19.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "konsumatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew intrapriża jekk previst fid-dritt tal-Parti kkonċernata, li tuża jew titlob servizz tat-telekomunikazzjoni disponibbli għall-pubbliku għal skopijiet barra mill-kummerċ, min-negozju, mis-sengħa jew mill-professjoni tagħha;

(b) "messaġġ ta' data" tfisser informazzjoni ġġenerata, mibgħuta, riċevuta jew maħżuna b'mezzi elettroniċi, ottiċi jew simili;

(c) "servizz ta' awtentikazzjoni elettronika" tfisser servizz li jippermetti li jiġu kkonfermati:

(i) l-identità ta' persuna fiżika jew ta' intrapriża; jew

(ii) l-oriġini u l-integrità ta' messaġġ ta' data mill-mument meta ġie ġġenerat għall-ewwel darba fil-forma finali tiegħu;

(d) "firma elettronika" tfisser data f'forma elettronika mehmuża ma' messaġġ ta' data jew assoċjata b'mod loġiku miegħu, li tista' tintuża sabiex tidentifika l-firmatarju ta' dak il-messaġġ ta' data u tindika l-approvazzjoni tiegħu tal-informazzjoni li tinsab f'dak il-messaġġ ta' data, sabiex jiġu żgurati l-oriġini u l-integrità tiegħu b'mod li tkun tista' tiġi identifikata kwalunkwe bidla sussegwenti fid-data;

(e) "servizz fiduċjarju" tfisser servizz elettroniku li jikkonsisti fil-ħolqien, fil-verifika u fil-validazzjoni ta' firem elettroniċi, ta' timbri tal-ħin elettroniċi, ta' konsenja elettronika reġistrata, ta' servizzi ta' diġitalizzazzjoni ċċertifikati, ta' awtentikazzjoni tas-siti web u ta' ċertifikati relatati ma' dawk is-servizzi;

(f) "utent finali" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew intrapriża jekk prevista fid-dritt tal-Parti kkonċernata, li tuża jew titlob servizz tat-telekomunikazzjoni disponibbli għall-pubbliku, jew bħala konsumatur jew għal skopijiet kummerċjali, tan-negozju, tas-sengħa jew professjonali;

(g) "fornitur ta' servizzi fiduċjarji" tfisser persuna fiżika jew intrapriża li tipprovdi servizzi fiduċjarji; u

(h) "messaġġ elettroniku kummerċjali mhux mitlub" tfisser messaġġ elettroniku, li jinkludi tal-anqas messaġġi elettroniċi, sistema ta' messaġġi qosra (SMS) u sistema ta' messaġġi multimedjali (MMS), li jintbagħat għal skopijiet kummerċjali, mingħajr il-kunsens tar-riċevitur jew minkejja r-rifjut espliċitu tar-riċevitur, direttament lill-utenti finali permezz ta' network tat-telekomunikazzjoni u, sa fejn previst skont il-liġi ta' Parti, servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 19.2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri ta' Parti li jaffettwaw il-kummerċ abilitat b'mezzi elettroniċi.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) servizzi tal-logħob tal-azzard;

(b) servizzi tax-xandir;

(c) servizzi awdjoviżivi;

(d) servizzi ta' nutara jew ta' professjonijiet ekwivalenti;

(e) servizzi ta' rappreżentanza legali; u

(f) l-akkwist pubbliku bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 19.7, 19.8 u 19.11.

Artikolu 19.3

Prinċipji Ġenerali

Il-Partijiet jirrikonoxxu t-tkabbir ekonomiku u l-opportunitajiet ipprovduti mill-kummerċ diġitali u l-importanza li jiġu adottati oqfsa li jippromwovu l-fiduċja tal-konsumatur fil-kummerċ diġitali u li jiġu evitati ostakli mhux neċessarji għall-użu u għall-iżvilupp tiegħu.

Artikolu 19.4

Dritt ta' Regolamentazzjoni

Il-Partijiet jaffermaw id-dritt li jirregolaw fit-territorji tagħhom sabiex jilħqu l-objettivi ta' politika leġittimi, bħal dawk relatati mas-saħħa pubblika, mas-servizzi soċjali, mal-edukazzjoni pubblika, mas-sikurezza, mal-ambjent, mal-morali pubblika, mal-protezzjoni soċjali u tal-konsumatur, mal-privatezza u mal-protezzjoni tad-data, mal-promozzjoni u mal-protezzjoni tad-diversità kulturali, jew mal-kompetizzjoni.

Artikolu 19.5

Dazji Doganali fuq Trażmissjonijiet Elettroniċi

1. Parti ma għandhiex timponi dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi bejn persuna ta' Parti u persuna tal-Parti l-oħra.

2. Għal ċertezza akbar, il-paragrafu 1 ma jipprekludix lil Parti milli timponi taxxi interni, tariffi jew imposti oħrajn fuq trażmissjonijiet elettroniċi, diment li dawk it-taxxi, it-tariffi jew l-imposti jiġu imposti b'mod konsistenti ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 19.6

Ebda Awtorizzazzjoni minn Qabel

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-provvista ta' servizzi b'mezzi elettroniċi ma tkunx soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel.

2. Il-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni li ma humiex speċifikament u esklużivament immirati lejn servizzi pprovduti b'mezzi elettroniċi, jew li japplikaw għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 19.7

Kuntratti Elettroniċi

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-ordinament ġuridiku tagħha jippermetti l-konklużjoni ta' kuntratti b'mezzi elettroniċi u li dawk il-kuntratti ma jiġux imċaħħdin mill-effett legali, mill-validità jew mill-eżegwibbiltà biss fuq il-bażi li jkunu ġew konklużi b'mezzi elettroniċi.

2. Dan l-Artikolu ma japplikax għal kuntratti:

(a) li joħolqu jew jittrasferixxu drittijiet fil-proprjetà immobbli;

(b) li jirrikjedu bil-liġi l-involviment tal-qrati, tal-awtoritajiet pubbliċi jew tal-professjonijiet li jeżerċitaw awtorità pubblika;

(c) ta' garanzija mogħtija u ta' kuntratti fuq titoli ta' kollateral mogħtijin minn persuni li jaġixxu għal finijiet barra mill-kummerċ, min-negozju, mis-sengħa jew mill-professjoni tagħhom, kif meħtieġ bil-liġi; u

(d) rregolati bil-liġi tal-familja jew bil-liġi tas-suċċessjoni.

Artikolu 19.8

Servizzi ta' Fiduċja u ta' Awtentikazzjoni Elettroniċi

1. Parti ma għandhiex tiċħad il-validità legali ta' servizz fiduċjarju jew ta' servizz ta' awtentikazzjoni elettronika biss fuq il-bażi li s-servizz jiġi pprovdut f'forma elettronika.

2. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm miżuri li jirregolaw servizzi fiduċjarji u servizzi ta' awtentikazzjoni elettronika li jkunu:

(a) jipprojbixxu lill-partijiet għal tranżazzjoni elettronika milli jiddeterminaw b'mod reċiproku l-metodi elettroniċi xierqa għat-tranżazzjoni tagħhom; jew

(b) jipprevjenu lill-partijiet għal tranżazzjoni elettronika milli jkollhom l-opportunità li jistabbilixxu quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi li t-tranżazzjoni elettronika tagħhom tkun tikkonforma ma' kwalunkwe rekwiżit legali fir-rigward ta' servizzi fiduċjarji u ta' awtentikazzjoni elettronika.

3. Minkejja l-paragrafu 2, Parti tista' tirrikjedi li, għal kategorija partikolari ta' tranżazzjonijiet elettroniċi, il-metodu ta' awtentikazzjoni elettronika jissodisfa ċerti standards ta' prestazzjoni jew ikun iċċertifikat minn awtorità akkreditata f'konformità mad-dritt tagħha. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u għandhom ikunu relatati biss mal-karatteristiċi speċifiċi tal-kategorija ta' tranżazzjonijiet elettroniċi kkonċernati.

4. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-użu ta' servizzi fiduċjarji u ta' awtentikazzjoni elettronika interoperabbli, u r-rikonoxximent reċiproku ta' servizzi fiduċjarji u ta' awtentikazzjoni elettronika pprovduti minn fornituri rikonoxxuti ta' servizzi fiduċjarji.

Artikolu 19.9

Protezzjoni tal-Konsumaturi Online

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jinżammu u jiġu adottati miżuri trasparenti u effettivi li jikkontribwixxu għall-fiduċja tal-konsumatur, inkluż iżda mhux limitati għal miżuri li jipproteġu lill-konsumaturi minn prattiki kummerċjali frawdolenti u qarrieqa meta jinvolvu rwieħhom fi tranżazzjonijiet ta' kummerċ elettroniku.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri li jikkontribwixxu għall-fiduċja tal-konsumatur, inklużi miżuri li jipprojbixxu prattiki kummerċjali frawdolenti u qarrieqa li jikkawżaw ħsara jew li potenzjalment jikkawżaw ħsara lill-konsumaturi.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji rispettivi tagħhom għall-protezzjoni tal-konsumatur jew korpi rilevanti oħrajn dwar attivitajiet relatati mal-kummerċ elettroniku bejn il-Partijiet sabiex itejbu l-fiduċja tal-konsumatur u b'hekk itejbu l-benessri tal-konsumatur.

Artikolu 19.10

Messaġġi Elettroniċi Kummerċjali Mhux Mitlubin

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri li:

(a) jirrikjedu li l-ispedituri ta' messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux mitlubin jiffaċilitaw il-kapaċità tal-utenti finali li jipprevjenu r-riċevuta ssoktata ta' dawk il-messaġġi; jew

(b) jeħtieġu l-kunsens, kif speċifikat skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' kull Parti, tar-riċevituri li jirċievu messaġġi elettroniċi kummerċjali.

2. Kull Parti għandha tiżgura li messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux mitlubin ikunu identifikabbli b'mod ċar bħala tali, jiddivulgaw b'mod ċar f'isem min jintbagħtu u jkun fihom l-informazzjoni neċessarja sabiex l-utenti finali jkunu jistgħu jitolbu l-waqfien mingħajr ħlas u fi kwalunkwe mument.

3. Kull Parti għandha tipprovdi rikors kontra spedituri ta' messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux mitlubin li ma jikkonformawx mal-miżuri adottati jew miżmumin skont il-paragrafi 1 u 2.

4. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkooperaw, fejn xieraq, f'każijiet ta' theddid reċiproku rigward ir-regolamentazzjoni ta' messaġġi elettroniċi kummerċjali mhux mitlubin.

Artikolu 19.11

Kodiċi tas-Sors

1. Parti ma għandhiex teħtieġ it-trasferiment ta' kodiċi tas-sors ta' software li jkun proprjetà ta' persuna fiżika jew ta' intrapriża tal-Parti l-oħra, jew l-aċċess għalih.

2. Għal ċertezza akbar, il-paragrafu 1:

(a) ma jipprevjenix lil Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri sabiex tilħaq objettiv leġittimu ta' ordni pubbliku, inkluż sabiex tiżgura s-sigurtà u s-sikurezza, pereżempju fil-kuntest ta' proċedura ta' ċertifikazzjoni, f'konformità mal-Artikoli 18.13 (Konċessjoni Prudenzjali), 32.1 (Eċċezzjonijiet Ġenerali) u l-Artikolu 2.8 (Eċċezzjoni tas-Sigurtà) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim; jew

(b) ma japplikax għat-trasferiment volontarju tal-kodiċi tas-sors jew għall-għoti ta' aċċess għaliha fuq bażi kummerċjali minn persuna tal-Parti l-oħra, pereżempju fil-kuntest ta' tranżazzjoni ta' akkwist pubbliku jew ta' kuntratt innegozjat liberament.

3. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jaffettwa:

(a) ir-rekwiżiti minn qorti, minn tribunal amministrattiv jew minn awtorità tal-kompetizzjoni sabiex jiġi rrimedjat ksur tal-liġijiet tal-kompetizzjoni;

(b) id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-eżekuzzjoni tagħhom; jew

(c) id-dritt ta' Parti li tieħu kwalunkwe azzjoni jew li ma tiddivulga l-ebda informazzjoni li tqis neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha relatati mal-akkwist ta' armi, ta' munizzjon jew ta' materjali tal-gwerra, jew mal-akkwist indispensabbli għas-sigurtà nazzjonali jew għal finijiet tad-difiża nazzjonali.

Artikolu 19.12

Aċċess għall-Internet Miftuħ

Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li, soġġetti għall-politiki u għal-liġijiet u għar-regolamenti applikabbli, l-utenti finali fit-territorju tagħha jkunu jistgħu:

(a) jaċċessaw, jiddistribwixxu u jużaw servizzi u applikazzjonijiet tal-għażla tagħhom disponibbli fuq l-Internet, soġġetti għal ġestjoni tan-network raġonevoli u mhux diskriminatorja;

(b) jikkollegaw l-apparati tal-għażla tagħhom mal-Internet, diment li tali apparati ma jagħmlux ħsara lin-network; u

(c) ikollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-prattiki ta' ġestjoni tan-network tal-fornitur tas-servizzi tal-aċċess għall-Internet tagħhom.

Artikolu 19.13

Kooperazzjoni

1. Filwaqt li jirrikonoxxu n-natura globali tal-kummerċ diġitali, il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar kwistjonijiet regolatorji u l-aħjar prattiki permezz tad-djalogi settorjali eżistenti, li għandhom jindirizzaw, fost l-oħrajn:

(a) ir-rikonoxximent u l-faċilitazzjoni ta' servizzi fiduċjarji u ta' awtentikazzjoni elettronika transfruntiera interoperabbli;

(b) it-trattament ta' komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni diretta;

(c) l-isfidi għall-intrapriżi żgħar u medji fil-kummerċ diġitali;

(d) il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-bini tal-fiduċja tal-konsumatur fl-ambitu tal-kummerċ elettroniku;

(e) kwistjonijiet komuni dwar iċ-ċibersigurtà; u

(f) kwalunkwe kwistjoni oħra rilevanti għall-iżvilupp tal-kummerċ diġitali.

2. Il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet regolatorji u fl-aħjar prattiki msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiffoka fuq l-iskambju ta' informazzjoni u ta' fehmiet dwar il-leġiżlazzjoni rispettiva tal-Partijiet dwar dawk kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni.

3. Il-Partijiet jaffermaw l-importanza li jipparteċipaw b'mod attiv f'fora multilaterali sabiex jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ diġitali.

Artikolu 19.14

Klawżola ta' Rieżami dwar il-Flussi tad-Data

Il-Partijiet għandhom jivvalutaw mill-ġdid fi żmien 3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim il-ħtieġa li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-fluss liberu tad-data f'dan il-Ftehim.

KAPITOLU 20

MOVIMENTI TA' KAPITAL, PAGAMENTI U TRASFERIMENTI U MIŻURI TA' SALVAGWARDJA TEMPORANJI

Artikolu 20.1

Kont Kurrenti

Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tippermetti kwalunkwe trasferiment jew pagament fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fil-kont kurrenti tal-bilanċi tal-pagamenti bejn il-Partijiet li jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, f'munita konvertibbli liberament, u f'konformità mal-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali adottat fi Bretton Woods, New Hampshire fit-22 ta' Lulju 1944, kif applikabbli.

Artikolu 20.2

Movimenti ta' Kapital

Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tippermetti, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fil-kont kapitali u finanzjarju tal-bilanċi tal-pagamenti, il-moviment liberu tal-kapital għall-fini tal-liberalizzazzjoni tal-investimenti u ta' tranżazzjonijiet oħrajn, kif previst fit-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investimenti) tal-Kapitolu 10 (Investiment), fil-Kapitolu 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi), fil-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Negozju) u fil-Kapitolu 18 (Servizzi Finanzjarji).

Artikolu 20.3

Applikazzjoni ta' Liġijiet u Regolamenti Relatati ma' Movimenti ta' Kapital, Pagamenti jew Trasferimenti

1. L-Artikolu 10.16 (Trasferimenti) u s-subparagrafu 6(a) tal-Artikolu 18.2 (Kamp ta' Applikazzjoni), kif ukoll l-Artikoli 20.1 u 20.2 ma għandhomx jipprekludu lil Parti milli tapplika l-liġijiet u r-regolamenti tagħha relatati ma':

(a) falliment, insolvenza, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-kredituri;

(b) ħruġ, negozjar jew trattament ta' strumenti finanzjarji;

(c) rapportar finanzjarju jew żamma ta' rekords ta' movimenti ta' kapital, ta' pagamenti jew ta' trasferimenti meta jkunu neċessarji sabiex jassistu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-awtoritajiet regolatorji finanzjarji;

(d) reati kriminali jew penali jew prattiki qarrieqa jew frawdulenti;

(e) żgurar tal-konformità ma' ordnijiet jew ma' sentenzi fi proċedimenti aġġudikatorji; jew

(f) skemi tas-sigurtà soċjali jew ta' rtirar pubbliku jew ta' tfaddil obbligatorju.

2. Il-liġijiet u r-regolamenti msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu applikati b'mod arbitrarju jew diskriminatorju, jew b'mod li jikkostitwixxi b'xi mod ieħor restrizzjoni moħbija fuq il-movimenti tal-kapital, fuq il-pagamenti jew fuq it-trasferimenti.

Artikolu 20.4

Miżuri Temporanji ta' Salvagwardja

1. F'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' diffikultajiet serji għall-operat tal-unjoni ekonomika u monetarja tal-Unjoni Ewropea, jew ta' theddida ta' dawn, l-Unjoni Ewropea tista' tadotta jew iżżomm miżuri ta' salvagwardja fir-rigward tal-movimenti ta' kapital, tal-pagamenti jew tat-trasferimenti. Dawk il-miżuri għandhom ikunu limitati sal-punt li jkun strettament neċessarju sabiex jiġu indirizzati dawn id-diffikultajiet u għandhom ikunu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn 6 xhur.

2. Il-miżuri imposti mill-Unjoni Ewropea skont il-paragrafu 1 ma għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata bejn il-Messiku u pajjiż terz. L-Unjoni Ewropea għandha tinforma lill-Messiku minnufih u tippreżenta skeda għat-tneħħija ta' tali miżuri mill-aktar fis possibbli.

Artikolu 20.5

Restrizzjonijiet f'Każ ta' Diffikultajiet tal-Bilanċ tal-Pagamenti, tal-Finanzjament Estern u Makroekonomiċi

1. Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri restrittivi fir-rigward ta' movimenti ta' kapital, ta' pagamenti jew ta' trasferimenti: ([84])

(a) f'każijiet ta' diffikultajiet tal-bilanċ tal-pagamenti jew finanzjarji esterni serji, jew ta' theddida ta' dawn; ([85]) jew

([84]) Fil-każ tal-Unjoni Ewropea, dawk il-miżuri jistgħu jittieħdu minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet għajr dawk imsemmijin fl-Artikolu 20.4, li jaffettwaw l-ekonomija ta' dak l-Istat Membru.

([85]) Għal ċertezza akbar, diffikultajiet tal-bilanċ tal-pagamenti jew finanzjarji esterni serji, jew theddida tagħhom, kif imsemmijin fis-subparagrafu 1(a), jistgħu jiġu kkawżati minn, fost fatturi oħrajn, diffikultajiet makroekonomiċi serji relatati mal-politiki monetarji u tar-rati tal-kambju, jew theddida tagħhom, kif imsemmijin fis-subparagrafu 1(b).

(b) f'każijiet ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom pagamenti jew trasferimenti relatati ma' movimenti ta' kapital jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw diffikultajiet makroekonomiċi serji relatati mal-politiki monetarji u tar-rati tal-kambju fil-Messiku jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-miżuri li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1:

(a) għandhom ikunu konsistenti mal-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, kif applikabbli;

(b) ma għandhomx jaqbżu dawk neċessarji sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni deskritta fil-paragrafu 1;

(c) għandhom ikunu temporanji u eliminati progressivament hekk kif titjieb is-sitwazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1;

(d) għandhom jevitaw ħsara mhux neċessarja għall-interessi kummerċjali, ekonomiċi jew finanzjarji tal-Parti l-oħra;

(e) ma għandhomx jittrattaw lill-Parti l-oħra b'mod anqas favorevoli minn pajjiż terz f'sitwazzjonijiet simili; u

(f) ma għandhomx jintużaw bħala sostitut għal politiki makroekonomiċi li huma meħtieġa għal aġġustament estern ġustifikat.

3. Fil-każ tal-kummerċ ta' prodotti, Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri restrittivi sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja esterna tagħha jew il-bilanċi tal-pagamenti tagħha. Dawk il-miżuri għandhom ikunu f'konformità mal-Artikolu XII tal-GATT tal-1994 u mal-Fehim dwar id-Dispożizzjonijiet tal-Bilanċi tal-Pagamenti tal-Ftehim Ġenerali tal-1994 dwar it-Tariffi u l-Kummerċ.

4. Fil-każ ta' kummerċ fis-servizzi, Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri restrittivi sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja esterna jew il-bilanċi tal-pagamenti tagħha. Dawk il-miżuri għandhom ikunu f'konformità mal-Artikolu XII tal-GATS.

5. Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex ma tadottax jew iżżomm miżuri restrittivi li jieħdu l-forma ta' ħlasijiet tariffarji addizzjonali, ta' kwoti, ta' liċenzji jew ta' miżuri simili. Il-Parti għandha tispjega r-raġuni għall-użu ta' dawk il-miżuri restrittivi meta tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miżuri skont il-paragrafu 2.

6. Parti li tadotta jew iżżomm miżuri restrittivi għandha tinnotifikahom minnufih lill-Parti l-oħra.

7. Jekk jiġu adottati jew jinżammu miżuri ta' salvagwardja temporanji jew miżuri restrittivi skont l-Artikolu 20.4 jew dan l-Artikolu, il-Partijiet għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet minnufih fis-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment sakemm ma jsirux konsultazzjonijiet f'fora internazzjonali oħrajn li tagħhom iż-żewġ Partijiet ikunu membri. Il-konsultazzjonijiet għandhom jivvalutaw id-diffikultajiet tal-bilanċ tal-pagamenti jew finanzjarji esterni li wasslu għall-miżuri rispettivi, filwaqt li jqisu fatturi bħal:

(a) in-natura u l-firxa tad-diffikultajiet;

(b) l-ambjent ekonomiku u kummerċjali estern; u

(c) il-miżuri korrettivi alternattivi li jistgħu jkunu disponibbli.

8. Il-konsultazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 7 għandhom jindirizzaw il-konformità ta' kwalunkwe miżura ta' salvagwardja temporanja jew miżura restrittiva mal-Artikolu 20.4 jew mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Il-Partijiet għandhom jaċċettaw is-sejbiet rilevanti kollha ta' natura statistika jew fattwali ppreżentati mill-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI"), meta jkunu disponibbli, u l-konklużjonijiet għandhom iqisu l-valutazzjoni mill-FMI tal-bilanċ tal-pagamenti u tas-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-Parti kkonċernata.

KAPITOLU 21

AKKWIST PUBBLIKU

Artikolu 21.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "oġġetti jew servizzi kummerċjali" tfisser oġġetti jew servizzi ta' tip ġeneralment mibjugħ jew offrut għall-bejgħ fis-suq kummerċjali lil xerrejja mhux governattivi għal finijiet mhux governattivi, u normalment mixtri minnhom;

(b) "servizzi ta' kostruzzjoni" tfisser servizzi li għandhom bħala l-objettiv tagħhom ir-realizzazzjoni bi kwalunkwe mezz ta' xogħlijiet ċivili jew ta' bini, fuq il-bażi tad-Diviżjoni 51 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali Provviżorja tal-Prodotti (CPC) tan-Nazzjonijiet Uniti;

(c) "akkwist kopert" tfisser akkwist għal finijiet governattivi:

(i) ta' oġġett, ta' servizz, jew ta' kwalunkwe taħlita tagħhom:

(A) kif speċifikat għal kull Parti fl-Anness 21-A jew 21-B rispettivament; u

(B) mhux akkwistat għall-bejgħ jew għall-bejgħ mill-ġdid kummerċjali, jew għall-użu fil-produzzjoni jew fil-forniment ta' oġġett jew ta' servizz għall-bejgħ jew għall-bejgħ mill-ġdid kummerċjali;

(ii) bi kwalunkwe mezz kuntrattwali, inklużi:

(A) akkwist;

(B) lokazzjoni; u

(C) il-kiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni jew mingħajr opzjoni ta' xiri;

(iii) li għalihom il-valur, kif stmat f'konformità mal-Artikolu 21.2, ikun daqs jew jaqbeż il-limitu rilevanti speċifikat għal kull Parti fl-Anness 21-A jew 21-B rispettivament fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' avviż f'konformità mal-Artikolu 21.6;

(iv) minn entità tal-akkwist; u

(v) li ma jkunx eskluż b'xi mod mill-kopertura mill-Artikolu 21.2.2 jew mill-Anness 21-A jew 21-B;

(d) "rkant elettroniku" tfisser proċess iterattiv li jinvolvi l-użu ta' mezzi elettroniċi għall-preżentazzjoni mill-forniturи ta' prezzijiet ġodda, jew ta' valuri ġodda għal elementi kwantifikabbli li ma jistax jiġi attribwit prezz għalihom tal-offerta relatati mal-kriterja ta' evalwazzjoni, jew it-tnejn li huma, li jirriżulta fi klassifikazzjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid tal-offerti;

(e) "bil-miktub" jew "miktub" tfisser kwalunkwe espressjoni miktuba jew enumerata li tista' tinqara, tiġi rriprodotta u kkomunikata aktar tard u tista' tinkludi informazzjoni trażmessa u maħżuna b'mod elettroniku;

(f) "sejħa għall-offerti limitata" tfisser metodu tal-akkwist li bih l-entità tal-akkwist tikkuntattja lil fornitur jew lil forniturи tal-għażla tagħha;

(g) "lista għal użu ripetut" tfisser lista ta' forniturи li entità tal-akkwist tkun iddeterminat li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'dik il-lista, u li l-entità tal-akkwist ikun beħsiebha tuża aktar minn darba;

(h) "avviż ta' akkwist ippjanat" tfisser avviż ippubblikat minn entità tal-akkwist li fih il-forniturі interessati jiġu mistednin jippreżentaw talba għall-parteċipazzjoni, offerta, jew it-tnejn;

(i) "tpaċija" tfisser kwalunkwe kundizzjoni jew impenn li jħeġġeġ l-iżvilupp lokali jew itejjeb il-kontijiet tal-bilanċ tal-pagamenti ta' Parti, bħall-użu ta' kontenut domestiku, il-liċenzjar ta' teknoloġija, l-investiment, in-negozju kumpensatorju u azzjoni jew rekwiżit simili;

(j) "sejħa għall-offerti miftuħa" tfisser metodu ta' akkwist li bih il-forniturі interessati kollha jistgħu jissottomettu offerta;

(k) "entità tal-akkwist" tfisser entità koperta fit-Taqsimiet A, B u C tal-Annessi 21-A u 21-B;

(l) "fornitur kwalifikat" tfisser fornitur li entità tal-akkwist tirrikonoxxi bħala li jkun issodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni;

(m) "sejħa għall-offerti selettiva" tfisser metodu ta' akkwist li bih huma biss il-forniturі kkwalifikati li jiġu mistednin mill-entità tal-akkwist sabiex iressqu offerta;

(n) "servizzi" tinkludi servizzi ta' kostruzzjoni, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor;

(o) "standard" tfisser dokument li ġie approvat minn korp rikonoxxut u li jipprovdi, għal użu komuni u ripetut, għal regoli, għal linji gwida jew għal karatteristiċi għal oġġetti jew għal servizzi, jew għal proċessi u għal metodi ta' produzzjoni relatati, li l-konformità magħhom ma tkunx obbligatorja u li jista' jinkludi wkoll jew jittratta b'mod esklużiv rekwiżiti dwar it-terminoloġija, is-simboli, l-imballaġġ, il-markatura jew it-tikkettar hekk kif japplikaw għal oġġett, għal servizz, għal proċess jew għal metodu ta' produzzjoni;

(p) "fornitur" tfisser persuna jew grupp ta' persuni li jfornu jew jistgħu jfornu oġġetti jew servizzi; u

(q) "speċifikazzjoni teknika" tfisser rekwiżit ta' sejħa għall-offerti li:

(i) jistabbilixxi l-karatteristiċi tal-oġġetti jew tas-servizzi li għandhom jiġu akkwistati, inklużi l-kwalità, il-prestazzjoni, is-sikurezza u l-qisien, jew il-proċessi u l-metodi għall-produzzjoni u għall-provvista tagħhom; jew

(ii) jindirizza rekwiżiti dwar it-terminoloġija, is-simboli, l-imballaġġ, il-markatura jew it-tikkettar, skont kif japplikaw għal oġġett jew għal servizz.

Artikolu 21.2

Kamp ta' Applikazzjoni u Kopertura

Applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu

1. Dan il-Kapitolu japplika għal kwalunkwe miżura rigward l-akkwist kopert, kemm jekk jitwettaq esklużivament jew parzjalment b'mezzi elettroniċi kif ukoll jekk le.

2. Ħlief kif previst mod ieħor fl-Annessi 21-A u 21-B, dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) l-akkwist jew il-kiri ta' art, ta' bini eżistenti jew ta' proprjetà immobbli oħra, jew id-drittijiet fuqhom;

(b) ftehimiet mhux kuntrattwali jew kwalunkwe forma ta' assistenza li Parti tipprovdi, inklużi ftehimiet kooperattivi, għotjiet, self, infużjonijiet ta' ekwità, garanziji u inċentivi fiskali;

(c) l-akkwist jew l-akkwiżizzjoni ta' aġenzija fiskali jew ta' servizzi depożitarji, ta' servizzi ta' likwidazzjoni u ta' ġestjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji regolati jew ta' servizzi relatati mal-bejgħ, mal-ammortizzament u mad-distribuzzjoni ta' dejn pubbliku, inklużi self u bonds governattivi, noti u titoli oħrajn;

(d) kuntratti ta' xogħol pubbliku;

(e) l-akkwist imwettaq:

(i) għall-għan speċifiku li tingħata assistenza internazzjonali, inkluża għajnuna għall-żvilupp;

(ii) skont il-proċedura jew il-kundizzjoni partikolari ta' ftehim internazzjonali li jirrigwarda l-istazzjonament ta' truppi jew li jirrigwarda l-implimentazzjoni konġunta ta' proġett mill-pajjiżi firmatarji; jew

(iii) skont il-proċedura jew il-kundizzjoni partikolari ta' organizzazzjoni internazzjonali, jew iffinanzjata minn għotjiet, minn self jew minn għajnuna internazzjonali oħra jekk il-proċedura jew il-kundizzjoni applikabbli tkun inkonsistenti ma' dan il-Kapitolu.

3. L-impenji ta' kull Parti dwar l-akkwist kopert huma stabbiliti fl-Annessi 21-A u 21-B f'konformità mal-istruttura li ġejja:

(a) fit-Taqsima A, l-entitajiet tal-gvern ċentrali li l-akkwist tagħhom huwa kopert minn dan il-Kapitolu;

(b) fit-Taqsima B, l-entitajiet tal-gvern subċentrali li l-akkwist tagħhom huwa kopert minn dan il-Kapitolu inkluż, fir-rigward tal-Messiku, entitajiet oħrajn fil-livell subċentrali;

(c) fit-Taqsima C, l-entitajiet l-oħrajn kollha li l-akkwist tagħhom huwa kopert minn dan il-Kapitolu;

(d) fit-Taqsima D, l-oġġetti koperti minn dan il-Kapitolu;

(e) fit-Taqsima E, is-servizzi, minbarra s-servizzi ta' kostruzzjoni, koperti minn dan il-Kapitolu;

(f) fit-Taqsima F, is-servizzi ta' kostruzzjoni koperti minn dan il-Kapitolu;

(g) fit-Taqsima G, is-sħubija pubblika privata jew il-konċessjonijiet ta' xogħlijiet koperti minn dan il-Kapitolu;

(h) fit-Taqsima H, kwalunkwe nota ġenerali u deroga; u

(i) fit-Taqsima I, il-media li fiha l-Parti tippubblika l-avviżi ta' akkwist tagħha, l-avviżi ta' għoti, u informazzjoni oħra relatata mas-sistema ta' akkwist pubbliku tagħha.

4. Jekk il-liġi ta' Parti tippermetti li jsir akkwist kopert f'isem l-entità tal-akkwist minn entitajiet jew minn persuni oħrajn li l-akkwist tagħhom ma huwiex kopert fir-rigward tal-oġġetti u tas-servizzi kkonċernati, dan il-Kapitolu għandu japplika wkoll.

Valwazzjoni

5. Meta tagħmel stima tal-valur ta' akkwist sabiex tiżgura jekk huwiex akkwist kopert, entità tal-akkwist:

(a) la għandha taqsam akkwist f'akkwisti separati u lanqas tagħżel jew tuża metodu ta' valwazzjoni partikolari sabiex tagħmel stima tal-valur ta' akkwist bl-intenzjoni li teskludih totalment jew parzjalment mill-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu; u

(b) għandha tinkludi l-valur totali massimu stmat tal-akkwist matul id-durata kollha tiegħu, kemm jekk jingħata lil fornitur wieħed kif ukoll jekk jingħata lil aktar, filwaqt li tqis il-forom kollha ta' remunerazzjoni, inklużi:

(i) primjums, tariffi, kummissjonijiet u mgħax; u

(ii) f'każ li l-akkwist jipprevedi l-possibbiltà ta' opzjonijiet, il-valur totali tat-tali opzjonijiet.

6. Jekk rekwiżit individwali għal akkwist jirriżulta fl-għoti ta' aktar minn kuntratt wieħed, jew fl-għoti ta' kuntratti f'partijiet separati (li minn hawn 'il quddiem jissejħu "kuntratti rikorrenti"), il-kalkolu tal-valur totali massimu stmat għandu jkun ibbażat fuq:

(a) il-valur tal-kuntratti rikorrenti tal-istess tip ta' oġġett jew ta' servizz mogħti matul it-12-il xahar preċedenti jew matul is-sena kontabilistika preċedenti tal-entità tal-akkwist, aġġustat, jekk possibbli, sabiex jiġu kkunsidrati bidliet antiċipati fil-kwantità jew fil-valur tal-oġġett jew tas-servizz li jkun se jiġi akkwistat matul it-12-il xahar ta' wara; jew

(b) il-valur stmat tal-kuntratti rikorrenti tal-istess tip ta' oġġett jew ta' servizz li għandu jingħata matul it-12-il xahar wara l-għoti tal-kuntratt inizjali jew is-sena kontabilistika tal-entità tal-akkwist.

7. Fil-każ ta' akkwist b'lokazzjoni, b'kiri jew b'lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' oġġetti jew ta' servizzi, jew l-akkwist li għalih ma huwiex speċifikat prezz totali, il-bażi għall-valutazzjoni għandha tkun:

(a) fil-każ ta' kuntratt b'terminu fiss:

(i) jekk it-terminu tal-kuntratt ikun ta' 12-il xahar jew anqas, il-valur massimu totali stmat għad-durata tiegħu; jew

(ii) jekk it-terminu tal-kuntratt jaqbeż it-12-il xahar, il-valur massimu totali stmat, inkluż kwalunkwe valur residwu stmat;

(b) jekk il-kuntratt ikun għal perjodu indefinit, il-ħlas parzjali stmat fix-xahar multiplikat bi 48;

(c) jekk ma jkunx ċert jekk il-kuntratt huwiex se jkun kuntratt b'terminu fiss, japplika s-subparagrafu (b).

Artikolu 21.3

Sigurtà u Eċċezzjonijiet Ġenerali

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni lil Parti milli tieħu kwalunkwe azzjoni jew ma tiddivulgax kwalunkwe informazzjoni li tqis neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha relatati mal-akkwist ta' armi, ta' munizzjon jew ta' materjali tal-gwerra, jew mal-akkwist indispensabbli għas-sigurtà nazzjonali jew għal finijiet tad-difiża nazzjonali.

2. Soġġett għar-rekwiżit li miżuri bħal dawn ma jiġux applikati b'tali mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn Partijiet fejn l-istess kundizzjonijiet jipprevalu, jew jikkostitwixxu restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni lil Parti milli timponi jew tinforza miżuri:

(a) neċessarji għall-protezzjoni tal-moralità, tal-ordni jew tas-sikurezza pubblika;

(b) neċessarji għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) neċessarji għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; jew

(d) relatati ma' oġġetti jew ma' servizzi ta' persuni b'diżabilità, ta' istituzzjonijiet filantropiċi jew ta' xogħol fil-ħabsijiet.

Artikolu 21.4

Prinċipji Ġenerali

Nondiskriminazzjoni

1. Minkejja l-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 21.2, intrapriża ta' Parti li hija stabbilita legalment permezz tal-kostituzzjoni, l-akkwiżizzjoni jew iż-żamma ta' preżenza kummerċjali fit-territorju tal-Parti l-oħra tista' tipparteċipa fl-akkwist pubbliku ta' dik il-Parti l-oħra taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-intrapriżi ta' dik il-Parti l-oħra kif previst skont il-liġi ta' dik il-Parti l-oħra.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura dwar akkwist kopert, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, għandha tagħti minnufih u mingħajr ebda kundizzjoni lill-oġġetti u lis-servizzi tal-Parti l-oħra u lill-fornituri tal-Parti l-oħra li joffru tali oġġetti jew servizzi, trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li l-Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tagħti lill-oġġetti, lis-servizzi u lill-fornituri tagħha stess.

3. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura dwar akkwist kopert, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex:

(a) tittratta lil fornitur stabbilit lokalment b'mod anqas favorevoli minn fornitur ieħor stabbilit lokalment fuq il-bażi tal-grad ta' affiljazzjoni jew ta' sjieda barranija; jew

(b) tiddiskrimina kontra fornitur stabbilit lokalment fuq il-bażi li l-oġġetti jew is-servizzi offruti minn dak il-fornitur għal akkwist partikolari jkunu oġġetti jew servizzi tal-Parti l-oħra.

Użu ta' Mezzi Elettroniċi

4. Meta tkun qiegħda twettaq akkwist kopert permezz ta' mezzi elettroniċi, entità tal-akkwist għandha:

(a) tiżgura li l-akkwist isir bl-użu ta' sistemi u ta' software ta' teknoloġija tal-informazzjoni, inklużi dawk relatati mal-awtentikazzjoni u mal-kriptaġġ tal-informazzjoni, li jkunu ġeneralment disponibbli u interoperabbli ma' sistemi u ma' software oħrajn ta' teknoloġija tal-informazzjoni ġeneralment disponibbli;

(b) iżżomm mekkaniżmi li jiżguraw l-integrità ta' talbiet għal parteċipazzjoni u ta' offerti, inklużi l-istabbiliment tal-ħin tar-riċevuta u l-prevenzjoni ta' aċċess mhux xieraq; u

(c) tuża mezzi elettroniċi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi u ta' dokumentazzjoni tal-offerti fi proċeduri ta' akkwist u, sa fejn ikun prattikabbli, għas-sottomissjoni ta' offerti.

Eżekuzzjoni tal-Akkwist

5. Entità tal-akkwist għandha twettaq akkwist kopert b'mod trasparenti u imparzjali li:

(a) ikun konsistenti ma' dan il-Kapitolu, bl-użu ta' wieħed mill-metodi li ġejjin: proċedura miftuħa, selettiva jew limitata ta' offerti;

(b) jipprevjeni kunflitti ta' interess u prattiki korrotti, f'konformità mad-dritt tal-Parti kkonċernata.

Miżuri Kontra l-Korruzzjoni

6. Kull Parti għandha tiżgura li jkollha fis-seħħ miżuri xierqa sabiex tipprevjeni l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku tagħha. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu proċeduri sabiex irendu ineliġibbli għall-parteċipazzjoni fl-akkwisti ta' Parti, jew b'mod indefinit jew għal perjodu ta' żmien iddikjarat, il-fornituri li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' dik il-Parti jkunu ddeterminaw b'deċiżjoni finali li jkunu involuti f'azzjonijiet frawdolenti jew illegali oħrajn fir-rigward tal-akkwist pubbliku fit-territorju ta' dik il-Parti. Kull Parti għandha tiżgura wkoll li jkollha fis-seħħ politiki u proċeduri sabiex telimina sa fejn ikun possibbli jew timmaniġġa kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali min-naħa ta' dawk involuti f'akkwist jew li jkollhom influwenza fuqu.

Regoli tal-Oriġini

7. Parti ma għandhiex tapplika regoli tal-oriġini għal oġġetti importati jew għal servizzi fornuti mill-Parti l-oħra għall-finijiet ta' akkwist pubbliku kopert minn dan il-Kapitolu li jkunu differenti mir-regoli tal-oriġini li dik il-Parti tapplika fil-perkors normali tal-kummerċ għall-importazzjonijiet jew għall-provvisti tal-istess oġġetti jew servizzi.

Ċaħda tal-Benefiċċji

8. Parti tista' ċċaħħad il-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu lil fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra, soġġett għal notifika u għal konsultazzjoni minn qabel, meta l-Parti tistabbilixxi li s-servizz ikun qiegħed jiġi pprovdut minn intrapriża li ma jkollha l-ebda attività kummerċjali sostanzjali fit-territorju ta' xi waħda mill-Partijiet.

Tpaċija

9. Fir-rigward tal-akkwist kopert, Parti, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex tfittex, tqis, timponi jew tinforza xi tpaċija.

Miżuri Mhux Speċifiċi għall-Akkwist

10. Il-paragrafi 2 u 3 ma japplikawx għal:

(a) dazji doganali u imposti ta' kull xorta imposti fuq l-importazzjoni jew b'konnessjoni magħha;

(b) il-metodu tal-impożizzjoni ta' tali dazji u imposti; u

(c) regolamenti jew formalitajiet oħrajn dwar l-importazzjoni u miżuri li jaffettwaw il-kummerċ ta' servizzi li ma humiex il-miżuri li jirregolaw l-akkwist kopert.

Artikolu 21.5

Informazzjoni dwar is-Sistema tal-Akkwist

1. Kull Parti għandha:

(a) tippubblika minnufih kwalunkwe liġi, regolament, deċiżjoni ġuridika, deċiżjoni amministrattiva ta' applikazzjoni ġenerali, klawżola ta' kuntratt standard mitluba mil-liġi jew minn regolament u inkorporata b'referenza f'avviżi jew f'dokumentazzjoni tal-offerti u fi proċedura dwar l-akkwist kopert, u kull modifika fihom, b'mezz elettroniku jew stampat magħżul b'mod uffiċjali li jintuża b'mod estensiv u li jibqa' disponibbli faċilment għall-pubbliku; u

(b) tipprovdi spjegazzjoni dwar dan lill-Parti l-oħra, meta din tintalab.

2. Kull Parti għandha telenka fit-Taqsima I tal-Anness 21-A jew 21-B, rispettivament:

(a) il-mezz elettroniku jew stampat li fih il-Parti tippubblika l-informazzjoni deskritta fil-paragrafu 1(a);

(b) il-mezz elettroniku jew stampat li bih il-Parti tippubblika l-avviżi meħtieġa mill-Artikoli 21.6, 21.8.7 u 21.15.2; u

(c) l-indirizz jew l-indirizzi tas-sit web fejn il-Parti tippubblika:

(i) l-istatistiki tal-akkwist tagħha msemmijin fl-Artikolu 21.15.4; jew

(ii) l-avviżi tagħha dwar kuntratti mogħtijin skont l-Artikolu 21.15.6.

3. Kull Parti għandha tinnotifika minnufih lis-Sottokumitat dwar l-Akkwist Pubbliku bi kwalunkwe modifika fl-informazzjoni tagħha elenkata fit-Taqsima I tal-Anness 21-A jew 21-B.

Artikolu 21.6

Avviżi

Avviż ta' Akkwist Maħsub

1. Għal kull akkwist kopert, l-entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż ta' akkwist maħsub, għajr fiċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 21.12.

2. Sakemm ma jiġix previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, kull avviż ta' akkwist maħsub għandu jinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra neċessarja sabiex l-entità tal-akkwist tiġi kkuntattjata u jinkisbu d-dokumenti rilevanti kollha relatati mal-akkwist, u l-kost u t-termini tal-ħlas tagħhom, jekk ikun hemm;

(b) deskrizzjoni tal-akkwist, inklużi n-natura u l-kwantità tal-oġġetti jew tas-servizzi li għandhom jiġu akkwistati jew, meta l-kwantità ma tkunx magħrufa, il-kwantità stmata;

(c) għal kuntratti rikorrenti, stima, jekk tkun possibbli, tat-twaqqit tal-avviżi sussegwenti tal-akkwist maħsub;

(d) deskrizzjoni ta' kwalunkwe opzjoni;

(e) il-perjodu ta' żmien għall-konsenja ta' oġġetti jew ta' servizzi jew id-durata tal-kuntratt;

(f) il-metodu tal-akkwist li se jintuża u jekk huwiex se jinvolvi negozjar jew irkant elettroniku;

(g) jekk applikabbli, l-indirizz u kwalunkwe data finali għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-parteċipazzjoni fl-akkwist;

(h) l-indirizz u d-data finali għas-sottomissjoni tal-offerti;

(i) il-lingwa jew il-lingwi li bihom jistgħu jiġu sottomessi l-offerti jew it-talbiet għall-parteċipazzjoni, jekk jistgħu jiġu sottomessi b'lingwa li ma hijiex lingwa uffiċjali tal-Parti tal-entità tal-akkwist;

(j) lista u deskrizzjoni qasira ta' kwalunkwe kundizzjoni għall-parteċipazzjoni tal-forniturі, inkluż kwalunkwe rekwiżit għal dokumenti jew għal ċertifikazzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu pprovduti mill-forniturі fir-rigward tat-tali parteċipazzjoni, ħlief jekk tali rekwiżiti jkunu inklużi fid-dokumentazzjoni li tkun disponibbli għall-forniturі kollha interessati fl-istess żmien tal-avviż ta' akkwist maħsub;

(k) jekk, skont l-Artikolu 21.8, entità tal-akkwist ikollha l-ħsieb li tagħżel numru limitat ta' forniturі kkwalifikati sabiex jiġu mistednin li jitfgħu offerta, il-kriterji li jkunu se jintużaw sabiex jintgħażlu u, meta applikabbli, kull limitu fuq in-numru ta' forniturі li jkollhom il-permess jitfgħu l-offerta; u

(l) indikazzjoni li l-akkwist huwa kopert minn dan il-Kapitolu.

Avviż Sommarju

3. Għal kull każ ta' akkwist maħsub, l-entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż sommarju li jkun faċilment aċċessibbli, fl-istess ħin bħall-pubblikazzjoni tal-avviż ta' akkwist maħsub, f'waħda mil-lingwi tad-WTO.

L-avviż sommarju għandu jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) is-suġġett tal-akkwist;

(b) id-data finali għas-sottomissjoni tal-offerti jew, jekk applikabbli, kwalunkwe data finali għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-parteċipazzjoni fl-akkwist jew għall-inklużjoni f'lista għal użu ripetut; u

(c) l-indirizz minn fejn jistgħu jintalbu d-dokumenti relatati mal-akkwist.

Avviż ta' Akkwist Ippjanat

4. L-entitajiet tal-akkwist huma mħeġġin jippubblikaw kmieni kemm jista' jkun f'kull sena kontabilistika, avviż dwar il-pjanijiet tal-akkwist tagħhom għall-ġejjieni (minn hawn 'il quddiem imsejħin "avviż ta' akkwist ippjanat"). L-avviż ta' akkwist ippjanat għandu jinkludi s-suġġett tal-akkwist u d-data approssimattiva tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' akkwist ippjanat jew il-perjodu approssimattiv li fih l-akkwist jista' jitwettaq.

5. L-entità tal-akkwist koperta taħt it-Taqsima B jew C tal-Anness 21-A jew 21-B tista' tuża avviż ta' akkwist ippjanat bħala avviż ta' akkwist ippjanat diment li l-avviż ta' akkwist ippjanat jinkludi dik l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 2 li tkun disponibbli għall-entità tal-akkwist u dikjarazzjoni li l-forniturі interessati għandhom jesprimu l-interess tagħhom fl-akkwist lill-entità tal-akkwist.

Regoli Ġenerali dwar l-Avviżi

6. L-avviżi kollha ta' akkwist maħsub, l-avviżi sommarji u l-avviżi ta' akkwist ippjanat għandhom ikunu direttament aċċessibbli b'mezzi elettroniċi mingħajr ħlas permezz ta' punt ta' aċċess online uniku. Barra minn hekk, l-avviżi jistgħu wkoll jiġu ppubblikati fuq mezz stampat xieraq li jkun komuni ferm u għandhom jibqgħu faċilment aċċessibbli għall-pubbliku, tal-anqas sakemm jiskadi l-perjodu ta' żmien indikat fl-avviż.

Artikolu 21.7

Kundizzjonijiet għall-Parteċipazzjoni

1. Entità tal-akkwist għandha tillimita kwalunkwe kundizzjoni għal parteċipazzjoni f'akkwist għal dawk li huma essenzjali sabiex jiġi żgurat li fornitur ikollu l-kapaċitajiet legali u finanzjarji u l-ħiliet kummerċjali u tekniċi sabiex iwettaq l-akkwist rilevanti.

2. Meta tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, entità tal-akkwist:

(a) ma għandhiex timponi l-kundizzjoni li, sabiex fornitur jieħu sehem f'akkwist, il-fornitur irid ikun ingħata fl-imgħoddi kuntratt wieħed jew aktar minn entità tal-akkwist ta' Parti partikolari;

(b) tista' titlob esperjenza preċedenti rilevanti jekk din tkun essenzjali sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti tal-akkwist; u

(c) ma għandhiex teħtieġ li l-esperjenza minn qabel fit-territorju tal-Parti tkun kundizzjoni tal-akkwist.

3. Meta tivvaluta jekk fornitur jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, l-entità tal-akkwist:

(a) għandha tevalwa l-kapaċità ta' finanzjament, u l-ħiliet kummerċjali u tekniċi ta' fornitur fuq il-bażi tal-attivitajiet tan-negozju tal-fornitur kemm ġewwa kif ukoll barra t-territorju tal-Parti tal-entità tal-akkwist; u

(b) għandha tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq il-kundizzjonijiet li tkun speċifikat minn qabel fl-avviżi jew fil-fajl tal-offerta.

4. Jekk ikun hemm evidenza ta' sostenn, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista' teskludi fornitur għal raġunijiet bħal:

(a) falliment;

(b) dikjarazzjonijiet foloz;

(c) nuqqasijiet notevoli jew persistenti fit-twettiq ta' kwalunkwe rekwiżit jew obbligu sostantiv f'kuntratt preċedenti;

(d) sentenzi finali fir-rigward ta' reati serji jew ta' reati serji oħrajn skont il-liġi ta' dik il-Parti;

(e) kondotta professjonali ħażina jew atti jew ommissjonijiet li jirriflettu ħażin fuq l-integrità kummerċjali tal-fornitur; jew

(f) nuqqas ta' ħlas tat-taxxi.

Artikolu 21.8

Kwalifika tal-Forniturі

Sistemi ta' Reġistrazzjoni u Proċeduri ta' Kwalifika

1. Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista' tmantni sistema ta' reġistrazzjoni tal-forniturі li fiha l-forniturі interessati jkunu meħtieġa jirreġistraw u jipprovdu ċerta informazzjoni. F'dan il-każ, il-Parti għandha tiżgura li l-forniturі interessati jkollhom aċċess sħiħ għall-informazzjoni dwar is-sistema ta' reġistrazzjoni b'mezzi elettroniċi u li jistgħu jitolbu reġistrazzjoni fi kwalunkwe ħin matul il-validità tagħha. L-awtorità kompetenti għandha tinformahom fi żmien raġonevoli bid-deċiżjoni li tagħti jew tiċħad din it-talba. Jekk it-talba tiġi miċħuda, id-deċiżjoni għandha tkun motivata kif xieraq.

2. Kull Parti għandha tiżgura li:

(a) l-entitajiet tal-akkwist tagħha jagħmlu sforzi sabiex jimminimizzaw id-differenzi fil-proċeduri ta' kwalifika tagħhom; u

(b) jekk l-entitajiet tal-akkwist tagħha jżommu sistemi ta' reġistrazzjoni, l-entitajiet jagħmlu sforzi sabiex jimminimizzaw id-differenzi fis-sistemi ta' reġistrazzjoni tagħhom.

3. Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex tadotta jew tapplika xi sistema ta' reġistrazzjoni jew proċedura ta' kwalifika bil-għan jew bl-effett li jinħolqu ostakli bla bżonn għall-parteċipazzjoni tal-forniturі tal-Parti l-oħra fl-akkwist tagħha.

Proċedura Selettiva ta' Offerti

4. Jekk entità tal-akkwist ikun beħsiebha tuża proċedura selettiva ta' offerti, l-entità għandha:

(a) tinkludi, fl-avviż ta' akkwist maħsub, tal-anqas l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 21.6.2 (a), (b), (f), (g), (j), (k) u (l) u tistieden lill-forniturі jippreżentaw talba għall-parteċipazzjoni; u

(b) tipprovdi, sal-bidu tal-perjodu ta' żmien għall-offerti, tal-anqas l-informazzjoni fl-Artikolu 21.6.2(c), (d), (e), (h) u (i) lill-forniturі kwalifikati li tinnotifika kif speċifikat fl-Artikolu 21.10.3(b).

5. Entità tal-akkwist għandha tippermetti lill-forniturі kwalifikati kollha sabiex jieħdu sehem f'akkwist partikolari, sakemm l-entità tal-akkwist ma tiddikjarax fl-avviż ta' akkwist maħsub xi limitazzjoni fuq in-numru ta' forniturі li jitħallew jipparteċipaw fis-sejħa għall-offerti u l-kriterji għall-għażla tan-numru limitat ta' forniturі. Stedina għas-sottomissjoni ta' offerta għandha tiġi indirizzata lil numru ta' forniturі neċessarju sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva.

6. Meta l-fajl tal-offerta ma jitqiegħedx għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' akkwist intenzjonat, entità tal-akkwist għandha tiżgura li dak il-fajl jitqiegħed għad-dispożizzjoni fl-istess ħin lill-forniturі kwalifikati kollha magħżulin f'konformità mal-paragrafu 5.

Listi għal Użu Ripetut

7. Entità tal-akkwist tista' żżomm lista għal użu ripetut diment li kull sena jiġi ppubblikat avviż li jistieden lill-forniturі interessati japplikaw għall-inklużjoni fil-lista fil-mezz xieraq elenkat fit-Taqsima I tal-Annessi 21-A u 21-B u, jekk jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi, jitqiegħed għad-dispożizzjoni b'mod kontinwu.

8. L-avviż previst fil-paragrafu 7 għandu jinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi, jew tal-kategoriji tagħhom, li għalihom tista' tintuża l-lista;

(b) il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni li għandhom jiġu ssodisfati mill-forniturі għall-inklużjoni fil-lista u l-metodi li l-entità tal-akkwist se tuża sabiex tivverifika li fornitur jissodisfa l-kundizzjonijiet;

(c) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra neċessarja sabiex l-entità tal-akkwist tkun ikuntattjata u jinkisbu d-dokumenti rilevanti kollha relatati mal-lista;

(d) il-perjodu ta' validità tal-lista u l-mezzi għat-tiġdid jew għat-terminazzjoni tagħha, jew jekk il-perjodu ta' validità ma jkunx ipprovdut, indikazzjoni tal-metodu li permezz tiegħu jkun se jinħareġ avviż li l-lista ma hijiex se tintuża aktar; u

(e) indikazzjoni li l-lista tista' tintuża għall-akkwist kopert minn dan il-Kapitolu.

9. Minkejja l-paragrafu 7, jekk lista għal użu ripetut tkun valida għal 3 snin jew anqas, l-entità tal-akkwist tista' tippubblika l-avviż imsemmi fil-paragrafu 7 darba biss, fil-bidu tal-perjodu ta' validità tal-lista, diment li l-avviż:

(a) jiddikjara l-perjodu ta' validità u li ma humiex se jiġu ppubblikati avviżi ulterjuri; u

(b) jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi u jitqiegħed għad-dispożizzjoni kontinwament matul il-perjodu ta' validità tiegħu.

10. Entità tal-akkwist għandha tippermetti lill-forniturі japplikaw fi kwalunkwe żmien għall-inklużjoni f'lista għal użu ripetut u għandha tinkludi fil-lista l-forniturі kwalifikati kollha fi żmien raġonevolment qasir.

11. Meta fornitur li ma jkunx inkluż f'lista għal użu ripetut jippreżenta talba għal parteċipazzjoni f'akkwist fuq il-bażi ta' lista għal użu ripetut kif ukoll tad-dokumenti kollha meħtieġa, fil-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 21.10.2, it-talba għandha tiġi eżaminata minn entità tal-akkwist. L-entità tal-akkwist ma għandhiex teskludi lill-fornitur minn kunsiderazzjoni fir-rigward tal-akkwist fuq il-bażi li l-entità tal-akkwist ma jkollhiex biżżejjed żmien sabiex teżamina t-talba, ħlief jekk, f'każijiet eċċezzjonali, minħabba l-kumplessità tal-akkwist, l-entità tal-akkwist ma tkunx tista' tlesti l-eżami tat-talba fil-perjodu ta' żmien permess għas-sottomissjoni tal-offerti.

Entitajiet oħrajn tat-Taqsimiet B u C tal-Annessi 21-A u 21-B.

12. Entità tal-akkwist ta' Parti koperta fit-Taqsimiet B jew C tal-Anness 21-A jew 21-B tista' tuża avviż li jistieden lill-forniturі japplikaw għall-inklużjoni f'lista għal użu ripetut bħala avviż ta' akkwist maħsub, diment li:

(a) l-avviż jiġi ppubblikat f'konformità mal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu u jinkludi l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni kollha meħtieġa fl-Artikolu 21.6.2 li tkun disponibbli u dikjarazzjoni li dan jikkostitwixxi avviż ta' akkwist ippjanat jew li huma biss il-forniturі fil-lista għal użu ripetut li se jirċievu avviżi oħrajn ta' akkwist kopert minn lista għal użu ripetut; u

(b) l-entità tal-akkwist tipprovdi minnufih lill-forniturі li jesprimu interess f'akkwist partikolari, biżżejjed b'informazzjoni sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw l-interess tagħhom fl-akkwist, inkluża l-bqija tal-informazzjoni meħtieġa kollha fl-Artikolu 21.6.2, sa fejn tali informazzjoni tkun disponibbli.

13. Entità tal-akkwist koperta mit-Taqsima B jew C tal-Anness 21-A jew 21-B tista' tħalli lil fornitur li jkun applika għall-inklużjoni f'lista għal użu ripetut f'konformità mal-paragrafu 10 sabiex jagħmel offerta f'akkwist partikolari, jekk ikun hemm biżżejjed żmien sabiex l-entità tal-akkwist teżamina jekk il-fornitur jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni.

Informazzjoni dwar id-Deċiżjonijiet tal-Entità tal-Akkwist

14. Entità tal-akkwist għandha tgħarraf minnufih lil kwalunkwe fornitur li jissottometti talba għall-parteċipazzjoni f'akkwist, jew applikazzjoni għall-inklużjoni f'lista għal użu ripetut, bid-deċiżjoni tal-entità tal-akkwist fir-rigward tat-talba jew tal-applikazzjoni.

15. Jekk entità tal-akkwist tirrifjuta talba ta' fornitur għall-parteċipazzjoni f'akkwist jew applikazzjoni għall-inklużjoni f'lista għal użu ripetut, ma tibqax tirrikonoxxi fornitur bħala fornitur kwalifikat, jew tneħħi fornitur minn lista għal użu ripetut, l-entità tal-akkwist għandha tgħarraf minnufih lill-fornitur u, wara talba tal-fornitur, tipprovdi minnufih lill-fornitur bi spjegazzjoni bil-miktub dwar ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Artikolu 21.9

Speċifikazzjonijiet Tekniċi u Fajl tal-Offerta

Speċifikazzjonijiet Tekniċi

1. Entità tal-akkwist ma għandhiex tħejji, tadotta jew tapplika xi speċifikazzjoni teknika u tippreskrivi xi proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità bl-iskop jew bl-effett li toħloq ostakoli bla bżonn għall-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Fl-istabbiliment tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-oġġetti jew għas-servizzi li jkunu se jiġu akkwistati, l-entità tal-akkwist għandha, jekk ikun xieraq:

(a) tistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni teknika, f'termini tar-rekwiżiti ta' prestazzjoni u tar-rekwiżiti funzjonali, aktar milli l-karatteristiċi tad-disinn jew deskrittivi; u

(b) tibbaża l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fuq standards internazzjonali, jekk tali standards jeżistu, jew inkella fuq regolamenti tekniċi nazzjonali, fuq standards nazzjonali rikonoxxuti jew fuq kodiċijiet tal-bini.

3. Jekk fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jintużaw il-karatteristiċi tad-disinn jew deskrittivi, entità tal-akkwist għandha tindika, fejn xieraq, li se tikkunsidra offerti ta' oġġetti jew ta' servizzi ekwivalenti li jissodisfaw biċ-ċar ir-rekwiżiti tal-akkwist billi tinkludi kliem bħal "jew ekwivalenti" fil-fajl tal-offerta.

4. Entità tal-akkwist ma għandhiex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi li jirrikjedu jew jirreferu għal trademark jew għal isem kummerċjali, għal privattiva, għal dritt tal-awtur, għal disinn, għal tip, għal oriġini speċifika, għal produttur jew għal fornitur partikolari, sakemm ma jkun hemm l-ebda mod ieħor preċiż jew intelliġibbli biżżejjed kif jiġu deskritti r-rekwiżiti tal-akkwist u diment li l-entità tal-akkwist tinkludi kliem bħal "jew ekwivalenti" fil-fajl tal-offerta.

5. Entità tal-akkwist ma għandhiex tfittex jew taċċetta, b'mod li jkollu l-effett li jipprekludi l-kompetizzjoni, parir li jista' jintuża fil-preparazzjoni jew fl-adozzjoni ta' kwalunkwe speċifikazzjoni teknika għal akkwist speċifiku minn persuna li jista' jkollha interess kummerċjali fl-akkwist.

6. Parti tista' tippermetti lill-entitajiet tal-akkwist tagħha jqisu l-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, diment li dawn ma jkunux diskriminatorji u li jkunu marbutin mas-suġġett tal-kuntratt.

7. Għal ċertezza akbar, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista', f'konformità ma' dan l-Artikolu, tħejji, tadotta jew tapplika speċifikazzjonijiet tekniċi sabiex tippromwovi l-konservazzjoni ta' riżorsi naturali jew tipproteġi l-ambjent.

Fajl tal-Offerta

8. Entità tal-akkwist għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-fornituri fajl tal-offerta li jinkludi l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex il-fornituri jkunu jistgħu jħejju u jissottomettu offerti ta' rispons. Sakemm ma jkunx diġà ngħata fl-avviż ta' akkwist ippjanat, tali fajl għandu jinkludi deskrizzjoni sħiħa ta':

(a) l-akkwist, inklużi l-għamla u l-kwantità tal-oġġetti jew tas-servizzi li għandhom jiġu akkwistati jew, jekk il-kwantità ma tkunx magħrufa, il-kwantità stmata u kwalunkwe rekwiżit li għandu jiġi ssodisfat, inkluża kwalunkwe speċifikazzjoni teknika, ċertifikazzjoni ta' valutazzjoni tal-konformità, pjan, tpinġija jew materjal ta' struzzjoni;

(b) kwalunkwe kundizzjoni għall-parteċipazzjoni tal-fornituri, inkluża lista ta' informazzjoni u ta' dokumenti li l-fornituri huma meħtieġa jissottomettu b'rabta mal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni;

(c) il-kriterji kollha ta' evalwazzjoni li l-entità tal-akkwist se tapplika fl-għoti tal-kuntratt, u, ħlief jekk il-prezz ikun l-uniku kriterju, l-importanza relattiva ta' dawk il-kriterji;

(d) jekk l-entità tal-akkwist tkun se twettaq l-akkwist b'mezzi elettroniċi, kwalunkwe rekwiżit ta' awtentikazzjoni u ta' kriptaġġ jew rekwiżiti oħrajn relatati mas-sottomissjoni tal-informazzjoni b'mezzi elettroniċi;

(e) jekk l-entità tal-akkwist tkun se torganizza rkant elettroniku, ir-regoli, inkluża l-identifikazzjoni tal-elementi tal-offerta relatati mal-kriterji ta' evalwazzjoni, li abbażi tagħhom ikun se jitwettaq l-irkant;

(f) jekk l-offerti jkunu se jinfetħu fil-pubbliku, id-data, il-ħin u l-post tal-ftuħ u, jekk xieraq, il-persuni awtorizzati li jkunu preżenti;

(g) kwalunkwe terminu ieħor jew kundizzjoni oħra, inklużi termini tal-ħlas u kwalunkwe limitazzjoni fuq il-mezzi li bihom jistgħu jiġu sottomessi l-offerti, bħal jekk il-mezz huwiex stampat jew elettroniku; u

(h) kwalunkwe data għall-konsenja tal-oġġetti jew għall-provvista tas-servizzi.

9. Meta tistabbilixxi data għall-konsenja tal-oġġetti jew għall-forniment tas-servizzi li jkunu qegħdin jiġu akkwistati, entità tal-akkwist għandha tqis fatturi bħall-kumplessità tal-akkwist, kemm huwa antiċipat li se jsir sottokuntrattar u ż-żmien realistiku meħtieġ għall-produzzjoni, għat-tneħħija mill-ħżin, u għat-trasport tal-oġġetti mill-punt tal-forniment jew għall-forniment tas-servizzi.

10. Il-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż ta' akkwist maħsub jew fil-fajl tal-offerta jistgħu jinkludu, fost affarijiet oħrajn, il-fatturi tal-prezz u ta' kostijiet oħrajn, il-kwalità, il-mertu tekniku, il-karatteristiċi ambjentali u t-termini tal-konsenja.

11. Entità tal-akkwist għandha minnufih:

(a) tqiegħed għad-dispożizzjoni l-fajl tal-offerta sabiex tiżgura li l-fornituri interessati jkollhom biżżejjed żmien sabiex jissottomettu offerti ta' rispons;

(b) tipprovdi, meta mitluba, il-fajl tal-offerta lil kwalunkwe fornitur interessat; u

(c) twieġeb għal kwalunkwe talba raġonevoli għal informazzjoni relevanti minn kwalunkwe fornitur interessat jew parteċipant, diment li din l-informazzjoni ma tagħtix lil dak il-fornitur vantaġġ fuq fornituri oħrajn.

Modifiki

12. Jekk, qabel l-għoti ta' kuntratt, entità tal-akkwist timmodifika l-kriterji jew ir-rekwiżiti stipulati fl-avviż ta' akkwist ippjanat jew fil-fajl tal-offerta pprovdut tal-fornituri parteċipanti, jew temenda jew terġa' toħroġ avviż jew fajl tal-offerta, hija għandha tibgħat bil-miktub dawn il-modifiki kollha jew l-avviż jew il-fajl tal-offerta emendat jew maħruġ mill-ġdid:

(a) lill-fornituri kollha li jkunu qegħdin jieħdu sehem fi żmien il-modifika, l-emenda jew il-ħruġ mill-ġdid, jekk dawk il-fornituri jkunu magħrufin għall-entità tal-akkwist, u fil-każijiet l-oħrajn kollha, bl-istess mod li bih tqiegħdet għad-dispożizzjoni l-informazzjoni oriġinali; u

(b) fi żmien adegwat li jippermetti lil dawk il-fornituri jimmodifikaw u jissottomettu mill-ġdid sejħiet għall-offerti emendati, kif xieraq.

Artikolu 21.10

Perjodi ta' Żmien

1. F'konformità mal-ħtiġijiet raġonevoli tagħha stess, entità tal-akkwist għandha tipprovdi żmien suffiċjenti sabiex il-fornituri jħejju u jissottomettu talbiet għall-parteċipazzjoni u offerti ta' rispons, filwaqt li tikkunsidra fatturi bħal:

(a) it-tip u l-kumplessità tal-akkwist;

(b) kemm huwa antiċipat li se jsir sottokuntrattar; u

(c) iż-żmien neċessarju għat-trażmissjoni tal-offerti b'mezzi mhux elettroniċi minn punti li jinsabu fil-Parti l-oħra jew fit-territorju tal-entità tal-akkwist, jekk ma jintużawx mezzi elettroniċi.

Il-perjodi ta' żmien, inkluża kwalunkwe estensjoni tagħhom, għandhom ikunu l-istess għall-fornituri interessati jew għall-parteċipanti kollha.

2. Entità tal-akkwist li tuża proċedura selettiva ta' offerti għandha tistabbilixxi li d-data finali għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-parteċipazzjoni ma għandhiex, fil-prinċipju, tkun anqas minn 25 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist maħsub. Jekk stat ta' urġenza ssostanzjat kif xieraq mill-entità tal-akkwist irendi dan il-perjodu ta' żmien imprattikabbli, il-perjodu ta' żmien jista' jitnaqqas b'mhux anqas minn 10 ijiem.

3. Għajr kif stipulat fil-paragrafi 4, 5, 7 u 8, entità tal-akkwist għandha tistabbilixxi li d-data finali għas-sottomissjoni tal-offerti ma għandhiex tkun anqas minn 40 jum mid-data li fiha:

(a) fil-każ ta' proċedura miftuħa, jiġi ppubblikat l-avviż ta' akkwist maħsub; jew

(b) fil-każ ta' proċedura selettiva ta' offerti ta' kuntratt, l-entità tal-akkwist tinnotifika lill-forniturі li se jkunu mistednin jippreżentaw offerti, kemm jekk tuża lista għal użu ripetut kif ukoll jekk le.

4. Entità tal-akkwist tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għas-sejħa għall-offerti stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3 għal mhux anqas minn 10 ijiem jekk:

(a) l-entità tal-akkwist tkun ippubblikat avviż ta' akkwist ippjanat kif deskritt fl-Artikolu 21.6.4 tal-anqas 40 jum imma mhux aktar minn 12-il xahar minn qabel il-pubblikazzjoni tal-avviż ta' akkwist maħsub, u l-avviż ta' akkwist ippjanat ikun fih:

(i) deskrizzjoni tal-akkwist;

(ii) id-dati finali approssimattivi għas-sottomissjoni tal-offerti jew tat-talbiet għall-parteċipazzjoni;

(iii) dikjarazzjoni li l-forniturі interessati għandhom jesprimu l-interess tagħhom fl-akkwist lill-entità tal-akkwist;

(iv) l-indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu d-dokumenti relatati mal-akkwist; u

(v) l-informazzjoni kollha meħtieġa li tkun disponibbli għall-avviż ta' akkwist maħsub skont l-Artikolu 21.6.2;

(b) l-entità tal-akkwist, għal kuntratti ta' natura rikorrenti, tindika f'avviż inizjali tal-akkwist ippjanat li l-avviżi sussegwenti jipprovdu perjodi ta' żmien għas-sejħiet għall-offerti bbażati fuq dan il-paragrafu; jew

(c) stat ta' urġenza sostanzjat kif xieraq mill-entità tal-akkwist jrendi imprattikabbli l-perjodu ta' żmien għall-proċedura ta' offerti stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3.

5. Entità tal-akkwist tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għas-sejħa għall-offerti stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3 b'5 ijiem għal kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-avviż ta' akkwist maħsub ikun pubblikat b'mezzi elettroniċi;

(b) il-fajl tal-offerta kollu jitqiegħed għad-dispożizzjoni b'mezzi elettroniċi mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' akkwist maħsub; u

(c) l-entità tal-akkwist taċċetta offerti b'mezzi elettroniċi.

6. L-applikazzjoni tal-paragrafu 5, flimkien mal-paragrafu 4, fl-ebda każ ma għandu jirriżulta fit-tnaqqis tal-perjodu ta' żmien għall-offerti stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3 għal anqas minn 10 ijiem mid-data li fiha jiġi pubblikat l-avviż ta' akkwist ippjanat.

7. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Artikolu, jekk entità tal-akkwist takkwista oġġetti jew servizzi kummerċjali, jew xi taħlita tagħhom, hija tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għall-proċedura ta' offerti stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3 għal mhux anqas minn 13-il jum, diment li tippubblika b'mezzi elettroniċi, fl-istess ħin, kemm l-avviż ta' akkwist ippjanat kif ukoll il-fajl tal-offerta. Barra minn hekk, meta l-entità tal-akkwist taċċetta offerti għal oġġetti jew għal servizzi kummerċjali b'mezzi elettroniċi, tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3 għal mhux anqas minn 10 ijiem.

8. Jekk entità tal-akkwist koperta fit-Taqsima B jew C tal-Anness 21-A jew 21-B tkun għażlet il-forniturikwalifikati kollha jew numru limitat minnhom, il-perjodu ta' żmien għall-offerti jista' jiġi ddeterminat bi ftehim reċiproku bejn l-entità tal-akkwist u l-forniturimagħżulin. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-perjodu ta' żmien ma għandux ikun anqas minn 10 ijiem.

Artikolu 21.11

Negozjar

1. Parti tista' tipprovdi sabiex l-entitajiet tal-akkwist tagħha jagħmlu negozjati mal-forniturijekk:

(a) l-entità tal-akkwist tkun indikat l-intenzjoni tagħha li twettaq negozjati fl-avviż ta' akkwist maħsub meħtieġ skont l-Artikolu 21.6.1; jew

(b) mill-evalwazzjoni jkun jidher li ma hemmx offerta li tkun b'mod evidenti l-aktar waħda vantaġġuża f'termini tal-kriterji speċifiċi ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż ta' akkwist maħsub jew fil-fajl tal-offerta.

2. Entità tal-akkwist għandha:

(a) tiżgura li kwalunkwe eliminazzjoni ta' forniturili jieħdu sehem fin-negozjati ssir f'konformità mal-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż ta' akkwist maħsub jew fil-fajl tal-offerta; u

(b) meta jiġu konklużi n-negozjati, tipprovdi skadenza komuni għall-fornituripartekipanti li jifdal sabiex jissottomettu offerti ġodda jew riveduti.

Artikolu 21.12

Proċedura Limitata ta' Offerti

1. Diment li ma tintużax bil-għan li tiġi evitata l-kompetizzjoni fost il-forniturijew b'mod li jiddiskrimina kontra forniturital-Parti l-oħra jew jipproteġi lil fornituridomestiċi, entità tal-akkwist tista' tuża proċedura limitata ta' offerti u tagħżel li ma tapplikax l-Artikoli 21.6 sa 21.8, 21.9.8 sa 21.9.12 u l-Artikoli 21.10, 21.11, 21.13 u 21.14 fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) diment li r-rekwiżiti tal-fajl tal-offerti ma jiġux immodifikati sostanzjalment, jekk:

(i) ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda offerta, jew l-ebda fornitur ma jkun talab partekipazzjoni;

(ii) ma tkun ġiet sottomessa l-ebda offerta li tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali tal-fajl tal-offerta;

(iii) l-ebda fornitur ma jkun issodisfa l-kundizzjonijiet għall-partekipazzjoni; jew

(iv) l-offerti sottomessi kienu kolluživi;

(b) l-oġġetti jew is-servizzi jkunu jistgħu jiġu fornuti biss minn fornitur partikolari u ma jkunux jeżistu oġġetti jew servizzi alternattivi jew sostituti raġonevoli għal xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(i) l-offerti jkunu għal opra tal-arti;

(ii) il-protezzjoni ta' privattivi, ta' drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet esklużivi oħrajn; jew

(iii) nuqqas ta' kompetizzjoni għal raġunijiet tekniċi;

(c) għal konsenji addizzjonali mill-fornitur oriġinali ta' oġġetti jew ta' servizzi li ma kinux inklużi fl-akkwist inizjali, jekk bidla tal-fornitur għat-tali oġġetti jew servizzi addizzjonali:

(i) ma tistax issir għal raġunijiet ekonomiċi jew tekniċi bħalma huma r-rekwiżiti ta' funġibilità jew ta' interoperabbiltà ma' tagħmir, ma' software, ma' servizzi jew ma' installazzjonijiet eżistenti akkwistati fl-akkwist inizjali; u

(ii) tista' toħloq inkonvenjent sinifikanti jew duplikazzjoni sostanzjali tal-kostijiet għall-entità tal-akkwist;

(d) sa fejn ikun strettament neċessarju jekk, għal raġunijiet ta' urġenza estrema kkawżata minn avvenimenti mhux prevedibbli mill-entità tal-akkwist, l-oġġetti jew is-servizzi ma jkunux jistgħu jinkisbu fil-ħin permezz ta' proċedura miftuħa jew selettiva ta' offerti;

(e) għall-oġġetti mixtrijin f'suq tal-komoditajiet;

(f) jekk entità tal-akkwist tixtri prototip jew l-ewwel oġġett jew servizz li jkun żviluppat fuq talba tagħha matul, u għal, kuntratt partikolari għal riċerka, għal esperiment, għal studju jew għal żvilupp oriġinali;

l-iżvilupp oriġinali tal-ewwel oġġett jew servizz jista' jinkludi produzzjoni jew provvista limitata sabiex jiġu inkorporati r-riżultati tal-ittestjar fil-prattika u sabiex jintwera li l-oġġett jew is-servizz ikun xieraq għall-produzzjoni jew għall-provvista fi kwantità bi standards ta' kwalità aċċettabbli, iżda ma jinkludix il-produzzjoni jew il-provvista tal-kwantità sabiex tiġi stabbilita vijabbiltà kummerċjali jew sabiex jiġu rkuprati l-kostijiet tar-riċerka u tal-iżvilupp;

(g) għal xirjiet li jsiru f'kundizzjonijiet eċċezzjonalment vantaġġużi li jinkisbu biss fuq terminu qasir ħafna fil-każ ta' disponimenti mhux tas-soltu bħal dawk li jirriżultaw minn likwidazzjoni, minn riċevitura jew minn falliment, iżda mhux għal xirjiet ta' rutina minn fornituri regolari; jew

(h) meta kuntratt jingħata lil rebbieħ ta' kompetizzjoni tad-disinn, diment li:

(i) il-kompetizzjoni tkun ġiet organizzata b'mod konsistenti mal-prinċipji ta' dan il-Kapitolu, b'mod partikolari rigward il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' akkwist ippjanat; u

(ii) il-parteċipanti jiġu ġġudikati minn ġurija indipendenti bil-għan li l-kuntratt għad-disinn jingħata lil rebbieħ.

2. Entità tal-akkwist għandha tħejji rapport bil-miktub dwar kull kuntratt mogħti skont il-paragrafu 1. Ir-rapport għandu jinkludi isem l-entità tal-akkwist, il-valur u t-tip ta' oġġetti jew ta' servizzi mixtrijin u dikjarazzjoni li tindika ċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1 li ġġustifikaw l-użu tal-proċedura limitata ta' offerti.

Artikolu 21.13

Irkanti Elettroniċi

Jekk entità tal-akkwist ikun beħsiebha tagħmel akkwist kopert billi tuża rkant elettroniku, hija għandha tipprovdi lil kull parteċipant, qabel jibda l-irkant elettroniku:

(a) b'metodu ta' evalwazzjoni awtomatika, inkluża l-formula matematika, li jkun ibbażat fuq il-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fil-fajl tal-offerta u li jintuża fil-klassifikazzjoni jew fir-riklassifikazzjoni awtomatika matul l-irkant;

(b) bir-riżultati ta' kwalunkwe evalwazzjoni inizjali tal-elementi tal-offerta tiegħu jekk il-kuntratt ikun irid jingħata fuq il-bażi tal-aktar offerta vantaġġuża; u

(c) bi kwalunkwe informazzjoni relevanti oħra relatata mat-twettiq tal-irkant.

Artikolu 21.14

Trattament tal-Offerti u Għoti ta' Kuntratti

Trattament tal-Offerti

1. Entità tal-akkwist għandha tirċievi, tiftaħ u tittratta l-offerti kollha skont proċeduri li jiggarantixxu li l-proċess tal-akkwist jitwettaq b'mod ġust u imparzjali u jiggarantixxu l-kunfidenzjalità tal-offerti.

2. Jekk entità tal-akkwist tipprovdi lill-fornitur b'opportunità sabiex jikkoreġi żbalji mingħajr intenzjoni tal-formula bejn il-ftuħ tal-offerti u l-għoti tal-kuntratt, l-entità tal-akkwist għandha tipprovdi l-istess opportunità lill-forniturі kollha li jieħdu sehem.

Għoti ta' Kuntratti

3. Sabiex tiġi kkunsidrata għall-għoti, offerta għandha tiġi ppreżentata bil-miktub u, fil-ħin tal-ftuħ, għandha tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-avviżi u fil-fajl tal-offerta u tkun minn fornitur li jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni.

4. Sakemm entità tal-akkwist ma tiddeterminax li ma jkunx fl-interess pubbliku li jingħata kuntratt, hija għandha tagħti l-kuntratt lill-fornitur li l-entità tal-akkwist tkun iddeterminat li jkun kapaċi jissodisfa t-termini tal-kuntratt u li, fuq il-bażi biss tal-kriterji ta' evalwazzjoni speċifikati fl-avviżi u fil-fajl tal-offerta, ikun issottometta:

(a) l-aktar offerta vantaġġuża; jew

(b) jekk il-prezz ikun l-uniku kriterju, l-orħos prezz.

5. Jekk entità tal-akkwist tirċievi offerta bi prezz li jidher b'mod mhux tas-soltu aktar baxx mill-prezzijiet fl-offerti ppreżentati l-oħrajn, tista' tivverifika mal-fornitur li jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u li jkun kapaċi jissodisfa t-termini tal-kuntratt.

6. Entità tal-akkwist ma għandhiex tuża opzjonijiet, tannulla akkwist jew timmodifika kuntratti mogħtijin b'mod li jevita l-obbligi skont dan il-Kapitolu.

7. Bħala regola ġenerali, kull Parti tista' tipprovdi għal perjodu sospensiv bejn l-għoti u l-konklużjoni ta' kuntratt sabiex tagħti biżżejjed żmien lill-offerenti li ma jkunux intgħażlu sabiex jirrieżaminaw u joġġezzjonaw għad-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni.

Artikolu 21.15

Trasparenza tal-Informazzjoni dwar l-Akkwist

Informazzjoni Pprovduta lill-Forniturі

1. Entità tal-akkwist għandha tgħarraf minnufih lill-forniturі parteċipanti bid-deċiżjonijiet ta' għoti ta' kuntratt tagħha u, jekk tintalab tagħmel hekk minn fornitur, għandha tagħmel dan bil-miktub. Soġġetta għall-Artikoli 21.16.2 u 21.16.3, entità tal-akkwist għandha, jekk tintalab tagħmel dan, tagħti lil fornitur li ma jintgħażilx, spjegazzjoni tar-raġunijiet dwar għalfejn l-entità tal-akkwist ma għażlitx l-offerta tiegħu u l-vantaġġi relattivi tal-offerta tal-fornitur li ntgħażel.

Pubblikazzjoni tal-Informazzjoni dwar l-Aġġudikazzjoni

2. Entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż fil-mezz stampat jew elettroniku xieraq elenkat fit-Taqsima I tal-Anness 21-A jew 21-B mhux aktar tard minn 72 jum wara l-għoti ta' kull kuntratt kopert minn dan il-Kapitolu. Jekk l-entità tal-akkwist tippubblika l-avviż esklużivament fuq mezz elettroniku, l-informazzjoni għandha tibqa' faċilment aċċessibbli għal perjodu ta' żmien raġonevoli. L-avviż għandu jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi akkwistati;

(b) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist;

(c) l-isem u l-indirizz tal-fornitur magħżul;

(d) il-valur tal-offerta magħżula jew tal-ogħla offerta u tal-aktar waħda baxxa meqjusa fl-għoti tal-kuntratt;

(e) id-data tal-għoti; u

(f) it-tip ta' metodu ta' akkwist użat, u f'każijiet li fihom tkun intużat proċedura limitata ta' offerti f'konformità mal-Artikolu 21.12, deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-użu ta' proċedura limitata ta' offerti.

Żamma tad-Dokumentazzjoni, tar-Rapporti u tat-Traċċabbiltà Elettronika

3. Għal perjodu mhux anqas minn 3 snin mid-data li fiha tagħti kuntratt, entità tal-akkwist għandha żżomm:

(a) il-fajl u r-rapporti tal-proċeduri ta' akkwist u l-għoti ta' kuntratti marbutin ma' akkwist kopert, inklużi r-rapporti meħtieġa skont l-Artikolu 21.12.2; u

(b) id-data li tiżgura t-traċċabbiltà xierqa tat-twettiq tal-akkwist kopert b'mezzi elettroniċi.

Skambju ta' Statistiki

4. Kull Parti għandha tiġbor u tiskambja statistika fuq bażi annwali dwar l-akkwisti tagħha koperti minn dan il-Kapitolu. ([86]) Dawk ir-rapporti statistiċi għandu jkun fihom, fir-rigward ta' kuntratti mogħtijin mill-entitajiet tal-akkwist kollha tal-Parti kkonċernata li huma koperti taħt dan il-Kapitolu, l-istatistiki dwar il-valur stmat tal-kuntratti mogħtijin għall-akkwist kopert fuq bażi globali u diżaggregati skont il-kategoriji tal-entitajiet tal-akkwist.

5. Sa fejn tali informazzjoni tkun disponibbli, kull Parti għandha tipprovdi statistika dwar il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti u tas-servizzi mixtrijin mill-entitajiet tal-akkwist tagħha. Bil-għan li jiġi żgurat li tali statistika tkun komparabbli, is-Sottokumitat dwar l-Akkwist Pubbliku stabbilit skont l-Artikolu 21.19 għandu jipprovdi gwida dwar il-metodi li għandhom jintużaw. Bil-għan li jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-akkwisti koperti minn dan il-Kapitolu, il-Kunsill Konġunt jista' jiddeċiedi li jimmodifika r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4.

6. Jekk Parti teħtieġ li avviżi dwar kuntratti mogħtijin jiġu ppubblikati b'mod elettroniku, skont il-paragrafu 2, u jekk tali avviżi jkunu aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' bażi tad-data unika f'forma li tippermetti analiżi tal-kuntratti mogħtija, il-Parti tista', minflok ma tirrapporta lis-Sottokumitat dwar l-Akkwist Pubbliku, tipprovdi link għas-sit web, flimkien ma' kwalunkwe struzzjoni neċessarja sabiex tiġi aċċessata u tintuża t-tali data.

Artikolu 21.16

Divulgazzjoni ta' informazzjoni

Għoti ta' Informazzjoni lill-Partijiet

1. Fuq talba tal-Parti l-oħra, Parti għandha tipprovdi minnufih kwalunkwe informazzjoni neċessarja sabiex tiddetermina jekk akkwist kopert twettaqx b'mod ġust, imparzjali u f'konformità ma' dan il-Kapitolu, inkluża informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerta li tintgħażel. Il-Parti li tirċievi l-informazzjoni ma għandhiex tiddivulga dik l-informazzjoni lil kwalunkwe fornitur jekk dan ikun ta' ħsara għall-kompetizzjoni f'offerti futuri, ħlief wara li tikseb il-kunsens tal-Parti li pprovdiet l-informazzjoni.

Nuqqas ta' Divulgazzjoni tal-Informazzjoni

2. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kapitolu, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex tipprovdi informazzjoni lil xi fornitur partikolari li tista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn il-forniturі.

([86]) L-ewwel skambju ta' informazzjoni għandu jsir sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. F'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li għandu jiġi interpretat fis-sens li jirrekjedi li Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, l-awtoritajiet u l-korpi ta' rieżami, jiddivulgaw informazzjoni kunfidenzjali jekk dik id-divulgazzjoni:

(a) ixxekkel l-infurzar tal-liġi;

(b) tista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn il-forniturі;

(c) tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' persuni partikolari, inkluża l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; jew

(d) b'xi mod ieħor tmur kontra l-interess pubbliku.

Artikolu 21.17

Proċeduri ta' Rieżami Domestiċi

1. Kull Parti għandha tipprovdi għal proċedura ta' rieżami amministrattiva jew ta' stħarriġ ġudizzjarju f'waqtha, effettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja li permezz tagħha, fil-kuntest ta' akkwist kopert li fih il-fornitur għandu, jew kellu, interess, fornitur ikun jista' joġġezzjona:

(a) kontra ksur ta' dan il-Kapitolu; jew

(b) jekk il-fornitur ma jkollux id-dritt li joġġezzjona direttament għal ksur ta' dan il-Kapitolu skont il-liġi ta' Parti, kontra nuqqas ta' konformità mal-miżuri ta' Parti li jimplimentaw dan il-Kapitolu.

Ir-regoli proċedurali għall-oġġezzjonijiet kollha għandhom ikunu bil-miktub u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni b'mod ġenerali.

2. Fil-każ ta' lment minn fornitur, li jirriżulta fil-kuntest ta' akkwist kopert li fih il-fornitur għandu, jew kellu, interess, li hemm ksur jew nuqqas kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Parti tal-entità tal-akkwist li twettaq l-akkwist kopert għandha tħeġġeġ lill-entità tal-akkwist u lill-fornitur sabiex isibu soluzzjoni għall-ilment permezz ta' konsultazzjonijiet. L-entità tal-akkwist għandha tagħti kunsiderazzjoni imparzjali u f'waqtha għal kull ilment bħal dan b'mod li ma jxekkilx il-parteċipazzjoni tal-fornitur fl-akkwist attwali jew fil-ġejjieni jew id-dritt tiegħu li jfittex miżuri korrettivi skont il-proċedura ta' rieżami amministrattiv jew ta' stħarriġ ġudizzjarju.

3. Kull fornitur għandu jingħata perjodu ta' żmien suffiċjenti sabiex iħejji u jissottometti lment, li qatt ma għandu jkun anqas minn 10 ijiem miż-żmien meta l-bażi tal-isfida għandha tkun saret magħrufa jew raġonevolment kellha ssir magħrufa mill-fornitur.

4. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew taħtar tal-anqas awtorità amministrattiva jew ġuridika imparzjali waħda li hija indipendenti mill-entitajiet tal-akkwist tagħha sabiex tirċievi u tirrieżamina oġġezzjoni minn fornitur li tirriżulta fil-kuntest ta' akkwist kopert.

5. Meta korp li ma jkunx awtorità msemmija fil-paragrafu 4, inizjalment jirrieżamina oġġezzjoni, il-Parti tiżgura li l-fornitur ikun jista' jappella d-deċiżjoni inizjali quddiem awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja imparzjali li hija indipendenti mill-entità tal-akkwist li l-akkwist tagħha jkun is-suġġett tal-oġġezzjoni.

6. Kull Parti għandha tiżgura li korp ta' rieżami li ma jkunx qorti għandu jkollu d-deċiżjoni tiegħu soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju jew ikollu proċeduri li jipprevedu li:

(a) l-entità tal-akkwist għandha twieġeb bil-miktub għall-oġġezzjoni u tiddivulga d-dokumenti rilevanti kollha lill-korp ta' rieżami;

(b) il-parteċipanti fil-proċedimenti (minn hawn 'il quddiem imsejħin "parteċipanti") għandu jkollhom id-dritt li jinstemgħu qabel tittieħed deċiżjoni mill-korp ta' rieżami dwar l-oġġezzjoni;

(c) il-parteċipanti għandu jkollhom id-dritt li jiġu rrappreżentati u akkumpanjati;

(d) il-parteċipanti għandu jkollhom aċċess għall-proċedimenti kollha;

(e) il-parteċipanti għandu jkollhom id-dritt li jitolbu li l-proċedimenti jsiru fil-pubbliku u li jkunu preżenti x-xhieda; u

(f) il-korp ta' rieżami għandu jipprovdi d-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu b'mod tempestiv, bil-miktub u għandu jinkludi spjegazzjoni tal-bażi għal kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni.

7. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm fis-seħħ proċeduri li jipprevedu miżuri *interim* rapidi sabiex tinżamm l-opportunità tal-fornitur li jieħu sehem fl-akkwist. Dawk il-miżuri *interim* jistgħu jirriżultaw f'sospensjoni tal-proċess ta' akkwist. Tali proċeduri jistgħu jipprevedu li meta tkun qiegħda tittieħed deċiżjoni dwar jekk għandhomx jiġu applikati miżuri interim bħal dawn, jistgħu jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi avversi prevalenti għall-interessi kkonċernati, inkluż l-interess pubbliku. Kwalunkwe ġustifikazzjoni għal nuqqas ta' azzjoni għandha tiġi pprovduta bil-miktub.

8. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri li jipprevedu azzjoni korrettiva jew kumpens għat-telf jew għad-danni mġarrbin jekk korp ta' rieżami jkun iddetermina li kien hemm ksur jew nuqqas kif imsemmi fil-paragrafu 1. Il-kumpens għat-telf jew għad-danni mġarrbin jista' jkun limitat jew għall-kostijiet għat-tħejjija tal-offerta jew għall-kostijiet relatati mal-oġġezzjoni, jew għat-tnejn.

Artikolu 21.18

Modifiki u Rettifiki għall-Kopertura

1. L-Unjoni Ewropea tista' timmodifika jew tirrettifika l-Anness 21-A u l-Messiku jista' jimmodifika jew jirrettifika l-Anness 21-B.

Modifiki

2. Jekk Parti jkollha l-ħsieb li timmodifika l-Anness 21-A jew 21-B rispettivament, dik il-Parti għandha:

(a) tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub; u

(b) tinkludi fin-notifika proposta għal aġġustamenti ta' kumpens xierqa lill-Parti l-oħra sabiex jinżamm livell ta' kopertura paragunabbli għal dak li kien jeżisti qabel il-modifika.

3. Minkejja s-subparagrafu 2(b), Parti ma għandhiex bżonn tipprovdi aġġustamenti kumpensatorji jekk il-modifika tkopri entità tal-akkwist li fuqha l-Parti effettivament eliminat il-kontroll jew l-influwenza tagħha. Il-kontroll jew l-influwenza tal-gvern fuq l-akkwist kopert tal-entitajiet tal-akkwist koperti taħt it-Taqsima C tal-Anness21-A, jew taħt is-Sottolista 2 ta' kull Stat tat-Taqsima B jew C tal-Anness 21-B hija preżunta li tkun ġiet eliminata b'mod effettiv jekk l-entità tal-akkwist tkun esposta għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess ma jkunx ristrett.

4. Il-Parti l-oħra tista' toġġezzjona għall-modifika proposta, innotifikata skont il-paragrafu 2, jekk tikkontesta li:

(a) aġġustament propost f'konformità mas-subparagrafu 2(b) ikun adegwat sabiex jinżamm livell komparabbli mal-kopertura eżistenti prevista f'dan il-Kapitolu;

(b) il-modifika tkopri entità tal-akkwist li fuqha l-Parti tkun eliminat b'mod effettiv il-kontroll jew l-influwenza tagħha f'konformità mal-paragrafu 3.

L-oġġezzjoni għandha ssir bil-miktub fi żmien 45 jum mill-wasla tan-notifika msemmija fis-subparagrafu 2(a) jew dik il-Parti għandha titqies li tkun aċċettat l-aġġustament jew il-modifika, inkluż għall-finijiet tal-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim).

Rettifiki

5. Il-bidliet li ġejjin fl-Anness 21-A jew 21-B għandhom jitqiesu bħala rettifika ta' natura purament formali, diment li ma jaffettwawx il-kopertura eżistenti prevista f'dan il-Kapitolu:

(a) bidla fl-isem ta' entità tal-akkwist;

(b) fużjoni ta' żewġ entitajiet jew aktar koperti taħt it-Taqsima A, B jew C tal-Anness 21-A jew 21-B; u

(c) is-separazzjoni ta' entità koperta taħt it-Taqsima A, B jew C tal-Anness 21-A jew 21-B f'żewġ entitajiet jew aktar li lkoll jiżdiedu mal-entitajiet tal-akkwist koperti taħt l-istess Taqsima tal-Anness 21-A jew 21-B.

6. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra kull 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim dwar ir-rettifiki proposti għall-Anness 21-A jew 21-B.

7. Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar oġġezzjoni għal rettifika proposta fi żmien 45 jum minn meta tirċievi n-notifika. Jekk Parti tippreżenta oġġezzjoni, hija għandha tispjega għaliex tqis li dik ir-rettifika proposta ma tkunx bidla prevista fil-paragrafu 5, u tiddeskrivi l-effett tar-rettifika proposta fuq il-kopertura prevista f'dan il-Kapitolu. Jekk ma tiġi sottomessa l-ebda oġġezzjoni bil-miktub fi żmien 45 jum wara d-data tal-wasla tan-notifika, il-Parti l-oħra għandha titqies li tkun aċċettat ir-rettifika proposta.

Konsultazzjonijiet u Soluzzjoni tat-Tilwim

8. Jekk il-Parti l-oħra toġġezzjona għall-modifika jew għar-rettifika proposta, il-Partijiet għandhom ifittxu li jsolvu l-kwistjoni permezz ta' konsultazzjonijiet. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fi żmien 60 jum wara d-data tal-wasla tal-oġġezzjoni, il-Parti li tfittex li timmodifika jew tirrettifika l-Anness 21-A jew 21-B tista' tirreferi l-kwistjoni għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim). Il-modifika jew ir-rettifika proposta għandha tidħol fis-seħħ biss meta ż-żewġ Partijiet ikunu qablu jew jekk ikun previst hekk fid-deċiżjoni ta' panel f'rapport finali f'konformità mal-Artikolu 31.14 (Rapport Finali).

Artikolu 21.19

Sottokumitat dwar l-Akkwist Pubbliku

Is-Sottokumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mwaqqaf skont is-subparagrafu 1(j) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitat u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) għandu jindirizza kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u mal-operat ta' dan il-Kapitolu, bħal:

(a) il-modifika tal-Annessi 21-A u 21-B;

(b) it-tħejjija għall-Kunsill Konġunt tad-deċiżjonijiet li jimmodifikaw l-Annessi 21-A u 21-B;

(c) kwistjonijiet rigward l-akkwist pubbliku relatati ma' dan il-Kapitolu li jiġu riferiti lilu minn Parti; u

(d) kwalunkwe kwistjoni oħra relatata mal-operat ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 22

INTRAPRIŻI TAL-ISTAT, INTRAPRIŻI MOGĦTIJIN DRITTIJIET JEW PRIVILEĠĠI SPEĊJALI U MONOPOLJI DDEŻINJATI

Artikolu 22.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "Arranġament" tfisser l-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fi ħdan il-qafas tal-OECD jew ta' impenn suċċessur, kemm jekk żviluppat fi ħdan kif ukoll barra mill-qafas tal-OECD, li ġie adottat minn tal-anqas 12-il Membru oriġinali tad-WTO li ilhom Parteċipanti għall-Arranġament mill-1 ta' Jannar 1979;

(b) "attivitajiet kummerċjali" tfisser attivitajiet li r-riżultat aħħari tagħhom huwa l-produzzjoni ta' oġġett jew il-provvista ta' servizz, li jinbiegħu fis-suq rilevanti fi kwantitajiet u bi prezzijiet iddeterminati minn intrapriża permezz tal-kundizzjonijiet tal-provvista u tad-domanda, u li jitwettqu bi skop ta' qligħ; ([87])

(c) "kunsiderazzjonijiet kummerċjali" tfisser il-prezz, il-kwalità, id-disponibbiltà, il-kummerċjabbiltà, it-trasport u termini u kundizzjonijiet oħrajn tax-xiri jew tal-bejgħ; jew fatturi oħrajn li normalment jitqiesu fid-deċiżjonijiet kummerċjali ta' intrapriża privata li topera skont il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq fin-negozju jew fl-industrija rilevanti;

(d) "tiddeżinja" tfisser li tistabbilixxi jew tawtorizza monopolju, jew li tespandi l-ambitu ta' monopolju sabiex ikopri oġġett jew servizz addizzjonali;

(e) "monopolju ddeżinjat" tfisser entità, pubblika jew privata, li tinkludi konsorzju jew aġenzija tal-gvern, li fi kwalunkwe suq rilevanti fit-territorju ta' Parti tiġi ddeżinjata bħala l-uniku fornitur jew xerrej ta' oġġett jew ta' servizz, iżda ma tinkludix entità li tkun ingħatat dritt esklużiv ta' proprjetà intellettwali purament minħabba tali għotja; ([88])

(f) "intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali" tfisser intrapriża, pubblika jew privata, inkluża sussidjarja, li lilha Parti tkun tat drittijiet jew privileġġi speċjali, fil-liġi jew fil-fatt; drittijiet jew privileġġi speċjali jingħataw minn Parti jekk tiddeżinja, jew tillimita n-numru ta' intrapriżi awtorizzati jipprovdu oġġett jew servizz skont kriterji li ma humiex oġġettivi, proporzjonati u mhux diskriminatorji, u b'hekk jaffettwaw sostanzjalment il-kapaċità ta' kwalunkwe intrapriża oħra li tipprovdi l-istess oġġett jew servizz fl-istess żona ġeografika f'kundizzjonijiet sostanzjalment ekwivalenti;

(g) "istituzzjoni finanzjarja" u "servizz finanzjarju" għandhom l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 18.1 (Definizzjonijiet);

([87]) Għal ċertezza akbar, dan jeskludi l-attivitajiet imwettqin minn intrapriża: (a) li topera fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ; jew (b) li topera fuq bażi ta' rkupru tal-kostijiet.

([88]) Għal ċertezza akbar, dan il-Kapitolu ma japplikax għal monopolji naturali sakemm ma jkunux iddeżinjati skont it-tifsira tas-subparagrafu 1(d).

(h) "servizz fornut fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva" tfisser servizz fornut fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva kif definita fil-GATS u, jekk applikabbli, fl-Anness dwar is-Servizzi Finanzjarji tal-GATS; ([89])

(i) "intrapriża tal-Istat" tfisser intrapriża proprjetà ta' Parti jew ikkontrollata minn Parti. ([90])

Artikolu 22.2

Awtorità Delegata

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe persuna, inkluża intrapriża tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju ddeżinjat li jkun ġie ddelegat minn awtorità regolatorja, amministrattiva jew governattiva oħra minn Parti, taġixxi f'konformità mal-obbligi tal-Parti kif stabbiliti taħt dan il-Ftehim fl-eżerċizzju ta' dik l-awtorità.

Artikolu 22.3

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal intrapriżi tal-Istat, għal intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u għal monopolji ddeżinjati involuti f'attivitajiet kummerċjali. Jekk intrapriża tal-Istat, intrapriża li tkun ingħatat drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju ddeżinjat tgħaqqad attivitajiet kummerċjali u mhux kummerċjali ([91]), l-attivitajiet kummerċjali biss huma koperti minn dan il-Kapitolu.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji ddeżinjati meta jaġixxu bħala entitajiet tal-akkwist li jwettqu akkwist kopert kif definit fis-subparagrafu (c) tal-Artikolu 21.1 (Definizzjonijiet);

(b) kwalunkwe servizz fornut fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva;

(c) attivitajiet imwettqin minn:

(i) istituzzjoni finanzjarja jew entità ġuridika oħra, li tkun proprjetà ta' Parti jew ikkontrollata minn Parti, li tkun stabbilita jew operata temporanjament u biss għal finijiet ta' riżoluzzjoni ([92]);

(ii) entità pubblika, inkluża trust pubblika li, skont mandat ta' servizz pubbliku biss li għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ibbilanċjat u kostanti tal-Parti kkonċernata, tipprovdi servizzi finanzjarji għall-kont jew bil-garanzija jew bl-użu tar-riżorsi finanzjarji ta' dik il-Parti; u

(iii) entità pubblika skont mandat ta' servizz pubbliku b'rabta ma' sistema statutorja tas-sigurtà soċjali jew ma' pjanijiet pubbliċi ta' rtirar; u

([89]) Għal ċertezza akbar, is-servizzi fornuti fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva jinkludu servizzi pprovduti minn bank ċentrali, minn awtorità monetarja, minn korp regolatorju finanzjarju jew minn awtorità ta' riżoluzzjoni ta' Parti.

([90]) Għall-istabbiliment tas-sjieda jew tal-kontroll, l-elementi legali u fattwali rilevanti kollha għandhom jiġu eżaminati fuq bażi ta' każ b'każ.

([91]) Attivitajiet mhux kummerċjali jinkludu l-eżekuzzjoni ta' mandat leġittimu ta' servizz pubbliku.

([92]) Għal ċertezza akbar: (a) it-terminu "riżoluzzjoni" jiġi interpretat f'konformità mad-dritt tal-Parti li fiha tkun stabbilita l-istituzzjoni finanzjarja jew entità ġuridika oħra, (b) "biss għal finijiet ta' riżoluzzjoni" tfisser li l-istituzzjoni finanzjarja jew entità ġuridika oħra ma twettaq l-ebda attività kummerċjali li ma tkunx direttament relatata mal-finijiet ta' riżoluzzjoni tagħha.

(d) intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji ddeżinjati jekk, fiż-żmien meta ssir id-determinazzjoni tal-ammont tal-limitu, fi kwalunkwe waħda mit-3 snin kontabilistiċi konsekuttivi preċedenti, id-dħul annwali derivat mill-attivitajiet kummerċjali tagħhom kien anqas minn 200 miljun dritt speċjali ta' prelevament.

3. L-Artikolu 22.6 ma japplikax għall-provvista ta' servizzi finanzjarji minn intrapriża tal-Istat, minn intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew minn monopolju ddeżinjat skont mandat tal-gvern, jekk dik il-provvista ta' servizzi finanzjarji:

(a) tappoġġa l-esportazzjonijiet jew l-importazzjonijiet, diment li dawk is-servizzi:

(i) ma jkunux maħsubin sabiex jissostitwixxu l-finanzjament kummerċjali; jew

(ii) ikunu offruti b'termini mhux aktar favorevoli minn dawk li jistgħu jinkisbu għal servizzi finanzjarji komparabbli fis-suq kummerċjali ([93]);

(b) tappoġġa l-investiment privat barra mit-territorju tal-Parti, diment li dawk is-servizzi:

(i) ma jkunux maħsubin sabiex jissostitwixxu l-finanzjament kummerċjali; jew

(ii) ikunu offruti b'termini mhux aktar favorevoli minn dawk li jistgħu jinkisbu għal servizzi finanzjarji komparabbli fis-suq kummerċjali; jew

(c) tkun offruta b'termini konsistenti mal-Arranġament, diment li s-servizzi finanzjarji jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Arranġament.

4. L-Artikolu 22.6 ma japplikax għas-setturi stabbiliti fis-subparagrafi 2(c) sa (e) tal-Artikolu 10.5 (Kamp ta' Applikazzjoni).

5. L-Artikolu 22.6 ma japplikax sal-punt li l-intrapriżi tal-Istat ta' Parti, l-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u l-monopolji ddeżinjati jagħmlu xiri u bejgħ ta' oġġetti jew ta' servizzi skont:

(a) kwalunkwe miżura mhux konformi eżistenti li l-Parti żżomm, tkompli, ġġedded jew temenda f'konformità mal-Artikolu 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet), 11.8 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet) jew 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi) kif stabbilit fl-Anness I (Miżuri Eżistenti), u t-Taqsima B tal-Appendiċi VI-A jew VI-B tal-Anness VI (Servizzi Finanzjarji); jew

(b) kwalunkwe miżura mhux konformi li l-Parti tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi, jew ta' attivitajiet f'konformità mal-Artikoli 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet), 11.8 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet) jew 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi) kif stabbilit fl-Anness II (Miżuri Futuri), u mat-Taqsima B tal-Appendiċi VI-A jew VI-B tal-Anness VI (Servizzi Finanzjarji).

([93]) Jekk ma jiġi offrut l-ebda servizz finanzjarju komparabbli fis-suq kummerċjali: (a) għall-finijiet tas-subparagrafi (a)(ii) u (b)(ii), l-intrapriża tal-Istat tista' tiddependi kif neċessarju fuq evidenza disponibbli sabiex tistabbilixxi parametru referenzjarju tat-termini li bihom tali servizzi jiġu offruti fis-suq kummerċjali; u (b) għall-finijiet tas-subparagrafi (a)(i) u (b)(i), il-provvista tas-servizzi finanzjarji għandha titqies li ma hijiex maħsuba sabiex tissostitwixxi l-finanzjament kummerċjali.

6. Il-Partijiet jikkondividu l-fehim li miżura adottata jew miżmuma skont l-Anness 22-A, jew eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, tista' tinżamm, diment li tali miżura, sa fejn taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim tad-WTO, tiġi applikata f'konformità mad-drittijiet u mal-obbligi tal-Parti li tieħu tali miżura skont il-Ftehim tad-WTO. ([94])

Artikolu 22.4

Attivitajiet Mhux Konformi

L-Artikolu 22.6 ma japplikax fir-rigward tal-attivitajiet mhux konformi ta' intrapriżi tal-Istat jew ta' monopolji ddeżinjati elenkati fl-Anness 22-A f'konformità mat-termini ta' dak l-Anness.

Artikolu 22.5

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi ta' kull Parti skont dan il-Kapitolu, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni lil Parti milli tistabbilixxi jew iżżomm intrapriża tal-Istat, li tagħti drittijiet jew privileġġi speċjali jew tiddeżinja jew iżżomm monopolju.

2. Parti ma għandhiex titlob jew theġġeġ lil intrapriża tal-Istat, lil intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew lil monopolju ddeżinjat sabiex jaġixxi b'mod inkonsistenti ma' dan il-Kapitolu.

Artikolu 22.6

Trattament Nondiskriminatorju u Kunsiderazzjonijiet Kummerċjali

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u l-monopolji ddeżinjati kollha tagħha, meta jkunu involuti f'attivitajiet kummerċjali:

(a) jaġixxu f'konformità ma' kunsiderazzjonijiet kummerċjali fix-xiri jew fil-bejgħ tagħhom ta' oġġett jew ta' servizz, ħlief sabiex jissodisfaw kwalunkwe terminu ta' mandat ta' servizz pubbliku li ma jkunux inkonsistenti mas-subparagrafu (b) jew (c);

(b) fix-xiri tagħhom ta' oġġett jew ta' servizz:

(i) jagħtu lil oġġett jew lil servizz fornut minn intrapriża tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli milli jagħtu lil oġġett simili jew lil servizzi simili fornut minn impriżi tal-Parti; u

(ii) jagħtu lil oġġett jew lil servizz fornut minn intrapriża li hija investiment kopert skont it-tifsira tas-subparagrafu 1 (a) tal-Artikolu 10.1 (Definizzjonijiet) fit-territorju tal-Parti trattament mhux anqas favorevoli milli jagħtu lil oġġett simili jew lil servizz simili fornut minn intrapriżi tal-Parti fis-suq rilevanti fit-territorju tal-Parti; u

(c) fil-bejgħ tagħhom ta' oġġett jew ta' servizz:

(i) jagħtu lil intrapriża tal-Parti l-oħra trattament xejn anqas favorevoli minn dak li jagħtu lill-intrapriżi tal-Parti; u

([94]) Għal ċertezza akbar, l-uniku forum sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura ta' Parti tkunx qed tiġi applikata f'konformità mad-drittijiet u mal-obbligi ta' dik il-Parti skont il-Ftehim tad-WTO huwa l-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim skont id-DSU.

(ii) jagħtu lil intrapriża li hija investiment kopert skont it-tifsira tas-subparagrafu 1(a) tal-Artikolu 10.1 (Definizzjonijiet) fit-territorju tal-Parti trattament mhux anqas favorevoli milli jagħtu lil intrapriżi tal-Parti fis-suq rilevanti fit-territorju tal-Parti. ([95])

2. Diment li tali termini jew kundizzjonijiet differenti jew rifjut ikunu f'konformità ma' kunsiderazzjonijiet kummerċjali, il-paragrafu 1 ma jipprekludix intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju ddeżinjat milli:

(a) jakkwistaw jew ifornu oġġetti jew servizzi b'termini jew b'kundizzjonijiet differenti minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 1, inklużi t-termini jew il-kundizzjonijiet relatati mal-prezz; jew

(b) jirrifjutaw milli jixtru jew ifornu oġġetti jew servizzi.

Artikolu 22.7

Qafas Regolatorju

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu impenn li jirrispettaw u jagħmlu l-aħjar użu mill-istandards internazzjonali rilevanti, inklużi l-Linji Gwida tal-OECD dwar il-Governanza Korporattiva tal-Intrapriżi tal-Istat.

2. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe korp regolatorju jew awtorità kompetenti li teżerċita funzjoni regolatorja li l-Parti tistabbilixxi jew iżżomm:

(a) tkun indipendenti minn kwalunkwe intrapriża li l-korp regolatorju jew l-awtorità kompetenti tirregola, u ma tkunx akkontabbli lil tali korp regolatorju jew awtorità kompetenti, sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-funzjoni regolatorja; u

(b) taġixxi b'mod imparzjali ([96]) f'ċirkostanzi simili fir-rigward tal-intrapriżi kollha li dak il-korp regolatorju jew dik l-awtorità kompetenti tirregola, inklużi l-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u l-monopolji ddeżinjati. ([97])

3. Kull Parti għandha tiżgura l-infurzar tal-liġijiet u tar-regolamenti b'mod konsistenti u nondiskriminatorju, inkluż fir-rigward ta' intrapriżi tal-Istat, ta' intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji ddeżinjati.

Artikolu 22.8

Trasparenza

1. Parti għandha, fuq talba bil-miktub tal-Parti l-oħra, tipprovdi minnufih l-informazzjoni li ġejja dwar intrapriża tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju ddeżinjat, diment li t-talba tinkludi spjegazzjoni ta' kif l-attivitajiet ta' dik l-intrapriża tal-Istat, l-intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew il-monopolju ddeżinjat jistgħu jkunu qegħdin jaffettwaw l-interessi tal-Parti rikjedenti skont dan il-Kapitolu:

(a) il-perċentwal ta' ishma li b'mod kumulattiv huma proprjetà tal-Parti rikjesta, tal-intrapriżi tal-Istat tagħha, tal-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali jew tal-monopolju ddeżinjat b'mod kumulattiv, u l-perċentwal tad-drittijiet tal-vot li għandhom b'mod kumulattiv, fl-intrapriża tal-Istat, fl-intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew fil-monopolju ddeżinjat;

([95]) Għal ċertezza akbar, dan l-Artikolu ma japplikax fir-rigward tax-xiri jew il-bejgħ ta' ishma, ta' stokk jew ta' forom oħrajn ta' ekwità minn intrapriża tal-Istat, minn intrapriża li tkun ingħatat drittijiet jew privileġġi speċjali jew minn monopolju ddeżinjat bħala mezz tal-parteċipazzjoni tiegħu fl-ekwità f'intrapriża oħra.

([96]) Għal ċertezza akbar, l-imparzjalità li biha l-korp regolatorju jew l-awtorità kompetenti teżerċita l-funzjonijiet regolatorji tagħha għandha tiġi vvalutata b'referenza għal mudell jew għal prattika ġenerali ta' dak il-korp regolatorju jew ta' dik l-awtorità kompetenti.

([97]) Għal ċertezza akbar, għal dawk is-setturi li fihom il-Partijiet ikunu qablu mal-obbligi speċifiċi li jirrigwardaw il-korp regolatorju jew l-awtorità kompetenti f'Kapitoli oħrajn, id-dispożizzjoni rilevanti ta' dawk il-Kapitoli l-oħrajn għandha tipprevali.

(b) deskrizzjoni ta' kwalunkwe sehem speċjali jew drittijiet tal-vot speċjali jew kwalunkwe dritt speċjali ieħor li l-Parti rikjesta, l-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali jew il-monopolji ddeżinjati tagħha jkollhom, sa fejn dawk id-drittijiet ikunu differenti mid-drittijiet marbutin mal-ishma komuni ġenerali tal-intrapriża tal-Istat, tal-intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew tal-monopolju ddeżinjat;

(c) l-istruttura organizzazzjonali tal-intrapriża tal-Istat, tal-intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew tal-monopolju ddeżinjat, il-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi tiegħu jew ta' korp ekwivalenti, il-karigi uffiċjali ta' kwalunkwe uffiċjal pubbliku li jservi bħala uffiċjal jew membru tal-bord tad-diretturi jew ta' dak il-korp ekwivalenti;

(d) deskrizzjoni tad-dipartimenti tal-gvern jew tal-korpi pubbliċi li jirregolaw jew jimmonitorjaw l-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali jew il-monopolji ddeżinjati, deskrizzjoni tal-obbligi ta' rapportar imposti fuqhom minn dawk id-dipartimenti jew mill-korpi pubbliċi jekk ikun prattikabbli, u d-drittijiet u l-prattiki [98] ta' dawk id-dipartimenti tal-gvern jew ta' kwalunkwe korp pubbliku fir-rigward tal-ħatra, tas-sensja jew tar-remunerazzjoni ta' eżekuttivi superjuri u ta' membri tal-bord tad-diretturi jew ta' kwalunkwe korp ekwivalenti ieħor;

(e) id-dħul annwali u l-assi totali tal-intrapriża tal-Istat, tal-intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew tal-monopolju ddeżinjat tul l-aktar perjodu riċenti ta' 3 snin li għalih hemm informazzjoni disponibbli;

(f) kwalunkwe eżenzjoni u immunità li minnha l-intrapriża tal-Istat, l-intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju ddeżinjat jibbenefika skont id-dritt tal-Parti rikjesta; u

(g) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rigward l-intrapriża tal-Istat, l-intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju ddeżinjat li tkun disponibbli għall-pubbliku, inklużi rapporti finanzjarji annwali u awditi minn partijiet terzi.

2. Jekk l-informazzjoni mitluba ma tkunx disponibbli, il-Parti rikjesta għandha tipprovdi r-raġunijiet għal dan bil-miktub lill-Parti rikjedenti.

3. Jekk Parti tipprovdi informazzjoni bil-miktub skont talba f'konformità ma' dan l-Artikolu u tinforma lill-Parti rikjedenti li hija tqis li dik l-informazzjoni tkun kunfidenzjali, il-Parti rikjedenti ma għandhiex tiddivulga dik l-informazzjoni mingħajr il-kunsens minn qabel tal-Parti li tipprovdi l-informazzjoni.

KAPITOLU 23

POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Artikolu 23.1

Prinċipji Ġenerali

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' kompetizzjoni ħielsa u mingħajr distorsjoni fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħhom. Il-Partijiet jirrikonoxxu li prattiki kummerċjali u interventi Statali antikompetittivi, inklużi sussidji, għandhom il-potenzjal li jxekklu l-funzjonament xieraq tas-swieq u jdgħajfu l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investiment. Il-Partijiet huma tal-istess fehma li l-projbizzjoni ta' tali kondotta, l-implimentazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni, il-promozzjoni ta' azzjonijiet ta' promozzjoni u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu jgħinu sabiex jiġu żgurati l-benefiċċji ta' dan il-Ftehim.

[98] Għal ċertezza akbar, it-terminu "prattiki" ma jinkludix ir-raġunijiet għal ħatra, għal sensja jew għal remunerazzjoni ta' eżekuttivi superjuri u ta' membri tal-bord tad-diretturi jew ta' kwalunkwe korp ekwivalenti ieħor.

Artikolu 23.2

Liġi tal-Kompetizzjoni u Prattiki Kummerċjali Antikompetittivi

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm fit-territorju tagħha liġi tal-kompetizzjoni komprensiva li tapplika għas-setturi kollha tal-ekonomija9 ([99]) 9 u tindirizza l-prattiki kummerċjali li ġejjin b'mod effettiv:

(a) ftehimiet bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet tal-intrapriżi u prattiki miftehmin, li jkollhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni;

(b) abbuż minn intrapriża waħda jew aktar, li individwalment jew b'mod konġunt ikollhom setgħa sostanzjali fis-suq rilevanti, u liema abbuż jkollhom jew jista' jkollhom bħala għan jew effett tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni f'dak is-suq rilevanti jew fi kwalunkwe suq relatat; u

(c) il-konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi li jirriżultaw jew li jistgħu jirriżultaw fi tnaqqis sostanzjali tal-kompetizzjoni jew li jimpedixxu b'mod sinifikanti jew jistgħu jfixklu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari bħala riżultat tal-ħolqien jew tat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti.

2. L-intrapriżi kollha, privati jew pubbliċi, għandhom ikunu soġġetti għal-liġi tal-kompetizzjoni msemmija f'dan l-Artikolu.

3. Kull Parti għandha tieħu azzjoni xierqa fir-rigward ta' prattiki kummerċjali antikompetittivi, bl-objettiv li tippromwovi l-politika tal-kompetizzjoni.

4. Sa fejn previst fil-liġi ta' Parti, l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni ma għandhiex tfixkel l-eżekuzzjoni, fil-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari ta' interess pubbliku li jistgħu jiġu assenjati lill-intrapriżi. L-eżenzjonijiet mal-liġi tal-kompetizzjoni ta' Parti għandhom ikunu limitati għal kompiti ta' interess pubbliku, proporzjonati għall-objettiv mixtieq tal-ordni pubbliku u trasparenti.

Artikolu 23.3

Implimentazzjoni

1. Kull Parti għandha żżomm l-awtonomija tagħha fl-emendar u fl-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni tagħha.

2. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm awtorità jew awtoritajiet funzjonalment indipendenti responsabbli u attrezzati kif xieraq bis-setgħat u bir-riżorsi neċessarji, għall-applikazzjoni sħiħa u għall-infurzar effettiv tal-liġi tal-kompetizzjoni rispettiva tagħha.

3. Kull Parti għandha tapplika l-liġi tal-kompetizzjoni tagħha b'mod trasparenti u nondiskriminatorju, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali u d-dritt ta' difiża tal-intrapriżi kkonċernati, inkluż id-dritt ta' smigħ qabel ma tittieħed deċiżjoni finali jew riżoluzzjoni.

([99]) 99 Għal ċertezza akbar, il-liġi tal-kompetizzjoni fl-UE tapplika għas-settur agrikolu f'konformità mar-Regolament (UE) 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, ĠU UE L 347, 20.12.2013, p. 671. Għal ċertezza akbar, il-*Ley Federal de Competencia Económica* (il-Liġi Federali dwar il-Kompetizzjoni Ekonomika), ippubblikata fid-*Diario Oficial de la Federación* (il-Ġurnal Uffiċjali tal-Federazzjoni) fit-23 ta' Mejju 2014, tapplika għas-setturi kollha fil-Messiku li għalihom l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jelaboraw ir-regolamenti, il-kriterji jew il-linji gwida tagħhom stess f'konformità mal-emendi Kostituzzjonali tal-2024, ippubblikati fid-*Diario Oficial de la Federación* (il-Ġurnal Uffiċjali tal-Federazzjoni) fl-20 ta' Diċembru 2024.

4. Fil-politika ta' infurzar tagħha, l-awtorità jew l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' Parti ma għandhomx jiddiskriminaw fuq il-bażi tan-nazzjonalità tal-parti avversarja fi proċedura ta' infurzar ([100]) jew ta' persuni terzi mogħtijin id-dritt li jipparteċipaw f'tali proċedura ta' infurzar.

5. Kull Parti għandha tiżgura li parti avversarja fi proċedura ta' infurzar, imwettqa sabiex jiġi ddeterminat jekk l-imġiba ta' dik il-parti avversarja tmurx kontra l-liġi tal-kompetizzjoni tagħha jew liema sanzjonijiet jew rimedji amministrattivi għandhom jiġu ordnati għall-ksur ta' dak id-dritt, tingħata l-opportunità li tinstema' u tipprovdi evidenza fid-difiża tagħha. B'mod partikolari, kull Parti għandha tiżgura li l-parti avversarja jkollha opportunità raġonevoli ta' rieżami u ta' kontestazzjoni tal-evidenza li fuqha hija bbażata d-determinazzjoni.

6. Kull Parti għandha tiggarantixxi li d-destinatarju ta' deċiżjoni jew ta' riżoluzzjoni li timponi sanzjoni amministrattiva jew rimedju għall-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tagħha jingħata l-opportunità li jfittex stħarriġ ġudizzjarju ta' dik id-deċiżjoni jew ir-riżoluzzjoni.

Artikolu 23.4

Trasparenza

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur tat-trasparenza fil-politiki tagħhom dwar l-infurzar tal-kompetizzjoni.

2. Kull Parti għandha tippubblika r-regoli amministrattivi jew proċedurali tagħha li jinsabu f'atti legali skont liema jitwettqu l-investigazzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni u l-proċeduri ta' infurzar tagħha. Dawk ir-regoli amministrattivi jew proċedurali jistgħu, sa fejn previst fil-liġi tal-kompetizzjoni ta' kull Parti, jinkludu regoli dwar perjodi ta' żmien raġonevoli sabiex tiġi pprovduta evidenza f'tali proċeduri.

3. Kull Parti għandha tiżgura li verżjoni mhux kunfidenzjali ta' kwalunkwe deċiżjoni jew riżoluzzjoni finali li tiddetermina ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tagħha u, skont il-każ, kwalunkwe ordni li timplimenta tali riżoluzzjoni, tiġi ppubblikata sabiex il-persuni interessati jkunu jistgħu jsiru familjari magħhom.

4. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet jew ir-riżoluzzjonijiet finali kollha li jiddeterminaw ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tagħha jkunu bil-miktub u jistabbilixxu s-sejbiet ta' fatt u r-raġunament, inkluża l-analiżi legali u, jekk applikabbli, ekonomika, li fuqha tkun ibbażata d-deċiżjoni jew ir-riżoluzzjoni.

Artikolu 23.5

Kooperazzjoni u Koordinazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-kooperazzjoni u tal-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni rispettivi tagħhom dwar kwistjonijiet relatati mal-liġi tal-kompetizzjoni u l-politiki tagħhom fiż-żona ta' kummerċ ħieles. Għaldaqstant, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkooperaw fi kwistjonijiet relatati mal-liġi tal-kompetizzjoni rispettiva tagħhom, inkluż permezz ta' assistenza, notifika, konsultazzjoni, u skambju ta' informazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar mal-liġi tal-kompetizzjoni tagħhom sa fejn tkun kompatibbli mal-liġijiet u mal-interessi importanti rispettivi tagħhom, u sal-limiti tar-riżorsi raġonevolment disponibbli tagħhom. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiskambjaw informazzjoni, esperjenzi u fehmiet mhux kunfidenzjali fir-rigward ta':

(a) id-dritt, il-politiki u l-prattiki tal-kompetizzjoni rispettivi tagħhom, inkluża informazzjoni dwar l-eżenzjonijiet mogħtijin skont il-liġi tal-kompetizzjoni tagħhom;

([100]) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, proċedura ta' infurzar tfisser proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva wara investigazzjoni dwar l-allegat ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni.

(b) l-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni rispettiva tagħhom; u

(c) l-azzjonijiet ta' promozzjoni rispettivi tagħhom.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni rispettivi tagħhom f'oqsma ta' tħassib reċiproku u sa fejn ikun kompatibbli mal-liġijiet u mal-interessi importanti rispettivi tagħhom, u sal-limiti tar-riżorsi raġonevolment disponibbli tagħhom. Għal dak l-għan, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkoordinaw, sa fejn ikun possibbli, l-attivitajiet ta' infurzar tagħhom relatati mal-istess każijiet jew ma' każijiet relatati.

4. Il-Partijiet jaffermaw li l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tagħhom jirrikonoxxu l-użu ta' eżenzjonijiet ta' kunfidenzjalità fl-oqsma tal-infurzar tagħhom u jirrikonoxxu li d-deċiżjoni ta' intrapriża li tirrinunzja d-dritt tagħha għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali tkun volontarja.

5. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jillimita d-diskrezzjoni tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' Parti sabiex jiddeċiedu jekk għandhomx jieħdu azzjoni fuq talbiet partikolari mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Parti l-oħra.

6. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jipprekludi lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' kwalunkwe Parti milli jieħdu azzjoni fir-rigward ta' każijiet partikolari.

7. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Partijiet jistgħu jikkunsidraw li jidħlu f'arranġament ta' kooperazzjoni separat li jistabbilixxi termini miftehmin b'mod reċiproku għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni.

Artikolu 23.6

Kooperazzjoni Teknika

Il-Partijiet iqisu li huwa fl-interess komuni tagħhom li jappoġġaw l-objettivi ta' dan il-Ftehim b'kooperazzjoni teknika għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-esperjenzi fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni u fl-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni rispettiv tagħhom, soġġetti għar-riżorsi raġonevolment disponibbli għal kull Parti.

Artikolu 23.7

Konsultazzjonijiet

1. Sabiex jitrawwem fehim reċiproku bejn il-Partijiet, jew sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, Parti għandha, fuq talba tal-Parti l-oħra, tidħol f'konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet imqajmin mill-Parti l-oħra. Il-Parti li titlob il-konsultazzjonijiet għandha tindika, jekk ikun rilevanti, kif il-kwistjoni taffettwa l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

2. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu fil-pront kwalunkwe mistoqsija li tirriżulta mill-interpretazzjoni jew mill-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

3. Sabiex tiġi ffaċilitata d-diskussjoni dwar il-kwistjoni li hija s-suġġett tal-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tipprovdi informazzjoni mhux kunfidenzjali rilevanti lill-Parti l-oħra.

Artikolu 23.8

Kunfidenzjalità tal-Informazzjoni

1. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kapitolu, Parti ma hijiex meħtieġa tipprovdi informazzjoni jekk id-divulgazzjoni ta' dik l-informazzjoni hija pprojbita mil-liġijiet tal-Parti li jkollha l-informazzjoni.

2. Jekk Parti tipprovdi informazzjoni skont dan il-Kapitolu, il-Parti l-oħra għandha żżomm il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni.

3. Jekk l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' Parti jirċievu informazzjoni kunfidenzjali mingħand l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Parti l-oħra soġġetta għal eżenzjoni ta' kunfidenzjalità, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Parti għandhom jużaw l-informazzjoni riċevuta f'konformità mat-termini tar-rinunzja.

Artikolu 23.9

Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni huma dawn li ġejjin, jew is-suċċessur tagħhom:

(a) għall-Unjoni Ewropea: il-Kummissjoni Ewropea; u

(b) għall-Messiku:

(i) il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Antitrust (*Comisión Nacional Antimonopolio*); u

(ii) il-Kummissjoni Regolatorja tat-Telekomunikazzjoni (*Comisión Reguladora de Telecomunicaciones* (CRT)).

Artikolu 23.10

Nuqqas ta' Applikazzjoni tas-Soluzzjoni tat-Tilwim

Parti ma għandux ikollha rikors għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 24

SUSSIDJI

Artikolu 24.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "sussidju pprovdut għal oġġetti" tfisser miżura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1.1 tal-Ftehim SCM u li tkun speċifika skont u f'konformità mat-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Ftehim SCM.

(b) "sussidju pprovdut għal servizzi" tfisser miżura li tinvolvi kontribuzzjoni finanzjarja minn gvern jew minn korp pubbliku u li tagħti benefiċċju lil u li tkun speċifika għal intrapriża jew għal industrija jew għal grupp ta' intraprizi jew ta' industriji skont u f'konformità mat-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Ftehim SCM. ([101])

([101]) Din id-definizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' diskussjonijiet futuri fid-WTO dwar id-definizzjoni ta' sussidji għas-servizzi. Skont il-progress ta' dawk id-diskussjonijiet, il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjoni sabiex jadatta dan il-Ftehim f'dan ir-rigward.

Artikolu 24.2

Prinċipji Ġenerali

Il-Partijiet jirrikonoxxu li jistgħu jingħataw sussidji meta jkunu neċessarji sabiex jintlaħaq objettiv ta' ordni pubbliku. Madankollu, il-Partijiet jirrikonoxxu li ċerti sussidji għandhom il-potenzjal li jxekklu l-funzjonament xieraq tas-swieq u jdgħajfu l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investiment. Fil-prinċipju, Parti ma għandhiex tagħti sussidji lil intrapriżi li jipprovdu oġġetti jew servizzi jekk dawn jaffettwaw b'mod negattiv, jew x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv, il-kummerċ jew l-investiment.

Artikolu 24.3

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għas-sussidji lil kwalunkwe intrapriża li twettaq attività ekonomika. Jekk intrapriża tgħaqqad attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi, dan il-Kapitolu japplika biss għall-attivitajiet ekonomiċi ta' dik l-intrapriża.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal sussidji mogħtijin lil intrapriżi fdati bil-forniment ta' servizzi partikolari ta' interess pubbliku, inklużi dawk fdati permezz ta' drittijiet jew privileġġi speċjali, sal-punt li tali sussidji jkunu limitati għall-ammont neċessarju sabiex jiġu koperti l-kostijiet tas-servizz inkwistjoni.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għas-sussidji previsti għall-prodotti agrikoli jew għas-sussidji previsti għall-prodotti tal-ħut u tas-sajd.

4. Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 24.5, dan il-Kapitolu ma japplikax għas-sussidji pprovduti fis-settur awdjoviżiv.

5. L-Artikolu 24.7 ma japplikax għas-sussidji pprovduti għal servizzi.

Artikolu 24.4

Relazzjoni mad-WTO

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu XV tal-GATS, l-Artikolu XVI tal-GATT 1994, u skont il-Ftehim SCM.

Artikolu 24.5

Trasparenza

1. Fir-rigward ta' kwalunkwe sussidju mogħti jew miżmum fit-territorju tagħha, kull Parti għandha tagħmel l-informazzjoni li ġejja disponibbli għall-pubbliku:

(a) il-bażi legali tas-sussidju;

(b) il-forma tas-sussidju;

(c) l-ammont tas-sussidju jew l-ammont ibbaġitjat għas-sussidju; u

(d) jekk ikun possibbli, l-isem tal-benefiċjarju. ([102])

2. Parti għandha titqies li tikkonforma mal-paragrafu 1 jekk:

(a) tiġi pprovduta notifika lid-WTO skont l-Artikolu 25.1 tal-Ftehim SCM, u, jekk possibbli, l-isem tal-benefiċjarju jkun ġie ddivulgat lill-pubbliku; jew

([102]) Is-subparagrafu 1(d) japplika għal sussidji ta' 500 000 dritt speċjali ta' prelevament u aktar.

(b) l-informazzjoni meħtieġa fil-paragrafu 1 tkun saret disponibbli minn dik il-Parti jew f'isimha fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku sal-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja wara dik li fiha jkun inżamm jew ingħata sussidju. ([103])

3. Fir-rigward tas-sussidji previsti għas-servizzi, dan l-Artikolu japplika biss jekk:

(a) l-ammont tas-sussidju għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' 3 snin konsekuttivi jkun ogħla minn 400 000 dritt speċjali ta' prelevament; u

(b) is-sussidju jingħata għall-forniment ta' servizzi fis-setturi li ġejjin: is-settur awdjoviżiv, tat-telekomunikazzjoni, tas-servizzi finanzjarji, tat-trasport (inkluż it-trasport marittimu), tal-enerġija (inkluża d-distribuzzjoni tal-elettriku), tal-ambjent, tal-kompjuters, tal-arkitettura u l-inġinerija, tal-kostruzzjoni, jew tas-servizzi postali u ta' kurrier.

Artikolu 24.6

Konsultazzjonijiet

1. Jekk Parti tqis li sussidju mogħti mill-Parti l-oħra jkun qiegħed jaffettwa b'mod negattiv, jew x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv, il-kummerċ jew l-investiment tagħha, il-Parti msemmija l-ewwel tista' tesprimi t-tħassib tagħha lill-Parti l-oħra u titlob konsultazzjonijiet dwar il-kwistjoni. Il-Parti rikjesta għandha tagħti kunsiderazzjoni sħiħa u favorevoli lil talba bħal din.

2. Matul il-konsultazzjonijiet, il-Parti rikjedenti tista' titlob lill-Parti l-oħra tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar is-sussidju, bħal:

(a) il-bażi legali u l-objettiv tal-politika jew l-iskop tas-sussidju;

(b) il-forma tas-sussidju;

(c) id-dati u d-durata tas-sussidju u kwalunkwe terminu ieħor marbut miegħu;

(d) ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà tas-sussidju;

(e) l-ammont totali jew annwali bbaġitjat għas-sussidju;

(f) l-isem tal-benefiċjarju tas-sussidju, jekk possibbli; u

(g) kwalunkwe informazzjoni oħra li tippermetti valutazzjoni tal-effetti negattivi tas-sussidju fuq il-kummerċ jew fuq l-investiment.

3. Il-Parti rikjesta għandha tipprovdi tweġiba bil-miktub li jkun fiha informazzjoni rilevanti dwar is-sussidju inkwistjoni mhux aktar tard minn 60 jum wara d-data tal-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 2. Jekk kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba skont il-paragrafu 2 ma tiġix ipprovduta fit-tweġiba bil-miktub, il-Parti rikjesta għandha tispjega n-nuqqas ta' tali informazzjoni fit-tweġiba bil-miktub tagħha.

([103]) Għal ċertezza akbar, il-pubblikazzjoni ta' sussidju jew ta' programm ta' sussidji fuq is-sit web ma tippreġudikax l-istatus legali tiegħu jew in-natura tal-programm innifsu.

4. Jekk il-Parti rikjedenti, wara li tirċievi l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafi 2 u 3, tinforma lill-Parti rikjesta li hija tqis li s-sussidju kkonċernat għandu jew jista' jkollu effett negattiv sinifikanti fuq il-kummerċ jew fuq l-investiment tagħha, il-Parti rikjesta għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha sabiex telimina jew timminimizza dawk l-effetti negattivi sinifikanti fi żmien sena wara dik id-data.

Artikolu 24.7

Sussidji Soġġetti għal Kundizzjonijiet

1. Kull Parti għandha tapplika kundizzjonijiet għas-sussidji li ġejjin, sa fejn dawn jaffettwaw b'mod negattiv jew x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv il-kummerċ jew l-investiment tal-Parti l-oħra, kif ġej:

(a) sussidji jew arranġamenti legali li bihom gvern ikun responsabbli sabiex ikopri d-djun jew l-obbligazzjonijiet ta' ċerti intrapriżi huma permessi soġġetti għall-kundizzjoni li l-kopertura ta' dawk id-djun u l-obbligazzjonijiet tkun limitata fir-rigward tal-ammont ta' dawk id-djun u l-obbligazzjonijiet jew id-durata ta' dik ir-responsabbiltà;

(b) is-sussidji lil intrapriżi f'diffikultà jew insolventi jew lil dawk li waslu f'xifer l-insolvenza huma permessi soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikun tħejja pjan kredibbli ta' ristrutturar; dak il-pjan għandu jkun ibbażat fuq suppożizzjonijiet realistiċi bil-għan li jiġi żgurat ir-ritorn tal-intrapriża għall-vijabbiltà fit-tul f'perjodu ta' żmien raġonevoli; u

(ii) intrapriżi minbarra intrapriżi żgħar u medji jikkontribwixxu għall-kostijiet tar-ristrutturar huma stess.

2. Is-subparagrafu 1(b) ma għandux jiġi interpretat li jipprevjeni lil Parti milli tipprovdi appoġġ temporanju ta' likwidità fil-forma ta' garanziji ta' self jew ta' self għal żmien raġonevolment neċessarju għat-tħejjija ta' pjan ta' ristrutturar. Tali appoġġ temporanju ta' likwidità għandu jkun limitat għall-ammont meħtieġ sabiex l-intrapriża tibqa' miftuħa.

Artikolu 24.8

Użu ta' Sussidji

Kull Parti għandha tiżgura li l-intrapriżi jużaw is-sussidji li tkun tat biss għall-objettiv tal-politika jew għall-iskop li għalih ikunu ngħataw. ([104])

Artikolu 24.9

Nuqqas ta' Applikazzjoni tas-Soluzzjoni tat-Tilwim

Parti ma għandux ikollha rikors għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Artikolu 24.5, sa fejn dan jikkonċerna s-sussidji pprovduti għas-servizzi, jew l-Artikolu 24.6.4.

([104]) Għal ċertezza akbar, Parti titqies li tissodisfa dan l-obbligu jekk tkun stabbiliet il-qafas leġiżlattiv u l-proċeduri amministrattivi xierqa għal dak l-għan.

KAPITOLU 25

PROPRJETÀ INTELLETTWALI

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 25.1

Objettivi u Prinċipji

1. L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jinkiseb livell adegwat u effettiv ta' protezzjoni u ta' infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali sabiex:

(a) jingħata kontribut għall-promozzjoni tal-innovazzjoni teknoloġika u għat-trasferiment u għad-disseminazzjoni tat-teknoloġija, għall-benefiċċju reċiproku tal-produtturi u tal-utenti tal-għarfien teknoloġiku u b'mod li jagħti lok għall-benessri soċjali u ekonomiku, u għal bilanċ tad-drittijiet u tal-obbligi; u

(b) jiġi promoss u regolat il-kummerċ bejn il-Partijiet kif ukoll jitnaqqsu d-distorsjonijiet u l-impedimenti għall-kummerċ.

2. Parti tista', meta ssawwar jew temenda l-liġijiet u r-regolamenti tagħha, tadotta miżuri neċessarji għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tan-nutrizzjoni, u għall-promozzjoni tal-interess pubbliku f'setturi ta' importanza vitali għall-iżvilupp soċjoekonomiku u teknoloġiku tagħhom, diment li tali miżuri jkunu konsistenti ma' dan il-Kapitolu.

3. Parti tista' tadotta miżuri xierqa, diment li jkunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, sabiex tipprevjeni l-abbuż tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali mid-detenturi tad-drittijiet jew ir-rikors għal prattiki li jirrestringu b'mod mhux raġonevoli l-kummerċ jew jaffettwaw b'mod avvers it-trasferiment internazzjonali tat-teknoloġija.

4. Filwaqt li jqisu l-objettivi sottostanti tal-ordni pubbliku tas-sistemi domestiċi, il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jagħmlu dan permezz tas-sistemi rispettivi tagħhom tal-proprjetà intellettwali, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tat-trasparenza, u filwaqt li jqisu l-interessi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi d-detenturi tad-drittijiet, l-utenti u l-pubbliku:

(a) jippromwovu l-innovazzjoni u l-kreattività;

(b) jiffaċilitaw id-diffużjoni tal-informazzjoni, tal-għarfien, tat-teknoloġija, tal-kultura u tal-arti; u

(c) irawmu l-kompetizzjoni u swieq miftuħin u effiċjenti.

Artikolu 25.2

Natura u Ambitu tal-Obbligi

1. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jiżguraw implimentazzjoni adegwata u effettiva tat-trattati internazzjonali li jittrattaw il-proprjetà intellettwali li għalihom huma partijiet, inkluż il-Ftehim TRIPS. Dan il-Kapitolu għandu jikkomplementa u jispeċifika aktar id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Ftehim TRIPS u trattati internazzjonali oħrajn fil-qasam tal-proprjetà intellettwali li huma partijiet għalihom.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "drittijiet ta' proprjetà intellettwali" tfisser il-kategoriji kollha ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali li huma koperti mit-Taqsimiet 1 sa 7 tal-Parti II tal-Ftehim TRIPS kif ukoll id-drittijiet fuq varjetajiet ta' pjanti. Il-protezzjoni ta' proprjetà intellettwali tinkludi l-protezzjoni kontra kompetizzjoni inġusta kif imsemmija fl-Artikolu 10bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali tal-20 ta' Marzu 1883, kif riveduta l-aħħar fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni ta' Pariġi").

3. Kull Parti għandha tagħti effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu. Parti tista', iżda ma għandhiex tkun obbligata, tipprovdi protezzjoni aktar estensiva għal, jew l-infurzar ta', drittijiet ta' proprjetà intellettwali skont id-dritt tagħha milli jkun meħtieġ minn dan il-Kapitolu, diment li tali protezzjoni jew infurzar ma jiksirx dan il-Kapitolu. Kull Parti għandha tkun libera li tiddetermina l-metodu xieraq ta' implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu fi ħdan l-ordinament ġuridiku u l-prattika legali tagħha stess.

Artikolu 25.3

Eżawriment

Dan il-Kapitolu ma jaffettwax il-libertà tal-Partijiet li jiddeterminaw jekk u f'liema kundizzjonijiet japplika l-eżawriment tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Artikolu 25.4

Trattament Nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti liċ-ċittadini ([105]) tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli milli tagħti liċ-ċittadini tagħha stess fir-rigward tal-protezzjoni ([106]) tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali koperti minn dan il-Kapitolu, soġġetta għall-eċċezzjonijiet previsti, rispettivament, fil-Konvenzjoni ta' Pariġi, fil-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi tad-9 ta' Settembru 1886, kif riveduta l-aħħar f'Pariġi fl-24 ta' Lulju 1971 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni ta' Berna"), il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Artisti tal-Ispettaklu, tal-Produtturi tal-Fonogrammi u tal-Organizzazzjonijiet tax-Xandir, magħmula f'Ruma fis-26 ta' Ottubru 1961 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni ta' Ruma"), jew it-Trattat dwar il-Proprjetà Intellettwali fir-Rigward taċ-Ċirkwiti Integrati, magħmul f'Washington, D.C. fis-26 ta' Mejju 1989. Fir-rigward tal-artisti tal-ispettaklu, tal-produtturi tal-fonogrammi u tal-organizzazzjonijiet tax-xandir, dak l-obbligu japplika biss fir-rigward tad-drittijiet previsti f'dan il-Ftehim.

2. Bħala kundizzjoni għal trattament nazzjonali skont dan l-Artikolu, Parti ma għandhiex titlob lid-detenturi tad-drittijiet jikkonformaw ma' kwalunkwe formalità jew kundizzjoni sabiex jiksbu drittijiet fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati. ([107])

3. Parti tista' tagħmel użu mill-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi, inkluża d-dežinjazzjoni ta' indirizz għan-notifika jew għall-hatra ta' aġent fil-ġuriżdizzjoni tagħha, iżda biss meta tali eċċezzjonijiet:

(a) ikunu neċessarji sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-liġijiet jew mar-regolamenti li ma jkunux inkonsistenti ma' dan il-Kapitolu; u

(b) ma jiġux applikati b'mod li jkun jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ.

4. Parti ma għandu jkollha l-ebda obbligu skont dan l-Artikolu fir-rigward tal-proċeduri previsti fi ftehimiet multilaterali konklużi taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"WIPO") b'rabta mal-akkwiżizzjoni jew maż-żamma tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

([105]) Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, tapplika d-definizzjoni ta' ċittadini fil-Ftehim TRIPS.

([106]) Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "protezzjoni" għandha tinkludi kwistjonijiet li jaffettwaw id-disponibbiltà, l-akkwiżizzjoni, l-ambitu, iż-żamma u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali kif ukoll kwistjonijiet li jaffetwaw l-użu tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali indirizzati speċifikament f'dan il-Kapitolu.

([107]) Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

TAQSIMA B

Standards li Jirrigwardaw id-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali

SUBTAQSIMA B.1

Drittijiet tal-Awtur u Drittijiet Relatati

Artikolu 25.5

Trattati Internazzjonali

1. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jikkonformaw mal-ftehimiet internazzjonali li ġejjin:

(a) il-Konvenzjoni ta' Berna;

(b) il-Konvenzjoni ta' Ruma;

(c) it-Trattat tad-WIPO dwar id-Dritt tal-Awtur adottat f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996; u

(d) it-Trattat tad-WIPO dwar l-Interpretazzjonijiet, l-Eżekuzzjonijiet u l-Fonogrammi adottat f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Beijing dwar ir-Rappreżentazzjonijiet Awdjoviżivi, adottat f'Beijing fl-24 ta' Ġunju 2012, u tat-Trattat ta' Marrakexx sabiex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati għal Persuni Għomja, b'Diżabilità fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà sabiex Jaqraw Materjal Stampat, adottat f'Marrakexx, fis-27 ta' Ġunju 2013.

Artikolu 25.6

Awturi

Kull Parti tipprovdi lill-awturi d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, sħiħa jew parzjali tax-xogħlijiet tagħhom;

(b) kwalunkwe forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku, permezz tal-bejgħ jew xorta oħra, tal-oriġinal tax-xogħlijiet tagħhom jew ta' kopji tagħhom;

(c) kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħlijiethom, b'mezz bil-fili jew mingħajr fili, inkluż li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku xogħlijiethom b'mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom; u

(d) il-kiri kummerċjali lill-pubbliku ta' oriġinali jew ta' kopji ta' xogħlijiethom.

Artikolu 25.7

Artisti tal-Ispettaklu

Kull Parti għandha tipprovdi lill-artisti tal-ispettaklu d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-reġistrazzjoni ([108]) tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom;

(b) ir-riproduzzjoni kollha jew parti minnha, diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, b'kull mezz u f'kull forma tar-reġistrazzjonijiet tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom;

([108]) "Reġistrazzjoni" tfisser inkorporazzjoni ta' ħsejjes jew ta' immaġnijiet li jiċċaqilqu, jew tar-rappreżentazzjoni tagħhom, li minnhom jistgħu jiġu perċepiti, riprodotti jew ikkomunikati permezz ta' apparat.

(c) id-distribuzzjoni għall-pubbliku, permezz ta' bejgħ jew b'xi mod ieħor, tar-reġistrazzjonijiet tal-ispettakli tagħhom;

(d) it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' reġistrazzjonijiet tal-ispettakli tagħhom, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom;

(e) ix-xandir b'mezzi mingħajr fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-ispettakli tagħhom, għajr meta l-ispettaklu nnifsu diġà jkun spettaklu mxandar jew ikun magħmul minn reġistrazzjoni; u

(f) il-kiri kummerċjali lill-pubbliku tar-reġistrazzjoni tal-ispettakli tagħhom.

Artikolu 25.8

Produtturi ta' Fonogrammi

Kull Parti għandha tipprovdi lill-produtturi d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni kollha jew parti minnha, diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, tal-fonogrammi tagħhom;

(b) id-distribuzzjoni għall-pubbliku, bil-bejgħ jew b'xi mod ieħor, tal-fonogrammi tagħhom, inkluż ta' kopji tagħhom;

(c) it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-fonogrammi tagħhom, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom; u

(d) il-kiri kummerċjali tal-fonogrammi tagħhom lill-pubbliku.

Artikolu 25.9

Organizzazzjonijiet tax-Xandir

Kull Parti għandha tipprovdi lill-organizzazzjonijiet tax-xandir id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu: ([109])

(a) ir-reġistrazzjoni tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandiriet ikunu trażmessi bil-fili kif ukoll jekk mingħajr fili, inklużi bil-kejbil jew bis-satellita;

(b) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, tar-reġistrazzjonijiet tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandiriet ikunu ġew trażmessi bil-fili jew mingħajr fili, inkluż bil-kejbil jew bis-satellita;

(c) it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, tar-reġistrazzjonijiet tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandiriet ikunu ġew trażmessi bil-fili jew inkella mingħajr fili, inkluż bil-kejbil jew bis-satellita, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom;

(d) id-distribuzzjoni lill-pubbliku, permezz ta' bejgħ jew b'xi mod ieħor, tar-reġistrazzjonijiet, inkluż ta' kopji tagħhom, tax-xandiriet tagħhom, kemm jekk dawk ix-xandiriet ikunu ġew trażmessi bil-fili kif ukoll jekk mingħajr fili, inkluż bil-kejbil jew bis-satellita; u

(e) ix-xandir mill-ġdid tax-xandiriet tagħhom b'mezzi mingħajr fili, kif ukoll il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom jekk tali komunikazzjoni ssir f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' tariffa għad-dħul.

([109]) Għall-Messiku, din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit ta' konformità mal-obbligi tagħha skont il-Liġi dwar it-Telekomunikazzjoni u x-Xandir tagħha ("*Ley en Materia de Telecomunicaciones y Radiodifusión*"), kif ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tiegħu fis-16 ta' Lulju 2025.

Artikolu 25.10

Xandir u Komunikazzjoni lill-Pubbliku tal-Fonogrammi Ippubblikat għal Skopijiet Kummerċjali ([110])

1. Kull Parti għandha tipprovdi lill-artisti u lill-produtturi ta' fonogrammi bid-dritt għal remunerazzjoni ekwitabbli waħda mħallsa mill-utent jekk fonogramma ppubblikata għal skopijiet kummerċjali, jew riproduzzjoni ta' tali fonogramma, tintuża għal xandir b'mezzi mingħajr fili jew għal kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku ([111]).

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li r-remunerazzjoni ekwitabbli waħda għandha titqassam bejn l-artisti tal-ispettaklu u l-produtturi tal-fonogrammi korrispondenti. Kull Parti tista' tadotta leġiżlazzjoni li, fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-artisti tal-ispettaklu u l-produtturi tal-fonogrammi, tistabbilixxi t-termini skont liema l-artisti tal-ispettaklu u l-produtturi tal-fonogrammi għandhom jaqsmu r-remunerazzjoni ekwitabbli waħda.

Artikolu 25.11

Perjodu ta' Protezzjoni

1. Id-drittijiet tal-awtur ta' xogħol għandhom jibqgħu għall-ħajja tal-awtur u għal tal-anqas 70 sena wara l-mewt tal-awtur, irrispettivament mid-data meta x-xogħol isir disponibbli legalment għall-pubbliku.

2. Il-perjodu ta' protezzjoni ta' kompożizzjoni mużikali bil-kliem għandu jiskadi mhux anqas minn 70 sena wara l-mewt tal-aħħar waħda mill-persuni li ġejjin, kemm jekk dawk il-persuni jkunu identifikati bħala koawturi kif ukoll jekk le: l-awtur tal-lirika u l-kompożitur tal-kompożizzjoni mużikali. ([112])

3. Fil-każ ta' xogħlijiet anonimi jew psewdonimi, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jiskadi tal-anqas 70 sena wara li x-xogħol ikun sar legalment disponibbli għall-pubbliku. Madankollu, jekk psewdonimu adottat mill-awtur ma jħalli l-ebda dubju dwar l-identità tal-awtur, jew jekk l-awtur jiżvela l-identità tiegħu matul il-perjodu msemmi fl-ewwel sentenza, ikun japplika l-perjodu ta' protezzjoni stabbilit fil-paragrafu 1.

4. Il-perjodu ta' protezzjoni ta' xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi għandu jiskadi tal-anqas 70 sena wara l-mewt ta' mill-anqas l-aħħar waħda mill-persuni li ġejjin li jkunu baqgħu ħajjin, kemm jekk dawk il-persuni jiġu indikati bħala koawturi kif ukoll jekk le: id-direttur prinċipali, l-awtur tal-kitba, l-awtur tad-djalogu u l-kompożitur tal-mużika. ([113])

5. Id-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tax-xandir għandhom jiskadu mhux anqas minn 50 sena wara l-ewwel trażmissjoni ta' xandira, kemm jekk dik ix-xandira tiġi trażmessa bil-fili kif ukoll jekk mingħajr fili, inkluż bil-kejbil jew bis-satellita.

([110]) Kull Parti tista' tagħti lill-artisti tal-ispettaklu u lill-produtturi ta' fonogrammi drittijiet aktar estensivi fir-rigward tax-xandir u tal-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' fonogrammi ppubblikati għal skopijiet kummerċjali.

([111]) Għall-fini ta' dan l-Artikolu, "komunikazzjoni lill-pubbliku" ma tinkludix it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' fonogramma, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom.

([112]) Parti tista' tiddeċiedi li l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu tirrikjedi li ż-żewġ kontribuzzjonijiet ikunu nħolqu speċifikament għall-kompożizzjoni mużikali bil-kliem ikkonċernat.

([113]) Parti tista' tiddeċiedi li l-mużika trid tinħoloq speċifikament għall-użu fix-xogħol ċinematografiku jew awdjoviżiv ikkonċernat.

6. Kull Parti għandha tipprovdi ([114]) li:

(a) il-perjodu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-artisti tal-ispettaklu għandu jiskadi 75 sena wara l-ewwel reġistrazzjoni tal-prestazzjoni f'fonogramma, jew l-ewwel prestazzjoni ta' xogħlijiet mhux reġistrati f'fonogrammi, jew it-trażmissjoni għall-ewwel darba bi kwalunkwe mezz; u

(b) il-perjodu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-produtturi tal-fonogrammi għandu jiskadi 75 sena wara l-ewwel reġistrazzjoni tal-ħsejjes fil-fonogramma.

Inkella, Parti għandha tipprovdi li:

(c) id-drittijiet tal-artisti għall-prestazzjonijiet tagħhom iffissati mod ieħor milli f'fonogramma għandhom jiskadu mhux inqas minn 50 sena wara l-iffissar tal-prestazzjoni u, jekk ippubblikati f'dan il-perjodu, mhux inqas minn 50 sena wara l-ewwel pubblikazzjoni legali; u

(d) id-drittijiet tal-artisti għall-prestazzjonijiet tagħhom iffissati f'fonogrammi u ta' produtturi ta' fonogrammi għandhom jiskadu mhux inqas minn 50 sena wara l-iffissar tal-prestazzjoni fil-fonogramma u, jekk ippubblikati f'dan il-perjodu, mhux inqas minn 70 sena wara l-ewwel pubblikazzjoni legali; il-Parti għandha tieħu miżuri effettivi sabiex tiżgura li l-profitt ġenerat tul l-20 sena ta' protezzjoni wara 50 sena wara l-ewwel pubblikazzjoni legali jinqasam ġustament bejn l-artisti tal-ispettaklu u l-produtturi tal-fonogrammi.

7. Il-perjodi ta' protezzjoni stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu kkalkolati mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara l-avveniment.

Artikolu 25.12

Dritt ta' Bejgħ mill-Ġdid

1. Kull waħda mill-Partijiet għandha tipprovdi, għall-benefiċċju tal-awtur ta' xogħlijiet tal-arti grafika jew tal-plastik, ħlief għal xogħlijiet applikati tal-arti, dritt ta' bejgħ mill-ġdid, li ma jistax jiġi rrinunzjat, lanqas minn qabel, sabiex jirċievi parteċipazzjoni ([115]) fil-prezz miksub minn kwalunkwe bejgħ mill-ġdid ta' dak ix-xogħol, wara l-ewwel trasferiment ta' dak ix-xogħol mill-awtur ([116]).

2. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 japplika għall-atti kollha ta' bejgħ mill-ġdid li jinvolvu professjonisti tas-suq tal-arti, bħal swali tal-irkant, galleriji tal-arti u, b'mod ġenerali, kwalunkwe negozjant ta' opri tal-arti, bħala bejjiegħa, xerrejja jew intermedjarji.

Artikolu 25.13

Kooperazzjoni dwar l-Immaniġġar Kollettiv tad-Drittijiet

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom ta' mmaniġġar kollettiv bil-għan li jrawmu d-disponibbiltà tax-xogħlijiet u ta' materjal protett ieħor fit-territorji rispettivi tal-Partijiet u t-trasferiment tad-dħul mid-drittijiet għall-użu ta' dawn ix-xogħlijiet jew ta' xogħlijiet protetti oħrajn.

2. Il-Partijiet jaqblu li jippromwovu t-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni fost il-membri intitolati tal-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġar kollettiv, b'mod partikolari fir-rigward tad-dħul mid-drittijiet li jiġbru, it-tnaqqis li japplikaw għal tali dħul, l-użu tad-dħul mid-drittijiet miġbur, il-politika ta' distribuzzjoni u r-repertorju tagħhom.

([114]) Għal ċertezza akbar, kull Parti għandha tagħżel bejn l-opzjoni msemmija fis-subparagrafi (a) u (b) jew l-alternattiva msemmija fis-subparagrafi (c) u (d), fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni domestika tagħha.
([115]) Parti tista' tesprimi din il-parteċipazzjoni bħala perċentwal tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid.
([116]) Parti tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet minimi għall-applikazzjoni tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid.

Artikolu 25.14

Eċċezzjonijiet u Limitazzjonijiet

Kull Parti għandha tirrestrinġi l-eċċezzjonijiet jew il-limitazzjonijiet għad-drittijiet stabbiliti f'din is-Subtaqsima għal ċerti każijiet speċjali li ma jmorrux kontra sfruttament normali tax-xogħol, ta' prestazzjoni, ta' fonogramma, jew ta' xandira, u ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detenturi tad-drittijiet.

Artikolu 25.15

Protezzjoni ta' Miżuri Teknoloġiċi

1. Kull waħda mill-Partijiet għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra ċ-ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva, li persuna twettaq fl-għarfien, jew b'raġunijiet raġonevoli li jkollha għarfien, li tkun qiegħda tfittex l-objettiv ta' ċirkomvenzjoni.

2. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra l-manifattura, l-importazzjoni, id-distribuzzjoni, il-bejgħ, il-kiri, ir-reklamar għall-bejgħ jew għall-kiri, jew il-pussess għal skopijiet kummerċjali, ta' apparati, ta' prodotti jew ta' komponenti, jew il-forniment ta' servizzi li:

(a) jiġu promossi, reklamati jew kummerċjati għall-iskop taċ-ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva;

(b) ikollhom biss skop jew użu kummerċjali sinifikanti limitat minbarra ċ-ċirkomvenzjoni ta' miżuri teknoloġiċi effettivi; jew

(c) ikunu primarjament imfasslin, magħmulin, adattati jew imwettqin għall-fini li jippermettu jew jiffaċilitaw iċ-ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "miżuri teknoloġiċi" tfisser kwalunkwe teknoloġija, apparat jew komponent li, fil-proċess normali tat-tħaddim tiegħu, ikun imfassal sabiex jipprevjeni jew jillimita atti, fir-rigward ta' xogħlijiet jew ta' materjal ieħor, li ma jkunux awtorizzati mid-detentur tad-drittijiet ta' kwalunkwe dritt tal-awtur jew ta' dritt relatati, hekk kif previst mid-dritt tal-Parti kkonċernata. Il-miżuri teknoloġiċi għandhom jitqiesu bħala effettivi meta l-użu ta' xogħol jew suġġett ieħor protett ikun ikkontrollat mid-detentur tad-drittijiet permezz tal-applikazzjoni ta' kontroll tal-aċċess jew proċess ta' protezzjoni, bħal kodifikazzjoni, scrambling jew trasformazzjoni oħra tax-xogħol jew suġġett ieħor, jew mekkaniżmu ta' kontroll tal-ikkupjar, li jikseb l-objettiv ta' protezzjoni.

4. Minkejja l-protezzjoni legali prevista fil-paragrafu 1, fin-nuqqas ta' miżuri volontarji meħudin mid-detenturi tad-drittijiet, kull Parti tista' tieħu miżuri xierqa, kif ikun neċessarju, sabiex tiżgura li l-protezzjoni legali adegwata kontra ċ-ċirkomvenzjoni ta' miżuri teknoloġiċi effettivi prevista f'konformità ma' dan l-Artikolu ma tipprevjenix lill-benefiċjarji milli jgawdu l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti f'konformità mal-Artikolu 25.14.

Artikolu 25.16

Obbligi Relatati mal-Informazzjoni dwar l-Immaniġġar tad-Drittijiet

1. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra kwalunkwe persuna li twettaq b'mod konxju u mingħajr awtorità kwalunkwe wieħed mill-atti li ġejjin jekk tali persuna tkun taf, jew ikollha raġunijiet raġonevoli sabiex tkun taf, li, billi tagħmel dan hija tkun qiegħda tinduċi, tippermetti, tiffaċilita jew taħbi ksur ta' kwalunkwe dritt tal-awtur jew ta' kwalunkwe dritt relatat:

(a) it-tneħħija jew it-tibdil ta' kwalunkwe informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġar tad-drittijiet; jew

(b) id-distribuzzjoni, l-importazzjoni għad-distribuzzjoni, ix-xandir, il-komunikazzjoni jew it-tpoġġija għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, ta' xogħlijiet jew ta' materjal ieħor protett skont din is-Subtaqsima, li minnu tkun tneħħiet jew ġiet mibdula mingħajr awtorizzazzjoni informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġar tad-drittijiet.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, "informazzjoni dwar l-immaniġġar tad-drittijiet" tfisser kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-detenturi tad-drittijiet li tidentifika x-xogħol jew materjal ieħor imsemmi f'din is-Subtaqsima, l-awtur jew kwalunkwe detentur ieħor tad-drittijiet, u informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tax-xogħol jew ta' materjal ieħor, jew kwalunkwe numru jew kodiċi li jirrappreżenta tali informazzjoni.

3. Il-paragrafu 2 japplika meta kwalunkwe wieħed minn dawn il-punti msemmijin f'dak il-paragrafu jkun assoċjat ma' kopja ta', jew jidher b'konnessjoni mal-komunikazzjoni lill-pubbliku, ta' xogħol jew ta' suġġett ieħor imsemmi f'din is-Subtaqsima.

SUBTAQSIMA B.2

Trademarks

Artikolu 25.17

Ftehimiet Internazzjonali

Kull Parti:

(a) għandha tagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex taderixxi mat-Trattat dwar il-Liġi tat-Trademarks, li sar f'Ġinevra fis-27 ta' Ottubru 1994, u mat-Trattat ta' Singapore dwar il-Liġi tat-Trademarks, li sar f'Singapore fis-27 ta' Marzu 2006;

(b) għandha taderixxi mal-Protokoll relatat mal-Ftehim ta' Madrid dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tat-Trademarks, adottat f'Madrid fis-27 ta' Ġunju 1989, kif emendat l-aħħar fit-12 ta' Novembru 2007, u mal-Ftehim ta' Nizza dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Prodotti u s-Servizzi għall-Finijiet tar-Reġistrazzjoni tat-Trademarks, magħmul f'Nizza fil-15 ta' Ġunju 1957, kif emendat fit-28 ta' Settembru 1979 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Klassifikazzjoni ta' Nizza").

Artikolu 25.18

Proċedura ta' Reġistrazzjoni

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi sistema għar-reġistrazzjoni tat-trademarks li fiha kull deċiżjoni negattiva finali, inkluż ir-rifjut parzjali tar-reġistrazzjoni maħruġ mill-amministrazzjoni rilevanti tat-trademarks, għandha tiġi nnotifikata bil-miktub, tkun debitament motivata u tkun miftuħa għal kontestazzjoni.

2. Kull Parti għandha tipprevedi l-possibbiltà li jiġu opposti applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' trademarks jew, jekk xieraq, ir-reġistrazzjonijiet ta' trademarks, u l-opportunità li l-applikant għat-trademark iwieġeb għal tali oppożizzjoni. ([117])

3. Kull Parti għandha tipprovdi bażi tad-data elettronika li tkun disponibbli pubblikament tal-applikazzjonijiet u tar-reġistrazzjonijiet ta' trademarks.

Artikolu 25.19

Drittijiet Mogħtijin minn Trademark

1. Trademark irreġistrata għandha tagħti lill-proprjetarju drittijiet esklużivi fuqha. Il-proprjetarju għandu jkun intitolat jipprevjeni lill-partijiet terzi kollha li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużaw fil-kummerċ:

(a) kwalunkwe sinjal li jkun identiku għat-trademark relatat mal-oġġetti jew mas-servizzi li jkunu identiċi għal dawk li għalihom tkun irreġistrata t-trademark; u

(b) kwalunkwe sinjal fejn, minħabba l-identità jew ix-xebh tiegħu mat-trademark u l-identità jew ix-xebh tal-oġġetti jew tas-servizzi koperti mit-trademark u mis-sinjal, tkun teżisti probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku, li tinkludi l-probabbiltà ta' assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trademark.

([117]) Kull Parti għandha tagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex tadotta proċedura kontradittorja għall-oppożizzjoni.

2. Il-proprjetarju ta' trademark irreġistrata għandu jkun intitolat jipprevjeni lill-partijiet terzi kollha milli jġibu, fil-kuntest ta' attività kummerċjali, oġġetti fit-territorju tal-Parti fejn it-trademark tkun irreġistrata mingħajr ma jkunu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera hemm, jekk tali oġġetti, inkluż l-imballaġġ, ikunu jiġu minn pajjiżi oħrajn u jkollhom fuqhom mingħajr awtorizzazzjoni trademark li tkun identika għat-trademark irreġistrata fir-rigward ta' tali oġġetti, jew li ma tistax tingħaraf fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik it-trademark. ([118])

Artikolu 25.20

Trademarks Magħrufin

Għall-finijiet tal-għoti ta' effett lill-protezzjoni ta' trademarks magħrufin, kif imsemmi fl-Artikolu 6bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi u fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 16 tal-Ftehim TRIPS, kull Parti għandha tapplika r-Rakkomandazzjoni Konġunta Rigward Dispożizzjonijiet dwar il-Protezzjoni ta' Marki Magħrufin, adottata mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali u mill-Assemblea Ġenerali tad-WIPO fl-34 Serje ta' Laqgħat tal-Assemblej tal-Istati Membri tad-WIPO mill-20 sad-29 ta' Settembru 1999.

Artikolu 25.21

Applikazzjonijiet *Mala Fide*

Kull Parti tista' tipprovdi li trademark ma għandhiex tiġi rreġistrata jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trademark tkun saret *mala fide* mill-applikant. Kull Parti għandha tipprovdi li trademark bħal din għandha tiġi ddikjarata invalida jekk tkun ġiet irreġistrata.

Artikolu 25.22

Kanċellazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jipprovdu li trademark għandha tkun soġġetta għall-kanċellazzjoni ([119]) jekk, f'perjodu ta' żmien iddeterminat mil-liġi tagħhom, it-trademark ma tkunx intużat ([120]) fit-territorju relevanti b'rabta mal-oġġetti jew mas-servizzi li għalihom tkun ġiet irreġistrata, u ma jkunx hemm raġunijiet validi għan-nuqqas ta' użu.

2. Trademark għandha tkun ukoll soġġetta għall-kanċellazzjoni jekk, wara d-data li fiha tkun ġiet irreġistrata, b'konsegwenza ta' atti jew ta' inattività tal-proprjetarju, tkun saret l-isem komuni fil-kummerċ ta' prodott jew ta' servizz li fir-rigward tiegħu tkun irreġistrata.

3. Trademark għandha tkun ukoll soġġetta għall-kanċellazzjoni jekk tkun ġiet irreġistrata minkejja li tkun tista' tqarraq bil-pubbliku fir-rigward tan-natura, tal-kwalità jew tal-oriġini ġeografika tal-oġġetti jew tas-servizzi li għalihom tkun ġiet irreġistrata. ([121])

([118]) Parti tista' tipprovdi li l-intitolament tal-proprjetarju tat-trademark għandu jiskadi jekk, matul il-proċedimenti sabiex jiġi ddeterminat jekk seħħx ksur tat-trademark irreġistrata, id-dikjarant jew id-detentur tal-oġġetti jipprovdi evidenza li l-proprjetarju tat-trademark irreġistrata ma jkunx intitolat jipprojbixxi t-tqegħid tal-oġġetti fis-suq fil-pajjiż tad-destinazzjoni finali.

([119]) Għal ċertezza akbar, Parti tista' tiddefinixxi l-kanċellazzjoni bħala revoka, skadenza jew nullità.

([120]) Parti tista' titlob li l-użu jkun ta' karattru ġenwin jew magħmul fi kwantità jew b'mod li jikkorrispondi għal użu kummerċjali. Parti tista' tiddeċiedi wkoll li tinjora l-bidu jew it-tkomplija tal-użu eżatt qabel ma tiġi ppreżentata t-talba għall-kanċellazzjoni.

([121]) Għal ċertezza akbar, Parti tista' tikkanċella trademark ukoll jekk, bħala konsegwenza tal-użu li jkun sar minnha mill-proprjetarju tat-trademark jew bil-kunsens tiegħu fir-rigward tal-oġġetti jew tas-servizzi li għalihom tkun ġiet irreġistrata, hija tista' tiżgwida lill-pubbliku.

Artikolu 25.23

Eċċezzjonijiet għad-Drittijiet Mogħtijin minn Trademark

Diment li jitqiesu l-interessi leġittimi tas-sidien tat-trademarks u ta' partijiet terzi, kull Parti:

(a) għandha tipprevedi l-użu ġust ta' termini deskrittivi ([122]) bħala eċċezzjoni limitata għad-drittijiet mogħtijin minn trademarks; u

(b) tista' tipprovdi għal eċċezzjonijiet limitati oħrajn.

SUBTAQSIMA B.3

Disinji Industrijali

Artikolu 25.24

Ftehimiet Internazzjonali

Kull Parti għandha tagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex taderixxi mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' The Hague dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali ta' Disinni Industrijali adottat f'Ġinevra fit-2 ta' Lulju 1999.

Artikolu 25.25

Protezzjoni ta' Disinni Industrijali Rreġistrati

1. Kull Parti għandha tipprovdi għall-protezzjoni ta' disinni maħluqin indipendentement li huma ġodda jew oriġinali. ([123]) Dik il-protezzjoni għandha tiġi pprovduta bir-reġistrazzjoni u għandha tagħti dritt esklużiv lid-detenturi tagħhom f'konformità ma' din is-Subtaqsima.

2. Id-detentur ta' disinn industrijali rreġistrat għandu jkollu d-dritt li jipprevjeni lil partijiet terzi li ma jkollhomx il-kunsens tad-detentur tal-anqas milli jużaw u b'mod partikolari jagħmlu, joffru għall-bejgħ, ibigħu, iqiegħdu fis-suq jew jimportaw prodott, jew jużaw oġġetti li jkollhom jew li jinkorporaw id-disinn industrijali protett jekk tali atti jitwettqu għal skopijiet kummerċjali, jippreġudikaw bla bżonn l-isfruttament normali tad-disinn industrijali, jew ma jkunux kompatibbli ma' prattika ta' kummerċ ġust.

3. Disinn industrijali li jiġi applikat jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless għandu jiġi kkunsidrat biss li jkun ġdid jew oriġinali:

(a) jekk il-parti komponenti, ladarba tkun ġiet inkorporata fil-prodott kumpless, tibqa' tidher matul l-użu normali ta' dan tal-aħħar; u

(b) sa fejn dawk il-karatteristiċi viżibbli tal-parti komponenti jissodisfaw minnhom infushom ir-rekwiżiti dwar in-novità jew l-oriġinalità.

4. "Użu normali" msemmija fis-subparagrafu 3(a) tfisser l-użu mill-utent finali, bl-esklużjoni ta' xogħol ta' manutenzjoni, ta' għoti ta' servizz jew ta' tiswija.

([122]) L-użu ġust ta' termini deskrittivi jinkludi l-użu ta' sinjal sabiex tiġi indikata l-oriġini ġeografika tal-oġġetti jew tas-servizzi, meta tali użu jkun f'konformità ma' prattiki onesti fi kwistjonijiet industrijali jew kummerċjali.

([123]) Jekk il-liġi ta' Parti jipprevedi hekk, jista' jkun meħtieġ ukoll karattru individwali tad-disinni industrijali.

Artikolu 25.26

Perjodu ta' Protezzjoni

Il-perjodu ta' protezzjoni għandu jiġi ddeterminat minn kull Parti u jista' jkun rinnovabbli għal perjodu wieħed jew aktar ta' 5 snin kull wieħed, sa perjodu ta' protezzjoni totali ta' 25 sena mid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.

Artikolu 25.27

Eċċezzjonijiet u Esklużjonijiet

1. Kull Parti tista' tipprovdi eċċezzjonijiet limitati għall-protezzjoni tad-disinni industrijali, li jinkludu disinji mhux reġistrati, diment li tali eċċezzjonijiet ma jkunux f'kunflitt mhux raġonevoli mal-użu normali tad-disinji industrijali, u ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detentur tad-disinn industrijali, filwaqt li jitqiesu l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi.

2. Il-protezzjoni tad-disinni industrijali ma għandhiex testendi għal disinni ddettati essenzjalment minn kunsiderazzjonijiet tekniċi jew funzjonali. B'mod partikolari, disinn industrijali ma għandux ikun protett jekk jikkonsisti f'karatteristiċi tad-dehra ta' prodott li neċessarjament ikollhom jiġu riprodotti fl-għamla u fil-qisien eżatti tagħhom sabiex jippermettu li l-prodott li fih ikun inkorporat id-disinn industrijali, jew li għalih issir l-applikazzjoni jiġi konness ma' prodott ieħor jew imdaħħal fih, madwaru jew jiġi f'kuntatt miegħu b'tali mod li wieħed miż-żewġ prodotti jkun jista' jwettaq il-funzjoni tiegħu.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, dritt ta' disinn industrijali jista' jissussisti f'disinn industrijali li għandu l-għan li jippermetti l-assemblaġġ multiplu jew il-konnessjoni ta' prodotti interkambjabbli b'mod reċiproku fi ħdan sistema modulari.

Artikolu 25.28

Relazzjoni mad-Dritt tal-Awtur

Disinn industrijali għandu jkun eliġibbli wkoll għall-protezzjoni skont il-liġi tad-drittijiet tal-awtur ta' Parti mid-data li fiha nħoloq jew ġie stabbilit id-disinn industrijali fi kwalunkwe forma. Sa fejn tingħata tali protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, u l-kundizzjonijiet li fihom tingħata, inkluż il-livell ta' oriġinalità meħtieġ, għandhom jiġu ddeterminati minn kull Parti.

SUBTAQSIMA B.4

Indikazzjonijiet Ġeografiċi

Artikolu 25.29

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima:

(a) "indikazzjoni ġeografika" tfisser indikazzjoni li tidentifika oġġett bħala li joriġina fit-territorju ta' Parti, jew f'reġjun jew f'lokalità f'dak it-territorju, fejn kwalità, reputazzjoni jew karatteristika oħra partikolari tal-oġġett tkun essenzjalment attribwibbli għall-oriġini ġeografika tiegħu; u

(b) "klassi tal-prodott" tfisser il-klassi ta' prodott li tqis il-Klassifikazzjoni ta' Nizza.

Artikolu 25.30

Ftehimiet Internazzjonali

1. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jipproteġu l-indikazzjonijiet ġeografiċi fit-territorju tagħhom f'konformità mal-Artikoli 22, 23 u 24 tal-Ftehim TRIPS.

2. Kull Parti għandha tagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex taderixxi mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom adottat f'Ġinevra fl-20 ta' Mejju 2015.

Artikolu 25.31

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Din is-Subtaqsima tapplika għar-rikonoxximent u għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li jidentifikaw oġġetti li jaqgħu fil-klassi tal-prodott rilevanti u elenkati fl-Anness 25-B.

2. Il-Partijiet għandhom jikkunsidraw l-estensjoni tal-ambitu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi koperti minn din is-Subtaqsima għall-indikazzjonijiet ġeografiċi fi klassijiet ta' prodotti għajr l-ikel u l-oġġetti agrikoli. Għal dik ir-raġuni, il-Partijiet inkludew fl-Anness 25-C ismijiet li jidentifikaw oġġetti li joriġinaw u li huma protetti fit-territorju tagħhom li, diment li dak l-iskop tal-protezzjoni ta' dan il-Ftehim jiġi estiż, jitqiesu li huma inklużi fl-ambitu tal-protezzjoni ta' dan il-Ftehim soġġett għall-konklużjoni tal-proċeduri stabbiliti f'din is-Subtaqsima. ([124])

Artikolu 25.32

Indikazzjonijiet Ġeografiċi Elenkati

Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, l-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati:

(a) fit-Taqsima A tal-Anness 25-B huma indikazzjonijiet ġeografiċi li jidentifikaw oġġett bħala li joriġina fit-territorju tal-Unjoni Ewropea jew f'reġjun jew f'lokalità f'dak it-territorju; u

(b) fit-Taqsima B tal-Anness 25-B huma indikazzjonijiet ġeografiċi li jidentifikaw prodott bħala li joriġina fit-territorju tal-Messiku jew f'reġjun jew f'lokalità f'dak it-territorju.

Artikolu 25.33

Indikazzjonijiet Ġeografiċi Stabbiliti

Wara li tkun ikkunsidrat l-ismijiet elenkati fl-Anness 25-B u wara li tkun lestiet proċedura ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Anness 25-A, kull Parti għandha tipproteġi dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi skont il-livell ta' protezzjoni stabbilit f'din is-Subtaqsima.

([124]) Il-Partijiet jirrikonoxxu li, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għat-trademarks, sa fejn dan ikun rilevanti skont il-liġi ta' Parti, dawk l-ismijiet ikunu protetti fil-pajjiż ta' oriġini.

Artikolu 25.34

Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Elenkatifl-Anness 25-B

1. Kull Parti għandha tipprovdi l-mezzi legali għall-partijiet interessati sabiex jipprevjenu:

(a) l-użu ta' indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra elenkata fl-Anness 25-B ([125]) għal oġġett li jaqa' fil-klassi ta' prodotti għal dik l-indikazzjoni ġeografika u li jew:

(i) ma joriġinax fil-post tal-oriġini speċifikat fl-Anness 25-B għal dik l-indikazzjoni ġeografika; jew

(ii) joriġina fil-post tal-oriġini speċifikat fl-Anness 25-B għal dik l-indikazzjoni ġeografika iżda ma kienx prodott jew immanifatturat f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti l-oħra li jkunu japplikaw li kieku l-oġġett kien għall-konsum fil-Parti l-oħra;

(b) l-użu ta' kwalunkwe mezz fid-denominazzjoni jew fil-preżentazzjoni ta' oġġett li jindika jew jissuġġerixxi li l-oġġett inkwistjoni joriġina f'żona ġeografika minbarra l-post veru ta' oriġini b'mod li jiżgwida lill-pubbliku dwar l-oriġini ġeografika tal-oġġett; u

(c) kwalunkwe użu ieħor li jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni inġusta skont it-tifsira tal-Artikolu 10bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi.

2. Kull Parti għandha tipprovdi l-protezzjoni msemmija fis-subparagrafu 1(a) anke meta tkun indikata l-oriġini vera tal-oġġett, jew l-indikazzjoni ġeografika tintuża fi traduzzjoni jew l-indikazzjoni ġeografika tkun akkumpanjata minn espressjonijiet bħal "xorta", "tip", "stil", "imitazzjoni" jew simili.

3. Kull Parti għandha tipprevedi l-infurzar, permezz ta' azzjoni amministrattiva u fil-forma prevista mil-liġi tagħha, kontra:

(a) kwalunkwe użu kummerċjali dirett jew indirett ta' isem protett;

(b) kwalunkwe imitazzjoni, varjazzjoni jew użu qarrieqi ta' isem protett;

(c) kwalunkwe indikazzjoni falza jew li tiżgwida ta' isem protett; jew

(d) kwalunkwe prattika li x'aktarx tiżgwida lill-konsumatur fir-rigward tal-oriġini, tal-provenjenza u tan-natura veri tal-oġġett.

4. L-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti taħt din is-Subtaqsima ma għandhomx isiru ġeneriċi fit-territorji tal-Partijiet.

5. Xejn f'din is-Subtaqsima ma għandu jobbliga lil Parti tipproteġi indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra li ma tkunx jew li ma tkunx għadha protetta aktar fit-territorju tal-Parti tal-oriġini. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra jekk indikazzjoni ġeografika ma tibqax tkun protetta fit-territorju tagħha. Dik in-notifika għandha ssir fi żmien 3 xhur wara li l-awtorità kompetenti toħroġ id-determinazzjoni finali tagħha li l-indikazzjoni ġeografika ma għadhiex protetta.

([125]) Fir-rigward tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi stabbilita fl-Anness 25-B, il-protezzjoni pprovduta f'konformità ma' dan l-Artikolu ma tkoprix termini individwali li jkunu parti minn isem ta' indikazzjoni ġeografika komposta kif stabbilit fl-Appendiċi 25-B-1.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, għal-lista ta' ismijiet fl-Annessi I u II tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Messiku dwar ir-rikonoxximent reċiproku u l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet għax-xorb spirituż, magħmul fi Brussell fis-27 ta' Mejju 1997 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim dwar ix-Xarbiet Spiritużi").

Artikolu 25.35

Modifika tal-Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Il-Kunsill Konġunt, f'konformità mal-Artikolu 25.42, jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-Anness 25-B billi jżid jew jikkoreġi indikazzjonijiet ġeografiċi, jew billi jneħħi indikazzjonijiet ġeografiċi li ma għadhomx protetti jew li ma għadhomx jintużaw fil-post tal-oriġini tagħhom. Is-Sottokumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali stabbilit bis-subparagrafu 1 (k) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħra tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) għandu jħejji tali deċiżjonijiet.

2. Indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda għandhom jiżdiedu b'deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt wara li l-ismijiet sottomessi jkunu ġew ikkunsidrati u tkun tlestiet proċedura ta' oppożizzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 25.33.

3. Il-Kunsill Konġunt jista' jemenda, b'deċiżjoni, l-Annessi I u II tal-Ftehim dwar ix-Xarbiet Spiritużi, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25.33 fil-każ ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda.

Artikolu 25.36

Dritt ta' Użu tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Indikazzjoni ġeografika protetta skont din is-Subtaqsima tista' tintuża minn kwalunkwe operatur li jikkummerċjalizza oġġett li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi korrispondenti.

2. Ladarba indikazzjoni ġeografika tkun protetta skont din is-Subtaqsima, l-użu ta' dik l-indikazzjoni ġeografika protetta ma għandux ikun soġġett għal xi reġistrazzjoni tal-utenti jew għal rekwiżiti oħrajn.

3. L-indikazzjonijiet, l-abbrevjazzjonijiet u s-simboli li jirreferu għal indikazzjoni ġeografika għandhom jintużaw biss fir-rigward tal-oġġett protett jew irreġistrat fit-territorju rispettiv u prodott f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet teknika korrispondenti.

Artikolu 25.37

Relazzjoni bejn Trademarks u Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Din is-Subtaqsima għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtijin minn trademark preċedenti li tkun saret applikazzjoni għaliha jew irreġistrata *bona fide*, jew miksuba permezz ta' użu *bona fide*, fit-territorju ta' Parti. Bħala eċċezzjoni limitata għad-drittijiet mogħtijin minn trademark, f'ċerti ċirkostanzi trademark preċedenti ma tistax tagħti d-dritt lis-sid tagħha li jipprevjeni li indikazzjoni ġeografika rreġistrata tingħata protezzjoni jew tintuża fil-Parti li fiha ssir l-applikazzjoni għat-trademark, fejn it-trademark tiġi rreġistrata jew tintuża. Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika rreġistrata ma għandha bl-ebda mod tillimita d-drittijiet mogħtijin minn dik it-trademark, inkluża l-possibbiltà li jintalbu tiġdid jew varjazzjonijiet ta' sinjal distintiv diment li l-varjazzjoni ma tikkostitwixxix att ta' kompetizzjoni inġusta.

2. Parti ma għandhiex tkun meħtieġa tipproteġi isem bħala indikazzjoni ġeografika skont l-Artikolu 25.34 jekk, fid-dawl tar-reputazzjoni u tal-fama tat-trademark u t-tul ta' żmien li tkun intużat, dak l-isem x'aktarx li jiżgwida lill-konsumatur fir-rigward tal-identità vera tal-oġġett.

3. Soġġetta għall-Artikolu 25.39 u filwaqt li tibni fuq il-paragrafu 3 tal-Artikolu 22 tal-Ftehim TRIPS, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 25-B ta' dan il-Ftehim u li jibqgħu protetti bħala indikazzjonijiet ġeografiċi mill-Parti tal-oriġini, Parti għandha tirrifjuta jew tinvalida *ex officio*, jekk permess mil-liġi tagħha jew fuq talba ta' parti interessata, ir-reġistrazzjoni ta' trademark, diment li:

(a) ir-reġistrazzjoni tat-trademark għall-oġġetti tkun inkonsistenti mal-Artikolu 25.34;

(b) it-trademark tkun relatata mal-istess oġġett jew ma' oġġett simili;

(c) it-trademark tkun relatata ma' oġġetti li ma jkollhomx l-oriġini tal-indikazzjoni ġeografika kkonċernata; u

(d) l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trademark tiġi sottomessa wara d-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fit-territorju tal-Parti kkonċernata.

4. Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmijin fl-Artikolu 25.32, id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni msemmija fis-subparagrafu 3(d) ta' dan l-Artikolu għandha tkun id-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

5. Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda, kif msemmi fl-Artikolu 25.35.2, id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni msemmija fis-subparagrafu 3(d) ta' dan l-Artikolu għandha tkun id-data tal-pubblikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fil-proċedura ta' oppożizzjoni.

6. Il-protezzjoni pprovduta lill-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 25-B ma għandhiex tibda qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 25.38

Infurzar tal-Protezzjoni

Kull Parti għandha tinforza l-protezzjoni prevista fl-Artikoli 25.34 sa 25.37 permezz ta' proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji xierqa, f'konformità mal-liġi u mal-prattika tagħha. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurzaw dik il-protezzjoni bi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin jew bit-tnejn li huma:

(a) fuq inizjattiva tagħhom stess; jew

(b) fuq talba ta' parti interessata.

Artikolu 25.39

Regoli Ġenerali

1. Parti ma għandhiex tkun meħtieġa tipproteġi isem bħala indikazzjoni ġeografika skont din is-Subtaqsima jekk dak l-isem ikun f'kunflitt mal-isem ta' varjetà ta' pjanti jew ta' razza ta' annimali u bħala riżultat aktarx li jiżgwida lill-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-oġġett.

2. Isem omonimu li x'aktarx jiżgwida lill-konsumatur billi jagħtih x'jifhem li oġġett ikun ġej minn territorju ieħor ma għandux jiġi rreġistrat bħala indikazzjoni ġeografika, lanqas jekk l-isem ikun akkurat f'dak li għandu x'jaqsam mat-territorju, mar-reġjun jew mal-lokalità ta' oriġini attwali tal-oġġett. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23 tal-Ftehim TRIPS, il-Partijiet jiddeċiedu b'mod konġunt il-kundizzjonijiet prattiċi li skonthom l-indikazzjonijiet ġeografiċi kompletament jew parzjalment omonimi jiddifferenzjaw waħda mill-oħra, b'kont meħud tal-bżonn li jkun żgurat trattament ġust tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati.

3. Jekk Parti, fil-kuntest tan-negozjati bilaterali ma' pajjiż terz, tipproponi li tipproteġi indikazzjoni ġeografika ta' dak il-pajjiż terz li tkun omonima b'mod sħiħ jew parzjali ma' indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra, hija għandha tinforma lill-Parti l-oħra, li għandha tingħata opportunità li tikkummenta qabel ma tiġi protetta l-indikazzjoni ġeografika tal-pajjiż terz.

4. Speċifikazzjoni teknika msemmija f'din is-Subtaqsima, inkluża kwalunkwe emenda, għandha tiġi approvata mill-awtoritajiet tal-Parti li fit-territorju tagħha jkun joriġina l-oġġett.

Artikolu 25.40

Eċċezzjonijiet

1. Xejn f'din is-Subtaqsima ma għandu jirrikjedi li Parti tapplika d-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima fir-rigward ta' indikazzjoni ġeografika, jew terminu individwali li jinsab f'indikazzjoni ġeografika b'diversi komponenti, tal-Parti l-oħra, fir-rigward ta' oġġetti jew ta' servizzi li għalihom l-indikazzjoni rilevanti tkun identika għat-terminu abitwali b'lingwa komuni bħall-isem komuni għal tali oġġetti jew servizzi fit-territorju ta' dik il-Parti.

2. Jekk traduzzjoni ta' indikazzjoni ġeografika tkun identika għal jew fiha terminu abitwali f'lingwa komuni bħala l-isem komuni għal oġġett fit-territorju ta' Parti, jew jekk indikazzjoni ġeografika ma tkunx identika għal dak it-terminu, iżda tkun tinkludih, din is-Subtaqsima għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża dak it-terminu b'rabta ma' dak l-oġġett fit-territorju ta' dik il-Parti.

3. Fid-determinazzjoni ta' jekk terminu jkunx it-terminu abitwali f'lingwa komuni bħala l-isem komuni għal oġġett fit-territorju ta' Parti, l-awtoritajiet ta' dik il-Parti għandu jkollhom l-awtorità li jqisu kif il-konsumaturi jifhmu dak it-terminu fit-territorju tagħha. Il-fatturi rilevanti għal dak il-fehim tal-konsumatur jistgħu jinkludu:

(a) jekk it-terminu jintużax sabiex jirreferi għat-tip ta' oġġett inkwistjoni, kif indikat minn sorsi kompetenti bħal dizzjunarji, gazzetti u s-siti web rilevanti; u

(b) kif l-oġġett irreferenzjat mit-terminu jiġi kkummerċjalizzat u jintuża fil-kummerċ fit-territorju ta' dik il-Parti. ([126])

4. Xejn f'din is-Subtaqsima ma għandu jipprevjeni l-użu fit-territorju ta' Parti, fir-rigward ta' kwalunkwe oġġett, ta' isem abitwali ta' varjetà ta' pjanti jew ta' razza ta' annimali, eżistenti fit-territorju ta' dik il-Parti mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

5. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, fil-perkors tal-kummerċ, l-isem ta' dik il-persuna jew l-isem tal-predeċessur ta' dik il-persuna fin-negozju, ħlief meta dak l-isem jintuża b'mod tali li jiżgwida lill-pubbliku.

Artikolu 25.41

Inkorporazzjoni ta' Ftehim Eżistenti

1. Il-Ftehim dwar ix-Xarbiet Spiritużi huwa inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu, u japplika *mutatis mutandis*. ([127])

2. Is-Sottokumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali għandu jissostitwixxi lill-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 17 tal-Ftehim dwar ix-Xarbiet Spiritużi u jaqdi l-funzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu.

Artikolu 25.42

Kooperazzjoni

1. Is-Sottokumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali għandu jkun il-forum xieraq għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' din is-Subtaqsima.

([126]) Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, l-awtoritajiet ta' Parti jistgħu jqisu, kif xieraq, jekk it-terminu jintużax fl-istandards internazzjonali rilevanti rikonoxxuti minn dik il-Parti sabiex jirreferu għal tip jew għal klassi ta' oġġett fit-territorju tagħha.

([127]) Għal ċertezza akbar, dan jinkludi l-emendi kollha tal-passat u futuri tal-Ftehim dwar ix-Xarbiet Spiritużi.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin jekk indikazzjoni ġeografika elenkata fl-Anness 25-B ma tibqax protetta fit-territorju tal-Parti kkonċernata. Wara tali notifika, is-Sottokumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali għandu jħejji għall-Kunsill Konġunt id-deċiżjoni li jiġi mmodifikat l-Anness 25-B f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'dan il-Ftehim.

3. Parti tista', direttament jew permezz tas-Sottokumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali, titlob lill-Parti l-oħra tipprovdi informazzjoni relatata mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u mal-emendi tagħhom.

4. Kull Parti tista' tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jikkorrispondu għall-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra protetti taħt din is-Subtaqsima, bl-Ispanjol jew bl-Ingliż. ([128])

5. Kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għandha tiġi ttrattata mis-Sottokumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali.

Artikolu 25.43

Protezzjoni skont il-Liġi ta' Parti

Din is-Subtaqsima hija mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' detentur ta' indikazzjoni ġeografika f'Parti waħda li jfittex ir-rikonoxximent u l-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika fil-Parti l-oħra skont il-liġi ta' dik il-Parti.

SUBTAQSIMA B.5

Privattivi

Artikolu 25.44

Ftehimiet Internazzjonali

Kull Parti għandha taderixxi mat-Trattat dwar il-Kooperazzjoni fil-Privattivi, magħmul f'Washington fid-19 ta' Ġunju 1970, kif emendat fit-28 ta' Settembru 1979 u mmodifikat l-aħħar fit-3 ta' Ottubru 2001, u tirrikonoxxi l-importanza tal-adozzjoni jew taż-żamma ta' standards proċedurali konsistenti mat-Trattat dwar id-Dritt tal-Privattivi, adottat f'Ġinevra fl-1 ta' Ġunju 2000.

Artikolu 25.45

Privattivi u Saħħa Pubblika

1. Id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'din is-Subtaqsima ma jipprekludux u lanqas m'għandhom jipprekludu Parti milli tieħu miżuri sabiex tipproteġi s-saħħa pubblika. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza u jaffermaw l-impenn tagħhom għad-Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, adottata f'Doha fl-14 ta' Novembru 2001 (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Dikjarazzjoni ta' Doha"). Fl-interpretazzjoni u fl-implimentazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi skont din is-Subtaqsima, il-Partijiet għandhom jiżguraw konsistenza mad-Dikjarazzjoni ta' Doha.

2. Il-Partijiet għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u jirrispettaw id-deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO tat-30 ta' Awwissu 2003 dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 6 tad-Dikjarazzjoni ta' Doha kif ukoll il-Protokoll tas-6 ta' Diċembru 2005 li jemenda l-Ftehim TRIPS.

([128]) Il-Messiku jista' jagħmel dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi disponibbli għall-pubbliku bl-Ispanjol jew bl-Ingliż.

Artikolu 25.46

Protezzjoni Supplimentari f'Każ ta' Dewmien fl-Approvazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni għal Prodotti Farmaċewtiċi Inklużi Prodotti Bijoloġiċi ([129])

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-prodotti farmaċewtiċi, inklużi l-prodotti bijoloġiċi ([130]), protetti bi privattiva fit-territorju rispettiv tagħhom jistgħu jkunu soġġetti għal proċedura ta' approvazzjoni amministrattiva ([131]) qabel ma jitqiegħdu fis-suq. Huma jirrikonoxxu li l-perjodu li jgħaddi bejn il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal privattiva u l-awtorizzazzjoni sabiex il-prodott jitqiegħed fis-suq rispettiv, kif definit għal dak l-iskop mil-liġi relevanti ta' Parti, jista' jqassar il-perjodu ta' protezzjoni effettiva skont il-privattiva.

2. Kull Parti għandha tipprevedi mekkaniżmu adegwat u effettiv sabiex tikkumpensa lis-sid tal-privattiva għat-tnaqqis tal-perjodu ta' protezzjoni effettiva taħt il-privattiva li jirriżulta minn dewmien mhux raġonevoli ([132]) fl-għoti tal-ewwel approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni fit-territorju tagħha. Tali kumpens għandu jieħu l-forma ta' protezzjoni *sui generis* supplimentari, li t-terminu tagħha għandu jkun ugwali għaż-żmien li jikkostitwixxi d-dewmien mhux raġonevoli. Il-perjodu massimu ta' din il-protezzjoni supplimentari ma għandux jaqbeż il-5 snin. ([133])

3. Bħala alternattiva għall-mekkaniżmu ta' kumpens imsemmi fil-paragrafu 2, Parti tista' tagħmel disponibbli estensjoni, li ma taqbiżx il-5 snin ([134]), tad-durata tad-drittijiet mogħtijin mill-protezzjoni tal-privattiva sabiex tikkumpensa lis-sid tal-privattiva għat-tnaqqis tal-perjodu ta' protezzjoni effettiva taħt il-privattiva li tirriżulta mill-proċedura ta' approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni. Tali estensjoni tad-durata għandha tidħol fis-seħħ fi tmiem il-perjodu legali tal-privattiva għal perjodu ugwali għall-perjodu li jkun għadda bejn id-data li fiha tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal privattiva u d-data tal-ewwel approvazzjoni għat-tqegħid tal-prodott fis-suq f'dik il-Parti, imnaqqas b'perjodu ta' 5 snin.

4. Meta timplimenta l-obbligi ta' dan l-Artikolu, kull Parti tista' tiddetermina l-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet, diment li l-Parti tkompli tikkonforma ma' dan l-Artikolu.

5. Kull Parti għandha tagħmel l-aħjar sforzi sabiex tipproċessa l-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi b'mod effiċjenti u f'waqtu, bil-għan li tevita dewmien mhux raġonevoli jew mhux neċessarju. Bl-objettiv li jiġi evitat dewmien mhux raġonevoli, Parti tista' tadotta jew iżżomm proċeduri li jħaffu l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.

([129]) Il-Messiku għandu jimplimenta l-obbligi previsti f'dan l-Artikolu mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

([130]) Kull Parti għandha tiddetermina liema prodotti jaqgħu taħt it-termini "prodotti farmaċewtiċi" u "prodotti bijoloġiċi" f'konformità mal-liġi tagħha fis-seħħ fil-21 ta' April 2018.

([131]) Għal ċertezza akbar, it-terminu "approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni" huwa ekwivalenti għat-terminu "awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni".

([132]) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "dewmien mhux raġonevoli" jinkludi dewmien ta' aktar minn sentejn fl-ewwel tweġiba lill-applikant wara d-data għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni. Kwalunkwe dewmien li jseħħ fl-għoti ta' approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni minħabba l-perjodi attribwibbli lill-applikant jew kwalunkwe perjodu li jkun barra mill-kontroll tal-awtorità tal-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ma hemmx bżonn li jkun inkluż fid-determinazzjoni tat-tali dewmien.

([133]) Jekk Parti tikkonforma ma' dan il-paragrafu, dik il-Parti ma hijiex obbligata li tikkonforma mal-alternattiva prevista fil-paragrafu 3.

([134]) Dan il-perjodu jista' jiġi estiż għal 6 xhur fil-każ ta' prodotti farmaċewtiċi jekk ikunu twettqu studji pedjatriċi u r-riżultati ta' dawk l-istudji jkunu riflessi fl-informazzjoni dwar il-prodott.

SUBTAQSIMA B.6

Varjetajiet ta' Pjanti

Artikolu 25.47

Ftehimiet Internazzjonali

Kull Parti għandha tipproteġi d-drittijiet fuq varjetajiet ta' pjanti f'konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti, adottata f'Pariġi fit-2 ta' Diċembru 1961, kif riveduta l-aħħar f'Ġinevra fid-19 ta' Marzu 1991, inklużi l-eċċezzjonijiet għad-dritt tan-nissiela kif imsemmijin fl-Artikolu 15 ta' dik il-Konvenzjoni, u għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu u jinfurzaw dawn id-drittijiet. ([135])

SUBTAQSIMA B.7

Protezzjoni ta' Informazzjoni Mhux Iddivulgata

Artikolu 25.48

Skop tal-Protezzjoni ta' Sigrieti tal-Mestier

1. Matul l-iżgurar ta' protezzjoni effettiva kontra kompetizzjoni inġusta kif previst fl-Artikolu 10bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, kull Parti għandha tipprovdi l-mezzi legali, inklużi l-proċedimenti ġudizzjarji amministrattivi jew ċivili ([136]), sabiex tippermetti lil kwalunkwe persuna tipprevjeni s-sigrieti tal-mestier milli jiġu żvelati lil, akkwistati jew jintużaw minn oħrajn mingħajr il-kunsens tal-persuna legalment fil-kontroll tal-informazzjoni b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti. ([137]) Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, is-sigrieti tal-mestier jinkludu informazzjoni mhux iddivulgata kif previst fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 39 tal-Ftehim TRIPS.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, Parti għandha mill-inqas tikkunsidra dawn li ġejjin bħala li jmorru kontra prattiki kummerċjali onesti:

(a) l-akkwiżizzjoni ta' sigriet tal-mestier mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet tal-mestier, kull meta jitwettaq permezz ta' aċċess, approprjazzjoni, jew ikkupjar mhux awtorizzat ta' kwalunkwe dokument, oġġett, materjal jew fajl elettroniku, legalment taħt il-kontroll tad-detentur tas-sigriet tal-mestier, li fih sigrieti tal-mestier jew li minnu jista' jiġi dedott is-sigriet tal-mestier; jew

(b) l-użu jew l-iżvelar ta' sigriet tal-mestier mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet tal-mestier, kull meta jitwettaq minn persuna li tkun kisbet is-sigriet tal-mestier b'mod illegali jew bi ksur ta' ftehim ta' kunfidenzjalità jew ta' kwalunkwe dmir ieħor li ma tiżvelax is-sigriet tal-mestier jew li tillimita l-użu tiegħu. ([138]), ([139])

([135]) Il-Messiku għandu jimplimenta din id-dispożizzjoni mhux aktar tard minn 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

([136]) Għal ċertezza akbar, Parti tista' tipprovdi dawk il-mezzi legali permezz ta' proċeduri kriminali f'konformità mal-liġi tagħha.

([137]) Parti tista' tikkunsidra li ma tapplikax dawn il-proċeduri jekk l-imġiba li tmur kontra prattiki kummerċjali onesti titwettaq, f'konformità mal-liġi tagħha, bil-għan li tiġi żvelata mġiba ħażina, għemil ħażin jew attività illegali jew għall-fini tal-protezzjoni ta' interess leġittimu rikonoxxut mil-liġi tagħha.

([138]) Għal ċertezza akbar, il-kriterji previsti fil-liġijiet u fir-regolamenti ta' kull Parti fihom il-ksur ta' dmir li jiġi limitat l-użu ta' sigriet tal-mestier.

([139]) Għal ċertezza akbar, l-Unjoni Ewropea tqis li s-sitwazzjonijiet li ġejjin ma jaqgħux taħt dan il-paragrafu:
(a) l-iskoperta jew il-ħolqien indipendenti tal-informazzjoni rilevanti minn persuna;
(b) l-inġinerija inversa ta' prodott minn persuna li għandha l-prodott fil-pussess tagħha legalment u li hija libera minn kwalunkwe dmir legalment validu sabiex tillimita l-akkwiżizzjoni ta' informazzjoni rilevanti;
(c) l-akkwiżizzjoni, l-użu jew id-divulgazzjoni ta' informazzjoni meħtieġa jew permessa mil-liġi ta' Parti;
(d) l-użu mill-impjegati tal-esperjenza tagħhom u tal-ħiliet miksubin b'mod onest matul il-perkors normali tal-impjieg tagħhom; jew
(e) id-divulgazzjoni ta' informazzjoni fl-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.

Artikolu 25.49

Proċedimenti Ġudizzjarji Amministrattivi jew Ċivili tas-Sigrieti tal-Mestier

1. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe persuna li tipparteċipa fil-proċedimenti msemmijin fl-Artikolu 25.48.1 jew li għandha aċċess għal dokumenti li jifformaw parti minn dawk il-proċedimenti, ma jkollhiex permess sabiex tuża jew tiżvela kwalunkwe sigriet tal-mestier jew allegat sigriet tal-mestier li l-awtoritajiet kompetenti, b'rispons għal applikazzjoni debitament raġonata minn parti interessata, ikunu identifikaw bħala kunfidenzjali u li jkunu saru konxji tiegħu bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess.

2. Fil-proċedimenti msemmijin fl-Artikolu 25.48.1, kull Parti għandha tipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jkollhom l-awtorità tal-anqas li jieħdu miżuri speċifiċi sabiex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet tal-mestier jew allegat sigriet tal-mestier prodott fil-proċedimenti. Tali miżuri speċifiċi jistgħu jinkludu, f'konformità mad-dritt ta' kull Parti, il-possibbiltà li jiġi ristrett l-aċċess għal ċerti dokumenti b'mod sħiħ jew parzjali, li jiġi ristrett l-aċċess għas-seduti u għar-rekords jew għat-traskrizzjonijiet korrispondenti tagħhom, u li titqiegħed għad-dispożizzjoni verżjoni mhux kunfidenzjali ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji li fihom tneħħew jew tgħattew il-passaġġi li fihom sigrieti tal-mestier.

Artikolu 25.50

Protezzjoni ta' Data Mhux Iddivulgata Relatatama' Prodotti Farmaċewtiċi Inklużi Prodotti Bijoloġiċi [140]

1. Jekk Parti teħtieġ, bħala kundizzjoni għall-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi ġodda [141], inklużi prodotti bijoloġiċi [142], is-sottomissjoni ta' test mhux iddivulgat jew data oħra ta' testijiet prekliniċi jew ta' provi kliniċi neċessarja sabiex jiġi ddeterminat jekk l-użu ta' dawk il-prodotti jkunx sikur u effettiv, il-Parti għandha tipproteġi dik id-data kontra d-divulgazzjoni lil partijiet terzi, jekk l-oriġinazzjoni ta' dik id-data tkun tinvolvi sforz konsiderevoli, ħlief meta d-divulgazzjoni tkun neċessarja għal interess pubbliku prevalenti jew sakemm ma jittieħdux passi sabiex jiġi żgurat li d-data tkun protetta kontra użu kummerċjali inġust.

2. Għall-prodotti farmaċewtiċi, inklużi l-prodotti bijoloġiċi, Parti ma għandhiex tagħti approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni lil persuni terzi li tippermettilhom, mingħajr il-kunsens tal-persuna li qabel kienet issottomettiet id-data msemmija fil-paragrafu 1, jikkummerċjalizzaw il-prodott [143] fuq il-bażi ta' dik id-data jew abbażi tal-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija lill-persuna li tkun issottomettiet dik id-data [144], għal tal-anqas 6 snin mid-data [145] tal-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott il-ġdid fit-territorju ta' dik il-Parti. [146]

3. Ma għandu jkun hemm l-ebda limitazzjoni fuq xi Parti sabiex timplimenta proċeduri ta' awtorizzazzjoni mqassrin għal tali prodotti fuq il-bażi ta' studji dwar il-bijoekwivalenza u l-bijodisponibbiltà.

---

[140] Il-Messiku għandu jimplimenta dan l-obbligu mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

[141] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "ġdid" jimplika li l-prodotti fihom entità kimika ġdida li ma tkunx ġiet approvata qabel fit-territorju tal-Parti jew tirreferi għal prodott bijoloġiku jew bijoteknoloġiku ġdid li ma kienx approvat qabel fit-territorju tal-Parti.

[142] Kull Parti għandha tiddetermina liema prodotti jaqgħu taħt it-termini "prodotti farmaċewtiċi" u "prodotti bijoloġiċi" f'konformità mal-liġi tagħha fis-seħħ fil-21 ta' April 2018.

[143] Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, Parti tista' tipprovdi li t-terminu "prodott" jirreferi għall-istess prodott jew għal prodott simili.

[144] Għal ċertezza akbar, din tinkludi data sottomessa għall-awtorizzazzjonijiet mogħtijin lill-persuna li ppreżentat tali data fit-territorji tal-Partijiet u ta' pajjiżi terzi.

[145] Għal ċertezza akbar, Parti tista' tillimita l-perjodu ta' protezzjoni skont dan il-paragrafu għal 6 snin.

[146] Parti tista' tipprovdi li, għall-prodotti bijoloġiċi, il-protezzjoni ta' data mhux iddivulgata msemmija f'dan l-Artikolu tapplika biss għall-ewwel approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott bijoloġiku l-ġdid.

Artikolu 25.51

Protezzjoni ta' Data Mhux Iddivulgata Relatata ma' Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti ([147])

1. Jekk Parti titlob, bħala kundizzjoni għall-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ([148]) ta' prodott ġdid ([149]), għall-protezzjoni tal-pjanti, is-sottomissjoni ta' test mhux iddivulgat jew ta' data oħra dwar is-sikurezza jew l-effikaċja tal-prodott ([150]), il-Parti għandha tipproteġi dik id-data kontra d-divulgazzjoni lil partijiet terzi, ħlief meta d-divulgazzjoni tkun neċessarja għal interess pubbliku prevalenti jew sakemm ma jittieħdux passi sabiex jiġi żgurat li d-data tkun protetta kontra użu kummerċjali inġust.

2. Għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, Parti ma għandhiex tagħti approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni lil persuni terzi li tippermettilhom, mingħajr il-kunsens tal-persuna li qabel kienet issottomettiet id-data msemmija fil-paragrafu 1, jikkummerċjalizzaw il-prodott fuq il-bażi ta' dik id-data jew abbażi tal-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija lill-persuna li tkun issottomettiet dik id-data, għal tal-anqas 10 snin ([151]) mid-data tal-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott il-ġdid fit-territorju ta' dik il-Parti.

3. Kull Parti għandha tistabbilixxi regoli sabiex jiġi evitat ittestjar doppju fuq annimali vertebrati.

4. Ma għandu jkun hemm l-ebda limitazzjoni fuq xi waħda mill-Partijiet sabiex timplimenta proċeduri ta' awtorizzazzjoni mqassrin għal tali prodotti fuq il-bażi ta' studji ta' ekwivalenza.

TAQSIMA C

Infurzar tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali

SUBTAQSIMA C.1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 25.52

Obbligi Ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw l-impenji tagħhom skont il-Ftehim TRIPS u b'mod partikolari l-Parti III tiegħu. Kull Parti għandha tipprovdi għall-miżuri, għall-proċeduri u għar-rimedji komplementari skont din it-Taqsima, li huma neċessarji sabiex jiġi żgurat l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Dawk il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji għandhom ikunu ġusti u ekwitabbli, u ma għandhomx ikunu kkomplikati jew għaljin meta ma jkunx hemm għalfejn, jew jinvolvu limiti ta' żmien mhux raġonevoli jew dewmien mhux iġġustifikat.

2. Il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u għandhom ikunu applikati b'mod li jevitaw il-ħolqien ta' ostakli għall-kummerċ leġittimu u jipprovdu għal salvagwardji kontra l-abbuż tagħhom.

([147]) Il-Messiku għandu jimplimenta dan l-obbligu mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
([148]) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, it-terminu "approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni" huwa sinonimu ta' "approvazzjoni sanitarja" skont il-liġi ta' Parti.
([149]) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, it-terminu "ġdid" jimplika li l-prodott fih entità kimika ġdida li ma ġietx approvata qabel fit-territorju tal-Parti.
([150]) Għal ċertezza akbar, dan l-Artikolu japplika għal każijiet li fihom il-Parti teħtieġ is-sottomissjoni ta' test mhux iddivulgat jew data oħra li tikkonċerna biss is-sikurezza tal-prodott, l-effikaċja tal-prodott biss jew it-tnejn.
([151]) Għal ċertezza akbar, Parti tista' tillimita l-perjodu ta' protezzjoni skont dan l-Artikolu għal 10 snin.

3. Din it-Taqsima ma toħloq l-ebda obbligu għal Parti li tistabbilixxi sistema ġudizzjarja għall-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali distinta minn dik għall-infurzar tal-liġi b'mod ġenerali, u lanqas ma taffettwa l-kapaċità ta' Parti li tinforza l-liġi tagħha b'mod ġenerali. Din is-Subtaqsima ma toħloq l-ebda obbligu fir-rigward ta' kif Parti tqassam ir-riżorsi bejn l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-infurzar tal-liġi b'mod ġenerali.

Artikolu 25.53

Persuni Intitolati Japplikaw għall-Applikazzjoni ta' Miżuri, ta' Proċeduri u ta' Rimedji

Kull Parti għandha tirrikonoxxi bħala persuni intitolati sabiex jitolbu l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji msemmijin f'din it-Taqsima u fil-Parti III tal-Ftehim TRIPS:

(a) id-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali f'konformità mad-dritt tagħha;

(b) il-persuni l-oħrajn kollha awtorizzati jużaw dawk id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, b'mod partikolari l-liċenzjatarji, f'konformità mad-dritt tagħha u sa fejn ikun permess minnu;

(c) il-korpi ta' mmaniġġar kollettiv tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jkunu regolarment rikonoxxuti bħala li jkollhom dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, f'konformità mad-dritt tagħha u sa fejn ikun permess minnu; u

(d) il-korpi professjonali tad-difiża li jkunu regolarment rikonoxxuti bħala li jkollhom id-dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, f'konformità mad-dritt tagħha u sa fejn ikun permess minnu.

SUBTAQSIMA C.2

Infurzar Ċivili u Amministrattiv

Artikolu 25.54

Evidenza

1. Kull Parti tiżgura li, anke qabel il-bidu tal-proċedimenti fuq il-merti tal-każ, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, wara applikazzjoni minn persuna li tkun ippreżentat evidenza raġonevolment disponibbli sabiex issostni l-pretensjoni tagħha li d-dritt ta' proprjetà intellettwali tagħha jkun inkiser jew ikun se jinkiser, ikollhom l-awtorità li jordnaw miżuri provviżorji fil-pront u effettivi sabiex tiġi ppreżervata l-evidenza rilevanti fir-rigward tal-allegat ksur, soġġetti għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

2. Il-miżuri provviżorji msemmijin fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu d-deskrizzjoni dettaljata, bil-kampjunar jew mingħajru, jew is-sekwestru fiżiku tal-oġġetti foloz, u f'każijiet xierqa, il-materjali u l-għodod użati fil-produzzjoni jew fid-distribuzzjoni ta' dawk l-oġġetti u tad-dokumenti relatati magħhom.

3. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tipprovdi lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tagħha bl-awtorità li jordnaw, f'każ ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali mwettaq fuq skala kummerċjali, jekk xieraq u fuq talba ta' parti fil-proċedimenti, il-komunikazzjoni tad-dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali taħt il-kontroll tal-parti opposta, soġġetta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. ([152])

([152]) Il-Messiku jista' jillimita dik l-awtorità għall-proċeduri kriminali, f'konformità mal-liġi tiegħu.

Artikolu 25.55

Dritt għall-Informazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li, matul il-proċediment dwar ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali u bi tweġiba għal talba ġustifikata u proporzjonata mir-rikorrent, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkollhom l-awtorità li jordnaw lill-kontraventur jew lil kwalunkwe persuna oħra li tkun parti għall-proċedimenti jew xhud fihom, sabiex tipprovdi informazzjoni dwar l-oriġini u n-networks ta' distribuzzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi li jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali ([153]).

2. Dan l-Artikolu japplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi ta' Parti li:

(a) jagħtu lid-detentur ta' dritt id-drittijiet li jirċievu informazzjoni addizzjonali;

(b) jirregolaw l-użu fi proċedimenti ċivili jew kriminali tal-informazzjoni kkomunikata skont dan l-Artikolu;

(c) jirregolaw ir-responsabbiltà għall-użu ħażin tad-dritt għall-informazzjoni;

(d) jipprovdu l-opportunità ta' rifjut li tingħata informazzjoni li ġġiegħel lill-persuna msemmija fil-paragrafu 1 tammetti l-parteċipazzjoni tagħha jew dik ta' qraba viċin tagħha fi ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali; jew

(e) jirregolaw il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi ta' informazzjoni jew l-ipproċessar ta' data personali.

Artikolu 25.56

Miżuri Provviżorji u ta' Prekawzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha, fuq it-talba tar-rikorrent, ikollhom l-awtorità li joħorġu rimedju b'mandat ta' inibizzjoni interlokutorja kontra l-allegat kontraventur maħsuba sabiex tipprevjeni kwalunkwe ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, jew sabiex tipprojbixxi, fuq bażi provviżorja u soġġett, jekk ikun xieraq, għal pagament rikorrenti ta' penali jekk dan ikun previst fil-liġi tagħha, il-kontinwazzjoni tal-allegat ksur ta' dak id-dritt, jew li jagħmlu tali kontinwazzjoni soġġetta għad-depożitu ta' garanziji maħsubin sabiex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tad-dritt. Rimedju b'mandat ta' inibizzjoni interlokutorja jista' jinħareġ wkoll, taħt l-istess kondizzjonijiet, kontra intermedjarju li s-servizzi tiegħu ikunu qegħdin jintużaw minn partijiet terzi sabiex jikser dritt ta' proprjetà intellettwali. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "intermedjarji" jinkludu fornituri ta' servizzi tal-internet.

2. Kull Parti għandha tiżgura li r-rimedju b'mandat ta' inibizzjoni interlokutorja jista' jinħareġ ukoll sabiex jiġi ordnat il-qbid jew il-konsenja ta' oġġetti ssuspettati li jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali, sabiex jipprevjeni d-dħul jew il-movimenti tagħhom fil-kanali tal-kummerċ.

([153]) L-Unjoni Ewropea tista' tiddeċiedi li:
(a) "kwalunkwe persuna oħra" tfisser persuna li kienet:
(i) instabet li kienet fil-pussess tal-oġġetti foloz fuq skala kummerċjali;
(ii) instabet li kienet qiegħda tuża s-servizzi kontraventorji fuq skala kummerċjali;
(iii) instabet li kienet qiegħda tipprovdi, fuq skala kummerċjali servizzi użati f'attivitajiet kontraventorji; jew
(iv) indikata mill-persuna msemmija fis-subparagrafi (i) sa (iii) bħala li kienet involuta fil-produzzjoni, fil-manifattura jew fid-distribuzzjoni tal-oġġetti foloz jew fil-provvista tas-servizzi kontraventorji;
(b) "informazzjoni" għandha, kif xieraq, tinkludi:
(i) l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi, tal-manifatturi, tad-distributuri, tal-fornituri u ta' detenturi preċedenti oħrajn tal-oġġetti jew tas-servizzi, kif ukoll tal-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut intenzjonati; jew
(ii) informazzjoni dwar il-kwantitajiet prodotti, manifatturati, konsenjati, riċevuti jew ordnati, kif ukoll il-prezz miksub għall-oġġetti jew għas-servizzi inkwistjoni.

3. Kull Parti għandha tipprovdi li, fil-każ ta' allegat ksur, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw il-qbid kawtelatorju tal-proprjetà mobbli u immobbli tal-allegat kontraventur, inkluż l-imblokkar tal-kontijiet bankarji tiegħu u ta' assi oħrajn. Għal dak l-għan, dawk l-awtoritajiet jistgħu jordnaw il-komunikazzjoni ta' dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali, jew l-aċċess xieraq għall-informazzjoni rilevanti. ([154])

Artikolu 25.57

Rimedji

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkollhom l-awtorità li jordnaw, fuq it-talba tar-rikorrent u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dannu dovut lid-detentur ta' dritt minħabba l-ksur, u mingħajr kumpens ta' kwalunkwe xorta, il-qerda jew tal-anqas it-tneħħija definittiva mill-kanali tal-kummerċ, tal-oġġetti li jkunu sabu li jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali. Kull Parti għandha tiżgura li, jekk xieraq, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkunu jistgħu wkoll jordnaw il-qerda ta' materjali u ta' għodod użati b'mod predominanti fil-ħolqien jew fil-manifattura ta' dawk l-oġġetti.

2. Fil-kunsiderazzjoni ta' talba għal rimedji kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-ħtieġa għall-proporzjonalità bejn il-gravità tal-ksur u r-rimedji ordnati kif ukoll l-interessi ta' partijiet terzi.

Artikolu 25.58

Rimedji b'mandat ta' inibizzjoni

Kull Parti għandha tiżgura li, jekk deċiżjoni ġudizzjarja tikkonstata ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkollhom l-awtorità li joħorġu rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kontra l-kontraventur kif ukoll kontra intermedjarju li s-servizzi tiegħu jintużaw minn parti terza sabiex tikser dritt ta' proprjetà intellettwali, li jkun immirat sabiex jipprojbixxi l-kontinwazzjoni tal-ksur.

Artikolu 25.59

Danni

1. Kull Parti għandha tipprovdi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità tal-anqas li jordnaw lill-kontraventur li konxjament, jew b'raġunijiet raġonevoli sabiex ikun konxju, wettaq attivitajiet li jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, iħallas lid-detentur tad-dritt għad-danni b'mod adegwat sabiex jikkumpensa għad-danni li d-detentur tad-dritt ikun ġarrab bħala riżultat tal-ksur tad-dritt ta' proprjetà intellettwali tiegħu. ([155])

2. Fid-determinazzjoni tal-ammont tad-danni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' kull Parti għandhom iqisu l-aspetti xierqa kollha u għandu jkollhom l-awtorità li jikkunsidraw, fost affarijiet oħrajn, kwalunkwe miżura leġittima ta' valur li d-detentur tad-dritt jissottometti, inkluż profitti mitlufin, il-valur tal-oġġetti jew tas-servizzi li jkunu l-oġġett tal-ksur, imkejjel bil-prezz tas-suq, jew il-prezz bl-imnut issuġġerit.

([154]) Il-Messiku jista' jillimita l-awtorità li tiġi ordnata l-komunikazzjoni tad-dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali għal proċeduri kriminali f'konformità mal-liġi tiegħu. Kull Parti tista' tillimita dik l-awtorità għal ksur imwettaq fuq skala kummerċjali u għal sitwazzjonijiet li fihom ir-rikorrent juri l-eżistenza ta' ċirkostanzi li x'aktarx jipperikolaw l-irkupru tad-danni.

([155]) Parti tista' tipprovdi li l-bidu ta' proċedura sabiex jintalbu d-danni ma jkunx soġġett għal konstatazzjoni finali ta' ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

3. Kull Parti għandha tipprovdi li, tal-anqas f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet relatati u ta' falsifikazzjoni ta' trademark, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw lill-kontraventur, tal-anqas fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, iħallas lid-detentur tad-dritt il-profitti tal-kontraventur li jkunu attribwibbli għall-ksur. Parti tista' tikkonforma ma' dan il-paragrafu permezz ta' prežunzjoni li dawk il-profitti jikkorrispondu għad-danni msemmijin fil-paragrafu 1.

4. Kull Parti tista' tipprovdi li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw lill-parti li tkun ġarrbet id-dannu l-irkupru tal-profitti jew il-ħlas tad-danni li jistgħu jkunu stabbiliti minn qabel, meta l-kontraventur ma wettaqx konxjament, jew b'motivazzjonijiet raġonevoli sabiex ikun konxju, f'attività ta' ksur.

Artikolu 25.60

Spejjeż Legali

Kull Parti għandha tiżgura li l-ispejjeż legali raġonevoli u proporzjonati u spejjeż oħrajn imġarrbin mill-parti li tirbaħ il-kawża għandhom, bħala regola ġenerali, jiġġarrbu mill-parti li titlef il-kawża, ħlief meta l-ekwità ma tippermettix li dan iseħħ.

Artikolu 25.61

Pubblikazzjoni tad-Deċiżjonijiet Ġudizzjarji

Mingħajr preġudizzju għal-liġi tagħha li tirregola l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi tal-informazzjoni jew il-protezzjoni ta' data personali, kull Parti għandha tiżgura li, fi proċedimenti legali dwar il-ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkollhom l-awtorità li jordnaw, fuq talba tar-rikorrent, miżuri xierqa għat-tixrid tal-informazzjoni dwar id-deċiżjoni, inkluż il-wiri tad-deċiżjoni u l-pubblikazzjoni tagħha bis-sħiħ jew parzjalment.

Artikolu 25.62

Suppożizzjoni dwar l-Oriġini jew is-Sjieda

1. Il-partijiet għandhom jirrikonoxxu li, għall-finijiet li jkunu applikati l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti f'din is-Subtaqsima, fin-nuqqas ta' prova li turi bil-kontra, ikun suffiċjenti li l-isem ta' awtur ta' xogħol letterarju jew artistiku jidher fuq ix-xogħol bil-mod tas-soltu, sabiex l-awtur jiġi kkunsidrat bħala tali, u konsegwentement sabiex ikun intitolat jiftaħ proċediment ta' ksur.

2. Il-paragrafu 1 japplika, *mutatis mutandis*, għad-detenturi ta' drittijiet relatati mad-dritt tal-awtur fir-rigward tas-suġġett protett tagħhom.

Artikolu 25.63

Proċeduri Amministrattivi

Sal-punt li kwalunkwe rimedju ċivili jista' jkun ordnat bħala riżultat ta' proċeduri amministrattivi dwar il-meriti ta' każ, ċerti proċeduri għandhom jikkonformaw ma' prinċipji ekwivalenti fis-sustanza għal dawk stabbiliti f'din is-Subtaqsima.

Artikolu 25.64

Inizjattivi Volontarji tal-Partijiet Ikkonċernati

Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiffaċilita l-inizjattivi volontarji tal-partijiet ikkonċernati sabiex inaqqsu l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inkluż online u fi swieq oħrajn, li jiffokaw fuq problemi konkreti u jfittxu soluzzjonijiet prattiċi li jkunu realistiċi, bilanċjati, proporzjonati u ġusti għall-partijiet ikkonċernati kollha.

TAQSIMA D

Infurzar fil-Fruntieri

Artikolu 25.65

Konsistenza mal-GATT u mal-Ftehim TRIPS

Meta timplimenta miżuri fil-fruntieri għall-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet doganali, kemm jekk koperti minn dan il-Ftehim kif ukoll jekk ma jkunux, kull Parti għandha tiżgura l-konsistenza mal-obbligi tagħha skont il-GATT u l-Ftehim TRIPS u, b'mod partikolari, mal-Artikolu 41 u mat-Taqsima 4 tal-Parti III tal-Ftehim TRIPS.

Artikolu 25.66

Miżuri ta' Infurzar fil-Fruntieri Relatati mad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali

1. Kull Parti għandu jkollha fis-seħħ proċeduri li jippermettu l-qerda ta' oġġetti li jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, f'konformità mal-Artikoli 46 u 59 tal-Ftehim TRIPS.

2. Fir-rigward tal-merkanzija taħt kontroll doganali, kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet doganali tagħha jkunu attivi, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha u f'koordinazzjoni ma' awtoritajiet rilevanti oħra, fl-immirar u fl-identifikazzjoni ta' konsenji li jkun fihom merkanzija suspettata li tikser trademarks, drittijiet tal-awtur jew drittijiet oħra ta' proprjetà intellettwali. Tal-anqas fir-rigward tal-oġġetti tal-importazzjoni, dawn l-attivitajiet għandhom jitwettqu fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju.

3. Kull Parti għandha tadotta u żżomm bażi tad-data elettronika ġestita ċentralment relatata tal-anqas ma' trademarks u ma' disinji industrijali, li għandha sservi bħala għodda rilevanti għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u d-detenturi tad-drittijiet, mingħajr ħlas, u għall-għoti ta' informazzjoni għall-analiżi tar-riskju. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex testendi l-bażi tad-data elettronika għall-analiżi tar-riskju għal drittijiet oħrajn ta' proprjetà intellettwali.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-informazzjoni pprovduta mid-detentur tad-dritt tiġi awtomatikament inkluża fil-bażi tad-data elettronika sakemm tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha. Il-validazzjoni tal-informazzjoni pprovduta minn detentur tad-dritt għandha tkun awtomatika jew issir f'perjodu ta' żmien raġonevoli mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-benefiċċji tal-manutenzjoni u tat-titjib ta' bażi tad-data elettronika, bil-għan li tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u sabiex tipprovdi elementi sabiex tinbeda l-proċedura għas-sospensjoni tar-rilaxx jew taż-żamma ta' oġġetti taħt il-kontroll doganali msemmija fil-paragrafu 6.

6. Kull Parti għandha tipprovdi li l-awtoritajiet doganali tagħha jistgħu jaġixxu fuq l-inizjattiva tagħhom stess sabiex jissospendu r-rilaxx ta' jew iżommu oġġetti suspettati li jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali, jew li jinformaw lid-detentur tad-dritt jew lill-awtoritajiet rilevanti sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw il-ħtieġa li tinbeda proċedura li tista' twassal għas-sospensjoni tar-rilaxx ta', jew għaż-żamma ta' dawk l-oġġetti.

7. Parti hija mħeġġa jkollha fis-seħħ proċeduri li jippermettu l-qerda rapida ta' oġġetti bi trademark falza u ta' oġġetti piratati mibgħutin permezz ta' konsenji postali jew b'kurrieri rapidi.

8. L-awtoritajiet doganali ta' kull Parti għandhom iżommu djalogu regolari u jippromwovu l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u ma' awtoritajiet oħrajn involuti fl-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali msemmijin f'dan l-Artikolu.

9. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali ta' oġġetti suspettati li jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u, b'mod partikolari, sabiex jikkondividu informazzjoni dwar tali kummerċ, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħhom.

10. Il-Partijiet għandu jkollhom skambju regolari dwar l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni xierqa ta' dan l-Artikolu.

TAQSIMA E

Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 25.67

Kooperazzjoni u Trasparenza

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bil-għan li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. L-oqsma ta' kooperazzjoni jinkludu iżda ma humiex limitati għall-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi fil-politika domestika u internazzjonali rigward id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(b) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti dwar il-proprjetà intellettwali tal-Partijiet, inklużi inizjattivi jew emendi;

(c) l-iskambju ta' esperjenza bejn il-Partijiet dwar l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(d) koordinazzjoni għall-prevenzjoni tal-kummerċ f'oġġetti kontrafatti, inkluż ma' pajjiżi terzi;

(e) l-assistenza teknika, il-bini tal-kapaċitajiet, u l-iskambju u t-taħriġ tal-persunal;

(f) il-protezzjoni u d-difiża tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u t-tixrid ta' informazzjoni f'dan ir-rigward, fost l-oħrajn, fi ċrieki kummerċjali u fis-soċjetà ċivili;

(g) l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni relatati mad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inkluż l-impatt tal-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fuq l-ekonomija u fuq is-sikurezza tal-konsumaturi;

(h) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni istituzzjonali, b'mod partikolari bejn l-awtoritajiet responsabbli mid-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(i) il-kollaborazzjoni ma' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż f'avvenimenti jew f'laqgħat iffokati fuq tali intrapriżi, fir-rigward tal-protezzjoni u tal-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u tat-tnaqqis tal-ksur; u

(j) l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Partijiet rigward sforzi sabiex jiġu ffaċilitati inizjattivi volontarji tal-partijiet ikkonċernati fit-territorji rispettivi tagħhom.

3. Is-Sottokumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali għandu jimmonitorja l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu u kwalunkwe kwistjoni rilevanti oħra.

Is-Sottokumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali għandu jiltaqa' tal-anqas darba fis-sena, ħlief jekk il-Partijiet jaqblu mod ieħor.

4. Kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt sabiex jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni skont dan il-Kapitolu, u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tagħha. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw minnufih lil xulxin bi kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

KAPITOLU 26

KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI

Artikolu 26.1

Objettiv u Kamp ta' Applikazzjoni

1. L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jsaħħaħ l-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fil-kummerċ u fl-investiment bejn il-Partijiet, b'mod partikolari billi jistabbilixxi prinċipji u azzjonijiet li jikkonċernaw aspetti tax-xogħol ([156]) u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli ta' rilevanza speċifika fil-kuntest tal-kummerċ u tal-investiment.

2. Il-Partijiet ifakkru l-Aġenda 21 u d-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-1992, adottata mill-Konferenza tan-NU dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp fl-1992; il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002; id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008 adottata mill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol fis-97 Sessjoni tagħha, f'Ġinevra, fl-10 ta' Ġunju 2008; id-dokument ta' eżitu tal-Konferenza tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2012, inkorporat fir-Riżoluzzjoni 66/288 adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fis-27 ta' Lulju 2012, intitolat "The Future We Want"; u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tad-dokument tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli "Transforming our World: the 2030 Agenda for Sustainable Development".

3. B'mod konsistenti mal-istrumenti msemmijin fil-paragrafu 2, il-Partijiet għandhom jippromwovu:

(a) l-iżvilupp sostenibbli, li jinkludi l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien tal-ambjent, li lkoll huma interdipendenti u jsaħħu lil xulxin;

(b) l-iżvilupp tal-kummerċ u tal-investiment internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-objettiv li jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; u

(c) it-tkabbir ekoloġiku inklużiv u l-ekonomija ċirkolari sabiex jitrawwem it-tkabbir ekonomiku filwaqt li jiġi żgurat il-ħarsien tal-ambjent u jiġi promoss l-iżvilupp soċjali.

Artikolu 26.2

Dritt ta' Regolamentazzjoni u Livelli ta' Protezzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-politiki u l-prijoritajiet dwar l-iżvilupp sostenibbli tagħha, li tistabbilixxi l-livelli tagħha ta' ħarsien domestiku tal-ambjent u ta' protezzjoni domestika tal-ħaddiema u li tadotta jew timmodifika l-liġijiet u r-regolamenti rilevanti u l-politiki tagħha kif tqis li jkun xieraq. Dawn il-livelli, il-liġijiet u r-regolamenti, u l-politiki għandhom ikunu konsistenti mal-impenn ta' kull Parti għall-istandards u għall-ftehimiet rikonoxxuti internazzjonalment imsemmijin fl-Artikoli 26.3 u 26.4.

2. Kull Parti għandha tagħmel ħiliha sabiex tiżgura li l-liġijiet u r-regolamenti rilevanti, u l-politiki tagħha jipprevedu u jħeġġu livelli għoljin ta' ħarsien tal-ambjent u ta' protezzjoni tal-ħaddiema; u għandha tkompli tistinka sabiex ittejjeb dawn il-liġijiet u r-regolamenti, u l-politiki, u l-livelli sottostanti ta' protezzjoni tagħhom.

([156]) Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, it-terminu "xogħol" ifisser l-objettivi strateġiċi tal-ILO skont l-Aġenda għal Xogħol Deċenti, li hija espressa fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008.

3. Parti ma għandhiex iddgħajjef il-livelli ta' protezzjoni mogħtijin fil-liġi ambjentali jew tax-xogħol tagħha sabiex tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment.

4. Parti ma għandhiex tirrinunzja jew tidderoga mil-liġi ambjentali jew tax-xogħol tagħha, jew toffri li tirrinunzja jew tidderoga minnha, sabiex tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment.

5. Parti ma għandhiex, permezz ta' azzjoni sostnuta jew rikorrenti jew nuqqas ta' azzjoni, tonqos milli tinforza b'mod effettiv il-liġi ambjentali jew tax-xogħol tagħha sabiex tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment.

Artikolu 26.3

Standards u Ftehimiet Multilaterali tax-Xogħol

1. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jwassal għal impjieg sħiħ u produttiv u għal xogħol deċenti għal kulħadd, b'mod partikolari n-nisa, iż-żgħażagħ u l-persuni b'diżabilità.

2. F'konformità mal-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"ILO") u mad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol u s-Segwitu tagħha, adottata mill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol fis-86 Sessjoni tagħha, f'Ġinevra, fit-18 ta' Ġunju 1998, kull Parti għandha tirrispetta, tippromwovi u timplimenta b'mod effettiv il-prinċipji dwar id-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, kif definiti fil-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, li huma:

(a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv;

(b) l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' xogħol furzat jew obbligatorju;

(c) l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal; u

(d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tal-okkupazzjonijiet.

3. Skont il-paragrafi 1 u 2 u filwaqt li jenfasizzaw l-impenn tal-Partijiet li jappoġġaw il-governanza multilaterali, kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv il-konvenzjonijiet u l-protokolli tal-ILO li tkun irratifikat.

4. Kull Parti għandha tagħmel sforzi kontinwi u sostnuti favur ir-ratifika tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.

5. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw regolarment informazzjoni dwar il-progress rispettiv tagħhom fir-rigward tar-ratifika tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u l-protokolli relatati u ta' konvenzjonijiet jew ta' protokolli oħrajn tal-ILO li għadhom ma humiex parti fihom u li huma kkunsidrati aġġornati mill-ILO.

6. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw kif xieraq u għandhom jikkooperaw dwar kwistjonijiet tax-xogħol relatati mal-kummerċ ta' interess reċiproku, inkluż fil-kuntest tal-ILO.

7. Filwaqt li jfakkru d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008, il-Partijiet jinnotaw li l-ksur tal-prinċipji u tad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol ma jistax jiġi invokat jew inkella jintuża bħala vantaġġ komparattiv leġittimu u li l-istandards tax-xogħol ma għandhomx jintużaw għal skopijiet kummerċjali protezzjonisti.

8. Kull Parti għandha tippromwovi xogħol deċenti kif definit fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008. Kull Parti għandha, f'konformità mal-kundizzjonijiet u l-prijoritajiet tagħha, tagħti attenzjoni partikolari lil:

(a) l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' miżuri għas-saħħa u għas-sikurezza okkupazzjonali, inkluż kumpens f'każ ta' korriment jew ta' mard okkupazzjonali, kif definit fil-konvenzjonijiet rilevanti tal-ILO u f'impenji internazzjonali oħrajn;

(b) kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għal kulħadd, fir-rigward tal-pagi u tal-qligħ, tas-siegħat tax-xogħol u ta' kundizzjonijiet oħrajn tax-xogħol; u

(c) iż-żamma ta' sistema effettiva ta' spezzjoni tax-xogħol f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha u mal-istandards rilevanti tal-ILO.

9. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċedimenti amministrattivi, ġudizzjarji u tat-tribunal tax-xogħol tagħha għall-infurzar tal-liġi tax-xogħol tagħha jkunu ġusti, aċċessibbli u trasparenti, u tippermetti azzjoni effettiva kontra l-ksur tad-drittijiet tax-xogħol imsemmijin f'dan il-Kapitolu.

Artikolu 26.4

Governanza u Ftehimiet Ambjentali Multilaterali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA) tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP) u tal-governanza u tal-ftehimiet ambjentali multilaterali bħala rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi ambjentali globali jew reġjonali u għandhom l-għan li jsaħħu l-appoġġ reċiproku bejn il-politiki kummerċjali u ambjentali.

2. Skont il-paragrafu 1 u sabiex tappoġġa l-governanza ambjentali multilaterali, kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv il-ftehimiet, il-protokolli u l-emendi ambjentali multilaterali li hija parti fihom.

3. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw regolarment informazzjoni dwar l-inizjattivi rispettivi tagħhom rigward ir-ratifiki ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, inklużi l-protokolli u l-emendi tagħhom.

4. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw kif xieraq u għandhom jikkooperaw dwar kwistjonijiet ambjentali relatati mal-kummerċ ta' interess reċiproku, inkluż fil-kuntest ta' ftehimiet ambjentali multilaterali.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tinvoka l-Artikolu 32.1 (Eċċezzjonijiet Ġenerali) fir-rigward tal-miżuri meħudin skont il-ftehimiet ambjentali multilaterali li fihom huma parti.

Artikolu 26.5

Kummerċ u Tibdil fil-Klima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jsegwu l-objettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), li saret fi New York fid-9 ta' Mejju 1992, sabiex jindirizzaw it-theddida urġenti tat-tibdil fil-klima u jirrikonoxxu r-rwol tal-kummerċ għal dak l-għan.

2. Skont il-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) timplimenta b'mod effettiv il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi, inkluż permezz ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

(b) tippromwovi l-kontribut pożittiv tal-kummerċ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u għal żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima; u

(c) tippromwovi tkabbir ekonomiku ekoloġiku bbażat fuq azzjonijiet dwar il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż l-adattament ibbażat fuq l-ekosistema, l-enerġiji rinnovabbli u s-soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fi kwistjonijiet relatati mal-kummerċ li jikkonċernaw it-tibdil fil-klima f'livell bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż fil-UNFCCC, fid-WTO u fil-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu, magħmul f'Montreal fis-16 ta' Settembru 1987.

Artikolu 26.6

Kummerċ u Diversità Bijoloġika

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika u tar-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawk l-objettivi, konsistenti mal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika (CBD), li saret f'Rio de Janeiro fil-5 ta' Ġunju 1992 u mal-Protokolli tagħha, mal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), iffirmata f'Washington D.C. fit-3 ta' Marzu 1973, u ma' strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn li fihom huma parti, inklużi d-deċiżjonijiet u r-riżoluzzjonijiet adottati fihom.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-integrazzjoni tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika fis-setturi rilevanti tal-ekonomija u t-tisħiħ tal-oqfsa domestiċi legali, istituzzjonali u regolatorji jistgħu jikkontribwixxu għall-ġenerazzjoni ta' impatti pożittivi fuq id-diversità bijoloġika u fuq is-servizzi tal-ekosistema tagħha kif ukoll għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli.

3. Skont il-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) timplimenta miżuri effettivi għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi kif xieraq;

(b) tippromwovi l-inklużjoni ta' speċijiet ta' annimali u ta' pjanti fl-appendiċijiet għas-CITES meta l-istatus ta' konservazzjoni ta' dik l-ispeċi jitqies f'riskju minħabba l-kummerċ internazzjonali, u twettaq rieżamijiet perjodiċi, li jistgħu jirriżultaw f'rakkomandazzjoni sabiex jiġu emendati l-appendiċijiet għas-CITES, sabiex jiġi żgurat li jirriflettu kif xieraq il-ħtiġijiet ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet soġġetti għall-kummerċ internazzjonali;

(c) tippromwovi l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES, inkluż il-kummerċ legali u traċċabbli tagħhom, filwaqt li tipprovdi benefiċċji lill-partijiet ikkonċernati fil-katina tal-valur, b'mod partikolari lill-komunitajiet lokali fejn jinkisbu l-ispeċijiet elenkati fis-CITES;

(d) tieħu miżuri għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika meta tkun soġġetta għal pressjonijiet marbutin mal-kummerċ u mal-investiment, b'mod partikolari permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni tat-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi; u

(e) tiskambja informazzjoni mal-Parti l-oħra dwar inizjattivi dwar il-kummerċ ta' prodotti naturali bbażati fuq ir-riżorsi bil-għan li tippromwovi l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika u tippromwovi t-tali kummerċ.

4. Kull Parti għandha tikkoopera mal-Parti l-oħra f'livell bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, inkluż mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kummerċ u l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, kif ukoll dwar il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, inkluż permezz ta' inizjattivi sabiex titnaqqas id-domanda għal prodotti u għal eżemplari illegali ta' organiżmi selvaġġi, u sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni.

Artikolu 26.7

Kummerċ u Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dan l-objettiv.

2. Skont il-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tħeġġeġ il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-promozzjoni tal-kummerċ u tal-konsum tal-injam u tal-prodotti tal-injam minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli;

(b) tippromwovi l-kummerċ fil-prodotti tal-foresti li ma jkunx wassal għal deforestazzjoni jew għal degradazzjoni tal-foresti;

(c) timplimenta miżuri għall-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ relatat, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi kif xieraq; u

(d) tiskambja informazzjoni mal-Parti l-oħra dwar inizjattivi relatati mal-kummerċ dwar il-governanza tal-foresti u dwar il-konservazzjoni tal-kopertura tal-foresti, u tikkoopera mal-Parti l-oħra sabiex timmassimizza l-impatti pożittivi u tiżgura l-appoġġ reċiproku tal-politiki rispettivi tagħhom ta' interess reċiproku.

3. Kull Parti għandha tikkoopera mal-Parti l-oħra f'livell bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, inkluż mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kummerċ u l-konservazzjoni tal-foresti kif ukoll il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

Artikolu 26.8

Kummerċ u Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi Bijoloġiċi tal-Baħar u tal-Akkwakultura

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ekosistemi tal-baħar kif ukoll tal-promozzjoni ta' akkwakultura responsabbli u sostenibbli bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli; u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux regolat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "sajd IUU") għandu impatti negattivi fuq il-kummerċ u fuq l-ambjent, u jikkonfermaw il-ħtieġa għal azzjoni sabiex jintemm is-sajd IUU sabiex jiġu indirizzati l-problemi tas-sajd eċċessiv u l-użu insostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

3. Skont il-paragrafi 1 u 2, kull Parti għandha:

(a) taġixxi f'konformità mal-prinċipji tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar li saret fil-Bajja ta' Montego fl-10 ta' Diċembru 1982, tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Konservazzjoni u Amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassu f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassu ħafna (highly migratory), miftuħ għall-iffirmar fi New York fl-4 ta' Diċembru 1995, tal-Ftehim tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"FAO") li Jippromwovi l-Osservanza tal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u ta' Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd f'Ibħra Internazzjonali, approvat fl-24 ta' Novembru 1993 bir-Riżoluzzjoni 15/93 tas-27 Sessjoni tal-Konferenza tal-FAO, tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli, adottat fil-31 ta' Ottubru 1995 mill-Konferenza tal-FAO, u tal-Ftehim tal-FAO dwar Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Irrapportat u Mhux Regolat, approvat fit-22 ta' Novembru 2009 fis-36 Sessjoni tal-Konferenza tal-FAO;

(b) timplimenta miżuri ta' konservazzjoni fit-tul u ta' ġestjoni u ta' sfruttament sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar kif definiti fl-istrumenti ewlenin tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-FAO relatati ma' dawk il-kwistjonijiet; ([157])

(c) tipparteċipa b'mod attiv fil-ħidma tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li fihom iż-żewġ Partijiet huma membri, osservaturi jew partijiet mhux kontraenti li jikkooperaw magħhom, bil-għan li jiġu żgurati l-isfruttament sostenibbli, il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ambjent tal-baħar, inklużi, jekk applikabbli, il-parteċipazzjoni attiva fl-adozzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll minn dawk l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tagħhom, inkluża, meta applikabbli, id-dokumentazzjoni tal-qbid jew l-iskemi ta' ċertifikazzjoni;

(d) timplimenta miżuri effettivi għall-ġlieda kontra s-sajd IUU, inklużi miżuri għall-esklużjoni tal-prodotti tas-sajd IUU mill-flussi kummerċjali, u tikkoopera u tiskambja informazzjoni għal dak l-għan; u

(e) tippromwovi l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli u responsabbli, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-objettivi u tal-prinċipji li jinsabu fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli.

4. Kull Parti għandha tikkoopera mal-Parti l-oħra u fi ħdan organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u f'fora internazzjonali oħrajn bil-għan li tinkiseb ġestjoni sostenibbli tas-sajd.

Artikolu 26.9

Kummerċ u Ġestjoni Responsabbli tal-Ktajjen tal-Provvista

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' ġestjoni responsabbli tal-ktajjen tal-provvista permezz ta' kondotta kummerċjali u prattiki ta' responsabbiltà soċjali korporattiva responsabbli, li jikkontribwixxu għal ambjent abilitanti, u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq tal-objettiv ta' ġestjoni responsabbli tal-ktajjen tal-provvista.

2. Skont il-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tippromwovi r-responsabbiltà soċjali korporattiva jew imġiba kummerċjali responsabbli, inkluż billi tħeġġeġ l-adozzjoni ta' prattiki rilevanti min-negozji; u

(b) tappoġġa t-tixrid u l-użu tal-istrumenti internazzjonali rilevanti, bħal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali dwar Imġiba Responsabbli fin-Negozju, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO tal-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, adottata f'Ġinevra f'Novembru 1977, il-Patt Globali tan-NU u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, approvati mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-riżoluzzjoni tiegħu 17/4 tas-16 ta' Ġunju 2011.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-utilità ta' linji gwida internazzjonali speċifiċi għas-setturi fil-qasam tar-responsabbiltà soċjali korporattiva jew tal-imġiba responsabbli fin-negozju, bħad-dokumenti ta' Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal ktajjen tal-provvista responsabbli, u għandhom jippromwovu ħidma konġunta f'dan ir-rigward, inkluż fir-rigward ta' pajjiżi terzi. Kull Parti għandha tippromwovi l-adozzjoni ta' dawk il-linji gwida appoġġati minn dik il-Parti.

([157]) Dawk l-istrumenti jinkludu, fost l-oħrajn u kif jistgħu japplikaw: il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, il-Ftehim tal-FAO li Jippromwovi l-Osservanza tal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Maniġġar minn Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Internazzjonali, il-Ftehim tan-NU għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, u l-Ftehim tal-FAO dwar Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Irrapportat u Mhux Regolat.

4. Kull Parti għandha tiskambja informazzjoni kif ukoll l-aħjar prattika u, kif xieraq, tikkoopera mal-Parti l-oħra f'livell bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali dwar kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 26.10

Inizjattivi Oħrajn relatati mal-Kummerċ u mal-Investiment li Jiffavorixxu l-Iżvilupp Sostenibbli

1. Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kontribut tal-kummerċ u tal-investiment għall-għan tal-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu.

2. Skont il-paragrafu 1, kull Parti għandha tippromwovi:

(a) il-politiki tal-kummerċ u tal-investiment li jappoġġaw l-objettivi tal-Aġenda għal Xogħol Deċenti tal-ILO, u huma konsistenti mad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008, inklużi politiki fir-rigward tal-pagi, tal-qligħ u tas-sigħat tax-xogħol, tal-protezzjoni soċjali inklużiva, tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u ta' aspetti oħrajn relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

(b) il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u tal-investiment f'oġġetti u f'servizzi ambjentali, inklużi dawk ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima bħall-enerġija sostenibbli u rinnovabbli u l-prodotti u s-servizzi effiċjenti fl-enerġija billi, fost l-oħrajn, tindirizza ostakli mhux tariffarji relatati, tadotta oqfsa ta' politika li jwasslu għall-użu tal-aħjar teknoloġiji disponibbli u tikkoopera fir-rigward ta' inizjattivi f'dak il-qasam; u

(c) il-kummerċ f'oġġetti li jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet soċjali mtejba u għal prattiki ambjentalment tajbin, inklużi oġġetti li huma koperti minn skemi volontarji ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà bħal skemi ta' kummerċ ġust u etiku u ekotikketti.

3. Kull Parti għandha tikkoopera mal-Parti l-oħra f'livell bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali dwar kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 26.11

Informazzjoni Xjentifika u Teknika

1. Meta tistabbilixxi jew timplimenta miżuri mmirati lejn il-ħarsien tal-ambjent jew is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment, kull Parti għandha tqis l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli, l-istandards, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

2. Jekk ikun hemm nuqqas ta' ċertezza xjentifika sħiħa u jkun hemm theddid ta' ħsara serja jew irriversibbli għall-ambjent jew għas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, Parti tista' tadotta miżuri kosteffettivi bbażati fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni. Dawn il-miżuri għandhom ikunu konsistenti ma' dan il-Ftehim, jew iġġustifikati skontu. Għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni pertinenti disponibbli u soġġetti għal rieżami perjodiku fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida.

Artikolu 26.12

Trasparenza

Meta Parti tadotta u timplimenta miżuri ta' applikazzjoni ġenerali mmirati lejn il-ħarsien tal-ambjent u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet, jew miżuri kummerċjali jew ta' investiment li jistgħu jaffettwaw il-ħarsien tal-ambjent jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol, dik il-Parti għandha tagħmel dan f'konformità mal-Kapitolu 27 (Trasparenza), u għandha tipprovdi opportunitajiet raġonevoli għall-persuni interessati sabiex jissottomettu l-fehmiet dwar il-miżuri proposti f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti domestiċi tagħha.

Artikolu 26.13

Kooperazzjoni dwar il-Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-kooperazzjoni sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tkopri oqsma bħal:

(a) aspetti tax-xogħol u ambjentali tal-kummerċ u tal-iżvilupp sostenibbli f'fora internazzjonali, inklużi b'mod partikolari d-WTO, l-ILO, l-Assemblea u l-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti u ftehimiet ambjentali multilaterali;

(b) l-impatt tal-liġi u tal-istandards tax-xogħol u ambjentali fuq il-kummerċ u fuq l-investiment; u

(c) l-impatt tal-liġi tal-kummerċ u tal-investiment fuq ix-xogħol u fuq l-ambjent.

3. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tkopri wkoll aspetti relatati mal-kummerċ ta':

(a) il-konvenzjonijiet fundamentali, ta' governanza u oħrajn aġġornati tal-ILO ta' rilevanza f'kuntest kummerċjali;

(b) l-Aġenda tal-ILO għal Xogħol Deċenti, inkluża l-kooperazzjoni dwar l-interkonnessjonijiet bejn il-kummerċ u l-impjiegi sħaħ u produttivi, l-aġġustament għas-suq tax-xogħol, l-istandards ewlenin tax-xogħol, ix-xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista globali, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, id-djalogu soċjali, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

(c) ftehimiet ambjentali multilaterali, inklużi l-kooperazzjoni doganali u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni ta' xulxin fi ftehimiet bħal dawn;

(d) ir-reġim internazzjonali kurrenti u futur dwar it-tibdil fil-klima, inklużi mezzi għall-promozzjoni tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-effiċjenza enerġetika, it-tħejjija u l-adozzjoni ta' azzjoni ta' pprezzar tal-karbonju, inklużi sistemi ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, approċċi ta' adattament ibbażat fuq l-ekosistema u ta' adattament tal-ġestjoni tal-ilma għat-tibdil fil-klima;

(e) il-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu u l-Emenda ta' Kigali tiegħu, b'mod partikolari:

(i) miżuri għall-kontroll tal-produzzjoni u tal-konsum ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu (ODSs) u l-idrofluworokarburi (HFCs) u l-kummerċ fihom;

(ii) l-introduzzjoni ta' alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

(iii) l-aġġornament ta' standards; u

(iv) il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' sustanzi regolati b'dak il-ftehim;

(f) il-promozzjoni ta' tkabbir ekoloġiku inklużiv u ta' ekonomija ċirkolari;

(g) skemi ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà privati u pubbliċi trasparenti, inkluż l-ekotikkettar;

(h) il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi, l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji mill-użu tagħhom f'konformità mal-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li saret f'Nagoya fid-29 ta' Ottubru 2010, kif ukoll il-valutazzjoni tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom u tal-istrumenti ekonomiċi relatati;

(i) ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, il-kondotta responsabbli fin-negozju u fil-ġestjoni responsabbli tal-ktajjen tal-provvista globali, inkluż fir-rigward tal-aderenza, tal-implimentazzjoni u tat-tixrid ta' strumenti miftehmin internazzjonalment;

(j) il-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart;

(k) il-promozzjoni tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, inkluż billi jiġi miġġieled il-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, kif imsemmi fl-Artikolu 26.6;

(l) il-promozzjoni tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti bil-għan li jitwaqqfu d-deforestazzjoni u l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, inkluża l-promozzjoni tal-kummerċ fi prodotti tal-foresti li ma jkunux wasslu għad-deforestazzjoni jew għad-degradazzjoni tal-foresti, kif imsemmi fl-Artikolu 26.7; u

(m) il-promozzjoni ta' prattiki tas-sajd sostenibbli u l-kummerċ fi prodotti tal-ħut ġestiti b'mod sostenibbli, kif ukoll il-ħarsien u r-restawr tal-ambjent tal-baħar, kif imsemmi fl-Artikolu 26.8.

Artikolu 26.14

Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

1. Is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli mwaqqaf bis-subparagrafu 1(l) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) għandu jiltaqa' fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, u minn hemm 'il quddiem kif neċessarju f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 1.4 (Sottokumitati u Korpi Oħrajn) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim.

2. Is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu:

(a) jiffaċilita u jimmonitorja l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni effettivi ta' dan il-Kapitolu, inklużi l-attivitajiet ta' kooperazzjoni mwettqin skont dan il-Kapitolu;

(b) iwettaq il-kompiti msemmijin fl-Artikoli 26.17 sa 26.19;

(c) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt, inkluż fir-rigward ta' suġġetti għal diskussjoni mal-Grupp Konsultattiv Domestiku u mal-Forum tas-Soċjetà Ċivili, imsemmijin fl-Artikoli 1.7 (Gruppi Konsultattivi Domestiċi) u 1.8 (Forum tas-Soċjetà Ċivili), rispettivament, tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim; u

(d) jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni oħra relatata ma' dan il-Kapitolu hekk kif jistgħu jiftiehmu l-Partijiet.

3. Is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu joħroġ rapport pubbliku wara kull laqgħa tiegħu.

4. Kull Parti għandha tqis kif xieraq il-komunikazzjonijiet u l-opinjonijiet mill-pubbliku dwar kwistjonijiet relatati ma' dan il-Kapitolu u għandha tinforma b'tali komunikazzjonijiet u opinjonijiet lis-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u l-mekkaniżmi tas-soċjetà ċivili tiegħu msemmijin fl-Artikolu 1.6 (Relazzjoni mas-Soċjetà Ċivili) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 26.15

Punti ta' Kuntatt dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

Kull Parti għandha tiddeżinja punt ta' kuntatt sabiex jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tagħha. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw minnufih lil xulxin bi kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

Artikolu 26.16

Soluzzjoni tat-Tilwim

F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandu jkollhom rikors esklużiv għall-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim imsemmijin fl-Artikoli 26.17 u 26.18.

Artikolu 26.17

Konsultazzjonijiet

1. Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra stabbilit f'konformità mal-Artikolu 26.15. It-talba għandha tistabbilixxi r-raġunijiet għat-talba ta' konsultazzjonijiet, inkluża deskrizzjoni tal-kwistjoni kkonċernata. Il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew minnufih wara li Parti twassal talba għal konsultazzjonijiet, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data li fiha tirċievi t-talba, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru wiċċ imb wiċċ jew, jekk il-Partijiet jaqblu hekk, b'mezzi elettroniċi.

2. Il-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet bil-għan li jilħqu riżoluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku tal-kwistjoni. Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-ftehimiet multilaterali msemmijin f'dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom iqisu l-informazzjoni mill-ILO jew mill-organizzazzjonijiet jew mill-korpi ambjentali multilaterali rilevanti sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-ħidma tal-Partijiet u l-ħidma ta' dawk l-organizzazzjonijiet jew il-korpi. Meta jkun rilevanti u miftiehem b'mod reċiproku, il-Partijiet għandhom ifittxu parir mingħand tali organizzazzjonijiet jew korpi, jew mingħand kwalunkwe espert jew korp ieħor li jqisu xieraq.

3. Jekk, 30 jum wara d-data tar-riċevuta tat-talba msemmija fil-paragrafu 1, Parti tqis li l-kwistjoni teħtieġ aktar diskussjoni, dik il-Parti tista' titlob bil-miktub li jitlaqqa' s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u għandha tinnotifika dik it-talba lill-punt ta' kuntatt imsemmi fil-paragrafu 1. Is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jiltaqa' minnufih u jagħmel ħiltu sabiex tinstab riżoluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku għall-kwistjoni.

4. Is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jfittex, kif xieraq, il-parir tal-gruppi Konsultattivi domestiċi msemmijin fl-Artikolu 1.7 (Gruppi Konsultattivi Domestiċi) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim jew parir espert ieħor.

5. Kwalunkwe riżoluzzjoni milħuqa mill-Partijiet għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 26.18

Panel ta' Esperti

1. Jekk, fi żmien 90 jum wara talba għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 26.17, il-Partijiet ma jkunux laħqu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku, Parti tista' titlob l-istabbiliment ta' panel ta' esperti sabiex jeżamina l-kwistjoni. Dik it-talba għandha ssir bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra ddeżinjata skont l-Artikolu 26.15. It-talba għandha tidentifika r-raġunijiet għat-talba għall-istabbiliment ta' panel ta' esperti, inkluża indikazzjoni tal-bażi legali għall-ilment.

2. Ħlief kif previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, japplikaw l-Artikoli 31.6 (Twaqqif ta' Panel), 31.10 (Funzjonijiet tal-Panel), 31.20 (Sostituzzjoni ta' Membri tal-Panel), 31.21 (Regoli ta' Proċedura), 31.22 (Sospensjoni u Terminazzjoni), 31.23 (Riċevuta ta' Informazzjoni) u 31.24 (Regoli ta' Interpretazzjoni); u t-Taqsima E (Dispożizzjonijiet Komuni) tal-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim); kif ukoll l-Annessi 31-A (Regoli ta' Proċedura) u 31-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi).

3. Is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu, fl-ewwel laqgħa tiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' mill-anqas 15-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-panel fil-panel ta' esperti. Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sottolisti: sottolista waħda għal kull Parti u sottolista waħda ta' individwi li ma humiex ċittadini ta' kwalunkwe Parti u li jistgħu jservu bħala President tal-panel ta' esperti. Kull Parti għandha tipproponi tal-anqas ħames individwi għas-sottolista tagħha. Il-Partijiet għandhom jagħżlu wkoll tal-anqas ħames individwi għal-lista ta' presidenti. Is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jiżgura li l-lista tinżamm aġġornata u li n-numru ta' esperti jinżamm għal tal-anqas 15-il individwu.

4. L-individwi msemmijin fil-paragrafu 3 għandu jkollhom għarfien speċjalizzat jew għarfien espert fil-liġi tax-xogħol jew ambjentali, fil-kwistjonijiet indirizzati f'dan il-Kapitolu jew fis-soluzzjoni ta' tilwim li jirriżulta skont ftehimiet internazzjonali. Għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-karigi individwali tagħhom u ma għandhom jieħdu struzzjonijiet minn ebda organizzazzjoni jew gvern fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati man-nuqqas ta' qbil jew ikunu affiljati mal-gvern ta' kwalunkwe Parti, u għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 31-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi).

5. Għandu jitwaqqaf panel ta' esperti f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 31.6 (Twaqqif ta' Panel). L-esperti għandhom jintgħażlu mill-individwi fis-sottolisti msemmijin fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-Artikolu 31.7 (Kompożizzjoni ta' Panel).

6. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor fi żmien 5 ijiem wara d-data tal-istabbiliment tal-panel ta' esperti, kif definit fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 31.6 (Twaqqif ta' Panel), it-termini ta' referenza tal-panel għandhom ikunu:

"li jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 26 (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli) tal-Parti III (Kummerċ u Investiment) ta' dan il-Ftehim, il-kwistjoni msemmija fit-talba għat-twaqqif ta' Panel ta' Esperti, li jagħmel sejbiet u rakkomandazzjonijiet għar-riżoluzzjoni tal-kwistjoni u li joħroġ rapport, f'konformità mal-paragrafu 8 tal-Artikolu 26.18 (Panel ta' Esperti)".

7. Fi kwistjonijiet relatati mar-rispett tal-ftehimiet multilaterali msemmijin f'dan il-Kapitolu, il-panel ta' esperti għandu jagħmel ħiltu sabiex ifittex informazzjoni u pariri mingħand il-korpi rilevanti tal-ILO jew mingħand korpi oħrajn stabbiliti taħt dawk il-ftehimiet.

8. Il-panel ta' esperti għandu joħroġ rapport *interim* lill-Partijiet fi żmien 90 jum wara t-twaqqif tal-panel ta' esperti u rapport finali mhux aktar tard minn 30 jum wara l-ħruġ tar-rapport *interim*. Dawk ir-rapporti għandhom jistabbilixxu s-sejbiet tal-fatt, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti u r-raġunijiet bażiċi ta' kwalunkwe sejba u rakkomandazzjoni. Kull Parti għandha tagħmel ir-rapport finali disponibbli għall-pubbliku fi żmien 15-il jum wara li dan jiġi pprovdut mill-panel ta' esperti.

9. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu miżuri xierqa li għandhom jiġu implimentati filwaqt li jqisu r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-panel ta' esperti. Il-Parti li timplimenta miżuri xierqa għandha tinforma lill-Grupp Konsultattiv Domestiku tagħha msemmi fl-Artikolu 1.7 (Gruppi Konsultattivi Domestiċi) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim u tal-Parti l-oħra ta' kwalunkwe azzjoni jew miżura li għandha tiġi implimentata mhux aktar tard minn 3 xhur wara li r-rapport ikun sar disponibbli għall-pubbliku. Is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jimmonitorja s-segwitu għar-rapport tal-panel ta' esperti u għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Il-gruppi konsultattivi domestiċi msemmijin fl-Artikolu 1.7 (Gruppi Konsultattivi Domestiċi) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet lis-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli f'dan ir-rigward.

Artikolu 26.19

Rieżami

1. Għall-finijiet tat-tishiħ tal-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jibdew, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, proċess ta' rieżami formali li jqis, fost affarijiet oħrajn, l-esperjenza miksuba permezz tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, l-iżviluppi tal-politika f'kull Parti, l-iżviluppi fil-ftehimiet internazzjonali u l-fehmiet ippreżentati mill-partijiet ikkonċernati. Il-Partijiet se jimmiraw li jikkonkludu l-proċess ta' rieżami fi żmien 12-il xahar.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, il-Partijiet għandhom b'mod partikolari jiddiskutu fil-laqgħat tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet istituzzjonali u għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbiliti fl-Artikoli 26.14 sa 26.18, inkluż rieżami possibbli tal-effettività tagħhom u t-titjib tal-mekkaniżmu ta' infurzar, inkluża l-possibbiltà li tiġi applikata fażi ta' konformità u kontromiżuri rilevanti bħala l-aħħar alternattiva.

3. Is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jista' jħejji emendi għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Kapitolu li jirriflettu l-eżitu tad-diskussjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-proċedura ta' emenda stabbilita fl-Artikolu 2.4 (Emendi) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim.

4. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tar-rieżami, il-Partijiet għandhom iqisu l-possibbiltà u l-mod tal-inklużjoni tal-Ftehim ta' Pariġi bħala element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 27

TRASPARENZA

Artikolu 27.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "miżuri ta' applikazzjoni ġenerali" tfisser liġijiet, regolamenti, proċeduri u deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali;

(b) "persuna interessata" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tista' tiġi affettwata minn miżura ta' applikazzjoni ġenerali; u

(c) "azzjoni amministrattiva" tfisser azzjoni jew deċiżjoni b'effett legali li taffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' persuna speċifika f'każ individwali, u tkopri azzjoni amministrattiva jew nuqqas ta' teħid ta' azzjoni jew ta' deċiżjoni amministrattiva kif previst fil-liġi tal-Parti.

Artikolu 27.2

Objettiv

Il-Partijiet għandhom l-għan li jippromwovu ambjent regolatorju trasparenti.

Artikolu 27.3

Pubblikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim:

(a) tiġi ppubblikata fil-pront permezz ta' mezz iddeżinjat uffiċjalment u, jekk fattibbli, b'mezzi elettroniċi, jew inkella ssir disponibbli b'tali mod li l-kummerċjanti u partijiet interessati oħrajn ikunu jistgħu jsiru familjari magħha; u

(b) jekk tiġi adottata mil-livell ċentrali tal-gvern, tipprovdi spjegazzjoni tal-objettiv u tar-raġunament tagħha.

2. Sa fejn ikun possibbli, meta tintroduċi jew tbiddel miżura msemmija fil-paragrafu 1, kull Parti għandha tipprovdi biżżejjed żmien sabiex tinkiseb familjarità magħha bejn il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ.

Artikolu 27.4

Għoti ta' Informazzjoni

1. Fuq talba tal-Parti l-oħra, Parti għandha tipprovdi minnufih informazzjoni u twieġeb għal mistoqsijiet li jappartjenu għal kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali eżistenti jew proposta li taffettwa materjalment l-operat ta' dan il-Ftehim.

2. L-informazzjoni pprovduta skont dan l-Artikolu hija mingħajr preġudizzju dwar jekk il-miżura hijiex konsistenti ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 27.5

Amministrazzjoni ta' Miżuri ta' Applikazzjoni Ġenerali

1. Kull Parti għandha tamministra b'mod oġġettiv, imparzjali, konsistenti u raġonevoli l-miżuri kollha ta' applikazzjoni ġenerali fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

2. Meta tapplika miżuri ta' applikazzjoni ġenerali f'każijiet speċifiċi għal persuni, għal oġġetti jew għal servizzi partikolari tal-Parti l-oħra, kull Parti għandha:

(a) tagħmel ħilitha sabiex tipprovdi lill-persuna li tkun affettwata direttament mill-proċedimenti amministrattivi, b'avviż raġonevoli minn qabel, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, meta jinbdew dawk il-proċedimenti, inkluża deskrizzjoni tan-natura tal-proċedimenti, dikjarazzjoni tal-awtorità ġuridika li taħtha jinbdew il-proċedimenti u deskrizzjoni ġenerali ta' kwalunkwe kwistjoni kontroversjali;

(b) tagħti lill-persuna li tkun affettwata direttament mill-proċedimenti amministrattivi opportunità raġonevoli li tippreżenta fatti u argumenti b'appoġġ tal-pożizzjoni tagħha qabel kwalunkwe azzjoni amministrattiva finali, meta ż-żmien, in-natura tal-proċediment u l-interess pubbliku jippermettu dan; u

(c) tiżgura li l-proċedimenti msemmija fis-subparagrafi (a) u (b) jkunu f'konformità mal-liġi tagħha.

Artikolu 27.6

Rieżami u Appell

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, arbitrarji jew amministrattivi għall-finijiet ta' rieżami fil-pront u, fejn tkun ġustifikata, korrezzjoni ta' azzjoni amministrattiva fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim. ([158]) Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri tagħha għall-appell jew għar-rieżami jitwettqu b'mod mhux diskriminatorju u imparzjali mit-tribunali li jkunu indipendenti mill-awtorità fdata bl-infurzar amministrattiv u ma għandu jkollha l-ebda interess sostanzjali fl-eżitu tal-kwistjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-partijiet fil-proċeduri msemmijin fil-paragrafu 1 jiġu pprovduti bid-dritt għal:

(a) opportunità raġonevoli sabiex jappoġġaw jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom; u

(b) deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza u fuq sottomissjonijiet ta' rekord jew, meta jkun meħtieġ mil-liġi tagħha, fuq ir-rekord kompilat mill-awtorità amministrattiva rilevanti.

3. Id-deċiżjoni msemmija fis-subparagrafu 2(b) għandha, soġġetta għal appell jew għal rieżami ulterjuri kif previst fil-liġi ta' dik il-Parti, tiġi implimentata mill-uffiċċju jew mill-awtorità fdata bl-infurzar amministrattiv, u tirregola l-prattika ta' din.

KAPITOLU 28

PRATTIKI REGOLATORJI TAJBIN

Artikolu 28.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "awtorità regolatorja" tfisser:

(i) għall-Unjoni Ewropea: il-Kummissjoni Ewropea; u

(ii) għall-Messiku: l-Amministrazzjoni Pubblika Federali, inkluż kwalunkwe korp deċentralizzat tal-Amministrazzjoni Pubblika Federali; u

(b) "miżuri regolatorji" tfisser miżuri ta' applikazzjoni ġenerali, żviluppati minn awtorità regolatorja u adottati minn Parti, li magħha l-konformità tkun obbligatorja, li huma:

(i) għall-Unjoni Ewropea:

(A) ir-regolamenti u d-direttivi, kif previsti fl-Artikolu 288 TFUE; u

([158]) Għal ċertezza akbar, għar-rieżami u għall-korrezzjoni ta' azzjoni amministrattiva, Parti tista' teħtieġ l-eżawriment tar-rimedji amministrattivi disponibbli.

(B) l-atti delegati u ta' implimentazzjoni, kif previsti fl-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE, rispettivament; u

(ii) għall-Messiku:

(A) liġijiet u digrieti leġiżlattivi ppreżentati mill-fergħa eżekuttiva tal-Gvern Federali; u

(B) kwalunkwe att amministrattiv ieħor ta' applikazzjoni ġenerali, inkluż, iżda mhux, limitat għal regolamenti, digrieti, ftehimiet u *Normas Oficiales Mexicanas* ("NOMs", Standards Uffiċjali tal-Messiku).

Artikolu 28.2

Prinċipji Ġenerali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta':

(a) l-użu ta' prattiki regolatorji tajbin fil-proċess ta' ppjanar, ta' tfassil, ta' ħruġ, ta' implimentazzjoni, ta' evalwazzjoni u ta' rieżami ta' miżuri regolatorji sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika domestika; u

(b) iż-żamma u t-titjib tal-benefiċċji ta' dan il-Ftehim permezz tal-użu ta' prattiki regolatorji tajbin sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ f'oġġetti u f'servizzi u jiżdied l-investiment bejn il-Partijiet.

2. Kull Parti għandu jkollha d-dritt li tiddetermina l-approċċ tagħha għal prattiki regolatorji tajbin skont dan il-Ftehim b'mod konsistenti mal-qafas legali, mal-prattika u mal-prinċipji fundamentali tagħha ([159]) stess li fuqhom tkun ibbażata s-sistema regolatorja tagħha.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma għandhomx jinftiehmu bħala li jeħtieġu li Parti:

(a) tiddevja mill-proċeduri domestiċi għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet regolatorji tagħha u għat-tħejjija u għall-adozzjoni ta' miżuri regolatorji li jiżguraw il-livelli ta' protezzjoni li hija tqis xierqa;

(b) tieħu azzjonijiet li jimminaw jew jimpedixxu l-adozzjoni f'waqtha ta' miżuri regolatorji sabiex tilħaq l-objettivi tal-ordni pubbliku tagħha; jew

(c) tikseb kwalunkwe eżitu regolatorju partikolari.

Artikolu 28.3

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri regolatorji fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għall-awtoritajiet regolatorji u għall-miżuri, għall-prattiki jew għall-approċċi regolatorji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 28.4

Konsultazzjoni u Koordinazzjoni Interna tal-Iżvilupp Regolatorju

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-implimentazzjoni ta' prattiki regolatorji tajbin tista' tiġi ffaċilitata permezz ta' mekkaniżmi domestiċi li jtejbu l-konsultazzjoni u l-koordinazzjoni interni meħtieġa għall-proċessi jew għall-mekkaniżmi għall-iżvilupp ta' miżuri regolatorji.

([159]) Għall-Unjoni Ewropea, dawn il-prinċipji jinkludu dawk inklużi fit-TFUE u derivati minnu.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċessi jew mekkaniżmi interni ta' koordinazzjoni jew ta' rieżami fir-rigward ta' miżuri regolatorji li l-awtorità regolatorja tagħha qiegħda tiżviluppa.

3. Tali proċessi jew mekkaniżmi għandhom ifittxu, fost affarijiet oħrajn, li:

(a) irawmu prattiki regolatorji tajbin, inklużi dawk stabbiliti f'dan il-Kapitolu;

(b) isaħħu l-konsultazzjonijiet u l-koordinazzjoni interni għall-identifikazzjoni u għall-evitar ta' duplikazzjoni u ta' inkonsistenza bla bżonn tar-rekwiżiti fil-miżuri regolatorji tal-Parti;

(c) jippromwovu li l-impatti potenzjali tal-miżuri regolatorji li qegħdin jitħejjew, inklużi dawk fuq l-intrapriżi żgħar u medji, jitqiesu fil-proċess sussegwenti tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

(d) jiżguraw il-konformità mal-obbligi internazzjonali tal-kummerċ u tal-investiment; u

(e) jippromwovu l-kunsiderazzjoni tal-iżviluppi rilevanti f'fora internazzjonali u f'fora oħrajn.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-proċessi jew il-mekkaniżmi msemmijin fil-paragrafu 2 jistgħu jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi rispettivi tagħhom. F'dan ir-rigward, kull Parti tista', f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri domestiċi tagħha, ittejjeb is-sistema regolatorja tagħha permezz ta' mekkaniżmi interni addizzjonali ta' konsultazzjoni u ta' koordinazzjoni.

5. Kull Parti tista' tistabbilixxi jew iżżomm korp ċentrali ta' koordinazzjoni.

Artikolu 28.5

Trasparenza tal-Proċessi u tal-Mekkaniżmi Regolatorji

Kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku deskrizzjonijiet tal-proċessi u tal-mekkaniżmi użati mill-awtorità regolatorja tagħha sabiex tħejji, tevalwa jew tirrieżamina miżuri regolatorji. Dawk id-deskrizzjonijiet għandhom jirreferu għal linji gwida, għal regoli jew għal proċeduri rilevanti, inklużi dawk dwar l-opportunitajiet għall-pubbliku sabiex jipprovdi kummenti.

Artikolu 28.6

Informazzjoni Bikrija dwar Miżuri Regolatorji Ppjanati

1. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, tal-anqas fuq bażi annwali, lista ta' miżuri regolatorji ewlenin ippjanati ([160]) li l-awtorità regolatorja tagħha tistenna b'mod raġonevoli li tadotta fi żmien is-sena.

2. Fir-rigward ta' kull waħda mill-miżuri regolatorji inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1, kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku wkoll:

(a) deskrizzjoni qasira tal-ambitu u tal-objettivi tagħha; u

(b) iż-żmien stmat għall-adozzjoni tagħha inkluż, jekk possibbli, il-perjodu għall-konsultazzjoni pubblika.

([160]) Għal ċertezza akbar, "miżura regolatorja ewlenija" tfisser miżura li għandha impatt regolatorju sinifikanti kif iddeterminat minn kull Parti, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri tagħha.

Artikolu 28.7

Konsultazzjonijiet Pubbliċi

1. Meta tiżviluppa miżura regolatorja ewlenija, kull Parti għandha, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri tagħha:

(a) tippubblika abbozz ta' miżura regolatorja jew dokumenti ta' konsultazzjoni li jipprovdu biżżejjed dettalji dwar il-miżura regolatorja l-ġdida li qiegħda titħejja sabiex kwalunkwe persuna tkun tista' tivvaluta jekk u kif l-interessi tagħha jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti;

(b) toffri opportunitajiet raġonevoli għal kwalunkwe persuna, fuq bażi mhux diskriminatorja, sabiex tipprovdi kummenti; u

(c) tikkunsidra l-kummenti riċevuti.

2. Kull Parti għandha tagħmel użu minn mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni u tfittex li tuża punt ta' aċċess uniku ddedikat għall-għoti ta' informazzjoni relatata mal-konsultazzjonijiet pubbliċi, inkluż dwar kif jiġu pprovduti kummenti.

3. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku kwalunkwe kumment li tirċievi, kif ukoll sommarju tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet. Dak l-obbligu ma japplikax sal-punt neċessarju sabiex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali jew id-data personali, jew sabiex ma jiġix iddivulgat kontenut mhux xieraq.

Artikolu 28.8

Valutazzjoni tal-Impatt Regolatorju

1. Kull Parti għandha tippromwovi li l-awtorità regolatorja tagħha, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri applikabbli, twettaq valutazzjonijiet tal-impatt regolatorji meta tiżviluppa miżuri regolatorji kbar.

2. Meta twettaq valutazzjoni tal-impatt regolatorja f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tistabbilixxi u żżomm proċessi u mekkaniżmi li jippromwovu l-kunsiderazzjoni tal-fatturi li ġejjin:

(a) il-ħtieġa għal miżura regolatorja, inklużi n-natura u s-sinifikat tal-problema li l-miżura regolatorja hija maħsuba li tindirizza;

(b) kwalunkwe alternattiva regolatorja u mhux regolatorja fattibbli u xierqa, inkluża l-opzjoni ta' nuqqas ta' regolamentazzjoni, li tikseb l-objettiv tal-ordni pubbliku ta' dik il-Parti;

(c) sa fejn ikun possibbli u rilevanti, il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali u l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali ta' dawk l-alternattivi, inkluż fuq il-kummerċ u fuq l-investiment internazzjonali u fuq l-intraprizi żgħar u medji; filwaqt li jiġi rrikonoxxut li xi kostijiet u benefiċċji huma diffiċli li jiġu kkwantifikati u espressi f'termini monetarji;

(d) kif l-opzjonijiet li qegħdin jiġu kkunsidrati huma relatati mal-istandards internazzjonali rilevanti, inkluża r-raġuni għal kwalunkwe diverġenza, meta xieraq; u

(e) kif l-objettivi tal-ordni pubbliku jintlaħqu bl-aħjar mod f'termini ta' effettività u ta' effiċjenza.

3. Meta twettaq valutazzjoni tal-impatt regolatorja f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtorità regolatorja għandha tibbaża fuq l-aħjar evidenza raġonevolment disponibbli inkluża informazzjoni xjentifika, teknika, ekonomika jew informazzjoni oħra.

4. Fir-rigward ta' kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt regolatorju li awtorità regolatorja tkun wettqet għal miżura regolatorja, il-Parti kkonċernata għandha tħejji rapport finali li jistabbilixxi fid-dettall il-fatturi li l-awtorità regolatorja kkunsidrat fil-valutazzjoni tagħha u fis-sejbiet rilevanti. Dan ir-rapport għandu jsir disponibbli għall-pubbliku mhux aktar tard mid-data li fiha l-miżura regolatorja ssir disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 28.9

Evalwazzjoni Retrospettiva

1. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha żżomm proċessi jew mekkaniżmi sabiex tippromwovi evalwazzjonijiet jew rieżamijiet retrospettivi perjodiċi tal-miżuri regolatorji tagħha f'intervalli li tqis xierqa.

2. Meta jwettqu evalwazzjoni retrospettiva perjodika, l-awtoritajiet regolatorji ta' Parti għandhom jikkunsidraw jekk hemmx opportunitajiet sabiex jintlaħqu b'mod aktar effettiv l-objettivi tal-ordni pubbliku u sabiex jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji mhux neċessarji, inkluż fuq l-intrapriżi żgħar u medji. Fuq il-bażi ta' dawk l-evalwazzjonijiet perjodiċi retroattivi, kull Parti għandha tiddetermina jekk il-miżuri regolatorji tagħha għandhomx jiġu mmodifikati, issimplifikati, estiżi jew irrevokati.

3. Kull Parti għandha tagħmel pubblikament disponibbli l-pjanijiet tagħha għall- evalwazzjonijiet perjodiċi retrospettivi tagħha u r-riżultati tagħhom.

Artikolu 28.10

Reġistru Regolatorju

Kull Parti għandha tiżgura, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri tagħha, li l-miżuri regolatorji li jkunu fis-seħħ ikunu disponibbli fuq sit web uniku u aċċessibbli mingħajr ħlas. Dak is-sit web għandu jippermetti tiftix għal miżuri regolatorji permezz ta' kwotazzjoni jew b'kelma u jiġi aġġornat perjodikament.

Artikolu 28.11

Punti ta' Kuntatt

1. Il-punti ta' kuntatt għall-komunikazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet li jirriżultaw skont dan il-Kapitolu huma:

(a) għall-Messiku, id-Direttorat Ġenerali għad-Dixxiplini Internazzjonali tal-Kummerċ tas-Sottosegretarjat tal-Kummerċ Barrani tal-Ministeru għall-Ekonomija (*Dirección General de Disciplinas de Comercio Internacional de la Subsecretaría de Comercio Exterior de la Secretaría de Economía*) jew is-suċċessur tiegħu; u

(b) għall-Unjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, jew is-suċċessur tiegħu.

2. Kull punt ta' kuntatt huwa responsabbli għall-konsultazzjoni u għall-koordinazzjoni fi ħdan l-awtorità regolatorja rispettiva tiegħu, kif xieraq, dwar kwistjonijiet li jirriżultaw skont dan il-Kapitolu.

3. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt tagħha u tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra dwar kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

Artikolu 28.12

Kooperazzjoni u Skambju ta' Informazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Dik il-kooperazzjoni tista'tinkludi l-organizzazzjoni ta' kwalunkwe attività rilevanti, inkluża l-assistenza reċiproka, sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji tagħhom.

2. Mhux aktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ir-regoli u l-proċeduri eżistenti tagħhom dwar prattiki regolatorji tajbin u, jekk applikabbli, dwar kwalunkwe pass li jkun sar għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 28.13

Soluzzjoni tat-Tilwim

Parti ma għandux ikollha rikors għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 29

INTRAPRIŻI ŻGĦAR U MEDJI

Artikolu 29.1

Objettiv

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet rilevanti għall-intrapriżi żgħar u medji (minn hawn 'il quddiem imsejħin "SMEs") bil-mezzi previsti f'dan il-Kapitolu kif ukoll b'dispożizzjonijiet oħrajn ta' dan il-Ftehim li jistgħu jkunu ta' benefiċċju partikolari għall-SMEs.

Artikolu 29.2

Kondiviżjoni ta' Informazzjoni

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm sit web aċċessibbli għall-pubbliku li jkun fih informazzjoni rigward dan il-Ftehim, inklużi:

(a) it-test ta' dan il-Ftehim, inklużi l-annessi kollha;

(b) sommarju ta' dan il-Ftehim; u

(c) informazzjoni mfassla għall-użu mill-SMEs li għandu jkun fiha:

(i) deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li l-Parti tqis li jkunu rilevanti għall-SMEs taż-żewġ Partijiet; u

(ii) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-Parti tqis utli għall-SMEs interessati li jibbenefikaw mill-opportunitajiet ipprovduti taħt dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tinkludi fis-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 links għal dawn:

(a) is-sit web ekwivalenti tal-Parti l-oħra; u

(b) is-siti web tal-awtoritajiet tal-gvern tagħha u ta' entitajiet xierqa oħrajn li l-Parti tqis li jipprovdu informazzjoni utli lill-SMEs li huma interessati li jagħmlu kummerċ jew negozju f'dik il-Parti.

3. Is-siti web imsemmijin fis-subparagrafu 2(b) għandhom jinkludu informazzjoni relatata ma' dawn li ġejjin:

(a) il-liġijiet u r-regolamenti doganali, u l-proċeduri għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għat-tranżitu kif ukoll il-formoli u d-dokumenti meħtieġa għalihom;

(b) il-liġijiet u r-regolamenti, u l-proċeduri li jikkonċernaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(c) ir-regolamenti tekniċi u, f'każijiet li fihom il-valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza tkun obbligatorja kif previst fil-Kapitolu 9 (Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ), il-proċeduri obbligatorji ta' valutazzjoni tal-konformità u r-rabtiet ma' listi ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità;

(d) miżuri sanitarji u fitosanitarji relatati mal-importazzjoni u mal-esportazzjoni;

(e) regoli dwar l-akkwist pubbliku, bażi tad-data li jkun fiha avviżi ta' akkwist pubbliku u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku);

(f) il-proċeduri ta' reġistrazzjoni ta' negozju; u

(g) informazzjoni oħra li l-Parti tqis li tkun utli għall-SMEs.

4. Kull Parti għandha tinkludi fis-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 link għal bażi tad-data li tista' titfittex b'mod elettroniku skont il-kodiċi tan-nomenklatura tariffarja. Dik il-bażi tad-data għandha:

(a) tinkludi l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-aċċess tal-oġġetti għas-suq tagħha:

(i) ir-rati tad-dazji doganali u l-kwoti tar-rati tariffarji, jekk applikabbli, li jikkonċernaw il-pajjiżi klassifikati bħala nazzjon l-aktar iffavorit u mhux klassifikati bħala nazzjon l-aktar iffavorit kif ukoll ir-rati preferenzjali tad-dazji doganali u l-kwoti tar-rati tariffarji;

(ii) id-dazji tas-sisa;

(iii) it-taxxa fuq il-valur miżjud;

(iv) imposti doganali jew tariffi oħrajn, inklużi tariffi speċifiċi għall-prodotti;

(v) ir-regoli tal-oriġini kif previsti fil-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-Oriġini); u

(vi) il-kriterji użati sabiex jiġi ddeterminat il-valur doganali tal-oġġetti; u

(b) tiżgura li tinkludi l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-aċċess tal-oġġetti għas-suq tagħha:

(i) miżuri tariffarji oħrajn;

(ii) ir-restituzzjoni tad-dazji doganali, id-differiment jew tipi oħrajn ta' eżenzjoni li jnaqqsu, jirrifondu jew jirrinunzjaw id-dazji doganali;

(iii) jekk applikabbli, ir-rekwiżiti tal-markatura tal-pajjiż ta' oriġini, inklużi t-tqegħid u l-metodu tal-markatura;

(iv) l-informazzjoni meħtieġa għall-proċeduri tal-importazzjoni; u

(v) informazzjoni relatata ma' miżuri mhux tariffarji.

5. Kull Parti għandha taġġorna regolarment l-informazzjoni u l-links ipprovduti skont il-paragrafi 1 sa 4 sabiex tiżgura li jkunu akkurati.

6. Kull Parti għandha tiżgura li l-informazzjoni pprovduta f'konformità ma' dan l-Artikolu tiġi ppreżentata b'mod adegwat għall-użu tal-SMEs. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tagħmel l-informazzjoni disponibbli bl-Ingliż.

7. Parti ma għandha tapplika l-ebda tariffa għall-aċċess għall-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafi 1 sa 4 lil kwalunkwe persuna ta' Parti.

Artikolu 29.3

Punti ta' Kuntatt għall-SMEs

1. Kull Parti għandha tiddeżinja punt ta' kuntatt ("Punt ta' Kuntatt għall-SMEs") inkarigat mill-funzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tiegħu. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw minnufih lil xulxin bi kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

2. Il-Punti ta' Kuntatt għall-SMEs għandhom:

(a) jiżguraw li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tal-SMEs fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u jikkunsidraw modi kif jiżdiedu l-opportunitajiet ta' kummerċ u ta' investiment għall-SMEs billi jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet tal-SMEs;

(b) jidentifikaw modi u jiskambjaw informazzjoni għall-SMEs tal-Partijiet sabiex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ġodda maħluqin skont dan il-Ftehim;

(c) jiżguraw li l-informazzjoni inkluża fis-siti web imsemmijin fl-Artikolu 29.2 tkun aġġornata u rilevanti għall-SMEs, u jikkunsidraw li jinkludu f'dawk is-siti web kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li Punt ta' Kuntatt għall-SMEs jista' jirrakkomanda;

(d) jindirizzaw kwalunkwe kwistjoni oħra ta' interess għall-SMEs b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim fir-rigward tal-SMEs, inkluż billi:

(i) jiskambjaw informazzjoni;

(ii) jipparteċipaw, jekk ikun xieraq, fil-ħidma tas-sottokumitati u tal-gruppi ta' ħidma stabbiliti skont dan il-Ftehim, u jippreżentaw lil dawk is-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma, fl-oqsma ta' attività speċifiċi rispettivi tagħhom, kwistjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' interess partikolari għall-SMEs, filwaqt li jevitaw id-duplikazzjoni tal-programmi ta' ħidma; u

(iii) jidentifikaw u jipproponu soluzzjonijiet possibbli reċiprokament aċċettabbli għat-titjib tal-kapaċità tal-SMEs li jinvolvu ruħhom fil-kummerċ u fl-investiment bejn il-Partijiet;

(e) jirrapportaw perjodikament dwar l-attivitajiet tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Kumitat Konġunt; u

(f) jikkunsidraw kwalunkwe kwistjoni oħra li tirriżulta skont dan il-Ftehim li tappartjeni għall-SMEs skont kif jistgħu jaqblu l-Partijiet.

3. Il-Punti ta' Kuntatt għall-SMEs għandhom jiltaqgħu kif ikun neċessarju u għandhom iwettqu l-ħidma tagħhom permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni xierqa miftehmin mill-Punti ta' Kuntatt għall-SMEs li jistgħu jinkludu l-posta elettronika, il-vidjokonferenzi jew mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni elettronika.

4. Il-Punti ta' Kuntatt għall-SMEs jistgħu jfittxu li jikkooperaw ma' esperti u ma' organizzazzjonijiet esterni, kif xieraq, fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.

Artikolu 29.4

Nuqqas ta' Applikazzjoni tas-Soluzzjoni tat-Tilwim

Parti ma għandux ikollha rikors għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 30

MATERJA PRIMA

Artikolu 30.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "awtorizzazzjoni" tfisser il-permess, il-liċenzja, il-konċessjoni jew strument amministrattiv jew kuntrattwali simili li permezz tagħhom l-awtorità kompetenti ta' Parti tagħti d-dritt lil entità biex teżerċita ċerta attività ekonomika fit-territorju tagħha;

(b) "entità" tirreferi għal kwalunkwe persuna fiżika jew intrapriża jew grupp tagħha; u

(c) "materja prima" tfisser sustanzi użati fil-manifattura ta' prodotti industrijali, minbarra prodotti tas-sajd ipproċessati u prodotti agrikoli, li jikkonsistu f'melħ, kubrit, trab u ġebel, materjali tat-tikħil, ġir u siment (SA 25); minerali, gagazza u rmied (SA 26); oġġetti inklużi f'SA 27; sustanzi kimiċi inorganiċi (HS 28); sustanzi kimiċi organiċi (HS 29); fertilizzanti (SA 31); lastiku naturali (SA 40); ġlud ħoxnin, ġlud u ġilda mhux ipproċessati (SA 41); u metalli bażiċi u prezzjużi u minerali pproċessati (ex SA 71, 72; 74-76; 78-81), minbarra l-uranju u t-torju (SA 26.12) u l-elementi radjuattivi u l-isotopi (SA 28.44, 28.45).

Artikolu 30.2

Prinċipji

1. Kull Parti żżomm id-dritt sovran li tiddetermina jekk iż-żoni humiex disponibbli għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' materja prima fit-territorju tagħha, determinati skont il-liġi tagħha u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.

2. F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet jirriżervaw id-dritt tagħhom li jadottaw, iżommu u jinfurzaw il-miżuri meħtieġa biex isegwu objettivi leġittimi ta' politika pubblika, bħall-iżgurar tal-provvista ta' materja prima, il-protezzjoni tas-soċjetà, l-ambjent, is-saħħa pubblika u l-konsumaturi, u l-promozzjoni tas-sigurtà u s-sikurezza pubblika.

Artikolu 30.3

Monopolizzazzjoni tal-Esportazzjoni u tal-Importazzjoni

Parti ma għandhiex tiddeżinja jew iżżomm monopolju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni għall-materja prima. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, monopolju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni jfisser id-dritt esklużiv jew l-għoti ta' awtorità minn Parti lil entità biex timporta jew tesporta materja prima lill-Parti l-oħra ([161]).

([161]) Għal aktar ċertezza, din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 10 (Investiment) u fil-Kapitolu 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi) u għall-annessi tagħhom u ma tinkludi l-ebda dritt li jirriżulta mill-għoti ta' dritt esklużiv ta' proprjetà intellettwali.

Artikolu 30.4

Ipprezzar tal-Esportazzjoni

Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm prezz ogħla għall-esportazzjonijiet ta' materja prima lejn il-Parti l-oħra mill-prezz mitlub għal dawk l-oġġetti meta jkunu destinati għas-suq domestiku, permezz ta' kwalunkwe miżura.

Artikolu 30.5

Prezzijiet Domestiċi

1. Il-Partijiet jistgħu jirregolaw biss il-prezz tal-provvista domestika ta' materja prima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "prezz regolat") billi jimponu obbligu ta' servizz pubbliku.

2. Jekk Parti timponi obbligu ta' servizz pubbliku, hija għandha tiżgura li l-obbligu:

(a) jkun definit b'mod ċar, trasparenti u proporzjonat; u

(b) ma jinżammx jekk iċ-ċirkostanzi jew l-objettivi li jwasslu għall-impożizzjoni tiegħu ma jibqgħux jeżistu.

3. Parti li tirregola l-prezz għandha tiżgura li l-metodoloġija sottostanti għall-kalkolu tal-prezz regolat imsemmi fil-paragrafu 2 tiġi ppubblikata qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 30.6

Kooperazzjoni dwar il-Materja Prima

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tal-materja prima bl-għan li, fost affarijiet oħrajn:

(a) inaqqsu jew jeliminaw miżuri li jfixklu l-kummerċ u l-investiment f'pajjiżi terzi u li jaffettwaw il-materja prima;

(b) jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom f'fora internazzjonali fejn jiġu diskussi kwistjonijiet ta' kummerċ u investiment relatati mal-materja prima, u jrawmu programmi internazzjonali fl-oqsma tal-materja prima;

(c) irawmu l-iskambju ta' data tas-suq fil-qasam tal-materja prima;

(d) jippromwovu r-responsabbiltà soċjali korporattiva f'konformità mal-istandards internazzjonali, bħal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali dwar Imġiba Responsabbli fin-Negozju u l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju;

(e) jippromwovu r-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u t-taħriġ fl-oqsma rilevanti ta' interess komuni fil-qasam tal-materja prima;

(f) irawmu l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar l-iżviluppi tal-politika domestika; u

(g) jippromwovu l-użu effiċjenti tar-riżorsi, inkluż it-titjib tal-proċessi tal-produzzjoni kif ukoll id-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, id-disinn għaż-żarmar, il-faċilità tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-oġġetti.

KAPITOLU 31

SOLUZZJONI TAT-TILWIM

TAQSIMA A

Objettiv u Kamp ta' Applikazzjoni

Artikolu 31.1

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jiġi stabbilit mekkaniżmu effettiv u effiċjenti sabiex tiġi evitata u solvuta kwalunkwe tilwima bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim bil-għan li tinstab soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku, meta tkun possibbli.

Artikolu 31.2

Kamp ta' Applikazzjoni

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor, dan il-Kapitolu japplika fir-rigward ta' kwalunkwe tilwima bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejħin "dispożizzjonijiet koperti"), jekk Parti tqis li miżura ([162]) tal-Parti l-oħra tkun inkonsistenti ma' kwalunkwe dispożizzjoni koperta.

Artikolu 31.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi 31-A u 31-B .

Artikolu 31.4

Għażla tal-Forum

1. Jekk tinqala' tilwima fir-rigward ta' miżura allegatament inkonsistenti ma' obbligu skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim jew obbligu sostanzjalment ekwivalenti skont ftehim internazzjonali ieħor li ż-żewġ Partijiet ikunu parti għalih, inkluż il-Ftehim tad-WTO, il-Parti li tfittex rimedju għandha tagħżel il-forum li fih tissolva t-tilwima.

2. Ladarba Parti tkun bdiet il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu jew skont ftehim internazzjonali ieħor, dik il-Parti ma għandhiex tibda proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim f'forum ieħor fir-rigward tal-miżura msemmija fil-paragrafu 1, ħlief jekk il-forum magħżul l-ewwel ma jirnexxilux jagħmel sejbiet għal raġunijiet proċedurali jew ġuriżdizzjonali.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu jitqiesu li jinbdew permezz ta' talba minn Parti għat-twaqqif ta' panel skont l-Artikolu 31.6;

(b) il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont il-Ftehim tad-WTO jitqiesu li jinbdew permezz ta' talba ta' Parti għall-istabbiliment ta' panel skont l-Artikolu 6 tad-DSU; u

([162]) Għal ċertezza akbar, kwalunkwe att jew ommissjoni attribwibbli għal Parti tista' tkun miżura ta' dik il-Parti għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu. Miżura proposta ta' Parti tista' tkun is-suġġett ta' konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 31.5. Panel ma għandux jitwaqqaf sabiex jirrieżamina miżura proposta.

(c) il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont kwalunkwe ftehim ieħor jitqiesu li jinbdew f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dak il-ftehim.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprekludi lil Parti milli tissospendi l-obbligi awtorizzati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO jew awtorizzati skont il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' ftehim internazzjonali ieħor li l-Partijiet ikunu parti għalih. Il-Ftehim tad-WTO jew kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor bejn il-Partijiet ma għandux jiġi invokat sabiex jipprekludi Parti milli tissospendi l-obbligi skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

TAQSIMA B

Konsultazzjonijiet

Artikolu 31.5

Konsultazzjonijiet

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex isolvu kwalunkwe tilwima msemmija fl-Artikolu 31.2 billi jikkonsultaw lil xulxin bona fide bil-għan li jilħqu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

2. Parti għandha tfittex il-konsultazzjonijiet permezz ta' talba bil-miktub lill-Parti l-oħra filwaqt li tidentifika l-miżura inkwistjoni u d-dispożizzjonijiet koperti li hija tqis applikabbli.

3. Il-Parti li lilha ssir it-talba għall-konsultazzjonijiet għandha twieġeb it-talba minnufih, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data tar-riċevuta tagħha. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tar-riċevuta tat-talba u jsiru, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, fit-territorju tal-Parti li lilha tkun saret it-talba. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala konklużi 30 jum wara d-data tar-riċevuta tat-talba, sakemm il-Partijiet ma jaqblux li jkomplu l-konsultazzjonijiet.

4. Konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' urġenza, inklużi dawk dwar oġġetti li jitħassru, għandhom isiru fi żmien 15-il jum mid-data tar-riċevuta tat-talba għall-konsultazzjonijiet. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala konklużi fi żmien dawk il-15-il jum sakemm il-Partijiet ma jaqblux li jkomplu l-konsultazzjonijiet.

5. Matul il-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra b'informazzjoni fattwali suffiċjenti sabiex tippermetti li jsir eżami sħiħ tal-mod li bih il-miżura inkwistjoni tista' taffettwa l-applikazzjoni ta' din il-Parti. Kull Parti għandha tieħu impenn li tiżgura l-parteċipazzjoni ta' persunal tal-awtoritajiet governattivi kompetenti tagħha li għandhom l-għarfien espert fil-kwistjoni soġġetta għall-konsultazzjonijiet.

6. Il-konsultazzjonijiet, u b'mod partikolari l-pożizzjonijiet meħudin mill-Partijiet matul il-konsultazzjonijiet, għandhom ikunu kunfidenzjali u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' xi Parti fi kwalunkwe proċediment ulterjuri. Kull Parti għandha tipproteġi kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali riċevuta matul il-konsultazzjonijiet kif mitlub mill-Parti li tipprovdi l-informazzjoni.

7. Jekk il-Parti li lilha ssir it-talba ma tirrispondix għat-talba għal konsultazzjonijiet fi żmien 10 ijiem wara d-data tar-riċevuta tagħha, jekk il-konsultazzjonijiet ma jsirux fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 3 jew 4, jekk il-Partijiet jaqblu li ma jkollhomx konsultazzjonijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu ġew konklużi u ma tkun intlaħqet l-ebda soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku, il-Parti li tkun fittxet konsultazzjonijiet tista' tagħmel rikors għall-Artikolu 31.6.

TAQSIMA C

Proċeduri tal-Panel

Artikolu 31.6

Twaqqif ta' Panel

1. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jsolvu t-tilwima permezz ta' rikors għal konsultazzjonijiet kif previst fl-Artikolu 31.5, il-Parti li tkun fittxet konsultazzjonijiet tista' titlob it-twaqqif ta' panel.

2. It-talba għat-twaqqif ta' panel għandha ssir permezz ta' talba bil-miktub lill-Parti l-oħra. Il-Parti li tressaq l-ilment għandha tidentifika fit-talba tagħha l-miżura inkwistjoni u tispjega kif dik il-miżura hija inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti b'mod suffiċjenti li jippreżenta l-bażi legali għall-ilment b'mod ċar.

3. Wara t-talba għandu jitwaqqaf panel.

Artikolu 31.7

Kompożizzjoni ta' Panel

1. Għandu jitwaqqaf panel magħmul minn tliet membri tal-panel.

2. Fi żmien 15-il jum wara d-data tar-riċevuta tat-talba bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 31.6.2,, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jaqblu dwar il-kompożizzjoni tal-panel. Għal dak l-għan, kull Parti għandha, fi żmien 10 ijiem wara d-data ta' tali riċevuta tat-talba bil-miktub, tiddeżinja membru tal-panel, li jista' jkun ċittadin ta' dik il-Parti, u tipproponi lill-Parti l-oħra sa tliet kandidati sabiex iservu bħala President. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqblu dwar il-President minn fost il-kandidati għal President fi żmien 15-il jum wara d-data tar-riċevuta tat-talba bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 31.6.2. Parti tista' toġġezzjona għal membru tal-panel iddeżinjat mill-Parti l-oħra jekk tqis li tali individwu ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 31.9.

3. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-kompożizzjoni tal-panel fil-perjodu ta' żmien ta' 15-il jum stabbilit fil-paragrafu 2, il-Partijiet għandhom japplikaw il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi 4 sa 9 sabiex isawru panel.

4. Fi żmien 7 ijiem wara l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien ta' 15-il jum stabbilit fil-paragrafu 2, kull Parti għandha taħtar membru tal-panel mis-sottolista tagħha msemmija fl-Artikolu 31.8.

5. Jekk il-Parti li tressaq l-ilment tonqos milli taħtar membru tal-panel fil-perjodu speċifikat fil-paragrafu 4, il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim għandhom jiskadu fi tmiem dak il-perjodu.

6. Jekk il-Parti li kontriha sar l-ilment tonqos milli taħtar membru tal-bord fil-perjodu speċifikat fil-paragrafu 4, il-Parti li tressaq l-ilment tista' titlob lil awtorità tal-ħatra elenkata fir-Regoli ta' Proċedura fl-Anness 31-A biex tagħżel il-membru tal-bord bil-polza. L-awtorità tal-ħatra għandha tagħżel il-membru tal-bord bil-polza mis-sublista tal-Parti li kontriha sar l-ilment imsemmija fl-Artikolu 31.8 fi żmien 15-il jum wara li tirċievi t-talba tal-Parti li tressaq l-ilment.

7. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-President fil-perjodu ta' żmien ta' 15-il jum stabbilit fil-paragrafu 2, il-Parti li tressaq l-ilment jew, fil-każ ta' proċeduri skont l-Artikolu 31.18, kwalunkwe Parti, tista' titlob lil awtorità tal-ħatra elenkata fir-Regola 6 tar-Regoli ta' Proċedura fl-Anness 31-A sabiex tagħżel bil-polza l-President tal-panel mis-sottolista ta' individwi li għandhom iservu bħala Presidenti msemmija fl-Artikolu 31.8, fi żmien 7 ijiem wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien. L-awtorità tal-ħatra għandha tagħżel il-President fi żmien 15-il jum wara li tirċievi t-talba msemmija f'dan il-paragrafu.

8. Għall-finijiet tal-paragrafi 6 u 7, l-awtoritajiet tal-ħatra elenkati fir-Regola 6 tar-Regoli ta' Proċedura fl-Anness 31-A għandhom jagħżlu l-membri tal-panel f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u ma' dawk ir-Regoli ta' Proċedura.

9. Jekk xi waħda mil-listi msemmijin fl-Artikolu 31.8 ma tkunx ġiet adottata mill-Kumitat Konġunt, il-membri tal-panel jew il-President għandu jingħażel mill-individwi li jkunu ġew iddeżinjati minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet u jiġi nnotifikat bil-miktub lill-Parti l-oħra għall-finijiet tal-adozzjoni ta' dik il-lista.

Artikolu 31.8

Listi ta' Membri tal-Panel

1. Sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta lista ta' mill-anqas 15-il individwu li jkunu lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-panel. Il-lista għandha tkun magħmula mit-tliet sottolisti li ġejjin:

(a) sottolista ta' individwi tal-Unjoni Ewropea;

(b) sottolista ta' individwi tal-Messiku; u

(c) sottolista ta' individwi li għandhom iservu bħala president tal-panel.

2. Kull sottolista għandha tinkludi tal-anqas ħames individwi. Is-sottolista msemmija fis-subparagrafu 1(c) ma għandhiex tinkludi individwi li huma ċittadini ta' kwalunkwe Parti.

3. Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta listi addizzjonali ta' individwi b'għarfien espert f'setturi speċifiċi koperti minn dan il-Ftehim. Soġġetti għall-qbil mill-Partijiet, tali listi addizzjonali għandhom jintużaw sabiex jitwaqqaf il-panel f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 31.7.

Artikolu 31.9

Rekwiżiti għall-Membri tal-Panel

1. Kull membru tal-panel għandu:

(a) ikun wera għarfien espert fid-dritt, fil-kummerċ internazzjonali, u fi kwistjonijiet oħrajn koperti minn dan il-Ftehim, bħas-soluzzjoni tat-tilwim li jinħoloq taħt ftehimiet kummerċjali internazzjonali oħrajn;

(b) ikun indipendenti mill-Partijiet, ma jkunx affiljat magħhom u lanqas ma jieħu struzzjonijiet mingħandhom;

(c) iservi fil-kapaċitajiet individwali u ma jiħux struzzjonijiet mingħand xi organizzazzjoni jew gvern fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mat-tilwima; u

(d) jikkonforma mal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi fl-Anness 31-B.

2. Il-President għandu jkollu wkoll esperjenza fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim.

3. Fid-dawl tas-suġġett ta' tilwima partikolari, il-Partijiet jistgħu jaqblu li jidderogaw mir-rekwiżiti elenkati fis-subparagrafu 1(a).

Artikolu 31.10

Funzjonijiet tal-Panel

Il-panel:

(a) għandu jagħmel valutazzjoni oġġettiva tal-materja quddiemu, li tinkludi valutazzjoni oġġettiva tal-fatti tal-każ, u tal-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet koperti u tal-konformità tal-miżuri inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet koperti;

(b) għandu jistabbilixxi, fid-deċiżjonijiet u fir-rapporti tiegħu, is-sejbiet tal-fatt, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet koperti, ir-raġunament bażiku għal kwalunkwe sejba u konklużjoni u, jekk il-partijiet ikunu talbuha b'mod konġunt, kwalunkwe rakkomandazzjoni; u

(c) għandu jikkonsulta b'mod regolari mal-Partijiet u jipprovdi opportunitajiet adegwati għall-iżvilupp ta' soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

Artikolu 31.11

Termini ta' Referenza

1. Minbarra jekk il-Partijiet jaqblu mod ieħor, fi żmien 5 ijiem mid-data tal-ħatra tal-aħħar membru tal-panel, it-termini ta' referenza tal-panel għandhom ikunu:

"li jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Parti III (Kummerċ u Investiment) ta' dan il-Ftehim iċċitati mill-Partijiet, il-kwistjoni msemmija fit-talba għat-twaqqif tal-panel; li jagħmel sejbiet dwar il-konformità tal-miżura inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet tal-Parti III (Kummerċ u Investiment) ta' dan il-Ftehim imsemmijin fl-Artikolu 31.2 (Kamp ta' Applikazzjoni); li jagħmel rakkomandazzjonijiet, jekk il-partijiet ikunu talbuhom b'mod konġunt; u li jipprovdi rapport f'konformità mal-Artikoli 31.13 (Rapport Interim) u 31.14 (Rapport Finali)."

2. Jekk il-Partijiet jaqblu dwar termini ta' referenza oħrajn, għandhom jinnotifikaw it-termini ta' referenza maqbulin lill-panel fil-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1.

Artikolu 31.12

Deċiżjoni dwar l-Urġenza

1. Jekk Parti titlob dan mhux aktar tard minn 5 ijiem mid-data tal-konsenja tat-talba għat-twaqqif tal-panel, il-panel għandu jiddeċiedi, fi żmien 10 ijiem mill-ħatra tal-aħħar membru tal-panel, jekk il-każ jikkonċernax kwistjonijiet ta' urġenza. Il-Parti l-oħra għandu jkollha l-opportunità li tikkummenta dwar it-talba fi żmien 5 ijiem mid-data tal-konsenja ta' tali talba.

2. F'każijiet ta' urġenza, il-perjodi ta' żmien applikabbli stabbiliti fit-Taqsima C għandhom ikunu nofs iż-żmien stipulat fiha, ħlief għall-perjodi ta' żmien imsemmijin fl-Artikoli 31.6 u 31.11.

Artikolu 31.13

Rapport *Interim*

1. Il-panel għandu jwassal rapport *interim* lill-Partijiet fi żmien 90 jum wara d-data tal-ħatra tal-aħħar membru tal-panel. Meta l-panel iqis li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-President tal-panel għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-panel jippjana li joħroġ ir-rapport *interim* tiegħu. Il-panel qatt ma għandu jwassal ir-rapport *interim* tiegħu aktar tard minn 120 jum wara d-data tal-ħatra tal-aħħar membru tal-panel.

2. Kull Parti tista' twassal talba bil-miktub lill-panel sabiex jirrieżamina aspetti preċiżi tar-rapport *interim* fi żmien 10 ijiem mir-riċevuta tiegħu. Parti tista' tikkummenta fuq it-talba tal-Parti l-oħra fi żmien 6 ijiem mill-konsenja tagħha.

Artikolu 31.14

Rapport Finali

1. Il-panel għandu joħroġ ir-rapport finali tiegħu lill-Partijiet fi żmien 120 jum wara d-data tat-twaqqif tal-panel. Meta l-panel iqis li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-President tal-panel għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-panel jippjana li joħroġ ir-rapport finali tiegħu. Il-panel qatt ma għandu jwassal ir-rapport finali tiegħu aktar tard minn 150 jum wara d-data tat-twaqqif tal-panel.

2. Ir-rapport finali għandu jinkludi diskussjoni dwar kwalunkwe talba bil-miktub mill-Partijiet dwar ir-rapport *interim* u jindirizza b'mod ċar kwalunkwe kumment dwaru. Wara li jqis kwalunkwe talba bil-miktub u kumment mill-Partijiet dwar ir-rapport *interim*, il-panel jista' jimmodifika r-rapport tiegħu u jagħmel kwalunkwe eżami ulterjuri li jqis xieraq.

3. Id-deċiżjoni tal-panel fir-rapport finali għandha tkun finali u vinkolanti fuq il-Partijiet.

Artikolu 31.15

Miżuri ta' Konformità

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' konformità fil-pront mas-sejbiet u mal-konklużjonijiet tal-panel fir-rapport finali sabiex tiġi żgurata soluzzjoni effettiva tat-tilwima. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tieħu kwalunkwe miżura neċessarja sabiex tikkonforma fil-pront mas-sejbiet u mal-konklużjonijiet fir-rapport finali sabiex iġġib lilha nnifisha f'konformità mad-dispożizzjonijiet koperti.

2. Mhux aktar tard minn 30 jum wara r-riċevuta tar-rapport finali, il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tinnotifika lill-Parti li tressaq l-ilment dwar il-miżuri li tkun ħadet, jew li tipprevedi li tieħu, sabiex tikkonforma.

3. Sakemm il-Partijiet ma jilħqux soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku skont l-Artikolu 31.33, is-soluzzjoni ta' tilwima għandha tirrikjedi t-tneħħija ta' kwalunkwe miżura inkonsistenti ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 31.16

Perjodu ta' Żmien Raġonevoli

1. Jekk il-konformità immedjata ma tkunx possibbli, il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha, mhux aktar tard minn 30 jum wara li tirċievi r-rapport finali, twassal lill-Parti li tressaq l-ilment notifika tal-perjodu ta' żmien raġonevoli li tkun teħtieġ għall-konformità. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqblu dwar perjodu ta' żmien raġonevoli sabiex jikkonformaw mar-rapport finali. Il-perjodu ta' żmien raġonevoli ma għandux jaqbeż il-15-il xahar mill-konsenja tar-rapport finali skont l-Artikolu 31.14.

2. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar perjodu ta' żmien raġonevoli, il-Parti li tressaq l-ilment tista', mhux qabel 20 jum wara li tirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, titlob bil-miktub lill-panel oriġinali sabiex jiddetermina l-perjodu ta' żmien raġonevoli. Il-panel għandu jwassal id-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet fi żmien 20 jum wara d-data ta' riċevuta tat-talba.

3. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tinnotifika bil-miktub il-progress tagħha fil-konformità mar-rapport finali lill-Parti li tressaq l-ilment tal-anqas xahar qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli.

4. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jestendu l-perjodu ta' żmien raġonevoli.

Artikolu 31.17

Rieżami tal-Konformità

1. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha, mhux aktar tard mid-data ta' skadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli, tinnotifika lill-Parti li tressaq l-ilment dwar kwalunkwe miżura meħuda sabiex tikkonforma mar-rapport finali.

2. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar l-eżistenza ta' miżuri meħudin sabiex jikkonformaw jew il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet koperti, il-Parti li tressaq l-ilment tista' twassal talba bil-miktub lill-panel oriġinali sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. It-talba għandha tidentifika kwalunkwe miżura inkwistjoni u tispjega kif dawk il-miżuri jkunu inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti b'mod suffiċjenti sabiex il-bażi legali għall-ilment tiġi ppreżentata b'mod ċar. Il-panel għandu jwassal id-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet fi żmien 60 jum wara d-data ta' riċevuta tat-talba.

Artikolu 31.18

Rimedji Temporanji

1. Il-Parti li kontra jsir l-ilment għandha, fuq talba minn u wara konsultazzjonijiet mal-Parti li tressaq l-ilment, tippreżenta offerta għal kumpens temporanju jekk:

(a) il-Parti li kontriha jsir l-ilment tinnotifika lill-Parti li tressaq l-ilment li ma jkunx possibbli li tinżamm konformità mar-rapport finali; jew

(b) il-Parti li kontriha jsir l-ilment tonqos milli twassal notifika ta' kwalunkwe miżura meħuda sabiex tikkonforma sal-iskadenza msemmija fl-Artikolu 31.15.2 jew sad-data ta' skadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli; jew

(c) il-panel isib li ma tkun teżisti l-ebda miżura meħuda sabiex tikkonforma jew li l-miżura meħuda sabiex tikkonforma tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti.

2. Fi kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmijin fis-subparagrafi 1(a) sa (c), il-Parti li tressaq l-ilment tista' twassal notifika bil-miktub lill-Parti li kontriha jsir l-ilment li tkun beħsiebha tissospendi l-applikazzjoni tal-obbligi skont id-dispożizzjonijiet koperti jekk:

(a) il-Parti li tressaq l-ilment tiddeċiedi li ma tagħmilx talba skont il-paragrafu 1; jew

(b) meta ssir talba skont il-paragrafu 1, il-Partijiet ma jaqblux dwar il-kumpens temporanju fi żmien 20 jum wara:

(i) id-data tan-notifika tal-Parti li kontriha jsir l-ilment li ma jkunx possibbli li jkun hemm konformità mar-rapport finali;

(ii) id-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli; jew

(iii) l-għoti tad-deċiżjoni tal-panel skont l-Artikolu 31.17.2.

3. In-notifika msemmija fil-paragrafu 2 għandha tispeċifika l-livell ta' sospensjoni tal-obbligi maħsuba. Meta tikkunsidra liema benefiċċji għandha tissospendi, il-Parti li tressaq l-ilment l-ewwel għandha tfittex li tissospendi l-benefiċċji fl-istess settur jew setturi bħal dak jew dawk affettwati mill-miżura li l-panel ikun sab li huma inkonsistenti ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim jew jikkawżaw tixjin jew indeboliment. Is-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħrajn tista' tiġi applikata għal setturi koperti minn dan il-Kapitolu għajr dak jew dawk li fihom il-panel ikun sab tixjin jew indeboliment, b'mod partikolari jekk il-Parti li tressaq l-ilment tkun tal-fehma li tali sospensjoni fis-settur l-ieħor tkun prattikabbli jew effettiva sabiex tinduċi l-konformità. Il-livell ta' sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħrajn ma għandux jaqbeż il-livell ekwivalenti għat-tixjin jew għall-indeboliment ikkawżat mill-ksur.

4. Il-Parti li tressaq l-ilment tista' tissospendi l-obbligi 15-il jum wara d-data ta' konsenja tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2, sakemm il-Parti li kontriha jsir l-ilment ma tkunx għamlet talba skont il-paragrafu 5.

5. Jekk il-Parti li kontriha jsir l-ilment tqis li l-livell notifikat ta' sospensjoni tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħrajn jaqbeż il-livell ekwivalenti għat-tixjin jew għall-indeboliment ikkawżat mill-ksur, hija tista' toħroġ talba bil-miktub lill-panel oriġinali qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 15-il jum stabbilit fil-paragrafu 4 sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Il-panel għandu jiddetermina l-livell ta' benefiċċji li jqis ekwivalenti u għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet fi żmien 30 jum wara d-data tat-talba. Il-Parti li tressaq l-ilment ma għandhiex tissospendi xi obbligu sakemm il-bord ikun ta d-deċiżjoni tiegħu. Is-sospensjoni tal-obbligi għandha tkun konsistenti ma' dik id-deċiżjoni.

6. Is-sospensjoni tal-obbligi jew tal-kumpens imsemmi f'dan l-Artikolu għandu jkun temporanju u ma għandux jiġi applikat wara li:

(a) il-Partijiet ikunu laħqu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku skont l-Artikolu 31.33;

(b) il-Partijiet ikunu qablu li l-miżura meħuda sabiex jikkonformaw iġġib lill-Parti li kontriha jsir l-ilment f'konformità mad-dispożizzjonijiet koperti; jew

(c) kwalunkwe miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità li l-panel ikun sab li kienet inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti ġiet irtirata jew emendata sabiex il-Parti li kontriha jsir l-ilment tinġieb f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 31.19

Rieżami ta' kwalunkwe Miżura Meħuda sabiex Tinkiseb Konformità wara l-Adozzjoni ta' Rimedji Temporanji

1. Il-Parti li kontriha sar l-ilment għandha tibgħat notifika lill-Parti li tressaq l-ilment dwar kwalunkwe miżura meħuda sabiex tikkonforma wara s-sospensjoni tal-obbligi jew wara l-applikazzjoni ta' kumpens temporanju, skont il-każ. Bl-eċċezzjoni ta' każijiet skont il-paragrafu 2, il-Parti li tressaq l-ilment għandha ttemm is-sospensjoni tal-obbligi fi żmien 30 jum mir-riċevuta ta' dik in-notifika. F'każijiet li fihom ikun ġie applikat kumpens, u bl-eċċezzjoni tal-każijiet skont il-paragrafu 2, il-Parti li kontriha jsir l-ilment tista' ttemm l-applikazzjoni ta' tali kumpens fi żmien 30 jum mid-data ta' riċevuta tan-notifika tagħha mill-Parti li tressaq l-ilment li hija kkonformat.

2. Jekk il-Partijiet ma jilħqux ftehim dwar jekk il-miżura notifikata ġġibx il-Parti li kontriha jsir l-ilment konformi mad-dispożizzjonijiet koperti fi żmien 30 jum mid-data tar-riċevuta tan-notifika imsemmija fil-paragrafu 1, il-Parti li tressaq l-ilment għandha twassal talba bil-miktub lill-panel oriġinali sabiex jiddeċiedi fuq il-kwistjoni. Il-panel għandu jwassal id-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet fi żmien 60 jum wara d-data tar-riċevuta tat-talba. Jekk il-panel isib li l-miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità tkun f'konformità mad-dispożizzjonijiet koperti, is-sospensjoni tal-obbligi jew il-kumpens, skont il-każ, għandu jintemm. Jekk ikun rilevanti, il-livell ta' sospensjoni tal-obbligi jew tal-kumpens għandu jiġi aġġustat fid-dawl tad-deċiżjoni tal-panel.

Artikolu 31.20

Sostituzzjoni tal-Membri tal-Panel

Jekk matul il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim, membru tal-panel ma jkunx jista' jipparteċipa, jirtira jew ikollu bżonn jiġi ssostitwit minħabba li ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi fl-Anness 31-B, għandu jinħatar membru tal-panel ġdid f'konformità mal-Artikolu 31.7 u mar-Regoli ta' Proċedura fl-Anness 31-A. Il-perjodu ta' żmien għall-konsenja tar-rapport jew tad-deċiżjoni għandu jiġi estiż kif neċessarju sal-ħatra tal-membru tal-panel il-ġdid.

Artikolu 31.21

Regoli ta' Proċedura

1. Il-proċeduri tal-panel skont din it-Taqsima għandhom ikunu regolati minn dan il-Kapitolu u mir-Regoli ta' Proċedura stabbiliti fl-Anness 31-A.

2. Ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiżguraw b'mod partikolari li:

(a) il-Partijiet għandhom id-dritt għal tal-anqas seduta waħda quddiem il-panel li fiha kull Parti tista' tippreżenta l-fehmiet tagħha bil-fomm;

(b) kull Parti għandha l-opportunità li tipprovdi sottomissjoni bil-miktub inizjali u replika bil-miktub;

(c) soġġetta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, kull Parti tagħmel disponibbli għall-pubbliku s-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, il-verżjoni bil-miktub tagħha ta' dikjarazzjoni orali u t-tweġibiet bil-miktub tagħha għal talba jew għal mistoqsija mill-panel, jekk ikun hemm, mill-aktar fis possibbli wara li jiġu ppreżentati dawk id-dokumenti u mhux aktar tard mid-data ta' konsenja tar-rapport finali; u

(d) il-panel u l-Partijiet jittrattaw bħala kunfidenzjali kwalunkwe informazzjoni sottomessa minn Parti lill-panel.

3. Kwalunkwe seduta tal-panel għandha tkun miftuħa għall-pubbliku, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet.

Artikolu 31.22

Sospensjoni u Terminazzjoni

1. Fuq it-talba taż-żewġ Partijiet, il-panel għandu jissospendi l-ħidma tiegħu fi kwalunkwe ħin għal perjodu ta' żmien miftiehem mill-Partijiet u li ma jaqbiżx 12-il xahar konsekuttivi. Il-panel għandu jkompli bil-ħidma tiegħu qabel it-tmiem tal-perjodu ta' sospensjoni wara talba bil-miktub taż-żewġ Partijiet, jew fl-aħħar jum tal-perjodu ta' sospensjoni wara talba bil-miktub ta' xi waħda mill-Partijiet. Il-Parti rikjedenti għandha tagħti notifika lill-Parti l-oħra kif xieraq.

2. Jekk l-ebda Parti ma titlob it-tkomplija tal-ħidma tal-panel qabel tmiem l-iskadenza tal-perjodu ta' sospensjoni, l-awtorità tal-panel għandha tintemm u l-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim għandhom jintemmu. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Partijiet li jibdew proċedimenti ġodda dwar l-istess kwistjoni.

3. Jekk il-ħidma tal-panel tiġi sospiża, il-perjodu ta' żmien rilevanti skont din it-Taqsima għandhom jiġu estiżi bl-istess perjodu ta' żmien li matulu kienet sospiża l-ħidma tal-panel.

Artikolu 31.23

Riċevuta tal-Informazzjoni

1. Fuq it-talba ta' Parti, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, il-panel jista' jfittex mingħand il-Partijiet l-informazzjoni li huwa jqis li tkun neċessarja u xierqa. Il-Partijiet għandhom iwieġbu mill-ewwel u b'mod sħiħ għal kwalunkwe talba mill-panel għal informazzjoni bħal din.

2. Fuq talba ta' Parti jew fuq inizjattiva tiegħu stess, il-panel jista' jfittex kwalunkwe informazzjoni li jqis xierqa minn kwalunkwe sors. Il-panel għandu wkoll id-dritt li jfittex opinjoni jew pariri tekniċi tal-esperti, kif iqis xieraq, u soġġett għal kwalunkwe terminu u kundizzjoni miftehmin mill-Partijiet, meta applikabbli.

3. Il-panel għandu jikkunsidra sottomissjonijiet *amicus curiae* minn persuni fiżiċi ta' Parti jew ta' persuni ġuridiċi stabbiliti fit-territorju ta' Parti f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura fl-Anness 31-A.

4. Kwalunkwe informazzjoni miksuba mill-panel skont dan l-Artikolu għandha tiġi ddivulgata lill-Partijiet u l-Partijiet jistgħu jipprovdu kummenti dwar dik l-informazzjoni.

Artikolu 31.24

Regoli ta' Interpretazzjoni

1. Il-panel għandu jinterpreta d-dispożizzjonijiet koperti f'konformità mar-regoli konswetudinarji tal-interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali pubbliku, inklużi dawk kodifikati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati. Il-panel għandu jqis ukoll l-interpretazzjonijiet rilevanti fir-rapporti tal-panels tad-WTO u fir-rapporti tal-Korp tal-Appell kif adottati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO.

2. Ir-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-panel ma għandhomx iżidu jew inaqqsu d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont dan il-Ftehim.

Artikolu 31.25

Rapporti u Deċiżjonijiet tal-Panel

1. Id-deliberazzjonijiet tal-panel għandhom jinżammu kunfidenzjali. Il-panel għandu jagħmel kull sforz sabiex jabbozza rapporti u jieħu deċiżjonijiet b'kunsens. Jekk dak ma jkunx possibbli, il-panel għandu jiddeċiedi l-kwistjoni b'vot ta' maġġoranza. Fl-ebda każ ma għandhom jiġu żvelati l-opinjonijiet separati tal-membri tal-panel.

2. Id-deċiżjonijiet u r-rapporti tal-panel għandhom jiġu aċċettati mingħajr kundizzjoni mill-Partijiet. Ma għandhom joħolqu ebda dritt jew obbligu fir-rigward tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

3. Kull Parti għandha tagħmel ir-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-panel disponibbli għall-pubbliku mill-aktar fis possibbli wara d-data tal-konsenja lill-Partijiet, soġġetta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

TAQSIMA D

Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni

Artikolu 31.26

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni huwa li jiffaċilita s-sejba ta' soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku permezz ta' proċedura komprensiva u espedjenti bl-assistenza ta' medjatur.

Artikolu 31.27

Tnedija tal-Proċedura ta' Medjazzjoni

1. Parti tista' fi kwalunkwe ħin titlob lill-Parti l-oħra, bil-miktub, sabiex tidħol fi proċedura ta' medjazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe miżura ta' dik il-Parti li taffettwa b'mod avvers il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet. Il-konsultazzjonijiet ma humiex meħtieġa qabel ma tinbeda l-proċedura ta' medjazzjoni.

2. It-talba għandha tkun dettaljata biżżejjed sabiex tippreżenta b'mod ċar it-tħassib tal-Parti rikjedenti u għandha:

(a) tidentifika l-miżura inkwistjoni;

(b) tipprovdi dikjarazzjoni tal-effetti avversi li l-Parti rikjedenti tqis li l-miżura għandha, jew se jkollha, fuq il-kummerċ jew fuq l-investiment bejn il-Partijiet; u

(c) tispjega kif il-Parti rikjedenti tqis li dawk l-effetti huma marbutin mal-miżura.

3. Il-proċedura ta' medjazzjoni tista' tinbeda biss bi qbil reċiproku tal-Partijiet. Il-Parti li lilha ssir it-talba għandha tqis it-talba b'mod favorevoli u tibgħat l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut bil-miktub tagħha lill-Parti rikjedenti fi żmien 10 ijiem wara r-riċevuta tagħha. Inkella t-talba għandha titqies rifjutata.

Artikolu 31.28

Għażla tal-Medjatur

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqblu dwar medjatur, jekk ikun possibbli mhux aktar tard minn 15-il jum wara li jirċievu l-aċċettazzjoni tat-talba.

2. Fil-każ li l-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar medjatur fil-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1, kwalunkwe Parti tista' titlob lil awtorità tal-ħatra elenkata fir-Regoli ta' Proċedura fl-Anness 31-A sabiex tagħżel il-medjatur bil-polza, fi żmien 5 ijiem wara t-talba, mis-sottolista ta' individwi li għandhom iservu bħala presidenti msemmija fl-Artikolu 31.8.

3. Jekk is-sottolista ta' individwi li għandhom iservu bħala presidenti msemmija fl-Artikolu 31.8 ma tkunx ġiet adottata mill-Kumitat Konġunt fiż-żmien tat-talba skont l-Artikolu 31.27, il-medjatur għandu jsir bil-polza mill-individwi ddeżinjati minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet għal dik is-sottolista, skont il-każ.

4. Medjatur ma għandux ikun ċittadin ta' waħda mill-Partijiet jew impjegat ta' waħda mill-Partijiet, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

5. Medjatur għandu jikkonforma mal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi fl-Anness 31-B.

Artikolu 31.29

Regoli tal-Proċedura ta' Medjazzjoni

1. Fi żmien 10 ijiem mill-ħatra tal-medjatur, il-Parti li tkun talbet il-proċedura ta' medjazzjoni għandha twassal lill-medjatur u lill-Parti l-oħra deskrizzjoni dettaljata bil-miktub dwar it-tħassib tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-operat tal-miżura inkwistjoni u tal-effetti avversi possibbli tagħha fuq il-kummerċ jew fuq l-investiment bejn il-Partijiet. Fi żmien 20 jum wara li tirċievi tali deskrizzjoni, il-Parti l-oħra tista' twassal il-kummenti bil-miktub dwar dik id-deskrizzjoni.

2. Il-medjatur għandu jassisti lill-Partijiet b'mod trasparenti sabiex tinkiseb ċarezza għall-miżura inkwistjoni u għall-effetti avversi possibbli tagħha fuq il-kummerċ jew fuq l-investiment bejn il-Partijiet. B'mod partikolari, il-medjatur jista' jorganizza laqgħat bejn il-Partijiet, jikkonsulta lill-Partijiet b'mod konġunt jew individwalment, ifittex l-assistenza tal-esperti u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti jew jikkonsulta magħhom u jipprovdi kwalunkwe appoġġ addizzjonali mitlub mill-Partijiet. Il-medjatur għandu jikkonsulta mal-Partijiet qabel ifittex l-assistenza jew jikkonsulta lill-esperti u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti.

3. Il-medjatur jista' joffri pariri u jipproponi soluzzjoni għall-kunsiderazzjoni tal-Partijiet. Il-Partijiet jistgħu jaċċettaw jew jirrifjutaw is-soluzzjoni proposta jew jaqblu dwar soluzzjoni differenti. Il-medjatur ma għandux jagħti pariri jew kummenti dwar il-konsistenza tal-miżura inkwistjoni ma' dan il-Ftehim.

4. Il-proċedura ta' medjazzjoni għandha ssir fit-territorju tal-Parti li lilha tkun ġiet indirizzata t-talba sabiex tidħol fi proċedura ta' medjazzjoni, jew bi ftehim reċiproku, fi kwalunkwe post ieħor jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor.

5. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jilħqu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fi żmien 60 jum mill-ħatra tal-medjatur. Sabiex jilħqu soluzzjoni bħal din, il-Partijiet jistgħu jikkunsidraw it-tlestija ta' kwalunkwe proċedura interna neċessarja. Sakemm jintlaħaq ftehim finali, il-Partijiet jistgħu jikkunsidraw soluzzjonijiet *interim* possibbli, b'mod partikolari jekk il-miżura tkun relatata ma' oġġetti li jitħassru.

6. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-medjatur għandu jagħti abbozz ta' rapport fattwali lill-Partijiet, li jipprovdi:

(a) sommarju qasir tal-miżura inkwistjoni;

(b) il-proċeduri segwiti; u

(c) kwalunkwe soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku, inkluża kwalunkwe soluzzjoni *interim* possibbli.

7. Il-medjatur għandu jippermetti lill-Partijiet bi 15-il jum sabiex jikkummentaw dwar l-abbozz tar-rapport fattwali. Wara li jqis il-kummenti tal-Partijiet, il-medjatur għandu, fi żmien 15-il jum, iwassal rapport fattwali finali lill-Partijiet. Ir-rapport fattwali ma għandux ikun jinkludi xi interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim.

8. Il-proċedura għandha tintemm:

(a) bl-adozzjoni ta' soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku mill-Partijiet, fid-data tal-adozzjoni tagħha;

(b) bi qbil reċiproku tal-Partijiet fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, fid-data ta' dak il-ftehim;

(c) b'dikjarazzjoni bil-miktub tal-medjatur, wara konsultazzjoni mal-Partijiet, li sforzi ulterjuri ta' medjazzjoni ma jwasslu mkien, fid-data ta' dik id-dikjarazzjoni; jew

(d) b'dikjarazzjoni bil-miktub ta' Parti wara li jkunu ġew esplorati s-soluzzjonijiet miftehmin b'mod reċiproku skont il-proċedura ta' medjazzjoni u wara li tkun ingħatat kunsiderazzjoni lil kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta mill-medjatur, fid-data ta' dik id-dikjarazzjoni.

Artikolu 31.30

Kunfidenzjalità

1. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, kull pass tal-proċedura ta' medjazzjoni, inkluż kull parir jew soluzzjoni proposta, huma kunfidenzjali. Kull Parti tista' tiddivulga lill-pubbliku l-fatt li qiegħda ssir medjazzjoni.

2. Jekk ikun hemm qbil bejn il-Partijiet, is-soluzzjonijiet miftehmin b'mod reċiproku għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku. Il-verżjoni ddivulgata lill-pubbliku ma għandhiex tinkludi kwalunkwe informazzjoni li Parti tkun iddeżinjat bħala kunfidenzjali.

Artikolu 31.31

Relazzjoni mal-Proċeduri għas-Soluzzjoni tat-Tilwim

1. Il-proċedura ta' medjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi tal-Partijiet skont it-Taqsimiet B u C jew il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont kwalunkwe ftehim ieħor. Għal ċertezza akbar, tista' tinbeda jew titkompla proċedura ta' medjazzjoni filwaqt li jkunu għaddejjin il-proċeduri tal-panel.

2. Parti ma għandhiex isserraħ fuq, jew tintroduċi bħala evidenza fi proċeduri oħrajn ta' soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim ieħor, u panel lanqas ma għandu jikkunsidra:

(a) pożizzjonijiet meħudin mill-Parti l-oħra matul il-proċedura ta' medjazzjoni jew informazzjoni miġbura esklużivament f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 31.29;

(b) il-fatt li l-Parti l-oħra tkun indikat ir-rieda li taċċetta soluzzjoni għall-miżura soġġetta għall-medjazzjoni; jew

(c) parir mogħti jew proposti magħmulin mill-medjatur.

3. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, medjatur ma għandux iservi bħala membru tal-panel fi proċeduri oħrajn ta' soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Ftehim jew skont kwalunkwe ftehim ieħor li jinvolvi l-istess kwistjoni li għaliha jkun medjatur.

TAQSIMA E

Dispożizzjonijiet Komuni

Artikolu 31.32

Talba għal Informazzjoni

1. Qabel ma tagħmel talba għal konsultazzjonijiet jew għal medjazzjoni skont l-Artikolu 31.5 jew 31.27, rispettivament, Parti tista' titlob informazzjoni dwar miżura li taffettwa b'mod avvers il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet. Il-Parti li lilha ssir talba bħal din għandha, fi żmien 20 jum wara r-riċevuta tat-talba, twassal tweġiba bil-miktub bil-kummenti tagħha dwar l-informazzjoni mitluba.

2. Parti normalment tkun mistennija titlob informazzjoni skont il-paragrafu 1 qabel ma titlob konsultazzjonijiet jew tibda proċedura ta' medjazzjoni jew kwalunkwe proċedura rilevanti oħra ta' kooperazzjoni jew ta' konsultazzjonijiet skont dan il-Ftehim.

Artikolu 31.33

Soluzzjoni Miftiehma b'Mod Reċiproku

1. Il-Partijiet jistgħu jsibu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fi kwalunkwe waqt fir-rigward ta' kwalunkwe tilwima koperta mill-Artikolu 31.2.

2. Jekk tintlaħaq soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku matul il-panel jew il-proċedura ta' medjazzjoni, jew matul kwalunkwe mezz alternattiv ieħor ta' soluzzjoni tat-tilwim miftiehem mill-Partijiet, inklużi proċeduri li jinvolvu bon offiċji jew konċiljazzjoni, il-Partijiet għandhom jinnotifikaw b'mod konġunt dik is-soluzzjoni lill-President tal-panel jew lill-medjatur, skont il-każ. Wara tali notifika, il-panel jew il-proċedura ta' medjazzjoni għandha tiġi mitmuma.

3. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex timplimenta s-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku f'perjodu ta' żmien miftiehem.

4. Mhux aktar tard mid-data ta' skadenza tal-perjodu ta' żmien miftiehem, il-Parti li timplimenta għandha tinforma lill-Parti l-oħra, bil-miktub, dwar kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex timplimenta s-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

Artikolu 31.34

Perjodi ta' Żmien

1. Il-perjodi ta' żmien kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu għandhom jingħaddu f'jiem tal-kalendarju mill-għada li jseħħ l-att li jirreferu għalih.

2. Kwalunkwe perjodu ta' żmien imsemmi f'dan il-Kapitolu jista' jiġi mmodifikat bi qbil reċiproku bejn il-Partijiet.

3. Skont it-Taqsima C, il-panel jista' fi kwalunkwe waqt jipproponi lill-Partijiet sabiex jimmodifikaw kwalunkwe perjodu ta' żmien imsemmi f'dan il-Kapitolu, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għall-proposta.

Artikolu 31.35

Kostijiet

1. Kull Parti għandha ġġarrab l-ispejjeż kollha tagħha li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fil-panel jew fil-proċedura ta' medjazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt għall-ispejjeż derivati minn kwistjonijiet organizzazzjonali, inklużi r-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-membri tal-panel u tal-medjatur, u għandhom jaqsmuhom b'mod ugwali. Ir-remunerazzjoni tal-membri tal-panel għandha tiġi ddeterminata f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura fl-Anness 31-A. Ir--remunerazzjoni tal-medjatur għandha tiġi ddeterminata f'konformità ma' dik prevista għal President ta' panel f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura fl-Anness 31-A.

Artikolu 31.36

Amministrazzjoni tal-Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim

1. Kull Parti għandha:

(a) tiddeżinja uffiċċju li għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu; u

(b) tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar il-post tal-uffiċċju u l-informazzjoni ta' kuntatt fi żmien 3 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tkun responsabbli għall-operat u għall-kostijiet tal-uffiċċju ddeżinjat rispettiv tagħha.

3. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jistgħu jaqblu li b'mod konġunt jafdaw korp estern billi jipprovdu appoġġ għal ċerti kompiti amministrattivi għall-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu.

Artikolu 31.37

Drittijiet Privati

Parti ma għandhiex tipprevedi għal dritt ta' azzjoni skont il-liġi domestika tagħha kontra l-Parti l-oħra fuq il-bażi li miżura tal-Parti l-oħra tkun inkonsistenti ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 31.38

Modifika tal-Annessi

Il-Kunsill Konġunt jista' jimmodifika l-Annessi 31-A u 31-B.

KAPITOLU 32

EĊĊEZZJONIJIET

Artikolu 32.1

Eċċezzjonijiet Ġenerali

1. L-Artikolu XX tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu, huwa inkorporat u magħmul parti minn dan il-Ftehim, u japplika *mutatis mutandis* għall-Kapitolu 2 (Kummerċ fil-Merkanzija), għall-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-Oriġini), għall-Kapitolu 4 (Dwana u Faċilitazzjoni tal-Kummerċ), għall-Kapitolu 6 (Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji), għall-Kapitolu 8 (Rikonoxximent tad-Dritt tal-Partijiet li Jirregolaw is-Settur tal-Enerġija), għall-Kapitolu 9 (Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ), għall-Kapitolu 22 (Intrapriżi tal-Istat, Intrapriżi Mogħtijin Drittijiet jew Privileġġi Speċjali u Monopolji Ddeżinjati), u għat-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investimenti) tal-Kapitolu 10 (Investiment), u għall-Kapitolu 30 (Materja Prima)

2. Il-Partijiet jikkondividu l-fehim li:

(a) il-miżuri msemmijin fis-subparagrafu (b) tal-Artikolu XX tal-GATT 1994 jinkludu miżuri ambjentali ([163]), li jkunu neċessarji għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti; u

(b) is-subparagrafu (g) tal-Artikolu XX tal-GATT 1994 japplika għal miżuri relatati mal-konservazzjoni ta' riżorsi naturali eżawribbli ħajjin u mhux ħajjin.

3. Jekk Parti jkollha l-ħsieb li tieħu kwalunkwe miżura f'konformità s-subparagrafu (i) jew (j) tal-Artikolu XX tal-GATT 1994, dik il-Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra:

(a) bl-informazzjoni rilevanti kollha; u

(b) fuq talba, b'opportunità raġonevoli għal konsultazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni relatata ma' tali miżura, bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku.

Il-Partijiet jistgħu jaqblu dwar kwalunkwe mezz neċessarju sabiex isolvu l-kwistjonijiet soġġetti għall-konsultazzjoni msemmija fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu.

([163]) Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt li jinvokaw l-Artikolu XX(b) tal-GATT 1994 fir-rigward tal-miżuri meħudin skont il-ftehimiet ambjentali multilaterali li għalihom huma parti.

Jekk ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi li jeħtieġu azzjoni immedjata jagħmlu l-informazzjoni jew il-konsultazzjoni minn qabel impossibbli, il-Parti li jkollha l-ħsieb li tieħu l-miżuri kkonċernati tista' minnufih tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tindirizza dawk iċ-ċirkostanzi u għandha tinforma minnufih lill-Parti l-oħra b'dan.

4. Is-subparagrafi (a), (b) u (c) tal-Artikolu XIV tal-GATS huma inkorporati u magħmula parti minn dan il-Ftehim, u japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kapitoli 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi), 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Negozju), 13 (Regolamentazzjoni Domestika), 14 (Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali), 16 (Servizzi tat-telekomunikazzjoni), 17 (Servizzi Internazzjonali tat-Trasport Marittimu), 18 (Servizzi Finanzjarji), 19 (Kummerċ Diġitali), 22 (Intrapriżi tal-Istat, Intrapriżi Mogħtijin Privileġġi Speċjali u Monopolji Ddeżinjati) u fit-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investimenti) tal-Kapitolu 10 (Investiment).

5. Il-Partijiet jikkondividu l-fehim li l-miżuri msemmijin fis-subparagrafu (b) tal-Artikolu XIV tal-GATS jinkludu miżuri ambjentali ([164]) neċessarji għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti.

6. Għal ċertezza akbar, l-Artikolu 2.8 (Eċċezzjoni tas-Sigurtà) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim jitqies bħala dispożizzjoni ta' din il-Parti.

Artikolu 32.2

Tassazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) "residenza" tfisser residenza għall-finijiet tat-taxxa; u

(b) "konvenzjoni dwar it-taxxa" tfisser konvenzjoni għall-evitar tat-taxxa doppja jew kwalunkwe ftehim jew arranġament internazzjonali ieħor relatat fis-sħuħija tiegħu jew primarjament mat-tassazzjoni li għalih hija parti waħda mill-Partijiet.

2. Xejn f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim ma għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' Parti skont konvenzjoni dwar it-taxxa. Fil-każ ta' kwalunkwe inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u kwalunkwe konvenzjoni dwar it-taxxa, il-konvenzjoni dwar it-taxxa għandha tipprevali fir-rigward tal-inkonsistenza.

3. L-Artikoli 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), 11.7 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), 18.4 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) u l-paragrafu 4 tal-Artikolu 18.7 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji) ma japplikawx għal vantaġġ mogħti minn Parti skont konvenzjoni dwar it-taxxa.

4. Soġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn il-Partijiet jekk jipprevalu kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ u fuq l-investiment, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni lil Parti milli tadotta, iżżomm jew tinforza xi miżura mmirata sabiex tiżgura l-impożizzjoni jew il-ġbir ekwitabbli jew effettiv ta' taxxi diretti li:

(a) tiddistingwi bejn kontribwenti, li ma jkunux fl-istess sitwazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-post tar-residenza tagħhom jew tal-post fejn ikun investit il-kapital tagħhom; jew

([164]) Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt li jinvokaw is-subparagrafu (b) tal-Artikolu XIV tal-GATS fir-rigward tal-miżuri meħudin skont il-ftehimiet ambjentali multilaterali li għalihom huma parti.

(b) timmira li tipprevjeni l-evitar jew l-eżażjoni tat-taxxi skont id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe konvenzjoni dwar it-taxxa jew leġiżlazzjoni domestika dwar it-taxxa.

5. Għal ċertezza akbar, il-fatt li miżura tat-tassazzjoni tikkostitwixxi emenda sinifikanti għal miżura ta' tassazzjoni eżistenti, tidħol fis-seħħ minnufih mit-tħabbira tagħha, tiċċara l-applikazzjoni maħsuba ta' miżura ta' tassazzjoni eżistenti, jew ikollha impatt mhux mistenni fuq investitur jew fuq investiment kopert, minnu nnifsu ma jikkostitwixxix ksur tal-Artikolu 10.15 (Trattament tal-Investituri u ta' Investimenti Koperti).

6. Jekk investitur jissottometti talba għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 10.22 (Konsultazzjonijiet) li fiha jiddikjara li miżura ta' tassazzjoni tikser obbligu skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali) jew il-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) jew skont it-Taqsima C (Protezzjoni ta' Investiment) tal-Kapitolu 10 (Investiment), il-konvenut jista' jirrinvija l-kwistjoni għall-konsultazzjoni u għad-determinazzjoni konġunta mill-Partijiet dwar jekk:

(a) il-miżura tkunx miżura ta' tassazzjoni;

(b) il-miżura, jekk jinstab li hija miżura ta' tassazzjoni, tiksirx obbligu skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali) jew fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) jew fit-Taqsima C (Protezzjoni ta' Investiment) tal-Kapitolu 10 (Investiment); jew

(c) hemm inkonsistenza bejn l-obbligi skont dan il-Ftehim li huma allegati li nkisru u dawk skont konvenzjoni dwar it-taxxa.

7. Rinviju skont il-paragrafu 6 ma jistax isir aktar tard mid-data li fiha t-Tribunal jiddetermina li l-konvenut għandu jissottometti l-kontrosottomissjoni jew ir-risposta tiegħu. Jekk il-konvenut jagħmel rinviju bħal dan, il-perjodi ta' żmien jew il-proċedimenti speċifikati fit-Taqsima D (Riżoluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment) tal-Kapitolu 10 (Investiment) għandhom jiġu sospiżi. Jekk fi żmien 180 jum wara r-rinviju l-Partijiet ma jaqblux li jikkunsidraw il-kwistjoni, jew jonqsu milli jagħmlu determinazzjoni konġunta, is-sospensjoni tal-perjodi ta' żmien jew tal-proċedimenti ma għandhiex tibqa' tapplika u l-investitur jista' jipproċedi bit-talba tiegħu.

8. Deċiżjoni konġunta mill-Partijiet skont il-paragrafu 6 għandha tkun vinkolanti fuq it-Tribunal.

9. Kull Parti għandha tiżgura li d-delegazzjoni tagħha għall-konsultazzjonijiet li għandhom jitwettqu skont il-paragrafu 6 tinkludi persuni b'għarfien espert rilevanti dwar il-kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu, inklużi rappreżentanti mill-awtoritajiet tat-taxxa rilevanti ([165]) ta' kull Parti.

Artikolu 32.3

Divulgazzjoni ta' Informazzjoni

1. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jiġi interpretat fis-sens li jeħtieġ li xi Parti tagħmel informazzjoni kunfidenzjali disponibbli, li d-divulgazzjoni tagħha tista' timpedixxi l-infurzar tal-liġi, jew inkella li tmur kontra l-interess pubbliku, jew li tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' intrapriżi partikolari, pubbliċi jew privati.

2. Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni matul il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim għandha tkun regolata bid-dispożizzjonijiet tal-kapitoli applikabbli.

([165]) Għall-Messiku, "rappreżentanti mill-awtoritajiet tat-taxxa rilevanti" tfisser uffiċjali mill-Ministeru għall-Finanzi u l-Kreditu Pubbliku.

3. Meta Parti tissottometti informazzjoni lill-Parti l-oħra skont dan il-Ftehim, inkluż permezz tal-korpi stabbiliti skont dan il-Ftehim, li titqies kunfidenzjali skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti li tissottomettiha, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali, sakemm il-Parti li tissottomettiha ma taqbilx mod ieħor.

Artikolu 32.4

Eżenzjonijiet tad-WTO

Jekk dritt jew obbligu stabbilit minn dispożizzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim ikun duplikat ta' ieħor fil-Ftehim tad-WTO, kwalunkwe miżura meħuda f'konformità ma' deċiżjoni ta' rinunzja adottata skont il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO titqies li tkun f'konformità mad-dispożizzjoni f'dan il-Ftehim.

PARTI IV ([166])

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI U FINALI

KAPITOLU 1

QAFAS ISTITUZZJONALI

Artikolu 1.1

Summit

1. L-ogħla livell ta' djalogu politiku u ta' politika bejn il-Partijiet għandu jkun fil-livell ta' Summit. Is-summits għandhom isiru kull sentejn jew kif miftiehem b'mod reċiproku.

2. Is-summits għandhom jipprovdu gwida ġenerali għas-sħubija strateġika bejn il-Partijiet u għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u għandhom jipprovdu forum sabiex tiġi diskussa kwalunkwe kwistjoni bilaterali, reġjonali, bireġjonali jew internazzjonali ta' interess reċiproku.

Artikolu 1.2

Kunsill Konġunt

1. Kunsill Konġunt huwa b'dan stabbilit. Il-Kunsill Konġunt għandu:

(a) jissorvelja t-twettiq tal-objettivi ta' dan il-Ftehim;

(b) jissorvelja l-operat u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

(c) jeżamina kwalunkwe kwistjoni li tinħoloq fil-qafas ta' dan il-Ftehim; u

(d) jindirizza kwalunkwe kwistjoni bilaterali jew internazzjonali oħra ta' interess reċiproku.

2. Il-Kunsill Konġunt għandu jiltaqa' f'intervalli regolari, kull sentejn jew kif miftiehem b'mod reċiproku.

([166]) Meta dispożizzjoni ta' din il-Parti jkun fiha referenza għal dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, dik ir-referenza tkun għal dispożizzjoni oħra ta' din il-Parti, sakemm ma jkunx indikat espliċitament mod ieħor.

3. Il-Kunsill Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet fil-livell ministerjali, f'konformità mal-arranġamenti interni rispettivi tal-Partijiet u filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati fi kwalunkwe laqgħa partikolari. Il-Kunsill Konġunt għandu jiltaqa' fil-konfigurazzjonijiet kollha meħtieġa, bi ftehim reċiproku.

4. Il-Kunsill Konġunt għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess, u r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt.

5. Il-Kunsill Konġunt għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentant tal-Messiku, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fir-regoli ta' proċedura tiegħu.

6. Il-Kunsill Konġunt għandu jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, kif xieraq, kif previst f'dan il-Ftehim. Fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Partijiet I, II u IV ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill Konġunt għandu jkollu wkoll is-setgħa li jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet kif altrimenti miftiehem b'mod reċiproku mill-Partijiet. Id-deċiżjonijiet għandhom jorbtu lill-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jimplimentawhom.

7. Il-Kunsill Konġunt għandu jkollu s-setgħa li jimmodifikaw dan il-Ftehim jekk ikun hekk previst f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 2.4 (Emendi).

8. Il-Kunsill Konġunt għandu jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet b'kunsens bejn il-Partijiet f'konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu, wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għall-adozzjoni. Id-deċiżjonijiet għandhom jorbtu lill-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jimplimentawhom.

9. Il-Kunsill Konġunt jista' jiddelega lill-Kumitat Konġunt kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tiegħu, inkluża s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti.

Artikolu 1.3

Kumitat Konġunt

1. Kumitat Konġunt huwa b'dan stabbilit. Il-Kumitat Konġunt għandu jassisti lill-Kunsill Konġunt fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ġenerali ta' dan il-Ftehim, inklużi d-definizzjoni u s-superviżjoni ta' djalogi settorjali.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jħejji l-laqgħat tal-Kunsill Konġunt.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet fil-livell uffiċjali għoli jew kif indikat mod ieħor mill-Partijiet u filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati fi kwalunkwe laqgħa partikolari.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' f'konfigurazzjoni speċifika sabiex jindirizza l-kwistjonijiet kollha relatati mal-Parti III ta' dan il-Ftehim. Meta l-Kumitat Konġunt jindirizza kwalunkwe waħda minn dawk il-kwistjonijiet, dan għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet b'responsabbiltà għall-kwistjonijiet ta' kummerċ u investiment, kif previst fl-Artikolu 1.8 (Funzjonijiet Speċifiċi tal-Kumitat Konġunt) tal-Parti III ta' dan il-Ftehim.

6. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentant tal-Messiku.

7. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kif miftiehem b'mod reċiproku, f'data u b'aġenda miftiehma minn qabel mill-Partijiet, fi Brussell u fil-Belt tal-Messiku b'mod alternat. Jistgħu jissejħu laqgħat speċjali, bi ftehim reċiproku, fuq talba ta' Parti. Il-laqgħat jistgħu jsiru wkoll bi kwalunkwe mezz teknoloġiku disponibbli għall-Partijiet.

8. Il-Kumitat Konġunt għandu jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim jew f'oqsma li fihom il-Kunsill Konġunt ikun iddelega s-setgħat lilu. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu adottati b'kunsens bejn il-Partijiet f'konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu, wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għall-adozzjoni. Id-deċiżjonijiet għandhom jorbtu lill-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jimplimentawhom.

Artikolu 1.4

Sottokumitati u Korpi Oħrajn

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi, jekk ikun meħtieġ u fuq bażi ad hoc, sottokumitati jew korpi oħrajn sabiex jassistuh fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu u sabiex jindirizzaw kompiti jew suġġetti speċifiċi. Huwa jista' jbiddel il-kompiti assenjati lil, jew ixolji, kwalunkwe sottokumitat jew korp ieħor stabbilit għal dawk il-finijiet.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta regoli ta' proċedura li jiddeterminaw il-kompożizzjoni, id-dmirijiet u l-funzjonament tas-sottokumitati u ta' korpi oħrajn.

3. Ħlief fejn previst mod ieħor f'dan il-Ftehim jew miftiehem bejn il-Partijiet, is-sottokumitati u korpi oħrajn għandhom jiltaqgħu kif meħtieġ jew fuq talba ta' kwalunkwe Parti jew tal-Kumitat Konġunt. Il-laqgħat għandhom isiru personalment jew bi kwalunkwe mezz teknoloġiku disponibbli għall-Partijiet. Meta jsiru personalment, il-laqgħat għandhom isiru fi Brussell u fil-Belt tal-Messiku b'mod alternat.

4. Is-sottokumitati u korpi oħrajn għandhom ikunu kopreseduti minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentant tal-Messiku.

5. Is-sottokumitati u korpi oħrajn għandhom jirrapportaw dwar l-attivitajiet tagħhom lill-Kumitat Konġunt.

6. L-istabbiliment ta' -ta' sottokumitat jew ta' korp ieħor ma għandux iwaqqaf lil kwalunkwe Parti milli tressaq kwalunkwe kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat Konġunt.

7. Sottokumitat għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali huwa b'dan stabbilit sabiex jikkoordina u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni fl-oqsma msemmija fil-Parti II ta' dan il-Ftehim. Huwa għandu jassisti lill-Kumitat Konġunt fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet.

8. Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment huwa b'dan stabbilit għall-finijiet tal-Artikolu 23 tal-Protokoll dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u l-Ġlieda kontriha.

9. Minbarra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-operat tas-sottokumitati u ta' korpi oħrajn stabbiliti mill-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi Oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim) tal-Parti III ta' dan il-Ftehim għandu jkun regolat mill-Parti III ta' dan il-Ftehim, u dawk is-sottokumitati għandhom jirrapportaw lill-Kumitat Konġunt meta jiltaqa' fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ tiegħu.

Artikolu 1.5

Kumitat Parlamentari Konġunt

1. Kumitat Parlamentari Konġunt huwa b'dan stabbilit. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jkun forum għal-laqgħat u l-iskambju ta' fehmiet u għat-trawwim ta' relazzjonijiet aktar mill-qrib.

2. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jkun magħmul minn Membri tal-Parlament Ewropew u tal-Kungress tal-Messiku.

3. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Parlament Ewropew u minn rappreżentant tal-Kungress tal-Messiku.

4. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jiltaqa' fi Brussell u fil-Messiku b'mod alternat f'intervalli li għandu jiddetermina huwa stess.

5. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt jista' jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

6. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jiġi informat bid-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Konġunt jew, jekk jiġu ddelegati, tal-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt jista' jitlob informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għal dan il-Ftehim.

7. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill Konġunt.

Artikolu 1.6

Relazzjoni mas-Soċjetà Ċivili

Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw mas-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għal dan il-Ftehim, b'mod partikolari permezz tal-interazzjoni mal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u mal-Forum tas-Soċjetà Ċivili msemmija fl-Artikolu 1.7 u 1.8, rispettivament.

Artikolu 1.7

Gruppi Konsultattivi Domestiċi

1. Kull Parti għandha taħtar grupp konsultattiv domestiku wieħed jew aktar fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Il-grupp konsultattiv domestiku għandu jagħti pariri lill-Parti kkonċernata dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim. Jekk jinħatru aktar minn grupp konsultattiv domestiku wieħed, mhux aktar minn grupp konsultattiv domestiku wieħed għandu jindirizza kull parti ta' dan il-Ftehim.

3. Jekk jinħatru aktar minn grupp konsultattiv domestiku wieħed, kull grupp konsultattiv domestiku jista' jkollu membri differenti, iżda għandu jkun magħmul minn rappreżentanza bilanċjata ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet tan-negozju u trade unions attivi fir-rigward ta' kwistjonijiet ekonomiċi, tal-iżvilupp sostenibbli, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, ambjentali u oħrajn.

4. Il-grupp konsultattiv domestiku jista' jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet differenti sabiex jiddiskuti kwistjonijiet ta' rilevanza għal partijiet differenti ta' dan il-Ftehim.

5. Kull Parti għandha tiltaqa' mal-grupp(i) konsultattiv(i) domestiku/domestiċi tagħha mill-anqas darba fis-sena. Kull Parti għandha tikkunsidra l-fehmiet jew ir-rakkomandazzjonijiet sottomessi minn kwalunkwe wieħed mill-gruppi konsultattivi domestiċi tagħha dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għal dan il-Ftehim.

6. Sabiex tippromwovi s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku tal-gruppi konsultattivi domestiċi tagħha, kull Parti għandha tippubblika l-lista ta' organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fihom, kif ukoll punt ta' kuntatt għal kull grupp konsultattiv domestiku.

7. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lill-gruppi konsultattivi domestiċi rispettivi tagħhom sabiex jinteraġixxu ma' xulxin.

Artikolu 1.8

Forum tas-Soċjetà Ċivili

1. Il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili mal-parteċipanti tal-Partijiet sabiex iwettqu djalogu pubbliku dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għal dan il-Ftehim.

2. Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili għandu jiltaqa' flimkien mal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt, inkluż meta l-Kumitat Konġunt jiltaqa' fil-konfigurazzjoni kummerċjali tiegħu. Il-Partijiet jistgħu jiffaċilitaw ukoll il-parteċipazzjoni fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili b'mezzi teknoloġiċi.

3. Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili stabbiliti fit-territorji tal-Partijiet, inklużi l-membri ta' kull grupp konsultattiv domestiku msemmi fl-Artikolu 1.7. Il-Partijiet għandhom jippromwovu rappreżentanza bilanċjata ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet nongovernattivi, organizzazzjonijiet tan-negozju u trade unions attivi fuq kwistjonijiet ekonomiċi, tal-iżvilupp sostenibbli, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, ambjentali u oħrajn.

4. Ir-rappreżentanti tal-Partijiet li jipparteċipaw fil-Kumitat Konġunt jistgħu, kif xieraq, jieħdu sehem f'sessjoni tal-laqgħa tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili sabiex jippreżentaw informazzjoni dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-funzjonament ta' dan il-Ftehim u sabiex jinvolvu ruħhom fi djalogu mal-Forum tas-Soċjetà Ċivili.

Dik is-sessjoni għandha tkun ippreseduta mill-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt jew mir-rappreżentanti tagħhom, kif xieraq. Kull Parti għandha tippubblika d-dikjarazzjonijiet formali li tkun ippreżentat fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili.

KAPITOLU 2

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 2.1

Definizzjoni tal-Partijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "Parti" tfisser l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha f'konformità mal-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom (il-"Parti tal-UE"), jew il-Messiku;

(b) "Partijiet" tfisser, minn naħa, il-Parti tal-UE u, min-naħa l-oħra, il-Messiku.

Artikolu 2.2

Applikazzjoni Territorjali

1. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, dan il-Ftehim japplika, fir-rigward tal-Unjoni Ewropea, għat-territorji li fihom japplikaw it-TUE u t-TFUE u taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati. Id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament tariffarju tal-merkanzija, ir-regoli tal-oriġini u l-proċeduri tal-oriġini, japplikaw ukoll għat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea mhux kopert mill-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu. It-terminu "territorju" fil-Kapitolu 4 (Faċilitazzjoni Doganali u tal-Kummerċ) u fl-Artikoli 2.7 (Oġġetti li Jerġgħu Jidħlu wara Tiswija jew Alterazzjoni), 2.13 (Dħul Temporanju ta' Oġġetti) u 25.66 (Miżuri ta' Infurzar fil-Fruntieri Relatati mad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali) tal-Parti III għandu jinftiehem, b'rabta mal-Parti tal-UE, bħala li jirreferi għat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea. It-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea huwa t-territorju msemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([167]).

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, dan il-Ftehim għandu japplika fir-rigward tal-Messiku, għat-territorju tal-art, għall-ispazju tal-ajru, għall-ilmijiet interni, għall-baħar territorjali u għal kwalunkwe żona lil hinn mill-ibħra territorjali tal-Messiku fejn il-Messiku jista' jeżerċita drittijiet sovrani u ġuriżdizzjoni, kif iddeterminat mil-liġi domestika tiegħu, b'mod konsistenti mal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar.

Artikolu 2.3

Twettiq tal-Obbligi

1. Kull Parti hija responsabbli mill-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Għal dak il-għan, kull Parti t għandha tieħu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim.

2. Jekk waħda mill-Partijiet tqis li l-Parti l-oħra tkun naqset milli twettaq kwalunkwe wieħed mill-obbligi skont il-Parti III ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw il-mekkaniżmi speċifiċi previsti f'dik il-Parti ta' dan il-Ftehim.

3. Jekk xi waħda mill-Partijiet tqis li l-Parti l-oħra tkun naqset milli tissodisfa xi wieħed mill-obbligi li huma deskritti bħala elementi essenzjali fl-Artikolu 2 tal-Parti I u fl-Artikolu 1.4 tal-Parti II, hija tista' tieħu miżuri xierqa. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, "miżuri xierqa" jistgħu jinkludu s-sospensjoni, parzjalment jew kompletament, ta' dan il-Ftehim.

4. Jekk waħda mill-Partijiet tqis li l-Parti l-oħra tkun naqset milli twettaq kwalunkwe obbligu skont dan il-Ftehim, ħlief dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha. Il-Partijiet għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet taħt l-awspiċji tal-Kunsill Konġunt bil-ħsieb li jilħqu soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku. Meta l-Kunsill Konġunt ma jkunx jista' jilħaq soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku, il-Parti notifikanti tista' tieħu miżuri xierqa. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, "miżuri xierqa" jistgħu jinkludu s-sospensjoni biss tal-Partijiet I, II u IV ta' dan il-Ftehim.

5. Il-"miżuri xierqa" msemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jittieħdu b'rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali u għandhom ikunu proporzjonati għan-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-obbligi skont dan il-Ftehim. Għandha tingħata prijorità lil dawk li l-anqas ifixklu l-funzjonament ta' dan il-Ftehim. Huwa mifhum li s-sospensjoni, parzjalment jew kompletament, ta' dan il-Ftehim tkun miżura tal-aħħar għażla.

([167]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU UE L 269, 10.10.2013, p. 1).

Artikolu 2.4

Emendi

1. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-Partijiet. Kwalunkwe emenda għandha tidħol fis-seħħ fid-data miftiehma mill-Partijiet u wara t-tlestija tar-rekwiżiti u l-proċeduri legali rispettivi tagħhom.

2. Minkejja l-paragrafu 1, dan il-Ftehim jista' jiġi emendat fil-każijiet speċifikati f'dan il-Ftehim b'deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt, jew tal-Kumitat Konġunt, sabiex jiġu mmodifikati d-dispożizzjonijiet jew l-annessi ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 2.5

Dħul fis-Seħħ u Applikazzjoni Provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet f'konformità mal-proċeduri interni rispettivi tal-Partijiet.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha ż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Minkejja l-paragrafu 2 u sakemm jidħol fis-seħħ, l-Unjoni Ewropea u l-Messiku jistgħu japplikaw dan il-Ftehim fuq bażi provviżorja, kompletament jew parzjalment, f'konformità mal-proċeduri interni rispettivi tagħhom, kif applikabbli.

4. L-applikazzjoni provviżorja għandha tibda fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-aħħar waħda min-notifiki li ġejjin:

(a) in-notifika li permezz tagħha l-Unjoni Ewropea tinforma lill-Messiku bit-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa tagħha, filwaqt li tindika l-partijiet ta' dan il-Ftehim li għandhom jiġu applikati b'mod provviżorju; u

(b) in-notifika li biha l-Messiku jinforma lill-Unjoni Ewropea dwar it-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa tiegħu.

5. Matul il-perjodu ta' applikazzjoni provviżorja, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, li ġie ffirmat fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 1997, għandhom ikomplu japplikaw sa fejn ma jkunux koperti mill-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim.

6. L-Unjoni Ewropea jew il-Messiku jistgħu jinnotifikaw lill-Parti l-oħra bil-miktub bl-intenzjoni tagħhom li jtemmu l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara dik in-notifika.

7. Jekk dan il-Ftehim jew ċerti dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jiġu applikati b'mod provviżorju f'konformità mal-paragrafu 4, il-Partijiet għandhom jifhmu t-terminu "data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim" bħala li jfisser id-data tal-applikazzjoni provviżorja. Il-Kunsill Konġunt u korpi oħrajn stabbiliti skont dan il-Ftehim jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom matul l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe deċiżjoni jew rakkomandazzjoni adottata fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħhom ma għandhiex tibqa' effettiva jekk l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim tiġi tterminata skont il-paragrafu 6.

8. In-notifiki magħmula f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jintbagħtu, għall-Parti tal-UE, lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u, għall-Messiku, lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Messiku.

Artikolu 2.6

Relazzjoni ma' Ftehimiet Oħrajn

1. Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, li ġie ffirmat fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 1997, inkluża kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti mill-korpi istituzzjonali tagħhom, ħlief għad-Deċiżjoni Nru 5/2004 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku ([168]), ma għandhiex tibqa' fis-seħħ u tiġi ssostitwita b'dan il-Ftehim.

2. Il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Messiku ma għandux jibqa' fis-seħħ u għandu jiġi ssostitwit b'dan il-Ftehim mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Ir-referenzi għall-ftehimiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 fi kwalunkwe ftehim ieħor bejn il-Partijiet għandhom jiġu interpretati bħala li jirreferu għal dan il-Ftehim.

4. Il-Partijiet jistgħu jikkomplementaw dan il-Ftehim billi jikkonkludu ftehimiet speċifiċi fi kwalunkwe qasam ta' kooperazzjoni li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Tali ftehimiet speċifiċi għandhom jifformaw parti integrali mir-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif regolati minn dan il-Ftehim u għandhom ikunu soġġetti għall-qafas istituzzjonali komuni stabbilit skont dan il-Ftehim.

5. Il-ftehimiet eżistenti relatati ma' oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jitqiesu li jifformaw parti integrali mir-relazzjonijiet bilaterali ġenerali regolati minn dan il-Ftehim u għandhom ikunu soġġetti għall-qafas istituzzjonali komuni stabbilit skont dan il-Ftehim.

6. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kwalunkwe deċiżjoni adottata mill-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Messiku għandha titqies li ġiet adottata mill-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Artikolu 1.2. Kwalunkwe deċiżjoni adottata mill-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Messiku għandha titqies li ġiet adottata mill-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Artikolu 1.3.

7. Minkejja l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu:

(a) il-miżuri temporanji adottati skont il-paragrafu 7 tal-Artikolu 2.24 (Ċertifikazzjoni ta' Prodotti tal-Inbid u Spirti) u 20.4 (Miżuri Temporanji ta' Salvagwardja) tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Messiku li huma fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għandhom jibqgħu applikabbli sal-iskadenza naturali tagħhom;

(b) il-miżuri ta' salvagwardja bilaterali adottati skont it-Taqsima C (Miżuri ta' Salvagwardja Bilaterali) tal-Kapitolu 5 (Rimedji Kummerċjali) tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Messiku, fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandhom jibqgħu applikabbli sal-iskadenza naturali tagħhom;

(c) proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim li tkun diġà nbniet skont l-Artikolu 31.6 (Stabbiliment ta' Bord) tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Messiku għandha, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, titqies bħala proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Ftehim u għandha tkompli sat-tlestija tagħha; u

(d) l-eżitu vinkolanti ta' kwalunkwe proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim mibdija skont l-Artikolu 31.6 (Stabbiliment ta' Bord) tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Messiku għandu jibqa' vinkolanti fuq il-Partijiet wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

([168]) Id-Deċiżjoni Nru 5/2004 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku tal-15 ta' Diċembru 2004 li tadotta, skond l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni Nru 2/2000, Anness għad-Deċiżjoni msemmija dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali (ĠU UE L 66, 12.3.2005, p. 15).

8. Il-Partijiet ma għandhomx ikunu jistgħu jressqu proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Ftehim dwar kwistjonijiet li kienu s-suġġett ta' rapport finali tal-bord skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Messiku.

9. Il-perjodi tranżizzjonali li jkunu diġà għaddew kompletament jew parzjalment skont il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Messiku għandhom jitqiesu meta jiġu kkalkolati l-perjodi tranżizzjonali previsti f'dispożizzjonijiet ekwivalenti taħt dan il-Ftehim. Tali perjodi tranżizzjonali skont dan il-Ftehim għandhom jiġu kkalkolati li jibdew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 2.7

Annessi, Protokolli u Dikjarazzjonijiet Konġunti

1. L-annessi, inklużi l-appendiċijiet, il-protokolli, n-noti tagħhom u d-dikjarazzjonijiet konġunti ta' dan il-Ftehim, għandhom jifformaw parti integrali minnu.

2. Kull anness ta' dan il-Ftehim, inklużi l-appendiċijiet tiegħu, identifikat b'kodiċi li jibda b'numru Għarbi, għandu jifforma parti integrali mill-kapitolu tal-Parti III ta' dan il-Ftehim li huwa identifikat bl-istess numru Għarbi u li fih issir referenza għal dak l-anness partikolari.

3. L-Annessi minn I sa VII ta' dan il-Ftehim, inklużi l-appendiċijiet tagħhom, li huma identifikati minn numru Ruman, għandhom jifformaw parti integrali mill-Kapitoli 10 sa 19 tal-Parti III ta' dan il-Ftehim. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor, id-definizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli 10 sa 19 japplikaw bl-istess mod għal dawk l-annessi.

Artikolu 2.8

Eċċezzjoni tas-Sigurtà

F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jiġi interpretat bħala:

(a) li jirrikjedi li Parti tagħti jew tippermetti l-aċċess għal kwalunkwe informazzjoni, li hija tqis li d-divulgazzjoni tagħha tmur kontra l-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha;

(b) li jwaqqaf lil Parti milli tieħu azzjoni li hija tqis li hija neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha:

(i) marbuta mal-produzzjoni jew mat-traffikar ta' armi, munizzjon u strumenti tal-gwerra u ma' tali traffikar jew tranżazzjonijiet ta' oġġetti u materjali oħrajn, imwettqa direttament jew indirettament għall-fini ta' forniment ta' stabbiliment militari;

(ii) relatata mal-provvista ta' servizzi u teknoloġija, u ma' attivitajiet ekonomiċi, imwettqa direttament jew indirettament għall-fini ta' forniment ta' stabbiliment militari;

(iii) relatata ma' materjali fissili u fużjonabbli jew mal-materjali li minnhom jiġu dderivati;

(iv) meħuda fi żmien ta' gwerra jew f'emerġenza oħra fir-relazzjonijiet internazzjonali; jew

(c) li jżomm lil xi Parti milli tieħu kwalunkwe azzjoni sabiex twettaq l-obbligi internazzjonali tagħha skont il-Karta tan-NU għall-fini taż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

Artikolu 2.9

Adeżjoni ta' Stati Membri Ġodda mal-Unjoni Ewropea

1. L-Unjoni Ewropea għandha tinforma minnufih lill-Messiku bi kwalunkwe talba minn pajjiż terz sabiex jaderixxi mal-Unjoni Ewropea.

2. L-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Messiku bid-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe trattat li jikkonċerna l-adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"Trattat ta' Adeżjoni").

3. Matul in-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiż terz li jkun qiegħed ifittex l-adeżjoni, l-Unjoni Ewropea għandha:

(a) tipprovdi, fuq talba tal-Messiku, u sa fejn possibbli, kwalunkwe informazzjoni rigward kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim; u

(b) tqis kwalunkwe tħassib espress mill-Messiku b'rabta mal-kwistjonijiet koperti taħt dan il-Ftehim.

4. Stat Membru ġdid tal-Unjoni Ewropea għandu jaderixxi ma' dan il-Ftehim f'konformità mat-termini deċiżi mill-Kunsill Konġunt. Dik l-adeżjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data tal-adeżjoni tal-Istat Membru l-ġdid mal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Konġunt għandu jemenda dan il-Ftehim b'deċiżjoni, u b'hekk jistabbilixxi t-termini tal-adeżjoni.

5. Minkejja l-paragrafu 4, fir-rigward tal-Parti III ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt li jiltaqa' fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ għandu:

(a) jeżamina, biżżejjed qabel id-data tal-adeżjoni tal-pajjiż terz mal-Unjoni Ewropea, kwalunkwe effett ta' tali adeżjoni fuq dan il-Ftehim; u

(b) qabel id-dħul fis-seħħ tal-adeżjoni tal-pajjiż terz mal-Unjoni Ewropea, jindirizza l-effetti ta' tali adeżjoni fuq dan il-Ftehim u jaqbel fuq kwalunkwe emenda, aġġustament jew miżura tranżizzjonali meħtieġa relatati mal-Parti III ta' dan il-Ftehim, sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni ta' dik il-Parti mill-Partijiet, sa fejn ikun possibbli, mid-data tal-adeżjoni tal-Istat Membru l-ġdid mal-Unjoni Ewropea.

6. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt u tal-Kumitat Konġunt skont dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 1.2 (Kunsill Konġunt).

Artikolu 2.10

Adeżjonijiet Futuri ma' dan il-Ftehim

Dan il-Ftehim huwa miftuħ għall-adeżjoni minn kwalunkwe Stat li huwa lest li jikkonforma mal-obbligi stabbiliti f'dan il-Ftehim, soġġett għal tali termini u kundizzjonijiet li jistgħu jiġu miftiehma bejn l-Istat u l-Partijiet, u wara l-approvazzjoni f'konformità mal-proċeduri legali applikabbli ta' kull Parti u tal-Istat aderenti.

Artikolu 2.11

Drittijiet Privati

F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jiġi interpretat bħala li jagħti drittijiet lill-persuni, jew li jimponi obbligi fuqhom, minbarra dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku jew, mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni domestika tal-Messiku, bħala li jippermetti li dan il-Ftehim ikun direttament invokat fis-sistemi legali domestiċi tal-Partijiet.

Artikolu 2.12

Testi Awtentiċi

Dan il-Ftehim huwa mfassal duplikatament bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, bit-Taljan u bl-Ungeriż, b'kull test ugwalment awtentiku.

Artikolu 2.13

Durata u Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu mhux limitat.

2. Il-Parti tal-UE jew il-Messiku jistgħu jinnotifikaw lill-Parti l-oħra bil-miktub bl-intenzjoni tagħhom li jitterminaw dan il-Ftehim. It-terminazzjoni għandha sseħħ 6 xhur wara d-data tal-wasla ta' dik in-notifika.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

Съставено в Мексико на двадесет и втори май две хиляди двадесет и шеста година.

Hecho en Ciudad de México, el veintidós de mayo de dos mil veintiséis.

V Mexico City dne dvacátého druhého května roku dva tisíce dvacet šest.

Udfærdiget i Mexico City den toogtyvende maj to tusind og seksogtyve.

Geschehen zu Mexiko-Stadt am zweiundzwanzigsten Mai zweitausendsechsundzwanzig.

Maikuu kahekümne teisel päeval kahe tuhande kahekümne kuuendal aastal Mexico Citys.

Έγινε στην Πόλη του Μεξικού, στις είκοσι δύο Μαΐου δύο χιλιάδες είκοσι έξι.

Done at Mexico City on the twenty-second day of May in the year two thousand and twenty six.

Fait à Mexico, le vingt-deux mai deux mille vingt-six.

Arna dhéanamh i gCathair Mheicsiceo, an dóú lá is fiche de Bhealtaine sa bhliain dhá mhíle fiche a sé.

Sastavljeno u Méxicu dvadeset drugog svibnja godine dvije tisuće dvadeset šeste.

Fatto a Città del Messico, addì ventidue maggio duemilaventisei.

Mehiko, divi tūkstoši divdesmit sestā gada divdesmit otrajā maijā.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt šeštų metų gegužės dvidešimt antrą dieną Meksike.

Kelt Mexikóvárosban, a kétezerhuszonhatodik év május havának huszonkettedik napján.

Magħmul fil-Belt tal-Messiku fit-tnejn u għoxrin jum ta' Mejju fis-sena elfejn u sitta u għoxrin.

Gedaan te Mexico City, tweeëntwintig mei tweeduizend zesentwintig.

Sporządzono w Meksyku dnia dwudziestego drugiego maja roku dwa tysiące dwudziestego szóstego.

Feito na Cidade do México, em vinte e dois de maio de dois mil e vinte e seis.

Întocmit la Ciudad de Mexico la douăzeci și doi mai două mii douăzeci și șase.

V Mexiku dvadsiateho druhého mája dvetisíc dvadsaťšesť.

V Ciudadu de Méxicu, dvaindvajsetega maja dva tisoč šestindvajset.

Tehty Mexicossa kahdentenakymmenentenätoisena päivänä toukokuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkuusi.

Som skedde i Mexico City den tjugoandra maj år tjugohundratjugosex.

Voor het Koninkrijk België
Pour le Royaume de Belgique
Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens de Vlaamse Gemeenschap, de Franse Gemeenschap, de Duitstalige Gemeenschap, het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.

Cette signature engage également la Communauté française, la Communauté flamande, la Communauté germanophone, la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Deutschsprachige Gemeinschaft, die Flämische Gemeinschaft, die Französische Gemeinschaft, die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.

За Република България



Za Českou republiku



For Kongeriget Danmark



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel



Thar ceann na hÉireann
For Ireland



Για την Ελληνική Δημοκρατία



Por el Reino de España



Pour la République française



Za Republiku Hrvatsku



Per la Repubblica italiana



Για την Κυπριακή Δημοκρατία



Latvijas Republikas vārdā –



Lietuvos Respublikos vardu



Pour le Grand-Duché de Luxembourg



Magyarország részéről



Għar-Repubblika ta' Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Pentru România



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta
För Republiken Finland



För Konungariket Sverige



За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

Por los Estados Unidos Mexicanos

ANNESS 2-A

SKEDA TA' TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Dan l-Anness jispeċifika l-obbligi ta' kull Parti fir-rigward tat-tneħħija jew tat-tnaqqis tad-dazji doganali tagħha skont l-Artikolu 2.4 (Tneħħija jew Tnaqqis tad-Dazji Doganali).

2. Kull Parti għandha tneħħi jew tnaqqas id-dazji doganali tagħha f'konformità mat-Taqsimiet minn A sa C ta' dan l-Anness u:

(a) għall-Unjoni Ewropea, bl-Appendiċijiet 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u 2-A-3 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Unjoni Ewropea); u

(b) għall-Messiku, bl-Appendiċijiet 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku) u 2-A-4 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku).

3. L-Appendiċijiet msemmija fis-subparagrafi 2(a) u 2(b) huma parti integrali minn dan l-Anness.

4. Dan l-Anness huwa bbażat fuq is-Sistema Armonizzata, kif emendata fl-1 ta' Jannar 2012.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "l-ewwel sena" tfisser il-perjodu ta' żmien li jibda fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u li jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena kalendarja. It-tieni sena tibda fl-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sena kalendarja li fiha jidħol fis-seħħ il-Ftehim, b'kull tnaqqis sussegwenti jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar ta' kull sena sussegwenti.

TAQSIMA B

Ir-Rata Bażi u l-Kategoriji tal-Fażijiet

1. Ir-rata bażi tad-dazju doganali u l-kategorija tal-fażijiet għad-determinazzjoni tar-rata interim tad-dazju doganali f'kull fażi ta' tnaqqis għal linja tariffarja huma indikati għal dik il-linja tariffarja fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi ta' kull Parti msemmija fil-paragrafu 2 tat-Taqsima A.

2. Ir-rata bażi għad-determinazzjoni tar-rata interim f'fażijiet tad-dazju doganali għal linja tariffarja għandha tkun ir-rata tad-dazju doganali tan-nazzjon l-aktar iffavorit applikata fl-1 ta' Jannar 2016. Għal-linji tariffarji identifikati b'asterisk (*) fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku), ir-rata bażi tad-dazju applikabbli hija dik stabbilita f'dik l-iskeda.

3. Għall-oġġetti oriġinarji tal-Parti l-oħra stabbiliti fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi ta' kull Parti, il-kategoriji tal-fażijiet li ġejjin japplikaw għat-tneħħija jew għat-tnaqqis tad-dazji doganali:

(a) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet 0 fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi ta' Parti għandhom jiġu jitneħħew kompletament, u tali oġġetti għandhom ikunu mingħajr dazju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(b) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet 3 fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi ta' Parti għandhom jitneħħew fi tliet fażijiet annwali ugwali, u tali oġġetti għandhom ikunu mingħajr dazju mill-1 ta' Jannar tat-tielet sena;

(c) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet 5 fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi ta' Parti għandhom jitneħħew f'ħames fażijiet annwali ugwali, u tali oġġetti għandhom ikunu mingħajr dazju mill-1 ta' Jannar tal-ħames sena;

(d) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet 7 fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi ta' Parti għandhom jitneħħew f'seba' fażijiet annwali ugwali, u tali oġġetti għandhom ikunu mingħajr dazju mill-1 ta' Jannar tas-seba' sena;

(e) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet 10 fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi ta' Parti għandhom jitneħħew f'għaxar fażijiet annwali ugwali, u tali oġġetti għandhom ikunu mingħajr dazju mill-1 ta' Jannar tal-għaxar sena;

(f) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet E fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi ta' Parti għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-iskeda ta' kull Parti;

(g) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet MX7 fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi tal-Messiku għandhom jitneħħew kif ġej:

Sena	Ad valorem (%)	Komponent speċifiku
1	16,5	Liberu
2	13,0	Liberu
3	9,5	Liberu
4	7,2	Liberu
5	4,8	Liberu
6	2,4	Liberu
7	Liberu	Liberu

(h) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet MX10 fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi tal-Messiku għandhom jitneħħew f'10 fażijiet annwali li jibdew fl-ewwel sena, u d-dazju doganali għal tali oġġetti għandu jkun mingħajr dazju mill-1 ta' Jannar tal-għaxar sena, kif ġej:

Sena	Ad valorem (%)
1	19,0
2	18,0
3	17,0

Sena	Ad valorem (%)
4	16,0
5	15,0
6	12,0
7	9,0
8	6,0
9	3,0
10	Liberu

(i) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet MX-R1 fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi tal-Messiku għandhom jitnaqqsu b'50 % tar-rata bażi f'10 fażijiet annwali ugwali li jibdew fl-ewwel sena, u d-dazju doganali għal tali oġġetti għandu jkun 87,5 % effettiv mill-1 ta' Jannar tal-għaxar sena u kull sena sussegwenti, kif ġej:

Sena	Ad valorem (%)
1	166,3
2	157,5
3	148,8
4	140,0
5	131,3
6	122,5
7	113,8
8	105,0
9	96,3
10	87,5

(j) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet MX-R2 fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi tal-Messiku għandhom jitnaqqsu b'50 % tar-rata bażi f'10 fażijiet annwali ugwali li jibdew fl-ewwel sena, u d-dazju doganali għal tali oġġetti għandu jkun 10 % effettiv mill-1 ta' Jannar tal-għaxar sena u kull sena sussegwenti, kif ġej:

Sena	Ad valorem (%)
1	19,0
2	18,0
3	17,0
4	16,0
5	15,0
6	14,0
7	13,0
8	12,0
9	11,0
10	10,0

(k) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet MX-R3 fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi tal-Messiku għandhom jitnaqqsu b'40 % tar-rata bażi f'10 fażijiet annwali ugwali li jibdew fl-ewwel sena, u d-dazju doganali għal tali oġġetti għandu jkun 43,2 % effettiv mill-1 ta' Jannar tal-għaxar sena u kull sena sussegwenti, kif ġej:

Sena	Ad valorem (%)
1	69,1
2	66,2
3	63,4
4	60,5
5	57,6

Sena	Ad valorem (%)
6	54,7
7	51,8
8	49,0
9	46,1
10	43,2

(l) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet MX-R4 fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi tal-Messiku għandhom jitnaqqsu b'50 % tar-rata bażi f'ħames fażijiet annwali ugwali li jibdew fl-ewwel sena, u d-dazju doganali għal tali oġġetti għandu jkun 5 % effettiv mill-1 ta' Jannar tal-ħames sena u kull sena sussegwenti, kif ġej:

Sena	Ad valorem (%)
1	9,0
2	8,0
3	7,0
4	6,0
5	5,0

(m) id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet R-BS fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu ta' EUR 75/tunnellata mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

4. Jekk id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji jkunu previsti fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-fażijiet stabbiliti fil-paragrafu 3, il-komponenti kollha tad-dazji imposti fuq dawk l-oġġetti u espressi f'forma *ad valorem* jew speċifika jew fi kwalunkwe kombinazzjoni jew formulazzjoni tagħhom, għandhom jitnaqqsu jew jitneħħew fil-fażijiet rispettivi għal kategorija tal-fażijiet partikolari.

5. Il-komponent *ad valorem* tad-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji previsti fil-linji tariffarji identifikati bħala l-kategorija tal-fażijiet "0/EP" fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi tal-Unjoni Ewropea għandu jitneħħa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. It-tneħħija tat-tariffi għandha tapplika għad-dazju *ad valorem* biss. Id-dazju speċifiku fuq l-oġġetti oriġinarji skattat f'sitwazzjoni fejn il-prezz tal-importazzjoni jaqa' taħt il-prezz tad-dħul għandu jinżamm.

6. Għall-finijiet tat-tneħħija tad-dazji doganali f'konformità mal-Artikolu 2.4 (Tneħħija jew Tnaqqis tad-Dazji Doganali), ir-rati tad-dazju interim f'fażijiet għandhom jitqarrbu 'l isfel mill-inqas sal-eqreb deċimu ta' punt perċentwali jew, jekk ir-rata tad-dazju tkun espressa f'unitajiet monetarji, mill-inqas sal-eqreb 0,01 tal-unità monetarja uffiċjali tal-Parti.

TAQSIMA C

Regoli Ġenerali għall-Kwoti tar-Rati Tariffarji

1. Id-dazji doganali fuq l-oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji mmarkati bin-notazzjoni "TRQ-XY" fil-kolonna "Kategorija tal-Fażijiet" fl-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi ta' Parti għandhom ikunu regolati mit-termini tal-kwota tariffarja (TRQ) għal-linja tariffarja speċifika, kif stabbilit fl-Appendiċijiet 2-A-3 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Unjoni Ewropea) u 2-A-4 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku), li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Għall-amministrazzjoni tal-ewwel sena ta' kull TRQ stabbilita skont dan l-Anness, jekk ikun fadal inqas minn 12-il xahar fis-sena tat-TRQ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-applikanti tal-kwoti, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-kwantità tal-kwota annwali stabbilita f'konformità ma' dan l-Anness immultiplikata bi frazzjoni, li n-numeratur tagħha għandu jkun numru sħiħ li jikkonsisti fl-għadd ta' jiem li jifdal fis-sena tat-TRQ mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u li d-denominatur tagħha għandu jkun 365. Minn hemm 'il quddiem, kull Parti għandha tagħmel disponibbli l-kwantità tal-kwota annwali kollha stabbilita f'konformità ma' dan l-Anness għall-applikanti tal-kwoti mill-ewwel jum ta' kull sena tat-TRQ.

Appendiċi 2-A-1

SKEDA TA' TNEHHIJA TAT-TARIFFI TAL-UNJONI EWROPEA

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi [1]	Kategorija tal-fażijiet
0102 29 10	– – – – Ta' piż ta' mhux aktar minn 80 kg	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	7
0102 29 21	– – – – – Għall-qatla	10,2 %+ 93,1 EUR/100 kg	7
0102 29 29	– – – – – Oħrajn	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	7
0102 29 41	– – – – – Għall-qatla	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	7
0102 29 49	– – – – – Oħrajn	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	7
0102 29 51	– – – – – – Għall-qatla	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	7
0102 29 59	– – – – – – Oħrajn	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	7
0102 29 61	– – – – – – Għall-qatla	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	7
0102 29 69	– – – – – – Oħrajn	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	7
0102 29 91	– – – – – – Għall-qatla	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	7
0102 29 99	– – – – – – Oħrajn	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	7

ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2026/1509/oj

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0102 39 10	– – – Speċi domestiċi	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	0
0102 90 91	– – – Speċi domestiċi	10,2 % + 93,1 EUR/100 kg	0
0201 10 00	– Karkassi u nofs-karkassi	12,8 % + 176,8 EUR/100 kg	E
0201 20 20	– – Kwarti "kumpensati"	12,8 % + 176,8 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0201 20 30	– – Kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin	12,8 % + 141,4 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0201 20 50	– – Kwarti ta' wara mhux mifrudin jew mifrudin	12,8 % + 212,2 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0201 20 90	– – Oħrajn	12,8 % + 265,2 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0201 30 00	– Mingħajr għadam	12,8 % + 303,4 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0202 10 00	– Karkassi u nofs-karkassi	12,8 % + 176,8 EUR/100 kg	E
0202 20 10	– – Kwarti "kumpensati"	12,8 % + 176,8 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0202 20 30	– – Kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin	12,8 % + 141,4 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0202 20 50	– – Kwarti ta' wara mhux mifrudin jew mifrudin	12,8 % + 221,1 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0202 20 90	– – Oħrajn	12,8 % + 265,3 EUR/100 kg	TRQ-BF1

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0202 30 10	–– Kwarti ta' quddiem, sħaħ jew imqattgħin f'massimu ta' ħames biċċiet, kull kwart qiegħed ġo blokka waħda; kwarti "kumpensanti" f'żewġ blokki, li wieħed minnhom fih il-kwart ta' quddiem, sħaħ jew maqsumin f'massimu ta' ħames biċċiet, u l-oħra, il-kwart ta' wara, ħlief il-flett, f'biċċa waħda	12,8 % + 221,1 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0202 30 50	–– "Crop", qatgħat ta' spalla u skapula u sidra	12,8 % + 221,1 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0202 30 90	–– Oħrajn	12,8 % + 304,1 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0203 11 10	––– Ta' majjal domestiku	53,6 EUR/100 kg	7
0203 12 11	–––– Ġarretti u qatgħat tagħhom	77,8 EUR/100 kg	TRQ-PK
0203 12 19	–––– Spalel u qatgħat tagħhom	60,1 EUR/100 kg	7
0203 19 11	–––– Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom	60,1 EUR/100 kg	7
0203 19 13	–––– Flett u qatgħat tiegħu, bil-għadma	86,9 EUR/100 kg	7
0203 19 15	–––– Żaqq (streaky) u qatgħat tagħha	46,7 EUR/100 kg	7
0203 19 55	––––– Mingħajr għadam		
ex 0203 19 55	––––––– Ġarretti u qatgħat tagħhom	86,9 EUR/100 kg	TRQ-PK
ex 0203 19 55	––––––– Oħrajn	86,9 EUR/100 kg	7

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0203 19 59	– – – – – Oħrajn	86,9 EUR/100 kg	7
0203 21 10	– – – Ta' majjal domestiku	53,6 EUR/100 kg	7
0203 22 11	– – – – Ġarretti u qatgħat tagħhom	77,8 EUR/100 kg	TRQ-PK
0203 22 19	– – – – Spalel u qatgħat tagħhom	60,1 EUR/100 kg	7
0203 29 11	– – – – Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom	60,1 EUR/100 kg	7
0203 29 13	– – – – Flett u qatgħat tiegħu, bil-għadma	86,9 EUR/100 kg	7
0203 29 15	– – – – Żaqq (streaky) u qatgħat tagħha	46,7 EUR/100 kg	7
0203 29 55	– – – – – Mingħajr għadam		
ex 0203 29 55	– – – – – – Ġarretti u qatgħat tagħhom	86,9 EUR/100 kg	TRQ-PK
ex 0203 29 55	– – – – – – Oħrajn	86,9 EUR/100 kg	7
0203 29 59	– – – – – Oħrajn	86,9 EUR/100 kg	7
0206 10 95	– – – Falda ħoxna u falda rqiqa	12,8 % + 303,4 EUR/100 kg	TRQ-BF2
0206 29 91	– – – – Falda ħoxna u falda rqiqa	12,8 % + 304,1 EUR/100 kg	TRQ-BF2

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0207 11 10	– – – Imnittfa u mnaddfa mill-imsaren, bl-irjus u s-saqajn, magħrufa bħala "83 % tiġieġ"	26,2 EUR/100 kg	7
0207 11 30	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "70 % tiġieġ"	29,9 EUR/100 kg	7
0207 11 90	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala "65 % tiġieġ", jew preżentati mod ieħor	32,5 EUR/100 kg	7
0207 12 10	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "70 % tiġieġ"	29,9 EUR/100 kg	7
0207 12 90	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala "65 % tiġieġ", jew preżentati mod ieħor	32,5 EUR/100 kg	7
0207 13 10	– – – – Mingħajr għadam		
ex 0207 13 10	– – – – – Laħam separat b'mod mekkaniku (miksub billi jitneħħa l-laħam mill-għadam li fih il-laħam wara li jkun tneħħa l-għadam jew mill-karkassi tat-tjur, permezz ta' mezzi mekkaniċi li jwasslu għal telf jew modifikazzjoni ta' l-istruttura tal-fibri tal-muskoli)	102,4 EUR/100 kg	0
ex 0207 13 10	– – – – – Oħrajn	102,4 EUR/100 kg	TRQ-PY
0207 13 20	– – – – – Nofsijiet jew kwarti	35,8 EUR/100 kg	TRQ-PY
0207 13 30	– – – – – Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom	26,9 EUR/100 kg	7

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0207 13 40	– – – – – Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ	18,7 EUR/100 kg	7
0207 13 50	– – – – – Isdra u qatgħat tagħhom	60,2 EUR/100 kg	TRQ-PY
0207 13 60	– – – – – Saqajn u qatgħat tagħhom	46,3 EUR/100 kg	TRQ-PY
0207 13 70	– – – – – Oħrajn	100,8 EUR/100 kg	TRQ-PY
0207 13 99	– – – – Oħrajn	18,7 EUR/100 kg	5
0207 14 10	– – – – Mingħajr għadam		
ex 0207 14 10	– – – – – Laħam separat b'mod mekkaniku (miksub billi jitneħħa l-laħam mill-għadam li fih il-laħam wara li jkun tneħħa l-għadam jew mill-karkassi tat-tjur, permezz ta' mezzi mekkaniċi li jwasslu għal telf jew modifikazzjoni ta' l-istruttura tal-fibri tal-muskoli)	102,4 EUR/100 kg	0
ex 0207 14 10	– – – – – Oħrajn	102,4 EUR/100 kg	TRQ-PY
0207 14 20	– – – – – Nofsijiet jew kwarti	35,8 EUR/100 kg	TRQ-PY
0207 14 30	– – – – – Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom	26,9 EUR/100 kg	7
0207 14 40	– – – – – Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ	18,7 EUR/100 kg	7
0207 14 50	– – – – – Isdra u qatgħat tagħhom	60,2 EUR/100 kg	TRQ-PY

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0207 14 60	– – – – – Saqajn u qatgħat tagħhom	46,3 EUR/100 kg	TRQ-PY
0207 14 70	– – – – – Oħrajn	100,8 EUR/100 kg	TRQ-PY
0207 24 10	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "80 % dundjani"	34 EUR/100 kg	7
0207 24 90	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala "73 % dundjani", jew preżentati mod ieħor	37,3 EUR/100 kg	7
0207 25 10	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "80 % dundjani"	34 EUR/100 kg	7
0207 25 90	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala "73 % dundjani", jew preżentati mod ieħor	37,3 EUR/100 kg	7
0207 26 10	– – – – Mingħajr għadam	85,1 EUR/100 kg	7
0207 26 20	– – – – – Nofsijiet jew kwarti	41 EUR/100 kg	7
0207 26 30	– – – – – Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom	26,9 EUR/100 kg	7
0207 26 40	– – – – – Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ	18,7 EUR/100 kg	7
0207 26 50	– – – – – Isdra u qatgħat tagħhom	67,9 EUR/100 kg	7

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0207 26 60	– – – – – – Koxox u qatgħat tal-koxox	25,5 EUR/100 kg	7
0207 26 70	– – – – – – Oħrajn	46 EUR/100 kg	7
0207 26 80	– – – – – Oħrajn	83 EUR/100 kg	7
0207 27 10	– – – – Mingħajr għadam	85,1 EUR/100 kg	TRQ-PY
0207 27 20	– – – – – Nofsijiet jew kwarti	41 EUR/100 kg	7
0207 27 30	– – – – – Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom	26,9 EUR/100 kg	7
0207 27 40	– – – – – Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ	18,7 EUR/100 kg	7
0207 27 50	– – – – – Isdra u qatgħat tagħhom	67,9 EUR/100 kg	7
0207 27 60	– – – – – – Koxox u qatgħat tagħhom	25,5 EUR/100 kg	7
0207 27 70	– – – – – – Oħrajn	46 EUR/100 kg	7
0207 27 80	– – – – – Oħrajn	83 EUR/100 kg	7
0207 41 20	– – – Imnittfa, svinati, imnaddfa mill-imsaren imma mhux imsewwija, bl-irjus u bis-saqajn, magħrufa bħala "85 % papri"	38 EUR/100 kg	0

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0207 41 30	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "70 % papri"	46,2 EUR/100 kg	0
0207 41 80	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala "63 % papri", jew preżentati mod ieħor	51,3 EUR/100 kg	0
0207 42 30	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "70 % papri"	46,2 EUR/100 kg	0
0207 42 80	– – – Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala "63 % papri", jew preżentati mod ieħor	51,3 EUR/100 kg	0
0207 44 10	– – – – Mingħajr għadam	128,3 EUR/100 kg	0
0207 44 21	– – – – – Nofsijiet jew kwarti	56,4 EUR/100 kg	0
0207 44 31	– – – – – Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom	26,9 EUR/100 kg	0
0207 44 41	– – – – – Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ	18,7 EUR/100 kg	0
0207 44 51	– – – – – Isdra u qatgħat tagħhom	115,5 EUR/100 kg	0
0207 44 61	– – – – – Saqajn u qatgħat tagħhom	46,3 EUR/100 kg	0
0207 44 81	– – – – – Oħrajn	123,2 EUR/100 kg	0

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0207 45 10	– – – – Mingħajr għadam	128,3 EUR/100 kg	0
0207 45 21	– – – – – Nofsijiet jew kwarti	56,4 EUR/100 kg	0
0207 45 31	– – – – – Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom	26,9 EUR/100 kg	0
0207 45 41	– – – – – Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ	18,7 EUR/100 kg	0
0207 45 51	– – – – – Isdra u qatgħat tagħhom	115,5 EUR/100 kg	0
0207 45 61	– – – – – Saqajn u qatgħat tagħhom	46,3 EUR/100 kg	0
0207 45 81	– – – – – Oħrajn	123,2 EUR/100 kg	0
0207 54 21	– – – – – Nofsijiet jew kwarti	52,9 EUR/100 kg	0
0207 54 31	– – – – – Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom	26,9 EUR/100 kg	0
0207 54 41	– – – – – Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ	18,7 EUR/100 kg	0
0207 54 81	– – – – – Oħrajn	123,2 EUR/100 kg	0
0207 55 31	– – – – – Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom	26,9 EUR/100 kg	0
0207 55 41	– – – – – Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ	18,7 EUR/100 kg	0

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0207 55 81	– – – – – Oħrajn	123,2 EUR/100 kg	0
0207 60 10	– – – – Mingħajr għadam	128,3 EUR/100 kg	0
0207 60 21	– – – – – Nofsijiet jew kwarti	54,2 EUR/100 kg	0
0207 60 31	– – – – – Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom	26,9 EUR/100 kg	0
0207 60 41	– – – – – Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ	18,7 EUR/100 kg	0
0207 60 51	– – – – – Isdra u qatgħat tagħhom	115,5 EUR/100 kg	0
0207 60 61	– – – – – Saqajn u qatgħat tagħhom	46,3 EUR/100 kg	0
0207 60 81	– – – – – Oħrajn	123,2 EUR/100 kg	0
0210 11 11	– – – – – Ġarretti u qatgħat tagħhom	77,8 EUR/100 kg	5
0210 11 19	– – – – – Spalel u qatgħat tagħhom	60,1 EUR/100 kg	5
0210 11 31	– – – – – Ġarretti u qatgħat tagħhom	151,2 EUR/100 kg	5
0210 11 39	– – – – – Spalel u qatgħat tagħhom	119 EUR/100 kg	5
0210 11 90	– – – Oħrajn	15,4 %	5

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0210 12 11	– – – – Immelħin jew fis-salmura	46,7 EUR/100 kg	5
0210 12 19	– – – – Imnixxfin jew affumikati	77,8 EUR/100 kg	5
0210 12 90	– – – Oħrajn	15,4 %	5
0210 19 10	– – – – – Ġnub jew ħxuniet tal-bejken	68,7 EUR/100 kg	5
0210 19 20	– – – – – Ġnub tliet-kwarti jew biċċiet tan-nofs	75,1 EUR/100 kg	5
0210 19 30	– – – – – Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom	60,1 EUR/100 kg	5
0210 19 40	– – – – – Flettijiet u qatgħat tagħhom	86,9 EUR/100 kg	5
0210 19 50	– – – – – Oħrajn	86,9 EUR/100 kg	5
0210 19 60	– – – – – Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom	119 EUR/100 kg	5
0210 19 70	– – – – – Flettijiet u qatgħat tagħhom	149,6 EUR/100 kg	5
0210 19 81	– – – – – – Mingħajr għadam	151,2 EUR/100 kg	5
0210 19 89	– – – – – – Oħrajn	151,2 EUR/100 kg	5
0210 20 10	– – Bl-għadam	15,4 % + 265,2 EUR/100 kg	TRQ-BF1

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi [1]	Kategorija tal-fażijiet
0210 20 90	–– Mingħajr għadam	15,4 % + 303,4 EUR/100 kg	TRQ-BF1
0210 92 99	–––– Dqiq u pasti mil-laħam jew mill-ġewwieni li jittiekel	15,4 % + 303,4 EUR/100 kg	0
0210 99 51	––––– Falda ħoxna u falda rqiqa	15,4 % + 303,4 EUR/100 kg	TRQ-BF2
0210 99 59	––––– Oħrajn	12,8 %	5
0210 99 90	––– Dqiq u pasti mil-laħam jew mill-ġewwieni li jittiekel	15,4 % + 303,4 EUR/100 kg	7
0401 10 10	–– F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux akbar minn żewġ litri	13,8 EUR/100 kg	0
0401 10 90	–– Oħrajn	12,9 EUR/100 kg	0
0401 20 11	––– F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux akbar minn żewġ litri	18,8 EUR/100 kg	0
0401 20 19	––– Oħrajn	17,9 EUR/100 kg	0
0401 20 91	––– F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux akbar minn żewġ litri	22,7 EUR/100 kg	0
0401 20 99	––– Oħrajn	21,8 EUR/100 kg	0
0401 40 10	–– F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux akbar minn żewġ litri	57,5 EUR/100 kg	0
0401 40 90	–– Oħrajn	56,6 EUR/100 kg	0

ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2026/1509/oj

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0401 50 11	– – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux akbar minn żewġ litri	57,5 EUR/100 kg	0
0401 50 19	– – – Oħrajn	56,6 EUR/100 kg	0
0401 50 31	– – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux akbar minn żewġ litri	110 EUR/100 kg	0
0401 50 39	– – – Oħrajn	109,1 EUR/100 kg	0
0401 50 91	– – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux akbar minn żewġ litri	183,7 EUR/100 kg	0
0401 50 99	– – – Oħrajn	182,8 EUR/100 kg	0
0402 10 11	– – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux aktar minn 2,5 kg	125,4 EUR/100 kg	0
0402 10 19	– – – Oħrajn	118,8 EUR/100 kg	0
0402 10 91	– – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux aktar minn 2,5 kg	1,19 EUR/kg/materjal lattiku + 27,5 EUR/100 kg	0
0402 10 99	– – – Oħrajn	1,19 EUR/kg/materjal lattiku + 21 EUR/100 kg	0
0402 21 11	– – – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux aktar minn 2,5 kg	135,7 EUR/100 kg	0
0402 21 18	– – – – Oħrajn	130,4 EUR/100 kg	0
0402 21 91	– – – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux aktar minn 2,5 kg	167,2 EUR/100 kg	0

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi [1]	Kategorija tal-fażijiet
0402 21 99	– – – – Oħrajn	161,9 EUR/100 kg	0
0402 29 11	– – – – Ħalib speċjali, għal trabi, f'kontenituri ssiġillati ermetikament b'kontenut nett mhux aktar minn 500 g, b'kontenut ta' xaħam, skont il-piż, aktar minn 10 %	1,31 EUR/kg + 22 EUR/100 kg	0
0402 29 15	– – – – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux aktar minn 2,5 kg	1,31 EUR/kg + 22 EUR/100 kg	0
0402 29 19	– – – – – Oħrajn	1,31 EUR/kg + 16,8 EUR/100 kg	0
0402 29 91	– – – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux aktar minn 2,5 kg	1,62 EUR/kg + 22 EUR/100 kg	0
0402 29 99	– – – – Oħrajn	1,62 EUR/kg + 16,8 EUR/100 kg	0
0402 91 10	– – – B'kontenut ta' xaħam, skont il-piż, mhux aktar minn 8 %	34,7 EUR/100 kg	0
0402 91 30	– – – B'kontenut ta' xaħam, skont il-piż, aktar minn 8 % iżda mhux aktar minn 10 %	43,4 EUR/100 kg	0
0402 91 51	– – – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux aktar minn 2,5 kg	110 EUR/100 kg	0
0402 91 59	– – – – Oħrajn	109,1 EUR/100 kg	0
0402 91 91	– – – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux aktar minn 2,5 kg	183,7 EUR/100 kg	0
0402 91 99	– – – – Oħrajn	182,8 EUR/100 kg	0

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi [1]	Kategorija tal-fażijiet
0402 99 10	– – – B'kontenut ta' xaħam, skont il-piż, mhux aktar minn 9,5 %	57,2 EUR/100 kg	0
0402 99 31	– – – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux aktar minn 2,5 kg	1,08 EUR/kg + 19,4 EUR/100 kg	0
0402 99 39	– – – – Oħrajn	1,08 EUR/kg + 18,5 EUR/100 kg	0
0402 99 91	– – – – F'pakki diretti ta' kontenut nett mhux aktar minn 2,5 kg	1,81 EUR/kg + 19,4 EUR/100 kg	0
0402 99 99	– – – – Oħrajn	1,81 EUR/kg + 18,5 EUR/100 kg	0
0403 10 11	– – – – Mhux aktar minn 3 %	20,5 EUR/100 kg	0
0403 10 13	– – – – Aktar minn 3 % iżda mhux aktar minn 6 %	24,4 EUR/100 kg	0
0403 10 19	– – – – Aktar minn 6 %	59,2 EUR/100 kg	0
0403 10 31	– – – – Mhux aktar minn 3 %	0,17 EUR/kg + 21,1 EUR/100 kg	0
0403 10 33	– – – – Aktar minn 3 % iżda mhux aktar minn 6 %	0,20 EUR/kg + 21,1 EUR/100 kg	0
0403 10 39	– – – – Aktar minn 6 %	0,54 EUR/kg + 21,1 EUR/100 kg	0
0403 10 51	– – – – Mhux aktar minn 1,5 %	95 EUR/100 kg	0
0403 10 53	– – – – Aktar minn 1,5 % iżda mhux aktar minn 27 %	130,4 EUR/100 kg	0

Oġġett tat-tariffa NM 2016	Deskrizzjoni ta' NM 2016	Rata bażi (1)	Kategorija tal-fażijiet
0403 10 59	– – – – Aktar minn 27 %	168,8 EUR/100 kg	0
0403 10 91	– – – – Mhux aktar minn 3 %	12,4 EUR/100 kg	0
0403 10 93	– – – – Aktar minn 3 % iżda mhux aktar minn 6 %	17,1 EUR/100 kg	0
0403 10 99	– – – – Aktar minn 6 %	26,6 EUR/100 kg	0
0403 90 11	– – – – – Mhux aktar minn 1,5 %	100,4 EUR/100 kg	0
0403 90 13	– – – – – Aktar minn 1,5 % iżda mhux aktar minn 27 %	135,7 EUR/100 kg	0
0403 90 19	– – – – – Aktar minn 27 %	167,2 EUR/100 kg	0
0403 90 31	– – – – – Mhux aktar minn 1,5 %	0,95 EUR/kg + 22 EUR/100 kg	0
0403 90 33	– – – – – Aktar minn 1,5 % iżda mhux aktar minn 27 %	1,31 EUR/kg + 22 EUR/100 kg	0
0403 90 39	– – – – – Aktar minn 27 %	1,62 EUR/kg + 22 EUR/100 kg	0
0403 90 51	– – – – – Mhux aktar minn 3 %	20,5 EUR/100 kg	0
0403 90 53	– – – – – Aktar minn 3 % iżda mhux aktar minn 6 %	24,4 EUR/100 kg	0
(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-EG2" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (e) għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fil-kwantitajiet annwali aggregata li ġejjin:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (MT — Ekwivalenti tal-Bajd tal-Qoxra)
1	2 000
2	2 500
3	3 000
4	3 500
5	4 000
6	4 500
7 u kull sena sussegwenti	5 000

(b) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(c) Meta jiġu kkalkolati l-kwantitajiet importati taħt dan it-TRQ, il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fil-paragrafu 2 tat-Taqsima C għandhom jintużaw sabiex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti għall-bajd fil-qoxra.

(d) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(e) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 0408 11 80, 0408 19 81, 0408 19 89, 0408 91 80 u 0408 99 80.

7. Kwota tar-Rata Tariffarja Tranżizzjonali għall-Għasel

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-HY/7" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (e) għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fil-kwantitajiet annwali aggregata li ġejjin:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (MT)
1 sa 6	35 000

(b) Mill-bidu tas-sena sebgħa, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafi (a) u (e) għandhom ikunu mingħajr dazju.

(c) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata preferenzali tat-tariffa stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(d) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(e) Dan it-TRQ japplika għall-oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja 0409 00 00.

8. Kwota tar-Rata Tariffarja Tranżitorja tal-Frawli Ffriżati

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-SY/5" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (e) għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fil-kwantitajiet annwali aggregata li ġejjin:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (MT)
1 sa 4	1 500

(b) Mill-bidu tal-ħames sena, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafi (a) u (e) għandhom ikunu ħielsa mid-dazju.

(c) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata preferenzali tat-tariffa stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(d) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(e) Din it-TRQ tapplika għall-oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja 0811 10 90.

9. Kwota tar-Rata Tariffarja tal-Lamtu tal-Qamħirrum

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ- SH1" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (d) għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 1 800 tunnellata metrika mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(c) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(d) Din it-TRQ tapplika għall-oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja 1108 12 00.

10. Kwota tar-Rata Tariffarja Tranżitorja għall-Preparazzjonijiet tat-Tonn

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-TN1/7" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (h), għandhom ikunu soġġetti għar-rati tariffarji fil-kwota speċifikati fil-paragrafi (b) u (c) fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (MT)
1	15 000
2	15 500
3	16 000
4	16 500
5	17 000

(b) Oġġetti oriġinarji kklassifikati taħt il-linji tariffarji 1604 14 21, 1604 14 28, 1604 14 31, 1604 14 38, 1604 14 41, 1604 14 48, 1604 19 39, 1604 20 70 għandhom ikunu soġġetti għal rata tariffarja fil-kwota ta' 6,8 %.

(c) Oġġetti oriġinarji kklassifikati taħt il-linja tariffarja 1604 14 90 għandhom ikunu soġġetti għal rata tariffarja fil-kwota ta' 7,1 %.

(d) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(e) Mill-bidu tas-sitt sena, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafi (a) u (h) għandhom jirċievi t-trattament tariffarju preferenzjali applikabbli stabbilit fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u t-TRQ imsemmija fis-subparagrafu (a) għandha tiskadi.

(f) Mill-bidu tas-sena sebgħa, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafi (a) u (h) għandha tkun ħielsa mid-dazju.

(g) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(h) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 1604 14 21, 1604 14 28, 1604 14 31, 1604 14 38, 1604 14 41, 1604 14 48, 1604 14 90, 1604 19 39 u 1604 20 70.

11. Kwota tar-Rata Tariffarja Tranżizzjonali għall-Prodotti tal-Flett tat-Tonn

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-TN2/5" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (f) għandhom ikunu soġġetti għal rata tariffarja fil-kwota ta' 6 % fil-kwantitajiet annwali aggregati li ġejjin:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (MT)
1 sa 3	6 000

(b) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(c) Mill-bidu tar-raba' sena, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafi (a) u (f) għandhom jirċievi t-trattament tariffarju preferenzjali applikabbli stabbilit fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u t-TRQ imsemmija fis-subparagrafu (a) għandha tiskadi.

(d) Mill-bidu tal-ħames sena, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafi (a) u (f) għandha tkun ħielsa mid-dazju.

(e) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(f) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 1604 14 26, 1604 14 36 u 1604 14 46.

12. Kwota tar-Rata Tariffarja taz-Zokkor għar-Raffinar

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-SR1" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (d) għandhom ikunu soġġetti għal rata tariffarja fil-kwota ta' EUR 49 għal kull TM fil-kwantitajiet annwali aggregata li ġejjin:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (MT)
1	10 000
2	20 000
3 u kull sena sussegwenti	30 000

(b) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(c) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ skont il-liġi tagħha.

(d) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 1701 13 10 u 1701 14 10.

13. Kwota tar-Rata Tariffarja taz-Zokkor ta' Speċjalità

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-SR2" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (d) għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fil-kwantità ta' 500 TM.

(b) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(c) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(d) Dan it-TRQ japplika għall-oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja 1701 13 90.

14. Kwota tar-Rata Tariffarja ta' Zokkor Ieħor

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-SR3" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (d) għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fil-kwantità ta' 1 000 TM.

(b) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(c) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(d) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 1702 30 10, 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 10, 1702 40 90, 1702 50 00, 1702 60 10, ex 1702 60 95, 1702 90 30, ex 1704 90 99, 1806 10 30, 1806 10 90, ex 2101 12 98 u ex 2101 20 98.

15. Kwota tar-Rata Tariffarja Tranżizzjonali taċ-Ċjuwing-Gamm

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-CW/7" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (f) għandhom ikunu soġġetti għal rata fil-kwota ta' 6 % fil-kwantitajiet annwali aggregata li ġejjin:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (MT)
1 sa 4	1 000

(b) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(c) Mill-bidu tal-ħames sena, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafi (a) u (f) għandhom jirċievi t-trattament tariffarju preferenzjali applikabbli stabbilit fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u t-TRQ imsemmija fis-subparagrafu (a) għandha tiskadi.

(d) Mill-bidu tas-sena sebgħa, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafu (a) u (f) għandha tkun ħielsa mid-dazju.

(e) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(f) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 1704 10 10 u 1704 10 90.

16. Kwota tar-Rata Tariffarja Tranżizzjonali għas-Spraġ

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-ASP/7" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (f) għandhom ikunu soġġetti għal rata tariffarja fil-kwota ta' 7 % fil-kwantitajiet annwali aggregata li ġejjin:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (MT)
1 sa 4	1 000

(b) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(c) Mill-bidu tal-ħames sena, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafi (a) u (f) għandhom jirċievi t-trattament tariffarju preferenzjali applikabbli stabbilit fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u t-TRQ imsemmija fis-subparagrafu (a) għandha tiskadi.

(d) Mill-bidu tas-sena sebgħa, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafi (a) u (f) għandha tkun ħielsa mid-dazju.

(e) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' "tal-ewwel jinqeda l-ewwel"

(f) Dan it-TRQ japplika għall-oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja 2005 60 00.

17. Kwota tar-Rata Tariffarja Tranżizzjonali għall-Meraq tal-Lariġ

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-OJ/3" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (e) għandhom ikunu soġġetti għar-rati tariffarji fil-kwota li ġejjin fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (MT)	Rata Tariffarja fil-kwota
1	1 000	33,3 % tar-rata bażi
2	1 000	16,7 % tar-rata bażi

(b) Mill-bidu tat-tielet sena, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafi (a) u (e) għandha tkun ħielsa mid-dazju.

(c) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(d) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(e) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 2009 11 11, 2009 11 19 u 2009 11 91.

18. Kwota tar-Rata Tariffarja tal-Etanol

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-EL" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (d) għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fis-snin u l-kwantitajiet aggregati speċifikati hawn taħt. Porzjon tal-kwantità totali aggregata f'kull sena għandu jkun riżervat għal użu speċifiku fil-produzzjoni ta' xorb spirituż ikklassifikat taħt l-intestatura tariffarja ex 2208 ([1]) u definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u fl-Anness I tiegħu. Il-bqija tal-kwantità totali aggregata f'kull sena għandha tiġi rriżervata għal kwalunkwe użu ieħor ([3]).

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (MT) Użu speċifiku: produzzjoni ta' xorb spirituż	Kwantità Annwali Aggregata (MT) Użu speċifiku: ħlief il-produzzjoni ta' xorb spirituż	Kwantità Annwali Aggregata Totali (MT)
1	1 400	1 100	2 500
2	2 800	2 200	5 000
3	4 200	3 300	7 500
4	5 600	4 400	10 000
5 u kull sena sussegwenti	7 000	5 500	12 500

(b) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(c) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(d) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 2207 10 00, 2207 20 00 u 2208 90 99.

19. Kwota tar-Rata Tariffarja tar-Rum

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-RM" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (d) għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità ta' 3 000 ettolitru.

([1]) Ħlief għal-linji tariffarji 2208 90 91, 2208 90 99.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU UE L 39, 13.2.2008, p. 16).
([3]) Għajr għall-produzzjoni ta' prodotti kklassifikati taħt l-intestatura 2208.

(b) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(c) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(d) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 2208 40 11, 2208 40 39, 2208 40 51 u 2208 40 99.

20. Kwota tar-Rata Tariffarja Tranżizzjonali għall-Albumina tal-Bajd

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-EG3/10" stabbilita fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (f) għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fil-kwantitajiet aggregati li ġejjin:

Sena	Kwantità Annwali Aggregata (MT — Ekwivalenti tal-Bajd tal-Qoxra)
1 sa 9	3 000

(b) Mill-bidu tas-sena 10, l-oġġetti oriġinarji msemmija fis-subparagrafi (a) u (f) għandha tkun ħielsa mid-dazju.

(c) Meta jiġu kkalkolati l-kwantitajiet importati taħt dan it-TRQ, il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fil-paragrafu 2 tat-Taqsima C għandhom jintużaw sabiex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti għall-bajd fil-qoxra.

(d) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(e) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(f) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 3502 11 90 u 3502 19 90.

21. Kwota tar-Rata Tariffarja tad-Derivattivi tal-Lamtu

(a) Oġġetti oriġinarji kklassifikati f'linja tariffarja mmarkata bin-notazzjoni "TRQ-SH2" fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea) u elenkati fis-subparagrafu (d) għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fil-kwantità ta' 300 TM.

(b) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea).

(c) L-Unjoni Ewropea għandha tamministra din it-TRQ fuq bażi ta' tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

(d) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 2905 43 00, 2905 44 11, 2905 44 19, 2905 44 91, 3824 60 11 u 3824 60 19.

TAQSIMA C

Fatturi tal-Konverżjoni

1. Fir-rigward tat-TRQs stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 fit-Taqsima B (Kwoti tar-Rata Tariffarja), għandhom jintużaw il-fatturi ta' konverżjoni li ġejjin biex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenza għal piż ta' karkassi:

(a) għat-TRQs stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 fit-Taqsima b (Kwoti tar-Rata Tariffarja):

Linja Tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja Tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
0201 20 20	Kwarti "kumpensati" ta' annimali tal-ifrat bil-għadma, friski jew imkessħin	100 %
0201 20 30	Kwarti ta' quddiem mhux separati jew separati ta' annimali bovini, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0201 20 50	Kwarti ta' wara separati jew mhux separati ta' annimali bovini bil-għadma, friski jew imkessħin	100 %
0201 20 90	Qatgħat ta' annimali tal-ifrat friski jew imkessħin, bil-għadma (minbarra karkassi u nofs-karkassi, "kwarti kumpensati", kwarti ta' quddiem u kwarti ta' wara)	100 %
0201 30 00	Laħam tal-bovini, frisk jew imkessaħ, bla għadam	130 %
0202 20 10	Kwarti "kumpensati" ta' annimali tal-ifrat iffriżati, bil-għadma	100 %
0202 20 30	Kwarti ta' quddiem separati jew mhux separati tal-bovini, iffriżati, bl-għadam	100 %
0202 20 50	Kwarti ta' wara separati jew mhux separati tal-bovini, iffriżati, bil-għadam	100 %
0202 20 90	Qatgħat bl-għadam, friżati ta' bovini, (minbarra karkassi u nofs-karkassi, "kwarti kumpensanti", kwarti ta' quddiem u kwarti ta' wara)	100 %
0202 30 10	Kwarti ta' quddiem friżati mingħajr għadam ta' bovini, sħaħ jew maqtugħa f'massimu ta' 5 biċċiet, kull kwart fi blokka waħda; kwarti "kumpensati" fi blokka waħda (1), waħda fiha l-kwart ta' quddiem, sħiħ jew imqatta' f'massimu ta' 5 biċċiet, u l-oħra, il-kwart ta' wara sħiħ, mingħajr flett, f'biċċa waħda	130 %
0202 30 50	Ħawsla, qatgħat tal-ispalla u l-iskapula u s-sidra tal-bovini, bla għadam u ffriżati	130 %
0202 30 90	Laħam mingħajr għadam iffriżat ta' annimali tal-ifrat (minbarra kwarti ta' quddiem, sħaħ jew imqattgħin f'massimu ta' ħames biċċiet, kull kwart ikun fi blokka waħda; kwarti "kumpensanti" f'żewġ blokki, li wieħed minnhom fih il-kwart ta' quddiem, sħaħ jew maqsumin f'massimu ta' ħames biċċiet, u l-oħra, il-kwart ta' wara kollu, ħlief il-flett, f'biċċa waħda	130 %

Linja Tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja Tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
0206 10 95	Falda ħoxna u falda rqiqa ta' annimali tal-ifrat iffriżata jew imkessħa (minbarra għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi)	100 %
0206 29 91	Falda ħoxna u falda rqiqa ta' annimali tal-ifrat iffriżata (minbarra għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi)	100 %
0210 20 10	Laħam tal-annimali bovini, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat, bl-għadam	100 %
0210 20 90	Laħam bla għadam tal-annimali bovini, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat	135 %
0210 99 51	Faldi ħoxnin u faldi rqaq li jittieklu tal-annimali bovini, immellħin, fis-salmura, imnixxfin jew affumikati	100 %

(b) għat-TRQ stabbilita fil-paragrafu 3 tat-Taqsima B (Kwoti tar-Rata Tariffarja):

Linja Tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja Tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
0203 12 11	Perżut u qatgħat tal-perżut tal-majjal domestiku, bl-għadma, friski jew imkessħin	100 %
ex 0203 19 55	Perżut u qatgħat tal-perżut tal-majjal domestiku, bla għadma, friski jew imkessħin	120 %
0203 22 11	Ġarretti u qatgħat tagħhom bil-għadma ffriżati tal-majjal domestiku	100 %
ex 0203 29 55	Ġarretti domestiċi tal-ħnieżer iffriżati mingħajr għadam u qatgħat tagħhom	120 %

(c) għat-TRQ stabbilita fil-paragrafu 4 tat-Taqsima B (Kwoti tar-Rata Tariffarja):

Linja Tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja Tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
ex 0207 13 10	Qatgħat mingħajr għadam friski jew imkessħa ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, minbarra laħam separat mekkanikament frisk jew imkessaħ ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, miksub bit-tneħħija ta' laħam minn għadam li jkollu l-laħam wara l-dissussar jew minn karkassi tat-tjur, permezz ta' mezzi mekkaniċi li jirriżultaw fit-telf jew fil-modifika tal-istruttura tal-fibra muskolari	140 %
0207 13 20	Nofsijiet jew kwarti, friski jew imkessħin, ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*	100 %

Linja Tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja Tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
0207 13 50	Sider u qatgħat minnu, friski jew imkessħin, ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bil-għadma	110 %
0207 13 60	Saqajn u qatgħat minnhom, friski jew imkessħin, ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bil-għadma	100 %
0207 13 70	Qatgħat tat-tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, friski jew imkessħin, bl-għadam (minbarra nofsijiet u kwarti, ġwienaħ sħaħ, bil-ponot jew bla ponot, dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u ponot tal-ġwienaħ, sdieri, saqajn u qatgħat tagħhom)	100 %
ex 0207 14 10	Qatgħat iffriżati mingħajr għadam ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* ħlief laħam iffriżat separat mekkanikament ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* maħsub għat-tneħħija ta' laħam minn għadam li jkollu l-laħam wara l-dissussar jew minn karkassi tat-tjur, permezz ta' mezzi mekkaniċi li jirriżultaw fit-telf jew fil-modifika tal-istruttura tal-fibra muskolari	140 %
0207 14 20	Nofsijiet jew kwarti, friżati, ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*	100 %
0207 14 50	Sdieri u qatgħat minnhom, friżati ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bil-għadma	110 %
0207 14 60	Saqajn u qatgħat minnhom friżati ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bil-għadma	100 %
0207 14 70	Qatgħat friżati ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bil-għadma (minbarra nofsijiet jew kwarti, ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom, dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ, sdieri, saqajn u qatgħat minnhom)	100 %
0207 27 10	Qatgħat mingħajr għadam tad-dundjan tal-ispeċi *domesticus*, friżati	140 %
1602 32 11	Laħam jew ġewwieni mhux imsajjar, ippreparat jew ippreservat ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* li fih >= 57 % laħam jew ġewwieni ta' tjur (minbarra zalzett u prodotti simili, u preparazzjonijiet ta' fwied)	80 %

Linja Tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja Tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
1602 32 19	Laħam jew ġewwieni tal-laħam mhux imsajjar , ippreparat jew ippreservat ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* li fih >= 57 % laħam jew ġewwieni ta' tjur (minbarra zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati sew li jitqiegħdu għall-bejgħ bl-imnut bħala ikel għat-trabi jew għal skopijiet djetetiċi, f'kontenituri ta' piż nett ta' <= 250 g, preparazzjonijiet tal-fwied u estratti tal-laħam)	80 %
1602 32 30	Laħam jew ġewwieni tal-laħam ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, ippreparat jew ippreservat,li fih >= 25 % iżda < 57 % ta' laħam jew ġewwieni tal-tjur (minbarra zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati sew impoġġija fis-suq bħala ikel għat-trabi jew għal raġunijiet djetetiċi, f'kontenituri ta' piż nett ta' <=250 g preparazzjonijiet ta' fwied u estratti ta' laħam)	45 %
1602 32 90	Laħam jew ġewwieni tal-laħam ippreparat jew ippreservat ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* (minbarra dak li fih >= 25 % ta' laħam jew ġewwieni tal-tjur, laħam jew ġewwieni ta' dundjani jew farawna, zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati sew impoġġija fis-suq bħala ikel għat-trabi jew għal raġunijiet djetetiċi, f'kontenituri ta' piż nett ta' <=250 g preparazzjonijiet ta' fwied u estratti u meraq ta' laħam)	35 %

2. Fir-rigward tat-TRQs stabbiliti fil-paragrafi 5, 6 u 20, għandhom jintużaw il-fatturi ta' konverżjoni li ġejjin sabiex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti għall-bajd fil-qoxra:

Linja Tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja Tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
0407 11 00	Bajd iffertilizzat għall-inkubazzjoni, ta' tjur domestiċi	100 %
0407 19 19	Bajd tat-tjur iffertilizzat għall-inkubazzjoni (ħlief ta' dundjani, ta' wiżż u ta' tjur)	100 %
0408 11 80	Isfra tal-bajd, imnixxef, għall-konsum uman, kemm jekk ikollu zokkor miżjud jew sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa jew le	246 %
0408 19 81	Isfra tal-bajd, likwidi, tajbin għall-konsum mill-bniedem, kemm jekk biz-zokkor jew xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa miżjud jew le	116 %
0408 19 89	Isfra tal-bajd (minbarra likwidu), friżat jew priżervat mod ieħor, tajjeb għall-konsum uman, kemm jekk ikollu zokkor miżjud jew sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa jew le (minbarra mnixxef)	116 %

Linja Tariffarja	Deskrizzjoni tal-Linja Tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni
0408 91 80	Bajd imnixxef tal-għasafar, mhux fil-qoxra, kemm jekk ikollu zokkor miżjud jew materja oħra li żżid il-ħlewwa kif ukoll jekk le, tajjeb għall-konsum mill-bniedem (minbarra l-isfra tal-bajd)	452 %
0408 99 80	Bajd tat-tjur, mhux fil-qoxra, frisk, imsajjar bil-fwar jew bit-tgħolija, iffurmat, iffriżat jew ippreservat mod ieħor, kemm jekk miżjud zokkor jew materjal ieħor li żżid il-ħlewwa jew le għall-konsum uman (minbarra l-bajd imnixxef u l-isfra tal-bajd)	116 %
3502 11 90	Albumina tal-bajd, imnixxfa "pereżempju f'folji, qxur, trofof, trab", tajbin għall-konsum uman	856 %
3502 19 90	Albumina tal-bajd, tajbin għall-konsum uman (minbarra mnixxef (pereżempju f'folji, trofof, kristalli, trab))	116 %

Appendiċi 2-A-4

KWOTI TAR-RATA TARIFFARJA TAL-MESSIKU

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Dan l-Appendiċi jistabbilixxi l-kwoti tar-rata tariffarja (TRQs) li l-Messiku għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għal ċerti oġġetti oriġinarji tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-Messiku għandu jamministra t-TRQs li ġejjin stabbiliti fit-Taqsima B (Kwoti tar-Rata Tariffarja) skont il-liġi tiegħu: TRQ-BF1, TRQ-PK, TRQ-BF2, TRQ-PY, TRQ-FP, TRQ-CFB u TRQ-CFS.

3. Il-Messiku għandu jamministra t-TRQs li ġejjin stabbiliti fit-Taqsima B (Kwoti tar-Rata Tariffarja) skont it-termini stabbiliti f'dan l-Appendiċi u l-liġi tiegħu: TRQ-FM, TRQ-MP, TRQ-ECM, TRQ-WY, TRQ-BT, TRQ-FC, TRQ-OC, TRQ-DP1, TRQ-DP2 u TRQ-IC.

4. L-oġġetti minn kull TRQ tat-Taqsima B (Kwoti tar-Rata Tariffarja) huma identifikati b'mod informali fit-titolu tad-dispożizzjoni li tistabbilixxi t-TRQ. Dawk it-titoli huma inklużi biss biex jgħinu lill-qarrejja jifhmu dan l-Appendiċi u ma għandhomx ibiddlu jew jieħdu post il-kopertura stabbilita permezz tal-identifikazzjoni ta' linji tariffarji koperti fil-Liġi Ġenerali dwar id-Dazji fuq l-Importazzjoni u l-Esportazzjoni tal-Messiku (Tarifa de la Ley de los Impuestos Generales de Importación y de Exportación – (LIGIE)).

5. Għall-finijiet ta' dan l-Appendiċi, it-terminu "tunnellati metriċi" għandu jiġi imqassar bħala "TM".

TAQSIMA B

Kwoti tar-Rati Tariffarji

1. Ċanga

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-BF1".

(b) Id-dazju fil-kwota u l-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandhom jitħallew jidħlu fil-Messiku b'rata tariffarja preferenzjali fil-kwota f'kull sena taħt din it-TRQ huma:

Sena	Kwantità Aggregata (TM – Ekwivalenza għal Piż ta' Karkassi)	Dazju ġewwa l-kwota (%)
1	6 000	7,50
2	12 000	6,25
3	18 000	5,00

Sena	Kwantità Aggregata (TM – Ekwivalenza għal Piż ta' Karkassi)	Dazju ġewwa l-kwota (%)
4	24 000	3,75
5	30 000	2,50
6	30 000	1,25
7 u kull sena sussegwenti	30 000	0

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Meta jiġu kkalkolati l-kwantitajiet importati taħt din it-TRQ, il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fis-subparagrafu 1 (a) tat-Taqsima C għandhom jintużaw biex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti għal piż ta' karkassi.

(e) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 0201.20.99, 0201.30.01, 0202.20.99, 0202.30.01 u 0210.20.01.

2. Flett u Qatgħat Tiegħu tal-Majjal, Bil-Għadam jew Mingħajru

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-PK".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM – Ekwivalenza għal Piż ta' Karkassi)
1 u kull sena sussegwenti	10 000

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Meta jiġu kkalkolati l-kwantitajiet importati taħt din it-TRQ, il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fis-subparagrafu 1 (b) tat-Taqsima C għandhom jintużaw sabiex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti ta' piż ta' karkassi.

(e) Din it-TRQ tapplika għall-oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja ex 0203.29.99 li ġejja.

3. Ġewwieni ta' Annimali Bovini

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-BF2".

(b) Id-dazju fil-kwota u l-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandhom jitħallew jidħlu fil-Messiku b'rata tariffarja preferenzjali fil-kwota f'kull sena taħt din it-TRQ huma:

Sena	Kwantità Aggregata (TM – Ekwivalenza għal Piż ta' Karkassi)	Dazju ġewwa l-kwota (%)
1	2 000	7,50
2	4 000	6,25
3	6 000	5,00
4	8 000	3,75
5	10 000	2,50
6	10 000	1,25
7 u kull sena sussegwenti	10 000	0

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Meta jiġu kkalkolati l-kwantitajiet importati taħt din it-TRQ, il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fis-subparagrafu 1 (a) tat-Taqsima C għandhom jintużaw biex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti għal piż ta' karkassi.

(e) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 0206.10.01, 0206.29.99 u 0210.99.01.

4. Saqajn tat-Tiġieġ, Koxox jew Saqajn u Koxox f'Biċċa Waħda

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku bin-notazzjoni "TRQ-PY".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM – Ekwivalenza għal Piż ta' Karkassi)
1	10 000
2	12 500
3	15 000
4	17 500
5 u kull sena sussegwenti	20 000

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Meta jiġu kkalkolati l-kwantitajiet importati taħt din it-TRQ, il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fis-subparagrafu 1 (c) tat-Taqsima C għandhom jintużaw biex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti ta' piż ta' karkassi.

(e) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 0207.13.03 u 0207.14.04.

5. Ħalib u Krema, mhux Konċentrati u Mingħajr iż-Żieda ta' Zokkor jew ta' xi Materjal Ieħor biex jagħmel Ħelu

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku bin-notazzjoni "TRQ-FM".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (Litri)
1	100 000
2	125 000
3	150 000
4	175 000
5 u kull sena sussegwenti	200 000

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Il-Messiku jista' jalloka din it-TRQ permezz ta' rkant għal mhux aktar minn ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Mis-sitt sena, din it-TRQ għandha tiġi amministrata fuq bażi ta' "tal-ewwel jinqeda l-ewwel".

(e) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 0401.10.01, 0401.20.01, 0401.40.01 u 0401.50.01.

6. Trab tal-Ħalib

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-MP".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1	30 000
2	35 000
3	40 000

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
4	45 000
5 u kull sena sussegwenti	50 000

(c) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Il-Messiku jista' jalloka din it-TRQ permezz ta' rkant għal mhux aktar minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Li jibda fir-raba' sena, din it-TRQ għandha tiġi amministrata fuq bażi ta' "tal-ewwel jinqeda l-ewwel".

(e) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 0402.10.01, 0402.10.99, 0402.21.01, 0402.21.99 u 0402.29.99.

7. Ħalib Evaporat u Kkondensat

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-ECM".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1 u kull sena sussegwenti	200

(c) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Il-Messiku jista' jalloka din it-TRQ permezz ta' rkant.

(e) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 0402.91.01, 0402.91.99, 0402.99.01 u 0402.99.99.

8. Xorrox u Xorrox Modifikat, Kemm jekk Ikkonċentrat jew biz-Zokkor jew Dolċifikant Ieħor Miżjud u Kemm jekk Le; Prodotti Magħmulin minn Kostitwenti Naturali tal-Ħalib, Kemm jekk biz-Zokkor Miżjud jew Materjal Ieħor li jagħmel Ħelu jew Le, li Mhumiex Speċifikati jew Inklużi Banda Oħra

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati taħt l-intestatura tariffarja elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-WY".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1 u kull sena sussegwenti	5 000

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Il-Messiku jista' jalloka din it-TRQ permezz ta' rkant għal mhux aktar minn ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Mis-sitt sena, din it-TRQ għandha tiġi amministrata fuq bażi ta' "tal-ewwel jinqeda l-ewwel".

(e) Din it-TRQ tapplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati taħt l-intestatura tariffarja 04.04.

9. Butir, Xaħmijiet Oħra u Żjut Derivati mill-Ħalib u Pejsts tal-Ħalib

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-BT".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1	1 500
2	1 667
3	1 833
4	2 000
5	2 167
6	2 333
7 u kull sena sussegwenti	2 500

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Il-Messiku jista' jalloka din it-TRQ permezz ta' rkant għal mhux aktar minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Li jibda fir-raba' sena, din it-TRQ għandha tiġi amministrata fuq bażi ta' "tal-ewwel jinqeda l-ewwel".

(e) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 0405.10.01, 0405.10.99, 0405.20.01 u 0405.90.99.

10. Ġobon Frisk, Maħkuk jew Magħmul Trab u Pproċessat

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-FC".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1	2 500
2	3 125
3	3 750
4	4 375
5 u kull sena sussegwenti	5 000

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Il-Messiku jista' jalloka din it-TRQ permezz ta' rkant għal mhux aktar minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Li jibda fir-raba' sena, din it-TRQ għandha tiġi amministrata fuq bażi ta' "tal-ewwel jinqeda l-ewwel".

(e) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 0406.10.01, 0406.20.01, 0406.30.01 u 0406.30.99.

11. Ġobon Ieħor

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-OC".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1	6 000
2	9 500
3	13 000
4	16 500
5 u kull sena sussegwenti	20 000

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Il-Messiku jista' jalloka din it-TRQ permezz ta' rkant għal mhux aktar minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Li jibda fir-raba' sena, din it-TRQ għandha tiġi amministrata fuq bażi ta' "tal-ewwel jinqeda l-ewwel".

(e) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 0406.90.04, 0406.90.05, 0406.90.06 u 0406.90.99.

12. Ħawħ Frisk

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja elenkata fis-subparagrafu (d) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-FP".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (d) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1	1 500
2	1 611
3	1 722
4	1 833
5	1 944
6	2 056
7	2 167
8	2 278
9	2 389
10 u kull sena sussegwenti	2 500

(c) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata tariffarja preferenzjali ddeterminata f'konformità mas-subparagrafu 3(j) tat-Taqsima B (il-Kategoriji tar-Rata Bażi u tal-Fażi) tal-Anness 2-A għal-linji tariffarji mmarkati bin-notazzjoni "MX-R2".

(d) Din it-TRQ tapplika għall-oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja 0809.30.02.

13. Kafè

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (d) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b) sakemm dawn ikunu konformi mar-regoli speċifiċi ta' oriġini stabbiliti fit-Taqsima C (Arranġamenti Speċjali dwar Regoli tal-Oriġini Speċifiċi għall-Prodott) tal-Anness 3-A (Regoli tal-Oriġini Speċifiċi għall-Prodott). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-CFB".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (d) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1 u kull sena sussegwenti	1 600

(c) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu f'konformità mar-regola speċifika tal-oriġini stabbilita fl-Anness 3-A (Regoli tal-Oriġini Speċifiċi għall-Prodott) sabiex ikunu soġġetti għar-rata tariffarja preferenzjali ddeterminata skont is-subparagrafu 3(k) tat-Taqsima B (Kategoriji tar-Rata Bażi u tal-Istadju) tal-Anness 2-A għal-linji tariffarji 0901.21.01 u 0901.22.01 immarkati bin-notazzjoni "MX-R3", u f'konformità mas-subparagrafu 3(d) tat-Taqsima B (Kategoriji tar-Rata Bażi u tal-Istadju) tal-Anness 2-A għal-linji tariffarji 0901.12.01, 0901.90.01 u 0901.90.99 immarkati bin-notazzjoni "7".

(d) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 0901.12.01, 0901.21.01, 0901.22.01, 0901.90.01 u 0901.90.99.

14. Preparazzjonijiet Ibbażati fuq il-Ħalib li fihom aktar minn 10 % skont il-Piż ta' Solidi tal-Ħalib iżda mhux aktar minn 50 %

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-DP1".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1 u kull sena sussegwenti	3 000

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Il-Messiku jista' jalloka din it-TRQ permezz ta' rkant għal mhux aktar minn ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Mis-sitt sena, din it-TRQ għandha tiġi amministrata fuq bażi ta' "tal-ewwel jinqeda l-ewwel".

(e) Din it-TRQ tapplika għall-oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja 1901.90.03.

15. Preparazzjonijiet Ibbażati fuq il-Ħalib li fihom aktar minn 50 % skont il-Piż ta' Solidi tal-Ħalib

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija indikata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-DP2".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1 u kull sena sussegwenti	10 000

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Il-Messiku jista' jalloka din it-TRQ permezz ta' rkant għal mhux aktar minn ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Mis-sitt sena, din it-TRQ għandha tiġi amministrata fuq bażi ta' "tal-ewwel jinqeda l-ewwel".

(e) Din it-TRQ tapplika għall-oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja 1901.90.05.

16. Estratti, Essenzi u Konċentrati tal-Kafè u l-Preparazzjonijiet tiegħu

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (d) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b) sakemm dawn ikunu konformi mar-regoli speċifiċi ta' oriġini stabbiliti fit-Taqsima C (Arranġamenti Speċjali dwar Regoli tal-Oriġini Speċifiċi għall-Prodott) tal-Anness 3-A (Regoli tal-Oriġini Speċifiċi għall-Prodott). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-CFS".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (d) li għandha titħalla tidħol bir-rata tariffarja preferenzjali ddeterminata f'konformità mas-subparagrafu 3(d) tat-Taqsima B (Kategoriji tar-Rata Bażi u tal-Istadju) tal-Anness 2-A f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1 u kull sena sussegwenti	1 400

(c) Oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu f'eċċess tal-kwantitajiet stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu f'konformità mar-regola speċifika tal-oriġini stabbilita fl-Anness 3-A (Regoli tal-Oriġini Speċifiċi għall-Prodott) sabiex ikunu soġġetti għar-rata tariffarja preferenzjali ddeterminata skont is-subparagrafu 3(d) tat-Taqsima B (Kategoriji tar-Rata Bażi u tal-Istadju) tal-Anness 2-A.

(d) Din it-TRQ tapplika għall-prodotti oriġinarji kklassifikati fil-linji tariffarji li ġejjin: 2101.11.01, 2101.11.02, 2101.11.99, 2101.12.01 u 2101.30.01.

17. Ġelat

(a) Il-Messiku għandu jippermetti l-importazzjoni ta' oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja elenkata fis-subparagrafu (e) sal-kwantità aggregata bir-rata tariffarja preferenzjali stabbilita fis-subparagrafu (b). It-TRQ stabbilita f'dan il-paragrafu hija mmarkata fl-iskeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku fl-Appendiċi 2-A-2 (Kwoti tar-Rati Tariffarji tal-Messiku) bin-notazzjoni "TRQ-IC".

(b) Il-kwantità aggregata ta' oġġetti oriġinarji elenkati fis-subparagrafu (e) li għandha titħalla tidħol fil-Messiku mingħajr dazju f'kull sena taħt din it-TRQ hija:

Sena	Kwantità Aggregata (TM)
1 u kull sena sussegwenti	500

(c) L-oġġetti oriġinarji li jkunu daħlu aktar mill-kwantitajiet aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu soġġetti għar-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda ta' Tneħħija tat-Tariffi tal-Messiku).

(d) Il-Messiku jista' jalloka din it-TRQ permezz ta' rkant.

(e) Din it-TRQ tapplika għall-oġġetti oriġinarji kklassifikati fil-linja tariffarja 2105.00.01.

TAQSIMA C

Fatturi tal-Konverżjoni

1. Fir-rigward tat-TRQs Stabbiliti fil-paragrafi 1, 2, 3, u 4 tat-Taqsima B (Kwoti tar-Rata Tariffarja), il-fatturi tal-konverżjoni segwenti jintużaw biex jiġi konvertit il-piż tal-prodott għal piż tal-karkassi ekwivalenti:

(a) TRQs stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3 tat-Taqsima B (Kwoti tar-Rata Tariffarja):

Linja Tariffarja	Deskrizzjoni (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' konverżjoni (%)
0201.20.99	Qatgħat oħra bil-għadma.	100
0201.30.01	Mingħajr għadam.	130
0202.20.99	Qatgħat oħra bil-għadma.	100
0202.30.01	Mingħajr għadam.	130
0206.10.01	Ta' annimali tal-ifrat, frisk jew imkessaħ.	100
0206.29.99	Oħrajn.	100
0210.20.01	Laħam ta' annimali tal-ifrat:	
	Bl-għadma.	100
	Mingħajr għadam.	135
0210.99.01	Imsaren jew xufftejn tal-bovini, mielħa jew "salpresos" (corned).	100

(b) TRQ stabbilita fil-paragrafu 2 tat-Taqsima B (Kwoti tar-Rata Tariffarja):

Linja Tariffarja	Deskrizzjoni (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' konverżjoni (%)
ex 0203.29.99	Oħrajn.- Flett u qatgħat tagħhom, bil-għadma jew mingħajrha.	100

(c) TRQ stabbilita fil-paragrafu 4 tat-Taqsima B (Kwoti tar-Rata Tariffarja):

Linja Tariffarja	Deskrizzjoni (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' Konverżjoni (%)
0207.13.03	Saqajn, koxox jew is-saqajn u l-koxox f'biċċa waħda.	100
0207.14.04	Saqajn, koxox jew is-saqajn u l-koxox f'biċċa waħda.	100

ANNESS 2-B

LISTA TA' OĠĠETTI ESKLUŻI MID-DEFINIZZJONI TA' OĠĠETTI MANIFATTURATI MILL-ĠDID

Oġġetti kklassifikati taħt l-intestaturi jew is-subintestaturi li ġejjin tas-Sistema Armonizzata huma esklużi mid-definizzjoni ta' oġġetti manifatturati mill-ġdid: 8413 60, 8413 70, 8414 30 sa 8414 60, 8415, 8418, 8419 11, 8419 19, 8421, 8422, 8443, 8450, 8451, 8452 10, 8471, 8481 80, 8481 90, 8483, 8501, 8502, 8504, 8508 sa 8510, 8515 to 8519, 8521 10, 8521 90, 8522 10, 8522 90, 8525 60 sa 8525 80, 8527, 8528, 8535, 8536 10, 8536 20, 8539, 8544, 8701 sa 8706, 8708, 9018 19, 9019 20, u 9028 30.

ANNESS 2-C

EĊĊEZZJONIJIET MIR-RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IMPORTAZZJONI U L-ESPORTAZZJONI TAL-MESSIKU

1. Il-Messiku jista' jżomm il-miżuri speċifikati hawn taħt, dment li dawk il-miżuri ma jagħtux trattament aktar favorevoli lil kwalunkwe pajjiż terz, inkluż kwalunkwe pajjiż terz li miegħu l-Messiku jkun ikkonkluda ftehim skont l-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 u l-Fehim dwar l-Interpretazzjoni tal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994.

2. Għal aktar ċertezza, xejn f'dan l-Anness ma għandu jaffettwa d-drittijiet jew l-obbligi ta' kwalunkwe Parti skont il-Ftehim tad-WTO fir-rigward ta' kwalunkwe miżura elenkata f'dan l-Anness. ([1])

3. Id-deskrizzjonijiet li jmiss mal-Kodiċi HS korrispondenti huma pprovduti għall-finijiet ta' referenza biss.

4. L-Artikolu 2.9 (Restrizzjonijiet fuq l-Importazzjoni u l-Esportazzjoni) ma japplikax għal:

(a) ir-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 76 tal-Liġi tas-Settur tal-Idrokarboni (Ley del Sector de Hidrocarburos) ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Messiku (Diario Oficial de la Federación) fit-18 ta' Marzu 2025, l-Artikolu 51 tar-Regolament tal-attivitajiet imsemmija fit-tielet Titolu tal-Liġi tal-Idrokarboni (Reglamento de las actividades a que se refiere el Título Tercero de la Ley de Hidrocarburos) ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Messiku (Diario Oficial de la Federación) fil-31 ta' Ottubru 2014, u l-Ftehim li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni u l-kodifikazzjoni tal-Idrokarboni u tal-Prodotti taż-Żejt mhux Maħdum soġġetti għall-permessi tal-importazzjoni u l-esportazzjoni mill-Ministeru tal-Enerġija (Acuerdo por el que se establece la clasificación y codificación de Hidrocarburos y Petrolíferos cuya importación y exportación está sujeta a Permiso Previo por parte de la Secretaría de Energía) ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Messiku (Diario Oficial de la Federación) fid-29 ta' Diċembru 2014 u kwalunkwe emenda sussegwenti għal dak il-ftehim dwar l-esportazzjoni mill-Messiku tal-oġġetti previsti fl-iskeda tariffarja tal-Messiku tal-Liġi Ġenerali dwar id-Dazji tal-Importazzjoni u l-Esportazzjoni (Tarifa de la Ley de los Impuestos Generales de Importación y de Exportación) ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Messiku (Diario Oficial de la Federación) fit-18 ta' Ġunju 2007 u fid-29 ta' Ġunju 2012:

SA 2012	Deskrizzjoni
2709.00.02	Tqil.
2709.00.03	Medja.
2709.00.04	Ħafif.
2709.00.99	Żjut tal-petroleum mhux raffinati oħrajn.
2710.12.03	Gażolina għall-inġenji tal-ajru.
2710.12.08	Gażolina, bi klassifikazzjoni tal-ottan ta' inqas minn 87.
2710.12.09	Gażolina, bi klassifikazzjoni tal-ottan ta' 87 jew aktar iżda anqas minn 92.

([1]) Il-Partijiet jifhmu li kwalunkwe determinazzjoni minn panel jew mill-Korp tal-Appell skont id-WTO rigward miżura koperta minn dan l-Anness għandha tiġi riflessa fih.

SA 2012	Deskrizzjoni
2710.12.10	Gażolina, bi klassifikazzjoni tal-ottan ta' 92 jew aktar iżda anqas minn 95.
2710.12.91	Gażolini oħrajn.
2710.19.05	Żejt tal-fjuwil.
2710.19.08	Turbożin (pitrolju, żejt tal-lampi) u taħlitiet tiegħu.
2710.19.09	Żejt tad-diżil (diżil) u taħlitiet tiegħu, b'kontenut ta' kubrit anqas minn 15 ppm.
2710.19.10	Żejt tad-diżil (diżil) u taħlitiet tiegħu, b'kontenut ta' kubrit ta' aktar minn 15 ppm iżda ta' 500 ppm jew anqas.
2710.19.91	Żejt tad-diżil ieħor (diżil) u taħlitiet tiegħu.
2711.11.01	Gass naturali (likwifikat).
2711.19.01	Butan u propan, imħallta ma' xulxin, likwifikati.
2711.21.01	Gass naturali (gasifikat).

(b) il-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni fil-Messiku ta' tajers użati, ta' ħwejjeġ użati, ta' vetturi użati u ta' xażi użati mgħammra b'muturi tal-vetturi stabbiliti fil-paragrafi 1(l) u 5 tal-Anness 2.2.1 tal-Ftehim li permezz tagħhom il-Ministeru tal-Ekonomija jistabbilixxi r-Regoli u l-kriterji Ġenerali dwar il-Kummerċ Internazzjonali (Acuerdo por el que la Secretaría de Economía emit relas y cricios de caratter general materia de Comercio Exterior), ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Messiku (Diario Oficial de la Federación) fil-31 ta' Diċembru 2012; u

(c) ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' djamanti mhux maħduma (il-kodiċijiet HS 7102.10, 7102.21 u 7102.31), skont l-Iskema ta' Ċertifikazzjoni Kimberley Process stabbilita mid-Dikjarazzjoni ta' Interlaken, adottata fil-5 ta' Novembru 2002 f'Interlaken mil-laqgħa Ministerjali dwar l-Iskema ta' Ċertifikazzjoni Kimberley Process għal Djamanti mhux Maħduma.

ANNESS 2-D

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IL-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali relatata mat-trattament tariffarju preferenzjali mogħti skont il-Kapitolu 2 (Kummerċ fi Prodotti) f'konformità mal-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-Oriġini) u l-Anness dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali msemmi fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 4.11 (Kooperazzjoni Doganali u Assistenza Amministrattiva Reċiproka).

2. Id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali japplikaw għal dan l-Anness.

3. Il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 4 sa 8 tapplika jekk Parti tkun għamlet sejba, abbażi ta' informazzjoni oġġettiva u verifikabbli, inklużi r-riżultati tal-verifiki tal-oriġini jew tat-talbiet għall-assistenza u, jekk ikun meħtieġ, ta' żjarat ta' inkjesta:

(a) li l-ksur fil-leġiżlazzjoni doganali relatat mat-trattament tariffarju preferenzjali mogħti skont il-Kapitolu 2 (Kummerċ fi Prodotti) twettaq ripetutament; jew

(b) li, f'każijiet ta' operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali, il-Parti l-oħra ripetutament tirrifjuta jew inkella tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe wieħed mill-obbligi msemmija fil-paragrafu 1.

4. Il-Parti, li tkun għamlet sejba msemmija fil-paragrafu 3 għandha tqajjem il-kwistjoni mas-Sottokumitat dwar id-Dwana, l-Iffaċilitar tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ Partijiet.

5. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jilħqu soluzzjoni aċċettabbli fi żmien tliet xhur wara li jqajmu l-kwistjoni f'konformità mal-paragrafu 4, il-Parti li tkun għamlet is-sejba tista' tinnotifika lill-Kumitat Konġunt u tidħol f'konsultazzjonijiet abbażi tal-informazzjoni rilevanti kollha, bil-għan li tintlaħaq soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ Partijiet.

6. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jilħqu soluzzjoni aċċettabbli fi żmien tliet xhur wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 5, il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjoni li jirtira temporanjament it-trattament tariffarju preferenzjali tal-oġġetti kkonċernati.

7. Jekk l-irtirar temporanju tat-trattament tariffarju preferenzjali deċiż mill-Kumitat Konġunt ikun effettiv fil-prevenzjoni ta' operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali msemmija fil-paragrafu 1, il-Parti, li tkun għamlet is-sejba, għandha tirtira l-miżuri li tkun adottat biex tiżgura l-konformità mal-leġiżlazzjoni doganali tagħha.

8. L-irtirar temporanju għandu japplika għal perjodu meħtieġ biex jikkontrobatti l-operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn sitt xhur. Jekk il-kundizzjonijiet li wasslu għas-sospensjoni inizjali jippersistu wara l-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jġedded l-irtirar. Kwalunkwe sospensjoni temporanja għandha tintemm f'data mhux aktar tard minn sentejn mis-sospensjoni inizjali sakemm il-Kumitat Konġunt ma jiddeċidix li l-kundizzjonijiet li wasslu għas-sospensjoni inizjali jippersistu.

9. Kull Parti għandha tippubblika d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar l-irtirar temporanju skont dan l-Anness, kif ukoll kwalunkwe avviż jew notifika oħra lill-kummerċjanti skont il-proċeduri interni tagħha.

ANNESS 2-E

MIŻURI RILEVANTI DWAR IL-PRODOTTI TAL-INBID U L-ISPIRTI

PARTI A

PRATTIKI ENOLOĠIĊI U RESTRIZZJONIJIET TAL-MESSIKU U D-DEFINIZZJONIJIET TAL-PRODOTT

Il-liġijiet u r-regolamenti dwar id-definizzjonijiet tal-prodotti, u l-prattiki enoloġiċi u r-restrizzjonijiet imsemmija fis-subparagrafi 1(a) u 1(b) tal-Artikolu 2.22 (Prattiki Enoloġiċi), huma:

(a) liġijiet u regolamenti:

(i) Ley General de Salud (Liġi Ġenerali dwar is-Saħħa) kif ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Messiku fis-7 ta' Frar 1984 u r-Regolament tagħha;

(ii) Reglamento de Control Sanitario de Productos y Servicios (Regolament dwar il-Kontroll Sanitarju tal-Prodotti u s-Servizzi) kif ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Messiku fid-9 ta' Awwissu 1999; u

(iii) Ley Federal sobre Metrología y Normalización (Liġi Federali dwar il-Metroloġija u l-Istandardizzazzjoni u r-Regolament tagħha) kif ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Messiku fl-1 ta' Lulju 1992 u r-Regolament tagħha;

(b) Normas Oficiales Mexicanas (Normi Uffiċjali tal-Messiku, minn hawn 'il quddiem imsejħa "NOM"):

(i) NOM-142-SSA1/SCFI-2014 Bebidas alcohólicas – Especificaciones sanitarias – Etiquetado sanitario y comercial (Xorb alkoħoliku – Speċifikazzjonijiet sanitarji – Tikkettar sanitarju u kummerċjali); u

(ii) NOM-199-SCFI-2017 Bebidas alcohólicas – Denominación, especificaciones fisicoquímicas, información comercial y métodos de prueba (Xorb alkoħoliku – Denominazzjoni, speċifikazzjonijiet fiżikokimiċi, informazzjoni kummerċjali u metodi ta' ttestjar); u

(c) Normas Mexicanas (Normi tal-Messiku):

(i) NMX-V-012-NORMEX-2005 Bebidas alcohólicas – Vino – Especificaciones (Xorb alkoħoliku – Inbid – Speċifikazzjonijiet);

(ii) NMX-V-030-NORMEX-2016 Bebidas alcohólicas – Vino generoso – Denominación, etiquetado y especificaciones (Xorb alkoħoliku – Inbid ġeneruż – Denominazzjoni, tikkettar u speċifikazzjonijiet);

(iii) NMX-V-047-NORMEX-2009 Bebidas alcohólicas – Vino espumoso y vino gasificado – Denominación, etiquetado y especificaciones (Xorb alkoħoliku – Inbid frizzanti u inbid gasifikat – Denominazzjoni, tikkettar u speċifikazzjonijiet);

(iv) NMX-V-005-NORMEX-2013 Bebidas alcohólicas – Determinación de aldehídos, ésteres, metanol y alcoholes superiores – Métodos de ensayo (prueba) (Xorb alkoħoliku – Determinazzjoni ta' aldeid, esteri, metanol u alkoħols ogħla – Metodi ta' ttestjar (test));

(v) NMX-V-006-NORMEX-2013 Bebidas alcohólicas – Determinación de azúcares – Azúcares reductores directos y totales – Métodos de ensayo (prueba) (Xorb alkoħoliku – Determinazzjoni taz-zokkor – Zokkor riduċenti b'mod dirett u totali – Metodi ta' ttestjar (test));

(vi) NMX-V-013-NORMEX-2013 Bebidas alcohólicas – Determinación del contenido alcohólico (por ciento de alcohol en volumen a 20 °C (% Alc. Vol.) – Métodos de ensayo (prueba) (Xorb alkoħoliku – Determinazzjoni tal-kontenut alkoħoliku (perċentwal ta' alkoħol fil-volum f'temperatura ta' 20 °C (% Alc. Vol.) – Metodi ta' ttestjar (test));

(vii) NMX-V-015-NORMEX-2014 Bebidas alcohólicas – Determinación de acidez total, acidez fija y acidez volátil – Métodos de ensayo (prueba) (Xorb alkoħoliku – Determinazzjoni tal-aċidità totali, tal-aċidità fissa u tal-aċidità volatili – Metodi ta' ttestjar (test));

(viii) NMX-V-017-NORMEX-2014 Bebidas alcohólicas – Determinación de extracto seco y cenizas – Método de ensayo (prueba) (Xorb alkoħoliku – Determinazzjoni tal-estratt niexef u tal-irmied – Metodu ta' ttestjar (test));

(ix) NMX-V-025-NORMEX-2010 Bebidas alcohólicas – Determinación de adición de alcoholes o azúcares provenientes de caña, sorgo o maíz a bebidas alcohólicas provenientes de uva, manzana o pera mediante la Relación Isotópica de Carbono 13 (δ13CVPDB), Determinación del origen de CO_2 en bebidas alcohólicas gaseosas mediante la Relación Isotópica de Carbono 13 (δ13CVPDB), Determinación de adición de agua en los vinos mediante la Relación Isotópica del Oxigeno 18 (D18ovsmow), por espectrometría de masas de isotopos estables – Métodos de ensayo (prueba) (Xorb alkoħoliku – Determinazzjoni taż-żieda ta' alkoħol jew zokkor mill-kannamieli, mis-sorgu jew mill-qamħirrum ma' xorb alkoħoliku minn għeneb, tuffieħ jew lanġas permezz ta' Proporzjon tal-Isotopu tal-Karbonju 13 (δ13CVPDB), Determinazzjoni tal-oriġini tas-CO_2 f'xorb alkoħoliku gassuż bl-użu ta' Proporzjon tal-Isotopu tal-Karbonju 13 (δ13CVPDB), Determinazzjoni taż-żieda tal-ilma fl-inbejjed ta' Proporzjon tal-Isotopu tal-Ossiġenu 18 (D18ovsmow), bl-ispettrometrija tal-massa ta' isotopi stabbli – Metodi ta' ttestjar (test));

(x) NMX-V-027-NORMEX-2014 Bebidas alcohólicas – Determinación de anhídrido sulfuroso, dióxido de azufre (SO_2) libre y total – Métodos de ensayo (prueba) (Xorb alkoħoliku – Determinazzjoni tad-diossidu tal-kubrit, diossidu tal-kubrit ħieles u totali (SO_2) – Metodi ta' ttestjar (test));

(xi) NMX-V-048-NORMEX-2009 Bebidas Alcohólicas – Determinación de dióxido de carbono (CO_2) en bebidas alcohólicas – Métodos de ensayo (prueba) (Xorb alkoħoliku – Determinazzjoni tad-diossidu tal-karbonju (CO_2) fix-xorb alkoħoliku – Metodi ta' ttestjar (test)); u

(xii) NMX-V-050-NORMEX-2010 Bebidas alcohólicas – Determinación de metales como cobre (Cu), plomo (Pb), arsénico (As), zinc (Zn), hierro (Fe), calcio (Ca), mercurio (Hg), cadmio (Cd), por absorción atómica – Métodos de ensayo (prueba) (Xorb alkoħoliku – Determinazzjoni ta' metalli bħar-ram (Cu), ċomb (Pb), arseniku (AS), żingu (Zn), ħadid (Fe), kalċju (Ca), merkurju (Hg), kadmju (Cd), permezz tal-assorbiment atomiku – Metodi ta' ttestjar (test)).

PARTI B

IL-PRATTIKI ENOLOĠIĊI U R-RESTRIZZJONIJIET TAL-UNJONI EWROPEA, TIKKETTAR U DEFINIZZJONIJIET TAL-PRODOTT

1. Il-liġijiet u r-regolamenti li jikkonċernaw id-definizzjonijiet tal-prodotti u t-tikkettar imsemmija fis-subparagrafi 2 (a) u 2(b) tal-Artikolu 2.22 (Prattiki Enoloġiċi):

(a) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), b'mod partikolari r-regoli tal-produzzjoni fis-settur tal-inbid, f'konformità mal-Artikoli 75,78, 81 u 91 ta', u mal-Parti II tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament, sakemm dawn jikkonċernaw prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima C (Kummerċ fl-Inbid u fl-Ispirti) tal-Kapitolu 2 (Kummerċ fil-Merkanzija) ta' dan il-Ftehim;

([1]) ĠU UE L 347, 20.12.2013, p. 671.

(b) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet applikabbli ([2]), b'mod partikolari l-Artikolu 2 ta', u l-Annessi I u III ta' dak ir-Regolament; u

(c) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/33 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni u t-tikkettar ta' denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi, l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni, il-proċedura ta' oġġezzjoni, l-emendi u t-tħassir tattermini tradizzjonali u t-tikkettar u l-preżentazzjoni fis-settur tal-inbid, ([3]), b'mod partikolari l-Artikoli 47, 52 sa 54 ta', u l-Annessi III sa V ta' dak ir-Regolament.

2. Liġijiet u regolamenti dwar prattiki enoloġiċi u restrizzjonijiet:

(a) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([4]), b'mod partikolari r-regoli tal-produzzjoni fis-settur tal-inbid, skont l-Artikoli 75, 80, 83 u 91 ta', u l-Anness VIII ta' dak ir-Regolament; u

(b) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet applikabbli ([5]).

PARTI C

TIKKETTAR TAL-INBEJJED

1. Il-listi fil-paragrafi 2 u 3 ta' din il-Parti jiddefinixxu t-termini għall-inbejjed mhux spumanti u għall-inbejjed frizzanti li għandhom jintużaw skont il-paragrafu 8 tal-Artikolu 2.23 (Tikkettar tal-Prodotti tal-Inbejjed u tal-Ispirti) fir-rigward tal-limiti ta' residwi ta' zokkor.

2. Termini għall-inbejjed mhux spumanti:

Termini	Limitu ta' residwi ta' zokkor li jifdal għall-inbejjed mhux spumanti
Xotti	< 4 g/l, jew < 9 g/l jekk l-aċidità totali espressa bħala grammi ta' aċidu tartariku għal kull litru tkun < 2 g inqas mill-kontenut ta' zokkor residwu
Semixott	bejn 4 u 12 g/l
Semiħelu	bejn 12 u 45 g/l
Ħelu	> 45 gr/l

3. Termini għall-inbejjed frizzanti:

Termini	Limitu ta' residwi ta' zokkor li jifdal għall-inbejjed spumanti
Brut nature	<3 g/l

([2]) ĠU UE L 193, 24.7.2009, p. 1.
([3]) ĠU UE L 9, 11.1.2019, p. 2.
([4]) ĠU UE L 347, 20.12.2013, p. 671.
([5]) ĠU UE L 193, 24.7.2009, p. 1.

Termini	Limitu ta' residwi ta' zokkor li jifdal għall-inbejjed spumanti
Extra brut	bejn 0 u 6 g/l
Brut	bejn 0 u 15 g/l
Xott ħafna	bejn 12 u 20 g/l
Xotti	bejn 17 u 35 g/l
Semixott	bejn 35 u 50 g/l
Ħelu	> 50 gr/l

PARTI D

DOKUMENTAZZJONI U ĊERTIFIKAZZJONI

1. Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 2.24 (Ċertifikazzjoni tal-Prodotti tal-Inbejjed u tal-Ispirti), il-Partijiet għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni fit-territorju tagħhom ta' prodotti tal-inbejjed f'konformità mar-regoli ta' din il-Parti li jirregolaw id-dokumenti ta' ċertifikazzjoni tal-importazzjoni u r-rapporti ta' analiżi.

2. L-issodisfar tar-rekwiżiti għall-importazzjoni tal-inbid fit-territorju ta' Parti għandu jintwera lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li timporta bil-produzzjoni tad-dokumenti li ġejjin:

(a) ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini; u

(b) jekk l-inbid hu maħsub għall-konsum dirett uman, rapport tal-analiżi maħruġ minn laboratorju uffiċjali rikonoxxut mill-pajjiż ta' oriġini. Ir-rapport ta' analiżi għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(i) il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum;

(ii) saħħa alkoħolika attwali mill-volum;

(iii) l-estratt niexef totali;

(iv) aċidità totali, espressa bħala aċidu tartariku;

(v) aċidità volatili, espressa bħala aċidu aċetiku;

(vi) aċidità ċitrika; u

(vii) dijossidu sulfur totali.

ANNESS 2-F

FARMAĊEWTIĊI

1. Kull Parti għandha tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim dwar l-OTK fir-rigward ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, proċedura ta' notifika jew rekwiżiti regolatorji oħra li kull Parti tħejji, tadotta jew tapplika għal prodotti farmaċewtiċi u li ma jaqgħux fl-ambitu tad-definizzjoni ta' regolament tekniku jew ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità.

2. Kull Parti għandha tuża standards, prattiki u linji gwida internazzjonali għall-prodotti farmaċewtiċi u l-apparati mediċi, inklużi dawk żviluppati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), mill-Kunsill Internazzjonali għall-Armonizzazzjoni tar-Rekwiżiti Tekniċi għall-Farmaċewtiċi għall-Użu mill-Bniedem (ICH) u mill-Konvenzjoni tal-Ispezzjoni Farmaċewtika u l-Iskema ta' Kooperazzjoni tal-Ispezzjoni Farmaċewtika (PIC/S) bħala bażi għar-regolamenti tekniċi tagħhom, ħlief f'każijiet, debitament sostanzjati abbażi ta' informazzjoni xjentifika u teknika, fejn tali standards internazzjonali, prattiki jew linji gwida jkunu ineffettivi jew mhux xierqa għat-twettiq tal-objettivi leġittimi segwiti.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fil-korpi rilevanti msemmija fil-paragrafu 2 tiffaċilita l-kooperazzjoni regolatorja bejn xulxin. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jilħqu deċiżjoni dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku (MRA) dwar prattiki tajba ta' manifattura fil-futur. F'dak il-kuntest, il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li juru rekord tajjeb tal-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali u li jibnu l-fiduċja reċiproka. Il-Kumitat għall-Kummerċ tal-Oġġetti għandu jiltaqa' biex jissorvelja l-progress kull sentejn. F'dawk il-laqgħat, il-Partijiet għandhom jiddiskutu l-iżvilupp tal-oqfsa regolatorji rispettivi tagħhom u kif għandu jiġi protett l-iskambju ta' informazzjoni. Il-Partijiet għandhom jidħlu wkoll fi djalogu biex jiddiskutu l-proċeduri ta' spezzjoni u jivvalutaw l-iffrankar li tiġġenera MRA.

ANNESS 2-G

VETTURI BIL-MUTUR U TAGĦMIR U PARTIJIET TAGĦHOM

1. Dan l-Anness japplika għall-istandards, għar-regolamenti tekniċi u għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità adottati jew miżmuma minn Parti fil-livell ċentrali tagħha ta' gvern relatat mas-sikurezza u l-emissjonijiet ta' vetturi bil-muturi ġodda jew ta' tagħmir ġdid ta' vetturi bil-mutur kif definit mil-liġijiet u r-regolamenti tagħha.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jeliminaw l-ostakli mhux meħtieġa għall-kummerċ u biex itejbu l-kooperazzjoni regolatorja, f'konformità mal-Kapitolu 9 (L-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ), filwaqt li jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-livell mixtieq tagħha ta' protezzjoni tas-saħħa, tas-sigurtà, tal-ambjent u tal-konsumatur.

Aċċess għas-Suq

3. Kull Parti għandha taċċetta fis-suq tagħha kwalunkwe vettura bil-mutur ġdida jew tagħmir ġdid tal-vetturi bil-mutur kif definit mil-liġijiet u r-regolamenti tagħha, dment li l-manifattur ikun iċċertifika, skont il-proċeduri applikabbli tal-Parti li timporta, li l-vettura jew it-tagħmir jikkonformaw mal-istandards tas-sikurezza u mar-regolamenti tekniċi applikabbli fil-Parti li timporta ([1]).

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-Messiku inkorpora fir-regolamenti tekniċi tiegħu NOM-194-SCFI u NOM-042-SEMARNAT ir-regolamenti tekniċi tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE), inklużi r-rapporti tat-testijiet u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip korrispondenti tagħhom, elenkati fl-Appendiċi 2-G-1 (Ċertifikati u Rapporti tat-Testijiet Aċċettati mill-Messiku).

5. Il-Messiku jżomm id-dritt li jimmodifika r-regolamenti tekniċi tiegħu NOM-194-SCFI u NOM-042- SEMARNAT, inkluża l-inkorporazzjoni ta' regolamenti tekniċi tal-Unjoni Ewropea jew tal-UNECE. Matul l-iżvilupp ta' dawn il-modifiki, il-Messiku għandu jinforma lill-Unjoni Ewropea u, fuq talba, jipprovdi informazzjoni dwar ir-raġunament għal dawk il-modifiki. Il-Messiku għandu jkompli jirrikonoxxi r-regolamenti tekniċi elenkati fl-Appendiċi 2-G-1 (Lista ta' Ċertifikati u Rapporti ta' Testijiet Aċċettati mill-Messiku), kif ukoll l-aġġornamenti tagħhom, sakemm tali rikonoxximent ma jipprevedix livell aktar baxx ta' sikurezza jew protezzjoni ambjentali mill-emendi introdotti, jew jikkompromett kwalunkwe impenn skont l-USMCA, jew ikun kontra l-objettivi leġittimi tal-politika tal-Messiku.

6. Kull meta l-Messiku jirrevedi r-regolamenti tekniċi tiegħu relatati mal-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u t-tagħmir tagħhom, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkonsultaw lil xulxin, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 9 (Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ), bil-għan li jiddeterminaw jekk ir-regolamenti tekniċi elenkati fl-Appendiċi 2-G-2 (Lista ta' Ċertifikati jew Rapporti tat-Testijiet Addizzjonali) tista' tiġi inkluża fl-Appendiċi 2-G-1 (Lista ta' Ċertifikati u Rapporti ta' Testijiet Aċċettati mill-Messiku).

7. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tippermetti l-importazzjoni u t-tqegħid fis-suq tagħha ta' prodotti li jinkorporaw teknoloġija ġdida jew karatteristika ġdida li l-Parti li timporta tkun għadha ma rregolatx, sakemm ma jkollhiex dubji raġonevoli dwar is-sikurezza tal-prodott, abbażi ta' informazzjoni xjentifika jew teknika li turi li din it-teknoloġija l-ġdida jew karatteristika ġdida toħloq riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza jew għall-ambjent. Il-Parti li tirrifjuta l-importazzjoni u t-tqegħid fis-suq tagħha għandha tinnotifika dik id-deċiżjoni lill-Parti l-oħra mill-aktar fis possibbli.

8. Parti ma għandhiex tannulla jew tfixkel il-benefiċċji li jirriżultaw lill-Parti l-oħra skont dan l-Anness permezz ta' miżuri regolatorji speċifiċi għall-prodotti koperti. Dan l-obbligu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Parti li tadotta miżuri meħtieġa għas-sikurezza u l-protezzjoni tal-ambjent jew tas-saħħa pubblika.

([1]) Għal aktar ċertezza, xejn f'dan il-paragrafu ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni Parti milli tippermetti wkoll l-aċċettazzjoni fis-suq tagħha ta' vetturi bil-mutur ġodda jew ta' tagħmir ġdid ta' vetturi bil-mutur iċċertifikat skont l-istandards tas-sikurezza u tal-emissjonijiet ta' pajjiż terz jew milli teħtieġ ċertifikazzjoni tal-konformità ma' kwalunkwe standard eżistenti tas-sikurezza u tal-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur li Parti żżomm fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Kooperazzjoni Konġunta

9. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan l-Anness fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ tal-Oġġetti.

10. Bil-għan li tiġi promossa l-konverġenza regolatorja, il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni, sa fejn ikun prattikabbli, dwar ir-regolamenti tekniċi rispettivi tagħhom relatati mas-sikurezza tal-vetturi bil-mutur u mal-protezzjoni ambjentali.

11. L-Appendiċi 2-G-1 (Lista ta' Ċertifikati u Rapporti ta' Testijiet Aċċettati mill-Messiku) u 2-G-2 (Lista ta' Ċertifikati jew Rapporti ta' Testijiet Addizzjonali) jikkostitwixxu parti integrali minn dan l-Anness.

Appendiċi 2-G-1

LISTA TA' ĊERTIFIKATI U RAPPORTI TA' TESTIJIET AĊĊETTATI MILL-MESSIKU

Lista ta' regolamenti tekniċi tal-Unjoni Ewropea u tal-UNECE msemmija fil-paragrafu 3 tal-Anness 2-G inkorporati fir-regolamenti tekniċi tal-Messiku NOM-194-SCFI u NOM-042-SEMARNAT:

Rekwiżit	Id-Direttivi jew ir-Regolamenti tal-UE [1]	Regolamenti tal-UNECE
Trażżin tar-ras (headrests)	Direttiva 78/932/KEE jew 74/408/KEE	UNECE R25 jew R17
Ċinturini tas-sikurezza u sistemi ta' trażżin	Direttiva 76/115/KEE jew 77/541/KEE	UNECE R14 jew R16 suppliment 10
Kontrolli tal-idejn, indikaturi operatorji u indikaturi	Direttiva 78/316/KEE	UNECE R121
Il-mirja retroviżuri	Direttiva 71/127/KEE	UNECE R46
Saħħa tas-sits	Direttiva 78/932/KEE jew 74/408/KEE	UNECE R17 (R25 għall-headrest biss, R17 għas-sits kollha)
Tajers	Regolament (UE) Nru 458/2011	UNECE R30 (vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom) jew R54 (vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom)
Fanali ta' quddiem	Direttiva 76/761/KEE, 76/756/KEE jew 76/758/KEE	UNECE R48 installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl (M, N u O) jew R112 Fanali ta' quddiem asimetriċi (fanali tal-filament)
Dwal ta' twissija, Fanali tal-ipparkjar	Direttiva 76/756/KEE jew 77/540/KEE	UNECE R48 jew R06 jew R77
Fanali tal-waqfien	Direttiva 76/758/KEE jew 76/756/KEE	UNECE R48 jew R07
Fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara	Direttiva 76/756/KEE jew 76/760/KEE	UNECE R04 jew R48

[1] Ir-referenzi għad-direttivi jew għar-regolamenti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-direttivi jew għar-regolamenti li ġew warajhom, sakemm il-kamp ta' applikazzjoni u s-sustanza tagħhom ikunu ekwivalenti għal dawn id-direttivi jew ir-regolamenti tal-aħħar, ħlief fil-każ ta' regolamenti dwar l-emissjonijiet, li għalihom il-Messiku jaċċetta biss dawk imsemmija f'din il-lista.

Rekwiżit	Id-Direttivi jew ir-Regolamenti tal-UE [1]	Regolamenti tal-UNECE
Indikatur tal-kontorn tat-tarf-, fanali ta' quddiem/ta' wara-, tal-ġenb, tal-waqfien (M, N u O)	Direttiva 76/756/KEE jew 76/758/KEE	UNECE R48 jew R07
Fanali tar-riversjar	Direttiva 77/539/KEE jew 76/756/KEE	UNECE R48 jew R23
Indikaturi tad-direzzjoni	Direttiva 76/758/KEE, 76/759/KEE jew 76/756/KEE	UNECE R48 jew R06
Sinjali li jirriflettu fuq wara (Retro-reflecting devices)	Direttiva 76/756/KEE jew 76/757/KEE	UNECE R48 jew R03
Tneħħija tas-silġ u ċ-ċpar minn mal-windskrin Sistemi ta' tisħin	Direttiva 78/317/KEE jew 672/2010/KEE	UNECE R122
Sistemi għall-ħasil u t-tindif tal-windskrin	Direttiva 78/318/KEE jew 94/68/KEE jew ir-Regolament (UE) Nru 1008/2010	
Ibbrejkjar (servizz u parkeġġ)	Direttiva 71/320/KEE	UNECE R13 (kategoriji tal-ibbrejkjar M, N u O) jew R13H (ibbrejkjar (karozzi tal-passiġġieri))
Ħġieġ tas-sikurezza	Direttiva 92/22/KEE	UNECE R43
Spidometru	Direttiva 75/443/KEE	UNECE R39
Protezzjoni tal-okkupanti f'ħabta frontali	Direttiva 96/79/KEE	UNECE R94
Protezzjoni tal-okkupanti f'ħabta laterali	Direttiva 96/27/KEE	UNECE R95
ABS u Sistema Avvanzata għal Ibbrejkjar f'emerġenza (AEBS)	Ir-Regolament (UE) Nru 347/2012 jew (UE) 2015/562	UNECE R13 jew R13H jew R131

[1] Ir-referenzi għad-direttivi jew għar-regolamenti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-direttivi jew għar-regolamenti li ġew warajhom, sakemm il-kamp ta' applikazzjoni u s-sustanza tagħhom ikunu ekwivalenti għal dawn id-direttivi jew ir-regolamenti tal-aħħar, ħlief fil-każ ta' regolamenti dwar l-emissjonijiet, li għalihom il-Messiku jaċċetta biss dawk imsemmija f'din il-lista.

Rekwiżit	Id-Direttivi jew ir-Regolamenti tal-UE [1]	Regolamenti tal-UNECE
Il-Fakkara taċ-ċintorini tas-sikurezza (SBR)	Direttiva 76/115/KEE jew 77/541/KEE	UNECE R16
Emissjonijiet ta' tqabbid bl-ispark, tqabbid bil-kompressjoni, LPG, vetturi CNG	Direttiva 2002/80/KE (Euro IV, vetturi ħfief)	UNECE R49

[1] Ir-referenzi għad-direttivi jew għar-regolamenti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-direttivi jew għar-regolamenti li ġew warajhom, sakemm il-kamp ta' applikazzjoni u s-sustanza tagħhom ikunu ekwivalenti għal dawn id-direttivi jew ir-regolamenti tal-aħħar, ħlief fil-każ ta' regolamenti dwar l-emissjonijiet, li għalihom il-Messiku jaċċetta biss dawk imsemmija f'din il-lista.

Appendiċi 2-G-2

LISTA TA' ĊERTIFIKATI JEW RAPPORTI TAT-TESTIJIET ADDIZZJONALI

Il-Partijiet għandhom jikkunsidraw f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Anness li jżidu mal-Appendiċi 2-G-1 (Lista ta' Ċertifikati u Rapporti tat-Testijiet Aċċettati mill-Messiku) iċ-ċertifikati u r-rapporti tat-testijiet previsti fid-direttivi jew fir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea jew fir-regolamenti tal-UNECE fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi speċifikati fil-listi għall-kategoriji differenti ta' vetturi ta' hawn taħt:

(a) Vettura tal-kategoriji M u N: karozzi tal-passiġġieri, vannijiet, karozzi tal-linja, trakkijiet u t-tagħmir tagħhom

Rekwiżit	Id-Direttivi jew ir-Regolamenti tal-UE	Regolamenti tal-UNECE
Test kontra ostakolu	Direttiva 2007/46/KE	UNECE Reg 0 -IWVTA
Is-sikurezza tal-vetturi elettriċi bil-batterija		UNECE R100

(b) Vettura tal-kategorija L: muturi, mopeds, quads, u t-tagħmir tagħhom

Rekwiżit	Id-Direttivi jew ir-Regolamenti tal-UE	Regolamenti tal-UNECE
Test kontra ostakolu	Regolament (UE) Nru 168/2013	
Storbju	Regolamenti (UE) Nru 134/2014 u (UE) Nru 168/2013	UNECE R41 (emissjonijiet ta' storbju) u R09 (għat-triċikletti)

(c) Vettura tal-kategoriji T u C: trakters agrikoli u t-tagħmir tagħhom

Rekwiżit	Id-Direttivi jew ir-Regolamenti tal-UE	Regolamenti tal-UNECE
Test kontra ostakolu	Regolament (UE) Nru 167/2013	
Emissjoni tad-diżil (trakters ta' l-agrikoltura)	Direttiva 2000/25/KE	UNECE R96
Brejkijiet	Regolamenti (UE) Nru 2015/68 u (UE) Nru 167/2013	

ANNESS 3-A

REGOLI TAL-ORIĠINI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT

TAQSIMA A

NOTI TA' INTRODUZZJONI

Nota 1

Prinċipji Ġenerali

1.1 Din it-Taqsima tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet fit-Taqsimiet B u C ta' dan l-Anness kif previst fis-subparagrafu 1(c) tal-Artikolu 3.2 (Rekwiżiti Ġenerali).

1.2 Għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-rekwiżiti biex prodott jitqies li joriġina skont is-subparagrafu 1(c) tal-Artikolu 3.2 (Rekwiżiti Ġenerali) huma bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja, proċess ta' produzzjoni, valur jew piż massimu ta' materjali mhux oriġinarji jew kwalunkwe rekwiżit ieħor speċifikat f'dan l-Anness.

1.3 Ir-referenza għall-piż f'regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tfisser il-piż nett, li huwa l-piż ta' materjal jew prodott li ma jinkludix il-piż tal-imballaġġ.

Nota 2

Struttura tal-Lista tar-Regoli tal-Oriġini Speċifiċi għall-Prodott

2.1 In-noti dwar it-Taqsimiet, il-Kapitoli, l-intestaturi jew is-subintestaturi, jekk applikabbli, għandhom jinqraw flimkien mar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott għat-Taqsima, il-Kapitolu, l-intestatura jew is-subintestatura rilevanti.

2.2 Kull regola ta' oriġini speċifika għall-prodott stabbilita fit-tieni kolonna tal-lista tat-Taqsima B tapplika għall-prodott korrispondenti indikat fl-ewwel kolonna ta' dik il-lista.

2.3 Jekk prodott ikun soġġett għal regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott alternattivi, il-prodott għandu jitqies bħala oriġinarju f'Parti jekk ikun jissodisfa waħda mill-alternattivi.

2.4 Jekk prodott ikun soġġett għal regola tal-oriġini speċifika għall-prodott li tinkludi diversi rekwiżiti, il-prodott għandu jitqies bħala oriġinarju f'Parti biss jekk ikun jissodisfa r-rekwiżiti kollha.

2.5 Jekk regola tal-oriġini speċifika għall-prodott teskludi speċifikament ċerti materjali tas-Sistema Armonizzata, din teħtieġ li l-materjali esklużi jkunu oriġinaw minn Parti.

Eżempju: Meta r-regola tal-oriġini għall-intestatura 3505 tirrikjedi "CTH ħlief mill-intestatura 1108", għandhom ikunu oriġinati materjali kklassifikati taħt l-intestatura 1108 (lamti, inulina).

Nota 3

Applikazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini Speċifiċi għall-Prodott

3.1 Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 3.2 (Rekwiżiti Ġenerali), rigward prodotti li jkunu kisbu status oriġinarju u li jintużaw fil-produzzjoni ta' prodotti oħra, japplika irrispettivament minn jekk dan l-istatus ikunx inkiseb mill-istess fabbrika f'Parti fejn jintużaw dawn il-prodotti.

3.2 Jekk regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tistipula li materjal mhux oriġinarju speċifikat ma għandux jintuża jew li l-valur jew il-piż ta' materjal mhux oriġinarju ma għandux jaqbeż livell limitu speċifiku, dawn il-kundizzjonijiet ma japplikawx għall-materjali mhux oriġinarju kklassifikat banda oħra fis-Sistema Armonizzata.

Eżempju: Meta r-regola għall-Kapitolu 19 tirrikjedi li "l-piż totali ta' materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 1006, 1101, 1102 jew 1104 sa 1108 użati ma jaqbiżx l-20 % skont il-piż tal-prodott finali", l-użu ta' ċereali mhux oriġinarji tal-Kapitolu 10, għajr ross tal-intestatura 1006, mhuwiex limitat.

3.3 Jekk regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tipprevedi li prodott għandu jinħadem minn materjal partikolari, dan ma jimpedixxix l-użu ta' materjali oħra li ma jistgħux jissodisfaw dik ir-regola minħabba n-natura inerenti tagħhom.

Nota 4

Definizzjonijiet

4.1 Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "CC" tfisser il-produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe Kapitolu, ħlief dik tal-prodott, jew bidla fil-Kapitolu, fl-intestatura jew fis-subintestatura minn kwalunkwe Kapitolu ieħor sabiex il-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-produzzjoni tal-prodott iridu jgħaddu minn bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja fil-livell ta' żewġ ċifri tas-Sistema Armonizzata (bidla fil-Kapitolu);

(b) "CTH" tfisser il-produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, jew bidla fil-Kapitolu, fl-intestatura jew fis-subintestatura minn kwalunkwe intestatura oħra sabiex il-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-produzzjoni tal-prodott jgħaddu minn bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja fil-livell ta' erba' ċifri tas-Sistema Armonizzata (bidla fl-intestatura);

(c) "CTSH" tfisser il-produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe subintestatura, ħlief dik tal-prodott, jew bidla fil-Kapitolu, fl-intestatura jew fis-subintestatura minn kwalunkwe subintestatura oħra sabiex il-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-produzzjoni tal-prodott jgħaddu minn bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja fil-livell ta' sitt ċifri tas-Sistema Armonizzata (bidla fis-subintestatura);

(d) "valur doganali" tfisser il-valur ta' oġġett kif stabbilit skont il-Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali;

(e) "EXW" jew "prezz mill-fabbrika" tfisser il-prezz imħallas għall-prodott mill-fabbrika lill-manifattur f'Parti fejn twettaq l-aħħar xogħol jew ipproċessar u għandha, fil-każijiet kollha, tinkludi l-valur tal-materjali kollha użati u l-ispejjeż l-oħra kollha relatati mal-produzzjoni tiegħu, tnaqqas kwalunkwe taxxa interna rritornata jew imħallsa lura meta l-prodott miksub jiġi esportat, anki jekk il-prezz ma jkunx magħruf, ma jkunx ċert, jew ma jirriflettix il-kostijiet kollha relatati mal-produzzjoni tal-prodott;

jekk l-aħħar xogħol jew ipproċessar ikun ġie sottokuntrattat lil manifattur f'Parti, it-terminu "manifattur" jista' jirreferi għall-intrapriża li tkun għamlet użu mis-sottokuntrattur;

(f) "MaxNOM" tfisser il-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji espress bħala perċentwal u għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\text{MaxNOM}(\%) = \frac{\text{VNM}}{\text{EXW}} \times 100$$

(g) "NOM" tfisser il-produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura; u

(h) "VNM" tfisser il-valur ta' materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura tal-prodott, li huwa l-valur doganali tiegħu fil-mument tal-importazzjoni, inkluż l-oġġetti, l-assigurazzjoni jekk xieraq, l-ippakkjar u l-ispejjeż l-oħra kollha mġarrba fit-trasport tal-materjali lejn il-port tal-importazzjoni fil-Parti fejn jinsab il-produttur tal-oġġett, jew jekk il-valur ma jkunx magħruf u ma jkunx jista' jiġi aċċertat, l-ewwel prezz aċċertabbli mħallas għall-materjali mhux oriġinarji fl-Unjoni Ewropea jew fil-Messiku.

Nota 5

Fibri, Stampar, Materjali u Tolleranzi Bażiċi tat-Tessuti

5.1 It-terminu "fibri naturali" hu użat f'dan l-Anness biex jirreferi għal fibri li ma jkunux dawk artifiċjali jew fibri sintetiċi u hu limitat għall-istadji qabel ma jsir it-tagħżil, inkluż skart u sakemm mhux speċifikat mod ieħor, jinkludi fibri li jkunu ġew imqardxa, minxuta jew proċessati mod ieħor iżda mhux magħżula.

5.2 "Fibri naturali" jinkludi krin tal-intestatura 0511, għażel tal-intestaturi 5002 u 5003 kif ukoll fibri tas-suf, xagħar fin jew aħrax tal-annimali tal-intestatura 5101 sa 5105, fibri tal-qoton tal-intestaturi 5201 sa 5203, u fibri oħra veġetali tal-intestaturi 5301 sa 5305.

5.3 Il-kliem "polpa tat-tessut", "materjali kimiċi" u "materjali li minnhom issiru il-karta" huma użati fil-lista ta' regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott biex jiddeskrivu l-materjali, li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw biex jiffabbrikaw fibri jew ħjut artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta.

5.4 It-terminu "fibri tajbin magħmulin mill-bniedem" jintuża fil-lista ta' regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott biex jirreferi għal truf tal-filament sintetiku jew artifiċjali, fibri tajbin jew skart, tal-intestaturi 5501 sa 5507.

5.5 It-terminu "stampar" tfisser teknika li permezz tagħha funzjoni vvalutata b'mod oġġettiv, bħall-kulur, id-disinn jew il-prestazzjoni teknika, applikat lil substratt tessili b'karattru permanenti, bl-użu ta' tekniki ta' skrin, roller, diġitali jew ta' trasferiment.

5.6 It-terminu "stampar (bħala operazzjoni awtonoma)" ifisser stampar flimkien ma' mill-inqas żewġ operazzjonijiet preparatorji jew ta' finitura (bħal għorik, ibbliċjar, mercerising, issettjar bis-sħana, raising, ippressar bir-rombli, proċessar biex ma jinxtorbux, tlestija permanenti, trattament bil-fwar (decatising), mili, tiswija u tneħħija taż-żliemem, it-tqaxxir, it-tixwit, il-proċess tat-tumbler tal-arja, il-proċess ta' stenter, dħin, stim and xxrinkjar, u trattament bil-fwar (decatising)), dment li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-fabbrika tal-oġġett.

5.7 Jekk għal prodott partikolari fil-lista ta' regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott issir referenza għan-Nota 5, il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni kolonna ta' dik il-lista ma għandhomx japplikaw għal materjali tat-tessuti bażiċi mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' dan il-prodott, li, meħudin flimkien, ma jaqbżux it-8 % tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi kollha użati. In-nota 5.9 jew 5.10 tista' tapplika wkoll.

5.8 It-tolleranza prevista fin-Nota 5.7 tista' tapplika biss għal prodotti mħallta li jkunu saru minn tnejn jew aktar mill-materjali tessili bażiċi li ġejjin:

(a) ħarir;

(b) suf;

(c) xagħar aħrax ta' annimali;

(d) xagħar fin ta' annimali;

(e) krin;

(f) qoton;

(g) materjali li minnhom isiru l-karti u l-karti;

(h) kittien;

(i) qanneb veru;

(j) ġuta u fibri oħrajn tessili tat-tilju;

(k) sisal u fibri oħrajn tessili tal-ġeneru *Agave*;

(l) ġewż tal-Indi, il-manilla, ir-rami u fibri tessili veġetali oħrajn;

(m) filamenti sintetiċi magħmulin mill-bniedem;

(n) filamenti artifiċjali magħmulin mill-bniedem;

(o) filamenti konduttivi tal-kurrent elettriku;

(p) fibri prinċipali sintetiċi tal-polipropilen magħmula mill-bniedem;

(q) fibri prinċipali sintetiċi tal-poliester magħmula mill-bniedem;

(r) fibri prinċipali sintetiċi tal-poliamide magħmula mill-bniedem;

(s) fibri prinċipali sintetiċi tal-poliakrilonitril magħmula mill-bniedem;

(t) fibri prinċipali sintetiċi tal-poliamide magħmula mill-bniedem;

(u) fibri prinċipali sintetiċi tal-politetrafluworoetilen magħmula mill-bniedem;

(v) fibri prinċipali sintetiċi tas-sulfid tal-polifenilin magħmula mill-bniedem;

(w) fibri prinċipali sintetiċi tal-klorur tal-polivinil magħmula mill-bniedem;

(x) fibri prinċipali sintetiċi oħrajn magħmulin mill-bniedem;

(y) fibri prinċipali sintetiċi tal-klorur tal-visk magħmula mill-bniedem;

(z) fibri prinċipali sintetiċi oħrajn magħmulin mill-bniedem;

(aa) il-ħjut magħmula mill-poliuretan segmentat b'segmenti flessibbli tal-polieter, kemm jekk mibrum jew le;

(ab) ħjut magħmula minn poliuretan issegmentat b'segmenti flessibbli ta' poliester kemm jekk mibrum u anke jekk le;

(ac) prodotti klassifikati taħt l-intestatura 5605 (raden metallizzat) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' rita tal-plastik kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, ta' wisa' li ma taqbiżx il-ħames millimetri, infilzata b'kolla trasparenti jew ikkulurita bejn żewġ saffi ta' rita tal-plastik; u

(ad) prodotti oħrajn ikklassifikati taħt l-intestatura 5605.

Eżempju: Ħjut tal-intestatura 5205 magħmul mill-fibri tat-tajjar tal-intestatura 5203 u fibri prinċipali sintetiċi tal-intestatura 5506 huma ħjut imħallta. Għalhekk, il-fibri prinċipali sintetiċi mhux ta' oriġini li ma jissodisfawx ir-regola tal-oriġini (li tirrikjedi li jkunu mmanifatturati minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessuti) jistgħu jintużaw sa piż ta' 8 % tal-ħjut.

Eżempju: Drapp tas-suf tal-intestatura 5112 magħmul minn ħjut tas-suf tal-intestatura 5107 u ħjut sintetiċi ta' fibri prinċipali tal-intestatura 5509 huwa drapp imħallat. Għalhekk, ħjut mibruma sintetiċi li ma jissodisfawx ir-regola tal-oriġini (li tirrikjedi manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessuti), jew ħjut mibruma tas-suf li ma jissodisfawx ir-regola tal-oriġini (li jirrikjedi manifattura minn fibri naturali li ma jkunux imqardxa, mimxuta jew ippreparati għall-brim b'xi mod ieħor) jew taħlita tat-tnejn jistgħu jintużaw sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 8 % tal-piż totali tat-tessut.

Eżempju: Drapp tessili mberfla tal-intestatura 5802 magħmul minn ħjut tat-tajjar tal-intestatura 5205 u drapp tal-intestatura 5210 huwa biss prodott imħallat jekk id-drapp tat-tajjar huwa nnifsu drapp imħallat magħmul minn ħjut ikklassifikati f'żewġ intestaturi separati jew jekk il-ħjut tat-tajjar infushom huma taħlitiet.

Eżempju: Jekk id-drapp tessili mberfel ikkonċernat huwa magħmul minn ħjut tat-tajjar tal-intestatura 5205 u drapp sintetiku tal-intestatura 5407, imbagħad, ovvjament, il-ħjut użati huma żewġ materjali tessili bażiċi separati u d-drapp tessili mberfel huwa għal din ir-raġuni prodott imħallat.

5.9 Jekk għal prodott partikolari ssir referenza għan-Nota 5, il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni kolonna tal-lista fit-Taqsima B ma għandhomx japplikaw għal ħajt magħmul minn poliuretan segmentat b'segmenti flessibbli ta' polietere kemm jekk il-ħajt mhux oriġinarju ma jaqbiżx it-8 % tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi kollha użat.

5.10 Jekk għal prodott partikolari ssir referenza għan-Nota 5, il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni kolonna tal-lista fit-Taqsima B ma għandhomx japplikaw għall-istrixxa li tikkonsisti minn qalba ta' fojl tal-aluminju jew minn qalba ta' rita tal-plastik kemm jekk miksija bi trab tal-aluminju kif ukoll jekk le, b'wisa' ta' mhux aktar minn ħames millimetri, miżmuma permezz ta' adeżiv bejn żewġ saffi ta' film tal-plastik meta l-istrixxa mhux oriġinarja ma taqbiżx it-30 % tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi kollha użati.

Nota 6

Tolleranzi Oħra Applikabbli għal Ċerti Materjali tat-Tessuti

6.1 Jekk issir referenza għan-Nota 6 fil-lista ta' regoli speċifiċi tal-oriġini għall-prodott fit-Taqsima B, jistgħu jintużaw materjali tat-tessuti, bl-eċċezzjoni ta' kisi u kisi minn ġewwa, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fit-tieni kolonna għall-prodott tat-tessuti manifatturat, sakemm dawk il-materjali jiġu kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott.
De exporteur van de producten waarop dit document van toepassing is (referentienr. exporteur . . . . . (2)), verklaart dat, tenzij indien uitdrukkelijk anders is vermeld, deze producten uit . . . . . (3) van preferentiële oorsprong zijn.

(Plaats en datum)(4)

. . . . . .

(Naam en handtekening van de exporteur)(5)

. . . . . .

18. Verżjoni Pollakka

(Okres: od . . . . . do . . . . .)([1])

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (eksporter nr . . . . . ([2])) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają . . . . . ([3]) preferencyjne pochodzenie.

(Miejsce i data)([4])

. . . . . .

(Nazwa eksportera i podpis)([5])

. . . . . .

19. Verżjoni Portugiża

(Período: de . . . . . a . . . . .)([1])

O abaixo assinado, exportador dos produtos cobertos pelo presente documento [referência do exportador n.º . . . . . ([2])], declara que, salvo expressamente indicado em contrário, estes produtos são de origem preferencial ([3]) . . . . . .

(Local e data)([4])

. . . . . .

(Nome do exportador e assinatura)([5])

. . . . . .

20. Verżjoni Rumena

(Perioada: de la . . . . . la . . . . .)([1])

Exportatorul produselor care fac obiectul prezentului document [nr. de referință al exportatorului . . . . . ([2])] declară că, exceptând cazul în care se indică altfel în mod clar, aceste produse sunt de origine preferențială din . . . . . ([3]).

(Locul și data)([4])

. . . . . .

(Denumirea exportatorului și semnătura)([5])

. . . . . .

21. Verżjoni Slovakka

(Obdobie: od . . . . . do . . . . .)([1])

Vývozca výrobkov, na ktoré sa vzťahuje tento doklad (referenčné číslo vývozcu . . . . . ([2])), vyhlasuje, že pokiaľ nie je zreteľne uvedené inak, tieto výrobky majú preferenčný pôvod v . . . . . ([3]).

(Miesto a dátum)([4])

. . . . . .

(Názov/meno vývozcu a podpis)([5])

. . . . . .

22. Verżjoni Slovena

(Obdobje: od . . . . . do . . . . . ([1]))

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom, (referenčna št. izvoznika . . . . . ([2])) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno . . . . . ([3]) poreklo.

(Kraj in datum([4]))

. . . . . .

(Ime in podpis izvoznika([5]))

. . . . . .

23. Verżjoni Finlandiża

(. . . . . ja . . . . .) välinen aika([1])

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (viejän viitenumero . . . . . ([2])) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja . . . . . ([3]) alkuperätuotteita.

(Paikka ja päiväys)([4])

. . . . . .

(Viejän nimi ja allekirjoitus)([5])

. . . . . .

24. Verżjoni Żvediża

(Period: från . . . . . till . . . . . ([1]))

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (exportörens referensnummer . . . . . ([2])) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande ursprung i . . . . . ([3]).

(Ort och datum ([4]))

. . . . . .

(Exportörens namn och underskrift ([5]))

. . . . . .

([1]) Jekk issir dikjarazzjoni dwar l-oriġini għal trasbordi multipli ta' prodotti oriġinarji identiċi fis-sens tal-Artikolu 3.19.2 (b), indika l-perijodu li għalih se tapplika dikjarazzjoni dwar l-oriġini. Dan il-perjodu ma għandux jaqbeż it-12-il xahar. L-importazzjonijiet kollha tal-prodott iridu jseħħu fil-perijodu indikat. Meta perjodu ma jkunx applikabbli, il-kaxxa tista' titħalla vojta.

([2]) Jekk l-esportatur ma jkunx ġie assenjat numru għal kunsinna li l-valur totali tagħha ma jaqbiżx EUR 6 000, f'konformità mal-Artikolu 3.18.3, din it-taqsima tista' titħalla vojta. Meta d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini ssir minn esportatur irreġistrat skont it-tifsira tal-Artikolu 3.18.2, in-numru tal-esportatur irid jiddaħħal f'dan l-ispazju.

([3]) Indika jew l-Unjoni Ewropea jew il-Messiku bħala oriġini tal-prodott.

([4]) Il-post u d-data jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tkun tinsab fid-dokument innifsu.

([5]) Il-firma mhijiex meħtieġa jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3.18.5 jiġu ssodisfati.

ANNESS 3-C

IL-PRINĊIPAT TA' ANDORRA U R-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO

1. Il-Messiku għandu jaċċetta l-oġġetti oriġinarji tal-Prinċipat ta' Andorra kklassifikati fil-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata bl-istess trattament tariffarju preferenzjali li japplika għall-oġġetti importati mill-Unjoni Ewropea u li joriġinaw minnha, sakemm il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra ([1]), magħmul fil-Lussemburgu fit-28 ta' Ġunju 1990, li jistabbilixxi unjoni doganali, jibqa' fis-seħħ.

2. L-oġġetti li joriġinaw mill-Messiku kklassifikati fil-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata għandhom jibbenefikaw mill-istess trattament tariffarju preferenzjali meta jiġu importati f'Andorra hekk kif jirċievu meta jiġu importati fl-Unjoni Ewropea, sakemm il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 jibqa' fis-seħħ.

3. Il-Messiku għandu jaċċetta oġġetti li joriġinaw mir-Repubblika ta' San Marino kklassifikati fi ħdan il-Kapitoli 1 sa 97 tas-Sistema Armonizzata bl-istess trattament tariffarju preferenzjali li japplika għal oġġetti importati mill-Unjoni Ewropea u li joriġinaw fiha, sakemm il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino ([2]), magħmul fi Brussell fis-16 ta' Diċembru 1991, jibqa' fis-seħħ.

4. L-oġġetti li joriġinaw fil-Messiku klassifikati taħt il-Kapitoli 1 sa 97 tas-Sistema Armonizzata għandhom jibbenefikaw mill-istess trattament tariffarju preferenzjali meta jiġu importati lejn San Marino bħal dak li jirċievu meta jiġu importati lejn l-Unjoni Ewropea, sakemm il-Ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 jibqa' fis-seħħ.

5. Il-Kapitolu 3 japplika *mutatis mutandis* għall-kummerċ tal-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1 sa 4.

6. L-esportatur għandu jdaħħal "il-Messiku", "Andorra" jew "San Marino" fil-qasam 3 tat-test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini stabbilit fl-Anness 3-B, skont l-oriġini tal-oġġetti.

7. L-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Messiku l-indirizzi u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-awtoritajiet doganali responsabbli għall-verifika tad-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini fil-Prinċipat ta' Andorra u fir-Repubblika ta' San Marino.

8. Jekk l-awtorità governattiva kompetenti tal-Prinċipat ta' Andorra jew tar-Repubblika ta' San Marino ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3, il-Messiku jista' jieħu l-każ lis-Sottokumitat dwar id-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini stabbilit mis-subparagrafu 1(d) tal-Artikolu 1.10 (Sottokumitati u Korpi oħrajn tal-Parti III ta' dan il-Ftehim), sabiex jiġu ddeterminati miżuri xierqa għas-soluzzjoni tal-kwistjoni.

([1]) ĠU KE L 374, 31.12.1990, p. 14.
([2]) ĠU KE L 84, 28.3.2002, p. 43.

ANNESS 3-D

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

Artikolu 3.14 (Nonalterazzjoni)

1. Jekk l-esportatur ma jkunx jaf id-destinazzjoni finali ta' oġġetti speċifiċi inklużi fil-kunsinna fil-ħin tal-esportazzjoni, l-importatur għandu jippreżenta dikjarazzjoni dwar l-oriġini maħruġa wara l-esportazzjoni.

2. L-importatur jista' juri li l-oġġetti li kienu fi tranżitu mit-territorju ta' pajjiż terz (bit-trażbord jew bil-ħżin temporanju jew mingħajru) kienu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali ta' tali territorji. Fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta, l-importatur għandu jippreżenta d-dokumentazzjoni li ġejja:

(a) id-dokumenti tat-trasport, bħall-polza tal-ajru, il-polza ta' kargu jew in-nota tal-kunsinna bit-triq, skont il-każ, li jirreġistraw id-data u l-post tat-tagħbija tal-oġġetti u l-port, l-ajruport jew il-punt tad-dħul fid-destinazzjoni finali, jekk l-oġġetti kienu fi tranżitu mit-territorju ta' pajjiż terz wieħed jew aktar mingħajr trażbord jew ħżin temporanju;

(b) id-dokumenti tat-trasport, bħall-polza tal-ajru, il-polza ta' kargu jew in-nota tal-kunsinna bit-triq, skont il-każ, jew id-dokument tat-trasport ikkombinat, jekk l-oġġetti kienu fi tranżitu mit-territorju ta' pajjiż terz wieħed jew aktar, bit-trażbord f'tali territorji u ma kinux soġġetti għal ħażna temporanja; jew

(c) kopja tad-dokumenti li jipprovdu evidenza li l-oġġetti baqgħu taħt sorveljanza tal-awtorità doganali fejn l-oġġetti li kienu fi tranżitu mit-territorju ta' pajjiż terz wieħed jew aktar kienet soġġetta għal trażbord u ħażna temporanja.

3. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe wieħed mid-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2, l-importatur jista' jipprovdi kwalunkwe dokument ta' sostenn ieħor.

Artikolu 3.18 (Kundizzjonijiet Biex Issir Dikjarazzjoni Dwar l-Oriġini)

4. Id-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini jridu jsiru minn esportatur stabbilit fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet. Jekk il-fattura ssir f'pajjiż terz, id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha ssir fuq kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor ([1]) maħruġ fit-territorju tal-Parti li tesporta, li jiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati f'dettall suffiċjenti biex dawn ikunu jistgħu jiġu identifikati bħala li joriġinaw skont il-Kapitolu 3 (Regoli tal-Oriġini u Proċeduri tal-Oriġini). F'każ bħal dan, l-esportatur tal-oġġetti jrid jiġi identifikat fuq id-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini.

5. Il-formulazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha tkun skont il-formulazzjoni stabbilita fl-Anness 3-B (Test tad-Dikjarazzjoni dwar l-Oriġini).

6. Id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini ma għandux ikun fiha indikazzjoni ta' oġġetti mhux oriġinarji li mhumiex koperti mid-dikjarazzjoni dwar l-oriġini. Din l-indikazzjoni għandha tidher fuq il-fattura b'mod preċiż biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' ftehim.

7. Id-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini magħmula fuq fatturi fotokopjati jew dokumenti kummerċjali huma aċċettabbli sakemm tali dikjarazzjonijiet ikollhom il-firma tal-esportatur taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-oriġinal.

8. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini li ssir fuq wara tal-fattura jew tad-dokument kummerċjali hija aċċettabbli.

([1]) Tali dokumenti kummerċjali huma pereżempju n-nota ta' konsenja jew il-lista tal-ippakkjar li takkumpanja l-oġġetti.

9. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini magħmula fuq folja separata tal-fattura hija aċċettabbli sakemm il-folja tkun ovvjament parti mill-fattura. Ma tistax tintuża formola komplementari.

10. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini magħmula fuq tikketta, li sussegwentement tiġi meħmuża mal-fattura hija aċċettabbli sakemm ma jkun hemm l-ebda dubju li t-tikketta tkun twaħħlet mill-esportatur. Pereżempju, il-firma tal-esportatur tkopri kemm it-tikketta kif ukoll il-fattura.

ANNESS 6-A

AWTORITAJIET KOMPETENTI

1. Għall-finijiet tal-Kapitolu 6 (Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji), l-awtoritajiet li ġejjin, jew is-suċċessuri tagħhom, huma l-awtoritajiet kompetenti msemmija fis-subparagrafu 1(a) tal-Artikolu 6.1 (Definizzjonijiet):

(a) għall-Unjoni Ewropea, il-kontroll jinqasam bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri tagħha u l-Kummissjoni Ewropea kif ġej:

(i) fir-rigward tal-esportazzjoni lejn il-Messiku, l-awtoritajiet tal-Istati Membri huma responsabbli għall-kontroll taċ-ċirkustanzi u r-rekwiżiti tal-produzzjoni, inklużi spezzjonijiet jew verifiki statutarji u l-ħruġ ta' ċertifikati sanitarji u ta' benesseri tal-annimali li jagħtu xhieda tal-istandards u r-rekwiżiti miftiehma;

(ii) fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Messiku, l-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma responsabbli għall-kontroll tal-konformità tal-importazzjonijiet mal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni tal-Unjoni Ewropea; u

(iii) il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali, għall-ispezzjoni jew l-awditjar tas-sistemi ta' kontroll u l-miżuri neċessarji, inkluża azzjoni leġiżlattiva sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-istandards u r-rekwiżiti fi ħdan l-Unjoni Ewropea;

(b) għall-Messiku:

(i) Id-Direttorat Ġenerali għas-Sikurezza Agroalimentari, l-Akkwakultura u s-Sajd tas-Servizz Nazzjonali tal-Ikel u l-Agrikoltura, is-Saħħa, is-Sigurtà u l-Kwalità (SENASICA) (Dirección General de Inocuidad Agroalimentaria, Acuícola y Pesquera del Servicio Nacional de Sanidad, Inocuidad y Calidad Agroalimentaria (SENASICA));

(ii) Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa tal-Annimali ta' SENASICA (Dirección General de Salud Animal del SENASICA);

(iii) Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa tal-Pjanti ta' SENASICA (Dirección General de Sanidad Vegetal del SENASICA);

(iv) Il-Kummissjoni tal-Infurzar Sanitarju – il-Kummissjoni Federali għall-protezzjoni kontra r-riskju Sanitarju (COFEPRIS) (Comisión de Operación Sanitaria - Comisión Federal para la Protección contra Riesgos Sanitarios (COFEPRIS));

(v) Il-Kummissjoni tal-Evidenza u l-Ġestjoni tar-Riskju –COFEPRIS (Comisión de Evidencia y Manejo de Riesgos - COFEPRIS);

(vi) Il-Koordinazzjoni Ġenerali tas-Sistema Sanitarju Federali – COFEPRIS (Coordinación General del Sistema Federal Sanitario - COFEPRIS); u

(vii) Id-Direzzjoni Ġenerali tal-Ġestjoni tal-Foresti u tal-Ħamrija tal-Ministeru tal-Ambjent u r-Riżorsi Naturali (SEMARNAT) (Dirección General de Gestión Forestal y de Suelos de la Secretaría de Medio Ambiente y Recursos Naturales (SEMARNAT)).

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bi kwalunkwe tibdil tal-awtoritajiet kompetenti. Il-Kunsill Konġunt għandu jaġġorna b'mod regolari dan l-Anness permezz ta' deċiżjoni.

ANNESS 9-A

STANDARDS ŻVILUPPATI MINN ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

1. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO)
2. Il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC)
3. L-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT)
4. Il-Kummissjoni Codex Alimentarius
5. L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO)
6. Is-Sottokumitat ta' Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar ta' Sustanzi Kimiċi (UN/SCEGHS)
7. Il-Kunsill Internazzjonali dwar l-Armonizzazzjoni tar-Rekwiżiti Tekniċi għall-Farmaċewtiċi għall-Użu mill-Bniedem (ICH)
8. L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO)
9. L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Metroloġija Legali (OIML)
10. L-Unjoni Postali Universali (UPU)
11. L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH)
12. L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO)
13. Bureau International des Poids et Mesures (BIPM)

ANNESS 10-A

ESPROPRJAZZJONI

Il-Partijiet jikkonfermaw il-fehim komuni tagħhom li:

1. Miżura jew sensiela ta' miżuri minn Parti ma jistgħux jikkostitwixxu espropriazzjoni sakemm ma jfixklux dritt ta' proprjetà jew interess ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli f'investiment.

2. L-Artikolu 10.18 jindirizza:

(a) espropriazzjoni diretta, li tiġri meta investiment kopert huwa nazzjonalizzat jew inkella direttament espropriat permezz ta' trasferiment formali ta' titolu jew qbid dirett; u

(b) espropriazzjoni indiretta, li tiġri meta miżura jew serje ta' miżuri minn Parti jkollhom effett ekwivalenti għal espropriazzjoni diretta, f'li dan sostanzjalment iċaħħad l-investitur mill-attribwiti fundamentali ta' proprjetà fl-investiment kopert tiegħu, inkluż id-dritt li juża, jgawdi u jiddisponi mill-investiment kopert tiegħu, mingħajr trasferiment formali ta' titolu jew qbid dirett.

3. Id-determinazzjoni ta' jekk f'sitwazzjoni speċifika miżura jew serje ta' miżuri minn Parti tikkostitwix espropriazzjoni indiretta teħtieġx investigazzjoni bbażata fuq il-fatti, każ b'każ, li tqis, fost fatturi oħra:

(a) l-impatt ekonomiku tal-miżura jew serje ta' miżuri, għalkemm il-fatt li miżura jew serje ta' miżuri minn Parti jkollha effett negattiv fuq il-valur ekonomiku ta' investiment, waħdu, ma jistabbilixxix li tkun seħħet espropjazzjoni indiretta;

(b) it-tul ta' żmien tal-miżura jew serje ta' miżuri;

(c) il-punt sa fejn il-miżura jew is-serje ta' miżuri jinterferixxu mal-aspettattivi distinti u raġonevoli tal-investitur li jirriżultaw mill-investiment; u

(d) l-għamla ta' miżura jew serje ta' miżuri, b'mod partikolari l-oġġett u l-kuntest tagħhom.

4. Għal ċertezza akbar, miżuri mhux diskriminatorji ta' Parti li huma mfassla u applikati biex jintlaħqu objettivi leġittimi ta' politika, bħas-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-moralità pubblika, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali, jew il-kompetizzjoni, ma jikkostitwixxux espropriazzjoni indiretta, ħlief fiċ-ċirkostanza rari li l-impatt ta' miżura jew serje ta' miżuri jkun manifestament eċċessiv fid-dawl tal-iskop tiegħu.

ANNESS 10-B

DEJN PUBBLIKU

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li x-xiri ta' dejn ta' Parti jinvolvi riskju kummerċjali. Għal aktar ċertezza, l-ebda għoti ma għandu jsir favur rikorrent għal talba skont it-Taqsima D tal-Kapitolu 10 fir-rigward ta' inadempjenza jew nuqqas ta' ħlas ta' dejn ta' Parti sakemm ir-rikorrent ma jissodisfax il-piż tiegħu li jipprova li tali inadempjenza jew nuqqas ta' ħlas jikkostitwixxu ksur ta' obbligu skont it-Taqsima C tal-Kapitolu 10.

2. L-ebda pretensjoni li ristrutturar tad-dejn ta' Parti jikser obbligu skont dan il-Kapitolu ma għandha tiġi sottomessa jew, jekk tkun diġà ġiet sottomessa, ma għandha tiġi segwita skont it-Taqsima D tal-Kapitolu 10 jekk ir-ristrutturar ikun ristrutturar innegozjat fiż-żmien tas-sottomissjoni, jew isir ristrutturar innegozjat wara tali sottomissjoni, ħlief għal pretensjoni li ristrutturar innegozjat li jaqa' taħt is-subparagrafu 4(a)(ii) ta' dan l-Anness jikser l-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali) jew 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) ([1]).

3. Minkejja l-Artikolu 10.26 (Preżentazzjoni ta' Pretensjoni lit-Tribunal), u soġġett għall-paragrafu 2 ta' dan l-Anness, investitur ma għandux jissottometti talba skont it-Taqsima D tal-Kapitolu 10 li ristrutturar tad-dejn ta' Parti jikser l-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali) jew 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) jew obbligu skont it-Taqsima C tal-Kapitolu 10 sakemm ma jkunux għaddew 270 jum mid-data tas-sottomissjoni mir-rikorrent tat-talba bil-miktub għal konsultazzjonijiet skont dan Artikolu 10.22 (Konsultazzjonijiet).

4. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "ristrutturar innegozjat" tfisser ir-ristrutturazzjoni jew l-iskedar mill-ġdid tad-dejn ta' Parti li tkun ġiet effettwata permezz ta':

(i) modifika jew emenda ta' strumenti tad-dejn, kif previst skont it-termini tagħhom, inkluża l-liġi regolatorja tagħhom; ([2]) jew

(ii) ta' skambju ta' dejn jew proċess simili ieħor li fih id-detenturi ta' mhux inqas minn 75 % tal-ammont prinċipali totali tad-dejn pendenti soġġett għar-ristrutturar taw il-kunsens tagħhom għal tali skambju ta' dejn jew proċess ieħor;

(b) "liġi applikabbli" ta' strument tad-dejn tfisser il-qafas legali u regolatorju tal-ġurisdizzjoni applikabbli għal dak l-istrument tad-dejn;

(c) Għal ċertezza akbar, id-"dejn ta' Parti" jinkludi, fil-każ tal-Messiku, "dejn pubbliku tal-Messiku" kif definit fil-liġi domestika tiegħu u, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, kwalunkwe forma ta' dejn tal-Unjoni Ewropea jew ta' gvern ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali.

([1]) Għal ċertezza akbar, ksur tal-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali) jew 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) ma jseħħx biss bis-saħħa ta' trattament differenti pprovdut minn Parti lil ċerti kategoriji ta' investituri jew investimenti, inkluż trattament li jirriżulta minn differenzi fis-sitwazzjonijiet tal-investituri u l-investimenti tagħhom li jistgħu jseħħu minħabba differenzi fil-karatteristiċi ta' strument ta' dejn partikolari, fuq il-bażi ta' impatt makroekonomiku differenti, pereżempju, biex jiġu evitati riskji sistemiċi jew effetti konsegwenzjali.

([2]) Għal ċertezza akbar, dan jista' jinkludi l-iskambju ta' strumenti ta' dejn.

ANNESS 10-C

FTEHIM BEJN L-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA U L-MESSIKU

Il-ftehimiet bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Messiku msemmija fl-Artikolu 10.54 (Relazzjoni ma' Ftehimiet Oħra) huma: [1]

1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u l-Istati Uniti tal-Messiku dwar il-Promozzjoni Reċiproka u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul fil-Belt tal-Messiku fit-27 ta' Awwissu 1998;

2. Il-Ftehim bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Istati Uniti tal-Messiku dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul fil-Belt tal-Messiku fl-4 ta' April 2002;

3. Il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Messiku u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul fil-Belt tal-Messiku fil-25 ta' Awwissu 1998;

4. Il-Ftehim dwar il-promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti bejn l-Istati Uniti tal-Messiku u r-Renju ta' Spanja, magħmul fil-Belt tal-Messiku fl-10 ta' Ottubru 2006;

5. Il-Ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Messiku u l-Gvern tar-Renju tad-Danimarka dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul fil-Belt tal-Messiku fit-13 ta' April 2000;

6. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Finlandja u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Messiku dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul fil-Belt tal-Messiku fit-22 ta' Frar 1999;

7. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Franza u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Messiku dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul fil-Belt tal-Messiku fit-12 ta' Novembru 1998;

8. Il-Ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Messiku u l-Gvern tar-Repubblika Ellenika dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul fil-Belt tal-Messiku fit-30 ta' Novembru 2000;

9. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Taljana u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Messiku għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti, magħmul f'Ruma fl-24 ta' Novembru 1999;

10. Il-Ftehim dwar il-Promozzjoni, l-Inkoraġġiment u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti bejn ir-Renju tan-Netherlands u l-Istati Uniti tal-Messiku, magħmul fil-Belt tal-Messiku fit-13 ta' Mejju 1998;

11. Il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Awstrija u l-Istati Uniti tal-Messiku dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul fi Vjenna fid-29 ta' Ġunju 1998;

12. Il-Ftehim bejn ir-Repubblika Portugiża u l-Istati Uniti tal-Messiku dwar il-Promozzjoni Reċiproka u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul fil-Belt tal-Messiku fil-11 ta' Novembru 1999;

[1] It-titoli tal-ftehimiet elenkati f'dan l-Anness huma awtentiċi biss f'dawk il-lingwi li fihom il-ftehim ikkonċernat huwa awtentiku. Fil-każijiet l-oħra kollha, it-traduzzjonijiet huma pprovduti għall-fini ta' referenza biss.

13. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tal-Iżvezja u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Messiku dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul fi Stokkolma fit-3 ta' Ottubru 2000;

14. Il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Messiku u r-Repubblika Slovakka dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul fil-Belt tal-Messiku fis-26 ta' Ottubru 2007.

ANNESS 10-D

KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-MEMBRI TAT-TRIBUNAL, MEMBRI TAT-TRIBUNAL TAL-APPELL U L-MEDJATURI

1. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi tal-Kondotta:

(a) "assistent" tfisser persuna li, skont it-termini tal-ħatra ta' membru, tassisti lill-membru fir-riċerka tiegħu jew tagħha jew tappoġġah fid-dmirijiet tiegħu jew tagħha;

(b) "kandidat" tfisser persuna fiżika li tkun qed tiġi kkunsidrata għall-għażla bħala Membru tat-Tribunal jew Membru tal-Qorti tal-Appell;

(c) "medjatur" tfisser persuna fiżika li tmexxi medjazzjoni skont l-Artikolu 10.23 (Medjazzjoni);

(d) "membru" tfisser Membru tat-Tribunal jew Membru tat-Tribunal tal-Appell stabbilit skont it-Taqsima D tal-Kapitolu 10.

2. Indipendenza u Imparzjalità tal-Membri

(a) Il-membri għandhom ikunu indipendenti u imparzjali u jevitaw imġiba mhux xierqa u l-preżenza ta' imġiba mhux xierqa jew ta' preġudizzju. Għandhom jevitaw kunflitti ta' interess diretti u indiretti u josservaw standards għoljin ta' kondotta sabiex l-integrità u l-imparzjalità tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim jiġu ppreservati. M'għandhomx ikunu influwenzati minn interessi personali, minn pressjoni esterna, minn kunsiderazzjonijiet politiċi, mill-għajta pubblika, mil-lealtà lejn xi Parti jew parti li qed tikkontesta jew minn biża' mill-kritika.

(b) Il-Membri ma għandhomx, direttament jew indirettament, jidħlu għal obbligi jew jaċċettaw xi benefiċċju li jista' b'xi mod jindaħal, jew jidher li jindaħal fit-twettiq xieraq ta' dmirijiethom.

(c) Il-Membri ma għandhomx jużaw il-pożizzjoni tagħhom biex javvanzaw xi interess personali jew privat u għandhom jevitaw azzjonijiet li jistgħu joħolqu l-impressjoni li xi oħrajn qegħdin f'pożizzjoni biex jinfluwenzawhom.

(d) Il-Membri ma jistgħux jippermettu relazzjonijiet jew responsabbiltajiet finanzjarji, tan-negozju, professjonali, familjari jew soċjali jinfluwenzaw il-kondotta jew il-ġudizzju tagħhom.

(e) Il-Membri għandhom jevitaw li jidħlu f'xi relazzjoni jew li jakkwistaw xi interess finanzjarju li x'aktarx jaffettwa l-imparzjalità tagħhom jew li jista' raġonevolment joħloq impressjoni ta' kondotta mhux xierqa jew ta' preġudizzju.

3. L-Obbligu tad-Divulgazzjoni

(a) Qabel il-ħatra tagħhom bħala membru tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell, il-kandidati għandhom jirċievu kopja ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta u jiżvelaw lill-Partijiet kwalunkwe interess passat u preżenti, relazzjoni jew kwistjoni li x'aktarx taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tagħhom jew li tista' toħloq b'mod raġonevoli dehra ta' imġiba mhux xierqa jew ta' preġudizzju. Għal dan il-għan, il-kandidati għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha sabiex isiru konxji ta' kull interess, relazzjoni u kwistjoni ta' dan it-tip.

(b) Mal-ħatra tagħhom f'diviżjoni tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell, is-Segretarjat tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell, rispettivament, għandu jipprovdi lill-Membri bid-dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni stabbilita fl-Appendiċi 10-D-1 (Dikjarazzjoni ta' Divulgazzjoni). Il-membri għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex jippreżentaw id-Dikjarazzjoni ta' Divulgazzjoni lis-Segretarjat fi żmien 15-il jum wara li jirċievuha, għat-trażmissjoni lill-Partijiet, lill-partijiet fil-kawża u lill-President tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell, skont il-każ.

(c) F'konformità mas-subparagrafu (b), il-Membri maħtura f'diviżjoni għandhom jiddivulgaw kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni li x'aktarx taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tagħhom jew li tista' toħloq b'mod raġonevoli dehra ta' imġiba mhux xierqa jew ta' preġudizzju. Għal dan il-għan, il-Membri għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha sabiex isiru konxji ta' kull interess, relazzjoni u kwistjoni ta' dan it-tip. Il-membri għandhom jiżvelaw, mill-inqas u sa fejn jafu huma, l-interessi, ir-relazzjonijiet u l-kwistjonijiet li ġejjin:

(i) kwalunkwe interess finanzjarju jew personali tal-membru fi:

(A) il-proċedmenti jew l-eżitu tagħhom; u

(B) kwalunkwe proċedment amministrattiv, proċedment ġudizzjarju domestiku jew proċedment internazzjonali ieħor għas-soluzzjoni tat-tilwim li jinvolvi kwistjonijiet li jistgħu jiġu deċiżi fil-proċedmenti li għalihom il-membru jinħatar f'diviżjoni;

(ii) kwalunkwe interess finanzjarju tal-impjegatur tal-Membru, jew tas-sieħeb professjonali jew tal-kumpanija assoċjata, jew ta' membru tal-familja mill-qrib ([1]) fi:

(A) il-proċedmenti jew l-eżitu tagħhom; u

(B) kwalunkwe proċedment amministrattiv, proċedment ġudizzjarju domestiku jew proċedment internazzjonali ieħor għas-soluzzjoni tat-tilwim li jinvolvi kwistjonijiet li jistgħu jiġu deċiżi fil-proċedmenti li għalihom il-kandidat jinħatar għal diviżjoni;

(iii) kwalunkwe relazzjoni finanzjarja, kummerċjali, professjonali, familjari jew soċjali fil-passat jew attwali ma' kwalunkwe parti interessata fil-proċedmenti, jew mal-kunsill tagħha; u

(iv) promozzjoni pubblika jew rappreżentanza legali jew rappreżentanza oħra dwar kwistjoni f'tilwima fil-proċedmenti jew li tinvolvi l-istess investituri jew investimenti.

(d) Matul il-mandat tagħhom, il-Membri għandhom f'kull ħin ikomplu jagħmlu l-isforzi kollha biex isiru konxji ta' kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni msemmija fis-subparagrafu 3(a) u jiżvelaw tali interessi, relazzjonijiet jew kwistjonijiet billi jinfurmaw lill-Partijiet.

(e) Matul il-proċedmenti, il-Membri maħtura f'diviżjoni għandhom obbligu kontinwu li jiżvelaw kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni li jista' jkollhom fuq l-integrità jew l-imparzjalità tal-proċess għas-soluzzjoni tat-tilwim u għandhom jikkomunikaw kwistjonijiet li jikkonċernaw ksur attwali jew potenzjali ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta bil-miktub lill-Partijiet u lill-partijiet litiganti.

(f) Kwalunkwe dubju dwar jekk membru għandux jiżvela ċertu interess, relazzjoni jew kwistjoni għandu jiġi solvut favur id-divulgazzjoni. Id-divulgazzjoni ta' interess, relazzjoni jew kwistjoni hija mingħajr preġudizzju għal jekk l-interess, ir-relazzjoni jew il-kwistjoni humiex koperti minn dan il-Kodiċi ta' Kondotta, jew jekk humiex inkonsistenti mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 10.32 (Etika).

([1]) Għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta, it-terminu "membru tal-familja mill-qrib" jirreferi għal konjuġi, ħu/oħt, ġenitur jew sieħeb/sieħba, minbarra kwalunkwe membru ieħor tal-familja li miegħu teżisti relazzjoni mill-qrib.

4. Dmirijiet tal-Membri

(a) Il-membri għandhom iwettqu dmirijiethom bir-reqqa u malajr matul il-proċedmenti u għandhom jagħmlu dan b'ġustizzja u b'diliġenza lejn il-partijiet litiganti u Membri oħra.

(b) Il-Membri għandhom jikkunsidraw biss il-kwistjonijiet li jitqajmu fil-proċedmenti u li huma meħtieġa għal deċiżjoni jew deċiżjoni ta' arbitraġġ u ma għandhomx jiddelegaw dan id-dmir lil ħaddieħor.

(c) L-esperti u l-assistenti għandhom jikkonformaw mal-obbligi mġarrba mill-Membri skont il-paragrafi 2, 3 u 6 , *mutatis mutandis*. F'dan ir-rigward, il-Membri għandhom jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha u l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-assistenti tagħhom ikunu konxji ta' dawk l-obbligi u jikkonformaw magħhom.

(d) Il-Membri ma għandhomx jagħmlu kuntatti *ex parte* rigward il-proċedmenti.

5. Obbligi ta' Membri Preċedenti

(a) Il-membri preċedenti għandhom jevitaw azzjonijiet li jistgħu joħolqu d-dehra li kienu ppreġudikati fit-twettiq ta' dmirijiethom jew li ħadu vantaġġ mid-deċiżjonijiet jew l-għotjiet tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell.

(b) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5 tal-Artikoli 10.30 (Tribunal) u l-paragrafu 5 tal-Artikolu 10.31 (Tribunal tal-Appell), il-Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li wara t-tmiem tat-terminu tagħhom, ma għandhom ikunu involuti bl-ebda mod f'tilwim dwar l-investiment li:

(i) kienu pendenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell qabel it-tmiem tat-terminu tagħhom; jew

(ii) huma direttament u b'mod ċar marbuta ma' tilwim, inklużi tilwim konklużi, li huma setgħu ittrattaw bħala Membri tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell.

(c) Il-Membri għandhom jintrabtu li għal perjodu ta' tliet snin wara t-tmiem tal-mandat tagħhom, huma ma għandhomx jaġixxu bħala rappreżentanti ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet litiganti f'tilwim dwar l-investiment quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell.

(d) Jekk il-President tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell jiġi infurmat jew inkella jsir konxju li xi eks-Membru tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell, skont il-każ, huwa allegat li aġixxa b'mod inkonsistenti mal-obbligi stabbiliti fis-subparagrafi (a) sa (c), hu jew hi għandu jeżamina l-kwistjoni u jagħti l-eks-Membru bl-opportunità jispjega ruħu. Jekk, wara verifika, il-President tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell isib li l-allegata inkonsistenza tiġi kkonfermata, huwa għandu jinforma:

(i) lill-korp professjonali jew xi istituzzjoni oħra li magħha dak il-Membru preċedenti jkun affiljat;

(ii) lill-Partijiet; u

(iii) lill-President ta' kwalunkwe tribunal ieħor ta' investiment jew tribunal tal-appell rilevanti fid-dawl tal-bidu ta' miżuri xierqa.

Il-President tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell għandu jagħmel pubblika d-deċiżjoni tiegħu li jieħu l-azzjonijiet imsemmija fis-subparagrafi (i), (ii) u (iii) flimkien mar-raġunijiet għaliha.

6. Kunfidenzjalità

(a) Il-Membru u l-Membri preċedenti ma għandhom fl-ebda ħin jiżvelaw jew jużaw informazzjoni mhux pubblika li tikkonċerna proċedmenti jew li tkun ġiet akkwistata waqt proċedmenti, ħlief għall-finijiet tal-proċedmenti, u m'għandhomx jiżvelaw jew jużaw tali informazzjoni biex jiksbu vantaġġ personali jew vantaġġ għal oħrajn jew biex jaffettwaw ħażin l-interessi ta' ħaddieħor.

(b) Il-Membri ma għandhomx jiżvelaw ordni, deċiżjoni jew għotja jew partijiet minnhom qabel ma tiġi ppubblikata f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza tal-Artikolu 10.38 (Trasparenza tal-Proċedimenti Ġudizzjarji), kif applikabbli.

(c) Il-Membri u l-Membri preċedenti ma għandhom fl-ebda ħin jiżvelaw id-deliberazzjonijiet tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell, jew il-fehmiet ta' xi Membru, ikunu xi jkunu. Il-Membri ma għandhomx jagħmlu dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-merti tal-proċedmenti pendenti.

7. Spejjeż

Kull Membru għandu jżomm rekord u jagħti rendikont finali tal-ħin dedikat għall-proċedura u tal-ispejjeż tiegħu, kif ukoll tal-ħin u tal-ispejjeż tal-assistent tiegħu.

8. Medjaturi

Ir-regoli stipulati f'dan il-Kodiċi tal-Kondotta kif japplikaw għall-Membri jew il-Membri preċedenti għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-medjaturi.

9. Kumitat Konsultattiv

(a) Il-President tat-Tribunal u l-President tat-Tribunal tal-Appell għandhom ikunu assistiti kull wieħed minn Kumitat Konsultattiv biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta, u tal-Artikolu 10.32 (Etika) u għat-twettiq ta' kwalunkwe kompitu ieħor, jekk dan ikun previst.

(b) Il-Kumitati Konsultattivi għandhom ikunu magħmula miż-żewġ Membri l-aktar għolja tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell, rispettivament.

Appendiċi 10-D-1

DIKJARAZZJONI TAD-DIVULGAZZJONI

1. Nirrikonoxxi li rċevejt kopja tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tat-Tribunal, għat-Tribunal tal-Appell u għall-Medjaturi stabbilit fl-Anness 10-D tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Kodiċi ta' Kondotta").

2. Nirrikonoxxi li qrajt u fhimt il-Kodiċi ta' Kondotta.

3. Nifhem li huwa d-dmir kontinwu tiegħi li niddivulga dan jew fil-futur kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni fil-passat u preżenti li x'aktarx taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħi jew li jista' b'mod raġonevoli joħloq dehra ta' kondotta skorretta jew preġudizzju, skont il-paragrafu 3 tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Iffirmat f'dan _____ jum ta' _____ , 20___.

Minn:

Firma_____

Isem_____

ANNESS 10-E

NOTIFIKA TA' DOKUMENTI LIL PARTI SKONT IT-TAQSIMA D

It-talbiet għal konsultazzjonijiet, avviżi u dokumenti oħra f'tilwim skont it-Taqsima D tal-Kapitolu 10 għandhom jiġu nnotifikati lil:

(a) l-Unjoni Ewropea bil-kunsinna lil:

Il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ
L-Unità F2 — Soluzzjoni tat-Tilwim u Aspetti Legali tal-Politika Kummerċjali
B-1049 Brussels
Belgium

jew kwalunkwe indirizz jew indirizz elettroniku ieħor ikkomunikat mill-Kummissjoni Ewropea lir-rikorrent wara li tkun irċeviet it-talba għall-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.22 (Konsultazzjonijiet);

(b) L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea b'kunsinna lil:

il-post li jkun sar disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni Ewropea, jew kwalunkwe indirizz jew indirizz elettroniku ieħor ikkomunikat mill-Istat Membru kkonċernat lir-rikorrent wara li tkun irċeviet it-talba għall-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.22 (Konsultazzjonijiet); u

(c) Il-Messiku b'kunsinna lil:

Dirección General de Consultoría Jurídica de Comercio Internacional
Secretaría de Economía
Pachuca # 189 piso 19
Col. Hipódromo Condesa
Alcaldía Cuauhtémoc
Ciudad de México
C.P.: 06140

ANNESS 12-A

MEMBRI TAL-FAMILJA TA' ĦADDIEMA BI TRASFERIMENTI INTRAAŻJENDALI

1. L-Unjoni Ewropea għandha testendi għall-membri tal-familja ta' ċittadin Messikan li jkun suġġett ta' trasferiment intra-azjendali lejn l-Unjoni Ewropea, id-dritt ta' dħul u ta' soġġorn temporanju mogħti lill-membri tal-familja ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi fil-qafas ta' trasferiment intraazjendali ([1]) ([2]).

2. Il-Messiku għandu jestendi għall-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea li huwa ċessjonarju intra-korporattiv għall-Messiku, id-dritt ta' dħul u ta' soġġorn temporanju mogħti lil membri tal-familja ta' ħaddiema bi trasferimenti intraażjendali skont l-Artikolu 52 tal-Ley de Migración (l-Att dwar il-Migrazzjoni) ([3]).

([1]) ĠU UE L 157, 27.5.2014, p. 1.
([2]) Għal aktar ċertezza, dan il-paragrafu ma japplikax għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li mhumiex soġġetti għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/66/UE.
([3]) Ippubblikat fid-*Diario Oficial de la Federación* (il-Ġurnal Uffiċjali tal-Messiku) fil-25 ta' Mejju 2011.

ANNESS 14-A

LINJI GWIDA GĦAL FTEHIMIET TA' RIKONOXXIMENT REĊIPROKU

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Introduzzjoni

1. Dan l-Anness fih linji gwida biex jiffaċilitaw in-negozjar ta' ftehimiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali (Ftehimiet ta' Rikonoxximent Reċiproku, minn hawn 'il quddiem imsejħa "MRAs") mill-Partijiet u l-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet konġunti mill-korpi jew l-awtoritajiet professjonali rilevanti, rispettivament, fir-rigward ta' professjonijiet regolati. Dawn il-linji gwida mhumiex vinkolanti u ma jimmodifikawx jew jaffettwaw id-drittijiet u l-obbligi ta' Partijiet taħt dan il-Ftehim.

Definizzjonijiet

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "perjodu ta' adattament" tfisser perjodu ta' prattika sorveljata, possibilment akkumpanjata b'taħriġ ulterjuri, ta' professjoni regolata fil-ġuriżdizzjoni ospitanti taħt ir-responsabbiltà ta' persuna kwalifikata u soġġetta għal valutazzjoni; ([1])

(b) "test tal-aptitudni" tfisser test limitat għat-tagħrif professjonali tal-applikanti, magħmul mill-awtoritajiet rilevanti tal-ġurisdizzjoni ospitanti bl-għan li jivvaluta l-abilità tal-applikanti li jeżerċitaw professjoni regolata f'dik il-ġurisdizzjoni; u

(c) "ambitu tal-prattika" tfisser attività jew grupp ta' attivitajiet koperti minn professjoni regolata.

TAQSIMA B

Forma u Kontenut tal-MRA

1. Din it-Taqsima tistabbilixxi diversi kwistjonijiet li jistgħu jiġu indirizzati f'negozjati u, jekk ikun hemm qbil, inklużi f'MRA finali. Hija tiddeskrivi l-elementi li jistgħu jkunu meħtieġa minn professjonisti tal-Parti l-oħra li jixtiequ jibbenefikaw minn MRA.

Il-Parteċipanti

2. Il-partijiet għall-MRA għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar.

L-għan tal-MRA

3. L-iskop tal-MRA għandu jkun iddikjarat b'mod ċar.

Ambitu tal-MRA

4. L-MRA għandu jistabbilixxi b'mod ċar:

(a) l-ambitu tal-MRA, f'termini ta' titli professjonali speċifiċi u l-attivitajiet li jkopri;

(b) min huwa intitolat li juża t-titoli professjonali kkonċernati;

([1]) Ir-regoli dettaljati li jirregolaw il-perjodu ta' addattament, il-valutazzjoni tiegħu kif ukoll l-istatus professjonali tal-persuna taħt superviżjoni għandhom ikunu stabbiliti, kif ikun jixraq, fil-liġi tal-ġuriżdizzjoni ospitanti.

(c) jekk il-mekkaniżmu ta' rikonoxximent huwiex ibbażat fuq kwalifiki formali, liċenzja miksuba fil-ġurisdizzjoni ta' oriġini, jew fuq xi rekwiżit ieħor; u

(d) jekk l-MRA jippermettix aċċess permanenti jew temporanju għall-professjoni kkonċernata.

Dispożizzjonijiet ta' Rikonoxximent Reċiproku

5. L-MRA għandu jispeċifika b'mod ċar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għar-rikonoxximent tal-kwalifiki f'kull ġurisdizzjoni u l-livell ta' ekwivalenza miftihem.

6. Settijiet differenti ta' rekwiżiti jistgħu jiġu kkunsidrati għal aċċess permanenti u temporanju bbażat fuq il-proġett għall-professjoni kkonċernata.

Mekkaniżmi għall-Implimentazzjoni

7. L-MRA għandu jiddikjara:

(a) ir-regoli u l-proċeduri li għandhom jintużaw biex jissorveljaw u jinfurzaw id-dispożizzjonijiet tal-MRA;

(b) il-mekkaniżmi għad-djalogu u l-kooperazzjoni amministrattiva bejn il-partijiet tal-MRA; u

(c) il-mezzi għal applikanti individwali sabiex jindirizzaw kwalunkwe kwistjoni li tinħoloq mill-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-MRA.

8. Bħala gwida għat-trattament ta' applikanti individwali, l-MRA għandu jinkludi dettalji dwar:

(a) il-punt ta' kuntatt għal informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti għall-applikazzjoni, pereżempju, l-isem u l-indirizz tal-awtoritajiet rilevanti, formalitajiet ta' liċenzjar u informazzjoni dwar rekwiżiti addizzjonali li għandhom jiġu sodisfatti fil-ġurisdizzjoni ospitanti;

(b) it-tul ta' żmien tal-proċeduri għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet mill-awtoritajiet rilevanti fil-ġuriżdizzjoni ospitanti;

(c) id-dokumentazzjoni meħtieġa tal-applikanti u l-forma li fiha għandha tiġi ppreżentata;

(d) l-aċċettazzjoni ta' dokumenti u ċertifikati maħruġa fil-ġurisdizzjoni tad-domiċilju f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwalifiki u liċenzjar; u

(e) il-proċeduri ta' appell jew ta' rieżami mill-awtoritajiet rilevanti.

9. L-MRA għandu jinkludi wkoll l-impenji mill-awtoritajiet rilevanti li:

(a) talbiet dwar rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzjar u kwalifiki se jkunu trattati minnufih;

(b) ser ikun hemm ħin biżżejjed għall-applikanti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-proċess ta' applikazzjoni u ta' kwalunkwe appell jew rieżami mill-awtoritajiet rilevanti;

(c) l-eżamijiet jew it-testijiet se jiġu organizzati bi frekwenza raġonevoli;

(d) il-miżati għal applikanti li jfittxu li jieħdu vantaġġ mit-termini tal-MRA se jkunu proporzjonali mal-kostijiet li jġarrbu fil-ġurisdizzjoni ospitanti; u

(e) l-informazzjoni se tkun mogħtija fuq kwalunkwe programmi ta' assistenza fil-ġurisdizzjoni ospitanti għat-taħriġ prattiku, u kwalunkwe impenn tal-ġurisdizzjoni ospitanti f'dak il-kuntest.

Liċenzjar u Dispożizzjonijiet Oħra fil-Ġurisdizzjoni Ospitanti

10. Jekk applikabbli, l-MRA għandu wkoll jistabbilixxi l-mezzi li permezz tagħhom, u l-kundizzjonijiet li taħthom, tinkiseb liċenzja wara d-determinazzjoni ta' eliġibbiltà u dak li tinvolvi liċenzja, pereżempju, liċenzja u l-kontenut tagħha, membru ta' korp professjonali jew użu ta' titoli professjonali jew akkademiċi. Kwalunkwe rekwiżit ta' liċenzjar minbarra l-kwalifiki għandu jiġi spjegat, inklużi r-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu ma':

(a) l-indirizz ta' uffiċċju, iż-żamma tal-istabbiliment jew li tkun residenti;

(b) ħiliet lingwistiċi;

(c) prova ta' karattru tajjeb;

(d) assigurazzjoni tal-indennizz professjonali;

(e) konformità mar-rekwiżiti tal-ġurisdizzjoni ospitanti għall-użu ta' ismijiet ta' negozji u ditti; u

(f) konformità mal-etika tal-ġurisdizzjoni ospitanti, pereżempju, indipendenza u kondotta tajba.

11. Biex tiġi żgurata t-trasparenza, l-MRA għandu jinkludi d-dettalji li ġejjin għal kull ġurisdizzjoni ospitanti:

(a) il-liġi rilevanti li għandha tiġi applikata, pereżempju, rigward azzjoni dixxiplinarja, responsabbiltà jew obbligazzjoni finanzjarja;

(b) il-prinċipji ta' dixxiplina u infurzar ta' standards professjonali, inklużi l-ġurisdizzjoni dixxiplinarja u kwalunkwe effett konsegwenzjali fuq l-eżerċitar ta' attivitajiet professjonali;

(c) il-mezzi għall-verifika tal-kompetenza attwali; u

(d) il-kriterji u l-proċeduri li għandhom x'jaqsmu mar-revoka tar-reġistrazzjoni.

Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (MRA)

12. Jekk l-MRA jinkludi t-termini li taħthom jista' jiġi rieżaminat jew revokat, id-dettalji tiegħu għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar.

Trasparenza

13. Il-Partijiet għandhom:

(a) jagħmlu disponibbli għall-pubbliku t-test tal-MRAs li ġew konklużi; u

(b) jinnotifikaw lil xulxin bi kwalunkwe modifika fil-kwalifiki li tista' taffettwa l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' MRA u, jekk possibbli, jingħataw opportunità li jikkummentaw dwar il-modifiki mill-Parti l-oħra.

TAQSIMA C

Proċess ta' Erba' Fażijiet għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki

14. Il-proċess ta' erba' fażijiet li ġej għandu jkun ikkunsidrat biex jissimplifika u jiffaċilita r-rikonoxximent tal-kwalifiki.

L-Ewwel Pass: Verifika tal-Ekwivalenza

15. L-entitajiet ta' negozjar għandhom jivverifikaw l-ekwivalenza ġenerali tal-ambitu tal-prattika jew tal-kwalifiki meħtieġa għall-professjoni regolata fil-ġurisdizzjonijiet rispettivi tagħhom.

16. L-eżami tal-kwalifiki għandu jinkludi l-ġbir tal-informazzjoni rilevanti kollha marbuta mal-ambitu tad-drittijiet tal-prattika relatati mal-kompetenza legali biex jipprattikaw jew il-kwalifiki meħtieġa għal professjoni regolata speċifika fil-ġurisdizzjonijiet rispettivi.

17. L-entitajiet tan-negozjar għandhom:

(a) jidentifikaw attivitajiet jew gruppi ta' attivitajiet koperti mill-ambitu tad-drittijiet tal-prattika tal-professjoni regolata; u

(b) jidentifikaw il-kwalifiki meħtieġa f'kull ġuriżdizzjoni, li jistgħu jinkludu l-elementi li ġejjin:

(i) il-livell minimu ta' edukazzjoni meħtieġ, pereżempju, ir-rekwiżiti tad-dħul, it-tul tal-istudji u s-suġġetti studjati;

(ii) il-livell minimu ta' esperjenza meħtieġa, pereżempju, il-post, it-tul u l-kundizzjonijiet ta' taħriġ prattiku jew prattika professjonali sorveljata qabel il-liċenzjar, jew il-qafas tal-istandards etiċi u dixxiplinarji;

(iii) l-eżamijiet mgħoddija, speċjalment eżamijiet ta' kompetenza professjonali;

(iv) sa fejn huma rikonoxxuti l-kwalifiki minn ġurisdizzjoni waħda fil-ġurisdizzjoni oħra; u

(v) il-kwalifiki li l-awtoritajiet rilevanti f'kull ġurisdizzjoni huma lesti li jirrikonoxxu, pereżempju, billi jelenkaw diplomi jew ċertifikati partikolari maħruġa, jew b'referenza għal rekwiżiti minimi partikolari li għandhom ikunu ċċertifikati mill-awtoritajiet rilevanti tal-ġurisdizzjoni ta' oriġini, inkluż jekk il-pussess ta' ċertu livell ta' kwalifikazzjoni jkunx jippermetti rikonoxximent ta' xi attivitajiet bil-għan ta' prattika iżda mhux oħrajn, bħal-livell u t-tul tal-edukazzjoni, oqsma edukattivi ewlenin u suġġetti u oqsma globali.

18. Hemm ekwivalenza globali bejn l-ambitu tad-drittijiet tal-prattika jew il-kwalifiki meħtieġa biex tiġi prattikata l-professjoni regolata jekk ma hemm ebda differenzi sostanzjali f'dan ir-rigward bejn il-ġuriżdizzjonijiet.

It-Tieni Pass: Evalwazzjoni tad-Differenzi Sostanzjali

19. Jeżistu differenzi sostanzjali fil-kwalifiki meħtieġa biex tiġi prattikata professjoni regolata, f'każijiet ta':

(a) differenzi importanti fl-għarfien essenzjali; jew

(b) differenzi sinifikanti fit-tul ta' żmien jew kontenut tat-taħriġ bejn il-ġurisdizzjonijiet.

20. Jeżistu differenzi sostanzjali fl-ambitu tal-prattika jekk:

(a) attività professjonali waħda jew iktar li ma tiffurmax parti mill-professjoni korrispondenti fil-ġurisdizzjoni ta' oriġini;

(b) dawk l-attivitajiet huma soġġetti għal taħriġ speċifiku fil-ġurisdizzjoni ospitanti; u

(c) it-taħriġ għal dawk l-attivitajiet fil-ġurisdizzjoni ospitanti jkopri kwistjonijiet sostanzjalment differenti minn dawk koperti mill-kwalifika tal-applikant.

It-Tielet Pass: Miżuri ta' Ekwivalenza

21. Jekk l-entitajiet ta' negozjar jiddeterminaw li jeżistu differenzi sostanzjali bejn il-ġurisdizzjonijiet fir-rigward tal-ambitu tad-drittijiet tal-prattika jew tal-kwalifiki meħtieġa biex tiġi prattikata professjoni regolata, huma jistgħu jiddeterminaw miżuri ta' ekwivalenza biex inaqqsu dawk id-differenzi.

22. Miżuri tal-ekwivalenza tista' tieħu l-forma ta', fost affarijiet oħra, perjodu ta' adattament jew, jekk meħtieġ, test tal-aptitudni.

23. Il-miżuri tal-ekwivalenza għandhom ikunu proporzjonati għad-differenzi sostanzjali li huma jfittxu li jindirizzaw. L-entitajiet ta' negozjar għandhom jevalwaw ukoll kull esperjenza professjonali prattika miksuba fil-ġurisdizzjoni ta' oriġini biex jaraw jekk dik l-esperjenza tkunx biżżejjed biex tirrimedja, b'mod sħiħ jew parzjali, id-differenzi sostanzjali bejn il-ġurisdizzjonijiet fl-ambitu tad-drittijiet tal-prattika jew tal-kwalifiki meħtieġa, qabel ma tiġi stabbilita miżura ta' ekwivalenza.

Ir-Raba' Fażi: Identifikazzjoni tal-Kundizzjonijiet għar-Rikonoxximent

24. Ladarba l-evalwazzjoni tal-ekwivalenza ġenerali tal-ambitu tad-drittijiet tal-prattika jew tal-kwalifiki meħtieġa biex tiġi prattikata l-professjoni regolata titlesta, l-entitajiet ta' negozjar għandhom jispeċifikaw fl-MRA:

(a) il-kompetenza legali meħtieġa biex tiġi pprattikata l-professjoni regolata;

(b) il-kwalifiki meħtieġa biex tiġi prattikata l-professjoni regolata;

(c) jekk humiex meħtieġa miżuri ta' ekwivalenza;

(d) sa fejn l-esperjenza professjonali tista' tikkumpensa għad-differenzi sostanzjali; u

(e) deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' ekwivalenza, inkluż l-użu ta' kwalunkwe perjodu ta' adattament jew test tal-aptitudni.

ANNESS 18-A

KUMMERĊ TRANSFRUNTIER FIS-SERVIZZI FINANZJARJI

TAQSIMA A

IMPENJI TAL-UNJONI EWROPEA

1. Fir-rigward tal-assigurazzjoni u tas-servizzi relatati mal-assigurazzjoni, l-Unjoni Ewropea għandha tapplika l-paragrafi 1 u 6 tal-Artikolu 18.7 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji) għall-provvista transfruntiera tas-servizzi finanzjarji speċifikati fis-subparagrafu (b)(i) tal-Artikolu 18.1 (Definizzjonijiet):

(a) fl-Istati Membri kollha għajr l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Malta u l-Polonja fir-rigward ta':

(i) servizzi tal-assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni) u intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni diretta għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma' dawn:

(A) it-trasport marittimu, l-avjazzjoni kummerċjali, u l-illanċjar u l-ġarr ta' merkanzija spazjali (inklużi s-satelliti), b'tali assigurazzjoni li tkopri l-oġġetti li jkunu qegħdin jiġu ttrasportati, il-vettura li tkun qiegħda tittrasporta l-oġġetti jew kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u

(B) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

(ii) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni; u

([5]) Skont id-Direttiva 2014/25/UE, "impriża pubblika" tfisser kwalunkwe impriża li fuqha l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeżerċitaw influwenza dominanti b'mod dirett jew indirett minħabba l-pussess tagħhom fuqha, il-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolawha. Influwenza dominanti fuq l-awtoritajiet kontraenti għandha tkun preżunta meta dawk l-awtoritajiet, direttament jew indirettament, fir-rigward ta' impriża:
(a) ikollhom il-maġġoranza tal-kapital sottoskritt tal-impriża, jew
(b) jikkontrollaw il-maġġoranza tal-voti li jkollhom l-ishma maħruġin mill-impriża, jew
(c) jistgħu jaħtru aktar minn nofs il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża.

(b) il-forniment jew it-tħaddim ta' networks fissi maħsubin sabiex jipprovdu servizz lill-pubbliku fil-qasam tal-produzzjoni, tat-trasport jew tad-distribuzzjoni tal-elettriku jew tal-provvista ta' elettriku lit-tali networks;

(c) il-provvista ta' faċilitajiet tal-ajruporti jew ta' terminals oħrajn lill-operaturi tat-trasport bl-ajru;

(d) il-provvista ta' port marittimu jew ta' port intern jew ta' faċilitajiet ta' terminals oħrajn għall-operaturi fuq l-ibħra jew fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni; jew

(e) il-provvista jew it-tħaddim ta' networks ([6]) li jipprovdu servizz lil pubbliku fil-qasam ta' trasport bil-ferrovija urbana, b'sistemi awtomatizzati, bit-trammijiet, bit-trolley bus, bil-karozza tal-linja jew bil-kejbil.

NOTI GĦAT-TAQSIMA C

1. Il-kuntratti mogħtijin għat-twettiq ta' attività elenkata fis-subparagrafi 2(a) sa 2(e) ta' din it-Taqsima ma jkunux koperti mill-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) jekk l-attività tkun skoperta għall-kompetizzjoni fis-suq ikkonċernat.

2. Il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) ma japplikax għal kuntratti mogħtijin mill-entitajiet tal-akkwist koperti taħt din it-Taqsima:

(a) għax-xiri tal-ilma u għall-provvista ta' enerġija jew ta' fjuwils għall-produzzjoni tal-enerġija;

(b) għal finijiet għajr it-twettiq tal-attivitajiet tagħhom kif elenkati fis-subparagrafi 2(a) sa 2(e) ta' din it-Taqsima jew għat-twettiq ta' tali attivitajiet f'pajjiż barra miż-Żona Ekonomika Ewropea; jew

(c) għal finijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew ta' kiri lill-partijiet terzi, iżda l-entità tal-akkwist ma tgawdi l-ebda dritt speċjali jew esklużiv sabiex tbigħ jew tikri s-suġġett ta' kuntratti bħal dawn u entitajiet oħrajn ikunu ħielsa li jbigħuh jew jikruh taħt l-istess kundizzjonijiet tal-entità tal-akkwist.

3. Il-provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb jew ta' elettriku għal networks li jipprovdu servizz lill-pubbliku minn entità tal-akkwist li ma tkunx awtorità kontraenti ma għandhiex titqies bħala attività skont it-tifsira tan-Nota 2(a) jew 2(b) jekk:

(a) il-produzzjoni tal-ilma tax-xorb jew tal-elettriku mill-entità kkonċernata issir minħabba li l-konsum tiegħu huwa neċessarju għat-twettiq ta' attività barra dik elenkata fis-subparagrafi 2(a) sa 2(e) ta' din it-Taqsima; u

(b) il-provvista lin-network pubbliku tiddependi biss mill-konsum tal-entità stess u ma tkunx qabżet it-30 % tal-produzzjoni totali tal-entità tal-ilma tajjeb għax-xorb jew tal-enerġija, b'kunsiderazzjoni tal-medja tat-3 snin ta' qabel, li jinkludu s-sena kurrenti.

([6]) Fir-rigward ta' servizzi ta' trasport, network jitqies li jeżisti meta s-servizz provvdut ikun skont kundizzjonijiet operazzjonali stabbiliti minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, bħall-kundizzjonijiet fir-rotot li jridu jiġu moqdijin, il-kapaċità li jsiru disponibbli jew il-frekwenza tas-servizz.

4. Diment li tal-anqas 80 % tal-fatturat medju tal-intrapriża affiljata, fir-rigward tas-servizzi jew tal-provvisti għat-3 snin preċedenti, jirriżulta rispettivament mill-provvista ta' dawn is-servizzi jew il-provvisti lil intrapriżi li magħhom hija affiljata ([7]), il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) ma japplikax għall-kuntratti ta' servizz jew ta' provvista mogħtijin:

(a) minn entità tal-akkwist lil intrapriża affiljata ([8]); jew

(b) minn impriża konġunta, ifformata esklużivament minn numru ta' entitajiet tal-akkwist bil-għan li jwettqu attivitajiet skont it-tifsira tas-subparagrafi 2(a) sa 2(e) ta' din it-Taqsima, lil intrapriża li hija affiljata ma' waħda minn dawn l-entitajiet tal-akkwist.

5. Diment li l-impriża konġunta tkun ġiet stabbilita sabiex twettaq l-attività kkonċernata fuq perjodu ta' mill-anqas 3 snin u l-istrument li jistabbilixxi l-impriża konġunta jistipula li l-entitajiet tal-akkwist li jifformawha, se jkunu parti minnha għal tal-anqas l-istess perjodu, il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) ma japplikax għal kuntratti mogħtijin:

(a) minn impriża konġunta, ifformata esklużivament minn numru ta' entitajiet tal-akkwist bil-għan li jwettqu attivitajiet elenkati fis-subparagrafi 2(a) sa 2(e) ta' din it-Taqsima, lil waħda minn dawn l-entitajiet tal-akkwist; jew

(b) minn entità tal-akkwist lil tali impriża konġunta li tifforma parti minnha.

TAQSIMA D

OĠĠETTI

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness u soġġett għan-Noti Ġenerali fit-Taqsima H, il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) ikopri l-akkwist tal-oġġetti kollha akkwistati mill-entitajiet tal-akkwist speċifikati fit-Taqsimiet A sa C.

2. Minkejja l-paragrafu 1, għall-oġġetti akkwistati mill-Ministeri għad-Difiża u mill-Aġenziji għall-attivitajiet tad-difiża jew tas-sigurtà fil-Belġju, fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja, fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza, fil-Kroazja, fl-Italja, f'Ċipru, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Lussemburgu, fl-Ungerija, f'Malta, fin-Netherlands, fl-Awstrija, fil-Polonja, fil-Portugall, fir-Rumanija, fis-Slovenja, fis-Slovakkja, fil-Finlandja u fl-Iżvezja, il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) ikopri biss l-oġġetti li huma deskritti fil-Kapitoli tan-Nomenklatura Magħquda speċifikati hawn taħt:

Kapitolu 25: Melħ; kubrit; materjali tal-art u ġebel; materjali tal-kisi, ġir u siment

Kapitolu 26: Minerali, gagazza u rmied

([7]) Meta, minħabba d-data li fiha impriża affiljata nħolqot jew bdiet l-attivitajiet, il-fatturat ma jkunx disponibbli għat-3 snin preċedenti, ikun suffiċjenti għal dik l-impriża li turi li l-fatturat imsemmi f'din in-nota jkun kredibbli, partikolarment permezz tal-projezzjonijiet tan-negozju.

([8]) It-terminu "intrapriża affiljata" tfisser kwalunkwe impriża li l-kontijiet annwali tagħha huma konsolidati ma' dawk tal-entità tal-akkwist f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU UE L 182, 29.6.2013, p. 19), jew fil-każ ta' entitajiet mhux soġġetti għal dik id-Direttiva, kwalunkwe intrapriża li fuqha l-entità tal-akkwist tista' teżerċita, direttament jew indirettament, influwenza dominanti, jew li tista' teżerċita influwenza dominanti fuq l-entità tal-akkwist, jew li, b'mod komuni mal-entità tal-akkwist, tkun soġġetta għall-influwenza dominanti ta' intrapriża oħra bis-saħħa tas-sjieda, tal-parteċipazzjoni finanzjarja, jew tar-regoli li jirregolawha.

Kapitolu 27: Fjuwils minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali

ħlief:

ex 27.10: fjuwils speċjali tal-magni

Kapitolu 28: Sustanzi kimiċi inorganiċi; komposti organiċi u inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' metalli tal-materjali tal-art rari, ta' elementi radjuattivi jew ta' isotopi

ħlief:

ex 2808: splussivi

ex 2813: splussivi

ex 2814: gass tad-dmugħ

ex 2825: splussivi

ex 2829: splussivi

ex 2834: splussivi

ex 2844: prodotti tossiċi

ex 2845: prodotti tossiċi

ex 2847: splussivi

ex 2852: prodotti tossiċi

ex 2853: prodotti tossiċi

Kapitolu 29: Sustanzi kimiċi organiċi

ħlief:

ex 2904: splussivi

ex 2905: splussivi

ex 2908: splussivi

ex 2909: splussivi

ex 2912: splussivi

ex 2913: splussivi

ex 2914: prodotti tossiċi

ex 2915: prodotti tossiċi

ex 2916: prodotti tossiċi

ex 2920: prodotti tossiċi

ex 2921: prodotti tossiċi

ex 2922: prodotti tossiċi

ex 2933: splussivi

ex 2926: prodotti tossiċi

ex 2928: splussivi

Kapitolu 30: Prodotti farmaċewtiċi

Kapitolu 31: Fertilizzanti

Kapitolu 32: Estratti għall-konzar jew għaż-żebgħa; konzaturi u derivattivi tagħhom; żebgħa, pigmenti u sustanza kuluranti oħra; żebgħa u verniċi, stokk u mastiċi oħrajn; linka

Kapitolu 33: Żjut essenzjali u sustanzi tar-raża, fwejjaħ, kosmetiċi jew taħlitiet ta' oġġetti għall-kura tal-persuna

Kapitolu 34: Sapun, aġenti tensjoattivi organiċi, preparazzjonijiet tal-ħasil, preparazzjonijiet lubrikanti, xemgħa artifiċjali, xemgħa ppreparata, preparazzjonijiet għall-illustrar u għall-għorik, xemgħat u oġġetti simili, pasti għall-immudellar, "xemgħa dentali" u preparazzjonijiet dentali b'bażi tal-ġibs

Kapitolu 35: Sustanzi albuminojdali; lamti modifikati; kolla; enzimi

Kapitolu 37: Oġġetti tal-fotografija u taċ-ċinematografija

Kapitolu 38: Prodotti kimiċi varji

ħlief:

ex 3824: prodotti tossiċi

Kapitolu 39: Plastik u oġġetti tiegħu

ħlief:

ex 3912: splussivi

Kapitolu 40: Gomma u oġġetti tagħha

ħlief:

ex 4011: tajers li huma bullet-proof

Kapitolu 41: Ġlud mhux maħdumin u ġlud (minbarra ferijiet) u ġilda

Kapitolu 42: Oġġetti tal-ġilda; oġġetti tas-sarġ u tax-xedd; oġġetti għas-safar, handbags u kontenituri simili; oġġetti tal-korda tal-musrana (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir)

Kapitolu 43: Ġild tal-fer u fer artifiċjali; il-manifattura tagħhom

Kapitolu 44: Injam u oġġetti tal-injam; karbonju tal-injam

Kapitolu 45: Sufra u oġġetti magħmulin mis-sufra

Kapitolu 46: Manifatturi ta' tiben, ta' spartu jew ta' materjali oħrajn tat-trizza; xogħol tal-qfief u xogħol tal-qasab

Kapitolu 47: Polpa tal-injam jew ta' materjal ieħor ċellulożiku fibruż; (skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat

Kapitolu 48: Karta u kartun; oġġetti ta' polpa tal-karta, tal-karta jew tal-kartun

Kapitolu 49: Kotba stampati, gazzetti, stampi u prodotti oħrajn tal-industrija tal-istampar; manuskritti, testi ttajpjati u pjanti

Kapitolu 65: Armar tar-ras u partijiet tagħhom

Kapitolu 66: Umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten tal-mixi, bsaten-siġġu, swat, frosti u partijiet minnhom

Kapitolu 67: Rix u l-ewwel rix (down) ippreparat u oġġetti magħmulin minn rix jew mill-ewwel rix; fjuri artifiċjali; oġġetti ta' xagħar uman

Kapitolu 68: Oġġetti tal-ġebel, ġibs, siment, asbestos, mika jew materjali simili

Kapitolu 69: Prodotti taċ-ċeramika

Kapitolu 70: Ħġieġ u oġġetti tal-ħġieġ

Kapitolu 71: Perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semiprezzjuż, metalli prezzjużi, metalli mlibbsa b'metall prezzjuż, u oġġetti magħmula minnhom; biġotterija; munita

Kapitolu 73: Oġġetti tal-ħadid jew tal-azzar

Kapitolu 74: Ram u oġġetti magħmula minnu

Kapitolu 75: Nikil u oġġetti magħmula minnu

Kapitolu 76: Aluminju u oġġetti magħmula minnu

Kapitolu 77: Manjeżju u berillju u oġġetti magħmula minnhom

Kapitolu 78: Ċomb u oġġetti magħmula minnu

Kapitolu 79: Żingu u oġġetti magħmula minnu

Kapitolu 80: Landa u oġġetti magħmula minnha

Kapitolu 81: Metalli bażiċi oħrajn; ċermiti; u l-oġġetti magħmula minnhom

Kapitolu 82: Għodod, tagħmir, pożati, mgħaref u frieket, ta' metall komuni; partijiet tagħhom tal-metall komuni

ħlief:

ex 8207: għodod tal-metall bażiku

ex 8209: għodod u partijiet tagħhom tal-metall komuni

Kapitolu 83: Oġġetti mixxellanji tal-metall komuni

Kapitolu 84: Reatturi nukleari, bojlers, makkinarju u strumenti mekkaniċi; partijiet tagħhom

ħlief:

8407: magni

8408: magni

ex 8411: magni oħrajn

ex 8412: magni oħrajn

ex 8458: makkinarju

ex 8486: makkinarju

ex 8471: magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-*data*

ex 8473: partijiet minn magni taħt l-intestatura Nru 8471

ex 8401: reatturi nukleari

Kapitolu 85: Makkinarju u tagħmir tal-elettriku u partijiet tagħhom; apparat li jirrekordja u jirriproduċi l-ħsejjes, apparat li jirrekordja u jirriproduċi immaġini u ħsejjes tat-televiżjoni, partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti

ħlief:

ex 8517: apparat tat-telekomunikazzjoni

ex 8525: apparat ta' trażmissjoni

ex 8527: apparat ta' trażmissjoni

Kapitolu 86: Lokomotivi tal-ferrovija u tat-tramm, materjal fuq ir-roti u partijiet tagħhom; tagħmir u armar u bċejjeċ tagħhom għal-linji ta' ferroviji jew ta' tramm, tagħmir ta' sinjalar tat-traffiku mekkaniku (inkluż elettro-mekkaniku) ta' kull tip

ħlief:

ex 8601: lokomotivi armati, tal-elettriku

ex 8603: lokomotivi armati oħrajn

ex 8605: vaguni

ex 8604: vaguni tat-tiswija

Kapitolu 87: Vetturi, minbarra vaguni tal-ferrovija jew tat-tramm, u partijiet u aċċessorji tagħhom

ħlief:

8710: tankijiet u vetturi armati oħrajn

8701: tratturi

ex 8702: vetturi militari

ex 8705: trakkijiet tal-irmunkar

ex 8711: muturi

ex 8716: trejlers

Kapitolu 89: Bastimenti, dgħajjes u strutturi galleġġanti

ħlief:

ex 8906: vapuri tal-gwerra

Kapitolu 90: Strumenti u apparat ottiċi, fotografiċi, ċinematografiċi, għall-kejl, għall-kontroll, għall-preċiżjoni u li jintużaw fil-mediċina u fil-kirurġija u partijiet tagħhom

ħlief:

ex 9005: trombi

ex 9013: strumenti mixxellanji, lasers

ex 9014: telemetri

ex 9028: strumenti elettriċi u elettroniċi għall-kejl

ex 9030: strumenti elettriċi u elettroniċi għall-kejl

ex 9031: strumenti elettriċi u elettroniċi għall-kejl

ex 9012: mikroskopji

ex 9018: strumenti mediċi

ex 9019: apparat tat-terapija mekkanika

ex 9021: tagħmir tal-ortopedija

ex 9022: apparat tar-raġġi X

Kapitolu 91: Arloġġi u arloġġi tal-idejn jew tal-but u bċejjeċ tagħhom

Kapitolu 92: Strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti

Kapitolu 94: Għamara; oġġetti għas-sodda, saqqijiet, sostenn tas-saqqijiet, imħaded u oġġetti mimlija simili; lampi u tagħmir tad-dawl, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; sinjali mdawlin, pjanċi tal-ismijiet imdawlin u bħalhom; bini prefabbrikat

ħlief:

ex 9401: sits tal-inġenji tal-ajru

Kapitolu 95: Oġġetti u manifatturi ta' materjal ta' skultura jew immudellar

Kapitolu 96: Oġġetti manifatturati mixxellanji

TAQSIMA E

SERVIZZI

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness u soġġett għan-Noti għal din it-Taqsima u għan-Noti Ġenerali fit-Taqsima H, il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) ikopri fir-rigward tal-akkwist mill-entitajiet tal-akkwist speċifikati fit-Taqsimiet A sa C is-servizzi li ġejjin, identifikati f'konformità mal-Klassifikazzjoni Ċentrali Provviżorja tal-Prodotti (CPC) tan-Nazzjonijiet Uniti, kif tinsab fid-dokument MTN.GNS/W/120:

Servizzi	Nru ta' referenza tas-CPC
Servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija	6112, 6122, 633, 886
Servizzi ta' trasport fuq l-art, inkluż servizzi ta' vetturi korazzati, u servizzi ta' kurrier, ħlief it-trasport tal-posta	712 (ħlief 71235), 7512, 87304
Servizzi ta' trasport bl-ajru ta' passiġġieri u ta' merkanzija, bl-esklużjoni tat-trasport tal-posta	73 (ħlief 7321)
Il-ġarr tal-posta fuq l-art, minbarra bil-ferrovija, u bl-ajru	71235, 7321
Servizzi tat-telekomunikazzjoni	752
Servizzi finanzjarji	ex 81
(a) Servizzi tal-assigurazzjoni	812, 814
(b) Servizzi tal-banek u ta' investiment	
Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati	84
Servizzi kontabilistiċi, tal-awditjar u ta' żamma tal-kotba	862
Servizzi ta' riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni pubblika	864
Servizzi ta' konsulenza fl-amministrazzjoni u servizzi relatati	865, 866

Servizzi	Nru ta' referenza tas-CPC
Servizzi arkitettoniċi; servizzi tal-inġinerija u servizzi tal-inġinerija integrata, tippjanar f'żoni urbani u servizzi arkitettoniċi fil-qasam ta' landscaping; servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika; servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi	867
Servizzi ta' reklamar	871
Servizzi ta' tindif tal-bini u servizzi ta' ġestjoni tal-proprjetajiet	874, 82201 sa 82206
Servizzi ta' pubblikazzjoni u ta' stampar fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt	88442
Servizzi tad-drenaġġ u ta' tneħħija ta' skart, ta' sanità u servizzi simili	94

NOTI GĦAT-TAQSIMA E

1. L-akkwist mill-entitajiet tal-akkwist speċifikati fit-Taqsimiet A sa C ta' kwalunkwe servizz kopert taħt din it-Taqsima huwa akkwist kopert fir-rigward tal-fornitur ta' servizz tal-Messiku biss sal-punt li l-Messiku jkun kopra dak is-servizz skont it-Taqsima E (Servizzi) tal-Anness 21-B (Akkwist Kopert għall-Messiku).

2. Il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) ma japplikax għal servizzi li l-entitajiet iridu jixtru mingħand entità oħra skont dritt esklużiv stabbilit b'liġi, b'regolament, jew b'dispożizzjoni amministrattiva ppubblikata.

3. Fir-rigward tas-servizzi bankarji u ta' investiment, il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) ma japplikax għall-akkwist jew għall-akkwiżizzjoni ta' aġenzija fiskali jew ta' servizzi depożitarji, ta' servizzi ta' likwidazzjoni u ta' ġestjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji regolati jew ta' servizzi relatati mal-bejgħ, mal-ammortizzament u mad-distribuzzjoni ta' dejn pubbliku, inklużi self u bonds governattivi, noti u titoli oħrajn. Fl-Iżvezja, il-pagamenti lil u minn aġenziji tal-gvern iridu jgħaddu mis-Sistema Żvediża tal-Postal Giro (Postgiro).

4. Fir-rigward tas-servizzi koperti mis-CPC 866, il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) ma japplikax għas-servizzi ta' arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni.

TAQSIMA F

SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI

1. Għal-finijiet ta' dan l-Anness, "kuntratt għas-servizzi ta' kostruzzjoni" tfisser kuntratt li l-objettiv tiegħu huwa t-twettiq bi kwalunkwe mezz possibbli tax-xogħlijiet ta' bini jew dawk ċivili, fis-sens mogħti tad-Diviżjoni 51 tas-CPC.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness u soġġett għan-Noti Ġenerali fit-Taqsima H, il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) ikopri s-servizzi ta' kostruzzjoni kollha akkwistati mill-entitajiet tal-akkwist speċifikati fit-Taqsimiet A sa C, li huma elenkati fid-Diviżjoni 51 tas-CPC.

TAQSIMA G

KONĊESSJONIJIET GĦAX-XOGĦLIJIET

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "konċessjoni ta' xogħlijiet" tfisser kuntratt għal interess pekunarju konkluż bil-miktub li permezz tiegħu l-entitajiet tal-akkwist jafdaw l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar li l-korrispettiv għalih jikkonsisti jew biss fid-dritt li jisfruttaw ix-xogħlijiet li huma s-suġġett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien mal-pagament. L-għoti ta' konċessjoni ta' xogħlijiet għandu jinvolvi t-trasferiment lill-operaturi ekonomiċi ta' riskju operazzjonali fl-isfruttament ta' dawk ix-xogħlijiet li jinkludu riskju ta' domanda jew ta' provvista jew it-tnejn. L-irkupru tal-investimenti magħmulin jew tal-kostijiet imġarrbin fl-operat tax-xogħlijiet ma għandux jiġi ggarantit.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness u soġġett għan-Noti għal din it-Taqsima u għan-Noti Ġenerali fit-Taqsima H, id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) japplikaw għal konċessjonijiet ta' xogħlijiet mogħtijin mill-entitajiet tal-akkwist elenkati fit-Taqsima A:

(a) l-Artikolu 21.1 (Definizzjonijiet);

(b) l-Artikolu 21.2 (Kamp ta' Applikazzjoni u Kopertura), ħlief il-paragrafi 7 u 8;

(c) l-Artikolu 21.3 (Eċċezzjonijiet tas-Sigurtà u Ġenerali);

(d) l-Artikolu 21.4 (Prinċipji Ġenerali), ħlief il-paragrafu 4;

(e) l-Artikolu 21.5 (Informazzjoni dwar is-Sistema ta' Akkwist);

(f) l-Artikolu 21.6 (Avviżi), ħlief is-subparagrafi 2(c) u 2(e) u l-paragrafi 4 u 5;

(g) l-Artikolu 21.7 (Kundizzjonijiet għall-Parteċipazzjoni);

(h) l-Artikolu 21.9 (Speċifikazzjonijiet Tekniċi u Fajl tal-Offerta);

(i) il-paragrafu 1 tal-Artikolu 21.10 (Perjodi ta' Żmien);

(j) is-subparagrafi 1(a) sa 1(c) tal-Artikolu 21.12 (Offerti Limitati); u

(k) l-Artikoli 21.14 (Trattament tal-Offerti u Għoti ta' Kuntratti) sa 21.19 (Is-Sottokumitat dwar l-Akkwist Pubbliku).

NOTI GĦAT-TAQSIMA G

Il-konċessjonijiet ta' xogħlijiet koperti minn din it-Taqsima huma soġġetti għall-eżenzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]).

([9]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni Test b'relevanza għaż-ŻEE (ĠU UE L 94, 28.3.2014, p. 1).

TAQSIMA H

NOTI ĠENERALI U DEROGI

1. Il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) ma jkoprix:

(a) l-akkwist ta' prodotti agrikoli li jsiru sabiex jiġu elaborati programmi ta' sostenn agrikolu u programmi ta' provvista ta' ikel għall-bnedmin, bħal għajnuna alimentari inkluża dik umanitarja ta' emerġenza;

(b) l-akkwist għall-akkwiżizzjoni, għall-iżvilupp, għall-produzzjoni jew għall-koproduzzjoni ta' materjal ta' programmi minn xandara u kuntratti għal ħin ta' xandir;

(c) l-akkwist mill-entitajiet tal-akkwist speċifikati fit-Taqsimiet A u B b'rabta mal-attivitajiet fl-oqsma tal-ilma tajjeb għax-xorb, tal-enerġija, tat-trasport u tas-settur postali, sakemm ma jkunux koperti mit-Taqsima C u soġġetti għal-limiti tal-valur li japplikaw għalihom;

(d) ix-xiri ta' oġġetti u ta' servizzi minn entità koperta permezz tad-dipartimenti jew l-entitajiet tagħha stess; u

(e) l-akkwist magħmul minn entità koperta waħda minn entità oħra sakemm l-entità koperta teżerċita kontroll fuq l-entità l-oħra simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess.

2. Fir-rigward tal-Gżejjer Åland, japplikaw il-kundizzjonijiet speċjali tal-Protokoll Nru 2 dwar il-Gżejjer Åland għat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Finlandja mal-Unjoni Ewropea.

TAQSIMA I

INFORMAZZJONI DWAR L-AKKWIST

A. PUBBLIKAZZJONI TA' MIŻURI ĠENERALI DWAR L-AKKWIST

Il-lista li ġejja tistabbilixxi l-mezz elettroniku jew stampat użat mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha għall-pubblikazzjoni ta' liġijiet, ta' regolamenti, ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, ta' deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali, ta' klawżoli u ta' proċeduri standard ta' kuntratt imsemmijin fl-Artikolu 21.5 (Informazzjoni dwar is-Sistema ta' Akkwist), fir-rigward tal-akkwist pubbliku kopert mill-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku).

1. FIL-LIVELL TAL-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni dwar is-sistema tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni Ewropea:

(a) https://ted.europa.eu

(b) *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

2. STATI MEMBRI

IL-BELĠJU

(a) Liġijiet, regolamenti rjali, regolamenti ministerjali, ċirkulari ministerjali:

le Moniteur Belge

(b) Ġurisprudenza:

Pasicrisie

IL-BULGARIJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Държавен вестник (Il-Gazzetta tal-Gvern)

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

http://www.sac.government.bg

(c) Deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali u ta' kwalunkwe proċedura:

http://www.aop.bg

http://www.cpc.bg

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Il-Ġabra tal-Liġijiet tar-Repubblika Ċeka

(b) Deċiżjonijiet tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni:

Il-Ġabra tad-Deċiżjonijiet tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni

ID-DANIMARKA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Lovtidende

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Ugeskrift for Retsvaesen

(c) Deċiżjonijiet u proċeduri amministrattivi:

Ministerialtidende

(d) Deċiżjonijiet mill-Bord Daniż tal-Ilmenti għall-Akkwist Pubbliku:

Kendelser fra Klagenævnet for Udbud

IL-ĠERMANJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Bundesgesetzblatt

Bundesanzeiger

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Entscheidungssammlungen des: Bundesverfassungsgerichts; Bundesgerichtshofs;

Bundesverwaltungsgerichts; Bundesfinanzhofs; sowie der Oberlandesgerichte

L-ESTONJA

(a) Liġijiet, regolamenti u deċiżjonijiet ammnistrattivi ta' applikazzjoni ġenerali:

Riigi Teataja - http://www.riigiteataja.ee

(b) Proċeduri rigward l-akkwist pubbliku:

https://riigihanked.riik.ee

L-IRLANDA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Iris Oifigiuil (Il-Gazzetta Uffiċjali tal-Gvern Irlandiż)

IL-GREĊJA

Εφημερίδα της Κυβερνήσεως της Ελληνικής Δημοκρατίας (Il-Gazzetta tal-Gvern tal-Greċja)

SPANJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Boletín Oficial del Estado

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Ebda pubblikazzjoni uffiċjali

FRANZA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Journal Officiel de la République française

(b) Ġurisprudenza:

Recueil des arrêts du Conseil d'État

Revue des marchés publics

IL-KROAZJA

Narodne novine – http://www.nn.hr

L-ITALJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Gazzetta Ufficiale

(b) Ġurisprudenza:

Ebda pubblikazzjoni uffiċjali

ĊIPRU

(a) Liġijiet u regolamenti:

Επίσημη Εφημερίδα της Δημοκρατίας (Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika)

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Αποφάσεις Ανωτάτου Δικαστηρίου 1999 – Τυπογραφείο της Δημοκρατίας (Deċiżjonijiet tal-Qorti Għolja Suprema – Stamperija)

IL-LATVJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Latvijas vēstnesis (Il-Gazzetta Uffiċjali)

IL-LITWANJA

(a) Liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi:

Teisės aktų registras (Ir-Reġistru tal-Atti Legali)

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji, ġurisprudenza:

Il-Bullettin tal-Qorti Suprema tal-Litwanja "Teismų praktika"

Il-Bullettin tal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja "Administracinių teismų praktika"

IL-LUSSEMBURGU

(a) Liġijiet u regolamenti:

Memorial

(b) Ġurisprudenza:

Pasicrisie

L-UNGERIJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Magyar Közlöny (Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Ungerija)

(b) Ġurisprudenza:

Közbeszerzési Értesítő – a Közbeszerzések Tanácsa Hivatalos Lapja (Il-Bullettin dwar l-Akkwist Pubbliku – Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Kunsill tal-Akkwist Pubbliku)

MALTA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Il-Gazzetta tal-Gvern

IN-NETHERLANDS

(a) Liġijiet u regolamenti:

Nederlandse Staatscourant or Staatsblad

(b) Ġurisprudenza:

Ebda pubblikazzjoni uffiċjali

L-AWSTRIJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Österreichisches Bundesgesetzblatt

Amtsblatt zur Wiener Zeitung

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Entscheidungen des Verfassungsgerichtshofes, Verwaltungsgerichtshofes, Obersten Gerichtshofes, der Oberlandesgerichte, des Bundesverwaltungsgerichtes und der Landesverwaltungsgerichte – http://ris.bka.gv.at/Judikatur/

IL-POLONJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Dziennik Ustaw Rzeczypospolitej Polskiej (Il-Ġurnal tal-Liġijiet — Ir-Repubblika tal-Polonja)

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji, ġurisprudenza:

"Zamówienia publiczne w orzecznictwie. Wybrane orzeczenia zespołu arbitrów i Sądu Okręgowego w Warszawie" (Il-ġabra tas-sentenzi ta' panels ta' arbitraġġ u tal-Qorti Reġjonali f'Varżavja)

IL-PORTUGALL

(a) Liġijiet u regolamenti:

Diário da República Portuguesa 1a Série A e 2a série

(b) Pubblikazzjonijiet Ġudizzjarji:

Boletim do Ministério da Justiça

Colectânea de Acordos do Supremo Tribunal Administrativo

Colectânea de Jurisprudencia Das Relações

IR-RUMANIJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Monitorul Oficial al României (Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija)

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji, deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali u kwalunkwe proċedura:

http://www.anrmap.ro

IS-SLOVENJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Ebda pubblikazzjoni uffiċjali

IS-SLOVAKKJA

(a) Liġijiet u regolamenti:

Zbierka zakonov (Il-Ġabra tal-Liġijiet)

(b) Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

Ebda pubblikazzjoni uffiċjali

IL-FINLANDJA

Suomen Säädöskokoelma - Finlands Författningssamling (Il-Ġabra tal-Istatuti tal-Finlandja)

L-IŻVEZJA

Svensk Författningssamling (Il-Kodiċi Żvediż tal-Istatuti)

B. PUBBLIKAZZJONI TA' AVVIŻI DWAR L-AKKWIST

Din il-parti tat-Taqsima I telenka l-mezz elettroniku jew stampat użat mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha għall-pubblikazzjoni ta' avviżi skont l-Artikolu 21.5 (Informazzjoni dwar is-Sistema ta' Akkwist) li huma meħtieġa mill-Artikolu 21.6 (Avviżi), mill-paragrafu 7 tal-Artikolu 21.8 (Kwalifika tal-Forniturі) u mill-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.15 (Trasparenza tal-Informazzjoni dwar l-Akkwist).

1. L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA

L-avviżi kollha dwar l-akkwist tal-entitajiet tal-akkwist tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha koperti mit-Taqsimiet A, B u C huma ppubblikati fis-Suppliment għal Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u l-verżjoni elettronika tiegħu TED (tenders electronic daily), https://ted.europa.eu.

2. PUBBLIKAZZJONIJIET ADDIZZJONALI FI STATI MEMBRI speċifiċi

Minbarra l-pubblikazzjoni fil-mezz elettroniku jew stampat imsemmi fil-punt 1, l-Istati Membri jipprovdu għal pubblikazzjonijiet ta' avviżi ta' akkwist fil-media elenkata.

IL-BELĠJU

(a) Le Bulletin des Adjudications

(b) Pubblikazzjonijiet oħrajn fl-istampa speċjalizzata

IL-BULGARIJA

(a) Държавен вестник (Il-Gazzetta tal-Gvern) – http://dv.parliament.bg

(b) Ir-Reġistru tal-Akkwist Pubbliku – http://www.aop.bg

L-IRLANDA

Gazzetti ta' Kuljum: "Irish Independent", "Irish Times", "Irish Press", "Cork Examiner"

IL-GREĊJA

Pubblikazzjonijiet fl-istampa ta' kuljum, finanzjarja, reġjonali u speċjalizzatata

FRANZA

Bulletin officiel des annonces des marchés publics

IL-KROAZJA

Elektronički oglasnik javne nabave Republike Hrvatske (Il-Ġurnal Elettroniku tar-Reklami tal-Akkwist Pubbliku tar-Repubblika tal-Kroazja)

ĊIPRU

(a) Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika

(b) Gazzetti Lokali ta' Kuljum

IL-LATVJA

Latvijas vēstnesis (Il-Gazzetta uffiċjali)

IL-LITWANJA

(a) Centrinė viešųjų pirkimų informacinė sistema (Portal Ċentrali tal-Akkwist Pubbliku)

(b) Is-Suppliment Informattiv "Informaciniai pranešimai" mal-Gazzetta Uffiċjali ("Valstybės žinios") tar-Repubblika tal-Litwanja

IL-LUSSEMBURGU

Gazzetti ta' Kuljum

L-UNGERIJA

Közbeszerzési Értesítő - a Közbeszerzések Tanácsa Hivatalos Lapja (Il-Bullettin dwar l-Akkwist Pubbliku - Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Kunsill tal-Akkwist Pubbliku)

MALTA

Il-Gazzetta tal-Gvern

L-AWSTRIJA

Amtsblatt zur Wiener Zeitung

IL-POLONJA

Biuletyn Zamówień Publicznych (Il-Bulettin dwar l-Akkwist Pubbliku)

IR-RUMANIJA

(a) Monitorul Oficial al României (Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija)

(b) Sistema Elettronika għall-Akkwist Pubbliku – http://www.e-licitatie.ro

IS-SLOVENJA

Portal javnih naročil - http://www.enarocanje.si/?podrocje=portal

IS-SLOVAKKJA

Vestnik verejneho obstaravania (Il-Ġurnal tal-Akkwisti Pubbliċi)

IL-FINLANDJA

Julkiset hankinnat Suomessa ja ETA-alueella, Virallisen lehden liite (L-Akkwist Pubbliku fil-Finlandja u fiż-żona ŻEE, Suppliment mal-Gazzetta Uffiċjali tal-Finlandja)

ANNESS 21-B

AKKWIST KOPERT TAL-MESSIKU

TAQSIMA A

ENTITAJIET TAL-GVERN ĊENTRALI

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness, u soġġett għan-Noti għal din it-Taqsima u għan-Noti Ġenerali fit-Taqsima H, il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) japplika għall-entitajiet tal-akkwist tal-Messiku elenkati f'din it-Taqsima, jekk il-valur tal-provvisti jkun daqs jew jaqbeż il-limiti li ġejjin:

(a) USD 79 507 għall-oġġetti u għas-servizzi speċifikati fit-Taqsimiet D u E; u

(b) USD 10 335 931 għas-servizzi ta' kostruzzjoni u għall-proġetti ta' sħubija pubblika-privata speċifikati fit-Taqsimiet F u G.

2. Il-limiti stabbiliti fil-paragrafu 1 huma għall-2018 u soġġetti għal aġġustament għall-inflazzjoni f'konformità mal-paragrafu 16 tat-Taqsima H (Noti Ġenerali).

LISTA TA' ENTITAJIET

1. Secretaría de Agricultura, Ganadería, Desarrollo Rural, Pesca y Alimentación (Il-Ministeru għall-Agrikoltura, il-Bhejjem tat-Trobbija, l-Iżvilupp Rurali, is-Sajd u l-Għalf), inklużi:

   (a) Agencia de Servicios a la Comercialización y Desarrollo de Mercados Agropecuarios (Is-Servizzi ta' Appoġġ għall-Kummerċjalizzazzjoni Agrikola);

   (b) Comisión Nacional de Acuacultura y Pesca (Il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Akkwakultura u tas-Sajd);

   (c) Instituto Nacional de Investigaciones Forestales, Agrícolas y Pecuarias (L-Istitut Nazzjonali għar-Riċerka dwar il-Forestrija, l-Agrikoltura u l-Frat);

   (d) Instituto Nacional de Pesca (L-Istitut Nazzjonali tas-Sajd);

   (e) Servicio de Información y Estadistica Agroalimentaria y Pesquera (Is-Servizz ta' Informazzjoni u tal-Istatistika Agroalimentari u dwar is-Sajd);

   (f) Servicio Nacional de Inspección y Certificación de Semillas (Is-Servizz Nazzjonali għall-Ispezzjoni u għaċ-Ċertifikazzjoni taż-Żrieragħ);

   (g) Servicio Nacional de Sanidad, Inocuidad y Calidad Agroalimentaria (Is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, tal-Innokwu u tal-Kwalità Agroalimentari); u

   (h) Colegio Superior Agropecuario del Estado de Guerrero (L-Università Agrikola tal-Istat ta' Guerrero).

2. Secretaría de Comunicaciones y Transportes (Il-Ministeru għall-Komunikazzjoni u t-Trasport), inklużi:

   (a) Instituto Mexicano del Transporte (L-Istitut tat-Trasport tal-Messiku); u

   (b) Servicios a la Navegación en el Espacio Aéreo Mexicano (Is-Servizzi ta' Navigazzjoni għall-Ispazju tal-Ajru tal-Messiku).

3. Secretaría de Cultura (Il-Ministeru għall-Kultura), inklużi:

   (a) Instituto Nacional de Antropología e Historia (L-Istitut Nazzjonali tal-Antropoloġija u tal-Istorja);

   (b) Instituto Nacional de Bellas Artes y Literatura (L-Istitut Nazzjonali tal-Arti Fina u tal-Letteratura);

   (c) Instituto Nacional de Estudios Históricos de las Revoluciones de México (L-Istitut Nazzjonali tal-Istudji Storiċi tar-Rivoluzzjonijiet tal-Messiku);

   (d) Instituto Nacional del Derecho de Autor (L-Istitut Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Awtur); u

   (e) Radio Educación (Edukazzjoni bir-Radju).

4. Secretaría de la Defensa Nacional (Il-Ministeru għad-Difiża Nazzjonali).

5. Secretaría de Desarrollo Agrario, Territorial y Urbano (Il-Ministeru għall-Iżvilupp Agrarju, Territorjali u Urban), inklużi:

   (a) Procuraduría Agraria (L-Uffiċċju Agrarju tal-Avukat); u

   (b) Registro Agrario Nacional (Ir-Reġistru Agrarju Nazzjonali).

6. Secretaría de Desarrollo Social (Il-Ministeru għall-Iżvilupp Soċjali), inklużi:

   (a) Coordinación Nacional de PROSPERA (Il-Koordinazzjoni Nazzjonali PROSPERA);

   (b) Instituto Nacional de Desarrollo Social (L-Istitut Nazzjonali għall-Iżvilupp Soċjali); u

   (c) Instituto Nacional de la Economía Social (L-Istitut Nazzjonali tal-Ekonomija Soċjali).

7. Secretaría de Economía (Il-Ministeru għall-Ekonomija), inklużi:

   (a) Comisión Federal de Mejora Regulatoria (Il-Kummissjoni Federali tat-Titjib Regolatorju); u

   (b) Instituto Nacional del Emprendedor (L-Istitut Nazzjonali tal-Imprendituri).

8. Secretaría de Educación Pública (Il-Ministeru għall-Edukazzjoni Pubblika), inklużi:

   (a) Administración Federal de Servicios Educativos en el Distrito Federal (L-Amministrazzjoni Federali tas-Servizzi Edukattivi fid-Distrett Federali);

   (b) Comisión Nacional de Cultura Física y Deporte (Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Kultura Fiżika u għall-Isport);

(c) Comisión de Apelación y Arbitraje del Deporte (Il-Kummissjoni għall-Appell u għall-Arbitraġġ Sportivi);

(d) Instituto Politécnico Nacional (L-Istitut Politekniku Nazzjonali);

(e) Universidad Pedagógica Nacional (L-Università Pedagoġika Nazzjonali);

(f) Universidad Abierta y a Distancia de México (L-Edukazzjoni Miftuħa u mill-Bogħod tal-Messiku);

(g) Coordinación Nacional del Servicio Profesional Docente (Il-Koordinazzjoni Nazzjonali tas-Servizz tat-Tagħlim Professjonali);

(h) Coordinación General @prende.mx (Il-Koordinazzjoni Ġenerali @prende.mx); u

(i) Tecnológico Nacional de México (L-Istitut Nazzjonali tat-Teknoloġija tal-Messiku).

9. Secretaría de Energía (Il-Ministeru għall-Enerġija), inklużi:

(a) Comisión Nacional de Seguridad Nuclear y Salvaguardias (Il-Kummissjoni Nazzjonali dwar is-Sikurezza u s-Salvagwardji Nukleari); u

(b) Comisión Nacional para el Uso Eficiente de la Energía (Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Enerġija).

10. Secretaría de la Función Pública (Il-Ministeru għall-Amministrazzjoni Pubblika).

11. Secretaría de Gobernación (Il-Ministeru għall-Gvern), inklużi:

(a) Archivo General de la Nación (L-Arkivji Ġenerali tan-Nazzjon);

(b) Centro Nacional de Prevención de Desastres (Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Prevenzjoni tad-Diżastri);

(c) Centro de Producción de Programas Informativos y Especiales (Iċ-Ċentru tal-Produzzjoni għall-Programmi Informattivi u Speċjali);

(d) Comisión Nacional para Prevenir y Erradicar la Violencia contra las Mujeres (Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Prevenzjoni u għall-Qerda tal-Vjolenza Kontra n-Nisa);

(e) Coordinación General de la Comisión Mexicana de Ayuda a Refugiados (Il-Koordinazzjoni Ġenerali tal-Kummissjoni tal-Messiku dwar l-Assistenza għar-Refuġjati);

(f) Coordinación para la Atención Integral de la Migración en la Frontera Sur (Il-Koordinazzjoni għall-Attenzjoni Integrali għall-Migrazzjoni fil-Fruntiera tan-Nofsinhar);

(g) Instituto Nacional de Migración (L-Istitut Nazzjonali tal-Migrazzjoni);

(h) Instituto Nacional para el Federalismo y el Desarrollo Municipal (L-Istitut Nazzjonali għall-Federaliżmu u għall-Iżvilupp Muniċipali);

(i) Policía Federal (Il-Pulizija Federali);

(j) Prevención y Readaptación Social (Il-Prevenzjoni u r-Riadattament Soċjali);

(k) Secretariado Ejecutivo del Sistema Nacional de Seguridad Pública (Is-Segretarjat Eżekuttiv tas-Sistema Nazzjonali tas-Sigurtà Pubblika);

(l) Secretaría General del Consejo Nacional de Población (Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Popolazzjoni);

(m) Secretaría Técnica de la Comisión Calificadora de Publicaciones y Revistas Ilustradas (Is-Segretarjat Tekniku tal-Kummissjoni li Teżamina għal Perjodiċi u għal Pubblikazzjonijiet bl-Illustrazzjonijiet); u

(n) Secretaría Técnica del Consejo de Coordinación para la Implementación del Sistema de Justicia Penal (Is-Segretarjat Tekniku tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni għall-Implimentazzjoni tas-Sistema tal-Ġustizzja Kriminali).

12. Secretaría de Hacienda y Crédito Público (Il-Ministeru għall-Finanzi u l-Kreditu Pubbliku), inkluż:

(a) Comisión Nacional Bancaria y de Valores (Il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Banek u tat-Titoli);

(b) Comisión Nacional de Seguros y Fianzas (Il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Assigurazzjoni u tal-Garanziji);

(c) Comisión Nacional del Sistema de Ahorro para el Retiro (Il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Sistema ta' Tfaddil għall-Irtirar);

(d) Servicio de Administración y Enajenación Bienes (L-Aġenzija għall-Ġestjoni u għad-Disponiment tal-Assi);

(e) Servicio de Administración Tributaria (Is-Servizz tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa); u

(f) Instituto de Administración y Avalúos de Bienes Nacionales (L-Istitut għall-Amministrazzjoni u għall-Valutazzjoni tal-Proprjetà Nazzjonali).

13. Secretaría de Marina (Il-Ministeru għall-Flotta Navali).

14. Secretaría de Medio Ambiente y Recursos Naturales (Il-Ministeru għall-Ambjent u r-Riżorsi Naturali), inkluż:

(a) Instituto Mexicano de Tecnología del Agua (L-Istitut tat-Teknoloġija tal-Ilma tal-Messiku);

(b) Comisión Nacional de Áreas Naturales Protegidas (Il-Kummissjoni Nazzjonali taż-Żoni Protetti Naturali);

(c) Procuraduría Federal de Protección al Medio Ambiente (L-Avukat Federali għall-Ħarsien tal-Ambjent);

(d) Comisión Nacional para el Conocimiento y Uso de la Biodiversidad (Il-Kummissjoni għall-Għarfien u għall-Użu tal-Bijodiversità); u

(e) Instituto Nacional de Ecología y Cambio Climático (L-Istitut Nazzjonali tal-Ekoloġija u tat-Tibdil fil-Klima).

15. Secretaría de Relaciones Exteriores (Il-Ministeru għar-Relazzjonijiet Barranin), inklużi:

(a) Agencia Mexicana de Cooperación Internacional para el Desarrollo (L-Aġenzija tal-Messiku għall-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Iżvilupp);

(b) Instituto de los Mexicanos en el Exterior (L-Istitut għall-Messikani Barra mill-Pajjiż); u

(c) Instituto Matías Romero (L-Istitut Matías Romero).

16. Secretaría de Salud (Il-Ministeru għas-Saħħa), inklużi:

(a) Administración del Patrimonio de la Beneficencia Pública (L-Amministrazzjoni tal-Fond għall-Karità Pubblika);

(b) Centro Nacional de Programas Preventivos y Control de Enfermedades (Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Prevenzjoni u għall-Kontroll tal-Mard);

(c) Centro Nacional de Trasplantes (Iċ-Ċentru Nazzjonali għat-Trapjanti);

(d) Centro Nacional de la Transfusión Sanguínea (Iċ-Ċentru Nazzjonali għat-Trasfużjoni tad-Demm);

(e) Centro Nacional para la Prevención y Control del VIH/SIDA (Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Prevenzjoni u għall-Kontroll tal-HIV/AIDS);

(f) Centro Nacional para la Salud de la Infancia y la Adolescencia (Iċ-Ċentru Nazzjonali għas-Saħħa tat-Tfal u tal-Adoloxxenza);

(g) Comisión Federal para la Protección contra Riesgos Sanitarios (Il-Kummissjoni Federali għall-Protezzjoni Kontra r-Riskji għas-Saħħa);

(h) Comisión Nacional de Arbitraje Médico (Il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Arbitraġġ Mediku);

(i) Instituto Nacional de Rehabilitación (L-Istitut Nazzjonali tar-Riabilitazzjoni);

(j) Laboratorios de Biológicos y Reactivos de México, S.A. de C.V. (Il-Laboratorji tal-Prodotti Bijoloġiċi u tar-Reaġenti tal-Messiku;

(k) Servicios de Atención Psiquiátrica (Is-Servizzi ta' Attenzjoni Psikjatrika);

(l) Coordinación General de los Institutos Nacionales de Salud (Il-Koordinazzjoni Ġenerali tal-Istituti Nazzjonali tas-Saħħa);

(m) Centro Nacional de Equidad de Género y Salud Reproductiva (Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u għas-Saħħa Riproduttiva);

(n) Centro Nacional de Excelencia Tecnológica en Salud (Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Eċċellenza fit-Teknoloġija tas-Saħħa);

(o) Centro Nacional para la Prevención y el Control de las Adicciones (Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Prevenzjoni u għall-Kontroll tal-Addizzjonijiet);

(p) Comisión Nacional de Bioética (Il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Bijoetika); u

(q) Comisión Nacional de Protección Social en Salud (Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni Soċjali fis-Saħħa).

17. Secretaría del Trabajo y Previsión Social (Il-Ministeru għax-Xogħol u l-Benesseri Soċjali), inkluż:

(a) Procuraduría Federal de la Defensa del Trabajo (L-Uffiċċju tal-Avukat Federali għad-Difiża tax-Xogħol);

(b) Las Delegaciones Federales del Trabajo (Id-Delegazzjonijiet Federali tax-Xogħol); u

(c) Comité Nacional Mixto de Protección al Salario (Il-Kumitat Konġunt Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pagi).

18. Secretaría de Turismo (Il-Ministeru għat-Turiżmu), inkluż:

(a) Corporación de Servicios al Turista Ángeles Verdes (Il-Korporazzjoni tas-Servizzi Turistiċi tal-Anġli Ħodor); u

(b) Instituto de Competitividad Turística (L-Istitut għall-Kompetittività tat-Turiżmu).

19. Procuraduría General de la República (L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tar-Repubblika).

20. Centro de Ingeniería y Desarrollo Industrial (Iċ-Ċentru tal-Inġinerija u tal-Iżvilupp Industrijali).

21. Comisión Nacional de Libros de Texto Gratuitos (Il-Kummissjoni nazzjonali tal-Kotba tal-Iskola Mingħajr Ħlas).

22. Comisión Nacional de las Zonas Áridas (Il-Kummissjoni Nazzjonali dwar iż-Żoni Aridi).

23. Consejo Nacional de Fomento Educativo (Il-Kunsill Nazzjonali għall-Iżvilupp Edukattiv).

24. Comisión Reguladora de Energía (Il-Kummissjoni Regolatorja tal-Enerġija).

NOTI GĦAT-TAQSIMA A

It-traduzzjoni tal-entitajiet elenkati f'din it-Taqsima hija pprovduta biss għall-fini ta' referenza u ma tikkostitwixxix traduzzjoni uffiċjali.

TAQSIMA B

ENTITAJIET TAL-GVERN SUBĊENTRALI

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fin-Noti għal din it-Taqsima u għat-Taqsima H (Noti Ġenerali), il-Kapitolu 21 (Akkwist Pubbliku) japplika għall-entitajiet tal-akkwist tal-Istati ta' Chihuahua, ta' Ciudad de México, ta' Colima, ta' Durango, ta' Estado de México, ta' Guanajuato, ta' Jalisco, ta' Morelos, ta' Nuevo León, ta' Puebla, ta' Querétaro, ta' San Luis Potosí, ta' Veracruz u ta' Zacatecas:

(a) fir-rigward tal-entitajiet tal-gvern subċentrali elenkati fis-Sublista 1 (Entitajiet tal-Gvern) ta' kull Stat, jekk il-valur tal-provvisti jkun daqs jew jaqbeż il-limiti li ġejjin:

(i) USD 178 100	għall-oġġetti u għas-servizzi speċifikati fit-Taqsimiet D u E; u
(ii) USD 10 333 931	għas-servizzi ta' kostruzzjoni speċifikati fit-Taqsima F; u

(b) fir-rigward tal-entitajiet subċentrali l-oħrajn elenkati fis-Sublista 2 (Entitajiet Oħrajn) ta' kull Stat, jekk il-valur tal-provvisti jkun daqs jew jaqbeż il-limiti li ġejjin:

(i) USD 397 535	għall-oġġetti u għas-servizzi speċifikati fit-Taqsimiet D u E; u
(ii) USD 12 721 740	għas-servizzi ta' kostruzzjoni speċifikati fit-Taqsima F.

2. Il-limiti stabbiliti fil-paragrafu 1 huma applikati fis-sena tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u huma soġġetti għal aġġustament għall-inflazzjoni f'konformità mal-paragrafu 14 tan-Noti ta' din it-Taqsima.

Lista ta' Entitajiet tal-Akkwist Subċentrali

I. CHIHUAHUA

Sublista 1: Entitajiet tal-Gvern

1. Comisión Estatal para los Pueblos Indígenas;

2. Coordinación Ejecutiva de Gabinete;

3. Fiscalía General del Estado;

4. Secretaría de Comunicaciones y Obras Públicas;

5. Secretaría de Cultura;

6. Secretaría de Desarrollo Municipal;

7. Secretaría de Desarrollo Rural;

8. Secretaría de Desarrollo Social;

9. Secretaría de Desarrollo Urbano y Ecología;

10. Secretaría de Educación y Deporte;

11. Secretaría de Hacienda;

12. Secretaría de Innovación y Desarrollo Económico;

13. Secretaría de la Función Pública;

14. Secretaría de Salud;

15. Secretaría del Trabajo y Previsión Social; u

16. Secretaría General de Gobierno.

Sublista 2: Entitajiet Oħrajn

1. Administradora de Servicios Aeroportuarios de Chihuahua, S.A. de C.V.;

2. Colegio de Bachilleres del Estado de Chihuahua (COBACH);

3. Colegio de Educación Profesional Técnica del Estado de Chihuahua;

4. Colegio de Estudios Científicos y Tecnológicos del Estado de Chihuahua;

5. Comisión Estatal de Vivienda, Suelo e Infraestructura de Chihuahua (COESVI);

6. Comisión Estatal para la Protección contra Riesgos Sanitarios;

7. Consejo Estatal de Población;

8. Desarrollo Integral de la Familia del Estado de Chihuahua;

9. El Colegio de Chihuahua;

10. Escuela Normal Superior del Estado Profesor J. E. Medrano;

11. Fomento y Desarrollo Artesanal del Estado de Chihuahua;

12. Instituto Chihuahuense de Educación para los Adultos (ICHEA);

13. Instituto Chihuahuense de Infraestructura Física y Educativa;

14. Instituto Chihuahuense de la Juventud;

15. Instituto Chihuahuense de la Mujer;

16. Instituto Chihuahuense de Salud;

17. Instituto Chihuahuense del Deporte y Cultura Física;

18. Instituto de Apoyo al Desarrollo Tecnológico;

19. Instituto de Capacitación para el Trabajo del Estado de Chihuahua;

20. Instituto de Innovación y Competitividad;

21. Instituto Tecnológico Superior de Nuevo Casas Grandes (ITSNCG);

22. Junta Central de Agua y Saneamiento;

23. Junta de Asistencia Social;

24. Pensiones Civiles del Estado de Chihuahua;

25. Promotora para el Desarrollo Económico de Chihuahua;

26. Régimen Estatal de Protección Social en Salud (Seguro Popular);

27. Servicios de Salud de Chihuahua;

28. Servicios Educativos del Estado de Chihuahua;

29. Subsistema de Preparatoria Abierta del Estado de Chihuahua;

30. Universidad Pedagógica Nacional;

31. Universidad Politécnica de Chihuahua (UPCH);

32. Universidad Tecnológica de Camargo;

33. Universidad Tecnológica de Chihuahua (UTCH);

34. Universidad Tecnológica de Chihuahua Sur;

35. Universidad Tecnológica de Ciudad Juárez;

36. Universidad Tecnológica de la Babícora;

37. Universidad Tecnológica de la Tarahumara;

38. Universidad Tecnológica de Paquimé;

39. Universidad Tecnológica de Parral; u

40. Universidad Tecnológica Paso del Norte.

II. CIUDAD DE MÉXICO

Sublista 1: Entitajiet tal-Gvern

1. Consejería Jurídica y de Servicios Legales;

2. Secretaría de Administración y Finanzas;

3. Secretaría de Cultura;

4. Secretaría de Desarrollo Económico;

5. Secretaría de Desarrollo Urbano y Vivienda;

6. Secretaría de Educación, Ciencia, Tecnología e Innovación;

7. Secretaría de Gestión Integral de Riesgos y Protección Civil;

8. Secretaría de Gobierno;

9. Secretaría de Inclusión y Bienestar Social;

10. Secretaría de la Contraloría General;

11. Secretaría de las Mujeres;

12. Secretaría de Movilidad;

13. Secretaría de Obras y Servicios;

14. Secretaría de Pueblos y Barrios Originarios y Comunidades Indígenas Residentes;

15. Secretaría de Salud;

16. Secretaría de Trabajo y Fomento al Empleo;

17. Secretaría de Turismo; u

18. Secretaría del Medio Ambiente.

Sublista 2: Entitajiet Oħrajn

1. Agencia de Atención Animal;

2. Atención de Protección Sanitaria;

3. Agencia Digital de Innovación Pública;

4. Autoridad del Centro Histórico;

5. Caja de Previsión de la Policía Auxiliar de la Ciudad de México;

6. Caja de Previsión de la Policía Preventiva;

7. Caja de Previsión para Trabajadores a Lista de Raya de la Ciudad de México;

8. Consejo de Evaluación de Desarrollo Social de la Ciudad de México;

9. Consejo para Prevenir y Eliminar la Discriminación de la Ciudad de México;

10. Corporación Mexicana de Impresión, S.A. de C.V.;

11. Escuela de Administración Pública de la Ciudad de México;

12. Heroico Cuerpo de Bomberos de la Ciudad de México;

13. Instituto de Educación Media Superior;

14. Instituto de la Juventud de la Ciudad de México;

15. Instituto de Verificación Administrativa;

16. Instituto de Vivienda;

17. Instituto del Deporte de la Ciudad de México;

18. Instituto Local de la Infraestructura Física Educativa de la Ciudad de México;

19. Instituto para la Integración al Desarrollo de las Personas con Discapacidad de la Ciudad de México;

20. Instituto para la Prevención de las Adicciones de la Ciudad de México;

21. Instituto para la Seguridad de las Construcciones de la Ciudad de México;

22. Metrobús;

23. Órgano Regulador del Transporte;

24. Planta Productora de Mezclas Asfálticas de la Ciudad de México;

25. Procuraduría Ambiental y del Ordenamiento Territorial de la Ciudad de México;

26. Procuraduría Social de la Ciudad de México;

27. Red de Transporte de Pasajeros de la Ciudad de México;

28. Servicios de Salud Pública de la Ciudad de México;

29. Sistema de Transporte Colectivo;

30. Servicios de Transportes Eléctricos;

31. Servicios Metropolitanos, S.A. de C.V.;

32. Sistema de Aguas de la Ciudad de México; u

33. Sistema para el Desarrollo Integral de la Familia de la Ciudad de México.

III. COLIMA

Sublista 1: Entitajiet tal-Gvern

1. Procuraduría General de Justicia;

2. Secretaría de Administración y Gestión Pública;

3. Secretaría de Cultura;

4. Secretaría de Desarrollo Rural;

5. Secretaría de Desarrollo Social;

6. Secretaría de Educación;

7. Secretaría de Fomento Económico;

8. Secretaría de Infraestructura y Desarrollo Urbano;

Bourgogne		Inbid	Franza
Cahors		Inbid	Franza
Chablis		Inbid	Franza
Champagne		Inbid	Franza
Châteauneuf-du-Pape		Inbid	Franza

Isem id-dežinjazzjoni	Trasliterazzjoni	Tip ta' prodott	Oriġini
Cheverny		Inbid	Franza
Côtes de Blaye		Inbid	Franza
Côtes de Gascogne		Inbid	Franza
Côtes de Provence		Inbid	Franza
Côtes du Rhône		Inbid	Franza
Côtes du Roussillon		Inbid	Franza
Floc de Gascogne		Inbid	Franza
Graves		Inbid	Franza
Haut-Médoc		Inbid	Franza
Languedoc		Inbid	Franza
Mâcon		Inbid	Franza
Margaux		Inbid	Franza
Médoc		Inbid	Franza
Moulis / Moulis-en-Médoc		Inbid	Franza
Pauillac		Inbid	Franza
Pays d'Hérault		Inbid	Franza
Pays d'Oc		Inbid	Franza
Pessac-Léognan		Inbid	Franza
Pomerol		Inbid	Franza
Pommard		Inbid	Franza
Premières Côtes de Bordeaux		Inbid	Franza

Isem id-dežinjazzjoni	Trasliterazzjoni	Tip ta' prodott	Oriġini
Romanée-Conti		Inbid	Franza
Saint-Emilion		Inbid	Franza
Saint-Estèphe		Inbid	Franza
Saint-Julien		Inbid	Franza
Sancerre		Inbid	Franza
Sauternes		Inbid	Franza
Touraine		Inbid	Franza
Val de Loire		Inbid	Franza
Ventoux		Inbid	Franza
Istarski pršut / Istrski pršut		Perżut tal-majjal	Il-Kroazja Is-Slovenja
Baranjski kulen		Perżut tal-majjal	Il-Kroazja
Dalmatinski pršut		Perżut tal-majjal	Il-Kroazja
Drniški pršut		Perżut tal-majjal	Il-Kroazja
Krčki pršut		Perżut tal-majjal	Il-Kroazja
Dingač		Inbid	Il-Kroazja
Szegedi szalámi / Szegedi téliszalámi		Laħam ippreservat ieħor	L-Ungerija
Tokaj / Tokaji		Inbid	L-Ungerija
Aceto Balsamico di Modena		Ħall	L-Italja
Aceto balsamico tradizionale di Modena		Ħall	L-Italja

Isem id-dežinjazzjoni	Trasliterazzjoni	Tip ta' prodott	Oriġini
Aprutino Pescarese		Żejt taż-żebbuġa	L-Italja
Asiago		Ġobon iebes tal-baqra	L-Italja
Bresaola della Valtellina		Laħam ippreservat ieħor	L-Italja
Capocollo di Calabria		Laħam ippreservat	L-Italja
Coppa di Parma		Laħam ippreservat	L-Italja
Cotechino Modena		Preparazzjonijiet mil-laħam tal-majjal (100 %)	L-Italja
Culatello di Zibello		Laħam ippreservat ieħor	L-Italja
Fontina		Ġobon iebes tal-baqra	L-Italja
Gorgonzola		Ġobon blu tal-baqra	L-Italja
Grana Padano ([15])		Ġobon iebes tal-baqra	L-Italja
Mela Alto Adige / Südtiroler Apfel		Tuffieħ	L-Italja
Mortadella Bologna ([16])		Preparazzjonijiet mil-laħam tal-majjal (100 %)	L-Italja
Mozzarella di Bufala Campana		Ġobon bufflone artab	L-Italja
Pancetta di Calabria		Laħam ippreservat	L-Italja
Parmigiano Reggiano ([17])		Ġobon iebes tal-baqra	L-Italja
Pecorino Romano ([18])		Ġobon iebes tan-nagħaġ	L-Italja
Piadina Romagnola / Piada Romagnola		Ħobż ieħor	L-Italja
Pomodoro S. Marzano dell'Agro Sarnese-Nocerino		Tadam	L-Italja
Prosciutto di Parma		Perżut tal-majjal	L-Italja
Prosciutto di San Daniele		Perżut tal-majjal	L-Italja

Isem id-dežinjazzjoni	Trasliterazzjoni	Tip ta' prodott	Oriġini
Prosciutto Toscano		Perżut tal-majjal	L-Italja
Provolone Valpadana		Ġobon artab tal-baqra	L-Italja
Riso del Delta del Po		Ross	L-Italja
Salamini italiani alla cacciatora		Laħam ippreservat ieħor	L-Italja
Salsiccia di Calabria		Laħam ippreservat	L-Italja
Soppressata di Calabria		Laħam ippreservat ieħor	L-Italja
Speck Alto Adige / Südtiroler Markenspeck / Südtiroler Speck		Perżut tal-majjal	L-Italja
Taleggio		Ġobon artab tal-baqra	L-Italja
Toscano		Żejt taż-żebbuġa	L-Italja
Zampone Modena		Preparazzjonijiet mil-laħam tal-majjal (100 %)	L-Italja
Alto Adige / Südtirol / Südtiroler / dell'Alto Adige		Inbid	L-Italja
Asti		Inbid	L-Italja
Barbaresco		Inbid	L-Italja
Barbera d'Alba ([19])		Inbid	L-Italja
Barbera d'Asti ([20])		Inbid	L-Italja
Bardolino		Inbid	L-Italja
Barolo		Inbid	L-Italja
Brachetto d'Acqui / Acqui		Inbid	L-Italja
Brunello di Montalcino		Inbid	L-Italja
Chianti		Inbid	L-Italja

Isem id-dežinjazzjoni	Trasliterazzjoni	Tip ta' prodott	Oriġini
Chianti Classico		Inbid	L-Italja
Conegliano – Prosecco / Conegliano Valdobbiadene – Prosecco / Valdobbiadene – Prosecco		Inbid	L-Italja
Dolcetto d'Alba ([21])		Inbid	L-Italja
Emilia / dell'Emilia ([22])		Inbid	L-Italja
Franciacorta		Inbid	L-Italja
Lambrusco di Sorbara		Inbid	L-Italja
Lambrusco Grasparossa di Castelvetro		Inbid	L-Italja
Marca Trevigiana		Inbid	L-Italja
Marsala		Inbid	L-Italja
Montepulciano d'Abruzzo ([23])		Inbid	L-Italja
Oltrepò Pavese		Inbid	L-Italja
Prosecco		Inbid	L-Italja
Rubicone		Inbid	L-Italja
Salento		Inbid	L-Italja
Sicilia		Inbid	L-Italja
Soave		Inbid	L-Italja
Toscana / Toscano ([24])		Inbid	L-Italja
Trento		Inbid	L-Italja

Isem id-dežinjazzjoni	Trasliterazzjoni	Tip ta' prodott	Oriġini
Valpolicella		Inbid	L-Italja
Veneto		Inbid	L-Italja
Vernaccia di San Gimignano		Inbid	L-Italja
Vino Nobile di Montepulciano		Inbid	L-Italja
Edam Holland		Ġobon iebes tal-baqra	In-Netherlands
Gouda Holland		Ġobon iebes tal-baqra	In-Netherlands
Hollandse Geitenkaas		Ġobon artab tan-nagħaġ	In-Netherlands
Azeite de Moura		Żejt taż-żebbuġa	Il-Portugall
Azeite do Alentejo Interior		Żejt taż-żebbuġa	Il-Portugall
Azeites da Beira Interior (Azeite da Beira Alta, Azeite da Beira Baixa)		Żejt taż-żebbuġa	Il-Portugall
Azeite de Tras-os-Montes		Żejt taż-żebbuġa	Il-Portugall
Azeites do Norte Alentejano		Żejt taż-żebbuġa	Il-Portugall
Azeites do Ribatejo		Żejt taż-żebbuġa	Il-Portugall
Chouriça de Carne de Vinhais / Linguiça de Vinhais		Laħam ippreservat ieħor	Il-Portugall
Chouriço de Portalegre		Laħam ippreservat ieħor	Il-Portugall
Maçã de Alcobaça		Tuffieħ	Il-Portugall

Isem id-dežinjazzjoni	Trasliterazzjoni	Tip ta' prodott	Oriġini
Mel dos Açores		Għasel	Il-Portugall
Ovos Moles de Aveiro		Ħelu	Il-Portugall
Pêra Rocha do Oeste		Lanġas	Il-Portugall
Presunto de Barrancos / Paleta de Barrancos		Perżut tal-majjal	Il-Portugall
Queijo S. Jorge		Ġobon iebes tal-baqra	Il-Portugall
Queijo Serra da Estrela		Ġobon iebes tan-nagħaġ	Il-Portugall
Queijos da Beira Baixa (Queijo de Castelo Branco, Queijo Amarelo da Beira Baixa, Queijo Picante da Beira Baixa)		Ġobon iebes tal-baqra	Il-Portugall
Alentejano		Inbid	Il-Portugall
Alentejo		Inbid	Il-Portugall
Algarve		Inbid	Il-Portugall
Bairrada		Inbid	Il-Portugall
Dão		Inbid	Il-Portugall
Douro		Inbid	Il-Portugall
Duriense		Inbid	Il-Portugall
Lisboa		Inbid	Il-Portugall
Oporto / Port / Port Wine / Porto / Portvin / Portwein / Portwijn / vin du Porto / vinho do Porto		Inbid	Il-Portugall
Palmela		Inbid	Il-Portugall

Isem id-dežinjazzjoni	Trasliterazzjoni	Tip ta' prodott	Oriġini
Península de Setúbal		Inbid	Il-Portugall
Pico		Inbid	Il-Portugall
Tejo		Inbid	Il-Portugall
Trás-os-montes		Inbid	Il-Portugall
Vinho da Madeira / Madère / Vin de Madère / Madera / Madeira Wein / Madeira Wine / Vino di Madera / Madeira Wijn / Madeira		Inbid	Il-Portugall
Vinho Verde		Inbid	Il-Portugall
Magiun de prune Topoloveni		Għanbaqar (imnixxef jew fil-konfettura)	Ir-Rumanija
Salam de Sibiu		Laħam ippreservat ieħor	Ir-Rumanija
Telemea de Ibănești		Ġobon iebes tal-baqra	Ir-Rumanija
Cotești		Inbid	Ir-Rumanija
Cotnari		Inbid	Ir-Rumanija
Dealu Mare		Inbid	Ir-Rumanija
Murfatlar		Inbid	Ir-Rumanija
Odobești		Inbid	Ir-Rumanija
Panciu		Inbid	Ir-Rumanija
Recaș		Inbid	Ir-Rumanija
Târnave		Inbid	Ir-Rumanija
Kranjska klobasa		Prodotti tal-laħam	Is-Slovenja

Isem id-dežinjazzjoni	Trasliterazzjoni	Tip ta' prodott	Oriġini
Kraška panceta		Prodotti tal-laħam	Is-Slovenja
Kraški pršut		Perżut tal-majjal	Is-Slovenja
Kraški zašink		Prodotti tal-laħam	Is-Slovenja
Slovenski med		Għasel	Is-Slovenja
Štajersko prekmursko bučno olje		Żejt taż-żerriegħa tal-qargħa ħamra	Is-Slovenja
Vinohradnícka oblasť Tokaj		Inbid	Is-Slovakkja

([1]) It-terminu huwa protett bil-lingwa oriġinali biss. L-użu tat-terminu fil-Messiku għandu jkun soġġett għall-arranġamenti privati bejn l-utenti tal-indikazzjoni ġeografika u d-detentur tat-trademark.

([2]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Kölsch" ma għandhiex tipprevjeni lill-utenti preċedenti li jkunu użaw it-terminu "tipo Kölsch" jew "estilo Kölsch" *bona fide* u b'mod kontinwu qabel il-21 ta' April 2018, milli jkomplu jużaw dak it-terminu, diment li jintwera b'tipa ta' karattri sostanzjalment iżgħar mill-isem tal-marka, filwaqt li jkun jista' jinqara, u b'mod mhux ambigwu fir-rigward tal-oriġini tal-oġġett. Fil-każ ta' proċeduri ta' infurzar kif previst fis-Sottotaqsima B.4 tal-Kapitolu 25, l-utenti preċedenti jkollhom l-oneru sabiex juru li kienu utenti fit-territorju tal-Messiku f'konformità ma' din in-nota f'qiegħ il-paġna.

([3]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Münchener Bier" ma għandhiex tipprevjeni lill-utenti preċedenti li jkunu użaw it-terminu "tipo Munich" jew "estilo Munich" bona fide u b'mod kontinwu qabel il-21 ta' April 2018, milli jkomplu jużaw dak it-terminu, diment li jintwera b'tipa ta' karattri sostanzjalment iżgħar mill-isem tal-marka, filwaqt li jkun jista' jinqara, u b'mod mhux ambigwu fir-rigward tal-oriġini tal-oġġett. Fil-każ ta' proċeduri ta' infurzar kif previst fis-Sottotaqsima B.4 tal-Kapitolu 25, l-utenti preċedenti jkollhom l-oneru sabiex juru li kienu utenti fit-territorju tal-Messiku f'konformità ma' din in-nota f'qiegħ il-paġna.

([4]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Schwarzwälder Schinken" ma timpedixxix l-użu *bona fide* tat-terminu "selva negra", diment li dan jintuża biss għal perżut imsajjar, u diment li dawk l-oġġetti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (grafika, ismijiet, stampi, bnadar) għall-oriġini ġenwina tal-indikazzjoni ġeografika "Schwarzwälder Schinken", u diment li t-terminu jintwera b'tipa ta' karattri sostanzjalment iżgħar mill-isem tal-marka, filwaqt li jkun jista' jinqara, u b'mod mhux ambigwu fir-rigward tal-oriġini tal-oġġett.

([5]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Φέτα (Feta)" ma għandhiex tipprevjeni l-użu ssoktat u simili tat-terminu "feta" minn kwalunkwe persuna, inklużi s-suċċessuri u ċ-ċessjonarji tagħha, għal massimu ta' 8 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, diment li qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, huma jkunu użaw dik l-indikazzjoni ġeografika b'mod kontinwu fir-rigward tal-istess oġġetti jew ta' oġġetti simili fit-territorju tal-Messiku. Matul dawk is-snin, l-użu tat-terminu "feta" jrid ikun akkumpanjat minn indikazzjoni li tkun tista' tinqara u viżibbli tal-oriġini ġeografika tal-oġġett ikkonċernat.

([6]) L-ismijiet varjetali li fihom jew li jikkonsistu minn "Valencia" jistgħu jkomplu jintużaw għal oġġetti simili, diment li l-konsumatur ma jitqarraqx dwar in-natura ta' tali terminu jew l-oriġini preċiża tal-oġġett.

([7]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Queso Manchego" għall-ġobniet elaborati fi Spanja, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Unjoni Ewropea, bl-użu tal-ħalib tan-nagħaġ, ma għandhiex tipprevjeni l-użu tat-termini "manchego" u "queso manchego", li huma ismijiet tradizzjonali fil-Messiku meta jkunu relatati ma' ġobniet elaborati bil-ħalib tal-baqra, diment li dawk l-oġġetti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (grafika, ismijiet, stampi jew bnadar) għall-indikazzjoni ġeografika protetta fl-Unjoni Ewropea u jkunu differenzjati minnha b'mod mhux ambigwu fir-rigward tal-oriġini u tal-kompożizzjoni tal-oġġett.

([8]) L-eċċezzjoni prevista fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 25.40.4 (Eċċezzjonijiet) hija applikabbli għall-użu tat-terminu Alicante Bouschet.

([9]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Castilla" ma għandhiex tippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, jew li tirreġistra fil-Messiku trademark li jkun fiha dan it-terminu, it-traduzzjoni jew it-trasliterazzjoni tiegħu, diment li ma tqarraqx bil-pubbliku dwar l-oriġini ġeografika tal-oġġett jew tikser l-indikazzjoni ġeografika kif protetta b'modi oħrajn.

([10]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Cava" ma għandhiex tippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, jew li tirreġistra fil-Messiku trademark li jkun fiha dan it-terminu, it-traduzzjoni jew it-trasliterazzjoni tiegħu, diment li ma tqarraqx bil-pubbliku dwar l-oriġini ġeografika tal-oġġett jew tikser l-indikazzjoni ġeografika kif protetta b'modi oħrajn.

([11]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Rueda" ma għandhiex tippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, jew li tirreġistra fil-Messiku trademark li jkun fiha dan it-terminu, it-traduzzjoni jew it-trasliterazzjoni tiegħu, diment li ma tqarraqx bil-pubbliku dwar l-oriġini ġeografika tal-oġġett jew tikser l-indikazzjoni ġeografika kif protetta b'modi oħrajn.

([12]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Toro" ma għandhiex tippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, jew li tirreġistra fil-Messiku trademark li jkun fiha dan it-terminu, it-traduzzjoni jew it-trasliterazzjoni tiegħu, diment li ma tqarraqx bil-pubbliku dwar l-oriġini ġeografika tal-oġġett jew tikser l-indikazzjoni ġeografika kif protetta b'modi oħrajn.

([13]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Gruyère" ma għandhiex tipprevjeni lill-utenti preċedenti li jkunu użaw it-terminu bona fide u b'mod kontinwu għal 5 snin qabel il-21 ta' April 2018, milli jkomplu jużaw it-terminu, diment li dawk l-oġġetti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (grafika, ismijiet, stampi jew bnadar) għall-oriġini ġenwina tal-indikazzjoni ġeografika

Isem id-dežinjazzjoni	Trasliterazzjoni	Tip ta' prodott	Oriġini

"Gruyère", u t-terminu jintwera b'tipa ta' karattri sostanzjalment iżgħar mill-isem tal-marka, filwaqt li jkun jista' jinqara, u b'mod mhux ambigwu fir-rigward tal-oriġini tal-oġġett. Fil-każ ta' proċeduri ta' infurzar kif previst fis-Sottotaqsima B.4 tal-Kapitolu 25, l-utenti preċedenti jkollhom l-oneru sabiex juru li kienu utenti fit-territorju tal-Messiku f'konformità ma' din in-nota f'qiegħ il-paġna. Id-denominazzjoni "Gruyère" tirreferi, fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, għal żewġ indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi, rispettivament fir-rigward ta' ġobon Żvizzeru u ta' ġobon Franċiż. L-Unjoni Ewropea ma hijiex se topponi applikazzjoni possibbli li għandha l-għan li tipproteġi l-indikazzjoni ġeografika omonima Żvizzera msemmija fil-Messiku.

([14]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Morbier" ma għandhiex tipprevjeni lill-utenti preċedenti li jkunu użaw it-terminu bona fide u b'mod kontinwu għal 5 snin qabel il-21 ta' April 2018, milli jkomplu jużaw it-terminu, diment li dawk l-oġġetti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (grafika, ismijiet, stampi jew bnadar) għall-oriġini ġenwina tal-indikazzjoni ġeografika "Morbier", u t-terminu jintwera b'tipa ta' karattri sostanzjalment iżgħar mill-isem tal-marka, filwaqt li jkun jista' jinqara, u b'mod mhux ambigwu fir-rigward tal-oriġini tal-oġġett. Fil-każ ta' proċeduri ta' infurzar kif previst fis-Sottotaqsima B.4 tal-Kapitolu 25, l-utenti preċedenti jkollhom l-oneru li juru li kienu utenti fit-territorju tal-Messiku f'konformità ma' din in-nota f'qiegħ il-paġna.

([15]) Il-protezzjoni tat-terminu "Grana" fl-indikazzjoni ġeografika multikomponenti "Grana Padano" ma hijiex mixtieqa.

([16]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Mortadella Bologna" hija mfittxija fir-rigward tal-indikazzjoni ġeografika komposta u mhux fir-rigward ta' termini individwali.

([17]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Parmigiano Reggiano" ma għandhiex tipprevjeni lill-utenti li jkunu użaw it-terminu "parmesano" bona fide qabel il-21 ta' April 2018, milli jkomplu jużaw dak it-terminu, diment li dawk l-oġġetti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (grafiki, ismijiet, stampi jew bnadar) għall-oriġini ġenwina ta' "Parmigiano Reggiano" u jkunu differenzjati minn "Parmigiano Reggiano" b'mod mhux ambigwu fir-rigward tal-oriġini.

([18]) Il-protezzjoni tat-terminu "Pecorino" fl-indikazzjoni ġeografika multikomponenti "Pecorino Romano" ma hijiex mixtieqa.

([19]) L-eċċezzjoni prevista fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 25.40 (Eċċezzjonijiet) hija applikabbli għall-użu tat-terminu "Barbera".

([20]) L-eċċezzjoni prevista fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 25.40 (Eċċezzjonijiet) hija applikabbli għall-użu tat-terminu "Barbera".

([21]) L-eċċezzjoni prevista fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 25.40 (Eċċezzjonijiet) hija applikabbli għall-użu tat-terminu "Dolcetto".

([22]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Emilia" ma għandhiex tippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, jew li tirreġistra fil-Messiku trademark li jkun fiha dan it-terminu, it-traduzzjoni jew it-trasliterazzjoni tiegħu, diment li ma tqarraqx bil-pubbliku dwar l-oriġini ġeografika tal-oġġett jew tikser l-indikazzjoni ġeografika kif protetta b'modi oħrajn.

([23]) L-eċċezzjoni prevista fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 25.40 (Eċċezzjonijiet) hija applikabbli għall-użu tat-terminu "Montepulciano".

([24]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Toscana/Toscano" ma għandhiex tippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, jew li tirreġistra fil-Messiku trademark li jkun fiha dan it-terminu, it-traduzzjoni jew it-trasliterazzjoni tiegħu, diment li ma tqarraqx bil-pubbliku dwar l-oriġini ġeografika tal-oġġett jew tikser l-indikazzjoni ġeografika kif protetta b'modi oħrajn.

TAQSIMA B

INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI TAL-MESSIKU KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 25.32(b)

Isem id-dežinjazzjoni	Tip ta' prodott	Post tal-oriġini
Arroz del Estado de Morelos	Ross	Morelos, il-Messiku
Ate de Morelia, Región de Origen	Frott frisk imsajjar u ġelifikat	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Banamich	Banana	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Berries de México	Tuta żerqi, frawli, lampun u tut tal-għollieq	Il-Messiku
Cacao Grijalva	Kawkaw	Tabasco, il-Messiku

Isem id-dežinjazzjoni	Tip ta' prodott	Post tal-oriġini
Café Chiapas	Kafè	Chiapas, il-Messiku
Café Veracruz	Kafè	Veracruz, il-Messiku
Cajeta de Celaya, Región de Origen	Pejst tal-karamella tal-ħalib tal-mogħoż	Guanajuato, il-Messiku
Chile Habanero de la Península de Yucatán	Bżar ħelu	Campeche, Yucatán y Quintana Roo, il-Messiku
Chipotle Mexicano ([1])	Bżar ħelu	Il-Messiku
Fresana, Fresa Michoacán, Región de Origen	Frawli	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Jalapeño Mexicano ([2])	Bżar ħelu	Il-Messiku
Limón Michoacano, Región de Origen	Lumiċell	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Mango Ataúlfo del Soconusco Chiapas	Mango	Chiapas, il-Messiku
Michin	Trota	Estado de Mexico; Il-Messiku Michoacán, il-Messiku
Nopal Villa Valtierrilla, Región de Origen	Kaktus	Guanajuato, il-Messiku
Pan de Tingüindín, Región de Origen	Ħobż	Michoacán de Ocampo, il-Messiku

Isem id-dežinjazzjoni	Tip ta' prodott	Post tal-oriġini
Pan Grande de Acámbaro, Región de Origen	Ħobż	Guanajuato, il-Messiku
Queso Cotija, Región de Origen	Ġobon	Jalisco, il-Messiku Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Vainilla de Papantla	Vanilla	Veracruz de la Llave, il-Messiku Puebla de Zaragoza, il-Messiku

([1]) Il-protezzjoni tat-terminu "Chipotle" fl-indikazzjoni ġeografika multikomponenti "Chipotle Mexicano" ma hijiex imfittxija.

([2]) Il-protezzjoni tat-terminu "Jalapeño" fl-indikazzjoni ġeografika multikomponenti "Jalapeño Mexicano" ma hijiex imfittxija.

Appendiċi 25-B-1

TERMINI INDIVIDWALI BĦALA PARTI MINN INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA KOMPOSTA

1. Fir-rigward tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea stabbilita fit-Taqsima A tal-Anness 25-B (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi), il-protezzjoni prevista f'konformità mal-Artikolu 25.34 (Protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Elenkati fl-Anness 25-B) ma hijiex imfittxija fir-rigward tat-termini individwali li ġejjin li huma parti minn indikazzjoni ġeografika komposta:

"aceite", "ail", "ail blanc", "ail rose", "Almkäse", "Alpkäse", "Apfel", "azafrán", "azeite", "azeites", "Bergkäse", "beurre", "Bier", "biperra", "bleu", "Bratwürste", "bresaola", "brie", "bučno olje", "camembert", "canard à foie gras", "capocollo", "cecina", "chmel", "chouriça", "chouriço", "cítricos", "cítrics", "coppa", "cotechino", "culatello", "dehesa", "edam", "emmental", "essence de lavande", "fromage", "geitenkaas", "gouda", "Graukäse", "Hopfen", "huile d'olive", "huile essentielle de lavande", "huîtres", "jambon", "jamón", "klobasa", "kren", "kulen", "Kürbiskernöl", "Lebkuchen", "lentille verte", "linguiça", "llonganissa", "maçã", "magiun de prune", "Markenspeck", "Marzipan", "med", "mel", "mela", "mozzarella", "noix", "oli", "ovos moles", "paleta", "pancetta", "pâté", "pêra", "piada", "piadina", "piment", "pimentón", "pivo", "plate", "polvorones", "pomme", "pomodoro", "presunto", "prosciutto", "provolone", "pršut", "pruneaux", "queijo", "queijo amarelo", "queijo picante", "queijos", "queixo", "queso", "riso", "Rostbratwürste", "salam", "salamini", "salchichón", "salsiccia", "Schinken", "sierra", "sobrasada", "soppressata", "Speck", "szalámi", "telemea", "téliszalámi", "ternera", "tomme", "turrón", "volailles", "zampone", "zašink", "γλυκό τριαντάφυλλο (glyko triantafyllo)", "γραβιέρα (graviera)", "ελιά (elia)", "κορινθιακή σταφίδα (korinthiaki stafida)", "κρόκος (krokos)", "λουκούμι (loukoumi)", "πράσινες ελιές (prasines elies)" u "розово масло (rozovo maslo)".

2. Fir-rigward tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Messiku stabbilita fit-Taqsima B tal-Anness 25-B (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi), il-protezzjoni prevista f'konformità mal-Artikolu 25.34 (Protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Elenkati fl-Anness 25-B) ma hijiex imfittxija fir-rigward tat-termini individwali li ġejjin li huma parti minn indikazzjoni ġeografika komposta:

"café", "mango", "vainilla", "chile", "habanero", "arroz", "cacao", "fresa", "limón", "queso", "pan", "grande", "ate", "cajeta", "nopal" u "berries".

3. Fir-rigward tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Messiku stabbilita fit-Taqsima B tal-Anness 25-B (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi), il-protezzjoni prevista f'konformità mal-Artikolu 25.34 (Protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Elenkati fl-Anness 25-B) ma hijiex imfittxija fir-rigward tat-termini li ġejjin li jiżdiedu ma' xi indikazzjonijiet ġeografiċi:

"Región de Origen".

ANNESS 25-C

INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI TAL-MESSIKU KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 25.31.2

Isem	Tip ta' prodott	Post tal-Oriġini
Alfareria de Tzintzuntzan Uricha Región De Origen	Xogħol tal-fuħħar (artiġjanat)	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Alfarería Dolorense	Fuħħar	Guanajuato, il-Messiku
Alfarería Punteada de Capula Región De Origen	Xogħol tal-fuħħar (artiġjanat)	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Alfarería Tradicional de Capula Región De Origen	Xogħol tal-fuħħar (artiġjanat)	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Ámbar de Chiapas	Artiġjanat Reżina Naturali	Chiapas, il-Messiku
Bordados de Santa Cruz Tzintzuntzan Región de Origen	Rakkmu	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Cantera de Morelia Región De Origen	Barriera	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Catrinas de Barro De Capula Región de Origen	Fuħħar fit-tafal (artiġjanat)	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Cobre Martillado De Santa Clara Del Cobre Región De Origen	Xogħol tal-buttar	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Esfera de Tlalpujahua Otjo Región De Origen	Sferi (Artiġjanat)	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Guitarras de Paracho Región de Origen	Artiġjanat (kitarri)	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Juguete Artesanal de Michoacan Sapichu Región de Origen	Artiġjanat (ġugarelli)	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Laca Perfilada de Patzcuaro En Oro 23 Qts. Región De Origen	Artiġjanat	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Mayolica de Dolores Hidalgo y Guanajuato	Fuħħar biż-Żilġa	Guanajuato, il-Messiku

Isem	Tip ta' prodott	Post tal-Oriġini
Olinalá	Artiġjanat	Guerrero, il-Messiku
Pasta de Caña de Maíz J'Atzingueni	Artiġjanat	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Piñas De Barro de San Jose De Gracia Región de Origen	Artiġjanat (Tafal)	Michoacán de Ocampo, il-Messiku
Sombreros San Pancho, pueblos del Rincón	Kpiepel	Guanajuato, il-Messiku
Talavera	Artiġjanat	Puebla de Zaragoza, il-Messiku Tlaxcala, il-Messiku

ANNESS 31-A

REGOLI TA' PROĊEDURA

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet tal-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) u ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura:

(a) "persunal amministrattiv" tfisser, fir-rigward ta' membru tal-panel, individwi taħt id-direzzjoni u l-kontroll ta' membru tal-panel, minbarra assistenti;

(b) "konsulent" tfisser individwu magħżul minn Parti sabiex jagħti pariri jew jassisti lil dik il-Parti b'konnessjoni mal-proċedimenti tal-panel;

(c) "assistent" tfisser individwu li, skont it-termini tal-ħatra u taħt id-direzzjoni u l-kontroll ta' membru tal-panel, iwettaq riċerka jew jassisti lil dak il-membru tal-panel;

(d) "Kodiċi ta' Kondotta" tfisser il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi fl-Anness 31-B;

(e) "Parti li tilmenta" tfisser kwalunkwe Parti li titlob it-twaqqif ta' panel skont l-Artikolu 31.6 (Twaqqif ta' Panel);

(f) "data ta' konsenja" tfisser:

(i) għal dokument sottomess minn Parti, id-data li fiha l-Parti l-oħra tirċievi d-dokument; u

(ii) għal dokument sottomess mill-panel, id-data li fiha l-panel jibgħat dokument elettroniku lill-Partijiet jew lill-entitajiet mhux governattivi;

(g) "jum" tfisser jum tal-kalendarju;

(h) "espert" tfisser persuna fiżika jew korp li jipprovdi informazzjoni, opinjoni jew parir tekniku f'konformità mal-Artikolu 31.23 (Riċevuta ta' Informazzjoni);

(i) "panel" tfisser panel imwaqqaf skont l-Artikolu 31.6 (Twaqqif ta' Panel);

(j) "membru tal-panel" tfisser individwu li huwa membru ta' panel;

(k) "Parti li kontriha jsir l-ilment" tfisser il-Parti li allegatament tkun qiegħda tikser id-dispożizzjonijiet koperti;

(l) "festa pubblika" tfisser, għal kwalunkwe sena, is-Sibt, il-Ħadd u kwalunkwe jum ieħor iddeżinjat uffiċjalment minn Parti bħala festa pubblika;

(m) "rappreżentant ta' Parti" tfisser impjegat jew kwalunkwe individwu maħtur minn dipartiment tal-gvern, minn aġenzija jew minn kwalunkwe entità pubblika oħra ta' Parti li tirrappreżenta lill-Parti għall-finijiet ta' proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim, inkluż konsulent legali jew konsulent ieħor ta' Parti li l-Parti tkun awtorizzat sabiex jaġixxi f'isimha matul it-tilwima ([1]).

Notifiki

2. Kwalunkwe talba, avviż, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor ta':

(a) il-panel għandu jintbagħat liż-żewġ Partijiet fl-istess ħin;

([1]) Parti ma għandhiex taħtar bħala rappreżentant persuna li raġonevolment tista' tkun mistennija li tibbenefika barra mill-proċedimenti skont il-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) mir-riċevuta ta' informazzjoni kunfidenzjali.

(b) Parti li hija indirizzata lill-panel għandha tiġi kkopjata lill-Parti l-oħra fl-istess ħin; u

(c) Parti li hija indirizzata lill-Parti l-oħra għandha tiġi kkopjata lill-panel fl-istess ħin, kif xieraq.

Kwalunkwe notifika msemmija f'din ir-Regola għandha ssir elettronikament jew, meta jkun xieraq, bi kwalunkwe mezz ieħor ta' telekomunikazzjoni li jipprovdi prova li tkun intbagħtet. Sakemm ma jkunx ipprovat mod ieħor, dik in-notifika għandha titqies li tkun ġiet ikkonsenjata fil-jum li tkun intbagħtet.

3. In-notifiki kollha għandhom jiġu indirizzati lill-uffiċċji ddeżinjati mill-Partijiet skont l-Artikolu 31.36 (Amministrazzjoni tal-Proċedura ta' Soluzzjoni tat-Tilwim) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "uffiċċji ddeżinjati").

4. Żbalji minuri ta' natura klerikali f'talba, f'notifika, f'sottomissjoni bil-miktub jew f'dokument ieħor relatat mal-proċedimenti tal-panel jistgħu jiġu kkoreġuti bil-preżentazzjoni ta' dokument ġdid li jindika l-bidliet b'mod ċar. Il-korrezzjoni ta' żbalji żgħar ta' natura klerikali ma għandhiex taffettwa l-iskeda taż-żmien tal-proċedimenti.

5. Jekk id-data ta' konsenja ta' dokument taħbat f'festa pubblika, jew fi kwalunkwe jum ieħor li fih l-uffiċċji ddeżinjati jkunu uffiċjalment magħluqin, id-dokument għandu jitqies li ġie kkonsenjat fil-jum ta' xogħol li jmiss. Fil-laqgħa organizzazzjonali msemmija fir-Regoli 16 u 17, kull Parti għandha tissottometti lista tal-festi pubbliċi tagħha, ta' kwalunkwe jum ieħor li fih l-uffiċċju ddeżinjat tagħha jkun uffiċjalment magħluq u l-ħinijiet normali tal-ftuħ ta' dak l-uffiċċju. Kull Parti għandha żżomm il-lista tagħha aġġornata matul il-proċedura tal-panel.

Ħatra tal-Membri tal-Panel

6. Għall-finijiet tal-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 31.7 (Kompożizzjoni ta' Panel), il-persuni li ġejjin jistgħu jservu bħala awtorità tal-ħatra għall-kompożizzjoni ta' panel:

(a) il-President tat-Tribunal tal-Appell imsemmi fil-paragrafi 7 u 8 tal-Artikolu 10.31 (Tribunal tal-Appell); jew

(b) is-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ.

7. Meta tagħmel l-għażla bil-polza skont il-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 31.7 (Kompożizzjoni ta' Panel), l-awtorità tal-ħatra għandha tagħżel il-membru tal-panel bil-polza mis-sublista tal-Parti li kontriha jsir l-ilment adottata f'konformità mas-subparagrafu 1(a) jew 1(b) tal-Artikolu 31.8 (Listi ta' Membri tal-Panel) jew il-President ta' panel mis-sublista ta' individwi li għandhom iservu bħala Presidenti adottata skont is-subparagrafu 1(c) tal-Artikolu 31.8 (Listi ta' Membri tal-Panel). L-awtorità tal-ħatra għandha tirrispetta kwalunkwe terminu u kundizzjoni li jistgħu jiġu miftehmin mill-Partijiet.

(a) L-awtorità tal-ħatra għandha tinforma minnufih lill-Partijiet dwar id-data, il-ħin u l-post tal-għażla bil-polza. Il-Partijiet għandhom ikunu preżenti matul l-għażla bil-polza.

(b) Mingħajr preġudizzju għar-Regola 7(a), l-għażla bil-polza għandha ssir fil-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 6 tal-Artikolu 31.7 (Kompożizzjoni ta' Panel) mal-Parti jew mal-Partijiet li jkunu preżenti.

8. Għall-finijiet tal-paragrafi 4, 6 u 7 tal-Artikolu 31.7 (Kompożizzjoni ta' Panel), jekk xi waħda mis-sublisti msemmijin fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 31.8 (Listi ta' Membri tal-Panel):

(a) ma tkunx ġiet adottata mill-Kumitat Konġunt, il-membru tal-panel, il-membri tal-panel jew il-President għandu jintgħażel minn fost l-individwi li jkunu ġew iddeżinjati minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet għal dik is-sublista partikolari u jiġu nnotifikati bil-miktub lill-Parti l-oħra; jew

(b) ma tibqax tinkludi tal-anqas ħames individwi, il-membru tal-panel, il-membri tal-panel jew il-President għandu jintgħażel fost l-individwi li jibqgħu f'dik is-sublista partikolari.

9. Immedjatament mal-għażla, l-uffiċċju ddeżinjat tal-Parti li tilmenta, jew uffiċċju ddeżinjat b'mod konġunt mill-Partijiet, għandu jinnotifika bil-miktub, lil kull individwu li jkun intgħażel sabiex iservi bħala membru tal-panel jew President dwar l-għażla tiegħu u jipprovdilu kopja tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi stabbilita fl-Anness 31-B (il-"Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi"). Kull individwu għandu jikkonferma d-disponibbiltà tiegħu sabiex iservi bħala membru tal-panel jew President għal kwalunkwe uffiċċju ddeżinjat fi żmien 5 ijiem wara d-data li fiha jkun ġie informat bil-ħatra tiegħu u għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni f'konformità mal-paragrafi 5 sa 9 (Obbligi ta' Divulgazzjoni) tal-Anness 31-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi).

10. Meta t-tliet membri tal-panel magħżulin ikunu kkonfermaw id-disponibbiltàtagħhom li jservu fuq il-panel, l-uffiċċju ddeżinjat rilevanti għandu jinnotifika minnufih lill-Partijiet dwar il-kompożizzjoni tal-panel.

Listi ta' Membri tal-Panel

11. Mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra bl-individwi li hija taħtar għas-sublisti msemmijin fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 31.8 (Listi ta' Membri tal-Panel).

12. Fi żmien 30 jum wara n-notifika magħmula skont ir-Regola 11, Parti tista' toġġezzjona għal individwu ddeżinjat mill-Parti l-oħra għas-sublista msemmija fis-subparagrafi 1(a) u 1(b) tal-Artikolu 31.8 (Listi ta' Membri tal-Panel) jekk tqis li tali individwu ma jikkonformax mar-rekwiżiti fl-Artikolu 31.9 (Rekwiżiti għall-Membri tal-Panel). Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar jekk l-individwu jikkonformax ma' dawk ir-rekwiżiti fi żmien 15-il jum wara li jirċievu n-notifika tal-oġġezzjoni. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-Parti li ddeżinjat lill-individwu kkonċernat għandha tneħħi lil dak l-individwu mis-sublista u għandha tiddeżinja individwu ġdid.

13. Fi żmien 30 jum wara n-notifika magħmula skont ir-Regola 11, il-Partijiet għandhom jaqblu dwar is-sublista ta' individwi li għandhom iservu bħala President tal-panel imsemmi fis-subparagrafu 1(c) tal-Artikolu 31.8 (Listi ta' Membri tal-Panel) fuq il-bażi tal-individwi ddeżinjati minn kull Parti.

14. Parti tista' tiddeċiedi li timmodifika s-sublista tagħha fi kwalunkwe ħin u għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra dwar l-individwi li hija tiddeżinja. F'każ bħal dan, il-proċedura stabbilita fir-Regola 12 għandha tapplika *mutatis mutandis*. Il-Partijiet jistgħu wkoll jimmodifikaw bi ftehim reċiproku s-sublista ta' individwi li għandhom iservu bħala President.

15. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta kwalunkwe modifika fis-sublisti tal-Partijiet mhux aktar tard minn 6 xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fir-Regola 14.

Laqgħa Organizzazzjonali

16. Sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor, għandhom jiltaqgħu mal-panel fi żmien 7 ijiem wara l-kompożizzjoni tiegħu sabiex jiddeterminaw it-tali kwistjonijiet li l-Partijiet jew il-panel iqis xierqa, inklużi:

(a) l-iskeda taż-żmien tal-proċedimenti, inklużi d-dati preċiżi għall-preżentazzjoni tas-sottomissjonijiet u d-data għas-seduta orali;

(b) ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż li għandhom jitħallsu lill-membri tal-panel, li għandhom ikunu f'konformità mal-istandards tad-WTO; u

(c) ir-remunerazzjoni li għandha titħallas lill-assistenti; l-ammont totali tar-remunerazzjoni tal-assistent jew tal-assistenti ta' kull membru tal-panel ma għandux jaqbeż il-50 fil-mija tal-ammont tar-remunerazzjoni ta' dak il-membru tal-panel.

17. Il-membri tal-panel u r-rappreżentanti tal-Partijiet jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħa msemmija fir-Regola 16 bi kwalunkwe mezz ta' telekomunikazzjoni.

Sottomissjonijiet bil-Miktub

18. Il-Parti li tilmenta għandha tippreżenta s-sottomissjoni inizjali tagħha bil-miktub mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data tal-kompożizzjoni tal-panel. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tippreżenta s-sottomissjoni inizjali tagħha bil-miktub sa mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data ta' konsenja tas-sottomissjoni bil-miktub tal-Parti li tilmenta. Il-Parti li tilmenta għandha twassal is-sottomissjoni bil-miktub konfutabbli tagħha, jekk ikun hemm, mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data stabbilita għas-sottomissjoni tas-sottomissjoni bil-miktub inizjali tal-Parti li kontriha jsir l-ilment. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha twassal is-sottomissjoni bil-miktub konfutabbli tagħha sa mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data stabbilita għas-sottomissjoni tas-sottomissjoni konfutabbli bil-miktub tal-Parti li tilmenta.

Operat tal-Panel

19. Il-President tal-panel għandu jippresjedi fil-laqgħat kollha tiegħu. Il-panel jista' jiddelega l-awtorità lill-President sabiex jieħu deċiżjonijiet amministrattivi u proċedurali.

20. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) jew f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura, il-panel jista' jwettaq l-attivitajiet tiegħu bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

21. Il-membri tal-panel biss jistgħu jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-panel, iżda l-membri tal-panel jistgħu jippermettu li l-assistenti tagħhom ikunu preżenti fid-deliberazzjonijiet tiegħu.

22. L-abbozzar ta' kwalunkwe deċiżjoni jew rapport għandu jibqa' r-responsabbiltà esklużiva tal-panel u ma għandux jiġi ddelegat.

23. Jekk tinqala' kwistjoni proċedurali li ma tkunx koperta mill-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) u lanqas minn dan l-Anness, il-panel, wara li jikkonsulta lill-Partijiet, jista' jadotta proċedura xierqa li tkun kompatibbli ma' dak il-Kapitolu u dan l-Anness.

24. Jekk il-panel iqis li hemm il-ħtieġa li jiġi mmodifikat kwalunkwe perjodu ta' żmien applikabbli għall-proċedimenti għajr dawk stabbiliti fil-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim), jew li jsir kwalunkwe aġġustament proċedurali jew amministrattiv ieħor, huwa għandu, wara li jikkonsulta lill-Partijiet, jinformahom bil-miktub dwar il-modifika jew l-aġġustament meħtieġ, kif ukoll dwar ir-raġunijiet għal dan.

Sostituzzjoni

25. Meta Parti tqis li membru tal-panel ma jikkonformax mal-Anness 31-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi) u, għal din ir-raġuni, għandu jiġi ssostitwit, dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra fi żmien 15-il jum wara ż-żmien li fih tkun kisbet biżżejjed evidenza tan-nuqqas allegat tal-membru tal-panel li jikkonforma mal-Anness 31-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi).

26. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi żmien 15-il jum wara n-notifika msemmija fir-Regola 25. Għandhom jinformaw lill-membru tal-panel dwar in-nuqqas allegat tiegħu jew tagħha u jistgħu jitolbu li l-membru tal-panel jieħu passi bil-għan li jirrimedja n-nuqqas. Jekk jaqblu fuq hekk, jistgħu anke jneħħu lill-membru tal-panel u jagħżlu membru tal-panel ġdid f'konformità mal-Artikolu 31.7 (Kompożizzjoni ta' Panel).

27. Jekk il-Partijiet ma jirnexxilhomx jaqblu dwar il-bżonn li jinbidel membru tal-panel, minbarra l-President, kwalunkwe Parti tista' titlob li l-kwistjoni tiġi rriferita lill-President tal-panel, u d-deċiżjoni tiegħu għandha tkun finali.

28. Jekk il-President tal-panel isib li l-membru tal-panel imsemmi fir-Regola 27 ma jikkonformax mal-Anness 31-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi), dak il-membru tal-panel għandu jitneħħa u għandu jintgħażel membru tal-panel ġdid f'konformità mal-Artikolu 31.7 (Kompożizzjoni ta' Panel).

29. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-ħtieġa li jiġi ssostitwit il-President tal-panel, kwalunkwe Parti tista' titlob li l-kwistjoni tiġi rriferita lil wieħed mill-individwi li jifdal fis-sublista msemmija fis-subparagrafu 1(c) tal-Artikolu 31.8 (Listi ta' Membri tal-Panel). L-awtorità tal-ħatra għandha ttella' ismu bil-polza. Id-deċiżjoni mill-persuna magħżula dwar il-ħtieġa li jiġi ssostitwit il-President għandha tkun finali.

30. Jekk l-individwu magħżul bil-polza skont ir-Regola 29 isib li l-President ma jikkonformax mal-Anness 31-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Panel u għall-Medjaturi), għandu jintgħażel President ġdid f'konformità mal-Artikolu 31.7 (Kompożizzjoni ta' Panel).

Seduti

31. Wara li jikkonsulta lill-Partijiet u lill-membri l-oħrajn tal-panel, il-President tal-panel għandu jinnotifika lill-Partijiet dwar id-data, il-ħin u l-post tas-seduta. Id-data tas-seduta normalment għandha tikkorrispondi għad-data stabbilita fl-iskeda ta' żmien iddeterminata skont ir-Regola 16(a). Id-data, il-ħin u l-post tas-seduta għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku mill-Parti li fiha ssir is-seduta, sakemm is-seduta ma tkunx magħluqa għall-pubbliku.

32. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, is-seduta għandha ssir fi Brussell jekk il-Parti li tilmenta tkun il-Messiku u fil-Messiku jekk il-Parti li tilmenta tkun l-Unjoni Ewropea. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha ġġarrab l-ispejjeż li jirriżultaw mill-amministrazzjoni loġistika tas-seduta.

33. Il-panel jista' jlaqqa' aktar minn seduti addizzjonali jekk il-Partijiet jaqblu dwar dan.

34. Il-membri kollha tal-panel għandhom ikunu preżenti matul is-seduti kollha.

35. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-persuni li ġejjin jistgħu jkunu preżenti għas-seduti, irrispettivament minn jekk is-seduti jkunux miftuħin għall-pubbliku jew le:

(a) ir-rappreżentanti ta' Parti;

(b) il-konsulenti;

(c) l-assistenti u l-persunal amministrattiv;

(d) l-interpreti, it-tradutturi u l-korrispondenti tal-qorti tal-panel; u

(e) esperti, jekk ikun hemm, skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 31.23 (Riċevuta ta' Informazzjoni).

36. L-uffiċċju ddeżinjat rilevanti għandu, f'konsultazzjoni mal-panel u mal-Partijiet, jagħmel arranġamenti loġistiċi xierqa u jistabbilixxi proċeduri xierqa sabiex jiżgura li s-seduti ma jiġux imfixklin mill-attendenza tal-pubbliku. Il-membri tal-pubbliku, inklużi ġurnalisti akkreditati u entitajiet mhux governattivi, li jixtiequ jattendu s-seduti jistgħu jintalbu jirreġistraw qabel is-seduta. Jekk is-siġġijiet ikunu limitati, dawn għandhom jiġu allokati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel malli tiġi riċevuta formola tar-reġistrazzjoni mimlija. Ma għandha tkun permessa l-ebda reġistrazzjoni tal-awdjo jew viżwali tas-seduta mill-membri tal-pubbliku.

37. Parti li tixtieq tissottometti jew tiddiskuti informazzjoni kunfidenzjali matul seduta għandha tipprovdi avviż minn qabel lill-panel u lill-uffiċċju ddeżinjat rilevanti. Sa fejn ikun possibbli, il-Parti għandha tipprovdi l-avviż tal-anqas 10 ijiem qabel l-ewwel jum tas-seduta.

38. Matul parti magħluqa ta' seduta, jistgħu jkunu preżenti biss persuni msemmijin fir-Regola 35. Il-persuni li jaraw jew li jisimgħu informazzjoni kunfidenzjali ma għandhomx jiżvelawha, jew jippermettu li tiġi żvelata, u għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għall-finijiet tal-proċedimenti tal-panel.

39. Mhux aktar tard minn 5 ijiem ta' xogħol qabel id-data ta' seduta, kull Parti għandha tagħti lill-panel u lill-Parti l-oħra lista bl-ismijiet tal-persuni li jkunu se jagħmlu argumenti jew preżentazzjonijiet orali matul is-seduta f'isem dik il-Parti, kif ukoll ta' rappreżentanti u ta' konsulenti oħrajn li jkunu se jattendu s-seduta.

40. Il-panel għandu jmexxi s-seduta b'dan il-mod, filwaqt li jiżgura li l-Parti li tilmenta u l-Parti li kontriha jsir l-ilment jingħataw l-istess ħin kemm fil-fażi tal-argument kif ukoll fil-fażi tal-kontroargument:

(a) argument

(i) l-argument tal-Parti li tilmenta; u

(ii) l-argument tal-Parti li kontriha jsir l-ilment.

(b) kontroargument

(i) ir-replika tal-Parti li tilmenta; u

(ii) il-kontroreplika tal-Parti li kontriha jsir l-ilment.

41. Il-panel jista' jindirizza mistoqsijiet lil kwalunkwe waħda mill-Partijiet fi kwalunkwe ħin matul is-seduta. Il-panel għandu jagħti l-possibbiltà lill-Partijiet li johorġu dikjarazzjonijiet tal-għeluq.

42. Il-panel għandu jara li titħejja traskrizzjoni tas-seduta u li din tiġi ppreżentata lill-Partijiet mill-aktar fis wara s-seduta. Il-Partijiet jistgħu jikkummentaw dwar it-traskrizzjoni u l-panel jista' jqis dawk il-kummenti.

43. Kull Parti tista' tippreżenta sottomissjoni supplimentari bil-miktub rigward kwalunkwe kwistjoni li setgħet qamet matul is-seduta fi żmien 10 ijiem mid-data tas-seduta. Il-Parti l-oħra tista' tipprovdi kummenti bil-miktub dwar kwalunkwe sottomissjoni supplimentari bil-miktub li Parti tissottometti fi żmien 5 ijiem wara l-konsenja ta' tali sottomissjoni.

Mistoqsijiet bil-Miktub

44. Il-panel jista' jindirizza mistoqsijiet bil-miktub lil Parti waħda jew lit-tnejn li huma fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti tal-panel. Kwalunkwe mistoqsija indirizzata lil waħda mill-Partijiet għandha tiġi kkopjata lill-Parti l-oħra.

45. Kull Parti għandha tipprovdi wkoll lill-Parti l-oħra b'kopja tat-tweġibiet miktubin tagħha għall-mistoqsijiet tal-panel. Il-Parti l-oħra għandu jkollha l-opportunità li tipprovdi kummenti bil-miktub dwar it-tweġibiet tal-Parti fi żmien 5 ijiem wara l-konsenja ta' tali kopja.

Rilaxx Pubbliku tad-Dokumenti

46. Soġġetta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali skont ir-Regoli 48 u 49:

(a) Parti li tagħmel talba skont l-Artikolu 31.5 (Konsultazzjonijiet) jew l-Artikolu 31.6 (Twaqqif ta' Panel) għandha tirrilaxxa kopja ta' dik it-talba lill-pubbliku mhux aktar tard minn 15-il jum wara d-data tal-konsenja tagħha; u

(b) kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku s-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, verżjoni bil-miktub ta' kwalunkwe dikjarazzjoni orali u t-tweġiba bil-miktub tagħha għal talba jew għal mistoqsija mill-panel, jekk ikun hemm, mill-aktar fis possibbli wara li jiġu sottomessi dawn id-dokumenti u mhux aktar tard mid-data ta' konsenja tar-rapport finali.

47. Parti ma tistax tiżvela pubblikament il-kontenut ta' rapport interim mogħti lill-Partijiet skont l-Artikolu 31.13 (Rapport Interim) jew il-kontenut ta' kwalunkwe kumment li jkun sar fuq rapport interim.

Kunfidenzjalità

48. Kull Parti u l-panel għandhom jittrattaw bħala kunfidenzjali kwalunkwe informazzjoni sottomessa mill-Parti l-oħra lill-panel li t-tali Parti tkun iddeżinjat bħala kunfidenzjali. Meta Parti tissottometti lill-panel sottomissjoni bil-miktub, verżjoni bil-miktub ta' dikjarazzjoni orali jew tweġiba bil-miktub għal talba jew għal mistoqsija mill-panel li jkun fiha informazzjoni kunfidenzjali, hija għandha tipprovdi wkoll, fi żmien 15-il jum wara d-data ta' tali sottomissjoni, verżjoni mhux kunfidenzjali li tista' tiġi ddivulgata lill-pubbliku.

49. Ma hemm xejn f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura li għandu jipprekludi lil Parti milli tiddivulga dikjarazzjonijiet sabiex turi l-pożizzjonijiet tagħha lill-pubbliku diment li, meta tirreferi għal informazzjoni sottomessa mill-Parti l-oħra, ma tiżvelax kwalunkwe informazzjoni ddeżinjata bħala kunfidenzjali mill-Parti l-oħra.

50. Wara li jikkonsulta lill-Partijiet, il-panel jista' jistabbilixxi proċeduri *ad hoc* addizzjonali li jqis neċessarji sabiex jipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali.

Kuntatti *Ex Parte*

51. Il-panel ma għandux jiltaqa' jew jikkomunika ma' Parti fl-assenza tal-Parti l-oħra.

52. Membru tal-panel ma għandu jiddiskuti l-ebda aspett tas-suġġett tal-proċedimenti ma' Parti jew maż-żewġ Partijiet fin-nuqqas tal-membri tal-panel l-oħrajn.

Sottomissjonijiet *Amicus Curiae*

53. Ħlief jekk il-Partijiet jaqblu mod ieħor fi żmien 5 ijiem ta' xogħol mid-data tal-kompożizzjoni tal-panel, il-panel jista' jirċievi sottomissjonijiet bil-miktub mhux mitlubin minn persuni fiżiċi ta' Parti jew minn persuni ġuridiċi stabbiliti fit-territorju ta' Parti li jkunu indipendenti mill-gvernijiet tal-Partijiet, diment li dawn:

(a) jaslu għand il-panel fi żmien 10 ijiem mid-data tal-kompożizzjoni tal-panel;

(b) ikunu konċiżi u qatt ma jkunu itwal minn 15-il paġna, inkluż kwalunkwe anness, ittajpjati bi spazju doppju;

(c) ikunu direttament rilevanti għal kwistjoni fattwali jew legali li jkunu qegħdin jiġu kkunsidrati mill-panel;

(d) jinkludu deskrizzjoni tal-persuna li tkun qiegħda tagħmel is-sottomissjoni, inkluż, għal persuna fiżika, in-nazzjonalità tagħha, u għal persuna ġuridika, il-post ta' stabbiliment tagħha, in-natura tal-attivitajiet tagħha, l-istatus legali, l-objettivi ġenerali u s-sorsi ta' finanzjament tagħha;

(e) jispeċifikaw in-natura tal-interess li dik il-persuna jkollha fil-proċedimenti tal-panel; u

(f) ikunu abbozzati bil-lingwi magħżulin mill-Partijiet f'konformità mar-Regoli 58 u 59.

54. Is-sottomissjonijiet għandhom jitwasslu lill-Partijiet għall-kummenti tagħhom. Il-Partijiet jistgħu jissottomettu l-kummenti lill-panel fi żmien 10 ijiem wara l-konsenja.

55. Il-panel għandu jelenka fir-rapport tiegħu s-sottomissjonijiet riċevuti kollha skont ir-Regola 53. Il-panel ma għandux ikun obbligat jindirizza, fir-rapport tiegħu, l-argumenti magħmulin f'dawn is-sottomissjonijiet. Jekk il-panel jindirizza fir-rapport tiegħu l-argumenti magħmulin f'dawn is-sottomissjonijiet, huwa għandu jqis ukoll kwalunkwe kumment magħmul mill-Partijiet skont ir-Regola 54.

Riċevuta ta' Opinjoni jew ta' Parir Tekniku mill-Esperti

56. Jekk Parti titlob lill-panel sabiex jitlob l-opinjoni jew il-parir tekniku mill-esperti skont l-Artikolu 31.23 (Riċevuta ta' Informazzjoni), dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra b'tali talba. Jekk il-panel jitlob opinjoni jew parir tekniku mill-esperti, huwa għandu jinnotifika wkoll lill-Partijiet. Mhux aktar tard minn 15-il jum wara d-data ta' konsenja ta' kwalunkwe notifika bħal din, il-panel għandu jikkonsulta mal-Partijiet sabiex jiddetermina jekk it-tiftix tal-opinjoni jew tal-parir tekniku mill-esperti jkunx ġustifikat, u sabiex jiftiehem dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tat-talba għal opinjoni jew għal parir tekniku, inkluż, kif ikun xieraq, l-espert li mingħandu għandha tintalab l-opinjoni jew il-parir tekniku.

Każijiet Urġenti

57. F'każijiet ta' urġenza kif imsemmi fl-Artikolu 31.12 (Deċiżjoni dwar l-Urġenza), il-panel, wara li jikkonsulta lill-Partijiet, għandu jaġġusta, kif xieraq, il-perjodi ta' żmien imsemmijin f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura. Il-panel għandu jinnotifika lill-Partijiet dwar dawk l-aġġustamenti.

Traduzzjoni u Interpretazzjoni

58. Matul il-konsultazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 31.5 (Konsultazzjonijiet), u mhux aktar tard mid-data tal-laqgħa msemmija fir-Regola 16, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jilħqu qbil dwar lingwa ta' ħidma komuni għall-proċedimenti quddiem il-panel.

59. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar lingwa ta' ħidma komuni, kull Parti għandha tipprovdi s-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, il-verżjoni bil-miktub tagħha ta' dikjarazzjoni orali, it-tweġiba bil-miktub tagħha għal talba jew għal mistoqsija mill-panel u kwalunkwe dokument ieħor relatat mal-proċedimenti tal-panel, bil-lingwa magħżula tagħha. Fl-istess ħin, kull Parti għandha tipprovdi traduzzjoni fil-lingwa magħżula mill-Parti l-oħra, sakemm is-sottomissjonijiet ma jkunux miktubin f'waħda mil-lingwi ta' ħidma tad-WTO. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tagħmel l-arranġamenti għall-interpretazzjoni tas-sottomissjonijiet orali fil-lingwi magħżula mill-Partijiet.

60. Id-deċiżjonijiet u r-rapporti tal-panel għandhom jinħarġu bil-lingwa jew bil-lingwi magħżulin mill-Partijiet. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar lingwa ta' ħidma komuni, ir-rapport *interim* u r-rapport finali tal-panel għandhom jinħarġu f'waħda mil-lingwi ta' ħidma tad-WTO.

61. Parti involuta fit-tilwima tista' tipprovdi kummenti dwar l-akkuratezza tat-traduzzjoni ta' kwalunkwe verżjoni tradotta ta' dokument imfassal f'konformità ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

62. Kull Parti għandha ġġarrab il-kostijiet tat-traduzzjoni tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, il-verżjoni bil-miktub tagħha ta' dikjarazzjoni orali u t-tweġiba bil-miktub tagħha għal talba jew għal mistoqsija mill-panel, jew għal kwalunkwe dokument ieħor relatat mal-proċedimenti tal-panel. Kwalunkwe kost imġarrab għat-traduzzjoni ta' deċiżjoni jew rapport tal-panel għandu jiġġarrab b'mod ugwali bejn il-Partijiet.

Perjodi ta' Żmien

63. Meta l-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim), dawn ir-Regoli ta' Proċedura jew il-panel jeħtieġ li ssir notifika, jew li tittieħed azzjoni, qabel jew wara data jew avveniment, il-komputazzjoni ta' tali perjodu ta' żmien ma għandhiex tinkludi l-jum ta' dik id-data jew dak l-avveniment.

64. Jekk perjodu ta' żmien jiġi estiż, inkluża kwalunkwe estensjoni neċessarja minħabba raġunijiet ta' force majeure li taffettwa lil Parti, il-perjodi ta' żmien rilevanti għandhom jiġu aġġustati kif xieraq.

Proċeduri Oħrajn

65. Il-perjodi ta' żmien stabbiliti f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu aġġustati f'konformità mal-perjodi ta' żmien speċjali previsti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni jew ta' rapport mill-panel fil-proċedimenti skont l-Artikolu 31.16 (Perjodu ta' Żmien Raġonevoli), l-Artikolu 31.17 (Rieżami tal-Konformità), l-Artikolu 31.18 (Rimedji Temporanji) u l-Artikolu 31.19 (Rieżami ta' kwalunkwe Miżura meħuda għall-Konformità wara l-Adozzjoni ta' Rimedji Temporanji).

ANNESS 31-B

KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-MEMBRI TAL-PANEL U GĦALL-MEDJATURI

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet tal-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim) u ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta:

(a) "persunal amministrattiv" tfisser, fir-rigward ta' membru tal-panel, individwi taħt id-direzzjoni u l-kontroll ta' membru tal-panel, minbarra assistenti;

(b) "assistent" tfisser individwu li, skont it-termini tal-ħatra u taħt id-direzzjoni u l-kontroll ta' membru tal-panel, iwettaq riċerka jew jassisti lil dak il-membru tal-panel;

(c) "kandidat" tfisser individwu li jkun qiegħed jiġi kkunsidrat għall-għażla bħala membru tal-panel skont l-Artikolu 31.7 (Kompożizzjoni ta' Panel);

(d) "medjatur" tfisser individwu li jmexxi proċedura ta' medjazzjoni f'konformità mal-Artikolu 31.29 (Regoli tal-Proċedura ta' Medjazzjoni);

(e) "membru tal-panel" tfisser individwu li huwa membru ta' panel.

Prinċipji ta' Governanza

2. Sabiex jinżammu l-integrità u l-imparzjalità tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim, kull kandidat u kull membru tal-panel għandu:

(a) jiffamiljarizza ruħu ma' dan il-Kodiċi ta' Kondotta;

(b) ikun indipendenti u imparzjali;

(c) jevita kunflitti ta' interessi diretti jew indiretti;

(d) jevita kondotta skorretta u l-impressjoni ta' kondotta skorretta jew ta' preġudizzju;

(e) jirrispetta l-kunfidenzjalità tal-proċedimenti tal-panel;

(f) josserva standards għoljin ta' kondotta; u

(g) ma jkunx influwenzat minn interessi personali, minn pressjoni esterna, minn kunsiderazzjonijiet politiċi, mill-għagħa pubbliku, mil-lealtà lejn xi Parti jew minn biża' mill-kritika.

3. Sabiex jinżammu l-integrità u l-imparzjalità tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim, membru tal-panel ma għandux:

(a) iġarrab, b'mod dirett jew indirett, xi obbligu jew jaċċetta kwalunkwe benefiċċju li jista' bi kwalunkwe mod ifixkel, jew jidher li jfixkel, it-twettiq xieraq ta' dmirijietu;

(b) juża l-pożizzjoni tiegħu fil-panel sabiex javvanza kwalunkwe interess personali jew privat u għandu jevita azzjonijiet li jistgħu joħolqu l-impressjoni li oħrajn jinsabu f'pożizzjoni speċjali sabiex jinfluwenzawh; jew

(c) iħalli kwalunkwe relazzjoni, interess jew kwistjoni finanzjarja, tan-negozju, professjonali, familjari, personali jew soċjali, passata jew preżenti, tinfluwenza l-kondotta jew il-ġudizzju tiegħu.

4. Membru tal-panel għandu jevita li jidħol fi kwalunkwe relazzjoni jew li jakkwista kwalunkwe interess finanzjarju, li x'aktarx jaffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu jew li jista', b'mod raġonevoli, joħloq dehra ta' mġiba mhux xierqa jew ta' preġudizzju.

Obbligi ta' Divulgazzjoni

5. Qabel ma jaċċetta l-ħatra tiegħu bħala membru tal-panel skont l-Artikolu 31.7 (Kompożizzjoni ta' Panel), kandidat għandu jiddivulga kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni li x'aktarx taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu jew li tista' toħloq b'mod raġonevoli dehra ta' kondotta mhux xierqa jew ta' preġudizzju fil-proċedimenti tal-panel. Għal dak l-għan, kandidat għandu jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex isir konxju ta' kwalunkwe interess, relazzjoni u kwistjoni bħal dawn, inklużi kwalunkwe interess finanzjarju, tan-negozju, professjonali, familjari, personali jew soċjali.

6. Kandidat għandu jiddivulga, tal-anqas, l-interessi, ir-relazzjonijiet u l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) kwalunkwe interess finanzjarju jew personali tal-kandidat f'dawn:

(i) il-proċedimenti tal-panel jew l-eżitu tagħhom; u

(ii) proċedimenti amministrattivi, proċedimenti ġudizzjarji domestiċi jew proċedimenti internazzjonali oħrajn għas-soluzzjoni tat-tilwim li jinvolvu kwistjonijiet li jistgħu jiġu deċiżi fil-proċedimenti tal-panel li għalihom ikun qiegħed jiġi kkunsidrat il-kandidat;

(b) kwalunkwe interess finanzjarju tal-impjegatur, tas-sieħeb kummerċjali, tas-soċju fin-negozju jew tal-membru tal-familja tal-kandidat f'dawn:

(i) il-proċedimenti tal-panel jew l-eżitu tagħhom; u

(ii) proċedimenti amministrattivi, proċedimenti ġudizzjarji domestiċi jew proċedimenti internazzjonali oħrajn għas-soluzzjoni tat-tilwim li jinvolvu kwistjonijiet li jistgħu jiġu deċiżi fil-proċedimenti tal-panel li għalihom ikun qiegħed jiġi kkunsidrat il-kandidat;

(c) kwalunkwe relazzjoni, interess jew kwistjoni finanzjarja, tan-negozju, professjonali, familjari, personali jew soċjali, passata jew eżistenti, ma' kwalunkwe parti interessata fil-proċedimenti tal-panel, jew mal-konsulent tagħha, jew kwalunkwe tali relazzjoni, interess jew kwistjoni li tinvolvi impjegatur, sieħeb tan-negozju, soċju fin-negozju jew membru tal-familja ta' kandidat; u

(d) il-promozzjoni pubblika jew ir-rappreżentanza legali jew rappreżentanza oħra dwar kwistjoni f'tilwima fil-proċedimenti tal-panel jew li tinvolvi l-istess oġġetti, servizzi jew investimenti.

7. Ladarba jinħatar, membru tal-panel għandu jkompli jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex isir jaf bi kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni msemmija fil-paragrafu 5 u għandu jiddivulgah. L-obbligu ta' divulgazzjoni skont il-paragrafu 5 huwa dmir kontinwu li jirrikjedi li membru tal-panel jiddivulga kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni bħal din li tista' tinqala' matul kwalunkwe stadju tal-proċedimenti tal-panel.

8. Kandidat jew membru tal-panel għandu jikkomunika lill-Partijiet, għall-kunsiderazzjoni minnhom, kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna ksur attwali jew potenzjali ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta mill-aktar fis possibbli malli jsir jaf biha.

9. Il-komunikazzjonijiet kollha għandhom jiġu indirizzati lill-uffiċċji ddeżinjati mill-Partijiet skont l-Artikolu 31.36 (Amministrazzjoni tal-Proċedura ta' Soluzzjoni tat-Tilwim).

Dmirijiet tal-Membri tal-Panel

10. Wara l-aċċettazzjoni tal-ħatra, membru tal-panel għandu jkun disponibbli sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu u għandu jwettaqhom fil-fond u malajr matul il-proċedimenti, u b'mod ġust u b'diliġenza.

11. Membru tal-panel għandu jikkunsidra biss dawk il-kwistjonijiet imqajmin fil-proċedimenti tal-panel u li jitqiesu neċessarji sabiex tittieħed deċiżjoni u ma għandux jiddelega dak id-dmir lil xi persuna oħra.

12. L-esperti, l-assistenti u l-persunal amministrattiv għandhom jikkonformaw mal-obbligi tal-membri tal-panel skont il-paragrafi 2 sa 13 u 16 sa 18. F'dak ir-rigward, membru tal-panel għandu jieħu l-miżuri raġonevoli u l-passi neċessarji kollha sabiex jiżgura li jkun konxju ta' tali obbligi, u jikkonforma magħhom.

13. Membru tal-panel ma għandu jidħol fl-ebda kuntatti *ex parte*, kif imsemmi fir-Regoli 51 u 52 tar-Regoli tal-Proċedura fl-Anness 31-A, dwar il-proċedimenti tal-panel.

Obbligi ta' eks Membri tal-Panel

14. Eks membru tal-panel għandu jevita azzjonijiet li jistgħu joħolqu dehra li kellu preġudizzji fit-twettiq ta' dmirijietu jew li ħa vantaġġ mid-deċiżjoni tal-panel.

15. Eks membru tal-panel għandu jikkonforma mal-obbligi fil-paragrafi 16 sa 18.

Kunfidenzjalità

16. Membru tal-panel ma għandux, fi kwalunkwe ħin, jiddivulga xi informazzjoni mhux pubblika li tikkonċerna l-proċedimenti jew li akkwista waqt proċedimenti li għalihom kien inħatar. Membru tal-panel ma għandux, fi kwalunkwe każ, jiddivulga jew juża informazzjoni bħal din sabiex jikseb vantaġġ personali jew vantaġġ għal oħrajn, jew sabiex jaffettwa b'mod negattiv l-interess ta' oħrajn.

17. Membru tal-panel ma għandux jiddivulga rapport jew deċiżjoni tal-panel jew partijiet minnha qabel il-pubblikazzjoni tagħha f'konformità mal-Kapitolu 31 (Soluzzjoni tat-Tilwim).

18. Membru tal-panel ma għandux, fi kwalunkwe ħin, jiddivulga d-deliberazzjonijiet tal-panel, jew l-opinjoni tal-panel, u lanqas ma għandu jagħmel kwalunkwe dikjarazzjoni dwar il-proċedimenti li għalihom ikun inħatar jew dwar il-kwistjonijiet f'tilwima fil-proċedimenti. Jekk il-panel jiddeċiedi b'vot ta' maġġoranza, membru tal-panel ma għandux jiżvela liema membru jew membri tal-panel huma assoċjati mal-opinjonijiet tal-maġġoranza jew tal-minoranza fi proċediment tal-panel.

Spejjeż

19. Kull membru tal-panel għandu jżomm rekords u jagħti rendikont finali tal-ħin dedikat għall-proċedimenti u tal-ispejjeż tiegħu, kif ukoll tal-ħin u tal-ispejjeż tal-assistenti u tal-persunal amministrattiv tiegħu.

Medjaturi

20. Dan il-Kodiċi ta' Kondotta japplika għall-medjaturi, *mutatis mutandis*.

ANNESS I

MIŻURI EŻISTENTI

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-lista ta' Parti fl-appendiċijiet għal dan l-Anness tistabbilixxi, skont l-Artikoli 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet) u 11.8 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet), il-miżuri eżistenti ta' dik il-Parti li ma jikkonformawx mal-obbligi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-Artikoli 10.7 (Trattament Nazzjonali) u 11.6 (Trattament Nazzjonali);

(b) L-Artikoli 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) u 11.7 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit);

(c) L-Artikolu 10.9 (Rekwiżiti tal-Prestazzjoni);

(d) L-Artikolu 10.10 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi); jew

(e) L-Artikolu 11.5 (Preżenza Lokali).

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "CMAP" tfisser, in-numri tal-Klassifikazzjoni Messikana tal-Attivitajiet u tal-Prodotti (Clasificación Mexicana de Actividades y Productos) kif stabbiliti mill-Istitut Nazzjonali għall-Istatistika u għall-Ġeografija (Instituto Nacional de Estadística y Geografía) fil-Klassifikazzjoni Messikana tal-Attivitajiet u tal-Prodotti (Clasificación Mexicana de Actividades y Productos), 1994;

(b) "CPC" tfisser in-numri tal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbiliti fi Statistical Office of the United Nations, Statistical Papers, Series M, Nru 77, Provisional Central Product Classification, 1991; u

(c) "ISIC" tfisser in-numri tal-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbiliti fi Statistical Office of the United Nations, Statistical Papers, Series M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002.

3. Il-lista ta' Parti hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

4. Kull entrata fil-lista tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "Settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) "Subsettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir l-entrata;

(c) "Klassifikazzjoni tal-Industrija" tirreferi, jekk applikabbli, għall-attività koperta mill-miżura mhux konformi skont is-CMAP, is-CPC jew l-ISIC;

(d) "Obbligi Kkonċernati" tispeċifika l-obbligi msemmijin fil-paragrafu 1 li, skont l-Artikoli 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet) u 11.8 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet), ma japplikawx għall-miżuri elenkati fl-entrata;

(e) "Livell tal-Gvern" tindika l-livell tal-gvern li jżomm il-miżuri speċifikati;

(f) "Miżuri" tidentifika l-liġijiet, ir-regolamenti jew miżuri oħrajn, kif kwalifikati, meta indikati, mill-element ta' "deskrizzjoni", li għalihom issir l-entrata; miżura ċċitata fl-element "miżuri":

(i) tfisser il-miżura kif emendata, issoktata jew imġedda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(ii) tinkludi kwalunkwe miżura subordinata adottata jew miżmuma taħt l-awtorità tal-miżura u konsistenti mal-miżura; u

(iii) tinkludi, għall-Unjoni Ewropea, direttivi u kwalunkwe liġi, regolament jew miżura oħra li timplimenta d-Direttiva rilevanti fil-livell tal-Istati Membri; u

(g) "Deskrizzjoni" jew tistabbilixxi l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti jew tipprovdi deskrizzjoni ġenerali mhux vinkolanti tal-miżura li għaliha ssir l-entrata.

5. Fl-interpretazzjoni ta' entrata, l-elementi kollha ta' dik l-entrata għandhom jiġu kkunsidrati. Entrata għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-artikoli li għalihom jirreferu l-"obbligi kkonċernati" f'dik l-entrata.

6. L-element "miżura" jipprevali fuq elementi oħrajn, sakemm ma jkunx hemm diskrepanza bejn l-element tal-"miżura" u l-elementi l-oħrajn ikkunsidrati fit-totalità tagħhom tant tkun sostanzjali u materjali li ma jkunx raġonevoli li jiġi konkluż li l-element "miżura" jipprevali, f'liema każ l-elementi l-oħrajn jipprevalu sal-punt ta' dik id-diskrepanza.

7. Riżerva miżmuma fil-livell tal-Unjoni Ewropea tapplika għal miżura tal-Unjoni Ewropea u ta' Stat Membru fil-livell nazzjonali kif ukoll għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm ir-riżerva ma teskludix Stat Membru.

8. Riżerva miżmuma fil-livell nazzjonali tal-Messiku jew ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak il-pajjiż.

9. L-Artikoli 11.5 (Preżenza Lokali) u 11.6 (Trattament Nazzjonali) huma dixxiplini separati, u miżura li ma tikkonformax esklużivament mal-Artikolu 11.5 (Preżenza Lokali), ma teħtieġx li tkun riżervata skont l-Artikolu 11.6 (Trattament Nazzjonali).

10. Jekk Parti żżomm miżura li tirrikjedi li fornitur ta' servizz ikun persuna fiżika, ċittadin, resident permanenti, jew residenti fit-territorju tagħha, jew li jkun domiċiljat fiha bħala kundizzjoni għall-forniment ta' servizz fit-territorju tagħha, riżerva għal dik il-miżura meħuda fir-rigward ta' obbligu msemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-Kapitolu 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi) għandha topera bħala riżerva fir-rigward ta' obbligu msemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-Kapitolu 10 (Investiment), f'dak li għandu x'jaqsam ma' dik il-miżura.

11. Il-lista ta' Parti ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri ta' kwalifika, u mal-istandards tekniċi u mar-rekwiżiti u mal-proċeduri ta' liċenzjar li ma jikkostitwixxux limitazzjoni tat-trattament nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali) jew 11.6 (Trattament Nazzjonali), jew limitazzjoni ta' aċċess għas-suq skont it-tifsira tal-Artikolu 10.6 (Aċċess għas-Suq) jew 11.4 (Aċċess għas-Suq). Dawk il-miżuri, bħar-rekwiżit li wieħed ikollu liċenzja, l-obbligi ta' servizz universali, ir-rekwiżit li wieħed ikollu kwalifiki rikonoxxuti f'setturi regolati, ir-rekwiżit li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, li jistgħu jinkludu eżamijiet tal-lingwa, u kwalunkwe rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma għandhomx jitwettqu f'żoni protetti, anke jekk ma jkunux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ.

12. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fil-lista tal-Unjoni Ewropea:

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju [1]

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Iċ-Ċekja

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

EE L-Estonja

ŻEE Iż-Żona Ekonomika Ewropea

EL Il-Greċja

ES Spanja

UE L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha

FI Il-Finlandja [2]

FR Franza

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

[1] Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u tal-komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti.

[2] Għall-finijiet tar-riżervi tal-Finlandja, livell reġjonali ta' gvern tfisser il-Gżejjer Åland.

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

LV Il-Latvja

MT Malta

NL In-Netherlands

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SE L-Iżvezja

SI Is-Slovenja

SK Is-Slovakkja

13. Għal ċertezza akbar, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li jingħata lil persuni fiżiċi jew lil intrapriżi tal-Messiku t-trattament mogħti fi Stat Membru lill-persuni fiżiċi jew intrapriżi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"TFUE"), jew skont kwalunkwe miżura adottata skont it-TFUE, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri. Skont it-TFUE, dak it-trattament jingħata biss lil intrapriżi kostitwiti jew organizzati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali ta' negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea, inklużi dawk l-intrapriżi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea li jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi jew intrapriżi tal-Messiku jew li jkunu kkontrollati minn dawn tal-aħħar.

14. Għall-finijiet tal-lista tal-Messiku:

(a) "CFE" tfisser il-Kummissjoni Federali tal-Elettriku (Comisión Federal de Electricidad);

(b) "CNIE" tfisser il-Kummissjoni Nazzjonali dwar l-Investimenti Barranin (Comisión Nacional de Inversiones Extranjeras);

(c) "CNE" tfisser il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Enerġija (Comisión Nacional de Energía);

(d) "konċessjoni" tfisser awtorizzazzjoni mogħtija mill-Messiku lil persuna sabiex tuża riżorsa naturali jew tipprovdi servizz, li għalih iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku jingħataw prijorità fuq il-barranin;

(e) "klawżola ta' esklużjoni għall-barranin" tfisser il-ftehim jew il-patt espress li jifforma parti integrali mill-istatuti ta' intrapriża, li jistabbilixxi li l-intrapriża ma għandhiex taċċetta, direttament jew indirettament, investituri jew intrapriżi barranin bi klawżola ta' ammissjoni għall-barranin bħala sħab jew azzjonisti tal-intrapriża;

(f) "PEMEX" tfisser Petróleos Mexicanos;

(g) "SAGARPA" tfisser il-Ministeru għall-Agrikoltura, il-Bhejjem, l-Iżvilupp Rurali, is-Sajd u l-Ikel (Secretaría de Agricultura, Ganadería, Desarrollo Rural, Pesca, y Alimentación);

(h) "SCT" tfisser il-Ministeru għall-Komunikazzjonijiet u t-Trasport (Secretaría de Comunicaciones y Transportes);

(i) "SE" tfisser il-Ministeru għall-Ekonomija (Secretaría de Economía); u

(j) "SENER" tfisser il-Ministeru għall-Enerġija (Secretaría de Energía).

15. Għal aktar ċertezza, għall-finijiet tal-lista tal-Messiku, it-termini "Nazzjon" u "Stat" ifissru l-Messiku.

Appendiċi I-A

RIŻERVI GĦALL-MIŻURI EŻISTENTI

LISTA TAL-UE

Lista ta' riżervi:

I-UE-1 – Is-setturi kollha

I-UE-2 – Servizzi Professjonali (il-professjonijiet kollha minbarra dawk relatati mas-saħħa)

I-UE-3 – Servizzi Professjonali (professjonijiet relatati mas-saħħa u bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi)

I-UE-4 – Servizzi ta' Riċerka u ta' Żvilupp

I-UE-5 – Servizzi ta' Proprjetà Immobbli

I-UE-6 – Servizzi tan-Negozju

I-UE-7 – Servizzi ta' Kostruzzjoni

I-UE-8 – Servizzi ta' Distribuzzjoni

I-UE-9 – Servizzi tal-Edukazzjoni

I-UE-10 – Servizzi Ambjentali

I-UE-11 – Servizzi tas-Saħħa u Servizzi Soċjali

I-UE-12 – Servizzi relatati mat-Turiżmu u mal-Ivvjaġġar

I-UE-13 – Servizzi Rikreazzjonali, Kulturali u Sportivi

I-UE-14 – Servizzi tat-Trasport u Servizzi Awżiljarji għas-Servizzi tat-Trasport

I-UE-15 – Agrikoltura, sajd u manifattura

I-UE-16 – Attivitajiet relatati mal-enerġija

I-UE-1 – Is-setturi kollha

Settur – Subsettur:	Is-setturi kollha
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Preżenza Lokali
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Tip ta' stabbiliment

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fl-UE: It-trattament mogħti skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "TFUE") lil intrapriżi fformati f'konformità mad-dritt tal-UE jew mal-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali ta' negozju tagħhom fl-UE, inklużi dawk stabbiliti fl-Istati Membri minn investituri tal-Messiku, ma jingħatax lil fergħat jew lil aġenziji ta' intrapriżi stabbiliti barra mill-UE.

It-trattament mogħti lil intrapriżi fformati minn investituri tal-Messiku f'konformità mad-dritt tal-UE jew mal-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali ta' negozju tagħhom fl-UE, huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni jew obbligu, konsistenti mal-Kapitolu 10 (Investiment), li seta' ġie impost fuq dawk l-intrapriżi meta ġew stabbiliti fl-UE u li għandhom ikomplu japplikaw.

Miżuri: L-UE: it-TFUE.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

L-UE (tapplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Kwalunkwe Stat Membru, meta jbigħ jew jiddisponi mill-interessi ta' ekwità tiegħu f'intrapriża tal-Istat eżistenti jew minn entità governattiva eżistenti li tipprovdi servizzi tas-saħħa, soċjali jew edukattivi (CPC 93, 92), jew mill-assi tagħha, jista' jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' dawk l-interessi jew l-assi, u fuq l-abbiltà tas-sidien ta' dawk l-interessi u l-assi li jikkontrollaw kwalunkwe intrapriża li tirriżulta, minn investituri tal-Messiku jew l-investimenti tagħhom. Fir-rigward ta' dak il-bejgħ jew disponiment ieħor, kwalunkwe Stat Membru jista' jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata man-nazzjonalità tal-maniġment superjuri jew tal-membri tal-bordijiet tad-diretturi.

Għall-finijiet ta' din ir-riżerva:

(a) kwalunkwe miżura miżmuma jew adottata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li, fi żmien il-bejgħ jew disponiment ieħor, tipprojbixxi jew timponi limitazzjoni fuq is-sjieda tal-interessi ta' ekwità jew tal-assi jew timponi rekwiżiti ta' nazzjonalità kif deskritti f'din ir-riżerva għandha titqies bħala miżura eżistenti; u

(b) "intrapriża tal-Istat" tfisser intrapriża proprjetà tal-Messiku, jew ikkontrollata permezz ta' interessi proprjetarji minn kwalunkwe Stat Membru u tinkludi intrapriża stabbilita wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim unikament għall-finijiet ta' bejgħ jew ta' disponiment ta' interessi ta' ekwità f'intrapriża tal-Istat jew f'entità tal-gvern eżistenti, jew tal-assi tagħha.

Miżuri:

Kif stabbilit fl-element ta' deskrizzjoni ta' hawn fuq.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fl-Awstrija: Għall-operat ta' fergħa, il-korporazzjonijiet mhux taż-ŻEE jeħtiġilhom jaħtru tal-anqas persuna waħda responsabbli għar-rappreżentanza tagħhom li tkun residenti l-Awstrija. L-eżekuttivi (diretturi maniġerjali) responsabbli għall-osservanza tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Awstrija (Gewerbeordnung) jeħtiġilhom ikunu domiċiljati l-Awstrija.

Miżuri:

AT: Aktiengesetz, BGBL. Nru 98/1965, § 254 (2);

GmbH-Gesetz, RGBL. Nru 58/1906, § 107 (2); u

Gewerbeordnung, BGBL. Nru 194/1994, § 39 (2a).

Fl-Estonja: Kumpanija barranija għandha taħtar direttur jew diretturi għal fergħa. Direttur ta' fergħa għandu jkun persuna fiżika b'kapaċità ġuridika attiva. Ir-residenza ta' mill-anqas direttur wieħed ta' fergħa għandha tkun fiż-ŻEE jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera.

Miżuri:

EE: Äriseadustik (Kodiċi tal-Kummerċ) § 385.

Fil-Finlandja: Tal-anqas wieħed mis-sħab fi sħubija ġenerali jew mis-sħab ġenerali fi sħubija limitata għandu jkollu residenza fiż-ŻEE jew, jekk is-sieħeb ikun persuna ġuridika, ikun domiċiljat (ma tkun permessa l-ebda fergħa) fiż-ŻEE. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-awtorità tar-reġistrazzjoni.

Sabiex jitwettaq negozju bħala imprenditur privat, hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE.

Jekk organizzazzjoni barranija minn pajjiż barra miż-ŻEE jkollha l-ħsieb li twettaq negozju jew kummerċ billi tistabbilixxi fergħa l-Finlandja, ikun meħtieġ permess ta' negozju.

Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għal tal-anqas wieħed mill-membri ordinarji u għal wieħed mill-membri deputati tal-bord tad-diretturi u għad-direttur maniġerjali. L-eżenzjonijiet għall-kumpaniji jistgħu jingħataw mill-awtorità tar-reġistrazzjoni.

Miżuri:

FI: Laki elinkeinon harjoittamisen oikeudesta (l-Att dwar id-Dritt ta' Twettiq ta' Negozju) (122/1919), s. 1;

Osuuskuntalaki (l-Att dwar il-Kooperattivi) 1488/2001;

Osakeyhtiölaki (l-Att dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata) (624/2006); u

Laki luottolaitostoiminnasta (l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) (121/2007).

Fl-Iżvezja: Kumpanija barranija, li ma tkunx stabbiliet entità ġuridika l-Iżvezja jew li tkun qiegħda twettaq in-negozju tagħha permezz ta' aġent kummerċjali, għandha twettaq l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha permezz ta' fergħa, irreġistrata l-Iżvezja, b'maniġment indipendenti u b'kontijiet separati. Id-direttur maniġerjali u l-viċi direttur maniġerjali tal-fergħa, jekk jinħatru, għandhom jirrisjedu fiż-ŻEE. Persuna fiżika li ma hijiex residenti fiż-ŻEE li twettaq operazzjonijiet kummerċjali fl-Iżvezja, għandha taħtar u tirreġistra rappreżentant residenti responsabbli għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. Għandhom jinżammu kontijiet separati għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-fergħa u tar-residenza f'każijiet individwali. Proġetti ta' bini b'durata ta' anqas minn sena mwettqa minn kumpanija li tinsab jew minn persuna fiżika li tirrisjedi barra miż-ŻEE huma eżentati mir-rekwiżiti li jistabbilixxu fergħa jew li jaħtru rappreżentant residenti.

Kumpanija Żvediża b'responsabbiltà limitata tista' tiġi stabbilita minn persuna fiżika residenti fiż-ŻEE, minn persuna ġuridika Żvediża jew minn persuna ġuridika li ġiet ifformata skont il-leġiżlazzjoni fi Stat fiż-ŻEE u li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha, il-kwartieri ġenerali jew post prinċipali ta' negozju fiż-ŻEE. Shubija tista' tkun fundatur, biss jekk is-sidien kollha b'responsabbiltà personali mhux limitata jkunu residenti fiż-ŻEE. Il-fundaturi barra miż-ŻEE jistgħu japplikaw għal permess mill-awtorità kompetenti.

Għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata u għal assoċjazzjonijiet ekonomiċi tal-kooperattivi, tal-anqas 50 % tal-membri tal-bord tad-diretturi, tal-anqas 50 % tad-deputati membri tal-bord, id-direttur maniġerjali, il-viċi direttur maniġerjali u tal-anqas waħda mill-persuni awtorizzati jiffirmaw għall-kumpanija, jekk ikun hemm, għandhom ikunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjonijiet minn dan ir-rekwiżit. Jekk ħadd mir-rappreżentanti tal-kumpanija jew tas-soċjetà ma jkun jirrisjedi l-Iżvezja, il-bord jeħtieġlu jaħtar u jirreġistra persuna residenti l-Iżvezja, li tkun ġiet awtorizzata li tirċievi notifiki f'isem il-kumpanija jew is-soċjetà.

Il-kundizzjonijiet korrispondenti japplikaw għall-istabbiliment tat-tipi l-oħrajn kollha ta' entitajiet ġuridiċi.

Miżuri:

SE: Lag om utländska filialer m.m (l-Att dwar l-Uffiċċji ta' Fergħat Barranin) (1992:160);

Aktiebolagslagen (l-Att dwar il-Kumpaniji) (2005:551);

L-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet Ekonomiċi Kooperattivi (1987:667); u

L-Att dwar ir-Raggruppamenti ta' Interess Ekonomiku Ewropew (1994:1927).

Fis-Slovakkja: Persuna fiżika barranija li isimha jkun se jiġi rreġistrat fir-Reġistru Kummerċjali bħala persuna awtorizzata sabiex taġixxi f'isem l-imprenditur hija meħtieġa tissottometti permess ta' residenza għas-Slovakkja.

Miżuri:

SK: L-Att Nru 513/1991 dwar il-Kodiċi tal-Kummerċ (§ 21); u

L-Att Nru 404/2011 dwar ir-Residenza ta' Barranin (§ § 22 u 32).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali

Fil-Bulgarija: Persuni ġuridiċi barranin, sakemm ma jkunux stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Membru taż-ŻEE, jistgħu jwettqu negozju u jwettqu attivitajiet jekk ikunu stabbiliti l-Bulgarija fil-forma ta' kumpanija rreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali. L-istabbiliment ta' fergħat huwa soġġett għal awtorizzazzjoni.

L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intrapriżi barranin għandhom ikunu rreġistrati mal-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija tal-Bulgarija u ma jistgħux jieħdu sehem f'attività ekonomika iżda huma intitolati biss jirreklamaw is-sid tagħhom u jaġixxu bħala rappreżentanti jew aġenti.

Miżuri:

BG: Il-Liġi Kummerċjali, l-Artikolu 17a; u

Il-Liġi għat-Tħeġġiġ tal-Investimenti, l-Artikolu 24.

Fil-Polonja: L-ambitu tal-operazzjonijiet ta' uffiċċju rappreżentattiv għandu jinkludi biss ir-reklamar u l-promozzjoni tal-kumpanija omm barranija rrappreżentata mill-uffiċċju. Għas-setturi kollha minbarra s-servizzi legali, l-investituri mhux tal-UE jistgħu jwettqu u jmexxu attività ekonomika biss fil-forma ta' sħubija limitata, ta' sħubija limitata b'ishma konġunti, ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, u ta' kumpanija b'ishma konġunti, filwaqt li l-kumpaniji domestiċi għandhom aċċess ukoll għall-forom ta' kumpaniji ta' sħubija mhux kummerċjali (sħubija ġenerali u sħubija b'responsabbiltà illimitata).

Miżuri:

PL: L-Att tas-6 ta' Marzu 2018 dwar ir-regoli rigward l-attività ekonomika ta' intraprendituri barranin u ta' persuni barranin oħrajn fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni:

Fil-Bulgarija: Kumpaniji stabbiliti jistgħu jimpjegaw ċittadini ta' pajjiżi terzi biss għal karigi li għalihom ma jkun hemm l-ebda rekwiżit għal nazzjonalità Bulgara. In-numru totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi impjegati minnhom matul l-aħħar 12-il xahar ma għandux jaqbeż l-20 % (35 % għall-intrapriżi żgħar u medji) tan-numru medju ta' ċittadini Bulgari, ta' ċittadini ta' Stati Membri oħrajn, tal-Istati li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera impjegati b'kuntratt ta' impjieg. L-impjegatur jeħtieġlu juri wkoll li ma hemm l-ebda ħaddiem Bulgaru, tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera xieraq għall-kariga rispettiva billi jwettaq test tas-suq tax-xogħol qabel ma jimpjega ċittadini ta' pajjiżi terzi. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jistgħux jiġu impjegati għal karigi li jeħtieġu n-nazzjonalità Bulgara.

Għal ħaddiema bi kwalifiki għoljin, staġunali u ppostjati, kif ukoll għal ħaddiema bi trasferiment intraażjendali, għal riċerkaturi u għal studenti, ma hemm l-ebda limitazzjoni fuq in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu għal kumpanija waħda. F'dawn il-każijiet, ma jkun meħtieġ l-ebda test tas-suq tax-xogħol.

Miżuri:

BG: L-Att dwar il-Migrazzjoni u l-Mobilità tal-Forza tax-Xogħol.

(b) Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fl-Awstrija (japplika għal-livell reġjonali tal-gvern): L-akkwiżizzjoni, ix-xiri u l-kiri jew il-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u intrapriżi mhux tal-UE teħtieġ awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti (Länder). L-awtorizzazzjoni tingħata biss jekk l-akkwiżizzjoni titqies li tkun fl-interess pubbliku (b'mod partikolari ekonomiku, soċjali u kulturali).

Miżuri:

AT: Burgenländisches Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 25/2007;

Kärntner Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 9/2004;

NÖ Grundverkehrsgesetz, LGBL. 6800;

OÖ Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 88/1994;

Salzburger Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 9/2002;

Steiermärkisches Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 134/1993;

Tiroler Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 61/1996;

Voralberger Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 42/2004; u

Wiener Ausländergrundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 11/1998.

F'Ċipru: Iċ-ċittadini jew il-persuni ta' oriġini Ċiprijotta, kif ukoll iċ-ċittadini ta' Stat Membru, jitħallew jakkwistaw kwalunkwe proprjetà f'Ċipru mingħajr restrizzjonijiet. Barrani ma għandux jakkwista, b'xi mod ieħor għajr *mortis causa*, xi beni immobbli mingħajr ma jikseb permess mill-Kunsill tal-Ministri. Għall-barranin, meta l-akkwiżizzjoni ta' beni immobbli taqbeż il-limitu neċessarju għall-istabbiliment tal-bini għal dar jew ta' bejt professjonali, jew inkella taqbeż il-limitu ta' żewġ donums (2 676 metru kwadru), kwalunkwe permess mogħti mill-Kunsill tal-Ministri għandu jkun soġġett għat-termini, għal-limitazzjonijiet, għall-kundizzjonijiet u għall-kriterji li stabbiliti bir-Regolamenti adottati mill-Kunsill tal-Ministri u approvati mill-Kamra tar-Rappreżentanti. Barrani huwa kwalunkwe persuna li ma hijiex ċittadin ta' Ċipru, inkluża kumpanija kkontrollata minn barra l-pajjiż. It-terminu ma jinkludix barranin ta' oriġini Ċiprijotta jew konjuġi mhux Ċiprijotti ta' ċittadini ta' Ċipru.

Miżuri:

CY: Il-Liġi dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Beni Immobbli (Barranin) (il-Kapitolu 109), kif emendata bil-liġijiet numri 52 tal-1969, 55 tal-1972, 50 tal-1990, 54(I) tal-2003 u 161(I)/2011.

Fiċ-Ċekja: Ir-raba' u l-art forestali jistgħu jiġu akkwiżiti minn persuni fiżiċi barranin li għandhom residenza permanenti ċ-Ċekja u minn intrapriżi stabbiliti ċ-Ċekja. Japplikaw regoli speċifiċi għar-raba' u għall-art forestali taħt is-sjieda tal-Istat. Ir-raba' tal-Istat jista' jiġi akkwiżit biss minn ċittadini, minn muniċipalitajiet u minn universitajiet pubbliċi (għat-taħriġ u r-riċerka) taċ-Ċekja. Il-persuni ġuridiċi (irrispettivament mill-forma jew mill-post ta' residenza) jistgħu jakkwistaw raba' tal-Istat mill-Istat biss jekk bini, li diġà jkun proprjetà tagħhom, jinbena fuqu jew jekk din l-art tkun indispensabbli għall-użu ta' dak il-bini. Il-muniċipalitajiet u l-universitajiet pubbliċi biss jistgħu jakkwistaw foresti tal-Istat.

Miżuri:

CZ: L-Att Nru 95/1999 Ġabra (dwar il-Kundizzjonijiet relatati mat-trasferiment ta' raba' u ta' foresti mis-sjieda tal-Istat għas-sjieda ta' entitajiet oħrajn); u

L-Att Nru 503/2012, Ġabra, dwar l-Uffiċċju tal-Istat għall-Artijiet.

Fid-Danimarka: F'konformità mal-Att Daniż dwar l-Akkwiżizzjonijiet, persuna fiżika li ma hijiex residenti d-Danimarka, jew li ma kinitx residenti d-Danimarka fil-passat għal perjodu totali ta' 5 snin, għandha tikseb permess mill-Ministeru għall-Ġustizzja sabiex takkwista proprjetà immobbli. Iċ-ċittadini tal-UE u taż-ŻEE li jixtiequ jibdew jirrisjedu sabiex jaħdmu, jistabbilixxu negozju, jew jipprovdu servizzi fid-Danimarka ma għandhomx bżonn jiksbu permess sabiex jixtru proprjetà immobbli għal dawk l-għanijiet. L-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli għal skopijiet ta' rikreazzjoni (it-tieni dar) teħtieġ permess sakemm ix-xerrej individwali ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' residenza stabbilit fl-Att dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Proprjetà Immobbli. Huwa meħtieġ permess mill-Ministeru tat-Tripartitiku Ekoloġiku għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli agrikola għal persuni fiżiċi jew għal persuni ġuridiċi bbażati barra mill-UE (u ż-ŻEE).

Miżuri:

DK: L-Att Daniż dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Proprjetà Immobbli (l-Att ta' Konsolidazzjoni Nru 265 tal-21 ta' Marzu 2014 dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Proprjetà Immobbli);

L-Ordni Eżekuttiva ta' Akkwiżizzjoni (l-Ordni Eżekuttiva Nru 764 tat-18 ta' Settembru 1995); u

L-Att dwar l-Azjendi Agrikoli (l-Att ta' Konsolidazzjoni Nru 116 tas-6 ta' Frar 2020).

Fil-Greċja: Għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi barranin, huwa meħtieġ l-permess diskrezzjonali mill-Ministeru għad-Difiża għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli fir-reġjuni tal-fruntiera jew direttament jew permezz tal-parteċipazzjoni fl-ekwità f'kumpanija li ma hijiex elenkata fil-Borża Griega u li għandha proprjetà immobbli f'dawk ir-reġjuni, jew kwalunkwe bidla fil-persuni tal-azzjonisti ta' dik il-kumpanija.

Miżuri:

EL: Il-Liġi 1892/1990, kif emendata bl-Artikolu 114 tal-Liġi 3978/2011, flimkien – f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni – mad-deċiżjoni ministerjali 110/3/330340/Σ.120/7-4-14 tal-Ministeru għad-Difiża.

Fil-Kroazja: Il-kumpaniji barranin jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli għall-provvista ta' servizzi biss jekk ikunu stabbiliti u inkorporati l-Kroazja bħala persuni ġuridiċi. L-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli neċessarja għall-provvista ta' servizzi minn fergħat teħtieġ l-approvazzjoni tal-Ministeru għall-Ġustizzja. Raba' ma għandux jiġi akkwistat minn barranin.

Miżuri:

HR: Il-Liġi dwar il-Pussess u Drittijiet Materjali Oħrajn (OG 91/96, 68/98, 137/99, 22/00, 73/00, 114/01, 79/06, 141/06, 146/08, 38/09 i 153/09, 143/12, 152/14); L-Att dwar ir-Raba' (OG 152/08, 25/09, 153/09, 21/10, 31/11 u 63/11), (OG 39/13, 48/15), l-Artikolu 2;

L-Att dwar is-Sjieda u Drittijiet ta' Proprjetà Oħrajn, l-Artikoli 354 sa 358.b; u

L-Att dwar ir-Raba' u l-Att dwar il-Proċedura Amministrattiva Ġenerali. (OG 47/09).

Fl-Ungerija: Ix-xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni mhux residenti huwa soġġett għall-kisba ta' awtorizzazzjoni mill-awtorità amministrattiva xierqa responsabbli għall-post ġeografiku tal-proprjetà.

Miżuri:

HU: Id-Digriet tal-Gvern Nru 251/2014 (X.2.) dwar l-Akkwiżizzjoni minn Ċittadini Barranin ta' Proprjetà Immobbli minbarra Art Użata għal Finijiet Agrikoli jew ta' Forestrija, l-Att LXXVIII tal-1993 (il-Paragrafu 1/A).

F'Malta: Persuni mhux ċittadini ta' Stat Membru ma għandhomx jakkwistaw beni immobbli għal finijiet kummerċjali. Il-kumpaniji b'25 % (jew aktar) ta' parteċipazzjoni azzjonarja mhux tal-UE għandhom jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti (il-Ministru responsabbli għall-Finanzi) sabiex jixtru beni immobbli għal finijiet kummerċjali jew ta' negozju. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina jekk l-akkwiżizzjoni proposta tirrappreżentax benefiċċju nett għall-ekonomija Maltija.

Miżuri:

MT: L-Att dwar l-Akkwist ta' Beni Immobbli minn Persuni Mhux Residenti (Kap. 246); u

Il-Protokoll Nru 6 tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-UE dwar l-akkwist ta' residenzi sekondarji f'Malta.

Fil-Polonja: L-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli, diretta u indiretta, minn barranin, teħtieġ permess. Permess jinħareġ permezz ta' deċiżjoni amministrattiva minn ministru kompetenti fl-affarijiet interni, bil-kunsens tal-Ministru għad-Difiża Nazzjonali, u fil-każ ta' proprjetà immobbli agrikola bil-kunsens ukoll tal-Ministru għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.

Miżuri:

PL: Il-Liġi tal-24 ta' Marzu 1920 dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Proprjetà Immobbli minn Barranin (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2016, il-punt 1061 kif emendat).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fil-Latvja: L-akkwiżizzjoni ta' art urbana minn ċittadini tal-Messiku hija permessa permezz ta' kumpaniji inkorporati reġistrati l-Latvja jew fi Stati Membri oħrajn:

(a) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom ikun proprjetà ta' ċittadini tal-Istati Membri, tal-Gvern tal-Latvja jew ta' muniċipalità, separatament jew f'daqqa;

(b) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom ikun proprjetà ta' persuni fiżiċi u ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi li magħhom il-Latvja tkun ikkonkludiet ftehimiet bilaterali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti u li jkunu ġew approvati mill-Parlament tal-Latvja qabel il-31 ta' Diċembru 1996;

(c) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom ikun fil-pussess ta' persuni fiżiċi u ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi li magħhom il-Latvja tkun ikkonkludiet ftehimiet bilaterali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti wara l-31 ta' Diċembru 1996, jekk f'dawk il-ftehimiet ikunu ġew iddeterminati d-drittijiet tal-persuni fiżiċi u tal-kumpaniji Latvjani fuq l-akkwiżizzjoni tal-art fil-pajjiż terz rispettiv;

(d) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom ikun fil-pussess ta' persuni minn (a) sa (c) f'daqqa; jew

(e) li huma kumpaniji pubbliċi b'ishma konġunti, jekk l-ishma tagħhom ikunu elenkati fil-borża.

Meta l-Messiku jippermetti liċ-ċittadini u lill-intrapriżi tal-Latvja jixtru proprjetà immobbli urbana fit-territorji tiegħu, il-Latvja tippermetti liċ-ċittadini u lill-intrapriżi tal-Messiku jixtru proprjetà immobbli urbana fil-Latvja bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Latvja.

Miżuri:

LV: Il-liġi dwar ir-riforma tal-art fil-bliet tar-Repubblika tal-Latvja, l-Artikoli 20 u 21.

Fir-Rumanija: Ċittadini barranin, persuni apolidi u persuni ġuridiċi (minbarra ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE) jistgħu jiksbu drittijiet ta' proprjetà fuq l-artijiet, skont il-kundizzjonijiet regolati bi trattati internazzjonali, fuq il-bażi tar-reċiproċità. Ċittadini barranin, persuni apolidi u persuni ġuridiċi ma jistgħux jiksbu d-dritt ta' proprjetà fuq artijiet b'kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk applikabbli għaċ-ċittadin ta' Stat Membru u għal persuni ġuridiċi stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru.

Miżuri:

RO: Il-Liġi Nru 17/2014 dwar xi miżuri li jirregolaw il-bejgħ u x-xiri ta' raba li jinsab barra mill-belt li temenda l-Liġi Nru 268/2001 dwar il-privatizzazzjoni ta' kumpaniji li huma sidien tal-art fis-sjieda pubblika u fil-ġestjoni privata tal-Istat għall-agrikoltura u li tistabbilixxi l-Aġenzija tal-Istat għad-Dominji, bl-emendi sussegwenti.

Fil-Ġermanja: Ċerti kundizzjonijiet ta' reċiproċità jistgħu japplikaw għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli.

Miżuri:

DE: Il-Liġi Introduttorja għall-Kodiċi Ċivili (Einführungsgesetz zum Bürgerlichen Gesetzbuche, EGBGB).

Fi Spanja: Investiment barrani f'attivitajiet relatati direttament ma' investimenti fil-proprjetà immobbli għal missjonijiet diplomatiċi minn stati li ma humiex Stati Membri jeħtieġ awtorizzazzjoni amministrattiva mill-Kunsill tal-Ministri ta' Spanja, sakemm ma jkunx hemm ftehim reċiproku ta' liberalizzazzjoni fis-seħħ.

Miżuri:

ES: Id-Digriet Reġju 664/1999 tat-23 ta' April 1999 dwar l-investiment barrani.

I-UE-2 – Servizzi Professjonali (il-professjonijiet kollha minbarra dawk relatati mas-saħħa)

Settur – Subsettur:	Servizzi professjonali – servizzi legali; aġent tal-privattivi, aġent tal-proprjetà industrijali, avukat tal-proprjetà intellettwali; servizzi kontabilistiċi u ta' żamma tal-kotba; servizzi tal-awditjar, servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa, servizzi tal-arkitettura u servizzi ta' ppjanar urban, Servizzi tal-inġinerija, u servizzi integrati tal-inġinerija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 861, 862, 863, 8671, 8672, 8673, 8674, parti minn 879
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Nazzjonali (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Servizzi legali (parti minn CPC 861)

Għal ċertezza akbar, f'konformità man-Noti ta' Spjegazzjoni, b'mod partikolari l-paragrafu 10, ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni ma' Kamra tal-Avukati jistgħu jinkludu rekwiżit li tinkiseb lawrja fil-pajjiż ospitanti jew ekwivalenti, jew li jkun twettaq xi taħriġ taħt is-superviżjoni ta' avukat liċenzjat, jew li mas-sħubija jkun meħtieġ uffiċċju jew indirizz postali fil-ġuriżdizzjoni tal-Kamra tal-Avukati. Sa fejn dawk ir-rekwiżiti ma jkunux diskriminatorji, dawn ma jkunux elenkati.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

Fl-Awstrija: In-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera huma meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati biss ta' nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera jistgħu jipprovdu servizzi legali permezz ta' preżenza kummerċjali. Il-parteċipazzjoni fl-ekwità minn avukati barranin (li jeħtiġilhom ikunu kkwalifikati bis-sħiħ f'pajjiżhom) u l-ishma ta' kwalunkwe ditta legali huma permessi sa 25 %; il-bqija għandha tinżamm minn avukati taż-ŻEE jew Żvizzeri kompletament kwalifikati u dawn tal-aħħar biss jistgħu jeżerċitaw influwenza deċiżiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet tad-ditta legali.

Miżuri:

AT: Rechtsanwaltsordnung (l-Att dwar l-Avukati) – RAO, RGBl. Nru 96/1868, l-Artikoli 1 u 21c.

Fil-Belġju (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit): Ir-residenza hija meħtieġa għal ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, neċessarja għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika tal-Belġju, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Ir-rekwiżit ta' residenza għal avukat barrani sabiex jikseb ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati huwa ta' mill-anqas 6 snin mid-data tat-talba għar-reġistrazzjoni, 3 snin taħt ċerti kundizzjonijiet. Huwa meħtieġ li jkollu ċertifikat maħruġ mill-Ministru Belġjan għall-Affarijiet Barranin li permezz tiegħu d-dritt nazzjonali jew il-konvenzjoni internazzjonali jippermettu r-reċiproċità (kundizzjoni ta' reċiproċità).

Miżuri:

BE: Il-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan (l-Artikoli 428 sa 508); Id-Digriet Reġju tal-24 ta' Awwissu 1970.

Fil-Bulgarija (fir-rigward ukoll tat-Trattament ta n-Nazzjon l-Aktar Iffavorit): Il-prattika tas-servizzi legali fir-rigward tad-dritt tal-UE u mal-liġi tal-Istati Membri, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati, hija riżervata għal ċittadini ta' Stat Membru jew għal ċittadini barranin, li huma avukati kwalifikati u li kisbu d-diploma tagħhom li tipprovdi l-kapaċità sabiex jipprattikaw fi Stat Membru. Avukati barranin jistgħu jiġu ammessi sabiex jaġixxu bħala avukat b'deċiżjoni tal-Kunsill Suprem tal-Avukatura u jeħtiġilhom jiġu rreġistrati fir-Reġistru unifikat ta' avukati barranin. Avukati barranin għandhom ikunu akkumpanjati minn avukat Bulgaru għal rappreżentanza quddiem il-qrati. Ir-residenza permanenti hija meħtieġa għas-servizzi ta' medjazzjoni legali. Fil-BG, it-trattament nazzjonali sħiħ dwar l-istabbiliment u l-operat tal-kumpaniji, kif ukoll dwar il-forniment ta' servizzi, jista' jiġi estiż biss għal kumpaniji stabbiliti f'pajjiżi, u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi, li magħhom ġew jew se jiġu konklużi ftehimiet bilaterali dwar l-assistenza reċiproka f'materji kriminali.

Miżuri:

BG: Il-Liġi dwar l-Avukati, il-Liġi għall-Medjazzjoni, u l-Liġi għan-Nutara u għall-Attività Notarili.

F'Ċipru: In-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera huma meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Huma biss avukati rreġistrati mal-Kamra tal-Avukati li jistgħu jkunu sħab jew azzjonisti jew membri tal-bord tad-diretturi f'ditta legali f'Ċipru.

Miżuri:

CY: Il-Liġi dwar l-Avukati (il-Kapitolu 2), kif emendata bil-liġijiet numri 42 tal-1961, 20 tal-1963, 46 tal-1970, 40 tal-1975, 55 tal-1978, 71 tal-1981, 92 tal-1983, 98 tal-1984, 17 tal-1985, 52 tal-1985, 9 tal-1989, 175 tal-1991, 212 tal-1991, 9(I) tal-1993, 56(I) tal-1993, 83(I) tal-1994, 76(I) tal-1995, 103(I) tal-1996, 79(I) tal-2000, 31(I) tal-2001, 41 (I) tal-2002, 180(I) tal-2002, 117(I) tal-2003, 130(I) tal-2003, 199(I) tal-2004, 264(I) tal-2004, 21(I) tal-2005, 65 (I) tal-2005, 124(I) tal-2005, 158(I) tal-2005, 175(I) tal-2006, 117(I) tal-2007, 103(I) tal-2008, 109(I) tal-2008, 11 (I) tal-2009, 130(I) tal-2009, 4(I) tal-2010, 65(I) tal-2010, 14(I) tal-2011, 144(I) tal-2011, 116(I) tal-2012 u 18 (I) tal-2013.

Fiċ-Ċekja: Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa mal-Kamra tal-Avukati għall-prattika tas-servizzi legali, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati, huma meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera u r-residenza f'Ċipru.

Miżuri:

CZ: L-Att Nru 85/1996 Ġabra, l-Att dwar il-Professjoni Legali.

Fil-Ġermanja: L-avukati bi kwalifika taż-ŻEE u Żvizzera biss jistgħu jiġu ammessi għall-Kamra tal-Avukati u, għalhekk, huma intitolati jipprovdu servizz legali fir-rigward tal-liġi domestika. Il-preżenza kummerċjali hija meħtieġa sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-Kamra tal-Avukati. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Kamra kompetenti tal-Avukati. Għal avukati barranin (bi kwalifiki għajr taż-ŻEE u tal-Iżvizzera), jista' jkun hemm restrizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'ishma ta' ditta legali li tipprovdi servizzi legali fil-liġi domestika. Avukati barranin jistgħu joffru servizzi legali f'liġi barranija meta jagħtu prova ta' għarfien espert, u hija meħtieġa reġistrazzjoni sabiex jingħataw servizzi legali fil-Ġermanja.

Miżuri:

DE: § 59e, § 59f, § 206 Bundesrechtsanwaltsordnung (BRAO; l-Att Federali dwar l-Avukati), Gesetz über die Tätigkeit europäischer Rechtsanwälte in Deutschland (EuRAG); § 10 Rechtsdienstleistungsgesetz (RDG).

Fid-Danimarka: Ir-rekwiżiti japplikaw għat-twettiq ta' servizzi legali bit-titlu ta' "advokat" (avukat). Ir-rappreżentanza quddiem il-qrati hija prinċipalment riżervata għal avukati b'liċenzja Daniża sabiex jipprattikaw. L-ishma ta' ditta legali Daniża jridu jkunu proprjetà ta' avukati b'liċenzja Daniża, ta' avukati kwalifikati fi Stat Membru u rreġistrati d-Danimarka li jipprattikaw il-liġi b'mod attiv fid-ditta, fil-kumpanija omm tagħha jew fil-kumpanija sussidjarja tagħha, jew ta' ditti legali rreġistrati d-Danimarka. Barra minn hekk, 90 % tal-ishma ta' ditta legali Daniża jridu jkunu proprjetà ta' avukati b'liċenzja Daniża, ta' avukati kwalifikati fi Stat Membru u rreġistrati d-Danimarka li jipprattikaw il-liġi b'mod attiv fid-ditta, fil-kumpanija omm tagħha jew fil-kumpanija sussidjarja tagħha, jew ta' ditti legali rreġistrati d-Danimarka.

Miżuri:

DK: Lovbekendtgørelse Nru 1101 tat-22 ta' Settembru 2017 (l-Att Konsolidat Nru 1101 tat-22 ta' Settembru 2017 dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja).

Fl-Estonja: Ir-residenza (preżenza kummerċjali) hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tad-dritt tal-UE u tal-liġi tal-Istati Membri, tal-parteċipazzjoni fi proċessi kriminali u tar-rappreżentanza quddiem il-Qorti Suprema. Japplikaw rekwiżiti mhux diskriminatorji dwar il-forma ġuridika.

Miżuri:

EE: Advokatuuriseadus (l-Att dwar il-Kamra tal-Avukati);

Notariaadiseadus (l-Att dwar in-Nutara);

Kohtutäituri seadus (l-Att dwar il-Bailiffs), tsiviilkohtumenetluse seadustik (il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili); Halduskohtumenetluse seadus (il-Kodiċi ta' Proċedura tal-Qorti Amministrattiva);

Kriminaalmenetluse seadustik (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali); u

Väiäirteomenetluse seadustik (il-Kodiċi ta' Proċedura ta' Delitt).

Fil-Greċja: In-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera u r-residenza (preżenza kummerċjali) fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera huma meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Miżuri:

EL: Il-Kodiċi l-Ġdid tal-Avukati Nru 4194/2013.

Fi Spanja: In-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tad-dritt tal-UE u tal-liġi tal-Istati Membri, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjonijiet dwar in-nazzjonalità.

Miżuri:

ES: Estatuto General de la Abogacía Española, aprobado por Real Decreto 658/2001, l-Artikolu 13.1[a].

Fi Franza: Ir-residenza jew l-istabbiliment huwa meħtieġ għal ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, neċessarja għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika ta' Franza, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Miżuri:

FR: Il-Liġi tal-31 ta' Diċembru 1971, l-Artikolu 56;

Il-Liġi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales; u

Il-Liġi 90-1259 tal-31 ta' Diċembru 1990, l-Artikolu 7.

Fil-Finlandja: Ir-residenza fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera u s-sħubija fil-Kamra tal-Avukati huma meħtieġa għall-użu tat-titlu professjonali ta' "avukat" (bil-Finlandiż "asianajaja"). Is-servizzi legali, inkluż il-liġi domestika Finlandiża, jistgħu jiġu pprovduti wkoll minn persuni li ma jkunux membri tal-Kamra tal-Avukati.

Miżuri:

FI: Laki asianajajista (l-Att dwar l-Avukati) (496/1958), ss. 1 u 3; u

Oikeudenkäymiskaari (il-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja) (4/1734).

Fil-Kroazja: In-nazzjonalità tal-UE hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Fi proċedimenti li jinvolvu d-dritt internazzjonali, il-partijiet jistgħu jiġu rrappreżentati quddiem il-qrati ta' arbitraġġ u l-qrati *ad hoc* minn avukati barranin li huma membri tal-Kamra tal-Avukati tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

Miżuri:

HR: L-Att dwar il-Professjoni Legali (OG 9/94, 51/01, 117/08, 75/09, 18/11).

Fl-Ungerija: In-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera u r-residenza (preżenza kummerċjali) fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera huma meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati barranin jistgħu jipprovdu pariri legali dwar id-dritt tal-pajjiż ta' oriġini u dwar id-dritt internazzjonali fi sħubija ma' avukat Ungeriż jew ma' ditta legali Ungeriża.

Miżuri:

HU: L-Att XI tal-1998 dwar l-Avukati Prattikanti.

Fil-Litwanja (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit): In-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera u r-residenza (preżenza kummerċjali) fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera u l-ammissjoni sħiħa għall-Kamra tal-Avukati huma meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipprattikaw bħala avukati fil-qorti biss f'konformità ma' ftehimiet bilaterali.

Miżuri:

LT: Il-Liġi dwar il-Kamra tal-Avukati tar-Repubblika tal-Litwanja tat-18 ta' Marzu 2004 Nru IX-2066 kif emendata l-aħħar fit-12 ta' Diċembru 2017 bil-liġi Nru XIII-571.

Fil-Lussemburgu: In-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera u r-residenza (preżenza kummerċjali) fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera huma meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika tal-Lussemburgu, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Il-Kunsill tal-Ordni jista', fuq il-bażi tar-reċiproċità, jaqbel li jirrinunzja r-rekwiżit ta' nazzjonalità għal ċittadin barrani.

Miżuri:

LU: Loi du 16 décembre 2011 modifiant la loi du 10 août 1991 sur la profession d'avocat.

Fil-Latvja (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit): In-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tad-dritt kriminali domestiku Latvjan, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. L-avukati minn pajjiżi barranin għandhom prattika bħala avukati fil-qorti biss f'konformità ma' ftehimiet bilaterali dwar l-assistenza legali reċiproka. Għall-avukati tal-UE jew barranin, jeżistu rekwiżiti speċjali. Pereżempju, il-parteċipazzjoni fi proċedimenti tal-qorti f'kawżi kriminali hija permessa biss b'assoċjazzjoni ma' avukat tal-Collegium ta' Avukati Ġuramentati tal-Latvja.

Miżuri:

Il-Liġi dwar il-Proċedura Kriminali tal-Latvja, s. 79, il-Liġi dwar l-Avukatura tar-Repubblika tal-Latvja, s. 4.

F'Malta: In-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) huma meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika ta' Malta, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Miżuri:

MT: Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Fin-Netherlands: L-avukati b'liċenzja lokali biss irreġistrati fir-reġistru Netherlandiż jistgħu jużaw it-titlu ta' "avukat". Minflok ma jużaw it-terminu sħiħ "avukat", avukati barranin (mhux reġistrati) huma obbligati jsemmu l-organizzazzjoni professjonali tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom għall-finijiet tal-attivitajiet tagħhom fin-Netherlands.

Miżuri:

NL: Advocatenwet (l-Att dwar l-Avukati).

Fil-Portugall (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit): Ir-residenza (preżenza kummerċjali) hija meħtieġa sabiex jiġi pprattikat il-liġi domestika Portugiża. Għar-rappreżentanza quddiem il-qrati, hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-Kamra tal-Avukati. Il-barranin li jkollhom diploma mogħtija minn kwalunkwe Fakultà tal-Liġi fil-Portugall, jistgħu jirreġistraw mal-Kamra tal-Avukati Portugiża (Ordem dos Advogados), bl-istess termini bħaċ-ċittadini Portugiżi, jekk il-pajjiż rispettiv tagħhom jagħti trattament reċiproku liċ-ċittadini Portugiżi.

Barranin oħrajn li jkollhom Lawrja fil-Liġi li tkun ġiet rikonoxxuta minn Fakultà tal-Liġi fil-Portugall jistgħu jirreġistraw bħala membri tal-Kamra tal-Avukati diment li jagħmlu l-artiklar meħtieġ u jgħaddu mill-assessjar finali u mill-eżami tal-ammissjoni. Huma biss ditti legali fejn l-ishma jappartjenu esklużivament għal avukati ammessi għall-Kamra tal-Avukati Portugiża li jistgħu jipprattikaw fil-Portugall.

Miżuri:

PT: Il-Liġi 15/2005, l-Artikoli 203, 194;

L-Istatut tal-Kamra tal-Avukati tal-Portugall (Estatuto da Ordem dos Advogados) u d-Digriet Amministrattiv 229/2004, l-Artikoli 5, 7 – 9;

Id-Digriet Amministrattiv 88/2003, l-Artikoli 77 u 102;

L-Istatut tal-Assoċjazzjoni Professjonali Pubblika (Estatuto da Câmara dos Solicitadores), kif emendat bil-Liġi 49/2004, bil-Liġi 14/2006 u bid-Digriet Amministrattiv Nru 226/2008;

Il-Liġi 78/2001, l-Artikoli 31, 4;

Ir-regolamentazzjoni tal-medjazzjoni tal-familja u tax-xogħol (l-Ordinanza 282/2010);

Il-Liġi 21/2007 dwar il-medjazzjoni kriminali, l-Artikolu 12;

Il-Liġi 32/2004 (kif modifikata bid-Digriet Amministrattiv 282/2007 u bil-Liġi 34/2009) dwar l-Amministratur tal-insolvenza, l-Artikoli 3 u 5, fost l-oħrajn; u

Id-Digriet Amministrattiv 54/2004, l-Artikolu 1 (Regime jurídico das sociedades de administradores de insolvência).

Fir-Rumanija: Avukat barrani ma għandux jagħmel konklużjonijiet bil-fomm jew bil-miktub quddiem il-qrati u korpi ġudizzjarji oħrajn, ħlief għal arbitraġġ internazzjonali.

Miżuri:

RO: Il-Liġi dwar l-Avukati;

Il-Liġi għall-Medjazzjoni; u

Il-Liġi għan-Nutara u għall-Attività Notarili.

Fis-Slovenja (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit): Ir-rappreżentanza tal-klijenti quddiem il-qorti bi ħlas hija kkundizzjonata mill-preżenza kummerċjali fis-Slovenja. Avukat barrani li għandu d-dritt li jipprattika l-liġi f'pajjiż barrani jista' jwettaq servizzi legali jew jipprattika l-liġi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34a tal-Att dwar l-Avukati, diment li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni ta' reċiproċità attwali. Il-konformità mal-kundizzjoni tar-reċiproċità tiġi vverifikata mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

Miżuri:

SI: Zakon o odvetništvu (Neuradno prečiščeno besedilo-ZOdv-NPB2 Državnega Zbora RS z dne 21.5.2009 (l-Att dwar l-Avukati) test konsolidat mhux uffiċjali mħejji mill-parlament tas-Slovenja mill-21.5.2009).

Fl-Iżvezja: Membru tal-Kamra tal-Avukati tal-Iżvezja ma jistax jiġi impjegat minn xi ħadd għajr membru tal-Kamra tal-Avukati jew minn kumpanija li twettaq attività ta' membru tal-Kamra tal-Avukati. Madankollu, membru tal-Kamra tal-Avukati jista' jiġi impjegat minn kumpanija barranija li twettaq attività ta' avukat, diment li l-kumpanija inkwistjoni tkun domiċiljata f'pajjiż fl-UE, fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera. Soġġett għal eżenzjoni mill-Bord tal-Kamra tal-Avukati Żvediża, membru tal-Kamra tal-Avukati Żvediża jista' jiġi impjegat ukoll minn ditta legali mhux tal-UE. Membri tal-Kamra tal-Avukati li jwettqu l-prattika tagħhom fil-forma ta' kumpanija jew ta' sħubija jista' ma jkollhom l-ebda objettiv ieħor u ma jistgħu jwettqu l-ebda attività oħra għajr il-prattika ta' avukat.

Il-kollaborazzjoni ma' negozji ta' avukati oħrajn hija permessa, iżda l-kollaborazzjoni ma' negozji barranin teħtieġ permess mill-Bord tal-Kamra tal-Avukati.

Ir-residenza fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera hija meħtieġa għall-ammissjoni għall-Kamra tal-Avukati u għall-użu tat-titlu ta' "advokat". Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-bord tal-Kamra tal-Avukati Żvediża. L-ammissjoni għall-Kamra tal-Avukati ma hijiex neċessarja għall-prattika tal-liġi domestika Żvediża.

Miżuri:

SE: Rättegångsbalken (Il-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja tal-Iżvezja) (1942:740), il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Kamra tal-Avukati Żvediża adottat fid-29 ta' Awwissu 2008.

Fis-Slovakkja: In-nazzjonalità taż-ŻEE kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) fis-Slovakkja huma meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika tas-Slovakkja, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Għall-avukati mhux tal-UE, hija meħtieġa reċiproċità proprja.

Miżuri:

SK: L-Att 586/2003 dwar l-Avukatura, § § 5 u 12.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Polonja: Avukati barranin għandhom jistabbilixxu biss fil-forma ta' sħubija reġistrata, ta' soċjetà limitata, jew ta' soċjetà limitata b'ishma konġunti.

Miżuri:

PL: L-Att tal-5 ta' Lulju 2002 dwar il-forniment mill-avukati barranin ta' assistenza legali fir-Repubblika tal-Polonja, l-Artikolu 19.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-Irlanda: Ir-residenza (preżenza kummerċjali) hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika Irlandiża, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Miżuri:

IE: Solicitors Acts 1954-2011.

Fl-Italja: Ir-residenza (preżenza kummerċjali) hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Miżuri:

IT: Id-Digriet Reġju 1578/1933, l-Artikolu 17 tal-liġi dwar il-professjoni legali.

(b) Aġenti tal-privattivi, aġenti tal-proprjetà industrijali, Avukati tal-proprjetà Intellettwali (parti minn CPC 879, 861, 8613)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija, f'Ċipru, fl-Estonja u fil-Litwanja: In-nazzjonalità taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi ta' aġenzija tal-privattivi.

Fil-Ġermanja: Fil-liġi domestika, avukati tal-privattivi bi kwalifika Ġermaniża biss jistgħu jiġu ammessi fil-Kamra tal-Avukati u, għalhekk, huma intitolati jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-privattivi fil-Ġermanja. Avukati barranin tal-privattivi jistgħu joffru servizzi legali f'liġi barranija meta jagħtu prova tal-għarfien espert, iżda r-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex jipprovdu servizzi legali fil-Ġermanja. Avukati tal-privattivi barranin (minbarra l-kwalifiki taż-ŻEE u tal-Iżvizzera) ma jistgħux jistabbilixxu ditta flimkien ma' avukati tal-privattivi nazzjonali. Avukati tal-privattivi barranin (minbarra taż-ŻEE u tal-Iżvizzera) jista' jkollhom il-preżenza kummerċjali tagħhom biss fil-forma ta' Patentanwalts-GmbH jew ta' Patentanwalt-AG u jistgħu jakkwistaw biss sehem minoritarju.

Fi Spanja u fil-Portugall: In-nazzjonalità taż-ŻEE hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi ta' aġenti tal-proprjetà industrijali.

Fl-Irlanda: Fuq bażi ta' stabbiliment, il-forma ġuridika tirrikjedi li tal-anqas wieħed mid-diretturi, mis-sħab, mill-maniġers jew mill-impjegati ta' kumpanija jkun reġistrat bħala avukat tal-privattivi jew tal-proprjetà intellettwali fl-Irlanda. Il-bażi transfruntiera tirrikjedi n-nazzjonalità taż-ŻEE u l-preżenza kummerċjali, il-post prinċipali ta' negozju fi Stat taż-ŻEE, il-kwalifika skont il-liġi ta' Stat taż-ŻEE.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-Irlanda: Għall-istabbiliment, tal-anqas wieħed mid-diretturi, mis-sħab, mill-maniġers jew mill-impjegati ta' kumpanija li jkun reġistrat bħala avukat tal-privattivi jew tal-proprjetà intellettwali fl-Irlanda. Il-bażi transfruntiera tirrikjedi n-nazzjonalità taż-ŻEE u l-preżenza kummerċjali, il-post prinċipali ta' negozju fi Stat taż-ŻEE, il-kwalifika skont il-liġi ta' Stat taż-ŻEE.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-Estonja: ir-residenza permanenti hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi ta' aġenzija tal-privattivi.

F'Ċipru, fil-Finlandja u fl-Ungerija: Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi ta' aġenzija tal-privattivi.

Fis-Slovenja: Ir-residenza fis-Slovenja hija meħtieġa għal detentur jew għal applikant ta' drittijiet reġistrati (privattivi, trademarks, protezzjoni tad-disinn). Inkella, aġent tal-privattivi jew aġent tat-trademarks u tad-disinji rreġistrat fis-Slovenja huwa meħtieġ għall-fini ewlieni tas-servizzi ta' proċess, ta' notifika, eċċ.

Miżuri:

BG: L-Artikolu 4 tal-Ordinanza għar-Rappreżentanti dwar il-Proprjetà Intellettwali.

CY: Il-Liġi dwar l-Avukati (il-Kapitolu 2), kif emendata bil-liġijiet numri 42 tal-1961, 20 tal-1963, 46 tal-1970, 40 tal-1975, 55 tal-1978, 71 tal-1981, 92 tal-1983, 98 tal-1984, 17 tal-1985, 52 tal-1985, 9 tal-1989, 175 tal-1991, 212 tal-1991, 9(I) tal-1993, 56(I) tal-1993, 83(I) tal-1994, 76(I) tal-1995, 103(I) tal-1996, 79(I) tal-2000, 31(I) tal-2001, 41 (I) tal-2002, 180(I) tal-2002, 117(I) tal-2003, 130(I) tal-2003, 199(I) tal-2004, 264(I) tal-2004, 21(I) tal-2005, 65 (I) tal-2005, 124(I) tal-2005, 158(I) tal-2005, 175(I) tal-2006, 117(I) tal-2007, 103(I) tal-2008, 109(I) tal-2008, 11 (I) tal-2009, 130(I) tal-2009, 4(I) tal-2010, 65(I) tal-2010, 14(I) tal-2011, 144(I) tal-2011, 116(I) tal-2012 u 18 (I) tal-2013.

DE: § 52e, § 52 f, § 154a u § 154 b Patentanwaltsordnung (PAO).

EE: Patendivoliniku seadus (l-Att dwar l-Aġenti tal-Privattivi) § 2, § 14.

ES: Il-Liġi 11/1986, tal-20 ta' Marzu, de Patentes de Invención y Modelos de utilidad, l-Artikoli 155-157.

FI: Tavaramerkkilaki (l-Att dwar it-Trademarks) (7/1964); Laki auktorisoiduista teollisoikeusasiamiehistä (l-Att dwar l-Avukati Awtorizzati tal-Proprjetà Industrijali) (22/2014); u

Laki kasvinjalostajanoikeudesta (l-Att dwar id-Dritt fuq Varjetà ta' Pjanta) 1279/2009; u Mallioikeuslaki (l-Att dwar id-Disinji Reġistrati) 221/1971.

HU: L-Att XXXII tal-1995 dwar l-Avukati tal-Privattivi.

IE: It-Taqsimiet 85 u 86 tal-Att tal-1996 dwar it-Trademarks, kif emendat;

Ir-Regola 51 tar-Regoli tal-1996 dwar it-Trademarks, kif emendata;

It-Taqsimiet 106 u 107 tal-Att tal-1992 dwar il-Privattivi, kif emendat; u

Ir-Reġistru tar-Regoli dwar l-Aġenti tal-Privattivi S.I. 580 tal-2015.

LT: Il-Liġi dwar it-Trademarks tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1981;

Il-Liġi dwar id-Disinji tas-7 ta' Novembru 2002 Nru IX-1181;

Il-Liġi dwar il-Privattivi tat-18 ta' Jannar 1994 Nru I-372, il-Liġi dwar il-Protezzjoni Legali tat-Topografiji ta' Prodotti Semikondutturi tas-16 ta' Ġunju 1998; u

Ir-Regolament dwar l-Avukati tal-Privattivi, approvat mill-Ordni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja fl-20 ta' Mejju 1992 Nru 362 (kif emendat l-aħħar fit-8 ta' Novembru 2004 Nru 1410).

PT: Id-Digriet Amministrattiv 15/95, kif emendat bil-Liġi 17/2010, bil-Portaria 1200/2010, bl-Artikolu 5, u bil-Portaria 239/2013; u

Il-Liġi 9/2009.

SI: Zakon o industrijski lastnini (l-Att dwar il-Proprjetà Industrijali), Uradni list RS, št. 51/06 – uradno prečiščeno besedilo in 100/13 (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja, Nru 51/06 – test konsolidat uffiċjali u 100/13).

(c) Servizzi tal-kontabilità u ta' żamma tal-kotba (CPC 8621 għajr servizzi tal-awditjar, 86213, 86219, 86220)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fi Franza: Il-forniment ta' servizzi tal-kontabilità u ta' żamma tal-kotba minn fornitur ta' servizzi barrani jiddependi fuq deċiżjoni tal-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u l-Industrija, bi qbil mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin. (CPC 86213, 86219, 86220).

Miżuri:

FR: L-Ordinanza 45-2138 tad-19 ta' Settembru 1945, l-Artikoli 3, 7, 7 ter, 7 quinquies, 27 u 42 bis.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

Fl-Awstrija: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' kontabilisti u ta' bookkeepers barranin, kwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intraprizà Awstrijaka, ma jistgħux jaqbżu l-25 %. Il-fornitur ta' servizzi jeħtieġlu jkollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE (CPC 862).

Miżuri:

AT: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Professjoni tal-Awditjar, BGBl. I Nru 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4; u

Bilanzbuchhaltungsgesetz (BibuG), BGBL. I Nru 191/2013, § § 7, 11, 28.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-Italja: Ir-residenza jew id-domiċilju tan-negozju huwa meħtieġ għar-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi tal-kontabilità u ta' żamma tal-kotba (CPC 86213, 86219, 86220).

Miżuri:

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 139/2005; u l-Liġi 248/2006.

Fis-Slovenja: L-istabbiliment fl-UE huwa meħtieġ sabiex jiġu pprovduti servizzi tal-kontabilità u ta' żamma tal-kotba (CPC 86213, 86219, 86220).

Miżuri:

SI: L-Att dwar l-Awditjar (ZRev-2), il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 65/2008 (kif emendat l-aħħar Nru 63/13);

L-Att dwar il-Kumpaniji (ZGD-1), il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 42/2006 (kif emendat l-aħħar Nru 15/17); u

L-Att dwar is-servizzi fis-suq intern, il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 21/10.

(d) Servizzi tal-awditjar (CPC 86211, 86212 għajr servizzi tal-kontabilità u ta' żamma tal-kotba)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fl-UE: L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jirrikonoxxu l-ekwivalenza tal-kwalifiki ta' awditur li jkun ċittadin tal-Messiku jew ta' kwalunkwe pajjiż terz sabiex japprovawh sabiex jaġixxi bħala awditur statutorju fl-Unjoni Ewropea, soġġett għar-reċiproċità (CPC 8621).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fi Spanja: L-awdituri statutorji għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-awditjar ta' kumpaniji mhux tal-UE elenkati f'suq regolat Spanjol.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

Fl-Awstrija: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' awdituri barranin, kwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijaka, ma jistgħux jaqbżu l-25 %. Il-fornitur ta' servizz għandu jkollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE.

Fis-Slovenja: Entità tal-awditjar minn pajjiż terz jista' jkollha ishma jew tifforma soċjetajiet f'kumpanija tal-awditjar Slovena diment li, skont il-liġi tal-pajjiż li fih tkun inkorporata l-entità tal-awditjar mill-pajjiż terz, kumpaniji tal-awditjar Sloveni jista' jkollhom ishma jew jifformaw soċjetajiet f'entità tal-awditjar f'dak il-pajjiż (rekwiżit ta' reċiproċità). Residenza permanenti fl-Slovenja hija meħtieġa għal tal-anqas membru wieħed tal-bord maniġerjali ta' stabbiliment ta' kumpanija tal-awditjar fis-Slovenja.

Fis-Slovakkja: Hija biss intrapriża li fiha tal-anqas 60 % tal-interessi kapitali jew tad-drittijiet tal-vot ikunu riżervati għaċ-ċittadini Slovakki jew għaċ-ċittadini ta' Stat Membru li għandha tkun awtorizzata twettaq awditi fis-Slovakkja.

Biss fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fil-Belġju: Huwa meħtieġ stabbiliment fil-Belġju fejn se sseħħ l-attività professjonali u fejn jinżammu l-atti, id-dokumenti u l-korrispondenza relatati magħha, u li jkun hemm tal-anqas amministratur jew maniġer wieħed tal-istabbiliment approvat bħala awditur.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fid-Danimarka: Il-forniment ta' servizzi tal-awditjar statutorju jeħtieġ approvazzjoni Daniża bħala awditur. L-approvazzjoni teħtieġ residenza fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat Membru taż-ŻEE.

Fil-Finlandja: Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE għal tal-anqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija Finlandiża b'responsabbiltà limitata u ta' kumpaniji li huma obbligati jwettqu awditu. Awditur jeħtieġlu jkun awditur b'liċenzja lokali jew ditta tal-awditjar b'liċenzja lokali.

Fil-Kroazja: Is-servizzi tal-awditjar jistgħu jiġu pprovduti biss minn persuni ġuridiċi stabbiliti fil-Kroazja jew minn persuni fiżiċi residenti l-Kroazja.

Fl-Italja: Ir-residenza hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi tal-awditjar minn persuni fiżiċi.

Fil-Litwanja: L-istabbiliment fiż-ŻEE huwa meħtieġ għall-forniment ta' servizzi tal-awditjar.

Fil-Polonja: L-istabbiliment fl-UE huwa meħtieġ sabiex jiġu pprovduti servizzi tal-awditjar.

Fl-Iżvezja: L-awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi u ta' xi intrapriżi oħrajn li ma humiex kontabilisti ċċertifikati jew approvati għandhom ikunu residenti fiż-ŻEE, sakemm il-Gvern, jew awtorità tal-Gvern maħtura mill-Gvern, f'każ partikolari ma tippermettux mod ieħor. L-awdituri approvati fl-Iżvezja u d-ditti tal-awditjar reġistrati fl-Iżvezja biss jistgħu jwettqu servizzi tal-awditjar statutorju. Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa. It-titli ta' "awditur approvat" u ta' "awditur awtorizzat" għandhom jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja.

Fis-Slovenja: Hija meħtieġa preżenza kummerċjali.

Miżuri:

L-UE: Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE; u d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE.

AT: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Professjoni tal-Awditjar), BGBl. I Nru 58/1999, § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4.

BE: Il-Liġi tat-22 ta' Lulju 1953 li toħloq Istitut tal-Awdituri tad-Ditti u li torganizza s-superviżjoni pubblika tal-okkupazzjoni tal-awditur tad-ditti, koordinata fit-30 ta' April 2007.

DK: Revisorloven (l-Att Daniż dwar l-Awdituri u d-Ditti tal-Awditjar Approvati), l-Att Nru 1167 tad-9 ta' Settembru 2016.

ES: Il-Liġi 22/2015, tal-20 ta' Lulju, de Auditoría de Cuentas (il-Liġi l-ġdida dwar l-Awditjar: il-Liġi 22/2015 dwar is-Servizzi tal-awditjar).

FI: Tilintarkastuslaki (l-Att dwar l-Awditjar) (459/2007); u

Liġijiet settorjali li jeħtieġu l-użu ta' awdituri liċenzjati lokalment.

HR: L-Att dwar l-Awditjar (OG 146/05, 139/08, 144/12), l-Artikolu 3.

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 58/1998, l-Artikoli 155, 158 u 161;

Id-Digriet tal-President tar-Repubblika 99/1998; u

Id-Digriet Leġiżlattiv 39/2010, l-Artikolu 2.

LT: Il-Liġi dwar l-Awditjar tal-15 ta' Ġunju 1999 Nru VIII-1227 (verżjoni ġdida tat-3 ta' Lulju 2008 Nru X-1676).

PL: L-Att tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-awdituri statutorji, id-ditti tal-awditjar u s-sorveljanza pubblika – il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2017, il-punt 1089.

SE: Revisorslagen (l-Att dwar l-Awdituri) (2001:883); Revisionslag (l-Att dwar l-Awditjar) (1999:1079); Aktiebolagslagen (l-Att dwar il-Kumpaniji) (2005:551); Lag om ekonomiska föreningar (l-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet Ekonomiċi Kooperattivi) (1987:667); u

Oħrajn, li jirregolaw ir-rekwiżiti sabiex isir użu minn awdituri approvati.

SI: L-Att dwar l-Awditjar (ZRev-2), il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 65/2008 (kif emendat l-aħħar Nru 63/13); u

L-Att dwar il-Kumpaniji (ZGD-1), il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 42/2006 (kif emendat l-aħħar Nru 15/17).

SK: L-Att 423/2015 dwar l-Awditjar statutorju.

(e) Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863, li ma jinkludux servizzi ta' konsulenza legali u ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet tat-taxxa, li għandhom jitqiesu bħala servizzi legali)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

Fl-Awstrija: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' konsulenti tat-taxxa barranin, kwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijaka, ma jistgħux jaqbżu l-25 %. Il-fornitur ta' servizz għandu jkollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: In-nazzjonalità ta' Stat Membru hija meħtieġa għall-konsulenti tat-taxxa.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-Ungerija: Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa, sa fejn dawn ikunu qegħdin jiġu fornuti minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tal-Ungerija.

Fl-Italja: Ir-residenza hija meħtieġa.

Miżuri:

AT: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Professjoni tal-Awditjar, BGBl. I Nru 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4.

BG: L-Att dwar il-Kontabilità, l-Att dwar l-Awditjar Finanzjarju indipendenti, l-Att dwar it-Taxxi fuq l-Introjtu fuq Persuni Fiżiċi, l-Att dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu.

HU: L-Att XCII tal-2003 dwar ir-Regoli tat-Taxxa; u

Id-Digriet tal-Ministeru għall-Finanzi Nru 26/2008 dwar il-liċenzjar u r-reġistrazzjoni ta' attivitajiet ta' konsulenza dwar it-taxxa.

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 139/2005; u l-Liġi 248/2006.

(f) Servizzi tal-arkitettura u tal-ippjanar urban, servizzi tal-inġinerija u tal-inġinerija integrata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674)

Biss fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: Speċjalisti barranin għandu jkollhom esperjenza ta' mill-anqas sentejn fil-qasam tal-kostruzzjoni. In-nazzjonalità taż-ŻEE hija meħtieġa għall-ippjanar urban u għas-servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġi (CPC 8674).

Fil-Kroazja: disinn jew proġett maħluq minn perit, minn inġinier jew minn pjanifikatur urban barrani għandu jiġi vvalidat minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-Kroazja fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-Liġi Kroata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju: Il-forniment ta' servizzi arkitettoniċi jinkludi kontroll fuq l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet (CPC 8671, 8674). Periti barranin awtorizzati fil-pajjiżi ospitanti tagħhom u li jixtiequ jeżerċitaw il-professjoni tagħhom fuq bażi okkażjonali fil-Belġju huma meħtieġa jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kunsill tal-Ordni fiż-żona ġeografika fejn ikollhom l-intenzjoni li jipprattikaw l-attività tagħhom.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

F'Ċipru: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità u tar-residenza tapplika għall-forniment ta' servizzi arkitettoniċi u ta' ppjanar urban, ta; servizzi tal-inġinerija u tal-inġinerija integrata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fiċ-Ċekja: Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fl-Italja: Ir-residenza jew id-domiċilju professjonali jew l-indirizz tan-negozju fl-Italja huma meħtieġa għar-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li hija neċessarja għall-eżerċizzju ta' servizzi arkitettoniċi u tal-inġinerija (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fl-Ungerija: Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi li ġejjin, sa fejn dawn ikunu qegħdin jiġu fornuti minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tal-Ungerija: servizzi arkitettoniċi, servizzi tal-inġinerija (applikabbli biss għal trainees gradwati), servizzi integrati tal-inġinerija u servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġi (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fis-Slovakkja: Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għar-reġistrazzjoni mal-kamra professjonali, li hija meħtieġa għall-eżerċizzju ta' servizzi arkitettoniċi u tal-inġinerija (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Miżuri:

BE: Il-Liġi tal-20 ta' Frar 1939 dwar il-protezzjoni tat-titlu tal-professjoni ta' perit; u

Il-Liġi tas-26 ta' Ġunju 1963, li toħloq ir-Regolamenti tas-16 ta' Diċembru 1983 dwar l-etika tal-Ordni tal-Periti stabbilit mill-Kunsill nazzjonali fl-Ordni tal-Periti (Approvata bl-art. 1 tal-A.R. tat-18 ta' April 1985, M.B., it-8 ta' Mejju 1985).

BG: L-Att dwar l-Iżvilupp tal-Ispazju;

L-Att dwar il-Kamra tal-Bennejja; u

Il-Kmamar tal-Periti u tal-Inġiniera fl-Att dwar id-Disinn tal-Iżvilupp tal-Proġetti.

CY: Il-Liġi 41/1962;

Il-Liġi 224/1990; u

Il-Liġi 29(i) 2001.

CZ: L-Att Nru 360/1992 Ġabra, dwar il-prattika tal-professjoni ta' periti awtorizzati u ta' inġiniera u ta' tekniċi awtorizzati li jaħdmu fil-qasam tal-kostruzzjoni tal-bini.

HR: L-Att dwar l-Attivitajiet Arkitettoniċi u tal-Inġinerija fl-Ippjanar u fil-Bini Fiżiku (OG 152/08, 49/11, 25/13); u

L-Att dwar l-Ippjanar Fiżiku tat-12 ta' Diċembru 2013 (011-01/13-01/291).

HU: L-Att LVIII tal-1996 dwar il-Kmamar Professjonali tal-Periti u tal-Inġiniera.

IT: Id-Digriet Reġju 2537/1925 dwar ir-regolament dwar il-professjoni ta' perit u ta' inġinier;

Il-Liġi 1395/1923; u d-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R.) 328/2001.

SK: L-Att 138/1992 dwar il-Periti u l-Inġiniera, § § 3, 15, 15a, 17a u 18a.

I-UE-3 – Servizzi Professjonali (professjonijiet relatati mas-saħħa u bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi)

Settur – Subsettur:	Servizzi professjonali – servizzi mediċi (inklużi psikologi) u dentali; qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku; servizzi veterinarji; bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi u servizzi oħrajn ipprovduti mill-ispiżjara
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9312, 93191, 932, 63211
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Servizzi mediċi, dentali, tal-qwiebel, tal-infermiera, tal-fiżjoterapisti u paramediċi (CPC 852, 9312, 93191)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

F'Ċipru: In-nazzjonalità Ċiprijotta u l-kundizzjoni ta' residenza japplikaw għall-forniment ta' servizzi mediċi (inklużi psikologi), dentali, tal-qwiebel, tal-infermiera, tal-fiżjoterapisti u paramediċi.

Miżuri:

CY: Il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tat-Tobba (il-Kapitolu 250);

Il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tad-Dentisti (il-Kapitolu 249);

Il-Liġi 75(I)/2013 – Podologi;

Il-Liġi 33(I)/2008 – Fiżika Medika;

Il-Liġi 34(I)/2006 – Terapisti Okkupazzjonali;

Il-Liġi 9(I)/1996 – Tekniċi Dentali;

Il-Liġi 68(I)/1995 – Psikologi;

Il-Liġi 16(I)/1992;

Il-Liġi 23(I)/2011 – Radjologi/Radjoterapisti;

Il-Liġi 31(I)/1996 – Djetetiċi/Nutrizzjonisti;

Il-Liġi 140/1989 – Fiżjoterapisti; u l-Liġi 214/1988 – Infermiera.

Fil-Ġermanja (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet ġeografiċi fuq ir-reġistrazzjoni professjonali, li japplikaw kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għal dawk li ma humiex ċittadini. Ir-rekwiżiti tal-istabbiliment jistgħu japplikaw għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel.

It-tobba (inklużi l-psikologi, il-psikoterapisti u d-dentisti) għandhom jirreġistraw mal-assoċjazzjonijiet reġjonali tat-tobba jew tad-dentisti tal-assigurazzjoni tas-saħħa statutorja (*kassenärztliche* jew *kassenzahnärztliche Vereinigungen*) jekk jixtiequ jikkuraw pazjenti assigurati mill-fondi tal-mard statutorji. Din ir-reġistrazzjoni tista' tkun soġġetta għal restrizzjonijiet kwantitattivi bbażati fuq id-distribuzzjoni reġjonali tat-tobba. Għad-dentisti, din ir-restrizzjoni ma tapplikax. Ir-reġistrazzjoni hija neċessarja biss għat-tobba li jipparteċipaw fl-iskema tas-saħħa pubblika. Jistgħu jeżistu restrizzjonijiet mhux diskriminatorji fuq il-forma ġuridika tal-istabbiliment meħtieġ sabiex jiġu pprovduti dawn is-servizzi.

Jistgħu japplikaw rekwiżiti dwar l-istabbiliment.

It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' trattament primarju li jinvolvi l-preżenza fiżika preċedenti ta' tabib. In-numru ta' forniturі ta' servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) jista' jkun limitat sabiex jiġu ggarantiti l-interoperabbiltà, il-kompatibbiltà u l-istandards tas-sikurezza neċessarji. Dan jiġi applikat b'mod mhux diskriminatorju (CPC 9312, 93191).

Miżuri:

DE: Bundesärzteordnung (ir-Regolament Mediku Federali);

Gesetz über die Ausübung der Zahnheilkunde;

Gesetz über die Berufe des Psychologischen Psychotherapeuten und des Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (l-Att dwar il-Forniment ta' Servizzi ta' Psikoterapija tas-16.7.1998);

Gesetz über die berufsmäßige Ausübung der Heilkunde ohne Bestallung;

Gesetz über den Beruf der Hebamme und des Entbindungspflegers;

Gesetz über die Berufe in der Krankenpflege;

§ 7 Absatz 3 Musterberufsordnung fuer Aerzte (Mudell Ġermaniż tal-Kodiċi professjonali għat-tobba);

§ 95, § 99 u segwenti SGB V (Ktieb dwar is-Sigurtà Soċjali Nru V), Assigurazzjoni tas-Saħħa Statutorja;

§ 1 Absatz 2 u Absatz 5 Hebammengesetz (il-Kodiċi tal-Qwiebel), § 291b SGB V (il-Ktieb dwar is-Sigurtà Soċjali Nru V) dwar il-forniturі tas-Saħħa elettronika;

Heilberufekammergesetz des Landes Baden-Württemberg in der Fassung tas-16.03.1995 (GBl. BW tas-17.5.1995 S. 314);

Gesetz über die Berufsausübung, die Berufsvertretungen und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und der Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (Heilberufe-Kammergesetz - HKaG) f'Bayern tas-6.2.2002 (BAY GVBl 2002, il-paġna 42);

Gesetz über die Kammern und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Apotheker, Psychologischen Psychotherapeuten und Kinder- und Jugendpsychotherapeuten (Berliner Kammergesetz) tal-4.9.1978 (Berliner GVBl. il-paġna 1937, rev. il-paġna 1980);

§ 31 Heilberufsgesetz Brandenburg (HeilBerG) tat-28.4.2003;

Bremisches Gesetz über die Berufsvertretung, die Berufsausübung, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Psychotherapeuten, Tierärzte und Apotheker (Heilberufsgesetz - HeilBerG) tat-12.5.2005;

§ 29 Heilberufsgesetz (HeilBG NRW) tad-9.5.2000;

§ 20 Heilberufsgesetz (HeilBG Rheinland-Pfalz) tas-7.2.2003;

Gesetz über Berufsausübung, Berufsvertretungen und Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und der Kinder und Jugendlichenpsychotherapeuten im Freistaat (Sächsisches Heilberufekammergesetz – SächsHKaG) tal-24.5.1994 (SächsGVBl. il-paġna 935);

Gesetz über die öffentliche Berufsvertretung, die Berufspflichten, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte / Ärztinnen, Zahnärzte / Zahnärztinnen, psychologischen Psychotherapeuten / Psychotherapeutinnen und Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten / -psychotherapeutinnen, Tierärzte / Tierärztinnen und Apotheker / Apothekerinnen im Saarland (Saarländisches Heilberufekammergesetz – SHKG) tad-19.11.2007; u

Thüringer Heilberufegesetz tad-29 ta' Jannar 2002 (GVBl 2002, 125).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fl-Italja: In-nazzjonalità tal-UE hija meħtieġa għas-servizzi pprovduti minn psikologi, u professjonisti barranin jistgħu jitħallew jipprattikaw fuq il-bażi tar-reċiproċità (parti minn CPC 9312).

Miżuri:

IT: Il-Liġi 56/1989 dwar il-professjoni tal-psikologu.

(b) Servizzi veterinarji (CPC 932)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fl-Awstrija: Iċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE biss jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji. Ir-rekwiżit tan-nazzjonalità huwa eżentat għal ċittadini ta' Stat mhux Membru taż-ŻEE fejn hemm ftehim tal-UE ma' dak l-Istat mhux Membru taż-ŻEE li jipprovdi għal trattament nazzjonali fir-rigward tal-investiment u tal-kummerċ transfruntier tas-servizzi veterinarji.

Fi Spanja: Is-sħubija fl-assoċjazzjoni professjonali hija meħtieġa għall-prattika tal-professjoni u tirrikjedi nazzjonalità tal-UE, li tista' tiġi rrinunzjata permezz ta' ftehim professjonali bilaterali.

Fi Franza: In-nazzjonalità taż-ŻEE hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi veterinarji, iżda l-kundizzjoni tan-nazzjonalità tista' tiġi rrinunzjata soġġetta għar-reċiproċità.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

F'Ċipru: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità u tar-residenza tapplika għall-forniment ta' servizzi veterinarji.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Greċja: In-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi veterinarji.

Fl-Ungerija: In-nazzjonalità taż-ŻEE hija meħtieġa għas-sħubija fil-Kamra Veterinarja Ungeriża, neċessarja għall-forniment ta' servizzi veterinarji.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Kroazja: Iċ-ċittadini tal-UE biss jistgħu jistabbilixxu prattika veterinarja fil-Kroazja.

Fil-Polonja: Għall-forniment ta' servizzi veterinarji minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tal-Polonja, ċittadini tal-UE biss jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji. Persuni barranin jistgħu japplikaw għal permess sabiex jipprattikaw.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fiċ-Ċekja: Il-preżenza fiżika fit-territorju hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi veterinarji.

Fil-Kroazja: Huma biss il-persuni ġuridiċi u fiżiċi stabbiliti fi Stat Membru għall-fini tat-twettiq ta' attivitajiet veterinarji li jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji transfruntiera fil-Kroazja.

Fl-Italja u fil-Portugall: Ir-residenza hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi veterinarji.

Fis-Slovenja: Huma biss il-persuni ġuridiċi u fiżiċi stabbiliti fi Stat Membru għall-fini tat-twettiq ta' attivitajiet veterinarji li jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji transfruntiera fis-Slovenja.

Fis-Slovakkja: Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għar-reġistrazzjoni mal-kamra professjonali, li hija meħtieġa għall-eżerċizzju tal-professjoni.

Miżuri:

AT: Tierärztegesetz (l-Att Veterinarju), BGBl. Nru 16/1975, § 3 (2) (3).

CY: Il-Liġi 169/1990.

CZ: L-Att Nru 166/1999 Ġabra (l-Att Veterinarju), § 58-63, 39; u

L-Att Nru 381/1991 Ġabra (dwar il-Kamra tal-Kirurgi Veterinarji tar-Repubblika Ċeka), il-paragrafu 4.

EL: Id-Digriet Presidenzjali 38/2010; u

Id-Deċiżjoni Ministerjali 165261/IA/2010 (il-Gazzetta tal-Gvern 2157/B).

ES: Id-Digriet Reġju 126/2013, tat-22 ta' Frar, por el que se aprueban los Estatutos Generales de la Organización Colegial Veterinaria Española. L-Artikoli 62, 64.

FR: Code rural et de la pêche maritime, l-Artikoli L241-1; L241-2; L241-2-1.

HR: L-Att Veterinarju (OG 41/07, 55/11), l-Artikoli 89, 106.

HU: L-Att CXXVII tal-2012 dwar il-Kamra Veterinarja Ungeriża u dwar il-kundizzjonijiet ta' kif għandhom jiġu pprovduti servizzi veterinarji.

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv C.P.S. 233/1946, l-Artikoli 7-9; u

Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 221/1950, il-paragrafu 7.

PL: Il-Liġi tal-21 ta' Diċembru 1990 dwar il-Professjoni ta' Kirurgu Veterinarju u l-Kmamar tal-Kirurgi Veterinarji.

PT: Id-Digriet Amministrattiv 368/91 (l-Istatut tal-Assoċjazzjoni Professjonali Veterinarja).

SI: Pravilnik o priznavanju poklicnih kvalifikacij veterinarjev (ir-Regoli dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali għall-veterinarji), Uradni list RS, št. (il-Gazzetta Uffiċjali Nru) 71/2008, 7/2011, 59/2014 fl-21/2016, l-Att dwar is-servizzi fis-suq intern, il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 21/2010.

SK: L-Att 442/2004 dwar it-Tobba Veterinarji Privati, § 2.

(c) Bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi, ta' oġġetti mediċi u ortopediċi u servizzi oħrajn ipprovduti mill-ispiżjara (CPC 63211)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fl-Awstrija: In-nazzjonalità ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera hija meħtieġa għall-operar ta' spiżerija. In-nazzjonalità ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera hija meħtieġa għad-detenturi ta' fond lokatizju u għall-persuni responsabbli mill-ġestjoni ta' spiżerija.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

F'Ċipru: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità tapplika għall-forniment ta' bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi, ta' oġġetti mediċi u ortopediċi u ta' servizzi oħrajn ipprovduti mill-ispiżjara (CPC 63211).

Fil-Ġermanja: Ċittadini ta' pajjiżi jew persuni oħrajn li ma jkunux għaddew mill-eżami tal-ispiżjara tal-Ġermanja jistgħu jiksbu biss liċenzja sabiex jieħdu f'idejhom spiżerija li diġà kienet teżisti matul it-3 snin preċedenti.

Fi Franza: In-nazzjonalità taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera hija meħtieġa għall-operar ta' spiżerija. Spiżjara barranin jistgħu jitħallew jistabbilixxu fi ħdan kwoti stabbiliti kull sena.

Fil-Greċja: In-nazzjonalità tal-UE hija meħtieġa għall-operar ta' spiżerija.

Fl-Ungerija: In-nazzjonalità taż-ŻEE hija meħtieġa għall-operar ta' spiżerija.

Fil-Latvja: Sabiex jibda prattika indipendenti fi spiżerija, spiżjar barrani jew assistent barrani ta' spiżjar, edukat fi Stat li ma jkunx Stat Membru tal-UE jew Stat Membru taż-ŻEE, għandu jaħdem għal tal-anqas sena fi spiżerija taħt is-superviżjoni ta' spiżjar.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fil-Bulgarija: Huwa meħtieġ permess ta' residenza permanenti għal ċittadini barranin (hija meħtieġa preżenza fiżika).

Fil-Ġermanja: Ir-residenza hija meħtieġa sabiex tinkiseb liċenzja ta' spiżjar jew sabiex tinfetaħ spiżerija għall-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi u ta' ċerti oġġetti mediċi lill-pubbliku.

Miżuri:

AT: Apothekengesetz (il-Liġi dwar l-Ispiżeriji), RGBl. Nru 5/1907 kif emendata, § § 3, 4, 12;

Arzneimittelgesetz (l-Att dwar il-Mediċini), BGBl. Nru 185/1983 kif emendat, § § 57, 59, 59a;

Medizinproduktegesetz (il-Liġi dwar il-Prodotti Mediċi), BGBl. Nru 657/1996 kif emendata, § 99.

BG: Il-Liġi dwar il-Prodotti Mediċinali fil-Mediċina Umana, l-Artikoli 146, 161, 195, 222 u 228.

CY: Il-Liġi dwar il-Farmaċewtiċi u l-Veleni (il-Kapitolu 254).

DE: § 2 il-paragrafu 2, § 11a Apothekengesetz (l-Att Ġermaniż dwar l-Ispiżeriji);

§ § 43 il-paragrafu 1, 73 il-paragrafu 1 Nru 1a, Arzneimittelgesetz (l-Att Ġermaniż dwar id-Drogi); u

§ 11 Abs. 2 u 3 Medizinproduktegesetz, Verordnung zur Regelung der Abgabe von Medizinprodukten.

EE: Ravimiseadus (l-Att dwar il-Prodotti Mediċinali), RT I 2005, 2, 4; § 29 (2); u

Tervishoiuteenuse korraldamise seadus (l-Att dwar l-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa, RT I 2001, 50, 284).

EL: Il-Liġi 5607/1932 kif emendata bil-Liġijiet 1963/1991 u 3918/2011.

ES: Il-Liġi 16/1997, tal-25 ta' April, de regulación de servicios de las oficinas de farmacia (il-Liġi 16/1997, tal-25 ta' April, li tirregola s-servizzi fl-ispiżeriji), l-Artikoli 2, 3.1; u d-Digriet Reġju Leġiżlattiv 1/2015, tal-24 ta' Lulju por el que se aprueba el Texto refundido de la Ley de garantías y uso racional de los medicamentos y productos sanitarios (il-Liġi 29/2006).

FR: Code de la santé publique, l-Artikoli L4221-1, L4221-13, L5125-10;

Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, modifiée par les lois 2001-1168 du 12 décembre 2001 et 2008-776 du 4 août 2008 (il-Liġi 90-1258 dwar l-eżerċizzju ta' professjonijiet liberali fil-forma ta' kumpanija), lois 2011-331 du 28 mars 2011 et 2015-990 du 6 août 2015.

HR: L-Att dwar il-Kura tas-Saħħa (OG 150/08, 71/10, 139/10, 22/11, 84/11, 12/12, 70/12, 144/12).

HU: L-Att XCVIII tal-2006 dwar id-Dispożizzjonijiet Ġenerali Relatati mal-Provvista Affidabbli u Ekonomikament Fattibbli ta' Prodotti Mediċinali u ta' Apparati Mediċi u dwar id-Distribuzzjoni ta' Prodotti Mediċinali.

IT: Il-Liġi 362/1991, l-Artikoli 1, 4, 7 u 9;

Id-Digriet Leġiżlattiv CPS 233/1946, l-Artikoli 7 sa 9; u

Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R. 221/1950, il-paragrafi 3 u 7).

LU: Il-Liġi tal-4 ta' Lulju 1973 concernant le régime de la pharmacie (l-Anness a043), Règlement grand-ducal du 27 mai 1997 relatif à l'octroi des concessions de pharmacie (l-Anness a041); u

Règlement grand-ducal du 11 février 2002 modifiant le règlement grand-ducal du 27 mai 1997 relatif à l'octroi des concessions de pharmacie (l-Anness a017).

LV: Il-Liġi dwar il-Farmaċewtiċi, s. 38.

MT: Ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji (A.L 279 tal-2007) maħruġin skont l-Att dwar il-Mediċini (Kap. 458).

PT: Id-Digriet Amministrattiv 307/2007, l-Artikoli 9, 14 u 15; u

L-Ordinanza 1430/2007.

SK: L-Att 362/2011 dwar il-farmaċewtiċi u l-apparati mediċi, § 6; u

L-Att 578/2004 dwar il-forniturі tal-kura tas-saħħa, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, l-organizzazzjonijiet professjonali fil-kura tas-saħħa.

I-UE-4 – Servizzi ta' Riċerka u ta' Żvilupp

Settur – Subsettur:	Servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 851, 853
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fl-UE: Għal servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp iffinanzjati pubblikament (minn hawn 'il quddiem imsejħa "riċerka u żvilupp") li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut mill-UE fil-livell tal-UE, drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri u lil intrapriżi tal-UE li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali ta' negozju fl-UE (CPC 851, 853).

Għal servizzi ta' R&Ż iffinanzjati pubblikament li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut minn Stat Membru, id-drittijiet jew l-awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istat Membru konċernat u lil intrapriżi tal-Istat Membru konċernat li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom f'dak l-Istat Membru (CPC 851, 853).

Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni tal-akkwist minn Parti jew ta' sussidji għall-kummerċ fis-servizzi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11.2 (Kamp ta' applikazzjoni), u fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.5 (Kamp ta' applikazzjoni).

Miżuri:

L-UE: Il-programmi qafas kollha eżistenti bħalissa u futuri tal-UE dwar ir-riċerka jew l-innovazzjoni, inklużi r-Regoli għall-Parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 u r-regolamenti li jirrigwardaw l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs), l-Artikolu 185 Deċiżjonijiet, u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), kif ukoll programmi ta' riċerka nazzjonali, reġjonali jew lokali eżistenti u futuri.

I-UE-5 – Servizzi ta' Proprjetà Immobbli

Settur – Subsettur:	Servizzi tal-proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, 822
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

F'Ċipru: Għall-forniment ta' servizzi tal-proprjetà immobbli, tapplika kundizzjoni ta' nazzjonalità u ta' residenza.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-Ċekja: Ir-residenza għal persuni fiżiċi u l-istabbiliment għal persuni ġuridiċi fir-Repubblika Ċeka huma meħtieġa jiksbu l-liċenzja neċessarja għall-forniment ta' servizzi tal-proprjetà immobbli.

Fid-Danimarka: Għall-forniment ta' servizzi tal-proprjetà immobbli minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tad-Danimarka, l-aġenti tal-proprjetà immobbli awtorizzati biss li huma persuni fiżiċi li ġew ammessi fir-reġistru tal-aġenti tal-proprjetà immobbli tal-Awtorità tan-Negozju Daniża jistgħu jużaw it-titlu ta' "aġent tal-proprjetà immobbli". L-att jirrikjedi li l-applikant ikun resident Daniż jew resident tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera.

L-Att dwar il-bejgħ tal-proprjetà immobbli huwa applikabbli biss meta jiġu pprovduti servizzi tal-proprjetà immobbli lill-konsumaturi. Barra minn hekk, l-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli ma japplikax għal-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli (CPC 822).

Fil-Kroazja: Il-preżenza kummerċjali fiż-ŻEE hija meħtieġa sabiex jiġu pprovduti servizzi tal-proprjetà immobbli.

Fil-Portugall: Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għall-persuni fiżiċi. L-inkorporazzjoni fiż-ŻEE hija meħtieġa għall-persuni ġuridiċi.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fis-Slovenja: Diment li l-Messiku jippermetti liċ-ċittadini u lill-intrapriżi Sloveni jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà immobbli, is-Slovenja għandha tippermetti liċ-ċittadini u lill-intrapriżi tal-Messiku jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà immobbli bl-istess kundizzjonijiet, minbarra li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin: l-intitolament li jaġixxu bħala aġent tal-proprjetà immobbli fil-pajjiż ta' oriġini, is-sottomissjoni tad-dokument rilevanti dwar l-impunità fi proċeduri kriminali, u l-iskrizzjoni fir-reġistru tal-aġenti tal-proprjetà immobbli fil-ministeru kompetenti (tas-Slovenja).

Miżuri:

CY: Il-Liġi dwar l-Aġenti tal-Proprjetà Immobbli 71(1)/2010.

CZ: L-Att dwar il-Liċenzjar tan-Negozji.

DK: Lov om formidling af fast ejendom m.v. lov. nr. 526 af 28.5.2014.

HR: L-Att dwar is-Senserija tal-Proprjetà Immobbli (OG 107/07 u 144/12), l-Artikolu 2.

PT: Id-Digriet Amministrattiv 211/2004 (l-Artikoli 3 u 25), kif emendat u ppubblikat mill-ġdid bid-Digriet Amministrattiv 69/2011.

SI: L-Att dwar l-Aġenziji tal-Proprjetà Immobbli.

I-UE-6 – Servizzi tan-Negozju

Settur – Subsettur:	Servizzi tan-negozju – servizzi ta' kiri jew ta' lokazzjoni mingħajr operaturi; servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni; ittestjar u analiżijiet tekniċi; servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika; servizzi inċidentali għall-agrikoltura; servizzi ta' sigurtà; servizzi ta' kollokament; servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni; servizzi tan-negozju oħrajn
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, 831, parti minn 85990, 86602, 8675, 8676, 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209, 87901, 87902, 87909, 88, parti minn 893
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Servizzi ta' kiri jew ta' noleġġ mingħajr operaturi (CPC 83103, CPC 831)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fl-Iżvezja: Sabiex tittajjar il-bandiera Żvediża, għandha tintwera prova tal-influwenza operattiva dominanti tal-Iżvezja fil-każ ta' interessi ta' sjieda barranija fil-bastimenti. Influwenza dominanti tal-Iżvezja tfisser li l-operat tal-bastiment ikun jinsab l-Iżvezja. Bastimenti barranin jistgħu jingħataw eżenzjoni minn din ir-regola jekk jinkrew jew jiġu noleġġati minn persuni ġuridiċi Żvediżi permezz ta' kuntratti ta' noleġġ ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ. Sabiex jingħata eżenzjoni, il-kuntratt ta' noleġġ ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ għandu jiġi pprovdut lill-Amministrazzjoni Marittima Żvediża u juri li l-noleġġatur jieħu responsabbiltà sħiħa għall-operat u għall-ekwipaġġ tal-bastiment noleġġat jew mikri. Id-durata tal-kuntratt trid tkun tal-anqas ta' sena sa sentejn (CPC 83103).

Miżuri:

SE: Sjölagen (il-Liġi Marittima) (1994:1009), il-Kapitolu 1, § 1.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-Iżvezja: Il-forniturі ta' servizzi ta' kiri jew ta' lokazzjoni ta' karozzi u ta' ċerti vetturi off-road (terrängmotorfordon) mingħajr sewwieq, mikrija jew lokati għal perjodu ta' anqas minn sena, huma obbligati jaħtru lil xi ħadd sabiex ikun responsabbli sabiex jiżgura, fost affarijiet oħra, li n-negozju jitwettaq f'konformità mar-regoli u mar-regolamenti applikabbli u li jiġu segwiti r-regoli dwar is-sikurezza tat-traffiku fit-toroq. Il-persuna responsabbli jeħtiġilha tkun residenti fl-Iżvezja (CPC 831).

Miżuri:

SE: Lag (1998: 424) om biluthyrning (l-Att dwar il-kiri u l-lokazzjoni ta' karozzi).

(b) Servizzi ta' kiri jew ta' lokazzjoni u servizzi kummerċjali oħrajn relatati mal-avjazzjoni

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit, u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fl-UE: Għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ), l-inġenji tal-ajru użati minn operatur tal-ajru tal-UE huma soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli tar-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru. Ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ li għalih operatur tal-UE jkun parti għandu jkun soġġett għal rekwiżiti fid-dritt tal-UE jew fil-liġi nazzjonali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, bħall-approvazzjoni minn qabel u kundizzjonijiet oħrajn applikabbli għall-użu ta' inġenji tal-ajru reġistrati ta' pajjiżi terzi. Sabiex jiġu rreġistrati, l-inġenji tal-ajru jistgħu jkunu meħtieġa li jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw kriterji speċifiċi ta' nazzjonalità jew minn intrapriżi li jissodisfaw kriterji speċifiċi dwar is-sjieda tal-kapital u l-kontroll (CPC 83104).

Fir-rigward tas-servizzi tas-sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CRS"), meta l-operaturi tal-ajru tal-UE ma jingħatawx, minn forniturі ta' servizzi tas-CRS li joperaw barra mill-UE, trattament ekwivalenti (mhux diskriminatorju) għal dak ipprovdut fl-UE, jew meta l-forniturі ta' servizzi tas-CRS tal-UE ma jingħatawx, minn operaturi tal-ajru mhux tal-UE, trattament ekwivalenti għal dak ipprovdut fl-UE, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jingħata trattament ekwivalenti, rispettivament, lill-operaturi tal-ajru mhux tal-UE mill-forniturі ta' servizzi tas-CRS li joperaw fl-UE, jew lill-forniturі ta' servizzi tas-CRS mhux tal-UE mill-operaturi tal-ajru tal-UE.

Miżuri:

L-UE: Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità; Ir-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riżervazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89.

(c) Servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi (CPC 8676)

Fir-rigward tal-Investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Aċċess għas-Suq, Trattament Nazzjonali:

Fi Franza: In-nazzjonalità taż-ŻEE hija meħtieġa għall-bijologi.

F'Ċipru: Il-forniment ta' servizzi minn speċjalisti tal-kimika u minn bijologi jeħtieġ in-nazzjonalità ta' Stat Membru.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit, Preżenza Lokali:

Fl-Italja: Għall-bijologi, għall-analisti kimiċi, għall-agronomisti u għall-"periti agrari", ir-residenza u r-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali huma meħtieġa. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jirreġistraw taħt kundizzjoni ta' reċiproċità.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fil-Bulgarija: L-istabbiliment fil-Bulgarija skont l-Att Kummerċjali Bulgaru u r-reġistrazzjoni fir-Reġistru kummerċjali huma meħtieġa għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi.

Għall-ispezzjoni perjodika għal prova tal-kundizzjoni teknika tal-vetturi tat-trasport bit-triq, il-persuna jeħtiġilha tkun reġistrata f'konformità mal-Att Kummerċjali Bulgaru jew mal-Att dwar il-Persuni Ġuridiċi Mingħajr Skop ta' Qligħ, jew inkella tkun reġistrata fi Stat Membru ieħor tal-UE jew f'pajjiż miż-ŻEE.

Miżuri:

BG: L-Att dwar ir-Rekwiżiti Tekniċi għall-Prodotti;

L-Att dwar il-Kejl;

L-Att dwar l-Akkreditazzjoni Nazzjonali tal-Awtoritajiet ta' Konformità;

L-Att dwar l-Arja Ambjentali Nadifa; u

L-Att dwar l-Ilma, l-Ordinanza N-32 għall-ispezzjoni perjodika għal prova tal-kundizzjoni teknika ta' vetturi tat-trasport bit-triq.

CY: Il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Ispeċjalisti fil-Kimika tal-1988 (il-Liġi 157/1988), kif emendata bil-liġijiet numri 24 (I) tal-1992 u 20(I) tal-2004, il-Liġi 157/1988.

FR: L-Artikoli L 6213-1 sa 6213-6 tal-Code de la Santé Publique.

IT: Bijologi, analisti kimiċi: Il-Liġi 396/1967 dwar il-professjoni tal-bijologi;

Id-Digriet Reġju 842/1928 dwar il-professjoni tal-analisti kimiċi.

(d) Servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni – servizzi ta' arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni (CPC 86602)

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-Ungerija: Awtorizzazzjoni, permezz ta' ammissjoni fir-reġistru, mill-ministru inkarigat mis-sistema ġudizzjarja hija meħtieġa għat-twettiq ta' attivitajiet ta' medjazzjoni (bħall-arbitraġġ u l-konċiljazzjoni) li jistgħu jingħataw biss lil persuni ġuridiċi jew fiżiċi li huma stabbiliti jew residenti l-Ungerija.

Miżuri:

HU: L-Att LV tal-2002 dwar il-Medjazzjoni.

(e) Servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati (CPC 8675)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit, Preżenza Lokali:

Fl-Italja: Ir-residenza jew id-domiċilju professjonali fl-Italja huwa meħtieġ għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-ġeologi, li hija neċessarja għall-prattika tal-professjonijiet ta' surveyor jew ta' ġeologu sabiex jiġu pprovduti servizzi relatati mal-esplorazzjoni u mal-operat tal-minjieri, eċċ. Hemm rekwiżit għan-nazzjonalità ta' Stat Membru, madankollu, barranin jistgħu jirreġistraw taħt kundizzjoni ta' reċiproċità.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

Fil-Bulgarija: L-istabbiliment huwa meħtieġ, kif ukoll in-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera għall-persuna fiżika li twettaq attivitajiet għall-ġeodesija, għall-istħarriġ katastali u fil-kartografija meta jiġu studjati l-movimenti tal-qoxra tad-dinja.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

F'Ċipru: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità tapplika għall-forniment ta' servizzi rilevanti.

Fi Franza: Investituri barranin huma meħtieġa jkollhom awtorizzazzjoni speċifika għas-servizzi ta' esplorazzjoni u ta' prospettar.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fil-Kroazja: Is-servizzi ta' konsulenza ġeoloġika, ġeodetika u tal-minjieri bażika kif ukoll is-servizzi ta' konsulenza relatati mal-ħarsien tal-ambjent fit-territorju tal-Kroazja jistgħu jitwettqu biss b'mod konġunt ma' persuni ġuridiċi domestiċi jew permezz ta' dawn.

Miżuri:

BG: L-Att dwar ir-Reġistru taż-Żoni Katastali u tal-Proprjetà, l-Att dwar il-Ġeodesija u l-Kartografija.

CY: Il-Liġi 224/1990.

FR: Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, modifiée par les lois 2001-1168 du 12 décembre 2001 et 2008-776 du 4 août 2008.

HR: L-Ordinanza dwar ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' approvazzjonijiet lil persuni ġuridiċi għat-twettiq ta' attivitajiet professjonali ta' ħarsien tal-ambjent (OG Nru 57/10), l-Artikoli 32 sa 35.

IT: Ġeologi: Il-Liġi 112/1963, l-Artikoli 2 u 5; D.P.R. 1403/1965, l-Artikolu 1.

(f) Servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi (CPC 8676)

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-Italja: Għall-bijologi u għall-analisti kimiċi r-residenza u r-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali huma meħtieġa.

Fil-Bulgarija: L-istabbiliment fil-Bulgarija skont l-Att Kummerċjali Bulgaru u r-reġistrazzjoni fir-Reġistru kummerċjali huma meħtieġa għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi. Għall-ispezzjoni perjodika għal prova tal-kundizzjoni teknika tal-vetturi tat-trasport bit-triq, il-persuna jeħtiġilha tkun reġistrata f'konformità mal-Att Kummerċjali Bulgaru jew mal-Att dwar il-Persuni Ġuridiċi Mingħajr Skop ta' Qligħ, jew inkella tkun reġistrata fi Stat Membru ieħor tal-UE jew f'pajjiż miż-ŻEE.

Fil-Portugall: Il-professjoni ta' analist kimiku hija riżervata għal persuni fiżiċi.

Miżuri:

BG: L-Att dwar ir-Rekwiżiti Tekniċi għall-Prodotti; L-Att dwar il-Kejl;

L-Att dwar l-Akkreditazzjoni Nazzjonali tal-Awtoritajiet ta' Konformità;

L-Att dwar l-Arja Ambjentali Nadifa; u

L-Att dwar l-Ilma, l-Ordinanza N-32 għall-ispezzjoni perjodika għal prova tal-kundizzjoni teknika ta' vetturi tat-trasport bit-triq.

IT: Il-Liġi 3/1976 dwar il-professjoni tal-agronomisti ("Periti agrari"); Il-Liġi 434/1968 kif emendata bil-Liġi 54/1991.

PT: Id-Digriet Amministrattiv 119/92;

Il-Liġi 47/2011; u

Id-Digriet Amministrattiv 183/98.

(g) Servizzi ta' Kollokament (CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): ir-Reġjun Fjamming, ir-Reġjun ta' Wallonia, il-Komunità li Titkellem bil-Ġermaniż: kumpanija li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE trid turi li tipprovdi servizzi ta' kollokament fil-pajjiż ta' oriġini tagħha (CPC 87202).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Ġermanja: In-nazzjonalità ta' Stat Membru jew preżenza kummerċjali fl-UE hija meħtieġa sabiex tinkiseb liċenzja għall-operar bħala aġenzija ta' xogħol temporanju (skont s. 3 il-paragrafi 3 sa 5 tal-Att rilevanti (Arbeitnehmerüberlassungsgesetz) dwar aġenzija ta' xogħol temporanju. Il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jista' joħroġ regolament dwar il-kollokament u r-reklutaġġ ta' persunal mhux tal-UE u mhux taż-ŻEE għal professjonijiet speċifikati bħal professjonijiet relatati mas-saħħa u mal-kura (CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209).

Miżuri:

BE: Ir-Reġjun Fjamming: Besluit van de Vlaamse Regering van 10 december 2010 tot uitvoering van het decreet betreffende de private arbeidsbemiddeling.

Ir-Reġjun ta' Wallonia: Décret du 3 avril 2009 relatif à l'enregistrement ou à l'agrément des agences de placement (id-Digriet tat-3 ta' April 2009 dwar ir-reġistrazzjoni tal-aġenziji ta' kollokament), l-Artikolu 7; Arrêté du Gouvernement wallon du 10 décembre 2009 portant exécution du décret du 3 avril 2009 relatif à l'enregistrement ou à l'agrément des agences de placement (id-Deċiżjoni tal-Gvern ta' Wallonia tal-10 ta' Diċembru 2009 li timplimenta d-Digriet tat-3 ta' April 2009 dwar ir-reġistrazzjoni tal-aġenziji ta' kollokament), l-Artikolu 4.

Komunità li titkellem bil-Ġermaniż: Dekret über die Zulassung der Leiharbeitsvermittler und die Überwachung der privaten Arbeitsvermittler / Décret du 11 mai 2009 relatif à l'agrément des agences de travail intérimaire et à la surveillance des agences de placement privées, l-Artikolu 6.

DE: § 1 u 3 Abs 5 Arbeitnehmerüberlassungsgesetz –AÜG § 292 SGB III§ Artikolu 38 Beschäftigungsverordnung.

(h) Servizzi ta' Sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304, 87305, 87309)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Portugall: Jeżisti rekwiżit ta' nazzjonalità għal persunal speċjalizzat.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-Italja: In-nazzjonalità ta' Stat Membru u r-residenza huma meħtieġa sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni neċessarja sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' gwardja tas-sigurtà u t-trasport ta' oġġetti ta' valur.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali u Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fid-Danimarka: Rekwiżit ta' residenza għall-individwi li japplikaw għal awtorizzazzjoni sabiex iwettqu servizzi ta' sigurtà, kif ukoll għall-maniġers u għall-maġġoranza tal-membri tal-bord ta' entità ġuridika li japplikaw għal awtorizzazzjoni sabiex iwettqu servizzi ta' sigurtà. Madankollu, ir-residenza ma hijiex meħtieġa sa fejn issegwi minn ftehimiet jew minn ordnijiet internazzjonali maħruġin mill-Ministru għall-Ġustizzja.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-Estonja: Ir-residenza hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' sigurtà u għall-gwardji tas-sigurtà.

Miżuri:

DK: Lovbekendtgørelse 2016-01-11 Nru 112 om vagtvirksomhed.

EE: Turvaseadus (l-Att dwar is-Sigurtà) § 21, § 43.

IT: Il-Liġi dwar is-sigurtà pubblika (TULPS) 773/1931, l-Artikoli 133-141; u

Id-Digriet Reġju 635/1940, l-Artikolu 257.

PT: Il-Liġi 34/2013; u

L-Ordinanza 273/2013.

(i) Servizzi ta' aġenzija tal-ġbir, Servizzi ta' rapportar tal-kreditu (CPC 87901, 87902)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Portugall: In-nazzjonalità ta' Stat Membru hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u ta' servizzi ta' rapportar tal-kreditu (CPC 87901, 87902).

Miżuri:

PT: Il-Liġi 49/2004.

(j) Servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni (CPC 87905)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

F'Ċipru: Japplika r-rekwiżit ta' nazzjonalità.

Fl-Estonja: Traduttur ġuramentat jeħtieġlu jkun ċittadin ta' Stat Membru.

Fil-Kroazja: In-nazzjonalità taż-ŻEE hija meħtieġa għal tradutturi ċċertifikati.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fil-Bulgarija: Ir-residenza permanenti hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi uffiċjali ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni.

Fil-Finlandja: Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għal tradutturi ċċertifikati.

Miżuri:

BG: Ir-Regolament għal-legalizzazzjoni, għaċ-ċertifikazzjoni u għat-traduzzjoni tad-dokumenti, l-Artikolu 18.

CY: L-Istabbiliment, ir-Reġistrazzjoni u r-Regolamentazzjoni tas-Servizzi ta' Traduttur Iċċertifikat fil-Liġi tar-Repubblika ta' Ċipru.

EE: Vandetõlgi seadus § 2 (3), § 16, (l-Att dwar it-Tradutturi Ġuramentati).

FI: Laki auktorisoiduista kääntäjistä (l-Att dwar it-Tradutturi Awtorizzati) (1231/2007), s. 2(1)).

HR: L-Ordinanza dwar l-interpreti permanenti tal-qrati (OG 88/2008), l-Artikolu 2.

(k) Servizzi ta' Negozju Oħrajn (parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, parti minn 893, parti minn 85990)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

F'Ċipru: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-forniment ta' servizzi tax-xagħar, ta' trattament kożmetiku, ta' manikura u ta' pedikura, u ta' servizzi tas-sbuħija oħrajn.

Miżuri:

CY: Il-Liġi 28(i)/2003;

Il-Liġi 40(i)/1993;

Il-Liġi 40(i)/1993; u

Il-Liġi 182(i) 2013.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fiċ-Ċekja: Sabiex tikseb liċenzja għall-provvista ta' rkantijiet pubbliċi volontarji, kumpanija jeħtiġilha tiġi inkorporata fiċ-Ċekja u persuna fiżika hija meħtieġa tikseb permess ta' residenza (parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, parti minn 85990).

Fin-Netherlands: Sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' karatteristiċi distintivi, hija meħtieġa preżenza kummerċjali fin-Netherlands (parti minn CPC 893).

Miżuri:

CZ: L-Att Nru 455/1991 Ġabra;

L-Att dwar il-Liċenzji tan-Negozju; u

L-Att Nru 26/2000 Ġabra, dwar l-irkantijiet pubbliċi.

NL: Waarborgwet 1986.

I-UE-7 – Servizzi ta' Kostruzzjoni

Settur – Subsettur:	Servizzi ta' kostruzzjoni – servizzi ta' kostruzzjoni u tal-inġinerija relatati
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 51
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

F'Ċipru: Rekwiżit tan-nazzjonalità.

Miżura:

Il-Liġi tal-2001 dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Kontroll tal-Kuntratturi tal-Bini u tax-Xogħlijiet Tekniċi (29 (I) / 2001), l-Artikoli 15 u 52.

I-UE-8 – Servizzi ta' Distribuzzjoni

Settur – Subsettur:	Servizzi ta' distribuzzjoni – ġenerali, tat-tabakk u tax-xorb alkoħoliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 3546, parti minn 621, 6222, 631, parti minn 632
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE/ Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Distribuzzjoni ta' Farmaċewtiċi (CPC 62117, 62251, 8929)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

F'Ċipru: Ir-rekwiżit tan-nazzjonalità jeżisti għas-servizzi ta' distribuzzjoni fuq ir-rappreżentanti farmaċewtiċi (CPC 62117).

Miżuri:

CY: Il-Liġi 74(i) 202.

(b) Distribuzzjoni tat-tabakk (parti minn CPC 6222, 62228, parti minn 6310, 63108)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-Awstrija: Tingħata prijorità liċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE (CPC 63108).

Fi Franza: Rekwiżit tan-nazzjonalità għat-tabakkiera (buraliste) (parti minn CPC 6222, parti minn 6310).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fi Spanja: L-istabbiliment huwa soġġett għal rekwiżit tan-nazzjonalità ta' Stat Membru (CPC 63108).

Miżuri:

AT: L-Att tal-1996 dwar il-Monopolju tat-Tabakk, § 5 u § 27.

ES: Il-Liġi 14/2013 tas-27 ta' Settembru 2014.

FR: Code général des impôts, l-Artikolu 568 u l-Artikoli 276 sa 279 tal-Anness 2.

(c) Servizzi oħrajn ta' distribuzzjoni (CPC 3546)

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

Fil-Litwanja: Id-distribuzzjoni tal-pirotekniċi hija soġġetta għal-liċenzjar. Il-persuni ġuridiċi stabbiliti fl-UE biss jistgħu jiksbu liċenzja (CPC 3546).

Miżuri:

LT: Il-Liġi dwar is-Superviżjoni taċ-Ċirkolazzjoni tal-Pirotekniċi Ċivili (it-23 ta' Marzu 2004. Nru IX-2074).

I-UE-9 – Servizzi tal-Edukazzjoni

Settur – Subsettur:	Servizzi tal-edukazzjoni (iffinanzjati privatament)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, 922, 923, 924
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fi Franza: In-nazzjonalità ta' Stat Membru hija meħtieġa għall-għoti ta' tagħlim f'istituzzjoni edukattiva ffinanzjata privatament (CPC 921, CPC 922, CPC 923). Madankollu, iċ-ċittadini tal-Messiku jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex jgħallmu f'istituzzjonijiet edukattivi ta' livell primarju, sekondarju u ogħla. Iċ-ċittadini tal-Messiku jistgħu jiksbu wkoll awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex jistabbilixxu u joperaw jew jimmaniġġjaw istituzzjonijiet edukattivi ta' livell primarju, sekondarju jew ogħla. Dik l-awtorizzazzjoni tingħata fuq bażi diskrezzjonali.

F'Malta: Il-fornituri ta' servizzi li jfittxu li jipprovdu servizzi tal-edukazzjoni terzjarja jew għall-adulti ffinanzjati privatament għandhom jiksbu liċenzja mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi. Id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinħareġ liċenzja tista' tkun diskrezzjonali (CPC 923, CPC 924).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fil-Bulgarija: Il-kindergartens u l-iskejjel Bulgari li għandhom parteċipazzjoni barranija jistgħu jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' ftehimiet internazzjonali li għalihom hija parti l-Bulgarija. Skejjel barranin oħla ma jistgħux jistabbilixxu sussidjarji fit-territorju tal-Bulgarija. Skejjel oħla barranin jistgħu jifthu faċilitajiet, dipartimenti, istituti u kulleġġi fil-Bulgarija biss fi ħdan l-istruttura tal-iskejjel superjuri tal-Bulgarija u f'kooperazzjoni magħhom (CPC 921, CPC 922).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fil-Greċja: In-nazzjonalità ta' Stat Membru hija meħtieġa għas-sidien u għall-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi fi skejjel primarji u sekondarji ffinanzjati privatament, u għall-għalliema f'edukazzjoni primarja u sekondarja ffinanzjata privatament (CPC 921, CPC 922). L-edukazzjoni fil-livell universitarju għandha tiġi pprovduta esklużivament minn istituzzjonijiet li huma persuni ġuridiċi kompletament awtoregolati bil-liġi pubblika. Madankollu, il-Liġi 3696/2008 tippermetti l-istabbiliment mir-residenti tal-UE (persuni fiżiċi jew ġuridiċi) ta' istituzzjonijiet privati tal-edukazzjoni terzjarja li jagħtu ċertifikati li ma humiex rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal lawrji universitarji (CPC 923).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fiċ-Ċekja u fis-Slovakkja: L-istabbiliment fi Stat Membru huwa meħtieġ għall-applikazzjoni għall-approvazzjoni mill-Istat għall-operar bħala istituzzjoni tal-edukazzjoni terzjarja ffinanzjata privatament. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi tal-edukazzjoni teknika u vokazzjonali postsekondarja (CPC 92310).

Miżuri:

BG: L-Att dwar l-Edukazzjoni Preprimarja u fl-Iskejjel (Dispożizzjonijiet Addizzjonali, il-paragrafu 4); u

L-Att dwar l-Edukazzjoni Terzjarja (Dispożizzjonijiet Addizzjonali, il-paragrafu 4).

CZ: L-Att Nru 111/1998, Ġabra (l-Att dwar l-Edukazzjoni Terzjarja), § 39; u

L-Att Nru 561/2004 Ġabra, dwar l-Edukazzjoni Preprimarja, Bażika, Sekondarja, Terzjarja Professjonali u Edukazzjoni Oħra (l-Att dwar l-Edukazzjoni).

EL: Il-Liġijiet 682/1977, 284/1968, 2545/1940 u d-Digriet Presidenzjali 211/1994 kif emendati bid-Digriet Presidenzjali 394/1997, il-Kostituzzjoni ta' Hellas, l-Artikolu 16, il-paragrafu 5 u l-Liġi 3549/2007.

FR: Code de l'éducation, l-Artikoli L 444-5, L 914-4, L 441-8, L 731-8, L 731-1 sa 8.

MT: L-Avviż Legali 296 tal-2012.

SK: Il-Liġi Nru 131 tal-21 ta' Frar 2002 dwar l-Universitajiet.

I-UE-10 – Servizzi Ambjentali

Settur – Subsettur:	Servizzi ambjentali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 940
Obbligi Kkonċernati:	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-Iżvezja: Huma biss l-entitajiet stabbiliti l-Iżvezja jew li għandhom is-sede prinċipali tagħhom fl-Iżvezja li huma eliġibbli għall-akkreditazzjoni sabiex iwettqu servizzi ta' kontroll tal-gass tal-egżost (CPC 9404).

Fis-Slovakkja: Għall-ipproċessar u għar-riċiklaġġ ta' batteriji u ta' akkumulaturi użati, ta' żjut għar-rimi, ta' karozzi qodma u ta' skart minn tagħmir elettriku u elettroniku, hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) (rekwiżit ta' residenza) (parti minn CPC 9402).

Miżuri:

SE: L-Att dwar il-Vetturi (2002:574).

SK: L-Att 79/2015 dwar l-Iskart.

I-UE-11 – Servizzi tas-Saħħa u Servizzi Soċjali

Settur – Subsettur:	Servizzi tas-saħħa u soċjali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 931, 933
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
Kapitolu:	Investiment
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fi Franza: Filwaqt li tipi oħrajn ta' forma ġuridika huma disponibbli għall-investituri tal-UE, l-investituri barranin għandhom biss aċċess għall-forom ġuridiċi ta' SEL (*société d'exercice liberal*) u ta' SCP (*société civile professionnelle*). Għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel, hija meħtieġa n-nazzjonalità Franċiża. Madankollu, l-aċċess minn barranin huwa possibbli fi ħdan kwoti stabbiliti kull sena. Għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel u għas-servizzi mill-infermiera, il-provvista permezz ta' SARL (*anonyme, à responsabilité limitée*) jew SCP (*en commandite par actions*) biss. Għas-servizzi tal-isptarijiet u tal-ambulanza, għall-faċilitajiet tas-saħħa residenzjali (minbarra s-servizzi tal-isptarijiet) u għas-servizzi soċjali, hija neċessarja awtorizzazzjoni sabiex jiġu eżerċitati l-funzjonijiet ta' ġestjoni. Il-proċess ta' awtorizzazzjoni jqis id-disponibbiltà ta' maniġers lokali.

Miżuri:

FR: Il-Liġi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, modifiée par les lois 2001-1168 du 12 décembre 2001 et 2008-776 du 4 août 2008 et la loi 66-879 du 29 novembre 1966 (SCP); Code de la santé publique, l-Artikoli L6122-1 u L6122-2 (l-Ordinanza 2010-177 tat-23 ta' Frar 2010).

I-UE-12 – Servizzi relatati mat-Turiżmu u mal-Ivvjaġġar

Settur – Subsettur:	Servizzi relatati mat-turiżmu u mal-ivvjaġġar – lukandi, ristoranti u catering; servizzi tal-aġenziji tal-ivvjaġġar u tal-operaturi turistiċi (inklużi l-maniġers tat-tours); servizzi ta' gwidi turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 641, 642, 643, 7471, 7472
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: In-numru ta' maniġers barranin ma jistax jaqbeż in-numru ta' maniġers li huma ċittadini Bulgari, f'każijiet li fihom is-sehem pubbliku (statali jew muniċipali) fil-kapital ta' ekwità ta' kumpanija Bulgara jaqbeż il-50 %. Rekwiżit tan-nazzjonalità taż-ŻEE għall-gwidi turistiċi (CPC 641, 642, 643, 7471, 7472).

F'Ċipru: Il-forniment ta' servizzi ta' gwida turistika u ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u ta' servizzi ta' operaturi turistiċi jeħtieġ in-nazzjonalità ta' Stat Membru (CPC 7471, 7472).

Fil-Greċja: Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jridu jiksbu diploma mill-Iskejjel tal-Gwidi Turistiċi tal-Ministeru Grieg għat-Turiżmu, sabiex ikunu intitolati għad-dritt li jipprattikaw il-professjoni. Bħala eċċezzjoni, id-dritt għall-prattika tal-professjoni jista' jingħata temporanjament lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet imsemmijin hawn fuq, fil-każ tan-nuqqas ikkonfermat ta' gwida turistika għal lingwa speċifika.

Fi Spanja (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): In-nazzjonalità ta' Stat Membru hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' gwidi turistiċi (CPC 7472).

Fil-Kroazja: In-nazzjonalità taż-ŻEE hija meħtieġa għal servizzi ta' ospitalità u ta' catering f'unitajiet domestiċi u fi djar rurali (CPC 641, 642, 643, 7471, 7472).

Fl-Ungerija: Il-provvista ta' servizzi ta' aġent tal-ivvjaġġar u ta' operatur tat-tours, u servizzi ta' gwida turistika fuq bażi transfruntiera hija soġġetta għal liċenzja. Il-liċenzji huma riżervati għaċ-ċittadini taż-ŻEE u għall-persuni ġuridiċi li għandhom is-sede tagħhom fl-Istati Membri taż-ŻEE (CPC 7471, 7472).

Fl-Italja (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Gwidi turistiċi minn pajjiżi mhux tal-UE jeħtieġ li jiksbu liċenzja speċifika mir-Reġjun sabiex jaġixxu bħala gwidi turistiċi professjonali. Il-gwidi turistiċi mill-Istati Membri jistgħu jaħdmu liberament mingħajr ir-rekwiżit għal dik il-liċenzja. Il-liċenzja tingħata lil gwidi turistiċi li juru kompetenza u għarfien adegwati (CPC 7472).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fil-Bulgarija: Is-servizzi tal-operazzjonijiet turistiċi jew tal-aġenziji tal-ivvjaġġar jistgħu jiġu pprovduti minn persuna stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew fi Stat Membru taż-ŻEE. In-nazzjonalità u r-residenza taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera huma meħtieġa jipprovdu servizzi ta' gwida turistika, inklużi attivitajiet bħal gwidi tal-muntanji jew strutturi tal-iskijjar (CPC 7471, 7472).

Miżuri:

BG: Il-Liġi għat-Turiżmu, l-Artikoli 61, 113 u 146.

CY: Il-Liġi dwar it-Turiżmu u l-Uffiċċji tal-Ivvjaġġar u l-Gwidi Turistiċi tal-1995 sal-2004 (N.41(I)/1995-2004).

EL: Id-Digriet Presidenzjali 38/2010, id-Deċiżjoni Ministerjali 165261/IA/2010 (Il-Gazzetta tal-Gvern 2157/B), l-Artikolu 50 tal-Liġi 4403/2016.

ES: Andalucía: Decreto 8/2015, de 20 de enero, Regulador de guías de turismo de Andalucía;

Aragón: Decreto 21/2015, de 24 de febrero, Reglamento de Guías de turismo de Aragón;

Cantabria: Decreto 51/2001, de 24 de julio, l-Artikolu 4, por el que se modifica el Decreto 32/1997, de 25 de abril, por el que se aprueba el reglamento para el ejercicio de actividades turístico-informativas privadas;

Castilla y León: Decreto 25/2000, de 10 de febrero, por el que se modifica el Decreto 101/1995, de 25 de mayo, por el que se regula la profesión de guía de turismo de la Comunidad Autónoma de Castilla y León;

Castilla la Mancha: Decreto 86/2006, de 17 de julio, de Ordenación de las Profesiones Turísticas;

Cataluña: Decreto Legislativo 3/2010, de 5 de octubre, para la adecuación de normas con rango de ley a la Directiva 2006/123/CE, del Parlamento y del Consejo, de 12 de diciembre de 2006, relativa a los servicios en el mercado interior, l-Artikolu 88;

Comunidad de Madrid: Decreto 84/2006, de 26 de octubre del Consejo de Gobierno, por el que se modifica el Decreto 47/1996, de 28 de marzo;

Comunidad Valenciana: Decreto 90/2010, de 21 de mayo, del Consell, por el que se modifica el reglamento regulador de la profesión de guía de turismo en el ámbito territorial de la Comunitat Valenciana, aprobado por el Decreto 62/1996, de 25 de marzo, del Consell;

Extremadura: Decreto 37/2015, de 17 de marzo;

Galicia: Decreto 42/2001, de 1 de febrero, de Refundición en materia de agencias de viajes, guías de turismo y turismo activo;

Islas Baleares: Decreto 136/2000, de 22 de septiembre, por el cual se modifica el Decreto 112/1996, de 21 de junio, por el que se regula la habilitación de guía turístico en las Islas Baleares;

Islas Canarias: Decreto 13/2010, de 11 de febrero, por el que se regula el acceso y ejercicio de la profesión de guía de turismo en la Comunidad Autónoma de Canarias, l-Artikolu 5;

La Rioja: Decreto 14/2001, de 4 de marzo, Reglamento de desarrollo de la Ley de Turismo de La Rioja; Navarra: Decreto Foral 288/2004, de 23 de agosto, Reglamento para actividad de empresas de turismo activo y cultural de Navarra;

Principado de Asturias: Decreto 59/2007, de 24 de mayo, por el que se aprueba el Reglamento regulador de la profesión de Guía de Turismo en el Principado de Asturias; u

Región de Murcia: Decreto No. 37/2011, de 8 de abril, por el que se modifican diversos decretos en materia de turismo para su adaptación a la ley 11/1997, de 12 de diciembre, de turismo de la Región de Murcia tras su modificación por la ley 12/2009, de 11 de diciembre, por la que se modifican diversas leyes para su adaptación a la directiva 2006/123/CE, del Parlamento Europeo y del Consejo de 12 de diciembre de 2006, relativa a los servicios en el mercado interior (los guías podrían ser extranjeros si tienen homologación de las titulaciones requeridas).

HR: L-Att dwar l-Industrija tal-Ospitalità u tal-Catering (OG 138/06, 152/08, 43/09, 88/10 u 50/12); u

L-Att dwar il-Forniment ta' Servizzi tat-Turiżmu (OG Nru 68/07 u 88/10).

HU: L-Att CLXIV tal-2005 dwar il-Kummerċ; u

Id-Digriet tal-Gvern Nru 213/1996 (XII.23.) dwar l-Attivitajiet tal-Organizzazzjoni u tal-Aġenziji tal-Ivvjaġġar.

IT: Il-Liġi 135/2001 l-Artikoli 6 u 7.5, il-Liġi 40/2007 (DL 7/2007).

I-UE-13 – Servizzi Rikreazzjonali, Kulturali u Sportivi

Settur – Subsettur:	Servizzi rikreazzjonali – servizzi sportivi oħrajn
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 96419
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Servizzi sportivi oħrajn (CPC 96419)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-Awstrija (japplika għal-livell reġjonali tal-gvern): L-operat ta' servizzi tal-iskejjel tal-iskijjar u ta' gwida tal-muntanji huwa rregolat bil-liġijiet tal-Bundesländer. Il-forniment ta' dawn is-servizzi jista' jirrikjedi n-nazzjonalità ta' Stat Membru taż-ŻEE. L-intrapriżi jistgħu jkunu meħtieġa jaħtru direttur maniġerjali li jkun ċittadin ta' Stat Membru taż-ŻEE.

F'Ċipru: Rekwiżit tan-nazzjonalità għall-istabbiliment ta' skola taż-żfin u rekwiżit tan-nazzjonalità għall-istrutturi fiżiċi.

Miżuri:

AT: Kärntner Schischulgesetz, LGBL. Nru 53/97;

Kärntner Berg- und Schiführergesetz, LGBL. Nru 25/98;

NÖ- Sportgesetz, LGBL. Nru 5710; OÖ- Sportgesetz, LGBl. Nru 93/1997;

Salzburger Schischul- und Snowboardschulgesetz, LGBL. Nru 83/89;

Salzburger Bergführergesetz, LGBL. Nru 76/81;

Steiermärkisches Schischulgesetz, LGBL. Nru 58/97;

Steiermärkisches Berg- und Schiführergesetz, LGBL. Nru 53/76;

Tiroler Schischulgesetz. LGBL. Nru 15/95;

Tiroler Bergsportführergesetz, LGBL. Nru 7/98;

Vorarlberger Schischulgesetz, LGBL. Nru 55/02 § 4 (2)a;

Vorarlberger Bergführergesetz, LGBL. Nru 54/02; u

Wien: Gesetz über die Unterweisung in Wintersportarten, LGBL. Nru 37/02.

CY: Il-Liġi 65(i)/1997; Il-Liġi 17(i) /1995.

I-UE-14 – Servizzi tat-trasport u Servizzi Awżiljarji għas-Servizzi tat-Trasport

Settur – Subsettur:	Servizzi tat-trasport – sajd u trasport bl-ilma – kwalunkwe attività kummerċjali oħra mwettqa minn bastiment; trasport bl-ilma u servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ilma; trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija; trasport bit-triq u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq; servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport bl-ajru; forniment ta' servizzi tat-trasport kombinati
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC 0501, 0502; CPC 5122, 5133, 5223, 711, 712, 72, 741, 742, 743, 744, 745, 748, 749, 7461, 7469, 83103, 83104, 86751, 86754, 8730, 882
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Trasport marittimu u servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu. Kwalunkwe attività kummerċjali mwettqa minn bastiment (CPC 0501, 0502; CPC 5133, 5223, 721, parti minn 742, 745, 74540, 74520, 74590, 882)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: Il-ġarr u kwalunkwe attività relatata ma' xogħlijiet tekniċi tal-inġinerija idrawlika u taħt l-ilma, mal-prospettar u mal-estrazzjoni ta' riżorsi minerali u ta' riżorsi inorganiċi oħrajn, il-pilotaġġ, il-bunkering, ir-riċevuta ta' skart, it-taħlitiet ta' ilma u ta' żejt u attivitajiet oħrajn bħal dawn; imwettqin minn bastimenti fl-ilmijiet interni u fil-baħar territorjali tal-Bulgarija, jistgħu jitwettqu biss minn bastimenti li jtajru l-bandiera Bulgara jew bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor.

Rekwiżit tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' appoġġ. Il-kaptan u l-inġinier prinċipali tal-bastiment bilfors għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera. Mhux anqas minn 25 % tal-karigi fil-livell maniġerjali u operazzjonali u mhux anqas minn 25 % tal-karigi fil-livell tat-teħid ta' ordnijiet għandhom ikunu okkupati minn ċittadini tal-Bulgarija. Id-dritt li jitwettqu servizzi ta' appoġġ għat-trasport pubbliku li jsir f'portijiet tal-Bulgarija u f'portijiet li għandhom sinifikat reġjonali jingħata b'kuntratt mas-sid tal-port (ISIC 0501, 0502; CPC 5133, 5223, 721, 74520, 74540, 74590, 882).

Miżuri:

BG: Il-Kodiċi tat-Trasport Marittimu;

Il-Liġi għall-Ilma Baħar, għall-Passaġġi fuq l-Ilma Interni u għall-Portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija;

L-Ordinanza dwar il-kundizzjoni u għall-ordni għall-għażla tal-operaturi tal-Bulgarija għat-trasport ta' passiġġieri u ta' merkanziji skont trattati internazzjonali; u l-Ordinanza 3 għas-servizzjar ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fid-Danimarka: Il-forniturі ta' servizzi ta' pilotaġġ jistgħu jwettqu biss servizzi ta' pilotaġġ fid-Danimarka jekk ikunu domiċiljati f'pajjiż tal-UE jew taż-ŻEE u reġistrati u approvati mill-awtoritajiet Daniżi f'konformità mal-Att Daniż dwar il-Pilotaġġ (74520).

Miżuri:

DK: Il-Liġi Daniża dwar il-Pilotaġġ, § 18.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fil-Ġermanja (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Bastiment li ma jkunx jappartjeni għal ċittadin ta' Stat Membru jista' jintuża għal attivitajiet għajr servizzi tat-trasport u awżiljarji fil-passaġġi fuq l-ilma federali Ġermaniżi biss wara awtorizzazzjoni speċifika. Ir-rinunzji għal bastimenti mhux tal-UE jistgħu jingħataw biss jekk l-ebda bastiment tal-UE ma jkun disponibbli jew jekk ikunu disponibbli taħt kundizzjonijiet sfavorevoli ħafna, jew fuq il-bażi tar-reċiproċità. Eżenzjonijiet għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Messiku jistgħu jingħataw fuq il-bażi tar-reċiproċità (§ 2 il-paragrafu 3 Verordnung über die Küstenschifffahrt). L-attivitajiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi pilota huma regolati u l-akkreditazzjoni hija ristretta għal ċittadini taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

Għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' bastimenti tat-tbaħħir bl-operaturi jew mingħajrhom, u għall-kiri jew għal-lokazzjoni mingħajr operatur ta' bastimenti mhux tat-tbaħħir, il-konklużjoni ta' kuntratti għat-trasport tal-merkanzija minn bastimenti li jtajru bandiera barranija jew għan-noleġġ ta' tali bastimenti tista' tkun ristretta, skont id-disponibbiltà ta' bastimenti li jtajru taħt il-bandiera Ġermaniża jew il-bandiera ta' Stat Membru ieħor.

It-tranżazzjonijiet bejn ir-residenti u dawk mhux residenti fiż-żona ekonomika jistgħu jkunu ristretti (Trasport bl-ilma, Servizzi ta' appoġġ għat-trasport bl-ilma, Kiri ta' bastimenti, Servizzi ta' lokazzjoni ta' bastimenti mingħajr operaturi (CPC 721, 745, 83103, 86751, 86754, 8730)) jekk jikkonċernaw:

(i) il-kiri ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li ma humiex reġistrati fiż-żona ekonomika;

(ii) it-trasport ta' merkanzija b'tali bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni; jew

(iii) servizzi ta' rmonkar minn tali bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

Miżuri:

DE: § § 1, 2 Flaggenrechtsgesetz (l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Bandiera);

§ 2 Verordnung über die Küstenschifffahrt vom 05.07.2002;

§ § 1, 2 Binnenschifffahrtsaufgabengesetz (BinSchAufgG);

Verordnung über Befähigungszeugnisse in der Binnenschifffahrt (Binnenschifferpatentverordnung - BinSchPatentV);

§ 9 Abs.2 Nru 1 Seelotsgesetz mit-8.12. 2010 (BGBl. I S. 1864);

§ 1 Nru 9, 10, 11 u 13 Seeaufgabengesetz (SeeAufgG); u

Ara-Eigensicherungsverordnung mid-19.9.2005 (BGBl. I S. 2787), geändert durch Artikel 516 Verordnung vom 31.10.2006 (BGBl. I S. 2407).

Fil-Finlandja: Is-servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu meta jiġu pprovduti fl-ilmijiet marittimi tal-Finlandja huma riżervati għall-flotot li joperaw bil-bandiera nazzjonali, tal-UE jew Norveġiża (CPC 745).

Miżuri:

FI: Merilaki (l-Att Marittimu) (674/1994); u

Laki elinkeinon harjoittamisen oikeudesta (l-Att dwar id-Dritt ta' Twettiq ta' Negozju) (122/1919), s. 4.

Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija (CPC 711, 743)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: Iċ-ċittadini ta' Stat Membru biss jistgħu jipprovdu trasport bil-ferrovija jew servizzi ta' appoġġ għat-trasport bil-ferrovija fil-Bulgarija. Liċenzja sabiex jitwettaq trasport tal-passiġġieri jew tal-merkanzija bil-ferrovija tinħareġ mill-Ministru għat-Trasport lill-operaturi ferrovjarji rreġistrati bħala negozjanti (CPC 711, 743)

Miżuri:

BG: Il-Liġi għat-Trasport bil-Ferrovija, l-Artikoli 37 u 48.

Trasport bit-triq u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq (CPC 712, 7121, 7122, 71222, 7123)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-Awstrija: Għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri u lil persuni ġuridiċi tal-UE li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE (CPC 712).

Miżuri:

AT: Güterbeförderungsgesetz (l-Att dwar it-Trasport tal-Oġġetti), BGBl. Nru 593/1995; § 5;

Gelegenheitsverkehrsgesetz (l-Att dwar it-Traffiku Okkażjonali), l-BGBl. Nru 112/1996; § 6; u

Kraftfahrliniengesetz (il-Liġi dwar it-Trasport Skedat), BGBl. I Nru 203/1999 kif emendat, § § 7 u 8.

Fiċ-Ċekja: L-inkorporazzjoni fiċ-Ċekja hija meħtieġa (l-ebda fergħa) għall-forniment ta' servizzi tat-trasport bit-triq.

Miżuri:

CZ: L-Att Nru 111/1994 Ġabra, dwar it-Trasport bit-Triq.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fil-Greċja: Għall-operaturi ta' servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, sabiex jeżerċitaw il-professjoni ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, hija meħtieġa liċenzja Ellenika. Il-liċenzji jingħataw fuq termini mhux diskriminatorji, bil-kundizzjoni ta' reċiproċità.

Miżuri:

EL: Liċenzjar ta' operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq: Il-Liġi Griega 3887/2010 (il-Gazzetta tal-Gvern A' 174), kif emendata bl-Artikolu 5 tal-Liġi 4038/2012 (il-Gazzetta tal-Gvern A' 14) – ir-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009 u (KE) Nru 1072/2009.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit, Preżenza Lokali:

Fl-Iżvezja: Sabiex tiġi eżerċitata l-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq, hija meħtieġa liċenzja Żvediża. Il-kriterji sabiex tiġi riċevuta liċenzja tat-taxi jinkludu li l-kumpanija tkun ħatret persuna fiżika sabiex taġixxi bħala l-maniġer tat-trasport (rekwiżit ta' residenza *de facto* – ara r-riżerva Żvediża fuq it-tipi ta' stabbiliment).

Il-kriterji għar-riċevuta ta' liċenzja għal operaturi oħrajn tat-trasport bit-triq jeħtieġu li l-kumpanija tkun stabbilita fl-UE, ikollha stabbiliment li jinsab fl-Iżvezja u tkun ħatret persuna fiżika sabiex taġixxi bħala l-maniġer tat-trasport, li jeħtiġilha tkun residenti fl-UE.

L-operaturi tas-servizzi transfruntiera tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq barra mill-pajjiż jeħtieġ li jkunu liċenzjati għal dawk l-operazzjonijiet mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż fejn ikunu stabbiliti. Rekwiżiti addizzjonali għall-kummerċ transfruntier jistgħu jiġu rregolati fi ftehimiet bilaterali dwar it-trasport bit-triq. Għal vetturi li għalihom ma jkun applikabbli l-ebda ftehim bilaterali, hija meħtieġa wkoll liċenzja mill-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (CPC 712).

Miżuri:

SE: Yrkestrafiklag (2012:210) (l-Att dwar it-traffiku professjonali);

Lag om vägtrafikregister (2001:558) (l-Att dwar ir-reġistru tat-traffiku fit-triq);

Yrkestrafikförordning (2012:237) (ir-Regolament tal-Gvern dwar it-traffiku professjonali);

Taxitrafiklag (2012:211) (l-Att dwar it-Taxis); u

Taxitrafikförordning (2012:238) (ir-Regolament tal-Gvern dwar it-taxis).

Servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport bl-ajru (CPC 7461, 7469, 83104)

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit, Preżenza Lokali:

Fl-UE: Għas-servizzi fuq l-art, jista' jkun meħtieġ stabbiliment fit-territorju tal-UE. Il-livell ta' aċċess miftuħ għas-servizzi fuq l-art jiddependi mid-daqs tal-ajruport. In-numru ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat. Għall-ajruporti l-kbar, dan il-limitu ma jistax ikun anqas minn żewġ fornituri.

Miżuri:

L-UE: Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità; Ir-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi kompjuterizzati ta' prenotazzjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89; Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità.

Fil-Belġju (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Għas-servizzi fuq l-art, hija meħtieġa r-reċiproċità.

Miżuri:

BE: Arrêté Royal du 6 novembre 2010 réglementant l'accès au marché de l'assistance en escale à l'aéroport de Bruxelles-National (l-Artikolu 18);

Besluit van de Vlaamse Regering betreffende de toegang tot de grondafhandelingsmarkt op de Vlaamse regionale luchthavens (l-Artikolu 14);

Arrêté du Gouvernement wallon réglementant l'accès au marché de l'assistance en escale aux aéroports relevant de la Région wallonne (l-Artikolu 14).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju: Inġenji tal-ajru privati (ċivili) li jappartjenu għal persuni fiżiċi li ma humiex ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE jistgħu jiġu rreġistrati biss jekk ikunu domiċiljati jew residenti l-Belġju mingħajr interruzzjoni għal tal-anqas sena. Inġenji tal-ajru (ċivili) privati li jappartjenu għal entitajiet legali barranin mhux ifformati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE jistgħu jiġu rreġistrati biss jekk ikollhom sede tal-operazzjonijiet, aġenzija jew uffiċċju l-Belġju mingħajr interruzzjoni għal tal-anqas sena (kiri ta' inġenji tal-ajru CPC 83104).

Miżuri:

BE: Arrêté Royal du 15 mars 1954 réglementant la navigation aérienne.

Fil-Polonja: Għas-servizzi tal-operat tal-ajruport, il-parteċipazzjoni barranija hija limitata għal 49 fil-mija (parti minn CPC 742).

Miżuri:

PL: Il-Liġi Pollakka dwar l-Avjazzjoni tat-3 ta' Lulju 2002, l-Artikoli 174.2 u 174.3.

Servizzi ta' appoġġ għall-modi kollha tat-trasport (parti minn CPC 748)

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

L-UE (tapplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Servizzi tal-iżdoganar tal-merkanzija jistgħu jiġu pprovduti biss mir-residenti tal-UE.

Miżuri:

L-UE: Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tad-9 ta' Ottubru 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

Forniment ta' Servizzi ta' Trasport Kombinat (CPC 711, 712, 7212, 7222, 741, 742, 743, 744, 745, 748, 749)

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-UE: Bl-eċċezzjoni tal-Finlandja: Huma biss it-trasportaturi fuq distanzi twal stabbiliti fi Stat Membru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-professjoni u ta' aċċess għas-suq għat-trasport tal-oġġetti bejn l-Istati Membri li jistgħu, fil-kuntest ta' operazzjoni tat-trasport kombinat bejn Stati Membri, iwettqu partijiet inizjali jew finali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq li jifformaw parti integrali mill-operazzjoni tat-trasport kombinat u li jistgħu jinkludu l-qsim ta' fruntiera jew le. Japplikaw il-limitazzjonijiet li jaffettwaw kwalunkwe mod partikolari tat-trasport.

Jistgħu jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiġi żgurat li t-taxxi fuq il-vetturi bil-mutur applikabbli għall-vetturi tat-triq li jgħaddu fit-trasport kombinat jitnaqqsu jew jiġu rrimborżati.

Miżuri:

L-UE: Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport kombinat ta' oġġetti bejn l-Istati Membri.

I-UE-15 – Agrikoltura, sajd u manifattura

Settur – Subsettur:	Agrikoltura, kaċċa, forestrija; trobbija tal-annimali u tar-renni, sajd u akkwakultura; pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' media rrekordjata
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC 011, 012, 013, 014, 015, 1531, 050, 0501, 0502, 221, 222, 323, 324; CPC 882, 88442
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Agrikoltura, kaċċa u forestrija (ISIC 011, 012, 013, 014, 015, 1531; CPC 881)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit, Preżenza Lokali:

Fl-Italja: Għall-agronomisti u għall-periti agrari, ir-residenza u r-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali huma meħtieġa. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jirreġistraw fuq il-bażi tal-kundizzjoni ta' reċiproċità.

Miżuri:

IT: Il-Liġi 3/1976 dwar il-professjoni tal-agronomisti "Periti agrari"; Il-Liġi 434/1968 kif emendata bil-Liġi 54/1991.

Fir-rigward tal-Investiment – Rekwiżiti tal-Prestazzjoni:

Fl-UE: L-aġenziji tal-intervent dežinjati mill-Istati Membri għandhom jixtru ċereali maħsudin fl-UE. L-ebda rifużjoni fuq l-esportazzjoni ma għandha tingħata fuq ross importat minn u esportat mill-ġdid lejn kwalunkwe pajjiż terz. Il-produtturi tar-ross tal-UE biss jistgħu jitolbu pagamenti kumpensatorji.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Finlandja: Ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE residenti fiż-żona tal-merħliet tar-renni biss jistgħu jkunu sidien tar-renni u jipprattikaw it-trobbija tar-renni. Jistgħu jingħataw drittijiet esklużivi.

Fi Franza: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel sabiex wieħed isir membru jew jaġixxi bħala direttur ta' kooperattiva agrikola (ISIC 11, 12, 13, 14, 15).

Fl-Iżvezja: In-nies Sami biss jistgħu jkunu sidien tar-renni u jipprattikaw it-trobbija tar-renni.

Miżuri:

L-UE: Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007.

FI: Poronhoitolaki (l-Att dwar it-Trobbija tar-Renni) (848/1990), il-Kapitolu 1, s. 4, il-Protokoll 3 tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Finlandja.

FR: Code rural et de la pêche maritime: L-Artikolu R331-1 dwar l-installazzjoni u l-Artikolu L. 529-2 dwar il-kooperattivi agrikoli.

SE: L-Att dwar it-Trobbija tar-Renni (1971:437), il-paragrafu 1.

(b) Manifattura – Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' media rreġistrata (ISIC 221, 222, 323, 324; CPC 88442)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fil-Ġermanja (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Kull gazzetta, ġurnal jew perjodiku distribwit jew stampat pubblikament irid jindika b'mod ċar "editur responsabbli" (l-isem sħiħ u l-indirizz ta' persuna fiżika). L-editur responsabbli jista' jkun meħtieġ ikun resident permanenti tal-Ġermanja, tal-UE jew ta' pajjiż taż-ŻEE. Jistgħu jkunu permessi eċċezzjonijiet mill-Ministru Federali għall-Intern (ISIC 223, 224).

Fl-Iżvezja: Persuni fiżiċi li huma sidien ta' perjodiċi li jiġu stampati u ppubblikati fl-Iżvezja għandhom jirrisjedu l-Iżvezja jew ikunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE. Is-sidien ta' dawk il-perjodiċi li jkunu persuni ġuridiċi jeħtiġilhom ikunu stabbiliti fiż-ŻEE. Il-perjodiċi li jiġu stampati u ppubblikati l-Iżvezja u r-reġistrazzjonijiet tekniċi għandu jkollhom editur responsabbli li jeħtieġlu jkun domiċiljat l-Iżvezja.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fl-Italja: Sa fejn il-Messiku jippermetti liċ-ċittadini u lill-intrapriżi Taljani jwettqu dawn l-attivitajiet, l-Italja għandha tippermetti liċ-ċittadini u lill-intrapriżi tal-Messiku jwettqu dawn l-attivitajiet bl-istess kundizzjonijiet. Sa fejn il-Messiku jippermetti lill-investituri Taljani jkollhom aktar minn 49 % tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot f'kumpanija tal-pubblikazzjoni tal-Messiku, l-Italja għandha tippermetti lill-investituri tal-Messiku jkollhom aktar minn 49 % tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot f'kumpanija tal-pubblikazzjoni Taljana bl-istess kundizzjonijiet (ISIC 221, 222; CPC 88442).

Fir-rigward tal-Investiment – Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fil-Polonja: In-nazzjonalità hija meħtieġa għall-kap editur tal-gazzetti u tal-ġurnali (ISIC 221, 222).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fil-Latvja: Persuni ġuridiċi inkorporati fil-Latvja u persuni fiżiċi tal-Latvja biss għandhom id-dritt li jistabbilixxu u jippubblikaw media tal-massa. Fergħat ma humiex permessi.

Miżuri:

DE: § 10 Abs. 1 Nru 4 Landesmediengesetz (LMG) Rheinland-Pfalz v. l-4 ta' Frar 2005, GVBl. S. 23;

§ 9 Abs. 1 Nru 1 Gesetz über die Presse Baden-Württemberg (LPG BW) v. l-14 ta' Jannar 1964, GBl. S.11;

§ 9 Abs. 1 Nru 1 Pressegesetz für das Land Nordrhein-Westfalen (Landespressegesetz NRW) v. l-24 ta' Mejju 1966 (GV. NRW. S. 340);

§ 8 Abs. 1 Gesetz über die Presse Schleswig-Holstein (PressG SH) vom 25.1.2012, GVOBL. SH S. 266;

§ 7 Abs. 2 Landespressegesetz für das Land Mecklenburg-Vorpommern (LPrG M-V) v. is-6 ta' Ġunju 1993, GVOBl. M-V 1993, S. 541;

§ 8 Abs. 1 Nru 1 Pressegesetz für das Land Sachsen-Anhalt in der Neufassung vom 2.5.2013 (GVBl. LSA S. 198);

§ 7 Abs. 2 Berliner Pressegesetz (BlnPrG) v. il-15 ta' Ġunju 1965, GVBl. S. 744;

§ 10 Abs. 1 Nru 1 Brandenburgisches Landspressegesetz (BbgPG) v. it-13 ta' Mejju 1993, GVBl. I/93, S. 162;

§ 9 Abs. 1 Nru 1 Gesetz über die Presse Bremen (BrPrG), Brem. GBl. 1965, S. 63;

§ 7 Abs. 3 Nru 1 Hessisches Pressegesetz (HPresseG) v. it-12 ta' Diċembru 2004, GVBl. 2004 I S. 2;

§ 7 Abs. 2 i.V.m § 9 Abs.1 Ziffer 1 Thüringer Pressegesetz (TPG) v. il-31 ta' Lulju 1991, GVBl. 1991 S. 271;

§ 9 Abs. 1 Nru 1 Hamburgisches Pressegesetz v. id-29 ta' Jannar 1965, HmbGVBl., S. 15;

§ 6 Abs. 2 Sächsisches Gesetz über die Presse (SächsPresseG) v. it-3 ta' April 1992, SächsGVBl. S. 125;

§ 8 Abs. 2 Niedersächsisches Pressegesetz v. it-22 ta' Marzu 1965, GVbl. S.9;

§ 9 Abs. 1 Nru 1 Saarländisches Mediengesetz (SMG) vom 27 ta' Frar 2002 (Amtsbl. S. 498); u

Art. 5 Abs. 2 Bayerisches Pressegesetz in der Fassung der Bekanntmachung v. id-19 ta' April 2000 (GVBl, S. 340).

IT: Il-Liġi 416/1981, l-Artikolu 1 (u l-emendi sussegwenti).

LV: Il-Liġi dwar l-Istampa u Media tal-Massa oħra, s. 8.

PL: L-Att tas-26 ta' Jannar 1984 dwar il-Liġi tal-istampa, il-Ġurnal tal-Liġijiet, Nru 5, il-punt 24, bl-emendi sussegwenti.

SE: L-Att dwar il-libertà tal-istampa (1949:105);

Il-Liġi fundamentali dwar il-Libertà tal-Espressjoni (1991:1469); u

L-Att dwar l-ordinanzi għall-Att dwar il-Libertà tal-Istampa u l-Liġi fundamentali dwar il-Libertà tal-Espressjoni (1991:1559).

I-UE-16 – Attivitajiet relatati mal-enerġija

Settur – Subsettur:	Attivitajiet relatati mal-enerġija – l-estrazzjoni u x-xogħol fil-barrieri; il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni akkont proprju tal-elettriku, tal-gass, tal-fwar u tal-ilma sħun; it-trasport tal-fjuwils bil-pipelines; il-ħżin u l-imħażen tal-fjuwils ittrasportati permezz tal-pipelines; servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC 10, 11, 12, 13, 14, 40; CPC 5115, 63297, 713, parti minn 742, 8675, 883, 887
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
Livell tal-Gvern:	UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri (ISIC 10, 11, 12, 13, 14; CPC 5115, 7131, 8675, 883)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

F'Ċipru: Il-Kunsill tal-Ministri jista' jirrifjuta li jippermetti l-aċċess għal tal-attivitajiet ta' prospettar, ta' esplorazzjoni u ta' sfruttament tal-idrokarburi, u l-eżerċizzju ta' dawn, lil kwalunkwe entità li tkun ikkontrollata b'mod effettiv mill-Messiku jew minn ċittadini tal-Messiku jew minn ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-ebda entità, wara l-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-prospettar, għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni ta' idrokarburi, ma tista' taqa' taħt il-kontroll dirett jew indirett tal-Messiku jew ta' ċittadin tal-Messiku mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill tal-Ministri. Il-Kunsill tal-Ministri jista' jirrifjuta li jagħti awtorizzazzjoni għall-prospettar, għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni ta' idrokarburi lil entità li tkun effettivament ikkontrollata mill-Messiku jew minn pajjiż terz jew minn ċittadin tal-Messiku jew ta' pajjiż terz, jekk il-Messiku jew il-pajjiż terz ma jagħtux lill-entitajiet ta' Ċipru jew lill-entitajiet tal-Istati Membri, fir-rigward tal-aċċess għal attivitajiet ta' prospettar, ta' esplorazzjoni u ta' sfruttament tal-idrokarburi, u tal-eżerċizzju ta' dawn, trattament komparabbli ma' dak li Ċipru jew l-Istat Membru jagħti lill-entitajiet tal-Messiku jew ta' dak il-pajjiż terz (CPC 1110).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fis-Slovenja: L-esplorazzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi minerali, inklużi servizzi regolati tal-estrazzjoni, huma soġġetti għal stabbiliment fiż-ŻEE, fil-konfederazzjoni Żvizzera jew f'membru tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), jew f'pajjiż terz bil-kundizzjoni ta' reċiproċità, jew għaċ-ċittadinanza tagħhom. Il-konformità mal-kundizzjoni ta' reċiproċità tiġi vverifikata mill-Ministeru responsabbli għall-estrazzjoni (ISIC 10, 11, 12, 13, 14; CPC 883, 8675).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fin-Netherlands: L-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' idrokarburi fin-Netherlands dejjem jitwettqu b'mod konġunt minn kumpanija privata u mill-kumpanija pubblika (b'responsabbiltà limitata) dežinjata mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi. L-Artikoli 81 u 82 tal-Att dwar l-Estrazzjoni jistipulaw li l-ishma kollha f'din il-kumpanija dežinjata jridu jkunu miżmumin direttament jew indirettament mill-Istat Netherlandiż (ISIC 10, 11, 12, 13, 14).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza lokali:

Fil-Finlandja: L-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' riżorsi minerali jistgħu jingħataw lil persuna fiżika residenti fiż-ŻEE jew lil persuna ġuridika stabbilita fiż-ŻEE. (ISIC 120; CPC 5115, 883, 8675).

Fis-Slovakkja: Għall-estrazzjoni, għal attivitajiet relatati mal-estrazzjoni u għal attività ġeoloġika, hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fi Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE (l-ebda fergħat). L-attivitajiet ta' estrazzjoni u ta' prospettar koperti bl-Att tar-Repubblika Slovakka 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi naturali huma rregolati fuq bażi mhux diskriminatorja, inkluż permezz ta' miżuri ta' ordni pubbliku li għandhom l-għan li jiżguraw il-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-ambjent bħall-awtorizzazzjoni jew il-projbizzjoni ta' ċerti teknoloġiji tal-estrazzjoni. Għal ċertezza akbar, dawk il-miżuri jinkludu l-projbizzjoni tal-użu tal-lissija taċ-ċjanur fit-trattament jew fir-raffinar tal-minerali, ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni speċifika fil-każ ta' fratturazzjoni għal attivitajiet ta' prospettar, ta' esplorazzjoni jew ta' estrazzjoni taż-żejt u tal-gass, kif ukoll approvazzjoni minn qabel permezz ta' referendum lokali fil-każ ta' riżorsi minerali nukleari jew radjuattivi. Dan ma jżidx l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti li għaliha tittieħed ir-riżerva (ISIC 10, 11, 12, 13, 14; CPC 5115, 7131, 883 u 8675).

Miżuri:

CY: L-Idrokarburi (il-Liġi dwar il-Prospettar, l-Esplorazzjoni u l-Isfruttament) tal-2007, (il-Liġi 4(I)/2007) kif emendata bil-liġijiet numri 126(I) tal-2013 u 29(I) tal-2014.

FI: Kaivoslaki (l-Att dwar l-Estrazzjoni) (621/2011); u

Ydinenergialaki (l-Att dwar l-Enerġija Nukleari) (990/1987).

NL: Mijnbouwwet (l-Att dwar l-Estrazzjoni).

SI: L-Att tal-2014 dwar l-Estrazzjoni.

SK: L-Att 51/1988 dwar l-Estrazzjoni, l-Isplussivi u l-Amministrazzjoni Statali tal-Estrazzjoni;

L-Att tar-Repubblika Slovakka 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi naturali; u

L-Att 569/2007 dwar ix-Xogħlijiet Ġeoloġiċi.

L-elettriku (ISIC 40, 4010; CPC 62271, 887 (għajr servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza))

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

Fl-Awstrija (japplika biss għal-livell reġjonali tal-gvern): Fir-rigward tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE. Jekk l-operatur jaħtar direttur maniġerjali jew detentur ta' lokazzjoni, ir-rekwiżit tad-domiċilju jiġi rrinunzjat. Persuni ġuridiċi (intrapriżi) u sħubijiet għandu jkollhom is-sede tagħhom fiż-ŻEE. Għandhom jaħtru direttur maniġerjali jew detentur ta' lokazzjoni, li t-tnejn jeħtiġilhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati ż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għar-rekwiżiti ta' domiċilju u ta' nazzjonalità jekk it-tħaddim tan-network jitqies li jkun fl-interess pubbliku (ISIC 40, CPC 887).

Miżuri:

AT: Burgenländisches Elektrizitätswesengesetz 2006, LGBl. Nru 59/2006 kif emendat;

Niederösterreichisches Elektrizitätswesengesetz, LGBl. Nru 7800/2005 kif emendat;

Landesgesetz, mit dem das Oberösterreichische Elektrizitätswirtschafts- und -organisationsgesetz 2006 erlassen wird (Oö. ElWOG 2006), LGBl. Nru 1/2006 kif emendat;

Salzburger Landeselektrizitätsgesetz 1999 (LEG), LGBl. Nru 75/1999 kif emendat;

Gesetz vom 16 ta' Novembru 2011 über die Regelung des Elektrizitätswesens in Tirol (Tiroler Elektrizitätsgesetz 2012 – TEG 2012), LGBl. Nru 134/2011;

Gesetz über die Erzeugung, Übertragung und Verteilung von elektrischer Energie (Vorarlberger Elektrizitätswirtschafts-gesetz), LGBl. Nru 59/2003 kif emendat;

Gesetz über die Neuregelung der Elektrizitätswirtschaft (Wiener Elektrizitätswirtschaftsgesetz 2005 – WElWG 2005), LGBl. Nru 46/2005;

Steiermärkisches Elektrizitätswirtschafts- und organisationsgesetz (ELWOG), LGBl. Nru 70/2005;

Kärntner Elektrizitätswirtschafts- und organisationsgesetz (ELWOG), LGBl. Nru 24/2006;

Rohrleitungsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport bil-Pipelines), BGBl. Nru 411/1975, § 5(1) u (2), § § 5(1) u (3), 15, 16; u

Gaswirtschaftsgesetz (l-Att dwar il-Gass), BGBl. I Nru 121/2000, emendat fl-2011, l-Artikoli 43 u 44, l-Artikoli 90 u 93.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fil-Belġju: Huwa meħtieġ stabbiliment fi ħdan l-UE (ISIC 4010, CPC 887).

Fiċ-Ċekja: Għall-ġenerazzjoni, għat-trażmissjoni, għad-distribuzzjoni, għan-negozjar u għal attivitajiet oħrajn ta' operaturi tas-suq tal-elettriku, kif ukoll għall-ġenerazzjoni u għad-distribuzzjoni tas-sħana, hija meħtieġa awtorizzazzjoni. Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika b'permess ta' residenza jew lil persuna ġuridika stabbilita fl-UE. Jeżistu drittijiet esklużivi fir-rigward tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass u tal-liċenzji tal-operaturi tas-suq (ISIC 40; CPC 7131, 62279, 742, 887).

Fil-Litwanja: Il-liċenzji għat-trażmissjoni, għad-distribuzzjoni, għall-provvista pubblika u għall-organizzazzjoni tal-kummerċ tal-elettriku jistgħu jinħarġu biss lil persuni ġuridiċi tal-Litwanja jew lil fergħat ta' persuni ġuridiċi barranin jew lil organizzazzjonijiet oħrajn stabbiliti fil-Litwanja (ISIC 4010; CPC 62279, 887).

Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' għoti ta' pariri jew ta' konsulenza relatati mat-trażmissjoni u mad-distribuzzjoni tal-elettriku fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt.

Fil-Polonja: L-attivitajiet li ġejjin huma soġġetti għal-liċenzjar skont l-Att dwar il-Liġi tal-Enerġija:

(i) il-ġenerazzjoni tal-elettriku, ħlief għall-ġenerazzjoni tal-elettriku bl-użu ta' sorsi tal-elettriku tal-kapaċità totali ta' mhux aktar minn 50 MW minbarra sorsi tal-enerġija rinnovabbli; il-koġenerazzjoni tal-elettriku bl-użu ta' sorsi b'kapaċità totali ta' mhux aktar minn 5 MW minbarra sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(ii) it-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni tal-elettriku; u

(iii) il-kummerċ fl-elettriku, ħlief għall-kummerċ fl-elettriku bl-użu ta' installazzjonijiet ta' vultaġġ ta' anqas minn 1 kV proprjetà tal-klijent; u l-kummerċ fl-elettriku mwettaq fil-borża tal-komoditajiet minn ditti tas-senserija li jwettqu l-attività ta' senserija fuq il-komoditajiet tal-borża fuq il-bażi tal-Att tas-26 ta' Ottubru 2000 dwar il-borża tal-komoditajiet.

Liċenzja tista' tingħata biss mill-Awtorità Kompetenti lil applikant li jkun irreġistra l-post prinċipali ta' negozju jew ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera (ISIC 4010; CPC 62279, 63297, 887).

Fil-Portugall: L-attivitajiet ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku jitwettqu permezz ta' konċessjonijiet esklużivi ta' servizz pubbliku. Il-konċessjonijiet għas-setturi tal-elettriku huma assenjati biss lil kumpaniji b'responsabbiltà limitata bil-kwartieri ġenerali tagħhom u b'ġestjoni effettiva fil-Portugall (ISIC 4010, CPC 887).

Fis-Slovenja: Il-produzzjoni, in-negozjar, il-provvista lill-klijenti finali, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass naturali huma soġġetti għal stabbiliment fl-UE (ISIC 4010, 4020; CPC 7131, 887).

Fis-Slovakkja: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-produzzjoni, għat-trażmissjoni u għad-distribuzzjoni tal-elettriku, għall-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku, u għas-servizzi relatati inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija. Għal dawn l-attivitajiet kollha, awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika b'residenza permanenti fi Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE jew lil persuna ġuridika stabbilita fl-UE jew fiż-ŻEE (ISIC 4010; CPC 62279, 887).

Fis-Slovenja: Il-produzzjoni, in-negozjar, il-provvista lill-klijenti finali, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass naturali huma soġġetti għal stabbiliment fl-UE (ISIC 4020; CPC 7131, 887).

Fjuwils, gass, żejt grezz jew prodotti tal-petroleum (ISIC 232, 4020; CPC 62271, 63297, 7131, 742, 887 (minbarra servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza))

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali u Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali u Preżenza Lokali:

Fl-Awstrija: Fir-rigward tat-trasport tal-gass, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE li jkunu jinsabu fiż-ŻEE. L-intrapriżi u s-sħubijiet jeħtieġ li jkollhom is-sede tagħhom fiż-ŻEE. L-operatur tan-network jeħtieġlu jaħtar Direttur Maniġerjali u Direttur Tekniku li jkun responsabbli għall-kontroll tekniku tal-operat tan-network, li t-tnejn li huma għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja r-rekwiżiti ta' nazzjonalità u ta' domiċilju meta l-operat tan-network jitqies li jkun fl-interess pubbliku.

Għat-trasport ta' oġġetti għajr gass u ilma, japplika dan li ġej:

Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini taż-ŻEE li jeħtieġ li jkollhom sede fl-Awstrija; u

L-intrapriżi u s-sħubijiet għandu jkollhom is-sede tagħhom fl-Awstrija. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jew test tal-interess. Il-pipelines transfruntiera ma jistgħux jipperikolaw l-interessi tas-sigurtà tal-Awstrija u l-istatus tagħha bħala pajjiż newtrali. L-intrapriżi u s-sħubijiet għandhom jaħtru direttur maniġerjali li għandu jkun ċittadin ta' Stat Membru taż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għar-rekwiżiti ta' nazzjonalità u tas-sede jekk it-tħaddim tal-pipeline jitqies li jkun fl-interess ekonomiku nazzjonali (CPC 713).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fil-Belġju: Għas-servizzi ta' ħżin bl-ingrossa tal-gass, jeżistu rekwiżiti dwar it-tipi ta' entitajiet legali u t-trattament ta' operaturi pubbliċi jew privati li lilhom il-Belġju jkun ta drittijiet esklużivi. L-istabbiliment fi ħdan l-UE huwa meħtieġ għal servizzi ta' ħżin bl-ingrossa tal-gass (parti minn CPC 742).

B'mod ġenerali, il-provvista tal-gass naturali lill-klijenti (klijenti li huma kemm kumpaniji ta' distribuzzjoni kif ukoll konsumaturi li l-konsum globali kombinat tal-gass tagħhom li jirriżulta mill-punti kollha ta' provvista jilħaq livell minimu ta' miljun metru kubu fis-sena) stabbiliti fil-Belġju huwa soġġett għal awtorizzazzjoni individwali pprovduta mill-ministru, ħlief meta l-fornitur ikun kumpanija ta' distribuzzjoni li tuża n-network ta' distribuzzjoni tagħha stess. Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru (ISIC 4020, CPC 7131).

It-trasport bil-pipelines ta' gass naturali u ta' fjuwils oħrajn huwa soġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni. Awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru (f'konformità mal-Artikolu 3 tal-AR tal-14 ta' Mejju 2002). Intrapriżi barranin ikkontrollati minn persuni fiżiċi jew minn intrapriżi ta' pajjiż terz li jirrappreżentaw aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali jew tal-elettriku tal-UE jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività.

Jekk l-awtorizzazzjoni tintalab minn intrapriża li ma tkunx fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv, dik l-intrapriża għandha:

(i) tkun stabbilita f'konformità mal-liġi tal-Belġju, mal-liġi ta' Stat Membru ieħor, jew mal-liġi ta' pajjiż terz li jkun ħa impenji li jżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali; u

(ii) ikollha s-sede amministrattiva tagħha, l-istabbiliment prinċipali tagħha jew l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru jew f'pajjiż terz li jkun ħa impenji li jżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali, diment li l-attività ta' dan l-istabbiliment jew l-uffiċċju prinċipali tirrappreżenta rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija tal-pajjiż ikkonċernat (ISIC 4020, CPC 7131).

Fiċ-Ċekja: Għall-ġenerazzjoni, għat-trażmissjoni, għad-distribuzzjoni, għall-ħżin u għan-negozjar tal-gass, hija meħtieġa awtorizzazzjoni. Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika b'permess ta' residenza jew lil persuna ġuridika stabbilita fl-UE. Jeżistu drittijiet esklużivi fir-rigward tat-trażmissjoni tal-gass u tal-liċenzji tal-operaturi tas-suq (ISIC 2320, 4020; CPC 7131, 63297, 742, 887).

Provvista ta' Fwar u ta' Ilma Sħun (ISIC 4030, CPC 887).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fil-Polonja: L-attivitajiet li ġejjin huma soġġetti għal-liċenzjar skont l-Att dwar il-Liġi tal-Enerġija:

(i) il-ġenerazzjoni ta' enerġija mill-fwar u mill-ilma sħun, ħlief għal dawn: il-koġenerazzjoni tas-sħana bl-użu ta' sorsi b'kapaċità totali ta' mhux aktar minn 5 MW minbarra sorsi ta' enerġija rinnovabbli; il-ġenerazzjoni tas-sħana bl-użu ta' sorsi b'kapaċità totali ta' mhux aktar minn 5 MW;

(ii) it-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni tas-sħana, ħlief meta l-kapaċità totali ordnata mill-klijenti ma taqbiżx il-5 MW; u

(iii) il-kummerċ fis-sħana jekk il-kapaċità ordnata mill-klijenti ma taqbiżx il-5 MW.

Liċenzja tista' tingħata biss mill-Awtorità Kompetenti lil applikant li jkun irreġistra l-post prinċipali ta' negozju jew ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera (ISIC 4030, CPC 887).

Fis-Slovakkja: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-produzzjoni u għad-distribuzzjoni ta' fwar u ta' ilma sħun, ta' bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut ta' fwar u ta' ilma sħun, u ta' servizzi relatati inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija. Għal dawn l-attivitajiet kollha, awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika b'residenza permanenti fi Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE jew lil persuna ġuridika stabbilita fl-UE jew fiż-ŻEE (ISIC 4030, CPC 887).

Miżuri:

AT: Burgenländisches Elektrizitätswesengesetz 2006, LGBl. Nru 59/2006 kif emendat;

Niederösterreichisches Elektrizitätswesengesetz, LGBl. Nru 7800/2005 kif emendat;

Landesgesetz, mit dem das Oberösterreichische Elektrizitätswirtschafts- und -organisationsgesetz 2006 erlassen wird (Oö. ElWOG 2006), LGBl. Nru 1/2006 kif emendat;

Salzburger Landeselektrizitätsgesetz 1999 (LEG), LGBl. Nru 75/1999 kif emendat;

Gesetz vom 16 ta' Novembru 2011 über die Regelung des Elektrizitätswesens in Tirol (Tiroler Elektrizitätsgesetz 2012 – TEG 2012), LGBl. Nru 134/2011;

Gesetz über die Erzeugung, Übertragung und Verteilung von elektrischer Energie (Vorarlberger Elektrizitätswirtschaftsgesetz), LGBl. Nru 59/2003 kif emendat;

Gesetz über die Neuregelung der Elektrizitätswirtschaft (Wiener Elektrizitätswirtschaftsgesetz 2005 – WElWG 2005), LGBl. Nru 46/2005;

Steiermärkisches Elektrizitätswirtschafts- und Organisationsgesetz (ELWOG), LGBl. Nru 70/2005;

Kärntner Elektrizitätswirtschafts-und Organisationsgesetz(ELWOG), LGBl. Nru 24/2006;

Rohrleitungsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport bil-Pipelines), BGBl. Nru 411/1975, § 5(1) u (2), § § 5(1) u (3), 15, 16; u

Gaswirtschaftsgesetz 2011 (l-Att dwar il-Gass), BGBl. I Nru 107/2011, l-Artikoli 43 u 44, l-Artikoli 90 u 93.

BE: Arrêté royal du 2 avril 2003 relatif aux autorisations de fourniture d'électricité par des intermédiaires et aux règles de conduite applicables à ceux-ci; u

Arrêté royal du 12 juin 2001 relatif aux conditions générales de fourniture de gaz naturel et aux conditions d'octroi des autorisations de fourniture de gaz naturel.

CZ: L-Att Nru 458/2000 Ġabra, dwar il-Kundizzjonijiet tan-negozju u l-amministrazzjoni pubblika fis-setturi tal-enerġija (L-Att dwar l-Enerġija).

DK: Bekendtgørelse Nru 724 af 1 ta' Lulju 2008 om indretning, etablering og drift af olietanke, rørsystemer og pipelines (l-Ordni dwar l-arranġament, l-istabbiliment u t-tħaddim ta' tankijiet taż-żejt, ta' sistemi tal-pajpijiet u ta' pipelines), Nru 724 tal-1 ta' Lulju 2008.

LT: Il-Liġi dwar il-Gass Naturali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1973; u

Il-Liġi dwar l-elettriku tar-Repubblika tal-Litwanja tal-20 ta' Lulju 2000 Nru VIII-1881.

MT: L-Att dwar l-Enemalta, Kap. 272, u l-Att dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta, Kap. 536.

NL: Elektriciteitswet 1998; Gaswet.

PL: L-Att dwar il-Liġi tal-Enerġija tal-10 ta' April 1997, l-Artikoli 32 u 33.

SI: Energetski zakon (l-Att dwar l-Enerġija) 2014, il-Gazzetta Uffiċjali RS, Nru 17/2014; L-Att dwar l-Estrazzjoni (2014).

Appendiċi I-B-1

RIŻERVI GĦALL-MIŻURI EŻISTENTI

LISTA TAL-MESSIKU

Riżervi Applikabbli fil-Livell Ċentrali

I-MX-1

Settur:	Kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 27. Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu II, il-Kapitoli I u II. Ir-Regolament għal-Liġi dwar l-Investiment Barrani u r-Reġistru Nazzjonali tal-Investimenti Barranin (Reglamento de la Ley de Inversión Extranjera y del Registro Nacional de Inversiones Extranjeras), it-Titolu II, il-Kapitoli I u II.
Deskrizzjoni:	Investiment Ċittadini barranin jew intrapriżi barranin ma jistgħux jiksbu drittijiet ta' proprjetà (*dominio directo*) fuq l-art u fuq l-ilma fi strixxa ta' 100 kilometru tul il-fruntieri tal-pajjiż jew fi strixxa ta' 50 kilometru 'l ġewwa mill-kosta tiegħu (Żona Ristretta). L-intrapriżi Messikani mingħajr klawżola ta' esklużjoni għall-barranin jistgħu jiksbu drittijiet ta' proprjetà (*dominio directo*) fuq proprjetà immobbli li tinsab fiż-Żona Ristretta, użata għal skopijiet mhux residenzjali. Għandu jingħata avviż dwar l-akkwist lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (Secretaría de Relaciones Exteriores), (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "SRE") fi żmien 60 jum ta' xogħol wara d-data tal-akkwiżizzjoni. L-intrapriżi Messikani mingħajr klawżola ta' esklużjoni għall-barranin jistgħu jiksbu drittijiet ta' proprjetà (*dominio directo*) fuq proprjetà immobbli li tinsab fiż-Żona Ristretta, użata għal skopijiet residenzjali. Skont il-proċedura deskritta hawn taħt, l-intrapriżi Messikani mingħajr klawżola ta' esklużjoni għall-barranin jistgħu jiksbu drittijiet għall-użu u għat-tgawdija fuq proprjetà immobbli fiż-Żona Ristretta, użata għal skopijiet residenzjali. Dik il-proċedura għandha tapplika wkoll meta ċittadini barranin jew intrapriżi barranin ifittxu li jiksbu drittijiet għall-użu u għat-tgawdija fuq proprjetà immobbli fiż-Żona Ristretta irrispettivament mill-iskop li għalih tintuża l-proprjetà immobbli. Huwa meħtieġ permess mill-SRE sabiex l-istituzzjonijiet ta' kreditu jakkwistaw, bħala trustees, drittijiet għal proprjetà immobbli li tinsab fiż-Żona Ristretta, meta l-iskop tat-trust ikun li jippermetti l-użu u t-tgawdija ta' dik il-proprjetà immobbli, mingħajr ma jagħti drittijiet ta' proprjetà immobbli fuqha, u l-benefiċjarji tat-trust ikunu l-intrapriżi Messikani mingħajr klawżola ta' esklużjoni għall-barranin, jew iċ-ċittadini barranin jew l-intrapriżi barranin imsemmijin aktar 'il fuq.

It-termini "użu" u "tgawdija" tal-proprjetà immobbli li tinsab fiż-Żona Ristretta jfissru d-drittijiet għall-użu u għat-tgawdija ta' dik il-proprjetà immobbli, inklużi, kif applikabbli, il-kisba ta' benefiċċji, ta' prodotti u, b'mod ġenerali, kwalunkwe rendiment li jirriżulta minn operazzjoni u sfruttament li jħallu qligħ permezz ta' partijiet terzi jew permezz tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jaġixxu bħala trustees.

Id-durata tat-trust imsemmija f'din l-entrata għandha tkun għal perjodu massimu ta' 50 sena, li jista' jiġġedded fuq talba mill-parti interessata.

L-SRE jista' jivverifika fi kwalunkwe waqt il-konformità mal-kundizzjonijiet li fihom jingħataw il-permessi msemmijin f'din l-entrata, kif ukoll is-sottomissjoni u l-veraċità tal-avviżi msemmijin hawn fuq.

L-SRE għandu jiddeċiedi dwar il-permessi, filwaqt li jqis il-benefiċċji ekonomiċi u soċjali li dawn l-operazzjonijiet jista' jkollhom fuq in-Nazzjon.

Ċittadini barranin jew intrapriżi barranin li jkunu qegħdin ifittxu li jiksbu proprjetà immobbli barra miż-Żona Ristretta għandhom l-ewwel jissottomettu lill-SRE dikjarazzjoni li fiha jaqblu li jikkunsidraw lilhom infushom bħala ċittadini tal-Messiku għall-finijiet imsemmijin hawn fuq, u li jirrinunzjaw għad-dritt li jinvokaw il-protezzjoni tal-gvernijiet tagħhom fir-rigward ta' dik il-proprjetà immobbli.

I-MX-2

Settur:	Kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu VI, il-Kapitolu III.
Deskrizzjoni:	Investiment

Is-CNIE għandha tqis il-kriterji li ġejjin meta tevalwa l-applikazzjonijiet ([1]) sottomessi għall-kunsiderazzjoni tagħha:

(a) l-effetti fuq l-impjiegi u t-taħriġ tal-ħaddiema;

(b) il-kontribut teknoloġiku;

(c) il-konformità mad-dispożizzjonijiet ambjentali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ambjentali; u

(d) b'mod ġenerali, il-kontribut sabiex tiżdied il-kompetittività tas-sistema produttiva tal-Messiku.

Meta tiddeċiedi dwar applikazzjoni, is-CNIE tista' timponi biss rekwiżiti li ma jfixklux il-kummerċ internazzjonali u li ma humiex ipprojbiti mill-Artikolu 10.9 (Rekwiżiti tal-Prestazzjoni).

([1]) Applikazzjonijiet għal akkwiżizzjonijiet jew għall-istabbiliment ta' investimenti f'attivitajiet ristretti kif stabbilit f'din il-Lista.

I-MX-3

Settur:	Kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III. Kif kwalifikati mill-element Deskrizzjoni.
Deskrizzjoni:	Investiment Hija meħtieġa riżoluzzjoni favorevoli mis-CNIE għall-investituri tal-Unjoni Ewropea jew għall-investimenti tagħhom sabiex jipparteċipaw, direttament jew indirettament, f'aktar minn 49 % tal-interess proprjetarju ta' intrapriża Messikana, iżda biss meta l-valur totali tal-assi tal-intrapriża Messikana jaqbeż il-limitu applikabbli fiż-żmien meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-akkwiżizzjoni. Il-limitu applikabbli għar-rieżami ta' akkwiżizzjoni ta' intrapriża Messikana għandu jkun l-ammont iddeterminat mis-CNIE. Il-limitu fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għall-Messiku għandu jkun l-ekwivalenti f'pesos Messikani għal biljun dollaru Amerikan, bl-użu tar-rata tal-kambju uffiċjali fil-5 ta' Ottubru 2015. Kull sena, il-limitu għandu jiġi aġġustat f'konformità mar-rata ta' tkabbir nominali tal-prodott domestiku gross tal-Messiku, kif ippubblikata mill-Istitut Nazzjonali għall-Istatistika u għall-Ġeografija (Instituto Nacional de Estadística y Geografía).

I-MX-4

Settur:	Kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7) Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (l-Artikolu 10.10)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 25. Il-Liġi Ġenerali tal-Kumpaniji Kooperattivi (Ley General de Sociedades Cooperativas), it-Titolu I u t-Titolu II, il-Kapitolu II. Il-Liġi Federali dwar ix-Xogħol (Ley Federal del Trabajo), it-Titolu I. Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.

Deskrizzjoni:	Investiment Mhux aktar minn 10 % tal-persuni fiżiċi li jipparteċipaw f'intrapriża tal-produzzjoni kooperattiva Messikana jistgħu jkunu ċittadini barranin. L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jkunu sidien biss sa 10 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża tal-produzzjoni kooperattiva Messikana. L-ebda ċittadin barrani ma jista' jinvolvi ruħu f'funzjonijiet amministrattivi ġenerali jew iwettaq attivitajiet maniġerjali f'dik l-intrapriża. Intrapriża kooperattiva tal-produzzjoni hija intrapriża li l-membri tagħha jgħaqqdu x-xogħol personali tagħhom, kemm jekk fiżiku kif ukoll jekk intellettwali, bl-għan li jipproduċu oġġetti jew servizzi.

I-MX-5

Settur:	Kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi Federali għat-Trawwim tal-Attività tal-Mikroindustrija u tal-Artiġjanat (Ley Federal para el Fomento de la Microindustria y la Actividad Artesanal), il-Kapitoli I sa IV.
Deskrizzjoni:	Investiment Iċ-ċittadini tal-Messiku biss jistgħu japplikaw għal liċenzja (*cédula*) sabiex jikkwalifikaw bħala intrapriża tal-mikroindustrija. L-intrapriżi tal-mikroindustrija tal-Messiku ma jistax ikollhom persuni barranin bħala sħab. Il-Liġi Federali għat-Trawwim tal-Attività tal-Mikroindustrija u tal-Artiġjanat tiddefinixxi "intrapriża tal-mikroindustrija" bħala l-intrapriża integrata minn massimu ta' 15-il ħaddiem, li hija involuta fit-trasformazzjoni tal-oġġetti, u li l-bejgħ annwali tagħha ma jaqbiżx l-ammont iddeterminat perjodikament mis-SE.

I-MX-6

Settur:	Attivitajiet Relatati mal-Agrikoltura, mat-Trobbija tal-Bhejjem, mal-Forestrija u mal-Injam
Subsettur:	Agrikoltura, Trobbija tal-Bhejjem jew Forestrija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 1111 Agrikoltura CMAP 1112 Trobbija tal-Bhejjem u Kaċċa (limitati għall-bhejjem) CMAP 1200 Forestrija u Qtugħ tas-Siġar għall-Injam
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)

Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 27.
	Il-Liġi Agrarja (Ley Agraria), it-Titolu VI.
	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
Deskrizzjoni:	Investiment
	Iċ-ċittadini tal-Messiku jew l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jkunu sidien tal-art għal skopijiet agrikoli, ta' trobbija tal-bhejjem jew ta' forestrija. Dawk l-intrapriżi għandhom joħorġu tip speċjali ta' sehem (sehem "T") li jirrappreżenta l-valur ta' dik l-art fiż-żmien tal-akkwiżizzjoni tagħha.
	L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jkunu sidien biss sa 49 % tal-ishma "T".

I-MX-7

Settur:	Kummerċ bl-Imnut
Subsettur:	Bejgħ ta' Prodotti Mhux tal-Ikel fi Stabbilimenti Speċjalizzati
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 623087 Kummerċ bl-Imnut ta' Armi tan-Nar, ta' skratać u ta' Munizzjon
	CMAP 612024 Kummerċ bl-Ingrossa Mhux Klassifikat Band'Oħra (limitat għal armi tan-nar, għal skratać u għal munizzjon)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
Deskrizzjoni:	Investiment
	L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jkunu sidien biss sa massimu ta' 49 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża stabbilita jew li tkun se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku li tkun involuta fil-bejgħ ta' splussivi, ta' armi tan-nar, ta' skratać, ta' munizzjon u ta' logħob tan-nar, eskluż l-akkwist u l-użu ta' splussivi għal attivitajiet industrijali u estrattivi, u t-tħejjija ta' taħlitiet splussivi għal dawk l-attivitajiet.

I-MX-8

Settur:	Komunikazzjonijiet
Subsettur:	Xandir (radju u televiżjoni free to air) ([1])

([1]) Għal ċertezza akbar, is-subparagrafu 2(c) tal-Artikolu 10.5 (Kamp ta' applikazzjoni) u s-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 11.2 (Kamp ta' applikazzjoni) jeskludu s-servizzi awdjoviżivi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli 10 (Investiment) u 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi). Il-Messiku jinkludi numru ta' miżuri rigward din l-attività biss għal finijiet ta' trasparenza.

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 720006 Servizzi Oħrajn tat-Telekomunikazzjoni (limitati għall-komunikazzjonijiet bis-satellita)
	CMAP 720006 Servizzi Oħrajn tat-Telekomunikazzjoni (Li ma jinkludux Servizzi Mtejbin jew ta' Valur Miżjud)
	CMAP 502003 Installazzjonijiet tat-telekomunikazzjoni
	CMAP 720006 Servizzi Oħrajn tat-Telekomunikazzjoni (limitati għal rivendituri)
	CMAP 941104 Produzzjoni Privata u Trażmissjoni ta' Programmi tar-Radju (limitati għall-produzzjoni u għat-trażmissjoni ta' programmi ta' xandir tal-awdjo (tar-radju))
	CMAP 941105 Servizzi Privati ta' Produzzjoni, ta' Trażmissjoni u ta' Trażmissjoni mill-Ġdid tal-Programmi tat-Televiżjoni (limitati għat-trażmissjoni u għat-trażmissjoni mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni free-to-air)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6)
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikolu 10.8)
	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikoli 28 u 32, u l-Ħames Dispożizzjoni Tranżitorja.
	Il-Liġi dwar it-Telekomunikazzjoni u x-Xandir (Ley en Materia de Telecomunicaciones y Radiodifusión), it-Titolu III, il-Kapitoli I, III u VII; u t-Titolu X, il-Kapitolu II.
	Il-Liġi dwar il-Mezzi Ġenerali ta' Komunikazzjoni (Ley de Vías Generales de Comunicación), il-Ktieb I, il-Kapitolu III.
	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitoli II u III.
	Ir-Regolamenti tal-Liġi dwar l-Investiment Barrani u r-Reġistru Nazzjonali għall-Investimenti Barranin (Reglamento de la Ley de Inversión Extranjera y del Registro Nacional de Inversiones Extranjeras), it-Titolu VI.
	Linji Gwida Ġenerali għall-Għoti tal-Konċessjonijiet Imsemmijin fit-Titolu Erbgħa tal-Liġi Federali dwar it-Telekomunikazzjoni u x-Xandir (Lineamientos Generales para el otorgamiento de las concesiones a que se refiere el Título Cuarto de la Ley Federal de Telecomunicaciones y Radiodifusión).
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	F'konformità mal-finijiet tagħhom, il-konċessjonijiet uniċi u l-konċessjonijiet tal-banda ta' frekwenzi għandhom jingħataw biss lil ċittadini tal-Messiku jew lil intrapriżi tal-Messiku kkostitwiti skont il-liġi tal-Messiku.
	L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jipparteċipaw sa massimu ta' 49 % f'intrapriżi konċessjonarji li jipprovdu servizzi tax-xandir. Dak il-limitu massimu ta' investiment barrani għandu jiġi applikat f'konformità mar-reċiproċità eżistenti mal-pajjiż li fih ikun kostitwit l-investitur jew in-negozjant li fl-aħħar mill-aħħar jikkontrollah.
	Għall-finijiet tal-paragrafu ta' hawn fuq, hija meħtieġa opinjoni favorevoli tas-CNIE qabel ma tingħata l-konċessjoni unika għall-forniment ta' servizzi tax-xandir li fihom jipparteċipa investiment barrani.

	L-ebda konċessjoni, dritt mogħti fiha, faċilità, servizz awżiljarju, uffiċċju jew aċċessorju u proprjetà affettwata minnha, ma tista' tiġi assenjata, aggravata, mirhuna jew tingħata fi trust, f'ipoteka, jew tiġi ttrasferita totalment jew parzjalment lil xi gvern jew Stat barrani, fi kwalunkwe ċirkostanza. Il-konċessjonijiet għall-użu soċjali indiġenu għandhom jingħataw lil persuni indiġeni u lil komunitajiet indiġeni tal-Messiku, bl-objettiv li jiġu promossi, żviluppati u ppreservati l-lingwi, il-kultura, l-għarfien, it-tradizzjonijiet, l-identità u r-regoli interni tagħhom li, f'konformità mal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jippermettu l-integrazzjoni tan-nisa indiġeni fl-ilħuq tal-għanijiet li għalihom tingħata l-konċessjoni. Il-Messiku għandu jiggarantixxi li x-xandir jippromwovi l-valuri tal-identità nazzjonali. Il-konċessjonarji tax-xandir għandhom jużaw u jistimolaw valuri artistiċi lokali u nazzjonali u espressjonijiet tal-kultura tal-Messiku, f'konformità mal-karatteristiċi tal-programmazzjoni tiegħu. Il-programmazzjoni ta' kuljum bi spettakli personali għandha tinkludi aktar ħin kopert minn ċittadini tal-Messiku.
I-MX-9	
Settur:	Komunikazzjonijiet
Subsettur:	Telekomunikazzjoni (inklużi rivendituri u servizz ristrett tat-televiżjoni u tal-awdjo)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 720006 Servizzi Oħrajn tat-Telekomunikazzjoni CMAP 720006 Servizzi Oħrajn tat-Telekomunikazzjoni (li ma jinkludux servizzi mtejbin jew ta' valur miżjud) CMAP 502003 Installazzjoni tat-Telekomunikazzjoni CMAP 720006 Servizzi Oħrajn tat-Telekomunikazzjoni (limitati għal rivendituri) CMAP 502004 Installazzjonijiet Speċjali Oħrajn
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6) Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikoli 28 u 32. Il-Liġi dwar it-Telekomunikazzjoni u x-Xandir (Ley en Materia de Telecomunicaciones y Radiodifusión), it-Titolu III, il-Kapitoli I, III u VII; it-Titolu IV, il-Kapitolu X; u t-Titolu V, il-Kapitolu I. Il-Liġi dwar il-Mezzi Ġenerali ta' Komunikazzjoni (Ley de Vías Generales de Comunicación). Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu II. Ir-Regolamenti tal-Liġi dwar l-Investiment Barrani u r-Reġistru Nazzjonali għall-Investimenti Barranin (Reglamento de la Ley de Inversión Extranjera y del Registro Nacional de Inversiones Extranjeras), it-Titolu VI.

Linji Gwida Ġenerali għall-Għoti tal-Konċessjonijiet Imsemmijin fit-Titolu Erbgħa tal-Liġi Federali dwar it-Telekomunikazzjoni u x-Xandir (Lineamientos Generales para el otorgamiento de las concesiones a que se refiere el Título Cuarto de la Ley Federal de Telecomunicaciones y Radiodifusión).

Ir-regoli ta' karattru ġenerali li jistabbilixxu t-termini u r-rekwiżiti għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet tat-telekomunikazzjoni stabbiliti fil-Liġi Federali dwar it-Telekomunikazzjoni u x-Xandir (Reglas de carácter general que establecen los plazos y requisitos para el otorgamiento de autorizaciones en materia de telecomunicaciones establecidas en la Ley Federal de Telecomunicaciones y Radiodifusión).

Il-Linji Gwida Ġenerali dwar l-Awtorizzazzjoni għal-Lokazzjoni tal-Ispettru tar-Radju (Lineamientos Generales sobre la Autorización de Arrendamiento del Espectro Radioeléctrico).

Il-linji gwida għall-għoti tar-Reġistrazzjoni tal-Awtorizzazzjoni, għall-użu u għall-iżvilupp ta' baned ta' frekwenzi tal-ispettru tar-radju għal użu sekondarju (Lineamientos para el otorgamiento de la Constancia de Authorización, para el uso y aprovechamiento de bandas de frecuencias del espectro radioeléctrico para uso secundario).

Deskrizzjoni: Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

F'konformità mal-finijiet tagħhom, il-konċessjonijiet uniċi u l-konċessjonijiet tal-banda ta' frekwenzi għandhom jingħataw biss lil ċittadini tal-Messiku jew lil intrapriżi tal-Messiku kkostitwiti skont il-liġi tal-Messiku.

Il-konċessjonijiet għall-użu soċjali indiġenu għandhom jingħataw lil persuni indiġeni u lil komunitajiet indiġeni tal-Messiku, bl-objettiv li jiġu promossi, żviluppati u ppreservati l-lingwi, il-kultura, l-għarfien, it-tradizzjonijiet, l-identità u r-regoli interni tagħhom li, f'konformità mal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jippermettu l-integrazzjoni tan-nisa indiġeni fl-ilħuq tal-għanijiet li għalihom tingħata l-konċessjoni.

Il-konċessjonijiet għall-użu soċjali indiġenu għandhom jingħataw biss lil persuni indiġeni u lil komunitajiet indiġeni fil-Messiku mingħajr ebda tip ta' investiment barrani.

L-ebda konċessjoni, dritt mogħti fiha, faċilità, servizz awżiljarju, uffiċċju jew aċċessorju u proprjetà affettwata minnha, ma tista' tiġi assenjata, aggravata, mirhuna jew tingħata fi trust, f'ipoteka, jew tiġi ttrasferita totalment jew parzjalment lil xi gvern jew Stat barrani, fi kwalunkwe ċirkostanza.

Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss stabbiliti skont il-liġi tal-Messiku jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni sabiex jipprovdu servizzi tat-telekomunikazzjoni bħala rivendituri mingħajr ma jkunu konċessjonarji.

Skont il-Linji Gwida Ġenerali dwar l-Awtorizzazzjoni għal-Lokazzjoni tal-Ispettru tar-Radju, kwalunkwe kumpanija interessata li ssir lokatarju ta' baned ta' frekwenzi għandha tikseb konċessjoni unika għall-użu kummerċjali jew konċessjoni unika għall-użu privat.

L-applikanti għal awtorizzazzjoni għall-użu sekondarju tal-baned ta' frekwenzi tal-ispettru tar-radju għandu jkollhom indirizz legali fil-Belt tal-Messiku.

I-MX-10

Settur: Komunikazzjonijiet

Subsettur: Trasport

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 7100 Trasport
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar il-Portijiet (Ley de Puertos), il-Kapitolu IV.
	Il-Liġi Regolatorja tas-Servizz Ferrovjarju (Ley Reglamentaria del Servicio Ferroviario), il-Kapitolu II, it-Taqsima III.
	Il-Liġi dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ley de Aviación Civil), il-Kapitolu III, it-Taqsima III.
	Il-Liġi dwar l-Ajruporti (Ley de Aeropuertos), il-Kapitolu IV.
	Il-Liġi dwar it-Toroq, il-Pontijiet u t-Trasport bit-Triq Federali (Ley de Caminos, Puentes y Autotransporte Federal), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
	Il-Liġi dwar il-Mezzi Ġenerali ta' Komunikazzjoni (Ley de Vías Generales de Comunicación), il-Ktieb I, il-Kapitoli III u V.
Deskrizzjoni:	Investiment
	L-ebda gvern barrani jew Stat barrani ma jista' jinvesti, direttament jew indirettament, f'intrapriżi Messikani involuti fit-trasport u f'mezzi ġenerali oħrajn ta' komunikazzjoni.

I-MX-11

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport fuq l-Art u Trasport bl-Ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 501421 Kostruzzjoni ta' Xogħlijiet Marittimi u fix-Xmajjar
	CMAP 501422 Kostruzzjoni ta' xogħlijiet fit-Toroq u ta' Xogħlijiet għat-Trasport fuq l-Art
Obbligi Kkonċernati:	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 32.
	Il-Liġi dwar it-Toroq, il-Pontijiet u t-Trasport bit-Triq Federali (Ley de Caminos, Puentes y Autotransporte Federal), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
	Il-Liġi dwar il-Portijiet (Ley de Puertos), il-Kapitolu IV.
	Il-Liġi dwar in-Navigazzjoni u l-Kummerċ Marittimu (Ley de Navegación y Comercio Marítimos), it-Titolu I, il-Kapitolu II.
Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	Hija meħtieġa konċessjoni mogħtija mill-SCT għall-bini jew għall-operat, jew għall-operat biss, ta' xogħlijiet fil-baħar jew fix-xmajjar.

	Konċessjoni mogħtija mill-SCT hija meħtieġa wkoll għall-bini, għall-operat, għall-isfruttament, għall-konservazzjoni jew għall-manutenzjoni ta' toroq u ta' pontijiet federali. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jiksbu dawn il-konċessjonijiet.
I-MX-12	
Settur:	Enerġija
Subsettur:	Esplorazzjoni u Produzzjoni taż-Żejt u ta' Idrokarburi Oħrajn. It-trasport, it-trattament, ir-raffinar, l-ipproċessar, il-ħżin, id-distribuzzjoni, il-kompressjoni, il-likwifikazzjoni, id-dekompressjoni, ir-rigassifikazzjoni, il-bejgħ lill-pubbliku u l-kummerċjalizzazzjoni ta' idrokarburi, ta' prodotti petrolifiċi u ta' petrokimiċi, kif ukoll lill-utenti ta' dawk il-prodotti u s-servizzi. L-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' idrokarburi u ta' prodotti taż-żejt.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6) Rekwiżiti tal-Prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikoli 25, 27 u 28. Digriet li jemenda u jissupplimenta diversi dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku dwar l-Enerġija (Decreto por el que se reforman y adicionan diversas disposiciones de la Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos, en materia de energía), ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-31 ta' Ottubru 2024. Il-Liġi dwar is-Settur tal-Idrokarburi (Ley del Sector de Hidrocarburos), l-Artikoli 1, 4, 6, 10 to 14, 17, 22, 24, 25, 26, 27, 31, 37 to 44, 54, 55, 56, 58, 65, 69, 74, 76, 82, 95, 96, 110, 118, 151, 153, 158, 162 u 163. Il-Liġi dwar il-Kummerċ Barrani (Ley de Comercio Exterior). Intrapriża Pubblika tal-Istat, Petróleos Mexicanos Law (Ley de la Empresa Pública del Estado, Petróleos Mexicanos), l-Artikoli 2, 8, 10, 11, 62, 65 u 79. Ir-Regolamenti tal-Liġi dwar l-Idrokarburi (Reglamento de la Ley de Hidrocarburos), l-Artikoli 8, 9, 14, 16, 36, 37, 61, 92, 95, 96. Ir-Regolament dwar l-attivitajiet imsemmijin fit-Titolu Tlieta tal-Liġi dwar l-Idrokarburi (Reglamento de las actividades a que se refiere el Título Tercero de la Ley de Hidrocarburos), l-Artikolu 51. Il-metodoloġija għall-Kejl tal-Kontenut Nazzjonali fl-Intitolamenti u fil-Kuntratti ta' Esplorazzjoni u ta' Produzzjoni tal-Idrokarburi, u fil-permessi fl-Industrija tal-Idrokarburi, maħruġa mill-Ministeru għall-Ekonomija (Metodología para la Medición del Contenido Nacional en Asignaciones y Contratos para la Exploración y Extracción de Hidrocarburos, así como para los permisos en la Industria de Hidrocarburos, emitida por la Secretaría de Economía).

Ftehim li jistabbilixxi l-valuri għall-2015 u għall-2025 tal-kontenut nazzjonali fl-attivitajiet ta' Esplorazzjoni u ta' Estrazzjoni tal-Idrokarburi f'ilmijiet fondi u fondi ħafna, maħruġ mill-Ministeru għall-Ekonomija, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fid-29 ta' Marzu 2016 (Acuerdo por el que se establecen los valores para 2015 y 2025 de contenido nacional en las actividades de Exploración y Extracción de Hidrocarburos en aguas profundas y ultra profundas, emitidos por la Secretaría de Economía).

Deskrizzjoni: Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

In-Nazzjon għandu s-sjieda diretta, inaljenabbli u impreskrivibbli fuq l-idrokarburi kollha fis-sottoswol tat-territorju tiegħu, inkluża l-blata kontinentali u ż-żona ekonomika esklużiva li tinsab barra mill-baħar territorjali u biswitu, fi strati jew f'depożiti, irrispettivament mill-kundizzjonijiet fiżiċi tagħhom. In-Nazzjon biss għandu jwettaq l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi, permezz ta' intitolamenti jew kuntratti. Il-kuntratti ta' esplorazzjoni u ta' produzzjoni għandhom jistipulaw b'mod invarjabbli li l-idrokarburi fis-sottoswol huma proprjetà tan-Nazzjon.

Is-SENER jista' jagħti drittijiet lil PEMEX għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi.

Sabiex twettaq l-attivitajiet relatati mal-intitolamenti għall-iżvilupp propju, il-PEMEX għandha teżegwixxi biss kuntratti ta' servizz ma' partijiet privati. Għall-attivitajiet relatati mal-intitolamenti għall-iżvilupp imħallat, il-PEMEX għandha teżegwixxi kuntratti mħallta ma' partijiet privati, b'perċentwal ta' interess ta' parteċipazzjoni ta' PEMEX ta' mhux inqas minn erbgħin fil-mija.

Is-SENER għandu jistabbilixxi l-kuntratt mudell xieraq għal kull żona kuntrattwali li tgħaddi minn proċess ta' offerti u li tingħata f'konformità mal-liġi; li għalihom jista' jagħżel fost mudelli kuntrattwali oħrajn bħas-servizzi, il-kondiviżjoni tal-profitti, il-kondiviżjoni tal-produzzjoni jew il-liċenzji. Għall-kuntratti ta' esplorazzjoni u produzzjoni, PEMEX tista' tidħol f'alleanzi jew assoċjazzjonijiet biex tipparteċipa fil-proċessi tal-offerti, iżda ma tistax tidħol f'kuntratti ta' sħubija pubblika-privata ma' partijiet privati.

Is-SENER jista' jistabbilixxi parteċipazzjoni diretta għal PEMEX fil-kuntratti għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi. Is-SENER għandu jistabbilixxi parteċipazzjoni obbligatorja ta' PEMEX fil-kuntratti għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi meta jkun hemm il-possibbiltà li jinstab ġibjun transfruntier.

L-ebda proċess ta' offerti ma għandu jitwettaq f'kuntratti għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni għall-Gass Naturali għall-awtokonsum li jinsab fis-saffi tal-faħam u prodott minnhom, li jistgħu jingħataw direttament lid-detenturi tal-konċessjoni tal-estrazzjoni.

L-attivitajiet ta' esplorazzjoni u ta' produzzjoni tal-idrokarburi mwettqin fit-territorju nazzjonali permezz ta' intitolamenti u kuntratti ta' esplorazzjoni u produzzjoni jridu jikkonformaw ma' mira perċentwali minima ta' kontenut nazzjonali bħala medja. Dan l-għan medju nazzjonali tal-kontenut ma huwiex se jqis l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi fi proġetti tal-ilma fond u tal-ilma fond ħafna, li għandhom rekwiżiti ta' kontenut nazzjonali differenti stabbiliti mis-SE bl-opinjoni tas-SENER li tqis il-karatteristiċi ta' dawk l-attivitajiet.

Il-mandat imsemmi hawn fuq irid jikkonforma mal-metodoloġija stabbilita mill-Ministeru għall-Ekonomija, u jrid iqis li ma jaffettwax il-pożizzjoni kompetittiva tal-PEMEX jew ta' kwalunkwe intrapriża produttiva oħra tal-Istat u ta' aġenti ekonomiċi oħrajn li jiżviluppaw l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi.

	L-Eżekuttiv Federali għandu jistabbilixxi żoni ta' salvagwardja fiż-żoni li fihom l-Istat jiddeċiedi li jipprojbixxi l-attivitajiet ta' esplorazzjoni u ta' produzzjoni, differenti miż-żoni naturali protetti li fihom ma jistgħux jingħataw drittijiet u kuntratti. Il-Gvern tal-Messiku għandu jinkludi fil-kundizzjonijiet għall-intitolamenti u fil-kuntratti ta' esplorazzjoni u ta' produzzjoni, kif ukoll fil-permessi, li fl-istess ċirkostanzi ta' prezzijiet, ta' kwalità u ta' konsenja f'waqtha, għandha tingħata preferenza għax-xiri ta' oġġetti domestiċi u għall-ikkuntrattar ta' servizzi domestiċi, inklużi t-taħriġ u r-reklutaġġ, f'livell tekniku u maniġerjali, ta' ċittadini tal-Messiku. L-attivitajiet ta' esplorazzjoni u ta' rikonoxximent superfiċjali jeħtieġu awtorizzazzjoni maħruġa mis-SENER, li ma tagħtix drittijiet għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni tal-idrokarburi. Il-persuni li kisbu intitolament jew kuntratt ta' esplorazzjoni u ta' produzzjoni ma jeħtiġux awtorizzazzjoni għal esplorazzjoni u rikonoxximent superfiċjali fiż-żoni koperti mill-intitolament jew mill-kuntratt ta' esplorazzjoni u ta' produzzjoni. Is-SENER jew is-CNE għandhom jistabbilixxu l-mudelli ta' permessi għat-trasport, it-trattament, ir-raffinar, l-ipproċessar, il-ħażna, id-distribuzzjoni, il-kompressjoni, il-likwefazzjoni, id-dekompressjoni, ir-rigassifikazzjoni, il-bejgħ lill-pubbliku, il-kummerċjalizzazzjoni, il-formulazzjoni u d-dispaċċ għall-awtokonsum ta' idrokarburi (inkluż il-gass naturali), prodotti tal-pitrolju jew tal-gass naturali (inklużi l-gażolina u d-diżil), u l-petrokimiki, kif xieraq, kif ukoll il-ġestjoni tas-Sistemi Integrati, filwaqt li jitqies li d-detenturi tal-permess għandu jkollhom intrapriża inkorporata skont il-liġi tal-Messiku u jkunu domiċiljati fil-Messiku. Il-permessi għall-esportazzjoni u għall-importazzjoni ta' idrokarburi u ta' prodotti tal-petroleum jew gass naturali għandhom jinħarġu f'konformità mal-Liġi dwar il-Kummerċ Barrani (Ley de Comercio Exterior), li tirrikjedi li d-detenturi tal-permessi jkollhom intrapriża inkorporata skont il-liġi tal-Messiku u li jkunu domiċiljati l-Messiku.
I-MX-13	
Settur:	Enerġija
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 623090 Kummerċ bl-Imnut ta' Oġġetti u Oġġetti Oħra Klassifikati Band' Oħra (bijofjuwil)
Obbligi Kkonċernati:	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar il-Bijofjuwil (Ley de Biocombustibles), l-Artikolu 19.
Deskrizzjoni:	Investiment Il-SE għandha tistabbilixxi l-metodoloġija biex tkejjel il-grad ta' kontenut nazzjonali fil-bijomassa, jew għall-użu dirett bħala bijokarburanti jew għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, kif ukoll il-verifika tagħha.
I-MX-14	
Settur:	Enerġija
Subsettur:	Elettriku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6)

	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)
	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), Artikoli 25, 27 u 28
	Digriet li jemenda u jissupplimenta diversi dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku dwar l-Enerġija (Decreto por el que se reforman y adicionan diversas disposiciones de la Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos, en materia de energía), ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-31 ta' Ottubru 2024.
	Il-Liġi dwar is-Settur tal-Elettriku (Ley del Sector Eléctrico), l-Artikoli 1, 2, 4, 10, 12, 13, 39, 40, 44, 61, 108, 109, 132, u 151.
	Intrapriża Pubblika tal-Istat, Liġi tal-Kummissjoni Federali tal-Elettriku (Ley de la Empresa Pública del Estado, Comisión Federal de Electricidad), l-Artikoli 8, 65 u 81.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	L-ippjanar u l-kontroll tas-sistema elettrika nazzjonali skont l-Artikolu 25, 27 u 28 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll is-Servizz Pubbliku tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, jikkorrispondu esklussivament għan-Nazzjon; mhux se jingħataw konċessjonijiet f'dawn l-attivitajiet.
	L-intrapriża pubblika tal-Istat tista', fost attivitajiet oħra, tikkuntratta mal-privati l-installazzjoni, il-manutenzjoni, u l-espansjoni tal-infrastruttura meħtieġa biex tipprovdi s-servizz pubbliku tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku.
	L-ekonomija kollaborattiva għandha tistabbilixxi l-metodoloġija biex tkejjel il-grad ta' kontenut nazzjonali fis-settur tal-elettriku.
	Is-SENER, bl-opinjoni tas-SE, jista' jistabbilixxi li, fl-istess ċirkostanzi, inklużi l-ugwaljanza fil-prezzijiet, il-kwalità u t-twassil f'waqtu, il-kuntratti tal-intrapriża pubblika tal-Istat relatati mal-iżvilupp ta' proġetti infrastrutturali, l-investiment imħallat u dawk li jirriżultaw mill-mekkaniżmi għall-allokazzjoni tal-enerġija u tal-prodotti assoċjati konklużi mill-parteċipanti tas-settur tal-elettriku, għandhom jagħtu preferenza lill-akkwist ta' oġġetti nazzjonali, u lill-kuntrattar ta' servizzi ta' oriġini nazzjonali, inkluż it-taħriġ u r-reklutaġġ, fil-livell tekniku u maniġerjali, ta' persuni ta' nazzjonalità Messikana.
	Meta s-settur privat jitħalla jipparteċipa f'attivitajiet oħra tal-industrija tal-elettriku, fl-ebda ċirkostanza mhu se jkun permess li jieħu preċedenza fuq l-intrapriża pubblika tal-Istat, li l-essenza tagħha hija li tissodisfa r-responsabbiltà soċjali tagħha u tiggarantixxi l-kontinwità u l-aċċessibbiltà tas-servizz pubbliku tal-elettriku.
	L-intrapriża pubblika tal-Istat trid iżżomm mill-inqas erbgħa u ħamsin fil-mija tal-enerġija medja injettata fil-grilja f'sena kalendarja.
	Is-settur privat jista' jipparteċipa fil-proċess tal-ġenerazzjoni tal-enerġija elettrika permezz ta' skemi ta' investiment imħallta, li għalihom l-intrapriża pubblika tal-Istat irid ikollha parteċipazzjoni diretta jew indiretta fil-proġett ta' mill-inqas erbgħa u ħamsin fil-mija.
	Il-provvista bażika tal-elettriku tista' tiġi pprovduta biss mill-intrapriża pubblika tal-Istat, bl-inqas prezz possibbli.

	Fir-rigward tal-attivitajiet korporattivi l-oħrajn kollha tas-CFE u tal-intrapriżi sussidjarji tagħha, f'konformità mal-liġi tas-CFE, il-Bord tad-Diretturi għandu joħroġ regolamenti għall-akkwiżizzjoni, għal-lokazzjoni, għall-ikkuntrattar ta' servizzi u għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet. Fost l-oħrajn, il-Bord jista' jirrikjedi perċentwali minimi ta' kontenut nazzjonali f'konformità man-natura tal-ikkuntrattar, mar-regolament dwar it-tariffi u mat-trattati internazzjonali li tagħhom il-Messiku jkun firmatarju. Il-permessi kollha mogħtijin skont il-Liġi dwar is-Settur tal-Elettriku għandhom jingħataw mis-CNE. Id-detenturi ta' permessi għandhom ikunu persuni fiżiċi jew intrapriżi inkorporati skont il-liġi tal-Messiku.
I-MX-15	
Settur:	Enerġija
Subsettur:	Idrokarburi u Prodotti tal-Petroleum (provvista ta' fjuwil u ta' lubrikanti għall-inġenji tal-ajru, għall-bastimenti u għat-tagħmir ferrovjarju)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
Deskrizzjoni:	Investiment L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jkunu s-sidien sa 49 % tal-interess proprjetarju ta' intrapriża Messikana li tipprovdi fjuwil u lubrikanti għall-bastimenti, għat-tagħmir ferrovjarju u għall-fjuwils tal-avjazzjoni fil-provvista għall-ajruplani.
I-MX-16	
Settur:	Stampar, Editjar u Industriji Assoċjati
Subsettur:	Pubblikazzjoni tal-gazzetti
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 342001 Pubblikazzjoni ta' Gazzetti, ta' Rivisti u ta' Perjodiċi (limitati għal gazzetti)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III. Kif kwalifikati mill-element Deskrizzjoni.
Deskrizzjoni:	Investiment L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jkunu sidien biss sa massimu ta' 49 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku involuta fl-istampar jew fil-pubblikazzjoni ta' gazzetti ta' kuljum miktubin primarjament għal udjenza fil-Messiku u mqassmin fit-territorju tal-Messiku.

Għall-finijiet ta' din l-entrata, il-gazzetti ta' kuljum huma dawk li d-distribuzzjoni tagħhom ma tkunx mingħajr ħlas u li jiġu ppubblikati sebat ijiem fil-ġimgħa.

I-MX-17

Settur:	Manifattura ta' Oġġetti
Subsettur:	Splussivi, logħob tan-nar, armi tan-nar u skratać
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 352236 Manifattura ta' Splussivi u ta' Logħob tan-Nar
	CMAP 382208 Manifattura ta' Armi tan-Nar u ta' skratać
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
Deskrizzjoni:	Investiment
	L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jkunu sidien biss sa massimu ta' 49 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku li timmanifattura splussivi, logħob tan-nar, armi tan-nar, skratać u munizzjon, esklużа t-tħejjija ta' taħlitiet splussivi għal attivitajiet industrijali u estrattivi.

I-MX-18

Settur:	Sajd
Subsettur:	Servizzi relatati mas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 1300 Sajd
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikolu 11.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 32.
	Il-Liġi Ġenerali dwar is-Sajd u l-Akkwakultura Sostenibbli (Ley General de Pesca y Acuacultura Sustentables), it-Titolu Sitta, il-Kapitolu IV; u t-Titolu Seba', il-Kapitolu II.
	Il-Liġi dwar in-Navigazzjoni u l-Kummerċ Marittimu (Ley de Navegación y Comercio Marítimos), it-Titolu I, il-Kapitolu I; it-Titolu II, il-Kapitolu IV; u t-Titolu Tlieta, il-Kapitolu II.
	Il-Liġi dwar il-Portijiet (Ley de Puertos), il-Kapitoli I, IV u VI.
	Ir-Regolament għal-Liġi dwar is-Sajd (Reglamento de la Ley de Pesca), it-Titolu Tnejn, il-Kapitolu I; u l-Kapitolu II, is-Sitt Taqsima.

Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	Permess maħruġ mis-SAGARPA permezz tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Akkwakultura u tas-Sajd (Comisión Nacional de Acuacultura y Pesca); jew mis-SCT, fl-ambitu tal-kompetenza tagħhom, huwa meħtieġ sabiex jitwettqu attivitajiet tas-sajd.
	Huwa meħtieġ permess maħruġ mis-SAGARPA sabiex jitwettqu ċerti attivitajiet, bħall-impjiegi tas-sajd meħtieġa sabiex jiġu ġġustifikati l-applikazzjonijiet għal konċessjoni, u l-installazzjoni ta' rkaptu tas-sajd fiss f'ilmijiet federali. Dak il-permess għandu jingħata b'mod preferenzjali lir-residenti tal-komunitajiet lokali. F'ċirkostanzi ugwali, l-applikazzjonijiet ta' komunitajiet indiġeni għandhom jingħataw preferenza.
	Hija meħtieġa awtorizzazzjoni maħruġa mis-SCT għal bastimenti li jtajru bandiera barranija sabiex jipprovdu servizzi ta' tħammil.
	Huwa meħtieġ permess maħruġ mill-SCT sabiex jiġu pprovduti servizzi portwarji relatati mas-sajd bħall-operazzjonijiet ta' tagħbija u l-provvista għall-bastimenti, il-manutenzjoni tat-tagħmir ta' komunikazzjoni, ix-xogħlijiet tal-elettriku, il-ġbir taż-żibel jew tal-iskart u r-rimi tad-drenaġġ. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jiksbu dak il-permess.

I-MX-19

Settur:	Sajd
Subsettur:	Sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 130011 Sajd fl-Ibħra Internazzjonali
	CMAP 130012 Sajd Kostali
	CMAP 130013 Sajd fl-Ilma Ħelu
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi Ġenerali dwar is-Sajd u l-Akkwakultura Sostenibbli (Ley General de Pesca y Acuacultura Sustentables), it-Titolu VI, il-Kapitolu IV; it-Titolu VII, il-Kapitolu I; it-Titolu XIII, Kapitolu Uniku; u t-Titolu XIV, il-Kapitoli I, II u III.
	Il-Liġi dwar in-Navigazzjoni u l-Kummerċ Marittimu (Ley de Navegación y Comercio Marítimos), it-Titolu II, il-Kapitolu I.
	Il-Liġi Federali tal-Baħar (Ley Federal del Mar), it-Titolu I, il-Kapitoli I u III.
	Il-Liġi Nazzjonali dwar l-Ilmijiet (Ley de Aguas Nacionales), it-Titolu I u t-Titolu IV, il-Kapitolu I.
	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
	Ir-Regolament tal-Liġi dwar is-Sajd (Reglamento de la Ley de Pesca), it-Titolu I, il-Kapitolu I; it-Titolu II, il-Kapitoli I, III sa VI; u t-Titolu III, il-Kapitoli III u IV.

Deskrizzjoni:	Investiment
	L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jkunu sidien biss sa massimu ta' 49 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku li twettaq sajd kostali, sajd tal-ilma ħelu u sajd fiż-żona ekonomika esklużiva, minbarra l-akkwakultura.
	Hija meħtieġa riżoluzzjoni favorevoli mis-CNIE għall-investituri tal-Unjoni Ewropea jew għall-investimenti tagħhom sabiex isiru proprjetarji ta' aktar minn 49 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku li twettaq sajd fl-ibħra internazzjonali.

I-MX-20

Settur:	Servizzi tal-Edukazzjoni
Subsettur:	Skejjel privati
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 921101 Servizzi tal-Edukazzjoni Privati tal-Preprimarja
	CMAP 921102 Servizzi tal-Edukazzjoni Privati tal-Primarja
	CMAP 921103 Servizzi tal-Edukazzjoni Privati tas-Sekondarja
	CMAP 921104 Servizzi tal-Edukazzjoni Privati tal-Postsekondarja
	CMAP 921105 Servizzi tal-Edukazzjoni Privati tal-Livell Terzjarju
	CMAP 921106 Servizzi tal-Edukazzjoni Privati li Jikkombinaw il-Livelli tal-Preprimarja, tal-Primarja, tas-Sekondarja, tal-Postsekondarja u l-Livell Terzjarju
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
	Il-Liġi għall-Koordinazzjoni tal-Edukazzjoni Terzjarja (Ley para la Coordinación de la Educación Superior), il-Kapitolu II.
	Il-Liġi Ġenerali tal-Edukazzjoni (Ley General de Educación), il-Kapitolu III.
Deskrizzjoni:	Investiment
	Hija meħtieġa riżoluzzjoni favorevoli mis-CNIE għall-investituri tal-Unjoni Ewropea jew għall-investimenti tagħhom sabiex isiru proprjetarji ta' aktar minn 49 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku li tipprovdi servizzi tal-edukazzjoni privati tal-preprimarja, tal-primarja, tas-sekondarja, tal-postsekondarja, tal-livell terzjarju jew kombinati.

I-MX-21

Settur:	Servizzi Professjonali, Tekniċi u Speċjalizzati
Subsettur:	Servizzi mediċi

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 9231 Servizzi Mediċi, Dentali u Veterinarji pprovduti mis-Settur Privat (limitati għal servizzi mediċi)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi Federali dwar ix-Xogħol (Ley Federal del Trabajo), il-Kapitolu I.
Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Iċ-ċittadini tal-Messiku biss liċenzjati bħala tobba fit-territorju tal-Messiku jistgħu jipprovdu servizzi mediċi interni f'intrapriżi tal-Messiku.

I-MX-22

Settur:	Servizzi Professjonali, Tekniċi u Speċjalizzati
Subsettur:	Persunal speċjalizzat
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 951012 Servizzi tal-Aġenziji Doganali u Rappreżentattivi
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi Doganali (Ley Aduanera), it-Titolu II, il-Kapitoli I u III, u t-Titolu VII, il-Kapitolu I. Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu II.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Ċittadin tal-Messiku bit-twelid biss jista' jkun aġent doganali. Huma biss l-aġenti doganali li jaġixxu bħala konsenjatarji jew rappreżentanti legali (mandatarios) ta' importatur jew ta' esportatur, kif ukoll iċ-ċessjonarju tal-aġenti doganali, li jistgħu jwettqu l-formalitajiet relatati mal-iżdoganar tal-merkanzija ta' dak l-importatur jew l-esportatur. L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom ma jistgħux jipparteċipaw, direttament jew indirettament, f'aġenzija ta' aġent doganali.

I-MX-23

Settur:	Servizzi Professjonali, Tekniċi u Speċjalizzati
Subsettur:	Servizzi speċjalizzati (Nutar Kummerċjali Pubbliku)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6) Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)

Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi Federali dwar in-Nutara Pubbliċi Kummerċjali (Ley Federal de Correduría Pública), l-Artikoli 7, 8, 12 u 15.
	Ir-Regolament għal-Liġi Federali dwar in-Nutara Pubbliċi Kummerċjali (Reglamento de la Ley Federal de Correduría Pública), il-Kapitolu I u l-Kapitolu II, it-Taqsimiet I u II.
	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu II.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	Ċittadin tal-Messiku bit-twelid biss jista' jiġi liċenzjat sabiex ikun nutar pubbliku kummerċjali (corredor público).
	Nutar pubbliku kummerċjali ma jistax ikollu affiljazzjoni kummerċjali ma' kwalunkwe persuna għall-provvista ta' servizzi ta' nutar pubbliku kummerċjali.
	In-nutara kummerċjali pubbliċi għandhom jistabbilixxu uffiċċju fil-post fejn ikunu ġew awtorizzati jipprattikaw.
	Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku bi klawżola ta' esklużjoni għall-barranin biss jistgħu jiksbu dik il-liċenzja.

I-MX-24

Settur:	Servizzi Professjonali, Tekniċi u Speċjalizzati
Subsettur:	Servizzi professjonali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 951002 Servizzi Legali (inkluża konsulenza legali barranija)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6)
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikoli 10.8 u 11.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi Regolatorja tal-Artikolu 5 tal-Kostituzzjoni relatata mal-Prattika tal-Professjonijiet fil-Belt tal-Messiku (Ley Reglamentaria del Artículo 5º Constitucional, relativo al Ejercicio de las Profesiones en la Ciudad de México), il-Kapitolu III, it-Taqsima III; u l-Kapitolu V.
	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	Hija meħtieġa riżoluzzjoni favorevoli mis-CNIE għall-investituri tal-Unjoni Ewropea jew għall-investimenti tagħhom sabiex isiru proprjetarji ta' aktar minn 49 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku li tipprovdi servizzi legali.
	Fin-nuqqas ta' trattat internazzjonali dwar il-kwistjoni, il-prattika professjonali minn ċittadini barranin għandha tkun soġġetta għar-reċiproċità fil-post ta' residenza tal-applikant u għall-konformità mal-bqija tar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi tal-Messiku.

	Ħlief kif previst f'din l-entrata, avukati liċenzjati fil-Messiku biss jista' jkollhom interess proprjetarju f'ditta legali stabbilita fit-territorju tal-Messiku.
	Avukati liċenzjati sabiex jipprattikaw fl-Unjoni Ewropea għandhom jitħallew jifformaw sħubija ma' avukati liċenzjati fil-Messiku.
	In-numru ta' avukati liċenzjati sabiex jipprattikaw fl-Unjoni Ewropea li jservu bħala sħab f'ditta legali fil-Messiku ma jistax jaqbeż in-numru ta' avukati liċenzjati fil-Messiku li jservu bħala sħab ta' dik id-ditta legali. L-avukati liċenzjati sabiex jipprattikaw fl-Unjoni Ewropea jistgħu jipprattikaw u jipprovdu konsultazzjonijiet legali dwar il-liġi tal-Messiku, kull meta jikkonformaw mar-rekwiżiti sabiex jipprattikaw bħala avukat fil-Messiku.
	Ditta legali stabbilita minn sħubija ta' avukati liċenzjati sabiex jipprattikaw fl-Unjoni Ewropea u avukati liċenzjati sabiex joperaw fil-Messiku tista' taħtar avukati liċenzjati fil-Messiku bħala impjegati.
	Għal ċertezza akbar, din l-entrata ma tapplikax għall-provvista, fuq bażi ta' rilokazzjoni temporanja, jew permezz tal-użu ta' teknoloġija bbażata online jew tat-telekomunikazzjoni, ta' servizzi ta' konsulenza legali f'liġi barranija u fid-dritt internazzjonali u, fir-rigward tal-liġi barranija u tad-dritt internazzjonali biss, arbitraġġ legali u servizzi ta' konċiljazzjoni jew ta' medjazzjoni minn avukati barranin.
I-MX-25	
Settur:	Servizzi Professjonali, Tekniċi u Speċjalizzati
Subsettur:	Servizzi professjonali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 9510 Forniment ta' Servizzi Professjonali, Tekniċi u Speċjalizzati (limitati għal servizzi professjonali)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikolu 11.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi Regolatorja tal-Artikolu 5 tal-Kostituzzjoni dwar il-Prattika tal-Professjonijiet fil-Belt tal-Messiku (Ley reglamentaria del Artículo 5º Constitucional, relativo al Ejercicio de las Profesiones en la Ciudad de México), il-Kapitolu III, it-Taqsima III, u l-Kapitolu V.
	Ir-Regolamenti għal-Liġi Regolatorja tal-Artikolu 5 tal-Kostituzzjoni relatata mal-Prattika tal-Professjonijiet fil-Belt tal-Messiku (Reglamento de la Ley Reglamentaria del Artículo 5º Constitucional, relativo al Ejercicio de las Profesiones en la Ciudad de México), il-Kapitolu III.
	Il-Liġi Ġenerali dwar il-Popolazzjoni (Ley General de Población), il-Kapitolu III.
Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	Skont it-trattati internazzjonali rilevanti li l-Messiku huwa parti għalihom; iċ-ċittadini barranin jistgħu jipprattikaw fil-Belt tal-Messiku l-professjonijiet stabbiliti fil-Liġi Regolatorja tal-Artikolu 5 tal-Kostituzzjoni dwar il-Prattika tal-Professjonijiet fil-Belt tal-Messiku.

	Fin-nuqqas ta' trattat internazzjonali dwar il-kwistjoni, il-prattika professjonali minn ċittadini barranin għandha tkun soġġetta għar-reċiproċità fil-post ta' residenza tal-applikant u għall-konformità mal-bqija tar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi tal-Messiku.
I-MX-26	
Settur:	Servizzi Reliġjużi
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 929001 Servizzi ta' Organizzazzjonijiet Reliġjużi
Obbligi Kkonċernati:	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (l-Artikolu 10.10)
	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Assoċjazzjonijiet Reliġjużi u l-Qima Pubblika (Ley de Asociaciones Religiosas y Culto Público), it-Titolu II, il-Kapitoli I u II.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	Ir-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet reliġjużi fil-Messiku għandhom ikunu ċittadini tal-Messiku.
	L-assoċjazzjonijiet reliġjużi għandhom ikunu assoċjazzjonijiet magħmulin f'konformità mal-Liġi dwar l-Assoċjazzjonijiet Reliġjużi u l-Qima Pubblika.
	L-assoċjazzjonijiet reliġjużi għandhom jirreġistraw quddiem il-Ministeru għall-Affarijiet Interni (Secretaría de Gobernación, SEGOB). Sabiex jiġu rreġistrati, l-assoċjazzjonijiet reliġjużi għandhom ikunu stabbiliti l-Messiku.
I-MX-27	
Settur:	Servizzi Agrikoli
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 971010 Forniment ta' Servizzi Agrikoli
Obbligi Kkonċernati:	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 32.
	Il-Liġi Federali dwar is-Saħħa tal-Pjanti (Ley Federal de Sanidad Vegetal), it-Titolu II, il-Kapitolu IV.
	Ir-Regolament dwar il-Liġi Fitosanitarja tal-Istati Uniti tal-Messiku (Reglamento de la Ley de Sanidad Fitopecuaria de los Estados Unidos Mexicanos), il-Kapitolu VII.

Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Hija meħtieġa konċessjoni mogħtija mis-SAGARPA sabiex jiġu sprejjati pestiċidi. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jiksbu dik il-konċessjoni.

I-MX-28

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport bl-Ajru
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 384205 Manifattura, Assemblaġġ u Tiswija ta' Inġenji tal-Ajru (limitati għat-tiswija ta' inġenji tal-ajru)
Obbligi Konċernati:	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ley de Aviación Civil), il-Kapitolu III, it-Taqsima II. Ir-Regolament dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Reglamento de la Ley de Aviación Civil), il-Kapitolu VII.
Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Huwa meħtieġ permess maħruġ mis-SCT sabiex jiġu stabbiliti u operati, jew jiġu operati u jintużaw, faċilità u ċentri għat-tiswija tal-inġenji tal-ajru għat-tagħlim u għat-taħriġ tal-persunal. Sabiex tikseb dak il-permess, il-parti interessata għandha turi li l-faċilitajiet u ċ-ċentri għat-tiswija tal-inġenji tal-ajru għat-tagħlim u għat-taħriġ tal-persunal għandhom id-domiċilju tagħhom fil-Messiku.

I-MX-29

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport bl-ajru ([1])
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 973302 Servizzi ta' Ġestjoni tal-Ajruporti u tal-Ħeliports
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7) Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 32. Il-Liġi dwar il-Mezzi Ġenerali ta' Komunikazzjoni (Ley de Vías Generales de Comunicación), il-Ktieb I, il-Kapitoli I, II u III.

([1]) Għal ċertezza akbar, is-subparagrafu 2(e) tal-Artikolu 10.5 (Kamp ta' applikazzjoni) u s-subparagrafu 2(g) tal-Artikolu 11.2 (Kamp ta' applikazzjoni) jeskludu s-servizzi tal-ajru, jew is-servizzi relatati b'appoġġ tas-servizzi tal-ajru mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli 10 (Investiment) u 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi). Il-Messiku jinkludi numru ta' miżuri rigward din l-attività biss għal finijiet ta' trasparenza.

	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
	Il-Liġi dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ley de Aviación Civil), il-Kapitoli I u IV.
	Il-Liġi dwar l-Ajruporti (Ley de Aeropuertos), il-Kapitolu III.
	Ir-Regolamenti għal-Liġi dwar l-Ajruporti (Reglamento de la Ley de Aeropuertos), it-Titolu II, il-Kapitoli I, II u III.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	Konċessjoni mogħtija mis-SCT hija meħtieġa għall-bini u għall-operat, jew għall-operat, ta' ajruporti u ta' ħeliports. L-intrapriżi Messikani biss jistgħu jiksbu dik il-konċessjoni.
	Hija meħtieġa riżoluzzjoni favorevoli mis-CNIE għall-investituri tal-Unjoni Ewropea jew għall-investimenti tagħhom sabiex isiru proprjetarji ta' aktar minn 49 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku li hija konċessjonarja jew permissjonarja ta' ajrudromi għas-servizz pubbliku.
	Meta tiddeċiedi, is-CNIE għandha tiffavorixxi l-iżvilupp nazzjonali u teknoloġiku u tipproteġi l-integrità sovrana tan-Nazzjon.
I-MX-30	
Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport bl-ajru ([1])
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 713001 Servizzi Skedati tat-Trasport bl-Ajru fuq Inġenji tal-Ajru Rreġistrati Domestikament
	CMAP 713002 Trasport bl-Ajru Mhux Skedat (Taxis Tal-Ajru)
	Servizzi Speċjalizzati tal-Ajru
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (l-Artikolu 10.10)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ley de Aviación Civil), il-Kapitoli IX u X.
	Ir-Regolament tal-Liġi dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Reglamento de la Ley de Aviación Civil), it-Titolu II, il-Kapitolu I.
	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
	Kif kwalifikati mill-element Deskrizzjoni.

([1]) Għal ċertezza akbar, is-subparagrafu 2(e) tal-Artikolu 10.5 (Kamp ta' applikazzjoni) u s-subparagrafu 2(g) tal-Artikolu 11.2 (Kamp ta' applikazzjoni) jeskludu s-servizzi tal-ajru, jew is-servizzi relatati b'appoġġ tas-servizzi tal-ajru mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli 10 (Investiment) u 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi). Il-Messiku jinkludi numru ta' miżuri rigward din l-attività biss għal finijiet ta' trasparenza.

Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jkunu sidien biss sa massimu ta' 49 % tal-interessi tal-vot f'intrapriża stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku li tipprovdi servizz tat-trasport bl-ajru domestiku skedat u mhux skedat, servizz tat-trasport internazzjonali bl-ajru mhux skedat fil-modalità ta' taxi tal-ajru, jew servizz speċjalizzat tal-ajru. Il-President u tal-anqas żewġ terzi tal-bord tad-diretturi u żewġ terzi tal-uffiċjali maniġerjali ta' dik l-intrapriża għandhom ikunu ċittadini tal-Messiku. Huma biss iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku li fihom 51 % tal-interess tal-vot ikun proprjetà ta' ċittadini tal-Messiku jew ikkontrollat minnhom u li l-President u tal-anqas żewġ terzi tal-uffiċjali maniġerjali tagħhom ikunu ċittadini tal-Messiku, li jistgħu jirreġistraw inġenju tal-ajru fil-Messiku.

I-MX-31

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi Speċjalizzati tal-Ajru [1]
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar il-Mezzi Ġenerali ta' Komunikazzjoni (Ley de Vías Generales de Comunicación), il-Ktieb I, il-Kapitolu III. Il-Liġi dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ley de Aviación Civil), il-Kapitoli I, II, IV u IX. Kif kwalifikati mill-element Deskrizzjoni.
Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Huwa meħtieġ permess maħruġ mis-SCT sabiex jiġu pprovduti s-servizzi tal-ajru speċjalizzati kollha fit-territorju tal-Messiku. Dak il-permess jista' jingħata biss meta l-persuna interessata fil-provvista ta' dawn is-servizzi jkollha domiċilju fit-territorju tal-Messiku.

I-MX-32

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport bl-Ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 973203 Amministrazzjoni Marittima tal-Portijiet, Lag u Xmajjar
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali

[1] Għal ċertezza akbar, is-subparagrafu 2(e) tal-Artikolu 10.5 (Kamp ta' applikazzjoni) u s-subparagrafu 2(g) tal-Artikolu 11.2 (Kamp ta' applikazzjoni) jeskludu s-servizzi tal-ajru, jew is-servizzi relatati b'appoġġ tas-servizzi tal-ajru mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli 10 (Investiment) u 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi). Il-Messiku jinkludi numru ta' miżuri rigward din l-attività biss għal finijiet ta' trasparenza.

Miżuri:	Il-Liġi dwar il-Portijiet (Ley de Puertos), il-Kapitoli IV u V.
	Ir-Regolament għal-Liġi dwar il-Portijiet (Reglamento de la Ley de Puertos), it-Titolu I, il-Kapitoli I u VI.
	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
Deskrizzjoni:	Investiment
	L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jkunu sidien biss sa massimu ta' 49 % tal-interess proprjetarju ta' intrapriża Messikana awtorizzata sabiex taġixxi bħala amministratur tal-port integrali.

I-MX-33

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 384201 Manifattura u Tiswija ta' Bastimenti
Obbligi Kkonċernati:	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 32.
	Il-Liġi dwar il-Mezzi Ġenerali ta' Komunikazzjoni (Ley de Vías Generales de Comunicación), il-Ktieb I, il-Kapitoli I, II u III.
	Il-Liġi dwar in-Navigazzjoni u l-Kummerċ Marittimu (Ley de Navegación y Comercio Marítimos), it-Titolu I, il-Kapitolu II.
	Il-Liġi dwar il-Portijiet (Ley de Puertos), il-Kapitolu IV.
Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	Konċessjoni mogħtija mis-SCT hija meħtieġa għall-istabbiliment u għall-operat, jew għall-operat, ta' tarzna. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jiksbu dik il-konċessjoni.

I-MX-34

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 973201 Servizzi ta' Tagħbija u ta' Ħatt tat-Trasport bl-Ilma (inklużi l-operat u l-manutenzjoni tal-baċiri; it-tagħbija u l-ħatt ta' bastimenti fuq ix-xatt; il-maniġġ ta' merkanzija marittima; l-operat u l-manutenzjoni tal-mollijiet; it-tindif tal-bastimenti u tad-dgħajjes; ix-xogħol tal-burdnara; it-trasferiment tal-merkanzija bejn il-bastimenti u t-trakkijiet, il-ferroviji, il-pipelines u x-xatt; u l-operazzjonijiet tat-terminals max-xatt)

Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6) Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 32. Il-Liġi dwar in-Navigazzjoni u l-Kummerċ Marittimu (Ley de Navegación y Comercio Marítimos), it-Titolu I, il-Kapitolu II; u t-Titolu II, il-Kapitoli IV u V. Il-Liġi dwar il-Portijiet (Ley de Puertos), il-Kapitoli II, IV u VI. Il-Liġi dwar il-Mezzi Ġenerali ta' Komunikazzjoni (Ley de Vías Generales de Comunicación), il-Ktieb I, il-Kapitoli I, II u III. Ir-Regolament dwar l-Użu u t-Tgawdija tal-Baħar Territorjali, il-Passaġġi fuq l-Ilma Interni, il-Bajjiet, iż-Żona Kostali Federali Rilevanti u l-Artijiet Miksuba mill-Baħar (Reglamento para el Uso y Aprovechamiento del Mar Territorial, Vías Navegables, Playas, Zona Federal Marítimo Terrestre y Terrenos Ganados al Mar), il-Kapitolu II, it-Taqsima II. Kif kwalifikati mill-element Deskrizzjoni.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Hija meħtieġa riżoluzzjoni favorevoli mis-CNIE għall-investituri tal-Unjoni Ewropea jew għall-investimenti tagħhom sabiex isiru proprjetarji ta' aktar minn 49 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża , stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku li tipprovdi servizzi portwarji lil bastimenti għan-navigazzjoni interna bħall-irmunkar, l-irmiġġ u l-offerti. Konċessjoni mogħtija mis-SCT hija meħtieġa għall-bini u għall-operat, jew għall-operat, ta' terminals tal-portijiet marittimi u interni, inklużi baċiri, krejnijiet u faċilitajiet relatati. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jiksbu dik il-konċessjoni. Huwa meħtieġ permess maħruġ mis-SCT sabiex jiġu pprovduti servizzi tal-burdnara u tal-ħżin. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jiksbu dak il-permess.

I-MX-35

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport bl-Ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 973203 Oqsma Marittimi u Interni (Amministrazzjoni tal-Portijiet tal-Lagi u tax-Xmajjar)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar in-Navigazzjoni u l-Kummerċ Marittimu (Ley de Navegación y Comercio Marítimos), it-Titolu III, il-Kapitolu III. Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III. Il-Liġi dwar il-Portijiet (Ley de Puertos), il-Kapitoli IV u VI.

Deskrizzjoni:	Investiment
	L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jipparteċipaw biss sa massimu ta' 49 % fl-intrapriżi Messikani involuti fil-provvista ta' servizzi portwarji ta' pilotaġġ lil bastimenti li joperaw f'navigazzjoni interna.

I-MX-36

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport bl-ilma [1]
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 712011 Servizzi Internazzjonali tat-Trasport Marittimu
	CMAP 712012 Servizzi Marittimi ta' Kabotaġġ
	CMAP 712013 Servizzi Internazzjonali ta' Rmonkar u ta' Kabotaġġ
	CMAP 712021 Servizzi ta' Trasport fix-Xmajjar u fil-Lagi
	CMAP 712022 Servizzi tat-Trasport fuq l-Ilmijiet Portwarji Interni
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6)
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikoli 10.8 u 11.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar in-Navigazzjoni u l-Kummerċ Marittimu (Ley de Navegación y Comercio Marítimos), it-Titolu III, il-Kapitolu I.
	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
	Il-Liġi Federali dwar il-Kompetizzjoni Ekonomika (Ley Federal de Competencia Económica), il-Kapitolu IV.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	L-operat jew l-isfruttament ta' bastimenti tan-navigazzjoni f'ibħra internazzjonali, inklużi servizzi ta' trasport u ta' rmonkar internazzjonali, huwa miftuħ għas-sidien tal-bastimenti u għall-bastimenti tal-pajjiżi kollha, fuq il-bażi tar-reċiproċità f'konformità mat-trattati internazzjonali.

[1] Għal ċertezza akbar, is-subparagrafu 2(d) tal-Artikolu 10.5 (Kamp ta' applikazzjoni) u s-subparagrafu 2(b) tal-Artikolu 11.2 (Kamp ta' applikazzjoni) jeskludu l-kabotaġġ marittimu nazzjonali mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli 10 (Investiment) u 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi). Il-Messiku jinkludi numru ta' miżuri rigward din l-attività biss għal finijiet ta' trasparenza.

L-operat u l-isfruttament tal-kabotaġġ u tan-navigazzjoni interna huma riżervati għas-sidien tal-bastimenti tal-Messiku b'bastimenti tal-Messiku. Jekk il-bastimenti tal-Messiku ma jkunux adatti u disponibbli bl-istess kundizzjonijiet tekniċi, jew jekk ikun meħtieġ fl-interess pubbliku, is-SCT jista' jipprovdi permessi ta' navigazzjoni temporanji lis-sidien Messikani tal-bastimenti b'bastiment barrani għall-operat u għall-isfruttament f'konformità mal-prijoritajiet li ġejjin:

(a) is-sid Messikan tal-bastimenti b'bastiment barrani skont ftehim ta' noleġġ ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ; u

(b) is-sid Messikan tal-bastimenti b'bastiment barrani skont kwalunkwe ftehim ta' noleġġ.

L-operat u l-isfruttament fin-navigazzjoni interna u fil-kabotaġġ tal-kruċieri turistiċi kif ukoll tal-gangmi u tal-apparati marittimi għall-kostruzzjoni, għall-preservazzjoni u għall-operat tal-portijiet jistgħu jitwettqu minn intrapriżi tat-tbaħħir tal-Messiku jew barranin bl-użu ta' bastimenti jew ta' apparati marittimi tal-Messiku jew barranin, fuq il-bażi tar-reċiproċità mal-Unjoni Ewropea jew mal-Istati Membri tagħha, filwaqt li jagħmlu ħilithom sabiex jagħtu prijorità lill-intrapriżi tal-Messiku u filwaqt li jikkonformaw mad-dritt applikabbli.

Bl-opinjoni minn qabel tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Antitrust (Comisión Nacional Antimonopolio), l-SCT jista' jiddeċiedi li, ċerta navigazzjoni ta' kabotaġġ tista' titwettaq totalment jew parzjalment biss minn intrapriżi tat-tbaħħir tal-Messiku b'bastimenti tal-Messiku, jew b'bastimenti magħrufin bħala tal-Messiku, fin-nuqqas ta' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq rilevanti skont it-termini tal-Liġi Federali dwar il-Kompetizzjoni Ekonomika (Ley Federal de Competencia Económica).

L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jistgħu jkunu sidien biss sa massimu ta' 49 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża tat-tbaħħir tal-Messiku jew f'bastimenti tal-Messiku, stabbiliti jew li se jiġu stabbiliti fit-territorju tal-Messiku, li huma involuti fl-isfruttament kummerċjali tal-bastimenti għan-navigazzjoni interna u ta' kabotaġġ, esklużi kruċieri tat-turiżmu u l-isfruttament tal-gangmi u tal-apparati marittimi għall-kostruzzjoni, għall-preservazzjoni u għall-operat tal-portijiet.

Hija meħtieġa riżoluzzjoni favorevoli mis-CNIE għall-investituri tal-Unjoni Ewropea jew għall-investimenti tagħhom sabiex isiru proprjetarji ta' aktar minn 49 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku involuta f'servizzi ta' navigazzjoni f'ibħra internazzjonali u f'servizzi ta' rmonkar fil-portijiet.

I-MX-37

Settur:	Trasport
Subsettur:	Pipelines mhux tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 32.
	Il-Liġi dwar il-Mezzi Ġenerali ta' Komunikazzjoni (Ley de Vías Generales de Comunicación), il-Ktieb I, il-Kapitoli I, II u III.

	Il-Liġi Nazzjonali dwar l-Ilmijiet (Ley de Aguas Nacionales), it-Titolu I, il-Kapitolu II, u t-Titolu IV, il-Kapitolu II.
Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Hija meħtieġa konċessjoni mogħtija mis-SCT għall-bini u għall-operat, jew għall-operat, ta' pipelines li jġorru oġġetti li ma humiex enerġija jew petrokimiċi bażiċi. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jiksbu dik il-konċessjoni.

I-MX-38

Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi ta' Trasport bil-Ferrovija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 711101 Servizzi ta' Trasport bil-Ferrovija
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6) Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu III. Il-Liġi Regolatorja tas-Servizz Ferrovjarju (Ley Reglamentaria del Servicio Ferroviario), il-Kapitoli I u II, it-Taqsima III. Ir-Regolament għas-Servizz Ferrovjarju (Reglamento del Servicio Ferroviario), it-Titolu I, il-Kapitoli I, II u III; it-Titolu II, il-Kapitoli I u IV; u t-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsimiet I u II.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Hija meħtieġa riżoluzzjoni favorevoli mis-CNIE sabiex l-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom jipparteċipaw f'aktar minn 49 % tal-interess proprjetarju ta' intrapriża stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku involuta fil-kostruzzjoni, fl-operat u fl-isfruttament ta' linji ferrovjarji meqjusin bħala mezz ġenerali ta' komunikazzjoni, jew fil-provvista ta' servizz pubbliku ta' trasport bil-ferrovija. Meta tiddeċiedi, is-CNIE għandha tqis li tingħata prijorità lill-iżvilupp nazzjonali u teknoloġiku, u li tiġi protetta l-integrità sovrana tan-Nazzjon. Hija meħtieġa konċessjoni mogħtija mis-SCT għall-bini, għall-operat u għall-isfruttament ta' servizzi ta' trasport bil-ferrovija u għall-provvista ta' servizz pubbliku ta' trasport bil-ferrovija. L-intrapriżi Messikani biss jistgħu jiksbu dik il-konċessjoni. Huwa meħtieġ permess maħruġ mis-SCT sabiex jiġu pprovduti servizzi awżiljarji; il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ta' dħul u ta' ħruġ, ta' qsim u ta' faċilitajiet marġinali fil-kuritur tal-linji tal-elettriku; l-installazzjoni ta' reklamar u ta' sinjali ta' pubbliċità fil-kuritur tal-linji tal-elettriku; u l-kostruzzjoni u l-operat ta' pontijiet fuq il-linji ferrovjarji. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jiksbu dak il-permess.

I-MX-39

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport fuq l-art

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 973101 Servizzi ta' Ġestjoni ta' Terminals tal-Karozzi tal-Linja tal-Passiġġieri u Servizzi Awżiljarji (limitati għat-terminals ewlenin tal-karozzi tal-linja u tat-trakkijiet u għall-istazzjonijiet tal-karozzi tal-linja u tat-trakkijiet)
Obbligi Konċernati:	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikolu 11.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar it-Toroq, il-Pontijiet u t-Trasport bit-Triq Federali (Ley de Caminos, Puentes y Autotransporte Federal), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
	Ir-Regolamenti għat-Tgawdija tal-Kuritur tal-Linji tal-Elettriku tat-Toroq Federali u taż-Żoni tal-Madwar (Reglamento para el Aprovechamiento del Derecho de Vía de las Carreteras Federales y Zonas Aledañas), il-Kapitoli II u IV.
	Ir-Regolamenti għat-Trasport bit-Triq Federali u għas-Servizzi Awżiljarji (Reglamento de Autotransporte Federal y Servicios Auxiliares), il-Kapitolu I.
Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	Huwa meħtieġ permess maħruġ mis-SCT għall-istabbiliment, jew għall-operat, ta' stazzjon jew ta' terminal tal-karozzi tal-linja jew tat-trakkijiet. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jiksbu dak il-permess.
	Sabiex tikseb dak il-permess, il-parti interessata għandha turi li għandha d-domiċilju tagħha fil-Messiku.

I-MX-40

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport fuq l-art
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 973102 Servizzi ta' Ġestjoni tat-Toroq, tal-Pontijiet u tas-Servizzi Awżiljarji
Obbligi Konċernati:	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 32.
	Il-Liġi dwar it-Toroq, il-Pontijiet u t-Trasport bit-Triq Federali (Ley de Caminos, Puentes y Autotransporte Federal), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
	Ir-Regolamenti għat-Trasport bit-Triq Federali u għas-Servizzi Awżiljarji (Reglamento de Autotransporte Federal y Servicios Auxiliares), il-Kapitoli I u V.

Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	Huwa meħtieġ permess mogħti mis-SCT sabiex jiġu pprovduti servizzi awżiljarji għat-trasport federali bit-triq. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jiksbu dak il-permess.
	Għal ċertezza akbar, is-servizzi awżiljarji ma humiex parti mit-trasport federali bit-triq ta' passiġġieri, tat-turiżmu jew tal-merkanzija, iżda jikkomplementaw l-operat u l-isfruttament tagħhom.

I-MX-41

Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport fuq l-art
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 711201 Servizzi ta' Trasport tal-Materjali tal-Kostruzzjoni
	CMAP 711202 Servizzi ta' Movers
	CMAP 711203 Servizzi Speċjalizzati Oħrajn ta' Trasport tal-Merkanzija
	CMAP 711204 Servizzi Ġenerali ta' Trasport tal-Merkanzija
	CMAP 711311 Servizzi ta' Trasport fuq Distanzi Twal ta' Passiġġieri bil-Karozzi tal-Linja u bil-Kowċijiet
	CMAP 711318 Servizzi ta' Trasport għall-Iskejjel u għat-Turisti (limitati għas-servizzi ta' trasport għat-turisti)
	CMAP 720002 Servizzi tal-kurrier
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6)
	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu II.
	Il-Liġi dwar it-Toroq, il-Pontijiet u t-Trasport bit-Triq Federali (Ley de Caminos, Puentes y Autotransporte Federal), it-Titolu I, il-Kapitoli I u III.
	Ir-Regolament għat-Trasport bit-Triq Federali u għas-Servizzi Awżiljarji (Reglamento de Autotransporte Federal y Servicios Auxiliares), il-Kapitolu I.
	Kif kwalifikati mill-element Deskrizzjoni.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	L-investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom ma jistgħux jiksbu interess proprjetarju f'intrapriża bi klawżola ta' esklużjoni għall-barranin stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku, involuta f'servizzi ta' trasport bit-triq ta' merkanzija domestika bejn punti fit-territorju tal-Messiku, ħlief għas-servizzi tal-pakketti u tal-kurrier.
	Huwa meħtieġ permess maħruġ mis-SCT sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' trasport bit-triq ta' merkanzija, ta' passiġġieri jew ta' turiżmu.

	Investitur tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tiegħu jistgħu jkunu s-sidien ta' massimu ta' 100 % tal-interess proprjetarju f'intrapriża stabbilita jew li se tiġi stabbilita fit-territorju tal-Messiku sabiex jiġi pprovdut servizz tal-karozzi tal-linja bejn bliet differenti, servizz ta' trasport turistiku jew servizz ta' trasport bit-triq ta' merkanzija internazzjonali bejn punti fit-territorju tal-Messiku. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss bi klawżola ta' esklużjoni għall-barranin, li jużaw tagħmir irreġistrat tal-Messiku li huwa mibni fil-Messiku jew importat legalment fil-Messiku, u sewwieqa li huma ċittadini tal-Messiku, jistgħu jipprovdu servizzi ta' trasport bit-triq ta' merkanzija domestika bejn punti fit-territorju tal-Messiku. Huwa meħtieġ permess maħruġ mis-SCT sabiex jiġu forniti servizzi tal-pakketti u tal-kurrier. Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss jistgħu jipprovdu dawk is-servizzi.
I-MX-42	
Settur:	Trasport
Subsettur:	Servizzi ta' trasport bil-ferrovija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 711101 Servizzi ta' Trasport Permezz tal-Ferrovija (limitati għall-ekwipaġġ ferrovjarju)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi Federali dwar ix-Xogħol (Ley Federal del Trabajo), it-Titolu VI, il-Kapitolu V
Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Il-membri tal-ekwipaġġ ferrovjarju jeħtiġilhom ikunu ċittadini tal-Messiku.
I-MX-43	
Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport fuq l-art
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 711312 Servizzi Urbani u Suburbani ta' Trasport tal-Passiġġieri bil-Karozzi tal-Linja u bil-Kowċijiet CMAP 711315 Servizzi ta' Trasport tat-Taxi b'Vetturi bil-Mutur CMAP 711316 Servizzi ta' Trasport b'Rotot Fissi għal Vetturi bil-Mutur CMAP 711317 Servizzi ta' Trasport f'Vetturi bil-Mutur minn Stazzjonijiet tat-Taxi CMAP 711318 Servizzi ta' Trasport għall-Iskejjel u għat-Turisti (limitati għas-servizzi ta' trasport tal-iskejjel)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali

Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera), it-Titolu I, il-Kapitolu II.
	Il-Liġi dwar il-Mezzi Ġenerali ta' Komunikazzjoni (Ley de Vías Generales de Comunicación), il-Ktieb I, il-Kapitoli I u II.
	Il-Liġi dwar it-Toroq, il-Pontijiet u t-Trasport bit-Triq Federali (Ley de Caminos, Puentes y Autotransporte Federal), it-Titolu I, il-Kapitolu III.
	Ir-Regolament għat-Trasport bit-Triq Federali u għas-Servizzi Awżiljarji (Reglamento de Autotransporte Federal y Servicios Auxiliares), il-Kapitolu I.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	Iċ-ċittadini tal-Messiku u l-intrapriżi tal-Messiku biss bi klawżola ta' esklużjoni għall-barranin jistgħu jipprovdu servizzi lokali urbani u suburbani tal-karozzi tal-linja għall-passiġġieri, servizzi tal-karozzi tal-linja għall-iskejjel, u servizzi tat-trasport bit-taxi u servizzi ta' trasport kollettivi oħrajn.

I-MX-44

Settur:	Komunikazzjonijiet
Subsettur:	Servizzi ta' divertiment (Ċinema) ([1])
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 941103 Wiri Privat ta' Films
Obbligi Kkonċernati:	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikoli 10.8 u 11.7)
	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi Federali dwar iċ-Ċinematografija (Ley Federal de Cinematografía), il-Kapitolu III.
	Ir-Regolament għal-Liġi Federali dwar iċ-Ċinematografija (Reglamento de la Ley Federal de Cinematografía), il-Kapitolu V.
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi
	L-esibituri għandhom iżommu 10 % tal-ħin totali tal-iskrin għall-projezzjoni tal-films nazzjonali.

([1]) Għal ċertezza akbar, is-subparagrafi 2(c) tal-Artikolu 10.5 (Kamp ta' applikazzjoni) u s-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 11.2 (Kamp ta' applikazzjoni) jeskludu s-servizzi awdjoviżivi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli 10 (Investiment) u 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi). Il-Messiku jinkludi numru ta' miżuri rigward din l-attività biss għal finijiet ta' trasparenza.

Appendiċi I-B-2

RIŻERVI GĦALL-MIŻURI EŻISTENTI

LISTA TAL-MESSIKU

Riżervi Applikabbli fil-Livell Subċentrali

Tħalla vojt apposta

ANNESS II

MIŻURI FUTURI

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-lista ta' Parti fl-appendiċijiet għal dan l-Anness tistabbilixxi, skont l-Artikoli 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet) u 11.8 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet), is-setturi, is-subsetturi jew l-attivitajiet speċifiċi li għalihom dik il-Parti tista' żżomm miżuri eżistenti, jew tadotta miżuri ġodda jew aktar restrittivi, li ma jikkonformawx mal-obbligi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-Artikoli 10.7 (Trattament Nazzjonali) u 11.6 (Trattament Nazzjonali);

(b) L-Artikoli 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) u 11.7 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit);

(c) L-Artikoli 10.9 (Rekwiżiti tal-Prestazzjoni);

(d) L-Artikoli 10.10 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi); jew

(e) L-Artikoli 11.5 (Preżenza Lokali).

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "CMAP" tfisser , in-numri tal-Klassifikazzjoni Messikana tal-Attivitajiet u tal-Prodotti (Clasificación Mexicana de Actividades y Productos) kif stabbiliti fl-Istitut Nazzjonali għall-Istatistika u għall-Ġeografija (Instituto Nacional de Estadística y Geografía) fil-Klassifikazzjoni Messikana tal-Attivitajiet u tal-Prodotti (Clasificación Mexicana de Actividades y Productos), 1994;

(b) "CPC" tfisser in-numri tal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbiliti fi Statistical Office of the United Nations, Statistical Papers, Series M, Nru 77, Provisional Central Product Classification, 1991; u

(c) "ISIC" tfisser in-numri tal-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbiliti fi Statistical Office of the United Nations, Statistical Papers, Series M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002.

3. Il-lista ta' Parti hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

4. Kull entrata fil-lista tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "Settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) "Subsettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir l-entrata;

(c) "Klassifikazzjoni tal-Industrija" tirreferi, jekk applikabbli, għall-attività koperta mill-miżura mhux konformi skont is-CMAP, is-CPC jew l-ISIC;

(d) "Obbligi Kkonċernati" tispeċifika l-obbligi msemmijin fil-paragrafu 1 li, skont l-Artikoli 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet) u 11.8 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet), ma japplikawx għas-setturi, għas-subsetturi jew għall-attivitajiet elenkati fl-entrata;

(e) "Deskrizzjoni" tistabbilixxi l-ambitu tas-settur, tas-subsetturi, jew tal-attivitajiet koperti mir-riżerva; u

(f) "Miżuri Eżistenti", jekk speċifikata, tidentifika, għal finijiet ta' trasparenza, lista mhux eżawrjenti ta' miżuri eżistenti li japplikaw għas-settur, għas-subsettur jew għall-attivitajiet koperti mir-riżerva.

5. Il-"Livell tal-Gvern" fil-lista tal-Messiku tindika l-livell tal-gvern li jżomm il-miżuri speċifikati.

6. Fl-interpretazzjoni ta' entrata, l-elementi kollha ta' dik l-entrata għandhom jiġu kkunsidrati. L-element "deskrizzjoni" għandu jipprevali fuq l-elementi l-oħrajn kollha.

7. Riżerva miżmuma fil-livell tal-Unjoni Ewropea tapplika għal miżura tal-Unjoni Ewropea u ta' Stat Membru fil-livell nazzjonali kif ukoll għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm ir-riżerva ma teskludix Stat Membru.

8. Riżerva miżmuma fil-livell nazzjonali tal-Messiku jew ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak il-pajjiż.

9. Jekk Parti żżomm miżura li tirrikjedi li fornitur ta' servizz ikun persuna fiżika, ċittadin, resident permanenti, jew residenti fit-territorju tagħha, jew li jkun domiċiljat fiha bħala kundizzjoni għall-forniment ta' servizz fit-territorju tagħha, riżerva għal dik il-miżura meħuda fir-rigward ta' obbligu msemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-Kapitolu 11 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi) għandha topera bħala riżerva fir-rigward ta' obbligu msemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-Kapitolu 10 (Investiment), f'dak li għandu x'jaqsam ma' dik il-miżura.

10. Il-lista ta' Parti ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri ta' kwalifika, u mal-istandards tekniċi u mar-rekwiżiti u mal-proċeduri ta' liċenzjar li ma jikkostitwixxux limitazzjoni tat-trattament nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali) jew 11.6 (Trattament Nazzjonali), jew limitazzjoni ta' aċċess għas-suq skont it-tifsira tal-Artikolu 10.6 (Aċċess għas-Suq) jew 11.4 (Aċċess għas-Suq). Dawk il-miżuri, bħar-rekwiżit li wieħed ikollu liċenzja, l-obbligi ta' servizz universali, ir-rekwiżit li wieħed ikollu kwalifiki rikonoxxuti f'setturi regolati, ir-rekwiżit li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, li jistgħu jinkludu eżamijiet tal-lingwa, u kwalunkwe rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma għandhomx jitwettqu f'żoni protetti, anke jekk ma jkunux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ.

11. Fil-lista tal-Unjoni Ewropea jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju [1]

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

[1] Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u tal-komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti.

CZ	Iċ-Ċekja
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
EE	L-Estonja
ŻEE	Iż-Żona Ekonomika Ewropea
EL	Il-Greċja
ES	Spanja
UE	L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha
FI	Il-Finlandja ([2])
FR	Franza
HR	Il-Kroazja
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	In-Netherlands
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja

([2]) Għall-finijiet tar-riżervi tal-Finlandja, livell reġjonali ta' gvern tfisser il-Gżejjer Åland.

12. Għal ċertezza akbar, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li jingħata lil persuni fiżiċi jew lil intrapriżi tal-Messiku t-trattament mogħti fi Stat Membru lill-persuni fiżiċi jew intrapriżi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"TFUE"), jew skont kwalunkwe miżura adottata skont it-TFUE, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri. Skont it-TFUE, dak it-trattament jingħata biss lil intrapriżi kostitwiti jew organizzati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali ta' negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea, inklużi dawk l-intrapriżi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea li jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi jew intrapriżi tal-Messiku jew li jkunu kkontrollati minn dawn tal-aħħar.

13. Għal aktar ċertezza, għall-finijiet tal-lista tal-Messiku, it-termini "Nazzjon" u "Stat" ifissru l-Messiku.

Appendiċi II-A

RIŻERVI GĦAL MIŻURI FUTURI

LISTA TAL-UE

Lista ta' riżervi:

II-UE-1 – Is-setturi kollha

II-UE-2 – Servizzi Professjonali (il-professjonijiet kollha minbarra dawk relatati mas-saħħa)

II-UE-3 – Servizzi Professjonali – (professjonijiet relatati mas-saħħa u bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi)

II-UE-4 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' Riċerka u ta' Żvilupp

II-UE-5 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' Proprjetà Immobbli

II-UE-6 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' Kiri jew ta' Lokazzjoni

II-UE-7 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' Aġenzija tal-Ġbir, Servizzi ta' Rapportar ta' Kreditu

II-UE-8 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' kollokament

II-UE-9 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' Sigurtà u ta' Investigazzjoni

II-UE-10 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi Kummerċjali Oħrajn

II-UE-11 – Servizzi tat-Telekomunikazzjoni

II-UE-12 – Kostruzzjoni

II-UE-13 – Servizzi ta' Distribuzzjoni

II-UE-14 – Servizzi tal-Edukazzjoni

II-UE-15 – Servizzi tas-Saħħa u Soċjali

II-UE-16 – Servizzi Relatati mat-Turiżmu u mal-Ivvjaġġar

II-UE-17 – Servizzi Rikreattivi, Kulturali u Sportivi

II-UE-18 – Servizzi ta' Trasport u Servizzi Awżiljarji ta' Trasport

II-UE-19 – Agrikoltura, Sajd u Ilma

II-UE-20 – Attivitajiet Relatati mal-Enerġija

II-UE-21 – Servizzi Oħrajn Mhux Inklużi Band'Oħra

II-UE-1 – Is-setturi kollha

Settur – Subsettur:	Is-setturi kollha
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Preżenza kummerċjali

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Finlandja: Restrizzjonijiet fuq id-dritt għall-persuni fiżiċi li ma jibbenefikawx minn ċittadinanza reġjonali f'Åland, u għal persuni ġuridiċi, li jakkwistaw u jżommu proprjetà immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr ma jiksbu permess mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland. Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment u fuq id-dritt li jitwettqu attivitajiet ekonomiċi minn persuni fiżiċi, li ma jibbenefikawx minn ċittadinanza reġjonali f'Åland, jew minn kwalunkwe intrapriża, mingħajr ma jiksbu permess mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.

Miżuri eżistenti:

FI: Ahvenanmaan maanhankintalaki (l-Att dwar l-akkwist tal-art f'Åland) (3/1975), s. 2; u Ahvenanmaan itsehallintolaki (l-Att dwar l-Awtonomija ta' Åland) (1144/1991), s. 11.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fi Franza: Tipi ta' stabbiliment – skont l-Artikoli L151-1 u R153-1 tal-kodiċi finanzjarju u monetarju, investimenti barranin fi Franza fis-setturi elenkati fl-Artikolu R153-2 tal-kodiċi finanzjarju u monetarju huma soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Ministru għall-Ekonomija.

Miżuri eżistenti:

FR: Il-kodiċi finanzjarju u monetarju, l-Artikoli L151-1, R153-1.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fi Franza: Tipi ta' stabbiliment - limitazzjoni tal-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji li għadhom kif ġew ipprivatizzati għal ammont varjabbli, iddeterminat mill-gvern ta' Franza fuq bażi ta' każ b'każ, tal-ekwità offruta lill-pubbliku. Għall-istabbiliment ta' ċerti attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni speċifika jekk id-direttur maniġerjali ma jkunx detentur ta' permess ta' residenza permanenti.

Fir-rigward biss tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttament jew mal-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma soġġetti għal konċessjonijiet mogħtijin skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet.

F'korporazzjonijiet kummerċjali li fihom l-Istat jew muniċipalità jkollhom sehem fil-kapital li jaqbeż il-50 %, kwalunkwe tranżazzjoni għat-trasferiment ta' assi fissi tal-korporazzjoni, sabiex jiġi konkluż kwalunkwe kuntratt għall-akkwiżizzjoni ta' interess parteċipanti, ta' lokazzjoni, ta' attività konġunta, ta' kreditu, ta' garanzija ta' riċevibbli, kif ukoll it-tiġrib ta' kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn kambjali, huma soġġetti għal awtorizzazzjoni jew għal permess mill-Aġenzija għall-Privatizzazzjoni jew minn korpi statali jew reġjonali oħrajn, skont liema tkun l-awtorità kompetenti. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-estrazzjoni u għall-attivitajiet fil-barrieri, li huma soġġetti għar-Riżerva I-UE-16 (Attivitajiet Relatati mal-Enerġija) fl-Appendiċi I-A.

Fl-Italja: Il-Gvern jista' jeżerċita ċerti setgħat speċjali f'intrapriżi li joperaw fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, u f'ċerti attivitajiet ta' importanza strateġika fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport u tal-komunikazzjoni. Dan jirrigwarda l-persuni ġuridiċi kollha li jwettqu attivitajiet meqjusin ta' importanza strateġika fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, mhux biss il-kumpaniji privatizzati.

Jekk ikun hemm theddida ta' dannu serju għall-interessi essenzjali tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, il-Gvern għandu s-setgħat speċjali li ġejjin:

(a) li jimponi kundizzjonijiet speċifiċi fix-xiri ta' ishma;

(b) li jimponi veto fuq l-adozzjoni ta' riżoluzzjonijiet relatati ma' operazzjonijiet speċjali bħal trasferimenti, fużjonijiet, diviżjonijiet u bidliet fl-attività; jew

(c) li jirrifjuta l-akkwist ta' ishma, meta x-xerrej ifittex li jżomm livell ta' parteċipazzjoni fil-kapital li x'aktarx jippreġudika l-interessi tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali.

Kwalunkwe riżoluzzjoni, att jew tranżazzjoni (bħal trasferimenti, fużjonijiet, diviżjonijiet, bidla fl-attività jew terminazzjoni) relatata ma' assi strateġiċi fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport u tal-komunikazzjonijiet għandha tiġi nnotifikata mill-kumpanija kkonċernata lill-uffiċċju tal-Prim Ministru. B'mod partikolari, l-akkwiżizzjonijiet minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika barra mill-UE li jagħtu lil din il-persuna kontroll fuq il-kumpanija għandhom jiġu nnotifikati.

Il-Prim Ministru jista' jeżerċita s-setgħat speċjali li ġejjin:

(a) il-veto ta' kwalunkwe riżoluzzjoni, att u tranżazzjoni li tikkostitwixxi theddida eċċezzjonali ta' dannu serju għall-interess pubbliku fis-sigurtà u fl-operat tan-networks u tal-provvisti;

(b) li jimponi kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jiggarantixxi l-interess pubbliku; jew

(c) li jirrifjuta l-akkwiżizzjoni f'każijiet eċċezzjonali ta' riskju għall-interessi essenzjali tal-Istat.

Il-kriterji li fuq il-bażi tagħhom għandhom jiġu evalwati t-theddida u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri reali jew eċċezzjonali għall-eżerċizzju tas-setgħat speċjali huma stabbiliti fil-liġi.

Miżuri eżistenti:

IT: Il-Liġi 56/2012 dwar is-setgħat speċjali f'kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, tal-enerġija, tat-trasport u tal-komunikazzjonijiet; id-Digriet tal-Prim Ministru DPCM 253 tat-30.11.2012 li jiddefinixxi l-attivitajiet ta' importanza strateġika fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fil-Litwanja: Intrapriżi ta' importanza strateġika għas-sigurtà nazzjonali fir-rigward tas-sjieda (proporzjon ta' kapital li jista' jinżamm minn persuni privati nazzjonali jew barranin li jikkonformaw mal-interessi tas-sigurtà nazzjonali, fir-rigward tal-investiment f'intrapriża, f'setturi u f'faċilitajiet ta' importanza strateġika għas-sigurtà nazzjonali, u l-proċedura u l-kriterji għad-determinazzjoni tal-konformità tal-investituri nazzjonali potenzjali u tal-parteċipanti potenzjali fl-intrapriżi, eċċ.).

Miżuri eżistenti:

LT: Il-Liġi dwar l-Intrapriżi u l-Faċilitajiet ta' Importanza Strateġika għas-Sigurtà Nazzjonali u ta' Intrapriżi Oħrajn ta' Importanza sabiex tiġi Żgurata s-Sigurtà Nazzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2002 Nru IX-1132 (Kif emendata l-aħħar fit-12 ta' Jannar 2018 bil-Liġi Nru XIII-992).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fl-Iżvezja: Rekwiżiti diskriminatorji għall-fundaturi, għall-maniġment superjuri u għall-Bordijiet tad-diretturi meta jiġu inkorporati forom ġodda ta' assoċjazzjoni legali fil-liġi Żvediża.

(b) Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fl-Ungerija: L-akkwiżizzjoni ta' proprjetajiet tal-Istat.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fl-Ungerija: L-akkwiżizzjoni ta' raba' li jinħadem minn persuni ġuridiċi barranin u minn persuni fiżiċi mhux residenti, inkluż fir-rigward tal-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-akkwiżizzjoni ta' raba' li jinħadem.

Miżuri eżistenti:

HU: L-Att CXXII tal-2013 dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' raba' u ta' art forestali (il-Kapitolu II (il-Paragrafi 6-36) u l-Kapitolu IV (il-Paragrafi 38-59));

L-Att CCXII tal-2013 dwar il-miżuri tranżizzjonali u ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-Att CXXII tal-2013 dwar iċ-ċirkolazzjoni tar-raba' u ta' art forestali (il-Kapitolu IV (il-Paragrafi 8-20)).

Fil-Latvja: L-akkwiżizzjoni ta' art rurali minn ċittadini tal-Messiku jew ta' pajjiż terz, inkluż fir-rigward tal-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-akkwiżizzjoni ta' art rurali.

Miżuri eżistenti:

LV: Il-liġi dwar il-privatizzazzjoni tal-art f'żoni rurali, ss. 28, 29, 30.

Fis-Slovakkja: Kumpaniji barranin jew persuni fiżiċi ma għandhomx jakkwistaw raba' u art forestali barra mill-fruntiera tal-abitat ta' muniċipalità u xi art oħra, bħal riżorsi naturali, lagi, xmajjar u toroq pubbliċi.

Miżuri eżistenti:

SK: L-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi naturali;

L-Att Nru 229/1991 dwar ir-regolamentazzjoni tas-sjieda tal-art u ta' proprjetà agrikola oħra;

L-Att Nru 460/1992 Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka;

L-Att Nru 180/1995 dwar xi miżuri għall-arranġamenti tas-sjieda tal-art;

L-Att Nru 202/1995 dwar il-Kambju;

L-Att Nru 503/2003 dwar ir-restituzzjoni tas-sjieda għall-art;

L-Att Nru 326/2005 dwar il-Foresti; u

L-Att Nru 140/2014 dwar l-akkwiżizzjoni tas-sjieda ta' raba'.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: Persuni fiżiċi barranin u persuni ġuridiċi barranin (inkluż permezz ta' fergħa) ma għandhomx jakkwistaw sjieda tal-art fil-Bulgarija. Persuni ġuridiċi tal-Bulgarija b'parteċipazzjoni barranija ma għandhomx jiksbu sjieda ta' raba'. Persuni ġuridiċi barranin u ċittadini barranin b'residenza permanenti barra mill-pajjiż jistgħu jiksbu s-sjieda ta' bini u drittijiet ta' proprjetà limitati (dritt għall-użu, dritt għall-bini, dritt li jgħollu sovrastruttura u servitudnijiet) ta' proprjetà immobbli. Ċittadini barranin b'residenza permanenti barra mill-pajjiż, persuni ġuridiċi barranin u kumpaniji li fihom il-parteċipazzjoni barranija tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet jew timblokka l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet, jistgħu jiksbu drittijiet ta' proprjetà immobbli f'reġjuni ġeografiċi speċifiċi dežinjati mill-Kunsill tal-Ministri soġġetti għal permess.

Miżuri eżistenti:

BG: Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, l-Artikolu 22;

Il-Liġi dwar is-Sjieda u l-Użu tar-Raba', l-Artikolu 3; u

Il-Liġi dwar il-Foresti, l-Artikolu 10.

Fl-Estonja: Persuni fiżiċi jew ġuridiċi minn barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa ż-"ŻEE") jew l-OECD jistgħu jiksbu beni immobbli li fiha raba' jew art forestali biss bl-awtorizzazzjoni tal-gvernatur tal-kontea u mill-1 ta' Jannar 2018 bl-awtorizzazzjoni tal-kunsill muniċipali, u għandhom ikunu jistgħu jagħtu prova b'mod stipulat bil-liġi li l-proprjetà immobbli li għandha tiġi akkwistata, skont l-iskop maħsub tagħha, tkun se tintuża b'mod effiċjenti, sostenibbli u bi skop.

Miżuri eżistenti:

EE: Kinnisasja omandamise kitsendamise seadus (l-Att dwar ir-Restrizzjonijiet fuq l-Akkwiżizzjoni ta' Beni Immobbli), il-Kapitoli 2 u 3.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Litwanja: Kwalunkwe miżura li hija konsistenti mal-impenji meħudin mill-UE u li huma applikabbli fil-Litwanja permezz tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) fir-rigward tal-akkwiżizzjoni tal-art. Il-proċedura, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-akkwiżizzjoni tal-art, kif ukoll ir-restrizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti mil-Liġi Kostituzzjonali, mil-Liġi dwar l-Art u mil-Liġi dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Raba'. Madankollu, gvernijiet lokali (muniċipalitajiet) u entitajiet nazzjonali oħrajn ta' Membri tal-OECD u tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) li jwettqu attivitajiet ekonomiċi fil-Litwanja, li huma speċifikati mil-liġi kostituzzjonali f'konformità mal-kriterji tal-UE u integrazzjoni oħra li l-Litwanja tkun bdiet, huma permessi li jsiru sidien ta' rqajja' mhux agrikoli meħtieġa għall-kostruzzjoni u għall-operat tal-bini u tal-faċilitajiet neċessarji għall-attivitajiet diretti tagħhom.

Miżuri eżistenti:

LT: Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja;

Il-Liġi Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Implimentazzjoni tal-Paragrafu 3 tal-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja tal-20 ta' Ġunju 1996, Nru I-1392 kif emendat l-aħħar fl-20 ta' Marzu 2003, Nru IX-1381;

Il-Liġi dwar l-art, tas-27 ta' Jannar 2004, Nru IX-1983; u

Il-liġi dwar l-akkwiżizzjoni ta' raba' tal-24 ta' April 2014, Nru XII-854.

(c) Rikonoxximent

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-UE: Id-Direttivi tal-UE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi u ta' kwalifiki professjonali oħrajn japplikaw biss għaċ-ċittadini tal-UE. Id-dritt ta' prattika ta' servizz professjonali regolat fi Stat Membru wieħed ma jagħtix id-dritt ta' prattika fi Stat Membru ieħor.

(d) Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fl-UE: Skont trattament differenzjali skont kwalunkwe trattat internazzjonali ta' investiment jew ftehim kummerċjali ieħor fis-seħħ jew iffirmat qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Fl-UE: Skont it-trattament differenzjali lil pajjiż skont kwalunkwe ftehim bilaterali jew multilaterali eżistenti jew futur li:

(a) joħloq suq intern fis-servizzi u fl-investiment;

(b) jagħti d-dritt ta' stabbiliment; jew

(c) jeħtieġ l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni f'settur ekonomiku wieħed jew aktar.

Suq intern dwar is-servizzi u l-istabbiliment ifisser żona mingħajr fruntieri interni li fiha jiġi żgurat il-moviment liberu tas-servizzi, tal-kapital u tal-persuni.

Id-dritt ta' stabbiliment ifisser obbligu li, fis-sustanza, jiġu aboliti l-ostakli kollha għall-istabbiliment fost il-partijiet għall-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali bid-dħul fis-seħħ ta' dak il-ftehim. Id-dritt ta' stabbiliment għandu jinkludi d-dritt taċ-ċittadini tal-partijiet għall-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali li jistabbilixxu u joperaw intrapriżi fl-istess kundizzjonijiet previsti għaċ-ċittadini skont il-liġi tal-pajjiż fejn iseħħ l-istabbiliment.

L-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tfisser:

(a) l-allinjament tal-leġiżlazzjoni ta' waħda jew aktar mill-partijiet għall-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali mal-leġiżlazzjoni tal-parti jew tal-partijiet l-oħrajn għal dak il-ftehim; jew

(b) l-inkorporazzjoni ta' leġiżlazzjoni komuni fid-dritt tal-partijiet għall-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali.

Dik l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni għandha sseħħ, u għandha titqies li tkun seħħet, biss fiż-żmien li tkun ġiet ippromulgata fid-dritt tal-parti jew tal-partijiet għall-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali.

Miżuri eżistenti:

L-UE: Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE);

Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni;

Ftehimiet bilaterali bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera; u

Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles Profondi u Komprensivi.

Fl-UE: Skont it-trattament differenzjali relatat mad-dritt ta' stabbiliment għal ċittadini jew għal intrapriżi permezz ta' ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri bejn l-Istati Membri li ġejjin: BE, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT, LU, NL u PT, u kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi jew mill-prinċipati li ġejjin: Andorra, Monaco, San Marino u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan.

Fid-Danimarka, fil-Finlandja u fl-Iżvezja: Il-miżuri meħudin mid-Danimarka u fil-Finlandja u mmirati lejn il-promozzjoni tal-kooperazzjoni Nordika, bħal:

(a) appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp (R&Ż) (il-Fond Industrijali Nordiku);

(b) finanzjament ta' studji ta' fattibbiltà għal proġetti internazzjonali (il-Fond Nordiku għall-Esportazzjonijiet ta' Proġetti); u

(c) assistenza finanzjarja lil kumpaniji ([1]) li jużaw teknoloġija ambjentali (il-Korporazzjoni Nordika għall-Finanzjament Ambjentali).

Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni tal-akkwist minn Parti jew għas-sussidji fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11.2 (Kamp ta' applikazzjoni) u fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 10.5 (Kamp ta' applikazzjoni), rispettivament.

Fil-Polonja: Il-kundizzjonijiet preferenzjali għall-istabbiliment jew għall-provvista transfruntiera ta' servizzi, li jistgħu jinkludu l-eliminazzjoni jew l-emendar ta' ċerti restrizzjonijiet stipulati fil-lista ta' riżervi applikabbli fil-PL, jistgħu jiġu estiżi permezz ta' trattati ta' kummerċ u ta' navigazzjoni.

Fil-Portugall: Ir-rinunzja tar-rekwiżiti tan-nazzjonalità għall-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet u professjonijiet minn persuni fiżiċi li jipprovdu servizzi għal pajjiżi li fihom il-Portugiż huwa l-lingwa uffiċjali (l-Angola, il-Brażil, Cabo Verde, il-Guinea-Bissau, il-Mozambique u São Tomé u Principe).

([1]) Tapplika għall-kumpaniji tal-Ewropa tal-Lvant li qegħdin jikkooperaw ma' kumpanija Nordika waħda jew aktar.

(e) Armi, munizzjoni u materjal tal-gwerra

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Favorit, Rekwiżiti ta' Prestazzjoni, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi, u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Favorit, Preżenza Lokali:

Fl-UE: Il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' armi, ta' munizzjon u ta' materjal tal-gwerra jew il-kummerċ fihom. Il-materjal tal-gwerra huwa limitat għal kwalunkwe prodott li huwa maħsub u magħmul biss għal użu militari b'rabta mat-twettiq ta' attivitajiet ta' gwerra jew ta' difiża.

II-UE-2 – Servizzi Professjonali (il-professjonijiet kollha minbarra dawk relatati mas-saħħa)

Settur – Subsettur:	Servizzi professjonali – servizzi legali: servizzi ta' nutara u ta' bailiffs, servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba; servizzi tal-awditjar, servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa, servizzi tal-arkitettura u servizzi ta' ppjanar urban, servizzi tal-inġinerija, u servizzi integrati tal-inġinerija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861, parti minn 87902, 862, 863, 8671, 8672, 8673, 8674, parti minn 879
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi legali

L-UE, bl-eċċezzjoni tal-Iżvezja, tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-provvista ta' awtorizzazzjoni legali konsultattiva u legali, dokumentazzjoni, u servizz ta' ċertifikazzjoni forniti minn professjonisti legali fdati b'karigi pubbliċi, bħal nutara, "huissiers de justice" jew "officiers publics et ministériels" oħrajn, u fir-rigward ta' servizzi forniti minn bailiffs li jinħatru permezz ta' att uffiċjali tal-gvern (parti minn CPC 861, parti minn 87902).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fil-Bulgarija: It-trattament nazzjonali sħiħ dwar l-istabbiliment u l-operat tal-kumpaniji, kif ukoll dwar il-provvista ta' servizzi, jista' jiġi estiż biss għal kumpaniji stabbiliti fil-pajjiżi li magħhom ġew jew se jiġu konklużi arranġamenti preferenzjali (parti minn CPC 861) u għaċ-ċittadini tat-tali pajjiżi.

Fil-Litwanja: Avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipparteċipaw bħala avukati fil-qorti biss f'konformità ma' ftehimiet bilaterali (parti minn CPC 861).

(b) Servizzi tal-awditjar (CPC 86211, 86212 għajr servizzi tal-kontabilità u ta' żamma tal-kotba)

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: Verifika finanzjarja indipendenti għandha tiġi implimentata minn awdituri reġistrati li huma membri tal-Istitut tal-Kontabilisti Pubbliċi Ċċertifikati. Soġġett għar-reċiproċità, l-Istitut tal-Kontabilisti Pubbliċi Ċċertifikati għandu jirreġistra entità tal-awditjar tal-Messiku jew ta' pajjiż terz malli din tal-aħħar tagħti prova li:

(a) tliet kwarti tal-membri tal-korpi maniġerjali u tal-awdituri rreġistrati li jwettqu awditu f'isem l-entità jissodisfaw rekwiżiti ekwivalenti għal dawk għall-awdituri Bulgari u għaddew b'suċċess mill-eżamijiet għaliha;

(b) l-entità tal-awditjar twettaq awditu finanzjarju indipendenti f'konformità mar-rekwiżiti għall-indipendenza u għall-oġġettività; u

(c) l-entità tal-awditjar tippubblika fuq is-sit web tagħha rapport annwali ta' trasparenza jew tissodisfa rekwiżiti ekwivalenti oħrajn għad-divulgazzjoni f'każ li hija tawditja entitajiet ta' interess pubbliku.

Miżuri Eżistenti:

BG: L-Att dwar l-Awditjar Finanzjarju Indipendenti.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fiċ-Ċekja: Hija biss impriża li fiha tal-anqas 60 % tal-interessi kapitali jew tad-drittijiet tal-vot ikunu riżervati għaċ-ċittadini taċ-Ċekja jew tal-Istati Membri li tista' tkun awtorizzata twettaq awditi fiċ-Ċekja.

Miżuri Eżistenti:

CZ: Il-Liġi tal-14 ta' April 2009 Nru 93/2009 Ġabra, dwar l-Awdituri.

(c) Servizzi arkitettoniċi u ta' ppjanar urban (CPC 8674)

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Kroazja: Il-provvista transfruntiera ta' ppjanar urban.

II-UE-3 – Servizzi Professjonali (professjonijiet relatati mas-saħħa u bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi)

Settur – Subsettur:	Servizzi professjonali – servizzi professjonali relatati mas-saħħa u bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi, servizzi oħrajn ipprovduti mill-ispiżjara
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211, 85201, 9312, 9319, 93121
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi mediċi u dentali; servizzi pprovduti minn qwiebel, minn infermiera, minn fiżjoterapisti, minn psikologi u minn persunal paramediku (CPC 63211, 85201, 9312, 9319, 932)

Fil-Finlandja: Il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati pubblikament jew privatament, inklużi s-servizzi mediċi u dentali, is-servizzi fornuti mill-qwiebel, mill-fiżjoterapisti u mill-persunal paramediku, u s-servizzi forniti minn psikologi, esklużi s-servizzi forniti mill-infermiera (CPC 9312, 93191).

Fil-Bulgarija: Il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi mediċi u dentali, is-servizzi pprovduti minn infermiera, minn qwiebel, minn fiżjoterapisti u minn persunal paramediku, u s-servizzi pprovduti minn psikologi (CPC 9312, parti minn 9319).

Miżuri Eżistenti:

FI: Laki yksityisestä terveydenhuollosta (l-Att dwar il-Kura tas-Saħħa Privata) (152/1990).

BG: Il-Liġi għall-Istabbiliment Mediku, għall-Organizzazzjoni Professjonali tal-Infermiera Mediċi, tal-Qwiebel u l-Att Assoċjat dwar l-Għaqda tal-Ispeċjalisti Mediċi.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fiċ-Ċekja u f'Malta: Il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi forniti minn professjonisti bħal tobba, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, psikologi, kif ukoll servizzi relatati oħrajn (CPC 9312, parti minn 9319).

Miżuri Eżistenti:

CZ: L-Att Nru 296/2008 Ġabra, dwar is-Salvagwardja tal-Kwalità u tas-Sikurezza tat-Tessuti u taċ-Ċelloli tal-Bniedem Maħsubin għall-Użu fil-Bniedem;

L-Att Nru 378/2007 Ġabra, dwar Farmaċewtiċi u dwar Emendi għal Xi Atti Relatati;

L-Att 123/2000 Ġabra, dwar l-Apparati Mediċi; u

L-Att 285/2002 Ġabra, dwar id-Donazzjoni, it-Teħid u t-Trapjanti ta' Tessuti u ta' Organi u dwar l-Emendar ta' Ċerti Atti (l-Att dwar it-Trapjanti).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tan-Netherlands u tal-Iżvezja: Il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi forniti minn professjonisti bħal tobba, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, u psikologi, jeħtieġ residenza. Dawn is-servizzi jistgħu jiġu forniti biss minn persuni fiżiċi li jkunu fiżikament preżenti fit-territorju tal-UE (CPC 9312, parti minn 93191).

Fil-Belġju: Il-forniment transfruntier ta' servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel u ta' servizzi forniti minn infermiera, minn fiżjoterapisti, minn psikologi u minn persunal paramediku.

(b) Servizzi Veterinarji (CPC 932)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: Stabbiliment mediku veterinarju jista' jiġi stabbilit minn persuna fiżika jew ġuridika.

Il-prattika tal-mediċina veterinarja hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE jew taż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ŻEE"), inkella huwa meħtieġ permess ta' residenza permanenti għal ċittadini barranin (hija meħtieġa preżenza fiżika).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju u fil-Latvja: Il-provvista transfruntiera ta' servizzi veterinarji.

(c) Bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi, ta' oġġetti mediċi u ortopediċi, servizzi oħrajn ipprovduti mill-ispiżjara (CPC 63211)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Finlandja: Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u ta' oġġetti mediċi u ortopediċi.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-Iżvezja: Il-bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi u l-forniment ta' oġġetti farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-Belġju, tal-Bulgarija, tal-Estonja, ta' Spanja, tal-Irlanda u tal-Litwanja: Il-bejgħ bil-korrispondenza huwa possibbli biss minn Stati Membri taż-ŻEE, u b'hekk stabbiliment fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-pajjiżi huwa meħtieġ għall-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi u ta' oġġetti mediċi speċifiċi għall-pubbliku inġenerali fl-UE.

Fil-Belġju: Il-bejgħ bil-korrispondenza huwa awtorizzat biss għall-ispiżeriji miftuħin għall-pubbliku, u għalhekk l-istabbiliment fil-Belġju huwa meħtieġ għall-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi u ta' oġġetti speċifiċi lill-pubbliku ġenerali.

Fil-Bulgarija u fl-Estonja: Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' farmaċewtiċi huwa pprojbit.

Fl-Irlanda, fil-Litwanja u fi Spanja: Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' farmaċewtiċi li jeħtieġu riċetta huwa pprojbit.

Miżuri eżistenti:

AT: Arzneimittelgesetz (l-Att dwar il-Mediċini), BGBl. Nru 185/1983 kif emendat, § § 57, 59, 59a; u

Medizinproduktegesetz (il-Liġi dwar il-Prodotti Mediċi), BGBl. Nru 657/1996 kif emendata, § 99.

BE: Arrêté royal du 21 janvier 2009 portant instructions pour les pharmaciens; u

Arrêté royal du 10 novembre 1967 relatif à l'exercice des professions des soins de santé.

FI: Lääkelaki (l-Att dwar il-Mediċina) (395/1987).

SE: Il-Liġi dwar il-kummerċ f'farmaċewtiċi (2009:336);

Ir-Regolament dwar il-kummerċ f'farmaċewtiċi (2009:659); u

Regolamenti oħrajn adottati mill-Aġenzija Żvediża għall-Prodotti Mediċi (id-dettalji jistgħu jinstabu fl-LVFS 2009:9).

II-UE-4 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' Riċerka u ta' Żvilupp

Settur – Subsettur:	Servizzi kummerċjali – servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 851, 852, 853
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali
Kapitolu:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fir-Rumanija: Provvista transfruntiera ta' servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp.

Miżuri Eżistenti:

RO: L-Ordinanza tal-Gvern Nru 6/2011;

L-Ordni tal-Ministru għall-Edukazzjoni u r-Riċerka Nru 3548/2006; u

Id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 134/2011.

II-UE-5 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' Proprjetà Immobbli

Settur – Subsettur:	Servizzi kummerċjali – servizzi tal-proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, 822
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali
Kapitolu:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:
L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fiċ-Ċekja u fl-Ungerija: Provvista transfruntiera ta' servizzi tal-proprjetà immobbli.

II-UE-6 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' Kiri jew ta' Lokazzjoni

Settur – Subsettur:	Servizzi kummerċjali – servizzi ta' kiri jew ta' lokazzjoni mingħajr operaturi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 832
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali
Kapitolu:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:
L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fil-Belġju u fi Franza: Il-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' lokazzjoni jew ta' kiri mingħajr operatur b'rabta ma' oġġetti personali u domestiċi.

II-UE-7 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' Aġenzija tal-Ġbir, Servizzi ta' Rapportar ta' Kreditu

Settur – Subsettur:	Servizzi kummerċjali – servizzi ta' aġenzija tal-ġbir, servizzi ta' rapportar tal-kreditu
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87901, 87902
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
Kapitolu:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' Spanja, tal-Latvja u tal-Iżvezja: Il-provvista ta' servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u ta' servizzi ta' rapportar tal-kreditu.

II-UE-8 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' kollokament

Settur – Subsettur:	Servizzi kummerċjali – Servizzi ta' kollokament
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Bl-eċċezzjoni tal-Ungerija u tal-Iżvezja: Il-provvista ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' għajnuna domestika, ta' ħaddiema kummerċjali jew industrijali oħrajn, ta' infermiera u ta' persunal ieħor (CPC 87204, 87205, 87206, 87209).

Bl-eċċezzjoni tal-Belġju, tal-Ungerija u tal-Iżvezja: Il-ħtieġa tal-istabbiliment u l-projbizzjoni tal-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ għall-uffiċċji u ta' ħaddiema oħrajn.

Fl-Awstrija, fil-Bulgarija, f'Ċipru, fiċ-Ċekja, fl-Estonja, fil-Finlandja, f'Malta, fil-Polonja, fil-Portugall, fir-Rumanija, fis-Slovakkja u fis-Slovenja: L-istabbiliment ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ għall-uffiċċji u ta' ħaddiema oħrajn.

Fil-Latvja u fil-Litwanja: Il-provvista ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ għall-uffiċċji.

Fil-Ġermanja u fl-Italja: Ir-restrizzjoni tan-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' kollokament.

Fi Franza: Dawn is-servizzi jistgħu jkunu soġġetti għal monopolju tal-Istat.

Fil-Ġermanja: Il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jista' joħroġ regolament dwar il-kollokament u r-reklutaġġ ta' persunal mhux tal-Unjoni Ewropea u mhux taż-ŻEE għal professjonijiet speċifikati (CPC 87202).

Fl-Awstrija, fil-Bulgarija, f'Ċipru, fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fil-Finlandja, fil-Litwanja, fil-Latvja, f'Malta, fil-Polonja, fil-Portugall, fir-Rumanija, fis-Slovenja u fis-Slovakkja: Il-provvista ta' servizzi ta' provvista ta' persunal ta' appoġġ għall-uffiċċji.

Fi Franza, fl-Irlanda, fl-Italja u fin-Netherlands: Il-ħtieġa tal-istabbiliment u l-projbizzjoni tal-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' provvista ta' persunal għall-uffiċċji.

Fl-Italja: Ir-restrizzjoni tan-numru ta' forniturі ta' servizzi ta' provvista ta' persunal għall-uffiċċju (87203).

Fil-Bulgarija, f'Ċipru, fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fil-Finlandja, f'Malta, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Portugall, fir-Rumanija, fis-Slovakkja u fis-Slovenja: Il-provvista ta' servizzi ta' tiftix ta' eżekuttivi.

Fl-Irlanda: Il-ħtieġa ta' stabbiliment u l-projbizzjoni tal-provvista transfruntiera tal-provvista ta' servizzi ta' tiftix ta' eżekuttivi (87201).

Miżuri eżistenti:

AT: § § 97 u 135 tal-Att dwar il-Kummerċ Awstrijak (Gewerbeordnung);

Il-Gazzetta tal-Liġi Federali Nru 194/1994 kif emendata;

L-Att dwar l-Impjiegi Temporanji (Arbeitskräfteüberlassungsgesetz/AÜG); u

Il-Gazzetta tal-Liġi Federali Nru 196/1988 kif emendata.

BG: Il-Liġi għall-Promozzjoni tal-Impjegabbiltà, l-Artikoli 26, 27, 27a u 28.

CY: Il-Liġi 150(I)/2013 dwar l-Aġenziji Privati tal-Impjiegi maħruġa fis-6/12/2013; u

Il-Liġi Nru 126(I)/2012 dwar l-Aġenziji Privati tal-Impjiegi.

CZ: L-Att dwar l-Impjiegi (435/2004).

DE: Sec. 38, ir-Regolament dwar l-Impjiegi (Beschäftigungsverordnung); u

Sec. 292, il-Kodiċi Soċjali Nru III Il-Promozzjoni tal-Impjiegi (Drittes Buch Sozialgesetzbuch, SGB III).

DK: § § 8a – 8f fid-Digriet Amministrattiv Nru 73 tas-17 ta' Jannar 2014 u speċifikat fid-Digriet Nru 228 tas-7 ta' Marzu 2013 (l-impjieg ta' baħħara); u

L-Att dwar il-Permessi għall-Impjiegi 2006. S1(2) u (3).

EL: Il-Liġi 4052/2012 (il-Gazzetta Uffiċjali tal-Gvern 41 A) kif emendata għal xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha bil-liġi Nru 4093/2012 (il-Gazzetta Uffiċjali tal-Gvern 222 A).

FI: Laki julkisesta työvoima- ja yrityspalvelusta (l-Att dwar l-Impjiegi Pubbliċi u s-Servizz tal-Impriżi) (916/2012).

HR: L-Att dwar il-Medjazzjoni dwar l-Impjiegi u d-Drittijiet tal-Qgħad (OG 80/08, 121/10, 118/12 u 153/13);

L-Ordinanza dwar it-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-impjiegi (OG 8/14);

L-Att dwar ix-Xogħol (OG 93/14), l-Artikoli 44 sa 47; u

L-Att dwar il-Barranin (OG 130/11 u 74/12) għall-impjieg ta' barranin fil-Kroazja.

IE: L-Att dwar il-Permessi għall-Impjiegi 2006. S1(2) u (3).

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 276/2003, l-Artikoli 4 u 5.

LT: Il-Kodiċi tax-Xogħol tal-Litwanja, u

Il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Aġenziji tal-Impjiegi Temporanji tad-19 ta' Mejju 2011 Nru Xi-1379, l-aħħar emenda tal-11 ta' April 2013 Nru XII-230.

LU: Loi du 18 janvier 2012 portant création de l'Agence pour le développement de l'emploi) (il-Liġi tat-18 ta' Jannar 2012 dwar il-ħolqien ta' aġenzija għall-iżvilupp tal-impjiegi – ADEM).

MT: L-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, (Kap 343) (l-Artikoli 23 sa 25);

Ir-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impieg (L.S. 343.24).

PL: L-Artikolu 18 tal-Att tal-20 ta' April 2004 dwar il-promozzjoni tal-istituzzjonijiet tal-impjiegi u tas-suq tax-xogħol (Dz. U. tal-2015, il-Punt 149, kif emendat).

PT: Id-Digriet Amministrattiv Nru 260/2009 tal-25 ta' Settembru, kif emendat bil-Liġi Nru 5/2014 tat-12 ta' Frar (aċċess u forniment ta' servizzi minn aġenziji ta' kollokament).

RO: Il-Liġi Nru 156/2000 dwar il-protezzjoni taċ-ċittadini Rumeni li jaħdmu barra l-pajjiż, ippubblikata mill-ġdid;

Id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 384/2001 għall-approvazzjoni tan-normi metodoloġiċi għall-applikazzjoni tal-Liġi Nru 156/2000, b'emendi sussegwenti;

L-Ordinanza tal-Gvern Nru 277/2002, kif modifikata mill-Ordinanza tal-Gvern Nru 790/2004 u mill-Ordinanza tal-Gvern Nru 1122/2010;

Il-Liġi Nru 53/2003 – Il-Kodiċi tax-Xogħol, ippubblikata mill-ġdid, b'emendi u b'suppliment sussegwenti; u

Id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 1256/2011 dwar il-kundizzjonijiet operazzjonali u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-aġenzija tax-xogħol temporanju.

SI: L-Att dwar ir-regolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol (il-Gazzetta Uffiċjali tar-RS, Nru 80/2010, 21/2013, 63/2013, 55/2017);

L-Att dwar l-Impjiegi, l-Impjiegi Indipendenti u x-Xogħol ta' Barranin – ZZSDT (il-Gazzetta Uffiċjali tar-RS, Nru 47/2015), ZZSDT-UPB2 (il-Gazzetta Uffiċjali tar-RS, Nru 1/2018).

SK: L-Att Nru 5/2004 dwar is-Servizzi tal-Impjiegi u l-Att Nru 455/1991 dwar il-Liċenzjar tan-Negozji.

II-UE-9 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' Sigurtà u ta' Investigazzjoni

Settur – Subsettur:	Servizzi kummerċjali – servizzi ta' sigurtà u ta' investigazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87301, 87302, 87303, 87304, 87305, 87309
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi ta' sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304, 87305, 87309)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija, f'Ċipru, fiċ-Ċekja, fl-Estonja, fil-Litwanja, fil-Latvja, f'Malta, fil-Polonja, fir-Rumanija, fis-Slovenja u fis-Slovakkja: Il-provvista ta' servizzi ta' sigurtà.

Fid-Danimarka, fil-Kroazja u fl-Ungerija: Il-provvista tas-subsetturi li ġejjin: servizzi ta' għassa (CPC 87305) fil-Kroazja u fl-Ungerija, servizzi ta' konsultazzjoni dwar is-sigurtà (CPC 87302) fil-Kroazja, servizzi ta' għassa tal-ajruport (parti minn CPC 87305) fid-Danimarka u servizzi ta' karozzi armati (CPC 87304) fl-Ungerija.

Fil-Belġju, fi Spanja, fil-Finlandja, fi Franza u fil-Portugall: Il-provvista ta' servizzi ta' sigurtà minn fornitur ta' servizzi barrani fuq bażi transfruntiera ma hijiex permessa. Jeżistu rekwiżiti tan-nazzjonalità għal persunal speċjalizzat fil-Portugall, għal persunal tas-sigurtà privat fi Spanja, u għal diretturi maniġerjali u għal diretturi fi Franza.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

Fil-Finlandja: Il-liċenzji għall-provvista ta' servizzi ta' sigurtà jistgħu jingħataw biss lil persuni fiżiċi residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa ż-"ŻEE") jew lil persuni ġuridiċi stabbiliti fiż-ŻEE.

Fil-Belġju: In-nazzjonalità tal-UE hija meħtieġa għal bordijiet tad-diretturi ta' kumpaniji li jipprovdu servizzi ta' għassa u ta' sigurtà (87305) kif ukoll għal konsulenza u għal taħriġ relatati mas-servizzi ta' sigurtà (87302).

Fil-Belġju: Il-maniġment superjuri ta' kumpaniji li jipprovdu servizzi ta' għassa u ta' konsulenza dwar sigurtà u l-aġenti kollha huma meħtieġa jkunu ċittadini residenti ta' Stat Membru.

Miżuri eżistenti:

BE: Loi réglementant la sécurité privée et particulière, it-2 ta' Ottubru 2017.

BG: L-Att dwar in-Negozju Privata ta' Sigurtà.

CZ: L-Att dwar il-Liċenzjar tan-Negozji.

DK: Ir-Regolament dwar l-avjazzjoni.

FI: Laki yksityisistä turvallisuuspalvelista 282/2002 (l-Att dwar is-Servizzi Privati ta' Sigurtà).

LT: Il-Liġi dwar is-sigurtà tal-Persuni u tal-Assi tat-8 ta' Lulju 2004 Nru IX-2327 (għandha tiġi emendata).

LV: Il-Liġi dwar l-Attivitajiet tal-Gwardji tas-Sigurtà (it-Taqsimiet 6, 7, 14).

PL: L-Att tat-22 ta' Awwissu 1997 dwar il-protezzjoni tal-persuni u tal-proprjetà (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2016, il-punt 1432 kif emendat).

PT: Il-Liġi 34/2013 u l-Ordinanza 273/2013.

SI: Zakon o zasebnem varovanju (il-Liġi dwar is-sigurtà privata).

(b) Servizzi ta' investigazzjoni (CPC 87301)

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-Awstrija u tal-Iżvezja: Il-provvista ta' servizzi ta' investigazzjoni.

II-UE-10 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi Kummerċjali Oħrajn

Settur – Subsettur:	Servizzi kummerċjali – servizzi kummerċjali oħrajn (servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni, servizzi ta' duplikazzjoni, servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija u servizzi inċidentali għall-manifattura)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87905, 87904, 884, 887
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni (CPC 87905)

Fir-rigward biss tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Kroazja: Il-provvista transfruntiera ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni ta' dokumenti uffiċjali.

(b) Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija u servizzi inċidentali għall-manifattura (Parti minn CPC 884, 887 għajr servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-Ungerija: Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija u għall-provvista transfruntiera ta' servizzi inċidentali għall-manifattura, bl-eċċezzjoni ta' servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza relatati ma' dawn is-setturi.

(c) Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti, ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija u ta' inġenji tal-ajru u ta' partijiet minnhom (parti minn CPC 86764, 86769, 8868)

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja, tal-Estonja u tal-Ungerija: Il-ħtieġa ta' stabbiliment jew ta' preżenza fiżika fit-territorju tagħha u l-projbizzjoni tal-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija ta' tagħmir tat-trasport ferrovjarju minn barra t-territorju tagħha.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni taċ-Ċekja, tal-Estonja, tal-Ungerija, tal-Lussemburgu u tas-Slovakkja: Il-ħtieġa ta' stabbiliment jew ta' preżenza fiżika fit-territorju tagħha u l-projbizzjoni tal-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija ta' bastimenti tat-trasport tal-passaġġi fuq l-ilmijiet interni minn barra t-territorju tagħha.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-Estonja, tal-Ungerija u tal-Latvja: Il-ħtieġa ta' stabbiliment jew ta' preżenza fiżika fit-territorju tagħha u l-projbizzjoni tal-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija ta' bastimenti marittimi minn barra t-territorju tagħha.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-Awstrija, tal-Estonja, tal-Ungerija, tal-Latvja u tal-Polonja: Il-ħtieġa ta' stabbiliment jew ta' preżenza fiżika fit-territorju tagħha u l-projbizzjoni tal-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija ta' inġenji tal-ajru u ta' partijiet minnhom minn barra t-territorju tagħha (parti minn CPC 86764, 86769, 8868).

Fl-UE: Huma biss l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti awtorizzati fl-UE li jistgħu jwettqu stħarriġiet u ċertifikazzjoni statutorji tal-bastimenti f'isem l-Istati Membri. Jista' jkun meħtieġ l-istabbiliment.

Miżuri eżistenti:

L-UE: Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri.

(d) Servizzi kummerċjali oħrajn relatati mal-avjazzjoni

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fl-UE: Skont it-trattament differenzjali lil pajjiż terz skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri relatati mas-servizzi li ġejjin:

(i) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport bl-ajru;

(ii) servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS);

(iii) manutenzjoni u tiswija ta' inġenji tal-ajru u ta' partijiet; jew

(iv) kiri jew lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.

II-UE-11 – Servizzi tat-Telekomunikazzjoni

Settur – Subsettur:	Servizzi tat-telekomunikazzjoni – servizzi ta' trażmissjoni tax-xandir bis-satellita
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:
L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fil-Belġju: Servizzi ta' trażmissjoni tax-xandir bis-satellita.

II-UE-12 – Kostruzzjoni

Settur – Subsettur:	Kostruzzjoni – servizzi ta' kostruzzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 51
Obbligi Konċernati:	Trattament Nazzjonali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fil-Litwanja: Id-dritt li titħejja dokumentazzjoni tad-disinn għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' sinifikat eċċezzjonali jingħata biss lil intrapriża tad-disinn reġistrata l-Litwanja, jew lil intrapriża tad-disinn barranija li tkun ġiet approvata minn istituzzjoni awtorizzata mill-Gvern tal-Litwanja għal dawk l-attivitajiet. Id-dritt li jitwettqu attivitajiet tekniċi fl-oqsma ewlenin tal-kostruzzjoni jista' jingħata lil persuna mhux Litwana li tkun ġiet approvata minn istituzzjoni awtorizzata mill-Gvern tal-Litwanja.

II-UE-13 – Servizzi ta' Distribuzzjoni

Settur – Subsettur:	Servizzi ta' distribuzzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 62117, 62251, 8929, parti minn 62112, 62226, 63107
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Distribuzzjoni ta' farmaċewtiċi

Fil-Bulgarija: Distribuzzjoni transfruntiera bl-ingrossa ta' farmaċewtiċi (CPC 62251).

Fil-Finlandja: Distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi (CPC 62117, 62251).

Miżuri eżistenti:

BG: Il-Liġi dwar il-Prodotti Mediċinali fil-Mediċina Umana.

FI: Lääkelaki (l-Att dwar il-Mediċina) (395/1987).

(b) Distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku

Fil-Finlandja: Distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku (parti minn CPC 62112, 62226, 63107, 8929).

Miżuri eżistenti:

FI: Alkoholilaki (l-Att dwar l-Alkoħol) (1102/2017).

(c) Distribuzzjoni oħra (parti minn CPC 621, 62228, 62251, 62271, parti minn 62272, 62276, 63108, parti minn 6329)

Fir-rigward biss tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: Id-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' prodotti kimiċi, ta' metalli u ta' ġebel prezzjużi, ta' sustanzi u ta' prodotti mediċi u ta' oġġetti għal użu mediku, ta' tabakk u ta' prodotti tat-tabakk, u ta' xorb alkoħoliku.

Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-servizzi forniti minn sensara ta' komoditajiet.

Miżuri eżistenti:

BG: Il-Liġi dwar il-Prodotti Mediċinali fil-Mediċina Umana;

Il-Liġi dwar l-Attività Veterinarja;

Il-Liġi għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi u għall-Kontroll ta' Sustanzi Kimiċi Tossiċi u tal-Prekursuri Tagħhom;

Il-Liġi dwar it-Tabakk u l-Prodotti tat-Tabakk; u

Il-Liġi dwar id-dazji tas-sisa u l-imħażen tat-taxxa u l-Liġi dwar l-inbid u l-ispirti.

II-UE-14 – Servizzi tal-Edukazzjoni

Settur – Subsettur:	Servizzi tal-edukazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 92
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fl-UE: Is-servizzi tal-edukazzjoni kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma, u għalhekk ma humiex meqjusin bħala ffinanzjati privatament. Meta l-provvista ta' servizzi tal-edukazzjoni ffinanzjati privatament minn fornitur ta' servizzi barranin tkun permessa, il-parteċipazzjoni ta' fornituri ta' servizzi privati fis-sistema edukattiva tista' tkun soġġetta għal konċessjoni allokata fuq bażi mhux diskriminatorja.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni taċ-Ċekja, tan-Netherlands, tal-Iżvezja u tas-Slovakkja: Il-provvista ta' servizzi tal-edukazzjoni oħrajn iffinanzjati privatament, li tfisser dawk li ma humiex fost dawk ikklassifikati bħala servizzi tal-edukazzjoni primarja, sekondarja, terzjarja jew għall-adulti (CPC 929).

Fl-Iżvezja: Fornituri ta' servizzi tal-edukazzjoni li huma approvati mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jipprovdu edukazzjoni. Din ir-riżerva tapplika għal fornituri ta' servizzi tal-edukazzjoni ffinanzjati privatament b'xi forma ta' appoġġ mill-Istat, bħal fornituri ta' servizzi tal-edukazzjoni rikonoxxuti mill-Istat, fornituri ta' servizzi tal-edukazzjoni taħt superviżjoni tal-Istat jew edukazzjoni li tagħti d-dritt ta' appoġġ għall-istudju (CPC 92).

F'Ċipru, fil-Finlandja, f'Malta u fir-Rumanija: Il-provvista ta' servizzi tal-edukazzjoni primarja, sekondarja u għall-adulti ffinanzjati privatament (CPC 921, 922, 924).

Fl-Awstrija, fil-Bulgarija, f'Ċipru, fil-Finlandja, f'Malta u fir-Rumanija: Il-provvista ta' servizzi tal-edukazzjoni terzjarja ffinanzjati privatament (CPC 923).

Fis-Slovakkja: Ir-residenza tal-Unjoni Ekonomika Ewropea ("ŻEE") hija meħtieġa għall-fornituri tas-servizzi tal-edukazzjoni ffinanzjati privatament kollha minbarra s-servizzi tal-edukazzjoni teknika u vokazzjonali postsekondarja. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u n-numru ta' skejjel li jiġu stabbiliti jista' jkun limitat mill-awtoritajiet lokali (CPC 921, 922, 923 għajr 92310, 924).

Fiċ-Ċekja u fis-Slovakkja: Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' stabbiliment li jipprovdi servizzi tal-edukazzjoni ffinanzjata privatament għandhom ikunu ċittadini ta' dak il-pajjiż (CPC 921, 922, 923 għas-Slovakkja għajr 92310, 924).

Fis-Slovenja: Skejjel elementari ffinanzjati privatament jistgħu jiġu stabbiliti minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi Sloveni biss. Il-fornitur ta' servizz għandu jistabbilixxi uffiċċju reġistrat jew fergħa. Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' stabbiliment li jipprovdi servizzi tal-edukazzjoni sekondarja jew terzjarja ffinanzjata privatament jeħtiġilhom ikunu ċittadini Sloveni (CPC 922, 923).

Fil-Bulgarija, fl-Italja u fis-Slovenja: Ir-restrizzjoni tal-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-edukazzjoni primarja ffinanzjata privatament (CPC 921).

Fil-Bulgarija u fl-Italja: Ir-restrizzjoni tal-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-edukazzjoni sekondarja ffinanzjata privatament (CPC 922).

Fl-Awstrija: Ir-restrizzjoni tal-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-edukazzjoni għall-adulti ffinanzjata privatament permezz ta' xandir bir-radju jew bit-televiżjoni (CPC 924).

Miżuri eżistenti:

BG: L-Att dwar l-Edukazzjoni Terzjarja (Dispożizzjonijiet Addizzjonali, il-paragrafu 4) u l-Att dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (l-Artikolu 22).

FI: Perusopetuslaki (l-Att dwar l-Edukazzjoni Bażika) (628/1998);

Lukiolaki (l-Att Ġenerali dwar l-Iskejjel Sekondarji Superjuri) (629/1998);

Laki ammatillisesta koulutuksesta (l-Att dwar it-Taħriġ u l-Edukazzjoni Vokazzjonali) (630/1998);

Laki ammatillisesta aikuiskoulutuksesta (l-Att dwar l-Edukazzjoni Vokazzjonali għall-Adulti) (631/1998); u

Ammattikorkeakoululaki (l-Att dwar il-Politekniki) (351/2003), Yliopistolaki (l-Att dwar l-Universitajiet) (558/2009).

IT: Id-Digriet Reġju 1592/1933 (il-Liġi dwar l-edukazzjoni sekondarja);

Il-Liġi 243/1991 (Il-kontribuzzjoni pubblika okkażjonali għall-universitajiet privati);

Ir-Riżoluzzjoni 20/2003 taċ-CNVSU (Comitato nazionale per la valutazione del sistema universitario); u

Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 25/1998.

SK: L-Att 245/2008 dwar l-edukazzjoni;

L-Att 131/2002 dwar l-Universitajiet; u

L-Att 596/2003 dwar l-Amministrazzjoni tal-Istat fl-Edukazzjoni u l-Awtoamministrazzjoni tal-Iskejjel.

II-UE-15 – Servizzi tas-Saħħa u Soċjali

Settur – Subsettur:	Servizzi tas-saħħa u soċjali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 93, 931 minbarra 9312, parti minn 93191, 9311, 93192, 93193, 93199
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi tas-saħħa (CPC 93, 931 minbarra 9312, parti minn 93191, 9311, 93192, 93193, 93199)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fl-UE: Il-provvista tas-servizzi tas-saħħa kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma, u għalhekk ma humiex meqjusin bħala ffinanzjati privatament.

Fl-UE: Is-servizzi tas-saħħa ffinanzjati privatament kollha, minbarra servizzi ta' sptar, ta' ambulanza u ta' faċilitajiet tas-saħħa residenzjali ffinanzjati privatament minbarra servizzi ta' sptar. Il-parteċipazzjoni ta' fornituri ta' servizzi privati fin-network tas-saħħa ffinanzjat privatament tista' tkun soġġetta għal konċessjoni fuq bażi mhux diskriminatorja. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: in-numru ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.

Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-provvista tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi u psikologi, li huma koperti minn riżervi oħrajn (CPC 931 minbarra 9312, parti minn 93191).

Fl-Awstrija, fil-Polonja u fis-Slovakkja: Il-provvista ta' servizzi ta' ambulanza ffinanzjati privatament (CPC 93192).

Fil-Bulgarija, f'Ċipru, fiċ-Ċekja, fil-Finlandja, f'Malta u fis-Slovakkja: Il-provvista ta' servizzi tas-saħħa ta' sptar, ta' ambulanza u ta' servizzi tas-saħħa residenzjali ffinanzjati privatament minbarra servizzi ta' sptar (CPC 9311, 93192, 93193).

Fil-Belġju: Il-provvista ta' servizzi ta' ambulanza u ta' faċilitajiet tas-saħħa residenzjali ffinanzjati privatament minbarra servizzi ta' sptar (CPC 93192, 93193).

Fil-Finlandja: Provvista ta' servizzi oħrajn tas-saħħa għall-bniedem (CPC 93199).

Miżuri Eżistenti:

CZ: L-Att Nru 372/2011 Sb. dwar is-Servizzi tal-Kura tas-Saħħa u l-Kundizzjonijiet tal-Provvista Tagħhom.

FI: Laki yksityisestä terveydenhuollosta (l-Att dwar il-Kura tas-Saħħa Privata) (152/1990).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fil-Ġermanja: Il-provvista tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, jekk is-servizzi jistgħu jiġu forniti minn kumpaniji jew minn entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi li għalhekk ma humiex "servizzi mwettqin esklużivament fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva". L-għoti ta' trattament aħjar fil-kuntest ta' ftehim kummerċjali bilaterali fir-rigward tal-provvista ta' servizzi tas-saħħa u soċjali (CPC 93).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali,

FR: Il-provvista ta' servizzi ta' analiżi u ttestjar tal-laboratorju ffinanzjati privatament.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Ġermanja: Is-sjieda ta' sptarijiet iffinanzjati privatament immexxijin mill-Forzi Ġermaniżi. In-nazzjonalizzazzjoni ta' sptarijiet ewlenin iffinanzjati privatament oħrajn (CPC 93110).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fi Franza: Il-provvista ta' servizzi ta' analiżi u ta' ttestjar tal-laboratorju ffinanzjati privatament (Parti minn CPC 9311).

Miżuri Eżistenti:

FR: L-Artikoli L 6213-1 sa 6213-6 tal-Code de la Santé Publique.

(b) Servizzi tas-saħħa u soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-Ungerija: Il-ħtieġa ta' stabbiliment jew ta' preżenza fiżika fit-territorju tagħha ta' forniturи u r-restrizzjoni tal-provvista transfruntiera ta' servizzi tas-saħħa minn barra t-territorju tagħha, il-provvista transfruntiera ta' servizzi soċjali minn barra t-territorju tagħha, kif ukoll attivitajiet jew servizzi li jifformaw parti minn pjan pubbliku ta' rtirar jew minn sistema statutorja ta' sigurtà soċjali. Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-provvista tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi u psikologi, li huma koperti minn riżervi oħrajn (CPC 931 minbarra 9312, parti minn 93191).

Fl-Ungerija: Il-provvista transfruntiera minn barra t-territorju tagħha tas-servizzi kollha ta' sptar, ta' ambulanza, u tas-saħħa residenzjali kollha għajr is-servizzi ta' sptar, li jirċievu finanzjament pubbliku (CPC 9311, 93192, 93193).

(c) Is-servizzi soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni:

Fl-UE: Il-provvista tas-servizzi soċjali kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma, u għalhekk ma humiex meqjusin bħala ffinanzjati privatament, u attivitajiet jew servizzi li jifformaw parti minn pjan pubbliku ta' rtirar jew minn sistema statutorja ta' sigurtà soċjali. Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-network soċjali ffinanzjat privatament tista' tkun soġġetta għal konċessjoni fuq bażi mhux diskriminatorja. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: in-numru ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.

Fiċ-Ċekja, fil-Finlandja, fl-Ungerija, f'Malta, fil-Polonja, fir-Rumanija, fis-Slovakkja u fis-Slovenja: Il-provvista ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament.

Fil-Belġju, f'Ċipru, fil-Ġermanja, fid-Danimarka, fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza, fl-Irlanda, fl-Italja u fil-Portugall: Il-provvista ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament minbarra servizzi relatati ma' djar ta' konvalexxenti u ta' mistrieħ u ma' djar tal-anzjani.

Fil-Ġermanja: Is-sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi jiġu forniti minn kumpaniji jew minn entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi u, għalhekk, jistgħu ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tas-"servizzi mwettqin esklużivament fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva".

Miżuri Eżistenti:

FI: Laki yksityisistä sosiaalipalveluista (l-Att dwar is-Servizzi Soċjali Privati) (922/2011).

IE: L-Att tal-2004 dwar is-Saħħa (S. 39) u l-Att tal-1970 dwar is-Saħħa (kif emendat –S.61A).

IT: Il-Liġi 833/1978 Istituzzjoni tas-sistema tas-saħħa pubblika;

Id-Digriet Leġiżlattiv 502/1992 Organizzazzjoni u dixxiplina tal-qasam tas-saħħa; u

Il-Liġi 328/2000 Riforma tas-servizzi soċjali.

II-UE-16 – Servizzi Relatati mat-Turiżmu u mal-Ivvjaġġar

Settur – Subsettur:	Servizzi ta' gwidi turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7472
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fi Franza: Il-ħtieġa tan-nazzjonalità ta' Stat Membru għall-provvista ta' servizzi ta' gwida turistika fit-territorju tagħha.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fil-Litwanja: Sakemm il-Messiku jippermetti liċ-ċittadini tal-Litwanja jipprovdu servizzi ta' gwida turistika, il-Litwanja għandha tippermetti liċ-ċittadini tal-Messiku jipprovdu servizzi ta' gwida turistika bl-istess kundizzjonijiet.

II-UE-17 – Servizzi Rikreattivi, Kulturali u Sportivi

Settur – Subsettur:	Servizzi rikreazzjonali, kulturali u sportivi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 962, 963, 9619, 964
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi ta' libreriji, ta' arkivji, ta' mużewijiet u ta' servizzi kulturali oħrajn (CPC 963)

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-Awstrija u għall-investiment fil-Litwanja: Il-provvista ta' servizzi ta' libreriji, ta' arkivji, ta' mużewijiet u ta' servizzi kulturali oħrajn.

Fl-Awstrija u fil-Litwanja: Tista' tkun meħtieġa liċenzja jew konċessjoni għall-istabbiliment.

(b) Servizzi ta' divertiment, ta' teatru, ta' live bands u servizzi ta' ċirklu (CPC 9619, 964 għajr 96492)

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-Awstrija u tal-Iżvezja: Il-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' divertiment, inklużi servizzi ta' teatru, ta' live bands, ta' ċirklu u ta' diskoteki.

F'Ċipru, fiċ-Ċekja, fil-Finlandja, f'Malta, fil-Polonja, fir-Rumanija, fis-Slovenja u fis-Slovakkja: Fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' divertiment, inklużi servizzi ta' teatru, ta' live bands, ta' ċirklu u ta' diskoteki.

Fil-Bulgarija: Il-provvista tas-servizzi ta' divertiment li ġejjin: servizzi ta' ċirklu, ta' parks ta' divertiment u servizzi simili ta' attrazzjonijiet, servizzi ta' ballrooms, ta' diskoteki u ta' għalliema taż-żfin, u servizzi ta' divertiment oħrajn.

Fl-Estonja: Il-provvista ta' servizzi oħrajn ta' divertiment ħlief għal servizzi ta' swali taċ-ċinema.

Fil-Litwanja u fil-Latvja: Il-provvista tas-servizzi kollha ta' divertiment minbarra s-servizzi ta' operat ta' swali taċ-ċinema.

F'Ċipru, fiċ-Ċekja, fil-Latvja, fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovakkja: Il-provvista transfruntiera ta' servizzi sportivi u ta' servizzi rikreazzjonali oħrajn.

(c) Servizzi ta' aġenzija tal-aħbarijiet (CPC 962)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fi Franza: Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji eżistenti li joħorġu pubblikazzjonijiet bil-lingwa Franċiża ma tistax taqbeż l-20 % tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fil-kumpanija. L-istabbiliment ta' aġenziji tal-istampa tal-Messiku huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolament domestiku. L-istabbiliment ta' aġenziji tal-istampa minn investituri barranin huwa soġġett għar-reċiproċità.

Miżuri:

FR: Il-Liġi Nru 86-897 tal-1 ta' Awwissu 1986 portant réforme du régime juridique de la presse.

(d) Servizzi tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri (CPC 96492)

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' Malta: Il-provvista ta' servizzi tal-logħob tal-azzard, li jinvolvu mħatri ta' ammonti b'valur pekunarju f'logħob tal-azzard, inklużi b'mod partikolari lotteriji, scratch cards, servizzi tal-logħob tal-azzard offruti fil-każinos, arcades tal-logħob tal-azzard jew bini liċenzjat, servizzi tal-imħatri, servizzi tal-bingo u servizzi tal-logħob tal-azzard operati minn u f'isem karitajiet jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ.

Din ir-riżerva ma tapplikax għal-logħob tal-ħiliet, għall-magni tal-logħob tal-azzard li ma jagħtux premji jew li jagħtu premji biss fil-forma ta' logħob mingħajr ħlas, u għal-logħob promozzjonali, li l-għan esklużiv tiegħu jkun li jħeġġeġ il-bejgħ ta' oġġetti jew ta' servizzi.

II-UE-18 – Servizzi ta' Trasport u Servizzi Awżiljarji ta' Trasport

Settur – Subsettur:	Servizzi tat-trasport
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Trasport marittimu – Kwalunkwe attività kummerċjali oħra mwettqa minn bastiment

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-UE: In-nazzjonalità tal-ekwipaġġ fuq bastiment.

Fir-rigward biss tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fl-UE, għajr il-Latvja u Malta: Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' bastiment u tal-operat ta' flotta bil-bandiera nazzjonali tal-Istat ta' stabbiliment (l-attività marittima kummerċjali kollha mwettqa minn bastiment tat-tbaħħir, inklużi s-sajd, l-akkwakultura, u s-servizzi inċidentali għas-sajd; trasport internazzjonali tal-passiġġieri u tal-merkanzija (CPC 721); trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija fuq passaġġi fuq l-ilma interni (CPC 7221 u 7222); servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fl-UE: Għas-servizzi ta' alimentazzjoni, u għall-pożizzjonament mill-ġdid ta' kontejners li huma proprjetà ta' jew mikrija mhux fuq bażi ta' dħul mill-intrapriżi tat-tbaħħir tal-UE, għall-parti ta' dawn is-servizzi li ma taqax taħt l-esklużjoni tal-kabotaġġ marittimu nazzjonali.

Fis-Slovakkja: L-investituri barranin għandu jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fis-Slovakkja sabiex japplikaw għal liċenzja li tippermettilhom jipprovdu servizz (CPC 722).

(b) Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-UE: Il-provvista ta' servizzi ta' pilotaġġ u ta' rmiġġ. Għal ċertezza akbar, irrispettivament mill-kriterji li jistgħu japplikaw għar-reġistrazzjoni tal-bastimenti fi Stat Membru, l-UE tirriżerva d-dritt li teżiġi li l-bastimenti rreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-Istati Membri biss ikunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' pilotaġġ u ta' rmiġġ (CPC 7214, 7224).

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-Litwanja u tal-Latvja: Bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' mbuttar u ta' rmonkar (CPC 7452).

Fil-Litwanja: Persuni ġuridiċi biss tal-Litwanja jew persuni ġuridiċi ta' Stat Membru b'fergħat fil-Litwanja li għandhom ċertifikat maħruġ mill-Amministrazzjoni Litwana għas-Sikurezza Marittima jistgħu jipprovdu servizzi ta' pilotaġġ u ta' rmiġġ, ta' mbuttar u rmonkar (CPC 7452).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Preżenza Lokali:

Fil-Litwanja: Persuni ġuridiċi biss tal-Litwanja jew persuni ġuridiċi ta' Stat Membru b'fergħat fil-Litwanja li għandhom ċertifikat maħruġ mill-Amministrazzjoni Litwana għas-Sikurezza Marittima jistgħu jipprovdu servizzi ta' pilotaġġ u ta' rmiġġ, ta' mbuttar u rmonkar (CPC 7214).

(c) Trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni u servizzi awżiljarji għat-trasport fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fl-UE: Trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija fuq passaġġi fuq l-ilma interni (CPC 722), u servizzi awżiljarji għat-trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni.

Għal ċertezza akbar, din ir-riżerva tkopri wkoll il-provvista ta' trasport ta' kabotaġġ fuq passaġġi fuq l-ilma interni (CPC 722).

(d) Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-UE: Trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u tal-merkanzija (CPC 711).

Fil-Litwanja: Is-servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija huma soġġetti għal monopolju tal-Istat (CPC 86764, 86769, parti minn 8868).

Fil-Finlandja: Il-provvista transfruntiera tat-trasport bil-ferrovija. Fir-rigward tal-istabbiliment ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija, bħalissa, hemm drittijiet esklużivi (mogħtijin lil VR-Group Ltd li kienu 100 % proprjetà tal-Istat) sal-2017 fiż-Żona Metropolitana ta' Helsinki u xi mkien ieħor sal-2019 f'dan il-qasam, li jistgħu jiġġeddu (CPC 7111, 7112).

Miżuri Eżistenti:

FI: Rautatielaki (l-Att dwar il-Ferroviji) (304/2011).

(e) Trasport bit-triq (trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi internazzjonali tat-trasport bit-trakkijiet) u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Preżenza Lokali:

Fl-UE:

(i) Il-ħtieġa ta' stabbiliment u l-limitazzjoni tal-provvista transfruntiera ta' servizzi tat-trasport bit-triq (CPC 712);

(ii) Il-limitazzjoni tal-provvista ta' kabotaġġ fi Stat Membru minn investituri barranin stabbiliti fi Stat Membru ieħor (CPC 712);

(iii) Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi tat-taxi fl-UE li jistabbilixxi limitu fuq in-numru ta' forniturі ta' servizzi. Kriterju ewlieni: id-domanda lokali kif prevista fil-liġijiet applikabbli (CPC 71221).

Miżuri Eżistenti:

L-UE: Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE;

Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija; u

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Latvja: Għas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, hija meħtieġa awtorizzazzjoni, li ma hijiex estiża għal vetturi reġistrati barranin. L-entitajiet stabbiliti huma meħtieġa jużaw vetturi rreġistrati fil-livell nazzjonali (CPC 712).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: Għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini ta' Stat Membru u lil persuni ġuridiċi tal-UE li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE. Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni. Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità ta' Stat Membru għal persuni fiżiċi (CPC 712).

F'Malta: Għas-servizz pubbliku tal-karozzi tal-linja: In-network kollu huwa soġġett għal konċessjoni li tinkludi ftehim dwar l-obbligu ta' servizz pubbliku sabiex jipprovdi għal ċerti setturi soċjali (bħall-istudenti u l-anzjani) (CPC 712).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Finlandja: L-awtorizzazzjoni hija meħtieġa sabiex jiġu pprovduti servizzi tat-trasport bit-triq, li ma humiex estiżi għal vetturi reġistrati barranin (CPC 712).

Miżuri Eżistenti:

FI: Laki liikenteen palveluista (l-Att dwar is-Servizzi tat-Trasport) 320/2017; u

Ajoneuvolaki (l-Att dwar il-Vetturi) 1090/2002.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fi Franza: Investituri mhux tal-UE ma humiex permessi jipprovdu servizzi ta' karozzi tal-linja bejn l-ibliet (CPC 712).

(f) It-trasport spazjali u l-kiri ta' inġenji tal-ispazju

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-UE: Is-servizzi ta' trasport permezz tal-ispazju u l-kiri ta' inġenji tal-ispazju (CPC 733, parti minn 734).

(g) Eżenzjonijiet mill-MFN relatati mat-trasport

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Trasport (kabotaġġ) minbarra t-trasport marittimu

Fil-Finlandja: L-għoti ta' trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri li jeżentaw bastimenti rreġistrati taħt il-bandiera barranija ta' pajjiż speċifikat ieħor jew vetturi reġistrati barranin mill-projbizzjoni ġenerali li jipprovdu trasport ta' kabotaġġ (inkluż trasport ikkombinat, triq u ferrovija) fil-Finlandja fuq il-bażi tar-reċiproċità (parti minn CPC 711, parti minn 712, parti minn 722).

Servizzi ta' appoġġ għat-trasport bl-ilma

Fil-Bulgarija: Sa fejn il-Messiku jippermetti lill-forniturі ta' servizzi mill-Bulgarija jipprovdu servizzi ta' maniġġ ta' merkanzija u servizzi ta' ħżin u ta' maħżen fil-portijiet tal-baħar u tax-xmajjar, inklużi servizzi relatati ma' kontejners u ma' oġġetti f'kontejners, il-Bulgarija għandha tippermetti lill-forniturі ta' servizzi mill-Messiku jipprovdu servizzi ta' maniġġ ta' merkanzija u servizzi ta' ħżin u ta' maħżen fil-portijiet tal-baħar u tax-xmajjar, inklużi servizzi relatati ma' kontejners u ma' oġġetti f'kontejners taħt l-istess kundizzjonijiet (parti minn CPC 741, parti minn 742).

Kiri jew lokazzjoni ta' bastimenti

Fil-Ġermanja: In-noleġġ ta' bastimenti barranin minn konsumaturi residenti fil-Ġermanja jista' jkun soġġett għal kundizzjoni ta' reċiproċità (CPC 7213, 7223, 83103).

Trasport bit-triq u bil-ferrovija

Fl-UE: L-għoti ta' trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri relatati mat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq (inkluż it-trasport ikkombinat – bit-triq jew bil-ferrovija) u t-trasport tal-passiġġieri, konklużi bejn l-UE jew l-Istati Membri u pajjiż terz (CPC 7111, 7112, 7121, 7122, 7123). Dak it-trattament jista':

(a) jirriżerva jew jillimita l-provvista ta' servizzi tat-trasport rilevanti bejn il-Partijiet Kontraenti jew madwar it-territorju tal-Partijiet Kontraenti għal vetturi reġistrati f'kull Parti Kontraenti ([2]); jew

(b) jipprovdi għal eżenzjonijiet mit-taxxa għal dawk il-vetturi.

Trasport bit-triq

Fil-Bulgarija: Il-miżuri meħudin skont ftehimiet eżistenti jew futuri li jirriżervaw jew jirrestringu l-provvista ta' dawn it-tipi ta' servizzi ta' trasport u jispeċifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-provvista, inklużi l-permessi ta' tranżitu jew it-taxxi preferenzjali tat-triq, fit-territorju tal-Bulgarija jew bejn il-fruntieri tal-Bulgarija (CPC 7121, 7122, 7123).

Fil-Kroazja: Il-miżuri applikati skont ftehimiet eżistenti jew futuri dwar it-trasport internazzjonali bit-triq u li jirriżervaw jew jillimitaw il-provvista ta' servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet operattivi, inklużi l-permessi ta' tranżitu jew it-taxxi preferenzjali tat-triq tas-servizzi tat-trasport lejn, ġewwa, tul u 'l barra mill-Kroazja lejn il-partijiet ikkonċernati (CPC 7121, 7122, 7123).

Fiċ-Ċekja: Miżuri li jittieħdu skont ftehimiet eżistenti jew futuri li jirriżervaw jew jillimitaw il-provvista ta' servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet operattivi, inklużi l-permessi ta' tranżitu jew it-taxxi preferenzjali tat-triq ta' servizzi tat-trasport lejn, ġewwa, tul u 'l barra miċ-Ċekja lejn il-partijiet kontraenti kkonċernati (CPC 7121, 7122, 7123).

Fil-Litwanja: Miżuri li jittieħdu skont ftehimiet bilaterali u li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet għas-servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet operattivi, inklużi permessi ta' tranżitu bilaterali u permessi oħrajn tat-trasport għas-servizzi tat-trasport lejn, minn u 'l barra mit-territorju tal-Litwanja lejn il-partijiet kontraenti kkonċernati, u t-taxxi u l-imposti tat-triq (CPC 7121, 7122, 7123).

Fis-Slovakkja: Miżuri li jittieħdu skont ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirriżervaw jew jillimitaw il-provvista ta' servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet operattivi, inklużi l-permessi ta' tranżitu jew it-taxxi preferenzjali tat-triq tas-servizzi tat-trasport lejn, ġewwa, tul u 'l barra mis-Slovakkja lejn il-partijiet kontraenti kkonċernati (CPC 7121, 7122, 7123).

Fi Spanja: Awtorizzazzjoni għall-istabbiliment ta' preżenza kummerċjali fi Spanja tista' tiġi rrifjutata lil fornituri ta' servizzi li l-pajjiż ta' oriġini tagħhom ma jagħtix aċċess effettiv għas-suq lil fornituri ta' servizzi ta' Spanja (CPC 7123).

Miżuri Eżistenti:

ES: Il-Liġi 16/1987, tat-30 ta' Lulju, de Ordenación de los Transportes Terrestres

([2]) Fir-rigward tal-Awstrija, il-parti tal-eżenzjoni mit-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tad-drittijiet tat-traffiku tkopri l-pajjiżi kollha li magħhom jeżistu jew jistgħu jiġu kkunsidrati fil-futur ftehimiet bilaterali dwar it-trasport bit-triq jew arranġamenti oħrajn relatati mat-trasport bit-triq.

Trasport bil-ferrovija

Fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja u fis-Slovakkja: Għal ftehimiet eżistenti jew futuri li jirregolaw id-drittijiet tat-traffiku u l-kundizzjonijiet operattivi, u l-provvista ta' servizzi tat-trasport fit-territorju tal-Bulgarija, taċ-Ċekja u tas-Slovakkja u bejn il-pajjiżi kkonċernati (CPC 7111, 7112).

Trasport bl-ajru – Servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ajru

Fl-UE: L-għoti ta' trattament differenzjali lil pajjiż terz skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri relatati mas-servizzi fuq l-art.

Trasport bit-triq u bil-ferrovija

Fl-Estonja: Meta jingħata trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri dwar it-trasport internazzjonali bit-triq (inkluż it-trasport ikkombinat bit-triq jew bil-ferrovija) li jirriżerva jew jillimita l-provvista ta' servizzi tat-trasport lejn, ġewwa, tul u 'l barra mill-Estonja lejn il-Partijiet kontraenti għal vetturi rreġistrati f'kull Parti kontraenti, u li jipprovdi għal eżenzjoni mit-taxxa għal dawk il-vetturi (parti minn CPC 711, parti minn 712, parti minn 721).

Is-servizzi kollha tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija għajr it-trasport marittimu u bl-ajru

Fil-Polonja: Sa fejn il-Messiku jippermetti l-provvista ta' servizzi tat-trasport lejn u tul it-territorju tal-Messiku minn fornituri tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-Polonja, il-Polonja għandha tippermetti l-forniment ta' servizzi tat-trasport minn fornituri tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-Messiku lejn u tul it-territorju tal-Polonja bl-istess kundizzjonijiet.

II-UE-19 – Agrikoltura, Sajd u Ilma

Settur – Subsettur:	Agrikoltura, kaċċa, forestrija; sajd, akkwakultura, servizzi inċidentali għas-sajd; ġbir, purifikazzjoni u distribuzzjoni tal-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC 011, 012, 013, 014, 015; CPC 8811, 8812, 8813 għajr servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza; ISIC 0501, 0502, CPC 882
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Agrikoltura, kaċċa, u forestrija

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Kroazja: Attivitajiet agrikoli u tal-kaċċa. Fl-Ungerija: Attivitajiet agrikoli (ISIC 011, 012, 013, 014, 015; CPC 8811, 8812, 8813 għajr servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza).

Miżuri Eżistenti:

HR: Il-Liġi dwar ir-Raba' (Nru tal-Gazzetta Uffiċjali 152/08, 25/09, 153/09, 21/10 39/11 u 63/11), l-Artikolu 2.

(b) Sajd, akwakultura, servizzi inċidentali għas-sajd (ISIC 0501, 0502, CPC 882)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit:

Fl-UE: B'mod partikolari fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd u tal-ftehimiet dwar is-sajd ma' pajjiż terz, l-aċċess għar-riżorsi bijoloġiċi u għaż-żoni tas-sajd u l-użu tat-tali riżorsi bijoloġiċi u żoni tas-sajd li jinsabu f'ilmijiet marittimi li jaqgħu taħt is-sovranità jew fil-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri, inklużi:

(a) ir-regolamentazzjoni tal-ħatt l-art tal-qabdiet imwettqin fis-subkwoti allokati lill-bastimenti tal-Messiku jew ta' pajjiż terz fil-portijiet tal-UE;

(b) id-determinazzjoni ta' daqs minimu għal intrapriża sabiex jiġu ppreservati kemm bastimenti artiġjanali kif ukoll tas-sajd kostali; jew

(c) l-għoti ta' trattament differenzjali lil Messiku jew lil pajjiż terz skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri relatati mas-sajd.

Liċenzja tas-sajd kummerċjali li tagħti d-dritt għas-sajd fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru għandha tingħata biss lil bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

In-nazzjonalità tal-ekwipaġġ ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru.

L-istabbiliment ta' faċilitajiet tal-akkwakultura tal-baħar jew fl-ilmijiet interni.

Fi Franza: Iċ-ċittadini ta' pajjiżi mhux tal-UE ma jistgħux jipparteċipaw fil-proprjetà tal-Istat marittimu Franċiż għat-trobbija tal-ħut, tal-frott tal-baħar bil-qoxra jew tal-algi.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: It-teħid ta' riżorsi ħajjin li jgħixu fil-baħar u fix-xmajjar, imwettaq minn bastimenti fl-ilmijiet tal-baħar interni, u fil-baħar territorjali tal-Bulgarija, għandu jitwettaq minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Bulgarija. Bastiment barrani ma jistax iwettaq sajd kummerċjali fiż-żona ekonomika esklużiva ħlief fuq il-bażi ta' ftehim bejn il-Bulgarija u l-Istat tal-bandiera. Waqt li jgħaddu miż-żona ekonomika esklużiva, il-bastimenti tas-sajd barranin ma għandhomx iżommu l-irkaptu tas-sajd tagħhom f'modalità operazzjonali.

(c) Ġbir, purifikazzjoni u distribuzzjoni tal-ilma

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-UE: Għal attivitajiet, inklużi servizzi relatati mal-ġbir, mal-purifikazzjoni u mad-distribuzzjoni tal-ilma lil utenti domestiċi, industrijali, kummerċjali jew lil utenti oħrajn, inkluża l-provvista tal-ilma tax-xorb, u l-immaniġġjar tal-ilma.

II-UE-20 – Attivitajiet Relatati mal-Enerġija

Settur – Subsettur:	Produzzjoni tal-enerġija u ta' servizzi relatati
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC 10, 1110, 12, 120, 1200, 13, 14, 232, 233, 2330, 40, 401, 4010, 402, 4020, parti minn 4030; CPC 613, 62271, 63297, 7131, 71310, 742, 7422, parti minn 88, 887.
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
	Preżenza Lokali
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi tal-enerġija – ġenerali (ISIC 10, 1110, 13, 14, 232, 40, 401, 402, parti minn 403, 41; CPC 613, 62271, 63297, 7131, 742, 7422, 887 (minbarra s-servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza))

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-UE: Jekk Stat Membru jippermetti s-sjieda barranija ta' sistema ta' trażmissjoni tal-gass jew tal-elettriku, jew ta' sistema ta' trasport bil-pipelines taż-żejt u tal-gass, fir-rigward tal-intrapriżi tal-Messiku kkontrollati minn persuni fiżiċi jew minn intrapriżi ta' pajjiż terz li jammontaw għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet tal-UE taż-żejt jew tal-gass naturali jew tal-elettriku, sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-UE kollha kemm hi, jew ta' Stat Membru individwali. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza pprovduti bħala servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija.

Din ir-riżerva ma tapplikax għall-Kroazja, għall-Ungerija u għal-Litwanja (għal-Litwanja, CPC 7131 biss) fir-rigward tat-trasport bil-pipelines ta' fjuwils, u lanqas għal-Latvja fir-rigward ta' servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, u lanqas għas-Slovenja fir-rigward ta' servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-gass (ISIC 401, 402; CPC 7131, 887 għajr servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza).

F'Ċipru: Għall-manifattura ta' prodotti tal-petroleum raffinat sa fejn l-investitur ikun ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika ta' pajjiż terz li jirrappreżenta aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet tal-UE taż-żejt jew tal-gass naturali, kif ukoll għall-manifattura tal-gass, għad-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi mill-mejns akkont proprju, għall-produzzjoni, għat-trażmissjoni u għad-distribuzzjoni tal-elettriku, għat-trasport bil-pipelines ta' fjuwils, għas-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass naturali għajr servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza, servizzi tal-elettriku fil-livell tal-operaturi, servizzi ta' bejgħ bl-imnut, servizzi fil-livell tal-konsumatur ta' fjuwil tal-magni, elettriku u gass mhux f'ċilindri. Il-kundizzjonijiet tan-nazzjonalità u tar-residenza japplikaw għas-servizzi relatati mal-elettriku (ISIC 232, 4010, 4020; CPC 613, 62271, 63297, 7131, u 887 għajr is-servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza).

Fil-Finlandja: In-networks u s-sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-enerġija u tal-fwar u tal-ilma sħun. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fil-forma ta' monopolju jew ta' drittijiet esklużivi għall-importazzjoni tal-gass naturali, u għall-produzzjoni u għad-distribuzzjoni tal-fwar u tal-ilma sħun. Bħalissa jeżistu monopolji naturali u drittijiet esklużivi (ISIC 40; CPC 7131, 887 għajr servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza).

Fi Franza: Is-sistemi ta' trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass u t-trasport bil-pipelines taż-żejt u tal-gass (CPC 7131).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju: Is-servizzi ta' distribuzzjoni tal-enerġija u s-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (CPC 887 għajr is-servizzi ta' konsulenza).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju: Għas-servizzi ta' trażmissjoni tal-enerġija, it-tipi ta' entitajiet legali u t-trattament ta' operaturi pubbliċi jew privati li lilhom il-Belġju jkun ta drittijiet esklużivi. L-istabbiliment huwa meħtieġ fi ħdan l-UE (ISIC 4010, CPC 71310).

Fil-Bulgarija: Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (parti minn CPC 88).

Fil-Portugall: Il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, il-manifattura tal-gass, it-trasport bil-pipelines ta' fjuwils, is-servizzi tal-elettriku fil-livell tal-operaturi, il-bejgħ ta' servizzi tal-elettriku u tal-gass mhux f'ċilindri fil-livell tal-konsumatur, u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass naturali. Il-konċessjonijiet għas-setturi tal-elettriku u tal-gass jiġu assenjati biss lil kumpaniji b'responsabbiltà limitata bil-kwartieri ġenerali tagħhom u b'ġestjoni effettiva fil-Portugall (ISIC 232, 4010, 4020; CPC 7131, 7422, 887 minbarra s-servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza).

Fis-Slovakkja: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-produzzjoni, għat-trażmissjoni u għad-distribuzzjoni tal-elettriku, għall-manifattura tal-gass u għad-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi, għall-produzzjoni u għad-distribuzzjoni tal-fwar u tal-ilma sħun, għat-trasport bil-pipelines ta' fjuwils, għall-bejgħ tal-elettriku, tal-fwar u tal-ilma sħun fil-livell tal-operaturi u tal-konsumatur, u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija inklużi servizzi fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, tal-iffrankar tal-enerġija u tal-awditjar tal-enerġija. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-applikazzjoni tista' tiġi miċħuda biss jekk is-suq ikun saturat. Għal dawk l-attivitajiet kollha, awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika b'residenza permanenti fi Stat Membru tal-UE jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ŻEE") jew lil persuna ġuridika stabbilita fl-UE jew fiż-ŻEE.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju: Bl-eċċezzjoni tal-estrazzjoni ta' minerali tal-metall u ta' attivitajiet oħrajn ta' estrazzjoni u tal-barrieri, intrapriżi barranin ikkontrollati minn persuni fiżiċi jew intrapriżi ta' pajjiż terz li jirrappreżenta aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali jew tal-elettriku tal-UE jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni (mingħajr fergħat) (ISIC 10, 1110, 13, 14, 232, parti minn 4010, parti minn 4020, parti minn 4030).

Miżuri Eżistenti:

L-UE: Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE; u

Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE.

BG: L-Att dwar l-Enerġija.

CY: Il-Liġijiet tal-2003 dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Elettriku;

Il-Liġijiet tal-2003 dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Elettriku, il-Liġi 122(I)/2003 kif emendata bil-Liġijiet 239 (I)/2004, 143(I)/2005, 173(I)/2006, 92(I)/2008, 211(I)/2012, 206(I)/2015 u 18(I)/2017;

Il-Liġijiet tal-2004 sal-2007 dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Gass;

Il-Liġi dwar (il-Pipelines tal-) il-Petroleum, il-Kapitolu 273 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru;

Il-Liġi dwar il-Petroleum L.64(I)/1975; u

Il-Liġijiet tal-2003 sal-2009 dwar l-Ispeċifikazzjonijiet tal-Petroleum u tal-Fjuwil.

FI: Maakaasumarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Gass Naturali) (508/2000);

Maakaasumarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Gass Naturali) (587/2017); u

Sähkömarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Elettriku) (386/1995).

FR: Il-Kodiċi tal-Enerġija (L111-5, L111-53,).

PT: Gass naturali: Id-Digriet Amministrattiv 230/2012 u d-Digriet Amministrattiv 231/2012, is-26 ta' Ottubru;

Elettriku: Id-Digriet Amministrattiv 215-A/2012, u d-Digriet Amministrattiv 215-B/2012, it-8 ta' Ottubru; u

Prodotti taż-żejt grezz/tal-petroleum: Id-Digriet Amministrattiv 31/2006, il-15 ta' Frar.

SK: L-Att 51/1988 dwar l-Estrazzjoni, l-Isplussivi u l-Amministrazzjoni Statali tal-Estrazzjoni;

L-Att 569/2007 dwar ix-Xogħlijiet Ġeoloġiċi;

L-Att 251/2012 dwar l-Enerġija; u

L-Att 657/2004 dwar l-Enerġija Termali.

(b) Elettriku (ISIC 40, 401; CPC 62271, 887 (għajr servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza))

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Finlandja: L-importazzjoni tal-elettriku. Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier, il-bejgħ tal-elettriku fil-livell tal-operaturi u tal-konsumatur.

Fi Franza: Huma biss il-kumpaniji li fihom 100 % tal-kapital jinżamm mill-Istat Franċiż, minn organizzazzjoni oħra tas-settur pubbliku jew minn Électricité de France (EDF), li jistgħu jkunu sidien u joperaw sistemi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni tal-elettriku.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Bulgarija: Għall-produzzjoni tal-elettriku u għall-produzzjoni tas-sħana.

Fil-Portugall: L-attivitajiet ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku jitwettqu permezz ta' konċessjonijiet esklużivi ta' servizz pubbliku.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju: Awtorizzazzjoni individwali għall-produzzjoni tal-elettriku ta' kapaċità ta' 25 MW teħtieġ l-istabbiliment fl-UE, jew fi Stat ieħor li għandu reġim simili għal dak infurzat mid-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku fis-seħħ, u fejn il-kumpanija jkollha rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija.

Il-produzzjoni tal-elettriku lil hinn mill-kosta fit-territorju lil hinn mill-kosta tal-Belġju hija soġġetta għal konċessjoni u għal obbligu ta' impriża konġunta ma' kumpanija minn Stat Membru, jew ma' kumpanija barranija minn pajjiż li jkollu reġim simili għal dak tad-Direttiva 2003/54/KE, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet relatati mal-awtorizzazzjoni u mal-għażla. Barra minn hekk, il-kumpanija għandu jkollha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha jew l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru jew f'pajjiż li jissodisfa l-kriterji ta' hawn fuq, fejn ikollha rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija.

Il-kostruzzjoni ta' linji tal-enerġija elettrika li jgħaqqdu l-produzzjoni lil hinn mill-kosta man-network ta' trażmissjoni ta' Elia teħtieġ awtorizzazzjoni u l-kumpanija jeħtiġilha tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati qabel, ħlief għar-rekwiżit ta' impriża konġunta.

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju: Hija neċessarja awtorizzazzjoni għall-provvista tal-elettriku minn intermedjarju li jkollu l-klijenti stabbiliti l-Belġju li jkunu konnessi mas-sistema tal-grilja nazzjonali jew ma' linja diretta li l-vultaġġ nominali tagħha jkun ogħla minn 70 000 volt. Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fiż-ŻEE.

Miżuri Eżistenti:

BE: Arrêté Royal du 11 octobre 2000 fixant les critères et la procédure d'octroi des autorisations individuelles préalables à la construction de lignes directes;

Arrêté Royal du 20 décembre 2000 relatif aux conditions et à la procédure d'octroi des concessions domaniales pour la construction et l'exploitation d'installations de production d'électricité à partir de l'eau, des courants ou des vents, dans les espaces marins sur lesquels la Belgique peut exercer sa juridiction conformément au droit international de la mer;

Arrêté Royal du 12 mars 2002 relatif aux modalités de pose de câbles d'énergie électrique qui pénètrent dans la mer territoriale ou dans le territoire national ou qui sont installés ou utilisés dans le cadre de l'exploration du plateau continental, de l'exploitation des ressources minérales et autres ressources non vivantes ou de l'exploitation d'îles artificielles, d'installations ou d'ouvrages relevant de la juridiction belge;

Arrêté royal du 2 avril 2003 relatif aux autorisations de fourniture d'électricité par des intermédiaires et aux règles de conduite applicables à ceux-ci; u

Arrêté royal du 12 juin 2001 relatif aux conditions générales de fourniture de gaz naturel et aux conditions d'octroi des autorisations de fourniture de gaz naturel.

FI: Maakaasumarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Gass Naturali) (508/2000);

Maakaasumarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Gass Naturali) (587/2017); u

Sähkömarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Elettriku) 588/2013.

FR: Il-Kodiċi tal-Enerġija (L111-5, L111-53).

PT: Elettriku: Id-Digriet Amministrattiv 215-A/2012, u d-Digriet Amministrattiv 215-B/2012, it-8 ta' Ottubru.

(c) Prodotti tal-fjuwils, tal-gass, taż-żejt grezz jew tal-petroleum (ISIC 232, 40, 402; CPC 613, 62271, 63297, 7131, 71310, 742, 7422, parti minn 88, 887 (għajr servizzi ta' għoti ta' pariri u ta' konsulenza))

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Finlandja: Il-prevenzjoni tal-kontroll jew tas-sjieda ta' terminal tal-gass naturali likwifikat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "LNG") (inklużi dawk il-partijiet tat-terminal tal-LNG użati għall-ħżin jew għar-rigassifikazzjoni tal-LNG) minn persuni jew minn intrapriżi barranin għal raġunijiet ta' sigurtà tal-enerġija.

Fi Franza: Huma biss il-kumpaniji li 100 % tal-kapital tagħhom ikun miżmum mill-Istat Franċiż, minn organizzazzjoni oħra tas-settur pubbliku jew minn ENGIE, li jistgħu jkunu s-sidien u joperaw sistemi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni tal-gass għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali tal-enerġija.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju: Għas-servizzi ta' ħżin bl-ingrossa tal-gass, fir-rigward tat-tipi ta' entitajiet legali u tat-trattament ta' operaturi pubbliċi jew privati li lilhom il-Belġju jkun ta drittijiet esklużivi. L-istabbiliment huwa meħtieġ fl-UE għal servizzi ta' ħżin bl-ingrossa tal-gass (parti minn CPC 742).

Fil-Bulgarija: Għat-trasport bil-pipelines, għall-ħżin u għall-ħżin fi mħażen tal-petroleum u tal-gass naturali, inkluża t-trażmissjoni ta' tranżitu (CPC 71310, parti minn 742).

Fil-Portugall: Għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' ħżin u ta' ħżin fi mħażen ta' fjuwils ittrasportati permezz ta' pipelines (gass naturali). Barra minn hekk, il-konċessjonijiet relatati mat-trażmissjoni, mad-distribuzzjoni u mal-ħżin taħt l-art tal-gass naturali u mat-terminal tar-riċevuta, tal-ħżin u tar-rigassifikazzjoni tal-LNG jingħataw permezz ta' konċessjoni ta' kuntratti, wara sejħiet pubbliċi għal offerti (CPC 7131, 7422).

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju: It-trasport bil-pipelines ta' gass naturali u ta' fjuwils oħrajn huwa soġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni. Awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru (f'konformità mal-Artikolu 3 tal-AR tal-14 ta' Mejju 2002).

Jekk l-awtorizzazzjoni tintalab minn kumpanija:

(a) il-kumpanija jeħtiġilha tkun stabbilita f'konformità mal-liġi tal-Belġju, jew mal-liġi ta' Stat Membru ieħor, jew mal-liġi ta' pajjiż terz, li jkun ħa impenji sabiex iżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali; u

(b) il-kumpanija jeħtiġilha żżomm is-sede amministrattiva tagħha, l-istabbiliment prinċipali tagħha jew l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru jew f'pajjiż terz li jkun ħa impenji li jżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali, diment li l-attività ta' dan l-istabbiliment jew l-uffiċċju prinċipali tirrappreżenta rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija tal-pajjiż ikkonċernat (CPC 7131).

B'mod ġenerali, il-provvista tal-gass naturali lill-klijenti (klijenti li huma kemm kumpaniji ta' distribuzzjoni kif ukoll konsumaturi li l-konsum globali kombinat tal-gass tagħhom li jirriżulta mill-punti kollha ta' provvista jilħaq livell minimu ta' miljun metru kubu fis-sena) stabbiliti fil-Belġju huwa soġġett għal awtorizzazzjoni individwali pprovduta mill-ministru, ħlief meta l-fornitur ikun kumpanija ta' distribuzzjoni li tuża n-network ta' distribuzzjoni tagħha stess. Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru.

F'Ċipru: Għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' ħżin u ħżin fi mħażen ta' fjuwils ittrasportati permezz ta' pipelines, u għall-bejgħ bl-imnut ta' żejt fjuwil u ta' gass f'ċilindri għajr permezz ta' bejgħ bil-korrispondenza (CPC 613, CPC 62271, CPC 63297, CPC 7131, CPC 742).

Miżuri Eżistenti:

BE: Arrêté Royal du 14 mai 2002 relatif à l'autorisation de transport de produits gazeux et autres par canalisations; u

Il-Liġi tat-12 ta' April 1965 relative au transport de produits gazeux et autres par canalisations (l-Artikolu 8.2).

BG: L-Att dwar l-Enerġija.

CY: Il-Liġi tal-2003 dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Elettriku;

Il-Liġi 122(I)/2003 kif emendata bil-Liġijiet 239(I)/2004, 143(I)/2005, 173(I)/2006, 92(I)/2008, 211(I)/2012, 206 (I)/2015 u 18(I)/2017;

Il-Liġijiet tal-2004 sal-2007 dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Gass;

Il-Liġi dwar (il-Pipelines tal-) il-Petroleum, il-Kapitolu 273 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru;

Il-Liġi dwar il-Petroleum L.64(I)/1975; u

Il-Liġijiet tal-2003 sal-2009 dwar l-Ispeċifikazzjonijiet tal-Petroleum u tal-Fjuwil.

FI: Maakaasumarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Gass Naturali) (508/2000); u

Maakaasumarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Gass Naturali) (587/2017).

FR: Il-Kodiċi tal-Enerġija (L111-5, L111-53).

PT: Gass Naturali: Id-Digriet Amministrattiv 230/2012 u d-Digriet Amministrattiv 231/2012, is-26 ta' Ottubru;

Elettriku: Id-Digriet Amministrattiv 215-A/2012, u d-Digriet Amministrattiv 215-B/2012, it-8 ta' Ottubru; u

Prodotti taż-żejt grezz/tal-petroleum: Id-Digriet Amministrattiv 31/2006, il-15 ta' Frar.

(d) Nukleari (ISIC 12, 3.1 23, 120, 1200, 233, 2330, 40, parti minn 4010; CPC 887)

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Ġermanja: Għall-produzzjoni, għall-ipproċessar jew għat-trasport ta' materjal nukleari u għall-ġenerazzjoni jew għad-distribuzzjoni ta' enerġija bbażata fuq l-enerġija nukleari.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fl-Awstrija u fil-Finlandja: Għall-produzzjoni, għall-ipproċessar, għad-distribuzzjoni jew għat-trasport ta' materjal nukleari u għall-ġenerazzjoni jew għad-distribuzzjoni ta' enerġija bbażata fuq in-nukleari.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi, Rekwiżiti tal-Prestazzjoni:

Fl-Ungerija u fl-Iżvezja: Għall-ipproċessar tal-fjuwil nukleari u tal-ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata fuq l-enerġija nukleari.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Belġju: Għall-produzzjoni, għall-ipproċessar jew għat-trasport ta' materjal nukleari u għall-ġenerazzjoni jew għad-distribuzzjoni ta' enerġija bbażata fuq l-enerġija nukleari.

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi:

Fil-Bulgarija: Għall-ipproċessar ta' materjali fissjonabbli u fużjonabbli jew ta' materjali li minnhom huma derivati, kif ukoll għall-kummerċ magħhom, għall-manutenzjoni u għat-tiswija ta' tagħmir u ta' sistemi f'faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija nukleari, għat-trasport ta' tali materjali u tal-iskart u tal-materja tal-iskart mill-ipproċessar tagħhom, għall-użu ta' radjazzjoni jonizzanti, u għas-servizzi l-oħrajn kollha relatati mal-użu tal-enerġija nukleari għal skopijiet paċifiċi (inklużi, fost l-oħrajn, servizzi ta' inġinerija u ta' konsulenza u servizzi relatati mas-software).

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali:

Fi Franza: Dawn l-attivitajiet iridu jirrispettaw l-obbligi tal-Ftehim tal-Euratom.

Miżuri Eżistenti:

AT: Bundesverfassungsgesetz für ein atomfreies Österreich (l-Att Kostituzzjonali għal Awstrija Mhux Nukleari) BGBl. I Nru 149/1999.

BG: L-Att dwar l-Użu Sikur tal-Enerġija Nukleari.

FI: Ydinenergialaki (l-Att dwar l-Enerġija Nukleari) (990/1987).

HU: L-Att CXVI tal-1996 dwar l-Enerġija Nukleari; u

Id-Digriet tal-Gvern Nru 72/2000 dwar l-Enerġija Nukleari.

SE: Il-Kodiċi Ambjentali Żvediż (1998:808); u

Il-Liġi dwar l-Attivitajiet tat-Teknoloġija Nukleari (1984:3).

II-UE-21 – Servizzi Oħrajn Mhux Inklużi Band'Oħra

Settur – Subsettur:	Servizzi oħrajn mhux inklużi band'oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9703, parti minn 612, parti minn 621, parti minn 625, parti minn 85990
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni
	Maniġment Superjuri u Bordijiet tad-Diretturi
Kapitolu:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi ta' funerali, ta' kremazzjoni u ta' dfin CPC 9703

Fir-rigward tal-Investiment – Trattament Nazzjonali, Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi; u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Ġermanja: Persuni ġuridiċi stabbiliti skont id-dritt pubbliku biss jistgħu joperaw ċimiterju. Il-ħolqien u t-tħaddim ta' ċimiterji u servizzi relatati mal-funerali jitwettqu bħala servizzi governattivi.

F'Ċipru u fis-Slovenja: Servizzi ta' funerali, ta' kremazzjoni u ta' dfin.

Fl-Iżvezja: Il-Knisja tal-Iżvezja jew monopolju tal-awtorità lokali fis-servizzi ta' kremazzjoni u ta' funerali.

(b) Servizzi oħrajn relatati man-negozju

Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi – Trattament Nazzjonali:

Fil-Litwanja: L-intrapriża tal-Istat "Infostruktura" għandha drittijiet esklużivi sabiex tipprovdi s-servizzi li ġejjin: it-trażmissjoni ta' *data* permezz ta' networks siguri tat-trażmissjoni ta' *data* tal-Istat, l-għoti ta' indirizzi tal-internet li jintemmu b'"gov.lt" u ċ-ċertifikazzjoni ta' reġistri elettroniċi tal-flus.

Miżuri Eżistenti:

LT: Ir-Riżoluzzjoni tal-Gvern tat-28 ta' Mejju 2002 Nru 756 dwar l-approvazzjoni tal-proċedura standard għall-iffissar tal-prezzijiet u tat-tariffi ta' oġġetti u ta' servizzi ta' natura monopolistika forniti minn intrapriżi tal-Istat u minn istituzzjonijiet pubbliċi stabbiliti mill-ministeri, mill-istituzzjonijiet governattivi u mill-gvernaturi tal-kontea u assenjati lilhom.

Appendiċi II-B

RIŻERVI GĦAL MIŻURI FUTURI

LISTA TAL-MESSIKU

Riżervi Applikabbli fil-Livell Ċentrali

II-MX-1

Settur: Kollha

Subsettur:

Klassifikazzjoni tal-Industrija:

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)

Livell tal-Gvern: Ċentrali

Deskrizzjoni: Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tillimita l-akkwiżizzjoni, il-bejgħ jew disponiment ieħor ta' bonds, ta' kambjali tat-teżor jew ta' kwalunkwe tip ieħor ta' titolu ta' dejn maħruġ mill-gvernijiet ċentrali, reġjonali jew lokali.

Miżuri Eżistenti:

II-MX-2

Settur: Kollha

Subsettur:

Klassifikazzjoni tal-Industrija:

Obbligi Kkonċernati: Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (l-Artikolu 10.10)

Livell tal-Gvern: Ċentrali

Deskrizzjoni: Investiment

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tirrikjedi li maġġoranza tal-bord tad-diretturi, jew ta' kwalunkwe kumitat tiegħu, ta' intrapriża tal-Unjoni Ewropea li tkun investiment kopert, tkun ta' nazzjonalità partikolari, jew residenti fit-territorju tal-Messiku, diment li r-rekwiżit ma jfixkilx materjalment il-kapaċità tal-investitur li jeżerċita kontroll fuq l-investiment tiegħu.

Miżuri Eżistenti:

II-MX-3

Settur:	Enerġija
Subsettur:	Żejt u idrokarburi oħrajn
	Elettriku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6)
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)
	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (l-Artikolu 10.10)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta miżuri fir-rigward tal-attivitajiet imsemmija fir-riżervi I-MX-14 u I-MX-15 tal-Appendiċi I-B-1, fl-implimentazzjoni tad-Digriet li jippromulga l-Liġi dwar l-Intrapriża Pubblika tal-Istat, il-Kummissjoni Federali tal-Elettriku; Intrapriża Pubblika tal-Istat, Liġi Petróleos Mexicanos; il-Liġi dwar is-Settur tal-Elettriku; il-Liġi tas-Settur tal-Idrokarburi; il-Liġi dwar l-Ippjanar u t-Tranżizzjoni tal-Enerġija; il-Liġi dwar il-Bijofjuwils; il-Liġi dwar l-Enerġija Ġeotermali u l-Liġi tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Enerġija; l-emendar ta' diversi dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-Fond Messikan taż-Żejt għall-Istabbilizzazzjoni u l-Iżvilupp; u l-emendar, iż-żieda u t-tħassir ta' diversi dispożizzjonijiet tal-Liġi Organika tal-Amministrazzjoni Pubblika Federali, ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fit-18 ta' Marzu 2025. Meta jiġu adottati, dawn il-miżuri għandhom jitqiesu bħala miżuri mhux konformi eżistenti elenkata fl-Appendiċi I-B-1 u soġġetta għall-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet). Għal aktar ċertezza, l-aspetti mhux konformi ta' kwalunkwe miżura implimentattiva bħal din għandhom ikunu limitati sal-punt permess minn Digriet bħal dan kif ukoll minn kwalunkwe miżura implimentattiva adottata skont din ir-riżerva.

Il-Messiku jippermetti investiment privat esklużivament permezz ta' arranġamenti kuntrattwali fir-rigward tal-esplorazzjoni u tal-produzzjoni taż-żejt u ta' idrokarburi oħrajn, u s-servizz pubbliku tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku.

Jekk il-liġi tal-Messiku tiġi emendata sabiex jippermetti investiment privat f'modalità differenti minn dik stabbilita fit-tieni paragrafu, jew f'modalità li tippermetti l-bejgħ ta' assi jew ta' interess proprjetarju f'intrapriża involuta fl-attivitajiet stabbiliti fit-tieni paragrafu, il-Messiku jirriżerva d-dritt li jimponi restrizzjonijiet fuq dak l-investiment.

Kwalunkwe restrizzjoni imposta f'konformità mat-tielet paragrafu għandha titqies li hija miżura mhux konformi eżistenti elenkata fl-Appendiċi I-B-1 u soġġetta għall-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet).

Għal ċertezza akbar, il-Messiku jafferma l-prinċipju rifless fl-Artikoli 25, 27 u 28 tal-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos) li l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u ta' idrokarburi oħrajn, l-ippjanar u l-kontroll tas-Sistema Elettrika Nazzjonali u tas-servizz pubbliku tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku huma rriżervati għall-Istat.

Miżuri Eżistenti:

Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikoli 25, 27 u 28.

Intrapriża Pubblika tal-Istat, Liġi tal-Kummissjoni Federali tal-Elettriku (Ley de la Empresa Pública del Estado, Comisión Federal de Electricidad).

Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera).

Il-liġi dwar is-Settur tal-Idrokarburi (Ley del Sector Hidrocarburos).

Intrapriża Pubblika tal-Istat, Liġi Petróleos Mexicanos (Ley de la Empresa Pública del Estado, Petróleos Mexicanos).

Il-Liġi dwar is-Settur tal-Elettriku (Ley del Sector Eléctrico).

Il-Liġi dwar l-Ippjanar u t-Tranżizzjoni tal-Enerġija (Ley de Planeación y Transición Energética).

II-MX-4

Settur:	Servizzi ta' Divertiment
Subsettur:	Servizzi ta' rikreazzjoni u ta' divertiment
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 949104 Servizzi Privati Oħrajn ta' Rikreazzjoni u ta' Divertiment (limitati għal servizzi tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6)
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikoli 10.8 u 11.7)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (l-Artikolu 10.10)
	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata mal-investiment f'servizzi tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri, jew il-provvista ta' dawn.

Miżuri Eżistenti:

II-MX-5

Settur:	Kwistjonijiet Relatati mal-Minoranzi
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura skont id-drittijiet jew il-preferenzi għal gruppi soċjalment jew ekonomikament żvantaġġati.

Miżuri Eżistenti:

Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 4.

II-MX-6

Settur:	Servizzi Soċjali
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikoli 10.7 u 11.6)
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikoli 10.8 u 11.7)
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (l-Artikolu 10.10)
	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' infurzar tad-dritt pubbliku u ta' korrezzjoni, u s-servizzi li ġejjin sal-punt li jkunu servizzi soċjali stabbiliti jew miżmumin għal skop pubbliku: is-sigurtà jew l-assigurazzjoni tal-introjtu, is-sigurtà jew l-assigurazzjoni soċjali, il-benesseri soċjali, l-edukazzjoni pubblika, it-taħriġ pubbliku, is-saħħa u t-tħaris tat-tfal.

Miżuri Eżistenti:

Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikoli 4, 17, 18, 25, 26, 28 u 123.

II-MX-7

Settur:	Trasport
Subsettur:	Persunal speċjalizzat
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CMAP 951023 Servizzi Professjonali, Tekniċi u Speċjalizzati Oħrajn (limitati għal kaptani tal-bastimenti, għal bdoti tal-inġenji tal-ajru, għal kaptani tal-bastimenti, għal makkinisti tal-bastimenti, għal mekkaniks tal-bastimenti, għal amministraturi tal-ajruporti (*comandantes de aeródromos*), għal kaptani tal-portijiet, għal bdoti tal-portijiet, għall-ekwipaġġ fuq bastimenti jew fuq inġenji tal-ajru bil-bandiera tal-Messiku)
Obbligi Kkonċernati:	Preżenza Lokali (l-Artikolu 11.5)
	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 11.6)
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikolu 11.7)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' persunal speċjalizzat. Iċ-ċittadini tal-Messiku bit-twelid biss jistgħu jservu bħala:

kaptani, bdoti, kaptani tal-bastimenti, makkinisti, mekkaniks u membri tal-ekwipaġġ fuq bastimenti jew fuq inġenji tal-ajru bil-bandiera tal-Messiku; u

bdoti tal-portijiet, kaptani tal-portijiet u amministraturi tal-ajruporti.

Miżuri Eżistenti:

Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikolu 32.

II-MX-8

Settur:	Kollha
Subsettur:	Servizzi ta' telegrafija, ta' radjutelegrafija u postali
	Il-ħruġ ta' karti tal-flus (valuta) u l-istampar tal-muniti
	Il-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljanza tal-portijiet marittimi u interni
	Il-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljanza tal-ajruporti u tal-ħeliports
	L-enerġija nukleari, inklużi l-esplorazzjoni, l-isfruttament u l-profitt ta' materjali radjuattivi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikolu 10.8)
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (l-Artikolu 10.10)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	Investiment

L-attivitajiet stabbiliti fil-lista ta' hawn taħt huma rriżervati għall-Istat, u l-investiment f'ekwità privata huwa pprojbit skont il-liġi tal-Messiku. Jekk il-Messiku jippermetti li l-investiment privat jipparteċipa f'dawk l-attivitajiet permezz ta' kuntratti ta' servizzi, konċessjonijiet, arranġamenti ta' self jew kwalunkwe tip ieħor ta' arranġament kuntrattwali, dik il-parteċipazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata li taffettwa r-riżerva ta' dawk l-attivitajiet.

Jekk il-liġi tal-Messiku tiġi emendata sabiex tippermetti investiment f'ekwità privat f'attività stabbilita fil-lista ta' hawn taħt, il-Messiku jista' jimponi restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' investiment barrani u dawk ir-restrizzjonijiet għandhom jitqiesu bħala miżuri mhux konformi eżistenti elenkati fl-Appendiċi I-B-1 u soġġetti għall-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet). Il-Messiku jista' jimponi wkoll restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' investiment f'ekwità barrani meta jbigħ assi jew interess proprjetarju f'intrapriża involuta f'attivitajiet stabbiliti fil-lista ta' hawn taħt, u dawk ir-restrizzjonijiet għandhom jitqiesu li huma miżuri mhux konformi eżistenti kif stabbiliti fl-Anness I u għandhom ikunu soġġetti għall-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet).

(a) Servizzi ta' telegrafija, ta' radjutelegrafija u postali;

(b) Il-ħruġ ta' karti tal-flus (valuta) u l-istampar tal-muniti;

(c) Il-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljanza tal-portijiet marittimi u interni;

(d) Il-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljanza tal-ajruporti u tal-ħeliports; u

(e) Enerġija nukleari [1].

Miżuri Eżistenti:

Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikoli 25 u 28.

Il-Liġi tal-Bank tal-Messiku (Ley del Banco de México).

Il-Liġi taz-Zekka tal-Messiku (Ley de la Casa de Moneda de México).

Il-Liġi Monetarja tal-Istati Uniti tal-Messiku (Ley Monetaria de los Estados Unidos Mexicanos).

Il-Liġi dwar in-Navigazzjoni u l-Kummerċ Marittimu (Ley de Navegación y Comercio Marítimos).

Il-Liġi dwar il-Portijiet (Ley de Puertos).

Il-Liġi dwar l-Ajruporti (Ley de Aeropuertos).

Il-Liġi dwar it-Telekomunikazzjoni u x-Xandir (Ley en Materia de Telecomunicaciones y Radiodifusión).

Id-Digriet li jistabbilixxi l-aġenzija deċentralizzata tas-Servizzi tan-Navigazzjoni fl-Ispazju tal-Ajru tal-Messiku, (SENEAM, bl-akronimu tagħha bl-Ispanjol) (Decreto que crea el Organismo Desconcentrado de Servicios a la Navegación en el Espacio Aéreo Mexicano, SENEAM).

Il-Liġi dwar il-Mezzi Ġenerali ta' Komunikazzjoni (Ley de Vías Generales de Comunicación).

Il-Liġi dwar is-Servizz Postali tal-Messiku (Ley del Servicio Postal Mexicano), it-Titolu I, il-Kapitolu III.

Il-Liġi dwar l-Investiment Barrani (Ley de Inversión Extranjera).

[1] Għall-finijiet ta' din l-entrata, l-enerġija nukleari tinkludi l-esplorazzjoni, l-isfruttament u l-profitt ta' materjali radjuattivi.

II-MX-9

Settur:	Estrazzjoni
Subsettur:	Attivitajiet relatati mal-litju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (l-Artikolu 10.7)
	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (l-Artikolu 10.10)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	Investiment

L-attivitajiet relatati mal-litju, inklużi l-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-litju, huma riżervati għall-Istat, u l-investiment ta' ekwità privata huwa pprojbit skont il-liġi Messikana. Jekk il-Messiku jippermetti li l-investiment privat jipparteċipa f'dawk l-attivitajiet permezz ta' kuntratti ta' servizzi, konċessjonijiet, arranġamenti ta' self jew kwalunkwe tip ieħor ta' arranġament kuntrattwali, dik il-parteċipazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata li taffettwa r-riżerva ta' dawk l-attivitajiet lill-Istat.

Jekk il-liġi tal-Messiku tiġi emendata sabiex tippermetti investiment f'ekwità privat f'attività relatata mal-litju, il-Messiku jista' jimponi restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' investiment barrani u dawk ir-restrizzjonijiet għandhom jitqiesu bħala miżuri mhux konformi eżistenti elenkati fl-Appendiċi I-B-1 u soġġetti għall-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet). Il-Messiku jista' jimponi wkoll restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' investiment f'ekwità barrani meta jbigħ assi jew interess proprjetarju f'intrapriża involuta f'attivitajiet relatati mal-litju, u dawk ir-restrizzjonijiet għandhom jitqiesu li huma miżuri mhux konformi eżistenti kif stabbiliti fl-Anness I u għandhom ikunu soġġetti għall-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 10.12 (Miżuri Mhux Konformi u Eċċezzjonijiet).

Miżuri Eżistenti:

Il-Kostituzzjoni Politika tal-Istati Uniti tal-Messiku (Constitución Política de los Estados Unidos Mexicanos), l-Artikoli 27 u 28.

Il-Liġi dwar il-Portijiet (Ley de Puertos).

II-MX-10

Settur:	Kollha
Subsettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Obbligi Konċernati:	Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-Artikolu 10.8)
Livell tal-Gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	Investiment

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenti lill-pajjiżi mogħtija skont il-ftehimiet internazzjonali bilaterali jew multilaterali kollha fis-seħħ qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Din ir-riżerva ma tapplikax għal dawk il-miżuri li jagħtu trattament differenti fir-rigward ta':

(a) l-esplorazzjoni, il-produzzjoni u l-manifattura ta' prodotti tal-enerġija, kif ukoll id-distribuzzjoni u t-trażmissjoni tal-gass u l-elettriku, u l-kummerċjalizzazzjoni, inkluż il-bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut, ta' oġġetti tal-enerġija, u

(b) attivitajiet relatati mal-litju, inklużi l-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-litju.

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenti lill-pajjiżi mogħtija skont il-ftehimiet internazzjonali kollha fis-seħħ jew iffirmati wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li jinvolvi:

(a) l-avjazzjoni;

(b) is-sajd; jew

(c) kwistjonijiet marittimi, inkluż is-salvataġġ.

ANNESS III

IMPENJI GĦALL-AĊĊESS GĦAS-SUQ

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1. L-iskeda ta' Parti fl-appendiċijiet għal dan l-Anness tistabbilixxi l-impenji għall-aċċess għas-suq li dik il-Parti tagħmel skont l-Artikolu 10.6 (Aċċess għas-Suq) jew 11.4 (Aċċess għas-Suq).

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "CMAP" tfisser in-numri tal-Klassifikazzjoni Messikana tal-Attivitajiet u tal-Prodotti (Clasificación Mexicana de Actividades y Productos) kif stabbiliti mill-Istitut Nazzjonali għall-Istatistika u l-Ġeografija (Instituto Nacional de Estadística y Geografía) fil-Klassifikazzjoni Messikana tal-Attivitajiet u tal-Prodotti (Clasificación Mexicana de Actividades y Productos), 1994;

(b) "CPC" tfisser in-numri tal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbiliti fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti tal-Istatistika, Serje M, Nru 77, Klassifikazzjoni Ċentrali Provviżorja tal-Prodotti, 1991; u

(c) "ISIC" tfisser in-numri tal-iStandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbiliti fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti tal-Istatistika, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002.

3. L-attivitajiet ekonomiċi f'setturi jew subsetturi koperti minn dan il-Ftehim u mhux miktuba fl-iskeda ma humiex koperti mill-impenji għall-aċċess għas-suq imsemmija fil-paragrafu 1.

4. L-iskeda ta' Parti hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

5. Kull entrata fl-iskeda tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "Settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) "Subsettur" tirreferi għas-settur jew għall-attività speċifika li fiha jittieħdu l-impenji skont is-CMAP, is-CPC jew l-ISIC, jekk applikabbli;

(c) "Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq" tispeċifika l-limitazzjonijiet applikabbli, inkluża l-possibbiltà li jinżammu l-miżuri eżistenti jekk dan ikun speċifikat, jew li jiġu adottati miżuri restrittivi ġodda jew aktar restrittivi jekk l-aċċess għas-suq ma jkunx marbut, li ma jikkonformawx mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 10.6 (Aċċess għas-Suq) jew 11.4 (Aċċess għas-Suq).

6. Fl-interpretazzjoni ta' entrata, l-elementi kollha ta' dik l-entrata għandhom jiġu kkunsidrati.

7. Impenn meħud fil-livell tal-Unjoni Ewropea japplika għal miżura tal-Unjoni Ewropea u ta' Stat Membru fil-livell nazzjonali kif ukoll għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm l-impenn ma jeskludix Stat Membru.

8. Impenn meħud fil-livell nazzjonali tal-Messiku jew ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea japplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak il-pajjiż.

9. Dan l-Anness fih biss limitazzjonijiet nondiskriminatorji fuq l-aċċess għas-suq.

10. Għal ċertezza akbar, il-miżuri li ġejjin ma jikkostitwixxux limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq skont it-tifsira tal-Artikoli 10.6 (Aċċess għas-Suq) u 11.4 (Aċċess għas-Suq), dment li jkunu nondiskriminatorji:

(a) miżuri li jeħtieġu s-separazzjoni tas-sjieda ta' infrastruttura mis-sjieda tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti permezz ta' dik l-infrastruttura sabiex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjonijiet;

(b) miżuri li jirrestringu l-konċentrazzjoni tas-sjieda sabiex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta;

(c) miżuri li jfittxu li jiżguraw il-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-ambjent, inkluż limitazzjoni fuq id-disponibbiltà, l-għadd u l-ambitu tal-konċessjonijiet mogħtija, u l-impożizzjoni ta' moratorju jew projbizzjoni;

(d) miżuri li jillimitaw l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija minħabba restrizzjonijiet tekniċi jew fiżiċi, pereżempju, l-ispettru u l-frekwenzi tat-telekomunikazzjonijiet; jew

(e) miżuri li jeħtieġu li ċertu perċentwal tal-azzjonisti, sidien, sħab, jew diretturi ta' intrapriża jkunu kkwalifikati jew jipprattikaw ċerta professjoni bħal avukati jew kontabilisti.

11. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fl-iskeda tal-Unjoni Ewropea:

AT l-Awstrija

BE il-Belġju ([1])

BG il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ iċ-Ċekja

DE il-Ġermanja

DK id-Danimarka

EE l-Estonja

ŻEE iż-Żona Ekonomika Ewropea

EL il-Greċja

ES Spanja

UE l-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha

FI il-Finlandja ([2])

FR Franza

HR il-Kroazja

HU l-Ungerija

IE l-Irlanda

IT l-Italja

LT il-Litwanja

([1]) Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti.

([2]) Għall-finijiet tar-riżervi tal-Finlandja, livell reġjonali tal-gvern ifisser il-Gżejjer Åland.

LU il-Lussemburgu

LV il-Latvja

MT Malta

NL in-Netherlands

PL il-Polonja

PT il-Portugall

RO ir-Rumanija

SE l-Iżvezja

SI is-Slovenja

SK is-Slovakkja

12. Għall-finijiet tal-iskeda tal-Messiku, fil-kolonna "Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq":

(a) "1)" tirreferi għall-provvista ta' servizz mit-territorju tal-Unjoni Ewropea fit-territorju tal-Messiku;

(b) "2)" tirreferi għall-provvista ta' servizz fit-territorju tal-Unjoni Ewropea minn persuna tal-Unjoni Ewropea lil persuna tal-Messiku;

(c) "3)" tirreferi għall-provvista ta' servizz fit-territorju tal-Messiku minn investitur tal-Unjoni Ewropea, jew għal investiment kopert;

(d) "4)" tirreferi għall-provvista ta' servizz minn persuna fiżika tal-Unjoni Ewropea fit-territorju tal-Messiku.

Appendiċi III-A

IMPENJI GĦALL-AĊĊESS GĦAS-SUQ

SKEDA TAL-UE

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
III-UE-1 – Is-setturi kollha	
Preżenza kummerċjali	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE: Kwalunkwe Stat Membru, meta jbigħ jew jiddisponi mill-interessi ta' ekwità tiegħu f'intrapriża tal-istat eżistenti jew entità governattiva eżistenti li tipprovdi servizzi tas-saħħa, soċjali jew edukattivi (CPC 93, 92), jew l-assi tagħha, jista' jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' dawk l-interessi jew l-assi, u fuq l-abbiltà tas-sidien ta' dawk l-interessi jew l-assi li jikkontrollaw kwalunkwe intrapriża li tirriżulta, minn imprendituri tal-Messiku jew l-investimenti tagħhom. Fir-rigward ta' dak il-bejgħ jew disponiment ieħor, kwalunkwe Stat Membru jista' jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tillimita l-għadd ta' fornituri.
	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE: Servizzi meqjusa bħala utilitajiet pubbliċi f'livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu suġġetti għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklussivi mogħtija lil operaturi privati. L-utilitajiet pubbliċi jeżistu f'setturi bħal servizzi ta' konsultazzjoni xjentifika u teknika relatati, servizzi ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) dwar xjenzi soċjali u l-studji umanistiċi, servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi, servizzi ambjentali, servizzi tas-saħħa, servizzi tat-trasport u servizzi awżiljarji għall-modi kollha ta' trasport. Spiss jingħataw drittijiet esklussivi fuq dawk is-servizzi lil operaturi privati, pereżempju operaturi b'konċessjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi, suġġetti għal obbligi ta' servizz speċifiċi. Minħabba li s-servizzi ta' utilità pubblika spiss jeżistu wkoll fuq livell sottoċentrali, skedar speċifiku għas-settur li jkun dettaljat u komprensiv ma huwiex prattiku. Din ir-riżerva ma tapplikax għat-telekomunikazzjoni u għas-servizzi tal-kompjuters u dawk relatati. Fil-BG: Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttar jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma suġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet. F'korporazzjonijiet kummerċjali li fihom l-Istat jew muniċipalità jkollhom sehem ta' aktar minn 50 % fil-kapital, kwalunkwe tranżazzjoni għad-disponiment ta' assi fissi tal-korporazzjoni, biex jiġu konklużi kwalunkwe kuntratti għal akkwiżizzjoni ta' parteċipazzjoni, lokazzjoni, attività konġunta, kreditu, garanzija ta' riċevibbli, kif ukoll it-tiġrib ta' xi obbligi li jirriżultaw minn kambjali, hija suġġetta għal awtorizzazzjoni jew permess mill-Aġenzija għall-Privatizzazzjoni jew minn korpi oħra statali jew reġjonali, skont liema minnhom tkun l-awtorità kompetenti. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-estrazzjoni u għax-xogħol fil-barrieri, li huma suġġetti għal riżerva separata. Fl-HU: Preżenza kummerċjali trid tieħu l-forma ta' kumpanija b'responsabilità limitata, kumpanija limitata b'ishma jew uffiċċju rappreżentattiv. Dħul inizjali bħala fergħa ma huwiex permess ħlief għas-servizzi finanzjarji. Fl-IT: L-akkwiżizzjoni ta' ekwità ta' kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, u l-akkwiżizzjoni ta' assi strateġiċi fl-oqsma tas-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jistgħu jkunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-Presidenza tal-Uffiċċju tal-Kunsill tal-Ministri.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fl-IT: L-Istat jista' jeżerċita ċerti setgħat speċjali f'intrapriżi li joperaw fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, u f'ċerti attivitajiet ta' importanza strateġika fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjoni. Dan jirrigwarda l-persuni ġuridiċi kollha li jwettqu attivitajiet meqjusa ta' importanza strateġika fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, mhux biss il-kumpaniji privatizzati. Meta jkun hemm theddida ta' dannu serju għall-interessi essenzjali tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, il-Gvern għandu setgħat speċjali li: (a) jimponi kundizzjonijiet speċifiċi fix-xiri tal-ishma; (b) jagħmel veto għall-adozzjoni ta' riżoluzzjonijiet relatati ma' operazzjonijiet speċjali bħal trasferimenti, fużjonijiet, qsim u bidliet fl-attività; jew (c) jirrifjuta l-akkwiżizzjoni tal-ishma, jekk ix-xerrej jipprova jżomm livell ta' parteċipazzjoni fil-kapital li x'aktarx jippreġudika l-interessi tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali. Kull riżoluzzjoni, att u tranżazzjoni (trasferimenti, fużjonijiet, qsim, bidla fl-attività, terminazzjoni) relatati ma' assi strateġiċi fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjoni għandhom jiġu nnotifikati mill-kumpanija kkonċernata lill-uffiċċju tal-Prim Ministru. B'mod partikolari, għandhom jiġu nnotifikati l-akkwiżizzjonijiet minn kull persuna fiżika jew ġuridika barra l-UE li jagħtu lil din il-persuna kontroll fuq il-kumpanija. Il-Prim Ministru jista' jeżerċita setgħat speċjali biex: (a) jagħmel veto għal kull riżoluzzjoni, att u tranżazzjoni li jikkostitwixxu theddida eċċezzjonali ta' dannu serju għall-interess pubbliku fis-sigurtà u l-operat ta' networks u provvisti; (b) jimponi kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jiġi ggarantit l-interess pubbliku; jew (c) jirrifjuta l-akkwiżizzjoni f'każijiet eċċezzjonali ta' riskju għall-interessi essenzjali tal-Istat. Il-kriterji li fuqhom tiġi evalwata t-theddida reali jew eċċezzjonali u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat speċjali huma stabbiliti fil-liġi. Fil-LT: Il-Gvern jista' jirrevedi u jimponi restrizzjonijiet fir-rigward tal-investiment f'intrapriżi ta' importanza strateġika għas-sigurtà nazzjonali fir-rigward tas-sjieda (proporzjon ta' kapital li jista' jinżamm minn persuni privati nazzjonali jew barranin li jikkonformaw mal-interessi tas-sigurtà nazzjonali); investiment f'intrapriżi, setturi u faċilitajiet ta' importanza strateġika għas-sigurtà nazzjonali; u l-proċeduri u l-kriterji għad-determinazzjoni tal-konformità ta' investituri nazzjonali potenzjali u ta' parteċipanti potenzjali fl-intrapriżi.
Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-HU: Mhux marbut għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetajiet tal-Istat. Fid-DK: L-akkwiżizzjoni ta' art agrikola minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi hija regolata mill-Att Daniż dwar l-Azjendi Agrikoli, li jimponi restrizzjonijiet fuq il-persuni kollha, Daniżi jew barranin, meta jkunu qegħdin jakkwistaw proprjetà agrikola. Għalhekk, kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun tixtieq takkwista proprjetà immobbli agrikola, għandha tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Att.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Armi, munizzjon u materjal tal-gwerra	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Mhux marbut għall-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra, jew il-kummerċ tagħhom. Il-materjal tal-gwerra huwa limitat għal kwalunkwe prodott li jkun maħsub u magħmul esklussivament għall-użu militari b'rabta mat-twettiq ta' attivitajiet tal-gwerra jew ta' difiża.
III-UE-2 – Servizzi Professjonali (il-professjonijiet kollha minbarra dawk relatati mas-saħħa)	
Servizzi legali (parti minn CPC 861), inklużi servizzi ta' aġenti tal-privattivi [1]	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Bl-eċċezzjoni tal-SE, mhux marbut fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' konsulenza legali, awtorizzazzjoni legali, dokumentazzjoni u ta' ċertifikazzjoni pprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal notara, *huissiers de justice* jew *officiers publics et ministériels* oħra, u fir-rigward ta' servizzi pprovduti minn bailiffs li jinħatru permezz ta' att uffiċjali tal-gvern (parti minn CPC 861, parti minn 87902). Fiċ-CZ: Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati biex jiġu pprattikati s-servizzi legali, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati barranin ammessi fl-Assoċjazzjoni tal-Kmamar tal-Avukati Ċeka għandhom ikunu intitolati li jipprovdu servizzi legali fil-liġi tal-pajjiż li fih ikunu kisbu d-dritt tagħhom li jipprovdu servizzi legali, u fid-dritt internazzjonali. Fid-DK: Japplikaw rekwiżiti għat-twettiq ta' servizzi legali taħt it-titolu ta' "advokat" (avukat) [2]. Fi FR: Ir-rappreżentanza quddiem il-Cour de Cassation u l-Conseil d'Etat hija suġġetta għall-kwoti. Fl-HU: Avukati barranin jistgħu jipprovdu pariri legali dwar il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini u dwar id-dritt internazzjonali fi sħab ma' avukat Ungeriż jew ditta legali Ungeriża. Il-preżenza kummerċjali għandha tieħu l-forma ta' sħubija ma' avukat Ungeriż (*ügyvéd*) jew uffiċċju ta' avukat (*ügyvédi iroda*).
	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-AT: Mhux marbut għall-istabbiliment għall-prattika tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-pajjiż ta' oriġini; il-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-pajjiż ta' oriġini hija permessa biss fuq bażi transfruntiera. Fil-BG, CY, iċ-CZ, il-DE, id-DK, il-EL, l-EE, ES, FR, l-IE, l-IT, il-LV, il-LT, il-LU, MT, in-NL, il-PT, ir-RO u s-SK: Japplikaw rekwiżiti nondiskriminatorji għall-forma ġuridika. Fil-BG: L-isem tad-ditta legali għandu jinkludi biss l-ismijiet tas-soċji rreġistrati. Fi FR: F'ditta legali li tipprovdi servizzi fir-rigward tal-liġi Franċiża jew id-dritt tal-Unjoni Ewropea, id-drittijiet ta' parteċipazzjoni azzjonarja u tal-vot jistgħu jkunu suġġetti għal restrizzjonijiet kwantitattivi relatati mal-attività professjonali tas-soċji.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fil-LT: Xi tipi ta' forom ġuridiċi jistgħu jkunu riżervati esklussivament għall-avukati li jkunu ammessi fil-Kamra tal-Avukati, fuq bażi nondiskriminatorja. Fis-SI: Il-preżenza kummerċjali għal avukati maħtura mill-Assoċjazzjoni tal-Kmamar tal-Avukati Slovena hija ristretta għal impriża individwali, ditta legali b'responsabilità limitata (soċjetà f'isem kollettiv) jew għal ditta legali b'responsabilità illimitata (soċjetà f'isem kollettiv) biss. L-attivitajiet ta' ditta legali għandhom ikunu ristretti għall-prattika tal-liġi. L-avukati biss jistgħu jkunu soċji f'ditta legali. Fl-SE: Membru tal-Kamra tal-Avukati biss jista' direttament jew indirettament, jew permezz ta' kumpanija, jipprattika bħala avukat, ikollu ishma fil-kumpanija jew ikun soċju. Membru tal-Kamra tal-Avukati biss jista' jkun membru jew deputat membru tal-Bord jew deputat direttur maniġerjali, jew firmatarju awtorizzat jew segretarju tal-kumpanija jew tas-soċjetà f'isem kollettiv.
Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 8621 minbarra s-servizzi tal-awditjar, 86213, 86219, 86220)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: F'CY: L-aċċess huwa ristrett għall-persuni fiżiċi. Hija meħtieġa awtorizzazzjoni, suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet f'isem kollettiv) bejn persuni fiżiċi.
	Fir-rigward tal-Investiment: Fi FR: Provvista permezz ta' SEL (*société d'exercice liberal*) (*anonyme, à responsabilité limitée* jew *en commandite par actions*), AGC (*association de gestion et comptabilité*) jew SCP (*société civile professionnelle*) biss (CPC 86213, 86219, 86220).
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-HU: Mhux marbut għal attivitajiet transfruntiera għall-kontabilità u ż-żamma tal-kotba. Fl-IT: Mhux marbut għal attivitajiet transfruntiera għal servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 86213, 86219, 86220). Fis-SI: Mhux marbut għal attivitajiet transfruntiera għas-servizzi tal-kontabilità u ż-żamma tal-kotba (CPC 86213, 86219, 86220).
Servizzi tal-awditjar (CPC 86211 u 86212 minbarra s-servizzi ta' kontabilità)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: F'CY: L-aċċess huwa ristrett għall-persuni fiżiċi. Hija meħtieġa awtorizzazzjoni, suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet f'isem kollettiv) bejn persuni fiżiċi.
	Fir-rigward tal-Investiment: Fil-BE: Huwa meħtieġ stabbiliment fil-BE fejn tkun se sseħħ l-attività professjonali u fejn ikunu se jinżammu l-atti, id-dokumenti u l-korrispondenza relatati magħha. Tal-anqas amministratur jew maniġer wieħed tal-istabbiliment irid jiġi approvat bħala awditur.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fil-BG: Japplikaw rekwiżiti nondiskriminatorji għall-forma ġuridika. Fiċ-CZ: Intrapriża b'mill-inqas 60 % tal-interessi kapitali jew drittijiet tal-vot riżervati għaċ-ċittadini taċ-CZ jew għaċ-ċittadini ta' Stat Membru biss tista' tiġi awtorizzata twettaq awditi fiċ-CZ. Fil-DE: Il-kumpaniji tal-awditjar (*Wirtschaftsprüfungsgesellschaften*) jistgħu jadottaw biss forom ġuridiċi ammissibbli fl-UE jew fiż-ŻEE. Is-soċjetajiet f'isem kollettiv u s-soċjetajiet kummerċjali limitati jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala Wirtschaftsprüfungsgesellschaften jekk ikunu elenkati bħala soċjetajiet kummerċjali fir-reġistru tal-kummerċ fuq il-bażi tal-attivitajiet fiduċjarji tagħhom, l-Artikolu 27 tal-Wirtshaftsprüferordnung (WPO). Madankollu, awdituri minn pajjiżi terzi rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 134 tal-Wirtshaftsprüferordnung (WPO) jistgħu jwettqu l-awditu statutorju tad-dikjarazzjonijiet fiskali annwali jew jipprovdu r-rapporti finanzjarji konsolidati ta' kumpanija bis-sede ċentrali tagħha barra mill-UE, li t-titoli trasferibbli tagħha jkunu offruti għall-kummerċ f'suq regolat. Fid-DK: Id-drittijiet tal-vot f'ditti tal-awditjar approvati ta' awdituri u ditti tal-awditjar mhux approvati f'konformità mar-regolament li jimplimenta t-Tmien Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE tal-10 ta' April 1984 ibbażata fuq id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati ma għandhomx jaqbżu l-10 % tad-drittijiet tal-vot. Fil-FI: Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE għal mill-anqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija Finlandiża b'responsabbiltà limitata u ta' kumpaniji li huma taħt obbligu li jagħmlu awditu. Awditur irid ikun awditur b'liċenzja lokali jew ditta tal-awditjar b'liċenzja lokali. Fi FR: Għall-awditi statutorji: provvista permezz ta' kull forma ta' kumpanija minbarra SNC (*société en nom collectif*) u SCS (*société en commandite simple*). Fil-PL: Japplikaw rekwiżiti għall-forma ġuridika. Fis-SK: Intrapriża li fiha tal-anqas 60 % tal-interessi kapitali jew tad-drittijiet tal-vot ikunu riżervati għaċ-ċittadini Slovakki jew għaċ-ċittadini ta' Stat Membru biss tista' tiġi awtorizzata twettaq awditi fis-SK.
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-DE: Awdituri minn pajjiżi terzi rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 134 tal-Wirtshaftsprüferordnung (WPO) jistgħu jwettqu l-awditu statutorju tad-dikjarazzjonijiet fiskali annwali jew jipprovdu r-rapporti finanzjarji konsolidati ta' kumpanija bis-sede ċentrali tagħha barra mill-UE, li t-titoli trasferibbli tagħha jkunu offruti għall-kummerċ f'suq regolat. Fl-HU u l-PT: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-awditjar.
Servizzi ta' tassazzjoni (CPC 863, minbarra s-servizzi ta' konsulenza legali u ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li jinstabu taħt is-Servizzi legali)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: F'CY: L-aċċess huwa ristrett għall-persuni fiżiċi. Hija meħtieġa awtorizzazzjoni, suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet f'isem kollettiv) bejn persuni fiżiċi. Fil-PL: Japplikaw rekwiżiti għall-forma ġuridika.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fir-rigward tal-Investiment: Fi FR: Provvista permezz ta' SEL (*société d'exerce liberal*) (*anonyme, à responsabilité limitée* jew *en commandite par actions*) jew SCP (*société civile professionnelle*) biss.
Servizzi ta' arkitettura u ppjanar urban, servizzi ta' Inġinerija u ta' Inġinerija Integrata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BG: Għal proġetti arkitettoniċi u ta' inġinerija ta' importanza nazzjonali jew reġjonali, l-investituri barranin iridu jaġixxu f'soċjetà ma' investituri lokali, jew bħala sottokuntratturi tagħhom (CPC 8671, 8672, 8673).
	Fir-rigward tal-Investiment: Fi FR: Perit jista' biss jistabbilixxi ruħu fi FR sabiex jipprovdi servizzi arkitettoniċi billi juża waħda mill-forom ġuridiċi li ġejjin fuq bażi nondiskriminatorja: SA (*société anonyme*) u SARL (*société à responsabilité limitée*), EURL (*entreprise unipersonnelle à responsabilité limitée*), SCP (*société en commandite par actions*), SCOP (*société coopérative et participative*), SELARL (*société d'exercice libéral à responsabilité limitée*), SELAFA (*société d'exercice libéral à forme anonyme*), SELAS (*société d'exercice libéral*) jew SAS (*société par actions simplifiée*), jew bħala individwu jew bħala soċju f'ditta arkitettonika (CPC 8671).
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi biss: Fil-HR: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera tal-ippjanar urban. Disinn jew proġett maħluq minn perit, inġinier jew pjanifikatur urban barrani jrid jiġi vvalidat minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-HR fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-liġi Kroata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).
III-UE-3 – Servizzi Professjonali – Relatati mas-saħħa u l-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi	
Servizzi mediċi u dentali; servizzi pprovduti minn qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, psikologi u persunal paramediku (CPC 85201, 9312, 9319)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fiċ-CZ u f'MT: Mhux marbut għall-provvista tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inkluż servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, psikologi, kif ukoll servizzi relatati oħra (CPC 9312, parti minn 9319). Fil-FI: Mhux marbut għall-provvista tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati mis-settur pubbliku jew mill-privat, inkluż servizzi mediċi u dentali, servizzi pprovduti minn qwiebel, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi pprovduti minn psikologi, minbarra servizzi pprovduti minn infermiera. (CPC 9312, 93191)

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fil-BG: Mhux marbut għall-provvista tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inkluż servizzi mediċi u dentali, servizzi pprovduti minn infirmiera, qbiela, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi pprovduti minn psikologi. (CPC 9312, parti minn 9319) Fil-DE: Jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet ġeografiċi li japplikaw kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-barranin fuq ir-reġistrazzjoni professjonali. It-tobba inkluż il-psikologi, il-fiżjoterapisti, u d-dentisti huma meħtieġa jirreġistraw mal-assoċjazzjonijiet reġjonali tat-tobba jew tad-dentisti tal-assigurazzjoni medika statutorja (*kassenärztliche* jew *kassenzahnärztliche Vereinigungen*), jekk ikunu jixtiequ jieħdu pazjenti assigurati mill-fondi tas-saħħa statutorji. Din ir-reġistrazzjoni tista' tkun suġġetta għal restrizzjonijiet kwantitattivi bbażati fuq id-distribuzzjoni reġjonali tat-tobba. Din ir-restrizzjoni ma tapplikax għad-dentisti. Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa biss għal tobba li jipparteċipaw fl-iskema tas-saħħa pubblika. Għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel, l-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss. It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' kura primarja li tinvolvi l-preżenza fiżika minn qabel ta' tabib. L-għadd ta' forniturі ta' servizzi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jista' jkun limitat sabiex jiġu ggarantiti l-istandards meħtieġa ta' interoperabbiltà, kompatibbiltà u sikurezza (CPC 9312, 93191).
	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-AT: Il-kooperazzjoni tat-tobba għall-iskop ta' kura tas-saħħa pubblika ambulatorja, hekk imsejħa prattiki ta' grupp, tista' sseħħ biss fil-forma ġuridika ta' Offene Gesellschaft (OG) jew Gesellschaft mit beschränkter Haftung (GmbH). It-tobba biss jistgħu jaġixxu bħala assoċjati ta' dik il-prattika ta' grupp. Huma għandhom ikunu intitolati għal prattika medika indipendenti, ikunu rreġistrati mal-Kamra Medika Awstrijaka u jeżerċitaw attivament il-professjoni medika fil-prattika. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra ma jistgħux jaġixxu bħala assoċjati tal-prattika ta' grupp u ma għandhomx jaqsmu d-dħul jew il-profitti tagħha (parti minn CPC 9312). Fil-DE: Jistgħu jeżistu restrizzjonijiet fuq il-forma ġuridika ta' stabbiliment meħtieġa sabiex jiġu pprovduti dawn is-servizzi (§ 95 SGB V).
Servizzi Veterinarji (CPC 932)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-DE: It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' kura primarja li tinvolvi l-preżenza fiżika minn qabel ta' veterinarju. Fil-DE, fid-DK, fi ES, fil-LV, fin-NL u fis-SK: Il-provvista ta' servizzi veterinarji hija limitata għall-persuni fiżiċi. Fl-IE: Il-provvista ta' servizzi veterinarji hija ristretta għall-persuni fiżiċi jew għas-soċjetajiet. Fl-HU: L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fis-settur.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fir-rigward tal-Investiment: Fil-BG: Stabbiliment mediku veterinarju jista' jiġi stabbilit minn persuna fiżika jew ġuridika. Fi FR: Il-forom ġuridiċi disponibbli għal kumpanija li tipprovdi servizzi veterinarji huma limitati għal SEP (*société en participation*), SCP (*société civile professionnelle*) u SEL (*société d'exercice liberal*).
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BE u fil-LV: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi veterinarji.
Bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi, servizzi oħra pprovduti minn spiżjara (CPC 63211)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BG, fl-EE, u fi ES: Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti farmaċewtiċi huwa pprojbit. Fl-EE: Il-konsenja permezz ta' servizz postali jew express ta' prodotti mediċinali ordnati permezz tal-internet hija pprojbita. Fil-DE, fid-DK, fil-EL, fi ES u fil-LU: Persuni fiżiċi biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u oġġetti mediċi speċifiċi lill-pubbliku. Fil-EL: Spiżjara liċenzjati, u kumpaniji stabbiliti minn spiżjara liċenzjati biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi u oġġetti mediċinali speċifiċi lill-pubbliku. Fil-FI: Mhux marbut għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi. Fl-IT: Il-prattika tal-professjoni hija possibbli biss għal persuni fiżiċi rreġistrati fir-reġistru, kif ukoll għal persuni ġuridiċi fil-forma ta' soċjetajiet, fejn kull soċju tal-kumpanija jrid ikun irreġistrat bħala spiżjar. Fl-SE: Mhux marbut għall-bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi u l-provvista ta' oġġetti farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali.
	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-EL, l-IE, il-LT, il-LU u n-NL: Restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri intitolati li jipprovdu servizz partikolari f'żona speċifika jew post lokali fuq bażi nondiskriminatorja sabiex tiġi evitata l-provvista żejda f'postijiet b'domanda limitata. Għalhekk jista' jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, li jqis fatturi bħall-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni jew il-firxa ġeografika. Fl-AT: Il-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi u oġġetti mediċinali speċifiċi lill-pubbliku jista' jsir biss permezz ta' spiżerija. Fil-BG: Il-maniġers tal-ispiżeriji jridu jkunu spiżjara kkwalifikati u jistgħu jimmaniġġaw spiżerija waħda biss li huma stess jaħdmu fiha. Teżisti kwota għall-għadd ta' spiżeriji li jistgħu jappartjenu lil persuna waħda.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fil-BG u fl-EE: Il-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi u oġġetti mediċinali speċifiċi lill-pubbliku jista' jsir biss permezz ta' spiżerija. Fil-DE: L-għadd totali ta' spiżeriji għal kull persuna huwa limitat għal spiżerija waħda u sa tliet fergħat ta' spiżerija. Fi ES: Spiżjar jista' jkollu biss liċenzja waħda. Fi FR: Il-ftuħ ta' spiżerija jeħtieġ li jkun awtorizzat u l-preżenza kummerċjali, li tinkludi l-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku permezz tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, jeħtieġ li tieħu waħda mill-forom ġuridiċi li huma permessi skont il-liġi nazzjonali fuq bażi nondiskriminatorja: SEL (*société d'exercice liberal*) (*anonyme, à responsabilité limitée* jew *en commandite par actions*), SNC (*société en noms collectifs*), jew SARL (*société à responsabilité limitée*) biss. F'MT: Ebda persuna ma għandu jkollha aktar minn liċenzja waħda f'isimha fi kwalunkwe belt jew raħal (ir-Regolament 5(1) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (LN279/07)), ħlief f'każ fejn ma jkun hemm ebda applikazzjoni ulterjuri għal dik il-belt jew ir-raħal (ir-Regolament 5(2) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (LN279/07)). Fil-PT: F'kumpaniji kummerċjali fejn il-kapital huwa rrappreżentat b'ishma, dawn għandhom ikunu nominattivi. L-ebda persuna ma għandha żżomm jew teżerċita, fl-istess ħin, direttament jew indirettament, is-sjieda, l-operat jew il-ġestjoni ta' aktar minn erba' spiżeriji. Fis-SI: In-network ta' spiżeriji fis-SI jikkonsisti f'istituzzjonijiet ta' spiżeriji pubbliċi, proprjetà tal-muniċipalitajiet, u ta' spiżjara privati b'konċessjoni fejn is-sid maġġoritarju jrid ikun spiżjar.
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BG u fi ES: Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti farmaċewtiċi huwa pprojbit. Fiċ-CZ: Ix-xiri bil-korrispondenza huwa possibbli biss mill-Istati Membri. Fil-BG, fil-LT u fis-SI: Ix-xiri bil-korrispondenza ta' farmaċewtiċi li jirrikjedu riċetta huwa pprojbit.
III-UE-4 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' riċerka u żvilupp (CPC 851, 852, 853)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Għal servizzi ta' riċerka u żvilupp iffinanzjati pubblikament (R&Ż) li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut mill-UE fil-livell tal-UE, id-drittijiet jew l-awtorizzazzjonijiet esklussivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri u lil intrapriżi tal-UE li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-UE (CPC 851, 853). Għal servizzi ta' R&Ż iffinanzjati pubblikament li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut minn Stat Membru, id-drittijiet jew l-awtorizzazzjonijiet esklussivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat u lil intrapriżi tal-Istat Membru kkonċernat li jkollhom is-sede ċentrali tagħhom f'dak l-Istat Membru (CPC 851, 853). Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni tal-akkwist minn Parti, jew ta' sussidji għall-kummerċ fis-servizzi msemmija fl-Artikoli 10.5 (Kamp ta' applikazzjoni) u 11.2 (Kamp ta' applikazzjoni) rispettivament [3].

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi biss Fir-RO: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp.
III-UE-5 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' proprjetà immobbli (CPC 821, 822)	
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fiċ-CZ u fl-HU: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' proprjetà immobbli.
III-UE-6 – Servizzi kummerċjali – Servizzi ta' kiri jew lokazzjoni	
(a) Servizzi ta' kiri jew ta' lokazzjoni mingħajr operaturi (CPC 831)	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-SE: Il-forniturи ta' servizzi ta' kiri jew ta' lokazzjoni ta' karozzi u ċerti vetturi off-road (*terrängmotorfordon*) mingħajr sewwieq, mikrija jew lokati għal perjodu ta' inqas minn sena, huma obbligati jaħtru lil xi ħadd biex ikun responsabbli biex jiżgura, fost affarijiet oħra, li n-negozju jitwettaq f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli u li jiġu segwiti r-regoli dwar is-sikurezza tat-traffiku fit-toroq. Il-persuna responsabbli trid tkun residenti fl-SE.
(b) Servizzi ta' kiri jew ta' lokazzjoni mingħajr operaturi li jikkonċernaw oġġetti personali u domestiċi (CPC 832)	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BE u fi FR: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' lokazzjoni jew ta' kiri mingħajr operatur li jikkonċernaw oġġetti personali u domestiċi.
III-UE-7 – Servizzi Kummerċjali	
(a) Servizzi tal-kompjuters u servizzi relatati (CPC 84) ([4])	Xejn
(b) Servizzi ta' riċerka tas-suq u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 864)	Xejn
(c) Servizzi ta' konsulenza maniġerjali (CPC 865) u Servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali (CPC 866)	Xejn

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(d) Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)	Fir-rigward tal-Investiment Fi FR: Għall-istħarriġ, aċċess permezz ta' SEL (*société d'exercice liberal*) (*anonyme, à responsabilité limitée* jew *en commandite par actions*), SCP (*société civile professionnelle*), SA (*société anonyme*) u SARL (*société à responsabilité limitée*) biss. L-investituri barranin huma meħtieġa li jkollhom awtorizzazzjoni speċifika għas-servizzi ta' esplorazzjoni u prospettar.
(e) Servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi (CPC 8676)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BG: L-ittestjar u l-analiżi tal-kompożizzjoni u l-purità tal-arja u tal-ilma jistgħu jsiru biss mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Ilma tal-BG, jew mill-aġenziji tiegħu f'kooperazzjoni mal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi. Fi FR u fil-PT: Il-professjoni ta' bijologu hija riżervata għall-persuni fiżiċi.
(f) Servizzi ta' reklamar (CPC 871)	Xejn
(g) Servizzi ta' Kollokament (CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-HU u tal-SE: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' għajnuna domestika, ħaddiema kummerċjali jew industrijali oħra, infermiera u persunal ieħor (CPC 87204, 87205, 87206, 87209). Fl-AT, fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fl-EE, fil-FI, f'MT, fil-PL, fil-PT, fir-RO, fis-SI u fis-SK: Mhux marbut għall-istabbiliment ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ fl-uffiċċji u ħaddiema oħra (CPC 87202). Fl-LV u fil-LT: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ fl-uffiċċji (CPC 87202). Fi DE u fl-IT: Restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri ta' servizzi ta' kollokament. Fi FR: Is-servizzi ta' kollokament jistgħu jkunu suġġetti għal monopolju tal-Istat. Fil-DE: Il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jista' joħroġ regolament li jillimita l-kollokament u r-reklutaġġ ta' persunal mhux tal-UE jew mhux taż-ŻEE għal professjonijiet speċifikati (CPC 87202). Fl-AT, fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fil-DE, fil-FI, fl-EE, f'MT, fil-LV, fil-LT, fil-PL, fil-PT, fir-RO, fis-SI u fis-SK: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' provvista ta' persunal ta' appoġġ fl-uffiċċji (CPC 87203). Fl-IT: Restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri ta' servizzi ta' provvista ta' persunal tal-uffiċċju (87203). Fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fil-DE, fl-EE, fil-FI, f'MT, fil-LV, fil-LT, fil-PL, fil-PT, fir-RO, fis-SI u fis-SK: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' tiftix ta' eżekuttivi (87201).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fir-rigward tal-Investiment: Fil-BE: Fir-reġjun ta' Wallonia, tip speċifiku ta' entità ġuridika regolarment ikkostitwita fil-forma ta' persuna ġuridika li jkollha forma kummerċjali, jew skont il-liġi Belġjana, jew skont il-liġi ta' Stat Membru jew regolata minnu, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha (*régulièrement constituée sous la forme d'une personne morale ayant une forme commerciale, soit au sens du droit belge, soit en vertu du droit d'un Etat membre ou régie par celui-ci, quelle que soit sa forme juridique*) hija meħtieġa tipprovdi servizzi ta' kollokament (CPC 87202). Fi ES: Restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri ta' servizzi ta' tiftix ta' eżekuttivi, u servizzi ta' kollokament (CPC 87201, 87202).
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-BE, tal-HU u tal-SE: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ fl-uffiċċji u ħaddiema oħra (CPC 87202). Fi FR, fl-IE, fl-IT u fin-NL: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ fl-uffiċċji (CPC 87203). Fl-IE: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera tal-provvista ta' servizzi ta' tiftix ta' eżekuttivi (CPC 87201).
(h) Servizzi tas-sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304, 87305, 87309)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fl-EE, fil-LT, fil-LV, f'MT, fil-PL, fir-RO, fis-SI u fis-SK: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi tas-sigurtà. Fid-DK, fil-HR u fl-HU: Mhux marbut għall-provvista tas-subsetturi li ġejjin: servizzi ta' gwardji (CPC 87305) fil-HR u fl-HU, servizzi ta' konsulenza dwar is-sigurtà (CPC 87302) fil-HR, servizzi ta' gwardji tal-ajruporti (parti minn CPC 87305) fid-DK u servizzi ta' karozzi blindati (CPC 87304) fl-HU.
	Fir-rigward tal-Investiment: Fid-DK: Rekwiżit ta' residenza għal persuna fiżika li tapplika għal awtorizzazzjoni biex twettaq servizz tas-sigurtà u għall-maniġers u l-maġġoranza tal-membri tal-bord ta' entità ġuridika li tapplika għal awtorizzazzjoni biex twettaq servizzi tas-sigurtà. Madankollu, ir-residenza ma hijiex meħtieġa sakemm tirriżulta minn ftehimiet jew ordnijiet internazzjonali maħruġa mill-Ministru tal-Ġustizzja.
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BE, fi ES, fil-FI, fi FR u fil-PT: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tas-sigurtà.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(i) Servizzi ta' investigazzjoni (CPC 87301)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: bl-eċċezzjoni tal-AT u tal-SE: Mhux marbut Fil-LT u fil-PT: Is-servizzi ta' investigazzjoni huma monopolju riżervat għall-Istat.
(j) Servizzi ta' tindif tal-bini (CPC 874)	Xejn
(k) Servizzi fotografiċi (CPC 875)	Xejn
(l) Servizzi ta' ppakkjar (CPC 876)	Xejn
(m) Servizzi ta' rapportar tal-kreditu, servizzi ta' aġenzija tal-ġbir (CPC 87901, 87902)	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' ES, tal-LV u tal-SE: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u servizzi ta' rapportar tal-kreditu.
(n) Servizzi tat-tweġib tat-telefon (CPC 87903)	Xejn
(o) Servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904)	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-HU: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' duplikazzjoni.
(p) Servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni (CPC 87905)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BG: Huwa meħtieġ kuntratt mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għal traduzzjonijiet uffiċjali pprovduti minn aġenziji tat-traduzzjoni. F'CY: Hija meħtieġa r-reġistrazzjoni fir-reġistru tat-tradutturi sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' traduzzjoni u ċertifikazzjoni uffiċjali. Fl-HU: Traduzzjonijiet uffiċjali, ċertifikazzjonijiet uffiċjali ta' traduzzjonijiet, u kopji ċċertifikati ta' dokumenti uffiċjali f'lingwi barranin għandhom jiġu pprovduti biss mill-Uffiċċju Ungeriż għat-Traduzzjoni u l-Attestazzjoni (OFFI). Fil-PL: Persuni fiżiċi biss għandhom ikunu tradutturi ġuramentati.
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-HR: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera tat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni ta' dokumenti uffiċjali.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(q) Servizzi ta' kompilazzjoni ta' listi postali u servizzi postali (CPC 87906)	Xejn
(r) Servizzi ta' disinni speċjalizzati (CPC 87907)	Xejn
(s) Servizzi kummerċjali oħrajn mhux ikklassifikati xi mkien ieħor (CPC 87909)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-SE: Il-pjan ekonomiku għal kumpanija tal-bini għandu jkun iċċertifikat minn żewġ persuni. Dawn il-persuni għandhom ikunu approvati pubblikament minn awtoritajiet fiż-ŻEE.
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-SE: Il-ħwienet tal-oġġetti b'rahan għandhom ikunu stabbiliti bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata jew bħala fergħa.
(t) Servizzi ta' tiswija inċidentali għal prodotti tal-metall, makkinarju u tagħmir (CPC 886 minbarra 8868)	Xejn
(u) Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti, tagħmir tat-trasport bil-ferrovija u inġenji tal-ajru u partijiet minnhom (parti minn CPC 86764, 86769, 8868)	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-DE, tal-EE u tal-HU: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport minn barra t-territorju tagħha. Fl-UE, bl-eċċezzjoni taċ-CZ, l-EE, l-HU, il-LU u s-SK: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti tat-trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni minn barra t-territorju tagħha. Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-EE, tal-HU u tal-LV: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti marittimi minn barra t-territorju tagħha. Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-AT, l-EE, l-HU, il-LV u l-PL: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' inġenji tal-ajru u partijiet minnhom minn barra t-territorju tagħha (parti minn CPC 86764, 86769, 8868). Fl-UE: L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti awtorizzati fl-UE biss għandhom iwettqu stħarriġ u ċertifikazzjoni statutorji tal-bastimenti f'isem l-Istati Membri. Jista' jkun meħtieġ stabbiliment.
(v) Servizzi Kummerċjali Oħrajn (parti minn CPC 88493, parti minn 893, ISIC 37)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fin-NL: L-imbollar ta' oġġetti tal-metall prezzjuż huwa attwalment mogħti esklussivament lil żewġ monopolji Netherlandiżi pubbliċi (parti minn CPC 893). Fiċ-CZ: Kumpanija awtorizzata tal-imballaġġ tista' tipprovdi biss servizzi relatati mat-teħid lura u l-irkupru ta' imballaġġ u għandha tkun persuna ġuridika stabbilita bħala kumpanija b'ishma konġunti (CPC 88493, ISIC 37).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
III-UE-8 – Servizzi ta' komunikazzjoni	
(a) Servizzi postali u ta' kurrier (parti minn CPC 71235, parti minn 73210, parti minn 751)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: l-organizzazzjoni tat-tqegħid tal-kaxxi tal-ittri fuq l-awtostrada pubblika, il-ħruġ ta' bolol postali u l-provvista tas-servizz ta' posta reġistrata użat matul proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi tista' tiġi ristretta f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Jistgħu jiġu stabbiliti sistemi ta' liċenzjar għal dawk is-servizzi li għalihom jeżisti obbligu ġenerali ta' servizz universali. Dawn il-liċenzji jistgħu jkunu suġġetti għal obbligi partikolari ta' servizz universali jew kontribuzzjoni finanzjarja għal fond ta' kumpens.
(b) Telekomunikazzjonijiet (CPC 752, 753, 754)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BE: Mhux marbut għas-servizzi ta' trażmissjoni permezz ta' xandir bis-satellita.
III-UE-9 – Kostruzzjoni (CPC 511, 512, 513, 514, 515, 516, 517 u 518)	Xejn
III-UE-10 – Servizzi ta' Distribuzzjoni	
(a) Servizzi ta' Distribuzzjoni (CPC 3546, 631, 632 ħlief 63211, 63297, 62276, parti minn 621)	Fir-rigward tal-Investiment: Fil-PT: Teżisti skema ta' awtorizzazzjoni speċifika għall-installazzjoni ta' ċerti stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut u ċentri tax-xiri. Din tirrigwarda ċentri tax-xiri li għandhom erja grossa li tista' tinkera ta' 8 000 m^2 jew akbar, u stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut li għandhom erja ta' bejgħ ta' 2 000 m^2 jew aktar, meta jkunu jinsabu barra miċ-ċentri kummerċjali. Kriterji ewlenin: il-kontribut għal għadd kbir ta' offerti kummerċjali, il-valutazzjoni tas-servizzi lill-konsumatur, il-kwalità tal-impjiegi u r-responsabbiltà soċjali korporattiva, l-integrazzjoni fl-ambjent urban u l-kontribut għall-ekoeffiċjenza (CPC 631, 632 ħlief 63211, 63297).
(b) Distribuzzjoni ta' farmaċewtiċi (CPC 62117, 62251, 8929)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-FI: Mhux marbut għad-distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi (CPC 62117, 62251, 8929).
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BG: Mhux marbut għad-distribuzzjoni transfruntiera bl-ingrossa ta' farmaċewtiċi (CPC 62251).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(c) Distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku (parti minn CPC 62112, 62226, 63107, 8929)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-FI: Mhux marbut għad-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku (parti minn CPC 62112, 62226, 63107, 8929). Fl-SE: Systembolaget AB għandha monopolju governattiv fuq il-bejgħ bl-imnut ta' likur, inbid u birra (minbarra l-birra mhux alkoħolika). Ix-xarbiet alkoħoliċi huma xarbiet b'kontenut tal-alkoħol 'il fuq minn 2,25 fil-mija skont il-volum. Għall-birra, il-limitu huwa kontenut tal-alkoħol 'il fuq minn 3,5 fil-mija skont il-volum (parti minn CPC 631).
(d) Distribuzzjoni tat-tabakk (parti minn CPC 6222, 62228, parti minn 6310, 63108)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-AT: persuni fiżiċi biss jistgħu japplikaw għal awtorizzazzjoni biex joperaw bħala bejjiegħa tat-tabakk (CPC 63108). Fi ES: Persuni fiżiċi biss jistgħu joperaw bħala bejjiegħa tat-tabakk. Kull bejjiegħ tat-tabakk għandu jikseb biss liċenzja waħda (CPC 63108). Hemm monopolju tal-istat fuq il-bejgħ bl-imnut tat-tabakk. Fi FR: Monopolju tal-Istat fuq il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tat-tabakk (parti minn CPC 6222, parti minn 6310). Fl-IT: Hija meħtieġa liċenzja għad-distribuzzjoni u l-bejgħ tat-tabakk. Il-liċenzja tingħata permezz ta' proċeduri pubbliċi. L-għoti tal-liċenzji huwa suġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: id-densità tal-popolazzjoni u ġeografika tal-punti tal-bejgħ eżistenti (parti minn CPC 6222, parti minn 6310).
(e) Distribuzzjoni u bejgħ bl-imnut ta' fjuwils solidi, likwidi u gassużi u prodotti relatati (CPC 613, 62271, 63297)	Fir-rigward tal-Investiment: F'CY: Mhux marbut għas-servizzi tal-bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni, elettriku u gass mhux ibbottiljat sa fejn l-investitur ikun ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika ta' pajjiż mhux tal-UE li jammonta għal aktar minn 5 fil-mija tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali tal-UE.
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: F'CY: Mhux marbut għall-bejgħ bl-imnut transfruntier ta' żejt fjuwil u gass ibbottiljat għajr permezz tal-bejgħ bil-korrispondenza.
(f) Distribuzzjoni oħra (parti minn CPC 621, 62228, 62251, parti minn 62272, 62276, 63108, parti minn 6329)	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BG: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi pprovduti minn sensara tal-komoditajiet, distribuzzjoni bl-ingrossa ta' prodotti kimiċi, metalli u ġebel prezzjużi, sustanzi u prodotti mediċi u oġġetti għall-użu mediku; tabakk u prodotti tat-tabakk u xorb alkoħoliku.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
III-UE-11 – Servizzi Edukattivi (CPC 92) (Servizzi ffinanzjati mill-privat biss)	
	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Fejn hija permessa l-provvista ta' servizzi edukattivi ffinanzjati mill-privat minn fornitur barrani, il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fis-sistema edukattiva tista' tkun suġġetta għal konċessjonijiet allokati fuq bażi nondiskriminatorja. Fl-UE: Mhux marbut għal servizzi edukattivi oħra (CPC 929). Fl-SE: Mhux marbut għal forniturі ta' servizzi edukattivi approvati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu l-edukazzjoni. Din ir-riżerva tapplika għal forniturі ta' servizzi edukattivi ffinanzjati mill-privat li jirċievu xi forma ta' appoġġ mill-Istat, bħal pereżempju forniturі ta' servizzi edukattivi rikonoxxuti mill-Istat, forniturі ta' servizzi edukattivi li huma taħt is-superviżjoni tal-Istat jew l-edukazzjoni li tintitola għal appoġġ għall-istudju (CPC 92). F'CY, fil-FI, f'MT u fir-RO: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi tal-edukazzjoni primarja, sekondarja u għall-adulti ffinanzjati mill-privat (CPC 921, 922, 924). Fl-AT, fil-BG, f'CY, fil-FI, f'MT u fir-RO: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi tal-edukazzjoni għolja ffinanzjati mill-privat (CPC 923). Fl-AT: Il-provvista ta' servizzi edukattivi ta' livell universitarju ffinanzjati mill-privat fil-qasam tax-xjenzi applikati tirrikjedi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, il-Kunsill għall-Edukazzjoni Għolja (Fachhochschulrat). Investitur li jkun jixtieq jipprovdi programm ta' studju tax-xjenza applikata jrid ikollu l-provvista ta' dawk il-programmi bħala n-negozju primarju tiegħu, u jrid jissottometti valutazzjoni tal-ħtiġijiet u stħarriġ tas-suq biex il-programm ta' studju propost jiġi aċċettat. Il-Ministeru kompetenti għandu jiċħad awtorizzazzjoni jekk jiġi ddeterminat li l-programm huwa inkompatibbli mal-interessi edukattivi nazzjonali. L-applikant għal università privata jirrikjedi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti (il-Kunsill Awstrijak ta' Akkreditazzjoni). Il-Ministeru kompetenti jista' jiċħad l-approvazzjoni jekk id-deċiżjoni tal-awtorità ta' akkreditazzjoni ma tikkonformax mal-interessi edukattivi nazzjonali (CPC 923). F'MT: Il-forniturі ta' servizzi li jixtiequ jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni għolja jew għall-adulti ffinanzjati mill-privat iridu jiksbu liċenzja mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjieg. Id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinħareġ liċenzja tista' tkun diskrezzjonali (CPC 923, 924).
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BG: Is-servizzi tal-edukazzjoni primarja u sekondarja ffinanzjati mill-privat jistgħu jiġu pprovduti biss minn intrapriżi Bulgari awtorizzati li għalihom hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali. Fil-BG, fl-IT, u fis-SI: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-edukazzjoni primarja ffinanzjati mill-privat (CPC 921). Fil-BG u fl-IT: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-edukazzjoni sekondarja ffinanzjati mill-privat (CPC 922).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fl-AT: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-edukazzjoni għall-adulti ffinanzjati mill-privat permezz tax-xandir bir-radju jew televiżiv (CPC 924).
	Fir-rigward tal-Investiment: Fi ES u fl-IT: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni sabiex tinfetaħ università ffinanzjata mill-privat li toħroġ diplomi jew lawrji rikonoxxuti. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità ta' stabbilimenti eżistenti. Fi ES: Il-proċedura tinvolvi l-kisba tal-parir tal-Parlament. Fis-SK: Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, u l-għadd ta' skejjel li jiġu stabbiliti jista' jkun limitat mill-awtoritajiet lokali, għall-fornituri tas-servizzi tal-edukazzjoni kollha ffinanzjati mill-privat minbarra s-servizzi tal-edukazzjoni teknika u vokazzjonali postsekondarja (CPC 921, 922, 923 minbarra 92310, 924). Fil-EL: L-edukazzjoni fil-livell universitarju għandha tiġi pprovduta esklussivament minn istituzzjonijiet li huma persuni ġuridiċi kompletament awtonomi u rregolati mil-liġi pubblika.
III-UE-12 – Servizzi Ambjentali (CPC 9401, 9402, 9403, 9406)	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-DE: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-immaniġġjar tal-iskart, minbarra servizzi ta' konsulenza u fir-rigward ta' servizzi relatati mal-protezzjoni tal-ħamrija u l-immaniġġjar ta' ħamrija kontaminata, minbarra s-servizzi ta' konsulenza.
III-UE-13 – Servizzi Soċjali u tas-Saħħa (Servizzi ffinanzjati mill-privat biss)	
Servizzi tas-saħħa – sptar, ambulanza, servizzi tas-saħħa residenzjali (CPC 93, 931 minbarra 9312, parti minn 93191, 9311, 93192, 93193, 93199)	Fir-rigward tal-Investiment u s-Servizzi Transfruntiera: Fl-UE: Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-network tas-saħħa ffinanzjat mill-privat tista' tkun suġġetta għal konċessjoni fuq bażi nondiskriminatorja. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika u l-holqien ta' impjiegi ġodda. Fl-AT, fis-SI, u fil-PL: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi tal-ambulanza ffinanzjati mill-privat (CPC 93192). Fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fil-FI, f'MT u fis-SK: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' sptar, ta' ambulanza u tas-saħħa residenzjali ffinanzjati mill-privat minbarra servizzi ta' sptar (CPC 9311, 93192, 93193). Fil-BE: Mhux marbut għall-provvista u l-istabbiliment ta' servizzi ta' ambulanza u ta' faċilitajiet tas-saħħa residenzjali ffinanzjati mill-privat minbarra servizzi fl-isptar (CPC 93192, 93193). Fil-FI: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi oħra tas-saħħa tal-bniedem (CPC 93199). Fil-DE: Mhux marbut għall-provvista tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-DE, jekk is-servizzi jiġu pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi li għalhekk ma humiex servizzi mwettqa esklussivament fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fil-DE: Is-servizzi ta' salvataġġ u s-servizzi ta' ambulanza kwalifikati huma organizzati u regolati mil-Länder. Il-biċċa l-kbira tal-Länder jiddelegaw il-kompetenzi fil-qasam tas-servizzi ta' salvataġġ lill-muniċipalitajiet. Il-muniċipalitajiet jistgħu jagħtu prijorità lil operaturi mingħajr skop ta' qligħ. Is-servizzi tal-ambulanzi huma suġġetti għall-ippjanar, il-permess u l-akkreditament. It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' kura primarja li tinvolvi l-preżenza fiżika minn qabel ta' tabib. L-għadd ta' forniturі ta' servizzi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jista' jiġi limitat sabiex jiġu ggarantiti l-interoperabbiltà, il-kompatibbiltà u l-istandards tas-sigurtà meħtieġa. Fis-SI: Monopolju tal-Istat huwa riżervat għas-servizzi li ġejjin: Il-provvista tad-demm, il-preparazzjonijiet tad-demm, it-tneħħija u l-preservazzjoni ta' organi umani għat-trapjanti, għas-servizzi soċjomediċi, tal-iġjene, għas-servizzi epidemjoloġiċi u tas-saħħa ekoloġiċi, għas-servizzi patoanatomiċi u għall-prokreazzjoni bijomedikament assistita (CPC 931).
	Fir-rigward tal-Investiment: Fil-DE: Mhux marbut għas-sjieda ta' sptarijiet iffinanzjati mill-privat immexxija mill-Forzi Ġermaniżi. Fil-DE: Mhux marbut fir-rigward tan-nazzjonalizzazzjoni ta' sptarijiet ewlenin oħrajn iffinanzjati mill-privat. (CPC 93110) Fi FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom ġuridiċi huma disponibbli għall-investituri mill-UE, l-investituri minn barra l-UE għandhom aċċess biss għall-forom ġuridiċi ta' SELAS (*société d'exercice liberal*) u SCP (*société civile professionnelle*). Provvista permezz ta' SEL (*société d'exerce liberal*) (*anonyme, à responsabilité limitée* jew *en commandite par actions*) jew SCP biss għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel u s-servizzi mill-infermiera. Għas-servizzi ta' sptarijiet u ambulanzi, il-faċilitajiet ta' saħħa residenzjali minbarra servizzi ta' sptarijiet u servizzi soċjali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet ta' maniġment. Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tqis id-disponibbiltà ta' maniġers lokali.
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fi FR: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' analiżi u ttestjar fil-laboratorju ffinanzjati mill-privat (parti minn CPC 9311).
Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-HU: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tas-saħħa minn barra t-territorju tagħha, il-provvista transfruntiera ta' servizzi soċjali minn barra t-territorju tagħha, kif ukoll attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku ta' rtirar jew minn sistema statutorja ta' sigurtà soċjali. Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-provvista tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, u psikologi, li huma koperti b'riżervi oħra (CPC 931 minbarra 9312, parti minn 93191). Fl-HU: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera minn barra t-territorju tagħha tas-servizzi kollha tal-isptar, tal-ambulanza u tas-saħħa residenzjali minbarra s-servizzi tal-isptar, li jirċievu finanzjament pubbliku (CPC 9311, 93192, 93193).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Servizzi soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Mhux marbut għal attivitajiet jew għal servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku ta' rtirar jew minn sistema statutorja tas-sigurtà soċjali. Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-network soċjali ffinanzjat mill-privat tista' tkun suġġetta għal konċessjoni fuq bażi nondiskriminatorja. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Fiċ-CZ, fil-FI, fl-HU, f'MT, fil-PL, fir-RO, fis-SK u fis-SI: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi soċjali ffinanzjati mill-privat. Fil-BE, f'CY, fil-DE, fid-DK, fil-EL, fi ES, fi FR, fl-IE, fl-IT u fil-PT: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi soċjali ffinanzjati mill-privat minbarra servizzi relatati mad-djar tal-konvalexxenza u tal-mistrieħ u d-djar tal-anzjani. Fil-DE: Mhux marbut għas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi huma pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi u jistgħu b'hekk ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' servizzi mwettqa esklussivament fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva.
	Fir-rigward tal-Investiment biss: Fil-HR: L-istabbiliment ta' xi faċilitajiet ta' kura soċjali ffinanzjati mill-privat jista' jkun suġġett għal limiti bbażati fuq il-ħtiġijiet f'żoni ġeografiċi partikolari (CPC 9311, 93192, 93193, 933).
III-UE-14 – Servizzi relatati mat-Turiżmu u l-Ivvjaġġar	
	Fir-rigward tal-Investiment: Fil-BG: Hija meħtieġa inkorporazzjoni (ebda fergħa) (CPC 7471, 7472).
III-UE-15 – Servizzi ta' Rikreazzjoni, Kultura u Sport	
(a) Servizzi ta' libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra (CPC 963)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE, minbarra l-AT u, għall-investiment, fil-LT: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra. Fl-AT u fil-LT: tista' tkun meħtieġa liċenzja jew konċessjoni għall-istabbiliment.
(b) Servizzi ta' divertiment, teatru, live bands u servizzi taċ-ċirku (CPC 9619, 964 minbarra 96492)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: F'CY, fiċ-CZ, fil-FI, f'MT, fil-PL, fir-RO, fis-SI u fis-SK: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' divertiment, inklużi servizzi ta' teatru, live bands, taċ-ċirku u tad-diskoteki.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fil-BG: Mhux marbut għall-provvista tas-servizzi ta' divertiment li ġejjin: servizzi taċ-ċirku, tal-parks tad-divertiment u servizzi ta' attrazzjoni simili, servizzi ta' swali taż-żfin, diskoteki u ta' tagħlim taż-żfin u servizzi ta' divertiment oħra. Fl-EE: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi oħra ta' divertiment ħlief għas-servizzi tat-teatri taċ-ċinema. Fil-LT u fil-LV: Mhux marbut għall-provvista tas-servizzi kollha ta' divertiment minbarra s-servizzi tat-tħaddim tat-teatri taċ-ċinema.
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-AT u tal-SE: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' divertiment, inklużi servizzi tat-teatru, ta' live bands, taċ-ċirku u tad-diskoteki.
(c) Servizzi ta' aġenziji tal-aħbarijiet (CPC 962)	Xejn
(d) Servizzi tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri (CPC 96492)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' MT: Mhux marbut għall-provvista ta' attivitajiet tal-logħob tal-azzard, li jinvolvu mħatri b'valur pekunarju f'logħob tal-azzard, inklużi b'mod partikolari l-lotteriji, l-iscratch cards, is-servizzi tal-logħob tal-azzard offruti fil-casinos, l-arcades jew il-bini liċenzjat tal-logħob tal-azzard, is-servizzi tal-imħatri, is-servizzi tat-tombla u s-servizzi tal-logħob tal-azzard operati minn organizzazzjonijiet tal-karità jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, u għall-benefiċċju tagħhom. Din ir-riżerva ma tapplikax għal logħob tal-ħila, magni tal-logħob tal-azzard li ma jagħtux premji jew li jagħtu premji biss fil-forma ta' logħob bla ħlas, u logħob promozzjonali, li l-iskop esklussiv tiegħu huwa li jinkoraġġixxi l-bejgħ ta' oġġetti jew ta' servizzi li ma humiex koperti minn din l-esklużjoni.
III-UE-16 – Servizzi tat-trasport u servizzi awżiljarji tat-trasport	
(a) Trasport bil-baħar (i) Trasport internazzjonali tal-passiġġieri (CPC 7211 minbarra t-trasport tal-kabotaġġ nazzjonali) (ii) Trasport internazzjonali tal-merkanzija (CPC 7212 minbarra t-trasport tal-kabotaġġ nazzjonali)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-LV u ta' MT: Mhux marbut għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' bastiment u l-operat ta' flotta taħt il-bandiera nazzjonali tal-Istat tal-istabbiliment (l-attività kummerċjali kollha tal-baħar imwettqa minn bastiment tat-tbaħħir, inklużi s-sajd, l-akkwakultura, u s-servizzi inċidentali għas-sajd; trasport internazzjonali ta' passiġġieri u ta' merkanzija (CPC 721); u servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu). F'MT: Jeżistu drittijiet esklussivi għall-konnessjoni marittima ta' MT mal-Ewropa kontinentali permezz tal-IT (CPC 7213, 7214, parti minn 742, 745, parti minn 749). Fil-BG: Servizzi pprovduti lil bastimenti mingħajr ekwipaġġ f'portijiet u mħażen Bulgari fuq ix-xmara Danubju huma pprovduti biss minn intrapriżi Bulgari (l-inkorporazzjoni hija meħtieġa). L-għadd ta' forniturі tas-servizzi fil-portijiet jista' jkun limitat skont il-kapaċità oġġettiva tal-port, li tiġi deċiża minn kummissjoni esperta, stabbilita mill-Ministru tat-Trasport, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ISIC 0501, 0502; CPC 5133, 5223, 721, 722, 74520, 74540, 74590, 882).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Rigward is-servizzi ta' appoġġ għat-trasport pubbliku mwettqa fil-portijiet Bulgari, f'portijiet li għandhom importanza nazzjonali, id-dritt ta' twettiq tal-attivitajiet ta' appoġġ jingħata permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni. F'portijiet ta' importanza reġjonali, dan id-dritt jingħata permezz ta' kuntratt ma' sid il-port (CPC 74520, 74540 u 74590).
(b) Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu u t-trasport fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' pilotaġġ u ta' rmiġġ. Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-LT u tal-LV: Mhux marbut għas-servizzi ta' mbuttar u rmonkar (CPC 7452). Fil-BE: Is-servizzi tal-maniġġ tal-merkanzija jistgħu jiġu operati biss minn ħaddiema akkreditati, eliġibbli biex jaħdmu f'żoni tal-port indikati b'digriet reġju (CPC 741).
	Fir-rigward tal-Investiment: Fil-EL: Monopolju pubbliku impost f'żoni tal-port għas-servizzi tal-maniġġ tal-merkanzija (CPC 745). Fil-LT: Persuni ġuridiċi biss tal-LT jew persuni ġuridiċi ta' Stat Membru b'fergħat fil-LT li għandhom ċertifikat maħruġ mill-Amministrazzjoni Litwana għas-Sikurezza Marittima jistgħu jipprovdu servizzi ta' pilotaġġ u ta' rmiġġ, ta' mbuttar u rmonkar (CPC 7452).
(c) Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Mhux marbut għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bil-ferrovija (CPC 711). Fil-LT: Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija huma suġġetti għal monopolju tal-Istat (CPC 86764, 86769, parti minn 8868). Fl-SE: Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija huma suġġetti għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta investitur ikollu l-ħsieb li jistabbilixxi l-faċilitajiet tal-infrastruttura tat-terminal tiegħu stess. Kriterji ewlenin: limitazzjonijiet ta' spazju u kapacità (CPC 86764, 86769, parti minn 8868).
(d) Trasport bit-triq (trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi internazzjonali ta' trasport bit-trakkijiet) u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Mhux marbut għat-trasport bit-triq (trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi internazzjonali tat-trasport bit-trakkijiet). Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE: Mhux marbut għall-kabotaġġ fi Stat Membru minn investituri barranin stabbiliti fi Stat Membru ieħor (CPC 712). Fl-UE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jista' japplika għas-servizzi tat-taksi fl-UE biex jiġi stabbilit limitu fuq l-għadd ta' fornituri tas-servizzi. Kriterju ewlieni: id-domanda lokali kif prevista fil-liġijiet applikabbli (CPC 71221).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fl-AT: Għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklussivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri u lil persuni ġuridiċi tal-UE li għandhom is-sede ċentrali taghhom fl-UE (CPC 712). Fil-BE: Għadd massimu ta' liċenzji jista' jiġi stabbilit bil-liġi (CPC 71221). Fil-BG: Għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklussivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini ta' Stat Membru u lil persuni ġuridiċi tal-UE li għandhom is-sede ċentrali taghhom fl-UE. Hija meħtieġa inkorporazzjoni (CPC 712). Fi ES: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika għat-trasport tal-passiġġieri, għas-servizzi pprovduti skont CPC 7122. Kriterju ewlieni: id-domanda lokali. Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn il-bliet. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Fi FR: Investituri mhux tal-UE ma humiex permessi jipprovdu servizzi ta' karozzi tal-linja bejn il-bliet (CPC 712). Fl-IE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 7121, 7122). Fl-IT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jiġi applikat għas-servizzi tal-limousine. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija. Kriterji ewlenin: id-domanda lokali (CPC 712). Fil-LV: Għas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, hija meħtieġa awtorizzazzjoni, li ma hijiex estiża għal vetturi rreġistrati barra. L-entitajiet stabbiliti huma meħtieġa jużaw vetturi rreġistrati fil-pajjiż (CPC 712). F'MT: Għas-servizz pubbliku tal-karozzi tal-linja: In-network kollu huwa suġġett għal konċessjoni li tinkludi ftehim dwar Obbligu ta' Servizz Pubbliku biex jinqdew ċerti setturi soċjali (bħall-istudenti u l-anzjani) (CPC 712). F'MT: Għat-taxis, japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq l-għadd ta' liċenzji. Għall-*Karozzini*: japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq in-numru ta' liċenzji (CPC 712). Fil-PT: Għat-trasport tal-passiġġieri, jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-provvista ta' servizzi ta' limousine. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 712).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fis-SK: Għat-trasport tal-merkanzija, jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: id-domanda lokali (CPC 712). Fl-SE: Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bit-triq huma suġġetti għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta investitur ikollu l-ħsieb li jistabbilixxi l-faċilitajiet tal-infrastruttura tat-terminal tiegħu stess. Kriterji ewlenin: limitazzjonijiet ta' spazju u kapacità (CPC 86764, 86769, parti minn 8867). Fl-SE: Biex tiġi eżerċitata l-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq, hija meħtieġa liċenzja Żvediża. Il-liċenzji jingħataw b'termini nondiskriminatorji, ħlief li l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq jistgħu bħala regola ġenerali jużaw biss vetturi li huma rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tat-traffiku tat-triq. Jekk vettura tkun irreġistrata barra mill-pajjiż, u tkun proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika li r-residenza prinċipali tagħha tkun barra mill-pajjiż u tinġieb fl-SE għal użu temporanju, il-vettura tista' tintuża temporanjament fl-SE. L-operaturi tas-servizzi transfruntiera tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq barra mill-pajjiż jeħtieġ li jkunu liċenzjati għal dawk l-operazzjonijiet mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż fejn ikunu stabbiliti. Jistgħu jiġu rregolati rekwiżiti addizzjonali għall-kummerċ transfruntier fi ftehimiet bilaterali dwar it-trasport bit-triq. Għal vetturi fejn ma japplika l-ebda ftehim bilaterali, hija meħtieġa wkoll liċenzja mill-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (CPC 712).
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-BG: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' appoġġ għat-trasport bit-triq (CPC 744).
(e) Servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport bl-ajru (CPC 7461, 7469, 83104)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Għas-servizzi ta' groundhandling, jista' jkun meħtieġ stabbiliment fit-territorju tal-UE. Il-livell ta' aċċess miftuħ għas-servizzi ta' groundhandling jiddependi mid-daqs tal-ajruport. L-għadd ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat. Għall-ajruporti l-kbar, dan il-limitu ma jistax ikun inqas minn żewġ fornituri. Fir-rigward tal-Investiment: Fil-PL: Għas-servizzi tal-ħżin ta' oġġetti ffriżati jew imkessħa u servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' likwidi jew gassijiet fl-ajruporti, il-possibbiltà li jiġu pprovduti ċerti kategoriji ta' servizzi tiddependi mid-daqs tal-ajruport. L-għadd ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat minħabba restrizzjonijiet ta' spazju, u għal mhux inqas minn żewġ fornituri għal raġunijiet oħra (parti minn CPC 742).
(f) Trasport fl-ispazju u kiri ta' inġenji tal-ispazju	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Mhux marbut għas-servizzi tat-trasport permezz tal-ispazju u l-kiri ta' inġenji tal-ispazju (CPC 733, parti minn 734).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(g) Provvista ta' Servizzi ta' Trasport Ikkombinat	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Bl-eċċezzjoni tal-FI: huma biss it-trasportaturi fuq distanzi twal stabbiliti fi Stat Membru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-professjoni u l-aċċess għas-suq għat-trasport ta' merkanzija bejn l-Istati Membri li jistgħu, fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat bejn l-Istati Membri, jwettqu partijiet inizjali jew finali tat-trasport fuq distanzi twal bit-triq li jiffurmaw parti integrali mill-operazzjoni ta' trasport ikkombinat u li jistgħu jinkludu l-qsim ta' fruntiera jew le. Japplikaw il-limitazzjonijiet li jaffettwaw kwalunkwe mod partikolari ta' trasport. Jistgħu jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li t-taxxi fuq il-vetturi bil-mutur applikabbli għall-vetturi tat-triq użati għat-trasport ikkombinat jitnaqqsu jew jiġu rimborżati (CPC 711, 712, 7212, 7222, 741, 742, 743, 744, 745, 748, 749).
III-UE-17 – Agrikoltura, sajd, ilma, manifattura	
(a) L-agrikoltura, il-kaċċa, il-forestrija u s-servizzi inċidentali għall-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija (ISIC 01, 02, CPC 881)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-HR: Mhux marbut għall-attivitajiet agrikoli u ta' kaċċa. Fl-HU: Mhux marbut għall-attivitajiet agrikoli (ISIC 011, 012, 013, 014, 015; CPC 8811, 8812, 8813 minbarra s-servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni). Fil-PT: Il-professjoni ta' agronomu hija riżervata għal persuni fiżiċi (CPC 881).
	Fir-rigward tal-Investiment: Fil-FI: Jistgħu jingħataw drittijiet esklussivi għall-pussess tar-renni u għall-prattika tat-trobbija tar-renni (ISIC 014). Fi FR: L-istabbiliment ta' azjendi agrikoli u kooperattivi agrikoli minn investituri mhux tal-UE huwa suġġett għal awtorizzazzjoni. Hija meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel sabiex wieħed isir membru jew jaġixxi bħala direttur ta' kooperattiva agrikola (ISIC 011, 012, 013, 014, 015). Fl-SE: Sami biss jistgħu jkunu sidien ta' renni u jipprattikaw it-trobbija tar-renni (ISIC 014).
(b) Sajd, akkwakultura, servizzi inċidentali għas-sajd (ISIC 05, CPC 882)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: B'mod partikolari fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd, u tal-ftehimiet tas-sajd ma' pajjiż terz, l-aċċess għar-riżorsi bijoloġiċi u ż-żoni tas-sajd li jinsabu f'ilmijiet marittimi li jaqgħu taħt is-sovranità jew fil-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri u l-użu tagħhom, inklużi: (a) ir-regolamentazzjoni tal-ħatt l-art tal-qabdiet imwettqa fis-subkwoti allokati lill-bastimenti tal-Messiku jew ta' pajjiż terz fil-portijiet tal-UE; (b) id-determinazzjoni ta' daqs minimu għal intrapriża sabiex jiġu ppreservati bastimenti tas-sajd kemm artiġjanali kif ukoll kostali; jew (c) l-għoti ta' trattament differenti lill-Messiku jew lil pajjiż terz skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri dwar is-sajd.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(c) Il-ġbir, il-purifikazzjoni u d-disribuzzjoni tal-ilma (ISIC 41)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Mhux marbut għall-attivitajiet li jinkludu servizzi relatati mal-ġbir, il-purifikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma lil utenti domestiċi, industrijali, kummerċjali jew utenti oħra, inkluż il-provvista ta' ilma tax-xorb, u l-ġestjoni tal-ilma.
(d) Manifattura ta' prodotti tal-ikel u x-xorb (ISIC 15)	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-IE: L-istabbiliment minn residenti barranin f'attivitajiet ta' tħin tad-dqiq huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni (ISIC 1531).
(e) Manifattura (ISIC 16, 17, 18, 19, 20, 21)	Xejn
(f) Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' media rrekordjata (ISIC 22, CPC 88442)	Fir-rigward tal-Investiment: Fil-LV: Persuni ġuridiċi inkorporati fil-LV, u l-persuni fiżiċi tal-LV biss għandhom id-dritt li jistabbilixxu u jippubblikaw media tal-massa. Il-fergħat ma humiex permessi.
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-DE: Kull gazzetta, ġurnal jew perjodiku ddistribwit jew stampat pubblikament irid jindika b'mod ċar editur responsabbli (l-isem u l-indirizz sħiħ ta' persuna fiżika). L-editur responsabbli jista' jkun meħtieġ ikun residenti permanenti fil-DE, fl-UE jew f'pajjiż taż-ŻEE. Jistgħu jiġu permessi xi eċċezzjonijiet mill-Ministru Federali tal-Intern (ISIC 22). Fl-SE: Persuni fiżiċi li huma sidien ta' perjodiċi li jiġu stampati u ppubblikati fl-SE huma meħtieġa jirrisjedu fl-SE jew ikunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE. Is-sidien ta' dawn il-perjodiċi li jkunu persuni ġuridiċi jridu jkunu stabbiliti fiż-ŻEE. Il-perjodiċi li jiġu stampati u ppubblikati fl-Iżvezja, u r-reġistrazzjonijiet tekniċi huma meħtieġa li jkollhom editur responsabbli, li jrid ikun domiċiljat fl-SE.
(g) Manifattura (ISIC 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 36, 37)	Xejn
III-UE-18 – Attivitajiet relatati mal-enerġija	
(a) Minjieri u barrieri (ISIC 10, 11, 12, 13, 14; CPC 5115, 7131, 8675, 883)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-IT: Il-minjieri li jappartjenu lill-Istat għandhom regoli speċifiċi ta' esplorazzjoni u estrazzjoni. Qabel kwalunkwe attività ta' sfruttament, huwa meħtieġ permess għall-esplorazzjoni (*permesso di ricerca, Artikolu 4 tar-Regio Decreto 29 luglio 1927, n. 1443/1927, "Norme di carattere legislativo per disciplinare la ricerca e la coltivazione delle miniere nel Regno"*) (Digriet Reġju Nru 1443/1927). Dan il-permess idum sa ċertu żmien, jiddefinixxi eżattament il-fruntieri tal-art li tkun qed tiġi esplorata u jistgħu jingħataw aktar minn permess ta' esplorazzjoni wieħed għall-istess żona lil persuni jew kumpaniji differenti (dan it-tip ta' liċenzja ma huwiex neċessarjament esklussiv). Sabiex jiġu kkultivati u sfruttati l-minerali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni (concessione, l-Artikolu 14 tad-Digriet Reġju Nru 1443/1927 u l-Artikolu 34 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 112/1998) mill-awtorità reġjonali (ISIC 10, 11, 12, 13, 14; CPC 8675, 883).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fil-FI: L-esplorazzjoni u l-isfruttar ta' riżorsi minerali huma suġġetti għar-rekwiżit ta' liċenzja, li tingħata mill-Gvern fir-rigward tal-estrazzjoni ta' materjal nukleari. Hemm bżonn ta' permess ta' tifdija mill-gvern għal żona ta' estrazzjoni. Il-permess jista' jingħata lil persuna fiżika residenti fiż-ŻEE jew persuna ġuridika stabbilita fiż-ŻEE. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi (ISIC 12, CPC 5115, 883, 8675). Fl-IE: Il-kumpaniji tal-esplorazzjoni u tal-minjieri li joperaw fl-IE huma meħtieġa li jkollhom preżenza hemmhekk. Fil-każ tal-esplorazzjoni tal-minerali, hemm rekwiżit li l-kumpaniji (Irlandiżi u barranin) jimpjegaw is-servizzi ta' aġent jew ta' maniġer tal-esplorazzjoni residenti fl-IE waqt li jkun qed isir ix-xogħol. Fil-każ tal-estrazzjoni, huwa rekwiżit li lokazzjoni jew liċenzja ta' estrazzjoni tal-Istat tkun miżmuma minn kumpanija inkorporata fl-IE. Ma hemmx restrizzjonijiet fir-rigward tas-sjieda ta' tali kumpanija (ISIC 10, 13, 14, CPC 883).
	Fir-rigward tal-Investiment: Fil-BE: l-esplorazzjoni għar-riżorsi minerali u riżorsi oħra mhux ħajjin fl-ilmijiet territorjali u l-blata kontinentali u l-isfruttament tagħhom huma suġġetti għal konċessjoni. Il-konċessjonarju huwa meħtieġ li jkollu indirizz għal servizz fil-BE (ISIC 14). Intrapriżi barranin ikkontrollati minn persuni fiżiċi jew intrapriżi ta' pajjiż terz li jammonta għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali jew tal-elettriku tal-UE jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Hija meħtieġa inkorporazzjoni (ebda fergħa) (ISIC 10, 1110, 13, 14). Fil-BG: Uħud mill-attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttament jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma suġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet jew liġijiet oħra dwar konċessjonijiet speċjali. L-attivitajiet ta' prospettar jew esplorazzjoni ta' riżorsi naturali taħt l-art fit-territorju tal-BG, fil-blata kontinentali u fiż-żona ekonomika esklussiva fil-Baħar l-Iswed huma suġġetti għal permess, filwaqt li l-attivitajiet ta' estrazzjoni u sfruttament huma suġġetti għal konċessjoni mogħtija skont l-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' taħt l-Art. Huwa pprojbit għall-kumpaniji rreġistrati f'ġuriżdizzjonijiet ta' trattament preferenzjali tat-taxxa (jiġifieri, żoni offshore) jew relatati, li jipparteċipaw, direttament jew indirettament, fi proċeduri miftuħa għall-għoti ta' permessi jew konċessjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni jew l-estrazzjoni ta' riżorsi naturali, inklużi minerali tal-uranju u tat-torju, kif ukoll li joperaw permess jew konċessjoni eżistenti li tkun ingħatat, peress li dawk l-operazzjonijiet huma preklużi, inkluża l-possibbiltà li tiġi rreġistrata l-iskoperta ġeoloġika jew kummerċjali ta' depożitu bħala riżultat tal-esplorazzjoni. Il-korporazzjonijiet kummerċjali li fihom l-Istat Membru jew muniċipalità jkollhom sehem fil-kapital li jaqbeż il-50 %, ma jistgħu jwettqu ebda tranżazzjoni għad-disponiment ta' assi fissi tal-korporazzjoni, sabiex jikkonkludu kwalunkwe kuntratt għall-akkwiżizzjoni ta' parteċipazzjoni, lokazzjoni, attività konġunta, kreditu, garanzija ta' riċevibbli, kif ukoll it-twettiq ta' kwalunkwe obbligu abbażi ta' kambjali, sakemm dan ma jkunx permess mill-Aġenzija tal-Privatizzazzjoni jew il-kunsill muniċipali, skont liema minnhom tkun l-awtorità kompetenti. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 8.4 tad-Deċiżjoni tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija tat-18 ta' Jannar 2012, kwalunkwe użu ta' teknoloġija ta' fratturazzjoni idrawlika għal attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni ta' żejt u gass, hija pprojbita b'Deċiżjoni tal-Parlament. L-esplorazzjoni u l-estrazzjoni ta' gass tax-shale hija pprojbita (ISIC 10, 11, 12, 13, 14).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	L-estrazzjoni tal-uranju hija pprojbita b'Digriet tal-Kunsill tal-Ministri Nru 163 tal-20 ta' Awwissu 1992. Fir-rigward tal-estrazzjoni tat-torju, japplika r-reġim ġenerali tal-konċessjonijiet għall-estrazzjoni minerarja. Sabiex tipparteċipa f'konċessjonijiet għall-estrazzjoni tat-torju, kumpanija Messikana trid tkun stabbilita skont l-Att dwar il-Kummerċ u tkun irreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali. Id-deċiżjonijiet li jippermettu l-estrazzjoni tat-torju jittieħdu fuq bażi individwali ta' każ każ u b'mod nondiskriminatorju. Il-projbizzjoni kontra kumpaniji rreġistrati f'ġuriżdizzjonijiet ta' trattament preferenzjali tat-taxxa (jiġifieri, żoni offshore) jew relatati, li jipparteċipaw, direttament jew indirettament, fi proċeduri miftuħa għal konċessjonijiet għall-estrazzjoni ta' riżorsi naturali tinkludi l-uranju u l-minerali tat-torju (ISIC 12). F'CY: Il-Kunsill tal-Ministri jista', għal raġunijiet ta' sigurtà tal-enerġija, jirrifjuta li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u sfruttament tal-idrokarburi u l-eżerċitar tagħhom, lil kwalunkwe entità li hija effettivament ikkontrollata mill-Messiku jew minn ċittadini tal-Messiku. L-ebda entità ma tista', wara l-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi, taqa' taħt il-kontroll dirett jew indirett tal-Messiku jew ta' ċittadin tal-Messiku mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill tal-Ministri. Il-Kunsill tal-Ministri jista' jirrifjuta li jagħti awtorizzazzjoni għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi lil entità li hija effettivament ikkontrollata mill-Messiku jew minn pajjiż terz jew minn ċittadin tal-Messiku jew ta' pajjiż terz, meta l-Messiku jew il-pajjiż terz ma jagħtix lil entitajiet ta' CY jew lil entitajiet ta' Stati Membri, b'rabta mal-aċċess għall-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u sfruttament tal-idrokarburi u l-eżerċizzju tagħhom, trattament simili għal dak li CY jew l-Istat Membru jagħti lil entitajiet tal-Messiku jew ta' dak il-pajjiż terz (ISIC 1110). Fis-SK: Għall-estrazzjoni u għall-attivitajiet relatati mal-estrazzjoni u l-attività ġeoloġika, hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fi Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE (ebda fergħa) (ISIC 10, 11, 12, 13, 14; CPC 5115, 7131, 883 u 8675).
(b) Elettriku (ISIC 40, 4010; CPC 62279, 887 (minbarra servizzi ta' konsulenza u ta' konsultazzjoni)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-AT u fil-BG: Mingħajr restrizzjonijiet għall-produzzjoni tal-elettriku, servizzi ta' distribuzzjoni tal-enerġija u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (ISIC 4010, CPC 887 minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni). Fil-BE: Mhux marbut għas-servizzi tad-distribuzzjoni u għas-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (CPC 887). F'CY: Mhux marbut għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, għas-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-elettriku minbarra servizzi ta' konsulenza u ta' konsultazzjoni, servizzi bl-ingrossa tal-elettriku, u servizzi ta' bejgħ bl-imnut tal-elettriku sa fejn l-investitur ikun ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika ta' pajjiż mhux tal-UE li jammonta għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet ta' żejt jew ta' gass naturali tal-UE (ISIC 4010, CPC 62279 u 887). Fiċ-CZ: Għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-kummerċ tal-elettriku, u attivitajiet oħra ta' operaturi tas-suq tal-elettriku, kif ukoll għall-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tas-sħana, hija meħtieġa awtorizzazzjoni. Jeżistu drittijiet esklussivi fir-rigward tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass u l-liċenzji tal-operaturi tas-suq (ISIC 40, CPC 7131, 62279, 742, 887).

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fil-FI: Mhux marbut għall-importazzjoni tal-elettriku. Mhux marbut għall-kummerċ transfruntier relatat mal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku. Mhux marbut għal networks u sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku (ISIC 4010, CPC 62279, 887 minbarra servizzi ta' konsulenza u ta' konsultazzjoni). Fi FR: Mhux marbut għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku (CPC 4010, CPC 887). Fil-PL: l-attivitajiet li ġejjin huma suġġetti għal liċenzjar skont l-Att dwar il-Liġi tal-Enerġija: (i) il-ġenerazzjoni tal-elettriku, ħlief għall-ġenerazzjoni tal-elettriku bl-użu ta' sorsi tal-elettriku b'kapaċità totali ta' mhux aktar minn 50 MW minbarra sorsi tal-enerġija rinnovabbli; il-koġenerazzjoni tal-elettriku bl-użu ta' sorsi b'kapaċità totali ta' mhux aktar minn 5 MW minbarra sorsi ta' enerġija rinnovabbli; (ii) it-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni tal-elettriku; (iii) il-kummerċ fl-elettriku, ħlief għall-kummerċ fl-elettriku bl-użu ta' installazzjonijiet ta' vultaġġ ta' anqas minn 1 kV proprjetà tal-klijent; u l-kummerċ fl-elettriku mwettaq fuq il-borża tal-komoditajiet minn ditti tas-senserija li jwettqu l-attività ta' senserija fuq il-komoditajiet tal-borża abbażi tal-Att dwar il-Borża tal-Komoditajiet tas-26 ta' Ottubru 2000. L-awtorità kompetenti tista' tagħti liċenzja biss lil applikant li jkun irreġistra l-post prinċipali tan-negozju jew ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, jew taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera (ISIC 4010, CPC 62279, 63297, 887). Fil-PT: L-attivitajiet ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku huma mwettqa permezz ta' konċessjonijiet esklussivi ta' servizz pubbliku. Il-konċessjonijiet għas-setturi tal-elettriku huma assenjati biss lil kumpaniji limitati bis-sede ċentrali tagħhom u b'ġestjoni effettiva fil-PT (ISIC 4010, CPC 887). Fis-SK: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku, u għas-servizzi relatati inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-applikazzjoni tista' tiġi miċħuda biss jekk is-suq ikun saturat (ISIC 4010, CPC 62279, 887).
	Fir-rigward tal-Investiment: Fil-BE: Jeżistu restrizzjonijiet b'rabta mat-tipi ta' entitajiet ġuridiċi u t-trattament ta' operaturi pubbliċi jew privati li lilhom il-BE ta drittijiet esklussivi. Intrapriżi barranin ikkontrollati minn persuni fiżiċi jew intrapriżi ta' pajjiż terz li jammonta għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali jew tal-elettriku tal-UE jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Awtorizzazzjoni individwali għall-produzzjoni tal-elettriku ta' kapaċità ta' 25 MW tirrikjedi stabbiliment fl-UE, jew fi Stat ieħor li għandu reġim simili għal dak infurzat mid-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku, fis-seħħ, u fejn il-kumpanija għandha rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija. Il-produzzjoni tal-elettriku lil hinn mill-kosta fit-territorju lil hinn mill-kosta tal-BE hija suġġetta għal konċessjoni u għal obbligu ta' impriża konġunta ma' kumpanija minn Stat Membru, jew kumpanija barranija minn pajjiż li għandu reġim simili għal dak tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet relatati mal-awtorizzazzjoni u l-għażla. Barra minn hekk, il-kumpanija għandu jkollha l-amministrazzjoni ċentrali jew l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru jew f'pajjiż li jissodisfa l-kriterji msemmija hawn fuq, jekk ikollha rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Il-kostruzzjoni ta' linji tal-enerġija elettrika li jgħaqqdu l-produzzjoni lil hinn mill-kosta man-network ta' trażmissjoni ta' Elia teħtieġ awtorizzazzjoni u l-kumpanija hija meħtieġa tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati qabel, ħlief għar-rekwiżit ta' impriża konġunta (ISIC 4010). Fi FR: Mhux marbut għall-produzzjoni tal-elettriku (ISIC 4010). F'MT: EneMalta plc għandha monopolju għall-provvista tal-elettriku (ISIC 4010, CPC 887). Fin-NL: Is-sjieda tan-network tal-elettriku hija mogħtija esklussivament lill-gvern Olandiż (sistemi ta' trażmissjoni) u lil awtoritajiet pubbliċi oħra (sistemi ta' distribuzzjoni) (ISIC 4010, CPC 887).
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fil-PT: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi relatati mas-servizzi bl-ingrossa tal-elettriku, servizzi ta' bejgħ bl-imnut tal-elettriku u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-elettriku. (CPC 62279, 887 minbarra servizzi ta' konsulenza u ta' konsultazzjoni).
(c) Fjuwils, gass, żejt grezz jew prodotti tal-petroleum (ISIC 232, 4020; CPC 62271, 63297, 713, 742, 887 (minbarra servizzi ta' konsulenza u ta' konsultazzjoni))	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-AT: Mhux marbut għat-trasport ta' gass u oġġetti minbarra gass u ilma (CPC 713). Fil-BE: Għas-servizzi ta' ħżin bl-ingrossa tal-gass, jeżistu rekwiżiti dwar it-tipi ta' entitajiet legali u t-trattament ta' operaturi pubbliċi jew privati li lilhom il-BE jkun ta drittijiet esklussivi. Għas-servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' gass huwa meħtieġ l-istabbiliment fl-UE (parti minn CPC 742). B'mod ġenerali, il-provvista tal-gass naturali lill-klijenti (klijenti li huma kemm intrapriżi tad-distribuzzjoni kif ukoll konsumaturi li l-konsum globali kkombinat tal-gass tagħhom li jirriżulta mill-punti kollha ta' provvista jilħaq livell minimu ta' miljun metru kubu fis-sena) stabbiliti fil-BE hija suġġetta għal awtorizzazzjoni individwali pprovduta mill-ministru, ħlief fejn il-fornitur ikun kumpanija ta' distribuzzjoni li tuża n-network ta' distribuzzjoni tagħha stess. Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru (ISIC 4020, CPC 7131). It-trasport bil-pipeline ta' gass naturali u fjuwils oħra huwa suġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni. Awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru (f'konformità mal-Artikolu 3 tal-AR tal-14 ta' Mejju 2002). Intrapriżi barranin ikkontrollati minn persuni fiżiċi jew intrapriżi ta' pajjiż terz li jammonta għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali jew tal-elettriku tal-UE jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Fejn l-awtorizzazzjoni tintalab minn kumpanija: (a) il-kumpanija trid tkun stabbilita f'konformità mal-liġi Belġjana, jew il-liġi ta' Stat Membru ieħor, jew il-liġi ta' pajjiż terz, li jkun ħa impenji biex iżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE; u

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	(b) il-kumpanija jrid ikollha s-sede amministrattiva tagħha, l-istabbiliment prinċipali tagħha jew l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru, jew f'pajjiż terz, li jkun ħa impenji biex iżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 2009/73/KE, dment li l-attività ta' dan l-istabbiliment jew l-uffiċċju prinċipali tirrappreżenta rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija tal-pajjiż ikkonċernat (ISIC 4020, CPC 7131). Fil-BG: Mhux marbut għat-trasport bil-pipeline, għall-ħżin u l-magazzinaġġ ta' żejt grezz u gass naturali, inkluża t-trażmissjoni ta' tranżitu (ISIC 4020, CPC 7131, parti minn 742). F'CY: Mhux marbut għall-manifattura tal-gass, għad-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi permezz ta' mejns fl-isem proprju, għat-trasport bil-pipeline ta' fjuwils, għal servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-gass naturali minbarra servizzi ta' konsulenza u ta' konsultazzjoni, u l-bejgħ bl-imnut ta' gass mhux ibbottiljat sa fejn l-investitur ikun ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika ta' pajjiż mhux tal-UE li jammonta għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali tal-UE (ISIC 4020, CPC 62271, 63297, 7131 u 887). Fiċ-CZ: Mhux marbut għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin u n-negozjar tal-gass (ISIC 2320, 4020; CPC 7131, 63297, 742, 887). Fid-DK: Is-sid jew l-utent li jkollu l-ħsieb li jistabbilixxi pipeline għat-trasport ta' żejt grezz jew raffinat u ta' prodotti taż-żejt grezz u ta' gass naturali jrid jikseb permess mill-awtorità lokali qabel ma jibda x-xogħol. L-għadd ta' permessi maħruġa jista' jkun limitat (CPC 7131). Fil-FI: Mhux marbut għall-kontroll jew għas-sjieda ta' terminal tal-gass naturali likwifikat (LNG) (inklużi dawk il-partijiet tat-terminal tal-LNG użati għall-ħżin jew għar-rigassifikazzjoni tal-LNG) minn persuni jew intrapriżi barranin għal raġunijiet ta' sigurtà tal-enerġija (ISIC 4020, CPC 742). Fil-FI: Mhux marbut għal networks u sistemi tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-gass. Restrizzjonijiet kwantitattivi fil-forma ta' monopolji jew drittijiet esklużivi għall-importazzjoni ta' gass naturali (ISIC 4020, CPC 887 minbarra servizzi ta' konsulenza). Fi FR: Huma biss il-kumpaniji li l-kapital tagħhom huwa kkontrollat 100 % mill-Istat Franċiż, minn organizzazzjoni oħra tas-settur pubbliku jew minn ENGIE, li jistgħu jkunu s-sidien u joperaw sistemi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni tal-gass għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali tal-enerġija (ISIC 4020, CPC 887). Fl-HU: Il-provvista ta' servizzi tat-trasport bil-pipelines tirrikjedi stabbiliment. Is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' Kuntratt ta' Konċessjoni mogħti mill-istat jew mill-awtorita' lokali. Il-provvista ta' dan is-servizz hija regolata mil-Liġi dwar il-Konċessjonijiet (CPC 7131). Fin-NL: Is-sjieda tan-network tal-pipelines tal-gass hija mogħtija esklussivament lill-gvern Olandiż (sistemi ta' trażmissjoni) u lil awtoritajiet pubbliċi oħra (sistemi ta' distribuzzjoni) (ISIC 4020, CPC 7131). Fil-PL: L-attivitajiet li ġejjin huma suġġetti għal liċenzjar skont l-Att dwar il-Liġi tal-Enerġija: (i) il-ġenerazzjoni ta' fjuwils jew ta' enerġija, ħlief għall-ġenerazzjoni ta' fjuwils solidi jew gassużi; (ii) il-ħżin ta' fjuwils gassużi f'impjanti ta' ħżin, il-likwefazzjoni ta' gass naturali u r-rigassifikazzjoni ta' gass naturali likwifikat f'impjanti tal-LNG, kif ukoll il-ħżin ta' fjuwils likwidi, minbarra l-ħżin lokali ta' gass likwidu f'impjanti b'kapaċità ta' anqas minn 1 MJ/s u l-ħżin ta' fjuwils likwidi fil-kummerċ bl-imnut;

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	(iii) it-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni tal-fjuwils, ħlief għad-distribuzzjoni tal-fjuwils gassużi fil-grilji b'kapaċità ta' inqas minn 1 MJ/s; (iv) il-kummerċ fil-fjuwils, ħlief għall-kummerċ fi fjuwils solidi; il-kummerċ fi fjuwils gassużi jekk il-valur tal-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 100 000; il-kummerċ f'gass likwidu, jekk il-valur tal-fatturat annwali ma jaqbiżx EUR 10 000; u l-kummerċ fil-fjuwils gassużi mwettaq fuq il-boroż tal-komoditajiet minn ditti tas-senserija li jwettqu l-attività ta' senserija fuq il-komoditajiet tal-boroż abbażi tal-Att dwar il-Boroż tal-Komoditajiet tas-26 ta' Ottubru 2000. Il-limiti fuq il-fatturat ma japplikawx għas-servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa fi fjuwils gassużi jew f'gass likwidu jew għas-servizzi bl-imnut ta' gass ibbottiljat. L-awtorità kompetenti tista' tagħti liċenzja biss lil applikant li jkun irreġistra l-post prinċipali tan-negozju jew ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, jew taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera (ISIC 4020, CPC 63297, 74220, 887). Fil-PT: Il-konċessjonijiet relatati mat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-ħażna taħt l-art ta' gass naturali u t-terminal ta' akkoljenza, ħżin u rigassifikazzjoni ta' LNG jingħataw permezz ta' kuntratti ta' konċessjoni, wara sejħiet pubbliċi għal offerti. Dawk il-konċessjonijiet jingħataw biss lil kumpaniji limitati bis-sede ċentrali tagħhom u b'ġestjoni effettiva fil-PT (ISIC 4020, CPC 7131, 7422, 887 minbarra s-servizzi ta' konsulenza u ta' konsultazzjoni). Fis-SK: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-manifattura tal-gass u għad-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi u għat-trasport tal-fjuwils bil-pipelines. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-applikazzjoni tista' tiġi miċħuda biss jekk is-suq ikun saturat. Għal dawn l-attivitajiet kollha, awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika b'residenza permanenti fi Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE jew persuna ġuridika stabbilita fl-UE jew fiż-ŻEE (ISIC 4020, CPC 62271, 63297, 7131, 742 u 887).
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: F'CY: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' ħżin u magazzinaġġ ta' fjuwils ittrasportati permezz ta' pipelines (CPC 7131, 742). Fil-LT: Huwa meħtieġ stabbiliment għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-fjuwils. Il-liċenzji jistgħu jinħarġu biss lil persuni ġuridiċi tal-LT jew fergħat ta' persuni ġuridiċi barranin jew organizzazzjonijiet oħrajn (sussidjarji) stabbiliti fil-LT (ISIC 4020, CPC 7131). Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' konsultazzjoni relatati mat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni fuq il-bażi ta' ħlas jew kuntratt tal-fjuwils. Fil-PT: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi relatati mal-manifattura tal-gass, it-trasport bil-pipelines ta' fjuwils, is-servizzi ta' ħżin u magazzinaġġ ta' fjuwils, is-servizzi tal-bejgħ bl-imnut ta' gass mhux ibbottiljat, u s-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-gass naturali.
(d) Nukleari (ISIC 12, 2330, parti minn 4010, CPC 887)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-AT, fil-BE, u fil-DE: Mhux marbut għall-produzzjoni, l-ipproċessar jew it-trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' enerġija bbażata fuq l-enerġija nukleari. Fil-FI: Mhux marbut għall-ipproċessar, id-distribuzzjoni jew it-trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' enerġija bbażata fuq l-enerġija nukleari.

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
- Manifattura (ISIC 24 sa 28).	1), 2) u 3) Xejn 4) Mhux marbut, ħlief kif indikat fil-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ)
- Manifattura (ISIC 24 sa 28, 30 sa 37).	1), 2) u 3) Xejn 4) Mhux marbut, ħlief kif indikat fil-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ)
- Estrazzjoni ta' faħam u linjite; estrazzjoni ta' pit (ISIC 10)	1), 2) u 3) Xejn 4) Mhux marbut, ħlief kif indikat fil-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ)
- Estrazzjoni ta' minerali tal-metall (ISIC 13)	1), 2) u 3) Xejn 4) Mhux marbut, ħlief kif indikat fil-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ)
- Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri ieħor (ISIC 14)	1), 2) u 3) Xejn 4) Mhux marbut, ħlief kif indikat fil-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ)

Settur jew Subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
14. ENERĠIJA	
- Esplorazzjoni u produzzjoni ta' żejt u idrokarburi oħrajn - It-trasport, it-trattament, ir-raffinar, l-ipproċessar, il-ħżin, id-distribuzzjoni, il-kompressjoni, il-likwifikazzjoni, id-dekompressjoni, ir-rigassifikazzjoni, il-bejgħ lill-pubbliku u l-kummerċjalizzazzjoni tal-idrokarburi, tal-prodotti petrolifiċi u tal-petrokimiċi, kif ukoll lill-utenti ta' dawk il-prodotti u s-servizzi.	1), 2) u 3) Xejn, ħlief kif indikat fl-Annessi I u II 4) Mhux marbut, ħlief kif indikat fil-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ)
- Elettriku	1), 2) u 3) Xejn, ħlief kif indikat fl-Annessi I u II 4) Mhux marbut, ħlief kif indikat fil-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ)

([1]) Sabiex tiġi eżerċitata professjoni fil-Messiku, jeħtieġ li wieħed ikollu lawrja li ġiet rikonoxxuta jew ikkonfermata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni Pubblika (*Secretaría de Educación Pública*) u li tinkiseb liċenzja professjonali wkoll. L-inġiniera, il-periti u t-tobba jridu jissodisfaw rekwiżiti speċjali.

([2]) Intrapriżi li ma għandhomx mezzi ta' trażmissjoni li jipprovdu lil partijiet terzi b'servizzi ta' telekomunikazzjoni billi jużaw il-kapaċità mikrija minn konċessjonarju ta' network pubbliku.

([3]) Is-servizzi ta' valur miżjud ma jinkludux servizzi li għalihom l-istabbiliment, l-operat jew l-użu tagħhom juża infrastruttura tat-trażmissjoni li tkun proprjetà tal-fornitur tas-servizz, sakemm il-fornitur tas-servizz ma jkollux il-liċenzja jew il-permess xieraq biex jistabbilixxi, jopera jew juża network pubbliku tat-telekomunikazzjoni. Dawn ma jinkludux dawk is-servizzi ta' valur miżjud, li l-provvista tagħhom teħtieġ il-kisba ta' liċenzji u permessi inklużi, mingħajr limitazzjoni, is-servizzi li ġejjin: it-telefonija bil-vuċi, irrispettivament mit-teknoloġija użata (VoIP) fil-modalitajiet tagħha ta' servizz lokali; it-telefonija fuq distanzi twal; il-bejgħ mill-ġdid sempliċi ta' ċirkwiti privati lokati, telefonija mobbli jew fissa tar-radju, televiżjoni bil-kejbil, televiżjoni bi ħlas bl-użu ta' mikromewġ u bis-satellita; servizzi ta' paging; servizzi ta' trucking; komunikazzjoni bir-radju privata jew marittima bħar-radju ristrett; trażmissjoni ta' *data*; vidjokonferenzi u radjolokazzjoni tal-vetturi.

([4]) Il-livell ta' diżaggregazzjoni ta' kull wieħed mis-subsetturi ta' dan is-settur huwa interpretat f'konformità mal-qafas leġiżlattiv tal-Messiku u jista' ma jikkorrispondix eżattament mal-klassifikazzjoni ddikjarata tas-CPC.

(*) Mhux marbut minħabba nuqqas ta' fattibbiltà teknika.
(**) Is-servizz speċifikat huwa biss parti mill-għadd totali ta' attivitajiet koperti mill-kodiċi CPC korrispondenti.
(***) Is-servizz speċifikat huwa element ta' kodiċi akbar tas-CPC miżjud f'post ieħor fil-lista.

Appendiċi III-B-2

IMPENJI GĦALL-AĊĊESS GĦAS-SUQ

SKEDA TAL-MESSIKU

Limitazzjonijiet applikabbli fil-Livell Sottoċentrali

ANNESS IV

VIŻITATURI KUMMERĊJALI GĦAL SKOPIJIET TA' INVESTIMENT, ĦADDIEMA BI TRASFERIMENT INTRAAŻJENDALI, INVESTITURI U VIŻITATURI KUMMERĊJALI GĦAL ŻMIEN QASIR

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-lista ta' Parti fl-appendiċijiet għal dan l-Anness tistabbilixxi l-impenji li dik il-Parti tieħu skont l-Artikoli 12.4 (Viżitaturi Kummerċjali għal Skopijiet ta' Investiment, Ħaddiema bi Trasferiment Intraazjendali u Investituri) u 12.5 (Viżitaturi Kummerċjali għal Żmien Qasir).

2. L-obbligi li jinsabu fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 12.4 (Viżitaturi Kummerċjali għal Skopijiet ta' Investiment, Ħaddiema bi Trasferiment Intraazjendali u Investituri) u fl-Artikolu 12.5 (Viżitaturi Kummerċjali għal Żmien Qasir) ma japplikawx għall-miżuri mhux konformi eżistenti elenkati fil-lista ta' Parti fl-appendiċijiet għal dan l-Anness, sal-punt tan-nuqqas ta' konformità.

3. Miżura elenkata fil-lista ta' Parti fl-appendiċijiet għal dan l-Anness tista' tinżamm, tiġġedded jew tiġi emendata minnufih, dment li l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura mal-obbligi li jinsabu fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 12.4 (Viżitaturi Kummerċjali għal Skopijiet ta' Investiment, Ħaddiema bi Trasferiment Intraazjendali u Investituri) u fl-Artikolu 12.5 (Viżitaturi Kummerċjali għal Żmien Qasir), kif kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda.

4. L-impenji għall-viżitaturi kummerċjali għall-skopijiet ta' investiment, għall-ħaddiema bi trasferiment intraazjendali, għall-investituri u l-viżitaturi kummerċjali għal żmien qasir ma japplikawx f'każijiet fejn l-għan jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom ikun li jinterferixxu fi kwalunke tilwima jew negozjati dwar xogħol jew maniġment jew b'xi mod ieħor jaffettwaw l-eżitu tagħhom.

5. Sakemm l-impenji ma jittieħdux skont il-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ), il-liġijiet u r-regolamenti tal-Partijiet rigward id-dħul u s-soġġorn temporanju jkomplu japplikaw, inklużi dawk li jikkonċernaw il-perjodu ta' soġġorn.

6. Minkejja l-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ), il-liġijiet u r-regolamenti tal-Partijiet rigward miżuri ta' impjieg u ta' sigurtà soċjali għandhom ikomplu japplikaw, inklużi dawk li jikkonċernaw il-pagi minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar il-pagi.

7. Il-lista ta' Parti ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri ta' kwalifika, u mar-rekwiżiti u l-proċeduri ta' standards tekniċi u liċenzji li ma humiex limitazzjoni tat-trattament nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali) jew 11.6 (Trattament Nazzjonali), jew limitazzjoni ta' aċċess għas-suq skont it-tifsira tal-Artikolu 10.6 (Aċċess għas-Suq) jew 11.4 (Aċċess għas-Suq). Dawk il-miżuri, bħar-rekwiżit li wieħed ikollu liċenzja, l-obbligi ta' servizz universali, ir-rekwiżit li wieħed ikollu kwalifiki rikonoxxuti f'setturi regolati, ir-rekwiżit li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, li jistgħu jinkludu eżamijiet tal-lingwa, u kwalunkwe rekwiżit nondiskriminatorju li ċerti attivitajiet ma għandhomx jitwettqu f'żoni protetti, anki jekk ma jkunux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ.

8. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fil-lista tal-Unjoni Ewropea:

AT l-Awstrija

BE il-Belġju ([1])

BG il-Bulgarija

([1]) Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti.

CY Ċipru

CZ iċ-Ċekja

DE il-Ġermanja

DK id-Danimarka

EE l-Estonja

EL il-Greċja

ES Spanja

UE l-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha

FI il-Finlandja ([2])

FR Franza

HR il-Kroazja

HU l-Ungerija

IE l-Irlanda

IT l-Italja

LT il-Litwanja

LU il-Lussemburgu

LV il-Latvja

MT Malta

NL in-Netherlands

PL il-Polonja

PT il-Portugall

RO ir-Rumanija

SE l-Iżvezja

SI is-Slovenja

SK is-Slovakkja

([2]) Għall-finijiet tar-riżervi tal-Finlandja, livell reġjonali tal-gvern ifisser il-Gżejjer Åland.

9. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li t-trattament mogħti fi Stat Membru lil persuni fiżiċi u ġuridiċi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE"), jew skont kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluż l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri, jiġi estiż għal persuni fiżiċi jew għall-intrapriżi tal-Messiku. Skont it-TFUE, dak it-trattament jingħata biss lil intrapriżi kkostitwiti jew organizzati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea, inklużi dawk l-intrapriżi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea li jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi jew intrapriżi tal-Messiku jew li jkunu kontrollati minn dawn tal-aħħar.

Appendiċi IV-A

VIŻITATURI KUMMERĊJALI GĦAL SKOPIJIET TA' INVESTIMENT, ĦADDIEMA BI TRASFERIMENT INTRAAŻJENDALI U VIŻITATURI KUMMERĊJALI GĦAL ŻMIEN QASIR

LISTA TAL-UE

1. Viżitaturi Kummerċjali għal Skopijiet ta' Investiment

IV-UE-1 Is-setturi kollha	Fl-AT u fiċ-CZ: Il-viżitaturi kummerċjali għal skopijiet ta' investiment iridu jiġu impjegati minn intrapriża minbarra organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. Fis-SK: Il-viżitaturi kummerċjali għal skopijiet ta' investiment iridu jiġu impjegati minn intrapriża minbarra organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. Meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'CY: Tul ta' soġġorn permissibbli: sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar. Il-viżitaturi kummerċjali jridu jiġu impjegati minn intrapriża minbarra organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ.

2. Ħaddiema bi Trasferiment Intraazjendali

IV-UE-2 Is-setturi kollha	Fl-UE: Il-ħaddiema bi trasferiment intraażjendali jridu jkunu ġew impjegati minn intrapriża ta' Parti jew kienu soċji f'intrapriża ta' Parti għal mill-inqas sena. Iridu jkunu jirrisjedu barra mit-territorju tal-UE fiż-żmien tal-applikazzjoni għal permess bħala ħaddiema bi trasferiment intraażjendali. Fl-UE: Fil-valutazzjoni tal-għarfien speċjalizzat tal-ispeċjalisti, għandu jitqies l-għarfien speċifiku għall-intrapriża, jekk il-persuna għandhiex livell għoli ta' kwalifiki, inkluża esperjenza professjonali adegwata għal tip ta' xogħol jew attività li teħtieġ għarfien tekniku speċifiku, u s-sħubija possibbli tagħhom fi professjoni akkreditata. Fl-UE: L-impjegati trainees iridu jitħallsu matul it-trasferiment. Fl-AT, fiċ-CZ, u fis-SK: Il-ħaddiema bi trasferiment intraazjendali jridu jiġu impjegati minn intrapriża minbarra organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. F'CY: L-għadd ta' persuni fiżiċi barranin impjegati f'intrapriża ta' CY ma għandux jaqbeż l-10 % tal-għadd annwali medju ta' ċittadini tal-UE impjegati mill-intrapriża ta' CY rispettiva. Għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-għadd ta' persunal barrani taħt din il-kategorija jista' jkun suġġett għal awtorizzazzjoni. Fil-FI: Il-persunal f'karigi għoljin jridu jiġu impjegati minn intrapriża minbarra organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. Fl-HU: Persuni fiżiċi li kienu soċji f'intrapriża ma għandhomx jikkwalifikaw biex jiġu ttrasferiti bħala ħaddiema bi trasferiment intraazjendali. Fil-LT: Tul massimu tas-soġġorn: tliet snin.

3. Viżitaturi professjonali għal żmien qasir

IV-UE-3 L-attivitajiet kollha ta' hawn taħt	Fl-UE: Tul ta' soġġorn permissibbli: sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 6 xhur. F'CY, fid-DK, u fil-HR: Permess tax-xogħol, inkluż it-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, meħtieġa f'każ li l-viżitaturi kummerċjali għal żmien qasir jipprovdu servizz fit-territorju ta' CY, tad-DK jew tal-HR, rispettivament. Fil-LV: Permess tax-xogħol meħtieġ għall-operazzjonijiet jew għall-attivitajiet li jridu jitwettqu abbażi ta' kuntratt. F'MT: Permess tax-xogħol huwa meħtieġ. Ma jsir l-ebda test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fis-SK: F'każ li jiġi pprovdut servizz fit-territorju tas-SK, huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, għal iktar minn sebat ijiem fi kwalunkwe xahar jew 30 jum fi kwalunkwe sena kalendarja.
IV-UE-4 Bejjiegħa Kummerċjali	Fl-AT u f'CY: Hu meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, għal attivitajiet ta' aktar minn sebat ijiem fi kwalunkwe xahar jew 30 jum fi kwalunkwe sena kalendarja. Fil-FI: Il-persuna fiżika trid tkun qed tipprovdi servizzi bħala impjegat ta' intrapriża li tinsab fit-territorju tal-Parti l-oħra.
IV-UE-5 Installaturi u Persunal ta' Manutenzjoni	Fl-AT: Meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ma jsirx għall-persuni fiżiċi li jħarrġu ħaddiema biex iwettqu servizzi u li jkollhom għarfien speċjalizzat. Fil-BE: Il-permess tax-xogħol huwa meħtieġ wara tmint ijiem. Għas-settur tal-kostruzzjoni, dejjem ikun meħtieġ permess tax-xogħol. Fiċ-CZ: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol għal aktar minn sebat ijiem fi kwalunkwe xahar jew minn 30 jum fi kwalunkwe sena kalendarja. Fil-DE: L-installaturi u l-persunal tal-manutenzjoni għandhom ikunu impjegati ta' persuna ġuridika tal-parti li tforni l-prodott. Fid-DK: L-installaturi u l-persunal tal-manutenzjoni għandhom jiġu impjegati fil-kumpanija li tforni l-prodott importat u li jitħallsu minn dik il-kumpanija. Jekk ikunu impjegati f'kumpanija oħra, il-kumpanija li twassal il-prodott trid tkun iffirmat kuntratt ma' dik il-kumpanija dwar l-installazzjoni tal-prodott. Il-kategorija tal-installaturi u tal-persunal tal-manutenzjoni ma tkoprix xogħol ġenerali ta' bini, kostruzzjoni jew ix-xogħol relatat mal-kostruzzjoni. Fl-EE: L-installaturi u l-persunal tal-manutenzjoni jridu jiġu impjegati bħala tali mill-persuna ġuridika li tipprovdi l-oġġett jew is-servizz għal mill-inqas sena immedjatament qabel id-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għad-dħul u jrid ikollhom mill-inqas 3 snin ta' esperjenza professjonali rilevanti, miksuba wara l-età maġġuri.

	Fi ES: L-installaturi u l-persunal tal-manutenzjoni jridu jiġu impjegati bħala tali mill-persuna ġuridika li tipprovdi l-oġġett jew is-servizz jew minn sussidjarja tal-grupp għal mill-inqas tliet xhur immedjatament qabel id-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għad-dħul u jrid ikollhom mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali rilevanti, miksuba wara l-età maġġuri. L-aċċess mogħti lill-installaturi u lill-persunal tal-manutenzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim huwa relatat biss mal-attività ta' servizz li hija s-suġġett tal-kuntratt u ma jagħtix id-dritt li jiġi eżerċitat it-titlu professjonali. L-għadd ta' persuni koperti mill-kuntratt ta' servizz ma għandux ikun akbar minn dak meħtieġ biex jiġi ssodisfat il-kuntratt, peress li jista' jintalab mil-liġijiet, mir-regolamenti jew minn rekwiżiti legali oħra nazzjonali. Fil-FI: Jista' jkun meħtieġ permess ta' residenza skont l-attività. Fin-NL: Meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fl-SE: Il-permess tax-xogħol huwa meħtieġ, ħlief għal (i) persuni li jipparteċipaw fit-taħriġ, fl-ittestjar, fit-tħejjija jew fit-tlestija tal-kunsinni, jew f'attivitajiet simili fil-qafas ta' tranżazzjoni kummerċjali, jew (ii) fitters jew strutturi tekniċi b'rabta ma' installazzjoni jew tiswija urġenti ta' makkinarju sa xahrejn, fil-kuntest ta' emerġenza. Ma jsir l-ebda test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fis-SI: Huwa meħtieġ permess wieħed ta' residenza u ta' xogħol għall-forniment ta' servizzi li jaqbżu 14-il jum kull darba.

Appendiċi IV-B

VIŻITATURI KUMMERĊJALI GĦAL SKOPIJIET TA' INVESTIMENT, ĦADDIEMA BI TRASFERIMENT INTRAAŻJENDALI, INVESTITURI U VIŻITATURI KUMMERĊJALI GĦAL ŻMIEN QASIR

LISTA TAL-MESSIKU

Viżitaturi Kummerċjali għal Skopijiet ta' Investiment u Viżitaturi Kummerċjali għal Żmien Qasir

1. Għall-finijiet ta' din il-kategorija:

(a) "attivitajiet ta' kummerċ" tfisser l-attivitajiet leġittimi ta' natura kummerċjali maħluqa u operati sabiex jinkisbu profitti fis-suq; din ma tinkludix il-possibbiltà li wieħed jikseb impjieg, residenza temporanja jew permanenti, salarju jew kwalunkwe paga minn sors tax-xogħol li jinsab fit-territorju tal-Messiku;

(b) "persuna professjonali" tfisser ċittadin ta' Stat membru tal-Unjoni Ewropea li jidħol fit-territorju tal-Messiku, mingħajr l-għan li jistabbilixxi residenza temporanja jew permanenti, biex:

(i) jagħmel kummerċ ta' oġġetti jew jipprovdi servizzi;

(ii) jistabbilixxi, jiżviluppa jew iġestixxi investiment ta' kapital barrani;

(iii) jagħmel kuntatti kummerċjali u negozjati għall-bejgħ ta' oġġetti u servizzi, jew attivitajiet simili;

(iv) jipprovdi servizzi speċjalizzati għall-installazzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni, is-superviżjoni jew it-taħriġ tal-ħaddiema, miftiehma jew ikkunsidrati qabel f'kuntratt ta' trasferiment ta' teknoloġija, privattivi u trademarks, il-bejgħ ta' tagħmir jew makkinarju kummerċjali jew industrijali, jew kwalunkwe proċess ta' produzzjoni ieħor ta' intrapriża stabbilita fit-territorju ta' Parti, matul it-terminu tal-kuntratt ta' garanzija, tal-bejgħ jew tas-servizz;

(v) jattendi l-laqgħat jew is-sessjonijiet tal-bord tad-diretturi ta' intrapriża stabbilita legalment fil-Messiku; jew

(vi) jippromwovi oġġetti jew servizzi, jagħti pariri lill-klijenti, jirċievi ordnijiet, jinnegozja kuntratti u juri, jipparteċipa jew jattendi f'kungressi, fieri, konvenzjonijiet jew simili.

2. Is-sempliċi fatt li l-Messiku jagħti dħul temporanju lil persuna professjonali skont il-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ) ma għandux jiġi interpretat li jeżenta lil dik il-persuna professjonali milli tissodisfa kwalunkwe rekwiżit ta' liċenzja jew rekwiżit ieħor applikabbli, inkluż kwalunkwe kodiċi ta' kondotta obbligatorju, neċessarju sabiex teżerċita professjoni jew b'xi mod ieħor twettaq attivitajiet kummerċjali.

3. Lista ta' riżervi

Settur jew Subsettur	Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet (inkluż it-tul tas-soġġorn)
Is-setturi kollha	Għall-finijiet ta' dħul temporanju, il-Messiku għandu jagħti soġġorn sa 180 jum.

Ħaddiema bi Trasferiment Intraazjendali

1. Għall-finijiet ta' din il-kategorija:

(a) "attivitajiet eżekuttivi" tfisser attivitajiet organizzattivi li taħthom persuna jkollha r-responsabbiltajiet li ġejjin:

(i) il-ġestjoni tal-intrapriża, ta' taqsima tagħha jew it-twettiq ta' funzjoni rilevanti fiha;

(ii) l-istabbiliment ta' politiki u l-istabbiliment tal-objettivi tal-intrapriża; jew

(iii) ir-rapportar lid-direttur ġenerali u s-sorveljanza minnu, mill-bord tad-diretturi jew mill-azzjonisti tal-intrapriża.

(b) "attivitajiet maniġerjali" tfisser attivitajiet organizzattivi li taħthom persuna jkollha r-responsabbiltajiet li ġejjin:

(i) id-direzzjoni tal-intrapriża jew it-twettiq ta' funzjoni essenzjali fiha;

(ii) is-superviżjoni u l-kontroll tax-xogħol ta' impjegati superviżorji, professjonali jew maniġerjali oħra;

(iii) it-twettiq ta' funzjonijiet fil-livell ogħla fi ħdan il-ġerarkija organizzazzjonali; jew

(iv) it-twettiq ta' azzjonijiet li jirrigwardaw l-operat ta' kuljum tal-funzjoni li fuqha dik il-persuna għandha l-awtorità.

(c) "attivitajiet ta' speċjalisti" tfisser attivitajiet li jinvolvu għarfien speċjalizzat tal-prodotti jew tas-servizzi tal-intrapriża u l-applikazzjoni tagħhom fis-swieq internazzjonali, jew livell avvanzat ta' għarfien espert jew għarfien tal-proċessi u l-proċeduri tal-intrapriża.

2. Lista ta' riżervi

Settur jew Subsettur	Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet (inkluż it-tul tas-soġġorn)
Is-setturi kollha	Għall-finijiet ta' dħul temporanju, il-Messiku għandu jagħti soġġorn ta' sena, li jista' jiġi estiż tliet darbiet għal sena kull darba. Il-Messiku għandu jagħti dħul u soġġorn temporanju lill-konjuġi ta' ħaddiema bi trasferiment intraażjendali tal-Unjoni Ewropea. Il-Messiku għandu jagħti permess tax-xogħol lill-konjuġi ta' ħaddiema bi trasferiment intraażjendali tal-Unjoni Ewropea, suġġett għal offerta ta' impjieg minn qabel f'konformità mal-liġi tal-Messiku.

Investituri

Lista ta' riżervi

Settur jew Subsetturi	Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet (inkluż it-tul tas-soġġorn)
Is-setturi kollha	Għall-finijiet ta' dħul temporanju, il-Messiku għandu jagħti soġġorn ta' sena, li jista' jiġi estiż tliet darbiet għal sena kull darba. Il-Messiku għandu jagħti dħul u soġġorn temporanju lill-konjuġi ta' investituri tal-Unjoni Ewropea. Il-Messiku għandu jagħti permess tax-xogħol lill-konjuġi ta' investituri tal-Unjoni Ewropea, suġġett għal offerta ta' impjieg minn qabel f'konformità mal-liġi tal-Messiku.

ANNESS V

FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-lista ta' Parti fl-appendiċijiet għal dan l-Anness tistabbilixxi l-impenji li dik il-Parti tieħu skont l-Artikoli 12.6 (Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali) u 12.7 (Professjonisti Indipendenti).

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "CPC" tfisser in-numri tal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbiliti fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti tal-Istatistika, Serje M, Nru 77, Klassifikazzjoni Ċentrali Provviżorja tal-Prodotti, 1991.

3. Il-lista ta' Parti hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

(a) l-ewwel kolonna, li tindika s-settur jew is-subsettur li fih jittieħdu l-impenji fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi kuntrattwali jew tal-professjonisti indipendenti; u

(b) t-tieni kolonna li tiddeskrivi l-limitazzjonijiet applikabbli. "Mhux marbut" tispeċifika n-nuqqas ta' impenji.

4. Il-Partijiet ma jieħdu l-ebda impenn għall-fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti f'attivitajiet ekonomiċi li ma humiex elenkati f'dan l-Anness.

5. L-impenji għall-fornituri tas-servizzi kuntrattwali u l-professjonisti indipendenti ma japplikawx f'każijiet fejn l-għan jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom ikun li jinterferixxu fl-eżitu ta' kwalunke tilwima jew negozjati bejn il-haddiema jew il-maniġment, jew li jaffettwawh b'xi mod ieħor.

6. Sakemm l-impenji ma jittieħdux skont il-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ), il-liġijiet u r-regolamenti tal-Partijiet rigward id-dħul u s-soġġorn temporanju jkomplu japplikaw, inklużi dawk li jikkonċernaw il-perjodu ta' soġġorn.

7. Minkejja l-Kapitolu 12 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Kummerċ), il-liġijiet u r-regolamenti tal-Partijiet rigward miżuri ta' impjieg u ta' sigurtà soċjali jkomplu japplikaw, inklużi dawk li jikkonċernaw il-pagi minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar il-pagi.

8. Il-lista ta' Parti ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri ta' kwalifika, u mar-rekwiżiti u l-proċeduri ta' standards tekniċi u liċenzji li ma humiex limitazzjoni tat-trattament nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 10.7 (Trattament Nazzjonali) jew 11.6 (Trattament Nazzjonali), jew limitazzjoni ta' aċċess għas-suq skont it-tifsira tal-Artikolu 10.6 (Aċċess għas-Suq) jew 11.4 (Aċċess għas-Suq). Dawk il-miżuri, bħar-rekwiżit li wieħed ikollu liċenzja, l-obbligi ta' servizz universali, ir-rekwiżit li wieħed ikollu kwalifiki rikonoxxuti f'setturi regolati, ir-rekwiżit li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, li jistgħu jinkludu eżamijiet tal-lingwa, u kwalunkwe rekwiżit nondiskriminatorju li ċerti attivitajiet ma għandhomx jitwettqu f'żoni protetti, anki jekk ma jkunux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ.

9. Fis-setturi fejn l-Unjoni Ewropea tapplika t-testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterju ewlieni tagħhom għandu jkunu l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni rilevanti tas-suq fl-Istat Membru jew fir-reġjun fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz, inkluż fir-rigward tal-għadd ta' fornituri tas-servizz eżistenti u l-impatt fuqhom.

10. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fil-Lista tal-Unjoni Ewropea:

AT l-Awstrija

BE il-Belġju ([1])

BG il-Bulgarija

CSS Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali

CY Ċipru

CZ iċ-Ċekja

DE il-Ġermanja

DK id-Danimarka

EE l-Estonja

ŻEE iż-Żona Ekonomika Ewropea

EL il-Greċja

ES Spanja

UE l-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha

FI il-Finlandja ([2])

FR Franza

HR il-Kroazja

HU l-Ungerija

IE l-Irlanda

IP Professjonisti Indipendenti

IT l-Italja

LT il-Litwanja

LU il-Lussemburgu

LV il-Latvja

MT Malta

NL in-Netherlands

PL il-Polonja

PT il-Portugall

([1]) Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti.

([2]) Għall-finijiet tar-riżervi tal-Finlandja, livell reġjonali tal-gvern ifisser il-Gżejjer Åland.

RO ir-Rumanija

SE l-Iżvezja

SI is-Slovenja

SK is-Slovakkja

11. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li t-trattament mogħti fi Stat Membru lil persuni fiżiċi u ġuridiċi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE"), jew skont kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluż l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri, jiġi estiż għal persuni fiżiċi jew għall-intrapriżi tal-Messiku. Skont it-TFUE, dak it-trattament jingħata biss lil intrapriżi kkostitwiti jew organizzati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea, inklużi dawk l-intrapriżi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea li jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi jew intrapriżi tal-Messiku jew li jkunu kontrollati minn dawn tal-aħħar.

Appendiċi V-A

FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

LISTA TAL-UE

Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali (CSS)

1. Suġġett għall-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 u l-lista ta' riżervi fil-paragrafu 9, l-UE tieħu impenji f'konformità mal-Artikolu 12.6 (Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali) fir-rigward ta' din il-kategorija fis-setturi u s-subsetturi li ġejjin:

(a) servizzi legali ([1]);

(b) servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba;

(c) servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa;

(d) servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ;

(e) servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata;

(f) servizzi tal-kompjuters u servizzi relatati;

(g) servizzi ta' riċerka u żvilupp;

(h) servizzi ta' reklamar;

(i) servizzi ta' konsulenza dwar il-ġestjoni;

(j) servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni;

(k) servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi;

(l) servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika;

(m) manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir fil-kuntest ta' kuntratt ta' servizzi ta' wara l-bejgħ jew ta' wara l-lokazzjoni;

(n) servizzi ta' traduzzjoni;

(o) servizzi ta' kostruzzjoni;

(p) xogħol ta' investigazzjoni ta' siti;

(q) servizzi ta' edukazzjoni għolja;

([1]) Riżerva għal servizzi legali elenkati fl-Annessi I jew II minn Stat Membru għal-liġi domestika bħala li tkopri d-dritt tal-UE u tal-Istati Membri tapplika wkoll għal dan l-Anness.

(r) servizzi ambjentali; u

(s) servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u ta' operaturi turistiċi.

2. Is-CSS għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-persuni fiżiċi jridu jkunu impenjati fil-provvista ta' servizz fuq bażi temporanja bħala impjegati ta' intrapriża li tkun kisbet kuntratt ta' servizz li ma jaqbiżx it-12-il xahar;

(b) il-persuni fiżiċi li jidħlu fl-UE jridu jkunu ilhom joffru dawk is-servizzi bħala impjegati tal-intrapriża li tipprovdi s-servizzi matul mill-inqas is-sena immedjatament qabel id-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għad-dħul fl-UE; barra minn hekk, fid-data li fiha jressqu applikazzjoni għad-dħul fl-UE, il-persuni fiżiċi jrid ikollhom mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali ([2]) fis-settur tal-attività li tkun is-suġġett tal-kuntratt;

(c) il-persuni fiżiċi li jidħlu fl-UE jrid ikollhom:

(i) lawrja universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti ([3]); u

(ii) kwalifiki professjonali biex jeżerċitaw attività jekk dan ikun meħtieġ mal-liġi tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz;

(d) il-persuni fiżiċi ma għandhomx jirċievu paga għall-provvista ta' servizzi fit-territorju tal-UE għajr il-paga mħallsa mill-intrapriża li timpjega lill-persuna fiżika; u

(e) in-numru ta' persuni koperti mill-kuntratt ta' servizz ma għandux ikun akbar milli meħtieġ sabiex jiġi ssodisfat il-kuntratt, billa jista' jkun meħtieġ mil-liġi tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz.

3. L-aċċess mogħti skont l-Artikolu 12.6 (Forniturі ta' Servizzi Kuntrattwali) huwa relatat biss mal-attività tas-servizz li tkun is-suġġett tal-kuntratt u ma jagħtix id-dritt li jiġi eżerċitat it-titlu professjonali tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz.

4. It-tul ta' soġġorn permissibbli tal-forniturі ta' servizzi kuntrattwali huwa għal perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn 12-il xahar, b'estensjonijiet possibbli fid-diskrezzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, fi kwalunkwe perjodu ta' 24 xahar jew għat-tul tal-kuntratt, skont liema jkun l-iqsar.

Professjonisti indipendenti (IP)

5. Suġġett għall-kundizzjonijiet fil-paragrafu 6 u l-lista ta' riżervi fil-paragrafu 9, l-UE tieħu impenji f'konformità mal-Artikolu 12.7 (Professjonisti Indipendenti) fir-rigward ta' din il-kategorija fis-setturi u s-subsetturi li ġejjin:

(a) servizzi legali ([4]);

(b) servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ;

([2]) Miksuba wara li jkunu għalqu l-età maġġuri.
([3]) Jekk il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fl-Istat Membru fejn ikun qed jiġi pprovdut is-servizz, dak l-Istat Membru jista' jevalwa jekk dik il-lawrja jew kwalifika tkunx ekwivalenti għal lawrja universitarja meħtieġa fit-territorju tiegħu.
([4]) Riżerva għas-servizzi legali deskritti fl-Anness I jew II minn Stat Membru għad-dritt domestiku bħala li jkopri d-dritt tal-UE u tal-Istati Membri tapplika wkoll għal dan l-Anness.

(c) servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata;

(d) servizzi tal-kompjuters u servizzi relatati;

(e) servizzi ta' konsulenza dwar il-ġestjoni;

(f) servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni; u

(g) servizzi ta' traduzzjoni.

6. L-IP għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) persuni fiżiċi jridu jkunu impjegati fil-provvista ta' servizz fuq bażi temporanja bħala persuni li huma ħaddiema għal rashom stabbiliti fil-Messiku u għandhom ikunu kisbu kuntratt ta' servizz għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar;

(b) il-persuni fiżiċi li jidħlu fl-UE jrid ikollhom, fid-data li fiha jressqu applikazzjoni għad-dħul fl-UE, mill-inqas sitt snin ta' esperjenza professjonali fis-settur tal-attività li tkun is-suġġett tal-kuntratt;

(c) il-persuni fiżiċi li jidħlu fl-UE jrid ikollhom:

(i) lawrja universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti ([5]); u

(ii) kwalifiki professjonali biex jeżerċitaw attività jekk dan ikun rekwiżit tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz.

7. L-aċċess mogħti skont l-Artikolu 12.7 (Professjonisti Indipendenti) huwa relatat biss mal-attività tas-servizz li tkun is-suġġett tal-kuntratt u ma jagħtix id-dritt li jiġi eżerċitat it-titlu professjonali tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz.

8. It-tul ta' soġġorn permissibbli tal-professjonisti indipendenti huwa għal perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn 12-il xahar, b'estensjonijiet possibbli fid-diskrezzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, fi kwalunkwe perjodu ta' 24 xahar jew għat-tul tal-kuntratt, skont liema jkun l-iqsar.

([5]) Jekk il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fl-Istat Membru fejn ikun qed jiġi pprovdut is-servizz, dak l-Istat Membru jista' jevalwa jekk dik il-lawrja jew kwalifika tkunx ekwivalenti għal lawrja universitarja meħtieġa fit-territorju tiegħu.

9. Lista ta' riżervi

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
V-UE-1 UE – Is-setturi kollha	Tul tas-soġġorn Fl-AT: Is-soġġorn massimu għas-CSS u għall-IP għandu jkun għal perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn sitt xhur fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar jew sakemm idum il-kuntratt, skont liema minnhom ikun l-iqsar. F'CY: Is-soġġorn massimu għas-CSS u għall-IP għandu jkun għal perjodu ta' sitt xhur li jista' jiġġedded darba għal perjodu addizzjonali ta' sitt xhur, jew għad-durata tal-kuntratt, skont liema minnhom ikun l-iqsar. FiL-BE, fiċ-CZ, fil-LT, f'MT u fil-PT: Is-soġġorn massimu għas-CSS u għall-IP għandu jkun għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar konsekuttivi jew għad-durata tal-kuntratt, skont liema minnhom ikun l-iqsar.
V-UE-2 Servizzi ta' konsulenza legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi barranija (parti minn CPC 861)	CSS: Fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fir-RO, fis-SI, fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: Fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fil-EL, fi ES, fil-FI, fl-HU, fl-IT, fil-LT, f'MT, fir-RO, fis-SI, fis-SK: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
V-UE-3 Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 86212 minbarra servizzi ta' awditjar, 86213, 86219 u 86220)	CSS: Fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fid-DK, fil-EL, fil-FI, fi FR, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fir-RO, fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
V-UE-4 Servizzi tat-tassazzjoni (CPC 863) [1]	CSS: Fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fid-DK, fil-EL, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-PT: Mhux marbut.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
V-UE-5 Servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ (CPC 8671 u 8674)	CSS: Fl-AT (servizzi ta' ppjanar biss): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-BG, fiċ-CZ, fil-DE, fl-HU, fil-LT, fil-LV, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. Fil-FI: Il-persuni fiżiċi jridu juru li għandhom għarfien speċjali relevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. IP: Fl-AT (Servizzi ta' ppjanar biss): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fi ES, fl-HU, fl-IT, fil-LT, fir-RO, fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li jkollha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut.
V-UE-6 Servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata (CPC 8672 u 8673)	CSS: Fl-AT (Servizzi ta' ppjanar biss): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-BG, fiċ-CZ, fil-DE, fil-LT, fil-LV, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li jkollha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. Fl-HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: Fl-AT (Servizzi ta' ppjanar biss): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fi ES, fl-IT, fil-LT, fir-RO, fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li jkollha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. Fl-HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
V-UE-7 Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati (CPC 84)	CSS: Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fl-HU, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li jkollha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. IP: Fl-AT, fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fid-DK, fi ES, fl-HU, fl-IT, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li jkollha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. Fil-HR: Mhux marbut.
V-UE-8 Servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp (CPC 851, 852 ħlief għas-servizzi ta' psikologi [2], u 853)	CSS: Fl-UE: Jinħtieġ ftehim ta' ospitar ma' organizzazzjoni approvata tar-riċerka [3]. Fiċ-CZ, fid-DK, fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
V-UE-9 Servizzi ta' reklamar (CPC 871)	CSS: Fl-AT, fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fid-DK, fil-EL, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
V-UE-10 Servizzi ta' konsulenza dwar il-ġestjoni (CPC 865)	CSS: Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fl-HU, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. IP: Fl-AT, fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fi ES, fil-HR, fl-HU, fl-IT, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
V-UE-11 Servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni (CPC 866)	CSS: Fl-AT, fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. Fl-HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal servizzi tal-arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni (CPC 86602), f'liema każ: Mhux marbut.
V-UE-12 Servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi (CPC 8676)	CSS: Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fil-PT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur.
V-UE-13 Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)	CSS: Fl-AT, fiċ-CZ, f'CY, fil-DE, fid-DK, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fil-PT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-BG: Mhux marbut. Fil-DE (Surveyors maħtura pubblikament): Mhux marbut. Fi FR: (Operazzjonijiet ta' stħarriġ relatati mal-istabbiliment ta' drittijiet tal-proprjetà u mal-liġi tal-artijiet): Mhux marbut.
V-UE-14 Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' oġġetti personali u domestiċi [4] fil-kuntest ta' kuntratt ta' servizzi ta' wara l-bejgħ jew ta' wara l-lokazzjoni (CPC 633, 7545, 8861, 8862, 8864, 8865 u 8866)	CSS: Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fil-DE, fid-DK, fl-HU, fl-IE, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-FI: Mhux marbut, ħlief fil-kuntest ta' kuntratt ta' wara l-bejgħ jew ta' wara l-lokazzjoni, f'liema każ it-tul tas-soġġorn ikun limitat għal sitt xhur. Manutenzjoni u tiswija ta' oġġetti personali u domestiċi (CPC 633): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
V-UE-15 Servizzi tat-traduzzjoni (CPC 87905, minbarra attivitajiet uffiċjali jew ċertifikati)	CSS: Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fil-FI, fl-HU, fl-IE, fil-LT, fil-LV, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: Fl-AT, fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fil-EL, fi ES, fil-FI, fl-HU, fl-IE, fl-IT, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-HR: Mhux marbut.
V-UE-16 Servizzi ta' kostruzzjoni u servizzi ta' inġinerija relatati (CPC 511, 512, 513, 514, 515, 516, 517 u 518. Fil-BG: CPC 512, 5131, 5132, 5135, 514, 5161, 5162, 51641, 51643, 51644, 5165 u 517)	CSS: Fl-UE: Mhux marbut ħlief fil-BE, fiċ-CZ, fid-DK, fi ES, fi FR, fin-NL u fis-SE. Fiċ-CZ: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fi FR: Mhux marbut, ħlief għat-tekniċi, jekk: Il-permess tax-xogħol jingħata għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur. Meħtieġa l-konformità ma' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
V-UE-17 Xogħol ta' investigazzjoni ta' siti (CPC 5111)	CSS: Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni sa tliet xhur.
V-UE-18 Servizzi ta' edukazzjoni għolja (CPC 923)	CSS: Fl-UE ħlief fil-LU, fl-SE: Mhux marbut. Fil-LU: Mhux marbut, ħlief għal professuri universitarji, f'liema każ xejn. Fl-SE: (Forniturі ta' servizzi edukattivi ffinanzjati pubblikament u privatament b'xi forma ta' appoġġ mill-Istat): Mhux marbut.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
V-UE-19 Servizzi ambjentali (CPC 9401, 9402, 9403, 9404, parti minn 94060, 9405, parti minn 9406 u 9409)	CSS: Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fil-DE, fid-DK, fil-EL, fl-HU, fil-LT, fil-LV, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
V-UE-20 Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi (CPC 7471 inklużi maniġers tat-tours ([5]))	CSS: Fil-BE, fl-IE: Mhux marbut, ħlief għall-maniġers tat-tours, f'liema każ l-ebda wieħed. Fil-BG, fil-EL, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fil-PT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni sa tliet xhur.

([1]) Ma jinkludux servizzi ta' konsulenza legali u ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li jaqgħu taħt is-servizzi ta' konsulenza legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-pajjiż ta' oriġini.

([2]) Parti minn CPC 85201, li jaqa' taħt servizzi mediċi u dentali.

([3]) Għall-Istati Membri kollha ħlief għad-DK, l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tar-riċerka u tal-ftehim ta' hosting għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU UE L 132, 21.5.2016, p. 21).

([4]) Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċji inklużi kompjuters (CPC 845) huma kklassifikati taħt servizzi tal-kompjuters.

([5]) Forniturі ta' servizzi li l-funzjoni tagħhom hija li jakkumpanjaw grupp turisitiku ta' mill-inqas 10 persuni fiżiċi, mingħajr ma jaġixxu bħala gwidi f'postijiet speċifiċi.

Appendiċi V-B

FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

LISTA TAL-MESSIKU

Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali

1. Din il-kategorija tinkludi wkoll professjonisti u professjonisti tekniċi.

2. Għall-finijiet ta' din il-kategorija:

(a) "professjonist" tfisser persuna fiżika involuta f'okkupazzjoni speċjalizzata li teħtieġ:

(i) l-applikazzjoni teoretika u prattika ta' korp ta' għarfien speċjalizzat; u

(ii) il-kisba ta' diploma postsekondarja għad-dħul fl-impjieg;

(b) "professjonist tekniku" tfisser professjonist li jkun:

(i) l-applikazzjoni teoretika u prattika ta' korp ta' għarfien speċjalizzat; u

(ii) kiseb diploma postsekondarja għad-dħul f'dik l-okkupazzjoni.

3. Lista ta' riżervi

Settur jew Subsettur	Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet (inkluż it-tul tas-soġġorn)
Is-setturi kollha	1. Għall-finijiet ta' dħul temporanju, il-Messiku għandu jagħti soġġorn ta' sena, li jista' jiġi estiż tliet darbiet għal sena kull darba. 2. Il-Messiku għandu jippermetti d-dħul temporanju u jipprovdi dokumentazzjoni ta' konferma lil persuna professjonali li tkun qed tfittex li twettaq attività kummerċjali f'livell professjonali jew professjonali tekniku, abbażi ta' kuntratt ta' xogħol, dment li jiġu ppreżentati dawn li ġejjin: (a) dokumentazzjoni li turi li l-persuna professjonali se tkun impenjata b'dan il-mod u li tiddeskrivi l-iskop tad-dħul; u (b) dokumentazzjoni li turi li l-persuna professjonali għandha r-rekwiżiti akkademiċi minimi jew diplomi jew ċertifikati akkademiċi alternattivi. 3. Għal aktar ċertezza, id-dħul temporanju ta' professjonist jew professjonist tekniku ma għandux jimplika r-rikonoxximent ta' diplomi jew ċertifikati akkademiċi, jew l-għoti ta' liċenzji għal prattika professjonali. 4. Din il-kategorija hija suġġetta għal offerta ta' impjieg imħallas fil-Messiku.

Settur jew Subsettur	Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet (inkluż it-tul tas-soġġorn)
	5. L-okkupazzjonijiet jew l-attivitajiet li ġejjin għandhom jingħataw dħul temporanju fil-kategorija ta' professjonist tekniku: (a) id-disinn u r-reklamar; (b) l-arkitettura u d-disinn intern; (c) il-kontabilità u l-ġestjoni; (d) it-turiżmu u l-gastronomija; (e) is-sistemi u l-computing; (f) l-inġinerija; (g) is-saħħa (tinkludi l-infermerija teknika, l-ispiżerija u l-fiżjoterapija); (h) il-kostruzzjoni; (i) l-elettriku u l-komunikazzjoni; (j) il-produzzjoni industrijali; u (k) il-manutenzjoni u t-tiswija ta' makkinarju u ta' tagħmir (inklużi l-manutenzjoni u t-tiswija tat-tipi kollha ta' vetturi, bastimenti u inġenji tal-ajru), sakemm il-professjonist tekniku ma jkunx parti mill-ekwipaġġ ta' kwalunkwe bastiment jew inġenju tal-ajru li jtajjar il-bandiera jew li juri l-logo ta' negozjant Messikan. Il-Messiku għandu jagħti dħul u soġġorn temporanju lill-konjuġi tal-fornituri ta' servizzi kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea, lill-professjonisti tal-Unjoni Ewropea u lill-professjonisti tekniċi tal-Unjoni Ewropea. Il-Messiku għandu jagħti permess tax-xogħol lill-konjuġi tal-fornituri ta' servizzi kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea, lill-professjonisti tal-Unjoni Ewropea u lill-professjonisti tekniċi tal-Unjoni Ewropea, suġġett għal offerta ta' impjieg minn qabel f'konformità mal-liġi tal-Messiku.

ANNESS VI

SERVIZZI FINANZJARJI

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-lista ta' Parti fl-appendiċijiet għal dan l-Anness tistabbilixxi:

(a) fit-Taqsima A, skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi), il-miżuri eżistenti ta' dik il-Parti li ma jikkonformawx mal-obbligi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(i) L-Artikolu 18.3 (Trattament Nazzjonali);

(ii) L-Artikolu 18.4 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit);

(iii) L-Artikolu 18.5 (Aċċess għas-Suq);

(iv) L-Artikolu 18.6 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi); jew

(v) L-Artikolu 18.7 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji); u

(b) fit-Taqsima B, skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi), is-setturi, is-subsetturi jew l-attivitajiet speċifiċi li għalihom dik il-Parti tista' żżomm miżuri eżistenti, jew tadotta miżuri ġodda jew aktar restrittivi, li ma jikkonformawx mal-obbligi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(i) L-Artikolu 18.3 (Trattament Nazzjonali);

(ii) L-Artikolu 18.4 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit);

(iii) L-Artikolu 18.5 (Aċċess għas-Suq);

(iv) L-Artikolu 18.6 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi); jew

(v) L-Artikolu 18.7 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji).

2. Il-lista ta' Parti hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

3. Kull entrata fit-Taqsima A tal-lista ta' Parti tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "Settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) "Subsettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir l-entrata;

(c) "Obbligi Kkonċernati" tispeċifika l-obbligi msemmija fis-subparagrafu 1(a) ta' dan l-Anness li, skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi), ma japplikawx għall-miżuri elenkati fl-entrata;

(d) "Livell ta' Gvern" tindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżuri speċifikati;

(e) "Miżuri" tidentifika l-liġijiet, ir-regolamenti jew miżuri oħra li għalihom issir l-entrata; miżura ċċitata fl-element tal-"miżuri":

(i) tfisser il-miżura kif emendata, issoktata jew imġedda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(ii) tinkludi kwalunkwe miżura subordinata adottata jew miżmuma taħt l-awtorità tal-miżura u konsistenti mal-miżura; u

(iii) tinkludi, għall-Unjoni Ewropea, direttivi u kwalunkwe liġi, regolament jew miżura oħra li timplimenta d-Direttiva rilevanti fil-livell tal-Istati Membri; u

(f) "Deskrizzjoni" jew tistabbilixxi l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti jew tipprovdi deskrizzjoni ġenerali mhux vinkolanti tal-miżura li għaliha ssir l-entrata.

4. Fl-interpretazzjoni ta' entrata fit-Taqsima A, għandhom jitqiesu l-elementi kollha ta' dik l-entrata. L-element tal-"miżura" għandu jipprevali fuq l-elementi l-oħra kollha.

5. Kull entrata fit-Taqsima B tal-lista tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "Settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) "Subsettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir l-entrata;

(c) "Obbligi Kkonċernati" tispeċifika l-obbligi msemmija fis-subparagrafu 1(b) ta' dan l-Anness li, skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi), ma japplikawx għas-setturi, is-subsetturi jew l-attivitajiet elenkati fl-entrata;

(d) "Livell ta' Gvern" tindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżuri speċifikati;

(e) "Deskrizzjoni" tistabbilixxi l-ambitu tas-setturi, tas-subsetturi jew tal-attivitajiet koperti mir-riżerva; u

(f) "Miżuri Eżistenti", jekk speċifikati, tidentifika, għal finijiet ta' trasparenza, lista mhux eżawrjenti ta' miżuri eżistenti li japplikaw għas-settur, għas-subsettur jew għall-attivitajiet koperti mir-riżerva.

6. Fl-interpretazzjoni ta' entrata fit-Taqsima B, għandhom jitqiesu l-elementi kollha ta' dik l-entrata. L-element tad-"deskrizzjoni" għandu jipprevali fuq l-elementi l-oħra kollha.

7. L-elenkar ta' riżerva fit-Taqsima A jew B ma jfissirx li din ma tistax tiġi ġġustifikata mod ieħor bħala miżura adottata jew miżmuma għal raġunijiet prudenzjali skont l-Artikolu 18.13 (Konċessjoni Prudenzjali).

8. Riżerva miżmuma fil-livell tal-Unjoni Ewropea tapplika għal miżura tal-Unjoni Ewropea u ta' Stat Membru fil-livell nazzjonali kif ukoll għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm ir-riżerva ma teskludix Stat Membru.

9. Riżerva miżmuma fil-livell nazzjonali tal-Messiku jew ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak il-pajjiż.

10. Għal ċertezza akbar, miżura adottata jew miżmuma f'konformità mal-Artikolu 18.18 (Regolament Domestiku u Trasparenza) li tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 18.3 (Trattament Nazzjonali), 18.4 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), 18.5 (Aċċess għas-Suq), 18.6 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi), jew 18.7 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji), ma hemmx għalfejn tiġi elenkata fil-lista ta' Parti.

11. Għal ċertezza akbar, il-limitazzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' kapital barrani f'termini ta' limitu perċentwali massimu fuq il-parteċipazzjoni azzjonarja barranija jew il-valur totali ta' investiment barrani individwali jew aggregat ma jikkostitwixxux limitazzjoni għall-Artikolu 18.5 (Aċċess għas-Suq).

12. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fil-lista tal-Unjoni Ewropea:

AT l-Awstrija

BE il-Belġju ([1])

BG il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ iċ-Ċekja

DE il-Ġermanja

DK id-Danimarka

EE l-Estonja

EL il-Greċja

ES Spanja

UE l-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha

FI il-Finlandja ([2])

FR Franza

HR il-Kroazja

HU l-Ungerija

IE l-Irlanda

IT l-Italja

LT il-Litwanja

LU il-Lussemburgu

LV il-Latvja

MT Malta

NL in-Netherlands

PL il-Polonja

([1]) Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti.

([2]) Għall-finijiet tar-riżervi tal-Finlandja, livell reġjonali tal-gvern ifisser il-Gżejjer Åland.

PT il-Portugall

RO ir-Rumanija

SE l-Iżvezja

SI is-Slovenja

SK is-Slovakkja

13. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li t-trattament mogħti fi Stat Membru lil persuni fiżiċi u ġuridiċi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE"), jew skont kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluż l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri, jiġi estiż għal persuni fiżiċi jew għall-intrapriżi tal-Messiku. Skont it-TFUE, dak it-trattament jingħata biss lil intrapriżi kkostitwiti jew organizzati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea, inklużi dawk l-intrapriżi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea li jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi jew intrapriżi tal-Messiku jew li jkunu kontrollati minn dawn tal-aħħar.

14. Għal aktar ċertezza, għall-finijiet tal-lista tal-Messiku, it-termini "Nazzjon" u "Stat" ifissru l-Messiku.

Appendiċi VI-A

RIŻERVI GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI

LISTA TAL-UE

(applikabbli fl-Istati Membri kollha sakemm ma jkunx indikat mod ieħor)

TAQSIMA A

VI-UE-A-1

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)
	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)
Livell ta' Gvern:	L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fil-BG: L-assigurazzjoni għall-pensjoni għandha titwettaq bħala kumpanija b'ishma konġunti liċenzjata f'konformità mal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali u rreġistrata skont l-Att dwar il-Kummerċ jew skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor (ebda fergħa).

Il-promoturi u l-azzjonisti tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni għall-pensjoni jistgħu jkunu persuni ġuridiċi mhux residenti, reġistrati bħala assigurazzjoni soċjali, assigurazzjoni kummerċjali jew istituzzjoni finanzjarja oħra skont il-liġi tal-Istat Membru ta' dawk il-persuni ġuridiċi mhux residenti, jekk jippreżentaw referenzi bankarji minn bank barrani tal-ewwel klassi kkonfermati mill-Bank nazzjonali Bulgaru. Persuni fiżiċi mhux residenti ma jistgħux ikunu promoturi u azzjonisti ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni għall-pensjoni.

L-introjtu tal-fondi tal-pensjoni volontarja supplimentari, kif ukoll introjtu simili direttament marbut mal-assigurazzjoni tal-pensjoni volontarja mwettqa minn persuni li huma rreġistrati skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor u li jistgħu, f'konformità mal-leġiżlazzjoni kkonċernata, iwettqu operazzjonijiet ta' assigurazzjoni tal-pensjoni volontarja, ma għandux ikun taxxabbli skont il-proċedura stabbilita mill-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv.

Il-President tal-bord maniġerjali, il-President tal-bord tad-diretturi, id-direttur eżekuttiv u l-aġent maniġerjali jeħtiġilhom ikollhom indirizz permanenti jew ikollhom permess ta' residenza fit-tul fil-BG.

Miżuri:

Il-BG: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikoli 120a sa 162, 209 sa 253 u 260 sa 310.

VI-UE-A-2

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)
Livell ta' Gvern:	L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fl-AT: Sabiex jiksbu liċenzja biex jifthu fergħa, l-assiguraturi barranin għandu jkollhom il-forma ġuridika ta' kumpanija b'ishma konġunti jew ta' assoċjazzjoni tal-assigurazzjoni reċiproka jew forma simili f'pajjiżhom.

Il-maniġment ta' fergħa għandu jkun magħmul tal-anqas minn żewġ persuni fiżiċi residenti fl-AT.

Fil-BG: Qabel ma jistabbilixxi fergħa jew aġenzija sabiex jipprovdi assigurazzjoni, assiguratur jew riassiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat biex jopera fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni bħal dawk li jkun jixtieq jipprovdi fil-BG.

Rekwiżit ta' residenza għall-membri ta' korp maniġerjali u superviżorju ta' intrapriżi ta' (ri)assigurazzjoni u għal kull persuna awtorizzata li timmaniġġa jew tirrappreżenta l-intrapriża ta' (ri)assigurazzjoni.

Miżuri:

L-AT: L-Att dwar is-Superviżjoni tal-Assigurazzjoni (*Versicherungsaufsichtsgesetz*, VAG), § 5 (1) 3.

Il-BG: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 12, 56 sa 63, 65, 66 u l-paragrafu 4 tal-Artikolu 80.

VI-UE-A-3

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
Livell ta' Gvern:	L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fi ES: Qabel ma jistabbilixxi fergħa jew aġenzija fi ES, sabiex jipprovdi ċerti klassijiet ta' assigurazzjoni, assiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat sabiex jopera fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu għal tal-anqas ħames snin.

Fil-PT: Sabiex jistabbilixxu fergħa jew aġenzija, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin jeħtieġ li juru esperjenza operattiva preċedenti ta' mill-anqas ħames snin.

Fil-PT, fi ES u fil-BG: Il-fergħat diretti ma humiex permessi għall-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, li hija riżervata għal kumpaniji stabbiliti skont il-liġi ta' Stat Membru.

Fl-SE: L-intrapriżi tal-medjazzjoni fl-assigurazzjoni mhux inkorporati fl-UE jistgħu jiġu stabbiliti biss permezz ta' fergħa.

Miżuri:

Il-BG: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 12, 56 sa 63, 65, 66 u l-paragrafu 4 tal-Artikolu 80.

ES: Reglamento de Ordenación, Supervisión y Solvencia de Entidades Aseguradoras y Reaseguradoras (RD 1060/2015), l-Artikolu 36.

Il-PT: Id-Digriet Liġi 94-B/98 l-Artikolu 7 u t-Taqsima VI tal-Kapitolu I, id-Digriet Liġi 144/2006, il-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 34 u l-Artikolu 7.

VI-UE-A-4

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)
Livell ta' Gvern:	L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fl-DE u fil-LT: Il-provvista ta' servizzi diretti tal-assigurazzjoni minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbiliti fl-UE tirrikjedi l-istabbiliment u l-awtorizzazzjoni ta' fergħa.

Miżuri:

Il-DE: § § 67 sa 69 tal-Att dwar is-Superviżjoni tal-Assigurazzjoni (*Versicherungsaufsichtsgesetz*, *VAG*) għas-servizzi kollha tal-assigurazzjoni li timplimenta s-Solvibbiltà 2; b'rabta ma' § 105 tal-*Luftverkehrs-Zulassungs-Ordnung* (*LuftVZO*) għall-assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà tal-ajru biss.

Il-LT: Il-Liġi dwar l-Assigurazzjoni, it-18 ta' Settembru, 2003, Nru IX-1737, l-aħħar emenda fil-15 ta' Diċembru 2016; u l-Liġi Nru XIII-98.

VI-UE-A-5

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
Livell ta' Gvern:	L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fil-EL: Id-dritt ta' stabbiliment ma jippermettix il-ħolqien ta' uffiċċji rappreżentattivi jew preżenza permanenti oħra ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni, ħlief jekk dawk l-uffiċċji jkunu stabbiliti bħala aġenziji, fergħat jew uffiċċji prinċipali.

Fil-PL: L-inkorporazzjoni lokali (ebda fergħa) hija meħtieġa għall-intermedjarji tal-assigurazzjoni.

Miżuri:

Il-EL: Id-Digriet Leġiżlattiv 400/1970.

Il-PL: L-Att dwar l-Attività tal-Assigurazzjoni tat-22 ta' Mejju 2003; u

L-Att dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni tat-22 ta' Mejju 2003 (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2003, Nru 124, punt 1154), l-Artikoli 16 u 31.

VI-UE-A-6

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra
Obbligi Kkonċernati:	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)
Livell ta' Gvern:	L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fl-IT: Sabiex tkun awtorizzata topera s-sistema ta' saldu tat-titoli jew tipprovdi servizzi ta' depożitarju ċentrali tat-titoli bi stabbiliment fl-IT, kumpanija trid tkun inkorporata Fl-IT (ebda fergħa).

Fil-każ ta' skemi ta' investiment kollettiv minbarra intrapriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (minn hawn 'il quddiem, "UCITS") armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, it-trustee jew id-depożitarju huwa meħtieġ li jkun stabbilit fl-IT jew fi Stat Membru ieħor u jkollu fergħa fl-IT.

L-intrapriżi maniġerjali ta' fondi ta' investiment mhux armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE huma wkoll meħtieġa li jiġu inkorporati fl-IT (ebda fergħa).

Il-banek, l-intrapriżi tal-assigurazzjoni, id-ditti tal-investiment u l-intrapriżi li jimmaniġġaw UCITS li jkunu armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE li jkollhom l-uffiċċju prinċipali legali tagħhom fl-UE, kif ukoll UCITS inkorporati fl-IT biss jistgħu jwettqu l-attività ta' ġestjoni ta' riżorsi ta' fond ta' pensjoni.

Meta jipprovdu l-attività tal-bejgħ bieb bieb, l-intermedjarji jridu jużaw bejjiegħa finanzjarji awtorizzati residenti fit-territorju ta' Stat Membru.

L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intermedjarji mhux tal-UE ma jistgħux iwettqu attivitajiet għall-provvista ta' servizzi ta' investiment, inkluż in-negozjar akkont proprju u għan-nom tal-klijenti, it-tqegħid u s-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji (fergħa meħtieġa).

Miżuri:

L-IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 58/1998, l-Artikoli 1, 19, 28, 30 sa 33, 38, 69 u 80;

Ir-Regolament Konġunt tal-Bank tal-Italja u Consob tat-22 ta' Frar 1998, l-Artikoli 3 u 41;

Ir-Regolament tal-Bank tal-Italja tal-25 ta' Jannar 2005, Titolu V, Kapitolu VII, Taqsima II;

Ir-Regolament tal-Consob dwar l-Intermedjarji nru 16190 tad-29 ta' Ottubru 2007, l-Artikoli 17 sa 21, 78 sa 81, 91 sa 111; u suġġett għal:

Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (CSDR), l-Artikolu 69(4).

VI-UE-A-7

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
Livell ta' Gvern:	L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fil-BG: L-istituzzjoni finanzjarja għandu jkollha n-negozju prinċipali tagħha fit-territorju tal-BG.

Fl-HU: Il-fergħat ta' kumpaniji ta' mmaniġġjar ta' fondi ta' investiment mhux taż-ŻEE ma għandhomx ikunu involuti fl-immaniġġjar ta' fondi ta' investiment tal-UE u ma għandhomx jipprovdu servizzi ta' mmaniġġjar ta' assi lil fondi ta' pensjoni privati.

Miżuri:

Il-BG: Il-Liġi tal-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, l-Artikolu 3a;

Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikolu 121e; u

Il-Liġi dwar il-Munita, l-Artikolu 3.

L-HU: L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u

L-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq Kapitali.

VI-UE-A-8

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra
Obbligi Kkonċernati:	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)
Livell ta' Gvern:	L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fil-BG: Bank għandu jiġi mmaniġġjat u rrappreżentat b'mod konġunt minn mill-inqas żewġ persuni fiżiċi, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun profiċjenti fil-lingwa Bulgara. Il-persuni fiżiċi li jimmaniġġjaw u jirrappreżentaw lill-bank għandhom ikunu preżenti personalment fl-indirizz tal-ġestjoni tiegħu.

Fl-HU: Il-bord tad-diretturi ta' istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollu mill-inqas żewġ membri li huma residenti tal-HU skont ir-regolamenti dwar il-muniti barranin u li qabel kellhom residenza permanenti fl-HU għal mill-inqas sena.

Fl-SE: Fundatur ta' bank tat-tfaddil għandu jkun persuna fiżika residenti fiż-ŻEE.

Miżuri:

Il-BG: Il-Liġi tal-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, l-Artikolu 10;

Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikolu 121e; u

Il-Liġi dwar il-Munita, l-Artikolu 3.

L-HU: L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u

L-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq Kapitali.

L-SE: L-Att dwar il-Banek tat-Tfaddil (*Sparbankslagen*) (1987:619), il-Kapitolu 2, § 1, it-tieni paragrafu.

VI-UE-A-9

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
Livell ta' Gvern:	L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fil-PT: L-immaniġġjar ta' fondi tal-pensjoni jista' jiġi pprovdut biss minn kumpaniji speċjalizzati inkorporati fil-PT għal dak il-għan u minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-PT u awtorizzati sabiex jibdew in-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja, jew minn entitajiet awtorizzati sabiex jipprovdu immaniġġjar ta' fondi tal-pensjoni fi Stati Membri oħra. Il-fergħat diretti minn pajjiżi mhux tal-UE ma humiex permessi.

Fir-RO: L-operaturi tas-suq huma persuni ġuridiċi stabbiliti bħala kumpaniji b'ishma konġunti skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Kumpaniji. Sistemi alternattivi ta' negozjar jistgħu jiġu mmaniġġjati minn operatur tas-sistema stabbilit skont il-kundizzjonijiet deskritti hawn fuq jew minn ditta ta' investiment awtorizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali tat-Titoli (*Comisia Națională a Valorilor Mobiliare, CNVM*).

Fis-SI: Skema tal-pensjoni tista' tiġi pprovduta minn fond tal-pensjoni reċiproka, li ma huwiex entità ġuridika u għalhekk huwa ġestit minn kumpanija tal-assigurazzjoni, bank jew kumpanija tal-pensjoni. B'mod addizzjonali, skema tal-pensjoni tista' tiġi offruta wkoll minn fornituri ta' skemi tal-pensjoni stabbiliti f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru.

Miżuri:

Il-PT: Id-Digriet Liġi 12/2006, kif emendat bid-Digriet Liġi 180/2007;

Id-Digriet-Liġi 357-A/2007; u

Ir-Regolament 7/2007-R, kif emendat bir-Regolament 2/2008-R, ir-Regolament 19/2008-R u r-Regolament 8/2009.

Ir-RO: Il-Liġi Nru 297/2004 dwar is-swieq kapitali; u r-Regolament Nru 2/2006 tas-CNVM (*Comisia Națională a Valorilor Mobiliare*) dwar is-swieq regolati u s-sistemi alternattivi ta' negozjar.

Is-SI: L-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-Pensjoni u tal-Invalidità (Gazzetta Uffiċjali Nru 102/15).

VI-UE-A-10

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra
Obbligi Konċernati:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)
Livell ta' Gvern:	L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fl-HU: Il-kumpaniji mhux taż-ŻEE jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji jew jipparteċipaw f'attivitajiet awżiljarji għas-servizzi finanzjarji biss permezz ta' fergħa fl-HU.

Miżuri:

L-HU: L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u

L-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq Kapitali.

TAQSIMA B

VI-EU-B-1

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Kollha
Obbligi Konċernati:	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.6)

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tirrikjedi li istituzzjoni finanzjarja, minbarra fergħa, li tistabbilixxi ruħha fi Stat Membru, tadotta forma ġuridika speċifika fuq bażi nondiskriminatorja.

VI-EU-B-2

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi tal-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)
	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

Fil-FI: Il-provvista ta' servizzi ta' sensara tal-assigurazzjoni hija suġġetta għal post permanenti ta' negozju fl-UE.

Huma biss l-assiguraturi li għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-UE jew li għandhom il-fergħa tagħhom fil-FI li jistgħu joffru servizzi ta' assigurazzjoni diretta, inkluża l-koassigurazzjoni.

Mill-inqas nofs il-membri tal-bord tad-diretturi u tal-bord superviżorju, u d-direttur maniġerjali ta' kumpanija tal-assigurazzjoni li tipprovdi assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni għandu jkollhom il-post ta' residenza tagħhom fiż-ŻEE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux taw eżenzjoni. L-assiguraturi barranin ma jistgħux jiksbu liċenzja fil-FI bħala fergħa biex iwettqu l-assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni. Mill-inqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE.

Għal kumpaniji tal-assigurazzjoni oħrajn, ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għal mill-inqas membru wieħed tal-bord tad-diretturi, tal-bord superviżorju u għad-direttur maniġerjali. Mill-inqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE. L-aġent ġenerali ta' kumpanija tal-assigurazzjoni tal-Messiku jrid ikollu l-post tar-residenza tiegħu fil-FI, sakemm il-kumpanija ma jkollhiex l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-UE.

Miżuri:

L-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni Barranin (*Laki ulkomaisista vakuutusyhtiöistä*) (398/1995); L-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni (*Vakuutusyhtiölaki*) (521/2008);

L-Att dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni (*Laki vakuutusedustuksesta*) (570/2005);

L-Att dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni *(Laki vakuutusten tarjoamisesta*) (234/2018); u

L-Att dwar il-Kumpaniji li jipprovdu Assigurazzjoni Statutorja tal-Pensjoni (*Laki työeläkevakuutusyhtiöistä*) (354/1997).

VI-UE-B-3

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi tal-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

Fil-DE: Kumpanija tal-assigurazzjoni barranija li tkun stabbilixxiet fergħa fil-DE tista' tikkonkludi kuntratti ta' assigurazzjoni fil-DE relatati mat-trasport internazzjonali biss permezz tal-fergħa stabbilita fil-DE.

Fi ES: Ir-residenza, jew inkella sentejn ta' esperjenza, hija meħtieġa għall-professjoni attwarja.

Fl-HU: Il-provvista ta' assigurazzjoni diretta fit-territorju tal-HU minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbilita fl-UE hija permessa biss permezz ta' fergħa rreġistrata fl-HU.

Fis-SK: Ċittadini barranin jistgħu jistabbilixxu kumpanija tal-assigurazzjoni fil-forma ta' kumpanija b'ishma konġunti jew jistgħu jwettqu negozju tal-assigurazzjoni permezz tal-fergħat tagħhom li jkollhom uffiċċju reġistrat fis-SK. L-awtorizzazzjoni fiż-żewġ każijiet hija suġġetta għall-evalwazzjoni tal-awtorità superviżorja.

L-assigurazzjoni tat-trasport bl-ajru u bil-baħar, li tkopri l-inġenju tal-ajru/il-bastiment u r-responsabbiltà, tista' tiġi sottoskritta biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fl-UE jew mill-fergħa tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbiliti fl-UE awtorizzati fir-Repubblika Slovakka.

Miżuri:

Il-DE: Il-paragrafu 2 ta' § 43 *Luftverkehrsgesetz* (LuftVG); u

Il-paragrafu 1 ta' § 105 *Luftverkehrszulassungsordnung* (LuftVZO).

L-HU: L-Att LX tal-2003.

Is-SK: L-Att 39/2015 dwar l-Assigurazzjoni.

VI-EU-B-4

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi tal-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

Fl-HU: Il-provvista ta' assigurazzjoni diretta fit-territorju tal-HU minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbilita fl-UE hija permessa biss permezz ta' fergħa rreġistrata fl-HU.

Miżuri:

L-HU: L-Att LX tal-2003.

VI-UE-B-5

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tirrikjedi li l-intrapriżi li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-UE biss jistgħu jaġixxu bħala depożitarji tal-assi ta' fondi ta' investiment.

L-istabbiliment ta' intrapriża maniġerjali speċjalizzata li jkollha l-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-istess Stat Membru huwa meħtieġ iwettaq l-attivitajiet ta' mmaniġġjar ta' fondi komuni, inklużi l-fondi mutwi, u fejn permess mil-liġi nazzjonali, l-intrapriżi ta' investiment.

Miżuri:

Fl-UE: Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), kif emendat bid-Direttivi 2010/78/UE, l-2011/61/UE, l-2013/14/UE u l-2014/91/UE; u

Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010, kif emendata bid-Direttiva 2013/14/UE.

VI-EU-B-6

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra
Obbligi Kkonċernati:	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

Fl-EE: Għall-aċċettazzjoni tad-depożiti, jeħtieġ l-awtorizzazzjoni mill-Awtorità tas-Superviżjoni Finanzjarja tal-Estonja u r-reġistrazzjoni taħt il-liġi tal-Estonja bħala kumpanija b'ishma konġunti, sussidjarja jew fergħa.

Fis-SK: Is-servizzi ta' investiment fis-SK jistgħu jiġu pprovduti biss minn kumpaniji maniġerjali li għandhom il-forma ġuridika ta' kumpanija b'ishma konġunti b'kapital ta' ekwità skont il-liġi (ebda fergħa).

Miżuri:

L-EE: L-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Krediidiasutuste seadus) § 21 u § 206.

Is-SK: L-Att 566/2001 dwar it-Titoli u s-Servizzi ta' Investiment; u l-Att 483/2001 dwar il-Banek.

VI-EU-B-7

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Deskrizzjoni:

Fl-IT: Tista' tiġi adottata kwalunkwe miżura fir-rigward tas-servizzi ta' konsulenti finanzjarji (*consulenti finanziari*).

Miżuri:

L-IT: Ir-Regolament tal-Consob dwar l-Intermedjarji nru 16190 tad-29 ta' Ottubru 2007, l-Artikoli 91 sa 111.

VI-UE-B-8

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)
	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

Fil-FI: Mill-inqas wieħed mill-fundaturi, il-membri tal-bord tad-diretturi, il-bord superviżorju, id-direttur maniġerjali tal-fornituri tas-servizzi bankarji u l-persuna fiżika intitolata li tiffirma l-isem tal-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollhom r-residenza permanenti tagħhom fiż-ŻEE. Mill-inqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE. Għas-servizzi ta' pagamenti, tista' tkun meħtieġa r-residenza jew id-domiċilju fil-FI.

Miżuri:

Il-FI: L-Att dwar il-Banek Kummerċjali u Istituzzjonijiet ta' Kreditu Oħrajn fil-Forma ta' Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata (*Laki liikepankeista ja muista osakeyhtiömuotoisista luottolaitoksista*) (1501/2001);

L-Att dwar il-Banek tat-Tfaddil (*Säästöpankkilaki*) (1502/2001);

L-Att dwar il-Banek Kooperattivi u Istituzzjonijiet ta' Kreditu Oħrajn fil-Forma ta' Bank Kooperattiv (*Laki osuuspankeista ja muista osuu skuntamuotoisista luottolaitoksista*) (1504/2001));

L-Att dwar il-Kumpaniji tal-Ipoteki (*Laki hypoteekkiyhdistyksistä*) (936/1978);

L-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Pagament (*Maksulaitoslaki*) (297/2010);

L-Att dwar l-Operat ta' Istituzzjoni ta' Pagament Barranija fil-Finlandja *(Laki ulkomaisen maksulaitoksen toiminnasta Suomessa*) (298/2010); u

L-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (*Laki luottolaitostoiminnasta*) ((121/2007).

Appendiċi VI-B

RIŻERVI GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI

LISTA TAL-MESSIKU

TAQSIMA A

VI-MX-A-1

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu (*Ley de Uniones de Crédito*), l-Artikolu 21.
	Il-Liġi Ġenerali tal-Organizzazzjonijiet tal-Kreditu u l-Attivitajiet Awżiljarji (*Ley General de Organizaciones y Actividades Auxiliares del Crédito*), l-Artikolu 87-D.

Deskrizzjoni:

Il-parteċipazzjoni minn persuna, kemm jekk diretta jew indiretta, fl-istokk kapitali ta' unjoni ta' kreditu jew entità finanzjarja regolata b'diversi skopijiet marbuta ma' unjoni ta' kreditu ma għandhiex taqbeż il-15 %, sakemm ma tkunx awtorizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali tal-Banek u t-Titoli (*Comisión Nacional Bancaria y de Valores*) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CNBV").

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, persuna barranija, inkluża kwalunkwe intrapriża barranija mingħajr personalità ġuridika, tista' tipparteċipa indirettament fl-istokk kapitali ta' unjoni ta' kreditu jew entità finanzjarja regolata b'diversi skopijiet marbuta ma' unjoni ta' kreditu sa 15 %, dment li l-ishma rispettivi tal-unjoni ta' kreditu jinxtraw minn intrapriża Messikana li fiha dik il-persuna barranija għandha parteċipazzjoni.

VI-MX-A-2

Settur:	Servizzi finanzjarji
Subsettur:	Is-Servizzi Kollha
Obbligi kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi li Tirregola l-Gruppi Finanzjarji (*Ley para Regular las Agrupaciones Financieras*), l-Artikoli 67, 68, 70, 72, 74 u 76.
	Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (*Ley de Instituciones de Crédito*), l-Artikoli 45-A, 45-B, 45-C, 45-E, 45-G u 45-I.
	Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (*Ley del Mercado de Valores*), l-Artikoli 2, 160, 161, 163, 165 u 167.

Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (*Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas*), l-Artikoli 2, 74, 75, 77, 78, 79 u 81.

Il-Liġi Ġenerali dwar l-Organizzazzjonijiet ta' Kreditu u l-Attivitajiet Awżiljarji (*Ley General de Organizaciones y Actividades Auxiliares del Crédito*), l-Artikoli 45 Bis 1, 45 Bis 2, 45 Bis 3, 45 Bis 5, 45 Bis 7 u 45 Bis 9.

Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment (*Ley de Fondos de Inversión*), l-Artikoli 62, 63, 64, 66, 68 u 70.

Il-Liġi dwar is-Sistemi ta' Tfaddil għall-Irtirar (*Ley de los Sistemas de Ahorro para el Retiro*), l-Artikolu 21.

Ir-Regoli għall-Istabbiliment ta' Sussidjarji ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji Barranin (*Reglas para el establecimiento de Filiales de Instituciones Financieras del Exterior*), l-Ewwel, it-Tmien u d-Disa' Regoli.

Deskrizzjoni:

Istituzzjoni finanzjarja ta' Stat Membru tista' tinvesti fl-istokk kapitali ta' kumpanija azzjonarja ta' grupp finanzjarju, bank kummerċjali, ditta tat-titoli, istituzzjoni ta' avall, istituzzjoni tal-assigurazzjoni, ditta tal-munita barranija, maħżen tad-depożiti ġenerali, kumpanija maniġerjali ta' fondi ta' investiment, kumpanija ta' distribuzzjoni ta' ishma ta' fondi ta' investiment, u kumpanija għall-immaniġġjar tal-fondi tal-irtirar, organizzata bħala sussidjarja Messikana (fergħa) ta' istituzzjoni finanzjarja barranija, dment li tali istituzzjoni finanzjarja ta' Stat Membru tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) twettaq direttament jew indirettament fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, f'konformità mal-liġi applikabbli, l-istess tip ta' servizz finanzjarju li s-sussidjarja rispettiva titħalla twettaq fil-Messiku;

(b) tkun inkorporata f'dak l-Istat Membru u skont il-liġi tiegħu dment li tali Stat Membru jibqa' Parti għal dan il-Ftehim; u

(c) tikseb awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet finanzjarji kompetenti tal-Messiku u tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi rispettiva.

Istituzzjoni finanzjarja ta' Stat Membru jrid ikollha tal-anqas 51 % tal-istokk kapitali tas-sussidjarja.

VI-MX-A-3

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Is-Servizzi Kollha
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi li Tirregola l-Gruppi Finanzjarji (*Ley para Regular las Agrupaciones Financieras*), l-Artikolu 67.
	Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (*Ley de Instituciones de Crédito*), l-Artikolu 45-A
	Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (*Ley del Mercado de Valores*), l-Artikolu 2.
	Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (*Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas*), l-Artikolu 2.

	Il-Liġi Ġenerali dwar l-Organizzazzjonijiet tal-Kreditu u l-Attivitajiet Awżiljarji (*Ley General de Organizaciones y Actividades Auxiliares del Crédito*), l-Artikolu 45 Bis 1.
	Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment (*Ley de Fondos de Inversión*), l-Artikolu 62.
	Il-Liġi dwar is-Sistemi ta' Tfaddil għall-Irtirar (*Ley de los Sistemas de Ahorro para el Retiro*), l-Artikolu 21.
	Ir-Regoli għall-Istabbiliment ta' Sussidjarji ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji Barranin (*Reglas para el establecimiento de Filiales de Instituciones Financieras del Exterior*), l-Ewwel Regola.

Deskrizzjoni:

L-istituzzjonijiet finanzjarji ta' Stat Membru, bħal kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja barranija oħra, ma humiex permessi jistabbilixxu fergħat fit-territorju tal-Messiku ([1]).

VI-MX-A-4

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Is-Servizzi Kollha
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi li Tirregola l-Gruppi Finanzjarji (*Ley para Regular las Agrupaciones Financieras*), l-Artikolu 24.
	Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (*Ley de Instituciones de Crédito*), l-Artikolu 13.
	Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (*Ley del Mercado de Valores*), l-Artikoli 117 u 237.
	Il-Liġi li Tirregola l-Korporazzjonijiet tal-Informazzjoni dwar il-Kreditu (*Ley para Regular las Sociedades de Información Crediticia*), l-Artikolu 8.
	Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (*Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas*), l-Artikolu 50.
	Il-Liġi dwar is-Sistemi ta' Tfaddil għall-Irtirar (*Ley de los Sistemas de Ahorro para el Retiro*), l-Artikolu 21.
	Il-Liġi Ġenerali tal-Organizzazzjonijiet tal-Kreditu u l-Attivitajiet Awżiljarji (*Ley General de Organizaciones y Actividades Auxiliares del Crédito*), l-Artikoli 8 u 87-D.
	Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment (*Ley de Fondos de Inversión*), l-Artikolu 37.
	Il-Liġi dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu (*Ley de Uniones de Crédito*), l-Artikolu 21.

([1]) Għal aktar ċertezza, din il-formulazzjoni ma għandhiex titqies li hija devjazzjoni mill-pożizzjoni tal-Messiku fi ftehimiet internazzjonali oħra li għalihom huwa parti.

Deskrizzjoni:

Gvernijiet barranin ma humiex permessi jipparteċipaw, direttament jew indirettament, fl-istokk kapitali ta' kumpaniji azzjonarji ta' gruppi finanzjarji, banek kummerċjali, ditti tat-titoli, boroż, korporazzjonijiet ta' informazzjoni dwar il-kreditu, istituzzjonijiet tal-avall, istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni, kumpaniji tal-immaniġġjar tal-fondi tal-irtirar, ditti tal-munita barranija, organizzazzjonijiet ta' kreditu awżiljarji, imħażen ta' depożitu ġenerali, kumpaniji maniġerjali ta' fondi ta' investiment, kumpaniji ta' distribuzzjoni ta' ishma ta' fondi ta' investiment, unjonijiet ta' kreditu u entitajiet finanzjarji regolati b'diversi skopijiet marbuta ma' istituzzjoni ta' kreditu ħlief:

(a) f'każijiet fejn il-parteċipazzjoni ssir bħala miżura prudenzjali temporanja, bħal appoġġ jew għajnuna finanzjarja; f'każ bħal dan, l-istituzzjonijiet finanzjarji kkonċernati jridu jissottomettu l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti lill-awtorità finanzjarja kompetenti biex jagħtu prova ta' dik is-sitwazzjoni;

(b) f'każijiet fejn dik il-parteċipazzjoni timplika li l-gvern barrani jieħu kontroll ([2]) fuq dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji u titwettaq permezz ta' intrapriżi uffiċjali bħal fondi sovrani u entitajiet tal-iżvilupp pubbliku, dment li tkun ingħatat awtorizzazzjoni minn qabel, fuq bażi diskrezzjonali, mill-awtorità finanzjarja kompetenti, suġġett għall-kundizzjoni li l-awtorità tkun sodisfatta li dawk l-intrapriżi jagħtu prova li:

(i) ma jeżerċitaw l-ebda funzjoni tal-gvern; u

(ii) il-bordijiet maniġerjali tagħhom huma indipendenti mill-gvern barrani rispettiv; jew

(c) f'każijiet fejn dik il-parteċipazzjoni tkun indiretta u ma timplikax il-kontroll tal-istituzzjonijiet finanzjarji.

VI-MX-A-5

Settur:

Subsettur:	Servizzi Finanzjarji
	Is-Servizzi Kollha
Obbligi Kkonċernati:	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (*Ley de Instituciones de Crédito*), l-Artikolu 23, 24, 45-K u 45-L.
	Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (*Ley del Mercado de Valores*), l-Artikoli 124, 128, 131 u 168.
	Il-Liġi li Tirregola l-Gruppi Finanzjarji (*Ley para Regular las Agrupaciones Financieras*), l-Artikoli 35, 60 u 77.
	Il-Liġi dwar it-Tfaddil u l-Kreditu Popolari (*Ley de Ahorro y Crédito Popular*), l-Artikoli 21, 23 u 46 Bis.
	Il-Liġi dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu (*Ley de Uniones de Crédito*), l-Artikolu 26.
	Il-Liġi Ġenerali dwar l-Organizzazzjonijiet ta' Kreditu u l-Attivitajiet Awżiljarji (*Ley General de Organizaciones y Actividades Auxiliares del Crédito*), l-Artikoli 8, 8 Bis 1, 8 Bis 3, 45 Bis 11, 45 Bis 12, 45 Bis 13 u 87-D.
	Il-Liġi li Tirregola l-Attivitajiet tal-Kumpaniji Kooperattivi tat-Tfaddil u tas-Self (*Ley para Regular las Actividades de las Sociedades Cooperativas de Ahorro y Préstamo*), l-Artikolu 5.

([2]) It-terminu "kontroll" għandu jinftiehem kif definit f'kull waħda mil-liġijiet indikati f'din il-miżura.

Il-Liġi Ġenerali dwar il-Kumpaniji Kooperattivi (*Ley General de Sociedades Cooperativas*), l-Artikolu 7.

Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (*Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas*), l-Artikoli 56, 58, 60 u 82.

Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment (*Ley de Fondos de Inversión*), l-Artikolu 73.

Il-Liġi dwar is-Sistemi ta' Tfaddil għall-Irtirar (*Ley de los Sistemas de Ahorro para el Retiro*), l-Artikoli 50 u 66 Bis.

Ir-Regoli għall-Istabbiliment ta' Sussidjarji ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji Barranin (*Reglas para el Establecimiento de Filiales de Instituciones Financieras del Exterior*), l-Għaxar Regola.

Ir-Regoli Applikabbli għall-Kmamar tal-Ikklirjar għall-Pagamenti bil-Kards (*Reglas Aplicables a las Cámaras de Compensación para Pagos con Tarjetas*), it-Tieni Regola.

Ir-Regoli Ġenerali Applikabbli għall-Entitajiet ta' Tfaddil u Kreditu Popolari, l-Organizzazzjonijiet ta' Integrazzjoni, il-Kumpaniji Finanzjarji Komunitarji u l-Organizzazzjonijiet ta' Integrazzjoni Finanzjarja Rurali, imsemmija fil-Liġi dwar it-Tfaddil u l-Kreditu Popolari (*Disposiciones de carácter general aplicables a las entidades de ahorro y crédito popular, organismos de integración, sociedades financieras comunitarias y organismos de integración financiera rural, a que se refiere la Ley de Ahorro y Crédito Popular*), l-Artikoli 335 u 336.

Deskrizzjoni:

Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi tal-banek kummerċjali, tad-ditti tat-titoli, tal-kumpaniji azzjonarji ta' gruppi finanzjarji, tal-kumpaniji finanzjarji popolari, tal-kumpaniji finanzjarji komunitarji u tal-organizzazzjonijiet tal-integrazzjoni finanzjarja rurali, tal-unjonijiet tal-kreditu, tal-imħażen tad-depożiti ġenerali, tal-entitajiet finanzjarji regolati b'diversi skopijiet marbuta ma' istituzzjoni ta' kreditu, ta' ditti tal-munita barranija, tal-istituzzjonijiet tal-avall, tal-istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni, tal-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-fondi tal-irtirar, tal-kumpaniji maniġerjali sussidjarji ta' fondi ta' investiment, tal-kumpaniji sussidjarji tad-distribuzzjoni ta' ishma ta' fondi ta' investiment u tal-kmamar tal-ikklirjar għall-pagamenti bil-kards, għandhom ikunu ċittadini tal-Messiku jew jirrisjedu fit-territorju Messikan.

Id-diretturi u l-maniġers ta' kumpaniji kooperattivi tat-tfaddil u tas-self għandhom ikunu ċittadini tal-Messiku.

VI-MX-A-6

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (*Ley del Mercado de Valores*), l-Artikolu 167.

Deskrizzjoni:

Jekk ditta tat-titoli organizzata bħala sussidjarja (fergħa) ta' istituzzjoni finanzjarja ta' Stat Membru takkwista ishma ta' ditta tat-titoli Messikana, li ma għandhomx ikunu anqas minn 51 % tal-istokk kapitali tagħha, dik is-sussidjarja trid tingħaqad mad-ditta tat-titoli.

VI-MX-A-7

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Obbligi Kkonċernati:	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar is-Sistemi ta' Tfaddil għall-Irtirar (*Ley de los Sistemas de Ahorro para el Retiro*), l-Artikolu 26.

Deskrizzjoni:

Il-kumpaniji maniġerjali tal-fondi tal-irtirar ma għandhomx ikollhom aktar minn sehem ta' 20 % mis-suq tas-sistemi ta' tfaddil tal-irtirar ([3]).

Il-Kummissjoni tas-Sistema Nazzjonali ta' Tfaddil għall-Irtirar (*Comisión Nacional del Sistema de Ahorro para el Retiro*) tista' tawtorizza limitu ta' aktar minn 20 %, sakemm dan ma jikkostitwixxix preġudizzju għall-interessi tal-ħaddiema.

VI-MX-A-8

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Obbligi Kkonċernati:	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (*Ley del Mercado de Valores*), l-Artikolu 234.

Deskrizzjoni:

L-organizzazzjoni ta' borża hija suġġetta għal konċessjoni mogħtija qabel, fuq bażi diskrezzjonali, mill-Gvern Federali. Id-deċiżjoni li tingħata dik il-konċessjoni għandha tkun suġġetta għal kunsiderazzjonijiet rigward l-iżvilupp tas-suq.

VI-MX-A-9

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi tal-Assigurazzjoni u Servizzi relatati mal-Assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (*Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas*), l-Artikoli 20 sa 24.

([3]) It-terminu "suq" jirreferi għall-ammont totali ta' kontijiet individwali tal-irtirar.

Deskrizzjoni:

L-ebda persuna ma għandha tikkuntratta ma' entitajiet barranin l-assigurazzjoni ta':

(a) bwieq ta' inġenji marittimi jew korpi ta' inġenji tal-ajru, u kwalunkwe tip ta' vettura, għal riskji inerenti għall-industriji marittimi u tat-trasport, dment li dawk il-bwieq, korpi u vetturi jkollhom reġistrazzjoni fil-Messiku jew ikunu proprjetà ta' persuni b'domiċilju fil-Messiku;

(b) kreditu, kreditu tad-djar, avall u garanzija finanzjarja ([4]), jekk l-assigurat ikun suġġett għal-liġi tal-Messiku;

(c) ir-responsabbiltà ta' parti terza derivata minn avvenimenti li jistgħu jseħħu fit-territorju tal-Messiku; jew

(d) riskji oħra li jistgħu jseħħu fit-territorju tal-Messiku, ħlief għal assigurazzjoni kuntrattata barra minn dak it-territorju fir-rigward ta' oġġetti ttrasportati mit-territorju tal-Messiku lejn territorju barrani jew viċi versa, u assigurazzjoni kuntrattata minn persuni mhux residenti fil-Messiku għall-persuni jew il-vetturi tagħhom biex ikopru r-riskji matul id-dħul temporanju tagħhom fit-territorju tal-Messiku.

Għal aktar ċertezza, l-ebda persuna ma għandha tikkuntratta ma' entitajiet ta' Stat Membru l-assigurazzjoni ta' persuni li jinsabu fit-territorju tal-Messiku fil-mument tal-eżekuzzjoni tal-ftehim ta' assigurazzjoni jekk dik il-persuna tkun persuna fiżika, jew li l-assigurat jirrisjedi fil-Messiku jekk l-assigurazzjoni tiġi kuntrattata minn intrapriża ([5]).

Bħala eċċezzjoni għall-projbizzjonijiet indikati hawn fuq, il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (*Comisión Nacional de Seguros y Fianzas*) tista' tawtorizza persuna tikkuntratta kwalunkwe waħda mill-assigurazzjonijiet deskritti hawn fuq sakemm il-persuna turi li l-ebda waħda mill-istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni awtorizzati li joperaw fil-Messiku ma tkun tista' tidħol f'operazzjoni tal-assigurazzjoni partikolari proposta lilha jew tqis li jkun konvenjenti li tagħmel dan.

VI-MX-A-10

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Obbligi Kkonċernati:	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (*Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas*), l-Artikoli 34 u 35.

Deskrizzjoni:

L-ebda persuna ma għandha tikkuntratta avall ma' entitajiet barranin biex tiggarantixxi atti ta' persuni fiżiċi u intrapriżi marbuta li jissodisfaw obbligi fit-territorju tal-Messiku, ħlief għar-riobbligazzjoni jew f'każ li dawk l-avalli jintlaqgħu mill-istituzzjonijiet Messikani ta' avall bħala kontrogaranzija ([6]).

Bħala eċċezzjoni għall-projbizzjonijiet indikati hawn fuq, il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (*Comisión Nacional de Seguros y Fianzas*) tista' tawtorizza persuna tikkuntratta kwalunkwe wieħed mill-avalli deskritti hawn fuq sakemm l-ebda waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji awtorizzati biex joperaw fil-Messiku ma tkun tista' twettaq operazzjoni ta' avall proposta lilha, jew tqis li jkun konvenjenti li tagħmel dan, wara verifika minn qabel li tkun ingħatat prova ta' dawk iċ-ċirkostanzi.

([4]) Il-projbizzjoni għall-assigurazzjoni ta' garanzija finanzjarja ma tapplikax jekk it-titoli jew id-dokumenti li huma s-suġġett tal-assigurazzjoni jipparteċipaw esklussivament fi swieq barranin.

([5]) Għal aktar ċertezza, din il-formulazzjoni ma għandhiex titqies li hija devjazzjoni mill-pożizzjoni tal-Messiku fi ftehimiet internazzjonali oħra li għalihom huwa parti.

([6]) Għal aktar ċertezza, din il-formulazzjoni ma għandhiex titqies li hija devjazzjoni mill-pożizzjoni tal-Messiku fi ftehimiet internazzjonali oħra li għalihom huwa parti.

VI-MX-A-11

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Kollha
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (*Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas*), l-Artikolu 337.
	Ir-Regolament tal-Aġenti tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (*Reglamento de Agentes de Seguros y de Fianzas*), l-Artikolu 12.
	Ir-Regoli għall-awtorizzazzjoni u l-operat tas-sensara tar-riassigurazzjoni (*Reglas para la autorización y operación de intermediarios de reaseguros*), ir-Raba' Regola.

Deskrizzjoni:

Gvernijiet barranin jew entitajiet uffiċjali barranin ma għandhomx jipparteċipaw direttament jew indirettament f'kumpaniji tal-assigurazzjoni mutwa, fl-istokk kapitali ta' aġenziji tal-assigurazzjoni u tal-avall, jew fl-istokk kapitali ta' sensara tar-riassigurazzjoni.

Entitajiet finanzjarji barranin ma jistgħux jipparteċipaw fl-istokk kapitali ta' aġenziji tal-assigurazzjoni jew tal-avall, jew f'kumpaniji tal-assigurazzjoni mutwa.

Gruppi ta' persuni fiżiċi jew intrapriżi barranin, irrispettivament mill-forma li jadottaw, ma jistgħux jipparteċipaw f'kumpaniji tal-assigurazzjoni mutwa, la direttament u lanqas indirettament. Għal aktar ċertezza, persuni fiżiċi barranin jistgħu jipparteċipaw f'kumpaniji tal-assigurazzjoni mutwa sakemm jagħmlu dan individwalment u mhux bħala parti minn grupp jew entità.

VI-MX-A-12

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
Livell ta' Gvern	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Assigurazzjoni Agrikola u Rurali (*Ley de Fondos de Aseguramiento Agropecuario y Rural*), l-Artikolu 26.

Deskrizzjoni:

Huma biss iċ-ċittadini tal-Messiku jew l-intrapriżi tal-Messiku bi klawżola ta' esklużjoni tal-barranin li jistgħu jipparteċipaw fil-Fondi tal-Assigurazzjoni Agrikola u Rurali (*Fondos de Aseguramiento Agropecuario y Rural*).

TAQSIMA B

VI-MX-B-1

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Is-Servizzi Kollha
Obbligi Kkonċernati:	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)
	Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali

Deskrizzjoni:

Jekk ibiegħ jew jiddisponi mill-interess ta' ekwità tiegħu f'intrapriża tal-Istat eżistenti jew f'entità governattiva eżistenti, jew mill-assi tagħha, il-Messiku jista' jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' dak l-interess jew ta' dawk l-assi, kif ukoll fuq il-kapaċità tas-sidien ta' dak l-interess jew ta' dawk l-assi li jikkontrollaw kwalunkwe intrapriża li tirriżulta, minn investituri tal-Messiku, ta' Stat Membru, jew ta' pajjiż terz, jew l-investimenti tagħhom.

Barra minn hekk, il-Messiku jista' jimponi limitazzjonijiet fuq il-provvista tas-servizzi relatati ma' dawk l-investimenti. Fir-rigward ta' dak il-bejgħ jew disponiment ieħor, il-Messiku jista' jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata man-nazzjonalità ta' persuni fiżiċi maħtura f'pożizzjonijiet maniġerjali superjuri ta' membri tal-bord tad-diretturi.

Għall-finijiet ta' din ir-riżerva:

(a) kwalunkwe miżura miżmuma jew adottata wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li, fi żmien il-bejgħ jew disponiment ieħor, tipprojbixxi jew timponi limitazzjoni fuq is-sjieda tal-interess azzjonarju jew tal-assi jew timponi rekwiżiti ta' nazzjonalità deskritti f'din ir-riżerva għandha titqies bħala miżura eżistenti; u

(b) "intrapriża tal-Istat" tfisser intrapriża proprjetà tal-Messiku, jew ikkontrollata permezz ta' interessi proprjetarji mill-Messiku u tinkludi intrapriża stabbilita wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim unikament għall-għanijiet ta' bejgħ jew disponiment ta' interessi ta' ekwità, jew tal-assi ta' intrapriża tal-Istat jew entità tal-gvern eżistenti.

VI-MX-B-2

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali

Deskrizzjoni:

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm miżuri li jagħtu vantaġġi, inklużi drittijiet esklussivi, lil banek tal-iżvilupp, entitajiet deċentralizzati jew fondi pubbliċi għall-iżvilupp ekonomiku diġà stabbiliti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kif ukoll kwalunkwe bank ġdid, riorganizzat jew bank għall-iżvilupp, entità deċentralizzata jew fond pubbliku ċessjonarju għall-iżvilupp ekonomiku b'funzjonijiet u objettivi simili għas-servizzi bankarji għall-iżvilupp.

L-istituzzjonijiet ta' servizzi bankarji għall-iżvilupp jinkludu:

(a) l-Istituzzjoni Finanzjarja Nazzjonali, S.N.C. (*Nacional Financiera*, S.N.C.);

(b) il-Bank Nazzjonali tax-Xogħlijiet u s-Servizzi pubbliċi, S.N.C. (*Banco Nacional de Obras y Servicios Públicos*, S.N.C.);

(c) il-Bank Nazzjonali għall-Kummerċ Barrani, S.N.C. (*Banco Nacional del Comercio Exterior*, S.N.C);

(d) il-Korporazzjoni Federali tal-Ipoteki, S.N.C.(*Sociedad Hipotecaria Federal*, S.N.C.);

(e) il-Bank Soċjali, S.N.C (*Banco del Bienestar*, S.N.C.);

(f) il-Bank Nazzjonali tal-Armata, il-Forza tal-Ajru u l-Forza Navali, S.N.C. (*Banco Nacional del Ejército, Fuerza Aérea y Armada*, S.N.C.); jew

(g) is-suċċessuri rispettivi tagħhom.

VI-MX-B-3

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Is-Servizzi Kollha
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali

Deskrizzjoni:

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm miżuri li jagħtu vantaġġi, inklużi drittijiet esklussivi, lill-istituzzjonijiet nazzjonali tal-assigurazzjoni, lill-istituzzjonijiet nazzjonali tal-avall, lil fond nazzjonali tal-pensjoni jew lill-organizzazzjonijiet awżiljarji nazzjonali ta' kreditu eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kif ukoll lil kwalunkwe istituzzjoni tal-assigurazzjoni nazzjonali, istituzzjoni nazzjonali tal-avall, fond nazzjonali tal-pensjoni jew organizzazzjoni nazzjonali awżiljarja ta' kreditu ġdida, riorganizzata jew ċessjonarja b'funzjonijiet u objettivi simili fir-rigward ta' finijiet ta' politika pubblika.

VI-MX-B-4

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Is-Servizzi Kollha
Obbligi Kkonċernati:	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
	Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali

Deskrizzjoni:

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' kwalunkwe servizz finanzjarju li huwa pprovdut minn investiment kopert kif definit fl-Artikolu 10.1 (Definizzjonijiet) li ma huwiex investiment kopert f'istituzzjoni finanzjarja kif definit fl-Artikolu 18.1 (Definizzjonijiet), sabiex jirregola dik l-entità bħala istituzzjoni finanzjarja.

VI-MX-B-5

Settur:	Servizzi Finanzjarji
Subsettur:	Is-Servizzi Kollha
Obbligi Kkonċernati:	Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali

Deskrizzjoni:

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jirrestrinġi jew jirrikjedi li istituzzjoni finanzjarja ta' Stat Membru tadotta tip speċifiku ta' forma ġuridika, li tipprovdi servizz finanzjarju, fuq bażi nondiskriminatorja.

ANNESS VII

FEHIM DWAR SERVIZZI ĠODDA MHUX KLASSIFIKATI FIL-KLASSIFIKAZZJONI ĊENTRALI PROVVIŻORJA TAL-PRODOTTI (CPC) TAN-NAZZJONIJIET UNITI, 1991

1. L-Artikoli 10.6 (Aċċess għas-Suq), 10.7 (Trattament Nazzjonali), 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), 10.9 (Rekwiżiti ta' Prestazzjoni), 10.10 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi), 11.4 (Aċċess għas-Suq), 11.5 (Preżenza Lokali), 11.6 (Trattament Nazzjonali) u 11.7 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), kif ukoll il-Kapitolu 13 (Regolament Domestiku), ma japplikawx għal miżura relatata ma' servizz ġdid li ma jistax jiġi kklassifikat fin-Nazzjonijiet Uniti, Dokumenti Statistiċi, Serje M, Nru 77, Klassifikazzjoni Ċentrali Provviżorja tal-Prodotti, 1991 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CPC").

2. Sa fejn ikun possibbli, Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra qabel ma tadotta miżura relatata ma' servizz ġdid, kif imsemmi fil-paragrafu 1, li tkun inkonsistenti mal-Artikolu 10.6 (Aċċess għas-Suq), 10.7 (Trattament Nazzjonali), 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), 10.9 (Rekwiżiti ta' Prestazzjoni), 10.10 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi), 11.4 (Aċċess għas-Suq), 11.5 (Preżenza Lokali), 11.6 (Trattament Nazzjonali) jew 11.7 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) jew mal-Kapitolu 13 (Regolament Domestiku).

3. Fuq talba ta' Parti, il-Partijiet għandhom jidħlu f'negozjati biex jinkorporaw is-servizz il-ġdid fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

4. Għal ċertezza akbar, il-paragrafu 1 ma japplikax għal servizz eżistenti li jista' jiġi kklassifikat fis-CPC, iżda li ma setax jiġi pprovdut qabel minħabba nuqqas ta' fattibbiltà teknika.

PROTOKOLL DWAR IL-PREVENZJONI TAL-KORRUZZJONI U L-ĠLIEDA KONTRIHA

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Objettivi

1. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni fil-kummerċ u l-investiment internazzjonali u jfakkru li l-korruzzjoni fil-kummerċ u l-investiment timmina l-governanza tajba u l-iżvilupp ekonomiku u tfixkel il-kundizzjonijiet kompetittivi internazzjonali.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-korruzzjoni tista' taffettwa l-kummerċ u l-investiment internazzjonali minħabba li tista' tikkomprommetti l-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq u tnaqqas l-impenji mmirati lejn il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi. Il-korruzzjoni li taffettwa l-kummerċ u l-investiment tista' taġixxi bħala ostaklu mhux tariffarju għall-investituri u l-intrapriżi li jfittxu li jipparteċipaw fil-kummerċ u l-investiment internazzjonali.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' uffiċjali pubbliċi u fis-settur privat li taffettwa l-kummerċ u l-investiment internazzjonali.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-korruzzjoni hija kwistjoni tranżnazzjonali marbuta ma' forom oħrajn ta' kriminalità tranżnazzjonali u ekonomika, inkluż il-ħasil tal-flus, u għandha tiġi indirizzata b'approċċ multidixxiplinari u b'kooperazzjoni mill-qrib fil-livell internazzjonali.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jibnu l-integrità u jtejbu t-trasparenza kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat u li kull settur għandu responsabbiltajiet komplementari f'dak ir-rigward.

6. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' inizjattivi reġjonali u multilaterali, inkluż fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti, tad-WTO, tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "OECD"), tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "FATF"), tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni fi kwistjonijiet li jaffettwaw il-kummerċ u l-investiment internazzjonali u jimpenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien sabiex jinkoraġġixxu u jappoġġaw inizjattivi xierqa.

7. Il-Partijiet itennu l-impenn kondiviż tagħhom skont l-Għan 16 tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li jnaqqsu sostanzjalment il-korruzzjoni u t-tixħim fil-forom kollha tagħhom.

8. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħidma importanti mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma tal-G20 dwar il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni u jaffermaw mill-ġdid l-appoġġ tagħhom għall-Prinċipji ta' Livell Għoli rilevanti miftiehma fil-G20.

9. L-objettiv ta' dan il-Protokoll huwa li jistabbilixxu qafas bilaterali ta' impenji għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni li taffettwa l-kummerċ u l-investiment internazzjonali fir-relazzjoni bejn il-Partijiet.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Protokoll japplika għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-ġlieda kontriha fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta mill-Parti III ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Relazzjoni ma' Ftehimiet Oħrajn

F'dan il-Protokoll ma hemm xejn li għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-31 ta' Ottubru 2003 fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York (minn hawn 'il quddiem imsejħa "UNCAC"), il-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixħim ta' Uffiċjali Pubbliċi Barranin fi Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali, magħmula f'Pariġi fil-21 ta' Novembru 1997, il-Konvenzjoni Inter-Amerikana Kontra l-Korruzzjoni, magħmula f'Caracas fid-29 ta' Marzu 1996, l-istrumenti legali rilevanti adottati mill-Kunsill tal-Ewropa, jew kwalunkwe strument legali internazzjonali rilevanti ieħor adottat minn kull Parti.

TAQSIMA B

Miżuri għall-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni

Artikolu 4

Tixħim Attiv u Passiv ta' Uffiċjali Pubbliċi

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda kontra t-tixħim attiv u passiv ta' uffiċjali pubbliċi li jaffettwa l-kummerċ u l-investiment internazzjonali. Għal dak il-għan, huma jaffermaw mill-ġdid b'mod partikolari l-impenji tagħhom skont l-Artikoli 15 u 16 tal-UNCAC sabiex jadottaw jew iżommu tali miżuri leġiżlattivi u oħrajn li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jistabbilixxu bħala reati kriminali t-tixħim attiv u passiv ta' uffiċjali pubbliċi u t-tixħim attiv ta' uffiċjali pubbliċi barranin u uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi, meta jitwettqu intenzjonalment, u jikkunsidraw li jadottaw tali miżuri leġiżlattivi u oħrajn li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jistabbilixxu bħala reati kriminali t-tixħim passiv ta' uffiċjali pubbliċi barranin u uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi, meta tali tixħim jitwettaq intenzjonalment.

Artikolu 5

Tixħim Attiv u Passiv fis-Settur Privat

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda kontra t-tixħim attiv u passiv fis-settur privat li jaffettwa l-kummerċ u l-investiment internazzjonali. Għal dak il-għan, huma jfakkru fil-ħtieġa li jikkonformaw mal-impenji tagħhom skont l-UNCAC u jaffermaw mill-ġdid b'mod partikolari l-impenji tagħhom skont l-Artikolu 21 tal-UNCAC li jikkunsidraw l-adozzjoni ta' tali miżuri leġiżlattivi u oħrajn li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jistabbilixxu bħala reati kriminali t-tixħim attiv u passiv fis-settur privat, meta tali tixħim jitwettaq intenzjonalment matul attivitajiet ekonomiċi, finanzjarji jew kummerċjali.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-pagamenti ta' faċilitazzjoni magħmula lill-uffiċjali pubbliċi jikkostitwixxu forma ta' tixħim, ifixklu l-isforzi sabiex tiġi miġġielda l-korruzzjoni u jinċentivaw it-tixħim f'pajjiżi barranin. Għal dak il-għan, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 12 tal-UNCAC li ma jippermettux it-tnaqqis tat-taxxa tal-ispejjeż li jikkostitwixxu tixħim u, fejn xieraq, spejjeż oħrajn imġarrba sabiex tissokta l-imġiba korrotta.

Artikolu 6

Korruzzjoni u Ħasil tal-Flus

Il-Partijiet, filwaqt li jirrikonoxxu l-interkonnessjoni bejn il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont l-Artikolu 23 tal-UNCAC.

Artikolu 7

Responsabbiltà ta' Persuni Ġuridiċi

Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi u l-iżgurar ta' sanzjonijiet kriminali jew mhux kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi huma meħtieġa sabiex tiġi avvanzata l-ġlieda globali kontra l-korruzzjoni fil-kummerċ u l-investiment internazzjonali. Għal dak il-għan, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont l-Artikolu 26 tal-UNCAC u jfakkru fl-appoġġ tagħhom għall-Prinċipji ta' Livell Għoli tal-G20 dwar ir-Responsabbiltà tal-Persuni Ġuridiċi għall-Korruzzjoni.

TAQSIMA C

Miżuri għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fis-Settur Privat

Artikolu 8

Imġiba Responsabbli fin-Negozju

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' miżuri preventivi u ta' mġiba responsabbli fin-negozju, inklużi obbligi ta' rapportar finanzjarju u mhux finanzjarju u prattiki ta' responsabbiltà soċjali korporattiva sabiex tiġi evitata l-korruzzjoni; u r-rwol tal-kummerċ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jitqiesu l-ħtiġijiet u r-restrizzjonijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (minn hawn 'il quddiem imsejħa "SMEs") f'termini tal-obbligi ta' rapportar.

3. Il-Partijiet ifakkru fl-appoġġ tagħhom għal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali dwar l-Imġiba Responsabbli fin-Negozju b'rabta mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Artikolu 9

Rapportar Finanzjarju u Mhux Finanzjarju

1. F'konformità mal-impenji tagħhom skont l-UNCAC u f'konformità mal-prinċipji fundamentali tal-liġi tagħhom, il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jissaħħu l-istandards tal-kontabilità u tal-awditjar fis-settur privat bħala mezz sabiex tiġi evitata l-korruzzjoni, u jirrikonoxxu b'mod partikolari li l-miżuri li ġejjin, fost l-oħrajn, jistgħu jilħqu dak l-objettiv:

(a) l-iżgurar li l-intrapriżi privati, filwaqt li jitqiesu l-istruttura u d-daqs tagħhom, u b'mod partikolari l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs, jimplimentaw miżuri sabiex jassistu fil-prevenzjoni u l-iskoperta ta' atti ta' korruzzjoni, li jistgħu jinkludu konformità ma' kodiċi ta' governanza korporattiva, funzjoni ta' awditjar intern jew kontrolli interni suffiċjenti; u

(b) l-iżgurar li l-kontijiet u r-rapporti finanzjarji meħtieġa ta' dawk l-intrapriżi privati jkunu soġġetti għal proċeduri xierqa ta' awditjar u ċertifikazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom iħeġġu lill-intrapriżi, il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni elenkati jirrapportaw dwar il-miżuri li jkunu ħadu sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni. Il-Partijiet għandhom jieħdu tali miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' tali rapporti.

3. Il-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura li tista' tkun meħtieġa, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħhom, dwar id-divulgazzjoni tar-rapporti finanzjarji u ż-żamma tal-istandards ta' kontabilità u awditjar.

4. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tikkunsidra li tadotta jew iżżomm miżuri li jirrikjedu li l-awdituri esterni jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti kwalunkwe att suspettat rigward ir-reati speċifikati fl-Artikoli 4, 5 u 6. Jekk dak ir-rapportar ikun meħtieġ, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-awdituri esterni li jagħmlu dawk ir-rapporti għal raġunijiet raġonevoli u *in bona fide*, huma protetti minn azzjoni legali rigward il-ksur ta' kwalunkwe restrizzjoni kuntrattwali jew legali fuq id-divulgazzjoni tal-informazzjoni.

Artikolu 10

Trasparenza fis-Settur Privat

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-trasparenza tista' tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni fil-qasam tal-kummerċ u l-investiment internazzjonali u, għal dak il-għan, ifakkru l-impenji tagħhom skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 12 tal-UNCAC. B'mod partikolari, il-miżuri li ġejjin jistgħu jilħqu l-objettiv li jiżguraw trasparenza akbar fis-settur privat involut f'attivitajiet kummerċjali relatati mal-kummerċ u l-investiment skont il-Parti III ta' dan il-Ftehim:

(a) il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' standards u proċeduri mfassla sabiex jissalvagwardjaw l-integrità tal-entitajiet privati rilevanti, inklużi kodiċijiet ta' kondotta għat-twettiq korrett, etiku u xieraq tal-attivitajiet tan-negozju u tal-professjonijiet rilevanti kollha u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess, u għall-promozzjoni tal-użu ta' prattiki kummerċjali tajbin fost in-negozji u fir-relazzjonijiet kuntrattwali tan-negozji mal-Istat;

(b) il-prevenzjoni tal-użu ħażin tal-proċeduri li jirregolaw l-entitajiet privati, inklużi l-proċeduri li jirrigwardjaw is-sussidji u l-liċenzji mogħtija mill-awtoritajiet pubbliċi għal attivitajiet kummerċjali; u

(c) il-promozzjoni ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess billi jiġu imposti restrizzjonijiet, kif xieraq u għal perjodu ta' żmien raġonevoli, fuq l-attivitajiet professjonali ta' eks uffiċjali pubbliċi jew fuq l-impjieg ta' uffiċjali pubbliċi mis-settur privat wara r-riżenja jew l-irtirar tagħhom, jekk tali attivitajiet jew impjieg ikunu relatati direttament mal-funzjonijiet miżmuma jew issorveljati minn dawk l-uffiċjali pubbliċi matul il-mandat tagħhom.

Artikolu 11

Miżuri għall-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus

1. Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-impatt potenzjali ta' dan fuq il-kummerċ u l-investiment internazzjonali, il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jadottaw jew iżommu reġim regolatorju u superviżorju domestiku komprensiv għall-istituzzjonijiet finanzjarji u n-negozji u l-professjonijiet mhux finanzjarji nnominati (minn hawn 'il quddiem imsejħa "DNFBPs"), f'konformità mal-impenji eżistenti skont l-UNCAC u r-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet 24 u 25 tal-FATF dwar it-Trasparenza u s-sjieda benefiċjarja ta' persuni ġuridiċi u dwar it-Trasparenza u s-sjieda benefiċjarja ta' arranġamenti legali, u l-Prinċipji ta' Livell Għoli tal-G20 dwar it-Trasparenza ta' Sjieda Benefiċjarja.

2. F'konformità mal-impenji tal-UNCAC, mar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF u mal-Prinċipji ta' Livell Għoli tal-G20 imsemmija fil-paragrafu 1, il-Partijiet għandhom jadottaw jew iżommu miżuri li:

(a) jiżguraw li l-liġijiet domestiċi tagħhom jinkludu definizzjoni ta' "sid benefiċjarju" li tkopri l-persuna fiżika li fl-aħħar mill-aħħar tippossjedi jew tikkontrolla klijent jew il-persuna fiżika li f'isimha tkun qiegħda titwettaq tranżazzjoni, inklużi wkoll dawk il-persuni fiżiċi li jeżerċitaw kontroll effettiv aħħari fuq persuna ġuridika jew arranġament;

(b) jiżguraw li l-persuni ġuridiċi inkorporati fit-territorju tagħhom ikunu meħtieġa jiksbu u jżommu informazzjoni adegwata, akkurata u attwali dwar is-sjieda benefiċjarja tagħhom;

(c) jiżguraw li t-trustees ta' trusts espressi jew ta' arranġamenti legali oħrajn bi struttura jew b'funzjoni simili għat-trusts espressi jżommu informazzjoni adegwata, akkurata u attwali dwar is-sjieda benefiċjarja tagħhom, inkluż ta' settlors, kwalunkwe protettur, trustees u benefiċjarji jew klassi ta' benefiċjarji, u kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll effettiv aħħari fuq it-trust;

(d) jirrikjedu li l-istituzzjonijiet finanzjarji u d-DNFBPs, mifhuma li huma dawk definiti mir-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF, jidentifikaw il-klijent u jivverifikaw l-identità ta' dak il-klijent, kif ukoll jidentifikaw is-sid benefiċjarju u jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jivverifikaw l-identità tas-sid benefiċjarju, sabiex l-istituzzjoni finanzjarja jew id-DNFBP tkunu sodisfatta li tkun taf min huwa s-sid benefiċjarju;

(e) jistabbilixxu mekkaniżmi maħsuba sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kif definiti mil-liġi tal-Partijiet ikollhom aċċess għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja fil-ħin;

(f) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jipparteċipaw fi skambji ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja mal-kontropartijiet internazzjonali b'mod f'waqtu u effettiv;

(g) jirrikjedu li l-istituzzjonijiet finanzjarji u d-DNFBPs iwettqu diliġenza dovuta msaħħa b'mod partikolari b'rabta ma' persuni politikament esposti, li huma mifhuma li huma individwi li għandhom jew li kellhom funzjonijiet pubbliċi prominenti fit-territorju ta' kwalunkwe Parti jew fuq livell internazzjonali, kif ukoll il-membri tal-familja tagħhom u l-kumpaniji assoċjati mill-qrib; u

(h) jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ superviżjoni effettiva tal-obbligi msemmija hawn fuq, inkluż permezz tal-istabbiliment u l-infurzar ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-utilità li jistabbilixxu reġistri sabiex jipprovdu, fil-ħin, informazzjoni akkurata u aġġornata dwar is-sjieda benefiċjarja għal persuni ġuridiċi u arranġamenti legali, sabiex jiffaċilitaw il-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontrihom.

TAQSIMA D

Miżuri għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fis-Settur Pubbliku

Artikolu 12

Kondotta tal-Uffiċjali Pubbliċi

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-appoġġ tagħhom għall-Prinċipji ta' Livell Għoli tal-G20 dwar id-Divulgazzjoni tal-Assi mill-Uffiċjali Pubbliċi adottati fis-Summit tal-Mexxejja tal-G20 f'Los Cabos fit-18 u d-19 ta' Ġunju 2012, kif ukoll għall-Prinċipji ta' Kondotta għall-Uffiċjali Pubbliċi għall-Messiku tal-Kooperazzjoni Ekonomika Asja-Paċifiku, adottati fl-14-il laqgħa tal-Mexxejja Ekonomiċi f'Hanoi fl-2006, u, għall-Unjoni Ewropea, ir-Rakkomandazzjoni dwar il-kodiċijiet ta' kondotta għall-uffiċjali pubbliċi adottata mill-Kunsill tal-Ewropa fil-11 ta' Mejju 2000.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom fl-Artikolu 8 tal-UNCAC, inklużi l-applikazzjoni ta' kodiċijiet jew standards ta' kondotta għall-uffiċjali pubbliċi, l-iffaċilitar tar-rapportar mill-uffiċjali pubbliċi ta' atti ta' korruzzjoni lill-awtoritajiet xierqa, il-ħtieġa li l-uffiċjali pubbliċi jagħmlu dikjarazzjonijiet lill-awtoritajiet xierqa rigward kunflitti ta' interess potenzjali, u t-teħid ta' miżuri li jipprevedu miżuri dixxiplinari jew miżuri oħrajn kontra uffiċjali pubbliċi li jiksru tali kodiċijiet jew standards.

Artikolu 13

Trasparenza fl-Amministrazzjoni Pubblika

1. Il-Partijiet jenfasizzaw l-importanza tat-trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni relatata mal-kummerċ u l-investiment internazzjonali u għandhom jippromwovu t-trasparenza f'konformità ma' dispożizzjonijiet speċifiċi u orizzontali fil-Parti III ta' dan il-Ftehim, inklużi b'mod partikolari dispożizzjonijiet dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, l-akkwist pubbliku, ir-regolamentazzjoni domestika u t-trasparenza.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 13 tal-UNCAC sabiex jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-korpi kontra l-korruzzjoni tagħhom ikunu magħrufa mill-pubbliku, u sabiex jipprovdu aċċess lil dawk il-korpi, jekk xieraq, għar-rapportar ta' kwalunkwe inċident rilevanti.

Artikolu 14

Parteċipazzjoni tas-Soċjetà Ċivili

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni fil-kummerċ u l-investiment internazzjonali u l-ġlieda kontriha, kif ukoll il-ħtieġa li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku rigward l-eżistenza, il-kawżi u l-gravità tal-korruzzjoni u t-theddida li ġġib magħha. Għal dak il-għan, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 13 tal-UNCAC, b'mod partikolari dwar it-teħid ta' miżuri xierqa sabiex jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva ta' individwi u gruppi barra mis-settur pubbliku, bħas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità.

Artikolu 15

Protezzjoni tal-Informaturi

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 8 tal-UNCAC li jikkunsidraw li jistabbilixxu miżuri u sistemi sabiex jiffaċilitaw ir-rapportar mill-uffiċjali pubbliċi ta' atti ta' korruzzjoni lill-awtoritajiet xierqa, meta huma jiġu nnotifikati b'tali atti fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid ukoll l-impenn tagħhom skont l-Artikolu 33 tal-UNCAC li jikkunsidraw li jistabbilixxu miżuri xierqa sabiex jipprovdu protezzjoni kontra kwalunkwe trattament mhux ġustifikat għal kwalunkwe informatur.

TAQSIMA E

Soluzzjoni ta' Tilwim

Artikolu 16

Kamp ta' applikazzjoni

1. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jirrikorru esklussivament għall-proċeduri msemmija fl-Artikoli 17 sa 21.

2. Il-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-proċeduri rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwim tal-istrumenti internazzjonali msemmija f'dan il-Protokoll.

3. Kull Parti żżomm id-dritt li tinforza l-liġijiet rispettivi tagħha kontra l-korruzzjoni permezz tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tal-prosekuzzjoni u ġudizzjarji tagħha, f'konformità mal-prinċipji fundamentali tal-liġi tagħha.

Artikolu 17

Konsultazzjonijiet

1. Parti tista' titlob li jsiru konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra bil-għan li tinstab soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku. Għandhom isiru konsultazzjonijiet fi ħdan is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment stabbilit bil-paragrafu 8 tal-Artikolu 1.4 (Sottokumitati u Korpi Oħra) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Parti li titlob li jsiru konsultazzjonijiet għandha tagħti talba bil-miktub lill-Parti l-oħra li tistabbilixxi r-raġunijiet għat-talba tagħha, inkluża deskrizzjoni tal-kwistjoni kkonċernata u l-mod li bih il-miżura tal-Parti l-oħra taffettwa b'mod negattiv il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet. Il-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet fil-pront wara l-wasla tat-talba għal konsultazzjonijiet u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data tal-wasla tat-talba. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom kollha sabiex isibu soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku għall-kwistjoni permezz ta' dawk il-konsultazzjonijiet.

3. Kull Parti tista', jekk ikun xieraq, tfittex il-parir tal-gruppi konsultattivi domestiċi msemmija fl-Artikolu 1.7 (Gruppi Konsultattivi Domestiċi) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim.

4. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura l-parteċipazzjoni tal-persunal tal-awtoritajiet tal-gvern kompetenti tagħha b'responsabbiltà fuq il-kwistjoni soġġetta għall-konsultazzjonijiet.

5. Kwalunkwe soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku għandha tkun disponibbli għall-pubbliku, soġġetta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

Artikolu 18

Assistenza mill-Esperti

1. Parti tista' titlob bil-miktub lill-Parti l-oħra l-assistenza ta' grupp ta' esperti jekk il-konsultazzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 17 ikunu ġew konklużi u ma tkun instabet l-ebda soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku fi żmien 90 jum wara t-talba għall-konsultazzjonijiet. Fit-talba tagħha għall-assistenza ta' grupp ta' esperti, il-Parti għandha tiddeskrivi l-kwistjoni kkonċernata u l-mod li bih il-miżura tal-Parti l-oħra taffettwa ħażin il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

2. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, il-grupp ta' esperti għandu jkun magħmul minn tliet esperti. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bil-għan li jaqblu dwar l-esperti li se jkunu parti mill-grupp ta' esperti fi żmien 10 ijiem wara d-data tal-wasla tat-talba bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, kull Parti għandha taħtar espert, li jista' jkun ċittadin ta' dik il-Parti, u tipproponi lill-Parti l-oħra sa tliet kandidati sabiex iservu bħala president. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqblu dwar il-president minn fost il-kandidati għall-president. Parti tista' toġġezzjona għal espert maħtur mill-Parti l-oħra, jekk hija tqis li l-individwu ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 20. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Partijiet huma mħeġġa jagħżlu l-esperti mil-lista msemmija fl-Artikolu 19.

3. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu fuq il-grupp ta' esperti fil-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 2, għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 19.

4. Il-grupp ta' esperti għandu jwettaq il-proċeduri f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet miftiehma mill-Partijiet. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi dwar ir-regoli ta' proċedura li għandhom japplikaw għall-proċeduri taħt din it-Taqsima.

Artikolu 19

Lista ta' Esperti

Is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment għandu, fl-ewwel laqgħa tiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' mill-anqas disa' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala esperti. Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti: sublista waħda għal kull Parti u sublista waħda ta' individwi li ma humiex ċittadini ta' xi Parti sabiex iservu bħala president. Kull Parti għandha tipproponi mill-anqas tliet individwi għas-sublista tagħha. Il-Partijiet għandhom jagħżlu wkoll mill-anqas tliet individwi għal-lista ta' presidenti. Is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment għandu jiżgura li l-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala esperti tinżamm aġġornata u li n-numru ta' esperti jinżamm mhux anqas minn disa' individwi.

Artikolu 20

Kwalifiki tal-Esperti

L-esperti għandu jkollhom għarfien espert fil-liġi jew fil-prattika tal-kwistjonijiet koperti taħt dan il-Protokoll jew fis-soluzzjoni ta' tilwim li jinħoloq taħt ftehimiet internazzjonali. Huma għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jieħdu struzzjonijiet mingħand l-ebda organizzazzjoni jew gvern fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati man-nuqqas ta' qbil, jew ikunu affiljati mal-gvern ta' kwalunkwe Parti, u għandhom jikkonformaw mal-Anness 31-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Bord u l-Medjaturi).

Artikolu 21

Opinjoni tal-Esperti

1. Il-grupp ta' esperti għandu jikkonsulta mal-Partijiet, b'mod konġunt jew individwalment, kif xieraq, bil-għan li jgħinhom isibu soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku.

2. Fi kwistjonijiet relatati mal-ftehimiet internazzjonali, mar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF jew mal-Prinċipji ta' Livell Għoli tal-G20 imsemmija f'dan il-Protokoll, l-esperti jistgħu, kif rilevanti u wara notifika lill-Partijiet, ifittxu informazzjoni jew parir mill-organizzazzjonijiet jew il-korpi rilevanti.

3. Jekk ma tinstab l-ebda soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku permezz ta' konsultazzjonijiet mal-grupp ta' esperti fi żmien 90 jum wara l-kompożizzjoni tal-grupp ta' esperti, kwalunkwe Parti tista' titlob lill-grupp ta' esperti sabiex joħroġ opinjoni b'soluzzjoni proposta.

4. Il-grupp ta' esperti għandu joħroġ l-opinjoni tiegħu fi żmien 90 jum wara t-talba msemmija fil-paragrafu 3, filwaqt li jistabbilixxi s-sejbiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti u l-motiv bażiku wara s-soluzzjoni proposta ([1]). Kull Parti għandha tagħmel l-opinjoni disponibbli għall-pubbliku minnufih wara s-sottomissjoni tagħha mill-grupp ta' esperti, soġġetta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

5. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu l-miżuri xierqa li għandhom jiġu implimentati sabiex isolvu l-kwistjonijiet ikkonċernati, filwaqt li jqisu l-opinjoni tal-grupp ta' esperti, bil-għan li tinstab soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku. Il-Parti li timplimenta l-miżuri għandha tinforma lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe miżura li tkun implimentat jew li hija tipprevedi li timplimenta, jew bl-azzjonijiet li tkun ħadet jew li hija tipprevedi li tieħu sabiex issolvi l-kwistjonijiet ikkonċernati, mhux aktar tard minn 3 xhur wara li tkun inħarġet l-opinjoni. Il-Partijiet għandhom, kif xieraq, ifittxu parir dwar l-implimentazzjoni ta' tali miżuri mill-gruppi konsultattivi domestiċi.

6. Is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment għandu jissorvelja s-segwitu għall-opinjoni tal-grupp ta' esperti u s-soluzzjoni proposta fih. Il-gruppi konsultattivi domestiċi jistgħu jissottomettu osservazzjonijiet lis-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment f'dak ir-rigward.

Artikolu 22

Rieżami

1. Għall-finijiet tat-tisħiħ tal-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jiddiskutu, permezz tal-laqgħat tas-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment, l-operat tad-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni tat-tilwim u tal-arranġamenti istituzzjonali stabbiliti fit-Taqsimiet E u F, inkluż rieżami possibbli tal-effettività tagħhom, filwaqt li jqisu, fost affarijiet oħrajn, l-esperjenza miksuba permezz tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-iżviluppi ta' politika f'kull Parti, l-iżviluppi fil-ftehimiet internazzjonali u l-fehmiet ippreżentati mill-partijiet ikkonċernati.

2. Is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment jista' jirrakkomanda lill-Kumitat Konġunt modifiki għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Protokoll li jkunu jirriflettu l-eżitu tad-diskussjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, li għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' emenda stabbilita fl-Artikolu 2.4 (Emendi) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim.

([1]) L-opinjonijiet u s-soluzzjonijiet tal-grupp ta' esperti ma għandhom joħolqu l-ebda dritt jew obbligu għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

TAQSIMA F

Arranġamenti Istituzzjonali

Artikolu 23

Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment

1. Is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment stabbilit bl-Artikolu 1.4 (Sottokumitati u Korpi Oħra) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim għandu jinkludi rappreżentanti ta' kull Parti, b'responsabbiltà fi kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-ġlieda kontriha, filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati fi kwalunkwe sessjoni partikolari.

2. Is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment għandu jiltaqa' fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, u minn hemm 'il quddiem kif miftiehem b'mod reċiproku mill-Partijiet.

3. Il-funzjonijiet tas-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment huma li:

(a) jiffaċilita u jissorvelja l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Protokoll u jiddiskuti kwalunkwe diffikultà li tista' tinħoloq fl-implimentazzjoni tiegħu;

(b) jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Protokoll, kif ukoll jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi f'fora mhux governattivi, reġjonali u multilaterali dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Protokoll;

(c) jidentifika jew jiddiskuti inizjattivi dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Protokoll li jibbenefikaw minn kooperazzjoni bilaterali akbar; u

(d) jidentifika jew jiddiskuti titjib possibbli għal dan il-Protokoll.

4. Kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt sabiex jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Partijiet fuq kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tiegħu. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin minnufih dwar kwalunkwe tibdil f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IL-KUMMERĊ U L-UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI MILL-UNJONI EWROPEA U L-MESSIKU FIL-QAFAS TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA STRATEĠIKA POLITIKA, EKONOMIKA U TA' KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA WAĦDA, U L-ISTATI UNITI TAL-MESSIKU, MIN-NAĦA L-OĦRA

Il-Partijiet,

Filwaqt LI JFAKKRU fil-valuri komuni tagħhom u fir-rabtiet kulturali, politiċi, ekonomiċi u ta' kooperazzjoni b'saħħithom li jgħaqqduhom,

Filwaqt LI JFAKKRU fl-impenn tagħhom li jimmodernizzaw u jissostitwixxu l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, (il-"Ftehim Globali"), konkluż fl-2000, biex jirrifletti realtajiet politiċi u ekonomiċi ġodda,

Filwaqt li JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet bilaterali, reġjonali u globali ta' thassib komuni,

Filwaqt li KONVINTI li l-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim Globali Modernizzat") u l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Messiku, se jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ Partijiet u jkomplu jsaħħu l-irbit tagħhom,

Filwaqt li JESPRIMU l-intenzjoni konġunta tagħhom li jikkooperaw dwar l-implimentazzjoni tal-aspetti tas-sostenibbilità tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat iggwidati mill-konsiderazzjonijiet espressi f'li ġej fir-rigward tal-kummerċ u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-politiki kummerċjali inklużivi jikkontribwixxu għall-avvanz tal-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa u għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 5 tal-Aġenda 2030 tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u l-objettivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ u t-Tisħiħ tal-Għoti tas-Setgħa Ekonomika tan-Nisa fl-Okkażjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO li saret fi Buenos Aires f'Diċembru 2017. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kontribut importanti tan-nisa għat-tkabbir ekonomiku permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attività ekonomika, inkluż il-kummerċ internazzjonali. Il-partijiet jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat b'mod li jippromwovi u jsaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

2. Il-partijiet għandhom l-għan li jsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u l-kooperazzjoni tagħhom b'modi li effettivament jipprovdu opportunitajiet u trattament ugwali għan-nisa u l-irġiel biex jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat, inkluż fi kwistjonijiet ta' impjiegi u okkupazzjoni, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħhom.

3. Kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv l-obbligi tagħha skont ftehimiet internazzjonali li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa li għalihom hija parti, inkluża l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1979, filwaqt li tinnota b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja ekonomika u fil-qasam tal-impjiegi. F'dak ir-rigward, il-Partijiet itennu l-impenji rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 26.3 (Standards u Ftehimiet Multilaterali tax-Xogħol) tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjonijiet tal-ILO relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u l-okkupazzjoni.

4. Kull Parti għandha tistinka biex tiżgura li l-liġi u l-politiki rilevanti tagħha jipprevedu, u jippromwovu, drittijiet, trattament u opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex ittejjeb tali liġi u politiki, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti li tistabbilixxi l-ambitu u l-livelli ta' protezzjoni tagħha stess għal opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel. Tali liġi u politiki għandhom ikunu konsistenti mal-impenji ta' kull Parti għal standards u ftehimiet rikonoxxuti internazzjonalment imsemmija f'din id-Dikjarazzjoni Konġunta.

5. Il-partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bilateralment, reġjonalment u f'fora internazzjonali, kif xieraq, pereżempju permezz ta' attivitajiet biex jittejbu l-kapaċità u l-kundizzjonijiet għan-nisa, inklużi l-ħaddiema, in-negozjanti nisa u l-intraprendituri, biex jaċċessaw u jibbenefikaw mill-opportunitajiet maħluqa mill-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat. Tali kooperazzjoni tista' tkopri, fost affarijiet oħrajn, l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki relatati mal-ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru u l-analiżi abbażi tal-ġeneru tal-politiki kummerċjali.

6. Il-Partijiet jaqblu dwar l-importanza tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni, f'konformità mal-proċeduri domestiċi tagħhom, tal-impatt tal-implimentazzjoni tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għan-nisa b'rabta mal-kummerċ.

7. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandu jkollhom rikors esklużiv għall-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim imsemmijin fl-Artikoli 26.17 (Konsultazzjonijiet) u 26.18 (Panel ta' Esperti) tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat, *mutatis mutandis*.